2024/1759

30.7.2024

Ftehim Qafas Avvanzat bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċilì, min-naħa l-oħra

PREAMBOLU

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENJU TAN-NETHERLANDS,

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TAL-IŻVEZJA,

Il-Partijiet Kontraenti għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Istati Membri",

u

L-UNJONI EWROPEA,

min-naħa,

u

R-REPUBBLIKA TAĊ-ĊILÌ, minn hawn 'il quddiem imsejħa "iċ-Ċilì",

min-naħa l-oħra,

minn hawn 'il quddiem imsejħa flimkien "il-Partijiet",

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW ir-rabtiet kulturali, politiċi, ekonomiċi u ta' kooperazzjoni qawwija li jgħaqqduhom,

FILWAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID l-impenn tagħhom għall-prinċipji demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, l-istat tad-dritt u l-governanza tajba, u għall-kisba ta' żvilupp sostenibbli u l-indirizzar tat-tibdil fil-klima, li jikkostitwixxu l-bażi għas-sħubija u l-kooperazzjoni tagħhom,

FILWAQT LI JIKKONDIVIDU l-fehma li l-proliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva u tal-mezzi tat-twassil tagħhom, kemm lil atturi statali kif ukoll lil oħrajn li ma humiex, tirrappreżenta waħda mill-aktar theddidiet serji għall-paċi u għas-sigurtà internazzjonali,

FILWAQT LI HUMA KONXJI tal-kontribut sinifikanti għat-tisħiħ ta' dawk ir-rabtiet magħmula mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċilì, min-naħa l-oħra, iffirmat fi Brussell fit-18 ta' Novembru 2002 ("il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni"),

FILWAQT LI JENFASIZZAW in-natura komprensiva tar-relazzjoni tagħhom u l-importanza li jiġi pprovdut qafas koerenti għall-promozzjoni ulterjuri tagħha,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW l-impenn tagħhom li jimmodernizzaw il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni eżistenti biex jirriflettu realtajiet politiċi u ekonomiċi ġodda u l-avvanzi li saru fis-sħubija tagħhom,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-importanza ta' sistema multilaterali b'saħħitha u effettiva, ibbażata fuq id-dritt internazzjonali, fil-preservazzjoni tal-paċi, fil-prevenzjoni tal-kunflitti u fit-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali u fl-indirizzar ta' sfidi komuni,

FILWAQT LI JAFFERMAW l-impenn tagħhom li jsaħħu l-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet bilaterali, reġjonali u globali ta' tħassib komuni u li jużaw l-għodod kollha disponibbli biex jippromwovu attivitajiet imfassla biex jiżviluppaw kooperazzjoni internazzjonali attiva u reċiproka,

FilwAQT LI JILQGĦU l-adozzjoni u jitolbu l-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015–2030, adottat fit-Tielet Konferenza Dinjija tan-NU f'Sendai fit-18 ta' Marzu 2015, l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa tat-Tielet Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp, adottata f'Addis Ababa fit-13 sas-16 ta' Lulju 2015, ir-Riżoluzzjoni 70/1 adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti ("Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti") fil-25 ta' Settembru 2015, li fiha d-dokument tal-eżitu "Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u s-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli" ("Aġenda 2030"), il-Ftehim ta' Pariġi fl-ambitu tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, li sar f'Pariġi fit-12 ta' Diċembru 2015 ("Ftehim ta' Pariġi"), l-Aġenda Urbana Ġdida, adottata matul il-Konferenza tan-NU dwar l-Akkomodazzjoni u l-Iżvilupp Urban Sostenibbli (Habitat III) fi Quito fl-20 ta' Ottubru 2016 ("Aġenda Urbana Ġdida") u l-Impenji tas-Summit Umanitarju Dinji, adottati fis-Summit Umanitarju Dinji f'Istanbul fit-23 u fl-24 ta' Mejju 2016,

FILWAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID l-impenn tagħhom li jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tiegħu, l-impenn tagħhom għall-iżvilupp tal-kummerċ internazzjonali b'mod li jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli f'dawk it-tliet dimensjonijiet, li huma rikonoxxuti bħala interkonnessi sew u jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku, u l-impenn tagħhom li jippromwovu l-kisba tal-objettivi tal-Aġenda 2030,

FILWAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID l-impenn tagħhom li jespandu u li jiddiversifikaw ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom f'konformità mal-Ftehim ta' Marrakesh li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, magħmul f'Marrakesh fil-15 ta' April 1994, u l-objettivi u d-dispożizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fil-Parti III ta' dan il-Ftehim,

FILWAQT li JIXTIEQU jsaħħu r-relazzjonijiet ekonomiċi tagħhom, b'mod partikolari r-relazzjonijiet kummerċjali u ta' investiment tagħhom, billi jsaħħu u jtejbu l-aċċess għas-suq, u jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku, filwaqt li jibqgħu konxji mill-ħtieġa li titqajjem sensibilizzazzjoni dwar l-impatt ekonomiku u soċjali tad-danni ambjentali, ix-xejriet mhux sostenibbli tal-produzzjoni u l-konsum u l-impatt assoċjat tagħhom fuq il-benesseri tal-bniedem,

FILWAQT LI HUMA KONVINTI li dan il-Ftehim se joħloq klima li twassal għat-tkabbir fir-relazzjonijiet ekonomiċi sostenibbli bejniethom, b'mod partikolari fis-setturi tal-kummerċ u tal-investiment, li huma essenzjali għar-realizzazzjoni tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali, tal-innovazzjoni teknoloġika u tal-immodernizzazzjoni,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim jipproteġu l-investimenti u lill-investituri, u huma maħsuba sabiex jistimolaw attività ta' negozju ta' benefiċċju reċiproku, mingħajr ma jimminaw id-dritt tal-Partijiet li jirregolaw fl-interess pubbliku fit-territorji tagħhom,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU r-relazzjoni mill-qrib bejn l-innovazzjoni u l-kummerċ, kif ukoll ir-rilevanza tal-innovazzjoni għat-tkabbir ekonomiku u l-iżvilupp soċjali, u filwaqt li jaffermaw ukoll l-interess tagħhom li jippromwovu livelli ogħla ta' kooperazzjoni dwar l-innovazzjoni, ir-riċerka, ix-xjenza, it-teknoloġija, it-trasport u oqsma relatati oħrajn kif ukoll li jippromwovu l-parteċipazzjoni tas-setturi pubbliċi u privati,

FILWAQT LI JAFFERMAW l-impenn tagħhom li jsaħħu l-kooperazzjoni fl-oqsma tal-ġustizzja, tal-libertà u tas-sigurtà,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-benefiċċji reċiproċi ta' kooperazzjoni msaħħa fl-oqsma tal-edukazzjoni, tal-kwistjonijiet ambjentali, tal-kultura, tar-riċerka u tal-innovazzjoni, tal-impjiegi u tal-affarijiet soċjali, tas-saħħa u oqsma oħrajn ta' interess komuni,

FILWAQT LI JESPRIMU d-determinazzjoni tagħhom li jkomplu jsaħħu r-relazzjoni tagħhom permezz ta' ftehimiet ġodda ta' kooperazzjoni, kif ukoll id-determinazzjoni tagħhom li din il-kooperazzjoni titwettaq għall-benefiċċju ta' pajjiżi terzi, kif inkorporata fil-Memorandum ta' Qbil għall-Kooperazzjoni Internazzjonali ffirmat mill-Partijiet fl-2015, u bil-parteċipazzjoni kontinwa taċ-Ċilì fil-programmi reġjonali tal-Unjoni Ewropea,

FILWAQT LI JFAKKRU fl-importanza tad-diversi ftehimiet iffirmati mill-Unjoni Ewropea u miċ-Ċilì, li rawmu d-djalogu politiku u l-kooperazzjoni fl-oqsma settorjali tar-relazzjoni bejn il-Partijiet, u żiedu l-kummerċ u l-investiment,

FILWAQT LI JINNOTAW li fil-każ li l-Partijiet jiddeċiedu, fil-qafas ta' dan il-Ftehim, li jidħlu fi ftehimiet speċifiċi fil-qasam tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja li jistgħu jiġu konklużi mill-Unjoni Ewropea skont it-Titolu V tal-Parti Tlieta tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"), id-dispożizzjonijiet ta' dawn il-ftehimiet speċifiċi futuri ma jkunux jorbtu lill-Irlanda sakemm l-Unjoni Ewropea, simultanjament mal-Irlanda fir-rigward tar-relazzjonijiet bilaterali preċedenti tagħha, ma tinnotifikax liċ-Ċilì li l-Irlanda ntrabtet b'dawn il-ftehimiet speċifiċi futuri bħala parti mill-Unjoni Ewropea f'konformità mal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tal-Irlanda fir-rigward tal-qasam tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE") u mat-TFUE. Bl-istess mod, kwalunkwe miżura interna sussegwenti tal-Unjoni Ewropea li tiġi adottata skont it-Titolu V tal-Parti Tlieta tat-TFUE għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim ma torbotx lill-Irlanda, sakemm l-Irlanda ma tkunx innotifikat ix-xewqa tagħha li tieħu sehem f'dawn il-miżuri jew li taċċettahom f'konformità mal-Protokoll Nru 21. Filwaqt li jinnotaw ukoll li, dawn il-ftehimiet speċifiċi futuri jew miżuri interni sussegwenti tal-Unjoni Ewropea jkunu jaqgħu fl-ambitu tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-TUE u mat-TFUE,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

PARTI I

PRINĊIPJI U OBJETTIVI ĠENERALI

KAPITOLU 1

OBJETTIVI , PRINĊIPJI ĠENERALI U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1.1

Objettivi ta' dan il-Ftehim

L-objettivi ta' dan il-Ftehim huma li:

(a) jafferma mill-ġdid l-assoċjazzjoni bejn il-Partijiet ibbażata fuq sħubija msaħħa, djalogu politiku msaħħaħ u kooperazzjoni mtejba dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku, inkluża l-innovazzjoni fl-oqsma applikabbli kollha;

(b) irawwem aktar kummerċ u investiment bejn il-Partijiet billi jespandi u jiddiversifika r-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom, li għandhom jikkontribwixxu għal tkabbir ekonomiku ogħla u għal kwalità tal-ħajja mtejba; u

(c) isaħħaħ ir-relazzjoni ta' kooperazzjoni eżistenti bejn il-Partijiet, inkluża l-kooperazzjoni internazzjonali għall-iżvilupp sostenibbli u t-trawwim ta' ħidma konġunta, bil-għan li jsir kontribut għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030.

Artikolu 1.2

Prinċipji ġenerali

1. Il-Partijiet jikkonfermaw l-appoġġ qawwi tagħhom għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

2. Ir-rispett għall-prinċipji demokratiċi u għad-drittijiet tal-bniedem u għal-libertajiet fundamentali, kif stabbiliti fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, adottati mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fl-10 ta' Diċembru 1948, u fi strumenti internazzjonali rilevanti oħrajn tad-drittijiet tal-bniedem li l-Partijiet huma parti għalihom u għall-prinċipju tal-istat tad-dritt u l-governanza tajba, li huma l-bażi tal-politiki interni u internazzjonali taż-żewġ Partijiet, jikkostitwixxi element essenzjali ta' dan il-Ftehim.

3. Il-Partijiet jikkondividu l-fehma li l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva u tal-mezzi tat-twassil tagħhom kemm lil atturi statali kif ukoll lil atturi mhux statali tippreżenta theddida kbira għall-paċi u għas-sigurtà internazzjonali.

4. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom għall-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet kollha tiegħu, waqt li jikkontribwixxu għall-kisba tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli maqbulin fuq livell internazzjonali, inkluż għall-kooperazzjoni sabiex jiġu indirizzati l-isfidi ambjentali globali.

5. Il-Partijiet jikkonfermaw l-impenn tagħhom għall-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u għall-għoti tas-setgħa lin-nisa u lill-bniet.

6. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-appoġġ tagħhom għad-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni, adottata fit-13 ta' Settembru 2007, u l-impenji tagħhom li jirrispettaw id-diversità kulturali u jipproteġu d-drittijiet tal-popli indiġeni.

7. Il-Partijiet għandhom jimplimentaw dan il-Ftehim fuq il-bażi ta' valuri kondiviżi inklużi l-prinċipji ta' djalogu, ta' rispett reċiproku, ta' sħubija ugwali, ta' multilateraliżmu, ta' kunsens u ta' rispett għad-dritt internazzjonali.

Artikolu 1.3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim:

(a) "Ftehim ta' Assoċjazzjoni" tfisser il-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċilì, min-naħa l-oħra, iffirmat fi Brussell fit-18 ta' Novembru 2002;

(b) "Ftehim Kummerċjali Interim" tfisser il-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċilì, iffirmati fi Brussell fl-13 ta' Diċembru 2023;

(c) "pajjiż terz" tfisser pajjiż jew territorju barra mill-kamp ta' applikazzjoni territorjali ta' dan il-Ftehim kif stabbilit fl-*Artikolu* 41.2; u

(d) "Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati" tfisser il-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati, magħmula fi Vjenna fit-23 ta' Mejju 1969.

PARTI II

DJALOGU POLITIKU U KOOPERAZZJONI

KAPITOLU 2

ID-DJALOGU POLITIKU, IL-POLITIKA BARRANIJA, IL-PAĊI U S-SIGURTÀ INTERNAZZJONALI, IL-GOVERNANZA U D-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM

Artikolu 2.1

Djalogu politiku

1. Il-Partijiet għandhom isaħħu d-djalogu politiku u l-kooperazzjoni tagħhom fil-livelli kollha permezz ta' skambji u konsultazzjonijiet dwar kwistjonijiet bilaterali, reġjonali, internazzjonali u multilaterali bil-għan li jikkonsolidaw is-sħubija msaħħa tagħhom.

2. Id-djalogu politiku għandu jkollu l-għan li:

(a) jippromwovi l-iżvilupp ta' relazzjonijiet bilaterali u jsaħħaħ is-sħubija tal-Partijiet;

(b) isaħħaħ il-kooperazzjoni dwar sfidi u kwistjonijiet reġjonali u globali;

(c) isaħħaħ il-kapaċitajiet istituzzjonali tal-Partijiet, inklużi l-modernizzazzjoni tal-Istat, id-deċentralizzazzjoni u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni interistituzzjonali.

3. Id-djalogu politiku bejn il-Partijiet jista' jsir fil-forom li ġejjin, kif miftiehem reċiprokament:

(a) konsultazzjonijiet, laqgħat u żjarat fil-livell ta' summits;

(b) konsultazzjonijiet, laqgħat u żjarat fil-livell ministerjali;

(c) laqgħat regolari ta' uffiċjali għoljin, inkluż djalogu politiku ta' livell għoli;

(d) djalogi settorjali, inkluż permezz tal-iskambju ta' missjonijiet u esperti dwar kwistjonijiet ta' interess komuni;

(e) skambji ta' delegazzjonijiet u kuntatti oħrajn bejn il-Kungress Nazzjonali taċ-Ċilì u l-Parlament Ewropew.

Artikolu 2.2

Ġlieda kontra l-proliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva

1. Il-Partijiet jikkunsidraw li l-proliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva ("AQM") u tal-mezzi tat-twassil tagħhom, kemm lil atturi statali kif ukoll lil oħrajn li ma humiex, tirrappreżenta waħda mill-aktar theddidiet serji għall-istabbiltà u għas-sigurtà internazzjonali. Għalhekk, il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw u jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra l-proliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva u tal-mezzi tat-twassil tagħhom permezz ta' konformità sħiħa mal-obbligi eżistenti tagħhom skont it-trattati u l-ftehimiet dwar id-diżarm internazzjonali u n-nonproliferazzjoni u obbligi internazzjonali oħrajn li huma rilevanti u permezz tal-implimentazzjoni nazzjonali tagħhom. Il-Partijiet jaqblu li dan il-paragrafu jikkostitwixxi element essenzjali ta' dan il-Ftehim.

2. Il-Partijiet jiftiehmu wkoll li jikkooperaw u jikkontribwixxu sabiex jiġġieldu kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva u l-mezzi tat-twassil tagħhom billi:

(a) jieħdu passi sabiex jiffirmaw, jirratifikaw jew jaderixxu ma', kif xieraq, u jimplimentaw b'mod sħiħ, l-istrumenti internazzjonali l-oħrajn kollha li huma rilevanti;

(b) jistabbilixxu sistema effettiva ta' kontrolli nazzjonali tal-esportazzjoni, filwaqt li jikkontrollaw l-esportazzjoni kif ukoll it-tranżitu ta' oġġetti li huma relatati mal-AQM, inklużi l-kontroll tal-użu aħħari fuq it-teknoloġiji b'użu doppju u sanzjonijiet effettivi għall-ksur tal-kontrolli tal-esportazzjoni.

Artikolu 2.3

Id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u l-governanza tajba

1. Il-Partijiet għandhom irawmu djalogu regolari, sinifikanti u bbażat fuq firxa wiesgħa dwar id-drittijiet tal-bniedem.

2. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż fir-rigward tar-ratifika u tal-implimentazzjoni ta' strumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, u dwar it-tisħiħ tal-prinċipji demokratiċi u l-istat tad-dritt, il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fil-forom kollha tagħha u fuq kull bażi.

3. Din il-kooperazzjoni tista' tinkludi:

(a) l-appoġġ għall-iżvilupp u għall-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem;

(b) il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż permezz tal-edukazzjoni u l-media;

(c) it-tisħiħ tal-istituzzjonijiet nazzjonali u reġjonali relatati mad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u l-governanza tajba;

(d) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-korpi tat-trattat dwar id-drittijiet tal-bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti u l-proċeduri speċjali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem skont il-prinċipji ġenerali tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem;

(e) it-tisħiħ tal-koordinazzjoni u tal-kooperazzjoni fi ħdan l-istituzzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti relatati mad-drittijiet tal-bniedem u mal-fora reġjonali u multilaterali rilevanti;

(f) it-tisħiħ tal-kapaċità nazzjonali, reġjonali u deċentralizzata biex jiġu applikati prinċipji u prattiki demokratiċi, inkluża l-promozzjoni ta' proċessi elettorali konsistenti mal-istandards demokratiċi internazzjonali;

(g) it-tisħiħ ta' governanza tajba, indipendenti u trasparenti fil-livelli lokali, nazzjonali, reġjonali u globali, il-promozzjoni tar-responsabbiltà u tat-trasparenza tal-istituzzjonijiet u l-appoġġ għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u għall-involviment tas-soċjetà ċivili;

(h) il-kollaborazzjoni u l-koordinazzjoni, fejn xieraq, inkluż f'pajjiżi terzi, biex jissaħħu l-prinċipji demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, li jinkludu l-eżistenza ta' sistema ġudizzjarja indipendenti, l-ugwaljanza quddiem il-liġi, l-aċċess tan-nies għal appoġġ pubbliku legali effettiv, u d-dritt għal proċess ġust, proċess xieraq u aċċess għall-ġustizzja;

(i) it-trawwim tal-universalità tat-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-inkoraġġiment lil partijiet terzi sabiex jimplimentaw l-obbligi tagħhom f'dan il-qasam;

(j) il-ħidma biex tiġi żgurata r-responsabbiltà għall-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u biex jiġi żgurat l-aċċess għal rimedju għall-vittmi ta' dawn il-ksur u abbużi.

Artikolu 2.4

L-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-emanċipazzjoni tan-nisa u tal-bniet

1. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem kollha min-nisa u l-bniet kollha u l-emanċipazzjoni tagħhom. Huma jirrikonoxxu l-ħtieġa tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-emanċipazzjoni tan-nisa u tal-bniet bħala għan fih innifsu, kif ukoll bħala xprunatur għad-demokrazija, għall-iżvilupp sostenibbli u inklużiv, għall-paċi u għas-sigurtà. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw l-aħjar prattiki u jesploraw skemi ulterjuri ta' kooperazzjoni u sinerġiji potenzjali bejn inizjattivi rispettivi bħal politiki u programmi, f'konformità mal-istandards u l-impenji internazzjonali bħall-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW), adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fit-18 ta' Diċembru 1979, ir-rakkomandazzjonijiet ġenerali magħmula mill-Kumitat tan-NU dwar l-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni kontra n-Nisa, id-Dikjarazzjoni ta' Beijing u l-Pjattaforma ta' Azzjoni, adottati fir-Raba' Konferenza Dinjija tan-Nisa, li saret f'Beijing mill-4 sal-15 ta' Settembru 1995, il-Programm ta' Azzjoni, adottat fil-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp, li saret fil-Kajr mill-5 sat-13 ta' Settembru 1994 u l-eżitu tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom, ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 1325 ("UNSCR 1325 (2000)") tal-Aġenda 2030 u r-riżoluzzjonijiet sussegwenti tagħha dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà u ftehimiet internazzjonali oħrajn li jindirizzaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u tal-bniet li għalihom huma parti.

2. Din il-kooperazzjoni tista' tinkludi:

(a) il-kooperazzjoni biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli kollha, b'mod partikolari l-Għan 5 u l-miri tiegħu;

(b) il-promozzjoni, il-protezzjoni u l-issodisfar tad-drittijiet kollha tal-bniedem tan-nisa u tal-bniet kollha; il-prevenzjoni, il-ġlieda kontra u l-prosekuzzjoni tal-forom kollha ta' vjolenza, diskriminazzjoni u fastidju kontra n-nisa u l-bniet kemm fl-oqsma pubbliċi kif ukoll f'dawk privati u l-promozzjoni attiva tad-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u tal-bniet f'konformità mal-qafas internazzjonali rilevanti;

(c) il-promozzjoni attiva tal-integrazzjoni sistematika tal-perspettiva tal-ġeneru; it-tisħiħ tad-djalogu u tal-kooperazzjoni dwar il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni, id-djalogu soċjali, il-protezzjoni u l-inklużjoni, l-aġenda tax-xogħol deċenti u l-politika tal-impjieg;

(d) l-appoġġ għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni nazzjonali dwar il-UNSCR 1325 (2000), kif ukoll l-implimentazzjoni tal-aġenda dwar in-Nisa tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Paċi u s-Sigurtà li tikkonsisti fil-UNSCR 1325 (2000) u r-riżoluzzjonijiet sussegwenti tagħha;

(e) il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni u t-tmexxija politika tan-nisa, kif ukoll l-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità, emanċipazzjoni u tmexxija ekonomika, u ż-żieda fil-parteċipazzjoni tagħhom fl-oqsma kollha tal-ħajja, inklużi fl-isferi politiċi, soċjali, ekonomiċi u kulturali;

(f) it-tisħiħ tal-istituzzjonijiet nazzjonali u reġjonali permezz ta' miżuri speċifiċi sabiex jindirizzaw u jittrattaw kwistjonijiet relatati mal-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet, inklużi l-prevenzjoni u l-protezzjoni mill-forom kollha ta' vjolenza u fastidju sesswali u dawk ibbażati fuq il-ġeneru, permezz ta' mekkaniżmi ta' investigazzjoni u ta' akkontabilità, l-għoti ta' kura u appoġġ lill-vittmi u l-promozzjoni tal-kundizzjonijiet tas-sikurezza u tas-sigurtà għan-nisa u għall-bniet;

(g) l-iżgurar b'mod effettiv li d-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u tal-bniet jiġu promossi, rispettati u protetti, filwaqt li jiġi miġġieled kwalunkwe tip ta' diskriminazzjoni u vjolenza kontrihom, inkluża l-vjolenza mmirata lejn id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem tan-nisa, filwaqt li jiġi żgurat l-aċċess għall-ġustizzja u jittieħdu l-passi meħtieġa biex tintemm l-impunità;

(h) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-korpi rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn;

(i) il-promozzjoni attiva tal-analiżi tal-ġeneru u l-integrazzjoni sistematika tal-perspettiva tal-ġeneru fil-kwistjonijiet kollha relatati mal-paċi u mas-sigurtà, filwaqt li jiġu żgurati t-tmexxija u l-parteċipazzjoni sinifikattiva tan-nisa fil-proċessi tal-paċi, fl-isforzi ta' medjazzjoni, fir-riżoluzzjoni tal-konflitti u fil-konsolidament tal-paċi kif ukoll fil-missjonijiet u fl-operazzjonijiet ċivili u militari.

Artikolu 2.5

Is-sigurtà internazzjonali u ċ-ċiberspazju

Il-Partijiet se jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom u l-iskambju ta' fehmiet fil-qasam taċ-ċibersigurtà u fir-rigward tal-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni ("ICT") fil-kuntest tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali, inkluż dwar in-normi, il-prinċipji ta' mġiba responsabbli tal-Istati, l-aderenza mad-dritt internazzjonali eżistenti fiċ-ċiberspazju, l-iżvilupp ta' miżuri ta' bini ta' fiduċja u l-bini tal-kapaċitajiet.

Artikolu 2.6

Il-ġlieda kontra t-terroriżmu

1. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-importanza tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u għandhom jikkooperaw fil-prevenzjoni u t-trażżin ta' atti ta' terroriżmu f'konformità mad-dritt internazzjonali u l-leġiżlazzjoni rispettiva tagħhom u l-istat tad-dritt. Għandhom jagħmlu dan, b'mod partikolari:

(a) fil-qafas tal-implimentazzjoni sħiħa tar-riżoluzzjonijiet rilevanti kollha tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, tal-konvenzjonijiet u tal-istrumenti internazzjonali;

(b) billi jippromwovu l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri tan-NU sabiex jimplimentaw b'mod effettiv l-Istrateġija Globali Kontra t-Terroriżmu tan-NU, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fit-8 ta' Settembru 2006;

(c) billi jiskambjaw l-aħjar prattiki fil-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni li twassal għall-estremiżmu vjolenti u għall-ġlieda kontra t-terroriżmu;

(d) billi jiskambjaw informazzjoni dwar gruppi terroristiċi u n-networks ta' appoġġ tagħhom, skont id-dritt nazzjonali u internazzjonali, u jappoġġaw, meta jkun fattibbli, inizjattivi reġjonali għall-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet tal-bniedem, id-dritt għall-privatezza u l-istat tad-dritt.

Artikolu 2.7

Sigurtà taċ-ċittadini

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw dwar is-sigurtà taċ-ċittadini. Huma jirrikonoxxu li s-sigurtà taċ-ċittadini tmur lil hinn mill-fruntieri nazzjonali u reġjonali u tirrikjedi djalogu u kooperazzjoni usa' kemm b'dimensjoni reġjonali kif ukoll b'dimensjoni bireġjonali.

Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-traffikar tad-droga fit-tisħiħ tas-sigurtà taċ-ċittadini. Huma jimpenjaw ruħhom li jappoġġaw djalogi u kooperazzjoni bireġjonali dwar is-sigurtà taċ-ċittadini.

2. Il-Partijiet jistgħu jiskambjaw l-esperjenzi u l-aħjar prattiki bbażati fuq l-evidenza dwar it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' politiki relatati mal-prevenzjoni tal-vjolenza u l-kriminalità, kif ukoll dwar sistemi għall-kejl u l-evalwazzjoni tal-vjolenza, tal-kriminalità u tan-nuqqas ta' sigurtà.

Il-Partijiet jistgħu jiskambjaw l-aħjar prattiki bbażati fuq l-evidenza rigward il-protezzjoni tal-vittmi ta' reati fil-kuntest tas-sigurtà taċ-ċittadini.

3. Fir-rigward tal-prevenzjoni, il-Partijiet jistgħu jrawmu politiki pubbliċi mmirati lejn il-prevenzjoni tal-vjolenza, b'enfasi speċjali fuq iż-żgħażagħ u l-ġeneru.

4. Il-Partijiet jistgħu jiskambjaw esperjenzi u l-aħjar prattiki f'oqsma bħall-promozzjoni ta' kultura li trawwem il-paċi u n-nuqqas ta' vjolenza, l-osservanza tal-liġi, ir-riabilitazzjoni, ir-riintegrazzjoni fis-soċjetà, il-ġustizzja ta' rimedju. L-istandards u n-normi internazzjonali għandhom jiġu riflessi fil-liġi tal-Partijiet li jirregolaw is-sistemi penitenzjarji rispettivi.

Artikolu 2.8

Armi ħfief u ta' kalibru żgħir u armi konvenzjonali oħrajn

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-manifattura, it-trasferiment u ċ-ċirkolazzjoni illeċiti ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir u armi konvenzjonali oħrajn, inkluż il-munizzjon tagħhom, u l-akkumulazzjoni eċċessiva, il-ġestjoni ħażina u l-firxa mhux ikkontrollata kif ukoll il-ħażniet mhux assigurati sewwa tagħhom, ikomplu joħolqu theddida serja għall-paċi u għas-sigurtà internazzjonali.

2. Il-Partijiet jaqblu li jimplimentaw l-obbligi rispettivi tagħhom li jittrattaw il-kummerċ illeċitu ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir u armi konvenzjonali oħrajn, inkluż il-munizzjon tagħhom, fl-ambitu ta' ftehimiet internazzjonali eżistenti, il-Protokoll tan-NU kontra l-Manifattura Illeċita u t-Traffikar tal-Armi tan-Nar, Il-Partijiet u l-Komponenti u l-Munizzjon tagħhom, adottat bir-Riżoluzzjoni tan-NU 55/255 tal-31 ta' Mejju 2001, u r-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, kif ukoll l-impenji tagħhom fil-qafas ta' strumenti internazzjonali oħrajn applikabbli f'dan il-qasam, bħall-Programm ta' Azzjoni tan-NU għall-Prevenzjoni, il-Ġlieda Kontra u l-Qerda tal-Kummerċ Illeċitu tal-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir fl-Aspetti Kollha Tiegħu, adottat fl-20 ta' Lulju 2001.

3. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza ta' sistemi ta' kontroll domestiku għat-trasferiment ta' armi konvenzjonali f'konformità ma' standards u regolamenti internazzjonali eżistenti. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li japplikaw dawn il-kontrolli b'mod responsabbli, bħala kontribut għall-paċi, għas-sigurtà u għall-istabbiltà internazzjonali u reġjonali, u għat-tnaqqis tat-tbatija tal-bnedmin, kif ukoll għall-prevenzjoni tad-diverżjoni ta' armi konvenzjonali.

4. F'dan ir-rigward, il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jimplimentaw bis-sħiħ it-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi, adottat fi New York fit-2 ta' April 2013 u li jikkooperaw ma' xulxin fil-qafas ta' dak it-Trattat, inkluż fil-promozzjoni tal-universalità u l-implimentazzjoni sħiħa ta' dak it-Trattat mill-Istati Membri kollha tan-NU.

5. Għalhekk, il-Partijiet jieħdu impenn li jikkooperaw u jiżguraw il-koordinazzjoni, il-kumplimentarjetà u s-sinerġija fl-isforzi tagħhom sabiex jirregolaw jew itejbu r-regolamentazzjoni tal-kummerċ internazzjonali ta' armi konvenzjonali u sabiex jiġi pprevenut, miġġieled u jinqered il-kummerċ illeċitu ta' armi.

Artikolu 2.9

Qorti Kriminali Internazzjonali

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-aktar reati serji ta' tħassib għall-komunità internazzjonali ma għandhomx ma jkunux ikkastigati u għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jiżguraw li dawk ir-reati jiġu investigati u jitħarrku b'mod effettiv billi jieħdu miżuri fil-livell nazzjonali u billi jsaħħu l-kooperazzjoni internazzjonali, inkluż mal-Qorti Kriminali Internazzjonali ("QKI").

2. Il-Partijiet għandhom jippromwovu r-ratifika universali jew l-adeżjoni mal-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali ("l-Istatut"), u għandhom jaħdmu lejn l-implimentazzjoni domestika effettiva tal-Istatut mill-Istati partijiet għall-Istatut. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw, kif xieraq, l-aħjar prattiki dwar l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni rispettiva tagħhom u għandhom jieħdu miżuri sabiex jissalvagwardjaw l-integrità tal-Istatut.

Artikolu 2.10

Il-kooperazzjoni fil-ġestjoni internazzjonali tal-kriżijiet

1. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li jikkooperaw fil-promozzjoni tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali, inkluża l-kooperazzjoni bil-ħsieb tal-iżvilupp ta' fokus fuq il-ġeneru fil-qasam tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali.

2. Il-Partijiet għandhom jikkoordinaw attivitajiet ta' ġestjoni tal-kriżijiet, inkluża l-kooperazzjoni f'operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-kriżijiet.

3. Il-Partijiet għandhom jaħdmu biex jimplimentaw il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċilì li jistabbilixxi qafas għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika taċ-Ċilì f'operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għall-ġestjoni tal-kriżijiet, iffirmat fi Brussell fit-30 ta' Jannar 2014.

KAPITOLU 3

ĠUSTIZZJA, LIBERTÀ U SIGURTÀ

Artikolu 3.1

Il-kooperazzjoni ġudizzjarja

1. Il-Partijiet għandhom itejbu l-kooperazzjoni eżistenti dwar l-assistenza legali reċiproka u l-estradizzjoni fuq il-bażi tal-ftehimiet internazzjonali rilevanti. Il-Partijiet għandhom isaħħu l-mekkaniżmi eżistenti u, kif xieraq, jikkunsidraw l-iżvilupp ta' mekkaniżmi ġodda sabiex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni internazzjonali f'dan il-qasam. Din il-kooperazzjoni għandha tinkludi, fejn xieraq, l-adeżjoni mal-istrumenti internazzjonali rilevanti u l-implimentazzjoni tagħhom, u kooperazzjoni aktar mill-qrib ma' networks ta' kooperazzjoni legali internazzjonali rilevanti oħrajn.

2. Il-Partijiet għandhom jiżviluppaw kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, b'mod partikolari fir-rigward tan-negozjar, tar-ratifika u tal-implimentazzjoni tal-konvenzjonijiet multilaterali dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja ċivili, inklużi l-konvenzjonijiet tal-Konferenza ta' The Hague dwar id-Dritt Internazzjonali Privat fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-litigazzjoni internazzjonali kif ukoll tal-protezzjoni tat-tfal.

3. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw biex jippromwovu l-użu ta' mezzi elettroniċi għat-trażmissjoni ta' dokumenti, kif xieraq, kif ukoll standards għoljin ta' protezzjoni tad-*data* personali, għall-finijiet ta' kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali.

Artikolu 3.2

Problema dinjija tad-droga

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex jiżguraw approċċ integrat, ibbilanċjat u bbażat fuq l-evidenza dwar kwistjonijiet ta' droga bl-għan li:

(a) jimplimentaw inizjattivi għat-tnaqqis tad-domanda u miżuri relatati, inklużi l-prevenzjoni u t-trattament, u r-riintegrazzjoni soċjali kif ukoll kwistjonijiet oħrajn relatati mas-saħħa;

(b) jiżguraw id-disponibbiltà ta' sustanzi kkontrollati u l-aċċess għalihom esklużivament għal skopijiet mediċi u xjentifiċi, filwaqt li tiġi evitata d-devjazzjoni tagħhom;

(c) jimplimentaw inizjattivi għat-tnaqqis tal-provvista u ta' miżuri relatati, bħall-infurzar effettiv tal-liġi u r-reazzjonijiet għal kriminalità relatata mad-droga, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-kummerċ illeċitu tad-droga, inkluż il-kummerċ tad-droga ffaċilitat mill-internet, u l-promozzjoni ta' kooperazzjoni ġudizzjarja;

(d) jiffokaw fuq kwistjonijiet trażversali: bħad-drogi u d-drittijiet tal-bniedem, iż-żgħażagħ, it-tfal, il-ġeneru, in-nisa u l-komunitajiet, inkluż permezz ta' miżuri għall-kollaborazzjoni u l-kooperazzjoni bil-ħsieb li jitrawwem l-iżvilupp ta' programmi u azzjonijiet għall-edukazzjoni u r-riintegrazzjoni, li jippermettu li titnaqqas id-domanda għad-drogi u għas-sustanzi psikotropiċi;

(e) jiskambjaw informazzjoni u l-aħjar prattiki dwar ir-realtajiet, ix-xejriet u ċ-ċirkostanzi eżistenti li qed jevolvu, l-isfidi u t-theddid emerġenti u persistenti, inklużi sustanzi psikoattivi ġodda; dan jista' jinkludi t-tnaqqis fid-domanda għad-droga u l-analiżi forensika tal-materjal, bħall-prekursuri tad-droga maqbuda;

(f) isaħħu l-kooperazzjoni internazzjonali, inkluż biex jindirizzaw id-devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga, tas-sustanzi kimiċi u tal-prodotti essenzjali jew tal-preparati tagħhom li jinkluduhom u użati għall-produzzjoni illeċita ta' drogi narkotiċi, ta' sustanzi psikotropiċi u ta' sustanzi psikoattivi ġodda;

(g) isaħħu l-iżvilupp alternattiv, tal-kooperazzjoni reġjonali, interreġjonali u internazzjonali dwar politika bbilanċjata ta' kontroll tad-droga u orjentata lejn l-iżvilupp.

2. Il-Partijiet għandhom jikkollaboraw sabiex jilħqu dawn l-objettivi, inkluż, meta jkun possibbli, billi jħeġġu lil pajjiżi terzi li għadhom ma għamlux dan sabiex jirratifikaw u jimplimentaw konvenzjonijiet u protokolli internazzjonali eżistenti dwar il-kontroll tad-droga li għalihom huma parti. Il-Partijiet għandhom jibbażaw l-azzjonijiet tagħhom fuq il-liġijiet u fuq ir-regolamenti applikabbli tagħhom, fuq prinċipji aċċettati b'mod komuni f'konformità mal-konvenzjonijiet rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-kontroll tad-droga u fuq ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fid-Dokument ta' Eżitu tas-Sessjoni Speċjali tal-Assemblea Ġenerali tan-NU 2016 dwar il-Problema Dinjija tad-Droga intitolat "Our joint commitment to effectively addressing and countering the world drug problem", bħala l-aktar kunsens internazzjonali reċenti dwar il-politika dinjija dwar id-droga, sabiex jieħdu rendikont tal-implimentazzjoni tal-impenji meħuda sabiex tiġi indirizzata u miġġielda b'mod konġunt il-problema dinjija tad-droga.

Artikolu 3.3

Il-migrazzjoni internazzjonali u l-asil

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw u jiskambjaw fehmiet fil-qafas tal-liġijiet, tar-regolamenti u tal-kompetenzi rispettivi tagħhom fl-oqsma tal-migrazzjoni, inklużi l-migrazzjoni regolari u irregolari, it-traffikar tal-persuni u l-faċilitazzjoni ta' migrazzjoni, il-migrazzjoni u l-iżvilupp, l-asil u l-protezzjoni internazzjonali, ir-ritorn, ir-riammissjoni, l-integrazzjoni, u l-viżi u l-ġestjoni tal-fruntieri.

2. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw, inkluż permezz ta' kooperazzjoni teknika possibbli, dwar l-iskambju ta' informazzjoni u prattiki tajbin relatati mal-politiki, ir-regolamenti, l-istituzzjonijiet u s-soċjetà ċivili, flimkien mal-kondiviżjoni ta' *data* u statistika dwar il-migrazzjoni.

3. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex jipprevjenu l-migrazzjoni irregolari u jiġġieldu l-faċilitazzjoni tal-migrazzjoni. Għal dak il-għan:

(a) iċ-Ċili għandu jdaħħal mill-ġdid kwalunkwe ċittadin tiegħu preżenti illegalment fit-territorju ta' Stat Membru, fuq talba ta' dan tal-aħħar u, sakemm ma jkunx previst mod ieħor minn ftehim speċifiku, mingħajr formalitajiet ulterjuri;

(b) kull Stat Membru għandu jdaħħal mill-ġdid kwalunkwe ċittadin tiegħu preżenti illegalment fit-territorju taċ-Ċilì, fuq talba ta' dan tal-aħħar u, sakemm ma jkunx previst mod ieħor minn ftehim speċifiku, mingħajr formalitajiet ulterjuri;

(c) l-Istati Membri u l-Ċilì għandhom jipprovdu liċ-ċittadini tagħhom b'dokumenti tal-ivvjaġġar xierqa għall-finijiet imsemmija fis-subparagrafi (a) u (b), jew jaċċettaw l-użu tad-dokumenti tal-ivvjaġġar Ewropej għall-finijiet ta' ritorn;

(d) il-Partijiet għandhom jaqblu reċiprokament sabiex jinnegozjaw ftehim speċifiku li jiddefinixxi l-obbligi dwar ir-riammissjoni, inklużi l-mezzi ta' evidenza dwar in-nazzjonalità; dak il-ftehim jista' jinkludi wkoll obbligu għar-riammissjoni ta' persuni li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi, f'konformità mal-liġi applikabbli tal-Partijiet.

4. Il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jtejbu l-kooperazzjoni internazzjonali dwar il-migrazzjoni fid-dimensjonijiet kollha tagħha, inkluż fil-qafas tan-Nazzjonijiet Uniti, speċjalment fl-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u l-ispostament furzat, filwaqt li jirrispettaw il-kompetenzi nazzjonali.

Artikolu 3.4

Il-protezzjoni konsulari

L-awtoritajiet diplomatiċi u konsulari ta' kwalunkwe Stat Membru rrappreżentat għandhom jipprovdu protezzjoni lil kwalunkwe ċittadin ta' Stat Membru li ma jkollux rappreżentanza permanenti fiċ-Ċilì jekk ikunu effettivament f'pożizzjoni li tipprovdi protezzjoni konsulari f'każ partikolari, bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk taċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru rrappreżentat.

Artikolu 3.5

Ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu

Il-Partijiet għandhom jikkooperaw bil-ħsieb li jipprevjenu u jiġġieldu l-użu tal-istituzzjonijiet finanzjarji tagħhom u tan-negozji u l-professjonijiet mhux finanzjarji magħżula għall-finanzjament tat-terroriżmu u l-ħasil tar-rikavat minn attivitajiet kriminali. Għal dak il-għan, huma għandhom jiskambjaw informazzjoni fil-qafas tal-leġiżlazzjoni rispettiva tagħhom u jikkooperaw biex jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva u sħiħa tar-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF). Din il-kooperazzjoni tista' tinkludi, fost l-oħrajn, l-irkupru, is-sekwestru, il-konfiska, it-traċċar, l-identifikazzjoni u r-ritorn ta' assi jew ta' fondi dderivati mir-rikavat minn attività kriminali.

Artikolu 3. 6

Infurzar tal-liġi u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata tranżnazzjonali

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw u jiskambjaw fehmiet dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, ekonomika u finanzjarja tranżnazzjonali, it-traffikar tad-droga u d-drogi illeċiti, it-traffikar ta' persuni u forom assoċjati oħrajn ta' sfruttament, korruzzjoni, falsifikazzjoni, kuntrabandu, u tranżazzjonijiet illegali permezz tal-konformità mal-obbligi internazzjonali reċiproċi tagħhom f'dan il-qasam, inkluż fir-rigward tal-assistenza legali reċiproka u l-kooperazzjoni effettiva fl-irkupru ta' assi jew fondi dderivati minn atti kriminali.

2. Il-Partijiet se jiskambjaw esperjenzi u l-aħjar prattiki bbażati fuq l-evidenza dwar it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' politiki relatati mal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata tranżnazzjonali.

3. Il-Partijiet għandhom jiżviluppaw djalogu u kooperazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi, inkluż permezz ta' kooperazzjoni strateġika kontinwa mal-Europol, kif ukoll kooperazzjoni ġudizzjarja strateġika, inkluż permezz tal-Eurojust.

4. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jikkollaboraw f'fora internazzjonali sabiex jippromwovu, kif xieraq, l-aderenza mal-Konvenzjoni tan-NU Kontra l-Kriminalità Organizzata Tranżnazzjonali, u l-implimentazzjoni tagħha, adottata fil-15 ta' Novembru 2000 bir-Riżoluzzjoni 55/25 tan-NU u mal-Protokolli supplimentari tagħha.

5. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni, adottata fil-31 ta' Ottubru 2003 bir-Riżoluzzjoni tan-NU 58/4, u l-Mekkaniżmu għar-Rieżami tal-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni stabbilit mill-Konferenza tal-Istati Partijiet għall-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni f'Doha, fid-9-13 ta' Novembru 2009 ("mekkaniżmu għar-rieżami"), inkluż billi jaderixxu mal-prinċipji tat-trasparenza u tal-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-mekkaniżmu għar-rieżami.

6. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-kummerċ u fl-investiment internazzjonali u, għal dak l-għan, jaqblu dwar dispożizzjonijiet aktar dettaljati stabbiliti fil-Protokoll għal dan il-Ftehim dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni.

7. Fir-rigward tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-Partijiet jaqblu, b'mod partikolari li:

(a) jiskambjaw informazzjoni rilevanti u l-aħjar prattiki fi kwistjonijiet bħall-integrità, it-trasparenza pubblika u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni;

(b) jiskambjaw informazzjoni u l-aħjar prattiki inklużi kampanji ta' sensibilizzazzjoni u metodi edukattivi dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

Artikolu 3.7

Ċiberkriminalità

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li ċ-ċiberkriminalità hija problema globali li tirrikjedi rispons globali.

2. Il-Partijiet se jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità. Għal dak il-għan, huma se jiskambjaw informazzjoni u l-aħjar prattiki f'konformità mal-liġijiet u l-impenji internazzjonali rispettivi tagħhom, bħall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar iċ-Ċiberkriminalità, magħmul f'Budapest fit-23 ta' Novembru 2001 ("il-Konvenzjoni ta' Budapest"), b'mod li jirrispetta bis-sħiħ id-drittijiet tal-bniedem u fil-limiti tar-responsabbiltà tagħhom.

3. Il-Partijiet se jiskambjaw informazzjoni dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ tal-investigaturi u ta' professjonisti jew prosekuturi oħrajn speċjalizzati f'reati relatati mal-kompjuter u x-xjenza forensika diġitali u jistgħu jwettqu attivitajiet konġunti ta' taħriġ għall-benefiċċju reċiproku tagħhom jew għall-benefiċċju ta' partijiet terzi.

4. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jaħdmu flimkien, fejn xieraq, biex jipprovdu assistenza u appoġġ lil Stati oħrajn fl-iżvilupp ta' liġijiet, politiki, prattiki, edukazzjoni u taħriġ xierqa, f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Budapest u jirrikonoxxuha bħala l-istandard internazzjonali fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità.

Artikolu 3.8

Protezzjoni ta' *data* personali

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali għall-privatezza u għall-protezzjoni ta' data personali. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex jiżguraw ir-rispett ta' dawk id-drittijiet fundamentali, inkluż fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u meta jipprevjenu u jiġġieldu t-terroriżmu u reati tranżnazzjonali serji oħrajn.

2. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex jippromwovu livell għoli ta' protezzjoni għad-data personali. Il-kooperazzjoni fil-livelli bilaterali u multilaterali tista' tinkludi l-bini tal-kapaċitajiet, l-assistenza teknika, l-iskambju ta' informazzjoni u ta' għarfien espert, u l-kooperazzjoni permezz ta' kontropartijiet regolatorji f'korpi internazzjonali kif miftiehem reċiprokament mill-Partijiet.

KAPITOLU 4

ŻVILUPP SOSTENIBBLI

Artikolu 4.1

Żvilupp sostenibbli

1. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli fit-tliet dimensjonijiet tiegħu, jiġifieri soċjali, ekonomiku u ambjentali, b'mod inklużiv u bbilanċjat permezz ta' djalogu, azzjoni konġunta, il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, governanza tajba fil-livelli kollha, strateġiji ta' żvilupp sostenibbli koeżivi li huma proprjetà nazzjonali u l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi finanzjarji, filwaqt li jsir l-aħjar użu possibbli mill-istrumenti eżistenti u futuri.

2. Il-Partijiet għandhom jindirizzaw l-isfidi marbuta mal-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti ("SDGs") billi jagħtu prijorità lill-ħtiġijiet ta' kull Parti u lis-sjieda nazzjonali, filwaqt li jqisu l-kuntesti reġjonali u lokali, u l-bini ta' sinerġiji u sħubijiet mal-partijiet ikkonċernati rilevanti f'dak il-qasam, inklużi s-soċjetà ċivili, il-gvernijiet lokali, is-settur privat, l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ u l-akkademja. Filwaqt li jirrikonoxxu r-rwol ċentrali tal-gvernijiet fil-promozzjoni tal-iżvilupp, il-Partijiet se jikkooperaw ukoll biex jinkoraġġixxu lis-settur privat, b'mod partikolari lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, biex iqisu l-iżvilupp sostenibbli fil-prattiki tiegħu.

3. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-mezzi ta' implimentazzjoni, inklużi l-finanzi, it-trasferiment tat-teknoloġija, il-kooperazzjoni teknika u l-bini tal-kapaċitajiet, fit-twettiq u s-segwitu tal-Aġenda 2030 permezz ta' diversi partijiet ikkonċernati, inklużi l-gvernijiet, is-soċjetà ċivili, is-settur privat u atturi oħrajn. F'dak ir-rigward, huma jimpenjaw ruħhom li jkomplu jaħdmu sabiex isaħħu l-kooperazzjoni internazzjonali, inkluż billi jippromwovu l-użu ta' għodod innovattivi bil-għan li jinkiseb żvilupp sostenibbli.

4. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw biex itejbu s-sostenibbiltà fix-xejriet tal-konsum u tal-produzzjoni, u għandhom jagħmlu ħilithom biex jieħdu azzjonijiet immirati lejn id-diżakkoppjar tat-tkabbir ekonomiku mid-degradazzjoni ambjentali, inkluż permezz ta' ekonomija ċirkolari, politiki pubbliċi u strateġiji tan-negozju.

5. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jippromwovu l-użu responsabbli, sostenibbli u effiċjenti tar-riżorsi naturali.

6. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex joħolqu sensibilizzazzjoni dwar il-kostijiet ekonomiċi u soċjali tad-danni ambjentali u l-impatt assoċjat tagħhom fuq il-benesseri tal-bniedem, inkluż permezz tal-użu ta' evidenza bbażata fuq ix-xjenza.

7. Il-Partijiet għandu jkollhom djalogu ta' politika strutturat regolari dwar l-iżvilupp sostenibbli u l-ilħuq tal-SDGs biex itejbu l-koordinazzjoni tal-politika dwar kwistjonijiet ta' interess komuni u l-kwalità u l-effettività ta' dik il-koordinazzjoni.

8. Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien biex jintegraw il-kunsiderazzjonijiet tal-ġeneru fil-politiki u l-istrumenti kollha.

9. Il-kooperazzjoni għall-iżvilupp għandha titwettaq f'konformità mal-prinċipji u mal-politiki rilevanti li jkun sar qbil dwarhom fuq livell internazzjonali u li ż-żewġ Partijiet ikunu aderew magħhom.

Artikolu 4.2

Il-kooperazzjoni internazzjonali

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu n-natura ta' benefiċċju reċiproku tal-kooperazzjoni internazzjonali u l-valur tagħha għall-promozzjoni ta' proċessi ta' żvilupp sostenibbli.

2. Il-Partijiet se jħeġġu l-kooperazzjoni triangolari ma' pajjiżi terzi fi kwistjonijiet ta' interess komuni b'mod li jirrispetta bis-sħiħ l-istrateġiji u l-prijoritajiet tal-benefiċjarji. Huma għandhom jippromwovu t-tisħiħ tal-integrazzjoni reġjonali fl-Amerika Latina u l-Karibew u jirrikonoxxu l-importanza strateġika ta' kooperazzjoni bireġjonali inklużiva.

Artikolu 4.3

Ambjent

1. Il-Partijiet jaqblu dwar il-ħtieġa li jipproteġu l-ambjent u jikkonservaw, jirrestawraw u jimmaniġġaw b'mod sostenibbli r-riżorsi naturali.

2. Il-Partijiet se jikkooperaw, b'mod partikolari, fi kwistjonijiet bħad-drittijiet ta' aċċess għal affarijiet ambjentali, il-bijodiversità u ż-żoni protetti, l-art u l-ħamrija, l-ilma, il-kwalità tal-arja, il-monitoraġġ ambjentali, il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali, il-ġestjoni tal-iskart, ir-responsabbiltà estiża tal-produttur, il-ġestjoni tar-riċiklaġġ u tas-sustanzi kimiċi, il-valutazzjoni tal-impatt u l-ġestjoni tat-trasport.

3. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-governanza ambjentali globali, inkluża l-implimentazzjoni ta' ftehimiet ambjentali multilaterali li għalihom huma parti u, kif xieraq, ir-riżoluzzjonijiet tal-Assemblea Ambjentali tan-Nazzjonijiet Uniti u fora rilevanti oħrajn, biex jiġu indirizzati l-isfidi ambjentali ta' thassib komuni. Kull Parti tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha li timplimenta l-ftehimiet ambjentali multilaterali li għalihom hija parti.

4. Il-Partijiet għandhom isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom dwar il-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem, u dwar l-integrazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet ambjentali fis-setturi kollha ta' kooperazzjoni, kif xieraq, b'mod partikolari fir-rigward ta':

(a) il-promozzjoni ta' governanza ambjentali tajba f'oqsma prijoritarji miftiehma b'mod reċiproku;

(b) it-trawwim tal-iskambju ta' informazzjoni, għarfien espert tekniku u l-aħjar prattiki f'oqsma bħal:

(i) l-ekonomija ekoloġika u ċirkolari u l-aħjar tekniki disponibbli;

(ii) il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-objettivi ta' bijodiversità, inklużi l-immappjar u l-valutazzjoni tal-ekosistemi u tas-servizzi tagħhom, il-valutazzjoni tagħhom u l-integrazzjoni ta' dawk l-objettivi f'oqsma ta' politika rilevanti oħrajn;

(iii) il-protezzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti;

(iv) il-ġlieda kontra l-kummerċ illegali tal-organiżmi selvaġġi, inkluż l-injam u riżorsi bijoloġiċi oħrajn;

(v) l-immaniġġar tajjeb tas-sustanzi kimiċi u tal-iskart;

(vi) il-politika dwar ir-riżorsi tal-ilma, il-ħamrija u l-użu tal-art;

(vii) it-tniġġis tal-arja u t-tnaqqis ta' sustanzi niġġiesa b'ħajja qasira;

(viii) il-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-ambjent kostali u tal-baħar;

(ix) l-impatti soċjali u ekonomiċi ta' degradazzjoni ambjentali;

(x) l-impatt ambjentali tal-attivitajiet ekonomiċi u l-opportunitajiet ta' negozji ekoloġiċi;

(xi) l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni u l-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali;

(xii) ir-riċerka akkademika konġunta fi kwistjonijiet ambjentali.

Artikolu 4.4

Tibdil fil-klima

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li t-theddida urġenti tat-tibdil fil-klima tirrikjedi azzjoni kollettiva għal żvilupp b'livell baxx ta' emissjonijiet u reżiljenti għall-klima.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tar-regoli u l-ftehimiet internazzjonali fil-qasam tat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari l-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, li saret fi New York fid-9 ta' Mejju 1992 ("UNFCCC"), il-Ftehim ta' Pariġi, u l-Protokoll ta' Kjoto għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, li sar fi Kjoto fil-11 ta' Diċembru 1997.

3. Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien biex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom fl-ambitu tal-UNFCCC, biex jimplimentaw il-Ftehim ta' Pariġi u l-kontributi stabbiliti fil-livell nazzjonali taħt dak il-Ftehim .

4. Din il-kooperazzjoni tista' tinkludi:

(a) kooperazzjoni lejn l-implimentazzjoni tal-impenji u l-azzjonijiet ta' qabel l-2020 biex tinbena fiduċja reċiproka bejn il-Partijiet;

(b) iffaċilitar ta' aktar azzjoni mill-Partijiet immexxija mid-dibattiti nazzjonali u mill-analiżi tal-politika tagħhom;

(c) appoġġ għal żvilupp ekonomiku b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi;

(d) appoġġ għad-djalogi u l-impenji kostruttivi kollha skont il-UNFCCC, speċjalment dawk maħluqa biex jiġi vvalutat il-progress kollettiv lejn il-kisba tal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, bħall-bilanċ globali;

(e) żvilupp ta' djalogu dwar il-politika u kooperazzjoni fl-implimentazzjoni tal-qafas imsaħħaħ ta' trasparenza stabbilit mill-Ftehim ta' Pariġi, f'oqsma prijoritarji miftiehma b'mod reċiproku inkluż it-titjib tal-kapaċitajiet nazzjonali sabiex jinkisbu livelli ogħla ta' trasparenza;

(f) promozzjoni ta' djalogu bilaterali u kooperazzjoni ta' interess reċiproku bil-għan li jiġu appoġġati proċessi multilaterali, kif xieraq, li jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport marittimu u mill-avjazzjoni internazzjonali, b'mod partikolari fl-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali u fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali;

(g) promozzjoni ta' politiki u programmi domestiċi dwar il-klima, li jappoġġaw l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi għall-mitigazzjoni, l-adattament u l-allinjament tal-flussi ta' finanzjament, inkluż permezz tal-għanijiet u l-azzjonijiet li jinsabu fil- kontribuzzjonijiet stabbiliti fil-livell nazzjonali tal-Partijiet;

(h) appoġġ għal azzjoni biex il-flussi ta' finanzjament jiġu allinjati ma' perkors lejn emissjonijiet baxxi tal-gassijiet serra u żvilupp reżiljenti għall-klima, b'enfasi fuq finanzjament inklużiv għall-klima, li jimmira l-ifqar u l-gruppi li huma partikolarment vulnerabbli għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima, bħan-nisa u l-bniet;

(i) promozzjoni ta' djalogu dwar it-tisħiħ tal-politiki u l-miżuri ta' adattament, inkluż fi kwistjonijiet relatati mal-finanzjament għall-adattament, l-evalwazzjoni tar-riżultati u ż-żieda fir-reżiljenza;

(j) promozzjoni ta' sinerġiji fil-qasam tal-azzjoni klimatika fil-livelli kollha bejn l-amministrazzjoni pubblika, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u n-negozju privat u t-trawwim tal-parteċipazzjoni tas-settur privat bil-għan li tinkiseb ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u reżiljenti għall-klima;

(k) promozzjoni ta' strumenti ta' politika ekonomika għall-azzjoni dwar it-tibdil fil-klima, bħall-ipprezzar tal-karbonju, strumenti bbażati fuq is-suq u t-taxxi fuq il-karbonju, kif xieraq;

(l) tisħiħ tal-iżvilupp u tal-varar ta' teknoloġiji kummerċjalment vijabbli b'livell baxx ta' emissjonijiet u ta' teknoloġiji oħrajn li ma jagħmlux ħsara lill-klima;

(m) promozzjoni ta' sforzi globali għar-razzjonalizzazzjoni u t-tneħħija gradwali ta' sussidji ineffiċjenti tal-fjuwils fossili li jħeġġu l-konsum ħali, filwaqt li jitqiesu bis-sħiħ il-ħtiġijiet u l-kundizzjonijiet speċifiċi tal-pajjiżi fil-faż tal-iżvilupp u jiġi mminimizzat l-impatt negattiv possibbli fuq l-iżvilupp tagħhom b'mod li jipproteġi lill-komunitajiet foqra u affettwati;

(n) tisħiħ tad-djalogu bilaterali dwar oqsma oħrajn tal-politika dwar il-klima li jistgħu jinqalgħu u t-trawwim tal-kunsiderazzjoni tal-approċċi trażversali tal-Ftehim ta' Pariġi u tal-Aġenda 2030.

Artikolu 4.5

Enerġija sostenibbli

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tas-settur tal-enerġija għall-prosperità ekonomika u għall-paċi u għall-istabbiltà internazzjonali, u jenfasizzaw li t-trasformazzjoni tas-settur tal-enerġija hija kruċjali sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fil-Ftehim ta' Pariġi fl-Aġenda 2030. Huma jaqblu dwar il-ħtieġa li jittejbu u jiġu ddiversifikati l-provvisti tal-enerġija, tiġi promossa l-innovazzjoni, tiżdied l-effiċjenza enerġetika biex jiġi żgurat l-aċċess għal enerġija sikura, sostenibbli, ambjentalment soda u affordabbli. Il-Partijiet jirrikonoxxu li t-tranżizzjoni tal-enerġija mhux se tkun mingħajr kost fir-reġjuni u se jappoġġaw tranżizzjoni ġusta. Il-Partijiet għandhom jaħdmu lejn dawk l-għanijiet.

2. Il-Partijiet għandhom iżommu skambji ta' informazzjoni dwar l-enerġija u jikkollaboraw b'mod bilaterali, reġjonali u multilaterali sabiex jappoġġaw swieq miftuħa u kompetittivi, jikkondividu l-aħjar prattiki, jippromwovu regolamentazzjoni trasparenti u bbażata fuq ix-xjenza, u jiddiskutu oqsma ta' kooperazzjoni dwar kwistjonijiet tal-enerġija.

3. Il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet skont dan l-*Artikolu* għandha tiġi implimentata b'kunsiderazzjoni xierqa għall-Artikoli 15.14, sabiex jiġu żgurati sinerġiji.

Artikolu 4.6

Il-governanza tal-oċeani

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-ġestjoni sostenibbli tal-oċeani u tal-ibħra, inklużi l-protezzjoni u l-preservazzjoni tal-ambjent tal-baħar, ir-rabta bejn l-oċeani-l-klima, il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli u l-ġestjoni responsabbli tas-sajd, tal-akkwakultura u ta' attivitajiet marittimi oħrajn u l-kontribut tagħhom għall-għoti ta' opportunitajiet ambjentali, ekonomiċi u soċjali għall-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri.

2. Għal dak il-għan, b'mod konsistenti mal-obbligi tagħhom fl-ambitu tad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari l-Konvenzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, li saru fil-Bajja ta' Montego, fl-10 ta' Diċembru 1982, il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li:

(a) jippromwovi li l-Istati f'pożizzjoni li jagħmlu dan, jiffirmaw u jirratifikaw, japprovaw jew jaċċettaw il-Ftehim skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità tal-baħar ta' żoni lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali, adottat fi New York fid-19 ta' Ġunju 2023;

(b) jikkooperaw biex jiksbu l-SDG 14 u SDGs relatati oħrajn, inkluż f'korpi u proċessi reġjonali u multilaterali rilevanti;

(c) jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-governanza internazzjonali tal-oċeani inkluż permezz tal-mili ta' lakuni regolatorji u ta' implimentazzjoni;

(d) jippromwovu kooperazzjoni u konsultazzjoni aħjar, fl-organizzazzjonijiet u bejniethom, l-istrumenti u l-korpi internazzjonali bil-ħsieb li tissaħħaħ l-governanza tal-oċeani u l-promozzjoni ta' infurzar effettiv;

(e) jippromwovu u jimplimentaw b'mod effettiv miżuri ta' monitoraġġ, ta' kontroll u ta' sorveljanza, bħal skemi ta' osservazzjoni, skemi ta' monitoraġġ tal-bastimenti, kontroll tat-trażbord, spezzjonijiet fuq il-baħar u kontroll mill-istat tal-port u sanzjonijiet assoċjati skont il-liġijiet u r-regolamenti rispettivi tagħhom, immirati lejn il-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut u l-prevenzjoni tas-sajd eċċessiv;

(f) iżommu jew jadottaw azzjonijiet u jikkooperaw fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat (IUU), inkluż, fejn xieraq, skambju ta' informazzjoni dwar attivitajiet IUU fl-ilmijiet tagħhom u implimentazzjoni ta' politiki u ta' miżuri li jeskludu prodotti IUU mill-flussi kummerċjali u mill-operazzjonijiet tat-trobbija tal-ħut;

(g) jikkooperaw ma' u, fejn xieraq, f'organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd li fihom iż-żewġ Partijiet ikunu membri, osservaturi jew partijiet mhux kontraenti li jikkooperaw, bil-għan li tinkiseb governanza tajba;

(h) inaqqsu l-pressjonijiet fuq l-oċeani permezz tal-ġlieda kontra t-tniġġis tal-baħar u l-iskart tal-baħar, inkluż minn sorsi bbażati fuq l-art, plastik u mikroplastik;

(i) jikkooperaw biex jiżviluppaw ekosistemi u miżuri ta' konservazzjoni u għodod ta' ġestjoni bbażati fuq iż-żona, inklużi żoni protetti tal-baħar, konsistenti mal-liġi ta' kull Parti u mad-dritt internazzjonali u abbażi tal-aħjar informazzjoni xjentifika disponibbli biex jiġu protetti u rrestawrati ż-żoni u r-riżorsi kostali u tal-baħar;

(j) jinkoraġġixxu t-tisħiħ tas-sikurezza u tas-sigurtà tal-oċeani billi jiskambjaw l-aħjar prattiki rigward il-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta u s-sorveljanza marittima, inkluż permezz ta' kooperazzjoni msaħħa bejn l-awtoritajiet rilevanti;

(k) jippromwovu għodod ibbażati fuq iż-żona bħall-ippjanar spazjali marittimu bbażat fuq l-ekosistema u l-ġestjoni integrata taż-żona kostali sabiex jiġu ġestiti u żviluppati b'mod sostenibbli l-attivitajiet marittimi;

(l) jikkooperaw biex isaħħu r-riċerka dwar l-oċeani u l-ġbir tad-*data*;

(m) jappoġġaw ir-riċerka tal-baħar u d-deċiżjonijiet ibbażati fuq ix-xjenza għall-ġestjoni tas-sajd u għal attivitajiet oħrajn ta' sfruttament fuq ir-riżorsi tal-baħar;

(n) jikkooperaw biex jimminimizzaw l-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima fl-oċeani, fil-linji kostali u fl-ekosistemi, inkluż permezz tal-mitigazzjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, b'mod partikolari d-diossidu tal-karbonju, u biex jinkisbu azzjonijiet effettivi ta' adattament u appoġġ għall-implimentazzjoni ta' ftehimiet internazzjonali rilevanti u azzjonijiet internazzjonali;

(o) jippromwovu l-iżvilupp ta' akkwakultura sostenibbli u responsabbli, inkluż fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-objettivi u l-prinċipji li jinsabu fil-Kodiċi ta' Kondotta għal Sajd Responsabbli, adottat f'Ruma, fil-31 ta' Ottubru 1995, mill-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti;

(p) jiskambjaw l-aħjar prattiki dwar l-iżvilupp sostenibbli ta' attivitajiet ekonomiċi marittimi magħżula ta' interess għall-Partijiet.

Artikolu 4.7

It-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-ħtieġa li jiġu ġestiti r-riskji ta' diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem kemm domestiċi kif ukoll globali.

2. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw biex itejbu l-miżuri ta' prevenzjoni, ta' mitigazzjoni, ta' tħejjija, ta' rispons u ta' rkupru sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' diżastri, biex titrawwem kultura ta' prevenzjoni u biex tiżdied ir-reżiljenza tas-soċjetajiet, tal-ekosistemi u tal-infrastruttura tagħhom, u għandhom jaħdmu kif xieraq fuq livelli politiċi bilaterali, reġjonali, u multilaterali biex jittejjeb it-tnaqqis globali tar-riskju ta' diżastri.

3. Il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jippromwovu l-iskambju ta' informazzjoni u prattiki tajba dwar l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015-2030, adottat fit-Tielet Konferenza Dinjija tan-NU f'Sendai, fil-Ġappun, fit-18 ta' Marzu 2015 permezz ta' pjattaformi ta' kooperazzjoni reġjonali u globali, u b'mod partikolari dwar il-valutazzjoni tar-riskju, l-implimentazzjoni ta' pjanijiet għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri fil-livelli kollha, u l-ġbir u l-użu ta' statistika dwar id-diżastri u *data* dwar it-telf, inkluż dwar l-evalwazzjoni ekonomika tad-diżastri.

Artikolu 4.8

L-iżvilupp tal-politika urbana

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-politiki li jippromwovu żvilupp urban sostenibbli bħala mezz sabiex jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-implimentazzjoni tal-objettivi tal-Aġenda 2030 u tal-Aġenda Urbana Ġdida.

2. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-kooperazzjoni u s-sħubija, filwaqt li jinvolvu l-atturi ewlenin kollha fil-qasam tal-iżvilupp urban sostenibbli, b'mod partikolari dwar modi kif jiġu indirizzati l-isfidi urbani b'mod integrat u komprensiv.

3. Il-Partijiet għandhom jiżviluppaw, kull fejn ikun possibbli, opportunitajiet konkreti għall-kooperazzjoni bejn belt u oħra dwar soluzzjonijiet sostenibbli għal sfidi urbani, bl-għan li jtejbu l-bini tal-kapaċitajiet permezz ta' skambji ta' esperjenza, ta' prattika u ta' apprendiment reċiproku.

Artikolu 4.9

Kooperazzjoni fl-agrikoltura u l-iżvilupp rurali [1]

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fl-agrikoltura u fl-iżvilupp rurali bl-objettiv komuni li jtejbu r-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-produzzjoni tal-ikel, l-agrikoltura sostenibbli u l-ġestjoni tar-riżorsi naturali bħall-azzjoni dwar l-ilma u l-klima, is-sistemi tal-ikel ċirkolari, inklużi l-prevenzjoni u t-tnaqqis tat-telf u tal-iskart tal-ikel, il-promozzjoni

[1] Sal-punt li l-kwistjonijiet koperti minn dan l-*Artikolu* huma koperti wkoll mill-Kapitolu 14, il-kooperazzjoni msemmija f'dan l-*Artikolu* se titwettaq skont dak il-Kapitolu.

tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi, tal-indikazzjonijiet ġeografiċi, tar-riċerka u tal-innovazzjoni, tal-politiki tal-iżvilupp rurali u tal-prospetti tas-suq agrikolu.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-isforzi li saru f'fora internazzjonali biex itejbu s-sigurtà alimentari globali u n-nutrizzjoni u l-agrikoltura sostenibbli u jimpenjaw ruħhom li jinvolvu ruħhom b'mod attiv f'kooperazzjoni f'dawk il-fora bil-ħsieb li jikkontribwixxu, sal-2030, għat-tmiem tal-ġuħ u l-forom kollha ta' malnutrizzjoni.

3. Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien biex jikkontribwixxu għall-kisba tal-Aġenda 2030 fis-settur agroalimentari, b'mod partikolari l-SDGs 1, 2, 12, 15, 17 u SDGs rilevanti oħrajn.

4. Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu u jippromwovu sħubijiet effettivi pubbliċi, pubbliċi-privati u tas-soċjetà ċivili, filwaqt li jibnu fuq l-esperjenza u r-riżorsi tal-istrateġiji ta' sħubijiet imsemmija fl-SDG 17. Għal dak il-għan, il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex itejbu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bilaterali relatati mal-agrikoltura u mal-iżvilupp rurali abbażi tal-prinċipju tal-għanijiet rispettivi tagħhom ta' sostenibbiltà fit-tul, imsemmija fl-ambitu tal-Patt Ekoloġiku tal-Unjoni Ewropea, l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt tal-Unjoni Ewropea u l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għall-Bijodiversità, u l-inizjattivi ta' sostenibbiltà agroalimentari Ċileni.

KAPITOLU 5

SĦUBIJA EKONOMIKA, SOĊJALI U KULTURALI

Artikolu 5.1

L-intrapriża u l-industrija

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw biex jippromwovu ambjent favorevoli għall-iżvilupp u l-kompetittività mtejba tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ("SMEs") u l-kooperazzjoni kif xieraq fil-qasam tal-politika industrijali. Din il-kooperazzjoni tikkonsisti f'dawn:

(a) il-promozzjoni ta' kuntatti bejn l-operaturi ekonomiċi, it-tħeġġiġ ta' investimenti konġunti u l-istabbiliment ta' impriżi konġunti u ta' networks ta' informazzjoni permezz ta' programmi orizzontali eżistenti;

(b) l-iskambju ta' informazzjoni u ta' esperjenzi dwar il-ħolqien ta' kundizzjonijiet qafas għall-SMEs sabiex itejbu l-kompetittività tagħhom u dwar proċeduri relatati mal-istabbiliment tal-SMEs;

(c) l-iffaċilitar tal-attivitajiet tal-SMEs tal-Partijiet;

(d) il-promozzjoni tar-responsabbiltà u l-obbligu ta' rendikont soċjali korporattivi u t-tħeġġiġ ta' prattiċi kummerċjali responsabbli, inklużi l-konsum u l-produzzjoni sostenibbli.

2. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw biex jiffaċilitaw attivitajiet ta' kooperazzjoni rilevanti stabbiliti mis-settur privat.

Artikolu 5.2

Materja prima

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li approċċ trasparenti bbażat fuq is-suq huwa l-aħjar mod kif jinħoloq ambjent favorevoli għall-investiment fis-settur tal-materja prima.

2. Abbażi ta' interess reċiproku, il-Partijiet għandhom jippromwovu l-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-materja prima f'ambjenti reġjonali jew multilaterali rilevanti jew permezz ta' djalogu bilaterali dwar talba ta' waħda mill-Partijiet. Dik il-kooperazzjoni għandu jkollha l-għan li tippromwovi t-trasparenza fis-swieq globali għall-materja prima u tikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli.

3. Il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet skont dan l-*Artikolu* għandha tiġi implimentata b'kunsiderazzjoni xierqa għall-Artikoli 15.14, sabiex jiġu żgurati sinerġiji.

Artikolu 5.3

L-imġiba responsabbli tan-negozju, u d-drittijiet tan-negozju u tal-bniedem

1. Il-Partijiet għandhom jappoġġaw l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem filwaqt li jiżguraw li jiġu msemmija u mħeġġa dispożizzjonijiet effettivi dwar id-diliġenza dovuta tad-drittijiet tal-bniedem f'dawk il-pjanijiet.

2. Filwaqt li jqisu li l-Istati għandhom id-dmir li jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem fit-territorju tagħhom fir-rigward tal-attività kummerċjali, il-Partijiet għandhom jippromwovu mġiba kummerċjali responsabbli skont l-istandards internazzjonali approvati jew appoġġati mill-Partijiet fl-ambitu tal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, il-Linji Gwida għall-Intrapriżi Multinazzjonali tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), u l-Gwida Ġenerali tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta għal Imġiba Responsabbli fin-Negozju, id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-Prinċipji li Jikkonċernaw Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) u l-Aġenda 2030.

Artikolu 5.4

Impjiegi u kwistjonijiet soċjali

1. Il-Partijiet, f'konformità mal-Aġenda 2030, jirrikonoxxu li l-eradikazzjoni tal-faqar fil-forom u fid-dimensjonijiet kollha tiegħu, inkluż il-faqar estrem, hija l-akbar sfida li qed tiffaċċja d-dinja u tikkostitwixxi rekwiżit indispensabbli għall-iżvilupp sostenibbli. F'dak ir-rigward, huma jaqblu li jiskambjaw informazzjoni dwar metodi biex jitkejjel il-faqar sabiex jappoġġaw politiki bbażati fuq l-evidenza.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu li t-titjib tal-istandards tal-għajxien, il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u l-promozzjoni tal-protezzjoni soċjali u xogħol deċenti għal kulħadd – irġiel u nisa – għandhom ikunu fil-qalba tal-politiki tal-impjiegi u soċjali.

3. Il-Partijiet għandhom jirrispettaw, jippromwovu u jwettqu l-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol stabbiliti fid-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq il-Post tax-Xogħol, adottata f'Ġinevra fit-18 ta' Ġunju 1998, u s-segwitu tagħha, id-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta, adottata fl-10 ta' Ġunju 2008, u l-Konvenzjonijiet fundamentali korrispondenti tal-ILO.

4. Il-Partijiet għandhom itejbu l-kooperazzjoni, inkluż bejn is-sħab soċjali fil-qasam tal-impjiegi u l-affarijiet soċjali, u għandhom jippromwovu skambji tal-aħjar prattiki rigward l-impjiegi, is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, l-ispezzjonijiet tax-xogħol, ix-xogħol mhux iddikjarat, id-djalogu soċjali u l-protezzjoni soċjali u tax-xogħol, inkluża valutazzjoni tal-impatti tal-ekonomija informali kif ukoll il-ġestjoni tat-tranżizzjonijiet professjonali.

5. Il-Partijiet jaqblu li jistabbilixxu djalogu regolari biex jakkumpanja u jirrieżamina l-progress tal-ħidma f'dawk l-oqsma ta' interess komuni u tat-tfassil u effettività tal-politiki tagħhom f'dawn l-oqsma.

Artikolu 5.5

Persuni akbar fl-età u persuni b'diżabilità

1. Il-Partijiet jimpenjaw li jaħdmu għall-benesseri, id-dinjità u l-inklużjoni effettiva ta' gruppi vulnerabbli fis-soċjetajiet tagħhom, kif ukoll ta' dawk li jiltaqgħu ma' ostakoli għall-parteċipazzjoni tagħhom fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' oħrajn, b'mod partikolari persuni anzjani u persuni b'diżabilità.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-promozzjoni ta' tixjiħ pożittiv u ta' aċċessibbiltà fil-livelli kollha matul il-ħajja. Il-Partijiet jirrikonoxxu wkoll l-importanza li jikkonformaw mal-obbligi ta' aċċessibbiltà fl-ambitu tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, adottata fit-13 ta' Diċembru 2006.

3. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw biex:

(a) jippromwovu u jiżviluppaw azzjonijiet biex jappoġġaw jew iżidu l-opportunitajiet tas-suq tax-xogħol għal persuni anzjani u persuni b'diżabilità u l-inklużjoni soċjali tagħhom;

(b) jiżguraw edukazzjoni inklużiva u apprendiment tul il-ħajja għal persuni b'diżabilità, b'mod partikolari t-tfal u ż-żgħażagħ, kif ukoll għal persuni akbar fl-età;

(c) jippromwovu azzjonijiet immirati b'enfasi fuq l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità mentali u intellettwali u problemi ta' saħħa mentali, kif ukoll fuq l-abilitazzjoni u r-riabilitazzjoni tagħhom;

(d) jidentifikaw u jiskambjaw prattiki tajba dwar apparat ta' assistenza, inklużi dawk li jintużaw fil-forniment tal-kura biex jitrawwem għajxien indipendenti u li jistgħu jintużaw kemm minn persuni anzjani kif ukoll minn persuni b'diżabilità, inkluż f'sitwazzjonijiet ta' dipendenza;

(e) itejbu l-aċċessibbiltà tal-prodotti u s-servizzi b'mod koerenti sabiex jiżguraw aċċess fuq bażi ugwali u mingħajr diskriminazzjoni kontra persuni b'diżabilità jew persuni anzjani.

Artikolu 5.6

Żgħażagħ

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza taż-żgħażagħ bħala xprunaturi għat-tkabbir u l-prosperità. F'dak ir-rigward, il-Partijiet se jenfasizzaw l-importanza tal-ħolqien ta' impjiegi u xogħlijiet deċenti għaż-żgħażagħ, kif ukoll l-iżvilupp ta' proġetti mmirati lejn iż-żieda tal-parteċipazzjoni ċivika tagħhom.

2. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw biex:

(a) jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni attiva taż-żgħażagħ fis-soċjetà ċivili;

(b) irawmu l-iskambji fl-oqsma tal-politika dwar iż-żgħażagħ u l-edukazzjoni mhux formali għaż-żgħażagħ u għall-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ;

(c) jippromwovu żvilupp sostenibbli u inklużiv billi jinvolvu ruħhom fi djalogu bil-għan li jappoġġaw kampanji ta' sensibilizzazzjoni mmirati lejn iż-żgħażagħ fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u n-nondiskriminazzjoni.

3. F'dak il-qafas, huma se jwettqu ħidma konġunta biex jiġġieldu l-bullying u l-vjolenza fl-istabbilimenti edukattivi.

Artikolu 5.7

Kultura

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw f'fora internazzjonali rilevanti, b'mod partikolari l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura (UNESCO), sabiex isegwu objettivi komuni u jrawmu d-diversità kulturali, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali tal-UNESCO, adottata f'Pariġi fl-20 ta' Ottubru 2005.

2. Il-Partijiet għandhom jippromwovu djalogu u kooperazzjoni aktar mill-qrib fis-setturi kulturali u kreattivi, inkluż fir-rigward ta' teknoloġiji emerġenti u ġodda u l-media awdjoviżiva, filwaqt li jżommu f'moħħhom il-ftehimiet bilaterali eżistenti bejn iċ-Ċilì u l-Istati Membri, sabiex itejbu, *inter alia*, il-fehim reċiproku u l-għarfien tal-kulturi u l-iskambji rispettivi tagħhom f'dan il-qasam.

3. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jieħdu miżuri xierqa biex jippromwovu l-iskambji kulturali u jwettqu inizjattivi konġunti f'diversi oqsma kulturali, inkluża l-koproduzzjoni fl-industriji tal-media, tal-films u tat-televiżjoni, bl-użu ta' strumenti u oqfsa ta' kooperazzjoni disponibbli.

4. Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu d-djalogu interkulturali bejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kif ukoll bejn individwi mill-Partijiet.

Artikolu 5.8

Riċerka u innovazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fil-qasam tar-riċerka xjentifika, tal-iżvilupp teknoloġiku u tal-innovazzjoni fuq il-bażi ta' interess komuni u ta' benefiċċju reċiproku, f'konformità mar-regoli u mad-dispożizzjonijiet interni tagħhom. Dik il-kooperazzjoni għandu jkollha l-għan li tippromwovi l-iżvilupp soċjali u ekonomiku, tindirizza l-isfidi globali tas-soċjetà,

tikseb eċċellenza xjentifika, ittejjeb il-kompetittività reġjonali, kif ukoll issaħħaħ ir-relazzjonijiet bejn il-Partijiet, li jwasslu għal sħubijiet dejjiema. Il-Partijiet għandhom irawmu d-djalogu politiku u jużaw l-istrumenti differenti tagħhom, bħall-Ftehim għall-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċilì, li sar fi Brussell fit-23 ta' Settembru 2002, b'mod komplementari.

2. Il-Partijiet għandhom ifittxu li:

(a) itejbu l-kundizzjonijiet għall-mobilità tar-riċerkaturi, tax-xjenzati, tal-esperti, tal-istudenti u tal-imprendituri u għall-moviment ta' materjal u ta' tagħmir bejn il-fruntieri;

(b) jiffaċilitaw l-aċċess reċiproku għall-programmi tax-xjenza, tat-teknoloġija u tal-innovazzjoni, għall-infrastrutturi u l-faċilitajiet tar-riċerka, għall-pubblikazzjonijiet u għad-*data* xjentifika ta' xulxin;

(c) iżidu l-kooperazzjoni fir-riċerka u fl-istandardizzazzjoni prenormattivi;

(d) jippromwovu prinċipji komuni għal trattament ġust u ekwu tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fi proġetti ta' riċerka u innovazzjoni;

(e) jinkoraġġixxu djalogu politiku dwar l-innovazzjoni, immirat b'mod partikolari lejn l-SMEs, bil-ħsieb li jiġu ġġenerati prodotti u servizzi ġodda u tiġi stimulata l-innovazzjoni teknoloġika u l-intraprenditorija;

(f) iżidu l-għadd ta' proġetti kummerċjali konġunti applikati għar-riċerka u l-iżvilupp li jfittxu li jiġġeneraw soluzzjonijiet innovattivi għal problemi u sfidi komuni;

(g) irawmu networks u rabtiet bejn l-istituzzjonijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni – bħall-universitajiet u ċ-ċentri u l-kumpaniji tar-riċerka, fir-reġjuni tal-Partijiet għall-iżvilupp ta' attivitajiet qrib is-suq;

(h) jappoġġaw programmi ta' innovazzjoni soċjali u pubbliċi li għandhom l-għan li jtejbu l-iżvilupp soċjali tar-reġjuni u b'mod partikolari l-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini;

(i) jippromwovu l-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki, politiki u strateġiji, inklużi sfidi globali, bejn dawk li jfasslu l-politika, l-aġenziji tal-innovazzjoni u partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn.

3. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-attivitajiet li ġejjin li għandhom jinvolvu lill-organizzazzjonijiet tal-gvern, liċ-ċentri tar-riċerka pubbliċi u privati, lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, lill-aġenziji u lin-networks tal-innovazzjoni, kif ukoll lil partijiet ikkonċernati oħrajn, inklużi SMEs:

(a) inizjattivi konġunti sabiex tinħoloq sensibilizzazzjoni fuq programmi dwar ix-xjenza, it-teknoloġija, l-innovazzjoni u l-bini tal-kapaċitajiet u opportunitajiet għall-parteċipazzjoni fil-programmi ta' xulxin;

(b) laqgħat u workshops konġunti mmirati lejn l-iskambju ta' informazzjoni, tal-aħjar prattiki u l-identifikazzjoni ta' oqsma għar-riċerka konġunta;

(c) azzjonijiet konġunti u kofinanzjati ta' riċerka u innovazzjoni, inklużi networks tematiċi, f'oqsma ta' interess komuni;

(d) valutazzjoni u evalwazzjoni rikonoxxuti reċiprokament tal-kooperazzjoni xjentifika u tal-innovazzjoni, u d-disseminazzjoni tar-riżultati korrispondenti.

Artikolu 5.9

Kooperazzjoni polari

Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tad-djalogu u l-kooperazzjoni fil-livell bilaterali u multilaterali fi kwistjonijiet polari. Din il-kooperazzjoni għandha tiġi mgħoddija permezz ta' djalogu espert u skambju tal-aħjar prattiki, inkluż fil-qafas tal-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tar-Riżorsi Ħajjin tal-Baħar Antartiku.

Artikolu 5.10

Il-politika diġitali

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li t-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni ("ICT") itejbu l-iżvilupp ekonomiku, edukattiv u soċjali. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw fehmiet dwar il-politiki rispettivi tagħhom f'dan il-qasam.

2. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fuq politiki tal-ICT. Din il-kooperazzjoni tista' tinkludi:

(a) l-iskambju ta' fehmiet dwar l-aspetti differenti tal-istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-politiki u r-regolamentazzjoni tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, inkluż l-aċċess għas-servizzi tal-broadband, il-protezzjoni tal-privatezza u tad-*data* personali, il-gvern elettroniku, il-gvern miftuħ, id-*data* miftuħa, is-sigurtà tal-internet, is-saħħa elettronika, u l-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji;

(b) l-iskambju ta' fehmiet dwar in-newtralità netta, bħala prinċipju biex jiġi promoss internet ħieles u miftuħ, u l-ħolqien ta' servizzi u applikazzjonijiet online u l-aċċess għalihom għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha;

(c) il-promozzjoni tal-ICT bħala mezz ta' żvilupp soċjali, kulturali u ekonomiku, l-inklużjoni soċjali u diġitali u d-diversità kulturali kif ukoll għodda essenzjali biex tiġi stimulata l-konnettività fl-iskejjel u biex jiġu żviluppati networks ta' riċerka u akkademiċi;

(d) l-iżvilupp tal-interkonnessjoni u tal-interoperabbiltà tan-networks ta' riċerka, tal-infrastrutturi u tas-servizzi tal-computing u tad-*data* xjentifika, u l-promozzjoni ta' żvilupp bħal dan fil-kuntest reġjonali tagħhom;

(e) il-kooperazzjoni fil-qasam tal-gvern elettroniku u tas-servizzi fiduċjarji bħall-firma elettronika u l-identifikazzjoni elettronika, b'enfasi fuq l-iskambju ta' prinċipji ta' politika, ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki dwar l-użu tal-ICT għall-immodernizzar tal-amministrazzjoni pubblika u għall-promozzjoni ta' servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja u ġestjoni trasparenti tar-riżorsi pubbliċi;

(f) l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-istandards, il-valutazzjoni tal-konformità u l-approvazzjoni tat-tip, *inter alia,* biex jiġi ffaċilitat il-kummerċ;

(g) il-promozzjoni tal-iskambju u tat-taħriġ ta' speċjalisti, b'mod partikolari professjonisti żgħażagħ u nisa;

(h) il-promozzjoni tal-ħiliet diġitali.

Artikolu 5.11

L-edukazzjoni u l-edukazzjoni għolja

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fil-qasam tal-edukazzjoni bil-għan li jappoġġaw l-iżvilupp tal-kapital uman, b'mod partikolari fil-livell tal-edukazzjoni għolja.

2. Sabiex jappoġġaw il-kwalità u l-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-edukazzjoni għolja, il-Partijiet għandhom:

(a) jippromwovu l-mobbiltà tal-istudenti, tal-akkademiċi u tal-persunal amministrattiv permezz ta' programmi eżistenti jew ġodda;

(b) isaħħu l-kapaċitajiet fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja;

(c) itejbu l-mekkaniżmi għar-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-perjodi ta' studju barra mill-pajjiż, f'konformità mal-liġi ta' kull Parti.

Artikolu 5.12

In-navigazzjoni ċivili bis-satellita, l-osservazzjoni tad-dinja u attivitajiet spazjali oħrajn

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-attivitajiet spazjali għandhom impatt pożittiv fuq l-iżvilupp ambjentali ekonomiku, soċjali u sostenibbli u fuq il-kompetittività industrijali.

2. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw, f'konformità mal-konvenzjonijiet internazzjonali u l-liġi rispettiva tagħhom, dwar kwistjonijiet ta' interess komuni fil-qasam tal-attivitajiet tal-ispazju ċivili, bħal:

(a) ir-riċerka spazjali, inkluż dwar in-navigazzjoni bis-satellita u l-osservazzjoni tad-dinja permezz tal-parteċipazzjoni f'Orizzont Ewropa;

(b) il-kooperazzjoni dwar l-applikazzjonijiet u s-servizzi tas-sistemi globali tan-navigazzjoni bis-satellita, inkluż b'mod partikolari r-riċerka xjentifika, il-kooperazzjoni industrijali, il-kummerċ u l-iżvilupp tas-suq, l-istandards tal-applikazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni u l-miżuri regolatorji;

(c) l-iżvilupp ta' sistemi ta' awmentazzjoni bis-satellita, b'mod partikolari għat-trasport bl-ajru jew għas-sistemi ta' awmentazzjoni, il-protezzjoni reċiproka tal-infrastruttura tas-sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita, il-kooperazzjoni dwar l-interoperabbiltà, il-kompatibbiltà u l-użu tal-ispettru;

(d) l-osservazzjoni tad-dinja u x-xjenza tad-dinja, inkluża l-kooperazzjoni f'fora multilaterali u b'mod partikolari l-Grupp dwar l-Osservazzjonijiet tad-Dinja ("GEO") u l-Kumitat dwar is-Satellita għall-Osservazzjoni tad-Dinja ("CEOS"), li jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà u li jiġu ffaċilitati s-sħubijiet tan-negozju u tal-innovazzjoni dwar osservazzjoni tad-dinja fil-qafas tal-komponent Copernicus tal-Programm Spazjali tal-Unjoni billi jiġu identifikati oqsma ta' interess komuni;

(e) il-komunikazzjonijiet bis-satellita.

Artikolu 5.13

Turiżmu

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fil-qasam tat-turiżmu bil-għan li jtejbu l-iskambju ta' informazzjoni u jistabbilixxu l-aħjar prattiki sabiex jiżguraw żvilupp ibbilanċjat u sostenibbli tat-turiżmu u biex jappoġġaw il-ħolqien ta' impjiegi, l-iżvilupp ekonomiku u t-titjib tal-kwalità tal-ħajja.

2. Il-Partijiet għandhom jiffokaw b'mod partikolari fuq:

(a) is-salvagwardja u l-massimizzazzjoni tal-potenzjal tal-wirt naturali u kulturali;

(b) ir-rispett tal-integrità u l-interessi tal-komunitajiet lokali;

(c) il-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn ir-reġjuni tal-Partijiet u r-reġjuni u l-muniċipalitajiet tal-pajjiżi ġirien;

(d) il-promozzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni u tal-kooperazzjoni għall-industriji kreattivi u tal-innovazzjoni fis-settur tat-turiżmu.

Artikolu 5.14

Statistika

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fil-qasam tal-istatistika.

2. Din il-kooperazzjoni tista' tinkludi:

(a) il-promozzjoni tal-armonizzazzjoni tal-metodoloġiji tal-istatistika sabiex tittejjeb il-komparabbiltà tad-*data*;

(b) il-produzzjoni u t-tixrid ta' statistika uffiċjali u l-iżvilupp ta' indikaturi;

(c) l-iskambju ta' għarfien u ta' prattiki tajba bejn l-istituzzjonijiet uffiċjali taċ-Ċilì responsabbli minn kwistjonijiet u proċeduri statistiċi u l-kontropartijiet tagħhom fl-Unjoni Ewropea.

Artikolu 5.15

Trasport

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fl-oqsma rilevanti tal-politika tat-trasport, inkluża l-politika integrata tat-trasport, bil-għan li jiżviluppaw u jappoġġaw sistema tat-trasport effiċjenti, sostenibbli, sikura, sigura u li tirrispetta l-ambjent kemm għall-passiġġieri kif ukoll għall-merkanzija.

2. Din il-kooperazzjoni għandu jkollha l-għan li tippromwovi:

(a) l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-politiki, l-istandards u l-aħjar prattiki tat-trasport rispettivi tagħhom u suġġetti oħrajn ta' interess reċiproku;

(b) l-interkonnessjoni u l-interoperabbiltà tan-networks;

(c) approċċ ta' sistema tat-trasport multimodali;

(d) ambjent favorevoli għall-investiment;

(e) is-sikurezza u s-sigurtà tas-sistemi tat-trasport;

(f) kwistjonijiet tat-trasport relatati mal-ambjent;

(g) soluzzjonijiet ta' trasport b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jew mingħajr karbonju, riċerka u innovazzjoni, soluzzjonijiet intelliġenti u diġitali;

(h) djalogu u kooperazzjoni bejn l-esperti fi ħdan fora internazzjonali tat-trasport;

(i) soluzzjonijiet ta' trasport sostenibbli inkluż fir-rigward tal-mobbiltà urbana; u

(j) il-faċilitazzjoni tal-kummerċ, aktar effiċjenza u ottimizzazzjoni tal-operazzjonijiet tat-trasport u l-loġistika permezz tad-diġitalizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar fil-modi kollha tat-trasport.

KAPITOLU 6

OQSMA OĦRAJN

Artikolu 6.1

Politiki makroekonomiċi

Il-Partijiet għandhom jikkooperaw u jippromwovu l-iskambju ta' informazzjoni u fehmiet dwar il-politiki u x-xejriet makroekonomiċi.

Artikolu 6.2

Kwistjonijiet ta' taxxa

Il-Partijiet jirrikonoxxu u jieħdu l-impenn li jimplimentaw il-prinċipji ta' governanza tajba fil-qasam tat-taxxa, inklużi l-istandards globali dwar it-trasparenza, l-iskambju ta' informazzjoni u l-istandards minimi kontra l-erożjoni tal-bażi tat-taxxa u trasferiment tal-profitti (BEPS), kif ukoll li jeliminaw prattiki tat-taxxa dannużi. Il-Partijiet se jippromwovu kundizzjonijiet ekwi u se jaħdmu lejn it-titjib tal-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tat-taxxa sabiex jipprevjenu l-evitar u l-evażjoni tat-taxxa.

Artikolu 6.3

Politika dwar il-konsumatur

Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u għandhom, għal dak l-għan, jagħmlu ħilithom sabiex jikkooperaw fil-qasam tal-politika tal-konsumatur. Il-Partijiet jaqblu li din il-kooperazzjoni tista' tinvolvi, sa fejn ikun possibbli:

(a) l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-oqfsa rispettivi tagħhom għall-protezzjoni tal-konsumatur, inkluż dwar il-liġijiet tal-konsumatur, is-sikurezza tal-prodotti għall-konsumatur, ir-rimedju għall-konsumatur u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni dwar il-konsumatur;

(b) it-tħeġġiġ tal-iżvilupp ta' assoċjazzjonijiet tal-konsumatur indipendenti u ta' kuntratti bejn rappreżentanti tal-konsumatur.

Artikolu 6.4

Saħħa pubblika

Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw fi kwistjonijiet tas-saħħa pubblika, b'mod partikolari fir-rigward tal-prevenzjoni u l-kontroll ta' mard li jittieħed, it-tħejjija għall-ġlieda kontra tifqigħat ta' mard b'patoġeniċità għolja, l-infurzar tar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (2005), adottati fit-23 ta' Mejju 2005 mill-Assemblea Dinjija tas-Saħħa, u l-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi.

Artikolu 6.5

Il-kooperazzjoni fl-isport u fl-attività fiżika

Il-Partijiet se jikkooperaw fil-qasam tal-isport u tal-attività fiżika bħala mod kif jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' stil ta' ħajja attiv u tajjeb għas-saħħa, inkluż il-promozzjoni tal-attività fiżika li ttejjeb is-saħħa fil-gruppi kollha tal-età, il-promozzjoni tar-rwoli soċjali u l-valuri edukattivi tal-isport, u l-ġlieda kontra t-theddid kontra l-isport, bħad-doping, ix-xiri tal-logħob, ir-razziżmu u l-vjolenza.

KAPITOLU 7

IL-MODERNIZZAZZJONI TAL-ISTAT U TAS-SERVIZZ PUBBLIKU, ID-DEĊENTRALIZZAZZJONI, IL-POLITIKA REĠJONALI U L-KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI

Artikolu 7.1

Il-modernizzazzjoni tal-Istat

Fil-kuntest tad-djalogu u l-kooperazzjoni politiċi tagħhom, il-Partijiet se jaħdmu lejn l-iskambju ta' esperjenzi fi kwistjonijiet relatati mal-modernizzazzjoni u d-deċentralizzazzjoni tal-Istat u tal-amministrazzjoni pubblika, it-teħid ta' tagħlimiet mill-aħjar prattiki tal-Partijiet fl-effettività organizzazzjonali globali u l-leġiżlazzjoni u l-qafas istituzzjonali eżistenti bil-għan li tinkiseb governanza tajba, inkluż dan li ġej:

(a) ir-rikonoxximent tal-awtonomija u r-rwol tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar fil-promozzjoni ta' governanza tajba fil-livelli kollha billi jiġu żgurati l-effiċjenza, ir-responsabbiltà, l-effettività u t-trasparenza;

(b) il-promozzjoni tat-trasparenza u r-responsabbiltà fil-politiki pubbliċi u t-teħid ta' deċiżjonijiet fir-rigward taċ-ċittadinanza tagħhom, u t-tisħiħ tar-rwol tas-soċjetà ċivili f'dan il-qasam;

(c) il-promozzjoni ta' kultura ta' integrità u ta' korrettezza fis-servizz pubbliku li tinkludi s-soċjetà kollha kemm hi, f'kollaborazzjoni mas-settur privat u mas-soċjetà ċivili;

(d) il-promozzjoni, l-appoġġ u l-inkoraġġiment tal-innovazzjoni fis-settur pubbliku, l-għoti ta' soluzzjonijiet għall-problemi u l-isfidi tal-livelli u l-oqsma ta' ħidma differenti tiegħu, sabiex jiġġeneraw valur pubbliku fl-ekosistema tal-innovazzjoni u fis-soċjetà.

Artikolu 7.2

Il-politika reġjonali u d-deċentralizzazzjoni

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-politiki maħsuba biex jippromwovu żvilupp reġjonali u territorjali bbilanċjat u sostenibbli. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tar-reġjuni u tal-ħidma mal-gvernijiet subnazzjonali, u kif huma jistgħu jżidu għarfien importanti dwar il-politiki pubbliċi f'konformità mar-rekwiżiti tad-deċentralizzazzjoni futura taċ-Ċilì.

2. Il-Partijiet se jikkooperaw, kull meta jkun possibbli, bil-ħsieb li jtejbu s-sistemi ta' governanza f'livelli differenti, il-bini tal-kapaċitajiet permezz ta' skambji ta' esperjenzi u prattiċi u apprendiment reċiproku, dwar soluzzjonijiet sostenibbli għall-isfidi tal-iżvilupp territorjali u reġjonali, dwar politiki li għandhom l-għan li jippromwovu l-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali, inkluża l-kooperazzjoni transfruntiera, dwar l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-politika reġjonali u l-organizzazzjoni ta' strateġiji ta' żvilupp territorjali u dwar kwistjonijiet ta' sħubija, proċeduri u metodi ta' ppjanar u evalwazzjoni, innovazzjoni reġjonali u politiki ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti.

3. Il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jsaħħu u jespandu, kull meta jkun possibbli, id-dinamika u l-opportunitajiet għall-kollaborazzjoni bejn ir-reġjuni tal-Unjoni Ewropea u r-reġjuni taċ-Ċilì permezz tat-tfassil u l-eżekuzzjoni ta' programmi u proġetti konġunti mmirati lejn l-iżvilupp, *inter alia*, reġjonali u territorjali.

4. Il-Partijiet se jfittxu li jiskambjaw esperjenzi u prattiki tajba dwar l-interrelazzjonijiet bejn id-deċentralizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika reġjonali.

Artikolu 7.3

Kooperazzjoni interistituzzjonali

1. Il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jinkoraġġixxu u jiffaċilitaw djalogu u kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-istituzzjonijiet ikkonċernati fi kwalunkwe wieħed mill-oqsma koperti b'dan il-Ftehim. Għal dak il-għan, il-Partijiet se jħeġġu kuntatti bejn l-istituzzjonijiet tal-Gvern taċ-Ċilì u s-settur pubbliku u istituzzjonijiet rilevanti oħrajn taċ-Ċilì mal-kontropartijiet tagħhom fl-Unjoni Ewropea biex jindirizzaw l-usa' kooperazzjoni settorjali possibbli, li tista' tinkludi:

(a) il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni;

(b) it-taħriġ u l-appoġġ organizzazzjonali;

(c) l-assistenza teknika pprovduta lill-istituzzjonijiet taċ-Ċilì responsabbli għall-ġenerazzjoni, l-eżekuzzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki pubbliċi u għall-għoti ta' informazzjoni dwar dawn il-politiki, inklużi laqgħat tal-persunal tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ma' kontropartijiet miċ-Ċilì;

(d) l-iskambju regolari ta' informazzjoni, kif meqjus xieraq, inkluż permezz tal-użu ta' teknoloġiji tal-komunikazzjoni tal-informazzjoni, u l-iżvilupp ta' networks tal-informazzjoni, filwaqt li tiġi ssalvagwardjata l-protezzjoni tad-*data* personali fl-oqsma kollha fejn ikun meħtieġ l-iskambju tad-*data*;

(e) l-iskambju ta' informazzjoni u ta' prattiki tajba rigward id-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri tal-Istat relatati mal-forniment ta' servizzi liċ-ċittadini;

(f) it-trasferiment ta' għarfien speċjalizzat;

(g) l-istudji preliminari u eżekuzzjoni konġunta ta' proġetti li jinvolvu kontribuzzjoni finanzjarja proporzjonata;

(d) l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni inklużi punti fokali, skedi ta' żmien u mekkaniżmi ta' valutazzjoni;

(d) il-kontribut għall-ġenerazzjoni ta' kapaċitajiet, kompetenzi u ħiliet fil-qasam tal-innovazzjoni pubblika.

2. Il-Partijiet, bi ftehim reċiproku, jistgħu jżidu oqsma ta' azzjoni oħrajn ma' dawk imsemmija fil-paragrafu 1.

PARTI III

KUMMERĊ U KWISTJONIJIET RELATATI MAL-KUMMERĊ

KAPITOLU 8

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U ISTITUZZJONALI

TAQSIMA A

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 8.1

Stabbiliment ta' żona ta' kummerċ ħieles

Il-Partijiet b'dan jistabbilixxu żona ta' kummerċ ħieles, f'konformità mal-*Artikolu* XXIV ta' GATT tal-1994 u mal-*Artikolu* V ta' GATS.

Artikolu 8.2

Objettivi

L-objettivi ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim huma:

(a) l-espansjoni u d-diversifikazzjoni tal-kummerċ fil-merkanzija, f'konformità mal-*Artikolu* XXIV ta' GATT tal-1994, bejn il-Partijiet permezz tat-tnaqqis jew l-eliminazzjoni ta' ostakli tariffarji u mhux tariffarji għall-kummerċ;

(b) il-faċilitazzjoni tal-kummerċ fil-merkanzija, b'mod partikolari permezz tad-dispożizzjonijiet dwar il-faċilitazzjoni doganali u kummerċjali, l-istandards, ir-regolamenti tekniċi, il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità, u l-miżuri sanitarji u fitosanitarji, filwaqt li jiġi ppreservat id-dritt ta' kull Parti li tirregola biex jintlaħqu l-objettivi tal-politika pubblika;

(c) il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ fis-servizzi, f'konformità mal-*Artikolu* V tal-GATS;

(d) l-iżvilupp ta' klima ekonomika li twassal għal żieda fil-flussi tal-investiment, it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-istabbiliment abbażi tal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni filwaqt li jiġi ppreservat id-dritt ta' kull Parti li tadotta u tinforza miżuri meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi leġittimi tal-politika;

(e) il-faċilitazzjoni tal-kummerċ fis-servizzi u tal-investiment bejn il-Partijiet inkluż permezz tat-trasferiment liberu ta' pagamenti kurrenti u permezz ta' movimenti kapitali;

(f) l-iżvilupp ta' ambjent favorevoli għall-investiment billi jiġu pprovduti regoli trasparenti, stabbli u prevedibbli li jiggarantixxu trattament ġust lill-investituri u l-istabbiliment ta' sistema tal-qorti biex issolvi t-tilwim bejn l-investituri u l-istat b'mod effettiv, ġust u prevedibbli;

(g) il-ftuħ effettiv u reċiproku tas-swieq tal-akkwist pubbliku tal-Partijiet;

(h) il-promozzjoni tal-innovazzjoni u tal-kreattività billi tiġi żgurata l-protezzjoni adegwata u effettiva tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali f'konformità mal-obbligi internazzjonali applikabbli bejn il-Partijiet;

(i) il-promozzjoni ta' kundizzjonijiet li jrawmu kompetizzjoni mingħajr distorsjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-kummerċ u l-investiment bejn il-Partijiet;

(j) l-iżvilupp tal-kummerċ internazzjonali b'mod li jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tiegħu; kif ukoll

(k) l-istabbiliment ta' mekkaniżmu effettiv, ġust u prevedibbli għas-soluzzjoni tat-tilwim sabiex jiġi solvut tilwim dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 8.3

Definizzjonijiet ta' applikazzjoni ġenerali

Għall-finijiet ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim, l-Annessi 9, 10-A sa 10-E, 13-A sa 13-H, 15-A, 15-B, 16-A, 16-B, 16-C, 17-A sa 17-I, 19-A, 19-B, 19-C, 21-A, 21-B, 25, 28-A, 28-B, 29, 32-A, 32-B, 32-C, 38-A u 38-B u l-Protokolli ta' dan il-Ftehim:

(a) "Ftehim dwar l-Agrikoltura" tfisser il-Ftehim dwar l-Agrikoltura fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

(b) "Ftehim dwar l-Anti-Dumping" tfisser il-Ftehim dwar l-Implimentazzjoni tal-*Artikolu* VI tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

(c) "dazju doganali" tfisser kwalunkwe dazju jew imposta ta' kwalunkwe tip imposta fuq l-importazzjoni ta' oġġett jew b'rabta magħha, iżda ma tinkludix:

(i) imposta ekwivalenti għal taxxa interna imposta f'konformità mal-*Artikolu* 9.4 ta' dan il-Ftehim;

(ii) dazju anti-dumping, dazju ta' salvagwardja speċjali, kompensatorju jew ta' salvagwardja applikat f'konformità ma' GATT tal-1994, mal-Ftehim dwar l-Anti-dumping, mal-Ftehim dwar l-Agrikoltura, mal-Ftehim SCM u mal-Ftehim dwar is-Salvagwardji, kif xieraq; kif ukoll

(iii) tariffa jew imposta oħra imposta fuq jew b'rabta ma' importazzjoni li hija limitata fl-ammont għall-kost approssimattiv tas-servizzi mogħtijin;

(d) "CPC" tfisser il-Klassifikazzjoni Provviżorja Ċentrali tal-Prodotti (Dokumenti dwar l-Istatistika, Serje M, Nru. 77, Dipartiment tal-Affarijiet Ekonomiċi u Soċjali tan-Nazzjonijiet Uniti, Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, New York, 1991);

(e) "jiem" tfisser jiem kalendarji, inklużi tmiem il-ġimgħa u festi;

(f) "eżistenti" tfisser b'effett fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim;

(g) "GATS" tfisser il-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi fl-Anness 1B tal-Ftehim tad-WTO;

(h) "GATT tal-1994" tfisser il-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ 1994 fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

(i) "oġġett ta' Parti" tfisser oġġett domestiku kif mifhum fil-GATT tal-1994, u jinkludi oġġetti li joriġinaw f'dik il-Parti;

(j) "Sistema Armonizzata" jew "SA" tfisser is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikazzjoni tal-Merkanzija, inklużi r-Regoli Ġenerali tagħha ta' Interpretazzjoni, Noti tat-Taqsima, Noti tal-Kapitolu u Noti tal-Intestaturi, żviluppata mill-Organizzazzjoni Dinjija Doganali;

(k) "intestatura" tfisser l-ewwel erba' figuri fin-numru tal-klassifikazzjoni tariffarja skont is-Sistema Armonizzata;

(l) persuna ġuridika tfisser kwalunkwe entità legali debitament kostitwita jew organizzata mod ieħor skont il-liġi applikabbli, sew jekk tkun għal skopijiet ta' profitt jew mod ieħor, u sew jekk tkun proprjetà privata jew pubblika, fosthom kwalunkwe korporazzjoni, fond, sħubija, impriża konġunta, kumpanija b'membru wieħed jew assoċjazzjoni;

(m) "miżura" tfisser kwalunkwe miżura fil-forma ta' liġi, ta' regolament, ta' regola, ta' proċedura, ta' deċiżjoni, ta' azzjoni amministrattiva, ta' rekwiżit, ta' prattika, jew kwalunkwe forma oħra;

(n) "miżura ta' Parti" tfisser kwalunkwe miżura adottata jew miżmuma minn: ([2])

(i) il-gvernijiet u l-awtoritajiet fil-livelli kollha;

([2]) Għal aktar ċertezza, "miżura" tinkludi ommissjonijiet ta' Parti biex tieħu azzjonijiet li huma meħtieġa biex tissodisfa l-obbligi tagħha skont dan il-Ftehim.

(ii) korpi mhux governattivi fl-eżerċitar tas-setgħat delegati mill-gvernijiet jew mill-awtoritajiet fil-livelli kollha ([3]); jew

(iii) kwalunkwe entità li fil-fatt taġixxi fuq l-istruzzjonijiet ta' Parti jew taħt id-direzzjoni jew il-kontroll tagħha fir-rigward tal-miżura ([4]);

(o) "persuna fiżika" tfisser:

(i) għall-Parti tal-UE, ċittadin ta' Stat Membru, skont il-liġi tiegħu ([5]); kif ukoll

(ii) għaċ-Ċilì, ċittadin taċ-Ċilì, skont il-liġi tiegħu;

(p) "oġġett oriġinarju" tfisser oġġett li jikkwalifika skont ir-regoli tal-oriġini stabbiliti fil-Kapitolu 10;

(q) "persuna" tfisser jew persuna fiżika jew persuna ġuridika;

(r) "*data* personali" tfisser kwalunkwe informazzjoni relatata ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli;

(s) "Ftehim ta' Salvagwardji" tfisser il-Ftehim dwar is-Salvagwardji fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

(t) "miżura sanitarja jew fitosanitarja" tfisser kwalunkwe miżura msemmija fil-paragrafu 1 tal-Anness A tal-Ftehim SPS;

(u) "Ftehim SCM" tfisser il-Ftehim dwar is-Sussidji u l-Miżuri ta' Kumpens fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

(v) "Ftehim SPS" tfisser il-Ftehim dwar l-Applikazzjoni ta' Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

(w) "Ftehim dwar l-OTK" tfisser il-Ftehim dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

(x) "Ftehim TRIPS" tfisser il-Ftehim dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ fl-Anness 1C tal-Ftehim tad-WTO; kif ukoll

(y) "il-Ftehim WTO" tfisser il-Ftehim ta' Marrakexx li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ magħmul f'Marrakexx fil-15 ta' April 1994.

Artikolu 8.4

Ir-relazzjoni mal-Ftehim tad-WTO u ma' ftehimiet eżistenti oħra li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim

1. Il-Partijiet jaffermaw id-drittijiet u l-obbligi tagħhom lejn xulxin skont il-Ftehim tad-WTO u ftehimiet eżistenti oħrajn li huma parti għalihom u li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim.

2. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jiġi interpretat fis-sens li jobbliga lil xi Parti taġixxi b'mod inkonsistenti mal-obbligi tagħha skont il-Ftehim tad-WTO.

([3]) Għal aktar ċertezza, l-obbligi ta' Parti skont dan il-Ftehim għandhom japplikaw għal intrapriża tal-Istat jew għal persuna oħra meta teżerċita kwalunkwe awtorità regolatorja jew amministrattiva jew awtorità governattiva oħra delegata lilha minn dik il-Parti, bħall-awtorità li tesproprja, toħroġ liċenzji, tapprova tranżazzjonijiet kummerċjali jew timponi kwoti, tariffi jew spejjeż oħrajn.

([4]) Għal ċertezza akbar, jekk Parti tiddikjara li entità qiegħda taġixxi kif imsemmi fis-subparagrafu (iii), dik il-Parti għandha l-oneru tal-prova u għandha tal-anqas tipprovdi indikazzjonijiet solidi.

([5]) Għall-finijiet tal-Kapitoli 17 u 27, id-definizzjoni ta' "persuna fiżika" tinkludi wkoll persuna fiżika li tirrisjedi b'mod permanenti fir-Repubblika tal-Latvja li ma hijiex ċittadina tar-Repubblika tal-Latvja jew ta' kwalunkwe Stat ieħor iżda li hija intitolata, skont il-liġi tar-Repubblika tal-Latvja, li tirċievi passaport ta' persuna mhux ċittadina.

3. F'każ ta' kwalunkwe inkonsistenza bejn dan il-Ftehim u kwalunkwe ftehim eżistenti ieħor għajr il-Ftehim tad-WTO li għalihom huma parti ż-żewġ Partijiet u li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw ma' xulxin minnufih bl-għan li jsibu soluzzjoni sodisfaċenti b'mod reċiproku.

TAQSIMA B

Dispożizzjonijiet istituzzjonali

Artikolu 8.5

Funzjonijiet speċifiċi tal-Kunsill Konġunt li jaġixxi fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ

1. Meta l-Kunsill Konġunt stabbilit skont l-*Artikolu* 40.1 jindirizza kwistjonijiet relatati ma' din il-Parti ta' dan il-Ftehim, [6] dan jista':

(a) jadotta deċiżjonijiet biex jemenda:

(i) l-iskedi tariffarji fl-Appendiċijiet 9-1 u 9-2 sabiex titħaffef l-eliminazzjoni tat-tariffi;

(ii) il-Kapitolu 10 u l-Annessi 10-A sa 10-E;

(iii) l-Annessi 13-F u 13-G, u l-Appendiċi 13-E-1;

(iv) l-Annessi 16-A, 16-D, 16-E, u l-paragrafu 1 tal-Anness 16-B;

(v) l-Anness 21-B;

(vi) l-Anness 29;

(vii) id-definizzjoni ta' "sussidju" fl-*Artikolu* 31.2(1) sa fejn dan ikun relatat ma' intrapriżi li jipprovdu servizzi, bil-ħsieb li jiġi inkorporat l-eżitu ta' diskussjonijiet futuri fid-WTO jew f'fora plurilaterali relatati dwar dik il-kwistjoni;

(viii) l-Anness 32-A fir-rigward tar-referenzi għal-liġi applikabbli fil-Partijiet;

(ix) l-Anness 32-B fir-rigward tal-kriterji li għandhom jiġu inklużi fil-proċedura ta' oppożizzjoni;

(x) l-Anness 32-C fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi;

(xi) l-Annessi 38-A u 38-B; kif ukoll

(xii) kwalunkwe dispożizzjoni, anness, appendiċi jew protokoll ieħor, li l-emenda tiegħu hija prevista f'din il-Parti ta' dan il-Ftehim;

(b) jadotta deċiżjonijiet biex joħroġ interpretazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Parti tal-Ftehim, li għandhom ikunu vinkolanti fuq il-Partijiet u l-korpi kollha stabbiliti skont dawn il-Parti tal-Ftehim u l-bordijiet imsemmija fil-Kapitoli 33 u 38;

(c) jistabbilixxi Sottokumitati addizzjonali u korpi oħra responsabbli għal kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Parti tal-Ftehim skont l-*Artikolu* 40.3(3); kif ukoll

(d) jekk iqis li dan ikun xieraq, jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tas-Sottokumitati u ta' korpi oħra stabbiliti skont l-*Artikolu* 8.8 u s-subparagrafu (c) ta' dan il-paragrafu.

2. L-aġenda ta' laqgħa tal-Kunsill Konġunt li jaġixxi fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ għandha tiġi stabbilita mill-koordinaturi għal din il-Parti ta' dan il-Ftehim, skont l-*Artikolu* 8.7(2).

[6] Għal aktar ċertezza, iċ-Ċilì se jimplimenta kwalunkwe deċiżjoni adottata mill-Kunsill Konġunt li jaġixxi fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ permezz ta' *acuerdos de ejecución* (ftehimiet eżekuttivi), f'konformità mal-liġi Ċilena.

Artikolu 8.6

Funzjonijiet speċifiċi tal-Kumitat Konġunt li jaġixxi fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ

1. Meta l-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-*Artikolu* 40.2 jindirizza kwistjonijiet relatati ma' din il-Parti ta' dan il-Ftehim, ([7]) dan għandu:

(a) jassisti lill-Kunsill Konġunt fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu dwar kwistjonijiet ta' kummerċ u ta' investiment;

(b) ikun responsabbli għall-implimentazzjoni xierqa ta' din il-Parti tal-Ftehim; f'dan ir-rigward, u mingħajr preġudizzju għad-drittijiet stabbiliti skont il-Kapitolu 38, Parti tista' tirreferi kwalunkwe kwistjoni relatata mal-applikazzjoni jew mal-interpretazzjoni ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim għal diskussjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt;

(c) jissorvelja l-elaborazzjoni ulterjuri tad-dispożizzjonijiet ta' din il-Parti tal-Ftehim skont kif ikun meħtieġ u jivvaluta r-riżultati miksuba mill-applikazzjoni tagħha;

(d) ifittex modi xierqa kif jipprevjeni u jsolvi problemi li jistgħu jinqalgħu mod ieħor fl-oqsma koperti minn din il-Parti ta' dan il-Ftehim;

(e) jissorvelja l-ħidma tas-Sottokumitati kollha stabbiliti skont l-*Artikolu* 8.8 u s-Sottokumitati stabbiliti skont l-*Artikolu* 40.3(3) li jwettqu kompiti speċifiċi għal din l-Parti ta' dan il-Ftehim; kif ukoll

(f) jeżamina kwalunkwe effett tal-adeżjoni ta' Stat Membru ġdid mal-Unjoni Ewropea fuq din il-Parti ta' dan il-Ftehim.

2. Il-Kumitat Konġunt li jaġixxi fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ jista':

(a) jistabbilixxi Sottokumitati addizzjonali u korpi oħra responsabbli għal kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim skont l-*Artikolu* 40.3(3);

(b) jadotta deċiżjonijiet biex jemenda din il-Parti ta' dan il-Ftehim skont is-subparagrafu (a) tal-*Artikolu* 8.5(1) u biex joħroġ l-interpretazzjonijiet imsemmija fis-subparagrafu (b) tal-*Artikolu* 8.5(1) bejn il-laqgħat tal-Kunsill Konġunt, meta l-Kunsill Konġunt ma jkunx jista' jiltaqa' jew kif previst mod ieħor f'dan il-Ftehim; kif ukoll

(c) jistabbilixxu r-regoli ta' proċedura tas-Sottokumitati u ta' korpi oħra, jekk iqis li dan ikun xieraq, stabbiliti skont l-*Artikolu* 8.8 u s-subparagrafu (a) ta' dan il-paragrafu.

3. L-aġenda ta' laqgħa tal-Kumitat Konġunt li jaġixxi fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ għandha tiġi stabbilita mill-koordinaturi għal din il-Parti ta' dan il-Ftehim, skont l-*Artikolu* 8.7(2).

Artikolu 8.7

Koordinaturi għal din il-Parti ta' dan il-Ftehim

1. Kull Parti għandha taħtar koordinatur għal din il-Parti tal-Ftehim, fi żmien 60 jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u tinnotifika lill-Parti l-oħra bid-dettalji ta' kuntatt ta' dak il-koordinatur.

2. Il-koordinaturi għandhom jistabbilixxu b'mod konġunt l-aġenda u jwettqu t-tħejjijiet l-oħra kollha meħtieġa għal-laqgħat tal-Kunsill Konġunt, tal-Kumitat Konġunt, u tas-Sottokumitati u ta' korpi oħra stabbiliti skont l-*Artikolu* 8.8 jew stabbiliti skont l-*Artikolu* 40.3(3) li jwettqu kompiti speċifiċi għaldin il-Parti ta' dan il-Ftehim. Il-koordinaturi għandhom isegwu d-deċiżjonijiet tal-Kunsill Konġunt u tal-Kumitat Konġunt, li jaġixxu fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ, u d-deċiżjonijiet tas-Sottokumitati fil-każijiet previsti fl-Artikoli 17.39 u 25.20, kif xieraq.

([7]) Għal aktar ċertezza, iċ-Ċilì se jimplimenta kwalunkwe deċiżjoni adottata mill-Kumitat Konġunt li jaġixxi fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ permezz ta' *acuerdos de ejecución* (ftehimiet eżekuttivi), f'konformità mal-liġi Ċilena.

Artikolu 8.8

Sottokumitati u korpi oħra speċifiċi għal din il-Parti ta' dan il-Ftehim

1. Il-Partijiet qegħdin b'dan jistabbilixxu s-Sottokumitati li ġejjin:

(a) is-Sottokumitat Kontra l-Korruzzjoni fil-Kummerċ u l-Investiment;

(b) is-Sottokumitat għad-Dwana, l-Iffaċilitar tal-Kummerċ u r-Regoli tal-Oriġini;

(c) is-Sottokumitat għas-Servizzi Finanzjarji;

(d) is-Sottokumitat għall-Proprjetà Intellettwali;

(e) is-Sottokumitat għall-Akkwist Pubbliku;

(f) is-Sottokumitat għall-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji;

(g) is-Sottokumitat għas-Servizzi u l-Investiment;

(h) is-Sottokumitat għal Sistemi tal-Ikel Sostenibbli;

(i) is-Sottokumitat dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ;

(j) is-Sottokumitat għall-Kummerċ fil-Merkanzija; kif ukoll

(k) is-Sottokumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli.

2. L-aġenda ta' laqgħa tas-Sottokumitati u ta' korpi oħra responsabbli għal kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim għandha tiġi stabbilita mill-koordinaturi għal din il-Parti ta' dan il-Ftehim, skont l-*Artikolu* 8.7(2).

KAPITOLU 9

KUMMERĊ FIL-MERKANZIJA

Artikolu 9.1

Objettiv

Il-Partijiet għandhom progressivament u reċiprokament jilliberalizzaw il-kummerċ fil-merkanzija f'konformità ma' din il-Parti ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 9.2

Kamp ta' Applikazzjoni

Ħlief jekk previst mod ieħor f'din il-Parti dan il-Ftehim, dan il-Kapitolu japplika għall-kummerċ fil-merkanzija ta' Parti.

Artikolu 9.3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu u l-Anness 9:

(a) "Ftehim dwar il-Proċeduri ta' Liċenzjar għall-Importazzjoni" tfisser il-Ftehim dwar il-Proċeduri ta' Liċenzjar għall-Importazzjoni fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

(b) "tranżazzjonijiet konsulari" tfisser il-proċedura sabiex tinkiseb, minn konslu tal-Parti li timporta fit-territorju tal-Parti li tesporta, jew fit-territorju ta' pajjiż terz, fattura konsulari jew viża konsulari għal fattura kummerċjali, ċertifikat ta' oriġini, manifest, dikjarazzjoni ta' esportazzjoni tal-konsenjatur jew kwalunkwe dokumentazzjoni doganali oħra b'konnessjoni mal-importazzjoni ta' oġġett;

(c) "Ftehim dwar il-Valutazzjoni Doganali" tfisser il-Ftehim dwar l-Implimentazzjoni tal-*Artikolu* VII ta' GATT tal-1994 fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

(d) "proċedura ta' liċenzjar għall-esportazzjoni" tfisser proċedura amministrattiva li tirrikjedi s-sottomissjoni ta' applikazzjoni jew ta' dokumentazzjoni oħra minbarra dik ġeneralment meħtieġa għall-finijiet tal-iżdoganar tal-merkanzija, lill-korp jew lill-korpi amministrattivi rilevanti bħala kundizzjoni minn qabel għall-esportazzjoni mit-territorju tal-Parti li tesporta;

(e) "proċedura ta' liċenzjar għall-importazzjoni" tfisser proċedura amministrattiva li tirrikjedi s-sottomissjoni ta' applikazzjoni jew ta' dokumentazzjoni oħra, għajr dik ġeneralment meħtieġa għall-finijiet ta' approvazzjoni tal-merkanzija, lill-korp jew lill-korpi amministrattivi rilevanti bħala kundizzjoni minn qabel għall-importazzjoni fit-territorju tal-Parti li timporta;

(f) "oġġett manifatturat mill-ġdid" tfisser oġġett ikklassifikat fil-Kapitoli tas-SA 84 sa 90 jew taħt l-intestatura 94.02, ħlief għal oġġett ikklassifikat taħt l-intestaturi tas-SA 84.18, 85.09, 85.10, 85.16 u 87.03 jew is-subintestaturi 8414.51, 8450.11, 8450.12, 8508.1 u 8517.11, li:

(i) ikun magħmul kompletament jew parzjalment minn partijiet miksuba minn merkanzija li ntużat;

(ii) ikollu prestazzjoni u kundizzjonijiet operattivi simili meta mqabbla ma' merkanzija ekwivalenti f'kundizzjoni ġdida; kif ukoll

(iii) jingħata l-istess garanzija bħal merkanzija ekwivalenti f'kundizzjoni ġdida;

(g) "tiswija" tfisser kwalunkwe operazzjoni ta' pproċessar imwettqa fuq oġġett sabiex jiġu rrimedjati difetti operazzjonali jew ħsara materjali u li tinvolvi l-istabbiliment mill-ġdid tal-oġġett għall-funzjoni oriġinali tiegħu, jew sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti tekniċi għall-użu tiegħu, li mingħajrha l-oġġett ma jkunx jista' jibqa' jintuża bil-mod normali għall-finijiet li kien maħsub għalihom; tiswija ta' oġġett tinkludi restawr u manutenzjoni, iżda ma tinkludix operazzjoni jew proċess li:

(i) jeqred il-karatteristiċi essenzjali ta' oġġett, jew joħloq oġġett ġdid jew kummerċjalment differenti;

(ii) jittrasforma oġġett mhux lest f'oġġett lest; jew

(iii) jintuża biex itejjeb jew jaġġorna l-prestazzjoni teknika ta' oġġett;

(h) "kategorija ta' stadji" tfisser il-perjodu ta' żmien għall-eliminazzjoni tad-dazji doganali li jvarja minn żero għal 7 snin, li warajh oġġett ikun ħieles mid-dazju doganali, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-iskedi fl-Anness 9.

Artikolu 9.4

Trattament nazzjonali dwar it-tassazzjoni u r-regolamenti interni

Kull Parti għandha tagħti trattament nazzjonali lill-prodotti tal-Parti l-oħra f'konformità mal-*Artikolu* III tal-GATT 1994, inklużi n-Noti u d-Dispożizzjonijiet Supplimentari tiegħu. Għal dak l-għan, l-*Artikolu* III tal-GATT tal-1994 u n-Noti u d-Dispożizzjonijiet Supplimentari tiegħu huma inkorporati u integrati f'dan il-Ftehim, *mutatis mutandis*.

Artikolu 9.5

Tnaqqis jew eliminazzjoni ta' dazji doganali

1. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, kull Parti għandha tnaqqas jew telimina d-dazji doganali fuq il-prodotti li joriġinaw mill-Parti l-oħra f'konformità mal-iskeda tagħha fl-Anness 9.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, ir-rata bażi tad-dazji doganali għandha tkun dik speċifikata għal kull oġġett fl-iskedi fl-Anness 9.

3. Jekk Parti tnaqqas ir-rata tad-dazju doganali tal-pajjiż l-aktar favorit tagħha ("rata MFN"), l-iskeda fl-Anness 9 ta' dik il-Parti għandha tapplika għar-rati mnaqqsa. Jekk Parti tnaqqas ir-rata MFN applikata tagħha għal livell taħt ir-rata bażi fir-rigward ta' linja tariffarja partikolari, dik il-Parti għandha tikkalkula r-rata preferenzjali applikabbli li taffettwa t-tnaqqis fit-tariffi fuq ir-rata mnaqqsa tal-MFN applikata, filwaqt li żżomm il-marġni relattiv ta' preferenza għal dik il-linja tariffarja partikolari sakemm ir-rata tal-MFN applikata tkun aktar baxxa mir-rata bażi. Il-marġni relattiv ta' preferenza għal kwalunkwe linja tariffarja partikolari f'kull perjodu ta' stadji jikkorrispondi għad-differenza bejn ir-rata bażi stabbilita fl-iskeda fl-Anness 9 ta' dik il-Parti u r-rata tad-dazju applikata għal dik il-linja tariffarja f'konformità ma' dik l-iskeda, diviż b'dik ir-rata bażi, u espress f'termini perċentwali.

4. Fuq talba ta' Parti, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin sabiex jikkunsidraw li jaċċelleraw it-tnaqqis jew l-eliminazzjoni tad-dazji doganali stabbiliti fl-iskedi fl-Anness 9. Wara li jikkunsidra tali konsultazzjoni, il-Kunsill Konġunt jista' jadotta deċiżjoni biex jemenda l-Anness 9 biex jaċċellera dak it-tnaqqis jew l-eliminazzjoni tat-tariffi.

Artikolu 9.6

Status quo

1. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'din il-Parti ta' dan il-Ftehim, Parti ma għandhiex iżżid kwalunkwe dazju doganali li jkun stabbilit bħala r-rata bażi fl-Anness 9 jew tadotta kwalunkwe dazju doganali ġdid fuq oġġett li joriġina mill-Parti l-oħra.

2. Għal aktar ċertezza, Parti tista' żżid dazju doganali għal-livell stabbilit fl-Anness 9 għall-perjodu ta' stadji rispettiv wara tnaqqis unilaterali.

Artikolu 9.7

Dazji fuq l-esportazzjoni, taxxi jew imposti oħrajn

1. Parti ma għandhiex tintroduċi jew iżżomm xi dazju, taxxa jew imposta oħra ta' kwalunkwe tip, imposti fuq l-esportazzjoni ta' oġġett lejn il-Parti l-oħra, jew b'rabta magħha; jew kwalunkwe taxxa interna jew imposta oħra fuq oġġett esportat lejn il-Parti l-oħra li taqbeż it-taxxa jew l-imposta li tkun imposta fuq prodotti simili meta jkunu destinati għall-konsum domestiku.

2. Xejn f'dan l-*Artikolu* ma għandu jipprevjeni lil Parti milli timponi tariffa jew imposta li hija permessa skont l-*Artikolu* 9.8 fuq l-esportazzjoni ta' oġġett.

Artikolu 9.8

Tariffi u formalitajiet

1. It-tariffi u l-imposti l-oħrajn li jiġu imposti minn Parti fuq l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' oġġett tal-Parti l-oħra, jew b'rabta magħhom, għandhom ikunu limitati fl-ammont għall-kost approssimattiv tas-servizzi mogħtija, u ma għandhomx jirrappreżentaw protezzjoni indiretta għall-oġġetti lokali jew taxxa fuq l-importazzjonijiet jew l-esportazzjonijiet għal finijiet fiskali.

2. Parti ma għandhiex timponi tariffi jew imposti oħra fuq l-importazzjoni jew l-esportazzjoni, jew b'rabta magħhom, fuq bażi *ad valorem*.

3. Kull Parti tista' timponi imposti jew kostijiet ta' rkupru biss fejn jingħataw servizzi speċifiċi, inkluż dawn li ġejjin:

(a) l-attendenza, meta tintalab, ta' ħaddiema tad-dwana barra l-ħinijiet uffiċjali jew f'xi bini ieħor li mhux il-bini doganali;

(b) analiżi jew rapporti ta' esperti dwar merkanzija u tariffi postali għar-ritorn ta' merkanzija lil applikant, b'mod partikolari fir-rigward ta' deċiżjonijiet relatati ma' informazzjoni vinkolanti jew l-għoti ta' informazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-liġijiet u tar-regolamenti doganali;

(c) l-eżami jew il-kampjunar tal-merkanzija għall-finijiet ta' verifika, jew il-qerda tal-merkanzija, fejn ikunu involuti kostijiet oħrajn barra dawk għall-użu tal-ħaddiema tad-dwana; jew

(d) miżuri ta' kontroll eċċezzjonali, fejn tali miżuri jkunu meħtieġa minħabba n-natura tal-merkanzija jew riskju potenzjali.

4. Kull Parti għandha tippubblika minnufih it-tariffi u l-imposti kollha li timponi b'rabta mal-importazzjoni jew mal-esportazzjoni b'mod li l-gvernijiet, in-negozjanti u partijiet interessati oħrajn ikunu jistgħu jsiru midħla tagħhom.

5. Parti ma għandhiex tirrikjedi tranżazzjonijiet konsulari, inklużi tariffi u imposti relatati, b'rabta mal-importazzjoni ta' xi oġġett tal-Parti l-oħra.

Artikolu 9.9

Oġġetti msewwija

1. Parti ma għandhiex tapplika dazju doganali għal oġġett, irrispettivament mill-oriġini tiegħu, li jerġa' jidħol fit-territorju doganali tagħha wara li dak l-oġġett ikun ġie esportat temporanjament mit-territorju doganali tagħha lejn it-territorju tal-Parti l-oħra għat-tiswija.

2. Il-paragrafu 1 ma japplikax għal oġġett importat f'bond, f'żoni ta' kummerċ ħieles, jew fi status simili, li mbagħad jiġi esportat għat-tiswija u li ma jiġix importat mill-ġdid f'bond, f'żoni ta' kummerċ ħieles, jew fi status simili.

3. Parti ma għandhiex tapplika dazju doganali għal oġġett, irrispettivament mill-oriġini tiegħu, importat temporanjament mit-territorju doganali tal-Parti l-oħra għal tiswija. ([8])

Artikolu 9.10

Oġġetti manufatturati mill-ġdid

1. Ħlief jekk ikun previst mod ieħor f'din il-Parti ta' dan il-Ftehim, Parti ma għandhiex tagħti trattament lil oġġetti rimanifatturati tal-Parti l-oħra li jkun inqas favorevoli minn dak li tagħti lil oġġetti simili f'kundizzjoni ġdida.

2. Għal aktar ċarezza, l-*Artikolu* 9.11 japplika għal projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni tal-oġġetti manifatturati mill-ġdid. Jekk Parti tadotta jew iżżomm projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' oġġetti użati, din ma għandhiex tapplika dawk il-miżuri fuq l-oġġetti manifatturati mill-ġdid.

3. Parti tista' tirrikjedi li l-oġġetti manifatturati mill-ġdid jiġu identifikati bħala tali għad-distribuzzjoni jew għall-bejgħ fit-territorju tagħha u li l-oġġetti jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti tekniċi applikabbli kollha li japplikaw għal prodotti simili f'kundizzjoni ġdida.

Artikolu 9.11

Limitazzjonijiet tal-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet

L-*Artikolu* XI tal-GATT tal-1994 u n-Noti u d-Dispożizzjonijiet Supplimentari tiegħu huma inkorporati u integrati f'din il-Parti ta' dan il-Ftehim, *mutatis mutandis*. Kif xieraq, Parti ma għandhiex tadotta jew iżżomm xi projbizzjoni jew limitazzjoni tal-importazzjoni ta' xi oġġett tal-Parti l-oħra jew tal-esportazzjoni jew tal-bejgħ għall-esportazzjoni ta' xi oġġett destinat għat-territorju tal-Parti l-oħra, ħlief f'konformità mal-*Artikolu* XI ta' GATT tal-1994, inklużi n-Noti u d-Dispożizzjonijiet Supplimentari tiegħu.

([8]) Fil-Partit tal-UE, il-proċedura ta' pproċessar attiv kif stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, (ĠU UE L 269, 10.10.2013, p. 1) tintuża għall-finijiet ta' dan il-paragrafu.

Artikolu 9.12

Marka tal-oriġini

Jekk iċ-Ċilì japplika rekwiżiti obbligatorji tal-marka tal-pajjiż ta' oriġini għall-merkanzija tal-Parti tal-UE, il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li l-merkanzija mmarkata "Made in EU", jew li jkollha marka simili bil-lingwa lokali, tissodisfa tali rekwiżiti mal-importazzjoni fiċ-Ċilì. Dan l-*Artikolu* ma jaffettwax id-dritt ta' kwalunkwe Parti li tispeċifika t-tip ta' prodotti li għalihom ir-rekwiżiti tal-marka tal-pajjiż ta' oriġini huma obbligatorji. Il-Kapitolu 10 ma japplikax għal dan l-*Artikolu*.

Artikolu 9.13

Proċeduri ta' liċenzjar għall-importazzjoni

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-proċeduri kollha ta' liċenzjar għall-importazzjoni applikabbli għall-kummerċ fil-merkanzija bejn il-Partijiet ikunu newtrali fl-applikazzjoni u jiġu amministrati b'mod ġust, ekwu, nondiskriminatorju u trasparenti.

2. Parti għandha tadotta jew iżżomm biss proċeduri ta' liċenzjar għall-importazzjoni bħala kundizzjoni għall-importazzjoni fit-territorju tagħha mit-territorju tal-Parti l-oħra, jekk ma tkunx raġonevolment disponibbli proċedura xierqa oħra biex jintlaħaq skop amministrattiv.

3. Parti ma għandhiex tadotta jew iżżomm xi proċedura mhux awtomatika ta' liċenzjar għall-importazzjoni bħala kundizzjoni għall-importazzjoni fit-territorju tagħha mit-territorju tal-Parti l-oħra sakemm ma jkunx meħtieġ li tiġi implimentata miżura li tkun konsistenti ma' din il-Parti ta' dan il-Ftehim. Parti li tadotta tali proċedura mhux awtomatika ta' liċenzjar għall-importazzjoni għandha tindika b'mod ċar lill-Parti l-oħra l-miżura implimentata permezz ta' dik il-proċedura.

4. Kull Parti għandha tadotta u tamministra kwalunkwe proċedura ta' liċenzjar għall-importazzjoni f'konformità mal-Artikoli 1, 2 u 3 tal-Ftehim dwar il-Proċeduri ta' Liċenzjar għall-Importazzjoni. Għal dak l-għan, l-Artikoli 1, 2 u 3 ta' dak il-Ftehim huma inkorporati u integrati f'dan il-Ftehim, *mutatis mutandis*.

5. Parti li tadotta proċeduri ġodda ta' liċenzjar għall-importazzjoni, jew timmodifika l-proċeduri eżistenti ta' liċenzjar għall-importazzjoni, għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra fi żmien 60 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' tali proċeduri ġodda ta' liċenzjar għall-importazzjoni jew modifiki tal-proċeduri eżistenti ta' liċenzjar għall-importazzjoni. In-notifika għandha tinkludi l-informazzjoni speċifikata fil-paragrafu 3 ta' dan l-*Artikolu* u fl-*Artikolu* 5(2) tal-Ftehim dwar il-Proċeduri ta' Liċenzjar għall-Importazzjoni. Parti għandha titqies konformi ma' din id-dispożizzjoni jekk tkun innotifikat il-proċedura ġdida ta' liċenzjar għall-importazzjoni rilevanti, jew kwalunkwe modifika għal proċeduri eżistenti ta' liċenzjar għall-importazzjoni, lill-Kumitat dwar il-Liċenzjar għall-Importazzjoni stabbilit f'konformità mal-*Artikolu* 4 tal-Ftehim dwar il-Proċeduri ta' Liċenzjar għall-Importazzjoni, inkluża l-informazzjoni speċifikata fl-*Artikolu* 5(2) ta' dak il-Ftehim.

6. Fuq talba ta' Parti, il-Parti l-oħra għandha tipprovdi minnufih kwalunkwe informazzjoni rilevanti, inkluża l-informazzjoni speċifikata fl-*Artikolu* 5(2) tal-Ftehim dwar il-Proċeduri ta' Liċenzjar għall-Importazzjoni, fir-rigward ta' kwalunkwe proċedura ta' liċenzjar għall-importazzjoni li jkollha l-ħsieb li tadotta, li tkun adottat li jew li kollha, jew kwalunkwe modifika għal proċeduri eżistenti ta' liċenzjar għall-importazzjoni.

Artikolu 9.14

Proċeduri ta' liċenzjar għall-esportazzjoni

1. Kull Parti għandha tippubblika kwalunkwe proċedura ġdida ta' liċenzjar għall-esportazzjoni, jew kwalunkwe modifika għal proċedura eżistenti ta' liċenzjar għall-esportazzjoni, b'mod li l-gvernijiet, in-negozjanti u partijiet interessati oħrajn ikunu jistgħu jsiru midħla tagħhom. Tali pubblikazzjoni għandha ssir, kull meta jkun prattikabbli, 30 jum qabel ma tidħol fis-seħħ il-proċedura jew il-modifika, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mid-data li fiha tidħol fis-seħħ tali proċedura jew modifika.

2. Kull Parti għandha tiżgura li l-pubblikazzjoni tal-proċeduri ta' liċenzjar għall-esportazzjoni tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) it-testi tal-proċeduri tagħha ta' liċenzjar għall-esportazzjoni, jew ta' kwalunkwe modifika li l-Parti tagħmel f'dawk il-proċeduri;

(b) il-merkanzija soġġetta għal kull proċedura ta' liċenzjar għall-esportazzjoni;

(c) għal kull proċedura ta' liċenzjar għall-esportazzjoni, deskrizzjoni tal-proċess għall-applikazzjoni għal liċenzja ta' esportazzjoni u kwalunkwe kriterju li applikant jeħtieġlu jissodisfa sabiex ikun eliġibbli sabiex japplika għal liċenzja ta' esportazzjoni, bħall-pussess ta' liċenzja ta' attività, l-istabbiliment jew iż-żamma ta' investiment, jew l-operat permezz ta' forma partikolari ta' stabbiliment fit-territorju ta' Parti;

(d) punt ta' kuntatt wieħed jew aktar minn fejn il-persuni interessati jistgħu jiksbu informazzjoni ulterjuri dwar il-kundizzjonijiet sabiex tinkiseb liċenzja ta' esportazzjoni;

(e) il-korp jew korpi amministrattivi li lilhom trid tiġi ppreżentata applikazzjoni jew dokumentazzjoni rilevanti oħra;

(f) deskrizzjoni ta' kwalunkwe miżura jew ta' miżuri li l-proċedura ta' liċenzjar għall-esportazzjoni hija mfassla sabiex timplimenta;

(g) il-perjodu li matulu se tkun fis-seħħ kull proċedura ta' liċenzjar għall-esportazzjoni, ħlief jekk il-proċedura tibqa' fis-seħħ sakemm tiġi rtirata jew riveduta f'pubblikazzjoni ġdida;

(h) jekk il-Parti jkun biħsiebha tuża proċedura ta' liċenzjar għall-esportazzjoni sabiex tamministra kwota tal-esportazzjoni, il-kwantità ġenerali u, jekk applikabbli, il-valur tal-kwota u d-dati tal-ftuħ u tal-għeluq tal-kwota; kif ukoll

(i) kwalunkwe eżenzjoni jew eċċezzjoni li tissostitwixxi r-rekwiżit li tinkiseb liċenzja ta' esportazzjoni, informazzjoni dwar kif jintalbu jew jintużaw dawk l-eżenzjonijiet jew eċċezzjonijiet, u l-kriterji għall-għoti tagħhom.

3. Fi żmien 30 jum wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra dwar il-proċeduri eżistenti tagħha ta' liċenzjar għall-esportazzjoni. Parti li tadotta proċeduri ġodda ta' liċenzjar għall-esportazzjoni, jew timmodifika proċeduri eżistenti ta' liċenzjar għall-esportazzjoni, għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra fi żmien 60 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dawk il-proċeduri ġodda ta' liċenzjar għall-esportazzjoni jew modifiki fil-proċeduri eżistenti ta' liċenzjar għall-esportazzjoni. In-notifika għandha tinkludi r-referenza għas-sors jew għas-sorsi fejn tkun ippubblikata l-informazzjoni meħtieġa skont il-paragrafu 2 u għandha tinkludi, meta jkun xieraq, l-indirizz tas-sit web jew tas-siti web rilevanti tal-gvern.

4. Għal aktar ċertezza, xejn f'dan l-*Artikolu* m'għandu jiġi interpretat bħala li jirrikjedi li Parti tagħti liċenzja ta' esportazzjoni jew li jipprevjeni lil Parti milli timplimenta l-obbligi jew l-impenji tagħha skont ir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, jew skont reġimi multilaterali ta' nonproliferazzjoni u arranġamenti ta' kontroll tal-esportazzjoni.

Artikolu 9.15

Valutazzjoni doganali

Kull Parti għandha tiddetermina l-valur doganali tal-prodotti tal-Parti l-oħra li tiġi importata fit-territorju tagħha f'konformità mal-*Artikolu* VII ta' GATT tal-1994 u l-Ftehim dwar il-Valutazzjoni Doganali. Għal dak il-għan, l-*Artikolu* VII ta' GATT tal-1994, inkluż in-Noti u d-Dispożizzjonijiet Supplimentari tiegħu, kif ukoll l-Artikoli 1 sa 17 tal-Ftehim dwar il-Valutazzjoni Doganali, inkluż in-Noti Interpretattivi tiegħu, huma inkorporati u integrati f'dan il-Ftehim, *mutatis mutandis*.

Artikolu 9.16

Utilizzazzjoni tal-preferenzi

1. Għall-fini tal-monitoraġġ tal-funzjonament ta' din il-Parti tal-Ftehim u tal-kalkolu tar-rati tal-utilizzazzjoni tal-preferenzi, kull sena, il-Partijiet għandhom jiskambjaw statistika dwar l-importazzjoni għal perjodu li jibda sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim sa 10 snin wara li titlesta l-eliminazzjoni tat-tariffi għall-oġġetti kollha skont l-iskedi fl-Anness 9. Sakemm il-Kumitat Konġunt ma jiddeċidix mod ieħor, dak il-perjodu għandu jiġi estiż awtomatikament għal 5 snin. Il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jestendih ulterjorment.

2. L-iskambju tal-istatistika dwar l-importazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkopri d-*data* relatata mal-aktar sena riċenti disponibbli, inkluż il-valur u, meta applikabbli, il-volum, fil-livell tal-linja tariffarja għall-importazzjonijiet tal-merkanzija tal-Parti l-oħra li jibbenefikaw minn trattament preferenzjali tad-dazju skont din il-Parti ta' dan il-Ftehim u għall-importazzjonijiet ta' dik il-merkanzija li tkun irċeviet trattament mhux preferenzjali.

Artikolu 9.17

Miżuri speċifiċi li jikkonċernaw il-ġestjoni tat-trattament preferenzjali

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fil-prevenzjoni, fl-identifikazzjoni u fil-ġlieda kontra l-ksur tal-leġiżlazzjoni doganali relatata mat-trattament preferenzjali mogħti skont dan il-Kapitolu, f'konformità mal-obbligi tagħhom skont il-Kapitolu 10 u l-Protokoll għal dan il-Ftehim dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka fi Kwistjonijiet Doganali.

2. Parti tista', f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafu 3, tissospendi temporanjament it-trattament preferenzjali rilevanti tal-merkanzija kkonċernata meta dik il-Parti tkun għamlet sejba, abbażi ta' informazzjoni oġġettiva, konvinċenti u verifikabbli, li l-Parti l-oħra wettqet ksur sistematiku fuq skala kbira tal-leġiżlazzjoni doganali sabiex tikseb it-trattament preferenzjali mogħti skont dan il-Kapitolu, u għamlet sejba ta':

(a) nuqqas sistematiku jew inadegwatezza ta' azzjoni mill-Parti l-oħra fil-verifika tal-istatus oriġinarju tal-merkanzija u l-issodisfar tar-rekwiżiti l-oħrajn tal-Protokoll għal dan il-Ftehim dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka fi Kwistjonijiet Doganali, meta jiġi identifikat jew evitat ksur tar-regoli tal-oriġini;

(b) rifjut sistematiku mill-Parti l-oħra li twettaq verifika sussegwenti tal-prova tal-oriġini fuq talba tal-Parti, jew li tikkomunika r-riżultati tagħha fil-ħin, jew dewmien żejjed fit-twettiq ta' tali verifika jew komunikazzjoni; jew

(c) rifjut jew nuqqas sistematiku mill-Parti l-oħra li tikkoopera jew tassisti f'konformità mal-obbligi tagħha skont il-Protokoll għal dan il-Ftehim dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka fi Kwistjonijiet Doganali fir-rigward tat-trattament preferenzjali.

3. Il-Parti li tkun għamlet sejba kif imsemmija fil-paragrafu 2 għandha, mingħajr dewmien żejjed, tinnotifika lill-Kumitat Konġunt u tidħol f'konsultazzjonijiet mal-Parti l-oħra fil-Kumitat Konġunt bl-għan li tinstab soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ Partijiet.

Jekk il-Partijiet jonqsu milli jaqblu dwar soluzzjoni aċċettabbli b'mod reċiproku fi żmien 3 xhur mid-data tan-notifika, il-Parti li tkun għamlet is-sejba tista' tiddeċiedi li tissospendi temporanjament it-trattament preferenzjali rilevanti tal-merkanzija kkonċernata. Dik il-Parti għandha tiġi nnotifikata s-sospensjoni temporanja lill-Kumitat Konġunt mingħajr dewmien mhux dovut.

Is-sospensjonijiet temporanji għandhom japplikaw biss għall-perjodu meħtieġ sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Parti kkonċernata, u għal mhux aktar minn 6 xhur. Madankollu, meta l-kundizzjonijiet li wasslu għas-sospensjoni inizjali jippersistu malli jiskadi l-perjodu ta' 6 xhur, il-Parti kkonċernata tista' tiddeċiedi li ġġedded is-sospensjoni. Kwalunkwe sospensjoni temporanja għandha tiġi soġġetta għal konsultazzjonijiet perjodiċi fi ħdan il-Kumitat Konġunt.

4. Kull Parti għandha tippubblika, f'konformità mal-proċeduri interni tagħha, notifiki lill-importaturi dwar kwalunkwe notifika jew deċiżjoni li tikkonċerna s-sospensjonijiet temporanji msemmijin fil-paragrafu 3.

Artikolu 9.18

Sottokumitat għall-Kummerċ fil-Merkanzija

Is-Sottokumitat għall-Kummerċ fil-Merkanzija stabbilit skont l-*Artikolu* 8.8(1) għandu:

(a) jimmonitorja l-implimentazzjoni u tal-amministrazzjoni ta' dan il-Kapitolu u l-Anness 9;

(b) jippromwovi l-kummerċ fil-merkanzija bejn il-Partijiet, inkluż permezz ta' konsultazzjonijiet dwar it-titjib tat-trattament tariffarju tal-aċċess għas-suq skont l-*Artikolu* 9.5(4) u kwistjonijiet oħrajn, kif xieraq;

(c) jipprovdi forum biex tiġi diskussa u solvuta kwalunkwe kwistjoni relatata ma' dan il-Kapitolu;

(d) jindirizza minnufih l-ostakli għall-kummerċ fil-merkanzija bejn il-Partijiet, speċjalment dawk relatati mal-applikazzjoni ta' miżuri mhux tariffarji, u, jekk xieraq, jirreferi tali kwistjonijiet lill-Kumitat Konġunt għall-kunsiderazzjoni tiegħu;

(e) jirrakkomanda lill-Partijiet kwalunkwe modifika jew żieda ma' dan il-Kapitolu;

(f) jikkoordina l-iskambju ta' *data* għall-utilizzazzjoni tal-preferenzi jew ta' kwalunkwe informazzjoni oħra dwar il-kummerċ fil-merkanzija bejn il-Partijiet;

(g) jirrieżamina kwalunkwe emenda futura għas-Sistema Armonizzata biex jiżgura li l-obbligi ta' kull Parti skont din il-Parti ta' dan il-Ftehim ma jinbidlux, u jikkonsulta biex isolvi kwalunkwe kunflitt relatat;

(h) iwettaq il-funzjonijiet stabbiliti fl-*Artikolu* 15.17.

KAPITOLU 10

REGOLI TAL-ORIĠINI U PROĊEDURI TAL-ORIĠINI

TAQSIMA A

Regoli tal-oriġini

Artikolu 10.1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu u l-Annessi 10-A sa 10-E:

(a) "klassifikazzjoni" tfisser il-klassifikazzjoni ta' prodott jew ta' materjal f'xi Kapitolu, intestatura, jew subintestatura partikolari tas-Sistema Armonizzata;

(b) "kunsinna" tfisser prodotti li jew jintbagħtu flimkien minn esportatur wieħed lil destinatarju wieħed jew li jkunu koperti minn dokument tat-trasport uniku li jkopri l-vjeġġ tagħhom mill-esportatur lid-destinatarju jew, jekk ma jkunx jeżisti tali dokument, li jkunu koperti minn fattura waħda;

(c) "awtorità doganali" tfisser:

(i) għaċ-Ċilì, is-Servizz Doganali Nazzjonali; kif ukoll

(ii) għall-Parti tal-UE, is-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea li huma responsabbli għall-materji doganali u l-amministrazzjonijiet doganali u kwalunkwe awtorità tal-Istati Membri responsabbli mill-applikazzjoni u l-infurzar tal-liġi doganali;

(d) "esportatur" tfisser persuna, li tinsab f'Parti li, f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti ta' dik il-Parti, tesporta jew tipproduċi l-prodott oriġinarju u tagħmel dikjarazzjoni dwar l-oriġini;

(e) "prodotti identiċi" tfisser prodotti li f'kull aspett jikkorrispondu għal dawk deskritti fid-deskrizzjoni tal-prodott; id-deskrizzjoni tal-prodott fuq id-dokument kummerċjali użat biex issir dikjarazzjoni dwar l-oriġini għal vjeġġi multipli trid tkun preċiża biżżejjed biex tidentifika b'mod ċar dak il-prodott, u wkoll il-prodotti identiċi li sussegwentement iridu jiġu importati abbażi ta' dik id-dikjarazzjoni;

(f) "importatur" tfisser persuna li timporta l-prodott oriġinarju u titlob trattament tariffarju preferenzjali għalih;

(g) "materjal" tfisser kwalunkwe sustanza użata fil-produzzjoni ta' prodott, inkluż kwalunkwe ingredjent, materja prima, komponent jew parti;

(h) "prodott" tfisser ir-riżultat ta' produzzjoni, anke jekk maħsub għall-użu aktar tard bħala materjal fil-produzzjoni ta' prodott ieħor; kif ukoll

(i) "produzzjoni" tfisser kwalunkwe tip ta' xogħol jew ta' pproċessar, inkluż l-assemblaġġ.

Artikolu 10.2

Rekwiżiti ġenerali

1. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tat-trattament tariffarju preferenzjali minn Parti għall-merkanzija oriġinarja tal-Parti l-oħra f'konformità ma' din il-Parti ta' dan il-Ftehim, diment li l-prodott ikun jissodisfa r-rekwiżiti applikabbli l-oħrajn kollha stabbiliti f'dan il-Kapitolu, il-prodotti li ġejjin għandhom jitqiesu li joriġinaw fil-Parti l-oħra:

(a) prodotti miksuba kompletament f'dik il-Parti kif previst fl-*Artikolu* 10.4;

(b) prodotti immanifatturati b'mod esklużiv minn materjali li joriġinaw f'dik il-Parti; kif ukoll

(c) prodotti immanifatturati f'dik il-Parti bl-użu ta' materjali mhux oriġinarji diment li dawn ikunu jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness 10-B.

2. Jekk prodott ikun kiseb status oriġinarju f'konformità mal-paragrafu 1, il-materjali mhux oriġinarji użati fil-produzzjoni ta' dak il-prodott ma għandhomx jitqiesu bħala materjali mhux oriġinarji meta dak il-prodott ikun inkorporat bħala materjal fi prodott ieħor.

3. L-akkwist ta' status oriġinarju għandu jiġi ssodisfat mingħajr interruzzjoni fit-territorju ta' Parti.

Artikolu 10.3

Akkumulazzjoni tal-oriġini

1. Prodott li joriġina f'Parti għandu jitqies bħala li joriġina fil-Parti l-oħra jekk jintuża bħala materjal fil-produzzjoni ta' prodott ieħor f'dik il-Parti l-oħra, diment li l-ħidma u l-ipproċessar imwettqa jmorru lil hinn minn waħda jew aktar mill-operazzjonijiet imsemmija fl-*Artikolu* 10.6.

2. Materjali kklassifikati fil-Kapitolu 3 tas-Sistema Armonizzata li joriġinaw mill-pajjiżi msemmija fis-subparagrafu (b) tal-paragrafu 4 u użati fil-produzzjoni ta' prodotti tat-tonn tal-bott ikklassifikati fis-subintestatura 1604.14 tas-Sistema Armonizzata jistgħu jitqiesu bħala li joriġinaw f'Parti diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet fis-subparagrafi (a) sa (e) tal-paragrafu 3, u li dik il-Parti tibgħat notifika għal eżami mis-Sottokumitat imsemmi fl-*Artikolu* 10.31.

3. Il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi, wara rakkomandazzjoni mis-Sottokumitat msemmija fl-*Artikolu* 10.31, li ċerti materjali li joriġinaw mill-pajjiżi terzi ([9]) msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-*Artikolu* jistgħu jitqiesu bħala li joriġinaw f'Parti jekk huma jintużaw fil-produzzjoni ta' prodott f'dik il-Parti sakemm:

(a) kull Parti jkollha ftehim kummerċjali fis-seħħ li jifforma żona ta' kummerċ ħieles ma' dak il-pajjiż terz, fis-sens tal-*Artikolu* XXIV ta' GATT tal-1994;

(b) l-oriġini tal-materjali msemmija f'dan il-paragrafu tiġi ddeterminata f'konformità mar-regoli tal-oriġini applikabbli taħt:

(i) il-ftehim kummerċjali tal-Parti tal-UE li jifforma żona ta' kummerċ ħieles ma' dak il-pajjiż terz, jekk il-materjal ikkonċernat jintuża fil-produzzjoni ta' prodott fiċ-Ċilì; kif ukoll

(ii) il-ftehim kummerċjali taċ-Ċilì li jifforma żona ta' kummerċ ħieles ma' dak il-pajjiż terz, jekk il-materjal ikkonċernat jintuża fil-produzzjoni ta' prodott fil-Parti tal-UE;

(c) ikun hemm fis-seħħ arranġament bejn dik il-Parti u dak il-pajjiż terz dwar kooperazzjoni amministrattiva adegwata li tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa ta' dan il-Kapitolu, inklużi dispożizzjonijiet dwar l-użu ta' dokumentazzjoni xierqa dwar l-oriġini tal-materjali, u li dik il-Parti tinnotifika lill-Parti l-oħra b'dak l-arranġament;

(d) il-produzzjoni jew l-ipproċessar tal-materjali mwettqa f'dik il-Parti jmur lil hinn minn waħda jew aktar mill-operazzjonijiet imsemmija fl-*Artikolu* 10.6; kif ukoll

([9]) Għar-referenza, "pajjiż terz" huwa definit fis-subparagrafu (c) tal-*Artikolu* 1.3.

(e) il-Partijiet jaqblu dwar kwalunkwe kundizzjoni applikabbli oħra.

4. Il-pajjiżi terzi msemmija fil-paragrafu 3 huma:

(a) il-pajjiżi tal-Amerka Ċentrali tal-Kosta Rika, El Salvador, il-Gwatemala, il-Honduras, in-Nikaragwa u l-Panama; kif ukoll

(b) il-pajjiżi Andeani tal-Kolombja, l-Ekwador u tal-Perù.

Artikolu 10.4

Merkanzija miksuba għalkollox

1. Il-prodotti li ġejjin għandhom jitqiesu bħala miksuba għalkollox f'Parti:

(a) pjanti u prodotti tal-ħxejjex imkabbra jew maħsuda hemm;

(b) annimali ħajjin imwielda u mrobbija hemm;

(c) prodotti miksubin minn annimali ħajjin imrobbija hemm;

(d) prodotti miksubin mill-kaċċa, mill-insib, mis-sajd, mill-qbid jew mill-ħtif hemmhekk, iżda mhux lil hinn mil-limiti esterni tal-baħar territorjali tal-Parti;

(e) prodotti miksubin minn annimali maqtula mwielda u mrobbija hemm;

(f) prodotti miksubin mill-akkwakultura f'Parti, jekk l-organiżmi akkwatiċi, li jinkludu l-ħut, il-molluski, il-krustaċji, invertebrati akkwatiċi oħrajn u pjanti akkwatiċi jitwieldu jew jitrabbew minn stokk ta' żrieragħ bħal bajd, qixx, ħut immatur jew larva, b'intervent fil-proċessi ta' trobbija jew ta' tkabbir sabiex tittejjeb il-produzzjoni, bħall-istokkjar regolari, it-tagħlif jew il-protezzjoni kontra l-predaturi;

(g) minerali jew sustanza oħra li jinstabu naturalment, mhux inklużi fis-subparagrafi (a) sa (f), estratti jew meħuda hemmhekk;

(h) prodotti tas-sajd tal-baħar u prodotti oħrajn meħuda mill-baħar 'il barra minn kwalunkwe baħar territorjali minn bastiment ta' dik il-Parti;

(i) prodotti magħmulin abbord bastiment fabbrika ta' dik il-Parti esklużivament mill-prodotti msemmijin fis-subparagrafu (h);

(j) prodotti estratti minn Parti jew minn persuna ta' dik il-Parti minn ħamrija jew minn sottoswol tal-baħar barra minn kwalunkwe baħar territorjali diment li jkollhom drittijiet li jaħdmu dik il-ħamrija jew is-sottoswol;

(k) skart jew ruttam miksub mill-produzzjoni hemmhekk jew minn prodotti użati miġbura hemmhekk, diment li dawk il-prodotti jkunu xierqa biss għall-irkupru tal-materja prima; kif ukoll

(l) prodotti mmanifatturati hemmhekk esklużivament minn dawk il-prodotti msemmija fis-subparagrafi (a) sa (k).

2. It-termini "bastiment ta' Parti" u "bastiment fabbrika ta' Parti" fis-subparagrafi (h) u (i) tal-paragrafu 1 ifissru bastiment u bastiment fabbrika li:

(a) ikun irreġistrat fi Stat Membru jew fiċ-Ċilì;

(b) ibaħħar bil-bandiera ta' Stat Membru jew taċ-Ċilì; kif ukoll

(c) jissodisfa waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) ikun aktar minn 50 % proprjetà ta' persuni fiżiċi ta' Stat Membru jew taċ-Ċilì; jew

(ii) ikun il-proprjetà ta' persuna ġuridika li:

(A) ikollha l-uffiċċju prinċipali u l-post ewlieni tan-negozju tagħha fi Stat Membru jew fiċ-Ċilì; u

(B) ikun aktar minn 50 % proprjetà ta' persuni ta' waħda minn dawk il-Partijiet.

Artikolu 10.5

Tolleranzi

1. Jekk materjal mhux oriġinarju użat fil-produzzjoni ta' prodott ma jissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness 10-B, dak il-prodott għandu jitqies bħala oriġinarju f'Parti, diment li:

(a) għall-prodotti kollha ([10]) għajr dawk ikklassifikati taħt il-Kapitoli 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata, il-valur totali ta' materjali mhux oriġinarji ma jaqbiżx il-10 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott;

(b) għall-prodotti kklassifikati taħt il-Kapitoli 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata, it-tolleranzi japplikaw kif stipulat fin-Noti 6 sa 8 tal-Anness 10-A.

2. Il-paragrafu 1 ma japplikax jekk il-valur jew il-piż tal-materjali mhux oriġinarji użati fil-produzzjoni ta' prodott jaqbeż kwalunkwe wieħed mill-perċentwali għall-valur jew għall-piż massimu tal-materjali mhux oriġinarji kif speċifikati fir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness 10-B.

3. Il-paragrafu 1 ma japplikax għall-prodotti miksuba għalkollox f'Parti skont it-tifsira tal-*Artikolu* 10.4. Jekk ikun meħtieġ skont l-Anness 10-B li l-materjali użati fil-produzzjoni ta' prodott ikunu miksuba għalkollox, japplikaw il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-*Artikolu*.

Artikolu 10.6

Ħdim jew ipproċessar insuffiċjenti

1. Minkejja s-subparagrafu (c) tal-*Artikolu* 10.2(1), prodott ma għandux jitqies bħala oriġinarju minn Parti jekk waħda jew aktar biss mill-operazzjonijiet li ġejjin jitwettqu fuq materjali mhux oriġinarji f'dik il-Parti:

(a) operazzjonijiet ta' preservazzjoni bħat-tnixxif, l-iffriżar, iż-żamma f'salmura u operazzjonijiet simili oħrajn, meta l-iskop uniku tagħhom ikun li jiżguraw li l-prodott jibqa' f'kundizzjoni tajba matul it-trasport u l-ħżin;

(b) is-separazzjoni u l-assemblaġġ ta' pakketti;

(c) il-ħasil, it-tindif, it-tneħħija tat-trab, tal-ossidu, taż-żjut, taż-żebgħa jew ta' kisi ieħor;

(d) il-mogħdija jew l-ippressar tat-tessuti u ta' oġġetti tessili;

(e) operazzjonijiet sempliċi ta' żebgħa jew ta' llostrar;

(f) it-tfesdiq u l-maċinazzjoni parzjali jew sħiħa tar-ross; l-illostrar u l-glejżjar taċ-ċereali u tar-ross;

(g) operazzjonijiet għall-kolorazzjoni jew għall-għoti ta' aromi fiz-zokkor jew għall-iffurmar taċ-ċangaturi taz-zokkor, it-tħin parzjali jew totali taz-zokkor kristallizzat f'forma solida;

(h) it-tqaxxir, it-tneħħija tal-għadma jew it-tfesdiq ta' frott, ta' ġewż u ta' ħaxix;

(i) it-tisnin, it-tħin sempliċi jew il-qtugħ sempliċi;

(j) l-għarbil, l-iskrinjar, l-issortjar, il-klassifikazzjoni, il-gradazzjoni jew it-tqabbil;

(k) it-tqegħid sempliċi fi fliexken, laned, flasks, boroż, cases, kaxxi, it-twaħħil fuq kards jew fuq boards u l-operazzjonijiet l-oħra kollha ta' imballaġġ sempliċi;

([10]) Il-Kapitoli 1 sa 24 tas-Sistema Armonizzata, f'konformità man-Nota 9 tal-Anness 10-A.

(l) it-twaħħil jew l-istampar ta' marki, tikketti, logos u sinjali distintivi simili oħra fuq il-prodotti jew fuq l-imballaġġ tagħhom;

(m) taħlit sempliċi tal-prodotti, kemm jekk ta' tipi differenti u kemm jekk le, inkluż it-taħlit taz-zokkor ma' kwalunkwe materjal;

(n) l-assemblaġġ sempliċi ta' partijiet ta' oġġetti sabiex jiġi kkostitwit oġġett sħiħ jew iż-żarmar ta' prodotti f'partijiet;

(o) iż-żieda sempliċi ta' ilma jew id-dilwizzjoni jew id-deidratazzjoni jew id-denaturazzjoni ta' prodotti; jew

(p) il-qtil tal-annimali.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, operazzjoni għandha titqies sempliċi jekk ma jkunu meħtieġa l-ebda ħiliet speċjali jew makkinarji, jew apparati jew tagħmir manifatturati jew installati speċjalment għat-twettiq ta' dik l-operazzjoni.

Artikolu 10.7

Unità tal-kwalifika

1. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, l-unità ta' kwalifika għandha tkun il-prodott partikolari li jitqies bħala l-unità bażika meta l-prodott jiġi kklassifikat taħt is-Sistema Armonizzata.

2. Jekk kunsinna tikkonsisti minn numru ta' prodotti identiċi klassifikati taħt l-istess intestatura tas-Sistema Armonizzata, kull prodott individwali għandu jitqies meta jiġi applikat dan il-Kapitolu.

Artikolu 10.8

Aċċessorji, spare parts u għodda

1. Aċċessorji, spare parts u għodda mibgħuta ma' biċċa tagħmir, makkinarju, apparat jew vettura, li jkunu parti mit-tagħmir normali u inklużi fil-prezz tiegħu jew li ma jkunux fatturati separatament, għandhom jitqiesu bħala ħaġa waħda mat-tagħmir, il-makkinarju, l-apparat jew il-vettura kkonċernata.

2. L-aċċessorji, l-ispare parts u l-għodda msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhomx jitqiesu meta tiġi determinata l-oriġini tal-prodott, ħlief għall-finijiet tal-kalkolu tal-valur massimu ta' materjali mhux oriġinarji, jekk il-prodott ikun soġġett għal valur massimu ta' materjali mhux oriġinarji skont kif stabbilit fl-Anness 10-B.

Artikolu 10.9

Settijiet

Is-settijiet, kif definiti fir-Regola Ġenerali 3 għall-Interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata, għandhom jitqiesu bħala oriġinarji f'Parti jekk il-komponenti kollha jkunu prodotti oriġinarji. Meta sett ikun magħmul minn prodotti oriġinarji u mhux oriġinarji, is-sett bħala element sħiħ għandu jitqies bħala oriġinarju f'Parti, jekk il-valur tal-prodotti mhux oriġinarji ma jkunx jaqbeż il-15 % tal-prezz mill-fabbrika tas-sett.

Artikolu 10.10

Elementi newtrali

Sabiex jiġi determinat jekk prodott jikkwalifikax bħala li joriġina f'Parti, ma għandux ikun hemm bżonn li tiġi stabbilita l-oriġini tal-elementi li ġejjin, li jistgħu jintużaw fil-produzzjoni tal-prodott:

(a) fjuwil, enerġija, katalisti u solventi;

(b) tagħmir, apparati u provvisti użati għall-ittestjar jew għall-ispezzjonar tal-prodott;

(c) magni, għodda, ċipep u forom;

(d) spare parts u materjali użati fil-manutenzjoni ta' tagħmir u ta' bini;

(e) lubrikanti, griż, materjali ta' taħlit u materjali oħrajn użati fil-produzzjoni jew użati sabiex jitħaddmu tagħmir u binjiet;

(f) ingwanti, nuċċalijiet, żraben, ilbies, tagħmir u provvisti tas-sikurezza;

(g) kwalunkwe materjal ieħor li ma huwiex inkorporat fil-prodott iżda li l-użu tiegħu jista' jintwera li huwa parti mill-produzzjoni tal-prodott.

Artikolu 10.11

Imballaġġ u materjali u kontenituri tal-imballaġġ

1. Jekk, skont ir-Regola Ġenerali 5 għall-interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata, il-materjali tal-imballaġġ u l-kontenituri li fihom prodott ikun ippakkjat għall-bejgħ bl-imnut jiġu kklassifikati flimkien mal-prodott, dawk il-materjali u l-kontenituri tal-imballaġġ għandhom jiġu injorati fid-determinazzjoni tal-oriġini tal-prodott, ħlief għall-finijiet tal-kalkolu tal-valur massimu ta' materjali mhux oriġinarji jekk prodott ikun soġġett għal valur massimu ta' materjali mhux oriġinarji f'konformità mal-Anness 10-B.

2. Il-materjali u l-kontenituri tal-imballaġġ li jintużaw għall-protezzjoni ta' prodott waqt it-trasportazzjoni għandhom jiġu injorati meta jiġi ddeterminat jekk prodott joriġinax f'Parti.

Artikolu 10.12

Segregazzjoni kontabilistika għall-materjali funġibbli

1. Materjali funġibbli oriġinarji u mhux oriġinarji għandhom jiġu segregati fiżikament matul il-ħżin sabiex iżommu l-istatus oriġinarju jew mhux oriġinarju tagħhom, skont il-każ. Dawk il-materjali jistgħu jintużaw fil-produzzjoni ta' prodott mingħajr ma jiġu segregati fiżikament matul il-ħżin sakemm jintuża l-metodu ta' segregazzjoni tal-kontabilità.

2. Il-metodu ta' segregazzjoni tal-kontabbiltà msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi applikat f'konformità ma' metodu ta' ġestjoni tal-inventarju skont il-prinċipji kontabilistiċi li jiġu ġeneralment aċċettati fil-Parti. Il-metodu ta' segregazzjoni tal-kontabilità għandu jiżgura li fi kwalunkwe ħin in-numru ta' prodotti li jistgħu jitqiesu bħala li joriġinaw f'Parti ma jaqbiżx in-numru li kien jinkiseb permezz ta' segregazzjoni fiżika tal-istokkijiet matul il-ħżin.

3. Għall-fini tal-paragrafu 1, "materjali funġibbli" tfisser materjali li huma tal-istess tip u kwalità kummerċjali, bl-istess karatteristiċi tekniċi u fiżiċi, u li ladarba jiġu inkorporati fil-prodott lest ma jistgħux jintgħarfu minn xulxin.

Artikolu 10.13

Prodotti ritornati

Jekk prodott joriġina f'Parti li jiġi esportat minn dik il-Parti lejn pajjiż terz u jirritorna għand dik il-Parti, dan għandu jitqies bħala mhux oriġinarju, sakemm ma jkunx jista' jintwera għas-sodisfazzjon tal-awtorità doganali ta' dik il-Parti li l-prodott ritornat:

(a) ikun l-istess bħal dak esportat; kif ukoll

(b) ma saritlux xi operazzjoni lil hinn minn dik li hi meħtieġa biex jinżamm f'kundizzjoni tajba waqt li kien fil-pajjiż jew waqt li kien qiegħed jiġi esportat.

Artikolu 10.14

Nonalterazzjoni

1. Prodott oriġinarju dikjarat għall-użu domestiku fil-Parti li timporta ma għandux, wara l-esportazzjoni u qabel ma jiġi ddikjarat għal użu domestiku, ikun ġie alterat, ittrasformat b'xi mod jew soġġett għal operazzjonijiet għajr dawk ta' preservazzjoni f'kundizzjoni tajba jew ta' żieda jew ta' twaħħil ta' marki, ta' tikketti, ta' siġilli jew ta' xi dokumentazzjoni oħra sabiex tiġi żgurata l-konformità ma' rekwiżiti speċifiċi tal-Parti li timporta.

2. Il-ħżin jew il-wiri ta' prodott jista' jseħħ f'pajjiż terz diment li dan jibqa' taħt superviżjoni doganali f'dak il-pajjiż terz.

3. Mingħajr preġudizzju għat-Taqsima B, il-qsim tal-kunsinni jista' jseħħ fit-territorju ta' pajjiż terz jekk isir mill-esportatur jew taħt ir-responsabbiltà tiegħu u diment li dawk il-kunsinni jibqgħu taħt is-superviżjoni doganali f'dak il-pajjiż terz.

4. F'każ ta' dubju dwar jekk il-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafi 1 sa 3 ġewx issodisfatti, l-awtorità doganali tal-Parti li timporta tista' titlob lill-importatur biex jipprovdi evidenza ta' konformità. Tali evidenza tista' tingħata bi kwalunkwe mezz, inklużi dokumenti kuntrattwali tat-trasport bħal poloz ta' kargu jew evidenza fattwali jew konkreta bbażata fuq l-immarkar jew in-numerazzjoni tal-pakketti jew kwalunkwe evidenza relatata mal-prodott innifsu.

Artikolu 10.15

Wirjiet

1. Prodotti oriġinarji mibgħuta għall-wiri f'pajjiż terz u mibjugħa wara l-wiri għall-importazzjoni f'Parti, għandhom jibbenifikaw mal-importazzjoni f'konformità ma' din il-Parti ta' dan il-Ftehim diment li jintwera għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali li:

(a) esportatur ikun ikkonsenja dawk il-prodotti minn Parti għall-pajjiż terz li fih saret il-wirja u li wrihom hemmhekk;

(b) il-prodotti nbiegħu jew ġew ċeduti b'xi mod ieħor minn dak l-esportatur lil persuna f'Parti;

(c) il-prodotti jkunu ġew ikkunsinnati waqt il-wirja jew immedjatament wara fl-istat li jkunu ntbagħtu għall-wirja; kif ukoll

(d) il-prodotti ma jkunux, miż-żmien li jkunu ġew ikkunsinnati għall-wirja, intużaw għal skopijiet oħra ħlief biex jiġu eżibiti fil-wirja.

2. Dikjarazzjoni dwar l-oriġini għandha ssir f'konformità mat-Taqsima B u tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet doganali f'konformità mal-proċeduri doganali tal-Parti li timporta. L-isem u l-indirizz tal-wirja għandhom ikunu indikati fuqha.

3. Il-paragrafu 1 japplika għal kull wirja, fiera jew demostrazzjoni pubblika simili ta' natura kummerċjali, industrijali, agrikola jew artiġjanali, li ma tkunx organizzata għal finijiet privati fi ħwienet jew postijiet tan-negozju bl-għan ta' bejgħ ta' prodotti barranin, u li matulha l-prodotti jibqgħu taħt il-kontroll tad-dwana.

4. L-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta jistgħu jirrikjedu evidenza li l-prodotti baqgħu taħt kontroll doganali fil-pajjiż tal-wirja, kif ukoll evidenza dokumentarja addizzjonali tal-kundizzjonijiet li taħthom ġew esibiti.

TAQSIMA B

Proċeduri tal-oriġini

Artikolu 10.16

Talba għal trattament tariffarju preferenzjali

1. Il-Parti li timporta għandha tagħti trattament tariffarju preferenzjali lil prodott oriġinarju fil-Parti l-oħra, fis-sens ta' dan il-Kapitolu, fuq il-bażi ta' talba mill-importatur għat-trattament tariffarju preferenzjali. L-importatur għandu jkun responsabbli għall-korrettezza tat-talba għal trattament tariffarju preferenzjali u għall-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

2. It-talba għal trattament tariffarju preferenzjali għandha tkun ibbażata fuq wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) dikjarazzjoni dwar l-oriġini magħmula mill-esportatur f'konformità mal-*Artikolu* 10.17;

(b) l-għarfien tal-importatur suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-*Artikolu* 10.19.

3. It-talba għal trattament tariffarju preferenzjali u l-bażi għal dik it-talba kif imsemmi fil-paragrafu 2 għandhom jiġu inklużi fid-dikjarazzjoni doganali, f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tal-Parti li timporta.

4. Importatur li jagħmel talba għal trattament preferenzjali bbażat fuq dikjarazzjoni dwar l-oriġini f'konformità mas-subparagrafu (a) tal-paragrafu 2 għandu jżomm id-dikjarazzjoni u għandu jippreżentaha lill-awtorità doganali tal-Parti li timporta fuq talba.

Artikolu 10.17

Dikjarazzjoni dwar l-oriġini

1. Esportatur ta' prodott għandu jagħmel dikjarazzjoni dwar l-oriġini fuq il-bażi tal-informazzjoni li turi li l-prodott huwa oriġinarju, inkluż, meta tkun applikabbli, informazzjoni dwar l-istatus oriġinarju tal-materjali użati fil-produzzjoni tal-prodott.

2. L-esportatur għandu jkun responsabbli għall-korrettezza tad-dikjarazzjoni dwar l-oriġini magħmula u l-informazzjoni pprovduta skont il-paragrafu 1. Jekk l-esportatur ikollu raġuni biex jemmen li d-dikjarazzjoni dwar l-oriġini fiha jew hija bbażata fuq informazzjoni żbaljata, l-esportatur għandu jinnotifika minnufih lill-importatur bi kwalunkwe bidla li taffettwa l-istatus oriġinarju tal-prodott. F'dak il-każ, l-importatur għandu jikkoreġi d-dikjarazzjoni tal-importazzjoni u jħallas kwalunkwe dazju doganali applikabbli dovut.

3. L-esportatur għandu jagħmel dikjarazzjoni dwar l-oriġini f'waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi inklużi fl-Anness 10-C fuq fattura jew fuq kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li jiddeskrivi l-prodott oriġinarju f'dettall suffiċjenti sabiex ikun jista' jiġi identifikata fin-nomenklatura tas-Sistema Armonizzata. Il-Parti li timporta ma għandhiex tirrikjedi li l-importatur jissottometti traduzzjoni tad-dikjarazzjoni dwar l-oriġini.

4. Dikjarazzjoni dwar l-oriġini għandha tkun valida għal sena mid-data ta' meta tkun saret.

5. Tista' ssir dikjarazzjoni dwar l-oriġini għal:

(a) vjeġġ wieħed ta' prodott wieħed jew aktar f'Parti; jew

(b) bosta vjeġġi ta' prodotti identiċi f'Parti fi ħdan il-perjodu speċifikat fid-dikjarazzjoni dwar l-oriġini li ma jaqbiżx it-12-il xahar.

6. Il-Parti li timporta għandha, fuq talba tal-importatur u suġġett għal kwalunkwe rekwiżit impost mill-Parti li timporta, tippermetti li tintuża dikjarazzjoni unika dwar l-oriġini għal prodotti mhux assemblati jew żmantellati, skont it-tifsira tar-Regola Ġenerali 2(a) tas-Sistema Armonizzata, ikklassifikati fit-Taqsimiet XV sa XXI tas-Sistema Armonizzata meta jiġu importati b'pagamenti parzjali.

Artikolu 10.18

Diskrepanzi żgħar u żbalji żgħar

L-awtorità doganali tal-Parti li timporta ma għandhiex tirrifjuta talba għal trattament tariffarju preferenzjali minħabba diskrepanzi żgħar bejn id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini u d-dokumenti sottomessi lill-uffiċċju doganali, jew żbalji żgħar fid-dikjarazzjoni dwar l-oriġini.

Artikolu 10.19

Għarfien tal-importatur

1. Il-Parti li timporta tista', fil-liġijiet u fir-regolamenti tagħha, tistabbilixxi kundizzjonijiet biex tiddetermina liema importaturi jistgħu jibbażaw talba għal trattament tariffarju preferenzjali fuq l-għarfien tal-importatur.

2. Minkejja l-paragrafu 1, l-għarfien tal-importatur li prodott huwa oriġinarju għandu jkun ibbażat fuq informazzjoni li turi li l-prodott effettivament jikkwalifika bħala oriġinarju u jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-Kapitolu sabiex jikseb status oriġinarju.

Artikolu 10.20

Rekwiżiti ta' żamma tar-rekords

1. Importatur li jitlob trattament tariffarju preferenzjali għal prodott importat f'Parti għandu:

(a) jekk it-talba għal trattament preferenzjali tkun ibbażata fuq dikjarazzjoni dwar l-oriġini, iżomm id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini magħmula mill-esportatur għal minimu ta' 3 snin mid-data tat-talba ta' preferenza tal-prodott; kif ukoll

(b) jekk it-talba għal trattament preferenzjali tkun ibbażata fuq l-għarfien tal-importatur, iżomm l-informazzjoni li turi li l-prodott jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-Kapitolu biex jikseb status oriġinarju għal minimu ta' 3 snin mid-data tat-talba għal trattament preferenzjali.

2. Esportatur li ħareġ dikjarazzjoni dwar l-oriġini għandu, għal minimu ta' 4 snin mindu jagħmel dik id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini, iżomm kopja tad-dikjarazzjoni dwar l-oriġini u tar-rekords l-oħrajn kollha li juru li l-prodott jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-Kapitolu biex jinkiseb status oriġinarju.

3. Ir-rekords li għandhom jinżammu f'konformità ma' dan l-*Artikolu* jistgħu jinżammu f'forma elettronika f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tal-Parti li timporta jew tesporta, kif xieraq.

Artikolu 10.21

Eżenzjonijiet mir-rekwiżiti rigward id-dikjarazzjonijiet dwar l-oriġini

1. Il-prodotti mibgħuta bħala pakketti minn persuni privati lil persuni privati jew li jifformaw parti mill-bagalji personali ta' vjaġġaturi għandhom ikunu aċċettati bħala prodotti oriġinarji mingħajr ma jirrikjedu l-dikjarazzjoni dwar l-oriġini, diment li tali prodotti ma jiġux importati f'għamla ta' kummerċ u jkunu ġew iddikjarati li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu, u li ma jkun hemm l-ebda dubju dwar il-veraċità ta' dik id-dikjarazzjoni.

2. L-importazzjonijiet li jkunu okkażjonali u li jikkonsistu biss minn prodotti għall-użu personali tar-riċevituri jew tal-vjaġġaturi jew tal-familji tagħhom ma għandhomx jitqiesu bħala importazzjonijiet f'għamla ta' kummerċ jekk ikun evidenti min-natura u l-kwantità tal-merkanzija li ma jkun maħsub l-ebda skop kummerċjali, sakemm l-importazzjoni ma tifformax parti minn serje ta' importazzjonijiet li jistgħu jiġu kkunsidrati b'mod raġonevoli li saru separatament għall-fini li jiġi evitat ir-rekwiżit għal dikjarazzjoni dwar l-oriġini.

3. Il-valur totali tal-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 ma għandux jaqbeż EUR 500 jew l-ammont ekwivalenti tagħhom fil-munita tal-Parti fil-każ ta' pakketti, jew ta' EUR 1 200 jew l-ammont ekwivalenti tagħha fil-munita tal-Parti fil-każ ta' prodotti li jiffurmaw parti mill-bagalji personali tal-vjaġġaturi.

Artikolu 10.22

Verifika

1. L-awtorità doganali tal-Parti li timporta tista' tivverifika l-istatus oriġinarju ta' prodott jew jekk ir-rekwiżiti l-oħrajn stabbiliti f'dan il-Kapitolu humiex issodisfati abbażi ta' metodi ta' valutazzjoni tar-riskju, li jistgħu jinkludu għażla aleatorja. Għall-finijiet ta' tali verifika l-awtorità doganali tal-Parti li timporta tista' tibgħat talba għal informazzjoni lill-importatur li jkun għamel it-talba għal trattament preferenzjali skont l-*Artikolu* 10.16.

2. L-awtorità doganali tal-Parti li timporta li tibgħat talba skont il-paragrafu 1 ma għandhiex titlob aktar mill-informazzjoni li ġejja fir-rigward tal-oriġini ta' prodott:

(a) id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini jekk it-talba għal trattament preferenzjali kienet ibbażata fuq dikjarazzjoni dwar l-oriġini; kif ukoll

(b) informazzjoni dwar l-issodisfar tal-kriterji tal-oriġini, li hija:

(i) jekk il-kriterju tal-oriġini jkunx "miksub għalkollox", il-kategorija applikabbli (bħall-ħsad, l-estrazzjoni, is-sajd) u l-post tal-produzzjoni;

(ii) jekk il-kriterju tal-oriġini jkunx ibbażat fuq tibdil fil-klassifikazzjoni tariffarja, lista tal-materjali mhux oriġinarji kollha, inkluż il-klassifikazzjoni tariffarja tagħhom (f'format b'żewġ, erba' jew sitt ċifri, skont il-kriterji tal-oriġini);

(iii) jekk il-kriterju tal-oriġini jkunx ibbażat fuq metodu ta' valur, il-valur tal-prodott finali kif ukoll il-valur tal-materjali kollha mhux oriġinarji użati fil-produzzjoni;

(iv) jekk il-kriterju tal-oriġini jkun ibbażat fuq il-piż, il-piż tal-prodott finali kif ukoll il-piż tal-materjali mhux oriġinarji rilevanti użati fil-prodott finali; kif ukoll

(v) jekk il-kriterju tal-oriġini jkun ibbażat fuq proċess tal-produzzjoni speċifiku, deskrizzjoni ta' dak il-proċess speċifiku.

3. Meta jipprovdi l-informazzjoni mitluba, l-importatur jista' jżid kwalunkwe informazzjoni oħra li jqis bħala rilevanti għall-finijiet ta' verifika.

4. Jekk it-talba għal trattament tariffarju preferenzjali tkun ibbażata fuq dikjarazzjoni dwar l-oriġini f'konformità mas-subparagrafu (a) tal-*Artikolu* 10.16(2) maħruġa mill-esportatur, l-importatur għandu jipprovdi dik id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini iżda jista' jwieġeb lill-awtorità doganali tal-Parti li timporta li l-informazzjoni msemmija fis-subparagrafu (b) tal-paragrafu 2 ta' dan l-*Artikolu* ma tistax tiġi pprovduta.

5. Meta t-talba għal trattament tariffarju preferenzjali tkun ibbażata fuq l-għarfien tal-importatur imsemmi fis-subparagrafu (b) tal-*Artikolu* 10.16(2), l-awtorità doganali tal-Parti li timporta li twettaq il-verifika tista', wara li tkun talbet informazzjoni skont il-paragrafu 1 ta' dan l-*Artikolu*, tibgħat talba addizzjonali għal informazzjoni lill-importatur jekk dik l-awtorità doganali tqis li hija meħtieġa dik l-informazzjoni addizzjonali sabiex jiġi vverifikat l-istatus oriġinarju tal-prodott jew jekk ir-rekwiżiti l-oħrajn stabbiliti f'dan il-Kapitolu humiex issodisfati. L-awtorità doganali tal-Parti li timporta tista' titlob għal dokumentazzjoni u informazzjoni speċifiċi lill-importatur, jekk ikun xieraq.

6. Jekk l-awtorità doganali tal-Parti li timporta tiddeċiedi li tissospendi l-għoti ta' trattament tariffarju preferenzjali lill-prodotti kkonċernati filwaqt li tistenna r-riżultati ta' verifika, tista' toffri lill-importatur il-possibbiltà li jirrilaxxa l-prodotti. Bħala kundizzjoni għal tali rilaxx, il-Parti li timporta tista' tirrikjedi garanzija jew miżura oħra xierqa ta' prekawzjoni. Kwalunkwe sospensjoni ta' trattament tariffarju preferenzjali għandha tintemm mill-aktar fis possibbli wara li l-awtorità doganali tal-Parti li timporta tkun aċċertat li l-prodotti kkonċernati jkollhom status oriġinarju, jew li r-rekwiżiti l-oħrajn stabbiliti f'dan il-Kapitolu ġew ssodisfati.

Artikolu 10.23

Kooperazzjoni amministrattiva

1. Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa ta' dan il-Kapitolu, il-Partijiet għandhom jikkooperaw ma' xulxin, permezz tal-awtoritajiet doganali rispettivi tagħhom, sabiex jivverifikaw l-istatus oriġinarju ta' prodott jew jekk ir-rekwiżiti l-oħrajn stabbiliti f'dan il-Kapitolu ġew issodisfati.

2. Jekk talba għal trattament tariffarju preferenzjali tkun ibbażata fuq dikjarazzjoni dwar l-oriġini f'konformità mas-subparagrafu (a) tal-*Artikolu* 10.16(2), l-awtorità doganali tal-Parti li timporta li twettaq il-verifika tista', wara li tkun talbet informazzjoni mill-importatur skont l-*Artikolu* 10.22(1), tibgħat talba għal informazzjoni lill-awtorità doganali tal-Parti li tesporta fi żmien sentejn wara d-data tat-talba għal trattament preferenzjali, jekk l-awtorità doganali tal-Parti li timporta tqis li hija meħtieġa informazzjoni addizzjonali sabiex jiġi vverifikat l-istatus oriġinarju tal-prodott jew jekk ir-rekwiżiti l-oħrajn stabbiliti f'dan il-Kapitolu ġew issodisfati. L-awtorità doganali tal-Parti li timporta tista' titlob għal dokumentazzjoni u informazzjoni speċifiċi mill-awtorità doganali tal-Parti li tesporta jekk ikun xieraq.

3. L-awtorità doganali tal-Parti li timporta għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja fit-talba msemmija fil-paragrafu 2:

(a) id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini jew kopja tagħha;

(b) l-identità tal-awtorità doganali li toħroġ it-talba;

(c) l-isem tal-esportatur li jrid jiġi vverifikat;

(d) is-suġġett u l-ambitu tal-verifika; kif ukoll

(e) jekk applikabbli, kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti.

4. L-awtorità doganali tal-Parti li tesporta tista', f'konformità mal-liġi u mar-regolamenti ta' dik il-Parti, twettaq il-verifika tagħha billi titlob dokumentazzjoni mill-esportatur u billi titlob kwalunkwe evidenza, jew billi żżur il-bini tal-esportatur, sabiex tirrieżamina r-rekords u tosserva l-faċilitajiet użati fil-produzzjoni tal-prodott.

5. B'segwitu għat-talba msemmija fil-paragrafu 2, l-awtorità doganali tal-Parti li tesporta għandha tipprovdi lill-awtorità doganali tal-Parti li timporta l-informazzjoni li ġejja:

(a) id-dokumentazzjoni mitluba, jekk tkun disponibbli;

(b) opinjoni dwar l-istatus oriġinarju tal-prodott;

(c) id-deskrizzjoni tal-prodott soġġett għall-verifika u l-klassifikazzjoni tariffarja rilevanti għall-applikazzjoni tar-regola tal-oriġini;

(d) deskrizzjoni u spjegazzjoni tal-proċess tal-produzzjoni b'sostenn tal-istatus oriġinarju tal-prodott;

(e) informazzjoni dwar il-mod li bih twettqet il-verifika tal-istatus oriġinarju tal-prodott skont il-paragrafu 4; kif ukoll

(f) dokumentazzjoni ta' sostenn, jekk xierqa.

6. L-awtorità doganali tal-Parti li tesporta ma għandhiex tibgħat informazzjoni lill-awtorità doganali tal-Parti li timporta msemmija fis-subparagrafu (a) jew (f) tal-paragrafu 5 mingħajr il-kunsens tal-esportatur.

7. L-informazzjoni kollha mitluba, inkluż kwalunkwe dokument ta' sostenn u l-informazzjoni relatata l-oħra kollha relatata dwar il-verifika preferibbilment għandhom jiġu skambjati b'mod elettroniku bejn l-awtoritajiet doganali tal-Partijiet.

8. Il-Partijiet għandhom, permezz tal-koordinaturi maħtura f'konformità ma' din il-Parti ta' dan il-Ftehim, jipprovdu lil xulxin bid-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet doganali rispettivi tagħhom u kwalunkwe modifika fihom fi żmien 30 jum minn tali modifika.

Artikolu 10.24

Assistenza reċiproka fil-ġlieda kontra l-frodi

F'każ ta' ksur suspettat ta' dan il-Kapitolu, il-Partijiet għandhom jipprovdu lil xulxin b'assistenza reċiproka, f'konformità mal-Protokoll għal dan il-Ftehim dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka fi Kwistjonijiet Doganali.

Artikolu 10.25

Ċaħda tat-talbiet għal trattament tariffarju preferenzjali

1. Soġġett għar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 3 sa 5, l-awtorità doganali tal-Parti li timporta tista' tiċħad talba għal trattament tariffarju preferenzjali jekk:

(a) fi żmien 3 xhur wara t-talba għal informazzjoni skont l-*Artikolu* 10.22(1):

(i) ma tkun ingħatat l-ebda tweġiba mill-importatur;

(ii) f'każijiet fejn it-talba għal trattament tariffarju preferenzjali tkun ibbażata fuq dikjarazzjoni dwar l-oriġini f'konformità mas-subparagrafu (a) tal-*Artikolu* 10.16(2), id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini ma tkunx ġiet ipprovduta; jew

(iii) f'każijiet fejn it-talba għal trattament tariffarju preferenzjali tkun ibbażata fuq l-għarfien tal-importatur kif imsemmi fis-subparagrafu (b) tal-*Artikolu* 10.16(2), l-informazzjoni pprovduta mill-importatur ma tkunx adegwata sabiex jiġi kkonfermat l-istatus oriġinarju tal-prodott;

(b) fi żmien perjodu ta' 3 xhur wara t-talba għal informazzjoni addizzjonali skont l-*Artikolu* 10.22(5):

(i) ma tkun ingħatat l-ebda tweġiba mill-importatur; jew

(ii) l-informazzjoni pprovduta mill-importatur ma tkunx biżżejjed biex jiġi kkonfermat li l-prodott hu oriġinarju;

(c) fi żmien 10 xhur wara t-talba għal informazzjoni skont l-*Artikolu* 10.23(2):

(i) ma tkun ingħatat l-ebda tweġiba mill-awtorità doganali tal-Parti li tesporta; jew

(ii) l-informazzjoni pprovduta mill-awtorità doganali tal-Parti li tesporta tkun inadegwata sabiex jiġi kkonfermat li l-prodott ikollu status oriġinarju.

2. L-awtorità doganali tal-Parti li timporta tista' tiċħad talba għal trattament tariffarju preferenzjali jekk l-importatur li jkun għamel dik it-talba jonqos milli jikkonforma ma' rekwiżiti stabbiliti f'dan il-Kapitolu għajr dawk relatati mal-istatus oriġinarju tal-prodotti.

3. Jekk l-awtorità doganali tal-Parti li timporta jkollha biżżejjed informazzjoni sabiex tiċħad talba għal trattament tariffarju preferenzjali f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-*Artikolu* u meta l-awtorità doganali tal-Parti li tesporta tkun ipprovdiet opinjoni skont is-subparagrafu (b) tal-*Artikolu* 10.23(5) li fiha tikkonferma l-istatus oriġinarju tal-prodotti, l-awtorità doganali tal-Parti li timporta għandha tinnotifika lill-awtorità doganali tal-Parti li tesporta bl-intenzjoni tagħha li tiċħad it-talba għal trattament tariffarju preferenzjali fi żmien xahrejn mid-data tar-riċevuta ta' dik l-opinjoni.

4. Jekk tkun saret in-notifika msemmija fil-paragrafu 3, il-konsultazzjonijiet għandhom isiru fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, fi żmien 3 xhur mid-data ta' dik in-notifika. Il-perjodu ta' żmien għal konsultazzjoni jista' jiġi estiż fuq il-bażi ta' każ b'każ permezz ta' ftehim reċiproku bejn l-awtoritajiet doganali tal-Partijiet. Il-konsultazzjoni tista' ssir f'konformità mal-proċedura stabbilita mis-Sottokumitat imsemmi fl-*Artikolu* 10.31.

5. Mal-iskadenza tal-perjodu ta' żmien għall-konsultazzjoni, l-awtorità doganali tal-Parti li timporta għandha tiċħad it-talba għal trattament tariffarju preferenzjali biss jekk ma tkunx tista' tikkonferma l-istatus oriġinarju tal-prodott u wara li tkun tat lill-importatur id-dritt li jinstema'.

Artikolu 10.26

Kunfidenzjalità

1. Kull Parti għandha żżomm, f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha, il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni pprovduta lilha mill-Parti l-oħra skont dan il-Kapitolu, u għandha tipproteġi dik l-informazzjoni mid-divulgazzjoni.

2. Informazzjoni miksuba mill-awtoritajiet tal-Parti li timporta għandha tintuża biss minn dawk l-awtoritajiet għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu.

3. Kull Parti għandha tiżgura li informazzjoni kunfidenzjali miġbura skont dan il-Kapitolu ma tintużax għal finijiet għajr l-amministrazzjoni u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet u determinazzjonijiet marbutin mal-oriġini tal-prodotti u ma' kwistjonijiet doganali, ħlief bil-permess tal-persuna jew tal-Parti li tkun ipprovdiet l-informazzjoni kunfidenzjali.

4. Minkejja l-paragrafu 3, Parti tista' tippermetti informazzjoni miġbura skont dan il-Kapitolu biex tintuża fi kwalunkwe proċediment amministrattiv, ġudizzjarju, jew kważi ġudizzjarju li jinbeda minħabba nuqqas ta' konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti relatati mad-dwana li jimplimentaw dan il-Kapitolu. Parti għandha tinnotifika lill-persuna jew lill-Parti li tkun ipprovdiet l-informazzjoni kkonċernata qabel tali użu minn qabel.

Artikolu 10.27

Rifużjonijiet u talbiet għal trattament tariffarju preferenzjali wara l-importazzjoni

1. Kull Parti għandha tipprovdi li importatur jista' jagħmel, wara l-importazzjoni, talba għal trattament tariffarju preferenzjali u għal rifużjoni ta' kwalunkwe dazju żejjed imħallas għal prodott jekk:

(a) l-importatur ma għamilx talba għal trattament tariffarju preferenzjali fiż-żmien tal-importazzjoni;

(b) it-talba ssir mhux aktar tard minn sentejn wara d-data tal-importazzjoni; kif ukoll

(c) il-prodott ikkonċernat kien eliġibbli għal trattament tariffarju preferenzjali meta ġie importat fit-territorju tal-Parti.

2. Bħala kundizzjoni għal trattament tariffarju preferenzjali abbażi ta' talba magħmula skont il-paragrafu 1, il-Parti li timporta tista' tirrikjedi li l-importatur:

(a) jagħmel talba għal trattament tariffarju preferenzjali f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tal-Parti li timporta;

(b) jipprovdi d-dikjarazzjoni dwar l-oriġini, kif xieraq; kif ukoll

(c) jissodisfa r-rekwiżiti applikabbli l-oħrajn kollha stabbiliti f'dan il-Kapitolu bl-istess mod daqslikieku kien intalab trattament tariffarju preferenzjali fiż-żmien tal-importazzjoni.

Artikolu 10.28

Miżuri u sanzjonijiet amministrattivi

1. Parti għandha timponi miżuri u sanzjonijiet amministrattivi fejn xieraq, f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti rispettivi tagħha, fuq persuna li tfassal dokument, jew tikkawża li jitfassal dokument, li jkun fih informazzjoni mhux korretta għall-finijiet tal-kisba ta' trattament tariffarju preferenzjali għal-prodott, jew li ma jikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti fi:

(a) l-*Artikolu* 10.20;

(b) l-*Artikolu* 10.23(4) billi ma tiġix ipprovduta evidenza jew tiġi miċħuda żjara; jew

(c) l-*Artikolu* 10.17(2) billi ma tiġix ikkoreġuta talba għal trattament tariffarju preferenzjali magħmula fid-dikjarazzjoni doganali u billi jitħallas id-dazju doganali kif xieraq, jekk it-talba inizjali għal preferenza kienet ibbażata fuq informazzjoni żbaljata.

2. Il-Parti għandha tqis il-paragrafu 3.6 tal-*Artikolu* 6 tal-Ftehim dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO f'każijiet fejn importatur volontarjament jiżvela korrezzjoni għal talba għal trattament preferenzjali qabel ma jirċievi talba għal verifika, f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti ta' dik il-Parti.

TAQSIMA C

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 10.29

Ceuta u Melilla

1. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, għall-Parti tal-UE, it-terminu "Parti" ma jinkludix lil Ceuta u Melilla.

2. Il-prodotti li joriġinaw miċ-Ċilì, meta jiġu importati f'Ceuta u Melilla, għandhom, f'kull aspett, jingħataw l-istess trattament doganali skont din il-Parti ta' dan il-Ftehim bħal dak mogħti lill-prodotti oriġinarji mit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea skont il-Protokoll 2 tal-Att tal-Adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża mal-Unjoni Ewropea. Iċ-Ċilì għandu jagħti lill-importazzjonijiet ta' prodotti koperti minn din il-Parti ta' dan il-Ftehim u li joriġinaw minn Ceuta u Melilla, l-istess trattament doganali bħal dak mogħti lil prodotti importati minn u li joriġinaw mill-Parti tal-UE.

3. Ir-regoli tal-oriġini u l-proċeduri tal-oriġini skont dan il-Kapitolu japplikaw *mutatis mutandis* għal prodotti esportati miċ-Ċilì lejn Ceuta u Melilla u għal prodotti esportati minn Ceuta u Melilla lejn iċ-Ċilì.

4. Ceuta u Melilla għandhom jitqiesu bħala territorju wieħed.

5. L-*Artikolu* 10.3 japplika għall-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' prodotti bejn il-Parti tal-UE, iċ-Ċilì u Ceuta u Melilla.

6. L-esportatur għandu jdaħħal "iċ-Ċilì" u "Ceuta u Melilla" fil-kamp 3 tat-test tad-dikjarazzjoni dwar l-oriġini fl-Anness 10-C, skont l-oriġini tal-prodott.

7. L-awtoritajiet doganali tar-Renju ta' Spanja għandhom ikunu responsabbli għall-applikazzjoni ta' dan l-*Artikolu* f'Ceuta u Melilla.

Artikolu 10.30

Emendi

Il-Kunsill Konġunt jista' jadotta deċiżjonijiet biex jemenda dan il-Kapitolu u l-Annessi 10-A sa 10-E, skont is-subparagrafu (a) tal-*Artikolu* 8.5(1).

Artikolu 10.31

Sottokumitat dwar id-Dwana, il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ u r-Regoli tal-Oriġini

1. Is-Sottokumitat għad-Dwana, l-Iffaċilitar tal-Kummerċ u r-Regoli tal-Oriġini ("Sottokumitat"), stabbilit skont l-*Artikolu* 8.8(1), għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet b'responsabbiltà għad-dwana.

2. Is-Sottokumitat għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni u l-applikazzjoni effettivi ta' dan il-Kapitolu.

3. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, is-Sottokumitat għandu jkollu l-funzjonijiet li ġejjin:

(a) ir-reviżjoni u r-rakkomandazzjonijiet xierqa, kif meħtieġ, lill-Kumitat Konġunt dwar:

(i) l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu; kif ukoll

(ii) kwalunkwe emenda għal dan il-Kapitolu u għall-Annessi 10-A sa 10-E proposta minn Parti;

(b) jagħmel suġġerimenti lill-Kumitat Konġunt dwar l-adozzjoni ta' noti ta' spjegazzjoni biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu; kif ukoll

(c) jikkunsidra kwalunkwe kwistjoni oħra relatata ma' dan il-Kapitolu kif miftiehem bejn il-Partijiet.

Artikolu 10.32

Prodotti fi tranżitu jew fil-ħżin

Il-Partijiet jistgħu japplikaw din il-Parti ta' dan il-Ftehim għal prodotti li jikkonformaw ma' dan il-Kapitolu u li, fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, ikunu fi tranżitu jew ikunu f'ħażna temporanja f'maħżen doganali jew f'żoni ħielsa fil-Parti tal-UE jew fiċ-Ċilì, suġġett għas-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni dwar l-oriġini lill-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta.

Artikolu 10.33

Noti ta' spjegazzjoni

In-noti ta' spjegazzjoni dwar l-interpretazzjoni, l-applikazzjoni u l-amministrazzjoni ta' dan il-Kapitolu huma stabbiliti fl-Anness 10-E.

KAPITOLU 11

DWANA U FAĊILITAZZJONI TAL-KUMMERĊ

Artikolu 11.1

Objettivi

1. Il-Partijiet jagħrfu l-importanza tad-dwana u tal-faċilitazzjoni tal-kummerċ fl-ambjent tal-kummerċ globali li qiegħed jevolvi.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-istrumenti u l-istandards kummerċjali u doganali internazzjonali huma l-bażi għar-rekwiżiti u għall-proċeduri tal-importazzjoni, tal-esportazzjoni u tat-tranżitu.

3. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-liġijiet u r-regolamenti doganali għandhom ikunu nondiskriminatorji u li l-proċeduri doganali għandhom ikunu bbażati fuq l-użu ta' metodi moderni u kontrolli effettivi biex tiġi miġġielda l-frodi, jiġu protetti s-saħħa u s-sikurezza tal-konsumatur u jiġi promoss il-kummerċ leġittimu. Kull Parti għandha tirrieżamina l-liġijiet, ir-regolamenti u l-proċeduri doganali tagħha. Il-Partijiet jirrikonoxxu wkoll li l-proċeduri doganali tagħhom ma għandhomx ikunu ta' piż amministrattiv jew restrittivi għall-kummerċ aktar milli meħtieġ biex jintlaħqu objettivi leġittimi u li għandhom jiġu applikati b'mod li jkun prevedibbli, konsistenti u trasparenti.

4. Il-Partijiet jaqblu li jsaħħu l-kooperazzjoni f'dan il-qasam bil-għan li jiżguraw li l-liġijiet, ir-regolamenti u l-proċeduri doganali rilevanti, kif ukoll il-kapaċità amministrattiva tal-amministrazzjonijiet rilevanti, jissodisfaw l-objettivi tal-promozzjoni tal-faċilitazzjoni tal-kummerċ filwaqt li jiżguraw kontroll doganali effettiv.

Artikolu 11.2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, "awtorità doganali" tfisser:

(a) għaċ-Ċilì, is-*Servicio Nacional de Aduanas* (is-Servizz Doganali Nazzjonali), jew is-suċċessur tiegħu; kif ukoll

(b) għall-Parti tal-UE, dawk is-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli għall-kwistjonijiet doganali u l-amministrazzjonijiet doganali u kwalunkwe awtorità oħra fl-Istati Membri responsabbli għall-applikazzjoni u l-infurzar tal-liġijiet u tar-regolamenti doganali.

Artikolu 11.3

Il-kooperazzjoni doganali

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fuq kwistjonijiet doganali bejn l-awtoritajiet doganali rispettivi tagħhom sabiex jiżguraw li l-objettivi stabbiliti fl-*Artikolu* 11.1 jintlaħqu.

2. Il-Partijiet għandhom jiżviluppaw il-kooperazzjoni, inkluż billi:

(a) jiskambjaw informazzjoni dwar il-liġijiet u r-regolamenti doganali, l-implimentazzjoni tagħhom, u l-proċeduri doganali, partikolarment fl-oqsma li ġejjin:

(i) is-simplifikazzjoni u l-immodernizzar tal-proċeduri doganali;

(ii) l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali mill-awtoritajiet doganali;

(iii) il-faċilitazzjoni tal-movimenti ta' tranżitu u trażbord;

(iv) ir-relazzjonijiet maċ-ċrieki kummerċjali; kif ukoll

(v) is-sigurtà tal-katina tal-provvista u l-ġestjoni tar-riskju;

(b) jaħdmu flimkien dwar l-aspetti relatati mad-dwana tal-iżgurar u l-iffaċilitar tal-ktajjen tal-provvista tal-kummerċ internazzjonali f'konformità mal-Qafas SAFE ta' Standards għas-Sigurtà u l-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ Globali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (minn hawn 'il quddiem imsejħa d-"WCO") adottati Ġunju 2005;

(c) jikkunsidraw l-iżvilupp ta' inizjattivi konġunti relatati mal-importazzjoni, mal-esportazzjoni u ma' proċeduri doganali oħrajn, inkluż l-iskambju tal-aħjar prattiki u tal-assistenza teknika, u jiżguraw il-forniment ta' servizz effettiv liċ-ċrieki kummerċjali; tali kooperazzjoni tista' tinkludi skambji dwar il-laboratorji doganali, it-taħriġ tal-uffiċjali doganali u dwar teknoloġiji ġodda għall-kontrolli u l-proċeduri doganali;

(d) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni tagħhom fil-qasam tad-dwana f'organizzazzjonijiet internazzjonali bħad-WTO u d-WCO;

(e) l-istabbiliment, meta jkun relevanti u xieraq, tar-rikonoxximent reċiproku ta' programmi tal-operaturi ekonomiċi awtorizzati, inklużi miżuri ta' faċilitazzjoni tal-kummerċ ekwivalenti;

(f) it-twettiq ta' skambji dwar it-tekniki tal-ġestjoni tar-riskju, l-istandards tar-riskju u l-kontrolli tas-sigurtà, sabiex jiġu stabbiliti, sa fejn ikun prattikabbli, standards minimi għat-tekniki tal-ġestjoni tar-riskju u r-rekwiżiti u l-programmi relatati;

(g) l-impenn għall-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti tad-*data* tagħhom għall-importazzjoni, għall-esportazzjoni u għal proċeduri doganali oħrajn, billi jimplimentaw standards u elementi tad-*data* komuni f'konformità mal-Mudell tad-*Data* tad-WCO;

(h) il-kondiviżjoni tal-esperjenzi rispettivi tagħhom fl-iżvilupp u fl-użu tas-sistemi tagħhom ta' tieqa unika, u, jekk ikun xieraq, l-iżvilupp ta' settijiet komuni ta' elementi tad-*data* għal dawk is-sistemi;

(i) iż-żamma ta' djalogu bejn l-esperti politiċi rispettivi tagħhom biex jippromwovu l-utilità, l-effiċjenza, u l-applikabbiltà ta' deċiżjonijiet bil-quddiem għall-awtoritajiet doganali u n-negozjanti; kif ukoll

(j) l-iskambju, jekk rilevanti u xieraq, permezz ta' komunikazzjoni strutturata u rikorrenti bejn l-awtoritajiet doganali tagħhom, ta' ċerti kategoriji ta' informazzjoni relatata mad-dwana għal finijiet speċifiċi, jiġifieri t-titjib tal-ġestjoni tar-riskju u l-effettività tal-kontrolli doganali, l-immirar tal-merkanzija f'riskju f'termini ta' ġbir ta' dħul jew sikurezza u sigurtà, u l-iffaċilitar ta' kummerċ leġittimu; tali skambju għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-iskambji ta' informazzjoni li jistgħu jsiru bejn il-Partijiet f'konformità mal-Protokoll għal dan il-Ftehim dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka fi Kwistjonijiet Doganali.

3. Kwalunkwe skambju ta' informazzjoni bejn il-Partijiet skont dan il-Kapitolu għandu jkun suġġett, *mutatis mutandis*, għall-kunfidenzjalità tal-informazzjoni u tar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data* personali stabbiliti fl-*Artikolu* 12 tal-Protokoll għal dan il-Ftehim dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka fi Kwistjonijiet Doganali, kif ukoll għal kwalunkwe rekwiżit ta' kunfidenzjalità u privatezza stabbilit fil-liġijiet u fir-regolamenti tal-Partijiet.

Artikolu 11.4

Assistenza Amministrattiva Reċiproka

Il-Partijiet għandhom jagħtu assistenza amministrattiva reċiproka lil xulxin fi kwistjonijiet doganali f'konformità mal-Protokoll għal dan il-Ftehim dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka fi Kwistjonijiet Doganali.

Artikolu 11.5

Liġijiet, regolamenti u proċeduri doganali

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-liġijiet, ir-regolamenti u l-proċeduri doganali tagħha huma:

(a) ibbażati fuq strumenti u standards internazzjonali fil-qasam tad-dwana u tal-kummerċ, inkluża l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u Kodifikazzjoni ta' Merkanzija li saret fi Brussell fl-14 ta' Ġunju 1983, kif ukoll il-Qafas SAFE ta' Standards għas-Sigurtà u l-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ Globali tad-WCO, u l-Mudell tad-*Data* tad-WCO, u jekk applikabbli, l-elementi sostantivi tal-Konvenzjoni ta' Kjoto Riveduta dwar is-Simplifikazzjoni u l-Armonizzazzjoni tal-Proċeduri Doganali, li saret fi Kjoto fit-18 ta' Mejju 1973 u adottata mill-Kunsill tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali f'Ġunju 1999;

(b) ibbażati fuq il-protezzjoni u l-faċilitazzjoni tal-kummerċ leġittimu permezz ta' infurzar effettiv u konformità mar-rekwiżiti leġiżlattivi; kif ukoll

(c) proporzjonati u mhux diskriminatorji sabiex jevitaw piżijiet mingħajr bżonn fuq l-operaturi ekonomiċi, jipprevedu faċilitazzjoni ulterjuri għall-operaturi b'livelli għoljin ta' konformità, inkluż trattament favorevoli fir-rigward tal-kontrolli doganali qabel ir-rilaxx tal-oġġetti, u li jiżguraw salvagwardji kontra l-frodi u attivitajiet illeċiti jew dannużi.

2. Sabiex jittejbu l-metodi ta' ħidma, kif ukoll sabiex jiġu żgurati n-nondiskriminazzjoni, it-trasparenza, l-effiċjenza, l-integrità u r-responsabbiltà fl-operati doganali, kull Parti għandha:

(a) tissimplifika u tirrieżamina r-rekwiżiti u l-formalitajiet, kull meta jkun possibbli, bl-għan li jiġu żgurati r-rilaxx u l-awtorizzazzjoni rapidi tal-merkanzija;

(b) taħdem lejn is-simplifikazzjoni u l-istandardizzazzjoni ulterjuri tad-*data* u d-dokumentazzjoni meħtieġa mid-dwana u minn aġenziji oħrajn sabiex tnaqqas il-piżijiet taż-żmien u tal-kostijiet għall-operaturi, inklużi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju; kif ukoll

(c) tiżgura li jinżammu l-ogħla standards ta' integrità, permezz tal-applikazzjoni ta' miżuri li jirriflettu l-prinċipji tal-konvenzjonijiet u l-istrumenti internazzjonali rilevanti f'dan il-qasam.

Artikolu 11.6

Rilaxx tal-merkanzija

Kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet doganali, l-aġenziji tal-fruntiera jew awtoritajiet kompetenti oħrajn tagħha:

(a) jipprevedu r-rilaxx minnufih tal-merkanzija fi ħdan perjodu li ma jkunx itwal milli meħtieġ sabiex tiġi assigurata l-konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti u mal-formalitajiet doganali tagħha u oħrajn relatati mal-kummerċ;

(b) jipprevedu s-sottomissjoni u l-proċessar elettroniċi avvanzati tad-dokumentazzjoni u ta' kwalunkwe informazzjoni meħtieġa oħra qabel il-wasla tal-merkanzija;

(c) jippermettu r-rilaxx tal-merkanzija qabel id-determinazzjoni finali tad-dazji doganali, tat-taxxi, tat-tariffi u tal-imposti, soġġetti għall-għoti ta' garanzija, jekk meħtieġa mil-liġijiet u mir-regolamenti tagħha, sabiex jiġi żgurat il-pagament finali tagħhom; kif ukoll

(d) jagħtu prijorità xierqa lill-prodotti li jitħassru meta tiġi skedata u titwettaq kwalunkwe eżaminazzjoni li tista' tkun meħtieġa.

Artikolu 11.7

Proċeduri doganali simplifikati

Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm miżuri li jippermettu lill-operaturi li jissodisfaw il-kriterji speċifikati fil-liġijiet u fir-regolamenti tagħha jibbenefikaw minn simplifikazzjoni ulterjuri tal-proċeduri doganali. Tali miżuri jistgħu jinkludu dikjarazzjonijiet doganali li jkun fihom settijiet imnaqqsa ta' *data* jew dokumenti ta' sostenn, jew dikjarazzjonijiet doganali perjodiċi għad-determinazzjoni u għall-ħlas ta' dazji doganali u taxxi li jkopru importazzjonijiet multipli f'perjodu partikolari wara r-rilaxx ta' dawk il-prodotti importati, jew proċeduri oħrajn li jipprevedu r-rilaxx rapidu ta' ċerti vjeġġi.

Artikolu 11.8

Operaturi ekonomiċi awtorizzati

1. Kull Parti għandha tistabbilixxi jew iżżomm programm ta' sħubija tal-faċilitazzjoni tal-kummerċ għall-operaturi li jissodisfaw kriterji speċifiċi (minn hawn 'il quddiem imsejħa "operaturi ekonomiċi awtorizzati").

2. Il-kriterji speċifikati biex jikkwalifikaw bħala operaturi ekonomiċi awtorizzati għandhom ikunu relatati mal-konformità, jew mar-riskju ta' nuqqas ta' konformità, mar-rekwiżiti speċifikati fil-liġijiet, fir-regolamenti jew fil-proċeduri ta' kull Parti. Il-kriterji speċifikati għandhom jiġu ppubblikati u jistgħu jinkludu:

(a) in-nuqqas ta' kwalunkwe ksur serju jew ksur ripetut tal-leġiżlazzjoni doganali u tar-regoli tat-tassazzjoni, inkluż ebda rekord ta' reati kriminali serji marbuta mal-attività ekonomika tal-applikant;

(b) il-wiri mill-applikant ta' livell għoli ta' kontroll tal-operazzjonijiet tiegħu u tal-fluss tal-merkanzija permezz ta' sistema ta' ġestjoni tar-rekords kummerċjali u, fejn ikun xieraq, tat-trasport, li tippermetti kontrolli doganali xierqa;

(c) is-solvenza finanzjarja, li għandha titqies bħala ppruvata meta l-applikant ikollu kapaċità finanzjarja tajba, li tippermettilu jonora l-impenji tiegħu, b'konsiderazzjoni xierqa tal-karatteristiċi tat-tip ta' attività kummerċjali kkonċernata;

(d) kompetenzi ppruvati jew kwalifiki professjonali relatati direttament mal-attività mwettqa; kif ukoll

(e) standards xierqa ta' sigurtà u sikurezza.

3. Il-kriterji speċifikati msemmija fil-paragrafu 2 ma għandhomx jitfasslu jew jiġu applikati b'tali mod li jagħmlu jew joħolqu diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikata bejn l-operaturi ekonomiċi meta jipprevalu l-istess kundizzjonijiet, u għandhom jippermettu l-parteċipazzjoni tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

4. Il-programm ta' sħubija għall-faċilitazzjoni tal-kummerċ imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jinkludi l-benefiċċji li ġejjin:

(a) rekwiżiti baxxi ta' dokumentazzjoni u ta' *data*, skont il-każ;

(b) rata aktar baxxa ta' spezzjonijiet fiżiċi jew ta' eżamijiet imħaffin, kif xieraq;

(c) proċeduri ta' rilaxx simplifikat u ħin ta' rilaxx rapidu, kif xieraq;

(d) l-użu ta' garanziji, inklużi, jekk applikabbli, garanziji komprensivi jew garanziji mnaqqsa; kif ukoll

(e) kontroll tal-merkanzija fil-bini tal-operatur ekonomiku awtorizzat jew f'post ieħor awtorizzat mill-awtoritajiet doganali.

5. Il-programm ta' sħubija għall-faċilitazzjoni tal-kummerċ imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jinkludi wkoll benefiċċji addizzjonali, bħal:

(a) pagament differit ta' dazji, ta' taxxi, ta' tariffi u ta' imposti;

(b) dikjarazzjoni doganali unika għall-importazzjonijiet jew l-esportazzjonijiet kollha f'perjodu speċifiku; jew

(c) id-disponibbiltà ta' punt ta' kuntatt dedikat biex jipprovdi assistenza fi kwistjonijiet doganali.

Artikolu 11.9

Rekwiżiti tad-*data* u tad-dokumentazzjoni

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-formalitajiet tal-importazzjoni, tal-esportazzjoni u tat-tranżitu, ir-rekwiżiti tad-*data* u tad-dokumentazzjoni jkunu:

(a) adottati u applikati bil-ħsieb tar-rilaxx rapidu tal-prodotti, diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet għar-rilaxx;

(b) jiġu adottati u applikati b'tali mod li jimmira li jnaqqas il-ħin u l-kost tal-konformità għan-negozjanti jew għall-operaturi;

(c) l-alternattiva l-inqas restrittiva għall-kummerċ, jekk żewġ alternattivi jew aktar kienu raġonevolment disponibbli biex jiġi ssodisfat l-objettiv jew l-objettivi ta' politika inkwistjoni; kif ukoll

(d) ma jibqgħux jinżammu, inklużi partijiet minnhom, jekk ma jkunux għadhom meħtieġa.

2. Kull Parti għandha tapplika proċeduri doganali komuni u tuża dokumenti doganali uniformi għar-rilaxx tal-merkanzija fit-territorju doganali tagħha.

Artikolu 11.10

Użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-pagament elettroniku

1. Kull Parti għandha tuża teknoloġiji tal-informazzjoni li jħaffu l-proċeduri għar-rilaxx tal-merkanzija sabiex jiġi ffaċilitat il-kummerċ bejn il-Partijiet.

2. Kull Parti:

(a) tagħmel disponibbli, b'mezzi elettroniċi, dikjarazzjoni doganali li hija meħtieġa għall-importazzjoni, għall-esportazzjoni jew għat-tranżitu tal-merkanzija;

(b) tippermetti li dikjarazzjoni doganali tiġi ppreżentata f'format elettroniku;

(c) tistabbilixxi mezz għall-forniment tal-iskambju elettroniku ta' informazzjoni doganali mal-komunità kummerċjali tagħha;

(d) tippromwovi l-iskambju elettroniku ta' *data* bejn l-operaturi u l-awtoritajiet doganali, kif ukoll aġenziji relatati oħrajn; kif ukoll

(e) tuża sistemi elettroniċi ta' ġestjoni tar-riskju għall-valutazzjoni u l-immirar li jippermettu lill-awtoritajiet doganali tagħha jiffokaw l-ispezzjonijiet tagħhom fuq merkanzija b'riskju għoli u li jiffaċilitaw ir-rilaxx u l-moviment ta' merkanzija b'riskju baxx.

3. Kull Parti għandha tadotta jew ikollha proċeduri li jippermettu l-għażla ta' pagament elettroniku għad-dazji, għat-taxxi, għat-tariffi u għall-imposti miġburin mill-awtoritajiet doganali li jiġu imposti mal-importazzjoni u mal-esportazzjoni.

Artikolu 11.11

Ġestjoni tar-riskji

1. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm sistema ta' ġestjoni tar-riskju għall-kontroll doganali.

2. Kull Parti għandha tfassal u tapplika l-ġestjoni tar-riskju b'mod sabiex tiġi evitata d-diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikabbli jew restrizzjonijiet moħbijin għall-kummerċ internazzjonali.

3. Kull Parti għandha tikkonċentra l-kontroll doganali u kontrolli rilevanti oħrajn fil-fruntieri fuq kunsinni ta' riskju għoli u għandha tħaffef ir-rilaxx ta' kunsinni b'riskju baxx. Kull Parti tista' wkoll tagħżel, fuq bażi aleatorja, il-kunsinni għal dawk il-kontrolli bħala parti mill-ġestjoni tar-riskju tagħha.

4. Kull Parti għandha tibbaża l-ġestjoni tar-riskju fuq il-valutazzjoni tar-riskju permezz ta' kriterji ta' selettività adegwati.

Artikolu 11.12

Awditu ta' wara r-rilaxx

1. Sabiex tħaffef ir-rilaxx tal-merkanzija, kull Parti għandha tadotta jew torganizza awditi ta' wara l-approvazzjoni sabiex tiżgura l-konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti doganali tagħha u oħrajn relatati.

2. Kull Parti għandha twettaq awditi ta' wara l-approvazzjoni b'mod ibbażat fuq ir-riskju.

3. Kull Parti għandha twettaq l-awditi ta' wara l-iżdoganar b'mod trasparenti. Jekk isir awditu u jkunu nkisbu riżultati konklużivi, il-Parti għandha, mingħajr dewmien, tinnotifika lill-persuna, li r-rekord tagħha kien ġie awditjat bir-riżultati, bir-raġunijiet għar-riżultati u d-drittijiet u l-obbligi ta' dik il-persuna.

4. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-informazzjoni miksuba f'awditu ta' wara l-approvazzjoni tista' tintuża fi proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji ulterjuri.

5. Kull fejn ikun prattiku, kull Parti għandha tuża r-riżultat tal-awditu ta' wara l-approvazzjoni fl-applikazzjoni tal-ġestjoni tar-riskju.

Artikolu 11.13

Trasparenza

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza ta' konsultazzjonijiet f'waqthom mar-rappreżentanti tal-kummerċ dwar il-proposti leġiżlattivi u l-proċeduri ġenerali relatati ma' kwistjonijiet doganali u tal-kummerċ. Għal dak il-għan, kull Parti għandha tipprevedi konsultazzjonijiet xierqa bejn l-amministrazzjonijiet u ċ-ċrieki kummerċjali.

2. Kull Parti għandha tiżgura li r-rekwiżiti u l-proċeduri doganali u relatati mad-dogana rispettivi tagħhajkomplu jissodisfaw il-ħtiġijiet taċ-ċrieki kummerċjali, isegwu l-aħjar prattiki, u jibqgħu l-inqas restrittivi għall-kummerċ kemm jista' jkun.

3. Kull Parti għandha tipprevedi konsultazzjonijiet regolari xierqa bejn l-aġenziji tal-fruntiera u negozjanti jew partijiet ikkonċernati oħrajn fit-territorju tagħha.

4. Kull Parti għandha tippubblika minnufih b'mod mhux diskriminatorju u aċċessibbli, inkluż online, u qabel l-applikazzjoni tagħhom, liġijiet u regolamenti ġodda relatati ma' kwistjonijiet doganali u ta' faċilitazzjoni tal-kummerċ, kif ukoll l-emendi għal u l-interpretazzjonijiet ta' dawk il-liġijiet u r-regolamenti. Dawn il-liġijiet u regolamenti, kif ukoll l-emendi u l-interpretazzjonijiet tagħhom, għandhom jinkludu dawk relatati ma':

(a) il-proċeduri ta' importazzjoni, ta' esportazzjoni u ta' tranżitu, inklużi l-proċeduri tal-portijiet, tal-ajruporti, u proċeduri oħrajn marbutin mal-punti ta' dħul, u l-formoli u d-dokumenti meħtieġa;

(b) ir-rati tad-dazju u tat-taxxi applikati ta' kull tip imposti fuq l-importazzjoni jew fuq l-esportazzjoni, jew b'rabta magħhom;

(c) tariffi u imposti li jiġu imposti minn, jew f'isem, aġenziji tal-gvern fuq, jew fir-rigward ta', importazzjonijiet, esportazzjonijiet jew it-tranżitu;

(d) ir-regoli għall-klassifikazzjoni jew għall-valutazzjoni tal-prodotti għal finijiet doganali;

(e) il-liġijiet, ir-regolamenti, u d-deċiżjonijiet amministrattivi ta' applikazzjoni ġenerali li jkollhom x'jaqsmu mar-regoli tal-oriġini;

(f) restrizzjonijiet jew projbizzjonijiet ta' importazzjoni, esportazzjoni jew tranżitu;

(g) id-dispożizzjonijiet dwar il-penali għall-ksur ta' formalitajiet tal-importazzjoni, tal-esportazzjoni, jew tat-tranżitu;

(h) ftehimiet jew partijiet minn ftehimiet ma' kwalunkwe pajjiż jew ma' pajjiżi, li għandhom x'jaqsmu mal-importazzjoni, mal-esportazzjoni jew mat-tranżitu;

(i) il-proċeduri relatati mal-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji;

(j) il-ħinijiet tal-operat u proċeduri operatorji għall-uffiċċji doganali fil-portijiet u fil-punti ta' qsim tal-fruntiera;

(k) il-punti ta' kuntatt għall-mistoqsijiet dwar l-informazzjoni; kif ukoll

(l) avviżi rilevanti oħrajn ta' natura amministrattiva fir-rigward tas-subparagrafi (a) sa (k).

5. Kull Parti għandha tiżgura li jkun hemm perjodu ta' żmien raġonevoli bejn il-pubblikazzjoni ([11]) u d-dħul fis-seħħ ta' liġijiet, ta' regolamenti u ta' proċeduri u tariffi u imposti ġodda jew emendati.

6. Kull Parti għandha tistabbilixxi jew iżżomm punt ta' kuntatt wieħed jew aktar għall-mistoqsijiet sabiex twieġeb għal mistoqsijiet raġonevoli mill-gvernijiet, mill-operaturi u minn partijiet interessati oħrajn dwar kwistjonijiet doganali u oħrajn relatati mal-kummerċ. Il-punt ta' kuntatt wieħed jew aktar għall-mistoqsijiet għandhom jirrispondu għall-mistoqsijiet f'perjodu ta' żmien raġonevoli stabbilit minn kull Parti, li jista' jvarja skont in-natura jew il-kumplessità tat-talba. Parti ma għandhiex tirrikjedi l-ħlas ta' tariffa biex twieġeb għal mistoqsijiet jew tipprovdi l-formoli u d-dokumenti meħtieġa.

Artikolu 11.14

Deċiżjonijiet bil-quddiem

1. Għall-finijiet ta' dan l-*Artikolu*, "deċiżjoni bil-quddiem" tfisser deċiżjoni bil-miktub mogħtija lil applikant qabel l-importazzjoni ta' oġġett kopert mill-applikazzjoni li tistabbilixxi t-trattament li l-Parti għandha tipprovdi lill-oġġett meta jiġi importat fir-rigward ta':

(a) il-klassifikazzjoni tariffarja tal-oġġett;

(b) l-oriġini tal-oġġett; kif ukoll

(c) kwalunkwe kwistjoni oħra li l-Partijiet jistgħu jaqblu dwarha.

2. Kull Parti għandha toħroġ deċiżjoni bil-quddiem permezz tal-awtoritajiet doganali tagħha. Dik id-deċiżjoni bil-quddiem għandha tinħareġ b'mod raġonevoli u marbut biż-żmien lill-applikant li jkun issottometta talba bil-miktub, inkluż f'format elettroniku, u jkun fiha l-informazzjoni neċessarja kollha f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tal-Parti emittenti.

3. Id-deċiżjoni bil-quddiem għandha tkun valida għal perjodu ta' mill-inqas 3 snin mid-data li fiha tidħol fis-seħħ, sakemm il-liġi, il-fatti jew iċ-ċirkostanzi li jappoġġaw id-deċiżjoni bil-quddiem oriġinali ma jkunux inbidlu.

4. Parti tista' tirrifjuta li toħroġ deċiżjoni bil-quddiem jekk il-fatti u ċ-ċirkostanzi li jiffurmaw il-bażi tad-deċiżjoni bil-quddiem ikunu taħt rieżami amministrattiv jew ġudizzjarju jew jekk ir-rikors ma jkunx relatat ma' xi użu maħsub tad-deċiżjoni bil-quddiem. Jekk Parti tonqos milli toħroġ deċiżjoni bil-quddiem, hija għandha mill-ewwel tinnotifika lill-applikant bil-miktub, u tistipula l-fatti rilevanti u fuq liema bażi tkun ħadet id-deċiżjoni tagħha.

5. Kull Parti għandha tippubblika, tal-anqas:

(a) ir-rekwiżiti għall-applikazzjoni għal deċiżjoni bil-quddiem, inkluża l-informazzjoni li trid tingħata kif ukoll il-format;

(b) il-perjodu ta' żmien għall-ħruġ ta' deċiżjoni bil-quddiem; kif ukoll

(c) it-tul ta' żmien li għalih tkun valida d-deċiżjoni bil-quddiem.

6. Jekk Parti tirrevoka jew timmodifika jew tinvalida deċiżjoni bil-quddiem, għandha tipprovdi avviż bil-miktub lill-applikant li fih tistabbilixxi l-fatti rilevanti u l-bażi għad-deċiżjoni tagħha. Parti għandha biss tirrevoka, timmodifika jew tinvalida deċiżjoni bil-quddiem b'effett retroattiv meta d-deċiżjoni tkun ittieħdet fuq il-bażi ta' informazzjoni mhux kompluta, mhux korretta, falza, jew qarrieqa mill-applikant.

7. Deċiżjoni bil-quddiem maħruġa minn Parti għandha tkun vinkolanti fuq dik il-Parti fir-rigward tal-applikant. Id-deċiżjoni bil-quddiem għandha tkun vinkolanti wkoll fuq ir-rikorrent.

8. Kull Parti għandha tipprovdi, fuq talba bil-miktub tal-applikant, rieżami tad-deċiżjoni bil-quddiem jew tad-deċiżjoni li tirrevoka, timmodifika, jew tinvalida d-deċiżjoni bil-quddiem.

([11]) Għal aktar ċertezza, il-"pubblikazzjoni" tirreferi biex il-liġijiet u r-regolamenti jsiru disponibbli għall-pubbliku.

9. Soġġett għar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità fil-liġijiet u fir-regolamenti tagħha, kull Parti għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku, inkluż online, l-elementi sostantivi tad-deċiżjonijiet tagħha bil-quddiem.

Artikolu 11.15

Tranżitu u trażbord

1. Kull Parti għandha tiżgura l-faċilitazzjoni u l-kontroll effettiv tal-movimenti ta' tranżitu u tal-operazzjonijiet ta' trażbord mit-territorju rispettiv tagħha.

2. Il-Partijiet għandhom jippromwovu u jimplimentaw arranġamenti ta' tranżitu reġjonali bil-għan li jiġi ffaċilitat il-kummerċ.

3. Kull Parti għandha tiżgura l-kooperazzjoni bejn, u l-koordinazzjoni ta', l-awtoritajiet u tal-aġenziji rilevanti tagħha kkonċernati biex jiġi ffaċilitat it-traffiku fi tranżitu.

4. Kull Parti għandha tippermetti li l-merkanzija maħsuba għall-importazzjoni timxi fit-territorju tagħha taħt kontroll doganali minn uffiċċju doganali tad-dħul għal uffiċċju doganali ieħor fit-territorju tagħha minn fejn kieku tiġi rilaxxata jew approvata l-merkanzija, diment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti regolatorji kollha.

Artikolu 11.16

Kummissarji tad-dwana

1. Parti ma għandhiex tintroduċi l-użu obbligatorju ta' kummissarji tad-dwana bħala rekwiżit għall-operaturi biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom fir-rigward tal-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tranżitu tal-merkanzija.

2. Kull Parti għandha tippubblika l-miżuri tagħha dwar l-użu ta' kummissarji tad-dwana.

3. Il-Partijiet għandhom japplikaw regoli trasparenti, nondiskriminatorji u proporzjonati meta jagħtu l-liċenzja lill-aġenti doganali.

Artikolu 11.17

Spezzjonijiet qabel it-tagħbija

Il-Partijiet ma għandhomx jirrikjedu l-użu ta' spezzjonijiet ta' qabel il-vjeġġ, kif definit fil-Ftehim dwar l-Ispezzjoni ta' Qabel il-Vjeġġ fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO, jew kwalunkwe attività oħra ta' spezzjoni mwettqa fid-destinazzjoni, qabel l-approvazzjoni, minn kumpaniji privati.

Artikolu 11.18

Appelli

1. Kull Parti għandha tipprovdi proċeduri effettivi, immedjati, mhux diskriminatorji u faċilment aċċessibbli sabiex tiggarantixxi d-dritt ta' appell kontra azzjonijiet amministrattivi, kontra sentenzi u kontra deċiżjonijiet tal-awtoritajiet doganali jew ta' awtoritajiet kompetenti oħrajn li jaffettwaw l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' merkanzija jew merkanzija fi tranżitu.

2. Il-proċeduri ta' appell jistgħu jinkludu rieżami amministrattiv mill-awtorità sorveljanti u rieżami ġudizzjarju tad-deċiżjonijiet meħuda fil-livell amministrattiv f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti ta' Parti.

3. Kwalunkwe persuna li tkun applikat lill-awtoritajiet doganali jew lil awtoritajiet kompetenti oħrajn jew deċiżjoni u ma tkunx kisbet deċiżjoni dwar dik l-applikazzjoni fil-limitu ta' żmien rilevanti għandha tkun intitolata wkoll li teżerċita d-dritt ta' appell.

4. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet doganali tagħha jew awtoritajiet kompetenti oħrajn jipprovdu lill-persuni li lilhom jinħarġu deċiżjonijiet amministrattivi, ir-raġunijiet għal dawk id-deċiżjonijiet biex jiġu ffaċilitati, fejn meħtieġ, ir-rikors għal proċeduri ta' appell.

Artikolu 11.19

Penali

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-liġijiet u r-regolamenti doganali tagħha jipprevedu li kwalunkwe penali imposta għal ksur tal-liġijiet, tar-regolamenti jew tar-rekwiżiti proċedurali doganali tkun proporzjonata u mhux diskriminatorja.

2. Kull Parti għandha tiżgura li kwalunkwe penali imposta għal ksur tal-liġijiet, tar-regolamenti jew tar-rekwiżiti proċedurali doganali tagħha tiġi imposta biss fuq il-persuna legalment responsabbli għall-ksur.

3. Kull Parti għandha tiżgura li l-penali imposta tkun ibbażata fuq il-fatti u ċ-ċirkostanzi tal-każ u tkun proporzjonata mal-grad u mas-severità tal-ksur. Kull Parti għandha tevita inċentivi għal, jew kunflitti ta' interess fil-valutazzjoni u l-ġbir ta' penali.

4. Kull Parti hija mħeġġa tikkunsidra divulgazzjoni minn qabel lil awtorità doganali taċ-ċirkostanzi ta' ksur tal-liġijiet, tar-regolamenti doganali, jew tar-rekwiżiti proċedurali bħala fattur ta' mitigazzjoni potenzjali meta tistabbilixxi penali.

5. Jekk Parti timponi penali għal ksur tal-liġijiet, tar-regolamenti jew tar-rekwiżiti proċedurali doganali tagħha, għandha tipprovdi spjegazzjoni bil-miktub lill-persuna li fuqha timponi l-penali, filwaqt li tispeċifika n-natura tal-ksur u l-liġijiet, ir-regolamenti applikabbli, jew il-proċeduri li skonthom ġie impost l-ammont jew il-firxa ta' penali għall-ksur.

Artikolu 11.20

Sottokumitat dwar id-Dwana, il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ u r-Regoli tal-Oriġini

1. Is-Sottokumitat dwar id-Dwana, il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ u r-Regoli tal-Oriġini ("Sottokumitat") huwa stabbilit skont l-*Artikolu* 8.8(1).

2. Is-Sottokumitat għandu jiżgura l-implimentazzjoni xierqa ta' dan il-Kapitolu, l-infurzar fil-fruntiera tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mas-Sottotaqsima 2 tat-Taqsima C tal-Kapitolu 32, mal-Protokoll għal dan il-Ftehim dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka fi Kwistjonijiet Doganali u kwalunkwe dispożizzjoni addizzjonali relatata mad-dwana miftiehma bejn il-Partijiet, u jeżamina l-kwistjonijiet kollha li jirriżultaw mill-applikazzjoni tagħhom.

3. Il-funzjonijiet tas-Sottokumitat għandhom jinkludu:

(a) il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u tal-amministrazzjoni ta' dan il-Kapitolu u tal-Kapitolu 10;

(b) l-organizzazzjoni ta' forum għall-konsultazzjoni u għad-diskussjoni tal-kwistjonijiet kollha dwar id-dwana, inkluż b'mod partikolari l-proċeduri doganali, il-valutazzjoni doganali, ir-reġimi tariffarji, in-nomenklatura doganali, il-kooperazzjoni doganali u l-assistenza amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali;

(c) l-organizzazzjoni forum għall-konsultazzjoni u għad-diskussjoni ta' kwistjonijiet relatati mar-regoli tal-oriġini u l-kooperazzjoni amministrattiva, u miżuri fil-fruntieri għad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali; kif ukoll

(d) it-titjib tal-kooperazzjoni fir-rigward tal-iżvilupp, l-applikazzjoni u l-infurzar tal-proċeduri doganali, l-assistenza amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali, ir-regoli tal-oriġini u l-kooperazzjoni amministrattiva.

4. Is-Sottokumitat jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar il-kwistjonijiet koperti mill-paragrafu 2. Il-Kunsill Konġunt jew il-Kumitat Konġunt għandu jkollu s-setgħa li jadotta deċiżjonijiet dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' tekniki ta' ġestjoni tar-riskju, standards tar-riskju, kontrolli tas-sigurtà u programmi ta' sħubija għall-faċilitazzjoni tal-kummerċ, inklużi aspetti bħat-trażmissjoni tad-*data* u benefiċċji miftiehma b'mod reċiproku.

Artikolu 11.21

Dħul temporanju

1. Għall-finijiet ta' dan l-*Artikolu*, "ammissjoni temporanja" tfisser il-proċedura doganali li taħtha ċerta merkanzija, inkluż il-mezz tat-trasport, tista' tiddaħħal f'territorju doganali soġġetta għall-kundizzjonijiet għall-ħlas ta' dazji u taxxi tal-importazzjoni u mingħajr l-applikazzjoni ta' projbizzjonijiet fuq l-importazzjoni jew restrizzjonijiet ta' natura

ekonomika. Dik il-merkanzija trid tiġi importata għal raġuni speċifika u trid tkun maħsuba għall-esportazzjoni mill-ġdid f'perjodu ta' żmien speċifikat u mingħajr ma jkunu sarulha xi tibdil ħlief għad-deprezzament normali minħabba l-użu magħmul minnha.

2. Kull Parti għandha tagħti ammissjoni temporanja, b'ħelsien kondizzjonali totali mid-dazji u mit-taxxi tal-importazzjoni u mingħajr l-applikazzjoni ta' limitazzjonijiet tal-importazzjoni jew projbizzjonijiet ta' natura ekonomika ([12]), kif previst fil-liġijiet u fir-regolamenti tagħha, għat-tipi ta' merkanzija li ġejjin:

(a) merkanzija għal wiri jew għal użu f'esibizzjonijiet, f'fieri, f'laqgħat jew f'avvenimenti simili, li tfisser merkanzija maħsuba għall-wiri jew dimostrazzjoni f'avveniment, merkanzija maħsuba għall-użu b'konnessjoni mal-wiri ta' prodotti barranin f'avveniment, u tagħmir li jinkludi tagħmir tal-interpretazzjoni, apparat ta' reġistrazzjoni tal-ħoss u tal-immaġni u films ta' natura edukattiva, xjentifika jew kulturali maħsuba għall-użu f'laqgħat, konferenzi jew kungressi internazzjonali, u l-merkanzija miksuba f'tali avvenimenti minn merkanzija mqiegħda taħt ammissjoni temporanja; kull Parti tista' tirrikjedi awtorizzazzjoni governattiva jew garanzija jew depożitu li għandu jinħareġ qabel ma jseħħ l-avveniment;

(b) tagħmir professjonali, li tfisser tagħmir għall-istampa, għax-xandir bil-ħoss jew bit-televiżjoni li huwa meħtieġ għar-rappreżentanti tal-istampa jew ta' organizzazzjonijiet tax-xandir jew tat-televiżjoni li jżuru t-territorju ta' pajjiż ieħor għall-finijiet ta' rappurtar jew sabiex jittrażmettu jew jirreġistraw materjal għal programmi speċifiċi; tagħmir ċinematografiku meħtieġ għal persuna li żżur it-territorju ta' pajjiż ieħor sabiex tagħmel film jew films speċifiċi; kwalunkwe tagħmir ieħor meħtieġ għall-eżerċizzju ta' telefonata, negozju jew professjoni ta' persuna li tkun qed iżżur it-territorju ta' pajjiż ieħor biex twettaq kompitu speċifiku, diment li dan ma jkunx se jintuża għall-manifattura industrijali jew għall-ippakkjar ta' merkanzija, jew ħlief fil-każ ta' għodda tal-idejn, għall-isfruttament ta' riżorsi naturali, għall-kostruzzjoni, it-tiswija jew il-manutenzjoni ta' bini jew għat-trasferiment tal-art u proġetti simili; apparat anċillari għat-tagħmir imsemmi hawn fuq, u aċċessorji għal dan; u partijiet komponenti importati għat-tiswija ta' tagħmir professjonali li jkunu ammessi temporanjament;

(c) merkanzija importata b'rabta ma' operazzjoni kummerċjali fejn l-importazzjoni tagħha fiha nnifisha ma tikkostitwixxix operazzjoni kummerċjali, bħal: pakketti li jiġu importati mimlija għall-esportazzjoni mill-ġdid vojta jew mimlija, jew li jiġu importati vojta għall-esportazzjoni mill-ġdid mimlija; kontejners, kemm jekk mimlija bl-oġġetti u kemm jekk le, u aċċessorji u tagħmir għal kontejners imdaħħla temporanjament, li huma importati b'kontejner li se jiġi esportat mill-ġdid separatament jew flimkien ma' kontejner ieħor, jew huma importati separatament biex jiġu esportati mill-ġdid ma' kontejner, u partijiet komponenti maħsuba għat-tiswija ta' kontejners mogħtija dħul temporanju; palits; kampjuni; filmati ta' reklamar;

(d) merkanzija importata esklużivament għal finijiet edukattivi, xjentifiċi jew kulturali, bħal tagħmir xjentifiku, materjal pedagoġiku, materjal tal-benessri għall-baħħara, u kwalunkwe merkanzija oħra importata b'rabta ma' attivitajiet edukattivi, xjentifiċi jew kulturali; spare parts għal tagħmir xjentifiku u għal materjal pedagoġiku li jkun ingħata dħul temporanju; u għodda ddisinjata apposta għall-manutenzjoni, għall-ivverifikar, għall-kejl jew għat-tiswija ta' tali tagħmir;

(e) oġġetti personali, li tfisser l-oġġetti kollha, ġodda jew użati, li vjaġġatur jista' jirrikjedi b'mod raġonevoli għall-użu tiegħu matul il-vjaġġ, meta wieħed jikkunsidra ċ-ċirkostanzi kollha tal-vjaġġ, iżda li jeskludu kull oġġett impurtat għall-finijiet kummerċjali; u l-merkanzija importata għal finijiet ta' sport, bħal rekwiżiti tal-isport u oġġetti oħrajn għal użu minn vjaġġaturi f'loġħob sportiv jew wirjiet sportivi jew għal taħriġ fit-territorju li għaliha tingħata dħul temporanja;

(f) materjal ta' reklamar turistiku, li jfisser merkanzija importata bil-għan li tinkoraġġixxi lill-pubbliku iżur pajjiż barrani, b'mod partikolari sabiex jattendi laqgħat jew dimostrazzjonijiet kulturali, reliġjużi, turistiċi, sportivi jew professjonali li jsiru hemmhekk, kull Parti tista' tirrikjedi garanzija jew depożitu li għandu jiġi pprovdut għal tali merkanzija;

(g) prodotti importati għal finijiet umanitarji, li tfisser tagħmir mediku, kirurġiku u tal-laboratorju u kunsinni ta' sokkors, bħal vetturi u mezzi oħrajn tat-trasport, kutri, tined, djar prefabbrikati jew prodotti oħra ta' ħtieġa primarja, mibgħuta bħala għajnuna lil dawk affettwati minn diżastri naturali u minn katastrofi simili; kif ukoll

([12]) Għal aktar ċertezza, l-ammissjoni temporanja ta' merkanzija msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-*Artikolu* u mdaħħla fiċ-Ċilì mill-Unjoni Ewropea, ma għandhiex tkun suġġetta għall-ħlas tat-tariffa stabbilita fl-*Artikolu* 107 tal-Ordinanza Doganali taċ-Ċilì *(Ordenanza de Aduanas)* li tinsab fid-Digriet 30 tal-Ministeru tal-Finanzi, il-Gazzetta Uffiċjali, tal-4 ta' Ġunju 2005, ("*Decreto con Fuerza de Ley 30 del Ministerio de Hacienda, Diario Oficial, 04 de junio de 2005*").

(h) annimali importati għal finijiet speċifiċi, bħal klieb jew żwiemel tal-pulizija, klieb ta' detezzjoni, klieb għall-persuni għomja, klieb tas-salvataġġ, annimali għall-finijiet ta' parteċipazzjoni f'wirjiet, eżibizzjonijiet, kompetizzjonijiet jew dimostrazzjonijiet, annimali għall-finijiet ta' divertiment, bħal annimali taċ-ċirklu, turing, (inklużi annimali domestiċi ta' vjaġġaturi), it-twettiq ta' xogħol jew ta' trasport, jew għall-finijiet mediċi, bħall-kunsinna ta' velenu tas-serp.

3. Kull Parti għandha taċċetta, f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha [13], l-ammissjoni temporanja tal-merkanzija msemmija fil-paragrafu 2 kif ukoll, irrispettivament mill-oriġini tagħhom, il-carnets A.T.A maħruġa fil-Parti l-oħra f'konformità mal-Konvenzjoni dwar l-ammissjoni temporanja, li saret f'Istanbul fis-26 ta' Ġunju 1990 approvata fil-Parti l-oħra u ggarantita minn assoċjazzjoni li tifforma parti mill-katina ta' garanzija internazzjonali, iċċertifikata mill-awtoritajiet kompetenti u valida fit-territorju doganali tal-Parti li timporta.

Artikolu 11.22

Oġġetti msewwija

1. Għall-finijiet ta' dan l-*Artikolu*, "tiswija" tfisser kwalunkwe operazzjoni ta' pproċessar li ssir fuq oġġett sabiex jissewwa difett operattiv jew ħsara materjali u li tinvolvi l-proċess sabiex l-oġġett jingħieb lura għall-funzjoni oriġinali tiegħu jew sabiex tiġi żgurata l-konformità tiegħu mar-rekwiżiti tekniċi għall-użu tiegħu, li mingħajrha l-oġġett ma jkunx jista' jkompli jintuża bil-mod normali għall-finijiet li kien maħsub għalihom. It-tiswija tinkludi restawr u manutenzjoni iżda ma tinkludix operazzjoni jew proċess li:

(a) jeqred il-karatteristiċi essenzjali ta' oġġett, jew joħloq oġġett ġdid jew kummerċjalment differenti;

(b) jittrasforma oġġett mhux lest f'oġġett lest; jew

(c) jintuża biex itejjeb jew jaġġorna l-prestazzjoni teknika ta' oġġett.

2. Parti ma għandhiex tapplika dazju doganali għal xi oġġett, irrispettivament mill-oriġini tiegħu, li jerġa' jidħol fit-territorju doganali tagħha, wara li dak l-oġġett ikun ġie esportat temporanjament mit-territorju doganali tagħha lejn it-territorju tal-Parti l-oħra għat-tiswija.

3. Il-paragrafu 2 ma japplikax għal oġġett, importat f'bond, f'żoni ta' kummerċ ħieles, jew fi status simili, li mbagħad jiġi esportat għat-tiswija u li ma jiġix importat mill-ġdid f'bond, f'żoni ta' kummerċ ħieles, jew fi status simili.

4. Parti ma għandhiex tapplika dazju doganali għal oġġett, irrispettivament mill-oriġini tiegħu, importat temporanjament mit-territorju doganali tal-Parti l-oħra għal tiswija.

Artikolu 11.23

Tariffi u formalitajiet

1. It-tariffi u l-imposti l-oħrajn li jiġu imposti minn Parti fuq l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' oġġett tal-Parti l-oħra, jew b'rabta magħhom, għandhom ikunu limitati fl-ammont għall-kost approssimattiv tas-servizzi mogħtija, u ma għandhomx jirrappreżentaw protezzjoni indiretta għall-oġġetti lokali jew tassazzjoni fuq l-importazzjoni jew l-esportazzjoni għal finijiet fiskali.

2. Parti ma għandhiex timponi tariffi jew imposti oħrajn fuq l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' oġġett tal-Parti l-oħra, jew b'rabta magħhom, fuq bażi *ad valorem*.

3. Kull Parti tista' timponi imposti jew tirkupra l-kostijiet biss jekk jingħataw servizzi speċifiċi, inklużi dawn li ġejjin:

(a) l-attendenza, meta tintalab, ta' ħaddiema tad-dwana barra l-ħinijiet uffiċjali jew f'xi bini ieħor li mhux il-bini doganali;

[13] Għal aktar ċertezza, fil-każ taċ-Ċilì, il-carnets A.T.A għandhom jiġu aċċettati kif stabbilit mid-Digriet Nru 103 tal-2004 tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin (*Decreto Nº103 de 2004 del Ministerio de Relaciones Exteriores*), li jippromulga l-"Konvenzjoni dwar l-Ammissjoni Temporanja" u l-Annessi A, B1, B2 u B3 tagħha, bir-riżervi indikati kif xieraq, u l-emendi tiegħu ta' dawn.

(b) analiżi jew rapporti ta' esperti dwar merkanzija u tariffi postali għar-ritorn ta' merkanzija lil applikant, b'mod partikolari fir-rigward ta' deċiżjonijiet relatati ma' informazzjoni vinkolanti jew l-għoti ta' informazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-liġijiet doganali;

(c) l-eżami jew it-teħid ta' kampjuni tal-merkanzija għall-finijiet ta' verifika, jew il-qerda tal-merkanzija, fejn ikunu involuti kostijiet oħrajn barra dawk għall-użu tal-haddiema tad-dwana; jew

(d) miżuri ta' kontroll eċċezzjonali, fejn miżuri bħal dawn huma meħtieġa minħabba n-natura tal-merkanzija jew riskju potenzjali.

4. Kull Parti għandha tippubblika minnufih it-tariffi u l-imposti kollha li hija tista' timponi b'rabta mal-importazzjoni jew mal-esportazzjoni b'mod li l-gvernijiet, in-negozjanti u partijiet interessati oħrajn ikunu jistgħu jsiru midħla tagħhom.

5. Parti ma għandhiex tirrikjedi tranżazzjonijiet konsulari, inklużi tariffi u imposti relatati, b'rabta mal-importazzjoni ta' xi oġġett tal-Parti l-oħra.

KAPITOLU 12

RIMEDJI KUMMERĊJALI

TAQSIMA A

Dazji anti-dumping u kumpensatorji

Artikolu 12.1

Dispożizzjonijiet Ġenerali

1. Il-Partijiet iżommu d-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont il-Ftehim dwar l-Anti-Dumping u l-Ftehim SCM.

2. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, ir-regoli preferenzjali tal-oriġini skont il-Kapitolu 10 ma japplikawx.

Artikolu 12.2

Trasparenza

1. L-investigazzjonijiet u l-miżuri anti-dumping u kompensatorji għandhom jintużaw f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti rilevanti tad-WTO stabbiliti fil-Ftehim dwar l-Anti-Dumping u fil-Ftehim SCM u għandhom ikunu bbażati fuq sistema ġusta u trasparenti.

2. Kull Parti għandha tiżgura, mill-aktar fis prattikabbli wara kwalunkwe impożizzjoni ta' miżuri provviżorji u fi kwalunkwe każ qabel ma ssir determinazzjoni finali, divulgazzjoni sħiħa tal-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali kollha li fuqhom tibbaża deċiżjoni biex jiġu applikati miżuri definittivi. Tali divulgazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-*Artikolu* 6.5 tal-Ftehim dwar l-Anti-dumping u l-*Artikolu* 12.4 tal-Ftehim SCM. Kull Parti għandha tiddivulga tali fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali bil-miktub, u tippermetti lill-partijiet interessati biżżejjed żmien biex jissottomettu l-kummenti dwarhom.

3. Kull parti interessata għandha tingħata l-possibbiltà li tinstema' sabiex tesprimi l-fehmiet tagħha matul l-investigazzjoni anti-dumping jew kompensatorja, dment li din ma ddewwimx bla bżonn it-twettiq tal-investigazzjoni.

Artikolu 12.3

Kunsiderazzjoni tal-interess pubbliku

Kull Parti għandha tqis is-sitwazzjoni tal-industrija domestika, l-importaturi u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħha, l-utenti rappreżentattivi u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-konsumatur, sa fejn huma jkunu pprovdew informazzjoni rilevanti lill-awtoritajiet investigattivi fiż-żmien rilevanti. Parti tista' tiddeċiedi li ma tapplikax miżuri anti-dumping jew kompensatorji fuq il-bażi ta' tali informazzjoni.

Artikolu 12.4

Regola ta' inqas dazju

Jekk Parti timponi dazju anti-dumping fuq l-oġġetti tal-Parti l-oħra, l-ammont ta' tali dazju ma għandux jaqbeż il-marġni tad-dumping. Kull meta jkun possibbli, id-dazju anti-dumping għandu jkun inqas minn dak il-marġni jekk tali dazju inqas ikun adegwat biex jitneħħa d-dannu lill-industrija domestika.

Artikolu 12.5

Nuqqas ta' applikazzjoni tas-soluzzjoni tat-tilwim

Il-Kapitolu 38 ma japplikax għal din it-Taqsima.

TAQSIMA B

Miżuri ta' salvagwardja globali

Artikolu 12.6

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Il-Partijiet jaffermaw id-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont l-*Artikolu* XIX ta' GATT tal-1994, il-Ftehim dwar is-Salvagwardji u l-*Artikolu* 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura.

Artikolu 12.7

Trasparenza u impożizzjoni ta' miżuri definittivi

1. Minkejja l-*Artikolu* 12.6, fuq talba tal-Parti l-oħra u diment li din ikollha interess sostanzjali, il-Parti li tibda investigazzjoni ta' salvagwardja globali jew li jkollha l-ħsieb li tapplika miżuri ta' salvagwardja globali, għandha tipprovdi minnufih notifika bil-miktub li tinkludi l-informazzjoni pertinenti kollha li twassal għall-bidu ta' investigazzjoni ta' salvagwardja globali jew għall-applikazzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja globali, inkluż dwar is-sejbiet provviżorji, jekk rilevanti. Tali notifika hija mingħajr preġudizzju għall-*Artikolu* 3(2) tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji.

2. Meta timponi miżuri ta' salvagwardja globali definittivi, kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex timponihom b'mod li l-inqas jaffettwa l-kummerċ bilaterali, diment li l-Parti affettwata mill-miżuri jkollha interess sostanzjali kif definit fil-paragrafu 4.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, jekk Parti tqis li r-rekwiżiti legali għall-impożizzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja globali definittivi jiġu ssodisfati, u għandha l-ħsieb li tapplika tali miżuri, għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra u tagħti l-possibbiltà li jsiru konsultazzjonijiet bilaterali, diment li l-Parti l-oħra jkollha interess sostanzjali kif definit fil-paragrafu 4. Jekk ma tintlaħaq l-ebda soluzzjoni sodisfaċenti fi żmien 15-il jum min-notifika, il-Parti li timporta tista' tadotta l-miżuri xierqa ta' salvagwardja lokali biex tirrimedja l-problema.

4. Għall-finijiet ta' dan l-*Artikolu*, Parti għandha titqies li għandha interess sostanzjali meta tkun fost il-ħames l-akbar fornituri tal-oġġett importat matul il-perjodu ta' 3 snin l-aktar riċenti, imkejjel f'termini ta' volum jew valur assolut.

Artikolu 12.8

Nuqqas ta' applikazzjoni tas-soluzzjoni tat-tilwim

Il-Kapitolu 38 ma japplikax għal din it-Taqsima.

TAQSIMA C

Il-miżuri ta' salvagwardja bilaterali

Subtaqsima 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 12.9

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din it-Taqsima:

(a) "industrija domestika" tfisser, fir-rigward ta' oġġett importat, il-produtturi tal-prodotti simili jew tal-oġġetti f'kompetizzjoni diretta li joperaw fit-territorju ta' Parti, jew il-produtturi li l-produzzjoni kollettiva tagħhom tal-oġġetti simili jew f'kompetizzjoni diretta tikkostitwixxi sehem kbir mill-produzzjoni domestika totali ta' dawk l-oġġetti;

(b) "perjodu tranżitorju" tfisser:

(i) perjodu ta' 7 snin li jibda mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim; jew

(ii) għal kwalunkwe oġġett li għalih l-iskeda fl-Anness 9 tal-Parti li tapplika miżura ta' salvagwardja bilaterali tipprevedi perjodu ta' eliminazzjoni tat-tariffi ta' 7 snin, il-perjodu ta' eliminazzjoni tat-tariffi għal dak l-oġġett u sentejn oħra.

Artikolu 12.10

L-Applikazzjoni ta' Miżura ta' Salvagwardja Bilaterali

1. Minkejja t-Taqsima B, jekk, bħala riżultat tat-tnaqqis jew l-eliminazzjoni ta' dazju doganali skont din il-Parti ta' dan il-Ftehim, oġġett li joriġina f'Parti jkun qiegħed jiġi importat fit-territorju tal-Parti l-oħra f'tali kwantitajiet miżjuda, f'termini assoluti jew relattivi għall-produzzjoni domestika, u taħt tali kundizzjonijiet li jikkawżaw jew jheddu li jikkawżaw dannu serju lill-produtturi domestiċi ta' prodotti simili jew ta' oġġetti f'kompetizzjoni diretta, il-Parti li timporta tista' tieħu miżuri xierqa ta' salvagwardja bilaterali skont il-kundizzjonijiet u f'konformità mal-proċeduri stabbiliti f'din it-Taqsima.

2. Jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet fil-paragrafu 1, il-Parti li timporta tista' tapplika waħda mill-miżuri bilaterali ta' salvagwardja li ġejjin:

(a) is-sospensjoni ta' kwalunkwe tnaqqis ulterjuri tar-rata tad-dazju fuq l-oġġett ikkonċernat kif previst f'din il-Parti ta' dan il-Ftehim; jew

(b) iż-żieda fir-rata tad-dazju doganali fuq l-oġġett ikkonċernat għal livell li ma jaqbiżx l-anqas waħda minn fost dawn:

(i) ir-rata applikata tad-dazju doganali tal-pajjiż l-aktar favorit fuq l-oġġett fis-seħħ fiż-żmien tal-applikazzjoni tal-miżura; jew

(ii) ir-rata applikata tad-dazju doganali tal-pajjiż l-aktar favorit fuq l-oġġett fis-seħħ fil-jum immedjatament qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 12.11

Standards għal miżuri ta' salvagwardja bilaterali

1. Miżura ta' salvagwardja bilaterali ma għandhiex tiġi applikata:

(a) ħlief sal-punt, u għal dak iż-żmien, kif jista' jkun meħtieġ biex jiġi evitat jew rimedjat dannu serju jew theddida tiegħu lill-industrija domestika;

(b) għal perjodu ta' aktar minn sentejn; il-perjodu jista' jiġi estiż b'sentejn oħra, jekk l-awtorità investigattiva kompetenti tal-Parti li timporta tiddetermina, b'konformità mal-proċeduri stabbiliti f'din it-Taqsima, li l-miżura se tibqa' meħtieġa sabiex jiġi evitat jew rimedjat dannu serju jew theddida tiegħu tal-industrija domestika, diment li l-perjodu totali ta' applikazzjoni tal-miżura ta' salvagwardja bilaterali, inkluż il-perjodu tal-applikazzjoni inizjali u kwalunkwe estensjoni tiegħu, ma jaqbiżx l-4 snin; jew

(c) lil hinn mill-iskadenza tal-perjodu tranżitorju kif definit fis-subparagrafu (b) tal-*Artikolu* 12.9.

2. Meta Parti ma tibqax tapplika miżura ta' salvagwardja bilaterali, ir-rata tad-dazju doganali għandha tkun ir-rata li kienet tkun fis-seħħ għall-oġġett f'konformità mal-iskeda tiegħu fl-Anness 9.

3. Bil-għan li jiġi ffaċilitat l-aġġustament tal-industrija kkonċernata f'sitwazzjoni fejn it-tul mistenni ta' miżura ta' salvagwardja bilaterali jkun ta' aktar minn sena, il-Parti li tapplika l-miżura għandha tilliberalizzaha b'mod progressiv f'intervalli regolari matul il-perjodu tal-applikazzjoni.

Artikolu 12.12

Miżuri ta' salvagwardja bilaterali provviżorji

1. F'ċirkostanzi kritiċi fejn id-dewmien jista' joħloq dannu li jkun diffiċli li jissewwa, Parti tista' tapplika miżura ta' salvagwardja bilaterali fuq bażi provviżorja, mingħajr ma tkun konformi mar-rekwiżiti tal-*Artikolu* 12.21(1), suġġett għal determinazzjoni preliminari li jkun hemm evidenza ċara li l-importazzjonijiet ta' oġġett li joriġina fil-Parti l-oħra jkunu żdiedu bħala riżultat tat-tnaqqis jew l-eliminazzjoni ta' dazju doganali skont din il-Parti ta' dan il-Ftehim, u li tali importazzjonijiet jikkawżaw jew jheddu li jikkawżaw dannu serju lill-industrija domestika.

2. It-tul ta' kwalunkwe miżura ta' salvagwardja bilaterali provviżorja ma għandux jaqbeż il-200 jum, li matulu l-Parti li tapplika l-miżura għandha tikkonforma mar-regoli proċedurali rilevanti stabbiliti fis-Sottotaqsima 2. Il-Parti li tapplika l-miżura ta' salvagwardja bilaterali provviżorja għandha minnufih tagħti rifużjoni għal kwalunkwe żieda fit-tariffi jekk l-investigazzjoni deskritta fis-Sottotaqsima 2 ma tirriżultax f'sejba li l-kundizzjonijiet tal-*Artikolu* 12.10(1) ġew issodisfati. It-tul ta' żmien tal-miżura ta' salvagwardja bilaterali provviżorja għandu jingħadd bħala parti mill-perjodu deskritt fis-subparagrafu (b) tal-*Artikolu* 12.11(1).

3. Il-Parti li tapplika miżura ta' salvagwardja bilaterali provviżorja għandha tinforma lill-Parti l-oħra hekk kif tieħu tali miżura provviżorja u għandha tirreferi l-kwistjoni minnufih lill-Kumitat Konġunt biex tiġi eżaminata jekk il-Parti l-oħra titlob dan.

Artikolu 12.13

Kumpens u sospensjoni tal-konċessjonijiet

1. Parti li tapplika miżura ta' salvagwardja bilaterali għandha tikkonsulta mal-Parti li l-prodotti tagħha jkunu soġġetti għall-miżura sabiex jaqblu dwar kumpens xieraq għal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ fil-forma ta' konċessjonijiet li jkollhom effett kummerċjali ekwivalenti sostanzjali. Il-Parti li tapplika miżura ta' salvagwardja bilaterali għandha tipprovdi opportunità għal konsultazzjonijiet bħal dawn mhux aktar tard minn 30 jum wara l-applikazzjoni tal-miżura ta' salvagwardja bilaterali.

2. Jekk il-konsultazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ma jwasslux għal ftehim dwar kumpens għal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ fi żmien 30 jum minn meta jibdew il-konsultazzjonijiet, il-Parti li l-prodotti tagħha tkun soġġetta għall-miżura ta' salvagwardja tista' tissospendi l-applikazzjoni ta' konċessjonijiet li jkollhom effetti sostanzjalment ekwivalenti fuq il-kummerċ tal-Parti l-oħra.

3. Il-Parti li l-merkanzija tagħha tkun soġġetta għall-miżura ta' salvagwardja bilaterali għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bil-miktub mill-inqas 30 jum qabel ma tissospendi l-applikazzjoni tal-konċessjonijiet f'konformità mal-paragrafu 2.

4. L-obbligu li jiġi pprovdut kumpens skont il-paragrafu 1 u d-dritt li tiġi sospiża l-applikazzjoni tal-konċessjonijiet skont il-paragrafu 2 għandhom:

(a) ma jiġux eżerċitat għall-ewwel 24 xahar li matulhom tkun fis-seħħ miżura ta' salvagwardja bilaterali, sakemm il-miżura ta' salvagwardja bilaterali tkun ġiet applikata bħala riżultat ta' żieda assoluta fl-importazzjonijiet; kif ukoll

(b) tieqaf fid-data tat-terminazzjoni tal-miżura ta' salvagwardja bilaterali.

Artikolu 12.14

Skadenza ta' żmien bejn żewġ miżuri ta' salvagwardja bilaterali u applikazzjoni mhux parallela ta' miżuri ta' salvagwardja

1. Parti ma għandhiex tapplika miżura ta' salvagwardja bilaterali kif imsemmi f'din it-Taqsima għall-importazzjoni ta' oġġett li qabel kien soġġett għal tali miżura, sakemm ma jkunx għadda perjodu ta' żmien ugwali għal nofs iż-żmien li matulu tkun ġiet applikata l-miżura ta' salvagwardja għall-perjodu immedjatament preċedenti. Miżura ta' salvagwardja bilaterali li tkun ġiet applikata aktar minn darba fuq l-istess oġġett ma tistax tiġi estiża b'sentejn oħra previst fis-subparagrafu (b) tal-*Artikolu* 12.11(1).

2. Parti, ma għandhiex tapplika, fir-rigward tal-istess oġġett u matul l-istess perjodu:

(a) miżura ta' salvagwardja bilaterali jew miżura ta' salvagwardja bilaterali provviżorja skont din il-Parti minn dan il-Ftehim; kif ukoll

(b) miżura ta' salvagwardja globali skont l-*Artikolu* XIX ta' GATT tal-1994 u l-Ftehim dwar is-Salvagwardji.

Artikolu 12.15

Reġjuni ultraperiferiċi ([14]) tal-Unjoni Ewropea

1. Jekk xi oġġett li joriġina miċ-Ċilì jkun qiegħed jiġi importat fit-territorju ta' reġjun ultraperiferiku wieħed jew aktar tal-Unjoni Ewropea f'tali kwantitajiet miżjuda u f'tali kundizzjonijiet li jikkawża jew jhedded li jikkawża deterjorament serju fis-sitwazzjoni ekonomika tar-reġjun ultraperiferiku kkonċernat, il-Parti tal-UE, wara li tkun eżaminat soluzzjonijiet alternattivi, tista' tapplika b'mod eċċezzjonali miżuri ta' salvagwardja bilaterali limitati għat-territorju tar-reġjun ikkonċernat.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, "deterjorament serju" tfisser diffikultajiet kbar f'settur tal-ekonomija li jipproduċi prodotti simili jew oġġetti f'kompetizzjoni diretta. Id-determinazzjoni ta' deterjorament serju għandha tkun ibbażata fuq fatturi oġġettivi, li jinkludu l-elementi li ġejjin:

(a) iż-żieda fil-volum tal-importazzjonijiet, f'termini assoluti jew relattivi għall-produzzjoni domestika u għall-importazzjonijiet minn sorsi oħrajn; kif ukoll

(b) l-effett tal-importazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 fuq is-sitwazzjoni tal-industrija rilevanti jew tas-settur ekonomiku kkonċernat, inkluż fuq il-livelli ta' bejgħ, fuq il-produzzjoni, fuq is-sitwazzjoni finanzjarja u fuq l-impjiegi.

3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, dispożizzjonijiet oħrajn ta' din it-Taqsima applikabbli għal miżuri bilaterali ta' salvagwardja huma applikabbli wkoll għal kwalunkwe miżura ta' salvagwardja adottata skont dan l-*Artikolu*. Kwalunkwe referenza għal "dannu serju" f'dispożizzjonijiet oħrajn ta' din it-Taqsima għandha tinftiehem bħala "deterjorament serju" meta tiġi applikata fir-rigward tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea.

([14]) Fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea huma: Guadeloupe, il-Guyana Franċiża, Martinique, Réunion Mayotte, St. Martin, ir-Reġjun Awtonomu tal-Azores, Madeira u l-Gżejjer Kanarji. Dan l-*Artikolu* japplika wkoll għal pajjiż jew għal territorju ekstra-Ewropew li jibdel l-istatus tiegħu għal reġjun ultraperiferiku permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-*Artikolu* 355(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea mid-data tal-adozzjoni ta' dik id-deċiżjoni. Fil-każ li reġjun ultraperiferiku tal-Unjoni Ewropea, wara dik il-proċedura, ma jibqax reġjun ultraperiferiku, dan l-*Artikolu* ma għandux jibqa' applikabbli għal dak il-pajjiż jew territorju ekstra-Ewropew mid-data tad-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew f'dak ir-rigward. Il-Parti tal-UE għandha tinnotifika liċ-Ċilì bi kwalunkwe bidla fit-territorji meqjusa bħala reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea.

Subtaqsima 2

Regoli proċedurali applikabbli għal miżuri ta' salvagwardja bilaterali

Artikolu 12.16

Dritt applikabbli

Għall-applikazzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja bilaterali, l-awtorità investigattiva kompetenti ta' kull Parti għandha tikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' din is-Sottotaqsima. F'każijiet mhux koperti minn din is-Sottotaqsima, l-awtorità investigattiva kompetenti għandha tapplika r-regoli stabbiliti skont il-liġi tal-Parti ta' dik l-awtorità.

Artikolu 12.17

Bidu ta' proċedura ta' salvagwardja

1. Awtorità investigattiva kompetenti ta' Parti tista' tibda proċedura rigward miżuri bilaterali ta' salvagwardja ("proċedura ta' salvagwardja") fuq applikazzjoni bil-miktub ([15]) minn jew f'isem l-industrija domestika, jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali fuq inizjattiva tagħha stess.

2. L-applikazzjoni għandha titqies bħala waħda magħmula mill-industrija domestika jew f'isimha jekk tkun appoġġata minn dawk il-produtturi domestiċi li l-output kollettiv tagħhom jikkostitwixxi iktar minn 50 % tal-produzzjoni domestika totali tal-prodotti simili jew f'kompetizzjoni diretta mmanifatturati minn dik il-parti tal-industrija domestika li tesprimi jew appoġġ jew oppożizzjoni għall-applikazzjoni. Madankollu, awtorità investigattiva kompetenti ma għandhiex tibda investigazzjoni jekk il-produtturi domestiċi li jesprimu appoġġ għall-applikazzjoni jammontaw għal anqas minn 25 % tal-produzzjoni domestika totali tal-oġġetti simili jew f'kompetizzjoni diretta mmanifatturati mill-industrija domestika.

3. Ladarba awtorità investigattiva kompetenti tkun bdiet l-investigazzjoni, l-applikazzjoni bil-miktub imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun disponibbli għall-partijiet interessati, ħlief għal kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali li tinsab fiha.

4. Mal-bidu ta' proċediment ta' salvagwardja, l-awtorità kompetenti li tinvestiga għandha tippubblika avviż tal-bidu tal-proċedura ta' salvagwardja fil-ġurnal uffiċjali tal-Parti. L-avviż għandu jidentifika:

(a) l-entità li ppreżentat l-applikazzjoni bil-miktub, jekk applikabbli;

(b) l-oġġett importat soġġett għall-proċedura ta' salvagwardja;

(c) in-numru tas-subintestatura u tal-oġġett tal-partita tat-tariffa li taħthom jiġi kklassifikat l-oġġett importat;

(d) it-tip ta' miżura proposta li trid tiġi applikata;

(e) is-seduta pubblika skont is-subparagrafu (a) tal-*Artikolu* 12.20 jew il-perjodu li fih il-partijiet interessati jistgħu jippreżentaw talba għal smigħ skont is-subparagrafu (b) tal-*Artikolu* 12.20;

(f) il-post fejn l-applikazzjoni bil-miktub u kwalunkwe dokument mhux kunfidenzjali ieħor ippreżentat matul il-proċediment jistgħu jiġu spezzjonati; kif ukoll

(g) l-isem, l-indirizz u n-numru tat-telefon tal-uffiċċju li jrid jiġi kkuntattjat għal aktar informazzjoni.

5. Fir-rigward ta' proċedura ta' salvagwardja mibdija skont il-paragrafu 1 fuq il-bażi ta' applikazzjoni bil-miktub, l-awtorità investigattiva kompetenti kkonċernata ma għandhiex tippubblika l-avviż meħtieġ taħt il-paragrafu 4 mingħajr ma l-ewwel tivvaluta bir-reqqa jekk l-applikazzjoni bil-miktub tissodisfax ir-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni domestika tagħha u r-rekwiżiti tal-paragrafi 1 u 2 u tinkludi evidenza raġonevoli li l-importazzjonijiet ta' oġġett li joriġina fil-Parti l-oħra żdiedu bħala riżultat tat-tnaqqis jew l-eliminazzjoni ta' dazju doganali skont din il-Parti ta' dan il-Ftehim, u li dawk l-importazzjonijiet jikkawżaw jew jheddu li jikkawżaw l-allegat dannu serju.

([15]) Għall-Parti tal-UE, dik l-applikazzjoni tista' tiġi ppreżentata minn Stat Membru wieħed jew aktar f'isem l-industrija domestika.

Artikolu 12.18

Investigazzjoni

1. Parti għandha tapplika miżura ta' salvagwardja bilaterali biss wara li l-awtorità investigattiva kompetenti tagħha tkun wettqet investigazzjoni f'konformità mal-*Artikolu* 3(1) u s-subparagrafu (c) tal-*Artikolu* 4(2) tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji; għal dak il-għan, l-*Artikolu* 3(1) u s-subparagrafu (c) tal-*Artikolu* 4(2) tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji huma inkorporati u integrati f'dan il-Ftehim, *mutatis mutandis*.

2. Fl-investigazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-Parti għandha tikkonforma mar-rekwiżiti tas-subparagrafu (a) tal-*Artikolu* 4(2) tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji. Għal dak il-għan, is-subparagrafu (a) tal-*Artikolu* 4(2) tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji huwa inkorporat u integrat f'dan il-Ftehim, *mutatis mutandis*.

3. Jekk Parti tagħmel notifika skont il-paragrafu 1 ta' dan l-*Artikolu* u l-*Artikolu* 3(1) tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji li qiegħda tapplika jew testendi miżura ta' salvagwardja bilaterali, dik in-notifika għandha tinkludi:

(a) evidenza ta' dannu serju, jewtheddida tiegħu , ikkawżat minn żieda fl-importazzjonijiet ta' oġġett li joriġina mill-Parti l-oħra, bħala riżultat tat-tnaqqis jew l-eliminazzjoni ta' dazju doganali skont din il-Parti ta' dan il-Ftehim; l-investigazzjoni għandha turi, abbażi ta' evidenza oġġettiva, l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet miżjuda tal-merkanzija kkonċernata u d-dannu serju jew theddida tiegħu; fatturi magħrufa għajr iż-żieda fl-importazzjonijiet għandhom jiġu eżaminati wkoll biex jiġi żgurat li d-dannu serju jew it-theddida tiegħu kkawżat minn dawk il-fatturi l-oħrajn ma jiġux attribwiti għaż-żieda fl-importazzjonijiet;

(b) deskrizzjoni preċiża tal-oġġett oriġinarju soġġett għall-miżura ta' salvagwardja bilaterali, inkluża l-intestatura jew is-subintestatura tiegħu skont il-Kodiċi tas-SA li fuqha huma bbażati l-iskedi tal-impenji tariffarji fl-Anness 9;

(c) deskrizzjoni preċiża tal-miżura ta' salvagwardja bilaterali;

(d) id-data tal-introduzzjoni tal-miżura ta' salvagwardja bilaterali, it-tul ta' żmien mistenni tagħha u, jekk applikabbli, skeda ta' żmien għal-liberalizzazzjoni progressiva tal-miżura f'konformità mal-*Artikolu* 12.11(3); kif ukoll

(e) fil-każ ta' estensjoni tal-miżura ta' salvagwardja bilaterali, evidenza li l-industrija domestika kkonċernata qiegħda taġġusta.

4. Fuq talba ta' Parti li l-oġġett tagħha huwa soġġett għal proċedura ta' salvagwardja skont din it-Taqsima, il-Parti li twettaq dik il-proċedura għandha tidħol f'konsultazzjonijiet mal-Parti rikjedenti biex tirrieżamina notifika skont il-paragrafu 1 jew kwalunkwe avviż jew rapport pubbliku li l-awtorità investigattiva kompetenti tkun ħarġet fir-rigward tal-proċedura ta' salvagwardja.

5. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtorità investigattiva kompetenti tagħha tlesti kwalunkwe investigazzjoni skont dan l-*Artikolu* fi żmien 12-il xahar a mid-data tal-bidu tiegħu.

Artikolu 12.19

Informazzjoni kunfidenzjali

1. Kwalunkwe informazzjoni li min-natura tagħha hija kunfidenzjali jew tiġi pprovduta fuq bażi kunfidenzjali għandha, meta tingħata ġustifikazzjoni, tiġi ttrattata b'mod kunfidenzjali mill-awtorità kompetenti li tinvestiga. Tali informazzjoni ma għandhiex tiġi żvelata mingħajr il-permess tal-parti interessata li tissottomettiha.

2. Il-partijiet interessati li jipprovdu informazzjoni kunfidenzjali huma mitluba jipprovdu sommarji mhux kunfidenzjali tagħha jew, jekk tali partijiet jindikaw li l-informazzjoni ma tistax tinġabar fil-qosor, ir-raġunijiet għal dan. Is-sommarji għandhom ikunu dettaljati biżżejjed sabiex jagħtu fehma raġonevoli tas-sostanza tal-informazzjoni ppreżentata b'mod kunfidenzjali. Madankollu, jekk l-awtorità investigattiva kompetenti ssib li talba għall-kunfidenzjalità ma tkunx iġġustifikata u jekk il-parti interessata kkonċernata jew ma tkunx lesta li tagħmel l-informazzjoni pubblika jew li tawtorizza l-iżvelar tagħha f'forma ġeneralizzata jew fil-qosor, l-awtorità investigattiva kompetenti tista' tinjora tali informazzjoni, sakemm ma jkunx jista' jintwera għas-sodisfazzjon ta' dik l-awtorità, fid-dawl ta' informazzjoni minn sorsi xierqa, li l-informazzjoni hija korretta.

Artikolu 12.20

Seduti ta' Smigħ

Matul kull proċedura ta' salvagwardja, l-awtorità kompetenti li tinvestiga għandha:

(a) torganizza seduta ta' smigħ pubblika, wara li tipprovdi avviż raġonevoli, sabiex tippermetti lill-partijiet interessati kollha u kwalunkwe assoċjazzjoni rappreżentattiva tal-konsumatur, li jidhru personalment jew li jkunu rrappreżentati permezz tal-avukat tagħhom, sabiex jippreżentaw evidenza u jinstemgħu dwar dannu serju allegat jew theddida tiegħu, u r-rimedju xieraq; jew

(b) tipprovdi opportunità lill-partijiet interessati kollha sabiex jinstemgħu jekk ikunu ppreżentaw, fil-perjodu ta' żmien stabbilit fin-notifika ta' bidu msemmija fl-*Artikolu* 12.17(4), talba bil-miktubfejn juru li probabbilment huma se jiġu affettwati mir-riżultat tal-investigazzjoni u li hemm raġunijiet speċjali sabiex jinstemgħu verbalment.

Artikolu 12.21

Notifiki, eżami fil-Kumitat Konġunt u pubblikazzjonijiet

1. Jekk Parti tqis li teżisti waħda miċ-ċirkostanzi stabbiliti fl-*Artikolu* 12.10(1) jew 12.15(1), din għandha immedjatament tirreferi l-kwistjoni lill-Kumitat Konġunt biex tiġi eżaminata. Il-Kumitat Konġunt jista' jagħmel kwalunkwe rakkomandazzjoni meħtieġa biex jirrimedja ċ-ċirkostanza li tkun inqalgħat. Jekk ma tkun saret l-ebda rakkomandazzjoni mill-Kumitat Konġunt immirata lejn ir-rimedju taċ-ċirkostanza, jew ma tkun instabet l-ebda soluzzjoni sodisfaċenti oħra fi żmien 30 jum mid-data li fiha l-Parti tirreferi l-kwistjoni lill-Kumitat Konġunt, il-Parti li timporta tista' tadotta miżuri ta' salvagwardja bilaterali meħtieġa sabiex tirrimedja ċ-ċirkostanzi f'konformità ma' din it-Taqsima.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-Parti li timporta għandha tipprovdi lill-Parti li tesporta bl-informazzjoni rilevanti kollha, inkluża evidenza ta' dannu serju jew theddida tiegħu lill-produtturi domestiċi tal-prodott simili u ta' oġġetti f'kompetizzjoni diretta, ikkawżat minn żieda fl-importazzjonijiet, deskrizzjoni preċiża tal-oġġett involut, u l-miżura ta' salvagwardja bilaterali proposta, id-data proposta tagħha ta' impożizzjoni u t-tul ta' żmien mistenni.

3. Il-Parti li tadotta l-miżura ta' salvagwardja bilaterali għandha tippubblika wkoll is-sejbiet u l-konklużjonijiet motivati tagħha li jkunu ntlaħqu dwar il-kwistjonijiet pertinenti kollha tal-fatt u l-liġi fil-ġurnal uffiċjali ta' dik il-Parti, inkluża d-deskrizzjoni tal-oġġett importat u s-sitwazzjoni li tkun ħolqot l-impożizzjoni tal-miżuri f'konformità mal-*Artikolu* 12.10 (1) jew 12.15(1), ir-rabta kawżali bejn tali sitwazzjoni u ż-żieda fl-importazzjonijiet, u l-forma, il-livell u t-tul ta' żmien tal-miżuri.

Artikolu 12.22

Aċċettazzjoni tad-dokumenti bl-Ingliż fi proċeduri ta' salvagwardja

Sabiex tiġi ffaċilitata s-sottomissjoni ta' dokumenti fi proċeduri ta' salvagwardja, l-awtorità investigattiva kompetenti tal-Parti inkarigata mill-proċedura għandha taċċetta d-dokumenti ppreżentati bl-Ingliż mill-partijiet interessati, diment li dawk il-partijiet jippreżentaw aktar tard, fi żmien skadenza itwal stabbilita mill-awtorità kompetenti, traduzzjoni tad-dokumenti fil-lingwa tal-proċedura ta' salvagwardja.

KAPITOLU 13

MIŻURI SANITARJI U FITOSANITARJI

Artikolu 13.1

Objettivi

L-objettivi ta' dan il-Kapitolu huma:

(a) li tiġi ssalvagwardjata s-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti fit-territorji tal-Partijiet filwaqt li jiġi ffaċilitat il-kummerċ tal-annimali, tal-prodotti tal-annimali, tal-pjanti u ta' prodotti oħrajn koperti minn miżuri sanitarji u fitosanitarji ("SPS"), bejn il-Partijiet, permezz ta':

(i) titjib fit-trasparenza, il-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni dwar miżuri SPS bejn il-Partijiet;

(ii) l-istabbiliment ta' mekkaniżmi u proċeduri għall-faċilitazzjoni tal-kummerċ; kif ukoll

(iii) implimentazzjoni ulterjuri tal-Ftehim dwar l-SPS;

(b) li jkun hemm kooperazzjoni f'fora multilaterali u dwar is-sikurezza alimentari, is-saħħa tal-annimali u x-xjenza dwar il-protezzjoni tal-pjanti.

(c) li jkun hemm kooperazzjoni dwar kwistjonijiet sanitarji jew fitosanitarji oħrajn jew f'fora oħra.

Artikolu 13.2

Obbligi Multilaterali

Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid id-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont il-Ftehim tad-WTO, u b'mod partikolari l-Ftehim SPS. Dawk id-drittijiet u l-obbligi għandhom jirfdu l-attivitajiet tal-Partijiet skont dan il-Kapitolu.

Artikolu 13.3

Kamp ta' Applikazzjoni

Dan il-Kapitolu japplika għal:

(a) il-miżuri SPS kollha kif definiti fl-Anness A tal-Ftehim SPS sa fejn dawn jaffettwaw il-kummerċ bejn il-Partijiet;

(b) il-kooperazzjoni f'fora multilaterali rikonoxxuti fil-qafas tal-Ftehim SPS;

(c) il-kooperazzjoni dwar is-sikurezza tal-ikel, is-saħħa tal-annimali u x-xjenza dwar il-protezzjoni tal-pjanti; kif ukoll

(d) il-kooperazzjoni dwar kwalunkwe kwistjoni sanitarja jew fitosanitarja oħra fi kwalunkwe forum ieħor, kif jistgħu jaqblu l-Partijiet.

Artikolu 13.4

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu u l-Annessi 13-A sa 13-H:

(a) japplikaw id-definizzjonijiet fl-Anness A tal-Ftehim SPS, kif ukoll dawk fil-Codex Alimentarius, fi ħdan il-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali u fil-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tal-Pjanti, magħmula f'Ruma fis-17 ta' Novembru 1997; kif ukoll

(b) "żona protetta" tfisser, għal pest regolat speċifiku, parti ġeografika ddefinita uffiċjalment tat-territorju ta' Parti li fiha jkun magħruf li dak il-pest ma jkunx stabbilit minkejja kundizzjonijiet favorevoli u l-preżenza tiegħu f'partijiet oħrajn tat-territorju ta' dik il-Parti.

Artikolu 13.5

Awtoritajiet kompetenti

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet huma l-awtoritajiet responsabbli għall-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija f'dan il-Kapitolu, kif stabbilit fl-Anness 13-A.

2. F'konformità mal-*Artikolu* 13.12, il-Partijiet għandhom jinfurmaw lil xulxin bi kwalunkwe bidla sinifikanti fl-istruttura, fl-organizzazzjoni jew fid-diviżjoni tal-kompetenzi tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom.

Artikolu 13.6

Rikonoxximent tal-istatus fir-rigward tal-mard u l-infezzjonijiet tal-annimali u fir-rigward tal-pesti

1. Dan li ġej japplika għall-istatus fir-rigward tal-mard tal-annimali u l-infezzjonijiet fl-annimali, inklużi ż-żoonożi:

(a) il-Parti li timporta għandha tirrikonoxxi, għal finijiet kummerċjali, l-istatus tas-saħħa tal-annimali tal-Parti li tesporta jew tar-reġjuni tagħha, kif iddeterminat mill-Parti li tesporta f'konformità mas-subparagrafu (a)(i) tal-paragrafu 1 tal-Anness 13-C, fir-rigward tal-mard tal-annimali speċifikat fl-Appendiċi 13-B-1;

(b) meta Parti tqis li t-territorju tagħha jew kwalunkwe wieħed mir-reġjuni tagħha għandu status speċjali fir-rigward ta' marda speċifika tal-annimali minbarra l-mard tal-annimali stabbilit fl-Appendiċi 13-B-1, tista' titlob ir-rikonoxximent ta' dak l-istatus f'konformità mal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 3 tal-Anness 13-C; il-Parti li timporta tista' titlob garanziji, fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' annimali ħajjin u ta' prodotti tal-annimali, li huma xierqa fir-rigward tal-istatus maqbul ta' dik il-Parti;

(c) il-Partijiet jirrikonoxxu li l-istatus tat-territorji jew tar-reġjuni, jew l-istatus ta' settur jew sottosettur tal-Partijiet, relatat mal-prevalenza jew mal-inċidenza ta' marda tal-annimali minbarra l-mard tal-annimali stabbilit fl-Appendiċi 13-B-1, jew ta' infezzjonijiet fl-annimali, jew ir-riskju assoċjat tagħhom, kif xieraq, kif definit mill-organizzazzjonijiet internazzjonali li jistabbilixxu l-istandards rikonoxxuti fil-qafas tal-Ftehim SPS jikkostitwixxi l-bażi tal-kummerċ bejniethom; il-Parti li timporta tista', kif xieraq, titlob garanziji fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' annimali ħajjin u ta' prodotti tal-annimali li huma xierqa fir-rigward tal-istatus definit ta' dik il-Parti f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet li jistabbilixxu l-istandards; kif ukoll

(d) mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 13.9 u 13.15, u sakemm il-Parti li timporta ma tqajjem l-ebda oġġezzjoni espliċita u titlob informazzjoni, konsultazzjonijiet jew verifika ta' appoġġ jew addizzjonali f'konformità mal-Artikoli 13.11 u 13.14, kull Parti għandha tadotta, mingħajr dewmien żejjed, il-miżuri leġiżlattivi u amministrattivi meħtieġa biex jippermettu l-kummerċ abbażi tas-subparagrafi (a), (b) u (c) ta' dan il-paragrafu.

2. Dan li ġej japplika għall-istatus fir-rigward tal-pesti:

(a) il-Partijiet jirrikonoxxu għal finijiet kummerċjali l-istatus ta' pesti fir-rigward tal-pesti speċifikati fl-Appendiċi 13-B-2; kif ukoll

(b) mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 13.9 u 13.15, u sakemm il-Parti li timporta ma tqajjem l-ebda oġġezzjoni espliċita u titlob informazzjoni, konsultazzjonijiet jew verifika ta' appoġġ jew addizzjonali f'konformità mal-Artikoli 13.11 u 13.14, kull Parti għandha, mingħajr dewmien żejjed, tieħu l-miżuri leġiżlattivi u amministrattivi meħtieġa biex tippermetti l-kummerċ abbażi tas-subparagrafu (a) ta' dan il-paragrafu.

Artikolu 13.7

Rikonoxximent tad-deċiżjonijiet ta' reġjonalizzazzjoni fir-rigward ta' mard tal-annimali u infezzjonijiet fl-annimali u tal-pesti

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-kunċett ta' reġjonalizzazzjoni, u għandhom japplikawh għall-kummerċ bejniethom.

2. Id-deċiżjonijiet ta' reġjonalizzazzjoni fir-rigward tal-mard tal-annimali terrestri u tal-ħut elenkati fl-Appendiċi 13-B-1 u l-pesti elenkati fl-Appendiċi 13-B-2 għandhom jiġu adottati f'konformità mal-Anness 13-C.

3. Fir-rigward tal-mard tal-annimali, u f'konformità mal-*Artikolu* 13.14, il-Parti li tesporta li tkun qiegħda tfittex rikonoxximent mill-Parti li timporta ta' deċiżjoni ta' reġjonalizzazzjoni għandha tinnotifika l-miżuri tagħha li jistabbilixxu r-reġjonalizzazzjoni bi spjegazzjoni sħiħa u b'*data* ta' appoġġ għad-determinazzjonijiet u d-deċiżjonijiet tagħha.

4. Mingħajr preġudizzju għall-*Artikolu* 13.15, u sakemm il-Parti li timporta ma tqajjem l-ebda oġġezzjoni espliċita u titlob informazzjoni, konsultazzjonijiet jew verifika addizzjonali f'konformità mal-Artikoli 13.11 u 13.14 fi żmien 15-il jum tax-xogħol minn meta tirċievi d-deċiżjoni ta' reġjonalizzazzjoni, il-Partijiet għandhom jikkunsidraw dik id-deċiżjoni bħala aċċettata.

5. Il-konsultazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-*Artikolu* għandhom isiru f'konformità mal-*Artikolu* 13.14(2). Il-Parti li timporta għandha tivvaluta l-informazzjoni addizzjonali fi żmien 15-il jum tax-xogħol wara li tasal l-informazzjoni addizzjonali. Il-verifika msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-*Artikolu* għandha titwettaq f'konformità mal-*Artikolu* 13.11 u fi żmien 25 jum ta' xogħol minn meta tasal it-talba għal verifika.

6. Fir-rigward tal-pesti, kull Parti għandha tiżgura li l-kummerċ fil-pjanti, fil-prodotti tal-pjanti u fi prodotti oħrajn iqis l-istatus tal-pesti rikonoxxut mill-Parti l-oħra. Il-Parti li tesporta li tfittex ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni ta' reġjonalizzazzjoni mill-Parti l-oħra għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bil-miżuri u bid-deċiżjonijiet tagħha, kif iggwidata mill-Istandards Internazzjonali rilevanti għall-Miżuri Fitosanitarji tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti ("FAO"), inklużi 4 "Rekwiżiti għall-istabbiliment ta' żoni ħielsa minn pesti", 8 "Determinazzjoni tal-istatus ta' pesti f'żona", u standards internazzjonali oħrajn għal miżuri fitosanitarji kif iqisu xieraq il-Partijiet. Mingħajr preġudizzju għall-*Artikolu* 13.15, u sakemm Parti ma tqajjimx oġġezzjoni espliċita u titlob informazzjoni, konsultazzjonijiet jew verifika addizzjonali f'konformità mal-Artikoli 13.11 u 13.14 fi żmien 3 xhur mill-wasla tad-deċiżjoni ta' reġjonalizzazzjoni, il-Partijiet għandhom jikkunsidraw dik id-deċiżjoni bħala aċċettata.

7. Il-konsultazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-*Artikolu* għandhom isiru f'konformità mal-*Artikolu* 13.14(2). Il-Parti li timporta għandha tivvaluta kwalunkwe informazzjoni addizzjonali fi żmien 3 xhur mill-wasla ta' tali informazzjoni addizzjonali. Kull Parti għandha twettaq il-verifika msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-*Artikolu* f'konformità mal-*Artikolu* 13.11 u fi żmien 12-il xahar minn meta tirċievi talba għal verifika, filwaqt li tqis il-bijoloġija tal-pest u tal-għalla kkonċernati.

8. Wara l-finalizzazzjoni tal-proċeduri fil-paragrafi 2 sa 7 ta' dan l-*Artikolu*, u mingħajr preġudizzju għall-*Artikolu* 13.15, kull Parti għandha, mingħajr dewmien żejjed, tieħu miżuri leġiżlattivi u amministrattivi biex tippermetti l-kummerċ fuq dik il-bażi.

Artikolu 13.8

Ir-Rikonoxximent tal-ekwivalenza

1. Il-Partijiet jistgħu jirrikonoxxu l-ekwivalenza fir-rigward ta' miżura individwali, grupp ta' miżuri jew sistemi applikabbli għal settur jew sottosettur.

2. Għall-fini tar-rikonoxximent tal-ekwivalenza, il-Partijiet għandhom isegwu l-proċess ta' konsultazzjoni msemmi fil-paragrafu 3. Dak il-proċess għandu jinkludi dimostrazzjoni oġġettiva tal-ekwivalenza mill-Parti li tesporta u valutazzjoni oġġettiva ta' dik id-dimostrazzjoni mill-Parti li timporta bil-ħsieb tar-rikonoxximent possibbli tal-ekwivalenza mill-Parti li timporta.

3. Il-Partijiet għandhom, fi żmien 3 xhur minn meta l-Parti li timporta tirċievi talba mill-Parti li tesporta għar-rikonoxximent tal-ekwivalenza ta' miżura waħda jew aktar li jaffettwaw settur wieħed jew aktar, jibdew proċess ta' konsultazzjoni, li għandu jinkludi l-passi stabbiliti fl-Anness 13-E. Fil-każ ta' bosta talbiet mill-Parti li tesporta, il-Partijiet għandhom, fuq talba tal-Parti li timporta, jaqblu fis-Sottokumitat imsemmi fl-*Artikolu* 13.16 dwar skeda ta' żmien li skontha għandhom jibdew il-proċess imsemmi f'dan il-paragrafu.

4. Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, il-Parti li timporta għandha tiffinalizza l-valutazzjoni tal-ekwivalenza, kif stabbilit fl-Anness 13-E, mhux aktar tard minn 180 jum wara li tkun irċeviet mingħand il-Parti li tesporta d-dimostrazzjoni tagħha tal-ekwivalenza kif stabbilit f'dak l-Anness. Bħala eċċezzjoni fil-każ ta' għelejjel staġunali, huwa ġġustifikat li tiġi ffinalizzata l-valutazzjoni tal-ekwivalenza fi żmien aktar tard, jekk ikun meħtieġ sabiex tkun tista' ssir il-verifika tal-miżuri fitosanitarji matul perjodu xieraq ta' tkabbir ta' għalla.

5. Is-setturi jew is-subsetturi prijoritarji ta' kull Parti li għalihom jista' jinbeda proċess ta' konsultazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-*Artikolu*, għandhom jiġu stabbiliti, fejn xieraq f'ordni ta' prijorità, fl-Appendiċi 13-E-1. Is-Sottokumitat imsemmi fl-*Artikolu* 13.16 jista' jirrakkomanda li l-Kunsill Konġunt jemenda dik il-lista, inkluża l-ordni ta' prijorità.

6. Il-Parti li timporta tista' tirtira jew tissospendi rikonoxximent tal-ekwivalenza abbażi ta' emenda minn waħda mill-Partijiet ta' miżuri li jaffettwaw l-ekwivalenza kkonċernata, diment li jiġu segwiti l-proċeduri li ġejjin:

(a) f'konformità mal-*Artikolu* 13.13, il-Parti li tesporta għandha tinforma lill-Parti li timporta bi kwalunkwe emenda proposta għal miżura tal-Parti li tesporta li għaliha hija rikonoxxuta l-ekwivalenza u l-effett probabbli tal-emenda proposta fuq dik l-ekwivalenza; fi żmien 30 jum tax-xogħol wara li tasal dik l-informazzjoni, il-Parti li timporta għandha tinforma lill-Parti li tesporta jekk l-ekwivalenza hux se tkompli tkun rikonoxxuta abbażi tal-emenda proposta; kif ukoll

(b) f'konformità mal-*Artikolu* 13.13, il-Parti li timporta għandha tinforma lill-Parti li tesporta bi kwalunkwe emenda proposta għal miżura tal-Parti li timporta li fuqha jkun ġie bbażat rikonoxximent tal-ekwivalenza u l-effett probabbli tal-emenda proposta fuq dak ir-rikonoxximent tal-ekwivalenza; jekk il-Parti li timporta ma tibqax tirrikonoxxi dik

l-ekwivalenza, il-Partijiet jistgħu jistabbilixxu b'mod konġunt il-kundizzjonijiet għall-bidu mill-ġdid tal-proċess imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-*Artikolu* abbażi tal-emenda proposta.

7. Mingħajr preġudizzju għall-*Artikolu* 13.15, il-Parti li timporta ma għandhiex tirtira jew tissospendi rikonoxximent tal-ekwivalenza qabel ma tidħol fis-seħħ l-emenda proposta ta' kwalunkwe Parti.

8. Ir-rikonoxximent ta' ekwivalenza, jew l-irtirar jew is-sospensjoni ta' rikonoxximent tal-ekwivalenza taqa' biss fuq il-Parti li timporta li taġixxi f'konformità mal-qafas amministrattiv u leġiżlattiv tagħha inkluż, fir-rigward ta' pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħrajn, komunikazzjonijiet xierqa f'konformità mal-Istandard Internazzjonali tal-FAO għall-Miżuri Fitosanitarji 13 "Linji Gwida għan-notifika ta' nuqqasijiet ta' konformità u azzjoni ta' emerġenza" u standards internazzjonali oħrajn għal miżuri fitosanitarji, kif xieraq. Il-Parti li timporta għandha tipprovdi lill-Parti li tesporta bi spjegazzjoni sħiħa bil-miktub u d-*data* ta' sostenn fir-rigward tad-determinazzjonijiet u tad-deċiżjonijiet koperti minn dan l-*Artikolu*. F'każ ta' nuqqas ta' rikonoxximent ta' ekwivalenza, jew irtirar jew sospensjoni ta' rikonoxximent tal-ekwivalenza, il-Parti li timporta għandha tinforma lill-Parti li tesporta bil-kundizzjonijiet għall-bidu mill-ġdid tal-proċess imsemmi fil-paragrafu 3.

Artikolu 13.9

Trasparenza u kundizzjonijiet kummerċjali

1. Il-Partijiet għandhom japplikaw kundizzjonijiet ġenerali tal-importazzjoni. Mingħajr ħsara għad-deċiżjonijiet meħuda f'konformità mal-*Artikolu* 13.7, il-kundizzjonijiet ta' importazzjoni tal-Parti li timporta għandhom ikunu applikabbli għat-territorju sħiħ tal-Parti li tesporta. F'konformità mal-*Artikolu* 13.13, il-Parti li timporta għandha tinforma lill-Parti li tesporta bir-rekwiżiti SPS tal-importazzjoni tagħha. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi, kif xieraq, il-mudelli għal kwalunkwe ċertifikat jew attestazzjoni uffiċjali meħtieġa mill-Parti li timporta.

2. Kull Parti għandha, għan-notifika ta' emendi jew emendi proposti għall-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-*Artikolu*, tikkonforma mal-*Artikolu* 7 u mal-Anness B tal-Ftehim SPS u mad-deċiżjonijiet sussegwenti adottati mill-Kumitat tad-WTO dwar Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji. Mingħajr preġudizzju għall-*Artikolu* 13.15, il-Parti li timporta għandha tqis il-ħin tat-trasport bejn it-territorji tal-Partijiet meta tistabbilixxi d-data tad-dħul fis-seħħ ta' kwalunkwe emenda għall-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-*Artikolu*.

3. Jekk il-Parti li timporta tonqos milli tikkonforma mar-rekwiżiti ta' notifika msemmija fil-paragrafu 2, għandha tkompli taċċetta, għal 30 jum wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-emenda kkonċernata, kwalunkwe ċertifikat uffiċċjali jew attestazzjoni li jiggarantixxu l-kundizzjonijiet tal-importazzjoni applikabbli qabel dik l-emenda.

4. Meta ċ-Ċilì jagħti aċċess għas-suq lil settur jew subsettur wieħed jew aktar tal-Parti tal-UE f'konformità mal-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, iċ-Ċilì għandu japprova kwalunkwe talba għall-esportazzjoni sussegwenti ppreżentata mill-Istati Membri abbażi ta' fajl komprensiv ta' informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni Ewropea, magħrufa bħala l-profil tal-Pajjiż, sakemm iċ-Ċilì, f'ċirkostanzi speċifiċi limitati meta jitqies xieraq, ma jitlobx informazzjoni addizzjonali.

5. Fi żmien 90 jum minn rikonoxximent tal-ekwivalenza f'konformità mal-*Artikolu* 13.8, Parti għandha tieħu l-miżuri leġiżlattivi u amministrattivi meħtieġa biex timplimenta dak ir-rikonoxximent tal-ekwivalenza sabiex tippermetti l-kummerċ bejn il-Partijiet f'setturi u subsetturi li fihom il-Parti li timporta tirrikonoxxi l-miżuri SPS kollha tal-Parti li tesporta bħala ekwivalenti. Għall-annimali, il-prodotti tal-annimali, il-pjanti, il-prodotti mill-pjanti u prodotti oħrajn koperti mill-miżuri SPS ikkonċernati, il-mudell għaċ-ċertifikat uffiċjali jew għad-dokument uffiċjali meħtieġ mill-Parti li timporta jista' jiġi sostitwit b'ċertifikat kif previst fl-Anness 13-H.

6. Għall-prodotti msemmija fil-paragrafu 5 f'setturi jew f'subsetturi li għalihom miżura waħda jew uħud iżda mhux il-miżuri kollha huma rikonoxxuti bħala ekwivalenti, il-Partijiet għandhom ikomplu jinnegozjaw bejniethom abbażi tal-konformità mal-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1. Fuq talba tal-Parti li tesporta, għandu japplika l-paragrafu 7.

7. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, il-Parti li timporta ma għandhiex tissoġġetta l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-Parti l-oħra għal liċenzji tal-importazzjoni.

8. Fir-rigward tal-kundizzjonijiet ġenerali tal-importazzjoni li jaffettwaw il-kummerċ bejn il-Partijiet, il-Partijiet għandhom, fuq talba tal-Parti li tesporta, jidħlu f'konsultazzjonijiet f'konformità mal-*Artikolu* 13.14, sabiex jistabbilixxu kundizzjonijiet alternattivi jew addizzjonali tal-importazzjoni tal-Parti li timporta. Il-Partijiet għandhom, jekk xieraq, jibbażaw dawk il-kundizzjonijiet alternattivi jew addizzjonali ta' importazzjoni fuq miżuri tal-Parti li tesporta rikonoxxuti

bħala ekwivalenti mill-Parti li timporta. Jekk il-Partijiet jaqblu dwar kundizzjonijiet ta' importazzjoni alternattivi jew addizzjonali, il-Parti li timporta għandha, fi żmien 90 jum mill-istabbiliment tagħha, tieħu l-miżuri leġiżlattivi jew amministrattivi meħtieġa biex tippermetti l-importazzjonijiet fuq dik il-bażi.

9. Fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' annimali, prodotti tal-annimali, prodotti li joriġinaw mill-annimali u prodotti sekondarji tal-annimali, il-Parti li timporta għandha, fuq talba tal-Parti li tesporta akkumpanjata mill-garanziji xierqa, tapprova, mingħajr spezzjoni minn qabel, u f'konformità mal-Anness 13-D, stabbilimenti li jinsabu fit-territorju tal-Parti li tesporta. Sakemm il-Parti li tesporta ma titlobx informazzjoni addizzjonali, il-Parti li timporta għandha, fi żmien 30 jum tax-xogħol minn meta tirċievi t-talba għall-approvazzjoni akkumpanjata mill-garanziji xierqa, tieħu l-miżuri leġiżlattivi jew amministrattivi meħtieġa biex tippermetti l-importazzjonijiet fuq dik il-bażi.

10. Il-lista inizjali ta' stabbilimenti għandha tiġi approvata minn Parti f'konformità mal-Anness 13-D.

11. Fuq talba ta' Parti, l-Parti l-oħra tipprovdi l-ispjegazzjonijiet u d-*data* ta' sostenn sħiħa għad-determinazzjonijiet u d-deċiżjonijiet koperti minn dan l-*Artikolu*.

Artikolu 13.10

Proċeduri ta'Ċertifikazzjoni

1. Għall-finijiet tal-proċeduri ta' ċertifikazzjoni, il-Partijiet għandhom jikkonformaw mal-prinċipji u l-kriterji stabbiliti fl-Anness 13-H.

2. Parti għandha toħroġ iċ-ċertifikati jew id-dokumenti uffiċjali msemmija fil-paragrafi 1, 5 u 6 tal-*Artikolu* 13.9 kif stabbilit fl-Anness 13-H.

3. Is-Sottokumitat imsemmi fl-*Artikolu* 13.16 jista' jirrakkomanda li l-Kumitat Konġunt jew il-Kunsill Konġunt jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi regoli li għandhom jiġu segwiti fil-każ ta' ċertifikazzjoni elettronika, jew l-irtirar jew is-sostituzzjoni ta' ċertifikati.

Artikolu 13.11

Verifika

1. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni effettiva ta' dan il-Kapitolu, kull Parti għandu jkollha d-dritt:

(a) li twettaq, f'konformità mal-linji gwida stabbiliti fl-Anness 13-F, verifika tal-programm ta' kontroll totali kollu jew parti minnu tal-awtoritajiet kompetenti tal-Parti l-oħra; l-ispejjeż ta' dik il-verifika għandhom ikunu mġarrba mill-Parti li twettaq il-verifika;

(b) minn data li għandha tiġi ddeterminata mill-Partijiet, li titlob mill-Parti l-oħra l-programm ta' kontroll totali ta' dik il-Parti jew parti minnu u rapport dwar ir-riżultati tal-kontrolli mwettqa taħt dak il-programm; kif ukoll

(c) għat-testijiet tal-laboratorju relatati ma' prodotti li joriġinaw mill-annimali, li titlob il-parteċipazzjoni tal-Parti l-oħra fil-programm ta' ttestjar interkomparattiv perjodiku għal testijiet speċifiċi organizzati mil-laboratorju ta' referenza tal-Parti rikjedenti; il-kostijiet relatati ma' dik il-parteċipazzjoni għandhom jitħallsu mill-Parti parteċipanti.

2. Kull Parti tista' taqsam ir-riżultati u l-konklużjonijiet tal-verifiki tagħha ma' pajjiżi terzi u tagħmilhom disponibbli għall-pubbliku.

3. Is-Sottokumitat imsemmi fl-*Artikolu* 13.16 jista' jirrakkomanda li l-Kunsill Konġunt jemenda l-Anness 13-F, filwaqt li jqis kif xieraq il-ħidma rilevanti mwettqa minn organizzazzjonijiet internazzjonali.

4. Ir-riżultati tal-verifiki msemmija f'dan l-*Artikolu* jistgħu jikkontribwixxu għall-miżuri minn Parti jew mill-Partijiet imsemmija fl-Artikoli 13.6 sa 13.9 u 13.12.

Artikolu 13.12

Imposti tal-kontrolli fuq l-importazzjoni u l-ispezzjoni

1. Il-kontrolli tal-importazzjoni mwettqa mill-Parti li timporta fuq kunsinni mill-Parti li tesporta għandhom jirrispettaw il-prinċipji stabbiliti fl-Anness 13-G. Ir-riżultati ta' dawk il-kontrolli jistgħu jikkontribwixxu għall-proċess ta' verifika msemmi fl-*Artikolu* 13.11.

2. Ir-rati ta' frekwenza tal-kontrolli fiżiċi tal-importazzjoni applikati minn kull Parti huma stabbiliti fl-Anness 13-G. Is-Sottokumitat imsemmi fl-*Artikolu* 13.16 jista' jirrakkomanda li l-Kunsill Konġunt jemenda l-Anness 13-G.

3. Parti tista' tiddevja mir-rati ta' frekwenza stabbiliti fl-Anness 13-G, fil-kompetenzi tagħha u f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha, bħala riżultat tal-progress li jkun sar f'konformità mal-Artikoli 13.8 u 13.9, jew bħala riżultat ta' verifiki, konsultazzjonijiet jew miżuri oħrajn previsti f'dan il-Kapitolu.

4. It-tariffi tal-ispezzjoni ma għandhomx jaqbżu l-kostijiet imġarrba mill-awtorità kompetenti għat-twettiq tal-kontrolli tal-importazzjoni u għandhom ikunu ekwi fir-rigward tat-tariffi imposti għall-ispezzjoni ta' prodotti domestiċi simili.

5. Il-Parti li timporta għandha tinforma lill-Parti li tesporta bi kwalunkwe emenda, inklużi r-raġunijiet għal dik l-emenda, għall-miżuri li jaffettwaw il-kontrolli tal-importazzjoni u t-tariffi tal-ispezzjoni u bi kwalunkwe bidla sinifikanti fil-proċedura amministrattiva għal dawk il-kontrolli.

6. Għall-prodotti msemmija fl-*Artikolu* 13.9(5), il-Partijiet jistgħu jaqblu li jnaqqsu b'mod reċiproku l-frekwenza tal-kontrolli fiżiċi tal-importazzjoni.

7. Is-Sottokumitat jista' jirrakkomanda lill-Kunsill Konġunt il-kundizzjonijiet li għandhom ikunu applikabbli minn ċerta data għall-approvazzjoni tal-kontrolli tal-importazzjoni ta' kull Parti bil-għan li l-frekwenza tagħhom tiġi adattata jew sostitwita. Dawk il-kundizzjonijiet għandhom jiġu inklużi fl-Anness 13-G b'deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt. Minn dik id-data, il-Partijiet jistgħu japprovaw il-kontrolli tal-importazzjoni ta' xulxin għal ċerti prodotti bl-għan li jnaqqsu l-frekwenza tagħhom jew jissostitwuhom.

Artikolu 13.13

Skambju ta' informazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw l-informazzjoni relevanti għall-implementazzjoni ta' dan il-Kapitolu fuq bażi uniformi u sistematika bl-għan li jipprovdu assigurazzjoni, inisslu fiduċja reċiproka u juru l-effettività tal-programmi kontrollati. Jekk ikun xieraq, l-iskambju ta' informazzjoni jista' jinkludi l-iskambju ta' uffiċjali.

2. Il-Partijiet għandhom ukoll jiskambjaw informazzjoni dwar suġġetti rilevanti oħrajn, inkluż:

(a) avvenimenti sinifikanti li jikkonċernaw il-prodotti koperti minn dan il-Kapitolu, inkluż l-iskambju ta' informazzjoni previst fl-Artikoli 13.8 u 13.9;

(b) ir-riżultati tal-proċeduri ta' verifika pprovduti fl-*Artikolu* 13.11;

(c) ir-riżultati tal-kontrolli tal-importazzjoni previsti fl-*Artikolu* 13.12 fil-każ ta' kunsinni ta' annimali u prodotti tal-annimali li jkunu ġew miċħuda jew mhux konformi;

(d) opinjonijiet xjentifiċi rilevanti għal dan il-Kapitolu u prodotti taħt ir-responsabbiltà ta' Parti; kif ukoll

(e) twissijiet rapidi rilevanti għall-kummerċ fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu.

3. Parti għandha tippreżenta dokumenti xjentifiċi jew *data* lill-forum xjentifiku rilevanti biex tissostanzja kwalunkwe fehma jew dikjarazzjoni magħmula fir-rigward ta' kwistjoni li tirriżulta taħt dan il-Kapitolu għall-evalwazzjoni fil-ħin. Ir-riżultati ta' dik l-evalwazzjoni għandhom ikunu disponibbli għall-Partijiet.

4. Meta l-informazzjoni msemmija f'dan l-*Artikolu* tkun saret disponibbli minn Parti b'notifika lid-WTO f'konformità mal-*Artikolu* 7 u mal-Anness B tal-Ftehim SPS, jew fuq is-sit web uffiċjali, aċċessibbli għall-pubbliku u mingħajr tariffi tiegħu, l-informazzjoni prevista f'dan l-*Artikolu* għandha titqies bħala skambjata.

5. Għall-pesti ta' periklu magħruf u immedjat lil Parti, il-komunikazzjoni diretta lil dik il-Parti għandha ssir bil-posta jew bil-posta elettronika. Il-Partijiet għandhom isegwu l-gwida pprovduta mill-Istandard Internazzjonali tal-FAO għall-Miżuri Fitosanitarji 17 "Rapportar ta' pesti".

6. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw l-informazzjoni msemmija f'dan l-*Artikolu* permezz tal-posta elettronika, tal-faks jew tal-posta.

Artikolu 13.14

Notifika u konsultazzjonijiet

1. Fi żmien jumejn tax-xogħol, Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bi kwalunkwe riskju serju jew sinifikanti għas-saħħa tal-pubbliku, l-annimali jew il-pjanti, inkluż emerġenzi jew sitwazzjonijiet ta' kontroll alimentari fejn hemm riskju identifikat b'mod ċar ta' effetti serji fuq is-saħħa assoċjati mal-konsum ta' prodotti mill-annimali jew mill-pjanti, b'dak ir-riskju u b'mod partikolari b'li ġejjin:

(a) miżuri li jaffettwaw id-deċiżjonijiet ta' reġjonalizzazzjoni kif imsemmi fl-Artikoli 13.7;

(b) il-preżenza jew l-evoluzzjoni ta' marda tal-annimali jew pest elenkat fl-Anness 13-B;

(c) sejbiet ta' importanza epidemjoloġika jew riskji assoċjati importanti fir-rigward ta' mard tal-annimali u pesti li ma humiex elenkati fl-Anness 13-B, jew li huma mard tal-annimali jew pesti ġodda; kif ukoll

(d) miżuri addizzjonali li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti bażiċi tal-miżuri rispettivi meħuda sabiex jikkontrollaw jew jeqirdu l-mard tal-annimali jew il-pesti jew sabiex jipproteġu s-saħħa pubblika, u kwalunkwe bidla fil-politiki profilattiċi, inklużi l-politiki tat-tilqim.

2. Meta Parti jkollha tħassib serju dwar riskju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, dik il-Parti tista' titlob konsultazzjonijiet mal-Parti l-oħra rigward is-sitwazzjoni. Dawk il-konsultazzjonijiet għandhom isiru mill-aktar fis possibbli u, fi kwalunkwe każ, fi żmien 13-il jum tax-xogħol mit-talba. F'dawk il-konsultazzjonijiet, kull Parti għandha tagħmel ħiltha biex tipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tevita tfixkil fil-kummerċ, u biex tasal għal soluzzjoni aċċettabbli b'mod reċiproku konsistenti mal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti.

3. Parti tista' titlob li l-konsultazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-*Artikolu* jsiru permezz ta' konferenza bil-vidjo jew bl-awdjo. Il-Parti rikjedenti għandha tħejji l-minuti tal-konsultazzjonijiet, li għandhom ikunu soġġetti għall-approvazzjoni mill-Partijiet. Għall-finijiet ta' dik l-approvazzjoni, japplika l-*Artikolu* 13.13(6).

Artikolu 13.15

Klawżola ta' salvagwardja

1. Jekk il-Parti li tesporta tieħu miżuri domestiċi biex tikkontrolla kawża li x'aktarx tikkostitwixxi riskju serju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, dik il-Parti għandha, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, tieħu miżuri ekwivalenti biex tipprevjeni l-introduzzjoni tar-riskju fit-territorju tal-Parti li timporta.

2. Il-Parti li timporta tista', għal raġunijiet ta' riskju serju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, tieħu miżuri provviżorji meħtieġa għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti. Għall-kunsinni li jkunu fi tranżitu bejn il-Partijiet meta japplikaw tali miżuri provviżorji, il-Parti li timporta għandha tikkunsidra l-aktar soluzzjoni xierqa u proporzjonata sabiex jiġi evitat kull tfixkil bla bżonn tal-kummerċ.

3. Il-Parti li tieħu l-miżuri kif imsemmi f'dan l-*Artikolu* għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra b'dan fi żmien jum tax-xogħol mid-deċiżjoni li timplimenta dawk il-miżuri. Fuq talba ta' Parti u f'konformità mal-*Artikolu* 13.14(2), il-Partijiet għandhom jagħmlu konsultazzjonijiet dwar is-sitwazzjoni fi żmien 13-il jum tax-xogħol min-notifika. Il-Partijiet għandhom iqisu kif xieraq kwalunkwe informazzjoni pprovduta matul dawk il-konsultazzjonijiet u għandhom jagħmlu ħilithom biex jevitaw tfixkil bla bżonn għall-kummerċ, filwaqt li jqisu, jekk applikabbli, l-eżitu tal-konsultazzjonijiet skont l-*Artikolu* 13.14(2).

Artikolu 13.16

Sottokumitat dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji

1. Is-Sottokumitat dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji ("Sottokumitat"), stabbilit skont l-*Artikolu* 8.8(1), għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet b'responsabbiltà għal kwistjonijiet SPS.

2. Is-Sottokumitat għandu:

(a) jimmonitorja l-implimentazzjoni u jqis kwistjonijiet relatati ma' dan il-Kapitolu, u jeżamina l-kwistjonijiet kollha li jistgħu jinqalgħu fir-rigward tal-implimentazzjoni tiegħu; kif ukoll

(b) jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill Konġunt għall-emendi għall-Annessi skont is-subparagrafu (a) tal-*Artikolu* 8.5 (1), b'mod partikolari fid-dawl tal-progress li jkun sar skont il-konsultazzjonijiet u l-proċeduri previsti f'dan il-Kapitolu.

3. Is-Sottokumitat għandu jaqbel dwar l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' dan il-Kapitolu. Is-Sottokumitat għandu jistabbilixxi l-objettivi u l-istadji importanti għal dawk l-azzjonijiet. Is-Sottokumitat għandu jevalwa r-riżultati ta' dawk l-azzjonijiet.

4. Is-Sottokumitat jista' jirrakkomanda li l-Kunsill Konġunt jew il-Kumitat Konġunt, skont il-paragrafu 40.3(3), jistabbilixxi gruppi ta' ħidma tekniċi, kif xieraq, li jikkonsistu minn rappreżentanti fil-livell ta' esperti ta' kull Parti, li għandhom jidentifikaw u jindirizzaw kwistjonijiet tekniċi u xjentifiċi li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu.

5. Is-Sottokumitat jista' jirrakkomanda li l-Kunsill Konġunt jew il-Kumitat Konġunt jadotta deċiżjoni dwar regoli speċifiċi ta' proċeduri għal dan is-Sottokumitat fid-dawl tal-ispeċifiċità ta' kwistjonijiet SPS.

Artikolu 13.17

Kooperazzjoni f'fora multilaterali

1. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-kooperazzjoni f'fora multilaterali rilevanti għal kwistjonijiet SPS, b'mod partikolari f'organizzazzjonijiet internazzjonali li jistabbilixxu l-istandards rikonoxxuti fil-qafas tal-Ftehim SPS.

2. Is-Sottokumitat stabbilit fl-*Artikolu* 13.16 għandu jkun il-forum rilevanti għall-iskambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni dwar kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-*Artikolu*.

Artikolu 13.18

Kooperazzjoni dwar is-sikurezza tal-ikel, is-saħħa tal-annimali u x-xjenza dwar il-protezzjoni tal-pjanti

1. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni xjentifika bejn il-korpi tal-Partijiet responsabbli għall-evalwazzjoni xjentifika fl-oqsma tas-sikurezza alimentari, tas-saħħa tal-annimali u tal-protezzjoni tal-pjanti.

2. Is-Sottokumitat jista' jirrakkomanda li l-Kunsill Konġunt jew il-Kumitat Konġunt, skont il-paragrafu 40.3(3), jistabbilixxi grupp ta' ħidma tekniku dwar il-kooperazzjoni xjentifika kif imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-*Artikolu* ("il-grupp ta' ħidma"), magħmul minn rappreżentanti fil-livell ta' esperti tal-korpi xjentifiċi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-*Artikolu*, maħtura minn kull Parti.

3. Il-Kunsill Konġunt jew il-Kumitat Konġunt li jistabbilixxi l-grupp ta' ħidma għandu jiddefinixxi l-mandat, il-kamp ta' applikazzjoni u l-programm ta' ħidma ta' dak il-grupp ta' ħidma.

4. Il-grupp ta' ħidma jista' jiskambja informazzjoni, inkluż dwar:

(a) l-informazzjoni xjentifika u teknika; kif ukoll

(b) il-ġbir tad-*data*.

5. Il-ħidma mwettqa mill-grupp ta' ħidma ma għandhiex taffettwa l-indipendenza tal-aġenziji nazzjonali jew reġjonali ta' kull Parti.

6. Kull Parti għandha tiżgura li r-rappreżentanti maħtura skont il-paragrafu 2 ma jiġux affettwati minn kunflitt ta' interess skont il-liġi ta' dik il-Parti.

Artikolu 13.19

Applikazzjoni territorjali għall-Parti tal-UE

1. B'deroga mill-*Artikolu* 41.2, għall-Parti tal-UE dan il-Kapitolu japplika għat-territorji tal-Istati Membri kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([16]), u fir-rigward ta' pjanti, prodotti tal-pjanti u prodotti oħrajn, kif stabbilit fl-*Artikolu* 1(3) tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([17]).

2. Il-Partijiet jifhmu li fir-rigward tat-territorju tal-Unjoni Ewropea, għandha titqies l-ispeċifiċità tiegħu u l-Unjoni Ewropea għandha tiġi rikonoxxuta bħala entità waħda.

KAPITOLU 14

KOOPERAZZJONI DWAR SISTEMI TAL-IKEL SOSTENIBBLI

Artikolu 14.1

Objettiv

L-objettiv ta' dan il-Kapitolu huwa li tiġi stabbilita kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Partijiet biex tiġi involuta fit-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà tas-sistemi tal-ikel rispettivi tagħhom. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tat-tisħiħ tal-politiki u d-definizzjoni ta' programmi li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' sistemi tal-ikel sostenibbli, inklużivi, tajbin għas-saħħa u reżiljenti u tar-rwol tal-kummerċ fl-ilħuq ta' dak l-objettiv.

Artikolu 14.2

Kamp ta' Applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu japplika għall-kooperazzjoni bejn il-Partijiet sabiex tittejjeb is-sostenibbiltà tas-sistemi tal-ikel rispettivi tagħhom.

2. Dan il-Kapitolu jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-kooperazzjoni dwar aspetti speċifiċi ta' sistemi tal-ikel sostenibbli, inklużi:

(a) is-sostenibbiltà tal-katina alimentari u t-tnaqqis tat-telf u tal-ħela tal-ikel;

(b) il-ġlieda kontra l-frodi alimentari fil-katina alimentari;

(c) it-trattament xieraq tal-annimali;

(d) il-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi; kif ukoll

([16]) Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1).

([17]) Ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE (ĠU UE L 317, 23.11.2016, p. 4).

(e) it-tnaqqis tal-użu ta' fertilizzanti u pestiċidi kimiċi li għalihom valutazzjoni tar-riskju wriet li dawn jikkawżaw riskji inaċċettabbli għas-saħħa jew għall-ambjent.

3. Dan il-Kapitolu japplika wkoll għall-kooperazzjoni tal-Partijiet f'fora multilaterali.

4. Dan il-Kapitolu japplika mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' Kapitoli oħrajn relatati mas-sistemi tal-ikel jew mas-sostenibbiltà, b'mod partikolari l-Kapitoli 13, 16 u 33.

Artikolu 14.3

Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) "katina alimentari" tfisser il-passi kollha mill-produzzjoni primarja sal-bejgħ lill-konsumatur finali, inklużi l-produzzjoni, l-ipproċessar, il-manifattura, it-trasport, l-importazzjoni, il-ħżin, id-distribuzzjoni u l-bejgħ lill-konsumatur finali;

(b) "produzzjoni primarja" tfisser il-produzzjoni, it-trobbija jew it-tkabbir ta' prodotti primarji, inkluż il-ħsad, il-ħlib u l-produzzjoni tal-annimali tal-farms qabel il-qatla, kif ukoll il-kaċċa u s-sajd u l-ħsad ta' prodotti selvaġġi; kif ukoll

(c) "sistema tal-ikel sostenibbli" tfisser sistema tal-ikel li tipprovdi ikel sikur, nutrittiv u suffiċjenti għal kulħadd mingħajr ma tikkomprommetti l-bażijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali meħtieġa biex jiġu ġġenerati s-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni għall-ġenerazzjonijiet futuri; tali sistema tal-ikel sostenibbli:

(i) tkun profittabbli (sostenibbiltà ekonomika);

(ii) ikollha benefiċċji mifruxa għas-soċjetà (sostenibbiltà soċjali); kif ukoll

(iii) ikollha impatt pożittiv jew newtrali fuq l-ambjent naturali, inkluż fuq it-tibdil fil-klima (sostenibbiltà ambjentali).

Artikolu 14.4

Sostenibbiltà tal-katina alimentari u tnaqqis fit-telf u fil-ħela tal-ikel

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-interkonnessjoni bejn is-sistemi tal-ikel attwali u t-tibdil fil-klima. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw biex inaqqsu l-effetti negattivi ambjentali u klimatiċi tas-sistemi tal-ikel kif ukoll biex isaħħu r-reżiljenza tagħhom.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu li t-telf u l-ħela tal-ikel għandhom impatt negattiv fuq id-dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi u ambjentali tas-sistemi tal-ikel.

3. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw f'oqsma li jistgħu jinkludu:

(a) il-produzzjoni sostenibbli tal-ikel, inkluża l-agrikoltura, it-titjib tat-trattament xieraq tal-annimali, il-promozzjoni tal-biedja organika u t-tnaqqis tal-użu ta' antimikrobiċi, fertilizzanti u pestiċidi kimiċi li għalihom valutazzjoni tar-riskju turi li dawn joħolqu riskju inaċċettabbli għas-saħħa jew għall-ambjent;

(b) is-sostenibbiltà tal-katina alimentari, inklużi l-produzzjoni tal-ikel, il-metodi u l-prattiki tal-ipproċessar;

(c) dieti tajbin għas-saħħa u sostenibbli, it-tnaqqis tal-impronta tal-karbonju tal-konsum;

(d) it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tas-sistemi tal-ikel, iż-żieda ta' bjar tal-karbonju, u t-treġġigħ tat-telf tal-bijodiversità;

(e) l-innovazzjoni u t-teknoloġiji li jikkontribwixxu għall-adattament u r-reżiljenza għall-impatti tat-tibdil fil-klima;

(f) l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' kontinġenza biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-ikel fi żminijiet ta' kriżi; kif ukoll

(g) it-tnaqqis tat-telf u tal-ħela tal-ikel f'konformità mal–Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 12, mira 12.3, kif definita fl-Aġenda 2030.

4. Il-kooperazzjoni skont dan l-*Artikolu* tista' tinkludi l-iskambju ta' informazzjoni, ta' għarfien espert u ta' esperjenzi, kif ukoll il-kooperazzjoni fir-riċerka u fl-innovazzjoni.

Artikolu 14.5

Ġlieda kontra l-frodi fil-katina alimentari

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-frodi tista' taffettwa s-sikurezza tal-katina alimentari, tipperikola s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-ikel u timmina l-prattika kummerċjali ġusta, il-fiduċja tal-konsumatur u r-reżiljenza tas-swieq tal-ikel.

2. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw biex jidentifikaw u jevitaw frodi fil-katina alimentari billi:

(a) jiskambjaw informazzjoni u esperjenzi sabiex jittejbu l-identifikazzjoni u l-ġlieda kontra l-frodi fil-katina alimentari; kif ukoll

(b) jipprovdu l-assistenza meħtieġa sabiex tinġabar evidenza ta' prattiki li huma jew li jidhru li ma humiex konformi mar-regoli tagħhom, jew li huma ta' riskju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti jew għall-ambjent, jew li jqarrqu bil-klijenti.

Artikolu 14.6

Benessri tal-annimali

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-annimali huma ħlejjaq b'sentimenti u li l-użu tal-annimali fis-sistemi tal-produzzjoni tal-ikel jaqa' taħt ir-responsabbiltà għall-benesseri tagħhom. Il-Partijiet għandhom jirrispettaw il-kundizzjonijiet kummerċjali għall-annimali mrobbija u l-prodotti tal-annimali li huma mmirati biex jipproteġu t-trattament xieraq tal-annimali.

2. Il-Partijiet għandhom l-għan li jilħqu fehim komuni dwar l-istandards internazzjonali dwar it-trattament xieraq tal-annimali tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali ("WOAH").

3. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' standards dwar it-trattament xieraq tal-annimali fil-farm, matul it-trasport, u waqt il-qatla u l-qtil tal-annimali, f'konformità mal-liġi tagħhom.

4. Il-Partijiet għandhom isaħħu l-kollaborazzjoni tagħhom fir-riċerka fil-qasam tat-trattament xieraq tal-annimali biex ikomplu jiżviluppaw standards tat-trattament xieraq tal-annimali bbażati fuq ix-xjenza.

5. Is-Sottokumitat imsemmi fl-*Artikolu* 14.8 jista' jindirizza kwistjonijiet oħrajn fil-qasam tat-trattament xieraq tal-annimali.

6. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw informazzjoni, għarfien espert u esperjenzi fil-qasam tat-trattament xieraq tal-annimali.

7. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fid-WOAH u jistgħu jikkooperaw f'fora internazzjonali oħrajn, bl-għan li jippromwovu żvilupp ulterjuri tal-istandards tat-trattament xieraq tal-annimali u tal-aħjar prattiki u l-implimentazzjoni tagħhom.

8. Skont l-*Artikolu* 40.3(3), il-Kunsill Konġunt jew il-Kumitat Konġunt jista' jistabbilixxi grupp ta' ħidma tekniku biex jappoġġa lis-Sottokumitat imsemmi fl-*Artikolu* 14.8 fl-implimentazzjoni ta' dan l-*Artikolu*.

Artikolu 14.7

Ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li r-reżistenza għall-antimikrobiċi hija theddida serja għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u li l-użu, speċjalment l-użu ħażin u l-użu żejjed tal-antimikrobiċi fl-annimali, jikkontribwixxi għall-iżvilupp ġenerali tar-reżistenza għall-antimikrobiċi u jirrappreżenta riskju kbir għas-saħħa pubblika. Il-Partijiet jirrikonoxxu li n-natura tat-theddida tirrikjedi approċċ tranżnazzjonali.

2. Kull Parti għandha telimina gradwalment l-użu ta' prodotti mediċinali antimikrobiċi bħala promoturi tat-tkabbir.

3. Kull Parti, f'konformità mal-approċċ "saħħa waħda":

(a) għandha tikkunsidra l-linji gwida, l-istandards, ir-rakkomandazzjonijiet u l-azzjonijiet eżistenti u futuri żviluppati f'organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti fl-iżvilupp ta' inizjattivi u pjanijiet nazzjonali li jkollhom l-għan li jippromwovu l-użu prudenti u responsabbli tal-antimikrobiċi fil-produzzjoni tal-annimali u fil-prattika veterinarja;

(b) tippromwovi, fejn il-Partijiet jiddeċiedu dan b'mod konġunt, l-użu responsabbli u prudenti tal-antimikrobiċi, inkluż it-tnaqqis tal-użu tal-antimikrobiċi fil-produzzjoni tal-annimali u t-tneħħija gradwali tal-użu tal-antimikrobiċi bħala promoturi tat-tkabbir fil-produzzjoni tal-annimali; kif ukoll

(c) għandha tappoġġa l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni internazzjonali dwar il-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi, jekk il-Partijiet iqisu li dan ikun xieraq.

4. Skont l-*Artikolu* 40.3(3), il-Kunsill Konġunt jew il-Kumitat Konġunt jista' jistabbilixxi grupp ta' ħidma tekniku biex jappoġġa lis-Sottokumitat imsemmi fl-*Artikolu* 14.8 fl-implimentazzjoni ta' dan l-*Artikolu*.

Artikolu 14.8

Sottokumitat dwar Sistemi tal-Ikel Sostenibbli

1. Is-Sottokumitat għas-Sistemi tal-Ikel Sostenibbli ("Sottokumitat"), stabbilit skont l-*Artikolu* 8.8(1), għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet b'responsabbiltà għal sistemi tal-ikel sostenibbli.

2. Is-Sottokumitat għandu jissorvelja l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu u jeżamina l-kwistjonijiet kollha li jirriżultaw fir-rigward tal-implimentazzjoni tiegħu.

3. Is-Sottokumitat għandu jaqbel dwar l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' dan il-Kapitolu. Is-Sottokumitat għandu jistabbilixxi l-objettivi u l-istadji importanti għal dawk l-azzjonijiet u jimmonitorja l-progress tal-Partijiet fl-istabbiliment ta' sistemi tal-ikel sostenibbli. Is-Sottokumitat għandu f'kull perjodu jevalwa r-riżultati tal-implimentazzjoni ta' dawk l-azzjonijiet.

4. Is-Sottokumitat jista' jirrakkomanda lill-Kunsill Konġunt jew lill-Kumitat Konġunt, skont l-*Artikolu* 40.3(3), l-istabbiliment ta' gruppi ta' ħidma tekniċi magħmula minn rappreżentanti esperti ta' kull Parti sabiex jidentifikaw u jindirizzaw kwistjonijiet tekniċi u xjentifiċi li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu.

5. Is-Sottokumitat għandu jirrakkomanda li l-Kumitat Konġunt jistabbilixxi regoli biex jittaffew il-kunflitti ta' interess potenzjali għall-parteċipanti tal-laqgħat tas-Sottokumitat u dawk ta' kwalunkwe grupp ta' ħidma tekniku msemmi f'dan il-Kapitolu. Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi dawk ir-regoli.

Artikolu 14.9

Kooperazzjoni f'fora multilaterali

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw, kif xieraq, f'fora multilaterali biex irawmu t-tranżizzjoni globali lejn sistemi tal-ikel sostenibbli li jikkontribwixxu għall-ilħuq ta' objettivi miftiehma internazzjonalment dwar l-ambjent, in-natura u l-protezzjoni tal-klima.

2. Is-Sottokumitat għandu jkun il-forum għall-iskambju ta' informazzjoni u jikkoopera fil-kwistjonijiet koperti mill-paragrafu 1 ta' dan l-*Artikolu*.

Artikolu 14.10

Dispożizzjonijiet addizzjonali

1. L-attivitajiet tas-Sottokumitat ma għandhomx jaffettwaw l-indipendenza tal-aġenziji nazzjonali jew reġjonali tal-Partijiet.

2. Xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jaffettwa d-drittijiet jew l-obbligi ta' kull Parti biex tipproteġi l-informazzjoni kunfidenzjali, f'konformità mal-liġi ta' kull Parti. Meta Parti tippreżenta informazzjoni meqjusa kunfidenzjali skont il-liġi tagħha lill-Parti l-oħra skont dan il-Kapitolu, dik il-Parti l-oħra għandha tittratta dik l-informazzjoni bħala kunfidenzjali, sakemm il-Parti li tissottometti ma taqbilx mod ieħor.

3. Filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ id-dritt ta' kull Parti li tirregola, xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jiġi interpretat bħala li jobbliga lil Parti sabiex:

(a) timmodifika r-rekwiżiti tal-importazzjoni tagħha;

(b) tiddevja mill-proċeduri domestiċi għat-tħejjija u għall-adozzjoni ta' miżuri regolatorji;

(c) tieħu azzjoni li timmina jew timpedixxi l-adozzjoni f'waqtha ta' miżuri regolatorji għall-ilħuq tal-objettivi tal-politika pubblika tagħha; jew

(d) tadotta xi eżitu regolatorju partikolari.

KAPITOLU 15

ENERĠIJA U MATERJA PRIMA

Artikolu 15.1

Objettiv

L-objettiv ta' dan il-Kapitolu huwa li jippromwovi d-djalogu u l-kooperazzjoni fis-setturi tal-enerġija u tal-materja prima għall-benefiċċju reċiproku tal-Partijiet, li jrawwem kummerċ u investiment sostenibbli u ġust li jiżgura kundizzjonijiet ekwi f'dawk is-setturi, u li jsaħħaħ il-kompetittività tal-ktajjen tal-valur relatati, inkluża ż-żieda tal-valur, f'konformità ma' dan il-Ftehim.

Artikolu 15.2

Prinċipji

1. Kull Parti żżomm id-dritt sovran li tiddetermina jekk iż-żoni fit-territorju tagħha, kif ukoll fiż-żona ekonomika esklużiva, humiex disponibbli għall-esplorazzjoni, għall-produzzjoni u għat-trasport ta' oġġetti tal-enerġija u ta' materja prima.

2. F'konformità ma' dan il-Kapitolu, il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid id-dritt tagħhom li jirregolaw fit-territorji rispettivi tagħhom sabiex jilħqu objettivi ta' politika leġittimi fl-oqsma tal-enerġija u l-materja prima.

Artikolu 15.3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu u tal-Annessi 15-A u 15-B:

(a) "awtorizzazzjoni" tfisser il-permess, il-liċenzja, il-konċessjoni jew strument amministrattiv jew kuntrattwali simili li permezz tiegħu l-awtorità kompetenti ta' Parti tintitola lil entità sabiex teżerċita ċerta attività ekonomika fit-territorju tagħha f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-awtorizzazzjoni;

(b) "ibbilanċjar" tfisser l-azzjonijiet u l-proċessi kollha, fil-perjodi kollha ta' żmien, li permezz tagħhom l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni jiżguraw, b'mod kontinwu, iż-żamma tal-frekwenza tas-sistema f'firxa predefinita tal-istabbiltà u l-konformità mal-ammont ta' riżervi meħtieġa fir-rigward tal-kwalità meħtieġa;

(c) "oġġetti tal-enerġija" tfisser l-oġġetti li minnhom tiġi ġġenerata l-enerġija u li huma elenkati bil-kodiċi HS korrispondenti fl-Anness 15-A;

(d) "idrokarburi" tfisser il-merkanzija elenkata skont il-kodiċi tas-SA korrispondenti fl-Anness 15-A;

(e) "materja prima" tfisser: sustanzi użati fil-manifattura ta' prodotti industrijali, inklużi l-minerali, il-konċentrati, il-gagazza, l-irmied u s-sustanzi kimiċi; materjali mhux maħduma, ipproċessati u rfinati; skart tal-metall; ruttam u tidwib mill-ġdid tar-ruttam, elenkati mill-kapitoli korrispondenti tas-SA fl-Anness 15-A;

(f) "enerġija rinnovabbli" tfisser enerġija prodotta minn sorsi solari, eoliċi, idroloġiċi, ġeotermali, bijoloġiċi jew tal-oċeani jew minn sorsi ambjentali rinnovabbli oħrajn;

(g) "fjuwils rinnovabbli" tfisser bijofjuwils, bijolikwidi, fjuwils tal-bijomassa u fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, inklużi fjuwils sintetiċi rinnovabbli u idroġenu rinnovabbli;

(h) "standards" tfisser standards fi ħdan it-tifsira tal-Kapitolu 16;

(i) "operatur tas-sistema" tfisser:

(i) għall-Parti tal-UE: persuna li hija responsabbli għat-tħaddim, u l-iżgurar tal-manutenzjoni u l-iżvilupp tas-sistema tad-distribuzzjoni jew tat-trażmissjoni tal-elettriku f'żona partikolari, u għall-iżgurar tal-kapaċità fit-tul ta' tali sistemi; kif ukoll

(ii) għaċ-Ċilì: korp indipendenti responsabbli għall-koordinazzjoni tat-tħaddim ta' sistemi elettriċi interkonnessi, li jiżgura l-prestazzjoni ekonomika effiċjenti u s-sikurezza u l-affidabbiltà tas-sistema elettrika, u jipprovdi aċċess miftuħ għas-sistema ta' trażmissjoni; kif ukoll

(j) "regolamenti tekniċi" tfisser regolamenti tekniċi fi ħdan it-tifsira tal-Kapitolu 16.

Artikolu 15.4

Monopolji fuq l-importazzjoni u fuq l-esportazzjoni

Parti ma għandhiex tiddeżinja jew iżżomm monopolju dežinjat fuq l-importazzjoni jew fuq l-esportazzjoni. Għall-finijiet ta' dan l-*Artikolu*, it-terminu "monopolju fuq l-importazzjoni jew fuq l-esportazzjoni" jfisser id-dritt esklużiv jew l-għoti ta' awtorità minn Parti lil entità sabiex timporta oġġetti tal-enerġija jew materja prima mill-Parti l-oħra, jew tesporta oġġetti tal-enerġija jew materja prima lejha ([18]).

Artikolu 15.5

Ipprezzar tal-esportazzjoni ([19])

1. Parti ma għandhiex timponi prezz għall-esportazzjonijiet ta' oġġetti tal-enerġija jew materja prima lill-Parti l-oħra li jkun ogħla mill-prezz mitlub għal tali merkanzija meta tkun destinata għas-suq domestiku, permezz ta' kwalunkwe miżura, inkluż liċenzji jew rekwiżiti ta' prezz minimu.

2. Minkejja l-paragrafu 1 ta' dan l-*Artikolu*, iċ-Ċilì jista' jintroduċi jew iżomm miżuri bl-objettiv li jrawwem żieda fil-valur billi jipprovdi materja prima lis-setturi industrijali bi prezzijiet preferenzjali sabiex ikunu jistgħu joħorġu fiċ-Ċilì, diment li tali miżuri jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness 15-B.

([18]) Għal ċertezza akbar, dan l-*Artikolu* huwa mingħajr preġudizzju għall-Kapitoli 17, 18 u 29 u l-iskedifl-Annessi 17-A sa 17-C u 29, u ma japplikax għaldritt li jirriżulta mill-għoti ta' dritt ta' proprjetà intellettwali.

([19]) Għal ċertezza akbar, dan l-*Artikolu* huwa mingħajr preġudizzju għall-Anness 29.

Artikolu 15.6

Prezzijiet domestiċi rregolati

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza ta' swieq tal-enerġija kompetittivi biex jipprovdu għażla wiesgħa fil-provvista ta' oġġetti tal-enerġija u biex itejbu l-benesseri tal-konsumatur. Il-Partijiet jirrikonoxxu wkoll li l-ħtiġijiet u l-approċċi regolatorji jistgħu jvarjaw bejn is-swieq.

2. Minbarra l-paragrafu 1, kull Parti għandha, f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha, tiżgura li l-provvista tal-oġġetti tal-enerġija tkun ibbażata fuq il-prinċipji tas-suq.

3. Parti tista' tirregola biss il-prezz mitlub għall-provvista ta' oġġetti tal-enerġija billi timponi obbligu ta' servizz pubbliku.

4. Jekk Parti timponi obbligu ta' servizz pubbliku, għandha tiżgura li tali obbligu jkun definit b'mod ċar, trasparenti u mhux diskriminatorju, u ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi tal-obbligu ta' servizz pubbliku.

Artikolu 15.7

Awtorizzazzjoni għall-esplorazzjoni u għall-produzzjoni ta' oġġetti tal-enerġija u ta' materja prima

1. Minħajr preġudizzju għall-Kapitolu 20, jekk Parti tkun tirrikjedi awtorizzazzjoni biex tesplora jew tipproduċi oġġetti tal-enerġija u materja prima, dik il-Parti għandha tiżgura li tali awtorizzazzjoni tingħata wara proċedura pubblika u mhux diskriminatorja ([20]).

2. Dik il-Parti għandha tippubblika, fost l-oħrajn, it-tip ta' awtorizzazzjoni, iż-żona rilevanti jew parti minnha, u d-data proposta jew it-terminu għall-għoti tal-awtorizzazzjoni, b'tali mod li jippermetti lill-applikanti potenzjalment interessati jissottomettu l-applikazzjonijiet.

3. Parti tista' tidderoga mill-paragrafu 2 ta' dan l-*Artikolu* u mill-*Artikolu* 20.3 fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin relatati mal-idrokarburi:

(a) iż-żona tkun ġiet soġġetta għal proċedura preċedenti li ma tirriżultax fl-għoti ta' awtorizzazzjoni;

(b) iż-żona tkun disponibbli fuq bażi permanenti għall-esplorazzjoni jew għall-produzzjoni ta' oġġetti tal-enerġija u ta' materja prima; jew

(c) awtorizzazzjoni mogħtija tkun ġiet irrinunzjata qabel id-data ta' skadenza tagħha.

4. Kull Parti tista' tirrikjedi li entità li tkun ingħatat awtorizzazzjoni tħallas kontribuzzjoni finanzjarja jew kontribuzzjoni in natura. Il-kontribuzzjoni finanzjarja jew il-kontribuzzjoni in natura għandhom jiġu stabbiliti b'tali mod li ma jfixkilx il-ġestjoni u l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' tali entità.

5. Kull Parti għandha tiżgura li l-applikant, fejn l-applikazzjoni tiegħu tiġi miċħuda, jingħata r-raġunijiet għaċ-ċaħda sabiex jippermetti lil dak l-applikant ikollu rikors għal proċeduri għal appell jew għal reżami fejn ikun meħtieġ. Il-proċeduri għal appell jew għal reżami għandhom jiġu ppubblikati minn qabel.

Artikolu 15.8

Valutazzjoni tal-impatt ambjentali

1. Parti għandha tiżgura li titwettaq valutazzjoni tal-impatt ambjentali ([21]) qabel ma tingħata awtorizzazzjoni għal proġett jew attività relatata mal-enerġija jew mal-materja prima li jista' jkollha impatt sinifikanti fuq il-popolazzjoni, is-saħħa tal-bniedem, il-bijodiversità, l-art, il-ħamrija, l-ilma, l-arja jew il-klima, jew il-wirt jew il-pajsaġġ kulturali. Dik il-valutazzjoni għandha tidentifika u tivvaluta tali impatti sinifikanti.

([20]) Għal ċertezza akbar, fil-każ ta' kwalunkwe inkonsistenza bejn dan l-*Artikolu* u l-Kapitoli 17 u 18 u l-Annessi 17-A, 17-B u 17-C, dawk il-Kapitoli u l-Annessi għandhom jipprevalu sal-punt tal-inkonsistenza.

([21]) Għaċ-Ċili, "valutazzjoni tal-impatt ambjentali" tfisser l-istudju tal-impatt ambjentali, kif definit fil-Liġi 19.300 it-Titolu 1, l-*Artikolu* 2, ittra (i), jew is-suċċessur tagħha, u kif irregolat mill-*Artikolu* 11 tal-istess Liġi.

2. Kull Parti għandha tiżgura li l-informazzjoni rilevanti tkun disponibbli għall-pubbliku bħala parti mill-proċess għall-valutazzjoni tal-impatt ambjentali, u għandha tipprovdi żmien u opportunità lill-pubbliku biex jipparteċipa f'dak il-proċess u biex jissottometti kummenti.

3. Kull Parti għandha tippubblika u tqis is-sejbiet tal-valutazzjoni tal-impatt ambjentali qabel ma tagħti l-awtorizzazzjoni għall-proġett jew għall-attività.

Artikolu 15.9

Aċċess ta' partijiet terzi għall-infrastruttura tat-trasport tal-enerġija

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-operaturi tas-sistema fit-territorju tagħha jagħtu aċċess mhux diskriminatorju għall-infrastruttura tal-enerġija għat-trasport tal-elettriku lil kwalunkwe entità ta' Parti. Sa fejn ikun l-aktar possibbli, l-aċċess għall-infrastruttura tat-trasport tal-elettriku għandu jingħata f'perjodu ta' żmien raġonevoli mid-data tat-talba għall-aċċess minn dik l-entità.

2. Kull Parti għandha tippermetti, f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti tagħha, entità ta' Parti li taċċessa u tuża, l-infrastruttura tat-trasport tal-elettriku għat-trasport tal-elettriku fuq termini u kundizzjonijiet raġonevoli u mhux diskriminatorji, inkluż in-nondiskriminazzjoni bejn it-tipi ta' sorsi tal-elettriku, u b'tariffi li jirriflettu l-kostijiet. Kull Parti għandha tippubblika t-termini u l-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-infrastruttura tat-trasport tal-elettriku u għall-użu tagħha.

3. Minkejja l-paragrafu 1, Parti tista' tintroduċi jew iżżomm fil-liġijiet u fir-regolamenti tagħha derogi speċifiċi mid-dritt għal aċċess ta' partijiet terzi abbażi ta' kriterji oġġettivi diment li jkunu meħtieġa biex jintlaħaq objettiv ta' politika leġittimu. Tali derogi għandhom jiġu ppubblikati qabel ma jibdew japplikaw.

4. Il-Partijiet jirrikonoxxu r-rilevanza tar-regoli stabbiliti fil-paragrafi 1, 2 u 3 anke għall-infrastruttura tal-gass. Parti li ma tapplikax tali regoli fir-rigward tal-infrastruttura tal-gass għandha tagħmel ħiltha, b'mod partikolari fir-rigward tat-trasport ta' fjuwils rinnovabbli, filwaqt li tirrikonoxxi d-differenzi fil-maturità tas-suq u fl-organizzazzjoni.

Artikolu 15.10

Aċċess għall-infrastruttura għall-forniturі tal-elettriku prodott minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 15.7, 15.9 u 15.11, kull Parti għandha tiżgura li l-forniturі tal-enerġija rinnovabbli tal-Parti l-oħra jingħataw aċċess għan-network tal-elettriku u l-użu tiegħu għall-faċilitajiet tal-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli li jinsabu fit-territorju tagħha fuq termini u kundizzjonijiet raġonevoli u mhux diskriminatorji.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, kull Parti għandha tiżgura, f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha, li l-impriżi ta' trażmissjoni u l-operaturi tas-sistema tagħha, fir-rigward tal-forniturі tal-elettriku rinnovabbli tal-Parti l-oħra:

(a) jippermettu konnessjoni bejn faċilitajiet ġodda għall-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli u n-network tal-elettriku mingħajr ma timponi termini u kundizzjonijiet diskriminatorji;

(b) jippermettu l-użu affidabbli tan-network tal-elettriku;

(c) jipprovdu servizzi ta' bbilanċjar; kif ukoll

(d) jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ miżuri operazzjonali xierqa relatati mal-grilja u mas-suq sabiex jiġi minimizzat it-tnaqqis tal-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

3. Il-paragrafu 2 huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt leġittimu ta' kull Parti li tirregola fit-territorju tagħha sabiex tilħaq objettivi ta' politika leġittimi, bħall-ħtieġa li jinżammu l-operat sigur u l-istabbiltà tas-sistema tal-elettriku, abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji.

Artikolu 15.11

Korp indipendenti

1. Kull Parti għandha żżomm jew tistabbilixxi korp jew korpi funzjonalment indipendenti li:

(a) jistabbilixxu jew japprovaw it-termini u l-kundizzjonijiet u t-tariffi għall-aċċess għan-network tal-elettriku u l-użu tiegħu; kif ukoll

(b) isolvu tilwim dwar it-termini u l-kundizzjonijiet u t-tariffi xierqa għall-aċċess għan-network tal-elettriku u l-użu tiegħu f'perjodu ta' żmien raġonevoli.

2. Fit-twettiq tad-dmirijiet tagħhom u fl-eżerċitar tas-setgħat tagħhom stabbiliti fil-paragrafu 1, il-korp jew il-korpi għandhom jaġixxu b'mod trasparenti u imparzjali fir-rigward tal-utenti, tas-sidien u tal-operaturi tas-sistema tan-network tal-elettriku.

Artikolu 15.12

Kooperazzjoni dwar standards

1. Bl-għan li jiġu evitati, identifikati u eliminati l-ostakli tekniċi mhux meħtieġa għall-kummerċ fl-oġġetti tal-enerġija u fil-materja prima, il-Kapitolu 16 japplika għal dawk il-prodotti u l-materjali.

2. F'konformità mal-Artikoli 16.4 u 16.6, il-Partijiet għandhom, kif xieraq, jippromwovu l-kooperazzjoni bejn il-korpi regolatorji u standardizzati rilevanti tagħhom f'oqsma bħall-effiċjenza enerġetika, l-enerġija sostenibbli u l-materja prima, bl-għan li jikkontribwixxu għall-kummerċ, l-investiment u l-iżvilupp sostenibbli, fost l-oħrajn, permezz ta':

(a) il-konverġenza jew l-armonizzazzjoni, jekk possibbli, tal-istandards attwali rispettivi tagħhom, abbażi ta' interess reċiproku u reċiproċità, u f'konformita' mal-modalitajiet li għandhom jiġu miftiehma mir-regolaturi u mill-korpi ta' standardizzazzjoni kkonċernati;

(b) analiżijiet, metodoloġiji u approċċi konġunti, jekk possibbli, biex jassistu u jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' testijiet u standards ta' kejl rilevanti, f'kooperazzjoni mal-korpi ta' standardizzazzjoni rilevanti tagħhom;

(c) l-iżvilupp ta' standards komuni, jekk possibbli, dwar l-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli; kif ukoll

(d) il-promozzjoni ta' standards dwar il-materja prima, il-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli u t-tagħmir tal-effiċjenza enerġetika, inkluż id-disinn u t-tikkettar tal-prodotti, jekk xieraq, permezz ta' inizjattivi ta' kooperazzjoni internazzjonali eżistenti.

3. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu, il-Partijiet għandhom l-għan li jħeġġu l-iżvilupp u l-użu ta' standards miftuħa u l-interoperabbiltà ta' networks, sistemi, apparati, applikazzjonijiet jew komponenti fis-setturi tal-enerġija u tal-materja prima.

Artikolu 15.13

Riċerka, żvilupp u innovazzjoni

Il-Partijiet jirrikonoxxu li r-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni huma elementi ewlenin biex jiġu żviluppati aktar l-effiċjenza, is-sostenibbiltà u l-kompetittività fis-setturi tal-enerġija u tal-materja prima. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw, kif xieraq, fost l-oħrajn, fi:

(a) il-promozzjoni tar-riċerka, l-iżvilupp, l-innovazzjoni u t-tixrid ta' teknoloġiji, proċessi u prattiki ambjentalment tajbin u kosteffettivi fl-oqsma tal-enerġija u l-materja prima;

(b) il-promozzjoni taż-żieda tal-valur, mal-benefiċċju reċiproku tal-Partijiet, u t-titjib tal-kapaċità produttiva fl-enerġija u l-materja prima; kif ukoll

(c) it-tisħiħ tal-bini tal-kapaċità fil-kuntest ta' inizjattivi ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni.

Artikolu 15.14

Kooperazzjoni dwar l-enerġija u l-materja prima

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw, kif xieraq, fl-oqsma tal-enerġija u tal-materja prima bil-ħsieb li, fost l-oħrajn:

(a) it-tnaqqis jew l-eliminazzjoni ta' miżuri li fihom infushom jew flimkien ma' miżuri oħrajn jistgħu jfixklu l-kummerċ u l-investiment, inkluż miżuri ta' natura teknika, regolatorja jew ekonomika li taffettwa s-setturi tal-enerġija jew tal-materja prima;

(b) jiddiskutu, kull meta jkun possibbli, il-pożizzjonijiet tagħhom f'fora internazzjonali fejn jiġu diskussi kwistjonijiet rilevanti ta' kummerċ u investiment, u jrawmu programmi internazzjonali fl-oqsma tal-effiċjenza enerġetika, l-enerġija rinnovabbli u l-materja prima; kif ukoll

(c) jippromwovu mġiba responsabbli fin-negozju f'konformità mal-istandards internazzjonali li ġew approvati jew appoġġati mill-Partijiet, bħal-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali u, b'mod partikolari, il-Kapitolu IX tiegħu dwar ix-Xjenza u t-Teknoloġija.

Kooperazzjoni tematika dwar l-enerġija

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-ħtieġa li jaċċelleraw l-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, iżidu l-effiċjenza enerġetika u jippromwovu l-innovazzjoni, u li jiżguraw l-aċċess għal enerġija sikura, sostenibbli u affordabbli. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw dwar kwalunkwe kwistjoni rilevanti ta' interess reċiproku, bħal:

(a) l-enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari fir-rigward tat-teknoloġiji, l-integrazzjoni fis-sistema tal-elettriku, il-ħżin u l-flessibbiltà, u l-aċċess għaliha, u l-katina kollha tal-provvista tal-idroġenu rinnovabbli;

(b) l-effiċjenza enerġetika, inklużi r-regolamentazzjoni, l-aħjar prattiki, u sistemi effiċjenti u sostenibbli ta' tisħin u tkessiħ;

(c) l-użu tal-infrastruttura tal-elettromobbiltà u tal-iċċarġjar; kif ukoll

(d) swieq tal-enerġija miftuħa u kompetittivi.

Kooperazzjoni tematika dwar il-materja prima

3. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-impenn kondiviż tagħhom għal akkwist responsabbli u produzzjoni sostenibbli tal-materja prima, u l-interess reċiproku tagħhom biex jiffaċilitaw l-integrazzjoni tal-ktajjen tal-valur tal-materja prima. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw dwar kwalunkwe kwistjoni rilevanti ta' interess reċiproku, bħal:

(a) prattiki ta' estrazzjoni responsabbli u sostenibbiltà tal-ktajjen tal-valur tal-materja prima, inkluż il-kontribut tal-ktajjen tal-valur tal-materja prima għall-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU;

(b) il-ktajjen tal-valur tal-materja prima, inkluża ż-żieda fil-valur; kif ukoll

(c) l-identifikazzjoni ta' oqsma ta' interess reċiproku għall-kooperazzjoni dwar ir-riċerka, l-iżvilupp u l-attivitajiet ta' innovazzjoni li jkopru l-katina tal-valur kollha tal-materja prima, inklużi teknoloġiji mill-aktar avvanzati, estrazzjoni intelliġenti u minjieri diġitali.

4. Meta jiżviluppaw attivitajiet ta' kooperazzjoni, il-Partijiet għandhom iqisu r-riżorsi disponibbli. L-attivitajiet jistgħu jitwettqu personalment jew bi kwalunkwe mezz teknoloġiku disponibbli għall-Partijiet.

5. L-attivitajiet ta' kooperazzjoni jistgħu jiġu żviluppati u implimentati bil-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, fora globali u istituzzjonijiet ta' riċerka, kif miftiehem bejn il-Partijiet.

6. Il-Partijiet għandhom, kif xieraq meta jimplimentaw dan l-*Artikolu*, irawmu koordinazzjoni xierqa fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Artikoli 4.5 u 5.2.

Artikolu 15.15

Tranżizzjoni enerġetika u fjuwils rinnovabbli

1. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu, il-Partijiet jirrikonoxxu l-kontribut importanti tal-fjuwils rinnovabbli, fost l-oħrajn, l-idroġenu rinnovabbli, inklużi d-derivattivi tagħhom, u l-fjuwils sintetiċi rinnovabbli, fit-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima.

2. F'konformità mal-*Artikolu* 15.12(2), il-Partijiet għandhom, kif xieraq, jikkooperaw dwar il-konverġenza jew l-armonizzazzjoni, jekk ikun possibbli, tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni għall-fjuwils rinnovabbli, bħall-iskemi fir-rigward tal-emissjonijiet taċ-ċiklu tal-ħajja u l-istandards ta' sikurezza.

3. Fir-rigward tal-fjuwils rinnovabbli, il-Partijiet għandhom jikkooperaw ukoll bl-għan li:

(a) jidentifikaw, inaqqsu u jeliminaw, kif xieraq, miżuri li jistgħu jfixklu l-kummerċ bilaterali, inklużi miżuri ta' natura teknika, regolatorja u ekonomika;

(b) irawmu inizjattivi li jiffaċilitaw il-kummerċ bilaterali għall-promozzjoni tal-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli; kif ukoll

(c) il-promozzjoni tal-użu ta' fjuwils rinnovabbli b'kunsiderazzjoni tal-kontribut tagħhom għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

4. Il-Partijiet għandhom, kif xieraq, jinkoraġġixxu l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' standards internazzjonali u l-kooperazzjoni regolatorja fir-rigward tal-fjuwils rinnovabbli. u jikkooperaw f'fora internazzjonali rilevanti bl-għan li jiżviluppaw skemi ta' ċertifikazzjoni rilevanti li jevitaw il-ħolqien ta' ostakli mhux ġustifikati għall-kummerċ.

Artikolu 15.16

Eċċezzjoni għal sistemi tal-elettriku żgħar u iżolati

1. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu, il-Partijiet jirrikonoxxu li l-liġijiet u r-regolamenti tagħhom jistgħu jipprevedu reġimi speċjali għal sistemi tal-elettriku żgħar u iżolati.

2. Skont il-paragrafu 1, Parti tista' żżomm, tadotta jew tinforza miżuri fir-rigward ta' sistemi tal-elettriku żgħar u iżolati li jidderogaw mill-Artikoli 15.6, 15.7, 15.9, 15.10 u 15.11, diment li tali miżuri ma jikkostitwixxux restrizzjonijiet moħbija għall-kummerċ jew għall-investiment bejn il-Partijiet.

Artikolu 15.17

Sottokumitat għall-Kummerċ fil-Merkanzija

1. Is-Sottokumitat għall-Kummerċ fil-Merkanzija ("Sottokumitat"), stabbilit skont l-*Artikolu* 8.8(1), għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu u tal-Annessi 15-A u 15-B. Il-funzjonijiet stabbiliti fis-subparagrafi (a), (c), (d) u (e) tal-*Artikolu* 9.18 japplikaw għal dan il-Kapitolu, *mutatis mutandis*.

2. B'mod konsistenti mal-Artikoli 15.12, 15.13, 15.14 u 15.15, is-Sottokumitat jista' jirrakkomanda li l-Partijiet jistabbilixxu jew jiffaċilitaw mezzi oħrajn ta' kooperazzjoni bejniethom fl-oqsma tal-enerġija u l-materja prima.

3. Jekk ikun hemm qbil reċiproku bejn il-Partijiet, is-Sottokumitat għandu jiltaqa' f'sessjonijiet dedikati għall-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu. Meta tħejji tali sessjonijiet, kull Parti tista' tikkunsidra, kif xieraq, inputs minn partijiet ikkonċernati jew esperti rilevanti.

4. Kull Parti għandha taħtar punt ta' kuntatt biex tiffaċilita l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu, inkluż billi tiżgura l-involviment xieraq tar-rappreżentanti ta' Parti, tinnotifika lill-Parti l-oħra bid-dettalji ta' kuntatt tagħha u tinnotifika minnufih lill-Parti l-oħra bi kwalunkwe bidla f'dawk id-dettalji ta' kuntatt. Għaċ-Ċili, il-punt ta' kuntatt għandu jkun rappreżentant tas-Sottosegretarjat tar-Relazzjonijiet Ekonomiċi Internazzjonali tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin jew is-suċċessur tiegħu.

KAPITOLU 16

OSTAKLI TEKNIĊI GĦALL-KUMMERĊ

Artikolu 16.1

Objettiv

L-objettiv ta' dan il-Kapitolu huwa li jiffaċilita l-kummerċ fil-merkanzija bejn il-Partijiet billi jipprevjeni, jidentifika u jelimina ostakli tekniċi mhux meħtieġa għall-kummerċ u billi jippromwovi kooperazzjoni regolatorja akbar.

Artikolu 16.2

Kamp ta' Applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu japplika għat-tħejjija, għall-adozzjoni u għall-applikazzjoni tal-istandards, tar-regolamenti tekniċi u tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità kollha kif definiti fl-Anness 1 tal-Ftehim dwar l-OTK li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ fil-merkanzija bejn il-Partijiet.

2. Minkejja l-paragrafu 1, dan il-Kapitolu ma japplikax għal:

(a) speċifikazzjonijiet tax-xiri mħejjijin minn korpi governattivi għar-rekwiżiti tal-produzzjoni jew tal-konsum ta' tali korpi li huma koperti mill-Kapitolu 28; jew

(b) miżuri sanitarji u fitosanitarji li huma koperti mill-Kapitolu 13.

Artikolu 16.3

Inkorporazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar l-OTK

L-Artikoli 2 sa 9 u l-Annessi 1 u 3 tal-Ftehim dwar l-OTK huma inkorporati f'dan il-Ftehim u saru parti minnu, *mutatis mutandis*.

Artikolu 16.4

Standards internazzjonali

1. L-istandards internazzjonali żviluppati mill-organizzazzjonijiet elenkati fl-Anness 16-A għandhom jitqiesu bħala l-istandards internazzjonali rilevanti skont it-tifsira tal-Artikoli 2 u 5 u l-Anness 3 tal-Ftehim dwar l-OTK diment li, fl-iżvilupp tagħhom, dawk l-organizzazzjonijiet ikunu kkonformaw mal-prinċipji u mal-proċeduri stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kumitat dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ tad-WTO dwar il-Prinċipji għall-Iżvilupp ta' Standards Internazzjonali, Gwidi u Rakkomandazzjonijiet b'Rabta mal-Artikoli 2, 5 u mal-Anness 3 tal-Ftehim dwar l-OTK. ([22])

2. Fuq talba ta' Parti, il-Kunsill Konġunt jista' jadotta deċiżjoni biex jemenda l-Anness 16-A, skont is-subparagrafu (a) tal-*Artikolu* 8.5(1).

Artikolu 16.5

Regolamenti tekniċi

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li jwettqu, f'konformità mar-regoli u l-proċeduri rispettivi ta' kull Parti, valutazzjoni tal-impatt regolatorju tar-regolamenti tekniċi ppjanati.

2. Kull Parti għandha tivvaluta l-alternattivi regolatorji u mhux regolatorji disponibbli għar-regolament tekniku propost li jistgħu jilħqu l-objettivi leġittimi tal-Parti, f'konformità mal-*Artikolu* 2.2 tal-Ftehim dwar l-OTK.

([22]) G/TBT/9, 13 ta' Novembru 2000, l-Anness 4.

3. Kull Parti għandha tuża l-istandards internazzjonali rilevanti bħala bażi għar-regolamenti tekniċi tagħha ħlief meta l-Parti li tiżviluppa r-regolament tekniku tkun tista' turi li tali standards internazzjonali jkunu mezz ineffettiv jew mhux xieraq għall-issodisfar tal-objettivi leġittimi segwiti.

4. Jekk Parti ma tużax l-istandards internazzjonali bħala bażi għal regolament tekniku, jekk tintalab mill-Parti l-oħra, għandha tidentifika kwalunkwe devjazzjoni sostanzjali mill-istandard internazzjonali rilevanti, tispjega r-raġunijiet għaliex dawn l-istandards ġew iġġudikati bħala mezz ineffettiv jew mhux xierqa għat-twettiq tal-għan segwit, u tipprovdi l-evidenza xjentifika jew teknika li fuqha hija bbażata dik il-valutazzjoni.

5. Minbarra l-obbligu ta' kull Parti skont l-*Artikolu* 2.3 tal-Ftehim dwar l-OTK, kull Parti għandha tirrieżamina, f'konformità mar-regoli u mal-proċeduri rispettivi tagħha, ir-regolamenti tekniċi tagħha bl-għan li żżid il-konverġenza ta' dawk ir-regolamenti tekniċi mal-istandards internazzjonali rilevanti. Fost l-oħrajn, Parti għandha tqis kwalunkwe żvilupp ġdid fl-istandards internazzjonali rilevanti u jekk għadhomx jeżistu ċ-ċirkostanzi li wasslu għad-diverġenzi minn kwalunkwe standard internazzjonali rilevanti.

Artikolu 16.6

Kooperazzjoni regolatorja

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li teżisti firxa wiesgħa ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni regolatorja li jistgħu jgħinu biex jiġi eliminat jew evitat il-ħolqien ta' ostakli tekniċi għall-kummerċ.

2. Parti tista' tipproponi lill-Parti l-oħra attivitajiet ta' kooperazzjoni regolatorja speċifiċi għas-settur f'oqsma koperti minn dan il-Kapitolu. Dawk il-proposti għandhom jintbagħtu lill-punt ta' kuntatt imsemmi fl-*Artikolu* 16.13, u għandhom jikkonsistu minn:

(a) skambji ta' informazzjoni dwar approċċi u prattiki regolatorji; jew

(b) inizjattivi biex ir-regolamenti tekniċi u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità jiġu allinjati aktar mal-istandards internazzjonali rilevanti.

Il-Parti l-oħra għandha twieġeb għall-proposta f'perjodu ta' żmien raġonevoli.

3. Il-punti ta' kuntatt imsemmija fl-*Artikolu* 16.13 għandhom jinfurmaw lill-Kumitat Konġunt dwar l-attivitajiet ta' kooperazzjoni mwettqa skont dan l-*Artikolu*.

4. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jiskambjaw u jikkollaboraw dwar mekkaniżmi biex jiffaċilitaw l-aċċettazzjoni tar-riżultati tal-valutazzjoni tal-konformità sabiex jeliminaw ostakli tekniċi mhux meħtieġa għall-kummerċ.

5. Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet rispettivi tagħhom responsabbli għar-regolamentazzjoni teknika, l-istandardizzazzjoni, il-valutazzjoni tal-konformità, l-akkreditazzjoni u l-metroloġija, kemm jekk ikunu governattivi kif ukoll jekk mhux governattivi, bl-għan li jiġu indirizzati kwistjonijiet koperti minn dan il-Kapitolu.

6. Xejn f'dan l-*Artikolu* ma għandu jiġi interpretat bħala li jirrikjedi li Parti:

(a) tiddevja mill-proċeduri tagħha għat-tħejjija u għall-adozzjoni ta' miżuri regolatorji;

(b) tieħu azzjonijiet li jimminaw jew jimpedixxu l-adozzjoni f'waqtha ta' miżuri regolatorji għall-ilħuq tal-objettivi tal-ordni pubbliku tagħha; jew

(c) tikseb xi eżitu regolatorju partikolari.

7. Għall-finijiet ta' dan l-*Artikolu* u tad-dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni skont l-Annessi 16-A sa 16-E, il-Kummissjoni Ewropea għandha taġixxi f'isem il-Parti tal-UE.

Artikolu 16.7

Kooperazzjoni dwar is-sorveljanza tas-suq, is-sikurezza u l-konformità ta' prodotti mhux tal-ikel

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-kooperazzjoni fis-sorveljanza tas-suq, fil-konformità u fis-sikurezza tal-prodotti mhux tal-ikel għall-faċilitazzjoni tal-kummerċ u għall-protezzjoni tal-konsumaturi u ta' utenti oħra, u l-importanza tal-bini ta' fiduċja reċiproka bbażata fuq informazzjoni kondiviża.

2. Għall-finijiet ta' dan l-*Artikolu*:

(a) "prodotti għall-konsumatur" tfisser oġġetti maħsuba għal jew li x'aktarx jintużaw mill-konsumaturi, bl-eċċezzjoni ta' ikel, apparat mediku u prodotti mediċinali; kif ukoll

(b) "sorveljanza tas-suq" tfisser attivitajiet imwettqin u miżuri meħudin mill-awtoritajiet pubbliċi, inklużi attivitajiet imwettqin u miżuri meħudin f'kooperazzjoni mal-operaturi ekonomiċi, fuq il-bażi tal-proċeduri ta' Parti li jippermettu li dik il-Parti tkun tista' timmonitorja jew tindirizza l-konformità tal-prodotti mar-rekwiżiti stabbiliti fil-liġijiet u fir-regolamenti tagħha jew is-sikurezza tagħhom.

3. Sabiex jiggarantixxu l-funzjonament indipendenti u imparzjali tas-sorveljanza tas-suq, kull Parti għandha tiżgura:

(a) is-separazzjoni tal-funzjonijiet ta' sorveljanza tas-suq mill-funzjonijiet ta' valutazzjoni tal-konformità; kif ukoll

(b) in-nuqqas ta' kwalunkwe interess li jaffettwa l-imparzjalità tal-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq fit-twettiq tal-kontroll jew tas-superviżjoni tal-operaturi ekonomiċi.

4. Il-Partijiet jistgħu jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni fil-qasam tas-sikurezza u tal-konformità ta' prodotti mhux tal-ikel, b'mod partikolari fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

(a) attivitajiet u miżuri ta' sorveljanza tas-suq u ta' infurzar;

(b) metodi ta' valutazzjoni tar-riskju u ttestjar tal-prodotti;

(c) sejħiet lura koordinati ta' prodotti mis-suq jew azzjonijiet oħrajn simili;

(d) kwistjonijiet xjentifiċi, tekniċi u regolatorji, bl-għan li jtejbu s-sikurezza u l-konformità tal-prodotti mhux tal-ikel;

(e) kwistjonijiet emerġenti ta' rilevanza sinifikanti għas-saħħa u għas-sikurezza;

(f) attivitajiet relatati mal-istandardizzazzjoni; kif ukoll

(g) skambju ta' uffiċjali.

5. Il-Parti tal-UE tista' tipprovdi liċ-Ċilì għażla ta' informazzjoni mis-Sistema ta' Twissija Rapida tagħha fir-rigward tal-prodotti għall-konsumatur kif imsemmi fid-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [23] jew fis-suċċessur tagħha, u ċ-Ċilì jista' jipprovdi lill-Parti tal-UE għażla ta' informazzjoni dwar is-sikurezza ta' prodotti tal-konsumatur u dwar miżuri preventivi, restrittivi u korrettivi meħudin, fir-rigward ta' prodotti tal-konsumatur. L-iskambju ta' informazzjoni jista' jieħu l-forma ta':

(a) l-iskambju mhux sistematiku, f'każijiet speċifiċi debitament ġustifikati, bl-esklużjoni tad-*data* personali; kif ukoll

(b) l-iskambju sistematiku bbażat fuq arranġament stabbilit b'deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt li għandu jiġi stabbilit fl-Anness 16-D.

[23] Id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (ĠU UE L 11, 15.1.2002, p. 4).

6. Il-Kunsill Konġunt jista' jadotta deċiżjoni biex jistabbilixxi arranġament dwar l-iskambju regolari ta' informazzjoni, inkluż b'mezzi elettroniċi, dwar miżuri meħuda fir-rigward ta' prodotti mhux tal-ikel mhux konformi, għajr dawk koperti mill-paragrafu 5 ta' dan l-*Artikolu*, li għandhom jiġu stabbiliti fl-Anness 16-E.

7. Kull Parti għandha tuża l-informazzjoni miksuba skont il-paragrafi 4, 5 u 6 għall-iskop uniku tal-protezzjoni tal-konsumaturi, tas-saħħa, tas-sikurezza jew tal-ambjent.

8. Kull Parti għandha tittratta l-informazzjoni miksuba skont il-paragrafi 4, 5 u 6 bħala kunfidenzjali.

9. L-arranġamenti msemmijin fis-subparagrafu (b) tal-paragrafu 5 u fil-paragrafu 6 għandhom jispeċifikaw l-ambitu tal-prodott, it-tip ta' informazzjoni li għandha tiġi skambjata, il-modalitajiet għall-iskambju u l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kunfidenzjalità u l-protezzjoni ta' *data* personali.

10. Skont is-subparagrafu (a) tal-*Artikolu* 8.5(1), il-Kunsill Konġunt għandu jkollu s-setgħa li jadotta deċiżjonijiet sabiex jiddetermina jew jemenda l-arranġamenti stabbiliti fl-Annessi 16-D u 16-E.

Artikolu 16.8

L-Istandards

1. Bl-għan li jiġu armonizzati l-istandards fuq bażi wiesgħa kemm jista' jkun, kull Parti għandha tħeġġeġ lill-korpi ta' standardizzazzjoni stabbiliti fit-territorju tagħha, kif ukoll lill-korpi ta' standardizzazzjoni reġjonali, li hija jew il-korpi ta' standardizzazzjoni stabbiliti fit-territorju tagħha jkunu membri fiha, sabiex:

(a) jipparteċipaw, fil-limiti tar-riżorsi tagħhom, fit-tħejjija tal-istandards internazzjonali mill-korpi internazzjonali ta' standardizzazzjoni rilevanti;

(b) jużaw l-istandards internazzjonali bħala bażi għall-istandards li jiżviluppaw, ħlief meta t-tali standards internazzjonali jkunu ineffettivi jew mhux xierqa, pereżempju minħabba livell insuffiċjenti ta' protezzjoni, fatturi klimatiċi jew ġeografiċi fundamentali, jew problemi teknoloġiċi fundamentali;

(c) jevitaw milli jagħmlu l-istess xogħol, jew milli jidħlu fi trikkib fuq ix-xogħol tal-korpi internazzjonali tal-istandardizzazzjoni;

(d) jirrieżaminaw, f'intervalli regolari, l-istandards nazzjonali u reġjonali li ma humiex ibbażati fuq l-istandards internazzjonali rilevanti, bl-għan li tiżdied il-konverġenza tagħhom mal-istandards internazzjonali rilevanti;

(e) jikkooperaw mal-korpi rilevanti ta' standardizzazzjoni tal-Parti l-oħra f'attivitajiet ta' standardizzazzjoni internazzjonali, inkluż fil-korpi internazzjonali ta' standardizzazzjoni jew fil-livell reġjonali; kif ukoll

(f) irawmu kooperazzjoni bilaterali bejniethom u l-korpi tal-istandardizzazzjoni tal-Parti l-oħra.

2. Jenħtieġ li l-Partijiet jiskambjaw informazzjoni dwar:

(a) l-użu tagħhom tal-istandards b'sostenn għar-regolamenti tekniċi; kif ukoll

(b) il-proċessi ta' standardizzazzjoni tagħhom u l-firxa ta' kemm jużaw l-istandards internazzjonali, reġjonali jew subreġjonali bħala bażi għall-istandards nazzjonali tagħhom.

3. Jekk l-istandards isiru obbligatorji permezz tal-inkorporazzjoni jew b'referenza f'abbozz ta' regolament tekniku jew ta' proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità, għandhom japplikaw l-obbligi ta' trasparenza stabbiliti fl-*Artikolu* 16.10 ta' dan il-Ftehim u fl-*Artikolu* 2 jew fl-*Artikolu* 5 tal-Ftehim dwar l-OTK.

Artikolu 16.9

Valutazzjoni tal-konformità

1. Id-dispożizzjonijiet tal-*Artikolu* 16.5 fir-rigward tat-tħejjija, tal-adozzjoni u tal-applikazzjoni tar-regolamenti tekniċi għandhom japplikaw ukoll, *mutatis mutandis*, għall-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità.

2. Jekk Parti tkun teħtieġ valutazzjoni tal-konformità bħala aċċertament pożittiv li prodott ikun konformi ma' regolament tekniku, hija għandha:

(a) tagħżel proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità proporzjonati għar-riskji involuti;

(b) tqis, soġġett għal-liġijiet u r-regolamenti tagħha, l-użu tad-dikjarazzjoni ta' konformità ta' fornitur bħala wieħed mill-modi possibbli biex tintwera l-konformità ma' regolament tekniku; kif ukoll

(c) fejn tintalab tagħmel hekk mill-Parti l-oħra, tipprovdi informazzjoni dwar il-kriterji użati sabiex tagħżel il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità għal prodotti speċifiċi.

3. Jekk Parti tkun teħtieġ valutazzjoni tal-konformità ta' parti terza bħala garanzija pożittiva li prodott ikun konformi ma' regolament tekniku u ma tkunx irriżervat dak il-kompitu għal awtorità governattiva kif speċifikat fil-paragrafu 4, hija għandha:

(a) idealment tuża l-akkreditazzjoni sabiex tikkwalifika korpi ta' valutazzjoni tal-konformità;

(b) idealment tuża l-istandards internazzjonali għall-akkreditazzjoni u għall-valutazzjoni tal-konformità, kif ukoll ftehimiet internazzjonali li jinvolvu l-korpi ta' akkreditazzjoni tal-Partijiet, pereżempju permezz tal-mekkaniżmi tal-Kooperazzjoni Internazzjonali għall-Akkreditazzjoni tal-Laboratorji (minn hawn 'il quddiem imsejħa "ILAC") u tal-Forum Internazzjonali ta' Akkreditazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "IAF");

(c) tingħaqad jew, kif applikabbli, tħeġġeġ lill-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità tagħha sabiex jissieħbu, fi kwalunkwe ftehim jew arranġament internazzjonali li jiffunzjona għall-armonizzazzjoni jew għall-faċilitazzjoni tal-aċċettazzjoni tar-riżultati tal-valutazzjoni tal-konformità;

(d) tiżgura li, jekk ikun inħatar aktar minn korp wieħed ta' valutazzjoni tal-konformità għal prodott partikolari jew għal sett ta' prodotti, l-operaturi ekonomiċi jistgħu jagħżlu liema korp ta' valutazzjoni tal-konformità ser iwettaq il-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità;

(e) tiżgura li l-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità jkunu indipendenti mill-manifatturi, mill-importaturi u mill-operaturi ekonomiċi b'mod ġenerali u li ma jkun hemm l-ebda kunflitt ta' interess bejn il-korpi ta' akkreditazzjoni u l-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità;

(f) tippermetti lill-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità jużaw sottokuntratturi sabiex iwettqu l-ittestjar jew l-ispezzjonijiet fir-rigward tal-valutazzjoni tal-konformità, inklużi sottokuntratturi li jinsabu fit-territorju tal-Parti l-oħra; xejn f'dan is-subparagrafu ma għandu jiġi interpretat bħala li jipprojbixxi lil Parti milli tirrikjedi li s-sottokuntratturi jissodisfaw l-istess rekwiżiti li l-korp ta' valutazzjoni tal-konformità li lilu tkun kuntrattata jkun meħtieġ jissodisfa sabiex iwettaq it-testijiet jew l-ispezzjoni kuntrattati huwa stess; kif ukoll

(g) tippubblika fuq is-siti web uffiċjali lista tal-korpi li tkun iddeżinjat sabiex twettaq tali valutazzjonijiet tal-konformità u l-informazzjoni rilevanti dwar l-ambitu tad-deżinjazzjoni ta' kull korp bħal dan.

4. Xejn f'dan l-*Artikolu* ma għandu jipprekludi lil Parti milli titlob li l-valutazzjoni tal-konformità fir-rigward ta' prodotti speċifiċi titwettaq mill-awtoritajiet governattivi nominati tagħha. F'tali każijiet, il-Parti għandha:

(a) tillimita t-tariffi għall-valutazzjoni tal-konformità għall-kost approssimattiv tas-servizzi mogħtijin u, fuq it-talba ta' applikant għal valutazzjoni tal-konformità, tispjega kif kwalunkwe tariffa li timponi għat-tali valutazzjoni tal-konformità tkun limitata għall-kost approssimattiv tas-servizzi mogħtijin; kif ukoll

(b) tagħmel it-tariffi għall-valutazzjoni tal-konformità disponibbli għall-pubbliku jew tipprovdihom fuq talba.

5. Minkejja l-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-*Artikolu*, fil-każijiet li fihom il-Parti tal-UE taċċetta d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-fornitur fl-oqsma elenkati fl-Anness 16-B, iċ-Ċilì għandu jipprevedi, f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti tiegħu, proċedura effiċjenti u trasparenti għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati u rapporti ta' testijiet maħruġa minn korpi ta' valutazzjoni tal-konformità li jinsabu fit-territorju tal-Parti tal-UE u li jkunu ġew akkreditati minn korp ta' akkreditazzjoni li jkun membru tal-arranġamenti internazzjonali għar-rikonoxximent reċiproku tal-ILAC u l-IAF bħala assigurazzjoni li prodott jikkonforma mar-rekwiżiti tar-regolamenti tekniċi taċ-Ċilì.

6. Għall-finijiet ta' dan l-*Artikolu*, "dikjarazzjoni ta' konformità tal-fornitur" tfisser attestazzjoni tal-ewwel parti maħruġa mill-manifattur taħt ir-responsabbiltà unika ta' dak il-manifattur ibbażata fuq ir-riżultati ta' tip xieraq ta' attività ta' valutazzjoni tal-konformità u bl-esklużjoni ta' valutazzjoni obbligatorja ta' parti terza, bħala assigurazzjoni li prodott jikkonforma ma' regolament tekniku li jistabbilixxi tali proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità.

7. Fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, is-Sottokumitat imsemmi fl-*Artikolu* 16.14 għandu jirrieżamina l-lista ta' oqsma fil-paragrafu 1 tal-Anness 16-B. Is-Sottokumitat jista' jirrakkomanda li l-Kunsill Konġunt jemenda l-Anness 16-B, skont is-subparagrafu (a) tal-*Artikolu* 8.5(1).

Artikolu 16.10

Trasparenza

1. F'konformità mar-regoli u mal-proċeduri rispettivi tagħha u mingħajr preġudizzju għall-Kapitolu 36 meta tiżviluppa regolamenti tekniċi ewlenin li jista' jkollhom effett sinifikanti fuq il-kummerċ fil-merkanzija, kull Parti għandha tiżgura l-eżistenza ta'proċeduri trasparenti li jippermettu lill-persuni tal-Partijiet jipprovdu input permezz ta' proċess ta' konsultazzjoni pubblika, ħlief meta jirriżultaw jew ikun hemm periklu li jirriżultaw problemi ta' sikurezza, saħħa, protezzjoni ambjentali jew sigurtà nazzjonali.

2. Kull Parti għandha tippermetti lill-persuni tal-Parti l-oħra jipparteċipaw fil-proċess ta' konsultazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 f'termini mhux anqas favorevoli minn dawk mogħtijin lill-persuni tagħha stess, u għandha tagħmel ir-riżultati ta' dak il-proċess ta' konsultazzjoni pubbliċi.

3. Kull Parti għandha tippermetti perjodu ta' mill-inqas 60 jum wara n-notifika tagħha lir-Reġistru Ċentrali ta' Notifiki tad-WTO ta' regolamenti tekniċi u proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità proposti sabiex il-Parti l-oħra tipprovdi kummenti bil-miktub, ħlief meta jirriżultaw jew ikun hemm periklu li jirriżultaw problemi urġenti ta' sikurezza, saħħa, protezzjoni ambjentali jew sigurtà nazzjonali. Parti għandha tikkunsidra kwalunkwe talba raġonevoli mill-Parti l-oħra biex testendi dak il-perjodu ta' kumment.

4. Fil-każ li t-test notifikat ma jkunx b'waħda mil-lingwi uffiċjali tad-WTO, il-Parti ta' notifika għandha tipprovdi deskrizzjoni dettaljata u komprensiva tal-kontenut tar-regolamenti tekniċi proposti u tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità fil-format ta' notifika tad-WTO.

5. Jekk Parti tirċievi kummenti bil-miktub kif imsemmi fil-paragrafu 3, għandha:

(a) jekk mitluba mill-Parti l-oħra, tiddiskuti l-kummenti bil-miktub bil-parteċipazzjoni tal-awtorità regolatorja kompetenti tagħha, fi żmien meta jkunu jistgħu jitqiesu; kif ukoll

(b) twieġeb bil-miktub għall-kummenti mhux aktar tard mid-data tal-pubblikazzjoni tar-regolament tekniku jew tal-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità adottati.

6. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha sabiex tippubblika fuq sit web it-tweġibiet tagħha għall-kummenti bil-miktub kif imsemmi fil-paragrafu 3 li tirċievi mill-Parti l-oħra mhux aktar tard mid-data tal-pubblikazzjoni tar-regolament tekniku adottat jew tal-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità.

7. Jekk tintalab mill-Parti l-oħra, kull Parti għandha tipprovdi informazzjoni dwar l-objettivi, il-bażi ġuridika u l-ħsieb wara regolament tekniku jew proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità li l-Parti tkun adottat jew tkun qiegħda tipproponi li tadotta.

8. Kull Parti għandha tiżgura li r-regolamenti tekniċi u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li tkun adottat ikunu aċċessibbli permezz ta' siti web uffiċjali jew ġurnali uffiċjali online bla ħlas.

9. Kull Parti għandha tipprovdi informazzjoni dwar l-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tar-regolament tekniku jew tal-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità u tat-test finali adottat permezz ta' addendum għan-notifika oriġinali lir-Reġistru tan-Notifiki tad-WTO.

10. Kull Parti għandha tippermetti intervall raġonevoli bejn il-pubblikazzjoni tar-regolamenti tekniċi u d-dħul fis-seħħ tagħhom, soġġett għall-kundizzjonijiet speċifikati fl-*Artikolu* 2.12 tal-Ftehim dwar l-OTK. Għall-finijiet ta' dan l-*Artikolu*, "intervall raġonevoli" tfisser perjodu ta' mhux anqas minn 6 xhur, sakemm tali perjodu ma jkunx ineffikaċi għall-issodisfar tal-objettivi leġittimi segwiti.

11. Parti għandha tqis kwalunkwe talba raġonevoli mill-Parti l-oħra, riċevuta qabel it-tmiem tal-perjodu tal-kummenti msemmi fil-paragrafu 3, sabiex jiġi estiż il-perjodu bejn il-pubblikazzjoni tar-regolament tekniku u d-dħul fis-seħħ tiegħu, ħlief meta d-dewmien ma jkunx effettiv sabiex jiġu ssodisfati l-objettivi leġittimi segwiti.

Artikolu 16.11

Markatura u tikkettar

1. Il-Partijiet jaffermaw li r-regolamenti tekniċi tagħhom li jinkludu jew jindirizzaw esklużivament l-immarkar jew it-tikkettar għandhom josservaw il-prinċipji tal-*Artikolu* 2.2 tal-Ftehim dwar l-OTK.

2. Sakemm ma jkunx meħtieġ għall-issodisfar tal-objettivi leġittimi msemmijin fl-*Artikolu* 2.2 tal-Ftehim dwar l-OTK, Parti li tirrikjedi mmarkar jew tikkettar obbligatorju tal-prodotti:

(a) għandha tirrikjedi biss informazzjoni li tkun rilevanti għall-konsumaturi jew l-utenti tal-prodott jew informazzjoni li tindika l-konformità tal-prodott mar-rekwiżiti tekniċi obbligatorji;

(b) ma tirrikjedix xi approvazzjoni, reġistrazzjoni jew ċertifikazzjoni minn qabel tal-marki jew tat-tikketti tal-prodotti, jew xi żborż ta' tariffi, bħala prekondizzjoni għat-tqegħid fis-suq minnha ta' prodotti li, kieku, huma konformi mar-rekwiżiti tekniċi obbligatorji tagħha;

(c) jekk tirrikjedi l-użu ta' numru ta' identifikazzjoni uniku mill-operaturi ekonomiċi, għandha toħroġ tali numru lill-operaturi ekonomiċi tal-Parti l-oħra mingħajr dewmien bla bżonn u fuq bażi mhux diskriminatorja;

(d) diment li ma jkunux qarrieqa, kontradittorji jew li joħolqu konfużjoni fir-rigward tal-informazzjoni meħtieġa fil-Parti li timporta l-merkanzija, tippermetti dawn li ġejjin:

(i) informazzjoni f'lingwi oħra flimkien mal-lingwa meħtieġa mill-Parti li timporta l-oġġetti;

(ii) nomenklaturi, pittogrammi, simboli jew grafika aċċettati internazzjonalment; kif ukoll

(iii) informazzjoni addizzjonali ma' dik meħtieġa fil-Parti li timporta l-oġġetti;

(e) għandha taċċetta li t-tikkettar, inkluż it-tikkettar supplimentari jew il-korrezzjonijiet tat-tikkettar, iseħħu fi mħażen doganali jew f'żoni ddeżinjati oħrajn fil-pajjiż tal-importazzjoni bħala alternattiva għat-tikkettar fil-pajjiż tal-oriġini, sakemm tali tikkettar ma jkunx meħtieġ li jitwettaq minn persuni approvati għal raġunijiet ta' saħħa jew ta' sigurtà pubblika; kif ukoll

(f) tagħmel ħilitha biex taċċetta tikketti mhux permanenti jew li jistgħu jinqalgħu, jew l-inklużjoni ta' informazzjoni rilevanti fid-dokumentazzjoni ta' akkumpanjament, aktar milli tikketti mwaħħla fiżikament mal-prodott.

Artikolu 16.12

Diskussjonijiet u konsultazzjonijiet tekniċi

1. Parti tista' titlob lill-Parti l-oħra tipprovdi informazzjoni dwar kwalunkwe kwistjoni koperta minn dan il-Kapitolu. Il-Parti l-oħra għandha tipprovdi dik l-informazzjoni f'perjodu ta' żmien raġonevoli.

2. Jekk Parti tqis li kwalunkwe abbozz jew proposta ta' regolament tekniku jew proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità tal-Parti l-oħra jista' jkollha effett sinifikanti fuq il-kummerċ bejn il-Partijiet, din tista' titlob diskussjonijiet tekniċi dwar it-tħassib tagħha fir-rigward tal-miżura. It-talba għandha ssir bil-miktub u għandha tidentifika:

(a) il-miżura;

(b) id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu li magħhom huwa relatat it-tħassib tal-Parti rikjedenti; kif ukoll

(c) ir-raġunijiet għat-talba, inkluża deskrizzjoni tat-tħassib tal-Parti rikjedenti fir-rigward tal-miżura.

3. Il-Parti għandha tibgħat it-talba tagħha skont dan l-*Artikolu* lill-punt ta' kuntatt tal-Parti l-oħra ddeżinjat skont l-*Artikolu* 16.13.

4. Fuq talba ta' Parti, il-Partijiet għandhom jiltaqgħu biex jiddiskutu t-tħassib li tqajjem fit-talba msemmija fil-paragrafu 2, personalment jew permezz ta' vidjo jew telekonferenza, fi żmien 60 jum mid-data tat-talba. Il-Partijiet għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jaslu għal soluzzjoni tal-kwistjoni sodisfaċenti għaż-żewġ naħat minnufih.

5. Jekk il-Parti rikjedenti tqis li l-kwistjoni hija urġenti, tista' titlob lill-Parti l-oħra biex jiltaqgħu fi żmien iqsar. Il-Parti l-oħra għandha tikkunsidra dik it-talba.

6. Għal ċertezza akbar, dan l-*Artikolu* huwa mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u għall-obbligi ta' kwalunkwe Parti skont il-Kapitolu 38.

Artikolu 16.13

Punti ta' kuntatt

1. Kull Parti għandha taħtar punt ta' kuntatt biex jiffaċilita l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni skont dan il-Kapitolu u tinnotifika lill-Parti l-oħra bid-dettalji ta' kuntatt tiegħu. Kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra dwar kwalunkwe bidla f'dawk id-dettalji ta' kuntatt.

2. Il-punti ta' kuntatt għandhom jaħdmu b'mod konġunt biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu u l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet dwar il-kwistjonijiet kollha li jikkonċernaw l-ostakli tekniċi għall-kummerċ. Il-punti ta' kuntatt għandhom:

(a) jorganizzaw id-diskussjonijiet tekniċi u konsultazzjonijiet imsemmija fl-*Artikolu* 16.12;

(b) jindirizzaw fil-pront kwalunkwe kwistjoni mqajma minn Parti fir-rigward tal-iżvilupp, l-adozzjoni, l-applikazzjoni jew l-infurzar tal-istandards, tar-regolamenti tekniċi u tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità;

(c) fuq talba ta' Parti, jorganizzaw diskussjonijiet dwar kwalunkwe kwistjoni li tirriżulta skont dan il-Kapitolu; kif ukoll

(d) jiskambjaw informazzjoni dwar żviluppi f'fora mhux governattivi, reġjonali u multilaterali relatati mal-istandards, ir-regolamenti tekniċi u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità.

3. Il-punti ta' kuntatt għandhom jikkomunikaw ma' xulxin bi kwalunkwe metodu miftiehem li jkun xieraq sabiex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom.

Artikolu 16.14

Sottokumitat dwar l-Ostakoli Tekniċi għall-Kummerċ

Is-Sottokumitat dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ ("Sottokumitat") stabbilit skont l-*Artikolu* 8.8(1) għandu:

(a) jimmonitorja l-implimentazzjoni u l-amministrazzjoni ta' dan il-Kapitolu;

(b) itejjeb il-kooperazzjoni fir-rigward tal-iżvilupp u t-titjib tal-istandards u r-regolamenti tekniċi, u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità;

(c) jistabbilixxi oqsma prijoritarji ta' interess reċiproku għal ħidma futura skont dan il-Kapitolu u jikkunsidra proposti għal inizjattivi ġodda;

(d) jimmonitorja u jiddiskuti l-iżviluppi skont il-Ftehim dwar l-OTK; kif ukoll

(e) jieħu kwalunkwe pass ieħor li l-Partijiet iqisu li se jassistihom fl-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu u tal-Ftehim dwar l-OTK.

KAPITOLU 17

INVESTIMENT

TAQSIMA A

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 17.1

Kamp ta' applikazzjoni

Dan il-Kapitolu ma japplikax għall-miżuri adottati jew miżmuma minn Parti relatati ma' istituzzjonijiet finanzjarji tal-Parti l-oħra, għall-investituri tal-Parti l-oħra jew għall-investimenti ta' tali investituri f'istituzzjonijiet finanzjarji fit-territorju ta' dik il-Parti, kif definit fl-*Artikolu* 25.2.

Artikolu 17.2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu u l-Annessi 17-A, 17-B u 17-C:

(a) "attivitajiet imwettqa fl-eżerċitar ta' awtorità governattiva" tfisser attività mwettqa, inklużi servizzi fornuti, la fuq bażi kummerċjali u lanqas f'kompetizzjoni ma' operatur ekonomiku wieħed jew aktar;

(b) "servizzi ta' tiswija u ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru" tfisser tali attivitajiet meta jitwettqu fuq inġenju tal-ajru jew parti minnu waqt li jkun qiegħed jiġi rtirat mis-servizz u ma jinkludux l-hekk imsejħa manutenzjoni tal-linja;

(c) "servizzi ta' sistema kompjuterizzata ta' prenotazzjoni (CRS)" tfisser servizzi pprovduti b'sistemi kompjuterizzati li fihom informazzjoni dwar l-iskedi tat-trasportatur tal-ajru, id-disponibbiltà, in-nollijiet u r-regoli dwar in-nollijiet, li bihom jistgħu jsiru l-prenotazzjonijiet jew jinħarġu l-biljetti;

(d) "investiment kopert" tfisser investiment li huwa proprjetà ta' jew ikkontrollat, direttament jew indirettament, minn investitur wieħed jew aktar ta' Parti fit-territorju tal-Parti l-oħra, magħmul f'konformità mal-liġi applikabbli, u li jkun eżistenti fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim jew li jiġi stabbilit wara dik id-data;

(e) "provvista transfruntiera ta' servizzi" tfisser il-provvista ta' servizz:

(i) mit-territorju ta' Parti għat-territorju tal-Parti l-oħra; jew

(ii) fit-territorju ta' Parti lil konsumatur tas-servizz tal-Parti l-oħra;

(f) "attività ekonomika" tfisser attivitajiet ta' natura industrijali, kummerċjali jew professjonali jew attivitajiet ta' nies tas-sengħa, inkluża l-provvista ta' servizzi, ħlief għal attivitajiet imwettqa fl-eżerċizzju ta' awtorità governattiva;

(g) "intrapriża" tfisser persuna ġuridika, fergħa jew uffiċċju rappreżentattiv stabbiliti permezz ta' stabbiliment;

(h) "stabbiliment" tfisser l-istabbiliment, inkluż l-akkwist [24] ta', intrapriża minn investitur ta' Parti fit-territorju tal-Parti l-oħra;

(i) "munita konvertibbli liberament" tfisser munita li tista' tiġi skambjata b'mod liberu ma' muniti li huma nnegozjati b'mod wiesa' fis-swieq internazzjonali tal-muniti barranin u li jintużaw b'mod wiesa' fi tranżazzjonijiet internazzjonali;

[24] It-terminu "akkwiżizzjoni" huwamifhum bħala li jinkludi l-parteċipazzjoni kapitali f'persuna ġuridika bil-ħsieb li jiġu stabbiliti jew jinżammu rabtiet ekonomiċi dejjiema.

(j) "servizzi fuq l-art" tfisser il-provvista f'ajruport, fuq bażi ta' tariffi jew kuntrattwali, tas-servizzi li ġejjin: ir-rappreżentanza, l-amministrazzjoni u s-superviżjoni tal-linji tal-ajru; l-immaniġġar tal-passiġġieri; l-immaniġġar tal-bagalji; is-servizzi tar-rampa; il-forniment tal-ikel, ħlief għall-preparazzjoni tal-ikel; il-ġarr ta' merkanzija bl-ajru u l-immaniġġar tal-posta; il-forniment tal-fjuwil f'inġenju tal-ajru, is-servizz ta' manutenzjoni u t-tindif ta' inġenju tal-ajru; it-trasport bis-superfiċje; u l-operazzjonijiet ta' titjiriet, l-amministrazzjoni tal-ekwipaġġ u l-ippjanar tat-titjiriet; is-servizzi fuq l-art ma jinkludux: l-awtoforniment ta' servizz; is-sigurtà; il-manutenzjoni bil-linja; it-tiswija u l-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru; jew il-ġestjoni jew l-operat tal-infrastruttura ċentralizzata essenzjali tal-ajruport, bħal faċilitajiet ta' tneħħija tas-silġ, sistemi ta' distribuzzjoni tal-fjuwil, sistemi tal-immaniġġar tal-bagalji u sistemi fissi tat-trasport bejn l-ajruporti;

(k) "investiment" tfisser kwalunkwe assi li investitur jippossjedi jew jikkontrolla, direttament jew indirettament, li għandha l-karatteristiċi ta' investiment, li tinkludi ċertu tul ta' żmien, l-impenn tal-kapital jew riżorsi oħra, l-istennija ta' qligħ jew profitt, jew it-teħid ta' riskju; il-forom li jista' jieħu investiment jistgħu jinkludu:

(i) intrapriża;

(ii) ishma, stokks u forom oħra ta' parteċipazzjoni fl-ekwità ta' intrapriża;

(iii) bonds, obbligazzjonijiet u strumenti oħra ta dejn ta' intrapriża;

(iv) futuri, opzjonijiet u derivattivi oħrajn;

(v) konċessjonijiet, liċenzji, awtorizzazzjonijiet, permessi, u drittijiet simili mogħtija skont il-liġi domestika ([25]);

(vi) turnkey, kostruzzjoni, immaniġġar, produzzjoni, konċessjoni, kuntratti ta' kondiviżjoni tad-dħul, u kuntratti simili oħrajn inklużi dawk li jinvolvu l-preżenza tal-proprjetà ta' investitur fit-territorju ta' Parti;

(vii) drittijiet tal-proprjetà intellettwali;

(viii) kwalunkwe proprjetà mobbli jew immobbli, tanġibbli jew intanġibbli oħra, u drittijiet ta' proprjetà relatati, bħal lokazzjonijiet, ipoteki, irhna u wegħdiet;

għal aktar ċertezza:

(i) ir-redditi li jiġu investiti jiġu ttrattati bħala investimenti u kwalunkwe tibdil fil-forma li fiha l-assi jiġu investiti jew investiti mill-ġdid ma jaffettwax il-kwalifika tagħhom bħala investimenti, sakemm il-formola meħuda minn kwalunkwe investiment jew investiment mill-ġdid iżżomm il-konformità tagħha mad-definizzjoni ta' investiment;

(ii) l-investiment ma jinkludix ordni jew sentenza mdaħħla f'azzjoni ġudizzjarja jew amministrattiva;

(l) "investitur ta' Parti" tfisser persuna fiżika jew ġuridika ta' Parti li tfittex li tistabbilixxi, qiegħda tistabbilixxi jew li tkun stabbiliet intrapriża f'konformità mas-subparagrafu (h);

(m) "persuna ġuridika ta' Parti" tfisser ([26]):

(i) għall-Parti tal-UE:

(A) persuna ġuridika kostitwita jew organizzata skont id-dritt tal-Unjoni Ewropea jew ta' tal-anqas wieħed mill-Istati Membri tagħha u involuta f'operazzjonijiet sostantivi ta' negozju ([27]) fit-territorju tal-Unjoni Ewropea; u

([25]) Għal aktar ċertezza, jekk konċessjoni, liċenzja, awtorizzazzjoni, permess jew strument simili jkollux il-karatteristiċi ta' investiment jiddependi, *fost l-oħrajn*, fuq fatturi bħan-natura u l-firxa tad-drittijiet li d-detentur għandu skont il-liġi ta' dik il-Parti.

([26]) Għal aktar ċertezza, il-kumpaniji tat-tbaħħir imsemmija f'din id-definizzjoni jitqiesu biss bħala persuni ġuridiċi ta' Parti fir-rigward tal-attivitajiet tagħhom relatati mal-provvista ta' servizzi tat-trasport marittimu.

([27]) F'konformità man-notifika tagħha tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea lid-WTO (WT/REG39/1), il-Parti tal-UE tifhem li l-kunċett ta' "rabta effettiva u kontinwa" mal-ekonomija ta' Stat Membru mnaqqax fl-*Artikolu* 54 tat-TFUE huwa ekwivalenti għall-kunċett ta' "operazzjonijiet kummerċjali sostantivi".

(B) kumpaniji tat-tbaħħir stabbiliti barra mill-Unjoni Ewropea, u kkontrollati minn persuni fiżiċi ta' Stat Membru, li l-bastimenti tagħhom ikunu rreġistrati fi Stat Membru, u jtajru l-bandiera tiegħu;

(ii) għaċ-Ċilì:

(A) persuna ġuridika kkostitwita jew organizzata skont il-liġi taċ-Ċilì u involuta f'operazzjonijiet kummerċjali sostantivi fit-territorju taċ-Ċilì; u

(B) kumpaniji tat-tbaħħir stabbiliti barra miċ-Ċilì, u kkontrollati minn persuni fiżiċi taċ-Ċilì, li l-bastimenti tagħhom ikunu rreġistrati fiċ-Ċilì, u jtajru l-bandiera tiegħu;

(n) "operazzjoni" tfisser it-twettiq, il-ġestjoni, il-manutenzjoni, l-użu, it-tgawdija, il-bejgħ jew forma oħra ta' disponiment ta' intrapriża minn investitur ta' Parti, fit-territorju tal-Parti l-oħra;

(o) "redditi" tfisser l-ammonti kollha li jidħlu jew li jiġu derivati minn investiment jew investiment mill-ġdid, inklużi profitti, dividendi, qligħ kapitali, royalties, imgħax, pagamenti b'rabta ma' drittijiet tal-proprjetà intellettwali, pagamenti *in natura*, u kull introjtu legali ieħor;

(p) "servizzi ta' bejgħ u ta' kummerċjalizzazzjoni tat-trasport bl-ajru" tfisser opportunitajiet għat-trasportatur bl-ajru kkonċernat biex ibigħ u jikkummerċjalizza liberament is-servizzi tiegħu tat-trasport bl-ajru fosthom kull aspett tal-kummerċjalizzazzjoni bħalma huma r-riċerka tas-suq, ir-reklamar u d-distribuzzjoni; dawn l-attivitajiet ma jinkludux l-ipprezzar tas-servizzi tat-trasport bl-ajru u lanqas il-kundizzjonijiet applikabbli;

(q) "servizz" tfisser kwalunkwe servizz fi kwalunkwe settur, għajr is-servizzi pprovduti fl-eżerċizzju ta' awtorità governattiva; u

(r) "Tribunal" tfisser it-Tribunal tal-prim'istanza mwaqqaf skont l-*Artikolu* 17.34.

Artikolu 17.3

Dritt għar-regolamentazzjoni

Il-Partijiet jaffermaw id-dritt tagħhom li jirregolaw fit-territorji tagħhom sabiex jiksbu objettivi ta' politika leġittimi, bħall-ħarsien tas-saħħa pubblika, is-servizzi soċjali, l-edukazzjoni, is-sikurezza, l-ambjent inkluż it-tibdil fil-klima, il-morali pubbliċi, il-protezzjoni soċjali jew tal-konsumatur, il-privatezza u l-protezzjoni tad-*data*, jew il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-diversità kulturali.

Artikolu 17.4

Relazzjoni ma' kapitoli oħrajn

1. F'każ ta' inkonsistenza bejn dan il-Kapitolu u l-Kapitolu 25, dan tal-aħħar għandu jipprevala sal-punt tal-inkonsistenza.

2. Rekwiżit minn Parti li fornitur ta' servizz tal-Parti l-oħra jirreġistra bond jew forma oħra ta' garanzija finanzjarja bħala kundizzjoni għall-forniment transfruntier ta' servizz fit-territorju tiegħu fih innifsu ma jrendix dan il-Kapitolu applikabbli għal tali forniment transfruntier. Dan il-Kapitolu japplika għal miżuri adottati jew miżmuma mill-Parti rigward il-bond jew garanzija finanzjarja, jekk tali bond jew garanzija finanzjarja tikkostitwixxxi investiment kopert.

Artikolu 17.5

Tiċħid tal-benefiċċji

Parti tista' ċċaħħadlil investitur tal-Parti l-oħra jew lil intrapriża koperta l-benefiċċji ta' dan il-Kapitolu jekk il-Parti li ċċaħħad tadotta jew iżżomm miżuri relatati maż-żamma tal-paċi u tas-sigurtà internazzjonali, inkluża l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, li:

(a) jipprojbixxu tranżazzjonijiet ma' dak l-investitur jew investiment kopert; jew

(b) jinkisru jew ikunu evitati jekk il-benefiċċji ta' dan il-Kapitolu jingħataw lil dak l-investitur jew lil dik l-intrapriża koperta, inkluż jekk il-miżuri jipprojbixxu tranżazzjonijiet ma' persuna li jkollha s-sjieda jew tikkontrolla l-investitur jew l-intrapriża koperta.

Artikolu 17.6

Is-Sottokumitat dwar is-Servizzi u l-Investiment

Is-Sottokumitat dwar is-Servizzi u l-Investiment ("Sottokumitat") huwa stabbilit skont l-*Artikolu* 8.8(1). Meta jindirizza kwistjonijiet relatati mal-investiment, is-Sottokumitat għandu jimmonitorja u jiżgura l-implimentazzjoni xierqa ta' dan il-Kapitolu u tal-Annessi 17-A, 17-B u 17-C.

TAQSIMA B

Il-liberalizzazzjoni tal-investimenti u n-nondiskriminazzjoni

Artikolu 17.7

Kamp ta' applikazzjoni

1. Din it-Taqsima tapplika għall-miżuri, adottati jew miżmuma minn Parti fit-territorju tagħha, li jaffettwaw l-istabbiliment ta' intrapriża jew l-operat ta' investiment kopert fl-attivitajiet ekonomiċi kollha minn investitur tal-Parti l-oħra.

2. Din it-Taqsima ma tapplikax għal:

(a) is-servizzi awdjoviżivi;

(b) il-kabotaġġ marittimu nazzjonali ([28]); jew

(c) is-servizzi tal-ajru domestiċi u internazzjonali jew servizzi relatati b'appoġġ ta' servizzi tal-ajru ([29]), skedati jew mhux skedati, u s-servizzi direttament relatati mal-eżerċitar tad-drittijiet tat-traffiku, minbarra:

(i) is-servizzi tat-tiswija u tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru li matulhom inġenju tal-ajru jiġi rtirat mis-servizz;

(ii) il-bejgħ u l-kummerċjalizzazzjoni ta' servizzi tat-trasport bl-ajru;

(iii) is-servizzi ta' sistema kompjuterizzata ta' prenotazzjoni (CRS); u

(iv) is-servizzi fuq l-art.

3. L-Artikoli 17.8, 17.9, 17.11, 17.12 u 17.13 ma japplikawx fir-rigward tal-akkwist pubbliku.

4. L-Artikoli 17.8, 17.9, 17.11 u 17.13 ma japplikawx fir-rigward ta' sussidji mogħtija minn Parti, inklużi self appoġġat mill-gvern, garanziji u assigurazzjonijiet.

([28]) Mingħajr preġudizzju għall-ambitu tal-attivitajiet li jistgħu jitqiesu bħala kabotaġġ skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti, il-kabotaġġ marittimu nazzjonali skont dan il-Kapitolu jkopri t-trasport ta' passiġġieri jew ta' oġġetti bejn port jew punt li jkun jinsab fiċ-Ċilì jew fi Stat Membru u port ieħor jew punt li jkun jinsab fiċ-Ċilì jew f'dak l-istess Stat Membru, inkluż fuq il-blata kontinentali tiegħu, kif previst fil-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar, u t-traffiku li joriġina u li jintemm fl-istess port jew punt li jkun jinsab fiċ-Ċilì jew fi Stat Membru.

([29]) Għal aktar ċertezza, is-servizzi tal-ajru jew is-servizzi relatati b'appoġġ għas-servizzi tal-ajru jinkludu s-servizzi li ġejjin: it-trasport bl-ajru; servizzi pprovduti bl-użu ta' inġenju tal-ajru li l-iskop primarju tiegħu ma jkunx it-trasport ta' oġġetti jew ta' passiġġieri, bħal taħriġ ta' titjiriet tat-tifi tan-nar, ġiti għall-veduti, sprejjar, stħarriġ, immappjar, fotografija, qbiż bil-paraxut, irmonkar tal-gliders, irfigħ bil-helikopter għall-qtugħ tas-siġar għall-injam u għall-kostruzzjoni li jsiru fl-ajru, u servizzi agrikoli, industrijali u ta' spezzjoni oħra li jsiru fl-ajru; il-kiri ta' inġenji tal-ajru bl-ekwipaġġ; u servizzi ta' thaddim tal-ajruporti.

Artikolu 17.8

L-aċċess għas-suq

Fis-setturi jew is-subsetturi fejn jitwettqu impenji dwar l-aċċess għas-suq, Parti ma għandhiex tadotta jew iżżomm, fir-rigward tal-aċċess għas-suq permezz ta' stabbiliment jew operazzjoni minn investitur tal-Parti l-oħra jew minn intrapriżi li jikkostitwixxu investiment kopert, jew fuq il-bażi tat-territorju sħiħ tagħha jew fuq il-bażi ta' suddiviżjoni territorjali, miżuri li:

(a) jillimitaw l-għadd ta' intrapriżi li jistgħu jwettqu attività ekonomika speċifika, kemm jekk fil-forma ta' kwoti numeriċi, ta' monopolji, ta' drittijiet esklużivi jew tar-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi;

(b) jillimitaw il-valur totali ta' tranżazzjonijiet jew assi fil-forma ta' kwoti numeriċi jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi;

(c) jillimitaw l-għadd totali ta' operazzjonijiet jew il-kwantità totali ta' produzzjoni mfissra f'termini ta' unitajiet numeriċi ddeżinjati fil-forma ta' kwoti jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi ([30]);

(d) jirrestrinġju jew jirrikjedu tipi speċifiċi ta' entità ġuridika jew ta' impriża konġunta li permezz tagħhom investitur tal-Parti l-oħra jkun jista' jwettaq attività ekonomika; jew

(e) jillimitaw l-għadd totali ta' persuni fiżiċi li jistgħu jiġu impjegati f'settur partikolari jew li intrapriża tista' timpjega u li huma meħtieġa għall-prestazzjoni ta' attività ekonomika, u direttament relatati magħha, fil-forma ta' kwoti numeriċi jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.

Artikolu 17.9

Trattament nazzjonali

1. Kull Parti għandha tagħti lill-investituri tal-Parti l-oħra u lill-intrapriżi li jikkostitwixxu investiment kopert fir-rigward tal-istabbiliment, trattament mhux anqas favorevoli mit-trattament li tagħti, f'sitwazzjonijiet simili ([31]), lill-investituri tagħha stess u lill-intrapriżi tagħhom.

2. Kull Parti għandha tagħti lill-investituri tal-Parti l-oħra u lill-investimenti koperti, fir-rigward tat-tħaddim tagħhom, trattament mhux anqas favorevoli mit-trattament li tagħti, f'sitwazzjonijiet simili ([32]), lill-investituri tagħha stess u lill-investimenti tagħhom.

3. It-trattament mogħti minn Parti skont il-paragrafi 1 u 2 ifisser:

(a) fir-rigward ta' gvern reġjonali jew lokali taċ-Ċilì, trattament mhux anqas favorevoli mill-aktar trattament favorevoli mogħti, f'sitwazzjonijiet simili, minn dak il-livell ta' gvern lil investituri taċ-Ċilì u lill-investimenti tagħhom fit-territorju tiegħu;

(b) fir-rigward ta' gvern ta', jew fi, Stat Membru, trattament mhux anqas favorevoli mill-aktar trattament favorevoli mogħti, f'sitwazzjonijiet simili, minn dak il-gvern lil investituri ta' dak l-Istat Membru u lill-investiment tagħhom fit-territorju tiegħu ([33]).

([30]) Is-subparagrafi (a), (b) u (c) ma jkoprux miżuri meħuda sabiex tiġi limitata l-produzzjoni ta' prodott agrikolu jew tas-sajd.

([31]) Għal aktar ċertezza, jekk it-trattament jingħatax f'"sitwazzjonijiet simili" jeħtieġ analiżi każ b'każ u bbażata fuq il-fatti u jiddependi fuq it-totalità tas-sitwazzjonijiet.

([32]) Għal aktar ċertezza, jekk it-trattament jingħatax f'"sitwazzjonijiet simili" jeħtieġ analiżi każ b'każ u bbażata fuq il-fatti u jiddependi fuq it-totalità tas-sitwazzjonijiet.

([33]) Għal aktar ċertezza, it-trattament mogħti minn gvern ta', jew fi, Stat Membru jinkludi l-livell reġjonali u lokali tal-gvern, fejn applikabbli.

Artikolu 17.10

Akkwist pubbliku

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-intrapriżi li jikkostitwixxu investiment kopert jingħataw trattament mhux anqas favorevoli minn dak mogħti, f'sitwazzjonijiet simili, lill-intrapriżi tagħha stess fir-rigward ta' kwalunkwe miżura rigward ix-xiri ta' oġġetti jew servizzi minn entità tal-akkwist għal finijiet governattivi.

2. L-applikazzjoni tal-obbligu tat-trattament nazzjonali previst f'dan l-*Artikolu* hija soġġetta għal eċċezzjonijiet ta' sigurtà u ġenerali kif stabbilit fl-*Artikolu* 28.3.

Artikolu 17.11

Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit

1. Kull Parti għandha tagħti lill-investituri tal-Parti l-oħra u lill-intrapriżi li jikkostitwixxu investiment kopert, fir-rigward tal-istabbiliment, trattament mhux anqas favorevoli mit-trattament li tagħti, f'sitwazzjonijiet simili ([34]), lill-investituri ta' pajjiż terz u lill-intrapriżi tagħhom.

2. Kull Parti għandha tagħti lill-investituri tal-Parti l-oħra u lill-investimenti koperti, fir-rigward tat-tħaddim tagħhom, trattament mhux anqas favorevoli mit-trattament li tagħti, f'sitwazzjonijiet simili ([35]), lill-investituri ta' pajjiż terz u lill-investimenti tagħhom.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx jiġu interpretati bħala li jobbligaw lil Parti testendi lill-investituri tal-Parti l-oħra jew lill-investimenti koperti l-benefiċċju ta' kwalunkwe trattament li jirriżulta minn miżuri li jipprevedu r-rikonoxximent ta' standards, inkluż tal-istandards jew tal-kriterji għall-awtorizzazzjoni, il-liċenzjar jew iċ-ċertifikazzjoni ta' persuna fiżika jew intrapriża biex twettaq attività ekonomika, jew ta' miżuri prudenzjali.

4. Għal aktar ċertezza, it-"trattament" imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 ma jinkludix il-proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim li jirrigwarda l-investiment jew mekkaniżmi previsti fi trattati ta' investiment internazzjonali jew fi ftehimiet kummerċjali. Id-dispożizzjonijiet sostantivi fi trattati ta' investiment internazzjonali u fi ftehimiet kummerċjali oħrajn fihom infushom ma jikkostitwixxux "trattament" kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 2, u għaldaqstant ma jistgħux iwasslu għal ksur ta' dan l-*Artikolu*, miżuri assenti adottati jew miżmuma minn Parti. Il-miżuri ta' Parti applikati skont dawk id-dispożizzjonijiet sostantivi jistgħu jikkostitwixxu "trattament" skont dan l-*Artikolu* u għaldaqstant iwasslu għal ksur ta' dan l-*Artikolu*.

Artikolu 17.12

Rekwiżiti tal-prestazzjoni

1. Parti ma għandhiex, b'rabta mal-istabbiliment ta' intrapriża jew mat-tħaddim ta' investiment ta' Parti jew ta' pajjiż terz fit-territorju tagħha, timponi jew tinforza xi rekwiżit, jew tinforza xi impenn biex:

(a) tesporta livell jew perċentwal partikolari ta' oġġetti jew servizzi;

(b) tikseb ċertu livell jew perċentwal ta' kontenut domestiku;

(c) takkwista, tuża jew tagħti preferenza lil oġġetti li jiġu manifatturati jew servizzi li jiġu pprovduti fit-territorju tagħha, jew takkwista oġġetti jew servizzi minn persuni fiżiċi jew intrapriżi fit-territorju tagħha;

(d) tirrelata bi kwalunkwe mod il-volum jew il-valur tal-importazzjonijiet mal-volum jew il-valur tal-esportazzjonijiet jew mal-ammont ta' dħul tal-munita barranija assoċjat ma' tali intrapriża;

(e) tirrestrinġi l-bejgħ ta' oġġetti jew servizzi fit-territorju tagħha li timmanifattura jew tipprovdi tali intrapriża billi tirrelata dak il-bejgħ bi kwalunkwe mod mal-volum jew il-valur tal-esportazzjonijiet tagħha jew tal-qligħ mill-munita barranija;

([34]) Għal aktar ċertezza, jekk it-trattament jingħatax f'"sitwazzjonijiet simili" jeħtieġ analiżi każ b'każ u bbażata fuq il-fatti u jiddependi fuq it-totalità tas-sitwazzjonijiet.

([35]) Għal aktar ċertezza, jekk it-trattament jingħatax f'"sitwazzjonijiet simili" jeħtieġ analiżi każ b'każ u bbażata fuq il-fatti u jiddependi fuq it-totalità tas-sitwazzjonijiet.

(f) isir trasferiment ta' teknoloġija, ta' proċess ta' produzzjoni jew ta' għarfien propjetarju lil persuna fiżika jew intrapriża fit-territorju tagħha;

(g) jiġi fornut esklussivament mit-territorju ta' dik il-Parti l-oġġetti li timmanifattura jew is-servizzi li tipprovdi lil suq reġjonali jew dinji speċifiku;

(h) jinstabu l-kwartieri ġenerali ta' dak l-investitur għal reġjun speċifiku tad-dinja, li jkun usa' mit-territorju tal-Parti, jew tas-suq dinji fit-territorju tagħha;

(i) timpjega numru jew perċentwal partikolari taċ-ċittadini tagħha;

(j) tirrestringi l-esportazzjoni jew il-bejgħ għall-esportazzjoni; jew

(k) fir-rigward ta' kwalunkwe kuntratt ta' liċenzja li jkun jeżisti fil-mument meta jiġi impost jew infurzat ir-rekwiżit, jew meta kwalunkwe impenn jiġi infurzat, jew fir-rigward ta' kwalunkwe kuntratt ta' liċenzja futur ([36]) iffirmat liberament bejn l-investitur u persuna fiżika jew ġuridika jew kwalunkwe entità oħra fit-territorju tagħha, sakemm ir-rekwiżit ma jkunx impost jew infurzat jew l-impenn ma jiġix infurzat, b'mod li jikkostitwixxi interferenza diretta ma' dak il-kuntratt ta' liċenzja b'eżerċizzju ta' awtorità governattiva mhux ġudizzjarja ta' Parti, tadotta:

(i) rata jew ammont partikolari ta' royalty taħt ċertu livell skont kuntratt ta' liċenzja; jew

(ii) durata partikolari tat-terminu ta' kuntratt ta' liċenzja.

2. Għal ċertezza akbar, il-subparagrafu (k) tal-paragrafu 1 ma japplikax meta l-kuntratt ta' liċenzja jiġi konkluż bejn l-investitur u Parti.

3. Parti ma għandhiex torbot ir-riċevuta jew l-issoktar tar-riċevuta ta' vantaġġ, b'rabta mal-istabbiliment jew tħaddim ta' intrapriża fit-territorju tagħha, ta' Parti jew ta' pajjiż terz, mal-konformità ma' kwalunkwe wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) il-kisba ta' livell jew perċentwal partikolari ta' kontenut domestiku;

(b) l-akkwist, l-użu jew l-għoti ta' preferenza lill-oġġetti li jiġu manifatturati jew lis-servizzi li jiġu pprovduti fit-territorju tagħha, jew l-akkwist ta' oġġetti jew servizzi minn persuni fiżiċi jew intrapriżi fit-territorju tagħha;

(c) ir-relazzjoni bi kwalunkwe mod tal-volum jew tal-valur tal-importazzjonijiet mal-volum jew mal-valur tal-esportazzjonijiet jew mal-ammont ta' dħul tal-munita barranija assoċjat ma' tali impriża;

(d) ir-restrizzjoni tal-bejgħ ta' oġġetti jew servizzi fit-territorju tagħha li timmanifattura jew tipprovdi tali intrapriża billi tirrelata dak il-bejgħ bi kwalunkwe mod mal-volum jew mal-valur tal-esportazzjonijiet tagħha jew tal-qligħ mill-munita barranija; jew

(e) ir-restrizzjoni tal-esportazzjoni jew tal-bejgħ għall-esportazzjoni.

4. Il-paragrafu 3 ma għandux jiġi interpretat bħala li jipprevjeni lil Parti milli torbot ir-riċevuta jew l-issoktar tar-riċevuta ta' vantaġġ, b'rabta mal-istabbiliment jew tħaddim ta' intrapriża fit-territorju tagħha minn investitur ta' Parti jew pajjiż terz, mal-konformità ma' rekwiżit li l-produzzjoni, il-provvista ta' servizz, it-taħriġ jew ir-reklutaġġ tal-ħaddiema, il-bini jew l-espansjoni ta' faċilitajiet partikolari, jew it-twettiq ta' riċerka u ta' żvilupp, isiru fit-territorju tagħha.

5. Is-subparagrafi (f) u (k) tal-paragrafu 1 ma japplikawx jekk:

(a) Parti tawtorizza l-użu ta' dritt ta' proprjetà intellettwali f'konformità mal-*Artikolu* 31 jew 31a tal-Ftehim TRIPS jew tadotta jew iżżomm miżuri li jeħtieġu d-divulgazzjoni ta' *data* jew ta' informazzjoni proprjetarja li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 3 tal-*Artikolu* 39 tal-Ftehim TRIPS u li huma konsistenti ma' dan; jew

([36]) Kuntratt ta' liċenzja msemmi f'dan is-subparagrafu jfisser kuntratt li jikkonċerna l-liċenzjar ta' teknoloġija, ta' proċess tal-produzzjoni, jew ta' għarfien proprjetarju ieħor.

(b) ir-rekwiżit jiġi impost jew infurzat jew l-impenn jiġi infurzat minn qorti, tribunal amministrattiv, jew awtorità tal-kompetizzjoni sabiex tiġi rrimedjata prattika ddeterminata wara proċess ġudizzjarju jew amministrattiv bħala li tikkostitwixxi ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Parti.

6. Is-subparagrafi (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1 u s-subparagrafi (a) u (b) tal-paragrafu 3 ma japplikawx għar-rekwiżiti ta' kwalifika għal oġġetti jew servizzi fir-rigward tal-parteċipazzjoni fil-promozzjoni tal-esportazzjoni u fi programmi ta' għajnuna barranija.

7. Is-subparagrafi (a) u (b) tal-paragrafu 3 ma japplikawx għar-rekwiżiti imposti minn Parti li timporta rigward il-kontenut ta' oġġetti neċessarji għall-kwalifika għal tariffi preferenzjali jew għal kwoti preferenzjali.

8. Għal ċertezza akbar, dan l-*Artikolu* ma għandux jiġi interpretat bħala li jirrikjedi li Parti tippermetti li jiġi pprovdut servizz partikolari fuq bażi transfruntiera fejn dik il-Parti tadotta jew iżżomm restrizzjonijiet jew projbizzjonijiet fuq tali provvista ta' servizzi li jkunu konsistenti mar-riżervi, mal-kundizzjonijiet jew mal-kwalifiki speċifikati fir-rigward ta' settur, ta' subsettur jew ta' attività elenkati fl-Annessi 17-A, 17-B u 17-C.

9. Dan l-*Artikolu* huwa mingħajr preġudizzju għall-impenji ta' Parti magħmula skont il-Ftehim tad-WTO.

Artikolu 17.13

Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi

Parti ma għandhiex tirrikjedi li intrapriża ta' dik il-Parti li tkun investiment kopert taħtar persuni fiżiċi ta' nazzjonalità partikolari bħala membri tal-bordijiet tad-diretturi, jew għal pożizzjoni maniġerjali superjuri, bħal eżekuttivi jew maniġers.

Artikolu 17.14

Miżuri mhux konformi

1. L-Artikoli 17.9, 17.11, 17.12 u 17.13 ma japplikawx għal:

(a) kwalunkwe miżura eżistenti mhux konformi li tinżamm minn:

(i) għall-Parti tal-UE:

(A) l-Unjoni Ewropea, kif stabbilit fl-Appendiċi 17-A-1;

(B) il-gvern ċentrali ta' Stat Membru, kif stabbilit fl-Appendiċi 17-A-1;

(C) livell reġjonali ta' gvern ta' Stat Membru, kif stabbilit fl-Appendiċi 17-A-1; jew

(D) livell lokali ta' gvern; u

(ii) għaċ-Ċilì:

(A) il-gvern ċentrali, kif stabbilit fl-Appendiċi 17-A-2;

(B) livell reġjonali ta' gvern, kif stabbilit fl-Appendiċi 17-A-2; jew

(C) livell lokali ta' gvern;

(b) il-kontinwazzjoni jew it-tiġdid fil-pront ta' kwalunkwe miżura mhux konformi msemmija fis-subparagrafu (a) ta' dan il-paragrafu; jew

(c) modifika ta' kwalunkwe miżura mhux konformi msemmija fil-subparagrafu (a) ta' dan il-paragrafu, sal-punt li l-modifika ma tnaqqasx il-konformità tal-miżura, kif din kienet teżisti immedjatament qabel il-modifika, mal-*Artikolu* 17.9, 17.11, 17.12 jew 17.13.

2. L-Artikoli 17.9, 17.11, 17.12 u 17.13 ma japplikawx għall-miżuri ta' Parti fir-rigward ta' setturi, ta' subsetturi jew ta' attivitajiet kif stabbilit fl-iskeda tagħha fl-Anness 17-B].

3. Parti ma għandhiex tirrikjedi, permezz ta' kwalunkwe miżura adottata wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u koperta mir-riżervazzjonijiet tagħha stabbiliti fl-Anness 17-B, li investitur tal-Parti l-oħra, minħabba n-nazzjonalità tiegħu, ibigħ jew jiddisponi b'xi mod ieħor minn investiment kopert li jkun jeżisti fiż-żmien li fih il-miżura ssir effettiva.

4. L-*Artikolu* 17.8 ma japplika għall-ebda miżura ta' Parti li tkun konsistenti mal-impenji stabbiliti fl-Anness 17-C.

5. L-Artikoli 17.9 u 17.11 ma japplikawx għal kwalunkwe miżura ta' Parti li tikkostitwixxi eċċezzjoni għall-*Artikolu* 3 jew 4 tal-Ftehim TRIPS, jew deroga minn dan, kif previst b'mod speċifiku fl-Artikoli 3, 4u 5 ta' dak il-Ftehim.

6. Għal ċertezza akbar, l-Artikoli 17.9 u 17.11 ma għandhomx jiġu interpretati bħala li jipprevjenu lil Parti milli tippreskrivi rekwiżiti ta' informazzjoni, inkluż għal finijiet statistiċi, b'rabta mal-istabbiliment jew mat-tħaddim ta' investituri tal-Parti l-oħra jew ta' investiment kopert, sakemm ma jkunux jikkostitwixxu mezz sabiex jiġu evitati l-obbligi ta' dik il-Parti skont dawk l-Artikoli.

TAQSIMA C

Protezzjoni tal-investiment

Artikolu 17.15

Kamp ta' applikazzjoni

Din it-Taqsima tapplika għal miżuri adottati jew miżmuma minn Parti li jaffettwaw:

(a) investimenti koperti; u

(b) investituri ta' Parti fir-rigward tat-tħaddim ta' investiment kopert.

Artikolu 17.16

Miżuri ta' investiment u regolatorji

1. L-*Artikolu* 17.3 japplika għal din it-Taqsima f'konformità ma' dan l-*Artikolu*.

2. Din it-Taqsima ma għandhiex tiġi interpretata bħala impenn ta' xi Parti li ma tbiddilx il-qafas legali u regolatorju tagħha, inkluż b'mod li jista' jaffettwa b'mod negattiv it-tħaddim tal-investimenti koperti jew l-aspettattivi tal-investitur tal-profitti.

3. Għal aktar ċertezza, is-sempliċi fatt li sussidju jew għotja ma tkunx inħarġet, ġiet imġedda jew miżmuma, jew ġiet modifikata jew imnaqqsa, minn Parti ma jikkostitwixxix ksur tal-obbligi taħt din it-Taqsima, anki jekk tirriżulta f'telf jew ħsara lill-investiment kopert:

(a) fl-assenza ta' kwalunkwe impenn speċifiku skont il-liġi jew taħt kuntratt għall-ħruġ, tiġdid, jew żamma ta' dak is-sussidju jew ta' dik l-għotja; jew

(b) f'konformità ma' kwalunkwe termini jew kundizzjonijiet marbuta mal-ħruġ, it-tiġdid, iż-żamma, il-modifika jew it-tnaqqis ta' dak is-sussidju jew ta' dik l-għotja.

4. Għal aktar ċertezza, xejn f'din it-Taqsima ma għandu jiġi interpretat bħala li jipprevjeni lil Parti milli ma tkomplix bl-għoti ta' sussidju ([37]) jew li titlob ir-rimborż tiegħu, jekk tali azzjoni tkun ġiet ordnata minn waħda mill-awtoritajiet kompetenti tagħha ([38]), jew bħala li jirrikjedi li dik il-Parti tikkumpensa lill-investitur għal dan.

Artikolu 17.17

Trattament ta' investituri u ta' investimenti koperti

1. Fit-territorju tagħha kull Parti għandha tagħti lil investimenti koperti u lil investituri tal-Parti l-oħra, fir-rigward tal-investimenti koperti tagħhom, trattament ġust u ekwu u protezzjoni u sigurtà sħiħa f'konformità mal-paragrafi minn 2 sa 6.

2. Parti tikser l-obbligu ta' trattament ġust u ekwu msemmi fil-paragrafu 1 jekk xi miżura jew sensiela ta' miżuri jkunu jikkostitwixxu ([39]):

(a) ċaħda tal-ġustizzja fi proċedimenti kriminali, ċivili jew amministrattivi;

(b) ksur fundamentali tal-proċess dovut fil-proċedimenti ġudizzjarji u amministrattivi;

(c) arbitrarjetà manifesta;

(d) diskriminazzjoni mmirata abbażi ta' raġunijiet manifestament żbaljati, bħal sess, razza jew twemmin reliġjuż; jew

(e) trattament abbużiv ta' investituri, bħal koerċizzjoni, forza u fastidju.

3. Fid-determinazzjoni tal-ksur imsemmi fil-paragrafu 2, it-Tribunal jista' jqis ir-rappreżentazzjonijiet speċifiċi u mhux ambigwi magħmula lil investitur minn Parti, li l-investitur kien jibbaża b'mod raġonevoli fuqhom fid-deċiżjoni li jagħmel jew li jżomm l-investiment kopert, iżda li l-Parti sussegwentement frustrata.

4. Protezzjoni u sigurtà sħiħa kif imsemmi fil-paragrafu 1 tirreferi għall-obbligi ta' Parti relatati mas-sigurtà fiżika tal-investituri u l-investimenti koperti ([40]).

5. Għal aktar ċertezza, ksur ta' dispożizzjoni oħra ta' dan il-Ftehim, jew ksur ta' kwalunkwe ftehim internazzjonali ieħor, ma jikkostitwixxix ksur ta' dan l-*Artikolu*.

6. Il-fatt li miżura tikser il-liġi ta' Parti ma jikkostitwixxix, fih innifsu, ksur ta' dan l-*Artikolu*. Sabiex jiġi aċċertat jekk il-miżura tiksirx dan l-*Artikolu*, it-Tribunal għandu jikkunsidra jekk Parti tkunx aġixxiet b'mod inkonsistenti mal-paragrafi 1 sa 4.

([37]) Fil-każ tal-Parti tal-UE, "sussidju" jinkludi "għajnuna mill-Istat" kif iddefinit fid-dritt tal-Unjoni Ewropea.

([38]) Fil-każ tal-Parti tal-UE, l-awtoritajiet kompetenti intitolati biex jordnaw l-azzjonijiet imsemmija f'dan il-paragrafu huma l-Kummissjoni Ewropea jew qorti jew tribunal ta' Stat Membru, meta japplikaw id-dritt tal-Unjoni Ewropea dwar l-għajnuna mill-Istat.

([39]) Għal aktar ċertezza, meta jiġi ddeterminat jekk miżura jew serje ta' miżuri jikkostitwixxux ksur tal-obbligu ta' trattament ġust u ekwu, it-Tribunal għandu jqis, fost l-oħrajn, dan li ġej:

(i) fir-rigward tas-subparagrafi (a) u (b), jekk il-miżura jew is-serje ta' miżuri jinvolvux imġiba ħażina serja li toffendi l-proprjetà ġudizzjarja; is-sempliċi fatt li l-oġġezzjoni tal-miżura mill-investitur fi proċediment domestiku ġiet irrifjutata jew miċħuda jew b'xi mod ieħor ma tirnexxix fiha nnifisha li tikkostitwixxi ċaħda tal-ġustizzja kif imsemmi fis-subparagrafu (a);

(ii) fir-rigward tas-subparagrafi (c) u (d), jekk il-miżura jew is-serje ta' miżuri ma kinux ibbażati b'mod ċar fuq raġuni jew fatt jew kinux ibbażati b'mod ċar fuq raġunijiet illeġittimi bħall-preġudizzju; is-sempliċi illegalità ta', jew is-sempliċi applikazzjoni inkonsistenti jew dubjuża ta', politika jew proċedura fiha nnifisha ma tikkostitwixxix arbitraġġ manifest imsemmi fis-subparagrafu (c), filwaqt li ċaħda totali u mhux ġustifikata ta' liġi jew regolament, jew miżura mingħajr raġuni, jew imġiba li tkun speċifikament immirata lejn l-investitur jew l-investiment kopert tiegħu bil-għan li tikkawża dannu x'aktarx li tikkostitwixxi arbitraġġ jew diskriminazzjoni manifesti kif imsemmija fis-subparagrafi (c) u (d);

(iii) fir-rigward tas-subparagrafu (e), jekk Parti aġixxitx mod *ultra vires* u jekk l-episodji tal-allegati koerċizzjoni jew fastidju ġewx ripetuti u sostnuti.

([40]) Għal aktar ċertezza, protezzjoni u sigurtà sħiħa tirreferi għall-obbligi ta' Parti li taġixxi kif jista' jkun meħtieġ b'mod raġonevoli biex tipproteġi s-sigurtà fiżika tal-investituri u l-investimenti koperti.

Artikolu 17.18

Trattament f'każ ta' inkwiet

1. Investituri ta' Parti li l-investimenti koperti tagħhom isofru telf bħala konsegwenza ta' gwerra jew kunflitt armat ieħor, rivoluzzjoni jew inkwiet ċivili ieħor, jew stat ta' emerġenza nazzjonali ([41]) fit-territorju tal-Parti l-oħra, għandhom jingħataw minn dik il-Parti trattament mhux anqas favorevoli minn dak mogħti minn dik il-Parti lill-investituri tagħha stess, jew lill-investituri ta' kwalunkwe pajjiż terz, fir-rigward tar-restituzzjoni, l-indennifikazzjoni, il-kumpens jew forom oħra ta' saldu.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, l-investituri ta' Parti li, f'xi waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija f'dak il-paragrafu, isofru telf fit-territorju tal-Parti l-oħra, għandhom jingħataw minn dik il-Parti restituzzjoni jew kumpens fil-ħin, adegwat u effettiv, jekk dan it-telf ikun riżultat ta':

(a) rekwiżizzjoni ta' investiment kopert tagħhom jew parti minnu mill-forzi jew l-awtoritajiet armati tal-Parti l-oħra; jew

(b) il-qerda ta' investiment kopert tagħhom jew parti minnu mill-forzi jew l-awtoritajiet armati tal-Parti l-oħra, li ma kinitx meħtieġa min-neċessità tas-sitwazzjoni.

3. L-ammont tal-kumpens imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-*Artikolu* għandu jiġi ddeterminat f'konformità mal-*Artikolu* 17.19(2) mid-data ta' rekwiżizzjoni jew qerda sad-data tal-pagament attwali.

Artikolu 17.19

Espropprjazzjoni ([42])

1. Parti ma għandhiex tinnazzjonalizza jew tesproprja investiment kopert, kemm direttament kif ukoll indirettament, permezz ta' miżuri li jkollhom effett ekwivalenti għal nazzjonalizzazzjoni jew espropprjazzjoni ("espropprjazzjoni"), ħlief:

(a) għal finijiet pubbliċi;

(b) b'mod mhux diskriminatorja;

(c) abbażi ta' pagament ta' kumpens fil-ħin, adegwat u effettiv; u

(d) f'konformità ma' proċess korrett tal-liġi.

2. Il-kumpens imsemmi fis-subparagrafu (c) tal-paragrafu 1 għandu:

(a) jitħallas mingħajr dewmien;

(b) ikun ekwivalenti għall-valur ġust tas-suq tal-investiment espropprjat immedjatament qabel ma tkun seħħet l-espropprjazzjoni ("id-data tal-espropprjazzjoni") jew l-espropprjazzjoni imminenti tkun saret magħrufa, skont liema tiġi l-ewwel;

(c) ikun jista' jiġi relalizzat kompletament u ttrasferit liberament fi kwalunkwe munita konvertibbli liberament; u

(d) jinkludi l-imgħax b'rata kummerċjali normali mid-data tal-espropprjazzjoni sad-data tal-pagament.

3. L-investitur affettwat għandu jkollu d-dritt, skont il-liġi tal-Parti li tkun qed tesproprja, għal rieżami fil-ħin tal-pretensjoni tiegħu u tal-valwazzjoni tal-investiment tiegħu, minn awtorità ġudizzjarja jew independenti oħra ta' dik il-Parti, f'konformità mal-prinċipji stabbiliti f'dan l-*Artikolu*.

4. Dan l-*Artikolu* ma japplikax għall-ħruġ ta' liċenzji obbligatorji fir-rigward tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, jew għar-revoka, il-limitazzjoni jew il-ħolqien ta' dawn id-drittijiet, sal-punt li tali ħruġ, revoka, limitazzjoni jew ħolqien ikun konsistenti mal-Ftehim TRIPS ([43]).

([41]) Għal aktar ċertezza, id-dikjarazzjoni waħidha ta' stat ta' emerġenza nazzjonali fiha nnifisha ma tikkostitwixxix ksur ta' din id-dispożizzjoni.

([42]) Għal aktar ċertezza, dan l-*Artikolu* għandu jiġi interpretat f'konformità mal-Anness 17-D.

([43]) Għal aktar ċertezza, ir-revoka tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali msemmija f'dan il-paragrafu tinkludi l-kanċellazzjoni jew in-nullifikazzjoni ta' tali drittijiet, u l-limitazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tinkludi eċċezzjonijiet għal tali drittijiet.

Artikolu 17.20

Trasferimenti (44)

1. Kull Parti għandha tippermetti li t-trasferimenti kollha li jirrigwardaw investiment kopert jsiru f'munita konvertibbli liberament, mingħajr restrizzjoni jew dewmien u bir-rata tal-kambju tas-suq li kienet tipprevala fid-data tat-trasferiment. Dawn it-trasferimenti jinkludu:

(a) kontributi għall-kapital;

(b) profitti, dividendi, qligħ kapitali u redditi oħrajn, dħul mill-bejgħ ta' kull waħda jew kwalunkwe parti tal-investiment jew mil-likwidazzjoni parzjali jew totali tal-investiment kopert;

(c) imgħax, pagamenti ta' royalties, tariffi tal-immaniġġar, assistenza teknika u tariffi oħra;

(d) pagamenti magħmula skont kuntratt iffirmat mill-investitur tal-Parti l-oħra, jew mill-investiment kopert tiegħu, inklużi l-pagamenti magħmula skont ftehim ta' self;

(e) qligħ u remunerazzjoni oħra tal-persunal ingaġġat minn barra l-pajjiż u li jaħdem b'rabta ma' investiment kopert;

(f) pagamenti li jsiru skont l-Artikoli 17.18 u 17.19; u

(g) pagamenti li jinħolqu skont l-applikazzjoni tat-Taqsima D.

2. Parti ma għandhiex tirrikjedi li l-investituri tagħha jittrasferixxu, jew tippenalizza lill-investituri tagħha meta ma jittrasferixxux, id-dħul, il-qligħ, il-profitti jew ammonti oħra derivati minn investimenti koperti fit-territorju tal-Parti l-oħra, jew attribwiti lil dawn l-investimenti.

Artikolu 17.21

Surroga

Jekk Parti, jew kwalunkwe aġenzija maħtura minn dik il-Parti, tagħmel pagament lil investitur ta' dik il-Parti taħt garanzija, kuntratt ta' assigurazzjoni jew forma oħra ta' indennizz li tkun daħlet għalih fir-rigward ta' investiment kopert, il-Parti l-oħra li fit-territorju tagħha jkun sar l-investiment kopert għandha tirrikonoxxi s-surroga jew it-trasferiment ta' kwalunkwe dritt li l-investitur kien ikollu skont dan il-Kapitolu fir-rigward tal-investiment kopert li kieku ma kienx hemm is-surroga, u l-investitur ma għandux isegwi dawk id-drittijiet sal-punt tas-surroga.

Artikolu 17.22

Terminazzjoni

1. Jekk dan il-Ftehim jiġi tterminat skont l-*Artikolu* 41.13, din it-Taqsima u t-Taqsima D għandhom ikomplu jkunu effettivi, għal perjodu ulterjuri ta' 5 snin mid-data tat-terminazzjoni, fir-rigward tal-investimenti magħmula qabel id-data ta' tali terminazzjoni.

2. Il-perjodu msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi estiż għal perjodu addizzjonali wieħed ta' 5 snin, sakemm ma jkunx fis-seħħ xi ftehim ieħor dwar il-protezzjoni tal-investiment bejn il-Partijiet.

3. Dan l-*Artikolu* ma għandux japplika jekk l-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim tiġi tterminata u dan il-Ftehim ma jidħolx fis-seħħ.

Artikolu 17.23

Relazzjoni ma' ftehimiet oħrajn

1. Mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-ftehimiet bejn l-Istati Membri u ċ-Ċilì elenkati fl-Anness 17-F, inklużi d-drittijiet u l-obbligi derivati minnhom, ma għandhomx jibqgħu fis-seħħ u għandhom jiġu sostitwiti b'din il-Parti ta' dan il-Ftehim.

(44) Għal aktar ċertezza, dan l-*Artikolu* huwa soġġett għall-Anness 17-E.

2. Fil-każ ta' applikazzjoni provviżorja tat-Taqsimiet C u D ta' dan il-Kapitolu f'konformità mal-*Artikolu* 41.5(2), l-applikazzjoni tal-ftehimiet elenkati fl-Anness 17-F, inklużi d-drittijiet u l-obbligi derivati minnhom, għandha tiġi sospiża mid-data li minnha l-Partijiet japplikaw b'mod provviżorju t-Taqsimiet C u D ta' dan il-Kapitolu f'konformità mal-*Artikolu* 41.5. Jekk l-applikazzjoni provviżorja ta' dawk it-Taqsimiet tiġi tterminata u dan il-Ftehim ma jidħolx fis-seħħ, is-sospensjoni għandha tieqaf u l-ftehimiet elenkati fl-Anness 17-F għandhom ikomplu bl-effett tagħhom.

3. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, pretensjoni skont ftehim elenkat fl-Anness 17-F tista' tiġi ppreżentata f'konformità mar-regoli u l-proċeduri stabbiliti f'dak il-ftehim, sakemm:

(a) il-pretensjoni ma tirriżultax minn allegat ksur ta' dak il-ftehim li seħħ qabel id-data tas-sospensjoni tal-ftehim skont il-paragrafu 2 jew, jekk il-ftehim ma jiġix sospiż skont il-paragrafu 2, qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim; u

(b) ma jkunux għaddew aktar minn 3 snin mid-data tas-sospensjoni tal-ftehim skont il-paragrafu 2 jew, jekk dak il-ftehim ma jiġix sospiż skont il-paragrafu 2, mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, sad-data tal-preżentazzjoni tal-pretensjoni.

4. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, jekk l-applikazzjoni provviżorja tat-Taqsimiet C u D u dan il-Kapitolu tiġi tterminata u dan il-Ftehim ma jidħolx fis-seħħ, pretensjoni skont dan il-Ftehim tista' tiġi ppreżentata f'konformità mar-regoli u l-proċeduri stabbiliti f'dan il-Ftehim, sakemm:

(a) il-pretensjoni ma tirriżultax minn allegat ksur ta' dan il-Ftehim li seħħ matul il-perjodu tal-applikazzjoni provviżorja tat-Taqsimiet C u D ta' dan il-Kapitolu; u

(b) ma jkunux għaddew aktar minn 3 snin mid-data tat-terminazzjoni tal-applikazzjoni provviżorja sad-data tal-preżentazzjoni tal-pretensjoni.

5. Għall-finijiet ta' dan l-*Artikolu*, ma għandhiex tapplika d-definizzjoni ta' "dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim" prevista fl-*Artikolu* 41.5.

Artikolu 17.24

Imġiba Responsabbli fin-Negozju

1. Mingħajr preġudizzju għall-Kapitolu 33, kull Parti għandha tħeġġeġ li l-investimenti koperti jinkorporaw fil-politiki interni tagħhom prinċipji u linji gwida rikonoxxuti internazzjonalment dwar ir-responsabbiltà soċjali korporattiva jew l-imġiba responsabbli fin-negozju, bħal-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali, id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO dwar il-Prinċipji li jikkonċernaw l-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali, u l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem.

2. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-importanza li l-investituri jwettqu proċess ta' diliġenza dovuta sabiex jidentifikaw, jipprevjenu, jimmitigaw, u jqisu r-riskji u l-impatti ambjentali u soċjali tal-investiment tagħhom.

TAQSIMA D

Is-soluzzjoni tat-tilwim dwar investiment u s-sistema tal-Qorti tal-Investiment

Subtaqsima 1

Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Artikolu 17.25

Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

1. Din it-Taqsima tapplika għal tilwima bejn pretendent ta' Parti waħda u l-Parti l-oħra li tirriżulta minn allegat ksur skont l-*Artikolu* 17.9(2) jew l-*Artikolu* 17.11(2), jew taħt it-Taqsima C, li allegatament jikkawża telf jew ħsara lill-pretendent jew lill-intrapriża stabbilita lokalment tiegħu.

2. Din it-Taqsima tapplika wkoll għal kontrotalbiet f'konformità mal-*Artikolu* 17.31.

3. Pretensjoni fir-rigward tar-ristrutturar tad-dejn ta' Parti għandha tiġi deċiża f'konformità mal-Anness 17-G.

4. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima:

(a) "pretendent" tfisser investitur ta' Parti, li tkun parti f'tilwima dwar investiment mal-Parti l-oħra u li jfittex li jippreżenta jew li jkun ippreżenta pretensjoni, skont din it-Taqsima, jew:

(i) li jkun qed jaġixxi f'ismu stess; jew

(ii) li jkun qed jaġixxi f'isem intrapriża stabbilita lokalment li huwa għandu s-sjieda tagħha jew jikkontrollaha; l-intrapriża stabbilita lokalment għandha tiġi ttrattata bħala ċittadin ta' Stat Kontraenti ieħor għall-finijiet tal-*Artikolu* 25(2)(b) tal-Konvenzjoni ICSID;

(b) "partijiet litiganti" tfisser il-pretendent u l-konvenut;

(c) "Regoli Addizzjonali tal-faċilità tal-ICSID" tfisser ir-Regoli li Jiggwidaw il-faċilità Addizzjonali għall-Amministrazzjoni ta' Proċedimenti mis-Segretarjat taċ-Ċentru Internazzjonali għas-Soluzzjoni tat-Tilwim dwar Investiment;

(d) "Konvenzjoni ICSID" tfisser il-Konvenzjoni dwar is-Soluzzjoni tat-Tilwim dwar l-Investiment bejn l-Istati u ċ-Ċittadini ta' Stati oħra, li saret f'Washington fit-18 ta' Marzu 1965;

(e) "kumpanija stabbilita lokalment" tfisser persuna ġuridika, stabbilita fit-territorju ta' Parti, u li tkun proprjetà ta' u kkontrollata minn investitur tal-Parti l-oħra ([45]);

(f) "Konvenzjoni ta' New York" tfisser il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Deċiżjonijiet ta' Arbitraġġ Barranin, li saret fi New York, fl-10 ta' Ġunju 1958;

(g) "Parti mhux litiganti" tfisser iċ-Ċilì, fil-każ li l-konvenut ikun il-Parti tal-UE, jew il-Parti tal-UE, fil-każ li l-konvenut huwa ċ-Ċilì;

(h) "proċedimenti", sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, tfisser proċedimenti quddiem it-Tribunal jew it-Tribunal tal-Appell skont din it-Taqsima;

(i) "konvenut" tfisser iċ-Ċilì, fil-każ li l-pretendent ikun investitur tal-Parti tal-UE, jew l-Unjoni Ewropea jew l-Istat Membru kkonċernat, kif iddeterminat skont l-*Artikolu* 17.28, fil-każ li l-pretendent ikun investitur taċ-Ċilì;

(j) "finanzjament ta' parti terza" tfisser kwalunkwe finanzjament ipprovdut lil parti litiganti, minn persuna li ma hijiex parti litigantii, biex tiffinanzja parti mill-kost jew il-kost kollu tal-proċedimenti bi ħlas għal remunerazzjoni dipendenti fuq l-eżitu tat-tilwima jew fil-forma ta' donazzjoni jew għotja ([46]);

(k) "Regoli ta' Arbitraġġ UNCITRAL" tfisser ir-Regoli ta' Arbitraġġ tal-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi Internazzjonali tal-Kummerċ; u

(l) "Regoli ta' Trasparenza tal-UNCITRAL" tfisser ir-Regoli tal-UNCITRAL dwar it-Trasparenza bbażati fuq it-Trattat tal-Arbitraġġ bejn l-Investitur u l-Istat.

([45]) Persuna ġuridika tkun: (a) proprjetà ta' persuna tal-Parti l-oħra jekk aktar minn 50 fil-mija tal-interessi azzjonarji fiha jkunu taħt is-sjieda benefiċjarja ta' persuna ta' dik il-Parti; (b) ikkontrollata minn persuna tal-Parti l-oħra jekk din il-persuna għandha l-poter li tinnomina maġġoranza tad-diretturi tagħha jew inkella li legalment tidderieġi l-azzjonijiet tagħha.

([46]) Għal aktar ċertezza, tali finanzjament jista' jiġi pprovdut direttament jew indirettament, lil parti litiganti, l-affiljat jew ir-rappreżentant tagħha.

Subtaqsima 2

Soluzzjoni tat-tilwim alternattiv u konsultazzjonijiet

Artikolu 17.26

Medjazzjoni

1. Il-partijiet litiganti jistgħu f'kwalunkwe ħin jaqblu li jirrikorru għal medjazzjoni.

2. Ir-rikors għall-medjazzjoni huwa volontarju u mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni legali ta' kull waħda mill-partijiet litiganti.

3. Il-proċeduri ta' medjazzjoni għandhom ikunu rregolati mir-regoli stabbiliti fl-Anness 17-H u, fejn disponibbli, mir-regoli dwar il-medjazzjoni adottati mis-Sottokumitat. ([47]) Is-Sottokumitat għandu jagħmel mill-aħjar biex jiżgura li r-regoli dwar il-medjazzjoni jiġu adottati mhux aktar tard mill-ewwel jum tal-applikazzjoni provviżorja jew id-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, skont il-każ, u f'kwalunkwe każ mhux aktar tard minn sentejn wara tali data.

4. Is-Sottokumitat għandu, fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, jistabbilixxi lista ta' sitt individwi ta' karattru morali għoli u kompetenza rikonoxxuta fl-oqsma tal-liġi, tal-kummerċ, tal-industrija jew tal-finanzi li jistgħu jiġu invokati biex jeżerċitaw ġudizzju indipendenti u li huma lesti u kapaċi jservi bħala medjaturi.

5. Il-medjatur għandu jinħatar bil-qbil tal-litiganti. Il-partijiet litiganti jistgħu jitolbu b'mod konġunt lill-President tat-Tribunal jaħtar medjatur mil-lista stabbilita skont dan l-*Artikolu* jew, fin-nuqqas ta' tali lista, minn individwi proposti minn kwalunkwe Parti. Il-medjaturi għandhom jikkonformaw mal-Anness 17-I, *mutatis mutandis*.

6. Ladarba l-partijiet litiganti jaqblu li jirrikorru għall-medjazzjoni, il-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikoli 17.27(5), 17.27 (8), 17.54(10) u 17.55(5) għandhom jiġu sospiżi mid-data li fiha jkun ġie maqbul li jkun hemm rikors għal medjazzjoni sad-data li fiha kwalunkwe parti litiganti tiddeċiedi li ttemm il-medjazzjoni, permezz ta' avviż bil-miktub lill-medjatur u lill-parti litiganti l-oħra. Fuq it-talba taż-żewġ partijiet litiganti, it-Tribunal jew it-Tribunal tal-Appell għandhom jissospendu l-proċedimenti.

Artikolu 17.27

Konsultazzjonijiet u soluzzjoni amikevoli

1. Kull tilwim jista', u għandu kemm jista' jkun, jissolva b'mod amikevoli permezz ta' negozjati, pariri jew medjazzjoni u, fejn possibbli, qabel il-preżentazzjoni ta' talba għall-konsultazzjonijiet skont dan l-*Artikolu*. Tali soluzzjoni tista' tiġi miftiehma fi kwalunkwe ħin, inkluż wara li jkunu bdew il-proċedimenti skont is-Sub-taqsima 5.

2. Soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku bejn il-partijiet litiganti skont il-paragrafu 1 għandha tiġi nnotifikata lill-Parti mhux litiganti fi żmien 15-il jum minn meta tintlaħaq dik is-soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku. Kull parti litiganti għandha tirrispetta u tikkonforma ma' kwalunkwe soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku li tintlaħaq f'konformità ma' dan l-*Artikolu* jew mal-*Artikolu* 17.26. Is-Sottokumitat għandu jżomm taħt sorveljanza l-implimentazzjoni ta' tali soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku u l-Parti għas-soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku għandha tirrapporta regolarment lis-Sottokumitat dwar l-implimentazzjoni ta' tali soluzzjoni.

3. Jekk tilwima ma tkunx tista' tiġi solvuta kif previst fil-paragrafu 1 ta' dan l-*Artikolu*, pretendent ta' Parti li jallega ksur tad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-*Artikolu* 17.25(1) u li jfittex li jippreżenta pretensjoni għandu jippreżenta talba għal konsultazzjonijiet lill-Parti l-oħra.

4. It-talba għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem u l-indirizz tal-pretendent u, jekk din it-talba tiġi ppreżentata f'isem intrapriża stabbilita lokalment, l-isem, l-indirizz, u l-post ta' inkorporazzjoni tal-intrapriża stabbilita lokalment;

(b) deskrizzjoni tal-investiment u tas-sjieda u l-kontroll tiegħu;

(c) id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-*Artikolu* 17.25(1) li allegatament inkisru;

([47]) Kwalunkwe limitu ta' żmien imsemmi fl-Anness 17-H jista' jiġi modifikat bi qbil bejn il-partijiet litiganti.

(d) il-bażi ġuridika u fattwali għat-talba, inkluża l-miżura li allegatament tkun inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-*Artikolu* 17.25(1);

(e) ir-rimedju mitlub u l-ammont stmat tad-danni; u

(f) informazzjoni dwar is-sid benefiċjarju aħħari u l-istruttura korporattiva tal-pretendent u evidenza li tistabbilixxi li l-pretendent huwa investitur tal-Parti l-oħra u li għandu s-sjieda ta' jew jikkontrolla l-investiment u, jekk jaġixxi f'isem intrapriża stabbilita lokalment li għandu s-sjieda ta' jew tikkontrolla, dik l-intrapriża stabbilita lokalment.

5. Sakemm il-partijiet litiganti ma jaqblux fuq perjodu itwal, il-konsultazzjonijiet għandhom isiru fi żmien 60 jum mill-preżentazzjoni tat-talba għal konsultazzjonijiet.

6. Sakemm il-partijiet litiganti ma jaqblux mod ieħor, il-post tal-konsultazzjonijiet għandu jkun:

(a) Santiago, jekk il-konsultazzjonijiet jikkonċernaw allegat ksur miċ-Ċilì;

(b) Brussell, jekk il-konsultazzjonijiet jikkonċernaw allegat ksur mill-Unjoni Ewropea; jew

(c) il-belt kapitali tal-Istat Membru kkonċernat, jekk il-konsultazzjonijiet jikkonċernaw esklussivament allegat ksur minn dak l-Istat Membru.

7. Il-partijiet litiganti jistgħu jaqblu li jagħmlu konsultazzjonijiet permezz ta' vidjokonferenza jew mezzi oħra jekk ikun xieraq.

8. It-talba għal konsultazzjonijiet għandha tiġi ppreżentata:

(a) fi żmien 3 snin mid-data li fiha l-pretendent jew, jekk il-pretendent jaġixxi f'isem l-intrapriża stabbilita lokalment, id-data li fiha l-intrapriża stabbilita lokalment, tkun akkwistat għall-ewwel darba, jew kellha takkwista għall-ewwel darba, għarfien tal-miżura li allegatament tkun inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-*Artikolu* 17.25(1) u tat-telf jew tad-dannu li allegatament ikun iġġarrab b'dan; jew

(b) fi żmien sentejn mid-data li fiha l-pretendent jew, jekk il-pretendent jaġixxi f'isem l-intrapriża stabbilita lokalment, id-data li fiha l-intrapriża stabbilita lokalment ma tibqax tressaq pretensjonijiet jew proċedimenti quddiem tribunal domestiku jew qorti skont il-liġi ta' Parti, u, fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard minn 5 snin wara d-data li fiha l-pretendent jew, jekk il-pretendent jaġixxi f'isem l-intrapriża stabbilita lokalment, id-data li fiha l-intrapriża stabbilita lokalment akkwistat għall-ewwel darba, jew kellha takkwista għall-ewwel darba, għarfien tal-miżura li allegatament tkun inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-*Artikolu* 17.25(1) u tat-telf jew tad-dannu li allegatament ikun iġġarrab b'dan.

9. Fil-każ li l-pretendent ma jkunx ippreżenta pretensjoni skont l-*Artikolu* 17.30 fi żmien 18-il xahar minn meta jkun ippreżenta t-talba għal konsultazzjonijiet, il-pretendent għandu jitqies li rtira t-talba tiegħu għal konsultazzjonijiet u, jekk applikabbli, l-avviż li jitlob determinazzjoni tal-konvenut skont l-*Artikolu* 17.28 u ma għandux jippreżenta pretensjoni skont din it-Taqsima fir-rigward tal-istess allegat ksur. Dak il-perjodu jista' jiġi estiż permezz ta' ftehim bejn il-partijiet litiganti involuti fil-konsultazzjonijiet.

10. Ksur kontinwu ma jistax jiġġedded jew jinterrompi l-perjodi stabbiliti fil-paragrafu 8.

11. Jekk it-talba għal konsultazzjonijiet tikkonċerna allegat ksur ta' dan il-Ftehim mill-Parti tal-UE, din għandha tintbagħat lill-Unjoni Ewropea. Jekk jiġi identifikat allegat ksur ta' dan il-Ftehim minn Stat Membru skont l-*Artikolu* 17.28, it-talba għal konsultazzjonijiet għandha tintbagħat ukoll lill-Istat Membru kkonċernat.

Subtaqsima 3

Preżentazzjoni ta' pretensjoni u kundizzjonijiet preċedenti

Artikolu 17.28

Talba għad-determinazzjoni tal-konvenut

1. Jekk ma tinstabx soluzzjoni għat-tilwima fi żmien 90 jum minn meta tiġi ppreżentata t-talba għal konsultazzjonijiet, it-talba tirrigwarda allegat ksur ta' dan il-Ftehim mill-Parti tal-UE u l-pretendent għandu l-ħsieb li jibda proċedimenti skont l-*Artikolu* 17.30, il-pretendent għandu jibgħat lill-Unjoni Ewropea avviż li jitlob determinazzjoni mill-konvenut.

2. L-avviż għandu jidentifika l-miżuri li fir-rigward tagħhom il-pretendent ikollu l-ħsieb li jibda proċedimenti. Jekk tiġi identifikata miżura ta' Stat Membru, tali avviż għandu jintbagħat ukoll lill-Istat Membru kkonċernat.

3. Il-Parti tal-UE għandha, wara li tkun għamlet determinazzjoni, tinforma lill-pretendent malajr kemm jista' jkun, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 60 jum wara d-data tal-wasla tal-avviż imsemmi fil-paragrafu 1, dwar jekk l-Unjoni Ewropea jew Stat Membru għandhomx ikunu l-konvenut ([48]).

4. Jekk il-pretendent ma jkunx ġie infurmat dwar id-determinazzjoni fi żmien 60 jum minn meta jkun ta l-avviż imsemmi fil-paragrafu 3, il-konvenut għandu jkun:

(a) l-Istat Membru, jekk il-miżura jew il-miżuri identifikati fl-avviż imsemmi fil-paragrafu 1 ikunu esklussivament miżuri ta' Stat Membru; jew

(b) l-Unjoni Ewropea, jekk il-miżura jew il-miżuri identifikati fl-avviż imsemmi fil-paragrafu 1 jinkludu miżuri tal-Unjoni Ewropea.

5. Jekk il-pretendent jippreżenta pretensjoni skont l-*Artikolu* 17.30, għandu jagħmel dan abbażi tad-determinazzjoni kkomunikata kif imsemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-*Artikolu* u, jekk ma tiġi kkomunikata l-ebda determinazzjoni bħal din lill-pretendent, abbażi tal-paragrafu 4 ta' dan l-*Artikolu*.

6. Jekk jew l-Unjoni Ewropea jew Stat Membru tkun/ikun il-konvenut wara determinazzjoni magħmula skont il-paragrafu 3, la l-Unjoni Ewropea u lanqas l-Istat Membru kkonċernat ma jistgħu jaffermaw l-inammissibbiltà tal-pretensjoni jew in-nuqqas ta' ġuriżdizzjoni tat-Tribunal, jew inkella jsostnu li l-pretensjoni jew it-talba hija infondata jew invalida, għar-raġunijiet li l-konvenut xieraq għandu jkun jew kellu jkun l-Unjoni Ewropea aktar milli l-Istat Membru, jew viċi versa.

7. It-Tribunal u t-Tribunal tal-Appell għandu jkun marbut bid-determinazzjoni li tkun saret skont il-paragrafu 3 jew, jekk ma tiġi kkomunikata l-ebda determinazzjoni lil-pretendent, abbażi tal-paragrafu 4.

8. Xejn f'dan il-Ftehim jew fir-regoli applikabbli dwar is-soluzzjoni tat-tilwim ma għandu jipprevjeni l-iskambju tal-informazzjoni kollha relatata ma' tilwima bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istat Membru kkonċernat.

Artikolu 17.29

Rekwiżiti għall-preżentazzjoni ta' pretensjoni

1. Qabel ma jippreżenta pretensjoni, il-pretendent għandu:

(a) jirtira kwalunkwe pretensjoni jew proċedimenti pendenti quddiem kwalunkwe qorti jew tribunal domestiku jew internazzjonali skont id-dritt domestiku jew internazzjonali dwar kwalunkwe miżura li allegatament tikkostitwixxi ksur tad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-*Artikolu* 17.25(1);

(b) jipprovdi rinunzja bil-miktub li mhu se jibda l-ebda pretensjoni jew proċedura quddiem kwalunkwe qorti jew tribunal domestiku jew internazzjonali skont id-dritt domestiku jew internazzjonali dwar kwalunkwe miżura li allegatament tikkostitwixxi ksur tad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-*Artikolu* 17.25(1);

([48]) Għal aktar ċarezza, il-Parti tal-UE għandha tagħmel din id-determinazzjoni abbażi biss tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 912/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 23 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi qafas għall-ġestjoni tar-responsabbiltà finanzjarja marbuta mat-tribunali għas-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-Istat stabbiliti permezz ta' ftehimiet internazzjonali li għalihom l-Unjoni Ewropea hija Parti (ĠU UE L 257, 28.8.2014, p. 121).

(c) jiddikjara li mhu se jinforza l-ebda deċiżjoni mogħtija skont din it-Taqsima qabel ma t-tali għotja tkun saret finali skont l-*Artikolu* 17.56, u li ma huwiex se jfittex li jappella, jirrieżamina, iwarrab, jannulla, jirrevedi, jew jagħti bidu għal kwalunkwe proċedimenti simili quddiem kwalunwke qorti jew tribunal internazzjonali jew domestiku fir-rigward ta' għotja skont din it-Taqsima.

2. It-Tribunal għandu jiċħad pretensjoni minn pretendent li jkun ippeżenta pretensjoni oħra lit-Tribunal jew lil kwalunkwe qorti jew tribunal domestiku jew internazzjonali ieħor dwar l-istess miżura bħal dik li allegatament hija inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-*Artikolu* 17.25(1), sakemm il-pretendent ma jirtirax dik il-pretensjoni pendenti. Dan il-paragrafu ma għandux japplika jekk ipretendent jippreżenta pretensjoni quddiem qorti jew tribunal domestiku li jkun qed ifittex rimedju *interim* b'mandat ta' inibizzjoni jew dikjarazzjoni.

3. Għall-finijiet ta' dan l-*Artikolu*, il-pretendent jinkludi l-investitur u, jekk l-investitur ikun aġixxa f'isem l-intrapriża stabbilita lokalment, jinkludi wkoll l-intrapriża stabbilita lokalment. Barra minn hekk, għall-finijiet tas-subparagrafu (a) tal-paragrafu 1 u tal-paragrafu 2, il-pretendent jinkludi wkoll:

(a) jekk il-pretensjoni tiġi ppreżentata minn investitur li jaġixxi f'ismu stess, il-persuni kollha li, direttament jew indirettament, ikollhom interess ta' sjieda fl-investitur jew li jkunu kkontrollati minnu u jsostnu li ġarrbu l-istess telf jew dannu ([49]) bħall-investitur; jew

(b) jekk il-pretensjoni tiġi ppreżentata minn investitur li jaġixxi f'isem intrapriża stabbilita lokalment, il-persuni kollha li, direttament jew indirettament, ikollhom interess ta' sjieda fl-intrapriża stabbilita lokalment jew li jkunu kkontrollati minnha u jsostnu li ġarrbu l-istess telf jew dannu ([50]) bħall-intrapriża stabbilita lokalment.

Artikolu 17.30

Preżentazzjoni ta' Pretensjoni

1. Jekk it-tilwima ma tkunx tista' tiġi solvuta fi żmien 6 xhur mill-preżentazzjoni tat-talba għal konsultazzjonijiet u, jekk applikabbli, ikunu għaddew tal-anqas 3 xhur mill-preżentazzjoni tal-avviż li jitlob determinazzjoni tal-konvenut skont l-*Artikolu* 17.28, il-pretendent jista', dment li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-*Artikolu* u fl-*Artikolu* 17.32, jippreżenta pretensjoni lit-Tribunal.

2. Pretensjoni tista' tiġi ppreżentata lit-Tribunal skont wieħed mis-settijiet ta' regoli li ġejjin dwar is-soluzzjoni tat-tilwim:

(a) il-Konvenzjoni ICSID, sakemm kemm il-konvenut kif ukoll l-Istat tal-pretendent ikunu partijiet għall-Konvenzjoni ICSID;

(b) ir-Regoli Addizzjonali tal-faċilità tal-ICSID, sakemm il-konvenut jew l-Istat tal-pretendent ikun parti għall-Konvenzjoni ICSID;

(c) ir-Regoli ta' Arbitraġġ UNCITRAL; jew

(d) kwalunkwe regola oħra miftiehma mill-partijiet litiganti fuq it-talba tal-pretendent.

3. Ir-regoli dwar is-soluzzjoni tat-tilwim imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom japplikaw soġġett għar-regoli stabbiliti f'din it-Taqsima, kif issupplimentati bi kwalunkwe regoli adottati mis-Sottokumitat.

4. Il-pretensjonijiet kollha identifikati mill-pretendent fil-preżentazzjoni tal-pretensjoni tiegħu skont dan l-*Artikolu* għandhom ikunu bbażati fuq informazzjoni identifikata fit-talba tiegħu għal konsultazzjonijiet skont is-subparagrafi (c) u (d) tal-*Artikolu* 17.27(4).

5. Pretensjonijiet ippreżentati f'isem klassi magħmula minn numru ta' pretendenti mhux identifikati, jew ippreżentati minn rappreżentant li jkun beħsiebu jmexxi l-proċedimenti fl-interess ta' numru ta' pretendenti identifikati jew mhux identifikati li jiddelegaw id-deċiżjonijiet kollha relatati mal-proċedimenti f'isimhom, ma jkunux ammissibbli.

([49]) Għal aktar ċertezza, l-istess telf jew dannu jfisser telf jew dannu li jirriżulta mill-istess miżura li l-persuna tfittex li tirkupra fl-istess kapaċità bħal-pretendent (eż. jekk il-pretendent iħarrek bħala azzjonist, din id-dispożizzjoni tkopri persuna relatata li tfittex ukoll l-irkupru bħala azzjonist).

([50]) Għal aktar ċertezza, l-istess telf jew dannu jfisser telf jew dannu li jirriżulta mill-istess miżura li l-persuna tfittex li tirkupra fl-istess kapaċità bħal-pretendent (eż. jekk il-pretendent iħarrek bħala azzjonist, din id-dispożizzjoni tkopri persuna relatata li tfittex ukoll l-irkupru bħala azzjonist).

6. Għal aktar ċertezza, pretendent ma għandux jippreżenta pretensjoni skont din it-Taqsima jekk l-investiment tiegħu ikun sar permezz ta' dikjarazzjoni falza qarrieqa, ħabi, korruzzjoni, jew kondotta li jammontaw għal abbuż tal-proċess.

Artikolu 17.31

Kontrotalbiet

1. Il-konvenut jista' jippreżenta kontropretensjoni abbażi tan-nuqqas min-naħa tal-pretendent li jikkonforma ma' obbligu internazzjonali applikabbli fit-territorji taż-żewġ Partijiet, ([51]) li jirriżulta b'rabta mal-bażi fattwali tat-talba ([52]).

2. Il-kontropretensjoni għandha tiġi ppreżentata mhux aktar tard milli fil-kontrosottomissjoni jew fid-dikjarazzjoni ta' difiża tal-konvenut, jew fi stadju aktar tard fil-proċedimenti jekk it-Tribunal jiddeċiedi li d-dewmien kien iġġustifikat fiċ-ċirkostanzi.

3. Għal aktar ċertezza, il-kunsens ta' pretendent għall-proċeduri skont din it-Taqsima kif imsemmi fl-*Artikolu* 17.32 jinkludi l-preżentazzjoni ta' kontropretensjonijiet mill-konvenut.

Artikolu 17.32

Kunsens

1. Il-konvenut jagħti l-kunsens tiegħu għall-preżentazzjoni ta' pretensjoni skont din it-Taqsima.

2. Il-kunsens skont il-paragrafu 1 u l-preżentazzjoni ta' pretensjoni skont din it-Taqsima għandhom jitqiesu bħala li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta':

(a) l-*Artikolu* 25 tal-Konvenzjoni tal-ICSID u r-Regoli Addizzjonali tal-faċilità tal-ICSID għal kunsens bil-miktub tal-partijiet litiganti; u

(b) l-*Artikolu* II tal-Konvenzjoni dwar ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Deċiżjonijiet ta' Arbitraġġ Barranin, li saret fi New York, fl-10 ta' Ġunju 1958 ("il-Konvenzjoni ta' New York") għal ftehim bil-miktub.

3. Il-pretendent jitqies li jagħti l-kunsens tiegħu f'konformità mal-proċeduri previsti f'din it-Taqsima fil-ħin tal-preżentazzjoni ta' pretensjoni skont l-*Artikolu* 17.30.

Artikolu 17.33

Finanzjament minn parti terza

1. Jekk parti litiganti tkun irċeviet jew tkun qed tirċievi finanzjament minn parti terza, jew tkun irranġat biex tirċievi finanzjament minn parti terza, il-parti litiganti li tibbenefika minnu għandha tiddivulga lill-parti litiganti l-oħra u lid-diviżjoni tat-Tribunal jew, jekk id-diviżjoni tat-Tribunal ma tkunx stabbilita, lill-President tat-Tribunal, l-isem u l-indirizz tal-finanzjatur tal-parti terza, u jekk applikabbli, tas-sid benefiċjarju aħħari u tal-istruttura korporattiva.

2. Il-parti litiganti għandha tagħmel id-divulgazzjoni skont il-paragrafu 1 fiż-żmien tal-preżentazzjoni ta' pretensjoni, jew, jekk il-finanzjament minn parti terza jiġi rranġat wara l-preżentazzjoni ta' pretensjoni, mingħajr dewmien, hekk kif jiġi konkluż l-arranġament jew issir id-donazzjoni jew l-għotja. Il-parti litiganti għandha tinnotifika minnufih lit-Tribunal dwar kwalunkwe bidla fl-informazzjoni ddivulgata.

3. It-Tribunal jista' jordna d-divulgazzjoni ta' aktar informazzjoni dwar l-arranġament ta' finanzjament u l-finanzjatur tal-parti terza jekk iqis li dan ikun meħtieġ fi kwalunkwe stadju tal-proċedimenti.

([51]) Għal aktar ċertezza, l-obbligi msemmija f'dan il-paragrafu għandhom ikunu bbażati fuq impenji legali li l-Partijiet ikunu taw il-kunsens tagħhom għalihom.

([52]) Il-Kunsill Konġunt għandu, fuq talba ta' Parti, joħroġ interpretazzjonijiet vinkolanti skont l-*Artikolu* 17.38(6) biex jiċċara l-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi internazzjonali li huma msemmija f'dan il-paragrafu.

Subtaqsima 4

Sistema ta' qorti tal-investiment

Artikolu 17.34

Tribunal tal-prim'istanza

1. B'dan qed jiġi stabbilit Tribunal tal-prim'istanza ("Tribunal") biex jisma' l-pretensjonijiet ippreżentati skont l-*Artikolu* 17.30.

2. Mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Kumitat Konġunt għandu jaħtar disa' Mħallfin għat-Tribunal. Tlieta mill-Imħallfin għandhom ikunu ċittadini ta' Stat Membru, tlieta għandhom ikunu ċittadini taċ-Ċilì u tlieta għandhom ikunu ċittadini ta' pajjiżi terzi. Fil-ħatra tal-Imħallfin, il-Kumitat Konġunt huwa mħeġġeġ jqis il-ħtieġa li jiġu żgurati d-diversità u rappreżentanza ġusta tal-ġeneru.

3. Il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jżid jew inaqqas l-għadd ta' Imħallfin b'multipli ta' tlieta. Ħatriet addizzjonali għandhom isiru skont il-kriterji previsti fil-paragrafu 2.

4. L-Imħallfin għandu jkollhom il-kwalifiki meħtieġa fil-pajjiżi fejn huma ċittadini għall-ħatra f'kariga ġudizzjarja, jew ikunu ġuristi ta' kompetenza rikonoxxuta. Huma għandhom ikunu taw prova ta' kompetenza fid-dritt internazzjonali pubbliku. Preferibbilment għandu jkollhom kompetenza fid-dritt internazzjonali dwar l-investiment, fid-dritt kummerċjali internazzjonali, u fis-soluzzjoni tat-tilwim li jirriżulta minn ftehimiet ta' investiment internazzjonali jew ftehimiet kummerċjali internazzjonali.

5. L-Imħallfin għandhom jinħatru għal terminu ta' 5 snin. Madankollu, il-mandati ta' ħames Imħallfin, jiġifieri żewġ ċittadini ta' Stat Membru, żewġ ċittadini taċ-Ċilì u ċittadin wieħed ta' pajjiż terz, tad-disa' maħtura immedjatament wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, li għandhom jiġu ddeterminati bil-polza, għandhom jiġu estiżi għal 8 snin. Il-postijiet vakanti għandhom jimtlew hekk kif jitbattlu. Imħallef maħtur biex jieħu post Imħallef ieħor, li l-mandat tiegħu għadu ma skadiex għandu jibqa' jokkupa l-kariga għall-bqija tal-mandat tal-predeċessur. Imħallef li jkun qed iservi f'diviżjoni tat-Tribunal meta l-mandat tiegħu jiskadi, jista' bl-awtorizzazzjoni tal-President tat-Tribunal, ikompli jservi fid-diviżjoni sal-għeluq tal-proċedimenti ta' dik id-diviżjoni, u għal dak il-għan biss għandu jkompli jitqies bħala li għadu Imħallef tat-Tribunal.

6. It-Tribunal għandu jkollu President u Viċi President responsabbli għall-kwistjonijiet organizzattivi, bl-assistenza ta' Segretarjat. Il-President u l-Viċi President għandhom jintgħażlu bil-polza għal mandat ta' sentejn minn fost l-Imħallfin li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi. Dawn għandhom iservu abbażi ta' rotazzjoni mtella' bil-polza mill-Kopresidenti tal-Kumitat Konġunt. Il-Viċi President għandu jaġixxi bħala l-President meta dan ma jkunx disponibbli.

7. It-Tribunal għandu jisma' l-kawżi f'diviżjonijiet li jikkonsistu fi tliet Imħallfin, li minnhom wieħed għandu jkun ċittadin ta' Stat Membru tal-Unjoni, wieħed ċittadin taċ-Ċilì u wieħed ċittadin ta' pajjiż terz. Id-diviżjoni għandha tkun ippreseduta mill-Imħallef li huwa ċittadin ta' pajjiż terz.

8. Meta tiġi ppreżentata pretensjoni skont l-*Artikolu* 17.30, il-President tat-Tribunal għandu jistabbilixxi l-kompożizzjoni tad-diviżjoni tat-Tribunal li tisma' l-kawżi fuq bażi ta' rotazzjoni, u jiżgura li l-kompożizzjoni tad-diviżjonijiet tkun aleatorja u imprevedibbli, filwaqt li jagħti lill-Imħallfin kollha opportunità indaqs li jservu.

9. Minkejja l-paragrafu 7 ta' dan l-*Artikolu*, il-partijiet litiganti jistgħu jaqblu li każ jinstema' minn Imħallef uniku li jkun ċittadin ta' pajjiż terz, li għandu jinħatar mill-President tat-Tribunal. Il-konvenut għandu jqis b'mod simpatetiku talba bħal din mill-pretendent, b'mod partikolari jekk il-kumpens jew id-danni mitluba jkunu relattivament baxxi. Tali talba għandha ssir fl-istess ħin bħall-preżentazzjoni tal-pretensjoni skont l-*Artikolu* 17.30.

10. It-Tribunal għandu jistabbilixxi l-proċeduri ta' ħidma tiegħu stess, wara li jiddiskuti mal-Partijiet.

11. L-Imħallfin għandhom ikunu disponibbli l-ħin kollu u wara avviż ta' ftit ħin, u għandhom jibqgħu aġġornati dwar l-attivitajiet ta' soluzzjoni tat-tilwim skont din il-Parti ta' dan il-Ftehim.

12. Sabiex jiżguraw id-disponibbiltà tagħhom, kull xahar, l-Imħallfin għandhom jitħallsu tariffa ta' ħlas fix-xahar li għandha tiġi determinata b'deċiżjoni tal-Kumitat. Il-President tat-Tribunal, u fejn applikabbli, il-Viċi President, għandu jirċievi tariffa ekwivalenti għat-tariffa ddeterminata skont l-*Artikolu* 17.35(11) għall kull jum li jkun ħadem fil-qadi tal-funzjonijiet tal-President tat-Tribunal skont din it-Taqsima.

13. It-tariffa ta' ħlas għandha titħallas mill-Partijiet filwaqt li jitqiesu l-livelli ta' żvilupp rispettivi tagħhom f'kont ġestit mis-Segretarjat taċ-Ċentru Internazzjonali għas-Soluzzjoni tat-Tilwim dwar Investiment ("ICSID"). Fil-każ li waħda mill-Partijiet tonqos milli tħallas it-tariffa ta' ħlas, il-Parti l-oħra tista' toffri li tħallas dik it-tariffa hija stess. Kull arretrat bħal dan jibqa' pagabbli, b'imgħax xieraq. Il-Kumitat Konġunt għandu jirrieżamina regolarment l-ammont u t-tqassim ta' dawk it-tariffi u jista' jirrakkomanda aġġustamenti rilevanti.

14. Sakemm il-Kumitat ma jadottax deċiżjoni skont il-paragrafu 15 ta' dan l-*Artikolu*, l-ammont tat-tariffi u l-ispejjeż l-oħra tal-Imħallfin f'diviżjoni tat-Tribunal għandhom ikunu dawk iddeterminati skont ir-Regolament 14(1) tar-Regolamenti Amministrattivi u Finanzjarji tal-Konvenzjoni tal-ICSID fis-seħħ fid-data tal-preżentazzjoni tal-pretensjoni u allokati mit-Tribunal fost il-partijiet litiganti f'konformità mal-*Artikolu* 17.54(5), (6) u (7).

15. Malli l-Kumitat Konġunt jieħu deċiżjoni, it-tariffa ta' ħlas u tariffi u spejjeż oħra jistgħu jiġu ttrasformati b'mod permanenti f'salarju regolari. F'dak il-każ, l-Imħallfin għandhom iservu fuq bażi full-time u l-Kumitat Konġunt għandu jistabbilixxi r-remunerazzjoni tagħhom u l-kwistjonijiet organizzattivi relatati. L-Imħallfin li jirċievu salarju regolari ma għandhomx jitħallew jinvolvu ruħhom fi kwalunkwe okkupazzjoni, kemm jekk din tkun bi ħlas u kemm jekk le, sakemm ma tingħatax eżenzjoni b'mod eċċezzjoniali mill-President tat-Tribunal.

16. Is-Segretarjat tal-ICSID għandu jaġixxi bħala Segretarjat għat-Tribunal u jipprovdilu appoġġ xieraq. L-ispejjeż għal tali appoġġ għandhom jiġu allokati mit-Tribunal fost il-partijiet litiganti f'konformità mal-*Artikolu* 17.54(5), (6) u (7).

Artikolu 17.35

Tribunal tal-Appell

1. B'dan qed jiġi stabbilit Tribunal tal-Appell permanenti biex jisma' l-appelli tal-għotjiet maħruġa mit-Tribunal.

2. Mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Kumitat Konġunt għandu jaħtar sitt Membri għat-Tribunal tal-Appell. Tnejn mill-Membri għandhom ikunu ċittadini ta' Stat Membru, tnejn għandhom ikunu ċittadini taċ-Ċilì u tnejn ċittadini ta' pajjiżi terzi. Fil-ħatra tal-Membri tat-Tribunal tal-Appell, il-Kumitat Konġunt huwa mħeġġeġ iqis il-ħtieġa li tiġi żgurata d-diversità u rappreżentanza ġusta tal-ġeneru.

3. Il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jżid jew inaqqas l-għadd ta' Membri tat-Tribunal tal-Appell b'multipli ta' tlieta. Ħatriet addizzjonali għandhom isiru skont il-kriterji previsti fil-paragrafu 2.

4. Il-Membri tat-Tribunal tal-Appell għandu jkollhom il-kwalifiki meħtieġa fil-pajjiżi fejn huma ċittadini għall-ħatra fl-ogħla kariga ġudizzjarja, jew ikunu ġuristi ta' kompetenza rikonoxxuta. Huma għandhom ikunu taw prova ta' kompetenza fid-dritt internazzjonali pubbliku. Preferibbilment għandu jkollhom kompetenza fid-dritt internazzjonali dwar l-investiment, fid-dritt kummerċjali internazzjonali, u fis-soluzzjoni tat-tilwim li jirriżulta minn ftehimiet ta' investiment internazzjonali jew ftehimiet kummerċjali internazzjonali.

5. Il-membri tat-Tribunal tal-Appell għandhom jinħatru għal terminu ta' 5 snin. Madankollu, il-mandati ta' tlieta mis-sitt Membri maħtura immedjatament wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, li għandhom jiġu ddeterminati bil-polza, għandu jiġi estiż għal 6 snin. Il-postijiet vakanti għandhom jimtlew hekk kif jitbattlu. Membru maħtur biex jieħu post Membru ieħor li l-mandat tiegħu għadu ma skadiex, għandu jibqa' jokkupa l-kariga għall-bqija tal-mandat tal-predeċessur. Membru li jkun qed iservi f'diviżjoni tat-Tribunal tal-Appell meta l-mandat tiegħu jiskadi jista', bl-awtorizzazzjoni tal-President tat-Tribunal tal-Appell, ikompli jservi fid-diviżjoni sal-għeluq tal-proċedimenti ta' dik id-diviżjoni, u għal dak il-għan biss għandu jkompli jitqies bħala Membru tat-Tribunal tal-Appell.

6. It-Tribunal tal-Appell għandu jkollu President u Viċi President responsabbli għal kwistjonijiet organizzattivi, bl-assistenza ta' Segretarjat. Il-President u l-Viċi President għandhom jintgħażlu bil-polza għal mandat ta' sentejn minn fost il-Membri li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi. Dawn għandhom iservu abbażi ta' rotazzjoni mtella' bil-polza mill-Kopresidenti tal-Kumitat Konġunt. Il-Viċi President għandu jaġixxi bħala l-President meta dan ma jkunx disponibbli.

7. It-Tribunal tal-Appell għandu jisma' l-appelli f'diviżjonijiet li jikkonsistu fi tliet Membri, li minnhom wieħed għandu jkun ċittadin ta' Stat Membru, wieħed ċittadin taċ-Ċilì u wieħed ċittadin ta' pajjiż terz. Id-diviżjoni għandha tkun ippreseduta mill-Membru li huwa ċittadin ta' pajjiż terz.

8. Il-President tat-Tribunal tal-Appell għandu jistabbilixxi l-kompożizzjoni tad-diviżjoni li tisma' kull appell fuq bażi ta' rotazzjoni, u jiżgura li l-kompożizzjoni ta' kull diviżjoni tkun aleatorja u imprevedibbli, filwaqt li jagħti lill-Membri kollha opportunità indaqs li jservu.

9. It-Tribunal tal-Appell għandu jistabbilixxi l-proċeduri ta' ħidma tiegħu stess, wara li jiddiskuti mal-Partijiet.

10. Il-Membri kollha li jservu fuq it-Tribunal tal-Appell għandhom ikunu disponibbli l-ħin kollu u wara avviż ta' ftit ħin, u għandhom jibqgħu aġġornati dwar l-attivitajiet ta' soluzzjoni tat-tilwim skont din il-Parti ta' dan il-Ftehim.

11. Sabiex jiżguraw id-disponibbiltà tagħhom, kull xahar, il-Membri tat-Tribunal tal-Appell għandhom jitħallsu tariffa ta' ħlas fix-xahar u jirċievu tariffa għal kull jum li jaħdmu bħala Membri, liema tariffi għandhom jiġu deċiżi mill-Kumitat Konġunt. Il-President tat-Tribunal tal-Appell u, fejn applikabbli, il-Viċi President, għandu jirċievi tariffa għal kull jum li jkun ħadem fil-qadi tal-funzjonijiet tal-President tat-Tribunal tal-Appell skont din it-Taqsima.

12. Ir-remunerazzjoni tal-Membri tat-Tribunal tal-Appell għandha titħallas mill-Partijiet, filwaqt li jitqiesu l-livelli ta' żvilupp rispettivi tagħhom, f'kont ġestit mis-Segretarjat tal-ICSID. Fil-każ li waħda mill-Partijiet tonqos milli tħallas it-tariffa ta' ħlas, il-Parti l-oħra tista' toffri li tħallas dik it-tariffa hija stess. Kull arretrat bħal dan jibqa' pagabbli, b'imgħax xieraq. Il-Kumitat Konġunt għandu jirrieżamina regolarment l-ammont u t-tqassim ta' dawk it-tariffi u jista' jirrakkomanda aġġustamenti rilevanti.

13. Malli l-Kumitat Konġunt jieħu deċiżjoni, it-tariffa ta' ħlas u t-tariffi għall-ġranet maħduma jistgħu jiġu ttrasformati f'salarju regolari. F'dan il-każ, il-Membri tat-Tribunal tal-Appell għandhom iservu fuq bażi full-time u l-Kumitat Konġunt għandu jistabbilixxi r-remunerazzjoni tagħhom u l-kwistjonijiet organizzattivi relatati. Il-Membri tat-Tribunal tal-Appell li jirċievu salarju regolari ma għandhomx jitħallew jinvolvu ruħhom fi kwalunkwe okkupazzjoni, kemm jekk din tkun bi ħlas u kemm jekk le, sakemm ma tingħatax eżenzjoni b'mod eċċezzjoniali mill-President tat-Tribunal tal-Appell.

14. Is-Segretarjat tal-ICSID għandu jaġixxi bħala Segretarjat għat-Tribunal tal-Appell u jipprovdilu appoġġ xieraq. L-ispejjeż għal tali appoġġ għandhom jiġu allokati mit-Tribunal tal-Appell fost il-partijiet litiganti f'konformità mal-*Artikolu* 17.54(5), (6) u (7).

Artikolu 17.36

Etika

1. L-Imħallfin tat-Tribunal u l-Membri tat-Tribunal tal-Appell għandhom jintgħażlu fost persuni li ma hemm l-ebda dubju dwar l-indipendenza tagħhom. Huma ma għandhomx ikunu affiljati ma' xi gvern ([53]). Huma ma għandhom jieħdu struzzjonijiet minn ebda gvern jew organizzazzjoni fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mat-tilwima. Huma ma għandhomx jipparteċipaw fil-kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe tilwim li jkun joħloq kunflitt ta' interess dirett jew indirett. Huma għandhom jikkonformaw mal-Anness 17-I. Mal-ħatra, huma għandhom jieqfu milli jagħixxu bħala konsulenti jew esperti jew xhieda maħtura minn parti fi kwalunkwe tilwima dwar investiment kemm pendenti kif ukoll ġdida skont dan il-Ftehim jew kwalunkwe ftehim jew sistema legali nazzjonali oħra.

2. Jekk parti litiganti tqis li Imħallef tat-Tribunal tal-Appell jew Membru tat-Tribunal tal-Appell ma jissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1, hija għandha tibgħat avviż ta' oġġezzjoni għall-ħatra lill-President tat-Tribunal jew lill-President tat-Tribunal tal-Appell, kif applikabbli. Kwalunkwe avviż ta' oġġezzjoni għandu jintbagħat fi żmien 15-il jum mid-data li fiha tkun ġiet ikkomunikata l-kompożizzjoni tad-diviżjoni tat-Tribunal jew tat-Tribunal tal-Appell lill-parti litiganti, jew fi żmien 15-il jum mid-data li fiha l-parti saret taf bil-fatti rilevanti, jekk ma setgħux raġonevolment isiru magħrufa fiż-żmien meta ġiet iffurmata d-diviżjoni. L-avviż ta' oġġezzjoni għandu jiddikjara r-raġunijiet għaliex qed issir l-oġġezzjoni.

3. Jekk, fi żmien 15-il jum mid-data tal-avviż ta' oġġezzjoni, l-Imħallef jew il-Membru tat-Tribunal tal-Appell ikkontestat ikun għażel li ma jirriżenjax minn dik id-diviżjoni, il-President tat-Tribunal jew il-President tat-Tribunal tal-Appell, kif applikabbli, għandhom, wara li jisimgħu il-partijiet litiganti u wara li l-Imħallef tat-Tribunal jew il-Membru tat-Tribunal tal-Appell jingħataw l-opportunità li jippreżentaw osservazzjonijiet, joħorġu deċiżjoni fi żmien 45 jum minn meta jirċievu l-avviż ta' oġġezzjoni u jinnotifikaw minnufih lill-partijiet litiganti u lill-Imħallfin jew lill-Membri l-oħra ta' dik id-diviżjoni.

([53]) Għal aktar ċertezza, il-fatt li persuna tirċievi introjtu mill-gvern, jew qabel kienet impjegata mill-gvern, jew għandha relazzjoni familjali ma' uffiċjali tal-gvern, fih innifsu ma jagħmilx lil dik il-persuna ineliġibbli.

4. L-oġġezzjonijiet għall-ħatra għal diviżjoni tal-President tat-Tribunal għandhom jiġu deċiżi mill-President tat-Tribunal tal-Appell u viċi versa.

5. Malli l-President tat-Tribunal tal-Appell jagħmel rakkomandazzjoni motivata, ([54]) il-Partijiet, b'deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt, jistgħu jiddeċiedu li jneħħu Imħallef mit-Tribunal jew Membru mit-Tribunal tal-Appell meta l-imġiba tagħhom tkun inkonsistenti mal-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 1 u inkompatibbli mas-sħubija kontinwa tagħhom fit-Tribunal jew fit-Tribunal tal-Appell. Jekk l-imġiba allegata inkwistjoni tkun dik tal-President tat-Tribunal tal-Appell, il-President tat-Tribunal għandu jippreżenta r-rakkomandazzjoni motivata. L-Artikoli 17.34(2) u 17.35(2) għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-mili ta' postijiet vakanti li jistgħu jirriżultaw skont dan il-paragrafu.

Artikolu 17.37

Mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim multilaterali

Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jikkoopeeraw għall-istabbiliment ta' tribunal tal-investiment multilaterali u ta' mekkaniżmu tal-appell għas-soluzzjoni tat-tilwim dwar l-investiment. Mad-dħul fis-seħħ bejn il-Partijiet ta' ftehim internazzjonali li jipprevedi tali mekkaniżmu multilaterali applikabbli għat-tilwim skont din il-Parti ta' dan il-Ftehim, il-partijiet rilevanti ta' din it-Taqsima ma għandhomx jibqgħu japplikaw. Il-Kumitat Konġunt jista' jadotta deċiżjoni li tispeċifika kwalunkwe arranġament tranżizzjonali meħtieġ.

Subtaqsima 5

Kondotta tal-proċedimenti

Artikolu 17.38

Il-liġi applikabbli u r-regoli ta' interpretazzjoni

1. It-Tribunal għandu jiddetermina jekk il-miżura li fir-rigward tagħha l-pretendent ikun qed jippreżenta pretenzjoni hijiex inkonsistenti ma' kwalunkwe waħda mid-dispożizzjonijiet imsemmija fl-*Artikolu* 17.25(1).

2. Meta jagħmel tali determinazzjoni, it-Tribunal għandu japplika dan il-Ftehim u regoli oħra tad-dritt internazzjonali applikabbli bejn il-Partijiet. Huwa għandu jinterpreta dan il-Ftehim f'konformità mar-regoli konswetudinarji tal-interpretazzjoni tad-dritt internazzjonali pubbliku, kif ikkodifikat fil-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati.

3. Għal aktar ċertezza, fid-determinazzjoni tal-konsistenza ta' miżura mad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-*Artikolu* 17.25 (1), it-Tribunal għandu jqis, fejn rilevanti, il-liġi ta' Parti bħala kwistjoni ta' fatt. Għal dan il-għan, it-Tribunal għandu jsegwi l-interpretazzjoni prevalenti mogħtija lil-liġi bħal din mill-qrati jew mill-awtoritajiet tal-Parti u kwalunkwe tifsira mogħtija lil-liġi bħal din mit-Tribunal ma għandhiex tkun vinkolanti fuq il-qrati jew l-awtoritajiet ta' dik il-Parti.

4. Għal aktar ċertezza, it-Tribunal ma għandux ikollu ġuriżdizzjoni biex jiddetermina l-legalità ta' miżura li allegatament tikkostitwixxi ksur tad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-*Artikolu* 17.25(1) skont il-liġi tal-parti litiganti.

5. Għal aktar ċertezza, jekk investitur ta' Parti jippreżenta pretensjoni skont din it-Taqsima, inkluża pretensjoni li tallega li Parti kisret l-*Artikolu* 17.17, l-oneru tal-prova relatata ma' dik il-pretensjoni jkun fuq l-investitur f'konformita' mal-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali applikabbli għat-tilwima.

6. Fejn jinħoloq tħassib serju fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' interpretazzjoni relatati mat-Taqsima C ([55]) jew D, il-Kunsill Konġunt jista' jadotta deċiżjonijiet li jinterpretaw dan il-Ftehim. Kwalunkwe interpretazzjoni bħal din għandha tkun vinkolanti fuq it-Tribunal u t-Tribunal tal-Appell. Il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li interpretazzjoni jkollha effett vinkolanti minn data speċifika.

([54]) Din ir-rakkomandazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-kapaċità tal-Kumitat Konġunt li jiġbed l-attenzjoni tal-President tat-Tribunal tal-Appell għall-imġiba ta' Imħallef tat-Tribunal jew ta' Membru tat-Tribunal tal-Appell li tista' tkun inkonsistenti mal-obbligi stabbilit fil-paragrafu 1 u inkompatibbli mas-sħubija kontinwa tagħhom fit-Tribunal jew fit-Tribunal tal-Appell.

([55]) Kif imsemmi fl-*Artikolu* 17.25.

Artikolu 17.39

Interpretazzjoni tal-annessi

1. Wara talba għal konsultazzjonijiet skont l-*Artikolu* 17.27(3), il-konvenut jista' jitlob, bil-miktub, lis-Sottokumitat sabiex jiddetermina jekk, u, jekk iva, sa liema punt, il-miżura li hija s-suġġett tat-talba għall-konsultazzjonijiet taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' miżura mhux konformi stabbilita fl-Anness 17-A jew 17-B.

2. It-talba lis-Sottokumitat għandha tiġi sottomessa kemm jista' jkun malajr wara li tasal it-talba għall-konsultazzjonijiet. Fuq talba lis-Sottokumitat, il-perjodi ta' żmien imsemmija fl-Artikoli 17.27(5), 17.27(8), 17.54(10) u 17.55(5) għandhom jiġu sospiżi.

3. Is-Sottokumitat għandu, in bona fede, jipprova jagħmel id-determinazzjoni mitluba. Kwalunkwe determinazzjoni bħal din għandha tiġi trażmessa fil-pront lill-partijiet litiganti.

4. Jekk is-Sottokumitat ma jkunx għamel determinazzjoni fi żmien 3 xhur mit-talba tal-kwistjoni, is-sospensjoni ta' dawk il-perjodi ta' żmien ma tibqax tapplika.

Artikolu 17.40

Pretensjonijiet oħra

Jekk jitressqu pretensjonijiet skont din it-Taqsima u l-Kapitolu 38 jew il-ftehim internazzjonali ieħor dwar l-istess allegat ksur tad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-*Artikolu* 17.25(1), u jkun hemm potenzjal għal kumpens li jikkoinċidi, jew il-pretensjoni skont il-ftehim internazzjonali l-ieħor jista' jkollha impatt sinifikanti fuq is-soluzzjoni tal-pretensjoni mressqa skont din it-Taqsima, it-Tribunal għandu, jekk rilevanti, wara li jisma' lill-partijiet litiganti, iqis il-proċedimenti skont il-Kapitolu 38 jew il-ftehim internazzjonali l-ieħor fid-deċiżjoni, fl-ordni jew fl-għoti tiegħu. Għal dak il-għan, jista' wkoll jissospendi l-proċedimenti tiegħu. Meta jagħixxi skont dan l-*Artikolu*, it-Tribunal għandu jirrispetta l-*Artikolu* 17.54(10).

Artikolu 17.41

Antiċirkomvenzjoni

Għal ċertezza akbar, it-Tribunal għandu jirrifjuta l-ġuriżdizzjoni jekk it-tilwim ikun inħoloq, jew kien raġonevolment prevedibbli, fiż-żmien meta l-pretendent akkwista s-sjieda jew il-kontroll tal-investiment soġġett għat-tilwim u jew ikun involva ruħu f'ristrutturar korporattiv, dment li t-Tribunal jiddetermina, fuq il-bażi tal-fatti tal-każ, li l-pretendent akkwista s-sjieda jew il-kontroll tal-investiment jew ikun involva ruħu fl-istrutturar korporattiv bl-iskop ewlieni li jippreżenta l-pretensjoni skont din it-Taqsima. Il-possibbiltà li tonqos il-ġuriżdizzjoni f'dawn iċ-ċirkostanzi hija mingħajr preġudizzju għal oġġezzjonijiet ġurisdizzjonali oħra li jistgħu jkunu kkunsidrati mit-Tribunal.

Artikolu 17.42

Pretensjonijiet manifestament mingħajr meritu ġuridiku

1. Il-konvenut jista', mhux aktar tard minn 30 jum wara l-kostituzzjoni tad-diviżjoni tat-Tribunal skont l-*Artikolu* 17.34 (7), u fi kwalunkwe każ qabel l-ewwel sessjoni tad-diviżjoni tat-Tribunal, jew mhux aktar tard minn 30 jum wara li l-konvenut ikun sar konxju tal-fatti li fuqhom tkun ibbażata l-oġġezzjoni, jippreżenta oġġezzjoni li pretensjoni tkun manifestament mingħajr mertu ġuridika.

2. Il-konvenut għandu jispeċifika b'mod preċiż kemm jista' jkun il-bażi għall-oġġezzjoni.

3. It-Tribunal, wara li jagħti l-partijiet litiganti l-opportunità li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fuq l-oġġezzjoni, għandu, fl-ewwel sessjoni tad-diviżjoni tat-Tribunal jew minnufih wara, joħroġ deċiżjoni jew deċiżjoni provviżorja fuq l-oġġezzjoni, u jiddikjara r-raġunijiet għaliha. F'każ li l-oġġezzjoni tiġi rċevuta wara l-ewwel sessjoni tad-diviżjoni tat-Tribunal, it-Tribunal għandu joħroġ dik id-deċiżjoni jew deċiżjoni provviżorja kemm jista' jkun malajr, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 120 jum wara li tkun ġiet ippreżentata l-oġġezzjoni. Meta jiddeċiedi dwar l-oġġezzjoni, it-Tribunal għandu jassumi li l-fatti kif allegati mill-pretendent ikunu veri u jista' jqis ukoll kwalunkwe fatt rilevanti li ma jkunx qed jiġi kkontestat.

4. Id-deċiżjoni tat-Tribunal għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' parti litiganti li toġġezzjona, skont l-*Artikolu* 17.43 jew matul il-proċedimenti, għall-merti ġuridiċi ta' pretensjoni u mingħajr preġudizzju għall-awtorità ta' Tribunal li jindirizza oġġezzjonijiet oħra bħala kwistjoni preliminari.

Artikolu 17.43

Pretensjonijiet bla bażi bħala kwistjoni ta' liġi

1. Mingħajr preġudizzju għall-awtorità tat-Tribunal biex jindirizza oġġezzjonijiet oħra bħala kwistjoni preliminari jew id-dritt tal-konvenut li jqajjem kwalunkwe tali oġġezzjoni f'mument xieraq, it-Tribunal għandu jindirizza u jiddeċiedi bħala kwistjoni preliminari kwalunkwe oġġezzjoni mill-konvenut li pretensjoni, jew kwalunkwe parti minnha, ippreżentata taħt din it-Taqsima, bħala kwistjoni ta' liġi ma tkunx pretensjoni li għaliha tista' tingħata deċiżjoni favur il-pretendent skont l-*Artikolu* 17.54, anki jekk il-fatti kif allegati mill-pretendent kienu preżunti bħala minnhom. It-tribunal jista' wkoll jikkunsidra kwalunkwe fatt rilevanti li ma jkunx qed jiġi kkontestat.

2. Oġġezzjoni skont il-paragrafu 1 ta' dan l-*Artikolu* għandha tiġi ppreżentata lit-Tribunal mill-aktar fis possibbli wara li tiġi kkostitwita d-diviżjoni tat-Tribunal, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mid-data li jistabbilixxi t-Tribunal biex il-konvenut jippreżenta l-kontrosottomissjoni jew id-dikjarazzjoni ta' difiża tiegħu. Din l-oġġezzjoni skont il-paragrafu 1 ma hijiex se tiġi ppreżentata sakemm ikun hemm proċedimenti pendenti skont l-*Artikolu* 17.42, sakemm it-Tribunal, wara li jkun qies kif xieraq iċ-ċirkostanzi tal-każ, ma jagħtix il-kunsens biex tiġi ppreżentata oġġezzjoni skont dan l-*Artikolu*.

3. Mal-wasla ta' oġġezzjoni skont il-paragrafu 1, u sakemm ma jqisx li l-eċċezzjoni tkun manifestament bla bażi, it-Tribunal għandu jissospendi kwalunkwe proċediment fuq il-merti, jistabbilixxi skeda għall-konsiderazzjoni tal-oġġezzjoni li tkun konsistenti ma' kwalunkwe skeda li jkun stabbilixxa biex jikkunsidra kwalunkwe kwistjoni preliminari oħra, u joħroġ deċiżjoni jew deċiżjoni provviżorja fuq l-oġġezzjoni, filwaqt li jagħti r-raġunijiet għal dan.

Artikolu 17.44

Trasparenza

1. Ir-Regoli ta' Trasparenza tal-UNCITRAL għandhom japplikaw għat-tilwim skont din it-Taqsima *mutatis mutandis*, minbarra r-regoli li ġejjin.

2. Id-dokumenti li ġejjin għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' dokumenti msemmija fl-*Artikolu* 3(1) tar-Regoli ta' Trasparenza tal-UNCITRAL: il-ftehim li jsir rikors għal medjazzjoni msemmi fl-*Artikolu* 17.26 ta' dan il-Ftehim, it-talba għal konsultazzjonijiet imsemmija fl-*Artikolu* 17.27 ta' dan il-Ftehim, l-avviż li jitlob determinazzjoni tal-konvenut, u d-determinazzjoni tal-konvenut, imsemmi fl-*Artikolu* 17.28 ta' dan il-Ftehim, l-avviż ta' oġġezzjoni, u d-deċiżjoni dwar l-oġġezzjoni, imsemmija fl-*Artikolu* 17.36 ta' dan il-Ftehim, u t-talba għal konsolidazzjoni msemmija fl-*Artikolu* 17.53 ta' dan il-Ftehim.

3. Għal aktar ċertezza, l-esibit jistgħu jsiru disponibbli għall-pubbliku f'konformità mal-*Artikolu* 3(3) tar-Regoli ta' Trasparenza tal-UNCITRAL.

4. Minkejja l-*Artikolu* 2 tar-Regoli ta' Trasparenza tal-UNCITRAL, il-Parti tal-UE jew iċ-Ċilì, skont il-każ, għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku fil-ħin u qabel il-kostituzzjoni tad-diviżjoni, it-talba għal konsultazzjonijiet imsemmija fl-*Artikolu* 17.27 ta' dan il-Ftehim, l-avviż li jitlob determinazzjoni tal-konvenut u d-determinazzjoni tal-konvenut imsemmi fl-*Artikolu* 17.28, ta' dan il-Ftehim soġġett għall-ħabi ta' informazzjoni kunfidenzjali jew protetta ([56]). Tali dokumenti jistgħu jsiru disponibbli għall-pubbliku permezz ta' komunikazzjoni lir-repożitorju msemmi fir-Regoli ta' Trasparenza tal-UNCITRAL.

5. Kwalunkwe parti litiganti li jkollha l-ħsieb li tuża f'seduta ta' smigħ informazzjoni indikata bħala kunfidenzjali jew protetta għandha tinforma lit-Tribunal b'dan.

6. Kwalunkwe parti litiganti li tiddikjara li ċerta informazzjoni tikkostitwixxi informazzjoni kunfidenzjali jew protetta għandha tindikaha b'mod ċar bħala tali meta tiġi ppreżentata lit-Tribunal.

7. Għal aktar ċertezza, xejn minn din it-Taqsima ma jirrikjedi li l-konvenut iżomm mill-pubbliku kwalunkwe informazzjoni li l-liġijiet tiegħu jeżiġu li tiġi ddivulgata.

([56]) Għal aktar ċertezza, l-informazzjoni kunfidenzjali jew protetta għandha tinftiehem kif definita fi u ddeterminata skont l-*Artikolu* 7 tar-Regoli ta' Trasparenza tal-UNCITRAL.

Artikolu 17.45

Miżuri *Interim*

It-Tribunal jista' jordna miżuri *interim* ta' protezzjoni biex iħares id-drittijiet ta' parti litiganti jew biex jiżgura li l-ġuriżdizzjoni tat-Tribunal tkun għalkollox effettiva, inkluż digriet biex tiġi mħarsa l-evidenza li tkun tinsab f'idejn jew fil-kontroll ta' parti litiganti jew biex il-ġuriżdizzjoni tat-Tribunal tkun protetta. It-Tribunal ma għandux jordna s-sekwestru ta' assi jew iwaqqaf l-applikazzjoni tat-trattament allegat li jikkostitwixxi ksur.

Artikolu 17.46

Diskontinwità

Jekk il-pretendent, wara li tiġi ppreżentata pretensjoni skont din it-Taqsima, ma jieħu l-ebda pass fil-proċedimenti għal 180 jum konsekuttiv wara dik is-sottomissjoni, jew għal tali perjodu li l-partijiet litiganti jistgħu jaqblu fuqhom, il-pretendent għandu jitqies li rtira l-pretensjoni tiegħu u li ma kompliex bil-proċedimenti. It-Tribunal għandu, fuq it-talba tal-konvenut u wara li jagħti avviż lill-partijiet litiganti, jieħu nota tad-diskontinwità f'digriet u joħroġ għotja fuq l-ispejjeż. Wara li jingħata tali digriet l-awtorità tat-Tribunal għandha tiskadi. Il-pretendent ma jistax sussegwentement jippreżenta pretensjoni dwar l-istess kwistjoni.

Artikolu 17.47

Garanzija għall-kostijiet

1. Għal ċertezza akbar, it-Tribunal jista', fuq talba tal-konvenut, jordna lill-pretendent jipprovdi garanzija għall-kostijiet kollha jew parti minnhom jekk ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li l-pretendent jirriskja li ma jkunx jista' jonora deċiżjoni possibbli dwar il-kostijiet maħruġa kontrih.

2. Jekk il-garanzija għall-kostijiet ma tkunx ipprovduta kompletament fi żmien 30 jum tal-ordni tat-Tribunal, jew fi kwalunkwe perjodu ta' żmien ieħor stabbilit mit-Tribunal, it-Tribunal għandu jinforma lill-partijiet litiganti b'dan u jista' jordna s-sospensjoni jew it-tmiem tal-proċedimenti.

3. It-Tribunal għandu jikkunsidra l-evidenza kollha pprovduta fir-rigward taċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1, inkluża l-eżistenza ta' finanzjament minn parti terza.

Artikolu 17.48

Il-Parti mhux litiganti

1. Il-konvenut għandu, mhux aktar tard minn 30 jum minn meta jirċievi informazzjoni kunfidenzjali jew protetta jew mingħajr dewmien wara li tiġi solvuta kull tilwima rigward tali informazzjoni, iwassal għand il-Parti mhux litiganti:

(a) it-talba għal konsultazzjonijiet imsemmija fl-*Artikolu* 17.27, l-avviż li jitlob determinazzjoni msemmi fl-*Artikolu* 17.28, il-pretensjoni msemmija fl-*Artikolu* 17.30 u kwalunkwe dokument ieħor li huwa mehmuż ma' tali dokumenti;

(b) fuq talba tal-Parti mhux litiganti:

(i) it-trattazzjonijiet, l-estratti, l-istruzzjonijiet, it-talbiet u preżentazzjonijiet oħrajn li jsiru lit-Tribunal minn parti fil-kawża;

(ii) preżentazzjonijiet bil-miktub magħmula lit-Tribunal minn persuna terza;

(iii) il-minuti jew it-traskritti ta' seduti ta' smigħ tat-Tribunal, jekk disponibbli; u

(iv) ordnijiet, u deċiżjonijiet tat-Tribunal; u

(c) fuq talba u bi spejjeż tal-Parti mhux litiganti, l-evidenza kollha li tkun ġiet ippreżentata lit-Tribunal, jew parti minnh.

2. Il-Parti mhux litiganti għandha d-dritt li tattendi seduta ta' smigħ li ssir skont din it-Taqsima.

3. It-Tribunal għandu jaċċetta jew, wara konsultazzjoni mal-partijiet litiganti, jista' jistieden, preżentazzjonijiet orali jew bil-miktub mill-Parti litiganti dwar kwistjonijiet relatati mal-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim. It-Tribunal għandu jiżgura wkoll li l-partijiet litiganti jingħataw opportunità raġonevoli sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar kwalunkwe preżentazzjoni mill-Parti mhux litiganti.

Artikolu 17.49

Intervent minn partijiet terzi

1. It-Tribunal għandu jħalli lil kwalunkwe persuna li tista' tistabbilixxi interess dirett u preżenti fiċ-ċirkostanzi speċifiċi tat-tilwima ("l-intervenjent") tintervjeni bħala parti terza. L-intervent għandu jkun limitat għall-appoġġ, kompletament jew parzjalment, tal-pożizzjoni ġuridika ta' waħda mill-partijiet litiganti.

2. Applikazzjoni għal intervent trid tiġi ppreżentata fi żmien 90 jum mill-pubblikazzjoni tal-preżentazzjoni tal-pretensjoni skont l-*Artikolu* 17.30. It-Tribunal għandu jiddeċiedi dwar l-applikazzjoni fi żmien 90 jum mid-data meta dik l-applikazzjoni tkun ġiet ippreżentata, wara li jagħti lill-partijiet litiganti l-opportunità li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom.

3. Jekk l-applikazzjoni għal intervent tingħata, l-intervenjent għandu jirċievi kopja ta' kull digriet proċedurali nnotifikat lill-partijiet litiganti, ħlief, jekk applikabbli, informazzjoni kunfidenzjali jew protetta. L-intervenjent jista' jippreżenta nota ta' intervent f'perjodu ta' żmien stabbilit mit-Tribunal wara l-komunikazzjoni tad-digrieti proċedurali. Il-partijiet litiganti għandu jkollhom l-opportunità li jwieġbu għan-nota ta' intervent. L-intervenjent għandu jitħalla jattendi s-seduti ta' smigħ li jsiru skont din it-Taqsima u jagħmel dikjarazzjoni orali.

4. Fil-każ ta' appell, l-intervenjent għandu jkun intitolat li jintervjeni quddiem it-Tribunal tal-Appell. Il-paragrafu 3 għandu japplika *mutatis mutandis*.

5. Id-dritt ta' intervent mogħti minn dan l-*Artikolu* huwa mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li t-Tribunal jaċċetta struzzjonijiet *amicus curiae* minn persuni terzi li jkollhom interess sinifikanti fil-proċedimenti, f'konformità mal-*Artikolu* 4 tar-Regoli ta' Trasparenza tal-UNCITRAL.

6. Għal aktar ċertezza, il-fatt li persuna tkun kreditur tal-pretendent ma għandux jitqies fih innifsu suffiċjenti biex jiġi stabbilit li dik il-persuna għandha interess dirett u preżenti fiċ-ċirkostanzi speċifiċi tat-tilwima.

Artikolu 17.50

Rapporti tal-esperti

Mingħajr preġudizzju għall-ħatra ta' tipi oħra ta' esperti, meta jkunu awtorizzati mir-regoli applikabbli msemmija fl-*Artikolu* 17.30(2), it-Tribunal, fuq it-talba ta' parti litiganti jew fuq inizjattiva tagħha stess wara li tikkonsulta mal-partijiet litiganti, jista' jaħtar espert wieħed jew aktar biex jirrapporta lilu bil-miktub dwar kwalunkwe kwistjoni fattwali li tikkonċerna kwistjonijiet ambjentali, tas-saħħa, tas-sikurezza jew kwistjonijiet oħra mqajma minn parti litiganti fil-proċedimenti.

Artikolu 17.51

Indennifikazzjoni jew kumpens ieħor

It-Tribunal ma għandux jaċċetta bħala difiża valida jew pretensjoni simili l-fatt li l-pretendent jew l-intrapriżi stabbilita lokalment irċeviet, jew se tirċievi indennifikazzjoni jew kumpens ieħor skont kuntratt ta' assigurazzjoni jew garanzija fir-rigward tal-kumpens kollu jew parti minnu mfittex f'tilwima mibdija skont din it-Taqsima.

Artikolu 17.52

Rwol tal-Partijiet

1. Parti ma għandhiex tressaq pretensjoni internazzjonali, fir-rigward ta' tilwima ppreżentata skont l-*Artikolu* 17.30, sakemm il-Parti l-oħra ma tkunx naqset milli timxi u tikkonforma mad-deċiżjoni mogħtija f'dik it-tilwima. Dan ma għandux jeskludi l-possibbiltà ta' soluzzjoni tat-tilwima skont il-Kapitolu 38 fir-rigward ta' miżura ta' applikazzjoni ġenerali, anki

jekk din il-miżura tkun allegatament kisret dan il-Ftehim fir-rigward ta' investiment speċifiku li fir-rigward tiegħu nbdiet tilwima skont l-*Artikolu* 17.30. Dan il-paragrafu jkun mingħajr preġudizzju għall-*Artikolu* 17.48.

2. Il-paragrafu 1 ma jipprekludix skambji informali għall-għan waħdieni tal-iffaċilitar ta' soluzzjoni tat-tilwim.

Artikolu 17.53

Konsolidazzjoni

1. Fil-każ li żewġ pretensjonijiet jew aktar li ġew ippreżentati skont din it-Taqsima jkollhom kwistjoni ta' liġi jew fatt komuni u jinħolqu mill-istess avvenimenti u ċirkostanzi, il-konvenut jista' jippreżenta lill-President tat-Tribunal talba għall-kunsiderazzjoni kkonsolidata ta' tali pretensjonijiet jew ta' partijiet minnhom. It-talba għandha tistipula:

(a) l-ismijiet u l-indirizzi tal-partijiet litiganti għall-pretensjonijiet li qed jippruvaw jiġu kkonsolidati;

(b) l-ambitu tal-konsolidazzjoni mixtieqa; u

(c) ir-raġunijiet għat-talba.

2. Il-konvenut għandu wkoll jikkonsenja t-talba lil kull predentent fil-pretensjonijiet li l-konvenut ikun qed ifittex li jikkonsolida.

3. Jekk il-partijiet litiganti kollha tal-pretensjonijiet li qed ifittxu li jiġu kkonsolidati jaqblu mal-kunsiderazzjoni konsolidata tat-talbiet, dawk il-partijiet litiganti għandhom jippreżentaw talba konġunta lill-President tat-Tribunal skont il-paragrafu 1. Sakemm il-President tat-Tribunal ma jiddeterminax li t-talba hija manifestament bla bażi, il-President tat-Tribunal għandu, fi żmien 30 jum minn meta jirċievi din it-talba, jikkostitwixxi diviżjoni ġdida (id-"diviżjoni ta' konsolidazzjoni") tat-Tribunal skont l-*Artikolu* 17.34, li għandu jkollu ġuriżdizzjoni fuq xi wħud mill-pretensjonijiet jew il-pretensjonijiet kollha, kompletament jew parzjalment, li huma soġġetti għal dik it-talba.

4. Jekk il-partijiet litiganti msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-*Artikolu* ma jkunux laħqu ftehim dwar il-konsolidazzjoni fi żmien 30 jum minn meta jirċievu t-talba għal konsolidazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-*Artikolu* mill-aħħar pretendent li jirċevuha, il-President tat-Tribunal għandu jikkostitwixxi diviżjoni ta' konsolidazzjoni skont l-*Artikolu* 17.34. Id-diviżjoni ta' konsolidazzjoni għandha tassumi ġuriżdizzjoni fuq xi wħud mill-pretensjonijiet jew il-pretensjonijiet kollha, kompletament jew parzjalment, jekk, wara li tikkunsidra l-fehmiet tal-partijiet litiganti, tkun issodisfata li l-pretensjonijiet ippreżentati skont l-*Artikolu* 17.30 għandhom kwistjoni ta' liġi jew ta' fatt komuni u li tirriżulta mill-istess avvenimenti jew ċirkostanzi, u li l-konsolidazzjoni sservi bl-aħjar mod l-interessi ta' soluzzjoni ġusta u effiċjenti tal-pretensjonijiet, inkluż l-interess ta' konsistenza tad-deċiżjonijiet.

5. Jekk il-pretendenti ma jkunux qablu dwar ir-regoli għas-soluzzjoni tat-tilwim forniti fil-lista stabbilita fl-*Artikolu* 17.30 (2) fi żmien 30 jum mid-data tal-wasla tat-talba għal kunsiderazzjoni konsolidata mill-aħħar pretendent li jirċeviha, il-kunsiderazzjoni konsolidata tat-talbiet għandha tiġi ppreżentata lid-diviżjoni ta' konsolidazzjoni tat-Tribunal skont l-applikazzjoni tar-Regoli ta' Arbitraġġ UNCITRAL soġġetti għar-regoli stabbiliti f'din it-Taqsima.

6. Id-diviżjonijiet tat-Tribunal ikkostitwiti skont l-*Artikolu* 17.34 għandhom iċedu l-ġuriżdizzjoni fir-rigward tal-pretensjonijiet, jew ta' partijiet minnhom, li fuqhom id-diviżjoni konsolidata għandha ġuriżdizzjoni, u l-proċedimenti ta' dawn id-diviżjonijiet għandhom jiġu sospiżi. Id-deċiżjoni tad-diviżjoni ta' konsolidazzjoni tat-Tribunal fir-rigward tal-partijiet tal-pretensjonijiet li fuqhom tkun assumiet il-ġuriżdizzjoni għandha tkun vinkolanti fuq id-diviżjonijiet li għandhom ġuriżdizzjoni fuq il-bqija tal-pretensjonijiet mid-data meta d-deċiżjoni ssir finali skont l-*Artikolu* 17.56.

7. Pretendent li l-pretensjoni tiegħu tkun soġġetta għal konsolidazzjoni jista' jirtira l-pretensjoni tiegħu, jew il-parti tagħha soġġetta għal konsolidazzjoni, mill-proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim skont dan l-*Artikolu*, u, f'każ li, tali pretensjoni jew parti minnha ma tistax tiġi ppreżentata mill-ġdid skont l-*Artikolu* 17.30.

8. Fuq it-talba tal-konvenut, id-diviżjoni ta' konsolidazzjoni tat-Tribunal, fuq l-istess bażi u bl-istess effett kif stabbilit fil-paragrafi 3 u 6, tista' tiddeċiedi jekk għandhiex il-ġuriżdizzjoni fuq pretensjoni sħiħa jew parti minnha li taqa' fl-ambitu tal-paragrafu 1 li hija ppreżentata wara l-bidu ta' proċeduri ta' konsolidazzjoni.

9. Fuq talba ta' wieħed mill-pretendenti, id-diviżjoni ta' konsolidazzjoni tat-Tribunal tista' tieħu l-miżuri sabiex tippreserva l-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kunfidenzjali jew protetta tal-pretendent vis-à-vis l-pretendenti l-oħrajn. Miżuri bħal dawn jistgħu jinkludu l-preżentazzjoni ta' verżjonijiet riveduti ta' dokumenti li fihom informazzjoni kunfidenzjali jew protetta lill-pretendenti l-oħrajn, jew arranġamenti li partijiet mis-seduti ta' smigħ isiru fil-privat.

Artikolu 17.54

Deċiżjoni provviżorja

1. Jekk it-Tribunal jikkonkludi li l-konvenut kiser xi waħda mid-dispożizzjonijiet imsemmija fl-*Artikolu* 17.25(1) kif allegat mill-pretendent, it-Tribunal jista', fuq il-bażi ta' talba mill-pretendent, u wara li jisma' lill-partijiet litiganti, jagħti biss:

(a) danni monetarji u kwalunkwe interess applikabbli; u

(b) ir-restituzzjoni tal-proprjetà, f'liema każ id-deċiżjoni għandha tipprevedi li l-konvenut jista' jħallas danni monetarji, u kwalunkwe interess applikabbli minflok ir-restituzzjoni, iddeterminati skontl-*Artikolu* 17.19.

Meta l-pretensjoni tkun ġiet ippreżentata f'isem kumpanija stabbilita lokalment, kwalunkwe deċiżjoni taħt dan il-paragrafu għandha tipprovdi li:

(a) kwalunkwe dannu u interess monetarju għandhom jitħallsu lill-intrapriża stabbilita lokalment;

(b) kwalunkwe restituzzjoni ta' proprjetà għandha ssir lill-intrapriża stabbilita lokalment.

Għal aktar ċertezza, it-Tribunal ma jistax jiddeċiedi dwar rimedji għajr dawk imsemmija fl-ewwel subparagrafu, u lanqas ma jista' jordna t-tħassir, il-waqfien jew il-modifika tal-miżura kkonċernata.

2. Id-danni monetarji ma għandhomx ikunu akbar mit-telf imġarrab mill-pretendent jew, jekk il-pretendent ikun aġixxa f'isem l-intrapriża stabbilita lokalment, mill-intrapriża stabbilita lokalment bħala riżultat tal-ksur tad-dispożizzjonijiet rilevanti msemmija fl-*Artikolu* 17.25(1), imnaqqsa bi kwalunkwe danni jew kumpens preċedenti diġà pprovdut mill-Parti kkonċernata. It-Tribunal għandu jistabbilixxi tali danni monetarji abbażi tal-preżentazzjonijiet tal-partijiet litiganti, u għandu jikkunsidra, jekk applikabbli, it-tort kontributorju, kemm jekk intenzjonat kif ukoll jekk negliġenti, jew in-nuqqas ta' mitigazzjoni tad-danni.

3. Għal aktar ċertezza, jekk investitur ta' Parti jippreżenta pretensjoni skont l-*Artikolu* 17.30, dan jista' jirkupra biss telf jew dannu li jkun ġarrab fil-kapaċità tiegħu bħala investitur ta' Parti.

4. It-Tribunal ma jistax jagħti danni punittivi.

5. It-Tribunal għandu jordna li l-ispejjeż tat-twettiq tal-proċedimenti jitħallsu mill-parti litiganti telliefa. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, it-Tribunal jista' jqassam l-ispejjeż bejn il-partijiet litiganti jekk jiddetermina li t-tqassim huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

6. It-Tribunal għandu jalloka wkoll spejjeż raġonevoli oħra, inklużi l-ispejjeż raġonevoli tar-rappreżentanza u l-assistenza legali, li għandhom jitħallsu mill-parti litiganti telliefa meta ma taċċettax pretensjoni u jieħu deċiżjoni skont l-*Artikolu* 17.42 jew 17.43. F'ċirkostanzi oħra, it-Tribunal għandu jiddetermina l-allokazzjoni ta' spejjeż raġonevoli oħra, inklużi l-ispejjeż raġonevoli tar-rappreżentanza legali u l-assistenza fost il-partijiet litiganti, filwaqt li jqis l-eżitu tal-proċedimenti u ċirkostanzi rilevanti oħra, bħall-imġiba tal-partijiet litiganti.

7. Meta jkunu rnexxew biss partijiet mill-pretensjonijiet, l-ispejjeż għandhom jiġu aġġustati b'mod proporzjonali, man-numru jew il-limitu tal-partijiet tal-pretensjonijiet li jkunu rnexxew.

8. It-Tribunal tal-Appell għandu jistabbilixxi u jqassaml-ispejjeż f'konformità dan l-*Artikolu*.

9. Mhux aktar tard minn sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Kumitat Konġunt għandu jadotta regoli supplimentari dwar it-tariffi bl-għan li jiġi ddeterminat l-ammont massimu ta' spejjeż ta' rappreżentanza legali u assistenza li jistgħu jitħallsu minn kategoriji speċifiċi ta' partijiet litiganti tellliefa, filwaqt li jqisu r-riżorsi finanzjarji tagħhom.

10. It-Tribunal għandu joħroġ deċiżjoni provviżorja fi żmien 24 xahar mid-data tal-preżentazzjoni tal-pretensjoni. Jekk dik l-iskadenza ma tkunx tista' tiġi rrispettata, it-Tribunal għandu jadotta deċiżjoni għal dak il-għan, li għandha tispeċifika lill-partijiet litiganti r-raġunijiet għal tali dewmien u tindika data stmata għall-ħruġ tad-deċiżjoni provviżorja.

Artikolu 17.55

Proċedura ta' appell

1. Kull parti litiganti tista' tappella deċiżjoni provviżorja quddiem it-Tribunal tal-Appell fi żmien, fi żmien 90 jum mill-ħruġ tagħha. Ir-raġunijiet għall-appell huma:

(a) li t-Tribunal ikun żbalja fl-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-liġi applikabbli;

(b) li t-Tribunal ikun żbalja manifestament fl-apprezzament tal-fatti, inkluż, jekk rilevanti fl-apprezzament tal-liġi ta' Parti; jew

(c) dawk previsti fl-*Artikolu* 52 tal-Konvenzjoni ICSID, sa fejn ma jiġux koperti mis-subparagrafi (a) u (b) ta' dan il-paragrafu.

2. It-Tribunal tal-Appell għandu jiċħad l-appell meta jsib li l-appell ikun bla bażi. Jista' jiċħad ukoll l-appell fuq bażi mħaffa fejn ikun ċar li l-appell ikun manifestament bla bażi.

3. Jekk it-Tribunal tal-Appell isib li l-appell ikollu bażi tajba, id-deċiżjoni tat-Tribunal tal-Appell għandha timmodifika jew tirrevoka s-sejbiet u l-konklużjonijiet legali fid-deċiżjoni provviżorja kompletament jew parzjalment. Id-deċiżjoni tiegħu għandha tispeċifika b'mod preċiż kif immodifika jew irrevoka s-sejbiet u l-konklużjonijiet rilevanti tat-Tribunal.

4. Meta l-fatti stabbiliti mit-Tribunal jippermettu, it-Tribunal tal-Appell għandu japplika s-sejbiet legali u l-konklużjonijiet tiegħu stess għal tali fatti u jagħti deċiżjoni finali. Jekk dak mhux possibbli, għandu jirreferi l-kwistjoni lura lit-Tribunal.

5. Bħala regola ġenerali, il-proċedimenti tal-appell ma għandhomx jaqbżu l-180 jum mid-data tan-notifika formali tad-deċiżjoni ta' appell ta' parti litiganti sad-data tal-ħruġ tad-deċiżjoni tat-Tribunal tal-Appell.. Fil-każ li t-Tribunal tal-Appell iqis li ma jistax joħroġ id-deċiżjoni tiegħu f'dak il-perjodu ta'180 jum, dan għandu jinforma lill-partijiet litiganti bil-miktub bir-raġunijiet għad-dewmien flimkien ma' stima tal-perjodu li matulu jkun se joħroġ id-deċiżjoni tiegħu. Il-proċedimenti ma għandhomx, fi kwalunkwe każ, jaqbżu l-270 jum.

6. Parti litiganti li tressaq appell għandha tipprovdi sigurtà għall-ispejjeż tal-appell.

7. L-Artikoli 17.33, 17.44, 17.45, 17.46, 17.48 u, jekk ikun rilevanti, dispożizzjonijiet oħra ta' din it-Taqsima, għandhom japplikaw *mutatis mutandis* fir-rigward tal-proċedura tal-appell.

Artikolu 17.56

Deċiżjoni finali

1. Deċiżjoni provviżorja maħruġa skont din it-Taqsima għandha jsir finali jekk l-ebda parti litiganti ma tkun għamlet appell għad-deċiżjoni provviżorja skont l-*Artikolu* 17.55.

2. Jekk tkun ġiet appellata deċiżjoni provviżorja u t-Tribunal tal-Appell ikun ċaħad l-appell skont l-*Artikolu* 17.55, id-deċiżjoni provviżorja għandha ssir finali fid-data taċ-ċaħda tal-appell mit-Tribunal tal-Appell.

3. Meta deċiżjoni provviżorja tkun ġiet appellata u t-Tribunal tal-Appell ikun għamel deċiżjoni finali, id-deċiżjoni provviżorja kif modifikata jew revokata mit-Tribunal tal-Appell għandha ssir finali fid-data tal-ħruġ tad-deċiżjoni finali tat-Tribunal tal-Appell.

4. Meta deċiżjoni provviżorja tkun ġiet appellat u t-Tribunal tal-Appell ikun immodifika jew irrevoka s-sejbiet legali u l-konklużjonijiet tad-deċiżjoni provviżorja u rrefera l-kwistjoni lura lit-Tribunal, it-Tribunal għandu, wara li jisma' l-partijiet litiganti, jekk xieraq, jirrevedi d-deċiżjoni provviżorja tiegħu biex din tirrifletti s-sejbiet u l-konklużjonijiet tat-Tribunal tal-Appell. It-Tribunal għandu jkun marbut bis-sejbiet tat-Tribunal tal-Appell. It-Tribunal għandu jfittex li joħroġ id-deċiżjoni riveduta tiegħu fi żmien 90 jum minn meta jirċievi d-deċiżjoni tat-Tribunal tal-Appell. Id-deċiżjoni provviżorja riveduta għandha ssir finali 90 jum wara d-data tal-ħruġ tagħha.

5. Id-deċiżjoni finali għandha tinkludi kwalunkwe deċiżjoni finali tat-Tribunal tal-Appell mogħtija skont l-*Artikolu* 17.55.

Artikolu 17.57

Infurzar tad-deċiżjonijiet

1. Deċiżjoni mogħtija skont din it-Taqsima ma għandhiex tkun infurzabbli sakemm tkun saret finali skont l-*Artikolu* 17.56. Id-deċiżjonijiet finali maħruġa skont din it-Taqsima għandhom ikunu vinkolanti fuq il-partijiet litiganti u ma għandhomx ikunu soġġetti għal appell, rieżami, twarrib, annullament jew kwalunkwe rimedju ieħor ([57]).

2. Kull parti għandha tirrikonoxxi deċiżjoni mogħtija skont din it-Taqsima bħala vinkolanti u tinforza l-obbligu pekunjarju fi ħdan it-territorju tagħha bħallikieku kienet sentenza finali ta' tribunal domestiku jew qorti f'dik il-Parti.

3. L-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni għandha tkun irregolata mil-liġijiet u r-regolamenti dwar l-eżekuzzjoni ta' sentenzi jew deċiżjonijiet fis-seħħ fejn issir tali eżekuzzjoni.

4. Għal aktar ċertezza, l-*Artikolu* 41.10 ma għandux jipprevjeni r-rikonoxximent, l-eżekuzzjoni u l-infurzar ta' deċiżjonijiet stabbiliti skont din it-Taqsima.

5. Għall-finijiet tal-*Artikolu* I tal-Konvenzjoni ta' New York, id-deċiżjonijiet finali maħruġa skont din it-Taqsima huma deċiżjonijiet arbitrali relatati ma' pretensjonijiet li huma meqjusa li jirriżultaw minn relazzjoni jew tranżazzjoni kummerċjali.

6. Għal aktar ċertezza u soġġett għas-subparagrafu 1 ta' dan l-*Artikolu*, meta pretensjoni tiġi ppreżentata għas-soluzzjoni tat-tilwim skont is-subparagrafu (a) tal-*Artikolu* 17.30(2) ta' dan il-Ftehim, deċiżjoni finali maħruġa skont din it-Taqsima għandha tikkwalifika bħala deċiżjoni taħt it-Taqsima 6 tal-Konvenzjoni ICSID.

KAPITOLU 18

KUMMERĊ TRANSFRUNTIER FIS-SERVIZZI

Artikolu 18.1

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu japplika għal miżuri ta' Parti li jaffettwaw il-kummerċ transfruntier fis-servizzi minn fornituri ta' servizzi tal-Parti l-oħra. Miżuri bħal dawn jinkludu miżuri li jaffettwaw:

(a) il-produzzjoni, id-distribuzzjoni, ir-reklamar, il-bejgħ u l-konsenja ta' servizz;

(b) ix-xiri jew l-użu ta' servizz jew il-ħlas għalih;

(c) l-aċċess għal u l-użu ta', b'rabta mal-provvista ta' servizz, servizzi li huma meħtieġa minn Parti sabiex jiġu offruti lill-pubbliku inġenerali, inklużi d-distribuzzjoni, it-trasport u n-networks tat-telekomunikazzjonijiet; u

(d) il-forniment ta' bond jew forma oħra ta' garanzija finanzjarja, bħala kundizzjoni għall-provvista ta' servizz.

2. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal:

(a) is-servizzi finanzjarji, kif definiti fl-*Artikolu* 25.2;

(b) is-servizzi awdjoviżivi;

([57]) Għal aktar ċertezza, dan ma jżommx lil parti litiganti milli titlob lit-Tribunal jirrevedi deċiżjoni jew jinterpreta deċiżjoni f'konformità mar-regoli applikabbli dwar is-soluzzjoni tat-tilwim fejn din il-possibbiltà tkun disponibbli skont ir-regoli applikabbli.

(c) il-kabotaġġ marittimu nazzjonali ([58]);

(d) is-servizzi tal-ajru domestiċi u internazzjonali jew servizzi relatati b'appoġġ ta' servizzi tal-ajru ([59]), skedati jew mhux skedati, u s-servizzi direttament relatati mal-eżerċitar tad-drittijiet tat-traffiku, minbarra:

(i) is-servizzi tat-tiswija u tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru li matulhom inġenju tal-ajru jiġi rtirat mis-servizz;

(ii) il-bejgħ u l-kummerċjalizzazzjoni ta' servizzi tat-trasport bl-ajru;

(iii) is-servizzi ta' sistema kompjuterizzata ta' prenotazzjoni (CRS); u

(iv) is-servizzi fuq l-art;

(e) l-akkwist pubbliku; u

(f) sussidji jew għotjiet ipprovduti mill-Partijiet jew minn intrapriża li tkun proprjetà tal-Istat, inklużi self appoġġat mill-gvern, garanziji u assigurazzjoni.

Artikolu 18.2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu u l-Annessi 17-A, 17-B u 17-C:

(a) "servizzi ta' tiswija u ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru" tfisser tali attivitajiet meta jitwettqu fuq inġenju tal-ajru jew parti minnu waqt li jkun qiegħed jiġi rtirat mis-servizz u ma jinkludux l-ħekk imsejħa manutenzjoni tal-linja;

(b) "servizzi ta' sistema kompjuterizzata ta' prenotazzjoni (CRS)" tfisser servizzi pprovduti b'sistemi kompjuterizzati li fihom informazzjoni dwar l-iskedi tat-trasportatur tal-ajru, id-disponibbiltà, in-nollijiet u r-regoli dwar in-nollijiet, li bihom jistgħu jsiru l-prenotazzjonijiet jew jinħarġu l-biljetti;

(c) "kummerċ transfruntier fis-servizzi" jew "provvista transfruntiera ta' servizzi" tfisser il-provvista ta' servizz:

(i) mit-territorju ta' Parti għat-territorju tal-Parti l-oħra; jew

(ii) fit-territorju ta' Parti lil konsumatur tas-servizz tal-Parti l-oħra;

(d) "intrapriża" tfisser persuna ġuridika, fergħa jew uffiċċju rappreżentattiv stabbiliti permezz ta' stabbiliment;

(e) "servizzi fuq l-art" tfisser il-provvista f'ajruport, fuq bażi ta' tariffi jew kuntrattwali, tas-servizzi li ġejjin: ir-rappreżentanza, l-amministrazzjoni u s-superviżjoni tal-linji tal-ajru; l-immaniġġar tal-passiġġieri; l-immaniġġar tal-bagalji; is-servizzi tar-rampa; il-forniment tal-ikel, ħlief għat-tħejjija ta' ikel; il-ġarr ta' merkanzija bl-ajru u l-immaniġġar tal-posta; il-forniment tal-fjuwil f'inġenju tal-ajru; is-servizz ta' manutenzjoni u t-tindif ta' inġenju tal-ajru;; it-trasport bis-superfiċje; u l-operazzjonijiet ta' titjiriet, l-amministrazzjoni tal-ekwipaġġ u l-ippjanar tat-titjiriet; is-servizzi fuq l-art ma jinkludux: l-awtoforniment ta' servizz; is-sigurtà; il-manutenzjoni bil-linja; it-tiswija u l-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru; jew il-ġestjoni jew l-operat tal-infrastruttura ċentralizzata essenzjali tal-ajruport, bħal faċilitajiet ta' tneħħija tas-silġ, sistemi ta' distribuzzjoni tal-fjuwil, sistemi tal-immaniġġar tal-bagalji u sistemi fissi tat-trasport bejn l-ajruporti;

([58]) Mingħajr preġudizzju għall-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet li jistgħu jitqiesu bħala kabotaġġ skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti, il-kabotaġġ marittimu nazzjonali skont dan il-Kapitolu jkopri t-trasport ta' passiġġieri jew ta' oġġetti bejn port jew punt li jkun jinsab fiċ-Ċilì jew fi Stat Membru u port ieħor jew punt li jkun jinsab fiċ-Ċilì jew f'dak l-istess Stat Membru, inkluż fuq il-blata kontinentali tiegħu, kif previst fil-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar, u t-traffiku li joriġina u li jintemm fl-istess port jew punt li jkun jinsab fiċ-Ċilì jew fi Stat Membru.

([59]) Għal aktar ċertezza, is-servizzi tal-ajru jew is-servizzi relatati b'appoġġ għas-servizzi tal-ajru jinkludu s-servizzi li ġejjin: it-trasport bl-ajru; servizzi pprovduti bl-użu ta' inġenju tal-ajru li l-iskop primarju tiegħu ma jkunx it-trasport ta' oġġetti jew ta' passiġġieri, bħal taħriġ ta' titjiriet tat-tifi tan-nar, ġiti għall-veduti, sprejjar, stħarriġ, immappjar, fotografija, qbiż bil-paraxut, irmonkar tal-gliders, irfigħ bil-ħelikopter għall-qtugħ tas-siġar għall-injam u għall-kostruzzjoni li jsiru fl-ajru, u servizzi agrikoli, industrijali u ta' spezzjoni oħra li jsiru fl-ajru; il-kiri ta' inġenji tal-ajru bl-ekwipaġġ; u servizzi ta' tħaddim tal-ajruporti.

(f) "persuna ġuridika ta' Parti" tfisser ([60]):

(i) għall-Parti tal-UE:

(A) persuna ġuridika kostitwita jew organizzata skont id-dritt tal-Unjoni Ewropea jew ta' tal-anqas wieħed mill-Istati Membri tagħha u involuta f'operazzjonijiet sostantivi ta' negozju ([61]) fit-territorju tal-Unjoni Ewropea; u

(B) kumpaniji tat-tbaħħir stabbiliti barra mill-Unjoni Ewropea, u kkontrollati minn persuni fiżiċi ta' Stat Membru, li l-bastimenti tagħhom ikunu rreġistrati fi Stat Membru, u jtajru l-bandiera tiegħu;

(ii) għaċ-Ċilì:

(A) persuna ġuridika kkostitwita jew organizzata skont il-liġi taċ-Ċilì u involuta f'operazzjonijiet kummerċjali sostantivi fit-territorju taċ-Ċilì; u

(B) kumpaniji tat-tbaħħir stabbiliti barra miċ-Ċilì, u kkontrollati minn persuni fiżiċi taċ-Ċilì, li l-bastimenti tagħhom ikunu rreġistrati fiċ-Ċilì, u jtajru l-bandiera tiegħu;

(g) "servizzi ta' bejgħ u ta' kummerċjalizzazzjoni tat-trasport bl-ajru" tfisser opportunitajiet għat-trasportatur bl-ajru kkonċernat biex ibigħ u jikkummerċjalizza liberament is-servizzi tiegħu tat-trasport bl-ajru, fosthom kull aspett tal-kummerċjalizzazzjoni bħalma huma r-riċerka tas-suq, ir-reklamar u d-distribuzzjoni; dawn l-attivitajiet ma jinkludux l-ipprezzar tas-servizzi tat-trasport bl-ajru u lanqas il-kundizzjonijiet applikabbli;

(h) "servizz" tfisser kwalunkwe servizz fi kwalunkwe settur, għajr is-servizzi pprovduti fl-eżerċizzju ta' awtorità governattiva;

(i) "servizz ipprovdut fl-eżerċizzju ta' awtorità governattiva" tfisser kwalunkwe servizz li la jiġi pprovdut fuq bażi kummerċjali u lanqas f'kompetizzjoni ma' fornitur ta' servizz, wieħed jew aktar; u

(j) "fornitur ta' servizz ta' Parti" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika ta' Parti li tfittex li tipprovdi servizz jew li tipprovdih.

Artikolu 18.3

Dritt għar-regolamentazzjoni

Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid id-dritt tagħhom li jirregolaw fit-territorji tagħhom sabiex jilħqu l-objettivi ta' politika leġittimi, bħall-ħarsien tas-saħħa pubblika, is-servizzi soċjali, l-edukazzjoni, is-sikurezza, l-ambjent inkluż it-tibdil fil-klima, il-morali pubbliċi, il-protezzjoni soċjali jew tal-konsumatur, il-privatezza u l-protezzjoni tad-*data*, jew il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-diversità kulturali.

Artikolu 18.4

Trattament nazzjonali

1. Kull Parti għandha tagħti lis-servizzi u lill-fornituri ta' servizzi tal-Parti l-oħra trattament mhux anqas favorevoli mit-trattament li tagħti, f'sitwazzjonijiet simili, lis-servizzi u lill-fornituri ta' servizzi tagħha stess.

2. It-trattament mogħti minn Parti skont il-paragrafu 1 ifisser:

(a) fir-rigward ta' gvern reġjonali jew lokali taċ-Ċilì, trattament mhux anqas favorevoli mill-aktar trattament favorevoli mogħti, f'sitwazzjonijiet simili, minn dak il-livell ta' gvern lis-servizzi u lill-fornituri ta' servizzi tiegħu stess;

([60]) Għal aktar ċertezza, il-kumpaniji tat-tbaħħir imsemmija f'din id-definizzjoni jitqiesu biss bħala persuni ġuridiċi ta' Parti fir-rigward tal-attivitajiet tagħhom relatati mal-provvista ta' servizzi tat-trasport marittimu.

([61]) F'konformità man-notifika tagħha tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea lid-WTO (WT/REG39/1), il-Parti tal-UE tifhem li l-kunċett ta' "rabta effettiva u kontinwa" mal-ekonomija ta' Stat Membru mnaqqax fl-*Artikolu* 54 tat-Trattament dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea huwa ekwivalenti għall-kunċett ta' "operazzjonijiet kummerċjali sostantivi".

(b) fir-rigward ta' gvern ta', jew fi, Stat Membru, trattament mhux anqas favorevoli mill-aktar trattament favorevoli mogħti, f'sitwazzjonijiet simili, minn dak il-gvern lis-servizzi u lill-fornituri ta' servizzi tiegħu stess.

3. Parti tista' tissodisfa r-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 1 billi tagħti lis-servizzi u lill-fornituri ta' servizzi tal-Parti l-oħra, trattament formalment identiku jew trattament formalment differenti minn dak li tagħti lis-servizzi u lill-fornituri ta' servizzi tagħha stess.

4. Trattament formalment identiku jew formalment differenti għandu jitqies bħala inqas favorevoli jekk jimmodifika l-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni favur is-servizzi jew il-fornituri ta' servizzi ta' Parti meta pparagunat mas-servizzi jew il-fornituri ta' servizzi simili tal-Parti l-oħra.

5. Xejn f'dan l-*Artikolu* ma għandu jiġi interpretat bħala li jirrikjedi li xi Parti tikkumpensa għal kwalunkwe żvantaġġ kompetittiv inerenti li jirriżulta mill-karattru barrani tas-servizzi jew tal-fornituri ta' servizzi rilevanti.

Artikolu 18.5

Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit

1. Kull Parti għandha tagħti lis-servizzi u lill-fornituri ta' servizzi tal-Parti l-oħra trattament mhux anqas favorevoli mit-trattament li tagħti, f'sitwazzjonijiet simili, lis-servizzi u lill-fornituri ta' servizzi ta' pajjiż terz.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux jiġi interpretat bħala li jobbliga lil Parti testendi lis-servizzi u lill-fornituri ta' servizzi tal-Parti l-oħra l-benefiċċju ta' kwalunkwe trattament li jirriżulta minn miżuri li jipprevedu r-rikonoxximent ta' standards, inkluż tal-istandards jew tal-kriterji għall-awtorizzazzjoni, il-liċenzjar jew iċ-ċertifikazzjoni ta' persuna fiżika jew intrapriża biex twettaq attività ekonomika, jew ta' miżuri prudenzjali.

3. Għal aktar ċertezza, it-trattament imsemmi fil-paragrafu 1 ma jinkludix il-proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim jew mekkaniżmi previsti fi trattati ta' internazzjonali jew fi ftehimiet kummerċjali oħrajn. Id-dispożizzjonijiet sostantivi fi trattati internazzjonali u fi ftehimiet kummerċjali oħrajn fihom infushom ma jikkostitwixxux trattament kif imsemmi fil-paragrafu 1 u għaldaqstant ma jistgħux iwasslu għal ksur ta' dan l-*Artikolu*, miżuri assenti adottati jew miżmuma minn Parti. Il-miżuri ta' Parti applikati skont dawk id-dispożizzjonijiet sostantivi jistgħu jikkostitwixxu "trattament" skont dan l-*Artikolu* u għaldaqstant iwasslu għal ksur ta' dan l-*Artikolu*.

Artikolu 18.6

Preżenza lokali

Parti ma għandhiex tirrikjedi li fornitur ta' servizz tal-Parti l-oħra jistabbilixxi jew iżomm intrapriża jew ikun residenti fit-territorju tagħha bħala kundizzjoni għall-provvista transfruntiera ta' servizz.

Artikolu 18.7

L-aċċess għas-suq

Fis-setturi jew is-subsetturi fejn jitwettqu impenji dwar l-aċċess għas-suq, Parti ma għandhiex tadotta jew iżżomm, jew fuq il-bażi tat-territorju sħiħ tagħha jew fuq il-bażi ta' suddiviżjoni territorjali, miżuri li:

(a) jimponu limitazzjonijiet fuq:

(i) l-għadd ta' fornituri ta' servizz, kemm jekk fil-forma ta' kwoti numeriċi, ta' monopolji, ta' fornituri esklużivi ta' servizzi jew tar-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi;

(ii) il-valur totali ta' tranżazzjonijiet ta' servizz jew assi fil-forma ta' kwoti numeriċi jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi;

(iii) l-għadd totali ta' operazzjonijiet ta' servizz jew il-kwantità totali ta' produzzjoni ta' servizz, imfissra f'termini ta' unitajiet numeriċi ddeżinjati fil-forma ta' kwoti jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi ([62]); jew

(iv) l-għadd totali ta' persuni fiżiċi li jistgħu jiġu impjegati f'settur tas-servizzi partikolari jew li fornitur ta' servizzi jista' jimpjega u li huma meħtieġa għal, jew direttamenti relatati ma', il-provvista ta' servizz speċifiku fil-forma ta' kwoti numeriċi jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi; jew

(b) jirrestringġu jew jirrikjedu tipi speċifiċi ta' entità ġuridika jew ta' impriża konġunta li permezz tagħhom fornitur ta' servizz jista' jipprovdi servizz.

Artikolu 18.8

Miżuri mhux konformi

1. L-Artikoli 18.4, 18.5 u 18.6 ma japplikawx għal:

(a) kwalunkwe miżura eżistenti mhux konformi li tinżamm minn:

(i) għall-Parti tal-UE:

(A) l-Unjoni Ewropea, kif stabbilit fl-Appendiċi 17-A-1;

(B) il-gvern ċentrali ta' Stat Membru, kif stabbilit fl-Appendiċi 17-A-1;

(C) livell reġjonali ta' gvern ta' Stat Membru, kif stabbilit fl-Appendiċi 17-A-1; jew

(D) livell lokali ta' gvern; u

(ii) għaċ-Ċilì:

(A) il-gvern ċentrali, kif stabbilit fl-Appendiċi 17-A-2;

(B) livell reġjonali ta' gvern, kif stabbilit fl-Appendiċi 17-A-2; jew

(C) livell lokali ta' gvern;

(b) il-kontinwazzjoni jew it-tiġdid fil-pront ta' kwalunkwe miżura mhux konformi msemmija fis-subparagrafu (a) ta' dan il-paragrafu; jew

(c) modifika ta' kwalunkwe miżura mhux konformi msemmija fil-subparagrafu (a) ta' dan il-paragrafu, sal-punt li l-modifika ma tnaqqasx il-konformità tal-miżura, kif din kienet teżisti immedjatament qabel l-emenda, mal-Artikoli 18.4, 18.5 u 18.6.

2. L-Artikol 18.4, 18.5 and 18.6 ma japplikawx għal kwalunkwe miżura ta' Parti fir-rigward ta' setturi, ta' subsetturi jew ta' attivitajiet, kif stabbilit fl-iskeda tiegħu fl-Anness 17-B.

3. L-*Artikolu* 18.7 ma japplikax għal kwalunkwe miżura ta' Parti fir-rigward ta' setturi, ta' subsetturi jew ta' attivitajiet impenjati, kif stabbilit fl-Anness 17-C.

Artikolu 18.9

Tiċħid tal-benefiċċji

Parti tista' ċċaħħad lil fornitur ta' servizz tal-Parti l-oħra l-benefiċċji ta' dan il-Kapitolu jekk il-Parti li ċċaħħad tadotta jew iżżomm miżuri relatati maż-żamma tal-paċi u tas-sigurtà internazzjonali, inkluża l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, li:

(a) jipprojbixxu tranżazzjonijiet ma' dak il-fornitur ta' servizz, jew ma' persuna li għandha jew li tikkontrolla lil dak il-fornitur ta' servizz; jew

([62]) Dan is-subparagrafu ma jkoprix miżuri ta' Parti li jillimitaw l-inputs għall-provvista ta' servizzi.

(b) jinkisru jew jiġu evitati jekk il-benefiċċji ta' dan il-Kapitolu jingħataw lil dak il-fornitur ta' servizz.

Artikolu 18.10

Is-Sottokumitat dwar is-Servizzi u l-Investiment

Is-Sottokumitat dwar is-Servizzi u l-Investiment ("Sottokumitat") huwa stabbilit skont l-*Artikolu* 8.8(1). Meta jindirizza kwistjonijiet relatati mal-investiment, is-Sottokumitat għandu jimmonitorja u jiżgura l-implimentazzjoni xierqa ta' dan il-Kapitolu, Kapitoli 19, 20, 21, 22, 23, 24 u 26 u tal-Annessi 17-A sa 17-I, 19-A, 19-B, 19-C, 21-A u 21-B.

KAPITOLU 19

PREŻENZA TEMPORANJA TA' PERSUNI FIŻIĊI GĦAL FINIJIET TA' NEGOZJU

Artikolu 19.1

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu japplika għal miżuri ta' Parti li jikkonċernaw it-twettiq ta' attivitajiet ekonomiċi permezz tad-dħul u tas-soġġorn temporanju fit-territorju tagħha ta' persuni fiżiċi tal-Parti l-oħra, li huma viżitaturi kummerċjali għal finijiet ta' stabbiliment, investituri, ħaddiema bi trasferiment intraażjendali, viżitaturi kummerċjali b'terminu qasir, fornituri ta' servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti.

2. Dan il-Kapitolu ma japplikax għas-setturi msemmija fis-subparagrafi (b), (c) u (d) tal-*Artikolu* 18.1(2).

3. Dan il-Kapitolu ma għandux japplika għal miżuri ta' Parti li jaffettwaw persuni fiżiċi tal-Parti l-oħra li jfittxu aċċess għas-suq tax-xogħol, jew għal miżuri dwar iċ-ċittadinanza, in-nazzjonalità, ir-residenza jew l-impjieg fuq bażi permanenti.

4. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jipprevjeni lil Parti milli tapplika miżuri biex tirregola d-dħul ta' persuni fiżiċi tal-Parti l-oħra, jew is-soġġorn temporanju tagħhom fit-territorju tagħha, inklużi miżuri li huma meħtieġa għall-ħarsien tal-integrità ta' persuni fiżiċi u sabiex jiġi żgurat il-moviment organizzat tagħhom fil-fruntieri tagħha, bil-kundizzjoni li tali miżuri ma jiġux applikati b'mod li jannullaw jew ifixklu l-benefiċċji li jirriżultaw għall-Parti l-oħra taħt din il-Parti ta' dan il-Ftehim.

5. L-uniku fatt li Parti tirrikjedi li persuni tal-Parti l-oħra jiksbu viża ma għandux jinftiehem bħala nullifikazzjoni jew tfixkil tal-benefiċċji li jirriżultaw għall-Parti l-oħra taħt din il-Parti ta' dan il-Ftehim.

6. Sa fejn l-impenji ma humiex meħuda taħt dan il-Kapitolu, ir-rekwiżiti kollha previsti fil-liġi ta' Parti fir-rigward tad-dħul u tas-soġġorn temporanju ta' persuni fiżiċi għandhom ikomplu japplikaw, inklużi l-liġijiet u r-regolamenti dwar it-tul tas-soġġorn.

7. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, ir-rekwiżiti kollha previsti fil-liġi ta' Parti rigward ix-xogħol u l-miżuri tas-sigurtà soċjali, inklużi l-liġijiet u r-regolamenti li jikkonċernaw il-pagi minimi kif ukoll il-ftehimiet kollettivi dwar il-pagi, għandhom ikomplu japplikaw.

8. Impenji skont dan il-Kapitolu dwar id-dħul u s-soġġorn temporanju ta' persuni fiżiċi għal finijiet kummerċjali ma japplikawx f'każijiet li fihom l-intenzjoni jew l-effett tad-dħul u tas-soġġorn temporanju jkun ta' xkiel jew ta' xi effett ieħor għall-eżitu ta' kwalunkwe tilwima jew negozjar relatat mal-impjiegi jew mal-ġestjoni, jew fl-impjieg ta' kwalunkwe persuna fiżika li tkun involuta f'dik it-tilwima.

Artikolu 19.2

Definizzjonijiet

1. Id-definizzjonijiet fl-Artikoli 17.2 u 18.2 japplikaw għal dan il-Kapitolu u għall-Annessi 19-A, 19-B u 19-C, bl-eċċezzjoni tad-definizzjoni ta' investitur ta' Parti fis-subparagrafu (l) tal-*Artikolu* 17.2(1).

2. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu u tal-Annessi 19-A, 19-B u 19-C:

(a) "bejjiegħa tan-negozju" tfisser viżitaturi kummerċjali b'terminu qasir li:

(i) huma rappreżentanti ta' fornitur ta' servizz jew ta' oġġetti ta' Parti bil-għan li jinnegozjaw il-bejgħ ta' servizzi jew ta' oġġetti, jew li jidħlu fi ftehimiet biex ibigħu servizzi jew oġġetti għal dak il-fornitur, inkluż: jattendu laqgħat jew konferenzi; jinvolvu ruħhom f'konsultazzjonijiet ma' kollegi kummerċjali; u jieħdu ordnijiet jew jinnegozjaw kuntratti ma' intrapriża li tinsab fit-territorju tal-Parti l-oħra;

(ii) ma jkunux involuti fil-provvista ta' servizz fil-qafas ta' kuntratt konkluż bejn intrapriża li ma jkollha ebda preżenza kummerċjali fit-territorju tal-Parti fejn il-viżitaturi kummerċjali b'terminu qasir ikunu qed jissoġġornaw b'mod temporanju, u konsumatur f'dak it-territorju; u

(iii) ma jkunux aġenti tal-kummissjoni;

(b) "viżitaturi kummerċjali għal finijiet ta' stabbiliment" tfisser persuni fiżiċi li jaħdmu f'pożizzjoni għolja fi ħdan persuna ġuridika ta' Parti li jkunu responsabbli għat-twaqqif ta' intrapriża ta' tali persuna ġuridika fit-territorju tal-Parti l-oħra, li ma joffrux jew ma jipprovdux servizzi jew li ma jinvolvu ruħhom f'ebda attività ekonomika minbarra dik meħtieġa għall-finijiet ta' stabbiliment, u li ma jirċevux rimunerazzjoni minn sors li jkun jinsab fil-Parti l-oħra;

(c) "fornituri ta' servizzi kuntrattwali" tfisser persuni fiżiċi impjegati minn persuna ġuridika ta' Parti li ma tkunx hija stess stabbilita fit-territorju tal-Parti l-oħra u li ma tkunx aġenzija għal servizzi ta' kollokament u ta' provvista ta' persunal, jew taġixxi permezz ta' tali aġenzija, u li tkun ikkonkludiet kuntratt *bona fide* ma' konsumatur finali fil-Parti l-oħra biex tipprovdi servizzi fil-Parti l-oħra li teħtieġ il-preżenza fuq bażi temporanja tal-impjegati tagħha f'dik il-Parti l-oħra sabiex jiġi ssodisfat il-kuntratt għall-provvista ta' servizzi ([63]);

(d) "professjonisti indipendenti" tfisser persuni fiżiċi involuti fil-provvista ta' servizz u stabbiliti bħala impjegati għal rashom fit-territorju ta' Parti, iżda mhux fit-territorju tal-Parti l-oħra, li kkonkludew kuntratt *bona fide*, għajr permezz ta' aġenzija għas-servizzi ta' kollokament u ta' provvista ta' persunal, ma' konsumatur finali biex jipprovdu servizzi fil-Parti l-oħra li teħtieġ il-preżenza tagħhom fuq bażi temporanja f'dik il-Parti l-oħra ([64]);

(e) "installaturi u persunal ta' manutenzjoni" tfisser viżitaturi kummerċjali b'terminu qasir li jkollhom għarfien speċjalizzat essenzjali għal obbligu kuntrattwali tal-bejjiegħ jew tal-lokatur, li jwettqu servizzi jew li jħarrġu lill-ħaddiema biex iwettqu s-servizzi, skont garanzija jew kuntratt ta' servizz ieħor relatat mal-bejgħ jew il-kiri ta' tagħmir jew makkinarju kummerċjali jew industrijali, inklużi servizzi tal-kompjuter u oħrajn relatati, mixtrija jew mikrija minngħand intrapriża li tinsab barra t-territorju tal-Parti li fiha huwa mitlub id-dħul u s-soġġorn temporanju, matul il-perjodu tal-garanzija jew tal-kuntratt ta' servizz;

(f) "ħaddiema bi trasferiment intraażjendali" tfisser persuni fiżiċi li kienu impjegati minn, jew sħab fi, persuna ġuridika ta' Parti għal tal-anqas sena, li huma temporanjament ittrasferiti lil intrapriża ta' dik il-persuna ġuridika fit-territorju tal-Parti l-oħra, u li jappartjenu għal waħda mill-kategoriji li ġejjin:

(i) maniġers;

(ii) speċjalisti;

(iii) impjegati trainees;

([63]) Il-kuntratt għall-forniment ta' servizzi msemmi f'dan is-subparagrafu għandu jikkonforma mar-rekwiżiti tal-liġi tal-Parti fejn jiġi eżegwit il-kuntratt.

([64]) Il-kuntratt għall-forniment ta' servizzi msemmi f'dan is-subparagrafu għandu jikkonforma mar-rekwiżiti tal-liġi tal-Parti fejn jiġi eżegwit il-kuntratt.

(g) "investitur" tfisser persuna fiżika li tistabbilixxi fit-territorju tal-Parti l-oħra intrapriża li għaliha dik il-persuna fiżika jew il-persuna ġuridika li timpjega lil dik il-persuna fiżika tkun impenjat, jew tkun fil-proċess li timpenja, ammont sostanzjali ta' kapital, u li tiżviluppa jew tamministra t-tħaddim ta' dik l-intrapriża f'kapaċità li tkun superviżorja jew eżekuttiva;

(h) "maniġers" tfisser persuni fiżiċi li jaħdmu f'pożizzjoni għolja fi ħdan persuna ġuridika ta' Parti li primarjament imexxu l-ġestjoni tal-intrapriża fit-territorju tal-Parti l-oħra ([65]), u li jkunu qegħdin jirċievu superviżjoni jew direzzjoni ġenerali prinċipalment minn uffiċjali eżekuttivi ta' livell għoli, mill-bord tad-diretturi jew mill-azzjonisti tan-negozju jew l-ekwivalenti tagħhom u li r-responsabbiltajiet tagħhom jinkludu:

(i) it-tmexxija tal-intrapriża jew ta' dipartiment jew ta' suddiviżjoni tiegħu;

(ii) is-sorveljanza u l-kontroll tax-xogħol ta' impjegati superviżorji, professjonali jew maniġerjali oħrajn; u

(iii) li jkollhom awtorità personali biex jirreklutaw u jkeċċu jew li jirrakkomandaw ir-reklutaġġ, it-tkeċċija jew azzjonijiet oħrajn relatati mal-persunal;

(i) "viżitaturi kummerċjali b'terminu qasir" tfisser persuni fiżiċi li qed ifittxu dħul u soġġorn temporanju fit-territorju tal-Parti l-oħra li ma jinvolvux ruħhom f'bejgħ dirett lill-pubbliku ġenerali, ma jirċevux remunerazzjoni minn sors li jinsab fil-Parti l-oħra, u jappartjenu għal waħda mill-kategoriji li ġejjin:

(i) bejjiegħa tan-negozju;

(ii) installaturi u persunal ta' manutenzjoni;

(j) "speċjalisti" tfisser persuni fiżiċi li jaħdmu fi ħdan persuna ġuridika ta' Parti li jkollhom għarfien speċjalizzat essenzjali għall-oqsma ta' attività, it-tekniki jew il-ġestjoni tal-intrapriża; meta jiġi vvalutat tali għarfien, għandu jittieħed kont mhux biss tal-għarfien speċifiku għall-istabbiliment, iżda wkoll ta' jekk il-persuna jkollhiex livell għoli ta' kwalifiki, inkluża esperjenza professjonali adegwata, rigward tip ta' xogħol jew ta' attività li jirrikjedu għarfien tekniku speċifiku, inkluża s-sħubija possibbli ta' professjoni akkreditata; u

(k) "impjegati trainees" tfisser persuni fiżiċi b'lawrja universitarja u li jiġu ttrasferiti temporanjament għal finijiet ta' żvilupp tal-karriera jew sabiex jiksbu taħriġ fit-tekniki jew fil-metodi tan-negozju ([66]).

Artikolu 19.3

Ħaddiema bi trasferiment intraażjendali, viżitaturi kummerċjali għal finijiet ta' stabbiliment u investituri

1. Soġġett għall-kundizzjonijiet u l-kwalifiki rilevanti stabbiliti fl-Anness 19-A, kull Parti:

(a) għandha tippermetti d-dħul u s-soġġorn temporanju ta' ħaddiema bi trasferiment intraażjendali, ta' viżitaturi kummerċjali għal finijiet ta' stabbiliment u ta' investituri tal-Parti l-oħra;

(b) għandha tippermetti l-impjieg fit-territorju tagħha ta' ħaddiema bi trasferiment intraażjendali tal-Parti l-oħra;

(c) ma għandhiex iżżomm jew tadotta limitazzjonijiet fil-forma ta' kwoti numeriċi jew ir-rekwiżit ta' testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi fuq l-għadd totali ta' persuni fiżiċi li, f'settur speċifiku, ikollhom permess li jidħlu bħala viżitaturi kummerċjali għal finijiet ta' stabbiliment jew bħala investituri, jew li jistgħu jiġu impjegati bħala ħaddiema bi trasferiment intraażjendali, la fuq il-bażi ta' subdiviżjoni territorjali u lanqas fuq il-bażi tat-territorju kollu tagħha; u

([65]) Għal aktar ċertezza, din id-definizzjoni ma teskludix maniġers li, filwaqt li ma jwettqux direttament il-kompiti li jikkonċernaw il-provvista attwali tas-servizzi, iwettqu kompiti, matul l-eżekuzzjoni tad-doveri tagħhom kif deskritti f'din id-definizzjoni, li huma neċessarji għall-provvista tas-servizzi.

([66]) L-intrapriża benefiċjarja tista' tkun meħtieġa tippreżenta programm ta' taħriġ li jkopri d-durata tas-soġġorn għal approvazzjoni minn qabel, li juri li l-iskop tas-soġġorn huwa t-taħriġ. Għal AT, CZ, DE, FR, ES, HU u LT, it-taħriġ irid ikun marbut mal-lawrja universitarja li nkisbet.

(d) għandha tagħti lill-ħaddiema bi trasferiment intraażjendali, lill-viżitaturi kummerċjali għal finijiet ta' stabbiliment u lill-investituri tal-Parti l-oħra, fir-rigward tas-soġġorn temporanju tagħhom fit-territorju tagħha, trattament mhux anqas favorevoli minn dak li tagħti, f'sitwazzjonijiet simili, lill-persuni fiżiċi tagħha stess.

2. It-tul ta' soġġorn permissibbli għandu jkun:

(a) għaċ-Ċilì, perjodu ta' mhux aktar minn sentejn li jista' jiġi estiż, mingħajr rekwiżit ta' applikazzjoni għal residenza permanenti, sakemm il-kundizzjonijiet li fuqhom ikun ibbażat is-soġġorn jibqgħu fis-seħħ; u

(b) għall-Parti tal-UE, perjodu ta' mhux aktar minn 3 snin għall-maniġers u l-ispeċjalisti, sa sena għall-impjegati trainees u l-investituri, u sa 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 6 xhur għall-viżitaturi kummerċjali għal finijiet ta' stabbiliment.

Artikolu 19.4

Viżitaturi kummerċjali b'terminu qasir

1. Soġġett għall-esklużjonijiet tal-kamp ta' applikazzjoni stabbiliti fl-*Artikolu* 17.7(2) u soġġett għall-kundizzjonijiet u l-kwalifiki rilevanti stabbiliti fl-Anness 19-A, Parti għandha tippermetti d-dħul u s-soġġorn temporanju ta' viżitaturi kummerċjali b'terminu qasir mingħajr ir-rekwiżit ta' permess tax-xogħol, test tal-ħtiġijiet ekonomiċi jew proċeduri oħra ta' approvazzjoni minn qabel ta' intenzjoni simili.

2. Jekk viżitaturi kummerċjali b'terminu qasir ta' Parti jkunu involuti fil-provvista ta' servizz lil konsumatur fit-territorju tal-Parti fejn ikunu qed iqattgħu s-soġġorn temporanju, dik il-Parti għandha tagħtihom, fir-rigward tal-provvista ta' dak is-servizz, trattament mhux anqas favorevoli minn dak li tagħti, f'sitwazzjonijiet simili, lill-forniturі ta' servizzi tagħha stess.

3. It-tul ta' soġġorn permissibbli għandu jkun għal perjodu ta' mhux aktar minn 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 12-il xahar.

Artikolu 19.5

Fornituri ta' servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti

1. Kull Parti għandha tippermetti d-dħul u s-soġġorn temporanju ta' fornituri ta' servizzi kuntrattwali tal-Parti l-oħra fit-territorju tagħha, fis-setturi, fis-subsetturi u fl-attivitajiet stabbiliti fl-Anness 19-B, soġġett għall-kundizzjonijiet u l-kwalifiki rilevanti speċifikati fih, u sakemm:

(a) il-persuni fiżiċi jkunu involuti fil-provvista ta' servizz bħala impjegati ta' persuna ġuridika, li tkun kisbet kuntratt ta' servizz li ma jaqbiżx it-12-il xahar;

(b) il-persuni fiżiċi li jidħlu fil-Parti l-oħra jkunu ġew impjegati mill-persuna ġuridika msemmija fis-subparagrafu (a) għal tal-anqas sena immedjatament qabel id-data tal-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għad-dħul fil-Parti l-oħra u jkollhom, fid-data tal-applikazzjoni għad-dħul, tal-anqas 3 snin ta' esperjenza professjonali, miksuba wara li jkunu laħqu l-età maġġuri, fis-settur ta' attività li huwa s-suġġett tal-kuntratt;

(c) il-persuni fiżiċi li jidħlu fil-Parti l-oħra jkollhom:

(i) lawrja universitarja jew kwalifika li turi għarfien ta' livell ekwivalenti ([67]); u

(ii) kwalifiki professjonali, jekk dan ikun meħtieġ għat-twettiq ta' attività skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Parti fejn jingħata s-servizz;

(d) il-persuna fiżika ma tirċevix remunerazzjoni għall-provvista ta' servizzi fit-territorju tal-Parti l-oħra, minbarra r-remunerazzjoni mħallsa mill-persuna ġuridika li timpjega l-persuna fiżika; u

(e) l-aċċess mogħti skont dan l-*Artikolu* ikun relatat biss mal-attività tas-servizz li hija s-suġġett tal-kuntratt u ma jagħtix id-dritt li jintuża t-titolu professjonali tal-Parti fejn jingħata s-servizz.

([67]) Jekk il-lawrja jew il-kwalifika ma tkunx inkisbet fil-Parti fejn ikun fornut is-servizz, dik il-Parti tista' tevalwa jekk hija tkunx ekwivalenti għal lawrja universitarja meħtieġa fit-territorju tagħha.

2. Kull Parti għandha tippermetti d-dħul u s-soġġorn temporanju ta' professjonisti indipendenti tal-Parti l-oħra fit-territorju tagħha, fis-setturi, fis-subsetturi u fl-attivitajiet stabbiliti fl-Anness 19-B, soġġett għall-kundizzjonijiet u l-kwalifiki rilevanti speċifikati fih, u sakemm:

(a) il-kuntratt konkluż ma jaqbiżx perjodu ta' 12-il xahar;

(b) il-persuni fiżiċi jkollhom, fid-data tal-applikazzjoni għad-dħul u s-soġġorn temporanju, tal-anqas 6 snin ta' esperjenza professjonali fis-settur tal-attività li jkun is-suġġett tal-kuntratt.

(c) il-persuni fiżiċi li jidħlu fit-territorju tal-Parti l-oħra jkollhom:

(i) lawrja universitarja jew kwalifika li turi għarfien ta' livell ekwivalenti ([68]); u

(ii) kwalifiki professjonali, jekk dawn huma meħtieġa għat-twettiq ta' attività skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Parti fejn jingħata s-servizz;

(d) l-aċċess mogħti skont dan l-*Artikolu* ikun relatat biss mal-attività tas-servizz li hija s-suġġett tal-kuntratt; ma jagħtix id-dritt li jintuża t-titolu professjonali tal-Parti fejn jingħata s-servizz.

3. Parti ma għandhiex tadotta jew iżżomm limitazzjonijiet fuq l-għadd totali ta' forniturі ta' servizzi kuntrattwali u ta' professjonisti indipendenti tal-Parti l-oħra li jkunu permessi d-dħul u s-soġġorn temporanju fil-forma ta' kwoti numeriċi jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.

4. Kull Parti għandha tagħti lill-forniturі ta' servizzi kuntrattwali u ta' professjonisti indipendenti tal-Parti l-oħra, fir-rigward tal-provvista ta' servizzi tagħhom fit-territorju tagħha, trattament mhux anqas favorevoli minn dak li tagħti, f'sitwazzjonijiet simili, lill-forniturі ta' servizzi tagħha stess.

5. It-tul ta' soġġorn permissibbli għandu jkun:

(a) għall-Parti tal-UE, perjodu kumulattiv ta' mhux aktar minn 6 xhur f'kull perjodu ta' 12-il xahar jew għad-durata tal-kuntratt, skont liem ikun l-inqas; u

(b) għaċ-Ċilì, perjodu sa sena li jista' jiġi estiż għal perjodi sussegwenti, sakemm jibqgħu fis-seħħ il-kundizzjonijiet li fuqhom ikun ibbażat is-soġġorn.

Artikolu 19.6

Miżuri mhux konformi

Sal-punt li l-miżura rilevanti taffettwa d-dħul jew is-soġġorn temporanju ta' persuni fiżiċi għal finijiet ta' negozju, is-subparagrafi (c) u (d) tal-*Artikolu* 19.3(1) u l-*Artikolu* 19.5(3) u (4) ma japplikawx għal:

(a) kwalunkwe miżura eżistenti mhux konformi ta' Parti fil-livell ta':

(i) għall-Parti tal-UE:

(A) l-Unjoni Ewropea, kif stabbilit fl-Appendiċi 17-A-1;

(B) il-gvern ċentrali ta' Stat Membru, kif stabbilit fl-Appendiċi 17-A-1;

(C) gvern reġjonali ta' Stat Membru, kif stabbilit fl-Appendiċi 17-A-1; jew

(D) gvern lokali, għajr dak imsemmi fis-subparagrafu (C); u

(ii) għaċ-Ċilì:

(A) il-gvern ċentrali, kif stabbilit fl-Appendiċi 17-A-2;

([68]) Jekk il-lawrja jew il-kwalifika ma tkunx inkisbet fil-Parti fejn ikun fornut is-servizz, dik il-Parti tista' tevalwa jekk hija tkunx ekwivalenti għal lawrja universitarja meħtieġa fit-territorju tagħha.

(B) gvern reġjonali, kif stabbilit fl-Appendiċi 17-A-2; jew

(C) gvern lokali;

(b) il-kontinwazzjoni jew it-tiġdid fil-pront ta' kwalunkwe miżura mhux konformi msemmija fis-subparagrafu (a) ta' dan il-paragrafu;

(c) modifika ta' kwalunkwe miżura mhux konformi msemmija fis-subparagrafi (a) u (b) ta' dan l-*Artikolu* sal-punt li ma tnaqqasx il-konformità tal-miżura, kif din kienet teżisti immedjatament qabel il-modifika, mas-subparagrafi (c) u (d) ta-l-*Artikolu* 19.3(1) u l-*Artikolu* 19.5(3) u (4); jew

(d) kwalunkwe miżura ta' Parti konsistenti ma' kundizzjoni jew ma' kwalifika speċifikata fl-Anness 17-B.

Artikolu 19.7

Trasparenza

1. Parti għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku informazzjoni relatata mad-dħul u s-soġġorn temporanju ta' persuni fiżiċi tal-Parti l-oħra, imsemmija fl-*Artikolu* 19.1(1).

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-*Artikolu* għandha tinkludi, fejn applikabbli, l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-kategoriji tal-viża, tal-permessi jew ta' kwalunkwe tip simili ta' awtorizzazzjoni rigward id-dħul u s-soġġorn temporanju;

(b) id-dokumentazzjoni meħtieġa u l-kundizzjonijiet li jridu jiġu ssodisfati;

(c) il-metodu ta' mili ta' applikazzjoni u l-alternattivi għall-preżentazzjoni tagħha, bħal uffiċċji konsulari jew online;

(d) tariffi tal-applikazzjoni u skeda ta' żmien indikattiva għall-ipproċessar ta' applikazzjoni;

(e) it-tul massimu ta' soġġorn taħt kull tip ta' awtorizzazzjoni msemmija fis-subparagrafu (a) ta' dan il-paragrafu;

(f) il-kundizzjonijiet għal kwalunkwe estensjoni jew tiġdid disponibbli;

(g) ir-regoli rigward id-dipendenti li jakkumpanjaw;

(h) il-proċeduri disponibbli għar-rieżami jew għall-appell; u

(i) il-liġijiet rilevanti ta' applikazzjoni ġenerali li jappartjenu għad-dħul u għas-soġġorn temporanju tal-persuni fiżiċi.

3. Fir-rigward tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-*Artikolu*, kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex tinforma fil-pront lill-Parti l-oħra bl-introduzzjoni ta' kwalunkwe rekwiżit ġdid jew proċedura ġdida, jew bil-bidliet fi kwalunkwe rekwiżit jew proċedura li jaffettwaw l-applikazzjoni effettiva għall-awtorizzazzjoni tad-dħul, għas-soġġorn temporanju u, fejn applikabbli, għall-awtorizzazzjoni ta' xogħol fil-Parti msemmija l-ewwel.

Artikolu 19.8

Nuqqas ta' applikazzjoni tas-soluzzjoni tat-tilwim

Il-Kapitolu 38 ma japplikax għal rifjut li jingħata dħul u soġġorn temporanju sakemm il-kwistjoni ma tinvolvix mudell ta' prattika.

KAPITOLU 20

REGOLAMENTAZZJONI DOMESTIKA

Artikolu 20.1

Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

1. Dan il-Kapitolu japplika għall-miżuri mill-Partijiet relatati mar-rekwiżiti u mal-proċeduri ta' liċenzjar, mar-rekwiżiti u mal-proċeduri ta' kwalifiki, u mal-istandards tekniċi ([69]) li jaffettwaw:

(a) il-provvista transfruntiera ta' servizzi;

(b) il-provvista ta' servizz jew it-twettiq ta' kwalunkwe attività ekonomika oħra permezz tal-istabbiliment ta' intrapriża jew it-tħaddim ta' investiment kopert; jew

(c) il-provvista ta' servizz permezz tas-soġġorn temporanju ta' ċerti kategoriji ta' persuni fiżiċi ta' Parti fit-territorju tal-Parti l-oħra, kif stabbilit fl-*Artikolu* 19.1.

2. Dan il-Kapitolu japplika biss għal setturi li għalihom Parti tkun daħlet għal impenji speċifiċi skont il-Kapitoli 17, 18 u 19 u sal-punt li japplikaw dawk l-impenji speċifiċi.

3. Minkejja l-paragrafu 2, dan il-Kapitolu ma japplikax għar-rekwiżiti u l-proċeduri tal-liċenzjar, għar-rekwiżiti u għall-proċeduri tal-kwalifika, u għall-istandards tekniċi relatati ma':

(a) il-manifattura ta' sustanzi kimiċi bażiċi u prodotti kimiċi oħra;

(b) il-manifattura ta' prodotti tal-lasktu;

(c) il-manifattura ta' prodotti oħra tal-plastik;

(d) il-manifattura ta' muturi, ġeneraturi u trasformaturi elettriċi;

(e) il-manifattura ta' akkumulaturi, ċelloli primarji u batteriji primarji; u

(f) ir-riċiklaġġ ta' skart u ruttam tal-metall u mhux tal-metall.

4. Minkejja l-paragrafu 1, dan il-Kapitolu ma japplikax għal miżuri ta' Parti sal-punt li jikkostitwixxu limitazzjonijiet soġġetti għall-iskedar skont l-Artikoli 17.5, 17.6, *Artikolu* 17.11 (1), 17.11(2), Artikoli 18.4, 18.6, 18.7, Artikoli 18.8(1), 18.8(2), 19.3(1), 19.4(2), 19.5(1) u *Artikolu* 19.6.

5. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) "awtorizzazzjoni" tfisser il-permess li titwettaq kwalunkwe waħda mill-attivitajiet imsemmija fis-subparagrafi (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1 li tirriżulta minn proċedura li applikant jeħtieġ li jaderixxi magħha sabiex juri konformità mar-rekwiżiti ta' liċenzjar, mar-rekwiżiti ta' kwalifika jew mal-istandards tekniċi;

(b) "awtorità kompetenti" tfisser gvern jew awtorità ċentrali, reġjonali jew lokali, jew korp mhux governattiv fl-eżerċizzju ta' setgħat iddelegati minn gvernijiet jew awtoritajiet ċentrali, reġjonali jew lokali, li għandu s-setgħa li jieħu deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni biex jiġi pprovdut servizz, inkluż permezz tal-istabbiliment ta' intrapriża jew dwar l-awtorizzazzjoni għat-twettiq ta' kwalunkwe attività ekonomika oħra;

(c) "proċeduri ta' liċenzjar" tfisser ir-regoli amministrattivi jew proċedurali li persuna fiżika jew ġuridika, li tkun qiegħda tfittex awtorizzazzjoni, inkluż l-emendar jew it-tiġdid ta' awtorizzazzjoni, trid tosserva sabiex turi l-konformità mar-rekwiżiti ta' liċenzjar;

(d) "rekwiżiti ta' liċenzjar" tfisser rekwiżiti sostantivi, għajr rekwiżiti ta' kwalifika, li magħhom persuna fiżika jew ġuridika hija meħtieġa li tikkonforma sabiex tikseb, temenda jew iġġedded l-awtorizzazzjoni;

([69]) Għal ċertezza akbar, sa fejn huma kkonċernati miżuri relatati ma' standards tekniċi, dan il-Kapitolu japplika biss għal dawk il-miżuri li jaffettwaw il-kummerċ fis-servizzi.

(e) "proċeduri ta' kwalifika" tfisser ir-regoli amministrattivi jew proċedurali li persuna fiżika trid tosserva sabiex turi l-konformità mar-rekwiżiti ta' kwalifika, għall-finijiet li tikseb awtorizzazzjoni; u

(f) "rekwiżiti ta' kwalifika" tfisser rekwiżiti sostantivi marbuta mal-kompetenza ta' persuna fiżika sabiex tipprovdi servizz, u li magħhom persuna fiżika hija meħtieġa li tikkonforma sabiex tikseb, temenda jew iġġedded awtorizzazzjoni.

6. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, japplikaw ukoll id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 17.2 u 18.2.

Artikolu 20.2

Kundizzjonijiet għal-liċenzjar u għall-kwalifika

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-miżuri marbuta mar-rekwiżiti tal-liċenzjar, il-proċeduri tal-liċenzjar, u r-rekwiżiti tal-kwalifika u l-proċeduri ta' kwalifika, ikunu bbażati fuq kriterji li jżommu lill-awtoritajiet kompetenti milli jeżerċitaw is-setgħa tagħhom ta' valutazzjoni b'mod arbitrarju ([70]).

2. Il-kriterji msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu:

(a) ċari;

(b) oġġettivi u trasparenti; u

(c) aċċessibbli għall-pubbliku u għall-persuni interessati minn qabel.

3. Meta tadotta standards tekniċi, kull Parti għandha tħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti tagħha biex jadottaw standards tekniċi żviluppati permezz ta' proċessi miftuħa u trasparenti, u għandha tħeġġeġ lill-korpi, inklużi organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti ([71]), maħtura biex jiżviluppaw standards tekniċi biex jużaw proċessi miftuħa u trasparenti.

4. Awtorizzazzjoni għandha, soġġett għad-disponibbiltà, tingħata malli jiġi stabbilit, fid-dawl ta' eżami xieraq, li l-kundizzjonijiet sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni jkunu ġew issodisfati.

5. Fejn in-numru ta' liċenzji disponibbli għal attività partikolari ikun limitat minħabba n-nuqqas ta' riżorsi naturali disponibbli jew in-nuqqas ta' kapaċità teknika, kull Parti għandha tapplika proċedura ta' għażla għal kandidati potenzjali li tipprovdi garanziji sħaħ ta' imparzjalità u trasparenza, inkluż, b'mod partikolari, reklamar adegwat dwar it-tnedija, il-kondotta u t-tlestija tal-proċedura.

6. Soġġett għall-paragrafu 5, fl-istabbiliment tar-regoli għall-proċedura tal-għażla, kull Parti tista' tqis l-objettivi leġittimi tal-politika, inklużi kunsiderazzjonijiet tas-saħħa, tas-sikurezza, tal-ħarsien tal-ambjent u tal-preservazzjoni tal-wirt kulturali.

Artikolu 20.3

Proċeduri tal-liċenzjar u tal-kwalifika

1. Il-proċeduri u l-formalitajiet tal-liċenzjar u tal-kwalifika għandhom ikunu ċari, isiru disponibbli għall-pubbliku minn qabel, u minnhom infushom ma għandhomx jikkostitwixxu restrizzjoni fuq il-provvista ta' servizz jew it-twettiq ta' kwalunkwe attività ekonomika oħra. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha sabiex tagħmel tali proċeduri u formalitajiet sempliċi kemm jista' jkun u ma għandhiex tikkomplika jew iddewwem mingħajr bżonn il-provvista ta' servizz jew it-twettiq ta' kwalunkwe attività ekonomika oħra.

2. Jekk tkun meħtieġa awtorizzazzjoni, kull Parti għandha tippubblika fil-pront jew inkella tagħmel disponibbli għall-pubbliku l-informazzjoni meħtieġa biex l-applikant jikkonforma mar-rekwiżiti u l-proċeduri għall-kisba, iż-żamma, l-emendar u t-tiġdid ta' tali awtorizzazzjoni. Tali informazzjoni għandha tinkludi tal-anqas dan li ġej, sa fejn tkun teżisti:

([70]) Għal aktar ċarezza, dawn il-kriterji jistgħu jinkludu, fost l-oħrajn, il-kompetenza u l-kapaċità li jiġi fornut servizz jew li titwettaq kwalunkwe attività ekonomika oħra, inkluż li dan isir b'mod konsistenti mar-rekwiżiti regolatorji ta' Parti, bħar-rekwiżiti tas-saħħa u dawk ambjentali. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jivvalutaw il-piż li għandu jingħata lil kull kriterju.

([71]) It-terminu "organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti" jirreferi għal korpi internazzjonali li s-sħubija tagħhom hija miftuħa għall-korpi rilevanti taż-żewġ Partijiet.

(a) ir-rekwiżiti u l-proċeduri;

(b) informazzjoni ta' kuntatt tal-awtoritajiet kompetenti rilevanti;

(c) it-tariffi;

(d) l-istandards tekniċi;

(e) il-proċeduri għall-appell jew għar-rieżami ta' deċiżjonijiet li jikkonċernaw l-applikazzjonijiet;

(f) il-proċeduri għall-monitoraġġ jew għall-infurzar tal-konformità mat-termini u mal-kundizzjonijiet tal-liċenzji u tal-kwalifiki;

(g) l-opportunitajiet għall-involviment pubbliku, bħal permezz ta' seduti ta' smigħ jew kummenti; u

(h) perjodi ta' żmien indikattivi għall-ipproċessar ta' applikazzjoni.

3. Kwalunkwe tariffa għall-awtorizzazzjoni ([72]) li jistgħu jġarrbu l-applikanti għandha tkun raġonevoli, trasparenti, u fiha nnifisha ma tillimitax il-provvista tas-servizz rilevanti jew it-twettiq tal-attività ekonomika rilevanti.

4. Kull Parti għandha tiżgura li l-proċeduri użati mill-awtorità kompetenti u d-deċiżjonijiet tagħha fil-proċess tal-awtorizzazzjoni jkunu imparzjali fir-rigward tal-applikanti kollha. L-awtorità kompetenti għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha b'mod indipendenti u ma għandhiex tkun responsabbli quddiem xi persuna li tipprovdi xi servizz jew twettaq l-attivitajiet ekonomiċi li għalihom hi meħtieġa l-awtorizzazzjoni.

5. Fejn ikunu japplikaw limiti ta' żmien speċifiċi għall-applikazzjonijiet, applikant għandu jingħata perjodu ta' żmien raġonevoli biex jippreżenta applikazzjoni. Fejn possibbli, l-awtorità kompetenti għandha taċċetta l-applikazzjonijiet f'format elettroniku bl-istess kundizzjonijiet ta' awtenticità bħall-preżentazzjonijiet fuq karti.

6. L-awtorità kompetenti għandha tibda tipproċessa applikazzjoni mingħajr dewmien żejjed wara l-preżentazzjoni. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex tistabbilixxi l-perjodu ta' żmien indikattiv għall-ipproċessar ta' applikazzjoni u għandha, fuq talba tal-applikant u mingħajr dewmien żejjed, tiżgura li l-awtorità kompetenti tipprovdi informazzjoni dwar l-istatus tal-applikazzjoni. Kull Parti għandha tiżgura li l-ipproċessar ta' applikazzjoni, inkluż meta tittieħed deċiżjoni finali, jitlesta f'perjodu ta' żmien raġonevoli wara d-data tal-preżentazzjoni ta' applikazzjoni kompleta.

7. L-awtorità kompetenti għandha, f'perjodu ta' żmien raġonevoli wara li tkun irċeviet applikazzjoni li hi tikkunsidra mhux kompluta, tinforma lill-applikant u, sa fejn ikun fattibbli, tidentifika l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex titlesta l-applikazzjoni, u tipprovdi lill-applikant l-opportunità biex jikkoreġi inadegwatezzi fl-applikazzjoni.

8. L-awtorità kompetenti għandha taċċetta kopji ta' dokumenti, li jkunu awtentikati f'konformità mal-liġi tal-Parti, minflok dokumenti oriġinali, sakemm l-awtorità kompetenti ma tkunx teħtieġ dokumenti oriġinali sabiex tipproteġi l-integrità tal-proċess ta' awtorizzazzjoni.

9. Jekk applikazzjoni tiġi rrifjutata mill-awtorità kompetenti, l-applikant għandu jiġi informat, jew fuq it-talba tiegħu stess jew fuq l-inizjattiva tal-awtorità kompetenti, bil-miktub u mingħajr dewmien żejjed. Fil-prinċipju, l-applikant għandu jiġi infurmat bir-raġunijiet għad-deċiżjoni li tiġi miċħuda l-applikazzjoni u bil-perjodu ta' żmien għas-sottomissjoni ta' appell kontra dik id-deċiżjoni. Applikant għandu jitħalla, f'perjodu ta' żmien raġonevoli, jerġa' jissottometti applikazzjoni.

10. Kull Parti għandha tiżgura li awtorizzazzjoni, ladarba tingħata, tidħol fis-seħħ mingħajr dewmien żejjed u f'konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet speċifikati fiha.

11. Meta jkunu meħtieġa eżaminazzjonijiet għal awtorizzazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li tali eżaminazzjonijiet iseħħu f'intervalli raġonevolment frekwenti, u tipprovdi perjodu ta' żmien raġonevoli sabiex l-applikanti jkunu jistgħu jitolbu li ssirilhom l-eżaminazzjoni.

([72]) It-tariffi tal-awtorizzazzjoni ma jinkludux it-tariffi għall-użu ta' riżorsi naturali, il-pagamenti għall-irkant, il-proċedura tal-offerti jew mezzi mhux diskriminatorji oħra għall-għoti ta' konċessjonijiet, jew kontribuzzjonijiet mandatorji għall-għoti ta' servizzi universali.

Artikolu 20.4

Rieżami

Jekk jidħlu fis-seħħ ir-riżultati tan-negozjati relatati mal-paragrafu 4 tal-*Artikolu* VI tal-GATS, il-Partijiet għandhom jirrieżaminaw dawn ir-riżultati b'mod konġunt. Meta r-rieżami konġunt jivvaluta li l-inkorporazzjoni ta' tali riżultati f'din il-Parti ta' dan il-Ftehim ittejjeb id-dixxiplini li jinsabu fih, il-Partijiet għandhom jiddeterminaw b'mod konġunt jekk għandhomx jinkorporaw tali riżultati f'din il-Parti ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 20.5

Amministrazzjoni ta' miżuri ta' applikazzjoni ġenerali

Kull Parti għandha tiżgura li l-miżuri kollha ta' applikazzjoni ġenerali li jaffettwaw il-kummerċ fis-servizzi jkunu amministrati b'mod raġonevoli, oġġettiv u imparzjali.

Artikolu 20.6

Appell tad-deċiżjonijiet amministrattivi

Kull Parti għandha żżomm jew tistitwixxi tribunali jew proċeduri ġudizzjarji, arbitrarji jew amministrattivi li jipprovdu, fuq it-talba ta' investitur jew fornitur ta' servizzi affettwat, rieżami fil-pront, u fejn ikun iġġustifikat, ta' rimedji xierqa għal deċiżjonijiet amministrattivi li jaffettwaw l-istabbiliment, il-forniment transfruntier ta' servizzi jew il-preżenza temporanja ta' persuni fiżiċi għal finijiet ta' negozju. Meta dawn il-proċeduri ma jkunux indipendenti mill-awtorità fdata bid-deċiżjoni amministrattiva kkonċernata, kull Parti għandha tiżgura li l-proċeduri jipprevedu rieżami oġġettiv u imparzjali.

KAPITOLU 21

RIKONOXXIMENT REĊIPROKU TAL-KWALIFIKI PROFESSJONALI

Artikolu 21.1

Rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali

1. Xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jipprevjeni lil xi Parti milli tirrikjedi li l-persuni fiżiċi jkollhom il-kwalifiki u l-esperjenza professjonali neċessarji meħtieġa fit-territorju fejn titwettaq l-attività, għas-settur tal-attività kkonċernat.

2. Kull Parti għandha tħeġġeġ lill-korpi jew lill-awtoritajiet professjonali rilevanti għas-settur tal-attività kkonċernat, fit-territorju tagħha, biex jiżviluppaw u jipprovdu rakkomandazzjonijiet konġunti dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali lis-Sottokumitat dwar is-Servizzi u l-Investiment imsemmi fl-*Artikolu* 18.10. Tali rakkomandazzjonijiet konġunti għandhom ikunu appoġġati minn valutazzjoni bbażata fuq l-evidenza ta':

(a) il-valur ekonomiku ta' arranġament previst dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali ("arranġament ta' rikonoxximent reċiproku"); u

(b) il-kompatibbiltà tar-reġimi rispettivi, jiġifieri, il-punt sa fejn ir-rekwiżiti applikati minn kull Parti għall-awtorizzazzjoni, il-liċenzjar, it-tħaddim u ċ-ċertifikazzjoni huma kompatibbli.

3. Malli jirċievi rakkomandazzjoni konġunta, is-Sottokumitat dwar is-Servizzi u l-Investiment għandu jirrieżamina l-konsistenza tiegħu ma' din il-Parti ta' dan il-Ftehim f'perjodu ta' żmien raġonevoli. Dak is-Sottokumitat jista', wara tali rieżami, jiżviluppa u jirrakkomanda lill-Kunsill Konġunt li jadotta, skont is-subparagrafu (a) tal-*Artikolu* 8.5(1), deċiżjoni dwar arranġament ta' rikonoxximent reċiproku sabiex jiddetermina jew jemenda l-arranġamenti ta' rikonoxximent reċiproku stabbiliti fl-Anness 21-B ([73]).

([73]) Għal aktar ċertezza, strumenti ta' rikonoxximent reċiproku ma għandhomx iwasslu għar-rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki professjonali iżda għandhom jistabbilixxu, fl-interess reċiproku taż-żewġ Partijiet, il-kundizzjonijiet għall-awtoritajiet kompetenti li jagħtu r-rikonoxximent ta' tali kwalifiki.

4. Arranġament kif imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-*Artikolu* għandu jipprevedi l-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali miksuba fil-Parti tal-UE u l-kwalifiki professjonali miksuba fiċ-Ċili relatati ma' attività koperta mill-Kapitolu 17, 18, 19 jew 26.

5. Il-linji gwida għall-arranġamenti dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali stabbiliti fl-Anness 21-A għandhom jitqiesu fl-iżvilupp tar-rakkomandazzjonijiet konġunti msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-*Artikolu* u mill-Kunsill Konġunt meta jivvaluta jekk għandux jiġi adottat l-arranġament imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-*Artikolu*.

KAPITOLU 22

SERVIZZI TA' KONSENJA

Artikolu 22.1

Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

1. Dan il-Kapitolu jistabbilixxi l-prinċipji tal-qafas regolatorju għal kull servizz ta' konsenja.

2. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) "servizzi ta' konsenja" tfisser servizzi postali u ta' kurrier jew ta' konsenja express, inklużi l-attivitajiet ta' ġbir, għażla, trasport u konsenja ta' oġġetti postali;

(b) "servizzi ta' konsenja espress" tfisser il-ġbir, l-għażla, it-trasport u l-konsenja ta' oġġetti postali b'veloċità aċċellerata u b'affidabbiltà, u jistgħu jinkludu elementi ta' valur miżjud bħall-ġbir mill-punt tal-oriġini, il-konsenja personali lid-destinatarju, it-traċċar, il-possibbiltà li tinbidel id-destinazzjoni u d-destinatarju fi tranżitu jew il-konferma tar-riċevuta;

(c) "servizzi tal-posta express" tfisser servizzi internazzjonali ta' konsenja express fornuti permezz tal-Koperattiva tas-Servizz tal-Posta Espress, li hija l-assoċjazzjoni volontarja ta' operaturi postali ddeżinjati skont l-Unjoni Postali Universali;

(d) "liċenzja" tfisser awtorizzazzjoni, mogħtija lil fornitur individwali ta' servizzi ta' konsenja minn awtorità regolatorja kompetenti, li tistabbilixxi proċeduri, obbligi u rekwiżiti speċifiċi għas-settur tas-servizzi ta' konsenja;

(e) "oġġett postali" tfisser oġġett sa 31,5 kg indirizzat fil-forma finali li fiha għandu jinġarr minn kwalunkwe tip ta' fornitur ta' servizzi ta' konsenja, kemm jekk pubbliku kif ukoll jekk privat, u jista' jinkludi oġġetti bħal ittra, pakkett, gazzetta jew katalgu;

(f) "monopolju postali" tfisser id-dritt esklużiv li jiġu fornuti servizzi ta' konsenja speċifikati fit-territorju ta' Parti skont il-liġijiet ta' dik il-Parti; u

(g) "servizz universali" tfisser il-provvista permanenti ta' servizz ta' konsenja ta' kwalità speċifika fil-punti kollha fit-territorju ta' Parti bi prezzijiet affordabbli għall-utenti kollha.

Artikolu 22.2

Servizz universali

1. Kull Parti għandha d-dritt li tiddefinixxi t-tip ta' obbligu ta' servizz universali li tixtieq li żżomm. Kull Parti li żżomm obbligu ta' servizz universali għandha tamministrah b'mod trasparenti, mhux diskriminatorju u newtrali fir-rigward tal-forniturи kollha ta' servizzi ta' konsenja soġġetti għall-obbligu.

2. Jekk Parti tirrikjedi li s-servizzi tal-posta espress 'il ġewwa jiġu forniti fuq bażi ta' servizz universali, din ma għandhiex tagħti trattament preferenzjali lil dawk is-servizzi fuq servizzi internazzjonali oħra ta' konsenja espress.

Artikolu 22.3

Prevenzjoni ta' prattiki li jikkawżaw distorsjoni tas-suq

Kull Parti għandha tiżgura li fornitur ta' servizzi ta' konsenja li jkun soġġett għal obbligu ta' servizz universali jew għal monopolju postali ma jinvolvux ruħhom fi prattiki li jikkawżaw distorsjoni tas-suq bħal:

(a) l-użu ta' dħul derivat mill-provvista ta' servizz soġġett għal obbligu ta' servizz universali jew għal monopolju postali għal sussidju inkroċjat tal-provvista ta' servizz ta' konsenja espress jew kwalunkwe servizz ta' konsenja mhux universali; jew

(b) id-differenzjar b'mod mhux ġustifikat fost il-klijenti bħan-negozji, l-ispedituri jew il-konsolidaturi ta' volum kbir ta' posta fir-rigward ta' tariffi jew termini u kundizzjonijiet oħra għall-provvista ta' servizz soġġett għal obbligu ta' servizz universali jew ta' monopolju postali.

Artikolu 22.4

Liċenzji

1. Jekk Parti tkun teħtieġ liċenzja għall-provvista ta' servizzi ta' konsenja, hija għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku:

(a) ir-rekwiżiti kollha ta' liċenzjar u l-perjodu taż-żmien normalment meħtieġ sabiex tintlaħaq deċiżjoni li tikkonċerna applikazzjoni għal liċenzja; u

(b) it-termini u l-kundizzjonijiet tal-liċenzja.

2. Il-proċeduri, l-obbligi u r-rekwiżiti ta' liċenzja għandhom ikunu trasparenti, mhux diskriminatorji u bbażati fuq kriterji oġġettivi.

3. Jekk applikazzjoni għal liċenzja tiġi rrifjutata mill-awtorità regolatorja kompetenti, din għandha tinforma lill-applikant bir-raġunijiet għar-rifjut bil-miktub. Kull Parti għandha tistabbilixxi jew iżżomm proċedura ta' appell permezz ta' korp li jkun indipendenti mill-partijiet involuti fil-proċedura ta' applikazzjoni għal liċenzja. Dak il-korp jista' jkun tribunal jew qorti.

Artikolu 22.5

Indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji

1. Kull Parti għandha tiżgura li kwalunkwe awtorità responsabbli għar-regolamentazzjoni tas-servizzi ta' konsenja ma tkun responsabbli lejn l-ebda fornitur ta' servizzi ta' konsenja, u li d-deċiżjonijiet u l-proċeduri li tadotta l-awtorità regolatorja jkunu imparzjali, mhux diskriminatorji u trasparenti fir-rigward tal-parteċipanti kollha fis-suq fit-territorju tagħha.

2. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtorità responsabbli għar-regolamentazzjoni tas-servizzi ta' konsenja twettaq il-kompiti tagħha fil-ħin u jkollha riżorsi finanzjarji u umani adegwati.

KAPITOLU 23

SERVIZZI TAT-TELEKOMUNIKAZZJONI

Artikolu 23.1

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu jistabbilixxi l-prinċipji tal-qafas regolatorju għall-forniment ta' networks u servizzi tat-telekomunikazzjoni liberalizzati skont il-Kapitoli 17 u 18.

2. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal servizzi li jipprovdu kontenut trażmess bl-użu ta' networks u servizzi tat-telekomunikazzjoni jew li jeżerċitaw kontroll editorjali fuqu.

Artikolu 23.2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) "faċilitajiet assoċjati" tfisser is-servizzi, l-infrastrutturi fiżiċi u faċilitajiet oħra assoċjati ma' network jew servizz tat-telekomunikazzjoni, li jagħmlu possibbli jew jappoġġaw il-provvista tas-servizzi permezz ta' dak in-network jew servizz jew li għandhom il-potenzjal li jagħmlu dan, u jistgħu jinkludu l-bini jew l-entrati tal-bini, is-sistemi tal-wajers fil-bini, l-antenni, it-torrijiet u kostruzzjonijiet oħra ta' appoġġ, it-tubi, il-kondjuwits, l-arbli, it-toqob tal-ispezzjonar u l-kabinetti tat-toroq;

(b) "faċilitajiet essenzjali" tfisser faċilitajiet ta' network jew ta' servizz pubbliku tat-telekomunikazzjoni li:

(i) jiġu pprovduti b'mod esklużiv jew predominanti minn fornitur wieħed jew minn għadd limitat ta' fornituri; u

(ii) b'mod fattibbli ma jistgħux jiġu sostitwiti ekonomikament jew teknikament sabiex jiġi pprovdut servizz;

(c) "interkonnessjoni" tfisser il-konnessjoni ta' networks pubbliċi tat-telekomunikazzjoni użati mill-istess fornituri jew minn fornituri differenti ta' networks jew ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni sabiex l-utenti ta' fornitur wieħed ikunu jistgħu jikkomunikaw mal-utenti tal-istess fornitur jew ta' fornitur ieħor jew jaċċessaw servizzi pprovduti minn fornitur ieħor, irrispettivament minn jekk dawk is-servizzi jiġux ipprovduti mill-fornituri involuti jew minn kwalunkwe fornitur ieħor li jkollu aċċess għan-network;

(d) "servizz ta' aċċess għall-internet" tfisser servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni li jipprovdi aċċess għall-internet fit-territorju ta' Parti u, b'ħekk, konnettività ma' virtwalment kull punt aħħari tal-internet, irrispettivament mit-teknoloġija tan-network u mit-tagħmir terminali użati;

(e) "ċirkwiti mikrija" tfisser servizzi jew faċilitajiet tat-telekomunikazzjoni bejn żewġ punti dežinjati jew aktar, inklużi dawk ta' natura virtwali, li jwarrbu l-kapaċità għall-użu ddedikat, jew għad-dispożizzjoni ta' utent;

(f) "fornitur ewlieni" tfisser fornitur ta' networks jew ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni li jkollu l-kapaċità li jaffettwa materjalment it-termini tal-parteċipazzjoni, b'kunsiderazzjoni tal-prezz u tal-provvista, f'suq rilevanti għan-networks jew għas-servizzi tat-telekomunikazzjoni bħala riżultat tal-kontroll tiegħu fuq il-faċilitajiet essenzjali jew tal-użu tal-pożizzjoni tiegħu f'dak is-suq;

(g) "element tan-network" tfisser faċilitajiet jew tagħmir użat fil-provvista ta' servizz pubbliku tat-telekomunikazzjoni, inklużi l-karatteristiċi, il-funzjonijiet u l-kapaċitajiet ipprovduti permezz ta' dik il-faċilità jew dak it-tagħmir;

(h) "portabbiltà tan-numri" tfisser:

(i) għall-Parti tal-UE, il-kapaċità ta' abbonat li jitlob li jżomm in-numru tat-telefown eżistenti, fl-istess post fil-każ ta' abbonati ta' linja fissa, meta jaqleb bejn l-istess kategorija ta' fornituri ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni, mingħajr ma jiġu mfixkla l-kwalità, l-affidabbiltà jew il-konvenjenza; u

(ii) għaċ-Ċilì, il-kapaċità ta' utent finali li jżomm, fuq talba, in-numru tat-telefown eżistenti meta jaqleb bejn il-fornituri ta' servizzi pubbliċi tat-tekekomunikazzjoni, mingħajr ma jiġu mfixkla l-kwalità, l-affidabbiltà jew il-konvenjenza;

(i) "network pubbliku tat-telekomunikazzjoni" tfisser kwalunkwe network tat-telekomunikazzjoni użat kompletament jew primarjament għall-provvista ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni bejn il-punti ta' terminazzjoni tan-network;

(j) "servizz pubbliku tat-telekomunikazzjoni" tfisser kwalunkwe servizz tat-telekomunikazzjoni li jiġi offrut lill-pubbliku b'mod ġenerali;

(k) "abbonat" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tkun parti minn kuntratt ma' fornitur ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni għall-provvista ta' tali servizzi;

(l) "telekomunikazzjonijiet" tfisser it-trażmissjoni u r-riċevuta ta' sinjali bi kwalunkwe mezz elettromanjetiku;

(m) "network tat-telekomunikazzjoni" tfisser sistemi ta' trażmissjoni u, fejn applikabbli, tagħmir ta' qlib jew ta' routing u riżorsi oħrajn, inklużi elementi tan-network li ma jkunux attivi, li jippermettu t-trażmissjoni u r-riċevuta ta' sinjali permezz ta' wajer, radju, mezzi ottiċi jew mezzi elettromanjetiċi oħrajn;

(n) "awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni" tfisser il-korp jew il-korpi inkarigati minn Parti bir-regolamentazzjoni tan-networks u s-servizzi tat-telekomunikazzjoni koperti minn dan il-Kapitolu ([74]);

(o) "servizz tat-telekomunikazzjoni" tfisser servizz li jikkonsisti kompletament jew prinċipalment fit-trażmissjoni u r-riċevuta ta' sinjali, inkluż ta' sinjali tax-xandir, permezz ta' networks tat- telekomunikazzjoni, inkluż permezz ta' networks użati għax-xandir;

(p) "servizz universali" tfisser is-sett minimu ta' servizzi ta' kwalità speċifika li jridu jitpoġġew għad-dispożizzjoni tal-utenti kollha fit-territorju ta' Parti, irrispettivament mill-post ġeografiku tagħhom u bi prezz affordabbli; u

(q) "utent" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tuża network jew servizz pubbliku tat-telekomunikazzjoni.

Artikolu 23.3

Awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni tagħha tkun legalment distinta u funzjonalment indipendenti minn kwalunkwe fornitur ta' networks, servizzi jew tagħmir tat-telekomunikazzjoni, u li d-deċiżjonijiet adottati mill-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni tagħha u l-proċeduri użati minnha jkunu imparzjali fir-rigward tal-parteċipanti kollha fis-suq.

2. Parti li żżomm sjieda jew kontroll tal-forniturі ta' networks, ta' servizzi jew ta' tagħmir tat-telekomunikazzjoni għandha tiżgura s-separazzjoni strutturali effettiva tal-funzjoni regolatorja tat-telekomunikazzjoni mill-attivitajiet assoċjati ma' dik s-sjieda jew ma' dak il-kontroll.

3. Bil-għan li jiġu żgurati l-indipendenza u l-imparzjalità tal-awtoritajiet regolatorji tat-telekomunikazzjoni, kull Parti għandha tiżgura li l-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni tagħha ma jkollhiex interess finanzjarju jew li jkollha rwol ta' tħaddim jew ta' ġestjoni fi kwalunkwe fornitur ta' networks, ta' servizzi jew ta' tagħmir tat-telekomunikazzjoni.

4. Kull Parti għandha tiżgura li l-forniturі ta' networks, ta' servizzi jew ta' tagħmir tat-telekomunikazzjoni ma jinfluwenzax id-deċiżjonijiet u l-proċeduri tal-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni.

5. Kull Parti għandha tipprovdi lill-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni tagħha bis-setgħa regolatorja u superviżorja, kif ukoll b'riżorsi finanzjarji u umani adegwati, biex twettaq il-kompiti assenjati lilha sabiex tinforza l-obbligi stabbiliti f'dan il-Kapitolu. Din is-setgħa għandha tiġi eżerċitata b'mod trasparenti u fil-ħin. Dawk il-kompiti għandhom isiru disponibbli għall-pubbliku f'forma faċilment aċċessibbli u ċara, b'mod partikolari meta dawk il-kompiti jiġu assenjati lil aktar minn korp wieħed.

6. Kull Parti għandha tagħti lill-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni tagħha s-setgħa li tiżgura li l-forniturі ta' netwerks jew ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni jipprovdulha, fil-pront u fuq talba, l-informazzjoni kollha, inkluża informazzjoni finanzjarja, li hija meħtieġa sabiex l-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni tkun tista' twettaq il-kompiti tagħhom f'konformità ma' dan il-Kapitolu. Kwalunkwe informazzjoni pprovduta għandha tiġi ttrattata f'konformità mar-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità.

7. Kull Parti għandha tiżgura li utent jew fornitur ta' networks jew ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni affettwat minn deċiżjoni maħruġa mill-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni tagħha jkollu d-dritt ta' appell kontra dik id-deċiżjoni quddiem korp ta' appell li jkun indipendenti kemm mill-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni u kif ukoll minn partijiet oħra affettwati mid-deċiżjoni. Sakemm ikun magħruf l-eżitu tal-appell, id-deċiżjoni maħruġa mill-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni għandha tibqa' tgħodd, sakemm ma jkunux ingħataw miżuri *interim* f'konformità mal-liġi tal-Parti ta' dik l-awtorità.

([74]) Għal aktar ċertezza, l-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni tinkludi kwalunkwe awtorità inkarigata minn Parti bl-infurzar tal-obbligi stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

Artikolu 23.4

Awtorizzazzjoni sabiex jiġu pprovduti networks jew servizzi tat-telekomunikazzjoni

1. Jekk Parti tirrikjedi awtorizzazzjoni għall-forniment ta' networks jew ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni, hija għandha tiddikjara perjodu ta' żmien raġonevoli normalment meħtieġ biex l-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni tiddeċiedi dwar it-talba għal awtorizzazzjoni, u għandha tikkomunika dak il-perjodu ta' żmien lill-applikant b'mod trasparenti u għandha tagħmel ħilitha biex tiddeċiedi dwar it-talba fil-perjodu ta' żmien ikkomunikat ([75]).

2. Kwalunkwe kriterju ta' awtorizzazzjoni u proċedura applikabbli għandhom ikunu sempliċi kemm jista' jkun, oġġettivi, trasparenti, mhux diskriminatorji u proporzjonati. L-obbligi u l-kundizzjonijiet kollha imposti fuq jew assoċjati ma' awtorizzazzjoni għandhom ikunu mhux diskriminatorji, trasparenti, proporzjonati u għandhom ikunu relatati mas-servizzi pprovduti.

3. Kull Parti għandha tiżgura li applikant jirċievi bil-miktub ir-raġunijiet għaċ-ċaħda jew għar-revoka ta' awtorizzazzjoni, jew għall-impożizzjoni ta' kundizzjonijiet speċifiċi għall-fornitur. F'każ ta' tali ċaħda, revoka jew impożizzjoni, applikant għandu jkun jista' jfittex rikors quddiem korp ta' appell.

4. It-tariffi amministrattivi imposti fuq il-forniturigħandhom ikunu oġġettivi, trasparenti, mhux diskriminatorji u proporzjonati mal-kostijiet amministrattivi mġarrba b'mod raġonevoli fil-ġestjoni, fil-kontroll u fl-infurzar tal-obbligi stabbiliti f'dan il-Kapitolu ([76]).

Artikolu 23.5

Interkonnessjoni

Mingħajr preġudizzju għall-*Artikolu* 23.9, kull Parti għandha tiżgura li fornitur ta' networks jew ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni fit-territorju tagħha jkollu d-dritt u, meta mitlub minn fornitur ieħor ta' networks jew ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni fit-territorju tagħha, l-obbligu li jinnegozja interkonnessjoni bl-iskop li jipprovdi networks jew servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni fit-territorju tagħha.

Artikolu 23.6

Aċċess u użu

1. Kull Parti għandha tiżgura li kwalunkwe fornitur ta' servizz tal-Parti l-oħra jingħata aċċess għal kwalunkwe network jew servizz pubbliku tat-telekomunikazzjoni u l-użu tagħhom skont termini u kundizzjonijiet raġonevoli u mhux diskriminatorji ([77]), f'konformita', fost l-oħrajn, mal-paragrafi minn 2 sa 5.

2. Kull Parti għandha tiżgura li kwalunkwe fornitur ta' servizz tal-Parti l-oħra jkollu aċċess għal u l-użu ta' kwalunkwe servizz pubbliku tat-telekomunikazzjoni offrut ġewwa jew lil hinn mill-fruntieri ta' dik il-Parti, inklużi ċirkwiti mikrija privatament, u għal dan l-għan għandha tiżgura, soġġett għall-paragrafu 5, li dan il-fornitur ikollu l-permess li:

(a) jixtri jew jikri u jwaħħal terminal jew tagħmir ieħor li joħloq interfaċċa man-network u li huwa neċessarju biex jiġu pprovduti s-servizzi tiegħu;

(b) joħloq interkonnessjoni bejn ċirkwiti privati mikrija jew proprjetà tiegħu u networks pubbliċi tat-telekomunikazzjoni jew ma' ċirkwiti mikrija jew proprjetà ta' fornitur ieħor ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni; u

(c) juża l-protokolli operattivi tal-għażla tiegħu fil-provvista ta' kwalunkwe servizz, għajr kif meħtieġ sabiex jiżgura d-disponibbiltà ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni lill-pubbliku b'mod ġenerali.

([75]) Għal aktar ċertezza, dan l-*Artikolu* ma jipprekludix Parti milli tawtorizza l-forniment ta' networks jew ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni b'notifika sempliċi mingħajr ma jkollha għalfejn tistenna deċiżjoni mill-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni.

([76]) It-tariffi amministrattivi ma jinkludux pagamenti għad-drittijiet għall-użu ta' riżorsi skarsi u ta' kontribuzzjonijiet obbligatorji għall-provvista ta' servizz universali.

([77]) Għall-finijiet ta' dan l-*Artikolu*, mezzi "mhux diskriminatorji" tfisser trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u trattament nazzjonali kif iddefinit fl-Artikoli 17.9, 17.11, 18.4 u 18.5, kif ukoll skont termini u kundizzjonijiet mhux anqas favorevoli minn dawk mogħtija lil kwalunkwe utent ieħor ta' networks jew ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni simili f'sitwazzjonijiet simili.

3. Kull Parti għandha tiżgura li l-fornitur ta' servizz tal-Parti l-oħra jkun jista' juża networks jew servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni għaċ-ċirkolazzjoni ta' informazzjoni ġewwa jew lil hinn mill-fruntieri ta' dik il-Parti, inkluż għall-komunikazzjonijiet intraażjendali ta' tali fornitur ta' servizzi, u għall-aċċess għall-informazzjoni li tkun tinsab f'bażijiet tad-*data* jew li tkun maħżuna b'mod ieħor f'forma li tista' tinqara minn magna fit-territorju ta' kwalunkwe Parti.

4. Minkejja l-paragrafu 3, Parti tista' tieħu l-miżuri li huma neċessarji biex tiżgura s-sigurtà u l-kunfidenzalità tal-komunikazzjonijiet, soġġett għar-rekwiżit li dawk il-miżuri ma jiġux applikati b'mod li jkun jikkostitwixxi mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja u inġustifikabbli jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ fis-servizzi.

5. Kull Parti għandha tiżgura li l-ebda kundizzjoni ma tkun imposta fuq l-aċċess għan-networks jew għas-servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni u għall-użu tagħhom fit-territorju tagħha minbarra dawk neċessarji sabiex:

(a) tissalvagwardja r-responsabbilitajiet tas-servizz pubbliku tal-forniturі ta' networks jew ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni, b'mod partikolari l-kapaċità tagħhom li jagħmlu s-servizzi tagħhom disponibbli għall-pubbliku b'mod ġenerali; jew

(b) tipproteġi l-integrità teknika tan-networks jew tas-servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni.

Artikolu 23.7

Soluzzjoni tat-tilwim dwar it-telekomunikazzjoni

1. Kull Parti għandha tiżgura li, fil-każ ta' tilwima li tinħoloq bejn il-forniturі ta' networks jew ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni b'rabta mad-drittijiet jew mal-obbligi li jirriżultaw minn dan il-Kapitolu, u fuq talba ta' kwalunkwe parti litiganti, l-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni toħroġ deċiżjoni vinkolanti f'perjodu ta' żmien raġonevoli sabiex issolvi t-tilwima.

2. Kull Parti għandha tiżgura li d-deċiżjoni maħruġa mill-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni ssir disponibbli għall-pubbliku, soġġett għar-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità tan-negozju skont il-liġijiet u r-regolamenti tagħha. L-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni għandha tipprovdi lill-partijiet litiganti b'dikjarazzjoni sħiħa tar-raġunijiet li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni. Il-partijiet litiganti għandu jkollhom id-dritt li jappellaw dik id-deċiżjoni, f'konformità mal-*Artikolu* 23.3 (7).

3. Kull Parti għandha tiżgura li l-proċedura msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ma tipprekludix lil xi parti litiganti milli tressaq azzjoni quddiem awtorità ġudizzjarja, f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tal-Parti.

Artikolu 23.8

Salvagwardji kompetittivi fuq forniturі prinċipali

Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm miżuri xierqa bl-għan li tipprevjeni lil forniturі ta' networks jew ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni li, waħidhom jew flimkien, ikunu fornitur ewlieni, milli jinvolvu ruħhom fi prattiki antikompetittivi jew jissoktawhom, inkluż:

(a) l-involviment f'sussidjar inkroċjat antikompetittiv;

(b) l-użu ta' informazzjoni miksuba mingħand il-kompetituri b'riżultati antikompetittivi; u

(c) in-nuqqas ta' tqegħid għad-dispożizzjoni ta' forniturі ta' servizz oħrajn ta' informazzjoni teknika fil-ħin dwar il-faċilitajiet essenzjali u informazzjoni kummerċjalment rilevanti li huma jkollhom bżonn sabiex jipprovdu s-servizzi.

Artikolu 23.9

Interkonnessjoni ma' forniturі ewlenin

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-forniturі ewlenin tan-networks jew tas-servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni jipprovdu interkonnessjoni fi kwalunkwe punt teknikament fattibbli fin-network. Il-forniturі ewlenin għandhom jipprovdu tali interkonnessjoni:

(a) taħt termini u kundizzjonijiet mhux diskriminatorji, inkluż fir-rigward ta' rati, ta' standards tekniċi, ta' speċifikazzjonijiet, ta' kwalità u ta' manutenzjoni, u ta' kwalità mhux anqas favorevoli minn dik ipprovduta għas-servizzi simili proprji tagħhom, jew għal servizzi simili tas-sussidjarji tagħhom jew ta' affiljati oħrajn;

(b) b'mod f'waqtu u skont termini u kundizzjonijiet inkluż fir-rigward ta' rati, ta' standards tekniċi, ta' speċifikazzjonijiet, ta' kwalità u ta' manutenzjoni, li jkunu trasparenti, raġonevoli, u b'kunsiderazzjoni tal-fattibbiltà ekonomika, u diżaggregati biżżejjed sabiex il-fornitur ma jkollux bżonn iħallas għal komponenti jew għal faċilitajiet tan-network li ma jkunx jeħtieġ sabiex jiġi pprovdut is-servizz; u

(c) meta tintalab, f'punti miżjuda mal-punti ta' terminazzjoni tan-network offruti lill-maġġoranza tal-utenti, soġġett għal ħlasijiet li jirriflettu l-kost għall-bini tal-faċilitajiet addizzjonali meħtieġa.

2. Kull Parti għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku l-proċeduri applikabbli għall-interkonnessjoni ma' fornitur ewlieni.

3. Kull Parti għandha tiżgura li l-forniturі prinċipali jagħmlu l-ftehimiet ta' interkonnessjoni tagħhom jew l-offerti ta' interkonnessjoni ta' referenza tagħhom disponibbli għall-pubbliku, kif xieraq.

Artikolu 23.10

Aċċess għall-faċilitajiet essenzjali ta' forniturі ewlenin

Kull Parti għandha tagħti lill-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjonni tagħha s-setgħa li tirrikjedi li fornitur ewlieni fit-territorju tagħha jagħmel il-faċilitajiet essenzjali tiegħu disponibbli għall-forniturі ta' networks jew ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni b'termini u b'kundizzjonijiet raġonevoli, trasparenti u mhux diskriminatorji bil-għan li jiġu pprovduti network jew servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni, sakemm dan ma jkunx neċessarju sabiex tinkiseb kompetizzjoni effettiva fuq il-bażi tal-fatti miġbura u tal-valutazzjoni tas-suq imwettqa mill-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni. Il-faċilitajiet essenzjali ta' fornitur ewlieni jistgħu jinkludu elementi tan-network, servizzi ta' ċirkwiti mikrija u faċilitajiet assoċjati.

Artikolu 23.11

Riżorsi skarsi

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-allokazzjoni u l-għoti tad-drittijiet tal-użu ta' riżorsi skarsi, inklużi l-ispettru tar-radju, in-numri u d-drittijiet tal-linji, jitwettqu b'mod miftuħ, oġġettiv, puntwali, trasparenti, mhux diskriminatorju u proporzjonat u billi jitqiesu l-objettivi ta' interess ġenerali. Il-proċeduri, il-kundizzjonijiet u l-obbligi mehmuża mad-drittijiet tal-użu, għandhom ikunu bbażati fuq kriterji oġġettivi, trasparenti, mhux diskriminatorji u proporzjonati.

2. Kull Parti għandha tagħmel l-użu kurrenti ta' baned ta' frekwenzi allokati disponibbli għall-pubbliku, iżda ma hemmx bżonn ta' identifikazzjoni dettaljata tal-ispettru tar-radju allokat għal użi governattivi speċifiċi.

3. Il-miżuri tal-allokazzjoni u tal-assenjament tal-ispettru u tal-ġestjoni tal-frekwenza ta' Parti ma humiex fihom infushom inkonsistenti mal-Artikoli 17.8 u 18.7. Għaldaqstant, kull Parti żżomm id-dritt li tistabbilixxi u tapplika miżuri ta' ġestjoni tal-ispettru u tal-frekwenza li jista' jkollhom l-effett li jillimitaw l-għadd ta' forniturі ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni, sakemm tagħmel dan b'mod konsistenti ma' din il-Parti ta' dan il-Ftehim. Dan jinkludi l-kapaċità ta' allokazzjoni ta' baned ta' frekwenzi, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet kurrenti u futuri u d-disponibbiltà tal-ispettru.

Artikolu 23.12

Portabilità tan-numru

Kull Parti għandha tiżgura li l-forniturі ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni fit-territorju tagħha jipprovdu portabilità tan-numri fil-ħin u b'termini u kundizzjonijiet raġonevoli.

Artikolu 23.13

Servizz universali

1. Kull Parti għandha d-dritt li tiddefinixxi t-tip ta' obbligi ta' servizz universali li tixtieq iżżomm u li tiddeċiedi dwar l-ambitu u l-implimentazzjoni tagħhom.

2. L-obbligi ta' servizz universali ma għandhomx jitqiesu fihom infushom, bħala antikompetittivi, sakemm jiġu amministrati b'mod proporzjonat, trasparenti, oġġettiv u mhux diskriminatorju. L-amministrazzjoni ta' dawn l-obbligi għandha tkun newtrali fir-rigward tal-kompetizzjoni u ma għandhiex tkun ta' piż aktar milli meħtieġ għat-tip ta' servizz universali definit mill-Parti.

3. Kull Parti għandha tiżgura li l-proċeduri għall-ħatra ta' fornituri ta' servizz universali jkunu miftuħa għall-fornituri kollha ta' networks jew ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni u għandha taħtar fornituri ta' servizz universali permezz ta' mekkaniżmu effiċjenti, trasparenti u mhux diskriminatorju.

4. Jekk Parti tiddeċiedi li tiffinanzja l-provvista ta' servizz universali minn fornitur, għandha tiżgura li tali finanzjament ma jaqbiżx il-kost nett li jirriżulta mill-obbligu ta' servizz universali.

Artikolu 23.14

Kunfidenzjalità tal-informazzjoni

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-fornituri ta' networks jew ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni li jiksbu informazzjoni kunfidenzjali minn fornitur ieħor ta' networks jew ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni fil-proċess tan-negozjar ta' arranġamenti skont l-Artikoli 23.5, 23.6, 23.9 u 23.10 jużaw dik l-informazzjoni biss għall-finijiet li għalihom ġiet ipprovduta u jirrispettaw il-kunfidenzjalità ta' tali informazzjoni f'kull ħin.

2. Kull Parti għandha tiżgura l-kunfidenzjalità tad-data tat-telekomunikazzjoni u tad-*data* tat-traffiku relatata trażmessi fl-użu ta' networks jew ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni, sakemm kwalunkwe miżura li tadotta għal dak l-għan ma tiġix applikata b'mod li jikkostitwixxi mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew inġustifikabbli jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ fis-servizzi.

Artikolu 23.15

Parteċipazzjoni azzjonarja barranija

Fir-rigward tal-provvista ta' networks jew ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni, għajr ix-xandir pubbliku tar-radju, permezz ta' preżenza kummerċjali, Parti ma għandhiex timponi rekwiżiti ta' impriża konġunta jew tillimita l-parteċipazzjoni ta' kapital barrani f'termini ta' limiti perċentwali massimi fuq parteċipazzjoni azzjonarja barranija jew f'termini tal-valur totali ta' investiment barrani individwali jew aggregat.

Artikolu 23.16

Aċċess miftuħ u mhux diskriminatorju għall-internet

1. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm miżuri biex tiżgura li l-fornituri ta' servizzi tal-aċċess għall-internet jippermettu lill-utenti ta' dawk is-servizzi jaċċessaw u jqassmu l-informazzjoni, il-kontenut u s-servizzi tal-għażla tagħhom.

2. Il-paragrafu 1 huwa mingħajr preġudizzju għal-liġijiet u r-regolamenti ta' Parti relatati mal-legalità tal-informazzjoni, tal-kontenut jew tas-servizzi msemmija f'dak il-paragrafu.

3. Minkejja l-paragrafu 1, il-fornituri ta' servizzi tal-aċċess għall-internet jistgħu jimplimentaw miżuri ta' ġestjoni tan-network mhux diskriminatorji ([78]), raġonevoli, trasparenti u proporzjonati li huma konsistenti mal-liġijiet u r-regolamenti ta' Parti.

4. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm miżuri biex tiżgura li l-fornituri ta' servizzi tal-aċċess għall-internet jippermettu lill-utenti ta' dawk is-servizzi jużaw apparat tal-għażla tagħhom, sakemm tali apparati ma jagħmilx ħsara lis-sigurtà ta' apparat ieħor, lin-network jew lis-servizzi pprovduti fuq in-network.

([78]) Soġġett għall-eċċezzjonijiet previsti fil-liġijiet u r-regolamenti ta' Parti.

Artikolu 23.17

Roaming mobbli internazzjonali

1. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jikkooperaw fil-promozzjoni ta' rati trasparenti u raġonevoli għas-servizzi ta' roaming mobbli internazzjonali b'modi li jistgħu jgħinu jippromwovu t-tkabbir tal-kummerċ fost il-Partijiet u jtejbu l-benessri tal-konsumaturi.

2. Kull Parti tista' tieħu passi biex ittejjeb it-trasparenza u l-kompetizzjoni fir-rigward tar-rati tar-roaming mobbli internazzjonali u tal-alternattivi teknoloġiċi għas-servizzi tar-roaming, fosthom billi:

(a) tiżgura li l-informazzjoni rigward ir-rati għall-konsumaturi tkun faċilment aċċessibbli għall-pubbliku; u

(b) timminimizza x-xkiel għall-użu ta' alternattivi teknoloġiċi għar-roaming, li bih l-utenti, meta jżuru t-territorju ta' Parti mit-territorju tal-Parti l-oħra, jistgħu jaċċessaw is-servizzi tat-telekomunikazzjoni billi jużaw l-apparat tal-għażla tagħhom.

KAPITOLU 24

SERVIZZI TAT-TRASPORT MARITTIMU INTERNAZZJONALI

Artikolu 24.1

Kamp ta' applikazzjoni, definizzjonijiet u prinċipji

1. Dan il-Kapitolu jistabbilixxi l-prinċipji rigward il-liberalizzazzjoni tas-servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali skont il-Kapitoli 17, 18 u 19.

2. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu u tal-Kapitoli 17, 18 u 19 u tal-Annessi 17-A, 17-B u 17-C:

(a) "servizzi ta' depot u ta' stazzjon tal-kontejners" tfisser attivitajiet li jikkonsistu fil-ħażna ta' kontejners, kemm fiż-żoni tal-port kif ukoll fiż-żoni interni ta' pajjiż, bil-għan li jitgħabbew bil-merkanzija jew jinħattu minnha, jissewwew u jiġu magħmula disponibbli għall-vjeġġi;

(b) "servizzi ta' żdoganar" jew "servizzi ta' aġenti doganali" tfisser attivitajiet li jikkonsistu fit-twettiq f'isem parti oħra tal-formalitajiet doganali li jikkonċernaw l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew it-trasport bla interuzzjoni lejn id-destinazzjoni ta' merkanzija, kemm jekk dan is-servizz ikun l-attività ewlenija tal-fornitur ta' servizz jew suppliment normali tal-attività ewlenija tiegħu;

(c) "operazzjonijiet tat-trasport mill-bieb sal-bieb jew multimodali" tfisser it-trasport ta' merkanzija bl-użu ta' aktar minn modalità waħda tat-trasport, li tinvolvi parti internazzjonali mill-vjaġġ fuq il-baħar, b'dokument wieħed tat-trasport;

(d) "servizzi ta' twassil tal-merkanzija" tfisser it-trasportazzjoni minn qabel u 'l quddiem bil-baħar, bejn portijiet li jinsabu f'Parti, ta' merkanzija internazzjonali, notevolment f'kontejners, fi triqitha lejn destinazzjoni barra t-territorju ta' dik il-Parti;

(e) "servizzi ta' spedizzjoni tal-merkanzija" tfisser l-attività li tikkonsisti fl-organizzazzjoni u l-monitoraġġ tal-operazzjonijiet tal-ġarr tal-merkanzija bil-baħar f'isem l-ispedituri permezz tal-akkwiżizzjoni ta' servizzi tat-trasport u servizzi relatati, it-tħejjija tad-dokumentazzjoni u l-għoti ta' informazzjoni kummerċjali;

(f) "merkanzija internazzjonali" tfisser merkanzija ttrasportata bejn port ta' Parti waħda u port tal-Parti l-oħra jew ta' pajjiż terz, jew bejn port ta' Stat Membru wieħed u port ta' Stat Membru ieħor;

(g) "servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali" tfisser it-trasport ta' passiġġieri jew ta' merkanzija permezz ta' bastimenti li jbaħħru bejn port ta' Parti u port tal-Parti l-oħra jew ta' pajjiż terz, inklużi l-kuntratti diretti ma' fornituri ta' servizzi tat-trasport oħrajn, bl-għan li jkopru l-operazzjonijiet ta' trasport minn bieb sa bieb jew multimodali skont dokument wieħed tat-trasport, iżda mhux id-dritt li jipprovdu dawk is-servizzi tat-trasport l-oħrajn;

(h) "servizzi ta' aġenzija marittima" tfisser attivitajiet li jikkonsistu fir-rappreżentanza, f'żona ġeografika partikolari, bħala aġent tal-interessi kummerċjali ta' linja jew ta' kumpanija tal-bastimenti waħda jew aktar għall-finijiet li ġejjin:

(i) il-promozzjoni u l-bejgħ ta' servizzi ta' trasport marittimu u servizzi relatati, mill-ħruġ ta' stimi għall-ħruġ ta' fatturi, u l-ħruġ ta' poloz tat-tagħbija f'isem il-kumpaniji, l-akkwist u l-bejgħ mill-ġdid tas-servizzi meħtieġa relatati, it-tħejjija tad-dokumentazzjoni, u l-provvista ta' informazzjoni kummerċjali; jew

(ii) li jaġixxi f'isem il-kumpaniji billi jorganizza s-sejħa tal-vapur jew jieħu l-merkanziji meta jkun meħtieġ;

(i) "servizzi marittimi awżiljarji" tfisser servizzi marittimi ta' mmaniġġar tal-merkanzija, servizzi ta' żdoganar, servizzi ta' depot u ta' stazzjon tal-kontejners, servizzi ta' aġenzija marittima u servizzi marittimi ta' spedizzjoni tal-merkanzija; u

(j) "servizzi marittimi ta' mmaniġġar tal-merkanzija" tfisser attivitajiet eżerċitati minn kumpaniji ta' burdnara, inklużi l-operaturi ta' terminal, iżda ma jinkludux l-attivitajiet diretti tal-ħaddiema fil-baċiri tat-tarzna, meta dik il-forza tax-xogħol tkun organizzata b'mod indipendenti mill-kumpaniji tal-burdnara jew tal-operaturi ta' terminal; l-attivitajiet koperti jinkludu l-organizzazzjoni u s-superviżjoni ta':

(i) it-tagħbija jew il-ħatt ta' merkanzija fuq jew minn bastiment;

(ii) l-irbit jew il-ħall tal-merkanzija; u

(iii) ir-riċevuta jew il-konsenja u ż-żamma sigura tal-merkanzija qabel it-trasportazzjoni jew wara r-rilaxx.

3. Fid-dawl tal-livelli eżistenti ta' liberalizzazzjoni bejn il-Partijiet fit-trasport marittimu internazzjonali, japplikaw il-prinċipji li ġejjin:

(a) il-Partijiet għandhom japplikaw b'mod effettiv il-prinċipju tal-aċċess mingħajr restrizzjonijiet għas-swieq u n-negozji marittimi internazzjonali fuq bażi kummerċjali u mhux diskriminatorja; u

(b) kull Parti għandha tagħti lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Parti l-oħra jew li jkunu mħaddma minn forniturі ta' servizzi tal-Parti l-oħra, trattament mhux anqas favorevoli minn dak mogħti lill-bastimenti tagħha stess, inkluż fir-rigward tal-aċċess għall-portijiet, l-użu tal-infrastruttura u ta' servizzi tal-portijiet, l-użu ta' servizzi marittimi awżiljarji, kif ukoll it-tariffi u l-ħlasijiet relatati, il-faċilitajiet doganali u l-assenjament ta' postijiet ta' rmiġġ u ta' faċilitajiet għat-tagħbija u l-ħatt.

4. Fl-applikazzjoni tal-prinċipji msemmija fil-paragrafu 3, kull Parti:

(a) ma għandhiex tintroduċi arranġamenti ta' kondiviżjoni tal-merkanzija fi ftehimiet futuri ma' pajjiżi terzi li jikkonċernaw servizzi tat-trasport marittimu, inkluż kummerċ f'tagħbija niexfa u likwida u kummerċ tal-linji tat-tbaħħir, u għandha ttemm, f'perjodu ta' żmien raġonevoli, tali arranġamenti ta' kondiviżjoni tal-merkanzija jekk dawn jeżistu fi ftehimiet preċedenti; u

(b) mad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, għandha tabolixxi u żżomm lura milli tintroduċi kwalunkwe miżura unilaterali jew ostaklu amministrattiv, tekniku u ieħor li jistgħu jikkostitwixxu restrizzjoni moħbija jew li jkollhom effetti diskriminatorji fuq il-provvista libera tas-servizzi fit-trasport marittimu internazzjonali.

5. Kull Parti għandha tippermetti li l-forniturі internazzjonali tas-servizzi tat-trasport marittimu tal-Parti l-oħra jkollhom intrapriża stabbilita u li topera fit-territorju tagħha f'konformità mal-kundizzjonijiet previsti fl-iskeda tagħha ta' impenji speċifiċi fl-Annessi 17-A, 17-B u 17-C.

6. Kull Parti għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-forniturі tas-servizz tat-trasport marittimu internazzjonali tal-Parti l-oħra, b'termini u kundizzjonijiet raġonevoli u mhux diskriminatorji, is-servizzi fil-port li ġejjin: pilotaġġ, għajnuna għall-irmonk, proviżjonament, forniment tal-fjuwil u tal-ilma, ġbir tal-iskart u rimi tal-iskart tas-saborra, servizzi ta' kaptan portwali, għajnunijiet għan-navigazzjoni, servizzi operazzjonali bbażati fuq l-art essenzjali għall-operazzjonijiet tal-bastiment, inklużi mezzi ta' komunikazzjoni, provvisti ta' ilma u ta' elettriku, faċilitajiet ta' tiswijiet ta' emerġenza, ankraġġ, u servizzi ta' rmiġġ u biex isir l-irmiġġ.

7. Kull Parti għandha tippermetti li l-forniturі ta' servizz tat-trasport marittimu internazzjonali tal-Parti l-oħra jippożizzjonaw mill-ġdid kontejners vojta li huma proprjetà tagħhom jew mikrija li ma jkunux qed jinġarru bi ħlas bħala merkanzija bejn portijiet taċ-Ċilì jew bejn portijiet ta' Stat Membru.

KAPITOLU 25

SERVIZZI FINANZJARJI

Artikolu 25.1

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu japplika għal miżura adottata jew miżmuma minn Parti fir-rigward ta':

(a) istituzzjonijiet finanzjarji tal-Parti l-oħra;

(b) investituri tal-Parti l-oħra, u investimenti ta' dawk l-investituri, f'istituzzjonijiet finanzjarji fit-territorju tal-Parti; jew

(c) kummerċ transfruntier fis-servizzi finanzjarji.

2. Għal aktar ċertezza, il-Kapitolu 17 japplika għal:

(a) miżura relatata ma' investitur ta' Parti, u investiment ta' dak l-investitur, f'fornitur ta' servizzi finanzjarji li ma huwiex istituzzjoni finanzjarja; u

(b) miżura, għajr miżura relatata mal-provvista ta' servizzi finanzjarji, relatata ma' investitur ta' Parti, jew ma' investiment ta' dak l-investitur fit-territorju tal-Parti l-oħra f'istituzzjoni finanzjarja.

3. Id-dispożizzjonijiet tal-Kapitoli 17 u 18 japplikaw għal miżuri fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu biss sal-punt li dawk id-dispożizzjonijiet jiġu inkorporati u magħmula parti minn dan il-Kapitolu.

4. L-Artikoli 17.5, 17.16 sa 17.23 u 18.9 huma b'dan inkorporati u magħmula parti minn dan il-Kapitolu.

5. It-Taqsima D tal-Kapitolu 17 hija b'dan inkorporata fi u magħmula parti minn dan il-Kapitolu biss għal pretensjonijiet li Parti tkun kisret l-*Artikolu* 17.16, 17.17, 17.18, 17.19, 17.20, 17.21, l-*Artikolu* 25.3(2) jew l-*Artikolu* 25.5(2).

6. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal miżura adottata jew miżmuma minn Parti fir-rigward ta':

(a) attivitajiet imwettqa minn bank ċentrali jew minn awtorità monetarja jew minn xi entità pubblika fit-twettiq ta' politika monetarja jew ta' rata tal-kambju;

(b) attivitajiet jew servizzi li jiffurmaw parti minn pjan pubbliku tal-irtirar jew sistema statutorja ta' sigurtà soċjali; jew

(c) attivitajiet jew servizzi mwettqa f'isem il-Parti, bil-garanzija jew bl-użu tar-riżorsi finanzjarji tal-Parti, inkluż l-entitajiet pubbliċi tagħha.

7. Minkejja l-paragrafu 6, dan il-Kapitolu japplika sal-punt li Parti tippermetti kwalunkwe attività jew servizz imsemmi fis-subparagrafu (b) jew (c) tal-paragrafu 6 li jridu jitwettqu mill-istituzzjonijiet finanzjarji tagħha f'kompetizzjoni ma' entità pubblika jew ma' istituzzjoni finanzjarja.

8. L-Artikoli 25.3 u 25.5 sa 25.9 ma japplikawx fir-rigward tal-akkwist pubbliku.

9. L-Artikoli 25.3 u 25.5 sa 25.8 ma japplikawx fir-rigward ta' sussidji mogħtija minn Parti, inklużi self appoġġat mill-gvern, garanziji u assigurazzjonijiet.

Artikolu 25.2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu u tal-Anness 25:

(a) "fornitur ta' servizzi finanzjarji transfruntiera ta' Parti" tfisser persuna ta' Parti li hija involuta fil-provvista ta' servizz finanzjarju fit-territorju tal-Parti u li tfittex li tipprovdi, jew tipprovdi, servizz finanzjarju permezz tal-forniment transfruntier ta' dak is-servizz;

(b) "forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji" jew "kummerċ transfruntier f'servizzi finanzjarji" tfisser il-provvista ta' servizz finanzjarju:

(i) mit-territorju ta' Parti għat-territorju tal-Parti l-oħra; jew

(ii) fit-territorju ta' Parti minn persuna ta' dik il-Parti għal konsumatur tas-servizzi tal-Parti l-oħra;

(c) "istituzzjoni finanzjarja" tfisser fornitur ta' servizz finanzjarju wieħed jew aktar li jkun regolat jew sorveljat fir-rigward tal-forniment ta' dawn is-servizzi bħala istituzzjoni finanzjarja skont il-liġi tal-Parti li fit-territorju tagħha tkun stabbilita, inkluż fergħa fit-territorju tal-Parti ta' dak il-fornitur ta' servizzi finanzjarji li l-uffiċċji prinċipali tagħhom ikunu jinsabu fit-territorju tal-Parti l-oħra;

(d) "servizz finanzjarju" tfisser servizz ta' natura finanzjarja, inklużi servizzi ta' assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni, servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni). Servizzi finanzjarji jinkludu l-attivitajiet li ġejjin:

(i) l-assigurazzjoni u s-servizzi relatati mal-assigurazzjoni:

(A) l-assigurazzjoni diretta (inkluża l-koassigurazzjoni):

(1) fuq il-ħajja; u

(2) mhux fuq il-ħajja;

(B) l-riassigurazzjoni u r-retroċessjoni;

(C) l-intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni, bħal senserija u aġenzija; u

(D) servizzi awżiljarji għall-assigurazzjoni, bħal konsulenza, valutazzjoni attwarjali, valutazzjoni tar-riskju u servizzi ta' saldu tal-pretensjonijiet; u

(ii) servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni):

(A) l-aċċettazzjoni ta' depożiti u fondi oħrajn li jitħallsu lura mill-pubbliku;

(B) is-self tat-tipi kollha, inklużi l-kreditu lill-konsumaturi, il-kreditu fuq l-ipoteka, il-fatturazzjoni u l-finanzjament ta' tranżazzjonijiet kummerċjali;

(C) il-lokazzjoni finanzjarja;

(D) is-servizzi kollha ta' trażmissjoni ta' ħlasijiet u ta' flus, inklużi l-karti ta' kreditu, ta' ħlasijiet (charge cards) u ta' debitu, iċ-ċekkijiet tal-vjaġġaturi u ċ-ċekkijiet bankarji;

(E) garanziji u impenji;

(F) negozju proprju jew f'isem klijenti, kemm jekk fil-borża, f'suq finanzjarju barra l-borża, kif ukoll jekk mod ieħor, f'dan li ġej:

(1) strumenti tas-suq monetarju (inklużi ċekkijiet, kontijiet, ċertifikati ta' depożiti);

(2) il-munita barranija;

(3) prodotti derivattivi inkluż futuri u opzjonijiet;

(4) strumenti tar-rati tal-kambju u tar-rata tal-imgħax, inkluż prodotti bħal tpartit u ftehimiet dwar ir-rata forward;

(5) titoli trasferibbli; jew

(6) strumenti oħra negozjabbli u assi finanzjarji, inkluż ingotti tad-deheb;

(G) il-parteċipazzjoni fil-ħruġ ta' kull tip ta' titoli, inklużi sottoskrittura u allokazzjoni bħala aġent sew jekk pubblikament sew jekk privatament, u l-provvista ta' servizzi relatati ma' ħruġ bħal dan;

(H) senserija ta' flus;

(I) l-amministrazzjoni tal-assi, bħall-amministrazzjoni ta' flus kontanti u ta' portfolio, kull forma ta' amministrazzjoni ta' investiment kollettiv, l-amministrazzjoni ta' fondi tal-pensjoni, servizzi ta' kustodja, depożitarji u fiduċjarji;

(J) servizzi ta' saldu u tal-ikklirjar għal assi finanzjarji, inklużi titoli, prodotti derivattivi u strumenti oħra negozjabbli;

(K) il-forniment u t-trasferiment ta' tagħrif finanzjarju, u l-ipproċessar ta' *data* finanzjarja u software relatat; u

(L) servizzi ta' konsulenza, servizzi ta' intermedjazzjoni u servizzi finanzjarji awżiljarji oħrajn dwar l-attivitajiet kollha elenkati fis-subparagrafi (A) sa (K), li jinkludu referenza u analiżi tal-kreditu, investiment u riċerka u pariri dwar portafolji, u pariri dwar akkwiżizzjonijiet u dwar ir-ristrutturar u l-istrateġija korporattivi;

(e) "fornitur ta' servizzi finanzjarji ta' Parti" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika ta' Parti li tforni jew li tfittex li tforni servizz finanzjarju, iżda li ma tinkludix entità pubblika;

(f) "investiment" tfisser investiment kif definit fis-subparagrafu (k) tal-*Artikolu* 17.2, ħlief li għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu u tal-Anness 25 fir-rigward ta' "self" u "strumenti ta' dejn":

(i) self jew strument ta' dejn maħruġ minn istituzzjoni finanzjarja huwa investiment biss jekk huwa ttrattat bħala kapital regolatorju mill-Parti li fit-territorju tagħha tkun stabbilita l-istituzzjoni finanzjarja; u

(ii) self mogħti minn istituzzjoni finanzjarja jew strument ta' dejn li jappartjeni għaliha, għajr self jew strument ta' dejn maħruġ minn istituzzjoni finanzjarja msemmija fis-subparagrafu (i), ma huwiex investiment;

għal aktar ċertezza, self mogħti minn fornitur ta' servizzi finanzjarji transfruntiera jew strument ta' dejn li jappartjeni għalih, minbarra self jew strument ta' dejn maħruġ minn istituzzjoni finanzjarja, huwa investiment għall-finijiet tal-Kapitolu 17, jekk dak is-self jew strument ta' dejn jissodisfa l-kriterji tad-definizzjoni ta' "investimenti" stabbiliti fis-subparagrafu (k) tal-*Artikolu* 17.2;

(g) "investitur ta' Parti" tfisser persuna fiżika jew ġuridika ta' Parti li tfittex li tagħmel, qiegħda tagħmel jew li tkun għamlet investiment f'istituzzjonijiet finanzjarji fit-territorju tal-Parti l-oħra;

(h) "persuna ġuridika ta' Parti" tfisser:

(i) għall-Parti tal-UE: persuna ġuridika kostitwita jew organizzata skont id-dritt tal-Unjoni Ewropea jew ta' tal-anqas wieħed mill-Istati Membri tagħha u involuta f'operazzjonijiet sostantivi ta' negozju ([79]) fit-territorju tal-Unjoni Ewropea; u

(ii) għaċ-Ċilì: persuna ġuridika kkostitwita jew organizzata skont il-liġi taċ-Ċilì u involuta f'operazzjonijiet kummerċjali sostantivi fit-territorju taċ-Ċilì;

(i) "servizz finanzjarju ġdid" tfisser servizz ta' natura finanzjarja, inkluż servizzi marbuta ma' prodotti eżistenti u ma' prodotti ġodda jew il-mod li bih jitwassal prodott, li ma jkunx fornut minn xi fornitur ta' servizzi finanzjarji fit-territorju ta' Parti iżda li jkun fornut fit-territorju tal-Parti l-oħra;

(j) "entità pubblika" tfisser:

([79]) F'konformità man-notifika tagħha tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea lid-WTO (WT/REG39/1), il-Parti tal-UE tifhem li l-kunċett ta' "rabta effettiva u kontinwa" mal-ekonomija ta' Stat Membru mnaqqax fl-*Artikolu* 54 tat-TFUE huwa ekwivalenti għall-kunċett ta' "operazzjonijiet kummerċjali sostantivi".

(i) gvern, bank ċentrali jew awtorità monetarja ta' Parti jew entità proprjetà ta' Parti jew ikkontrollata minnha, li tkun involuta prinċipalment fit-twettiq ta' funzjonijiet governattivi jew attivitajiet għal finijiet governattivi, iżda li ma tinkludix entità involuta prinċipalment fil-provvista ta' servizzi finanzjarji fuq termini kummerċjali; jew

(ii) entità privata li twettaq funzjonijiet li normalment jitwettqu minn bank ċentrali jew minn awtorità monetarja, meta tkun qiegħda teżerċita dawk il-funzjonijiet; u

(k) "organizzazzjoni awtoregolatorja" tfisser kwalunkwe korp mhux governattiv, inkluż suq tat-titoli jew tal-futuri, aġenzija tal-ikklerjar, organizzazzjoni jew assoċjazzjoni oħra, li teżerċita awtorità regolatorja jew superviżorja fuq il-forniturі ta' servizzi finanzjarji jew l-istituzzjonijiet finanzjarji permezz ta' statut jew delega minn gvernijiet jew minn awtoritajiet ċentrali, reġjonali jew lokali, meta applikabbli.

Artikolu 25.3

Trattament nazzjonali

1. Kull Parti għandha tagħti lill-investituri fl-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Parti l-oħra u lill-intrapriżi li jikkostitwixxu investimenti f'istituzzjonijiet finanzjarji, fir-rigward tal-istabbiliment, trattament mhux anqas favorevoli mit-trattament li tagħti, f'sitwazzjonijiet simili ([80]), lill-investituri tagħha stess fl-istituzzjonijiet finanzjarji u lill-intrapriżi tagħhom li huma istituzzjonijiet finanzjarji.

2. Kull Parti għandha tagħti lill-investituri f'istituzzjonijiet finanzjarji tal-Parti l-oħra u lill-investimenti tagħhom f'istituzzjonijiet finanzjarji, fir-rigward tat-tħaddim, trattament mhux anqas favorevoli mit-trattament li tagħti, f'sitwazzjonijiet simili ([81]), lill-investituri tagħha stess f'istituzzjonijiet finanzjarji u lill-investimenti tagħhom f'istituzzjonijiet finanzjarji.

3. It-trattament mogħti minn Parti skont il-paragrafi 1 u 2 ifisser:

(a) fir-rigward ta' gvern reġjonali jew lokali taċ-Ċilì, trattament mhux anqas favorevoli mill-aktar trattament favorevoli mogħti, f'sitwazzjonijiet simili, minn dak il-livell ta' gvern lil investituri f'istituzzjonijiet finanzjarji taċ-Ċilì u lill-investimenti tagħhom f'istituzzjonijiet finanzjarji fit-territorju tiegħu;

(b) fir-rigward ta' gvern ta', jew fi, Stat Membru, trattament mhux anqas favorevoli mill-aktar trattament favorevoli mogħti, f'sitwazzjonijiet simili, minn dak il-gvern lil investituri f'istituzzjonijiet finanzjarji ta' dak l-Istat Membru u lill-investiment tagħhom f'istituzzjonijiet finanzjarji fit-territorju tiegħu ([82]).

Artikolu 25.4

Akkwist pubbliku

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Parti l-oħra stabbiliti fit-territorju tagħha jingħataw trattament mhux anqas favorevoli minn dak mogħti, f'sitwazzjonijiet simili, lill-istituzzjonijiet finanzjarji tagħha stess fir-rigward ta' kwalunkwe miżura rigward ix-xiri ta' oġġetti jew servizzi minn entità tal-akkwist għal finijiet governattivi.

2. L-applikazzjoni tal-obbligu tat-trattament nazzjonali previst f'dan l-*Artikolu* tibqa' soġġetta għal eċċezzjonijiet ta' sigurtà u ġenerali kif stabbilit fl-*Artikolu* 28.3.

([80]) Għal aktar ċertezza, jekk it-trattament jingħatax f'"sitwazzjonijiet simili" jeħtieġ analiżi każ b'każ u bbażata fuq il-fatti u jiddependi fuq it-totalità tas-sitwazzjonijiet.

([81]) Għal aktar ċertezza, jekk it-trattament jingħatax f'"sitwazzjonijiet simili" jeħtieġ analiżi każ b'każ u bbażata fuq il-fatti u jiddependi fuq it-totalità tas-sitwazzjonijiet.

([82]) Għal aktar ċertezza, it-trattament mogħti minn gvern ta', jew fi, Stat Membru jinkludi l-livell reġjonali u lokali tal-gvern, fejn applikabbli.

Artikolu 25.5

Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit

1. Kull Parti għandha tagħti lill-investituri f'istituzzjonijiet finanzjarji tal-Parti l-oħra u lill-intrapriżi tagħhom li jikkonstitwixxu investimenti f'istituzzjonijiet finanzjarji, fir-rigward tal-istabbiliment, trattament mhux anqas favorevoli mit-trattament li tagħti, f'sitwazzjonijiet simili ([83]), lill-investituri f'istituzzjonijiet finanzjarji ta' pajjiż terz u lill-intrapriżi tagħhom li huma istituzzjonijiet finanzjarji.

2. Kull Parti għandha tagħti lill-investituri f'istituzzjonijiet finanzjarji tal-Parti l-oħra u lill-investimenti tagħhom f'istituzzjonijiet finanzjarji fir-rigward tat-tħaddim tagħhom, trattament mhux anqas favorevoli mit-trattament li tagħti, f'sitwazzjonijiet simili ([84]), lill-investituri f'istituzzjonijiet finanzjarji ta' pajjiż terz u lill-investimenti tagħhom f'istituzzjonijiet finanzjarji.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx jiġu interpretati bħala li jobbligaw lil Parti testendi lill-investituri f'istituzzjonijiet finanzjarji tal-Parti l-oħra jew lill-investimenti tagħhom f'istituzzjonijiet finanzjarji l-benefiċċju ta' kwalunkwe trattament li jirriżulta minn miżuri li jipprevedu r-rikonoxximent ta' standards, inkluż tal-istandards jew tal-kriterji għall-awtorizzazzjoni, il-liċenzjar jew iċ-ċertifikazzjoni ta' persuna fiżika jew intrapriża biex twettaq attività ekonomika, jew ta' miżuri prudenzjali.

4. Għal aktar ċertezza, it-trattament imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 ma jinkludix il-proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim li jirrigwarda l-investiment jew mekkaniżmi previsti fi trattati ta' investiment internazzjonali jew fi ftehimiet kummerċjali. Id-dispożizzjonijiet sostantivi fi trattati ta' investiment internazzjonali u fi ftehimiet kummerċjali oħrajn fihom infushom ma jikkostitwixxux "trattament" kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 2, u għaldaqstant ma jistgħux iwasslu għal ksur ta' dan l-*Artikolu*, miżuri assenti adottati jew miżmuma minn Parti. Il-miżuri ta' Parti applikati skont dawk id-dispożizzjonijiet sostantivi jistgħu jikkostitwixxu "trattament" skont dan l-*Artikolu* u għaldaqstant iwasslu għal ksur ta' dan l-*Artikolu*.

Artikolu 25.6

L-aċċess għas-suq

1. Fis-setturi jew is-subsetturi elenkati fit-Taqsimiet B tal-Appendiċijiet 25-1 u 25-2 fejn jitwettqu impenji dwar l-aċċess għas-suq, Parti ma għandhiex tadotta jew iżżomm, fir-rigward tal-aċċess għas-suq permezz tal-istabbiliment jew operazzjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji minn investituri tal-Parti l-oħra, jew fuq il-bażi tat-territorju sħiħ tagħha jew fuq il-bażi ta' suddiviżjoni territorjali, miżura li:

(a) tillimita l-għadd ta' istituzzjonijiet finanzjarji, kemm jekk fil-forma ta' kwoti numeriċi, ta' monopolji, ta' fornituri ta' servizzi esklużivi jew tar-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi;

(b) tillimita l-valur totali ta' tranżazzjonijiet tas-servizz finanzjarju jew ta' assi fil-forma ta' kwoti numeriċi jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi;

(c) tillimita l-għadd totali ta' operazzjonijiet ta' servizzi finanzjarji jew il-kwantità totali ta' produzzjoni ta' servizzi finanzjarji mfissra f'termini ta' unitajiet numeriċi ddeżinjati fil-forma ta' kwoti jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi;

(d) tillimita l-għadd totali ta' persuni fiżiċi li jistgħu jiġu impjegati f'settur partikolari tas-servizzi finanzjarji jew li istituzzjoni finanzjarja tista' timpjega u li huma meħtieġa għall-provvista ta' servizz finanzjarju speċifiku, u direttament relatati miegħu, fil-forma ta' kwoti numeriċi jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi; jew

(e) tirrestrinġi jew tirrikjedi tipi speċifiċi ta' entità ġuridika jew ta' impriża konġunta li permezz tagħhom instituzzjoni finanzjarja tista' tipprovdi servizz.

2. Għal aktar ċertezza, dan l-*Artikolu* ma jipprevjenix lil xi Parti milli teħtieġ li xi istituzzjoni finanzjarja tipprovdi ċerti servizzi finanzjarji permezz ta' entitajiet legali separati jekk, skont il-liġi ta' dik il-Parti, il-firxa ta' servizzi finanzjarji pprovduti mill-istituzzjoni finanzjarja ma jistgħux jiġu fornuti permezz ta' entità waħda.

([83]) Għal aktar ċertezza, jekk it-trattament jingħatax f'"sitwazzjonijiet simili" jeħtieġ analiżi każ b'każ u bbażata fuq il-fatti u jiddependi fuq it-totalità tas-sitwazzjonijiet.

([84]) Għal aktar ċertezza, jekk it-trattament jingħatax f'"sitwazzjonijiet simili" jeħtieġ analiżi każ b'każ u bbażata fuq il-fatti u jiddependi fuq it-totalità tas-sitwazzjonijiet.

Artikolu 25.7

Forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji

1. L-Artikoli 18.4, 18.5, 18.6 u 18.7 huma inkoporati f'dan il-Kapitolu u jagħmlu parti minnu u japplikaw għal miżuri li jaffettwaw il-forniturі ta' servizzi finanzjarji transfruntiera li jipprovdu servizzi finanzjarji stabbiliti fit-Taqsimiet A tal-Appendiċijiet 25-1 u 25-2.

2. Parti għandha tippermetti li persuni li jinsabu fit-territorju tagħha, u l-persuni fiżiċi tagħha kull fejn ikunu jinsabu, jixtru servizzi finanzjarji mingħand forniturі ta' servizzi finanzjarji transfruntiera tal-Parti l-oħra li jkunu jinsabu fit-territorju tal-Parti l-oħra. Dan l-obbligu ma jirrikjedix li Parti tippermetti li dawn il-forniturі jwettqu negozju jew jissolleċitaw fit-territorju tagħha. Parti tista' tiddefinixxi "twettaq negozju" u "tissolleċita" għall-finijiet ta' dan l-obbligu, sakemm dawk id-definizzjonijiet ma jkunux inkonsistenti mal-paragrafu 1 ta' dan l-*Artikolu*.

3. Mingħajr preġudizzju għal mezzi oħra ta' regolamentazzjoni prudenzjali tal-kummerċ transfruntier fis-servizzi finanzjarji, Parti tista' titlob ir-reġistrazzjoni jew l-awtorizzazzjoni tal-forniturі ta' servizzi finanzjarji transfruntiera tal-Parti l-oħra u tal-istrumenti finanzjarji.

Artikolu 25.8

Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi

Parti ma għandhiex tirrikjedi li istituzzjoni finanzjarja tal-Parti l-oħra, li tkun stabbilita fit-territorju tagħha, taħtar persuni fiżiċi ta' nazzjonalità partikolari bħala membri tal-bordijiet tad-diretturi jew għal pożizzjoni maniġerjali superjuri, bħal uffiċjali eżekuttivi jew maniġers.

Artikolu 25.9

Rekwiżiti tal-prestazzjoni

1. Parti ma għandhiex, b'rabta mal-istabbiliment jew it-tħaddim ta' istituzzjoni finanzjarja ta' Parti jew ta' pajjiż terz fit-territorju tagħha, timponi jew tinforza xi rekwiżit, jew tinforza xi impenn biex:

(a) tesporta livell jew perċentwal partikolari ta' oġġetti jew servizzi;

(b) tikseb ċertu livell jew perċentwal ta' kontenut domestiku;

(c) takkwista, tuża jew tagħti preferenza lil oġġetti li jiġu manifatturati jew servizzi li jiġu pprovduti fit-territorju tagħha, jew takkwista oġġetti jew servizzi minn persuni fiżiċi jew intrapriżi fit-territorju tagħha;

(d) tirrelata bi kwalunkwe mod il-volum jew il-valur tal-importazzjonijiet mal-volum jew il-valur tal-esportazzjonijiet jew mal-ammont ta' dħul tal-munita barranija assoċjat ma' tali istituzzjoni finanzjarja;

(e) tirrestriġi l-bejgħ ta' oġġetti jew servizzi fit-territorju tagħha li timmanifattura jew tipprovdi tali istituzzjoni finanzjarja billi tirrelata dak il-bejgħ bi kwalunkwe mod mal-volum jew il-valur tal-esportazzjonijiet tagħha jew tal-qligħ mill-munita barranija;

(f) isir trasferiment ta' teknoloġija, ta' proċess ta' produzzjoni jew ta' għarfien propjetarju lil persuna fiżika jew intrapriża fit-territorju tagħha;

(g) jiġu fornuti esklussivament mit-territorju ta' dik il-Parti l-oġġetti li timmanifattura jew is-servizzi li tipprovdi lil suq reġjonali jew dinji speċifiku;

(h) jinstabu l-kwartieri ġenerali ta' dik l-istituzzjoni finanzjarja għal reġjun speċifiku tad-dinja, li jkun usa' mit-territorju tal-Parti, jew tas-suq dinji fit-territorju tagħha;

(i) timpjega numru jew perċentwal partikolari ta' ċittadini tagħha; jew

(j) tirrestrinġi l-esportazzjoni jew il-bejgħ għall-esportazzjoni.

2. Parti ma għandhiex torbot ir-riċevuta jew l-issoktar tar-riċevuta ta' vantaġġ, b'rabta mal-istabbiliment jew tħaddim ta' istituzzjoni finanzjarja ta' Parti jew ta' pajjiż terz fit-territorju tiegħu, mal-konformità ma' kwalunkwe wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) il-kisba ta' livell jew perċentwal partikolari ta' kontenut domestiku;

(b) l-akkwist, l-użu jew l-għoti ta' preferenza lill-oġġetti li jiġu manifatturati jew lis-servizzi li jiġu pprovduti fit-territorju tagħha, jew akkwist ta' oġġetti jew servizzi minn persuni fiżiċi jew intrapriżi fit-territorju tagħha;

(c) ir-relazzjoni bi kwalunkwe mod tal-volum jew tal-valur tal-importazzjonijiet mal-volum jew mal-valur tal-esportazzjonijiet jew mal-ammont ta' dħul tal-munita barranija assoċjat ma' tali istituzzjoni finanzjarja;

(d) ir-restrizzjoni tal-bejgħ ta' oġġetti jew servizzi fit-territorju tagħha li timmanifattura jew tipprovdi tali istituzzjoni finanzjarja billi tirrelata dak il-bejgħ bi kwalunkwe mod mal-volum jew mal-valur tal-esportazzjonijiet tagħha jew tal-qligħ mill-munita barranija; jew

(e) ir-restrizzjoni tal-esportazzjoni jew tal-bejgħ għall-esportazzjoni.

3. Il-paragrafu 2 ma għandux jiġi interpretat bħala li jipprevjeni lil Parti milli torbot ir-riċevuta jew l-issoktar tar-riċevuta ta' vantaġġ, b'rabta mal-istabbiliment jew mat-tħaddim ta' istituzzjonijiet finanzjarji fit-territorju tagħha minn investitur ta' Parti jew pajjiż terz, mal-konformità ma' rekwiżit li l-produzzjoni, il-provvista ta' servizz, it-taħriġ jew ir-reklutaġġ tal-ħaddiema, il-bini jew l-espansjoni ta' faċilitajiet partikolari, jew it-twettiq ta' riċerka u ta' żvilupp, isiru fit-territorju tagħha.

4. Is-subparagrafu (f) tal-paragrafu 1 ma japplikax jekk:

(a) Parti tawtorizza l-użu ta' dritt ta' proprjetà intellettwali f'konformità mal-*Artikolu* 31 jew 31a tal-Ftehim TRIPS jew tadotta jew iżżomm miżuri li jeħtieġu d-divulgazzjoni ta' *data* jew ta' informazzjoni proprjetarja li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 3 tal-*Artikolu* 39 tal-Ftehim TRIPS u li huma konsistenti ma' dan; jew

(b) ir-rekwiżit jiġi impost jew l-impenn jiġi infurzat minn qorti, tribunal amministrattiv, jew awtorità tal-kompetizzjoni sabiex tiġi rrimedjata prattika ddeterminata wara proċess ġudizzjarju jew amministrattiv li tkun ksur tad-drittijiet tal-kompetizzjoni tal-Parti.

5. Is-subparagrafi (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1 u s-subparagrafi (a) u (b) tal-paragrafu 2 ma japplikawx għar-rekwiżiti ta' kwalifika għal oġġetti jew servizzi fir-rigward tal-parteċipazzjoni fil-promozzjoni tal-esportazzjoni u fi programmi ta' għajnuna barranija.

6. Is-subparagrafi (a) u (b) tal-paragrafu 2 ma japplikawx għar-rekwiżiti imposti minn Parti li timporta rigward il-kontenut ta' oġġetti neċessarji għall-kwalifika għal tariffi preferenzjali jew għal kwoti preferenzjali.

7. Għal aktar ċertezza, dan l-*Artikolu* ma għandux jiġi interpretat bħala li jirrikjedi li Parti tippermetti li jiġi pprovdut servizz partikolari fuq bażi transfruntiera fejn dik il-Parti tadotta jew iżżomm restrizzjonijiet jew projbizzjonijiet fuq tali provvista ta' servizzi li jkunu konsistenti mar-riżervi, mal-kundizzjonijiet jew mal-kwalifiki speċifikati fir-rigward ta' settur, ta' subsettur jew ta' attività elenkati fl-Anness 25.

8. Dan l-*Artikolu* huwa mingħajr preġudizzju għall-impenji ta' Parti magħmula skont il-Ftehim tad-WTO.

Artikolu 25.10

Miżuri mhux konformi

1. L-Artikoli 25.3, 25.5, 25.7, 25.8 u 25.9 ma japplikawx għal:

(a) kwalunkwe miżura eżistenti mhux konformi li tinżamm minn:

(i) għall-Parti tal-UE:

(A) l-Unjoni Ewropea, kif stabbilit fit-Taqsima C tal-Appendiċi 25-1;

(B) il-gvern ċentrali ta' Stat Membru, kif stabbilit fit-Taqsima C tal-Appendiċi 25-1;

(C) livell reġjonali ta' gvern ta' Stat Membru, kif stabbilit fit-Taqsima C tal-Appendiċi 25-1; jew

(D) livell lokali ta' gvern; u

(ii) għaċ-Ċilì:

(A) il-gvern ċentrali, kif stabbilit fit-Taqsima C tal-Appendiċi 25-2;

(B) livell reġjonali ta' gvern, kif stabbilit fit-Taqsima C tal-Appendiċi 25-2; jew

(C) livell lokali ta' gvern;

(b) il-kontinwazzjoni jew it-tiġdid fil-pront ta' kwalunkwe miżura mhux konformi msemmija fis-subparagrafu (a) ta' dan il-paragrafu; jew

(c) modifika ta' kwalunkwe miżura mhux konformi msemmija fil-subparagrafu (a) ta' dan il-paragrafu, sal-punt li l-modifika ma tnaqqasx il-konformità tal-miżura, kif din kienet teżisti immedjatament qabel il-modifika, mal-Artikoli 25.3, 25.5, 25.7, 25.8 jew 25.9.

2. L-Artikoli 25.3, 25.5, 25.7, 25.8 u 25.9 ma japplikawx għal kwalunkwe miżura ta' Parti fir-rigward ta' setturi, ta' subsetturi jew ta' attivitajiet, kif stabbilit minn dik il-Parti fit-Taqsima D tal-Appendiċijiet 25-1 u 25-2, rispettivament.

3. Parti ma għandhiex tirrikjedi, permezz ta' kwalunkwe miżura adottata wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u koperta mit-Taqsima D tal-Appendiċi 25-1 jew 25-2, , li investitur tal-Parti l-oħra, minħabba n-nazzjonalità tiegħu, ibigħ jew jiddisponi b'xi mod ieħor mill-istituzzjoni finanzjarja tiegħu li tkun teżisti fiż-żmien li fih il-miżura ssir effettiva.

4. L-*Artikolu* 25.6 ma japplika għall-ebda miżura ta' Parti fir-rigward ta' setturi, ta' subsetturi jew ta' attivitajiet kif stabbiliti minn dik il-Parti fit-Taqsima B tal-Appendiċi 25-1 jew 25-2,.

5. Meta Parti tkun stabbiliet riżerva għall-Artikoli 17.9, 17.11, 17.12, 17.13, 18.4 jew 18.5 fl-Anness 17-A jew 17-b, dik ir-riżerva tikkostitwixxi wkoll riżerva għall-Artikoli 25.3, 25.5, 25.7, 25.8 jew 25.9, skont il-każ, sal-punt li l-miżura, is-settur, is-subsettur jew l-attività stabbiliti fir-riżerva huma koperti minn dan il-Kapitolu.

Artikolu 25.11

Konċessjoni prudenzjali

1. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jipprevjeni lil Parti milli tadotta jew iżżomm miżuri għal raġunijiet prudenzjali, fosthom:

(a) għall-protezzjoni ta' investituri, depożitanti, detenturi ta' poloz jew persuni li lilhom ikun dovut obbligu fiduċjarju minn fornitur ta' servizz finanzjarji; jew

(b) biex jiġu żgurati l-integrità u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja ta' Parti.

2. Fejn dawn il-miżuri ma jikkonfomawx mad-disposizzjonijiet ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim, ma għandhomx jintużaw bħala mezz biex jevitaw l-impenji jew l-obbligi tal-Parti skont din il-Parti ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 25.12

Trattament ta' informazzjoni

Xejn f'din il-Parti ta' dan il-Ftehim ma għandu jiġi interpretat li jirrikjedi li Parti tiddivulga informazzjoni dwar in-negozju u l-kontijiet tal-klijenti individwali u kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali u proprjetarja fil-pussess tal-entitajiet pubbliċi.

Artikolu 25.13

Regolamentazzjoni u trasparenza domestiċi

1. Il-Kapitolu 20, bl-eċċezzjoni tas-subparagrafi (c) sa (f) tal-*Artikolu* 20.1(5), u l-Kapitolu 36 ma japplikawx għal miżuri ta' Parti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu.

2. Sa fejn ikun prattikabbli u b'mod konsistenti mas-sistema legali tagħha għall-adozzjoni tal-miżuri, kull Parti għandha:

(a) tippubblika minn qabel:

(i) il-liġijiet u r-regolamenti ta' applikazzjoni ġenerali li tipproponi li tadotta fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu; jew

(ii) dokumenti li jipprovdu biżżejjed dettalji dwar tali liġijiet u regolamenti ġodda possibbli biex persuni interessati u l-Parti l-oħra jkunu jistgħu jivvalutaw jekk u kif l-interessi tagħhom jistgħu jiġu affettwati b'mod sinifikanti;

(b) jipprovdu lill-persuni interessati u lill-Parti l-oħra opportunità raġonevoli biex jippreżentaw kummenti dwar kwalunkwe liġi u regolameni jew dokumeni propost ippubblikat skont is-subparagrafu (a);

(c) jikkunsidraw kwalunkwe kumment ippreżentat f'konformità mas-subparagrafu (b); u

(d) jippermettu żmien raġonevoli bejn il-pubblikazzjoni ta' kwalunkwe liġi u regolament skont is-subparagrafu (a) (i) u d-data li fiha l-forniturі ta' servizzi finanzjarji jridu jikkonformaw magħhom.

3. Dan l-*Artikolu* japplika għall-miżuri ta' Parti relatati mar-rekwiżiti u l-proċeduri tal-liċenzjar u r-rekwiżiti u l-proċeduri tal-kwalifika, u japplika biss f'setturi li għalihom il-Parti tkun wettqet impenji speċifiċi skont dan il-Kapitolu, u sa fejn japplikaw dawk l-impenji speċifiċi.

4. Jekk Parti tadotta jew iżżomm miżuri relatati mal-awtorizzazzjoni għall-provvista ta' servizz finanzjarju, hija għandha tiżgura li:

(a) tali miżuri huma bbażati fuq kriterji oġġettivi u trasparenti ([85]);

(b) il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni huma imparzjali, u adegwati għall-applikanti biex juru jekk jissodisfawx ir-rekwiżiti, jekk jeżistu tali rekwiżiti; u

(c) il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni fihom infushom ma jipprevenux b'mod inġustifikabbli t-twettiq tar-rekwiżiti.

5. Jekk Parti tirrikjedi awtorizzazzjoni ([86]) għall-provvista ta' servizz finanzjarju, hija għandha tippubblika fil-pront jew inkella tagħmel disponibbli għall-pubbliku l-informazzjoni meħtieġa biex l-applikant jikkonforma mar-rekwiżiti u mal-proċeduri għall-kisba, iż-żamma, l-emendar u t-tiġdid ta' tali awtorizzazzjoni. Tali informazzjoni għandha tinkludi, fost l-oħrajn, fejn tkun disponibbli:

(a) ir-rekwiżiti u l-proċeduri għall-kisba, iż-żamma, l-emendar u t-tiġdid ta' tali awtorizzazzjoni;

(b) informazzjoni ta' kuntatt tal-awtoritajiet kompetenti rilevanti;

(c) il-proċeduri għall-appell jew għar-rieżami ta' deċiżjonijiet li jikkonċernaw l-applikazzjonijiet;

(d) il-proċeduri għall-monitoraġġ jew għall-infurzar tal-konformità mat-termini u mal-kundizzjonijiet tal-liċenzji u tal-kwalifiki; u

(e) opportunitajiet għall-involviment pubbliku, bħal permezz ta' seduti jew kummenti.

([85]) Tali kriterji jistgħu jinkludu, fost l-oħrajn, il-kompetenza u l-kapaċità li jiġi pprovdut servizz, inkluża l-kapaċità li dan isir b'mod konsistenti mar-rekwiżiti regolatorji ta' Parti. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jivvalutaw il-piż li għandu jingħata lil kull kriterju.

([86]) Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, "awtorizzazzjoni" tfisser il-permess għall-provvista ta' servizz finanzjarju, li jirriżulta minn proċedura li l-applikant irid jaderixxi magħha sabiex juri konformità mar-rekwiżiti ta' liċenzjar, jew mar-rekwiżiti ta' kwalifika.

6. Jekk Parti tirrikjedi l-awtorizzazzjoni għall-provvista ta' servizz finanzjarju, l-awtoritajiet kompetenti ta' dik il-Parti għandhom:

(a) sa fejn ikun prattikabbli, jippermettu lil applikant jippreżenta applikazzjoni fi kwalunkwe ħin matul is-sena ([87]);

(b) jippermettu perjodu ta' żmien raġonevoli għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni jekk jeżistu perjodi ta' żmien speċifiċi għall-applikazzjonijiet;

(c) jibdew l-ipproċessar tal-applikazzjoni mingħajr dewmien żejjed;

(d) jagħmlu ħilithom biex jaċċettaw l-applikazzjonijiet f'format elettroniku taħt l-istess kundizzjonijiet ta' awtentiċità bħall-preżentazzjonijiet fuq karti; u

(e) jaċċettaw kopji ta' dokumenti li jkunu awtentikati f'konformità mal-liġi tal-Parti, minflok dokumenti oriġinali, sakemm ma jkunux jeħtieġu dokumenti oriġinali sabiex jipproteġu l-integrità tal-proċess ta' awtorizzazzjoni.

7. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex tagħmel il-proċeduri u l-formalitajiet ta' awtorizzazzjoni sempliċi kemm jista' jkun u ma għandhiex tikkomplika jew iddewwem mingħajr bżonn il-forniment tas-servizz finanzjarju.

8. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex tistabbilixxi l-perjodu ta' żmien indikattiv għall-ipproċessar ta' applikazzjoni u għandha, fuq talba tal-applikant u mingħajr dewmien żejjed, tipprovdi informazzjoni dwar l-istatus tal-applikazzjoni.

9. Jekk awtorità kompetenti tqis applikazzjoni bħala mhux kompluta għall-ipproċessar skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Parti, hija għandha, f'perjodu ta' żmien raġonevoli, u sa fejn ikun prattikabbli:

(a) tinforma lill-applikant li l-applikazzjoni ma hijiex kompluta;

(b) fuq it-talba tal-applikant, tidentifika l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa sabiex l-applikazzjoni titqies bħala kompluta, jew inkella tipprovdi gwida dwar għaliex l-applikazzjoni tkun meqjusa bħala mhux kompluta; u

(c) tipprovdi lill-applikant bl-opportunità ([88]) li jippreżenta l-informazzjoni addizzjonali li tkun meħtieġa sabiex tiġi kkompletata l-applikazzjoni;

10. Jekk l-ebda waħda mill-azzjonijiet stabbiliti fis-subparagrafu (a), (b) jew (c) tal-paragrafu 9 ma tkun prattika, l-awtoritajiet kompetenti għandhom madankollu, jekk l-applikazzjoni tiġi rrifjutata minħabba nuqqas ta' kompletezza, jiżguraw li jinfurmaw lill-applikant dwar dan f'perjodu ta' żmien raġonevoli.

11. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tagħha, fir-rigward tat-tariffi tal-awtorizzazzjoni ([89]) li huma jitolbu, jipprovdu lill-applikanti skeda ta' tariffi jew ta' informazzjoni dwar kif jiġu ddeterminati l-ammonti tat-tariffi, u ma jużawx it-tariffi bħala mezz sabiex jevitaw l-impenji jew l-obbligi tal-Parti.

12. Awtorità kompetenti għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha b'mod indipendenti u ma għandha tkun responsabbli lejn l-ebda persuna li tforni s-servizzi li għalihom hija meħtieġa liċenzja jew awtorizzazzjoni.

13. Kull Parti għandha tiżgura li l-ipproċessar ta' applikazzjoni, inkluż l-ilħuq ta' deċiżjoni finali, jitlesta f'perjodu ta' żmien raġonevoli wara d-data tal-preżentazzjoni ta' applikazzjoni kompluta u li l-applikant jiġi infurmat bid-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni, sa fejn ikun possibbli, bil-miktub.

14. Jekk applikazzjoni tiġi rrifjutata mill-awtorità kompetenti, l-applikant għandu jiġi infurmat, jew fuq talba tiegħu stess jew fuq inizjattiva tal-awtorità kompetenti, bil-miktub u mingħajr dewmien żejjed. Sa fejn ikun prattiku, l-applikant għandu jkun informat bir-raġunijiet għad-deċiżjoni li tiġi rrifjutata l-applikazzjoni u dwar il-perjodu ta' żmien li għandu għal appell kontra d-deċiżjoni. Applikant għandu jkun permess, f'limiti ta' żmien raġonevoli, li jerġa' jippreżenta applikazzjoni.

15. Jekk ikunu meħtieġa eżaminazzjonijiet għal awtorizzazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura tali eżaminazzjonijiet jiġu organizzati f'intervalli raġonevolment frekwenti u tipprovdi perjodu ta' żmien raġonevoli sabiex l-applikanti jkunu jistgħu jitolbu li jagħmlu l-eżaminazzjoni.

([87]) Għal aktar ċertezza, l-awtoritajiet kompetenti ma humiex meħtieġa jibdew jikkunsidraw l-applikazzjonijiet barra mill-ħinijiet tax-xogħol u l-jiem tax-xogħol uffiċjali tagħhom.

([88]) Tali opportunità ma tirrikjedix li awtorità kompetenti tipprovdi estensjonijiet tal-iskadenzi.

([89]) It-tariffi tal-awtorizzazzjoni ma jinkludux it-tariffi għall-użu ta' riżorsi naturali, il-pagamenti għall-irkant, il-proċedura tal-offerti jew mezzi mhux diskriminatorji oħra għall-għoti ta' konċessjonijiet, jew kontribuzzjonijiet mandatorji għall-għoti ta' servizzi universali.

16. Kull Parti għandha tiżgura li awtorizzazzjoni, ladarba tingħata, tidħol fis-seħħ mingħajr dewmien żejjed f'konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet speċifikati fiha.

Artikolu 25.14

Servizzi finanzjarji ġodda għat-territorju ta' Parti

1. Kull Parti għandha tippermetti lil istituzzjoni finanzjarja tal-Parti l-oħra, għajr fergħa, tforni kwalunkwe servizz finanzjarju ġdid li l-Parti msemmija l-ewwel tippermetti lill-istituzzjonijiet finanzjarji tagħha stess ifornu f'konformità mal-liġi tagħha, f'sitwazzjonijiet simili, sakemm l-introduzzjoni tas-servizzi finanzjarji l-ġodda ma tkunx teħtieġ liġijiet jew regolamenti ġodda jew il-modifika ta' liġijiet jew regolamenti eżistenti.

2. Parti tista' tiddetermina l-forma istituzzjonali u ġuridika li biha jista' jiġi fornut is-servizz finanzjarju l-ġdid u tista' tirrikjedi l-awtorizzazzjoni għall-forniment tas-servizz. Meta din l-awtorizzazzjoni tkun meħtieġa, għandha tittieħed deċiżjoni f'perjodu raġonevoli ta' żmien u l-awtorizzazzjoni għandha tiġi rrifjutata biss għal raġunijiet prudenzjali.

3. Dan l-*Artikolu* ma jipprevjenix lil istituzzjoni finanzjarja ta' Parti milli tapplika għand il-Parti l-oħra fejn titlobha biex tikkunsidra li tawtorizza l-provvista ta' servizz finanzjarju li ma jiġix fornut fit-territorju ta' kull waħda mill-Partijiet. Dik l-applikazzjoni hija soġġetta għal-liġi tal-Parti li tirċievi l-applikazzjoni u ma hijiex soġġetta għall-obbligi ta' dan l-*Artikolu*.

Artikolu 25.15

Organizzazzjonijiet awtoregolatorji

Meta Parti tirrikjedi li istituzzjoni finanzjarja jew fornitur ta' servizzi finanzjarji transfruntiera tal-Parti l-oħra jkun membru tagħha, jipparteċipa fi, jew ikollu aċċess għal organizzazzjoni awtoregolatorja sabiex jipprovdi servizz finanzjarju fit-territorju tagħha jew fit-territorju tal-Parti msemmija l-ewwel, hija għandha tiżgura li l-organizzazzjoni awtoregolatorja tosserva l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 17.9, 17.11, 18.4 u 18.5.

Artikolu 25.16

Sistemi ta' pagament u ta' kklirjar

Skont it-termini u l-kundizzjonijiet li jagħtu trattament nazzjonali, kull Parti għandha tagħti lill-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Parti l-oħra stabbiliti fit-territorju tagħha, aċċess għal sistemi ta' pagament u kklirjar imħaddma minn entitajiet pubbliċi, u għal faċilitajiet uffiċjali ta' finanzjament u ta' finanzjament mill-ġdid li huma disponibbli fl-andament normali ta' negozju ordinarju. Dan l-*Artikolu* ma jagħtix aċċess lis-sellief għall-faċilitajiet tal-aħħar istanza ta' Parti.

Artikolu 25.17

Is-Sottokumitat dwar is-Servizzi Finanzjarji

1. Is-Sottokumitat dwar is-Servizzi Finanzjarji ("Sottokumitat"), stabbilit skont l-*Artikolu* 8.8(1), għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet responsabbli għas-servizzi finanzjarji.

2. Is-Sottokumitat għandu:

(a) jissorvelja l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu;

(b) jikkunsidra kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' servizzi finanzjarji li huma riferiti lilu minn Parti;

(c) iwettaq djalogu dwar ir-regolamentazzjoni tas-settur tas-servizzi finanzjarji bil-għan li jtejjeb l-għarfien reċiproku tas-sistemi regolatorji rispettivi tal-Partijiet u jikkoopera fl-iżvilupp ta' standards internazzjonali; u

(d) jipparteċipa fil-proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim f'konformità mal-*Artikolu* 25.20.

Artikolu 25.18

Diskussjonijiet u konsultazzjonijiet tekniċi

1. Parti tista' titlob diskussjonijiet u konsultazzjonijiet tekniċi mal-Parti l-oħra rigward kwalunkwe kwistjoni li tinħoloq skont din il-Parti ta' dan il-Ftehim li taffettwa s-servizzi finanzjarji. Il-Parti l-oħra għandha tagħti konsiderazzjoni simpatetika lil din it-talba. Il-Partijiet għandhom jirrapportaw ir-riżultati tad-diskussjonijiet u l-konsultazzjonijiet tagħhom lis-Sottokumitat.

2. Kull Parti għandha tiżgura li f'dawk id-diskussjonijiet u l-konsultazzjonijiet tekniċi, id-delegazzjoni tagħha tinkludi uffiċjali bl-għarfien espert rilevanti fis-servizzi finanzjarji.

3. Għal aktar ċertezza, xejn f'dan l-*Artikolu* ma għandu jiġi interpretat bħala li jirrikjedi li Parti:

(a) tidderoga mil-liġijiet u r-regolamenti rilevanti tagħha dwar il-kondiviżjoni tal-informazzjoni fost ir-regolaturi finanzjarji jew mir-rekwiżiti ta' ftehim jew arranġament bejn l-awtoritajiet finanzjarji tal-Partijiet; jew

(b) tirrikjedi lill-awtoritajiet regolatorji jieħdu kwalunkwe azzjoni li tinterferixxi ma' kwistjonijiet regolatorji, superviżorji, amministrattivi jew ta' infurzar speċifiċi.

4. Xejn f'dan l-*Artikolu* ma għandu jiġi interpretat bħala li jimpedixxi lil Parti li tirrikjedi informazzjoni għal finijiet superviżorji dwar istituzzjoni finanzjarja li tinsab fit-territorju tal-Parti l-oħra jew fornitur ta' servizzi finanzjarji transfruntiera tal-Parti l-oħra milli tavviċina lill-awtorità regolatorja kompetenti tal-Parti l-oħra biex tfittex l-informazzjoni.

5. Għal aktar ċertezza, dan l-*Artikolu* huwa mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u għall-obbligi tal-Parti skont il-Kapitolu 38.

Artikolu 25.19

Soluzzjoni tat-tilwim

1. Il-Kapitolu 38, inklużi l-Annessi 38-A u 38-B, japplika kif immodifikat minn dan l-*Artikolu* għas-soluzzjoni tat-tilwim dwar l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni ta' dan il-Kapitolu.

2. Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fl-*Artikolu* 38.9, il-membri tal-panel għandu jkollhom għarfien espert jew esperjenza fil-liġi jew fil-prattika tas-servizzi finanzjarji, li jistgħu jinkludu r-regolamentazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji, sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor.

3. Is-Sottokumitat għandu jirrakkomanda li l-Kumitat Konġunt jistabbilixxi lista ta' tal-anqas 15-il individwu, li jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2, li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-panel. Il-Kumitat Konġunt għandu jistabbilixxi tali lista mhux aktar tard minn sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Il-lista għandha tikkonsisti minn tliet sublisti:

(a) sublista waħda ta' individwi stabbilita fuq il-bażi ta' proposti mill-Parti tal-UE;

(b) sublista waħda ta' individwi stabbilita fuq il-bażi ta' proposti miċ-Ċilì; u

(c) sublista waħda ta' individwi li ma humiex ċittadini ta' xi waħda mill-Partijiet u li għandhom jaġixxu bħala President tal-panel.

4. Kull sublista għandha tinkludi tal-anqas ħames individwi. Il-Kumitat Konġunt għandu jiżgura li l-lista dejjem tinżamm f'dak l-għadd minimu ta' individwi.

5. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, il-lista msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-*Artikolu* għandha, wara l-istabbiliment tagħha, tissostitwixxi l-lista stabbilita skont l-*Artikolu* 38.8(1).

Artikolu 25.20

Is-soluzzjoni tat-tilwim dwar l-investiment li jikkonċerna s-servizzi finanzjarji

1. Tapplika t-Taqsima D tal-Kapitolu 17, kif modifikata minn dan l-*Artikolu*, għal:

(a) tilwim dwar l-investiment li jappartjeni għal miżuri adottati jew miżmuma minn Parti relatata mal-investituri u mal-investimenti tagħhom f'istituzzjonijiet finanzjarji li għalihom tapplika din il-Parti ta' dan il-Ftehim u li fihom investitur jiddikjara li Parti tkun kisret l-*Artikolu* 25.3(2), 25.5(2), l-*Artikolu* 17.17, 17.18, 17.19 jew 17.20; jew

(b) tilwim dwar l-investiment li beda skont il-Kapitolu 17 li fih ġie invokat l-*Artikolu* 25.11.

2. Fil-każ ta' tilwima dwar l-investiment skont is-subparagrafu (a) tal-paragrafu 1 ta' dan l-*Artikolu*, jew jekk il-konvenut jinvoka l-*Artikolu* 25.11 skont is-subparagrafu (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-*Artikolu* fi żmien 60 jum mill-preżentazzjoni ta' pretensjoni lit-Tribunal f'konformità mal-*Artikolu* 17.30, id-diviżjoni tat-Tribunal li jkun qed jisma' l-kawża tista' taħtar, wara li tikkonsulta lill-partijiet litiganti u skont l-*Artikolu* 17.50, espert wieħed jew aktar mil-lista adottata skont l-*Artikolu* 25.19 biex jirrapportaw għandha dwar kwalunkwe kwistjoni fattwali li tikkonċerna kwistjonijiet ta' servizzi finanzjarji mqajma minn parti litiganti fil-proċedimenti.

3. Fid-dawl tal-importanza tad-dritt ta' Parti li tadotta jew iżżomm miżuri għal raġunijiet prudenzjali, fejn tali miżuri jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-*Artikolu* 25.11, dak l-*Artikolu* għandu japplika bħala difiża valida kontra pretensjoni bbażata fuq kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim, inkluż l-*Artikolu* 17.17. Wara talba għal konsultazzjonijiet skont l-*Artikolu* 17.27, il-konvenut jista' jagħmel riferiment,, bil-miktub, lis-Sottokumitat fejn jitlobu li jiddetermina jekk u, jekk iva, sa liema punt, il-miżura li hija s-suġġett ta' dik it-talba għal konsultazzjonijiet hijiex ġġustifikata skont l-*Artikolu* 25.11. Tali riferiment għandu jsir kemm jista' jkun malajr wara li tasal it-talba għal konsultazzjonijiet. Wara tali riferiment, il-perjodi ta' żmien imsemmija fl-Artikoli 17.27, 17.28 u 17.30 għandhom jiġu sospiżi.

4. Wara riferiment skont il-paragrafu 3, is-Sottokumitat għandu jipprova, *in bona fede,* li jagħmel determinazzjoni. Kwalunkwe determinazzjoni bħal din għandha tiġi trażmessa fil-pront lill-partijiet litiganti.

5. Sa fejn is-Sottokumitat jiddetermina li l-miżura hija ġġustifikata skont l-*Artikolu* 25.11, ma għandha tiġi ppreżentata l-ebda pretensjoni quddiem it-Tribunal skont l-*Artikolu* 17.30.

6. Jekk is-Sottokumitat ma jkunx għamel determinazzjoni fi żmien 3 xhur mir-riferiment skont il-paragrafu 3 ta' dan l-*Artikolu*, is-sospensjoni tal-perjodi ta' żmien imsemmija f'dak il-paragrafu ma għandhiex tibqa' tapplika.

7. Jekk il-konvenut jonqos milli jagħmel riferiment skont il-paragrafu 3 ta' dan l-*Artikolu*, dan ma jaffettwax id-dritt tal-konvenut li jinvoka l-*Artikolu* 25.11 bħala difiża fi stadju aktar tard tal-proċedimenti. It-Tribunal ma għandu jibbaża l-ebda inferenza negattiva mill-fatt li s-Sottokumitat ma jkunx qabel dwar determinazzjoni.

KAPITOLU 26

KUMMERĊ DIĠITALI

TAQSIMA A

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 26.1

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu japplika għall-kummerċ permezz ta' mezzi elettroniċi.

2. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal servizzi awdjoviżivi.

Artikolu 26.2

Definizzjonijiet

1. Id-definizzjonijiet fl-Artikoli 17.2 u 18.2 japplikaw għal dan il-Kapitolu.

2. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) "konsumatur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika, jew persuna ġuridika jekk prevista fil-liġijiet u r-regolamenti ta' Parti, li tuża jew titlob servizz pubbliku tat-telekomunikazzjoni għal finijiet minbarra l-kummerċ, in-negozju jew il-professjoni tagħha;

(b) "komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni diretta" tfisser kwalunkwe forma ta' reklamar kummerċjali li permezz tiegħu persuna fiżika jew ġuridika tikkomunika messaġġi ta' kummerċjalizzazzjoni direttament lil utent finali permezz ta' servizz pubbliku tat-telekomunikazzjoni u tkopri tal-anqas il-posta elettronika u l-messaġġi testwali u multimedjali;

(c) "awtentikazzjoni elettronika" tfisser proċess li jippermetti l-konferma ta':

(i) l-identifikazzjoni elettronika ta' persuna fiżika jew ġuridika; jew

(ii) l-oriġini u l-integrità tad-*data* f'forma elettronika;

(d) "siġill elettroniku" tfisser *data* f'forma elettronika użata minn persuna ġuridika li hijamehmuża jew assoċjata loġikament ma' *data* oħra f'forma elettronika sabiex jiġu żgurati l-oriġini u l-integrità ta' dik id-*data* l-oħra;

(e) "firma elettronika" tfisser *data* f'forma elettronika li tiġi mehmuża jew assoċjata loġikament ma' *data* oħra f'forma elettronika, u li tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(i) tintuża minn persuna fiżika sabiex taqbel dwar id-*data* f'forma elettronika li hija relatata magħha; u

(ii) tkun marbuta mad-*data* f'forma elettronika li magħha tkun relatata b'tali mod li kwalunkwe bidla sussegwenti fid-*data* tkun tista' tiġi identifikata;

(f) "servizzi fiduċjarji elettroniċi" tfisser servizz elettroniku li jikkonsisti fil-ħolqien, il-verifika u l-validazzjoni ta' firem elettroniċi, siġilli elettroniċi, timbri tal-ħin elettroniċi, konsenja elettronika rreġistrata, awtentikazzjoni tas-sit web u ċertifikati relatati ma' dak is-servizz;

(g) "utent finali" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tuża jew titlob servizz pubbliku tat-telekomunikazzjoni, jew bħala konsumatur jew, jekk prevista fil-liġijiet u r-regolamenti ta' Parti, għal finijiet kummerċjali jew professjonali;

(h) "*data* personali" tfisser *data* personali kif definita fis-subparagrafu (r) tal-*Artikolu* 8.3; u

(i) "servizz pubbliku tat-telekomunikazzjoni" tfisser servizz pubbliku tat-telekomunikazzjoni kif definit fis-subparagrafu (j) tal-*Artikolu* 23.2.

Artikolu 26.3

Dritt għar-regolamentazzjoni

Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid id-dritt tagħhom li jirregolaw fit-territorji tagħhom sabiex jilħqu l-objettivi ta' politika leġittimi, bħall-ħarsien tas-saħħa pubblika, is-servizzi soċjali, l-edukazzjoni, is-sikurezza, l-ambjent inkluż it-tibdil fil-klima, il-morali pubbliċi, il-protezzjoni soċjali jew tal-konsumatur, il-privatezza u l-protezzjoni tad-*data*, jew il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-diversità kulturali.

Artikolu 26.4

Eċċezzjonijiet

Xejn f'dan il-Kapitolu ma jipprevjeni lill-Partijiet milli jadottaw jew iżommu miżuri f'konformità mal-Artikoli 25.11, 39.1 u 39.2 għar-raġunijiet ta' interess pubbliku stabbiliti fih.

TAQSIMA B

Flussi tad-data u protezzjoni tad-data personali

Artikolu 26.5

Flussi transfruntiera tad-*data*

Il-Partijiet huma impenjati li jiżguraw flussi transfruntiera tad-*data* biex jiffaċilitaw il-kummerċ diġitali. Għal dak il-għan, Parti ma għandhiex tirrestrinġi l-flussi transfruntiera tad-*data* bejn il-Partijiet billi:

(a) tirrikjedi l-użu ta' faċilitajiet tal-kompjuter jew ta' elementi tan-network fit-territorju ta' dik il-Parti għall-ipproċessar, inkluż bl-impożizzjoni tal-użu ta' faċilitajiet tal-kompjuter jew ta' elementi tan-network li huma ċċertifikati jew approvati fit-territorju ta' Parti;

(b) tirrikjedi l-lokalizzazzjoni tad-*data* fit-territorju ta' dik il-Parti għall-ħżin jew l-ipproċessar;

(c) tipprojbixxi l-ħżin jew l-ipproċessar fit-territorju tal-Parti l-oħra; jew

(d) tagħmel it-trasferiment transfruntier tad-*data* kontinġenti fuq l-użu ta' faċilitajiet tal-kompjuter jew ta' elementi tan-network fit-territorju ta' dik il-Parti jew fuq rekwiżiti ta' lokalizzazzjoni fit-territorju ta' dik il-Parti.

Artikolu 26.6

Protezzjoni ta' *data* personali u tal-privatezza

1. Kull Parti tagħraf li l-protezzjoni ta' *data* personali u tal-privatezza hija dritt fundamentali u li standards għoljin f'dak ir-rigward jikkontribwixxu għall-fiduċja fil-kummerċ diġitali u għall-iżvilupp tal-kummerċ.

2. Kull Parti tista' tadotta u żżomm il-miżuri li tqis xierqa sabiex tiżgura l-protezzjoni ta' *data* personali u tal-privatezza, inkluż permezz tal-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' regoli għat-trasferiment transfruntier ta' *data* personali. Xejn f'din il-Parti tal-Ftehim ma għandu jaffettwa l-protezzjoni ta' *data* personali u l-privatezza mogħtija mill-miżuri rispettivi ta' Parti.

TAQSIMA C

Dispożizzjonijiet speċifiċi

Artikolu 26.7

Dazji doganali fuq trażmissjonijiet elettroniċi

Parti ma għandhiex timponi dazji doganali fuq trażmissjonijiet elettroniċi bejn persuna ta' dik il-Parti u persuna tal-Parti l-oħra.

Artikolu 26.8

Ebda awtorizzazzjoni minn qabel

1. Parti ma għandhiex tirrkjedi awtorizzazzjoni minn qabel biss fuq il-bażi li servizz jiġi pprovdut online ([90]), jew tadotta jew iżżomm kwalunkwe rekwiżit ieħor li jkollu effett ekwivalenti.

2. Il-paragrafu 1 ma japplikax għal servizzi tat-telekomunikazzjoni, għal servizzi tax-xandir, għal servizzi tal-logħob tal-azzard, għal servizzi ta' rappreżentazzjoni legali jew servizzi ta' nutara jew ta' professjonijiet ekwivalenti sal-punt li jinvolvu konnessjoni diretta u speċifika mal-eżerċizzju ta' awtorità pubblika.

Artikolu 26.9

Konklużjoni ta' kuntratti b'mezzi elettroniċi

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-liġijiet u r-regolamenti tagħha jippermettu li l-kuntratti jiġu konklużi b'mezzi elettroniċi u li r-rekwiżiti legali għall-proċessi kuntrattwali ma joħolqux ostakli għall-użu ta' kuntratti konklużi b'mezzi elettroniċi jew jirriżultaw biex tali kuntratti jiġu mċaħħda mill-effett legali u validità minħabba li jkunu ġew konklużi b'mezzi elettroniċi.

2. Il-paragrafu 1 ma japplikax għal:

(a) servizzi tax-xandir, servizzi tal-logħob tal-azzard u servizzi ta' rappreżentanza legali;

(b) servizzi ta' nutara jew ta' professjonijiet ekwivalenti li jinvolvu konnessjoni diretta u speċifika mal-eżerċizzju ta' awtorità pubblika; u

(c) kuntratti li jistabbilixxu jew jittrasferixxu drittijiet fil-proprjetà immobbli, kuntratti li jirrikjedu bil-liġi l-involviment ta' qrati, awtoritajiet pubbliċi jew professjonijiet li jeżerċitaw awtorità pubblika, kuntratti ta' garanzija mogħtija u titoli ta' kollateral fornuti minn persuni li jaġixxu għal finijiet barra mill-kummerċ, in-negozju jew il-professjoni tagħhom, u l-kuntratti rregolati mil-liġi tal-familja jew mil-liġi tas-suċċessjoni.

Artikolu 26.10

Servizzi fiduċjarji elettroniċi u awtentikazzjoni elettronika

1. Parti ma għandhiex tiċħad l-effett legali jew l-ammissibbiltà bħala evidenza fi proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi ta' servizz fiduċjarju elettroniku jew awtentikazzjoni elettronika fuq il-bażi li tkun f'forma elettronika.

2. Parti ma għandhiex tadotta jew iżżomm miżuri li:

(a) jipprojbixxu lill-partijiet għal tranżazzjoni elettronika milli jiddeterminaw b'mod reċiproku l-metodu xieraq ta' awtentikazzjoni elettronika għat-tranżazzjoni tagħhom; jew

(b) jipprevjenu lill-partijiet għal tranżazzjoni elettronika milli jkollhom l-opportunità li jippruvaw lill-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi li t-tranżazzjoni elettronika tagħhom tikkonforma ma' kwalunkwe rekwiżit legali fir-rigward tas-servizzi fiduċjarji elettroniċi jew tal-awtentikazzjoni elettronika.

3. Minkejja l-paragrafu 2, Parti tista' titlob li, għal kategorija partikolari ta' tranżazzjonijiet elettroniċi, il-metodu ta' awtentikazzjoni elettronika jew ta' servizz fiduċjarju elettroniku:

(a) ikun iċċertifikat minn awtorità akkreditata f'konformità mal-liġi tagħha; jew

(b) ikun jissodisfa ċerti standards ta' prestazzjoni, li għandhom ikunu oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji u li għandhom ikunu relatati biss mal-karatteristiċi speċifiċi tal-kategorija ta' tranżazzjonijiet elettroniċi kkonċernati.

([90]) Servizz ikun pprovdut online meta jiġi pprovdut b'mezzi elettroniċi u mingħajr ma l-persuni jkunu preżenti fl-istess ħin.

Artikolu 26.11

Fiduċja tal-konsumaturi online

1. Il-Partijiet jagħrfu l-importanza tat-tisħiħ tal-fiduċja tal-konsumaturi fil-kummerċ diġitali. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm miżuri sabiex tiżgura l-protezzjoni effettiva tal-konsumaturi involuti fi tranżazzjonijiet ta' kummerċ elettroniku, inklużi miżuri li:

(a) jipprojbixxu prattiki kummerċjali frawdolenti u qarrieqa;

(b) jirrikjedu li l-fornituri ta' oġġetti u ta' servizzi jaġixxu *in bona fide* u jirrispettaw prattiki kummerċjali ġusti, inkluż permezz tal-projbizzjoni milli l-konsumaturi jiġu debitati għal oġġetti u għal servizzi mhux mitluba;

(c) jirrikjedu li l-fornituri ta' oġġetti jew ta' servizzi jipprovdu lill-konsumaturi b'informazzjoni ċara u bir-reqqa dwar l-identità u d-dettalji ta' kuntatt tagħhom ([91]), kif ukoll rigward l-oġġetti jew is-servizzi, it-tranżazzjoni u d-drittijiet applikabbli tal-konsumatur; u

(d) jagħtu lill-konsumaturi aċċess għal rimedju biex jitolbu d-drittijiet tagħhom, inkluż dritt għal rimedji fejn l-oġġetti jew is-servizzi jitħallsu u ma jiġux ikkonsenjati jew ipprovduti kif miftiehem.

2. Il-Partijiet jagħrfu l-importanza tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali rispettivi tagħhom inkarigati mill-protezzjoni tal-konsumatur jew korpi rilevanti oħra, f'attivitajiet relatati mal-kummerċ elettroniku sabiex tittejjeb il-fiduċja tal-konsumatur.

Artikolu 26.12

Komunikazzjonijiet mhux mitluba ta' kummerċjalizzazzjoni diretta

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-utenti finali jkunu protetti b'mod effettiv kontra komunikazzjonijiet mhux mitluba ta' kummerċjalizzazzjoni diretta.

2. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm miżuri effettivi fir-rigward ta' komunikazzjonijiet mhux mitluba ta' kummerċjalizzazzjoni diretta li:

(a) jirrikjedu li l-fornituri ta' komunikazzjonijiet mhux mitluba ta' kummerċjalizzazzjoni diretta jiżguraw li r-riċevituri jkunu jistgħu jipprevjenu l-wasla kontinwa ta' dawk il-komunikazzjonijiet; jew

(b) jirrikjedu l-kunsens, kif speċifikat skont il-liġijiet u r-regolamenti tagħha, tar-riċevituri biex jirċievu komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni diretta.

3. Kull Parti għandha tiżgura li l-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni diretta jkunu identifikabbli biċ-ċar bħala tali, jiddivulgaw biċ-ċar f'isem min isiru u jkun fihom l-informazzjoni neċessarja sabiex l-utenti finali jkunu jistgħu jitolbu waqfien mingħajr ħlas u fi kwalunkwe ħin.

Artikolu 26.13

Projbizzjoni ta' trasferiment obbligatorju tal-kodiċi tas-sors jew l-aċċess għalih

1. Parti ma għandhiex tirrikjedi t-trasferiment tal-kodiċi tas-sors ta' software li jkun proprjetà ta' persuna fiżika jew ġuridika tal-Parti l-oħra, jew l-aċċess għalih. Dan il-paragrafu ma japplikax għat-trasferiment volontarju ta' kodiċi tas-sors fuq bażi kummerċjali minn persuna tal-Parti l-oħra, jew għall-għoti ta' aċċess għalih, pereżempju fil-kuntest ta' tranżazzjoni ta' akkwist pubbliku jew ta' kuntratt innegozjat liberament. Xejn f'dan il-paragrafu ma jipprevjeni lil persuna ta' Parti milli tilliċenzja s-software tagħha fuq bażi libera u b'sors miftuħ.

2. Għal aktar ċertezza, l-Artikoli 25.11, 39.1 u 39.2 jistgħu japplikaw għal miżuri ta' Parti adottati jew miżmuma fil-kuntest ta' proċedura ta' ċertifikazzjoni.

([91]) Fil-każ ta' fornituri ta' servizzi intermedjarji, identità u dettalji ta' kuntatt jinkludu wkoll l-identità u d-dettalji ta' kuntatt tal-fornitur reali tal-oġġett jew tas-servizz.

3. Xejn f'dan l-*Artikolu* ma għandu jaffettwa:

(a) ir-rekwiżiti minn qorti, minn tribunal amministrattiv jew minn awtorità tal-kompetizzjoni biex jiġi rrimedjat ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni;

(b) il-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali; jew

(c) id-dritt ta' Parti li tieħu miżuri f'konformità mal-*Artikolu* 28.3.

Artikolu 26.14

Kooperazzjoni dwar kwistjonijiet regolatorji fir-rigward tal-kummerċ diġitali

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw billi jiskambjaw informazzjoni dwar il-liġi rispettiva tagħhom, kif ukoll dwar l-implimentazzjoni ta' dik il-liġi, relatata ma' kwistjonijiet regolatorji li jirriżultaw mill-kummerċ diġitali, inklużi:

(a) ir-rikonoxximent u l-faċilitazzjoni ta' fiduċja elettronika transfruntiera u awtentikazzjoni elettronika interoperabbli;

(b) it-trattament ta' komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni diretta;

(c) il-protezzjoni tal-konsumaturi online; u

(d) kwalunkwe kwistjoni regolatorja oħra rilevanti għall-iżvilupp tal-kummerċ diġitali.

2. Il-Partijiet għandhom iżommu djalogu bbażat fuq l-iskambju ta' informazzjoni msemmi fil-paragrafu 1.

3. L-*Artikolu* 1 ma għandux japplika għar-regoli u l-miżuri ta' Parti għall-protezzjoni tad-*data* personali u l-privatezza, inkluż dwar it-trasferiment transfruntier tad-*data* personali.

Artikolu 26.15

Rieżami

Fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, is-Sottokumitat dwar is-Servizzi u l-Investiment imsemmi fl-*Artikolu* 18.10 għandu jirrieżamina l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu, b'mod partikolari fid-dawl tal-bidliet rilevanti li jaffettwaw il-kummerċ diġitali li jistgħu jirriżultaw minn mudelli jew teknoloġiji ġodda tan-negozju. Is-Sottokumitat dwar is-Servizzi u l-Investiment għandu jirrapporta s-sejbiet tiegħu u jista' jagħmel kwalunkwe rakkomandazzjoni meħtieġa lill-Kumitat Konġunt.

KAPITOLU 27

MOVIMENTI TA' KAPITAL, PAGAMENTI U TRASFERIMENTI U MIŻURI TEMPORANJI TA' SALVAGWARDJA

Artikolu 27.1

Objettiv u kamp ta' applikazzjoni

L-objettiv ta' dan il-Kapitolu huwa li jippermetti l-moviment liberu tal-kapital u tal-pagamenti relatati mat-tranżazzjonijiet liberalizzati skont din il-Parti ta' dan il-Ftehim ([92]).

([92]) Għal aktar ċertezza, dan il-Kapitolu huwa soġġett għall-Anness 17-E.

Artikolu 27.2

Kont kurrenti

Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħra ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim, kull Parti għandha tippermetti, f'munita konvertibbli liberament u f'konformità mal-Artikoli ta' Ftehim tal-Fond Monetarju Internazzjonali, adottati f'Bretton Woods, New Hampshire fit-22 ta' Lulju 1944, kwalunkwe pagament u trasferiment fir-rigward ta' tranżazzjonijiet fil-kont kurrenti tal-bilanċi tal-pagamenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 27.3

Movimenti ta' kapital

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim, kull Parti għandha tippermetti, fir-rigward ta' tranżazzjonijiet fil-kont kapitali u finanzjarju tal-bilanċi tal-pagamenti, il-moviment liberu ta' kapital għall-fini ta' liberalizzazzjoni tal-investimenti u ta' tranżazzjonijiet oħra kif previst fil-Kapitoli 17, 18 u 25.

Artikolu 27.4

Applikazzjoni tal-liġijiet u tar-regolamenti relatati mal-movimenti ta' kapital, mal-pagamenti jew mat-trasferimenti

1. L-Artikoli 17.20, 27.2 u 27.3 ma għandhomx jiġu interpretati bħala li jipprevjenu lil Parti milli tapplika l-liġijiet u r-regolamenti tagħha relatati ma':

(a) falliment, insolvenza, jew il-protezzjoni tad-drittijiet tal-krediturі;

(b) il-ħruġ, il-kummerċ jew in-negozju fi strumenti finanzjarji bħal titoli, futuri jew derivattivi;

(c) ir-rapportar finanzjarju jew iż-żamma ta' rekords ta' movimenti ta' kapital, ta' pagamenti jew ta' trasferimenti meta jkunu meħtieġa biex jassistu lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew lill-awtoritajiet regolatorji finanzjarji;

(d) reati kriminali jew penali, prattiki qarrieqa jew frodulenti;

(e) l-iżgurar tal-konformità ma' ordnijiet jew sentenzi fi proċedimenti ġuridiċi jew amministrattivi; jew

(f) skemi tas-sigurtà soċjali, tal-irtirar pubbliku jew ta' tfaddil obbligatorju.

2. Il-liġijiet u r-regolamenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu applikati b'mod ekwu u mhux diskriminatorju, u mhux b'mod li jikkostitwixxi restrizzjoni moħbija fuq il-movimenti ta' kapital, fuq il-pagamenti jew fuq it-trasferimenti.

Artikolu 27.5

Miżuri temporanji ta' salvagwardja

F'ċirkostanzi eċċezzjonali ta' diffikultajiet serji għall-operazzjoni tal-unjoni ekonomika u monetarja tal-Unjoni Ewropea, jew theddida għal din, il-Parti tal-UE tista' tadotta jew iżżomm miżuri ta' salvagwardja fir-rigward ta' movimenti ta' kapital, ta' pagamenti jew ta' trasferimenti għal perjodu li ma jaqbiżx is-6 xhur. Dawk il-miżuri għandhom ikunu limitati sal-punt li jkun strettament meħtieġ.

Artikolu 27.6

Restrizzjonijiet f'każ ta' diffikultajiet tal-bilanċi tal-pagamenti u ta' diffikultajiet finanzjarji esterni

1. Meta Parti tesperjenza diffikultajiet serji tal-bilanċi tal-pagamenti jew diffikultajiet finanzjarji esterni serji, jew theddida ta' dawn, hija tista' tadotta jew iżżomm miżuri restrittivi fir-rigward tal-movimenti ta' kapital, ta' pagamenti jew ta' trasferimenti ([93]).

([93]) Għal ċertezza akbar, diffikultajiet serji tal-bilanċi tal-pagamenti jew diffikultajiet finanzjarji esterni serji, jew theddida ta' dawn, jistgħu jiġu kkawżati fost fatturi oħra minn diffikultajiet serji relatati ma' politiki monetarji jew tar-rati tal-kambju, jew theddida ta' dawn.

2. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-*Artikolu*:

(a) għandhom ikunu konsistenti mal-Artikoli ta' Ftehim tal-Fond Monetarju Internazzjonali, kif applikabbli;

(b) ma għandhomx jaqbżu dawk meħtieġa biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-*Artikolu*;

(c) għandhom ikunu temporanji u eliminati gradwalment b'mod progressiv hekk kif is-sitwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-*Artikolu* titjieb;

(d) għandhom jevitaw ħsara mhux meħtieġa għall-interessi kummerċjali, ekonomiċi jew finanzjarji tal-Parti l-oħra; u

(e) għandhom ikunu mhux diskriminatorji meta mqabbla ma' pajjiżi terzi f'sitwazzjonijiet simili.

3. Fil-każ tal-kummerċ ta' oġġetti, kull Parti tista' tadotta jew iżżomm miżuri restrittivi sabiex tissalvagwardja l-pożizzjoni finanzjarja esterna tagħha jew il-bilanċi tal-pagamenti tagħha. Miżuri bħal dawn għandhom ikunu konformi mal-GATT tal-1994 u mal-Fehim tad-Dispożizzjonijiet tal-Bilanċi tal-Pagamenti tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994.

4. Fil-każ ta' kummerċ fis-servizzi, kull Parti tista' tadotta jew iżżomm miżuri restrittivi sabiex tissalvagwardja l-pożizzjoni finanzjarja esterna tagħha jew il-bilanċi tal-pagamenti tagħha. Miżuri bħal dawn għandhom ikunu f'konformità mal-*Artikolu* XII tal-GATS.

5. Parti li tadotta jew iżżomm il-miżuri msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandha tinnotifikahom fil-pront lill-Parti l-oħra.

6. Jekk jiġu adottati jew miżmuma miżuri restrittivi skont dan l-*Artikolu*, il-Partijiet għandhom jagħmlu konsultazzjonijiet fil-pront fis-Sottokumitat dwar is-Servizzi u l-Investiment, sakemm ma jsirux tali konsultazzjonijiet f'fora oħra li għalihom iż-żewġ Partijiet huma membri. Il-konsultazzjonijiet għandhom jivvalutaw il-bilanċ ta' pagamenti jew diffikultajiet finanzjarji esterni li wasslu għall-miżuri rispettivi, waqt li jitqiesu, fost l-oħrajn, fatturi bħal:

(a) in-natura u l-limitu tad-diffikultajiet;

(b) l-ambjent ekonomiku u kummerċjali estern; u

(c) il-miżuri korrettivi alternattivi li jistgħu jkunu disponibbli.

7. Il-konsultazzjonijiet skont il-paragrafu 6 għandhom jindirizzaw il-konformità tal-miżuri restrittivi mal-paragrafi 1 u 2. Dawk il-konsultazzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq is-sejbiet rilevanti kollha ta' natura statistika jew fattwali ppreżentati mill-Fond Monetarju Internazzjonali ("FMI"), fejn disponibbli, u l-konklużjonijiet tagħhom għandhom iqisu l-valutazzjoni mwettqa mill-FMI tal-bilanċi tal-pagamenti u s-sitwazzjoni finanzjarja esterna tal-Parti kkonċernata.

KAPITOLU 28

AKKWIST PUBBLIKU

Artikolu 28.1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu u l-Annessi 28-A u 28-B:

(a) "oġġetti jew servizzi kummerċjali" tfisser oġġetti jew servizzi ta' tip ġeneralment mibjugħ jew offrut għall-bejgħ fis-suq kummerċjali lil xerrejja mhux governattivi għal finijiet mhux governattivi, u normalment mixtrija minnhom;

(b) "servizz ta' kostruzzjoni" tfisser servizz li għandu bħala l-objettiv tiegħu ir-realizzazzjoni, bi kwalunkwe mezz, ta' xogħlijiet ċivili jew ta' bini, fuq il-bażi tad-Diviżjoni 51 tas-CPC;

(c) "irkant elettroniku" tfisser proċess iterattiv li jinvolvi l-użu ta' mezzi elettroniċi għall-preżentazzjoni mill-forniturі ta' prezzijiet ġodda, jew ta' valuri ġodda għal elementi kwantifikabbli li ma humiex prezzijiet tal-offerta relatata mal-kriterji tal-evalwazzjoni, jew inkella t-tnejn flimkien, li jirriżulta fi klassifikazzjoni jew klassifikazzjoni mill-ġdid tal-offerti;

(d) "bil-miktub" jew "miktub" tfisser kwalunkwe espressjoni verbali jew numerika li tista' tinqara, tiġi riprodotta u aktar tard ikkomunikata; din tista' tinkludi informazzjoni trażmessa u maħżuna b'mod elettroniku;

(e) "proċedura tal-offerti limitata" tfisser metodu ta' akkwist li bih l-entità tal-akkwist tikkuntattja fornitur jew forniturі tal-għażla tagħha;

(f) "miżura" tfisser kwalunkwe liġi, regolament, proċedura, gwida jew prattika amministrattiva, jew kwalunkwe azzjoni ta' entità tal-akkwist relatati ma' akkwist kopert;

(g) "lista ta' bosta użi" tfisser lista ta' forniturі li entità tal-akkwist iddeterminat li jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-inklużjoni fuq dik il-lista, u li l-entità tal-akkwist għandha l-ħsieb li tuża aktar minn darba;

(h) "avviż tal-akkwist ippjanat" tfisser avviż, ippubblikat minn entità tal-akkwist, li jistieden lil forniturі interessati sabiex iressqu talba għall-parteċipazzjoni, offerta, jew it-tnejn;

(i) "tpaċija" tfisser kwalunkwe kundizzjoni jew impenn li jħeġġeġ l-iżvilupp lokali jew ittejjeb il-kontijiet tal-bilanċi tal-pagamenti, bħall-użu ta' kontenut domestiku, il-liċenzjar għat-teknoloġija, l-investiment, il-kontrokummerċ u azzjoni jew rekwiżit simili tal-Parti;

(j) "proċedura tal-offerti miftuħa" tfisser metodu tal-akkwist li bih il-forniturі interessati kollha jistgħu jressqu offerta;

(k) "entità tal-akkwist" tfisser entità koperta taħt it-Taqsima A, B jew C tal-Anness 28-A jew 28-B;

(l) "fornitur ikkwalifikat" tfisser fornitur li entità tal-akkwist tirrikonoxxi bħala li jkun issodisfa l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni;

(m) "proċedura tal-offerti selettiva" tfisser metodu tal-akkwist li bih huma biss il-forniturі kkwalifikati li jiġu mistiedna mill-entità tal-akkwist sabiex iressqu offerta;

(n) "servizzi" tinkludi servizzi ta' kostruzzjoni, sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor;

(o) "standard" tfisser dokument approvat minn korp rikonoxxut, li jipprovdi, għal użu multiplu u ripetut, regoli, linji gwida jew karatteristiċi għal oġġetti jew għal servizzi, jew proċessi u metodi ta' produzzjoni relatati, li l-konformità magħhom ma tkunx obbligatorja; jista' jinkludi wkoll jew jittratta b'mod esklużiv rekwiżiti dwar it-terminoloġija, is-simboli, l-imballaġġ, l-immarkar jew it-tikkettar hekk kif japplikaw għal oġġett, għal servizz, għal proċess jew għal metodu ta' produzzjoni;

(p) "fornitur" tfisser persuna jew grupp ta' persuni li jfornu jew jistgħu jfornu oġġetti jew servizzi; u

(q) "speċifikazzjoni teknika" tfisser rekwiżit ta' proċedura tal-offerti li:

(i) jistabbilixxi l-karatteristiċi ta':

(A) l-oġġetti li għandhom jiġu akkwistati, inklużi l-kwalità, il-prestazzjoni, is-sikurezza u l-qisien, jew il-proċessi u l-metodi għall-produzzjoni tagħhom; jew

(B) is-servizzi li għandhom jiġu akkwistati, inklużi l-kwalità, il-prestazzjoni, is-sikurezza jew il-proċessi jew il-metodi għall-provvista tagħhom; jew

(ii) jindirizza r-rekwiżiti dwar it-terminoloġija, is-simboli, l-imballaġġ, l-immarkar jew it-tikkettjar, hekk kif japplikaw għal oġġett jew servizz.

Artikolu 28.2

Kamp ta' applikazzjoni u kopertura

1. Dan il-Kapitolu japplika għal kwalunkwe miżura dwar l-akkwist kopert, kemm jekk dan jitwettaq esklussivament jew parzjalment b'mezzi elettroniċi, kif ukoll jekk le.

2. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, "akkwist kopert" tfisser akkwist għal finijiet governattivi:

(a) ta' oġġett, servizz, jew kwalunkwe taħlita tagħhom:

(i) kif speċifikat fl-Anness 28-A jew 28-B; u

(ii) mhux akkwistati għall-bejgħ jew għall-bejgħ mill-ġdid kummerċjali, jew għall-użu fil-produzzjoni jew il-forniment ta' oġġett jew servizz għall-bejgħ jew bejgħ mill-ġdid kummerċjali;

(b) bi kwalunkwe mezzi kuntrattwali, inkluż ix-xiri, il-kiri u kuntratt ta' xiri bin-nifs, bl-għażla jew mingħajr l-għażla li jinxtara;

(c) li għalih, il-valur, kif stmat f'konformità mal-paragrafi 6 sa 8 ta' dan l-*Artikolu*, ikun daqs jew jaqbeż il-livell limitu relevanti speċifikat fl-Anness 28-A jew 28-B fil-mument tal-pubblikazzjoni ta' avviż f'konformità mal-*Artikolu* 28.6;

(d) minn entità tal-akkwist; u

(e) li ma hijiex b'mod ieħor eskluża mill-kopertura skont il-paragrafu 3 ta' dan l-*Artikolu* jew l-Anness 28-A jew 28-B.

3. Għajr fejn previst mod ieħor fl-Anness 28-A jew 28-B, dan il-Kapitolu ma japplikax għal:

(a) l-akkwiżizzjoni jew il-kiri ta' art, bini eżistenti jew proprjetà immobbli oħra jew id-drittijiet fuqhom;

(b) ftehimiet mhux kuntrattwali jew kwalunkwe forma ta' assistenza li Parti tipprovdi, inklużi ftehimiet kooperattivi, għotjiet, self, sussidji, infużjonijiet ta' ekwità, garanziji u inċentivi fiskali;

(c) l-akkwist jew l-akkwiżizzjoni ta' aġenzija fiskali jew ta' servizzi depożitarji, servizzi ta' likwidazzjoni u ta' ġestjoni għall-istituzzjonijiet finanzjarji rregolati jew servizzi relatati mal-bejgħ, mal-ammortament u mad-distribuzzjoni ta' dejn pubbliku, inklużi self u bonds governattivi, noti u titoli oħrajn;

(d) kuntratti tal-impjiegi pubbliċi;

(e) l-akkwist imwettaq:

(i) għall-iskop speċifiku li tingħata assistenza internazzjonali, inkluża għajnuna għall-iżvilupp;

(ii) skont il-proċedura jew il-kundizzjoni partikolari ta' ftehim internazzjonali li jirrigwarda l-istazzjonament ta' truppi jew li jirrigwarda l-implimentazzjoni konġunta ta' proġett mill-pajjiżi firmatarji; jew

(iii) skont il-proċedura jew il-kundizzjoni partikolari ta' organizzazzjoni internazzjonali, jew iffinanzjata minn għotjiet, self jew għajnuna oħra internazzjonali fejn il-proċedura jew il-kundizzjoni applikabbli tkun inkonsistenti ma' dan il-Kapitolu; jew

(f) servizzi finanzjarji.

4. Dan il-Kapitolu japplika għall-akkwist kollu kopert mill-Anness 28-A jew 28-B, li fihom l-impenji ta' kull Parti huma stabbiliti kif ġej:

(a) fit-Taqsima A tal-Annessi 28-A jew 28-B, l-entitajiet tal-gvern ċentrali li l-akkwist tagħhom huwa kopert minn dan il-Kapitolu;

(b) fit-Taqsima B tal-Annessi 28-A jew 28-B, l-entitajiet tal-gvern subċentrali li l-akkwist tagħhom huwa kopert minn dan il-Kapitolu;

(c) fit-Taqsima C tal-Annessi 28-A jew 28-B, l-entitajiet l-oħrajn kollha li l-akkwist tagħhom huwa kopert b'dan il-Kapitolu;

(d) fit-Taqsima D tal-Annessi 28-A jew 28-B, l-oġġetti koperti minn dan il-Kapitolu;

(e) fit-Taqsima E tal-Annessi 28-A jew 28-B, is-servizzi, minbarra s-servizzi ta' kostruzzjoni, koperti minn dan il-Kapitolu;

(f) fit-Taqsima F tal-Annessi 28-A jew 28-B, is-servizzi ta' kostruzzjoni koperti minn dan il-Kapitolu;

(g) fit-Taqsima G tal-Annessi 28-A jew 28-B, il-konċessjonijiet ta' xogħlijiet pubbliċi koperti minn dan il-Kapitolu;

(h) fit-Taqsima H tal-Annessi 28-A jew 28-B, Nota Ġenerali;

(i) fit-Taqsima I tal-Annessi 28-A jew 28-B, il-media li permezz tagħha l-Parti tippubblika l-avviżi ta' akkwist tagħha, l-avviżi ta' għoti, u informazzjoni oħra relatata mas-sistema ta' akkwist pubbliku tagħha kif stabbilit f'dan il-Kapitolu;

(j) fit-Taqsima J tal-Anness 28-B, ir-rata ta' konverżjoni li għandha tintuża għall-valuri ta' limitu.

5. F'każ li l-entità tal-akkwist, fil-kuntest ta' akkwist kopert, tirrekjedi li persuni mhux koperti bl-Anness 28-A jew 28-B jakkwistaw f'konformità mar-rekwiżiti partikolari, l-*Artikolu* 28.4 għandu japplika *mutatis mutandis* għal rekwiżiti bħal dawn.

6. Meta tkun qed tagħmel stima tal-valur ta' akkwist bl-iskop li tiżgura jekk huwiex akkwist kopert, entità tal-akkwist:

(a) ma għandhiex taqsam akkwist f'akkwisti separati u lanqas tagħżel jew tuża metodu ta' valwazzjoni partikolari sabiex tagħmel stima tal-valur ta' akkwist bl-intenzjoni li teskludih totalment jew parzjalment mill-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu; u

(b) għandha tinkludi l-valur totali massimu stmat tal-akkwist matul it-tul ta' żmien kollu tiegħu, kemm jekk jingħata lil fornitur wieħed kif ukoll jekk jingħata lil aktar, filwaqt li jitqiesu l-forom kollha ta' remunerazzjoni, inkluż:

(i) primjums, tariffi, kummissjonijiet u imgħax; u

(ii) f'każ li l-akkwist jipprevedi l-possibilità ta' opzjonijiet, il-valur totali ta' tali opzjonijiet.

7. Meta rekwiżit individwali għall-akkwist jirriżulta fl-għoti ta' aktar minn kuntratt wieħed, jew fl-għoti ta' kuntratti f'partijiet separati ("kuntratti rikorrenti"), il-kalkolu tal-valur totali massimu stmat ikun ibbażat fuq:

(a) il-valur tal-kuntratti rikorrenti għall-istess tip ta' oġġett jew servizz mogħti matul it-12-il xahar preċedenti jew matul is-sena fiskali preċedenti tal-entità tal-akkwist, aġġustat, jekk possibbli, biex jitqiesu bidliet antiċipati fil-kwantità jew fil-valur tal-oġġett jew tas-servizz li jkun se jiġi akkwistat matul it-12-il xahar ta' wara; jew

(b) il-valur stmat tal-kuntratti rikorrenti għall-istess tip ta' oġġett jew servizz li għandu jingħata matul it-12-il xahar wara l-għoti tal-kuntratt inizjali jew is-sena fiskali tal-entità tal-akkwist.

8. Fil-każ ta' akkwist b'kiri jew kuntratt ta' xiri bin-nifs ta' oġġetti jew servizzi, jew akkwist li għalih ma huwiex speċifikat prezz totali, il-bażi għall-valwazzjoni għandha tkun:

(a) fil-każ ta' kuntratt b'terminu fiss:

(i) fejn it-terminu tal-kuntratt huwa ta' 12-il xahar jew inqas, il-valur massimu totali stmat għat-tul ta' żmien tiegħu;

(ii) fejn it-terminu tal-kuntratt jaqbeż it-12-il xahar, il-valur massimu totali stmat, inkluż kull valur residwu stmat;

(b) fejn il-kuntratt huwa għal perjodu indefinit, il-ħlas parzjali stmat fix-xahar multiplikat bi 48;

(c) jekk ma jkunx ċert jekk il-kuntratt huwiex se jkun kuntratt b'terminu fiss, għandu japplika s-subparagrafu (b).

Artikolu 28.3

Sigurtà u eċċezzjonijiet ġenerali

1. Xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jiġi interpretat bħala li jipprevjeni lill Parti milli tieħu kwalunkwe azzjoni jew milli ma tiddivulgax kwalunkwe informazzjoni li hija tqis neċessarja għall-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà essenzali tagħha relatati mal-akkwist ta' armi, munizzjon jew materjali tal-gwerra, jew għall-akkwist indispensabbli għas-sigurtà nazzjonali jew għall-finijiet ta' difiża nazzjonali.

2. Soġġett għar-rekwiżit li miżuri bħal dawn ma jiġux applikati b'mod li jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew inġustifikabbli bejn il-Partijiet fejn l-istess kundizzjonijiet jipprevalu, jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ internazzjonali, xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jiġi interpretat bħala li jipprevjeni lil xi Parti milli timponi jew tinforza miżuri:

(a) meħtieġa għall-protezzjoni tal-moralità, l-ordni jew is-sigurtà pubbliċi;

(b) meħtieġa għall-protezzjoni tas-saħħa jew il-ħajja tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti;

(c) meħtieġa għall-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali; jew

(d) relatati ma' oġġetti jew servizzi ta' persuni b'diżabilità, istituzzjonijiet filantropiċi jew xogħol fil-ħabsijiet.

3. Il-Partijiet jifhmu li s-subparagrafu (b) tal-paragrafu 2 jinkludi miżuri ambjentali meħtieġa għall-protezzjoni tas-saħħa jew il-ħajja tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti.

Artikolu 28.4

Prinċipji ġenerali

Nondiskriminazzjoni

1. Fir-rigward ta' kwalunkwe miżura rigward l-akkwist kopert, kull Parti, inklużi l-entitajiet tal-akkwist tagħha, għandhom jagħtu, minnufih u mingħajr kundizzjonijiet, lill-oġġetti u lis-servizzi tal-Parti l-oħra u lill-fornituri tal-Parti l-oħra li tkun qiegħda toffri l-oġġetti jew is-servizzi taż-żewġ Partijiet, trattament mhux anqas favorevoli mit-trattament li l-Parti, inklużi l-entitajiet tal-akkwist tagħha, tagħti lill-oġġetti, lis-servizzi u lill-fornituri tagħha stess.

2. Fir-rigward ta' kwalunkwe miżura rigward l-akkwist kopert, Parti, inklużi l-entitajiet tal-akkwist tagħha, ma għandhiex:

(a) tittratta fornitur stabbilit lokalment b'mod anqas favorevoli minn fornitur ieħor stabbilit lokalment abbażi tal-grad ta' affiljazzjoni jew sjieda barranija; jew

(b) tiddiskrimina kontra fornitur stabbilit lokalment fuq il-bażi li l-oġġetti jew is-servizzi offruti minn dak il-fornitur għal akkwist partikolari jkunu oġġetti jew servizzi tal-Parti l-oħra.

Użu ta' mezzi elettroniċi

3. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-komunikazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni kollha għall-akkwist kopert jitwettqu bl-użu ta' mezzi elettroniċi, inkluż għall-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar l-akkwist, avviżi u dokumentazzjoni dwar l-offerta, u għar-riċevuta ta' offerti. Meta twettaq akkwist kopert b'mezzi elettroniċi, entità tal-akkwist għandha:

(a) tiżgura li l-akkwist isir bl-użu ta' sistemi u software ta' teknoloġija tal-informatika, inklużi dawk relatati mal-awtentikazzjoni u l-kriptaġġ tal-informazzjoni, li huma ġeneralment disponibbli u interoperabbli ma' sistemi u software oħrajn ta' teknoloġija tal-informatika ġeneralment disponibbli;

(b) tistabbilixxi u żżomm mekkaniżmi li jiżguraw l-integrità tat-talbiet għall-parteċipazzjoni u offerti, inkluż l-istabbiliment tal-ħin meta jaslu u l-prevenzjoni ta' aċċess mhux xieraq; u

(c) tuża mezzi elettroniċi ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni għall-pubblikazzjoni ta' avviżi u ta' dokumentazzjoni tal-offerti fi proċeduri ta' akkwist u, sa fejn ikun prattikabbli, għall-preżentazzjoni ta' offerti.

Twettiq tal-akkwist

4. Entità tal-akkwist għandha twettaq akkwist kopert b'mod trasparenti u imparzjali li:

(a) jkun konsistenti ma' dan il-Kapitolu, bl-użu ta' metodi bħal proċedura tal-offerti miftuħa, proċedura tal-offerti selettiva, u proċedura tal-offerti limitata; u

(b) jipprevjeni kunflitti ta' interess u prattiki korrotti, f'konformità mal-liġijiet rilevanti.

Regoli ta' oriġini

5. Għall-finijiet tal-akkwist pubbliku kopert minn dan il-Kapitolu, Parti ma għandhiex tapplika regoli ta' oriġini għall-oġġetti importati mill-Parti l-oħra li jkunu differenti mir-regoli ta' oriġini li dik il-Parti tapplika fl-andament normali tal-kummerċ għall-importazzjonijiet tal-istess oġġetti.

Kumpensi

6. Fir-rigward tal-akkwist kopert, Parti, inkluż l-entitajiet tal-akkwist tagħha, ma għandhiex tfittex, tqis, timponi jew tinforza xi kumpens fi kwalunkwe stadju ta' akkwist.

Miżuri mhux speċifiċi għall-akkwist

7. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għal dazji doganali u ħlasijiet ta' kull xorta imposti fuq l-importazzjoni jew b'konnessjoni magħha, għal metodu dwar kif jiġu imposti dawn id-dazji u l-ħlasijiet, u għal regolamenti jew formalitajiet oħrajn dwar l-importazzjoni u miżuri li jaffettwaw il-kummerċ fis-servizzi għajr il-miżuri li jirregolaw l-akkwist kopert.

Miżuri kontra l-korruzzjoni

8. Kull Parti għandha tiżgura li jkollha fis-seħħ miżuri xierqa sabiex tindirizza u tipprevjeni l-korruzzjoni fl-akkwist pubbliku tagħha. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu proċeduri sabiex isiru ineliġibbli għall-parteċipazzjoni fl-akkwisti tal-Parti, jew b'mod indefinit jew għal perjodu ta' żmien iddikjarat, il-forniturі li l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Parti jkunu ddeterminaw b'deċiżjoni finali, li jkunu involuti f'azzjonijiet ta' tixħim, frawdolenti jew illegali oħrajn fir-rigward tal-akkwist pubbliku fit-territorju ta' dik il-Parti. Kull Parti għandha tiżgura wkoll li jkollha fis-seħħ politiki u proċeduri sabiex telimina, sa fejn ikun possibbli, jew timmaniġġa kwalunkwe kunflitt ta' interess potenzjali ta' dawk involuti fi jew li jkollhom influwenza fuq l-akkwist.

Artikolu 28.5

Informazzjoni dwar is-sistema tal-akkwist

1. Kull Parti għandha:

(a) tippubblika fil-pront kull liġi, regolament, deċiżjoni ġuridika, deċiżjoni amministrattiva ta' applikazzjoni ġenerali, klawżola ta' kuntratt standard mitluba mil-liġi jew minn regolament u inkorporata b'referenza f'avviżi jew dokumentazzjoni tal-offerti u proċedura dwar l-akkwist kopert, u kwalunkwe modifika fihom, fil-media elettronika jew stampata rilevanti, iddeżinjata b'mod uffiċjali fil-livell nazzjonali, li hija mxerrda b'mod estensiv u li tibqa' disponibbli faċilment għall-pubbliku; u

(b) tipprovdi spjegazzjoni dwar dan lill-Parti l-oħra, meta din tintalab.

2. Taqsima I tal-Anness 28-A u 28-B, rispettivament, fiha lista ta':

(a) il-media elettronika jew stampata li fiha l-Parti kkonċernata tippubblika l-informazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1;

(b) il-media elettronika jew stampata li fiha l-Parti kkonċernata tippubblika l-avviżi mitluba mill-Artikoli 28.6, 28.8(9) u 28.17(2); u

(c) l-indirizz jew l-indirizzi tas-sit web li fuqu l-Parti kkonċernata tippubblika:

(i) l-istatistika tal-akkwist tagħha skont l-*Artikolu* 28.17(4); jew

(ii) l-avviżi tagħha dwar il-kuntratti mogħtija skont l-*Artikolu* 28.17(5).

3. Kull Parti għandha tgħarraf fil-pront lis-Sottokumitat imsemmi fl-*Artikolu* 28.21 dwar kull modifika fl-informazzjoni tal-Parti li hemm elenkata fit-Taqsima I tal-Anness 28-A u 28-B, rispettivament.

Artikolu 28.6

Avviżi

Avviż tal-akkwist ippjanat

1. Għal kull akkwist kopert, l-entità tal-akkwist għandha tippubblika avviż tal-akkwist ippjanat, għajr fiċ-ċirkostanzi stabbiliti fl-*Artikolu* 28.14.

2. Għajr meta previst mod ieħor f'dan il-Kapitolu, kull avviż tal-akkwist ippjanat għandu jinkludi:

(a) l-isem u l-indirizz tal-entità tal-akkwist u informazzjoni oħra neċessarja biex tiġi kkuntattjata l-entità tal-akkwist u jinkisbu d-dokumenti relevanti kollha relatati mal-akkwist, u l-ispejjeż u t-termini ta' pagament tagħhom, jekk ikun hemm;

(b) deskrizzjoni tal-akkwist, inklużi n-natura u l-kwantità tal-oġġetti u s-servizzi li għandhom jiġu akkwistati jew, fejn il-kwantità ma tkunx magħrufa, il-kwantità stmata;

(c) għal kuntratti rikorrenti, stima, jekk tkun possibbli, tal-perjodu ta' żmien tal-avviżi sussegwenti tal-akkwist ippjanat;

(d) deskrizzjoni ta' kwalunkwe opzjoni;

(e) il-perjodu ta' żmien għall-konsenja tal-oġġetti jew tas-servizzi jew it-tul ta' żmien tal-kuntratt;

(f) il-metodu tal-akkwist li se jintuża u jekk huwiex se jinvolvi negozjar jew mekkaniżmu ta' rkant elettroniku;

(g) fejn applikabbli, l-indirizz u kwalunkwe data finali għall-preżentazzjoni ta' talbiet għall-parteċipazzjoni fl-akkwist;

(h) l-indirizz u d-data finali għall-preżentazzjoni tal-offerti;

(i) il-lingwa jew lingwi li fihom jistgħu jiġu ppreżentati l-offerti jew it-talbiet għall-parteċipazzjoni, jekk jistgħu jiġu ppreżentati f'lingwa li ma hijiex lingwa uffiċjali tal-Parti tal-entità tal-akkwist;

(j) lista u deskrizzjoni qasira ta' kwalunkwe kundizzjoni għall-parteċipazzjoni ta' fornituri, inkluż kwalunkwe rekwiżit għal dokumenti jew ċertifikazzjonijiet speċifiċi li għandhom jiġu pprovduti mill-fornituri b'rabta miegħu, sakemm tali rekwiżiti ma jkunux inklużi fid-dokumentazzjoni tal-offerta li titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-fornituri interessati kollha fl-istess ħin bħall-avviż tal-akkwist ippjanat;

(k) fejn, skont l-*Artikolu* 28.8(5), entità tal-akkwist ikollha l-intenzjoni li tagħżel għadd limitat ta' fornituri kkwalifikati biex jiġu mistiedna għall-offerta, il-kriterji li se jintużaw biex jintgħażlu u l-għadd ta' fornituri li se jitħallew jitfgħu l-offerta; u

(l) indikazzjoni li l-akkwist huwa kopert minn dan il-Kapitolu.

Avviż sommarju

3. Għal kull każ ta' akkwist ippjanat, l-entità tal-akkwist għandha tippubblika avviż sommarju li huwa faċilment aċċessibbli, fl-istess ħin bħall-pubblikazzjoni tal-avviż tal-akkwist ippjanat, u f'waħda mil-lingwi tad-WTO ([94]). L-avviż sommarju għandu jinkludi tal-anqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) is-suġġett tal-akkwist;

([94]) Għal aktar ċertezza, il-lingwi uffiċjali tad-WTO huma l-Ingliż, l-Ispanjol u l-Franċiż.

(b) id-data finali għall-preżentazzjoni tal-offerti jew, fejn applikabbli, kwalunkwe data finali għall-preżentazzjoni tat-talbiet għall-parteċipazzjoni fl-akkwist jew għall-inklużjoni f'lista ta' bosta użi; u

(c) l-indirizz minn fejn jistgħu jintalbu d-dokumenti relatati mal-akkwist.

Avviż tal-akkwist ippjanat

4. L-entitajiet tal-akkwist huma mħeġġa li kull sena fiskali jippubblikaw, kemm jista' jkun kmieni, avviż dwar il-pjanijiet tal-akkwist futur tagħhom ("avviż tal-akkwist ippjanat"). L-avviż tal-akkwist ippjanat għandu jinkludi s-suġġett tal-akkwist u d-data ppjanata tal-pubblikazzjoni tal-avviż tal-akkwist ippjanat.

5. Entità tal-akkwist koperta taħt it-Taqsima B jew C tal-Anness 28-A jew 28-B tista' tuża avviż tal-akkwist ippjanat bħala avviż tal-akkwist ippjanat bil-kundizzjoni li l-avviż tal-akkwist ippjanat jinkludi l-informazzjoni kollha msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-*Artikolu* kif disponibbli għall-entità u dikjarazzjoni li l-forniturі interessati għandhom jesprimu l-interess tagħhom fl-akkwist lill-entità tal-akkwist.

Regoli komuni għall-avviżi

6. L-avviż tal-akkwist ippjanat, l-avviż sommarju u l-avviż tal-akkwist ippjanat, għandhom ikunu direttament aċċessibbli b'mezzi elettroniċi, mingħajr ħlas, permezz ta' punt ta' aċċess uniku fuq l-internet. Barra minn hekk, l-avviżi jistgħu wkoll jiġu ppubblikati wkoll fuq mezz stampat xieraq, li għandu jkun imxerred b'mod estensiv u għandhom jibqgħu faċilment aċċessibbli għall-pubbliku, tal-anqas sakemm jiskadi l-perjodu ta' żmien indikat fl-avviż.

Il-mezz xieraq stampat fuq karta u l-mezz elettroniku għandu jiġi elenkat minn kull Parti fit-Taqsima I tal-Anness 28-A u 28-B rispettivament.

7. Minkejja r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 6 dwar l-aċċessibbiltà, b'mezzi elettroniċi, mingħajr ħlas, permezz ta' punt uniku ta' aċċess, tal-avviżi tal-akkwist ippjanat, l-avviżi sommarji u l-avviżi tal-akkwist ippjanat, iċ-Ċilì għandu, mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u għal perjodu ta' tranżizzjoni ta' 3 snin sakemm il-punt ta' aċċess uniku jkun kompletament operattiv, jistabbilixxi sit gateway, bħala alternattiva temporanja għal punt ta' aċċess uniku, li għandu jkun aċċessibbli mingħajr ħlas u għandu jipprovdi links għall-pjattaformi jew għas-siti web li fuqhom jiġu ppubblikati l-avviżi. Il-gateway għandu jkun fiha links għal massimu ta' erba' siti web, li huma:

(a) *Mercado público*;

(b) *Ministerio de Obras Públicas*;

(c) *Dirección General de Concesiones*; u

(d) *Diario Oficial*.

8. Il-Partijiet għandhom jipprovdu għal rieżami perjodiku tal-paragrafu 7 ta' dan l-*Artikolu*, inkluża diskussjoni fi ħdan is-Sottokumitat imsemmi fl-*Artikolu* 28.21, b'mod partikolari dwar l-istatus tal-implimentazzjoni tal-punt ta' aċċess uniku.

Artikolu 28.7

Kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni

1. Entità tal-akkwist għandha tillimita kwalunkwe kundizzjoni għall-parteċipazzjoni f'akkwist għal dawk li huma essenzjali biex jiġi żgurat li fornitur ikollu l-kapaċitajiet legali u finanzjarji u l-ħiliet kummerċjali u tekniċi biex iwettaq l-akkwist relevanti.

2. Fl-istabbiliment tal-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni, entità tal-akkwist:

(a) ma għandhiex timponi l-kundizzjoni li, sabiex fornitur jieħu sehem f'akkwist, dak il-fornitur irid ikun ingħata preċedentement kuntratt wieħed jew aktar minn entità tal-akkwist ta' Parti;

(b) entità tista' tirrikjedi esperjenza preċedenti rilevanti, fejn din tkun essenzjali biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-akkwist; u

(c) ma għandhiex tirrikjedi esperjenza preċedenti fit-territorju tal-Parti bħala kundizzjoni tal-akkwist.

3. Fil-valutazzjoni ta' jekk fornitur jissodisfax il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni, l-entità tal-akkwist:

(a) għandha tevalwa l-kapaċità finanzjarja u l-kapaċitajiet kummerċjali u tekniċi ta' fornitur abbażi tal-attivitajiet kummerċjali ta' dak il-fornitur kemm ġewwa kif ukoll barra t-territorju tal-Parti tal-entità tal-akkwist; u

(b) għandha tibbaża l-evalwazzjoni tagħha fuq il-kundizzjonijiet li l-entità tal-akkwist speċifikat minn qabel fl-avviżi jew fid-dokumentazzjoni tal-offerti.

4. Fejn ikun hemm evidenza ta' sostenn, u sakemm dan il-paragrafu ma jiġix applikat b'mod li jikkostitwixxi mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew inġustifikabbli bejn il-Partijiet, Parti, inklużi l-entitajiet tal-akkwist tagħha, tista' teskludi fornitur għal raġunijiet bħal:

(a) falliment;

(b) dikjarazzjonijiet foloz;

(c) nuqqasijiet sinifikanti jew persistenti fit-twettiq ta' kwalunkwe rekwiżit jew obbligu sostantiv skont kuntratt jew kuntratti preċedenti;

(d) sentenzi finali fir-rigward ta' delitti serji jew reati serji oħrajn;

(e) kondotta professjonali ħażina gravi jew atti jew ommissjonijiet li jirriflettu ħażin fuq l-integrità kummerċjali tal-fornitur; jew

(f) taxxi mhux imħallsa.

Artikolu 28.8

Kwalifika tal-forniturI

Sistemi ta' reġistrazzjoni u proċeduri ta' kwalifika

1. Parti, inklużi l-entitajiet tal-akkwist tagħha, tista' żżomm sistema ta' reġistrazzjoni tal-forniturI li fiha l-forniturI interessati huma meħtieġa jirreġistraw u jipprovdu ċerta informazzjoni. F'dak il-każ, il-Parti għandha tiżgura li l-forniturI interessati jkollhom aċċess għall-informazzjoni dwar is-sistema ta' reġistrazzjoni permezz ta' mezzi elettroniċi u li jistgħu jitolbu reġistrazzjoni fi kwalunkwe ħin. L-entità kompetenti għandha tinformahom f'perjodu ta' żmien raġonevoli bid-deċiżjoni li tagħti jew tirrifjuta t-talba. Jekk it-talba tiġi rrifjutata, id-deċiżjoni għandha tkun motivata kif xieraq.

2. Kull Parti għandha tiżgura li:

(a) l-entitajiet tal-akkwist tagħha jagħmlu sforzi sabiex inaqqsu d-differenzi fil-proċeduri ta' kwalifika tagħhom; u

(b) fejn l-entitajiet tal-akkwist tagħha jżommu sistemi ta' reġistrazzjoni, l-entitajiet jagħmlu sforzi sabiex jimminimizzaw id-differenzi f'dawk fis-sistemi.

3. Parti, inkluż l-entitajiet tal-akkwist tagħha, ma għandhiex tadotta jew tapplika sistema ta' reġistrazzjoni jew proċedura ta' kwalifika bl-għan jew bl-effett li jinħolqu ostakli bla bżonn għall-parteċipazzjoni tal-forniturI tal-Parti l-oħra fl-akkwist tagħha.

Proċedura selettiva tal-offerti

4. Jekk entità tal-akkwist ikun biħsiebha tuża proċedura selettiva tal-offerti, hija għandha:

(a) tinkludi, fl-avviż tal-akkwist ippjanat, tal-anqas l-informazzjoni stabbilitafis-subparagrafi (a), (b), (f), (g), (j), (k) u (l) tal-*Artikolu* 28.6(2) u tistieden lill-forniturI jippreżentaw talba għall-parteċipazzjoni; u

(b) tipprovdi, sal-bidu tal-perjodu ta' żmien għall-proċedura tal-offerti, tal-anqas l-informazzjoni fis-subparagrafi (c), (d), (e), (h) u (i) tal-*Artikolu* 28.6(2) lill-fornituri kkwalifikati li tinnotifika skont is-subparagrafu (b) tal-*Artikolu* 28.12(3).

5. Entità tal-akkwist għandha tippermetti lill-fornituri kkwalifikati kollha jieħdu sehem f'akkwist partikolari, sakemm l-entità tal-akkwist ma tiddikjarax fl-avviż tal-akkwist ippjanat xi limitazzjoni fuq l-għadd ta' fornituri li jkunu se jitħallew jitfgħu l-offerta u l-kriterji jew il-ġustifikazzjoni għall-għażla tal-għadd limitat ta' fornituri. Stedina għall-preżentazzjoni ta' offerta għandha tiġi indirizzata lil għadd ta' fornituri neċessarju sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni.

6. Fejn id-dokumentazzjoni tal-offerti ma titqiegħedx għad-dispożizzjoni tal-pubbliku mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż imsemmi fil-paragrafu 4, entità tal-akkwist għandha tiżgura li dawk id-dokumenti jiġu magħmula disponibbli fl-istess ħin għall-fornituri kkwalifikati kollha magħżula f'konformità mal-paragrafu 5.

Lista ta' bosta użi

7. Entità tal-akkwist tista' żżomm lista ta' fornituri ta' bosta użi, sakemm avviż li jistieden lill-fornituri interessati sabiex japplikaw għall-inklużjoni fil-lista:

(a) jiġi ppubblikat kull sena; u

(b) meta jiġi ppubblikat b'mezzi elettroniċi, jitqiegħed għad-dispożizzjoni kontinwament, fil-mezz xieraq elenkat fit-Taqsima I tal-Annessi 28-A u 28-B.

8. L-avviż previst fil-paragrafu 7 għandu jinkludi:

(a) deskrizzjoni tal-oġġetti jew tas-servizzi, jew il-kategoriji tagħhom, li għalihom tista' tintuża l-lista;

(b) il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni li għandhom jiġu ssodisfati mill-fornituri sabiex jiġu inklużi fil-lista, u l-metodi li se tuża l-entità tal-akkwist sabiex tivverifika li fornitur jissodisfa l-kundizzjonijiet;

(c) l-isem u l-indirizz tal-entità tal-akkwist u informazzjoni oħra neċessarja biex tiġi kkuntattjata l-entità u jinkisbu d-dokumenti rilevanti kollha relatati mal-lista;

(d) il-perjodu ta' validità tal-lista u l-mezzi għat-tiġdid jew għat-terminazzjoni tagħha, jew fejn il-perjodu ta' validità ma jkunx ipprovdut, indikazzjoni tal-metodu li permezz tiegħu se jinħareġ l-avviż li l-lista mhux se tintuża aktar; u

(e) indikazzjoni li l-lista tista' tintuża għall-akkwist kopert minn dan il-Kapitolu.

9. Minkejja l-paragrafu 7, meta lista ta' bosta użi tkun valida għal 3 snin jew anqas, entità tal-akkwist tista' tippubblika l-avviż imsemmi fil-paragrafu 7 darba biss, fil-bidu tal-perjodu ta' validità tal-lista, sakemm l-avviż:

(a) jiddikjara l-perjodu ta' validità u li mhux se jiġu ppubblikati aktar avviżi; u

(b) jiġi ppubblikat b'mezzi elettroniċi u jitpoġġa disponibbli kontinwament matul il-perjodu tal-validità tiegħu.

10. Entità tal-akkwist għandha tippermetti lill-fornituri japplikaw fi kwalunkwe ħin għall-inklużjoni f'lista ta' bosta użi u għandha tinkludi fil-lista l-fornituri kkwalifikati kollha f'perjodu ta' żmien raġonevolment qasir.

11. Meta fornitur li ma huwiex inkluż f'lista ta' bosta użi jippreżenta talba għall-parteċipazzjoni f'akkwist abbażi ta' lista ta' bosta użi u d-dokumenti kollha meħtieġa fi ħdan il-perjodu ta' żmien previst fl-*Artikolu* 28.12(2), it-talba għandha tiġi eżaminata minn entità tal-akkwist. L-entità tal-akkwist ma għandhiex teskludi lill-fornitur minn kunsiderazzjoni fir-rigward tal-akkwist minħabba r-raġuni li l-entità ma għandhiex biżżejjed żmien biex teżamina t-talba, sakemm, f'każijiet eċċezzjonali, minħabba l-kumplessità tal-akkwist, l-entità ma tkunx tista' tlesti l-eżami tat-talba fil-perjodu ta' żmien permess għall-preżentazzjoni tal-offerti.

Entitajiet fit-Taqsimiet B u C tal-Anness 28-A jew 28-B

12. L-entità tal-akkwist koperta taħt it-Taqsima B jew C tal-Anness 28-A jew 28-B tista' tuża avviż li fih tistieden lill-fornituri japplikaw għall-inklużjoni f'lista ta' bosta użi bħala avviż tal-akkwist ippjanat, bil-kundizzjoni li:

(a) l-avviż jiġi ppubblikat f'konformità mal-paragrafu 7 ta' dan l-*Artikolu* u jinkludi l-informazzjoni meħtieġa taħt il-paragrafu 8 ta' dan l-*Artikolu*, l-informazzjoni kollha meħtieġa disponibbli taħt l-*Artikolu* 28.6(2), u dikjarazzjoni li l-avviż jikkostitwixxi avviż tal-akkwist ippjanat jew li huma biss il-fornituri fil-lista ta' bosta użi li se jirċievu avviżi oħrajn ta' akkwist kopert mil-lista ta' bosta użi; u

(b) l-entità tipprovdi fil-pront lill-fornituri li esprimew interess f'akkwist partikolari lill-entità biżżejjed informazzjoni biex ikunu jistgħu jivvalutaw l-interess tagħhom fl-akkwist, inkluża l-bqija tal-informazzjoni meħtieġa taħt l-*Artikolu* 28.6(2), sa fejn dik l-informazzjoni tkun disponibbli.

13. Entità tal-akkwist koperta taħt it-Taqsima B jew C tal-Anness 28-A jew 28-B tista' tippermetti lil fornitur li jkun applika biex ikun inkluż fil-lista ta' bosta użi f'konformità mal-paragrafu 10 ta' dan l-*Artikolu* biex jipparteċipa f'akkwist partikolari, fejn ikun hemm biżżejjed żmien għall-entità tal-akkwist biex teżamina jekk il-fornitur jissodisfax il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni.

Informazzjoni dwar id-deċiżjonijiet tal-entità tal-akkwist

14. Entità tal-akkwist għandha tinforma fil-pront lil kwalunkwe fornitur li jippreżenta talba għall-parteċipazzjoni f'akkwist, jew applikazzjoni għall-inklużjoni f'lista ta' bosta użi, bid-deċiżjoni tal-entità tal-akkwist fir-rigward tat-talba jew tal-applikazzjoni.

15. Fejn entità tal-akkwist tirrifjuta talba ta' fornitur għall-parteċipazzjoni f'akkwist jew applikazzjoni għall-inklużjoni f'lista ta' bosta użi, ma tibqax tirrikonoxxi fornitur bħala kwalifikat, jew tneħħi fornitur minn lista ta' bosta użi, l-entità għandha tinforma fil-pront lill-fornitur u, fuq talba tal-fornitur, tipprovdi fil-pront lill-fornitur bi spjegazzjoni bil-miktub tar-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.

Artikolu 28.9

Speċifikazzjonijiet tekniċi

1. Entità tal-akkwist ma għandhiex tħejji, tadotta jew tapplika xi speċifikazzjoni teknika jew tipprovdi għal kwalunkweproċedura ta' valutazzjoni tal-konformità bil-għan jew bl-effett li toħloq ostakli bla bżonn għall-kummerċ internazzjonali.

2. Billi tipprovdi għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-oġġetti jew għas-servizzi li jkunu se jiġu akkwistati, l-entità tal-akkwist għandha, fejn xieraq:

(a) tistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni teknika f'termini ta' rekwiżiti ta' prestazzjoni u funzjonali, aktar milli f'termini ta' karatteristiċi tad-disinn jew deskrittivi; u

(b) tibbaża l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi fuq standards internazzjonali, fejn dawn jeżistu, jew fuq regolamenti tekniċi nazzjonali, standards nazzjonali rikonoxxuti jew kodiċijiet tal-bini, jekk tali standards internazzjonali ma jeżistux.

3. Meta fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jintużaw karatteristiċi deskrittivi jew tad-disinn, l-entità tal-akkwist għandha tindika, fejn xieraq, li se tikkunsidra offerti ta' oġġetti jew servizzi ekwivalenti li jissodisfaw biċ-ċar ir-rekwiżiti tal-akkwist billi tinkludi kliem bħal "jew ekwivalenti" fid-dokumentazzjoni tal-offerta.

4. Entità tal-akkwist ma għandhiex tipprovdi għal speċifikazzjonijiet tekniċi li jirrikjedu jew jirreferu għal trademark jew isem kummerċjali, privattiva, dritt tal-awtur, disinn, tip, oriġini speċifika, produttur jew fornitur partikolari, sakemm ma jkun hemm l-ebda mod ieħor preċiż jew intelliġibbli biżżejjed biex jiġu deskritti r-rekwiżiti tal-akkwist u bil-kundizzjoni li, f'tali każijiet, l-entità tinkludi kliem bħal "jew ekwivalenti" fid-dokumentazzjoni tal-offerta.

5. Entità tal-akkwist ma għandhiex tfittex jew taċċetta, b'mod li jkollu l-effett li jipprekludi l-kompetizzjoni, parir li jista' jintuża fit-tħejjija jew l-adozzjoni ta' kwalunkwe speċifikazzjoni teknika għal akkwist speċifiku minn persuna li jista' jkollha interess kummerċjali fl-akkwist.

6. Għal aktar ċertezza, Parti, inklużi l-entitajiet tal-akkwist tagħha, jistgħu, f'konformità ma' dan l-*Artikolu*, iħejju, jadottaw jew japplikaw speċifikazzjonijiet tekniċi sabiex jippromovu l-konservazzjoni tar-riżorsi naturali jew jipproteġu l-ambjent.

Artikolu 28.10

Dokumentazzjoni tal-offerta

1. Entità tal-akkwist għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-forniturі d-dokumentazzjoni tal-offerta li tinkludi l-informazzjoni kollha meħtieġa biex il-forniturі jkunu jistgħu jħejju u jippreżentaw offerti ta' rispons. Sakemm ma tkunx ipprovduta diġà fl-avviż tal-akkwist ippjanat, tali dokumentazzjoni għandha tinkludi deskrizzjoni kompleta ta':

(a) l-akkwist, inklużi n-natura u l-kwantità tal-oġġetti jew tas-servizzi li għandhom jiġu akkwistati jew, meta l-kwantità ma tkunx magħrufa, il-kwantità stmata u kull rekwiżit li għandu jiġi ssodisfat, inkluża kwalunkwe speċifikazzjoni teknika, ċertifikazzjoni ta' valutazzjoni tal-konformità, pjan, tpinġija jew materjali ta' struzzjoni;

(b) kwalunkwe kundizzjoni għall-parteċipazzjoni tal-forniturі, inkluża lista ta' informazzjoni u dokumenti li l-forniturі huma meħtieġa jippreżentaw b'konnessjoni mal-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni;

(c) il-kriterji kollha ta' evalwazzjoni li l-entità se tapplika fl-għoti tal-kuntratt, u, sakemm il-prezz ikun l-uniku kriterju, l-importanza relattiva ta' dawk il-kriterji;

(d) meta l-entità tal-akkwist tkun se twettaq l-akkwist b'mezzi elettroniċi, kwalunkwe rekwiżit ta' awtentikazzjoni u kodifikazzjoni jew rekwiżiti oħra relatati mal-preżentazzjoni tal-informazzjoni b'mezzi elettroniċi;

(e) jekk l-entità tal-akkwist torganizza bejgħ bl-irkant elettroniku, ir-regoli, inkluż l-identifikazzjoni tal-elementi tal-offerta relatati mal-kriterji ta' evalwazzjoni, suġġett li għalih se jitmexxa l-irkant;

(f) meta l-offerti jkunu se jinfetħu fil-pubbliku, id-data, il-ħin u l-post tal-ftuħ u, jekk xieraq, il-persuni awtorizzati li għandhom ikunu preżenti;

(g) kwalunkwe terminu ieħor jew kundizzjoni oħra, inklużi termini tal-pagament u kwalunkwe limitazzjoni fuq il-mezzi li bihom jistgħu jiġu ppreżentati l-offerti, bħal jekk humiex sottomessi fuq karta jew b'mezz elettroniku; u

(h) kwalunkwe data għall-konsenja tal-oġġetti jew għall-provvista tas-servizzi.

2. Meta tistabbilixxi data għall-konsenja ta' oġġetti jew il-provvista ta' servizzi li jkunu qed jiġu akkwistati, l-entità tal-akkwist għandha tqis fatturi bħall-kumplessità tal-akkwist, kemm se jsir subkuntrattar antiċipat, u ż-żmien realistiku meħtieġ għall-produzzjoni, it-tneħħija mill-ħżin u t-trasport tal-oġġetti mill-punt tal-forniment jew għall-forniment tas-servizzi.

3. Il-kriterji ta' evalwazzjoni stabbiliti fl-avviż tal-akkwist ippjanat jew fid-dokument tal-offerta jistgħu jinkludu, fost l-oħrajn, il-prezz u fatturi oħra ta' spejjeż, il-kwalità, il-mertu tekniku, il-karatteristiċi ambjentali u t-termini tal-konsenja.

4. Entità tal-akkwist għandha fil-pront:

(a) tqiegħed għad-dispożizzjoni d-dokumentazzjoni tal-offerta biex tiżgura li l-forniturі interessati jkollhom biżżejjed żmien biex jippreżentaw offerti ta' rispons;

(b) tipprovdi, meta mitluba, d-dokumentazzjoni tal-offerta lil kwalunkwe fornitur interessat; u

(c) twieġeb għal kwalunkwe talba raġonevoli għal informazzjoni rilevanti minn kwalunkwe fornitur interessat jew li jkun qed jieħu sehem fil-perjodu ta' żmien stabbilit fil-leġiżlazzjoni ta' kull Parti, sakemm din l-informazzjoni ma tagħtix lil dak il-fornitur vantaġġ fuq il-forniturі l-oħrajn.

Modifiki

5. Jekk entità tal-akkwist timmodifika l-kriterji jew ir-rekwiżiti stabbiliti fl-avviż tal-akkwist ippjanat jew fid-dokumentazzjoni tal-offerta pprovduta lill-forniturі li jkunu qed jieħdu sehem, jew temenda jew terġa' toħroġ avviż jew dokumentazzjoni tal-offerta, din għandha tittrażmetti bil-miktub tali modifiki kollha jew l-avviż jew id-dokumentazzjoni tal-offerta emendati jew maħruġa mill-ġdid:

(a) lill-forniturі kollha li jkunu qed jieħdu sehem fi żmien il-modifika, l-emenda jew il-ħruġ mill-ġdid, fejn tali forniturі jkunu magħrufa lill-entità, u fil-każijiet l-oħrajn kollha, bl-istess mod li bih tqiegħdet għad-dispożizzjoni l-informazzjoni oriġinali; u

(b) fi żmien adegwat, filwaqt li jitqiesu n-natura u l-kumplessità tal-akkwist, biex tali fornituri jkunu jistgħu jimmodifikaw u jerġgħu jippreżentaw l-offerti emendati, kif xieraq.

Artikolu 28.11

Kunsiderazzjonijiet ambjentali u soċjali

1. Parti tista' tippermetti lill-entitajiet tal-akkwist tagħha jużaw kunsiderazzjonijiet ambjentali u soċjali matul il-proċedura ta' akkwist, sakemm dawn ma jkunux diskriminatorji, ikunu konsistenti mal-projbizzjoni ta' kumpensi fl-*Artikolu* 28.4(6), u jkunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt.

2. Għal aktar ċertezza, il-kunsiderazzjonijiet ambjentali u soċjali ma għandhomx jitħejjew, jiġu adottati jew applikati b'mod li jikkostitwixxi mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew inġustifikabbli bejn il-Partijiet jew restrizzjoni moħbija tal-kummerċ bejn il-Partijiet.

Artikolu 28.12

Perjodi ta' żmien

1. B'mod konsistenti mal-ħtiġijiet raġonevoli tagħha stess, entità tal-akkwist għandha tipprovdi biżżejjed żmien sabiex il-fornituri jħejju u jippreżentaw talbiet għall-parteċipazzjoni u offerti ta' rispons, filwaqt li tikkunsidra fatturi bħal:

(a) in-natura u l-kumplessità tal-akkwist;

(b) kemm huwa antiċipat li jsir subkuntrattar; u

(c) fejn ma jintużawx mezzi elettroniċi, iż-żmien meħtieġ għat-trażmissjoni tal-offerti b'mezzi mhux elettroniċi minn punti barranin kif ukoll domestiċi.

Tali perjodi ta' żmien, inkluża kwalunkwe estensjoni tagħhom, għandhom ikunu l-istess għall-fornituri interessati jew parteċipanti kollha.

2. Entità tal-akkwist li tuża proċedura selettiva tal-offerti għandha tistabbilixxi data finali għall-preżentazzjoni ta' talbiet għall-parteċipazzjoni li ma għandhiex, fil-prinċipju, tkun aktar kmieni minn 25 jum mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż tal-akkwist ippjanat. Jekk stat ta' urġenza ssostanzjat kif xieraq mill-entità tal-akkwist irendi dan il-perjodu ta' żmien imprattikabbli, il-perjodu ta' żmien jista' jitnaqqas sa mhux anqas minn 10 ijiem.

3. Għajr kif previst fil-paragrafi 4, 5, 7 u 8, entità tal-akkwist għandha tistabbilixxi data finali għall-preżentazzjoni tal-offerti li ma għandhiex tkun aktar kmieni minn 40 jum mid-data li fiha:

(a) fil-każ ta' proċedura tal-offerti miftuħa, jiġi ppubblikat l-avviż tal-akkwist ippjanat; jew

(b) fil-każ ta' proċedura tal-offerti selettiva, l-entità tal-akkwist tinnotifika lill-fornituri li se jkunu mistiedna jippreżentaw offerti, kemm jekk tuża lista b'bosta użi kif ukoll jekk le.

4. Entità tal-akkwist tista' tnaqqas il-perjodu ta' żmien għall-proċedura tal-offerti stabbilita f'konformità mal-paragrafu 3 għal mhux inqas minn 10 ijiem jekk:

(a) l-entità tal-akkwist tkun ippubblikat avviż tal-akkwist ippjanat kif stabbilit fl-*Artikolu* 28.6(4) tal-anqas 40 jum u mhux aktar minn 12-il xahar minn qabel il-pubblikazzjoni tal-avviż tal-akkwist ippjanat, u l-avviż tal-akkwist ippjanat ikun fih:

(i) deskrizzjoni tal-akkwist;

(ii) id-dati finali approssimattivi għall-preżentazzjoni tal-offerti jew tat-talbiet għall-parteċipazzjoni;

(iii) dikjarazzjoni li l-fornituri interessati għandhom jesprimu l-interess tagħhom fl-akkwist lill-entità tal-akkwist;

(iv) l-indirizz minn fejn id-dokumenti li jirrigwardaw l-akkwist jistgħu jinkisbu; u

(v) l-informazzjoni kollha meħtieġa disponibbli għall-avviż tal-akkwist ippjanat skont l-*Artikolu* 28.6(2);

(b) l-entità tal-akkwist, għal kuntratti rikorrenti, tindika f'avviż inizjali tal-akkwist ippjanat li l-avviżi sussegwenti jistabbilixxu perjodi ta' żmien għall-proċedura tal-offerti bbażati fuq dan il-paragrafu; jew

(c) stat ta' urġenza sostanzjat kif xieraq mill-entità tal-akkwist irendi imprattikabbli l-perjodu ta' żmien għall-proċedura tal-offerti stabbilit f'konformità mal-paragrafu 3.

5. Entità tal-akkwist tista' tnaqqas il-perjodu ta' żmien għall-proċedura tal-offerti stabbilit f'konformità mal-paragrafu 3 b'ħamest ijiem għal kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) l-avviż tal-akkwist ippjanat jiġi ppubblikat b'mezzi elettroniċi;

(b) id-dokumentazzjoni kollha tal-offerti ssir disponibbli b'mezzi elettroniċi mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż tal-akkwist ippjanat; u

(c) l-entità taċċetta offerti b'mezzi elettroniċi.

6. L-applikazzjoni tal-paragrafu 5, flimkien mal-paragrafu 4, ma għandha fl-ebda każ tirriżulta fit-tnaqqis tal-perjodu ta' żmien għall-proċedura tal-offerti stabbilita f'konformità mal-paragrafu 3 għal inqas minn 10 ijiem mid-data li fiha l-avviż tal-akkwist ippjanat jiġi ppubblikat.

7. Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan l-*Artikolu*, meta entità tal-akkwist takkwista oġġetti jew servizzi kummerċjali, jew xi kombinazzjoni tagħhom, din tista' tnaqqas il-perjodu ta' żmien għall-proċedura tal-offerti stabbilit f'konformità mal-paragrafu 3 għal mhux inqas minn 13-il jum, sakemm din ma tippubblikax b'mezzi elettroniċi, fl-istess ħin, kemm l-avviż tal-akkwist ippjanat kif ukoll id-dokumentazzjoni tal-offerta. Barra minn hekk, jekk l-entità tal-akkwist taċċetta offerti għal oġġetti jew servizzi kummerċjali b'mezzi elettroniċi, tista' tnaqqas il-perjodu ta' żmien stabbilit f'konformità mal-paragrafu 3 għal mhux inqas minn 10 ijiem.

8. Meta entità tal-akkwist koperta taħt it-Taqsima B jew C tal-Annessi 28-A jew 28-B tkun għażlet il-forniturikkwalifikati kollha jew għadd limitat minnhom, il-perjodu ta' żmien għall-proċedura tal-offerti jista' jiġi stabbilit minn ftehim reċiproku bejn l-entità tal-akkwist u l-forniturimagħżulin. F'nuqqas ta' qbil, il-perjodu ma għandux ikun inqas minn 10 ijiem.

Artikolu 28.13

Negozjar

1. Parti tista' tipprovdi sabiex l-entitajiet tal-akkwist tagħha jwettqu negozjati mal-forniturifil-kuntest tal-akkwist kopert:

(a) jekk l-entità tal-akkwist tkun indikat l-intenzjoni tagħha li twettaq negozjati fl-avviż tal-akkwist ippjanat kif meħtieġ skont l-*Artikolu* 28.6(2); jew

(b) jekk mill-evalwazzjoni jidher li ma hemmx offerta li hija ovvjament l-aktar waħda vantaġġuża f'termini tal-kriterji speċifiċi ta' evalwazzjoni stabbiliti fl-avviż tal-akkwist ippjanat jew fid-dokumentazzjoni tal-offerta.

2. Entità tal-akkwist għandha:

(a) tiżgura li kwalunkwe eliminazzjoni ta' forniturili jieħdu sehem fin-negozjati titwettaq f'konformità mal-kriterji ta' evalwazzjoni stabbiliti fl-avviż tal-akkwist ippjanat jew fid-dokumentazzjoni tal-offerta; u

(b) jekk jiġu konklużi n-negozjati, tipprovdi data ta' skadenza komuni għall-fornituripartečipanti li jkun fadal biex jippreżentaw offerti ġodda jew riveduti.

Artikolu 28.14

Proċedura tal-offerti limitata

1. Sakemm ma tużax din id-dispożizzjoni bl-għan li tiġi evitata l-kompetizzjoni fost il-forniturі jew b'mod li jiddiskrimina kontra forniturі tal-Parti l-oħra jew jipproteġi forniturі domestiċi, entità tal-akkwist tista' tuża proċedura tal-offerti limitata u tista' tagħżel li ma tapplikax l-*Artikolu* 28.6, l-*Artikolu* 28.7, l-*Artikolu* 28.8, l-*Artikolu* 28.10, u l-Artikoli 28.12, 28.13, 28.15 u 28.16 fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) jekk:

(i) l-offerti ma ġewx ippreżentati jew il-forniturі ma talbux parteċipazzjoni;

(ii) ma tkun ġiet ippreżentata l-ebda offerta li tikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali tad-dokumentazzjoni tal-offerta;

(iii) l-ebda fornitur ma ssodisfa l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni; jew

(iv) l-offerti ppreżentati jkunu ġew iddikjarati kollużivi mill-awtorità kompetenti sakemm ir-rekwiżiti tad-dokumentazzjoni tal-offerta ma jiġux immodifikati sostanzjalment;

(b) jekk l-oġġetti jew is-servizzi jkunu jistgħu jiġu pprovduti biss minn fornitur partikolari u ma jkunux jeżistu oġġetti jew servizzi alternattivi jew sostituti raġonevoli, għal xi waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

(i) ir-rekwiżit huwa għal opra tal-arti;

(ii) il-protezzjoni mogħtija minn privattivi, drittijiet tal-awtur jew drittijiet esklussivi oħrajn; jew

(iii) nuqqas ta' kompetizzjoni għal raġunijiet tekniċi;

(c) fil-każ ta' akkwist ta' konsenji addizzjonali mill-fornitur oriġinali ta' oġġetti jew servizzi li ma kinux inklużi fl-akkwist inizjali jekk jinbidel il-fornitur għat-tali oġġetti jew servizzi addizzjonali:

(i) ma tistax issir għal raġunijiet ekonomiċi jew tekniċi bħalma huma r-rekwiżiti ta' interkambjalità jew interoperabbiltà mat-tagħmir eżistenti, software, servizzi jew installazzjonijiet akkwistati taħt l-akkwist inizjali; u

(ii) tikkawża inkonvenjenza sinifikanti jew spejjeż doppji sostanzjali għall-entità tal-akkwist;

(d) fejn, u sa fejn ikun strettament neċessarju, għar-raġunijiet ta' urġenza estrema kkawżata minn avvenimenti li kienu imprevedibbli mill-entità tal-akkwist, l-oġġetti jew is-servizzi ma setgħux jinkisbu fil-ħin permezz ta' proċedura tal-offerti miftuħa jew selettiva;

(e) fil-każ ta' oġġetti mixtrija f'suq tal-komoditajiet;

(f) fejn entità tal-akkwist takkwista prototipi jew l-ewwel oġġett jew servizz li jiġu żviluppati fuq it-talba tagħha matul, u għal, kuntratt partikolari għal riċerka, esperiment, studju jew żvilupp oriġinali; l-iżvilupp oriġinali tal-ewwel oġġett jew servizz jista' jinkludi produzzjoni jew provvista limitata sabiex jiġu inkorporati r-riżultati tal-ittestjar fil-prattika u sabiex jintwera li l-oġġett jew is-servizz ikun xieraq għall-produzzjoni jew għall-provvista fi kwantità bi standards ta' kwalità aċċettabbli, iżda ma jinkludix il-produzzjoni jew il-provvista tal-kwantità sabiex tiġi stabbilita vijabbiltà kummerċjali jew sabiex jiġu rkuprati l-ispejjeż tar-riċerka u tal-iżvilupp;

(g) fil-każ ta'akkwisti magħmula taħt kundizzjonijiet eċċezzjonalment vantaġġużi li jinħolqu biss fuq medda ta' żmien qasira ħafna fil-każ ta' disponimenti mhux tas-soltu, bħal dawk li jinħolqu minn likwidazzjoni, riċevitura jew falliment, iżda mhux fil-każ ta'akkwisti ta' rutina minn forniturі regolari; jew

(h) meta kuntratt jingħata lil rebbieħ ta' kompetizzjoni ta' disinn, sakemm:

(i) il-kompetizzjoni tkun ġiet organizzata b'mod li huwa konsistenti mal-prinċipji ta' dan il-Kapitolu, b'mod partikolari fir-rigward tal-pubblikazzjoni ta' avviż tal-akkwist ippjanat; u

(ii) il-parteċipanti jiġu ġġudikati minn ġurija indipendenti bl-għan li l-kuntratt għad-disinn jingħata lil rebbieħ.

2. L-entità tal-akkwist għandha tħejji rapport bil-miktub dwar kull kuntratt mogħti skont il-paragrafu 1. Ir-rapport għandu jinkludi isem l-entità tal-akkwist, il-valur u t-tip ta' oġġetti jew servizzi akkwistati u dikjarazzjoni li tindika ċ-ċirkostanzi u l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 li ġġustifikaw l-użu tal-proċedura tal-offerti limitata.

Artikolu 28.15

Irkanti elettroniċi

Fejn entità tal-akkwist ikollha l-intenzjoni li twettaq akkwist kopert billi tuża irkant elettroniku, l-entità għandha tipprovdi lil kull parteċipant, qabel ma tibda l-irkant elettroniku:

(a) bil-metodu ta' evalwazzjoni awtomatika, inkluża l-formula matematika, li hija bbażata fuq il-kriterji ta' evalwazzjoni stabbiliti fid-dokumentazzjoni tal-offerta u li se tintuża fil-klassifikazzjoni jew fil-klassifikazzjoni mill-ġdid awtomatika matul l-irkant;

(b) bir-riżultati ta' kwalunkwe evalwazzjoni inizjali tal-elementi tal-offerta tagħha fejn il-kuntratt ikun se jingħata fuq il-bażi tal-offerta l-aktar vantaġġuża; u

(c) kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra relatata mat-twettiq tal-irkant.

Artikolu 28.16

Trattament tal-offerti u għoti ta' kuntratti

Trattament tal-offerti

1. Entità tal-akkwist għandha tirċievi, tiftaħ u tittratta l-offerti kollha taħt proċeduri li jiggarantixxu l-ġustizzja u l-imparzjalità tal-proċess tal-akkwist kif ukoll il-kunfidenzjalità tal-offerti.

2. Entità tal-akkwist ma għandhiex tippenalizza lil xi fornitur li l-offerta tiegħu tkun irċevietha wara l-iskadenza speċifikata biex tirċievi l-offerti jekk id-dewmien ikun dovut biss għall-ġestjoni ħażina min-naħa tal-entità tal-akkwist.

3. Meta l-entità tal-akkwist tipprovdi lill-fornitur b'opportunità biex jikkoreġi żbalji mingħajr intenzjoni tal-formula bejn il-ftuħ tal-offerti u l-għoti tal-kuntratt, l-entità tal-akkwist għandha tipprovdi l-istess opportunità lill-forniturі kollha li jieħdu sehem.

Għoti ta' kuntratti

4. Biex tiġi kkunsidrata għall-għotja, offerta għandha tiġi ppreżentata bil-miktub u, fi żmien il-ftuħ, għandha tikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-avviżi u fid-dokumentazzjoni tal-offerta u għandha tkun ġejja minn fornitur li jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni.

5. Sakemm entità tal-akkwist ma tiddeterminax li ma huwiex fl-interess pubbliku li jingħata kuntratt, l-entità għandha tagħti l-kuntratt lill-fornitur li l-entità għażlet bħala dak li kapaċi jissodisfa t-termini tal-kuntratt u li, abbażi biss tal-kriterji ta' evalwazzjoni speċifikati fl-avviżi u d-dokumentazzjoni tal-offerta, ippreżenta:

(a) l-offerta l-aktar vantaġġuża; jew

(b) l-aktar prezz baxx, jekk il-prezz ikun l-uniku kriterju.

6. Meta entità tal-akkwist tirċievi offerta bi prezz li huwa aktar baxx b'mod anormali fir-rigward tal-prezzijiet f'offerti oħra ppreżentati, hija tista' tivverifika mal-fornitur li l-fornitur jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni u li huwa kapaċi jissodisfa t-termini tal-kuntratt.

7. Entità tal-akkwist ma għandhiex tuża opzjonijiet, tannulla akkwist jew timmodifika kuntratti mogħtija b'mod li jiġu evitati l-obbligi skont dan il-Kapitolu.

8. Bħala regola ġenerali, kull Parti għandha tagħmel mill-aħjar biex tipprovdi perjodu sospensiv bejn l-għoti u l-konklużjoni ta' kuntratt, sabiex tagħti biżżejjed żmien lill-offerenti li ma jkunux intgħażlu sabiex jirrieżaminaw u joġġezzjonaw għad-deċiżjoni tal-għoti.

Artikolu 28.17

Trasparenza tal-informazzjoni dwar l-akkwisti

Informazzjoni pprovduta lill-fornituri

1. Entità tal-akkwist għandha tinforma fil-pront lill-fornituri parteċipanti bid-deċiżjonijiet ta' għoti tal-kuntratt tal-entità akkwirenti u, fuq talba ta' fornitur, għandha tagħmel dan bil-miktub. Soġġetta għall-*Artikolu* 28.18(2) u (3), entità tal-akkwist għandha, fuq talba, tagħti lil fornitur li ma ntgħażilx, spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex l-entità ma għażlitx l-offerta tiegħu u l-vantaġġi relattivi tal-offerta tal-fornitur li ntagħżel.

Pubblikazzjoni tal-informazzjoni dwar l-għotja

2. Mhux aktar tard minn 72 jum wara l-għoti ta' kull kuntratt kopert b'dan il-Kapitolu, entità tal-akkwist għandha tippubblika avviż fil-mezz stampat jew elettroniku xieraq elenkat fit-Taqsima I tal-Anness 28-A u 28-B. Meta l-entità akkwirenti tippubblika l-avviż esklussivament fuq mezz elettroniku, l-informazzjoni għandha tibqa' faċilment aċċessibbli għal perjodu ta' żmien raġonevoli. L-avviż għandu jinkludi tal-anqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) deskrizzjoni tal-oġġetti jew tas-servizzi akkwistati;

(b) l-isem u l-indirizz tal-entità tal-akkwist;

(c) l-isem tal-fornitur li jintgħażel;

(d) il-valur tal-offerta li tintgħażel jew l-ogħla offerti u l-aktar offerti baxxi kkunsidrati fl-għoti tal-kuntratt;

(e) id-data tal-għotja; u

(f) it-tip ta' metodu ta' akkwist użat, u f'każijiet li fihom tkun intużat proċedura tal-offerti limitata f'konformità mal-*Artikolu* 28.14, deskrizzjoni taċ-ċirkostanzi li jiġġustifikaw l-użu tal-proċedura limitata tal-offerti.

Żamma tad-dokumentazzjoni, rapporti u traċċabilità elettronika

3. Għal perjodu mhux anqas minn 3 snin mid-data li fiha tagħti kuntratt, kull entità tal-akkwist għandha żżomm:

(a) id-dokumentazzjoni u r-rapporti tal-proċeduri tal-offerti u l-għoti ta' kuntratti marbuta ma' akkwist kopert, inklużi r-rapporti meħtieġa skont l-*Artikolu* 28.14; u

(b) id-*data* li tiżgura t-traċċabbiltà xierqa tat-twettiq tal-akkwist kopert b'mezzi elettroniċi.

Skambju tal-istatistika

4. Fuq talba tal-Parti l-oħra, u fid-dawl tad-diskussjonijiet fis-Sottokumitat imsemmi fl-*Artikolu* 28.21, kull Parti għandha tagħmel disponibbli għall-Parti l-oħra statistika dwar l-akkwist kopert ta' oġġetti, servizzi u servizzi ta' kostruzzjoni, inkluża, sa fejn ikun possibbli, l-istatistika dwar konċessjonijiet ta' xogħlijiet. F'konformità mal-*Artikolu* 28.23, il-Partijiet għandhom jikkooperaw biex jiksbu fehim aħjar tal-istatistika dwar l-akkwist pubbliku ta' xulxin.

5. Meta Parti tirrikjedi li avviżi dwar il-kuntratti mogħtija, skont il-paragrafu 2 ta' dan l-*Artikolu*, jiġu ppubblikati b'mod elettroniku u meta tali avviżi jkunu aċċessibbli għall-pubbliku permezz ta' bażi tad-*data* unika f'għamla li tippermetti li ssir analiżi tal-kuntratti koperti, il-Parti tista', minflok li tirrapporta lis-Sottokumitat imsemmi fl-*Artikolu* 28.21, tipprovdi link għas-sit web, flimkien ma kwalunkwe struzzjoni meħtieġa biex tiġi aċċessata u tintuża tali *data*.

Artikolu 28.18

Divulgazzjoni ta' informazzjoni

Forniment ta' Informazzjoni lill-Partijiet

1. Fuq talba tal-Parti l-oħra, Parti għandha tipprovdi fil-pront kwalunkwe informazzjoni meħtieġa biex tiddetermina jekk akkwist twettaqx b'mod ġust, imparzjali u f'konformità ma' dan il-Kapitolu, inkluża informazzjoni dwar il-karatteristiċi u l-vantaġġi relattivi tal-offerta magħżula. Fejn ir-rilaxx tal-informazzjoni jippreġudika l-kompetizzjoni fl-offerti futuri, il-Parti li tirċievi l-informazzjoni ma għandhiex tiddivulgaha lil xi fornitur, ħlief wara li tikkonsulta mal-Parti li tkun pprovdiet l-informazzjoni u tikseb l-approvazzjoni tagħha.

Nuqqas ta' divulgazzjoni ta' informazzjoni

2. Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kapitolu, Parti, inklużi l-entitajiet tal-akkwist tagħha, ħlief sal-punt meħtieġ mil-liġi jew bl-awtorizzazzjoni bil-miktub tal-fornitur li pprovda l-informazzjoni, ma għandha tiddivulga l-ebda informazzjoni li tippreġudika l-interessi kummerċjali leġittimi ta' fornitur partikolari jew li tista' tippreġudika l-kompetizzjoni ġusta bejn il-forniturі.

3. Xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jiġi interpretat bħala li jobbliga Parti, inklużi l-entitajiet tal-akkwist tagħha, l-awtoritajiet u l-korpi ta' rieżami, biex tiddivulga informazzjoni kunfidenzjali jekk id-divulgazzjoni:

(a) tkun se timpedixxi l-infurzar tal-liġi;

(b) tista' tippreġudika l-kompetizzjoni ġusta bejn il-forniturі;

(c) tkun se tippreġudika l-interessi kummerċjali leġittimi ta' persuni partikolari, inkluża l-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali; jew

(d) tkun se tmur kontra l-interess pubbliku bi kwalunkwe mod ieħor.

Artikolu 28.19

Proċeduri domestiċi ta' rieżami

1. Kull Parti għandha tipprovdi proċedura ta' rieżami amministrattiva jew ġudizzjarja fil-ħin, effettiva, trasparenti u mhux diskriminatorja li permezz tagħha fornitur jista' joġġezzjoni għal dan li ġej, li jirriżulta fil-kuntest ta' akkwist kopert li fih il-fornitur għandu, jew kellu, interess:

(a) ksur ta' dan il-Kapitolu; jew

(b) nuqqas ta' konformità mal-miżuri ta' Parti sabiex timplimenta dan il-Kapitolu, meta l-fornitur ma jkollu ebda dritt li joġġezzjoni direttament għal ksur ta' dan il-Kapitolu skont il-liġi domestika ta' Parti.

Ir-regoli proċedurali għall-oġġezzjonijiet kollha għandhom ikunu bil-miktub u jiġu magħmula ġeneralment disponibbli.

2. Fil-każ ta' lment minn fornitur, li jirriżulta fil-kuntest ta' akkwist kopert li fih il-fornitur għandu, jew kellu, interess, li kien hemm ksur jew nuqqas kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-Parti tal-entità tal-akkwist li twettaq l-akkwist għandha tħeġġeġ lill-entità u lill-fornitur biex isibu soluzzjoni għall-ilment permezz ta' konsultazzjonijiet. L-entità għandha tqis b'mod imparzjali u fil-ħin kwalunkwe ilment bħal dan b'mod li ma jippreġudikax il-parteċipazzjoni tal-fornitur fl-akkwist attwali jew futur jew id-dritt tiegħu li jfittex miżuri korrettivi skont il-proċedura ta' rieżami amministrattiva jew ġudizzjarja.

3. Kull fornitur għandu jingħata perjodu ta' żmien biżżejjed sabiex iħejji u jippreżenta oġġezzjoni, li fl-ebda każ ma għandu jkun inqas minn 10 ijiem miż-żmien meta l-bażi tal-oġġezzjoni tkun saret magħrufa jew b'mod raġonevoli kellha ssir magħrufa mill-fornitur.

4. Kull Parti għandha tistabbilixxi jew taħtar tal-anqas awtorità amministrattiva jew ġudizzjarja imparzjali waħda li tkun indipendenti mill-entitajiet tal-akkwist tagħha sabiex tirċievi u tirrieżamina oġġezzjoni minn fornitur li tirriżulta fil-kuntest ta' akkwist kopert.

5. Fejn korp li ma huwiex l-awtorità msemmija fil-paragrafu 4 jibda jirrieżamina oġġezzjoni, il-Parti għandha tiżgura li l-fornitur ikollu d-dritt li jappella d-deċiżjoni inizjali quddiem awtorità amministrattiva jew ġuridika imparzjali li tkun indipendenti mill-entità tal-akkwist li l-akkwist tagħha jkun is-suġġett tal-oġġezzjoni.

6. Kull Parti għandha tiżgura li d-deċiżjonijiet ta' korp ta' rieżami li ma huwiex qorti jkunu soġġetti għal rieżami ġudizzjarju jew li l-korp ta' rieżami għandu proċeduri li jipprevedu li:

(a) l-entità tal-akkwist għandha twieġeb bil-miktub għall-oġġezzjoni u tiddivulga d-dokumenti rilevanti kollha lill-korp ta' rieżami;

(b) il-parteċipanti għall-proċedimenti (minn hawn 'il quddiem il-"parteċipanti") ikollhom id-dritt li jinstemgħu qabel tittieħed deċiżjoni mill-korp ta' rieżami dwar oġġezzjoni;

(c) il-parteċipanti jkollhom id-dritt li jkunu rrappreżentati u akkumpanjati;

(d) il-parteċipanti jkollhom aċċess għall-proċedimenti kollha;

(e) il-parteċipanti jkollhom id-dritt li jitolbu li l-proċedimenti jsiru fil-pubbliku u li jistgħu jissejħu xhieda; u

(f) il-korp ta' rieżami għandu jieħu d-deċiżjonijiet jew jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu fil-ħin, bil-miktub u għandu jinkludi spjegazzjoni tal-bażi għal kull deċiżjoni jew rakkomandazzjoni.

7. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm fis-seħħ proċeduri li jipprevedu:

(a) miżuri *interim* rapidi biex tinżamm l-opportunità tal-fornitur biex jieħu sehem fl-akkwist; tali miżuri *interim* jistgħu jirriżultaw f'sospensjoni tal-proċess ta' akkwist; il-proċeduri jistgħu jipprevedu li meta jkun se jiġi deċiż jekk jiġux applikati tali miżuri jistgħu jitqiesu l-konsegwenzi negattivi prevalenti għall-interessi kkonċernati, inkluż l-interess pubbliku; għandha tiġi pprovduta bil-miktub kawża ġusta għal nuqqas ta' azzjoni; u

(b) fejn korp ta' rieżami jkun iddetermina li kien hemm ksur jew nuqqas kif imsemmi fil-paragrafu 1, azzjoni korrettiva jew kumpens għat-telf jew id-danni mġarrba, li jistgħu jkunu limitati għall-ispejjeż għat-tħejjija tal-offerta jew għall-ispejjeż relatati mal-oġġezzjoni, jew it-tnejn.

Artikolu 28.20

Modifiki u rettifiki tal-kopertura

1. Il-Parti tal-UE tista' timmodifika jew tirrettifika l-Anness 28-A u ċ-Ċilì jista' jimmodifika jew jirrettifika l-Anness 28-B.

Modifiki

2. Jekk Parti jkollha l-ħsieb li timmodifika l-Anness tagħha kif imsemmi fil-paragrafu 1, dik il-Parti għandha:

(a) tinnotifika lill-Parti l-oħra bil-miktub; u

(b) tinkludi fin-notifika proposta għal aġġustamenti ta' kumpens xierqa lill-Parti l-oħra sabiex jinżamm livell ta' kopertura paragunabbli ma' dak li kien jeżisti qabel il-modifika.

3. Minkejja s-subparagrafu (b) tal-paragrafu 2 ta' dan l-*Artikolu*, Parti ma għandhiex bżonn tipprovdi aġġustamenti ta' kumpens jekk il-modifika tkopri entità li fuqha l-Parti tkun effettivament eliminat il-kontroll jew l-influwenza tagħha. Il-kontroll jew l-influwenza tal-gvern fuq l-akkwist kopert ta' entitajiet elenkati fit-Taqsima A, B jew C tal-Anness 28-A jew 28-B huma preżunti li huma eliminati b'mod effettiv, sa fejn huwa kkonċernat l-akkwist tal-entità, fejn l-entità hija esposta għall-kompetizzjoni fi swieq li għalihom l-aċċess ma huwiex ristrett.

4. Jekk Parti tinnotifika lill-Parti l-oħra skont il-paragrafu 2 b'modifika maħsuba tal-Anness tagħha, il-Parti l-oħra għandha toġġezzjona bil-miktub jekk tilmenta li:

(a) aġġustament propost skont is-subparagrafu (b) tal-paragrafu 2 huwa adegwat sabiex jinżamm livell komparabbli ta' kopertura miftiehma reċiprokament; jew

(b) il-modifika tkopri entità li fuqha l-kontroll jew l-influwenza tal-Parti jkunu effettivament intemmu f'konformità mal-paragrafu 3.

Il-Parti l-oħra għandha tippreżenta kwalunkwe oġġezzjoni bil-miktub skont dan il-paragrafu fi żmien 45 jum tal-irċevuta tan-notifika msemmija fis-subparagrafu (a) tal-paragrafu 2 ta' dan l-*Artikolu*. Jekk dik il-Parti ma tippreżentax kwalunkwe oġġezzjoni bil-miktub fi ħdan dak il-perjodu ta' żmien, hija għandha titqies li aċċettat l-aġġustament jew il-modifika, inkluż għall-finijiet tal-Kapitolu 38.

Rettifiki

5. Il-Partijiet għandhom iqisu l-bidliet li ġejjin għall-Anness 28-A jew 28-B bħala rettifika ta' natura purament formali, sakemm ma jaffettwawx il-kopertura miftiehma b'mod reċiproku prevista f'dan il-Kapitolu:

(a) bidla fl-isem ta' entità;

(b) fużjoni ta' żewġ entitajiet jew aktar elenkati fit-Taqsimiet A, B jew C tal-Anness 28-A jew 28-B;

(c) is-separazzjoni ta' entità elenkata fit-Taqsimiet A, B jew C tal-Anness 28-A jew 28-B f'żewġ entitajiet jew aktar li huma kollha miżjuda mal-entitajiet elenkati fl-istess Taqsima tal-Anness 28-A jew 28-B.

6. Jekk Parti tipproponi rettifika tal-Anness 28-A jew 28-B rispettivament, dik il-Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra kull sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

7. Parti tista' tinnotifika lill-Parti l-oħra dwar oġġezzjoni għal rettifika proposta fi żmien 45 jum minn meta tirċievi n-notifika. Meta Parti tressaq oġġezzjoni, hija għandha tistabbilixxi r-raġunijiet għaliex temmen li r-rettifika proposta ma hijiex bidla prevista fil-paragrafu 5, u tiddeskrivi l-effett tar-rettifika proposta fuq il-kopertura miftiehma b'mod reċiproku prevista f'dan il-Ftehim. Jekk l-ebda oġġezzjoni bħal din ma titressaq bil-miktub fi żmien 45 jum minn meta tkun irċeviet in-notifika, il-Parti titqies li tkun qablet mar-rettifika proposta.

Konsultazzjoni u soluzzjoni tat-tilwim

8. Jekk il-Parti l-oħra toġġezzjona għall-modifika jew għar-rettifika proposta fi żmien 45 jum, il-Partijiet għandhom ifittxu li jsolvu l-kwistjoni permezz ta' konsultazzjonijiet wara li jkunu rċevew in-notifika. Jekk il-Partijiet ma jilħqux ftehim fi żmien 60 jum mill-wasla tal-oġġezzjoni, il-Parti li tfittex li timmodifika jew tirrettifika l-Anness tagħha tista' tirreferi l-kwistjoni għall-proċedura tas-soluzzjoni tat-tilwim skont din il-Parti ta' dan il-Ftehim. Il-modifika jew ir-rettifika proposta se tidħol fis-seħħ biss meta ż-żewġ Partijiet ikunu qablu dwar dan jew abbażi ta' deċiżjoni finali skont il-proċedura prevista fil-Kapitolu 38.

9. In-nuqqas li jintlaħaq ftehim fil-proċedura ta' konsultazzjoni skont il-paragrafu 8 ta' dan l-*Artikolu* ma jeżentax lill-Partijiet mill-obbligu li jwettqu konsultazzjonijiet skont il-Kapitolu 38.

Artikolu 28.21

Is-Sottokumitat dwar l-Akkwist Pubbliku

Fuq talba ta' Parti, is-Sottokumitat dwar l-Akkwist Pubbliku ("Sottokumitat") stabbilit skont l-*Artikolu* 8.8(1), għandu jiltaqa' biex jindirizza kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni u l-operat ta' dan il-Kapitolu, inklużi dawn li ġejjin:

(a) kwistjonijiet dwar l-akkwist pubbliku li huma riferuti lilu minn Parti;

(b) il-monitoraġġ tal-attivitajiet ta' kooperazzjoni mwettqa mill-Partijiet kif previst fl-*Artikolu* 28.23;

(c) il-faċilitazzjoni tal-parteċipazzjoni ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fl-akkwist kopert kif previst fl-*Artikolu* 28.22; u

(d) diskussjoni dwar l-istatus tal-implimentazzjoni tal-punt ta' aċċess uniku skont l-*Artikolu* 28.6(7).

Artikolu 28.22

Faċilitazzjoni tal-parteċipazzjoni minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-kontribut importanti li l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (minn hawn 'il quddiem, "SMEs") jistgħu jagħmlu għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, u l-importanza li tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tal-SMEs fl-akkwist pubbliku.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-akkwist elettroniku fl-iffaċilitar tal-parteċipazzjoni tal-SMEs fil-proċeduri ta' akkwist billi jiżguraw it-trasparenza.

3. Il-Partijiet jirrikonoxxu wkoll l-importanza tal-alleanzi tan-negozju bejn il-fornituri ta' kull Parti, u b'mod partikolari bejn l-SMEs, inkluża parteċipazzjoni konġunta fil-proċeduri tal-offerti.

4. Il-Partijiet jistgħu:

(a) jipprovdu informazzjoni relatata mal-miżuri tagħhom użati sabiex jikkontribwixxu, jippromwovu, iħeġġu jew jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tal-SMEs fl-akkwist pubbliku;

(b) jikkooperaw fl-elaborazzjoni ta' mekkaniżmi biex jipprovdu informazzjoni lill-SMEs dwar il-mezzi għall-parteċipazzjoni fl-akkwist kopert skont dan il-Kapitolu.

5. Sabiex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tal-SMEs fl-akkwist kopert, kull Parti għandha, sa fejn ikun possibbli:

(a) tipprovdi definizzjoni ta' SMEs f'portal elettroniku;

(b) tagħmel ħilitha biex tagħmel id-dokumentazzjoni kollha tal-offerta disponibbli mingħajr ħlas;

(c) tieħu kwalunkwe miżura oħra mfassla biex tiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-SMEs fl-akkwist pubbliku kopert minn dan il-Kapitolu, sakemm tali miżuri ma jiddiskriminawx kontra l-intrapriżi tal-Parti l-oħra.

Artikolu 28.23

Kooperazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jagħmlu mill-aħjar biex jiżviluppaw attivitajiet ta' kooperazzjoni bil-għan li jiksbu fehim aħjar tas-sistemi rispettivi tagħhom tal-akkwist pubbliku, kif ukoll aċċess aħjar għas-swieq rispettivi tagħhom, fi kwistjonijiet bħal:

(a) l-iskambju ta' esperjenzi u informazzjoni, bħal oqfsa regolatorji, l-aħjar prattiki u statistika;

(b) l-iffaċilitar tal-parteċipazzjoni mill-fornituri fl-akkwist kopert, b'mod partikolari fir-rigward tal-SMEs;

(c) l-iżvilupp u l-espansjoni tal-użu tal-mezzi elettroniċi fis-sistemi ta' akkwist pubbliku;

(d) il-bini tal-kapaċità billi jitrawwem it-tagħlim bejn l-uffiċjali tal-gvern u l-persunal tal-entitajiet tal-akkwist bil-ħsieb li jiġu ssodisfati d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu.

2. Il-Partijiet għandhom jinfurmaw lis-Sottokumitat imsemmi fl-*Artikolu* 28.21 bi kwalunkwe tali attivita'.

Artikolu 28.24

Negozjati ulterjuri

Is-Sottokumitat dwar l-Akkwist Pubbliku msemmi fl-*Artikolu* 28.21 għandu jirrieżamina l-operat ta' dan il-Kapitolu u, mhux aktar tard minn 4 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, jista' jipproponi li l-Kumitat Konġunt jirrakkomanda li l-Partijiet iwettqu negozjati ulterjuri bil-għan li jinkiseb ftuħ addizzjonali għall-aċċess għas-suq.

KAPITOLU 29

INTRAPRIŻI TAL-ISTAT, INTRAPRIŻI MOGĦTIJA DRITTIJIET JEW PRIVILEĠĠI SPEĊJALI U MONOPOLJI MAĦTURA

Artikolu 29.1

Kamp ta' applikazzjoni

1. Il-Partijiet jaffermaw id-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont il-paragrafi 1 sa 3 tal-*Artikolu* XVII tal-GATT 1994, il-Ftehim dwar l-Interpretazzjoni tal-*Artikolu* XVII tal-GATT 1994, kif ukoll skont il-paragrafi 1, 2 u 5 tal-*Artikolu* VIII tal-GATS.

2. Dan il-Kapitolu japplika għal intrapriża tal-istat, għal intrapriża mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali u għal monopolju ddeżinjat ("entità") involuti f'attivitajiet kummerċjali. Jekk entità tinvolvi ruħha kemm f'attivitajiet kummerċjali kif ukoll mhux kummerċjali ([95]), l-attivitajiet kummerċjali biss huma koperti minn dan il-Kapitolu.

3. Dan il-Kapitolu japplika għal intrapriżi tal-Istat, għal intrapriżi mogħtijin drittijiet jew privileġġi speċjali u għal monopolji ddeżinjati fil-livelli kollha tal-gvern.

4. Dan il-Kapitolu ma japplikax għall-akkwist minn Parti ta' prodott jew servizz mixtri għal skopijiet governattivi u mhux bil-ħsieb ta' bejgħ mill-ġdid kummerċjali jew bil-ħsieb tal-forniment ta' prodott jew servizz għall-bejgħ kummerċjali, kemm jekk dak l-akkwist ikun "akkwist kopert" kif ukoll jekk le kif definit fl-*Artikolu* 28.2.

5. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal kwalunkwe servizz ipprovdut fl-eżerċizzju ta' awtorità governattiva.

6. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal intrapriżi tal-istat, intrapriżi mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali u monopolji maħtura f'każijiet fejn fi kwalunkwe waħda mit-3 snin fiskali konsekuttivi preċedenti, id-dħul annwali derivat mill-attivitajiet kummerċjali tal-entità kien anqas minn 100 miljun Dritt Speċjali ta' Prelevament (SDRs). ([96])

7. L-*Artikolu* 29.4 ma japplikax għas-setturi tas-servizzi li huma barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim.

8. L-*Artikolu* 29.4 ma japplikax sa fejn intrapriża tal-istat, intrapriża mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali jew monopolju maħtur ta' Parti jagħmlu xirjiet u jbigħu oġġetti jew servizzi skont:

(a) kwalunkwe miżura eżistenti mhux konformi li l-Parti żżomm, tkompli ġġedded jew temenda skont l-*Artikolu* 17.14, 18.8 jew 25.10 kif stabbilit fl-iskeda tagħha fl-Anness 17-A; jew

(b) kwalunkwe miżura mhux konformi li l-Parti tadotta jew iżżomm fir-rigward ta' setturi, subsetturi jew attivitajiet skont l-*Artikolu* 17.14, 18.8 jew 25.10 kif stabbilit fl-iskeda tagħha fl-Anness 17-B.

Artikolu 29.2

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan il-Kapitolu u l-Anness 29:

(a) "attivitajiet kummerċjali" tfisser attivitajiet imwettqa minn intrapriża li r-riżultat aħħari tagħhom huwa l-produzzjoni ta' oġġett jew il-provvista ta' servizz li jkun se jinbiegħ fis-suq rilevanti fi kwantitajiet u bi prezzijiet determinati mill-intrapriża, u li jitwettqu b'orjentazzjoni lejn il-profitt ([97]);

([95]) Attivitajiet mhux kummerċjali jistgħu jinkludu t-twettiq ta' mandat leġittimu ta' servizz pubbliku jew kwalunkwe attività direttament relatata mal-forniment ta' difiża nazzjonali jew ta' sigurtà pubblika.

([96]) Matul l-ewwel 5 snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-limitu se jkun ta' inqas minn 200 miljun SDR.

([97]) Għal aktar ċertezza, "attivitajiet kummerċjali" jeskludu l-attivitajiet imwettqa minn intrapriża li topera fuq bażi mingħajr skop ta' qligħ jew li topera fuq bażi ta' rkupru tal-ispejjeż.

(b) "kunsiderazzjonijiet kummerċjali" tfisser kunsiderazzjonijiet dwar il-prezz, il-kwalità, id-disponibbiltà, il-kummerċjabbiltà, it-trasport u termini u kundizzjonijiet oħrajn tax-xiri jew tal-bejgħ, jew fatturi oħrajn li normalment jittieħdu f'kunsiderazzjoni fid-deċiżjonijiet kummerċjali ta' intrapriża bi sjieda privata li topera skont il-prinċipji tal-ekonomija tas-suq fin-negozju jew fl-industrija rilevanti;

(c) "tiddeżinja" tfisser li tistabbilixxi jew tawtorizza monopolju, jew li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni ta' monopolju, sabiex ikopri oġġett jew servizz addizzjonali;

(d) "monopolju deżinjat" tfisser entità, li tinkludi grupp ta' entitajiet jew aġenzija tal-gvern, li f'suq rilevanti fit-territorju ta' Parti tiġi ddeżinjata bħala l-uniku fornitur jew akkwirent ta' oġġett jew ta' servizz, iżda ma tinkludix entità li tkun ingħatat dritt esklużiv ta' proprjetà intellettwali purament minħabba tali għotja;

(e) "impriża mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali" ([98]) tfisser kwalunkwe intrapriża, pubblika jew privata, li lilha Parti tkun tat drittijiet jew privileġġi speċjali, fil-liġi jew fil-fatt; drittijiet jew privileġġi speċjali jingħataw minn Parti meta tiddeżinja jew tillimita għal tnejn jew aktar in-numru ta' intrapriżi awtorizzati li jipprovdu oġġett jew servizz, filwaqt li tqis ir-regolament settorjali speċifiku li skontu jkun sar l-għoti tad-dritt jew tal-privileġġ, għajr skont kriterji oġġettivi, proporzjonali u mhux diskriminatorji, li b'hekk jaffettwa sostanzjalment l-abbiltà ta' kwalunkwe intrapriża oħra sabiex tipprovdi l-istess oġġett jew servizz fl-istess żona ġeografika f'kundizzjonijiet sostanzjalment ekwivalenti;

(f) "servizz ipprovdut fl-eżerċizzju ta' awtorità governattiva" tfisser servizz ipprovdut fl-eżerċizzju ta' awtorità governattiva kif definit fil-paragrafu 3(c) tal-*Artikolu* I tal-GATS, inkluż kif definit fl-Anness dwar is-Servizzi Finanzjarji tal-GATS jekk applikabbli; u

(g) "intrapriża tal-istat" tfisser intrapriża bi sjieda jew kontroll ta' Parti ([99]).

Artikolu 29.3

Dispożizzjonijiet ġenerali

Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi ta' Parti skont dan il-Kapitolu, xejn f'dan il-Kapitolu ma jimpedixxi lil Parti milli tistabbilixxi jew iżżomm intrapriżi tal-Istat, milli tiddeżinja jew iżżomm monopolji jew milli tagħti lill-intrapriżi drittijiet jew privileġġi speċjali.

Artikolu 29.4

Trattament mhux diskriminatorju u kunsiderazzjonijiet kummerċjali

1. Parti għandha tiżgura li kull waħda mill-intrapriżi tal-Istat, mill-intrapriżi mogħtijin drittijiet jew privileġġi speċjali u mill-monopolji ddeżinjati tagħha, meta jkunu involuti f'attivitajiet kummerċjali:

(a) taġixxi f'konformità ma' kunsiderazzjonijiet kummerċjali fix-xiri jew bejgħ tagħha ta' oġġett jew ta' servizz, ħlief sabiex tissodisfa kwalunkwe terminu tal-mandat tas-servizz pubbliku tagħha li ma jkunx inkonsistenti mas-subparagrafu (b) jew (c) ta' dan il-paragrafu;

(b) fix-xiri tagħha ta' merkanzija jew ta' servizz:

(i) tagħti lil oġġett jew lil servizz fornit minn intrapriża tal-Parti l-oħra trattament mhux anqas favorevoli minn dak li tagħti lil oġġett jew lil servizz simili fornit mill-intrapriżi tal-Parti kkonċernata; u

(ii) tagħti lil prodott jew servizz ipprovdut minn intrapriża li huwa investiment kopert kif definit fis-subparagrafu (d) tal-*Artikolu* 17.2 (1) fit-territorju ta' dik il-Parti trattament mhux anqas favorevoli milli tagħti lil prodott jew servizz simili pprovdut minn intrapriżi fis-suq rilevanti fit-territorju ta' dik il-Parti li huma investimenti ta' investituri ta' dik il-Parti; u

([98]) Għal aktar ċertezza, l-għoti ta' liċenzja lil għadd limitat ta' intrapriżi fl-allokazzjoni tar-riżorsi skarsi skont kriterji oġġettivi, proporzjonali u mhux diskriminatorji, ma huwiex fih innifisu dritt jew privileġġ speċjali.

([99]) Għall-istabbiliment ta' sjieda jew kontroll, l-elementi legali u fattwali rilevanti kollha għandhom jiġu eżaminati każ b'każ.

(c) fil-bejgħ tagħha ta' oġġett jew ta' servizz:

(i) tagħti lil intrapriża tal-Parti l-oħra trattament mhux anqas favorevoli minn dak li tagħti lill-intrapriżi tal-Parti kkonċernata; u

(ii) tagħti lil intrapriża li hija investiment kopert kif definit fis-subparagrafu (d) tal-*Artikolu* 17.2 (1) fit-territorju ta' dik il-Parti trattament mhux anqas favorevoli milli tagħti lill-intrapriżi fis-suq rilevanti fit-territorju ta' dik il-Parti li huma investimenti ta' investituri ta' dik il-Parti.

2. Il-paragrafu 1 ma jipprekludix lil intrapriżi tal-Istat, intrapriżi mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali jew monopolji maħtura milli:

(a) jixtru jew jipprovdu oġġetti jew servizzi b'termini jew b'kundizzjonijiet differenti, inklużi termini jew kundizzjonijiet relatati mal-prezz, dment li tali termini jew kundizzjonijiet differenti jkunu stabbiliti f'konformità ma' kunsiderazzjonijiet kummerċjali; jew

(b) jirrifjutaw li jixtru jew jipprovdu oġġetti jew servizzi, dment li tali ċaħda tkun imwettqa f'konformità ma' kunsiderazzjonijiet kummerċjali.

Artikolu 29.5

Qafas regolatorju

1. Il-Partijiet għandhom jagħmlu l-aħjar użu mill-istandards internazzjonali, kif applikabbli, inklużi l-Linji Gwida tal-OECD dwar il-Governanza Korporattiva tal-Intrapriżi tal-Istat, kif xieraq.

2. Kull Parti għandha tiżgura li kwalunkwe korp regolatorju jew kwalunkwe korp ieħor li jeżerċita funzjoni regolatorja li tistabbilixxi jew iżżomm:

(a) ikun indipendenti minn kwalunkwe intrapriża u ma jagħti rendikont lill-ebda intrapriża li tirregola, sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-funzjoni regolatorja; u

(b) jaġixxi, f'ċirkostanzi simili, b'mod imparzjali ([100]) fir-rigward tal-intrapriżi kollha li jirregola, inklużi intrapriżi tal-istat, intrapriżi mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali u monopolji maħtura. ([101]).

3. Kull Parti għandha tapplika l-liġijiet u r-regolamenti tagħha għal intrapriżi tal-istat, għal intrapriżi mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali u għal monopolji ddeżinjati b'mod konsistenti u mhux diskriminatorju.

Artikolu 29.6

Trasparenza

1. Parti ("il-Parti rikjedenti") li għandha raġuni sabiex temmen li l-interessi tagħha skont dan il-Kapitolu qegħdin jiġu affettwati b'mod avvers mill-attivitajiet kummerċjali ta' intrapriża tal-Istat, ta' intrapriża mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali jew ta' monopolju ddeżinjat tal-Parti l-oħra tista' titlob bil-miktub lil dik il-Parti l-oħra ("il-Parti li ssirilha t-talba") sabiex tipprovdi bil-miktub informazzjoni dwar l-attivitajiet kummerċjali ta' dik l-entità relatati mal-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu.

2. Il-Parti rikjedenti għandha tinkludi, f'talba skont il-paragrafu 1, spjegazzjoni dwar kif dik il-Parti temmen li l-attivitajiet tal-entità jistgħu jkunu qed jaffettwaw l-interessi ta' dik il-Parti skont dan il-Kapitolu u għandha tispeċifika liema informazzjoni elenkata fil-paragrafu 3 hija qed titlob.

3. Il-Parti li ssirilha t-talba għandha tipprovdi l-informazzjoni li ġejja, f'konformità mal-paragrafi 1 u 2:

([100]) Għal aktar ċertezza, l-imparzjalità li biha l-korp regolatorju jeżerċita l-funzjonijiet regolatorji tiegħu għandha tiġi vvalutata b'referenza għal mudell jew prattika ġenerali ta' dak il-korp regolatorju.

([101]) Għal aktar ċertezza, għal dawk is-setturi li fihom il-Partijiet ikunu qablu mal-obbligi speċifiċi li jirrigwardjaw il-korp regolatorju f'Kapitoli oħrajn ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet rilevanti f'dawk il-Kapitoli l-oħrajn għandhom jipprevalu.

(a) is-sjieda u l-istrutturi tal-votazzjoni tal-entità, filwaqt li jiġu indikati l-perċentwal ta' ishma li l-Parti, l-intrapriżi tal-Istat, l-intrapriżi mogħtijin drittijiet jew privileġġi speċjali jew il-monopolji ddeżinjati tagħha jkollhom b'mod kumulattiv, u l-perċentwal tad-drittijiet tal-vot li jkollhom b'mod kumulattiv, fl-entità;

(b) deskrizzjoni ta' kwalunkwe sehem speċjali jew dritt tal-vot speċjali jew dritt ieħor li l-Parti, l-intrapriżi tal-Istat, l-intrapriżi mogħtijin drittijiet jew privileġġi speċjali jew il-monopolji ddeżinjati tagħha jkollhom, meta dawn id-drittijiet ikunu differenti minn dawk marbutin ma' ishma komuni ġenerali tal-entità;

(c) l-istruttura organizzazzjonali tal-entità u l-kompożizzjoni tal-bord tad-diretturi tagħha jew ta' kwalunkwe korp ekwivalenti;

(d) deskrizzjoni ta' liema dipartimenti tal-gvern jew korpi pubbliċi jirregolaw jew jimmonitorjaw l-entità, deskrizzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar imposti fuqha minn dawk id-dipartimenti tal-gvern jew mill-korpi pubbliċi, u d-drittijiet u l-prattiki ta' dawk id-dipartimenti tal-gvern jew ta' kwalunkwe korp pubbliku fir-rigward tal-ħatra, tas-sensja jew tar-remunerazzjoni ta' eżekuttivi superjuri u ta' membri tal-bord tad-diretturi tagħha jew ta' kwalunkwe korp maniġerjali ekwivalenti ieħor;

(e) id-dħul annwali tal-entità u l-assi totali tul l-aktar perjodu ta' 3 snin reċenti li għalih ikun hemm informazzjoni disponibbli;

(f) kwalunkwe eżenzjoni, immunità u miżura relatata li minnha l-entità tibbenefika skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Parti li ssirilha t-talba; u

(g) kwalunkwe informazzjoni addizzjonali rigward l-entità li hija disponibbli pubblikament, li tinkludi rapporti finanzjarji annwali u awditi minn partijiet terzi.

4. Il-paragrafi 1, 2 u 3 ma jeħtiġux li xi Parti tiddivulga informazzjoni kunfidenzjali li d-divulgazzjoni tagħha tkun inkonsistenti mal-liġijiet u r-regolamenti tagħha, timpedixxi l-infurzar tal-liġi, jew inkella tmur kontra l-interess pubbliku, jew tippreġudika l-interessi kummerċjali leġittimi ta' intrapriżi partikolari.

5. Jekk l-informazzjoni mitluba ma tkunx disponibbli għall-Parti li ssirilha t-talba, dik il-Parti għandha tipprovdi lill-Parti rikjedenti bir-raġunijiet għal dan, bil-miktub.

Artikolu 29.7

Anness speċifiku għall-Parti

1. L-*Artikolu* 29.4 ma japplikax fir-rigward tal-attivitajiet mhux konformi ta' intrapriżi tal-istat jew monopolji maħtura li Parti telenka fl-iskeda tagħha fl-Anness 29 f'konformità mat-termini tal-iskeda tal-Parti.

2. Fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, il-Kunsill Konġunt jista' jadotta deċiżjoni biex jemenda l-Anness 29 skont is-subparagrafu (a) tal-*Artikolu* 8.5 (1) u fi kwalunkwe każ għandu jikkunsidra emendi għall-Anness 29 fi żmien 5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

KAPITOLU 30

POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Artikolu 30.1

Prinċipji

Il-Partijiet jagħrfu l-importanza ta' kompetizzjoni ħielsa u mingħajr distorsjonijiet fil-kummerċ u fl-investimenti. Il-Partijiet jirrikonoxxu li prattiki antikompetittivi għandhom il-potenzjal li joħolqu distorsjonijiet fil-funzjonament xieraq tas-swieq u jimminaw il-benefiċċji tal-liberalizzazzjoni kummerċjali.

Artikolu 30.2

Qafas regolatorju

1. Kull Parti għandha żżomm jew tadotta liġi tal-kompetizzjoni li tapplika għas-setturi kollha tal-ekonomija ([102]) u tindirizza l-prattiki li ġejjin b'mod effettiv:

(a) ftehimiet bejn intrapriżi, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijet tal-intrapriżi u prattiki miftiehma, li jkollhom bħala l-għan jew l-effett tagħhom li jipprevjenu, jirrestrinġu jew ifixklu l-kompetizzjoni;

(b) abbużi minn intrapriża waħda jew aktar ta' pożizzjoni dominanti; u

(c) integrazzjonijiet bejn l-impriżi, li jimpedixxu b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva, b'mod partikolari bħala riżultat tal-ħolqien jew it-tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti.

2. Kull Parti għandha tiżgura li l-intrapriżi, privati jew pubbliċi kollha, ikunu soġġetti għal-liġi tal-kompetizzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

3. L-applikazzjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni ta' kull Parti ma għandhiex ixxekklel it-twettiq, skont il-liġi jew fil-fatt, ta' kwalunkwe kompitu partikolari ta' interess pubbliku mogħtij lill-intrapriżi kkonċernati. L-eżenzjonijiet mil-liġi tal-kompetizzjoni ta' Parti għandhom ikunu limitati għal kompiti ta' interess pubbliku, limitati għal dak li huwa strettament meħtieġ biex jintlaħaq l-objettiv mixtieq tal-ordni pubbliku, u trasparenti.

Artikolu 30.3

Implimentazzjoni

1. Kull Parti għandha żżomm awtorità funzjonalment indipendenti responsabbli u mgħammra kif xieraq bis-setgħat u r-riżorsi meħtieġa għall-applikazzjoni sħiħa u l-infurzar effettiv tal-liġi tal-kompetizzjoni msemmija fl-*Artikolu* 30.2.

2. Kull Parti għandha tapplika l-liġi tal-kompetizzjoni tagħha b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju, filwaqt li tirrispetta l-prinċipji tal-ġustizzja proċedurali u d-dritt tad-difiża tal-intrapriżi kkonċernati, irrispettivament min-nazzjonalità jew mis-sjieda tagħhom.

Artikolu 30.4

Kooperazzjoni

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li huwa fl-interess komuni tagħhom li jippromwovu l-kooperazzjoni fi kwistjonijiet relatati mal-politika tal-kompetizzjoni tagħhom u l-infurzar tagħha.

2. Sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni, l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Partijiet jistgħu jiskambjaw informazzjoni, suġġett għar-regoli tal-kunfidenzjalità previsti fil-liġijiet u r-regolamenti rispettivi tagħhom.

3. L-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jikkoordinaw, sa fejn ikun possibbli u jekk xieraq, l-attivitajiet ta' infurzar tagħhom fl-istess imġiba jew f'każijiet relatati.

([102]) Għal aktar ċertezza, il-liġi tal-kompetizzjoni fl-Unjoni Ewropea tapplika għas-settur agrikolu skont ir-Regolament (UE) No1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU UE L 347, 20.12.2013, p. 671).

Artikolu 30.5

Konsultazzjonijiet

1. Sabiex jitrawwem fehim reċiproku bejn il-Partijiet, jew sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet speċifiċi dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu, il-Partijiet għandhom, fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, jidħlu minnufih f'konsultazzjonijiet dwar kwalunkwe kwistjoni li tikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu ([103]). Il-Parti li tagħmel it-talba għall-konsultazzjonijiet għandha tindika, jekk ikun rilevanti, kif il-kwistjoni taffettwa l-kummerċ jew l-investiment bejn il-Partijiet.

2. Sabiex jiġu ffaċilitati l-konsultazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex tipprovdi informazzjoni mhux kunfidenzjali rilevanti lill-Parti l-oħra.

Artikolu 30.6

Nuqqas ta' applikazzjoni tas-soluzzjoni tat-tilwim

Il-Kapitolu 38 ma japplikax għal dan il-Kapitolu.

KAPITOLU 31

SUSSIDJI

Artikolu 31.1

Prinċipji

Il-Partijiet jagħrfu li s-sussidji jistgħu jingħataw minn jekk ikunu meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi tal-ordni pubbliku. Madanakollu, il-Partijiet jirrikonoxxu li ċerti sussidji għandhom il-potenzjal li joħolqu distorsjoni fil-funzjonament xieraq tas-swieq u jimminaw il-benefiċċji tal-liberalizzazzjoni kummerċjali u l-kompetizzjoni. Għalhekk, fil-prinċipju, Parti ma għandhiex tagħti sussidji jekk dawn jaffettwaw b'mod negattiv, jew x'aktarx jaffettwaw b'mod negattiv, il-kummerċ jew il-kompetizzjoni bejn il-Partijiet.

Artikolu 31.2

Definizzjoni u kamp ta' applikazzjoni

1. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, "sussidju" tfisser miżura li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-*Artikolu* 1.1 tal-Ftehim SCM, irrispettivament minn jekk tingħatax lil intrapriża li tforni oġġetti jew lil intrapriża li tipprovdi servizzi ([104]).

2. Dan il-Kapitolu japplika biss għal sussidji li huma speċifiċi f'konformità mal-*Artikolu* 2 tal-Ftehim SCM.

3. Dan il-Kapitolu japplika għas-sussidji lil kwalunkwe intrapriża, inklużi intrapriżi privati u pubbliċi.

4. Kull Parti għandha tiżgura li s-sussidji għall-intrapriżi fdati bl-operat ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali jkunu soġġetti għar-regoli stabbiliti f'dan il-Kapitolu, sa fejn l-applikazzjoni ta' dawk ir-regoli ma xxekkilx it-twettiq, fil-liġi jew fil-fatt, tal-kompiti partikolari li huma assenjati lil dawk l-intrapriżi. Il-kompiti assenjati għandhom ikunu trasparenti u kwalunkwe limitazzjoni għall-applikazzjoni tar-regoli stabbiliti f'dan il-Kapitolu jew devjazzjoni minnha ma għandhiex tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jitwettqu l-kompiti assenjati.

5. L-*Artikolu* 31.5 ma japplikax għal sussidji relatati mal-kummerċ ta' merkanzija koperta mill-Anness 1 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura.

6. L-Artikoli 31.5 u 31.6 ma japplikawx għas-settur awdjoviżiv.

([103]) Għall-Parti tal-UE, l-interlokutur huwa d-DĠ Kompetizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea.

([104]) Għal aktar ċertezza, dan l-*Artikolu* ma jippreġudikax l-eżitu ta' diskussjonijiet futuri fid-WTO jew f'fora plurilaterali relatati dwar id-definizzjoni ta' sussidji għas-servizzi.

7. L-Artikoli 31.5 u 31.6 ma japplikawx għal sussidji mogħtija biex jgħinu lill-popli indiġeni u l-komunitajiet tagħhom fl-iżvilupp ekonomiku tagħhom ([105]). Tali sussidji għandhom ikunu mmirati, proporzjonali u trasparenti.

8. L-Artikoli 31.5 u 31.6 ma japplikawx għal sussidji mogħtija biex jikkumpensaw għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali jew minn okkorrenzi eċċezzjonali oħra.

9. L-*Artikolu* 31.5 ma japplikax għal sussidji li jingħataw fuq bażi temporanja biex jirrispondu għal emerġenza ekonomika ([106]). Tali sussidji għandhom ikunu proporzjonali u mmirati sabiex jirrimedjaw dik l-emerġenza ekonomika.

10. Il-Kunsill Konġunt jista' jadotta deċiżjoni li temenda d-definizzjoni ta' "sussidju" fil-paragrafu 1 ta' dan l-*Artikolu* sa fejn tirrelata ma' intrapriżi li jipprovdu servizzi, bil-ħsieb li jiġi inkorporat l-eżitu ta' diskussjonijiet futuri fid-WTO jew fora plurilaterali relatati dwar dik il-kwistjoni, skont is-subparagrafu (a) tal-*Artikolu* 8.5 (1).

Artikolu 31.3

Relazzjoni mal-Ftehim tad-WTO

Dan il-Kapitolu japplika bla preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi ta' Parti skont l-*Artikolu* XV tal-GATS, l-*Artikolu* XVI tal-GATT 1994, il-Ftehim SCM u l-Ftehim dwar l-Agrikoltura.

Artikolu 31.4

Trasparenza

1. Fir-rigward ta' sussidju mogħti jew miżmum fit-territorju tagħha, kull Parti għandha tagħmel disponibbli l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-bażi ġuridika u l-iskop tas-sussidju;

(b) il-forma tas-sussidju;

(c) l-ammont tas-sussidju jew l-ammont ibbaġitjat għas-sussidju; u

(d) jekk ikun possibbli, l-isem tal-benefiċjarju tas-sussidju.

2. Parti għandha tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-*Artikolu* permezz ta':

(a) notifika skont l-*Artikolu* 25 tal-Ftehim SCM, dment li n-notifika jkun fiha l-informazzjoni kollha msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-*Artikolu* u tiġi pprovduta mill-inqas kull sentejn;

(b) notifika skont l-*Artikolu* 18 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura; jew

(c) il-pubblikazzjoni mill-Parti jew f'isimha fuq sit web aċċessibbli għall-pubbliku, sal-31 ta' Diċembru tas-sena kalendarja ta' wara s-sena li fiha jkun ingħata jew inżamm is-sussidju.

([105]) Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-popli indiġeni u l-komunitajiet tagħhom għandhom jinftiehmu bħala dawk definiti fil-liġijiet ta' kull Parti. Għall-Parti tal-UE, il-liġi tagħha tinkludi kemm il-liġi tal-Unjoni Ewropea kif ukoll il-liġi ta' kull wieħed mill-Istati Membri tagħha.

([106]) "Emerġenza ekonomika" għandha tinftiehem bħala avveniment ekonomiku li jikkawża disturb serju fl-ekonomija ta' Parti. Għall-Parti tal-UE, "l-ekonomija ta' Parti" għandha tinftiehem bħala l-ekonomija tal-Unjoni Ewropea jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha.

Artikolu 31.5

Konsultazzjonijiet

1. Jekk Parti tqis li sussidju mogħti mill-Parti l-oħra għandu jew jista' jkollu effett negattiv fuq l-interessi kummerċjali tagħha jew fuq il-kompetizzjoni, dik il-Parti (il-"Parti rikjedenti") tista' tesprimi t-tħassib tagħha bil-miktub lill-Parti l-oħra (il-"Parti rispondenti") u titlob konsultazzjonijiet dwar il-kwistjoni. Talba bħal din għandha tinkludi spjegazzjoni ta' kif is-sussidju għandu jew jista' jkollu effett negattiv fuq l-interessi kummerċjali tal-Parti rikjedenti jew fuq il-kompetizzjoni.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-Parti rikjedenti tista' titlob lill-Parti rispondenti l-informazzjoni li ġejja dwar is-sussidju:

(a) il-bażi ġuridika u l-objettiv tal-politika jew l-iskop tas-sussidju;

(b) il-forma tas-sussidju;

(c) id-dati u d-durata tas-sussidju u kwalunkwe terminu ieħor marbut miegħu;

(d) ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà tas-sussidju;

(e) l-ammont totali jew l-ammont annwali bbaġitjat għas-sussidju;

(f) jekk ikun possibbli, l-isem tal-benefiċjarju tas-sussidju; u

(g) kwalunkwe informazzjoni oħra li tippermetti valutazzjoni tal-effett negattiv tas-sussidju.

3. Il-Parti rispondenti għandha tipprovdi l-informazzjoni mitluba skont il-paragrafu 2 bil-miktub mhux aktar tard minn 60 jum wara d-data tar-riċevuta tat-talba.

4. Jekk il-Parti rispondenti ma tipprovdix, kompletament jew parzjalment, l-informazzjoni mitluba skont il-paragrafi 2 u 3, il-Parti rispondenti għandha tispjega r-raġunijiet għal dan bil-miktub.

5. Jekk, wara li tkun irċeviet l-informazzjoni mitluba u wara l-konsultazzjonijiet, il-Parti rikjedenti tqis li s-sussidju kkonċernat għandu jew jista' jkollu effett negattiv sinifikanti fuq l-interessi kummerċjali tagħha jew fuq il-kompetizzjoni, il-Parti rispondenti għandha tuża ħilitha kollha biex telimina jew timminimizza dak l-effett.

Artikolu 31.6

Sussidji suġġetti għal kondizzjonijiet

1. Meta tagħti s-sussidji li ġejjin, kull Parti għandha tapplika l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) fir-rigward ta' sussidji li permezz tagħhom gvern, direttament jew indirettament, ikun responsabbli biex jiggarantixxi djun jew obbligazzjonijiet ta' ċerti intrapriżi, li l-kopertura tad-djun jew tal-obbligazzjonijiet ma tkunx bla limitu fir-rigward tal-ammont ta' dawk id-djun jew l-obbligazzjonijiet, jew li d-durata tar-responsabbiltà tal-gvern ma tkunx bla limitu; u

(b) fir-rigward ta' sussidji lil intrapriżi insolventi jew f'diffikultà bħal self u garanziji, għotjiet fi flus kontanti, injezzjonijiet ta' kapital, provvediment ta' assi taħt il-prezzijiet tas-suq u eżenzjonijiet mit-taxxa b'durata ta' aktar minn sena, dment li jkun tħejja pjan ta' ristrutturar kredibbli li huwa bbażat fuq suppożizzjonijiet realistiċi bl-għan li jiġi żgurat ir-ritorn tal-intrapriżi insolventi jew f'diffikultà, fi żmien raġonevoli, għall-vijabbiltà fit-tul u li l-intrapriża, bl-eċċezzjoni ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, innifisha tikkontribwixxi għall-kostijiet tar-ristrutturar.

2. Is-subparagrafu b) tal-paragrafu 1 ma japplikax għal sussidji mogħtija lil intrapriżi bħala appoġġ temporanju ta' likwidità fil-forma ta' garanziji ta' self jew self limitat għall-ammont meħtieġ sempliċiment biex kumpanija f'diffikultà tinżamm fin-negozju għaż-żmien meħtieġ biex jiġi adottat pjan ta' ristrutturar jew ta' likwidazzjoni.

3. Dan l-*Artikolu* japplika biss għal sussidji li jaffettwaw b'mod negattiv il-kummerċ u l-kompetizzjoni tal-Parti l-oħra jew li x'aktarx jagħmlu dan.

4. Dan l-*Artikolu* ma japplikax għal sussidji:

(a) li jingħataw biex jiżguraw il-ħruġ ordnat mis-suq ta' kumpanija; jew

(b) li l-ammonti jew il-baġits kumulattivi tagħhom ikunu anqas minn SDR 170 000 għal kull intrapriża fuq perjodu ta' 3 snin konsekuttivi.

Artikolu 31.7

Użu ta' sussidji

Kull Parti għandha tiżgura li l-intrapriżi jużaw is-sussidji biss għall-objettiv ta' politika definit b'mod espliċitu li għalih dawk is-sussidji ġew mogħtija ([107]).

Artikolu 31.8

Nuqqas ta' applikazzjoni tas-soluzzjoni tat-tilwim

Il-Kapitolu 38 ma japplikax għall-*Artikolu* 31.5(5).

Artikolu 31.9

Kunfidenzjalità

1. Meta jiskambjaw l-informazzjoni skont dan il-Kapitolu, il-Partijiet għandhom jikkunsidraw il-limitazzjonijiet imposti mil-liġi rispettiva tagħhom dwar is-segretezza professjonali u kummerċjali u għandhom jiżguraw il-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali u ta' informazzjoni kunfidenzjali oħra.

2. Jekk Parti tikkomunika informazzjoni skont dan il-Kapitolu, il-Parti riċeventi għandha żżomm il-kunfidenzjalità ta' dik l-informazzjoni.

KAPITOLU 32

PROPRJETÀ INTELLETTWALI

TAQSIMA A

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 32.1

Objettivi

1. L-objettivi ta' dan il-Kapitolu huma li:

(a) jiffaċilita l-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u ta' servizzi innovattivi u kreattivi bejn il-Partijiet, filwaqt li jikkontribwixxi għal ekonomija aktar sostenibbli u inklużiva għall-Partijiet;

(b) jiffaċilita u jirregola l-kummerċ bejn il-Partijiet kif ukoll inaqqas id-distorsjonijiet u l-impedimenti għal dan il-kummerċ; u

(c) jikseb livell adegwat u effettiv ta' protezzjoni u ta' infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

([107]) Għal aktar ċertezza, meta Parti tkun waqqfet l-oqfsa leġiżlattivi u l-proċeduri amministrattivi xierqa għal dan il-għan, l-obbligu jitqies li ġie ssodisfat.

2. L-objettivi stabbiliti fl-*Artikolu* 7 tal-Ftehim TRIPS japplikaw għal dan il-Kapitolu, *mutatis mutandis*.

Artikolu 32.2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Kull Parti għandha tikkonforma mal-impenji tagħha skont it-trattati internazzjonali fil-qasam tal-proprjetà intellettwali li għalihom hija parti, inkluż il-Ftehim TRIPS.

2. Dan il-Kapitolu għandu jikkumplimenta u jispeċifika ulterjorment id-drittijiet u l-obbligi ta' kull Parti skont il-Ftehim TRIPS u trattati internazzjonali oħra fil-qasam tal-proprjetà intellettwali.

3. Xejn f'dan il-Kapitolu ma jipprevjeni lil Parti milli tapplika dispożizzjonijiet tal-liġi tagħha li jintroduċu standards ogħla għall-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, dment li dawk id-dispożizzjonijiet ikunu kompatibbli ma' dan il-Kapitolu. Kull Parti għandha tkun libera li tiddetermina l-metodu xieraq ta' implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu fi ħdan l-ordinament ġuridiku u l-prattika legali tagħha stess.

Artikolu 32.3

Prinċipji

1. Il-prinċipji stabbiliti fl-*Artikolu* 8 tal-Ftehim TRIPS japplikaw għal dan il-Kapitolu, *mutatis mutandis*.

2. Filwaqt li jqisu l-objettivi sottostanti tal-ordni pubbliku tal-ordinamenti domestiċi, il-Partijiet jagħrfu l-ħtieġa li jagħmlu dan li ġej permezz tas-sistemi tal-proprjetà intellettwali rispettivi tagħhom, filwaqt li jirrispettaw il-prinċipji ta' trasparenza, filwaqt li jqisu l-interessi tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi d-detenturi tad-drittijiet, l-utenti u l-pubbliku ġenerali:

(a) jippromwovu l-innovazzjoni u l-kreattività; u

(b) jiffaċilitaw id-diffużjoni tal-informazzjoni, tal-għarfien, tat-teknoloġija, tal-kultura u tal-arti.

Artikolu 32.4

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu u l-Annessi 32-A, 32-B u 32-C:

(a) "Konvenzjoni ta' Berna" tfisser il-Konvenzjoni ta' Berna għall-Protezzjoni ta' Xogħlijiet Letterarji u Artistiċi, magħmula f'Berna fid-9 ta' Settembru 1886, u kif emendata fit-28 ta' Settembru 1979;

(b) "proprjetà intellettwali" tfisser il-kategoriji kollha ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali li huma koperti mis-Sottotaqsimiet 1 sa 7 tat-Taqsima B ta' dan il-Kapitolu jew t-Taqsimiet 1 sa 7 tal-Parti II tal-Ftehim TRIPS; il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali tinkludi protezzjoni kontra l-kompetizzjoni inġusta skont l-*Artikolu* 10*bis* tal-Konvenzjoni ta' Pariġi;

(b) "Il-Konvenzjoni ta' Pariġi" tfisser il-Konvenzjoni ta' Pariġi għall-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali, tal-20 ta' Marzu 1883, kif riveduta l-aħħar fi Stokkolma fl-14 ta' Lulju 1967 u kif emendata fit-28 ta' Settembru 1979;

(c) "Il-Konvenzjoni ta' Ruma" tfisser il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Artisti, tal-Produtturi tal-Fonogrammi u tal-Organizzazzjonijiet tax-Xandir, magħmula f'Ruma fis-26 ta' Ottubru 1961; u

(d) "WIPO" tfisser l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali.

Artikolu 32.5

Trattament nazzjonali

1. Fir-rigward tal-kategoriji kollha tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali koperti minn dan il-Kapitolu, kull Parti għandha tagħti liċ-ċittadini tal-Parti l-oħra trattament mhux anqas favorevoli milli tagħti liċ-ċittadini tagħha stess fir-rigward tal-protezzjoni ([108]) tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, suġġett għall-eċċezzjonijiet diġà previsti, rispettivament, fil-Konvenzjoni ta' Pariġi, fil-Konvenzjoni ta' Berna, fil-Konvenzjoni ta' Ruma jew fit-Trattat dwar il-Proprjetà Intellettwali fir-Rigward taċ-Ċirkwiti Integrati, magħmula f'Washington fis-26 ta' Mejju 1989 u fit-Trattat WIPO dwar il-Prestazzjonijiet u l-Fonogrammi ("WPPT"), magħmul f'Ġinevra fl-20 ta' Diċembru 1996. Fir-rigward ta' artisti tal-ispettaklu, ta' produtturi tal-fonogrammi u ta' organizzazzjonijiet tax-xandir, dak l-obbligu japplika biss fir-rigward tad-drittijiet previsti skont dan il-Kapitolu.

2. Parti tista' tagħmel użu mill-eċċezzjonijiet permessi skont il-paragrafu 1 fir-rigward tal-proċeduri ġudizzjarji u amministrattivi tagħha, inkluż li tirrikjedi li ċittadin tal-Parti l-oħra jiddeżinja indirizz għan-notifika ta' proċess fit-territorju tagħha, jew li jqabbad aġent fit-territorju tagħha, dment li eċċezzjoni bħal din:

(a) tkun neċessarja sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tal-Parti kkonċernata li ma jkunux inkonsistenti ma' dan il-Kapitolu; u

(b) ma tkunx applikata b'mod li jkun jikkostitwixxi restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ.

3. Il-paragrafu 1 ma japplikax għal proċeduri previsti fi ftehimiet multilaterali konklużi taħt l-awspiċi tad-WIPO relatati mal-akkwist jew maż-żamma tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali.

Artikolu 32.6

Il-proprjetà intellettwali u s-saħħa pubblika

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tad-Dikjarazzjoni dwar il-Ftehim TRIPS u s-Saħħa Pubblika, adottata f'Doha fl-14 ta' Novembru 2001 mill-Konferenza Ministerjali tad-WTO (id-"Dikjarazzjoni ta' Doha"). Fl-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tad-drittijiet u l-obbligi skont dan il-Kapitolu, il-Partijiet għandhom jiżguraw konsistenza mad-Dikjarazzjoni ta' Doha.

2. Kull Parti għandha timplimenta l-*Artikolu* 31*bis* tal-Ftehim TRIPS, kif ukoll l-Anness u l-Appendiċi għal dak l-Anness, li daħal fis-seħħ fit-23 ta' Jannar 2017.

Artikolu 32.7

Eżawriment

Xejn f'din il-Parti ta' dan il-Ftehim ma jżomm Parti milli tiddetermina jekk l-eżawriment tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali japplikax taħt is-sistema legali tagħha jew taħt liema kundizzjonijiet japplika.

([108]) Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "protezzjoni" tinkludi materji li jaffetwaw id-disponibbilità, l-akkwiżizzjoni, il-kamp ta' applikazzjoni, iż-żamma u l-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intelletwali kif ukoll kwistjonijiet li jaffetwaw l-użu tad-drittijiet ta' proprjetà intelletwali indirizzati speċifikament f'dan il-Kapitolu. Barra minn hekk, għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "protezzjoni" tinkludi wkoll miżuri sabiex tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni ta' miżuri teknoloġiċi effettivi u ta' miżuri li jikkonċernaw informazzjoni dwar il-ġestjoni tad-drittijiet.

TAQSIMA B

Standards li jirrigwardaw id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali

Subtaqsima 1

Drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati

Artikolu 32.8

Ftehimiet internazzjonali

1. Kull Parti tafferma l-impenn tagħha lejn u għandha tikkonforma ma' dawn:

(a) il-Konvenzjoni ta' Berna;

(b) il-Konvenzjoni ta' Ruma;

(c) it-Trattat tal-WIPO dwar id-Drittijiet tal-Awtur ("WCT"), magħmul f'Ġinevra fl-20 ta' Diċembru 1996;

(d) id-WPPT; u

(e) it-Trattat ta' Marrakexx biex jiġi Ffaċilitat l-Aċċess għal Xogħlijiet Pubblikati għal Persuni Għomja, b'Diżabbiltà fil-Vista jew li b'xi mod ieħor għandhom Diffikultà biex Jaqraw Materjal Stampat, li sar f'Marrakesh fis-27 ta' Ġunju 2013.

2. Kull Parti għandha tagħmel l-isforzi raġonevoli kollha sabiex tirratifika jew taderixxi mat-Trattat ta' Bejġing dwar ir-Rappreżentazzjonijiet Awdjoviżivi, adottat f'Bejġing fl-24 ta' Ġunju 2012.

Artikolu 32.9

Awturi

Kull Parti għandha tipprovdi lill-awturi d-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu:

(a) ir-riproduzzjoni diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti, bi kwalunkwe mezz u fi kwalunkwe forma, sħiħa jew parzjali, tax-xogħlijiet tagħhom;

(b) kull forma ta' distribuzzjoni lill-pubbliku, permezz ta' bejgħ, jew xorta oħra, tal-oriġinal tax-xogħlijiet tagħhom jew ta' kopji tagħhom;

(c) kull komunikazzjoni lill-pubbliku ta' xogħlijiethom, b'mezz bil-fili jew mingħajr fili, inkluż li jagħmlu disponibbli lill-pubbliku xogħlijiethom b'mod li l-membri tal-pubbliku jkunu jistgħu jaċċessawhom minn post u f'ħin magħżul individwalment minnhom; u

(d) il-kiri kummerċjali lill-pubbliku ta' oriġinali jew ta' kopji tal-programmi tal-kompjuter jew tax-xogħlijiet ċinematografiċi tagħhom.

Artikolu 32.10

Artisti

Kull Parti għandha tipprovdi lill-artisti d-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu:

(a) ir-reġistrazzjoni ([109]) tal-ispettakli tagħhom;

(b) ir-riproduzzjoni diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti, bi kwalunkwe mezz u fi kwalunkwe forma, kompletament jew parzjalment, tal-iffissar tal-prestazzjonijiet tagħhom;

([109]) "Iffissar" tfisser l-inkorporazzjoni ta' ħsejjes, jew tar-rappreżentazzjonijiet tagħhom, li minnhom jistgħu jiġu perċepiti, riprodotti jew ikkomunikati permezz ta' apparat.

(c) id-distribuzzjoni għall-pubbliku, permezz ta' bejgħ jew b'xi mod ieħor, tar-reġistrazzjonijiet tal-ispettakli tagħhom;

(d) it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ta' reġistrazzjonijiet tal-ispettakli tagħhom, b'mezzi bil-fili jew mingħajr fili, b'tali mod li l-membri tal-pubbliku jkunu jistgħu jaċċessawhom minn post u f'ħin magħżul individwalment minnhom; u

(e) ix-xandir b'mezzi mingħajr fili u l-komunikazzjoni lill-pubbliku tal-ispettakli tagħhom, għajr meta l-ispettaklu nnifsu diġà jkun spettaklu mxandar jew ikun magħmul minn reġistrazzjoni.

Artikolu 32.11

Produtturi ta' fonogrammi

Kull Parti għandha tipprovdi lill-produtturi ta' fonogrammi d-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu:

(a) ir-riproduzzjoni diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti, bi kwalunkwe mezz u fi kwalunkwe forma, sħiħa jew parzjali, tal-fonogrammi tagħhom;

(b) id-distribuzzjoni lill-pubbliku, b'bejgħ jew trasferiment ieħor tas-sjieda, tal-fonogrammi tagħhom, inklużi kopji tagħhom;

(c) it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku tal-fonogrammi tagħhom, b'mezzi bil-fili jew mingħajr fili, b'tali mod li l-membri tal-pubbliku jkunu jistgħu jaċċessawhom minn post u f'ħin magħżul individwalment minnhom; u

(d) il-kiri kummerċjali tal-fonogrammi tagħhom lill-pubbliku.

Artikolu 32.12

Organizzazzjonijiet tax-xandir

Kull Parti għandha tipprovdi lill-organizzazzjonijiet tax-xandir id-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu:

(a) ir-reġistrazzjoni tax-xandiriet tagħhom trażmessi b'mezzi mingħajr fili;

(b) ir-riproduzzjoni diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti, b'kull mezz u f'kull forma, sħiħa jew parzjali, tar-reġistrazzjonijiet tax-xandiriet tagħhom trażmessi b'mezzi mingħajr fili; u

(c) ix-xandir mill-ġdid tax-xandiriet tagħhom b'mezzi mingħajr fili, kif ukoll il-komunikazzjoni lill-pubbliku [110] tax-xandiriet tagħhom jekk tali komunikazzjoni ssir f'postijiet aċċessibbli għall-pubbliku fuq pagament ta' tariffa għad-dħul.

Artikolu 32.13

Xandir u komunikazzjoni lill-pubbliku ta' fonogrammi ppubblikati għal skopijiet kummerċjali [111]

1. Kull Parti għandha tipprovdi dritt sabiex tiżgura li titħallas remunerazzjoni ekwa unika mill-utent lill-artisti u lill-produtturi ta' fonogrammi, jekk tintuża fonogramma ppubblikata għal skopijiet kummerċjali, jew riproduzzjoni ta' tali fonogramma, għax-xandir jew il-komunikazzjoni lill-pubbliku [112].

2. Kull Parti għandha tiżgura li r-remunerazzjoni ekwitabbli unika msemmija fil-paragrafu 1 tinqasam bejn l-artisti tal-ispettaklu u l-produtturi tal-fonogrammi rilevanti. Kull Parti tista' tippromulga leġiżlazzjoni li, fin-nuqqas ta' ftehim bejn l-artisti u l-produtturi tal-fonogrammi, tistabbilixxi t-termini li skont dawn l-artisti u l-produtturi tal-fonogrammi għandhom jaqsmu r-remunerazzjoni ekwitabbli unika.

([110]) Għal aktar ċertezza, xejn f'dan il-paragrafu ma jipprevjeni lil Parti milli tiddetermina l-kundizzjonijiet li taħthom dan id-dritt jista' jiġi eżerċitat, f'konformità mal-*Artikolu* 13(d) tal-Konvenzjoni ta' Ruma.

([111]) Kull Parti tista' tagħti drittijiet aktar estensivi, fir-rigward tax-xandir u tal-komunikazzjoni lill-pubbliku ta' fonogrammi ppubblikati għal skopijiet kummerċjali, lill-artisti tal-ispettaklu u lill-produtturi tal-fonogrammi.

([112]) Għall-finijiet ta' dan l-*Artikolu*, "komunikazzjoni lill-pubbliku" ma tinkludix it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ta' fonogrammi, b'mezzi bil-fili jew mingħajr fili, b'tali mod li l-membri tal-pubbliku jkunu jistgħu jaċċessaw il-fonogrammi minn post u f'ħin magħżul individwalment minnhom.

Artikolu 32.14

Perjodu ta' protezzjoni

1. Id-drittijiet ta' awtur ta' xogħol għandhom idumu għall-ħajja tal-awtur u għal mhux anqas minn 70 sena wara l-mewt tal-awtur, irrispettivament mid-data meta x-xogħol ikun legalment disponibbli għall-pubbliku ([113]).

2. Fil-każ ta' xogħol magħmul b'mod konġunt bejn iżjed minn awtur wieħed, il-perjodu ta' protezzjoni previst fil-paragrafu 1 għandu jiġi kkalkulat mill-mewt tal-aħħar awtur li jibqa' ħaj.

3. Fil-każ ta' xogħlijiet anonimi jew psewdonimi, il-perjodu ta' protezzjoni għandu jdum mhux inqas minn 70 sena wara li x-xogħol ikun sar legalment disponibbli għall-pubbliku. Madankollu, jekk il-psewdonimu adottat mill-awtur ma jħalli l-ebda dubju dwar l-identità tal-awtur, jew jekk l-awtur jiżvela l-identità tiegħu matul il-perjodu msemmi f'dan il-paragrafu, il-perjodu ta' protezzjoni applikabbli għandu jkun dak previst fil-paragrafu 1.

4. It-terminu ta' protezzjoni ta' xogħlijiet ċinematografiċi jew awdjoviżivi għandu jiskadi mhux inqas minn 70 sena wara d-data tal-mewt tal-aħħar awtur li jibqa' ħaj. Għandha tkun kwistjoni għal-liġijiet u r-regolamenti tal-Partijiet li jiddeterminaw il-persuni li għandhom jitqiesu bħala awturi ta' xogħol ċinematografiku jew awdjoviżiv.

5. Id-drittijiet tal-organizzazzjonijiet tax-xandir għandhom jiskadu 50 sena wara d-data tal-ewwel trażmissjoni ta' xandira.

6. Id-drittijiet tal-artisti għandhom jiskadu mhux inqas minn 50 sena wara d-data tar-reġistrazzjoni tal-ispettaklu; madankollu:

(a) jekk reġistrazzjoni tal-ispettaklu tiġi ppubblikata legalment jew, fejn previst minn Parti, ikkomunikata legalment lill-pubbliku fil-perjodu ta' 50 sena imsemmi f'dan il-paragrafu, il-perjodu ta' protezzjoni għandu jiġi kkalkolat mid-data tal-ewwel pubblikazzjoni bħal din jew, meta previst minn Parti, mill-ewwel komunikazzjoni bħal din lill-pubbliku; meta Parti tipprevedi ż-żewġ possibbiltajiet, il-perjodu ta' protezzjoni għandu jiġi kkalkolat mill-avveniment li jseħħ l-ewwel; u

(b) jekk reġistrazzjoni tal-ispettaklu f'fonogramma tiġi ppubblikata legalment jew, fejn previst minn Parti, ikkomunikata legalment lill-pubbliku fil-perjodu ta' 50 sena imsemmi f'dan il-paragrafu, il-perjodu ta' protezzjoni għandu jiskadi mhux inqas minn 70 sena wara d-data tal-ewwel pubblikazzjoni bħal din jew, fejn previst minn Parti, l-ewwel komunikazzjoni bħal din lill-pubbliku; meta Parti tipprevedi ż-żewġ possibbiltajiet, il-perjodu ta' protezzjoni għandu jiġi kkalkolat mill-avveniment li jseħħ l-ewwel.

7. Id-drittijiet tal-produtturi tal-fonogrammi għandhom jiskadu mhux anqas minn 50 sena wara li jsir l-iffissar. Madankollu, jekk il-fonogramma tiġi ppubblikata legalment jew, fejn previst minn Parti, ikkomunikata legalment lill-pubbliku f'dak il-perjodu, tali drittijiet għandhom jiskadu mhux inqas minn 70 sena wara d-data tal-ewwel pubblikazzjoni bħal din jew, fejn previst minn Parti, l-ewwel komunikazzjoni bħal din lill-pubbliku. Il-Partijiet jistgħu jadottaw jew iżommu miżuri effettivi sabiex jiġi żgurat li l-profitt iġġenerat tul l-20 sena ta' protezzjoni lil hinn mill-50 sena jinqasam ġustament bejn l-artisti u l-produtturi tal-fonogrammi.

Artikolu 32.15

Dritt ta' bejgħ mill-ġdid

1. Kull Parti għandha tipprovdi, għall-benefiċċju tal-awtur ta' xogħol oriġinali tal-arti grafika jew tal-plastik, "dritt ta' bejgħ mill-ġdid", li jiġi ddefinit bħala dritt inaljenabbli, li ma jistax jiġi rrinunzjat, lanqas minn qabel, sabiex jirċievi royalty ibbażata fuq il-prezz tal-bejgħ miksub għal kwalunkwe bejgħ mill-ġdid tax-xogħol, sussegwentement wara l-ewwel trasferiment tax-xogħol mill-awtur ([114]).

2. Id-dritt ta' bejgħ mill-ġdid imsemmi fil-paragrafu 1 għandu japplika għall-atti kollha ta' bejgħ mill-ġdid li jinvolvuprofessjonisti tas-suq tal-arti, bħal kmamar fejn jinbiegħu oġġetti bl-irkant, galleriji tal-arti u, b'mod ġenerali, kwalunkwe negozjanti tax-xogħlijiet tal-arti, bħala bejjiegħa, xerrejja jew intermedjarji.

3. Kull Parti tista' tipprovdi li d-dritt ta' bejgħ mill-ġdid imsemmi fil-paragrafu 1 ma japplikax għal atti ta' bejgħ mill-ġdid, jekk il-bejjiegħ ikun kiseb ix-xogħol direttament mill-awtur inqas minn 3 snin qabel dak il-bejgħ mill-ġdid u li fih il-prezz tal-bejgħ mill-ġdid ma jkunx jaqbeż ċertu ammont minimu.

([113]) JekkParti tipprovdi perjodu speċjali ta' protezzjoni f'każijiet fejn persuna ġuridika tiġi maħtura bħala d-detentur tad-dritt, il-perjodu ta' protezzjoni għandu jdum għal mhux anqas minn 70 sena wara li x-xogħol ikun sar legalment disponibbli għall-pubbliku.

([114]) Minkejja dan l-*Artikolu*, għaċ-Ċili l-ewwel paragrafu tal-*Artikolu* 36 tal-Liġi Nru 17.366 tat-28 ta' Awwissu 1970, kif emendat bil-Liġi Nru 21.045 tat-13 ta' Ottubru 2017 jista' jkompli japplika fir-rigward tal-kalkolu tar-royalties.

Artikolu 32.16

Immaniġġar kollettiv tad-drittijiet

1. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet rispettivi tagħhom ta' mmaniġġar kollettiv għall-finijiet li jrawmu d-disponibbiltà tax-xogħlijiet u ta' materjal protett ieħor fit-territorji tal-Partijiet u tat-trasferiment tad-dħul mid-drittijiet bejn l-organizzazzjonijiet rispettivi tagħhom ta' mmaniġġar kollettiv għall-użu ta' dawn ix-xogħlijiet jew ta' xogħlijiet protetti oħrajn.

2. Il-Partijiet għandhom jippromwovu t-trasparenza tal-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġar kollettiv, b'mod partikolari fir-rigward tad-dħul mid-drittijiet li jiġbru, tat-tnaqqis li japplikaw għad-dħul mid-drittijiet li jiġbru, tal-użu tad-dħul mid-drittijiet miġbur, tal-politika ta' distribuzzjoni u tar-repertorju tagħhom.

3. Kull Parti għandha tiżgura li organizzazzjonijiet ta' mmaniġġar kollettiv stabbiliti fit-territorju tagħha li jirrappreżentaw organizzazzjoni ta' mmaniġġar kollettiv oħra stabbilita fit-territorju tal-Parti l-oħra permezz ta' ftehim ta' rappreżentazzjoni jiġu mħeġġa jħallsu b'mod akkurat, regolari u diliġenti l-ammonti dovuti lill-organizzazzjoni ta' mmaniġġar kollettiv rappreżentata kif ukoll jipprovdu lill-organizzazzjoni ta' mmaniġġar kollettiv rappreżentata b'informazzjoni dwar l-ammont ta' dħul mid-drittijiet miġbur f'isimha u dwar kwalunkwe tnaqqis li jsir għal dak id-dħul mid-drittijiet.

Artikolu 32.17

Limitazzjonijiet u eċċezzjonijiet

Kull Parti għandha tipprevedi l-limitazzjonijiet jew l-eċċezzjonijiet għad-drittijiet stabbiliti fl-Artikoli 32.9 sa 32.13 biss f'ċerti każijiet speċjali li ma jmorrux kontra sfruttament normali tax-xogħol jew ta' affarijiet oħra u li ma jippreġudikawx b'mod mhux raġonevoli l-interessi leġittimi tad-detenturi tad-drittijiet.

Artikolu 32.18

Protezzjoni ta' miżuri teknoloġiċi

1. Kull Parti għandha tipprovdi protezzjoni legali adegwata kontra ċ-ċirkomvenzjoni ta' kwalunkwe miżura teknoloġika effettiva, li l-persuna kkonċernata twettaq bl-għarfien, jew b'bażi raġonevoli ta' għarfien, li l-persuna tkun qiegħda ssegwi dak l-objettiv.

2. Kull Parti għandha tipprovdi protezzjoni legali adegwata kontra l-manifattura, l-importazzjoni, id-distribuzzjoni, il-bejgħ, il-kiri, ir-reklamar għall-bejgħ jew għall-kiri, jew il-pussess għal skopijiet kummerċjali, ta' apparat, ta' prodotti jew ta' komponenti, jew il-provvista ta' servizzi li:

(a) jkunu promossi, reklamati jew kummerċjalizzati għall-iskop taċ-ċirkomvenzjoni ta' kwalunkwe miżura teknoloġika effettiva;

(b) ikollhom biss skop jew użu kummerċjali sinifikanti limitat ħlief li jevitaw kwalunkwe miżura teknoloġika effettiva; jew

(c) ikunu primarjament imfassla, magħmula, adattati jew imwettqa għall-iskop li jippermettu jew jiffaċilitaw iċ-ċirkomvenzjoni ta' kwalunkwe miżura teknoloġika effettiva.

3. Għall-finijiet ta' din is-Sub-Taqsima, "miżura teknoloġika" tfisser kwalunkwe teknoloġija, apparat jew komponent li, fil-proċess normali tat-tħaddim tiegħu, ikun imfassal sabiex jipprevjeni jew jillimita atti, fir-rigward ta' xogħlijiet jew ta' materjal ieħor ([115]), li ma jkunux awtorizzati mid-detentur tad-drittijiet ta' kwalunkwe dritt tal-awtur jew ta' dritt relatati, hekk kif previst mil-liġi ta' Parti. Miżuri teknoloġiċi għandhom jitqiesu li huma effettivi jekk l-użu ta' xogħol protett jew ta' materjal ieħor ikun kontrollat mid-detenturi tad-drittijiet permezz tal-applikazzjoni ta' kontroll fuq l-aċċess jew ta' proċess ta' protezzjoni, bħal kriptaġġ jew trasformazzjoni oħra tax-xogħol jew ta' materjal ieħor, jew ta' mekkaniżmu ta' kontroll ta' kkupjar li jilħaq l-objettiv ta' protezzjoni.

([115]) Għal aktar ċertezza, "xogħlijiet jew materjal ieħor" ma japplikax għal xogħlijiet jew materjal ieħor li għalihom ikun skada l-perjodu ta' protezzjoni.

4. Minkejja l-protezzjoni legali prevista fil-paragrafu 1 ta' dan l-*Artikolu*, fin-nuqqas ta' miżuri volontarji meħudin mid-detenturi tad-drittijiet, kull Parti tista' tieħu miżuri xierqa, kif ikun neċessarju, sabiex tiżgura li l-protezzjoni legali adegwata kontra ċ-ċirkomvenzjoni ta' miżuri teknoloġiċi effettivi prevista f'konformità ma' dan l-*Artikolu* ma tipprevjenix lill-benefiċjarji ta' eċċezzjonijiet jew ta' limitazzjonijiet previsti f'konformità mal-*Artikolu* 32.17 milli jgawdu tali eċċezzjonijiet jew limitazzjonijiet.

Artikolu 32.19

Obbligi relatati mal-informazzjoni dwar l-immaniġġar ta' drittijiet

1. Kull Parti għandha tipprovdi protezzjoni legali adegwata kontra kwalunkwe persuna li twettaq b'mod konxju u mingħajr awtorità, kwalunkwe wieħed mill-atti li ġejjin, jekk tali persuna tkun taf, jew ikollha raġunijiet raġonevoli sabiex tkun taf, li, billi tagħmel dan dik il-persuna tkun qiegħda twassal għal, tippermetti, tiffaċilita jew taħbi ksur ta' kwalunkwe dritt tal-awtur jew ta' drittijiet relatati kif previst fil-liġijiet ta' dik il-Parti:

(a) it-tneħħija jew tibdil ta' kwalunkwe informazzjoni elettronika dwar l-immaniġġar ta' drittijiet; u

(b) id-distribuzzjoni, l-importazzjoni għad-distribuzzjoni, ix-xandir, il-komunikazzjoni jew it-tpoġġija għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, ta' xogħlijiet jew ta' materjali oħrajn protetti skont din is-Sub-Taqsima, li minnhom tkun tneħħiet jew inbidlet mingħajr awtorizzazzjoni informazzjoni elettronika dwar l-immaniġġar tad-drittijiet.

2. Għall-finijiet ta' dan l-*Artikolu*, it-terminu "informazzjoni dwar l-immaniġġar ta' drittijiet" tfisser kwalunkwe informazzjoni pprovduta mid-detenturi tad-drittijiet li tidentifika x-xogħol jew materjal ieħor imsemmi f'dan l-*Artikolu*, l-awtur jew kwalunkwe detentur ieħor tad-drittijiet, jew informazzjoni dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tal-użu tax-xogħol jew ta' materjal ieħor, u kwalunkwe numru jew kodiċi li jirrappreżenta tali informazzjoni.

3. Il-paragrafu 2 japplika jekk kwalunkwe wieħed mill-elementi ta' informazzjoni msemmija f'dak il-paragrafu jkun assoċjat ma' kopja ta', jew jidher b'rabta mal-komunikazzjoni lill-pubbliku ta' xogħol jew ta' materjal ieħor imsemmi f'dan l-*Artikolu*.

Subtaqsima 2

Trademarks

Artikolu 32.20

Ftehimiet internazzjonali

Kull Parti għandha:

(a) tikkonforma mal-Protokoll dwar il-Ftehim ta' Madrid dwar ir-Reġistrazzjoni Internazzjonali tal-Marki, adottat f'Madrid fis-27 ta' Ġunju 1989, kif emendat fit-12 ta' Novembru 2007;

(b) tikkonforma mat-Tratta dwar il-Liġi tat-Trademarks, magħmul f'Ġinevra fis-27 ta' Ottubru 1994 u mal-Ftehim ta' Nizza dwar il-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Prodotti u s-Servizzi għall-Finijiet tar-Reġistrazzjoni tal-Marki tal-15 ta' Ġunju 1957, kif emendat fit-28 ta' Settembru 1979; u

(c) tagħmel l-isforzi raġonevoli kollha sabiex taderixxi mat-Trattat ta' Singapore dwar il-Liġi tat-Trademarks, magħmul f'Singapore fis-27 ta' Marzu 2006.

Artikolu 32.21

Drittijiet konferiti minn trademark

Kull Parti għandha tipprevedi li s-sid ta' trademark reġistrata għandu d-dritt esklużiv li jimpedixxi lil terzi persuni li ma jkollhomx il-kunsens tas-sid milli jużaw, fl-eżerċizzju tal-kummerċ, sinjali identiċi jew simili għal dawk li għalihom it-trademark tkun reġistrata, fejn użu bħal dan ikun iwassal għal probabbiltà ta' konfużjoni. F'każ li jintuża sinjal identiku għal oġġetti jew servizzi identiċi, għandha tiġi preżunta l-probabbilità ta' konfużjoni.

Artikolu 32.22

Proċedura tar-reġistrazzjoni

1. Kull Parti għandha tipprevedi sistema għar-reġistrazzjoni tat-trademarks li fiha kull deċiżjoni negattiva finali, meħuda mill-amministrazzjoni tat-trademarks rilevanti, inkluż ir-rifjut parzjali tar-reġistrazzjoni, għandha tiġi debitament motivata u kkomunikata bil-miktub lill-parti rilevanti.

2. Kull Parti għandha tipprevedi l-possibbiltà li partijiet terzi jopponu l-applikazzjonijiet għal trademarks jew, meta jkun xieraq skont il-liġi tagħha, ir-reġistrazzjonijiet ta' trademarks. Tali proċedimenti ta' oppożizzjoni għandhom ikunu kontenzjużi.

3. Kull Parti għandha tipprevedi bażi tad-*data* elettronika li tkun disponibbli pubblikament tal-applikazzjonijiet għal trademarks u tar-reġistrazzjonijiet tat-trademarks.

Artikolu 32.23

Trademarks magħrufin

Għall-finijiet li jingħata effett lill-protezzjoni ta' trademarks magħrufa sew, kif imsemmi fl-*Artikolu 6bis* tal-Konvenzjoni ta' Pariġi u l-*Artikolu* 16(2) u (3) tal-Ftehim TRIPS, il-Partijiet jaffermaw l-importanza tar-Rakkomandazzjoni Konġunta dwar Dispożizzjonijiet dwar il-Protezzjoni ta' Marki Magħrufa sew, adottata mill-Assemblea tal-Unjoni ta' Pariġi għall-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali u l-Assemblea Ġenerali tal-WIPO fir-Raba' Sensiela ta' Laqgħat tal-Assemblej tal-Istati Membri tal-WIPO mill-20 sad-29 ta' Settembru 1999.

Artikolu 32.24

Eċċezzjonijiet għad-drittijiet mogħtijin minn trademark

1. Kull Parti:

(a) għandha tipprevedi l-użu ġust ta' termini deskrittivi bħala eċċezzjoni limitata għad-drittijiet mogħtija mit-trademarks; u

(b) tista' tipprevedi eċċezzjonijiet limitati oħra.

2. Il-paragrafu 1 japplika sakemm l-eċċezzjonijiet iqisu l-interessi leġittimi tas-sidien tat-trademarks u ta' partijiet terzi.

3. It-trademark ma għandhiex tagħti d-dritt lill-proprjetarju sabiex jipprojbixxi lil parti terza milli tuża dawn li ġejjin fl-eżerċizzju ta' attività kummerċjali:

(a) isimha stess jew l-indirizz tagħha;

(b) indikazzjonijiet relatati mat-tip, mal-kwalità, mal-kwantità, mal-għan maħsub, mal-valur, mal-oriġini ġeografika, maż-żmien tal-produzzjoni tal-oġġetti jew tal-għoti tas-servizz, jew xi karatteristika oħra ta' oġġetti jew ta' servizzi; jew

(c) it-trademark, meta jkun neċessarju li jiġi indikat l-għan maħsub ta' merkanzija jew ta' servizz, b'mod partikolari fir-rigward ta' aċċessorji jew ta' spare parts.

4. Il-paragrafu 3 japplika meta l-użu li jsir mill-parti terza jkun f'konformità mal-prattiki onesti fi kwistjonijiet industrijali jew kummerċjali ([116]).

5. Parti tista' tipprevedi li t-trademark ma għandhiex tintitola lill-proprjetarju sabiex jipprojbixxi lil parti terza milli tuża, matul attivitajiet kummerċjali, dritt preċedenti li japplika biss f'lokalità partikolari jekk dak id-dritt ikun rikonoxxut mil-liġi ta' dik il-Parti u jintuża fil-limiti tat-territorju li fih ikun rikonoxxut.

([116]) Alternattivament, Parti tista' tagħmel dan l-użu suġġett li huwa ma jkunx qarrieqi jew joħloq konfużjoni fost il-parti rilevanti tal-pubbliku.

Artikolu 32.25

Raġunijiet għar-revoka

1. Kull Parti għandha tipprovdi li trademark għandha tkun suġġetta għal revoka jekk, f'perjodu kontinwu ta' 5 snin, ma tkunx intużat ġenwinament fit-territorju rilevanti b'konnessjoni mal-prodotti jew is-servizzi li għalihom tkun irreġistrata, u ma jkun hemm l-ebda raġuni valida għan-nuqqas ta' użu. Madankollu, Parti tista' tipprevedi li l-ebda persuna ma għandha titlob li d-drittijiet tal-proprjetarju fi trademark għandhom jiġu rrevokati meta, matul l-intervall bejn l-iskadenza tal-perjodu kontinwu ta' 5 snin u meta tiġi ppreżentata l-applikazzjoni għar-revoka, jibda jew ikompli l-użu ġenwin tat-trademark. Madankollu, il-bidu jew l-issoktar tal-użu f'perjodu ta' tliet xhur qabel il-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għar-revoka, li jkun beda l-aktar kmien mal-iskadenza tal-perjodu kontinwu ta' 5 snin tan-nuqqas ta' użu, għandu jiġi injorat jekk it-tħejjijiet għall-bidu jew għall-issoktar ikunu seħħew biss wara li l-proprjetarju jkun sar konxju li tista' tiġi ppreżentata l-applikazzjoni għar-revoka.

2. Trademark għandha tkun soġġetta għal revoka wkoll jekk, wara d-data li fiha tkun ġiet irreġistrata bħala konsegwenza ta' atti jew inattività tal-proprjetarju, hija tkun saret l-isem komuni fil-kummerċ għal oġġett jew servizz li fir-rigward tiegħu hija rreġistrata ([117]).

Artikolu 32.26

Applikazzjonijiet mala fide

Trademark għandha tkun tista' tiġi ddikjarata invalida meta l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trademark tkun saret in mala fide mill-applikant. Kull Parti tista' tipprovdi wkoll li tali trademark ma għandhiex tiġi rreġistrata.

Subtaqsima 3

Disinji ([118])

Artikolu 32.27

Ftehimiet internazzjonali

Kull Parti għandha tagħmel kull sforz raġonevoli biex taderixxi mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim tal-Aja dwar ir-Reġistrazzjoni Internazzjonali tad-Disinji Industrijali, adottat f'Ġinevra fit-2 ta' Lulju 1999.

Artikolu 32.28

Protezzjoni ta' disinji rreġistrati ([119])

1. Kull Parti għandha tipprevedi l-protezzjoni ta' disinji maħluqa indipendentement li huma ġodda jew oriġinali ([120]). Dik il-protezzjoni għandha tiġi pprovduta permezz ta' reġistrazzjoni u għandha tagħti dritt esklużiv lid-detentur tiegħu f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-*Artikolu*.

2. Detentur ta' disinn reġistrat għandu jkollu d-dritt li jpprevjeni lil partijiet terzi li ma jkollhomx il-kunsens tad-detentur, tal-anqas milli jagħmlu, ibigħu, jimportaw, jew jesportaw il-prodott li jġorr jew li jinkorpora d-disinn protett, meta dawn l-atti jsiru għal skopijiet kummerċjali, jippreġudikaw b'mod mhux ġustifikat l-użu normali tad-disinn, jew ma jkunux kompatibbli mal-prattika tal-kummerċ ġust.

([117]) Trademark tista' wkoll tkun soġġetta għal revoka jekk, wara d-data li fiha tkun ġiet irreġistrata, bħala konsegwenza tal-użu li jsir minnha mill-proprjetarju tat-trademark jew bil-kunsens tiegħu fir-rigward tal-oġġetti jew tas-servizzi li għalihom tkun ġiet irreġistrata, hija tkun tista' tqarraq bil-pubbliku, partikolarment fir-rigward tan-natura, tal-kwalità jew tal-oriġini ġeografika ta' dawk l-oġġetti jew servizzi.

([118]) Ir-referenzi f'dan il-Kapitolu għad-disinji għandhom jinqraw bħala referenzi għad-disinji industrijali rreġistrati.

([119]) L-Unjoni tagħti wkoll protezzjoni lid-disinn mhux irreġistrat meta jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 tat-12 ta' Diċembru 2001 dwar id-disinji Komunitarji (ĠU UE L 3, 5.1.2002, p. 1).

([120]) Parti tista' tipprevedi fil-liġijiet tagħha li jista' jkun meħtieġ ukoll karattru individwali ta' disinji. Il-Parti tal-UE tqis li disinn ikollu karattru individwali jekk l-impressjoni ġenerali li jipproduċi fuq l-utent infurmat tkun differenti mill-impressjoni ġenerali prodotta fuq tali utent minn kwalunkwe disinn li jkun sar disponibbli għall-pubbliku.

3. Disinn li jiġi applikat jew inkorporat fi prodott li jikkostitwixxi parti komponenti ta' prodott kumpless jiġi kkunsidrat biss li jkun ġdid u oriġinali:

(a) jekk il-parti komponenti, ladarba tkun ġiet inkorporata fil-prodott kumpless, tibqa' tidher matul l-użu normali tal-prodott kumpless, u

(b) sa fejn dawk il-karatteristiċi viżibbli tal-parti komponenti msemmija fis-subparagrafu (a) jwettqu fihom infushom ir-rekwiżit tan-novità jew l-oriġinalità.

4. Għall-finijiet tas-subparagrafu (a) tal-paragrafu 3, "użu normali" jfisser l-użu mill-utent finali, esklużi xogħol ta' manutenzjoni, ta' servizzjar jew ta' tiswija.

Artikolu 32.29

Durata tal-protezzjoni

Id-durata tal-protezzjoni disponibbli għandha tammonta għal 15-il sena mid-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni.

Artikolu 32.30

Eċċezzjonijiet u esklużjonijiet

1. Kull Parti tista' tipprovdi eċċezzjonijiet limitati għall-protezzjoni tad-disinji, dment li tali eċċezzjonijiet ma jkunux f'kunflitt mhux raġonevoli mal-użu normali tad-disinji protetti, u ma jippreġudikawx b'mod mhux raġonevoli l-interessi leġittimi tad-detentur tad-disinn protett, filwaqt li jitqiesu l-interessi leġittimi ta' partijiet terzi.

2. Il-protezzjoni tad-disinji ma għandhiex testendi għal disinji li huma ddettati essenzjalment minn konsiderazzjonijiet tekniċi jew funzjonali.

3. Disinn ma għandux jeżisti fil-karatteristiċi tad-dehra ta' prodott li bilfors ikollhom jiġu riprodotti fl-għamla u fil-qisien eżatti tagħhom sabiex jippermettu li l-prodott li fih ikun inkorporat id-disinn jew li għalih issir l-applikazzjoni jiġi konness ma' prodott ieħor jew imdaħħal fih, madwaru jew miegħu b'tali mod li wieħed miż-żewġ prodotti jkun jista' jwettaq il-funzjoni tiegħu stess.

4. B'deroga mill-paragrafu 3, disinn jista' jibqa' f'disinn li jkollu l-iskop li jippermetti l-assemblaġġ multiplu jew il-konnessjoni ta' prodotti interkambjabbli b'mod reċiproku f'sistema modulari.

Artikolu 32.31

Relazzjoni mad-dritt tal-awtur

Disinn għandu jkun eliġibbli wkoll għal protezzjoni skont il-liġi tad-drittijiet tal-awtur ta' Parti mid-data li fiha d-disinn jiġi maħluq jew iffissat fi kwalunkwe forma. Kull Parti għandha tiddetermina sa liema punt, u l-kundizzjonijiet li fihom, tingħata t-tali protezzjoni, inkluż il-livell ta' oriġinalità meħtieġ.

Subtaqsima 4

Indikazzjonijiet ġeografiċi

Artikolu 32.32

Definizzjoni u kamp ta' applikazzjoni

1. Għall-finijiet ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim, "indikazzjoni ġeografika" tfisser indikazzjoni li tidentifika prodott bħala li joriġina fit-territorju ta' Parti, jew reġjun jew lokalità fit-territorju tagħha, fejn kwalità, reputazzjoni jew karatteristika oħra partikolari tal-prodott tkun essenzjalment attribwibbli għall-oriġini ġeografika tiegħu.

2. Din is-Sub-Taqsima tapplika għall-indikazzjonijiet ġeografiċi, li jidentifikaw il-prodotti elenkati fl-Anness 32-C.

3. Il-Partijiet jaqblu li jikkunsidraw, wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi koperti minn din is-Sub-Taqsima għal tipi oħra ta' prodotti ta' indikazzjonijiet ġeografiċi mhux koperti mill-paragrafu 2, u b'mod partikolari l-artiġjanat, billi jqisu l-iżviluppi leġiżlattivi tal-Partijiet.

4. Parti għandha tipproteġi l-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Parti l-oħra, f'konformità ma' din is-Sub-Taqsima, dment li dawk l-indikazzjonijiet ġeografiċi jkunu protetti bħala tali fil-pajjiż tal-oriġini.

Artikolu 32.33

Lista ta' indikazzjonijiet ġeografiċi

Kull Parti, wara li tkun eżaminat kemm il-leġiżlazzjoni tal-Parti l-oħra msemmija fl-Anness 32-A kif ukoll l-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Parti l-oħra elenkati fl-Anness 32-C, u wara li tkun lestiet miżuri ta' pubbliċità xierqa, f'konformità mal-liġijiet u l-prattiki tagħha, għandha tipproteġi l-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Parti l-oħra elenkati fl-Anness 32-C, f'konformità mal-livell ta' protezzjoni stabbilit f'din is-Sub-Taqsima.

Artikolu 32.34

Emenda tal-lista ta' indikazzjonijiet ġeografiċi

1. Il-Partijiet jaqblu dwar il-possibbiltà li jemendaw il-lista tal-indikazzjonijiet ġeografiċi fl-Anness32-C skont l-*Artikolu* 32.40(1). Kwalunkwe żieda minn Parti għal-lista tagħha ta' indikazzjonijiet ġeografiċi fl-Anness 32-C ma għandhiex taqbeż il-45 indikazzjoni ġeografika kull 3 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Il-Partijiet għandhom iżidu indikazzjonijiet ġeografiċi ġodda wara t-tlestija tal-proċedura ta' oppożizzjoni f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Anness 32-B u wara li jkunu eżaminaw l-indikazzjonijiet ġeografiċi, għas-sodisfazzjon taż-żewġ Partijiet.

2. Meta emenda tal-lista ta' indikazzjonijiet ġeografiċi fl-Anness 32-C tikkonċerna bidla minuri relatata mal-ortografija ta' indikazzjoni ġeografika elenkata jew ir-referenza għad-denominazzjoni taż-żona ġeografika li għaliha hija attribwibbli, tapplika l-proċedura msemmija fl-*Artikolu* 32.40(4).

3. Kwalunkwe żieda jew bidla ta' indikazzjoni ġeografika skont il-paragrafi 1 jew 2 għandha ssir b'kunsens reċiproku tal-Partijiet.

Artikolu 32.35

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi

1. L-indikazzjonijiet ġeografiċi elenkati fl-Anness 32-C, kif ukoll dawk miżjuda skont l-*Artikolu* 32.34, għandhom jiġu protetti kontra:

(a) kwalunkwe użu kummerċjali tal-indikazzjoni ġeografika, għal prodott li huwa l-istess tip ta' prodott u li:

(i) ma joriġinax fil-post tal-oriġini speċifikat fl-Anness 32-C għal dik l-indikazzjoni ġeografika; jew

(ii) joriġina fil-post tal-oriġini speċifikat fl-Anness 32-C għal dik l-indikazzjoni ġeografika, iżda li ma kienx prodott jew immanifatturat f'konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott tal-isem protett, anki meta l-isem ikun akkumpanjat minn termini bħal "tip", "stil", "imitazzjoni", "togħma", jew espressjonijiet oħra simili;

(b) l-użu ta' kwalunkwe mezz fid-dežinjazzjoni jew fil-preżentazzjoni ta' prodott li jindika jew jissuġġerixxi li l-prodott inkwistjoni joriġina minn żona ġeografika oħra għajr il-post veru tal-oriġini, b'mod li jissogra li jqarraq bil-pubbliku fir-rigward tal-oriġini ġeografika tal-prodott;

(c) kwalunkwe użu li jikkostitwixxi att ta' kompetizzjoni inġusta fis-sens tal-*Artikolu* 10*bis* tal-Konvenzjoni ta' Pariġi, inkluż l-isfruttament tar-reputazzjoni ta' indikazzjoni ġeografika jew kwalunkwe indikazzjoni falza jew qarrieqa dwar il-provenjenza, l-oriġini, in-natura jew il-kwalitajiet essenzjali tal-prodott, fuq l-imballaġġ ta' ġewwa jew ta' barra, il-materjal ta' reklamar, jew id-dokumenti relatati mal-oġġetti nfushom, u kwalunkwe prattika li tista' tqarraq bil-konsumatur dwar l-oriġini vera tal-prodott.

2. L-inidikazzjonijiet ġeografiċi protetti ma għandhomx isiru ġeneriċi fit-territorji tal-Partijiet.

3. Ma għandu jkun hemm l-ebda obbligu, skont din is-Sub-Taqsima, ta' protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi li ma humiex, jew li ma jibqgħux, protetti fit-territorju tal-oriġini tagħhom.

4. Parti ma għandhiex tipprekludi l-possibbiltà li l-protezzjoni jew ir-rikonoxximent ta' indikazzjoni ġeografika tista' tiġi kkanċellata mill-awtoritajiet kompetenti fit-territorju tal-oriġini tagħha fuq il-bażi li t-terminu protett jew rikonoxxut ikun waqaf jissodisfa l-kundizzjonijiet li fuqhom il-protezzjoni jew ir-rikonoxximent kien oriġinarjament mogħti fit-territorju tal-oriġini tiegħu.

5. Kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra jekk indikazzjoni ġeografika ma tibqax tkun protetta fit-territorju tal-oriġini tagħha. Tali notifika għandha ssir f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fl-*Artikolu* 32.40.

6. Xejn f'din is-Sub-Taqsima ma għandu jippreġudika d-dritt ta' kwalunkwe persuna li tuża, waqt il-kummerċ, l-isem ta' dik il-persuna jew l-isem tal-predeċessur ta' dik il-persuna fin-negozju, ħlief jekk tali isem jintuża bl-iskop li jqarraq bil-pubbliku.

7. Il-protezzjoni pprovduta skont din is-Sub-Taqsima għandha tapplika għat-traduzzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi elenkati fl-Anness 32-C, jekk l-użu ta' tali traduzzjoni jirriskja li jqarraq bil-pubbliku.

8. Jekk traduzzjoni ta' indikazzjoni ġeografika tkun identika għal, jew ikun fiha, termini ġeneriċi jew deskrittivi, inklużi nomi u aġġettivi, jew termini li huma użati b'mod konswetudinarju fil-lingwaġġ komuni bħala l-isem komuni għal prodott fit-territorju ta' Parti, jew jekk indikazzjoni ġeografika ma tkunx identika iżda tkun tinkludi terminu bħal dan, id-dispożizzjonijiet ta' din is-Sub-Taqsima ma għandhomx jippreġudikaw id-dritt ta' kwalunkwe persuna li tuża dak it-terminu f'assoċjazzjoni ma' dak il-prodott.

9. Il-protezzjoni prevista f'din is-Sub-Taqsima ma tapplikax għal komponent individwali ta' terminu b'komponenti multipli li huwa protett bħala indikazzjoni ġeografika elenkata fl-Appendiċi 32-C-1, jekk il-komponent individwali ([121]) jkun terminu li jintuża b'mod konswetudinarju fil-lingwa komuni bħala l-isem komuni għall-prodott assoċjat.

10. Xejn f'din is-Sub-Taqsima ma għandu jipprevjeni l-użu, fit-territorju ta' Parti, fir-rigward ta' kwalunkwe prodott, ta' isem ta' varjetà ta' pjanta jew ta' razza ta' annimali ([122]).

11. Għal indikazzjonijiet ġeografiċi ġodda li Parti jkollha l-intenzjoni li żżid f'konformità mal-*Artikolu* 32.34, xejn ma għandu jirrikjedi li Parti tipproteġi indikazzjoni ġeografika li tkun identika għat-terminu li jintuża b'mod konswetudinarju fil-lingwa komuni bħala l-isem komuni għall-prodott assoċjat fit-territorju ta' dik il-Parti ([123]).

Artikolu 32.36

Dritt ta' użu tal-indikazzjonijiet ġeografiċi

1. Isem protett skont din is-Sub-Taqsima bħala indikazzjoni ġeografika jista' jintuża minn kwalunkwe operatur li jikkummerċjalizza prodott li jkun konformi mal-ispeċifikazzjoni korrispondenti.

2. Isem protett skont din is-Sub-Taqsima bħala indikazzjoni ġeografika ma għandux ikun soġġett għall-ebda reġistrazzjoni tal-utenti, jew għal imposti ulterjuri.

([121]) Kif stabbilit fl-Appendiċi 32-C-1, li fih termini li għalihom ma tkunx qed tintalab protezzjoni.

([122]) In-noti ta' spjegazzjoni fl-Anness 32-C jiddefinixxu l-varjetajiet tal-pjanti u r-razez tal-annimali li l-użu tagħhom ma għandux jiġi evitat.

([123]) Meta Parti, fid-determinazzjoni dwar jekk iżżidx indikazzjoni ġeografika ġdida, tiddetermina jekk terminu huwiex it-terminu abitwali fil-lingwaġġ komuni bħala l-isem komuni għall-oġġett rilevanti fit-territorju tagħha, l-awtoritajiet ta' Parti għandu jkollhom l-awtorità li jqisu kif il-konsumaturi jifhmu t-terminu fit-territorju ta' dik il-Parti. Il-fatturi rilevanti għal tali fehim tal-konsumatur jistgħu jinkludu: (a) jekk it-terminu jintużax biex jirreferi għat-tip ta' prodott inkwistjoni, kif indikat minn sorsi kompetenti bħal dizzjunarji, gazzetti u siti web rilevanti; jew (b) kif il-prodott imsemmi mit-terminu jiġi kkummerċjalizzat u użat fil-kummerċ fit-territorju ta' dik il-Parti.

Artikolu 32.37

Relazzjoni bejn it-tademarks u l-indikazzjonijiet ġeografiċi

1. Il-partijiet għandhom jirrifjutaw li jirreġistraw trademark li l-użu tagħha jikser l-*Artikolu* 32.35 u li tkun relatata mal-istess tip ta' prodott bħall-indikazzjoni ġeografika, dment li l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' tali trademark tiġi ppreżentata wara d-data tal-applikazzjoni għall-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika fit-territorju tal-Parti kkonċernata.

2. It-trademarks irreġistrati bi ksur tal-paragrafu 1 għandhom jiġu invalidati, *ex officio* jew fuq talba ta' parti interessata, f'konformità mal-liġi u l-prattika tal-Partijiet.

3. Għall-indikazzjonijiet ġeografiċi msemmija fl-*Artikolu* 32.33, id-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-protezzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandha tkun l-1 ta' Novembru 2022.

4. Għall-indikazzjonijiet ġeografiċi miżjuda mal-Anness 32-C f'konformità mal-*Artikolu* 32.34, id-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-protezzjoni għandha tkun id-data tat-trażmissjoni ta' talba lill-Parti l-oħra biex tipproteġi indikazzjoni ġeografika suġġetta għall-konklużjoni b'suċċess tal-proċess biex tiġi emendata l-lista ta' indikazzjonijiet ġeografiċi protetti msemmija fl-*Artikolu* 32.34.

5. Il-Partijiet għandhom jipproteġu l-indikazzjonijiet ġeografiċi wkoll jekk teżisti trademark preċedenti. Trademark preċedenti rreġistrata *bona fide* tista' tiġġedded u tista' tkun soġġetta għal varjazzjonijiet li jeħtieġu l-preżentazzjoni ta' applikazzjoni ġdida għat-trademark, sakemm dawk il-varjazzjonijiet ma jfixklux il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u ma jkun hemm l-ebda raġuni għall-invalidazzjoni tat-trademark skont il-liġi tal-Partijiet.

6. Għall-finijiet tal-paragrafu 5 ta' dan l-*Artikolu*, "trademark preċedenti" tfisser trademark li l-użu tagħha jikser l-*Artikolu* 32.35, li għaliha tkun saret applikazzjoni għar-reġistrazzjoni jew li tkun ġiet stabbilita bl-użu jekk dik il-possibbiltà tkun prevista mil-leġiżlazzjoni kkonċernata, *in bona fede* fit-territorju ta' Parti qabel id-data li fiha l-applikazzjoni għall-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika tiġi ppreżentata mill-Parti l-oħra skont din il-Parti ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 32.38

Infurzar tal-protezzjoni

Kull Parti għandha tinforza l-protezzjoni prevista fl-Artikoli 32.35, 32.36 u 32.37 permezz ta' azzjoni amministrattiva fuq talba ta' parti interessata. Kull Parti għandha tipprevedi, fil-liġi u l-prattika tagħha, passi amministrattivi u ġudizzjarji addizzjonali biex tipprevjeni jew twaqqaf l-użu illegali ta' indikazzjonijiet ġeografiċi protetti.

Artikolu 32.39

Regoli ġenerali

1. Parti ma għandhiex tkun meħtieġa tipproteġi isem bħala indikazzjoni ġeografika skont din is-Sub-Taqsima jekk dak l-isem ikun f'kunflitt mal-isem ta' varjetà ta' pjanta jew ta' razza ta' annimali u, b'riżultat ta' dan, x'aktarx li tqarraq bil-konsumatur dwar l-oriġini vera tal-prodott.

2. Jekk l-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Partijiet ikunu omonima, il-protezzjoni għandha tingħata minn Parti għal kull indikazzjoni ġeografika tal-Parti l-oħra, sakemm ikun hemm distinzjoni suffiċjenti fil-prattika bejn il-kundizzjonijiet tal-użu u l-preżentazzjoni tal-ismijiet sabiex il-konsumatur ma jiġix mqarraq.

3. Jekk Parti, fil-kuntest ta' negozjati bilaterali ma' pajjiż terz, tipproponi li tipproteġi indikazzjoni ġeografika ta' dak il-pajjiż terz li jkun omonimat b'indikazzjoni ġeografika tal-Parti l-oħra, hija għandha tinforma lill-Parti l-oħra, li għandha tingħata l-opportunità li tikkummenta qabel ma tiġi protetta dik l-indikazzjoni ġeografika.

4. L-importazzjoni, l-esportazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti li jikkorrispondu għall-indikazzjonijiet ġeografiċi elenkati fl-Anness 32-C għandhom jitwettqu f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli fit-territorju tal-Parti fejn il-prodotti jitqiegħdu fis-suq.

5. Kwalunkwe kwistjoni li tirriżulta mill-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott ta' indikazzjonijiet ġeografiċi protetti għandha tiġi ttrattata fis-Sottokumitat imsemmi fl-*Artikolu* 32.40.

6. L-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti skont din is-Sub-Taqsima jistgħu jiġu kkanċellati biss mill-Parti li fiha joriġina l-prodott. Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra jekk indikazzjoni ġeografika elenkata fl-Anness 32-C ma tibqax protetta fit-territorju tagħha. Wara tali notifika, l-Anness 32-C għandu jiġi emendat skont l-*Artikolu* 32.40(3).

7. Speċifikazzjoni tal-prodott imsemmija f'din is-Sub-Taqsima għandha tkun dik approvata, inkluża kwalunkwe emenda li wkoll tkun ġiet approvata, mill-awtoritajiet tal-Parti fit-territorju minn fejn joriġina l-prodott.

Artikolu 32.40

Is-Sottokumitat, il-kooperazzjoni u t-trasparenza

1. Għall-finijiet ta' din is-Sub-Taqsima, is-Sottokumitat imsemmi fl-*Artikolu* 32.66 jista' jirrakkomanda lill-Kunsill Konġunt biex jemenda, skont is-subparagrafu (a) tal-*Artikolu* 8.5 (1):

(a) l-Anness 32-A fir-rigward tar-referenzi għal-liġi applikabbli fil-Partijiet;

(b) l-Anness 32-B fir-rigward tal-kriterji li għandhom jiġu inklużi fil-proċedura ta' oppożizzjoni; u

(c) l-Anness 32-C fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi.

2. Għall-finijiet ta' din is-Sub-Taqsima, is-Sottokumitat imsemmi fl-*Artikolu* 32.66 għandu jkun responsabbli għall-iskambju ta' informazzjoni dwar:

(a) l-iżviluppi leġiżlattivi u ta' politika dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi;

(b) l-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-fini li titqies il-protezzjoni tagħhom f'konformità ma' din is-Sub-Taqsima; u

(c) kwalunkwe kwistjoni oħra ta' interess reċiproku fil-qasam tal-indikazzjonijiet ġeografiċi.

3. Wara n-notifika msemmija fl-*Artikolu* 32.39(6), is-Sottokumitat għandu jirrakkomanda li l-Kunsill Konġunt jemenda l-Anness 32-C f'konformità mas-subparagrafu (c) tal-paragrafu 1 ta' dan l-*Artikolu* biex tintemm il-protezzjoni skont din il-Parti ta' dan il-Ftehim.

4. F'każ ta' bidla minuri relatata mal-ortografija ta' indikazzjoni ġeografika elenkata jew mar-referenza għad-denominazzjoni taż-żona ġeografika li għaliha tkun attribwibbli, Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra fis-Sottokumitat dwar tali bidla flimkien ma' spjegazzjoni għaliha. Is-Sottokumitat għandu jirrakkomanda li l-Kunsill Konġunt jemenda l-Anness 32-C, skont is-subparagrafu (a) tal-*Artikolu* 8.5(6), b'tali bidla minuri.

5. Il-Partijiet għandhom, direttament jew permezz tas-Sottokumitat, jibqgħu f'kuntatt dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-implimentazzjoni u l-funzjonament ta' din is-Sub-Taqsima. B'mod partikolari, Parti tista' titlob mill-Parti l-oħra informazzjoni relatata mal-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott u l-emendi tagħhom, kif ukoll mal-punti ta' kuntatt għall-infurzar amministrattiv.

6. Il-Partijiet jistgħu jagħmlu pubblikament disponibbli l-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott, jew sommarju tagħhom, u l-punti ta' kuntatt għall-infurzar amministrattiv li jikkorrispondu mal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Parti l-oħra protetti skont din is-Sub-Taqsima.

Artikolu 32.41

Protezzjoni oħra

1. Din is-Sub-Taqsima tapplika mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet f'konformità mal-Ftehim tad-WTO, jew kwalunkwe ftehim multilaterali ieħor dwar il-liġi tal-proprjetà intellettwali li għalih il-Parti tal-UE u ċ-Ċilì huma partijiet.

2. Din is-Sub-Taqsima hija mingħajr preġudizzju għad-dritt li jitfittex ir-rikonoxximent u l-protezzjoni ta' indikazzjoni ġeografika skont il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Partijiet.

Subtaqsima 5

Privattivi

Artikolu 32.42

Ftehimiet internazzjonali

Kull Parti ([124]) għandha tikkonforma mat-Trattat ta' Kooperazzjoni dwar il-Privattivi, magħmul f'Washington fid-19 ta' Ġunju 1970, kif emendat fit-28 ta' Settembru 1979, immodifikat l-aħħar fit-3 ta' Ottubru 2001.

Artikolu 32.43

Protezzjoni supplimentari f'każ ta' dewmien fl-approvazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni għall-prodotti farmaċewtiċi

1. Il-partijiet jirrikonoxxu li prodotti farmaċewtiċi protetti bi privattiva fit-territorju rispettiv tagħhom jistgħu jkunu suġġetti għal approvazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni jew proċedura ta' permess sanitarju qabel ma jitqiegħdu fis-suq.

2. Kull Parti għandha tipprevedi mekkaniżmu adegwat u effettiv li jipprovdi perjodu addizzjonali ta' protezzjoni biex jikkumpensa lis-sid tal-privattiva għat-tnaqqis tal-protezzjoni effettiva tal-privattiva li tirriżulta minn dewmien mhux raġonevoli ([125]) fl-għoti tal-ewwel approvazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni jew permess sanitarju fit-territorju tagħha. Il-perjodu addizzjonali ta' protezzjoni ma għandux jaqbeż il-5 snin.

3. Minkejja l-paragrafu 2, Parti tista' tipprevedi protezzjoni ulterjuri, f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha, għal prodott li jkun protett bi privattiva u li kien soġġett għal proċedura ta' approvazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni jew ta' permess sanitarju sabiex tikkumpensa lid-detentur ta' privattiva għat-tnaqqis ta' protezzjoni effettiva tal-privattiva. Id-durata ta' tali protezzjoni ulterjuri ma għandhiex taqbeż il-5 snin ([126]).

4. Għal aktar ċertezza, fl-implimentazzjoni tal-obbligi ta' dan l-*Artikolu*, kull Parti tista' tipprevedi kundizzjonijiet u limitazzjonijiet, dment li l-Parti tkompli tagħti effett lil dan l-*Artikolu*.

5. Kull Parti għandha tagħmel l-aħjar sforzi biex tipproċessa l-applikazzjonijiet għal approvazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni jew permess sanitarju għal prodotti farmaċewtiċi b'mod effiċjenti u f'waqtu, bil-għan li jiġi evitat dewmien mhux raġonevoli jew mhux meħtieġ. Bil-għan li jiġi evitat dewmien mhux raġonevoli, Parti tista' tadotta jew iżżomm proċeduri li jħaffu l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal approvazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni jew għal permess sanitarju.

Subtaqsima 6

Protezzjoni ta' informazzjoni mhux iddivulgata

Artikolu 32.44

Kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni ta' sigrieti kummerċjali

1. Fit-twettiq tal-obbligu tagħha li tikkonforma mal-Ftehim TRIPS, b'mod partikolari mal-paragrafi 1 u 2 tal-*Artikolu* 39, kull Parti għandha tipprevedi proċeduri ġudizzjarji ċivili u rimedji xierqa għal kwalunkwe detentur ta' sigriet tal-mestier sabiex tipprevjeni u tikseb rimedju għall-akkwiżizzjoni, għall-użu jew għall-iżvelar ta' sigriet tal-mestier kull meta dan jitwettaq b'mod li jmur kontra prattiki kummerċjali onesti.

([124]) Għall-Parti tal-UE, l-obbligu skont dan l-*Artikolu* jiġi ssodisfat mill-Istati Membri.

([125]) Għall-finijiet ta' dan l-*Artikolu*, dewmien mhux raġonevoli jinkludi dewmien ta' aktar minn sentejn fl-ewwel rispons sostantiv lill-applikant wara d-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal approvazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni jew ta' permess sanitarju. Kwalunkwe dewmien li jseħħ fl-għoti ta' approvazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni jew permess sanitarju minħabba perjodi attribwibbli għall-applikant jew kwalunkwe perjodu li jkun lil hinn mill-kontroll tal-awtorità li tipproċessa l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni jew tal-awtorità tar-reġistrazzjoni sanitarja ma għandux għalfejn jiġi inkluż fid-determinazzjoni ta' tali dewmien.

([126]) Din id-durata massima hija mingħajr preġudizzju għal estensjoni ulterjuri possibbli tal-perjodu ta' protezzjoni fil-każ ta' prodotti mediċinali li għalihom ikunu saru studji pedjatriċi, u r-riżultati ta' dawk l-istudji jkunu riflessi fl-informazzjoni dwar il-prodott.

2. Għall-finijiet ta' din is-Sub-Taqsima:

(a) "sigriet kummerċjali" tfisser informazzjoni li:

(i) hija sigrieta fis-sens li ma hijiex, bħala korp jew fil-konfigurazzjoni u fl-assemblaġġ preċiżi tal-komponenti tagħha, magħrufa b'mod ġenerali jew aċċessibbli b'mod faċli għal persuni li ġeneralment jittrattaw dan it-tip ta' informazzjoni inkwistjoni;

(ii) għandha valur kummerċjali minħabba li hija sigrieta; u

(iii) kienet soġġetta għal passi raġonevoli fiċ-ċirkostanzi, mill-persuna li għandha l-kontroll legali tal-informazzjoni, sabiex tinżamm sigrieta;

(b) "detentur ta' sigriet tal-mestier" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li legalment tikkontrolla sigriet tal-mestier.

3. Għall-finijiet ta' din is-Sub-Taqsima, tal-anqas il-forom ta' kondotta li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati li jmorru kontra prattiki kummerċjali onesti:

(a) l-akkwiżizzjoni ta' sigriet tal-mestier mingħajr il-kunsens tad-detentur tas-sigriet tal-mestier, kull meta jitwettaq permezz ta' aċċess mhux awtorizzat, approprjazzjoni, jew ikkupjar ta' kwalunkwe dokument, oġġett, materjal, sustanza jew fajl elettroniku, legalment taħt il-kontroll tad-detentur tas-sigriet tal-mestier, li fih sigrieti tal-mestier jew li minnu jista' jiġi dedott is-sigriet tal-mestier;

(b) l-użu jew id-divulgazzjoni ta' sigriet tal-mestier kull meta jsiru, mingħajr il-kunsens tad-detentur tas-sigriet tal-mestier, minn persuna li tinstab li tissodisfa kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) tkun akkwistat is-sigriet kummerċjali b'mod imsemmi fis-subparagrafu (a);

(ii) tkun qiegħda tikser ftehim ta' kunfidenzjalità jew kwalunkwe dmir ieħor sabiex ma tiżvelax is-sigriet tal-mestier; jew

(iii) tkun qiegħda tikser dmir kuntrattwali jew kwalunkwe dmir ieħor li jillimita l-użu tas-sigriet tal-mestier;

(c) l-akkwist, l-użu jew id-divulgazzjoni ta' sigriet kummerċjali kull meta jitwettaq minn persuna li, fil-mument tal-akkwist, l-użu jew id-divulgazzjoni, kienet taf jew kellha, fiċ-ċirkostanzi, tkun taf li s-sigriet kummerċjali kien inkiseb direttament jew indirettament minn persuna oħra li kienet qed tuża jew tiżvela illegalment sigriet kummerċjali fis-sens tas-subparagrafu (b).

4. Xejn f'din is-Sub-Taqsima ma għandu jinftiehem bħala li jirrikjedi li xi waħda mill-Partijiet tqis kwalunkwe imġiba li ġejja bħala li tmur kontra prattiki kummerċjali onesti:

(a) skoperta jew kreazzjoni indipendenti minn persuna tal-informazzjoni rilevanti;

(b) inġinerija inversa ta' prodott minn persuna li hija legalment fil-pussess tiegħu u li hija libera minn kwalunkwe dmir legalment validu li tillimita l-akkwiżizzjoni ta' informazzjoni rilevanti;

(c) l-akkwiżizzjoni, l-użu jew l-iżvelar ta' informazzjoni meħtieġ jew permess bil-liġi ta' dik il-Parti; jew

(d) l-użu mill-impjegati tal-esperjenza u tal-ħiliet tagħhom miksubin b'mod onest matul il-perkors normali tal-impjieg tagħhom.

5. Xejn f'din is-Sub-Taqsima ma għandu jinftiehem bħala li jillimita l-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, inkluża l-libertà tal-media kif protetta f'kull Parti.

Artikolu 32.45

Proċeduri u rimedji ġudizzjarji ċivili għal sigrieti tal-mestier

1. Kull Parti għandha tiżgura li kwalunkwe persuna li tipparteċipa fil-proċedimenti ġudizzjarji ċivili msemmija fl-*Artikolu* 32.44, jew min ikollu aċċess għal dokumenti li jiffurmaw parti minn dawk il-proċedimenti legali m'għandux permess biex juża jew jiżvela kwalunkwe sigriet tal-mestier jew allegat sigriet tal-mestier li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jkunu, b'rispons għal applikazzjoni debitament motivata mill-parti kkonċernata, identifikaw bħala kunfidenzjali u li dik il-persuna tkun saret taf bihom bħala riżultat ta' tali parteċipazzjoni jew aċċess.

2. Fil-proċedimenti ġudizzjarji ċivili msemmija fl-*Artikolu* 32.44, kull Parti għandha tipprevedi li l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha jkollhom l-awtorità li mill-anqas:

(a) jordnaw miżuri proviżorji, f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti ta' Parti, sabiex jipprevjenu l-akkwiżizzjoni, l-użu jew l-iżvelar tas-sigriet tal-mestier b'mod li jmur kontra prattiki kummerċjali onesti;

(b) jordnaw inibizzjoni sabiex jipprevjenu l-akkwiżizzjoni, l-użu jew id-divulgazzjoni ta' sigriet tal-mestier b'mod li jmur kontra prattiki kummerċjali onesti;

(c) jikkundannaw lill-persuna li kienet taf jew li missha kienet taf li kienet qed takkwista, tuża jew tiżvela sigriet tal-mestier b'mod li jmur kontra prattiki kummerċjali onesti tħallas lid-detentur tas-sigriet tal-mestier id-danni li huma xierqa skont il-preġudizzju attwali mġarrab bħala riżultat tat-tali akkwiżizzjoni, użu jew żvelar tas-sigriet tal-mestier;

(d) jieħdu miżuri speċifiċi sabiex jippreżervaw il-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe sigriet tal-mestier jew allegat sigriet tal-mestier ippreżentat fi proċeduri ċivili li jikkonċernaw l-allegati akkwiżizzjoni, użu u żvelar ta' sigriet tal-mestier b'mod li jmur kontra prattiki kummerċjali onesti; tali miżuri speċifiċi jistgħu jinkludu, f'konformità mal-liġi tal-Parti kkonċernata, il-possibbiltà li:

(i) jiġi limitat l-aċċess għal ċerti dokumenti b'mod sħiħ jew parzjali;

(ii) jiġi ristrett l-aċċess għas-seduti u għar-rekords jew għat-transkripts korrispondenti tagħhom;

(iii) it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' verżjoni mhux kunfidenzjali tad-deċiżjoni ġudizzjarja, li fiha jitneħħew jew jitgħattew is-siltiet li jinkludu s-sigrieti tal-mestier;

(e) jiġu imposti sanzjonijiet fuq il-partijiet jew fuq kwalunkwe persuna oħra li tipparteċipa fil-proċedimenti legali li tonqos jew li tirrifjuta milli tikkonforma mal-ordnijiet tal-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti dwar il-protezzjoni tas-sigriet tal-mestier jew tal-allegat sigriet tal-mestier.

3. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha ma jkollhomx għalfejn japplikaw il-proċeduri u r-rimedji ġudizzjarji msemmijin fl-*Artikolu* 32.44 jekk l-imġiba li tmur kontra l-prattiki kummerċjali onesti titwettaq f'konformità mal-liġi tagħha, sabiex tiġi żvelata mġiba ħażina, għemil ħażin jew attività illegali jew għall-fini ta' protezzjoni ta' interess leġittimu rikonoxxut mil-liġi ta' dik il-Parti.

Artikolu 32.46

Protezzjoni ta' *data* mhux divulgata relatata ma' prodotti farmaċewtiċi

1. Jekk Parti tkun teħtieġ, bħala kundizzjoni għal awtorizzazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni jew permess sanitarju ta' prodott farmaċewtiku li juża entità kimika ġdida li ma tkunx ġiet approvata qabel, is-sottomissjoni ta' test mhux żvelat jew ta' *data* oħra meħtieġa sabiex jiġi ddeterminat jekk l-użu ta' dak il-prodott huwiex sikur u effettiv, dik il-Parti għandha tipproteġi *data* bħal din mid-divulgazzjoni lil partijiet terzi, jekk l-oriġini ta' din id-*data* tkun tinvolvi sforz konsiderevoli, ħlief fejn id-divulgazzjoni tkun neċessarja għal interess pubbliku prevalenti jew sakemm ma jittieħdux passi sabiex jiġi żgurat li d-*data* tkun protetta kontra użu kummerċjali inġust.

2. Kull Parti għandha tiżgura li, għal mill-inqas 5 snin mid-data tal-ewwel approvazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni jew permess sanitarju fil-Parti kkonċernata, prodott farmaċewtiku sussegwentement awtorizzat abbażi tar-riżultati tat-testijiet prekliniċi u tal-provi kliniċi ppreżentati fl-applikazzjoni għall-ewwel approvazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni jew permess sanitarju ma għandux jitqiegħed fis-suq mingħajr il-kunsens espliċitu tad-detentur tal-ewwel approvazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni jew permess sanitarju.

3. Ma għandu jkun hemm l-ebda limitazzjoni fuq l-ebda Parti biex timplimenta proċeduri ta' awtorizzazzjoni mqassra għall-prodotti farmaċewtiċi fuq il-bażi ta' studji ta' bijoekwivalenza u bijodisponibbiltà.

4. Kull Parti tista' tipprevedi kundizzjonijiet u limitazzjonijiet fl-implimentazzjoni tal-obbligi ta' dan l-*Artikolu*, dment li l-Parti tkompli tagħti effett lil dan l-*Artikolu*.

Artikolu 32.47

Protezzjoni ta' *data* relatata ma' prodotti agrokimiċi

1. Jekk, bħala kundizzjoni għall-għoti ta' awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodott agrokimiku li juża entità kimika ġdida, Parti tkun teħtieġ is-sottomissjoni ta' testijiet jew rapporti ta' studji dwar is-sikurezza u l-effikaċja ta' dak il-prodott, dik il-Parti ma għandhiex tagħti awtorizzazzjoni għal prodott agrokimiku ieħor abbażi ta' dawk it-testijiet jew rapporti ta' studji mingħajr il-kunsens tal-persuna li tkun issottomettiethom qabel, għal mill-inqas 10 snin wara d-data tal-ewwel awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott agrokimiku.

2. Parti tista' tillimita l-protezzjoni skont dan l-*Artikolu* għal testijiet jew rapporti ta' studji li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikunu meħtieġa għall-awtorizzazzjoni jew għall-emenda ta' awtorizzazzjoni sabiex ikun permess l-użu tal-prodott agrokimiku fuq għelejjel oħra; u

(b) ikunu ċċertifikati bħala konformi mal-prinċipji ta' prattika tal-laboratorji tajba jew ta' prattika sperimentali tajba.

3. Kull Parti tista' tistabbilixxi regoli sabiex jiġi evitat l-ittestjar doppju fuq annimali vertebrati.

4. Kull Parti tista' tipprevedi kundizzjonijiet u limitazzjonijiet fl-implimentazzjoni tal-obbligi ta' dan l-*Artikolu*, dment li l-Parti tkompli tagħti effett lil dan l-*Artikolu*.

Subtaqsima 7

Varjetajiet ta' pjanti

Artikolu 32.48

Protezzjoni tad-drittijiet tal-varjetajiet ta' pjanti

Il-partijiet għandhom jipproteġu d-drittijiet tal-varjetajiet tal-pjanti, skont il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta' Varjetajiet Ġodda ta' Pjanti, tat-2 ta' Diċembru 1961, kif riveduta l-aħħar f'Ġinevra fid-19 ta' Marzu 1991 ("il-Konvenzjoni tal-UPOV"), inklużi l-eċċezzjonijiet għad-dritt tan-nissiel kif imsemmi fl-*Artikolu* 15 tal-Konvenzjoni tal-UPOV, u għandhom jikkooperaw biex jippromwovu u jinfurzaw dawk id-drittijiet.

TAQSIMA C

Infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali

Subtaqsima 1

Infurzar ċivili u amministrattiv

Artikolu 32.49

Obbligi ġenerali

1. Kull Parti tafferma mill-ġdid l-impenji tagħha skont il-Ftehim TRIPS u għandha tiżgura l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali f'konformità mal-liġi u l-prattika tagħha. Il-Partijiet għandhom jipprevedu l-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji previsti f'din is-Sub-Taqsima.

2. Din it-Taqsima ma tapplikax għad-drittijiet koperti mis-Sub-Taqsima 6 tat-Taqsima B.

3. Parti għandha tipprevedi miżuri, proċeduri u rimedji li jkunu ġusti u ekwi u ma għandhomx ikunu kkomplikati jew għaljin bla bżonn, jew jinvolvu limiti ta' żmien mhux raġonevoli jew dewmien mhux iġġustifikat.

4. Il-miżuri, proċeduri u rimedji msemmija fil-paragrafu 3 għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi u għandhom ikunu applikati b'mod u manjiera li jevitaw il-ħolqien ta' ostakli għall-kummerċ leġittimu u li jipprevedu salvagwardji kontra l-abbuż tagħhom.

5. Xejn f'din it-Taqsima ma joħloq xi obbligu fuq kwalunkwe waħda mill-Partijiet:

(a) li tistabbilixxi sistema ġudizzjarja għall-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali li tkun distinta minn dik tal-infurzar tal-liġi b'mod ġenerali; jew

(b) fir-rigward tad-distribuzzjoni tar-riżorsi bejn l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-infurzar tal-liġi b'mod ġenerali.

Artikolu 32.50

Persuni intitolati li jfittxu l-applikazzjoni ta' miżuri, proċeduri u rimedji ta' infurzar

Kull Parti għandha tirrikonoxxi dawn li ġejjin bħala persuni intitolati sabiex ifittxu l-applikazzjoni tal-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji msemmija f'din it-Taqsima u fil-Parti III tal-Ftehim TRIPS:

(a) id-detenturi tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali skont il-liġi ta' kull Parti;

(b) il-persuni l-oħrajn kollha awtorizzati jużaw dawk id-drittijiet, b'mod partikolari l-liċenzjatarji, sa fejn u kif permess mil-liġi ta' kull Parti u f'konformità magħha;

(c) il-korpi ta' mmaniġġar kollettiv tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali li jkunu rikonoxxuti regolarment bħala li għandhom dritt li jirrappreżentaw lid-detenturi tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, sa fejn ikunu permessi mil-liġi ta' kull Parti, u f'konformità magħha;

(d) l-entitajiet ([127]) li jkunu rikonoxxuti regolarment bħala li għandhom dritt li jirrappreżentaw lid-detenturi tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, sa fejn ikun permess mil-liġi ta' kull Parti, u f'konformità magħha.

([127]) Għaċ-Ċili, it-terminu "entitajiet" ifisser "federazzjonijiet u assoċjazzjonijiet". Għall-Parti tal-UE, it-terminu "entitajiet" ifisser "korpi professjonali tad-difiża".

Artikolu 32.51

Evidenza

1. Kull Parti għandha tiżgura li, anki qabel il-bidu tal-proċeduri fuq il-merti tal-każ, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu, mas-sottomissjoni ta' applikazzjoni minn parti li tkun ippreżentat evidenza raġonevolment disponibbli sabiex issostni l-pretensjonijiet tagħha li d-dritt ta' proprjetà intellettwali tagħha jkun inkiser jew ikun se jinkiser, jordnaw miżuri proviżorji fil-pront u effettivi sabiex tiġi ppreżervata l-evidenza rilevanti fir-rigward tal-allegat ksur, soġġett għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali skont il-liġi ta' dik il-Parti. Meta jordnaw miżuri proviżorji, l-awtoritajiet ġudizzjarji għandhom iqisu l-interessi leġittimi tal-allegat kontraventur.

2. Il-miżuri proviżorji msemmijin fil-paragrafu 1 jistgħu jinkludu deskrizzjoni dettaljata, bit-teħid ta' kampjuni jew mingħajru, jew is-sekwestru fiżiku tal-allegati oġġetti foloz, u, f'każijiet xierqa, tal-materjali u tal-għodod użati b'mod predominanti fil-produzzjoni jew fid-distribuzzjoni ta' dawk l-oġġetti u tad-dokumenti relatati magħhom.

3. Kull Parti għandha, fil-każ ta' ksur ta' dritt ta' proprjetà intellettwali fuq skala kummerċjali, tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tippermetti lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jordnaw, fejn ikun xieraq, mal-applikazzjoni minn parti, il-komunikazzjoni ta' dokumenti bankarji, finanzjarji jew kummerċjali taħt il-kontroll tal-parti opposta, soġġetti għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali.

Artikolu 32.52

Dritt għall-informazzjoni

1. Kull Parti għandha tiżgura li, matul proċedimenti ċivili fir-rigward ta' ksur ta' dritt ta' proprjetà intellettwali u bħala tweġiba għal talba ġustifikata u proporzjonata mir-rikorrent, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jkunu jistgħu jordnaw lill-kontraventur jew lil kwalunkwe persuna oħra sabiex tipprovdi informazzjoni dwar l-oriġini u n-networks ta' distribuzzjoni tal-oġġetti jew tas-servizzi li jiksru dritt ta' proprjetà intellettwali.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1 "kwalunkwe persuna oħra" tfisser persuna li, tal-inqas:

(a) instabet f'possessjoni tal-oġġetti foloz fuq skala kummerċjali;

(b) tkun instabet li kienet qiegħda tuża s-servizzi kontraventorji fuq skala kummerċjali;

(c) tkun instabet li kienet qiegħda tipprovdi, fuq skala kummerċjali, servizzi użati f'attivitajiet kontraventorji; jew

(d) tkun ġiet indikata mill-persuna msemmija f'dan il-paragrafu li hija involuta fil-produzzjoni, il-manifattura jew id-distribuzzjoni tal-oġġetti foloz jew fil-provvista tas-servizzi kontraventorji.

3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi, kif xieraq:

(a) l-ismijiet u l-indirizzi tal-produtturi, tal-manifatturi, tad-distributuri, tal-fornituri u ta' detenturi preċedenti oħrajn tal-oġġetti jew is-servizzi, kif ukoll tal-bejjiegħa bl-ingrossa u bl-imnut intenzjonati; u

(b) il-kwantitajiet prodotti, manifatturati, ikkunsinnati, riċevuti jew ordnati, kif ukoll il-prezz miksub għall-oġġetti jew għas-servizzi inkwistjoni.

4. Dan l-*Artikolu* għandu japplika mingħajr preġudizzju għal liġijiet ta' Parti li:

(a) jagħtu lid-detentur tad-dritt id-drittijiet li jirċievi informazzjoni aktar kompluta;

(b) jirregolaw l-użu, fil-proċedimenti ċivili, tal-informazzjoni kkomunikata skont dan l-*Artikolu*;

(c) jirregolaw ir-responsabbiltà għall-użu ħażin tad-dritt għall-informazzjoni;

(d) jagħtu opportunità għal rifjut li tiġi pprovduta informazzjoni li tkun tisforza lill-persuna msemmija fil-paragrafu 1 tammetti l-parteċipazzjoni tagħha stess jew dik ta' qraba tagħha fi ksur ta' dritt ta' proprjetà intellettwali; jew

(e) jirregolaw il-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tas-sorsi ta' informazzjoni jew l-ipproċessar ta' *data* personali.

Artikolu 32.53

Miżuri proviżorji u prekawzjonarji

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet ġudizzjarji ikunu jistgħu, fuq talba tar-rikorrent, joħorġu inġunzjoni interlokutorja kontra l-kontraventur allegat maħsuba sabiex tipprevjeni kwalunkwe ksur imminenti ta' dritt ta' proprjetà intellettwali, jew sabiex tipprojbixxi, fuq bażi proviżorja u, meta jkun xieraq, soġġetta għal pagament ta' penali rikorrenti meta dan ikun previst fil-liġi ta' dik il-Parti, il-kontinwazzjoni tal-ksur allegat ta' dak id-dritt, jew sabiex tagħmel tali kontinwazzjoni soġġetta għad-depożitu ta' garanziji maħsuba sabiex ikun żgurat il-kumpens tad-detentur tad-dritt. Inġunzjoni interlokutorja tista' tinħareġ ukoll, taħt l-istess kundizzjonijiet, fejn xieraq, kontra xi parti terza ([128]) li fuqha l-awtorità ġudizzjarja rilevanti teżerċita ġuriżdizzjoni u li s-servizzi tagħha jintużaw sabiex jiksru dritt ta' proprjetà intelletwali.

2. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha jkunu jistgħu, fuq talba tar-rikorrent, jordnaw is-sekwestru jew il-kunsinna ([129]) ta' oġġetti suspettati b'kontravenzjoni ta' dritt ta' proprjetà intellettwali, sabiex jipprevjenu d-dħul jew il-moviment tagħhom fil-kanali tal-kummerċ.

3. Fil-każ ta' ksur allegat imwettaq fuq skala kummerċjali, kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu jordnaw, jekk l-applikant juri ċirkustanzi li aktarx jipperikolaw l-irkupru tad-danni,is-sekwestru prekawzjonarju tal-proprjetà mobbli u immobbli tal-allegat kontraventur, inkluż l-imblukkar tal-kontijiet bankarji u assi oħra tagħhom. Għal dak il-għan, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jordnaw il-komunikazzjoni ta' dokumenti bankarji, finanzjarji jew kummerċjali, jew l-aċċess xieraq għall-informazzjoni rilevanti.

Artikolu 32.54

Rimedji

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet ġudizzjarji jkollhom l-awtorità li jordnaw, fuq talba tal-applikant u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dannu dovut lid-detentur tad-dritt minħabba l-ksur, u mingħajr kumpens ta' kwalunkwe tip, il-qerda, jew mill-anqas it-tneħħija definittiva mill-kanali tal-kummerċ, ta' oġġetti li jkunu sabu li qed jiksru dritt ta' proprjetà intellettwali. Jekk ikun xieraq, l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu jordnaw ukoll il-qerda ta' materjali u ta' għodod użati b'mod predominanti fil-holqien jew fil-manifattura ta' dawk l-oġġetti.

2. L-awtoritajiet ġudizzjarji ta' kull Parti għandu jkollhom l-awtorità li jordnaw li dawn il-miżuri jitwettqu bi spejjeż tal-kontraventur, sakemm ma jiġux invokati raġunijiet partikolari sabiex dan ma jsirx.

3. Fil-kunsiderazzjoni ta' talba għal rimedji, għandhom jiġu kkunsidrati wkoll il-ħtieġa għall-proporzjonalità bejn il-gravità tal-ksur u r-rimedji ordnati, kif ukoll l-interessi ta' partijiet terzi.

Artikolu 32.55

Rimedji b'mandat ta' inibizzjoni

Kull Parti għandha tiżgura li, meta tittieħed deċiżjoni ġudizzjarja li ssib ksur ta' dritt tal-proprjetà intellettwali, l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu joħorġu inġunzjoni kontra l-kontraventur u, jekk ikun xieraq, kontra parti terza ([130]) li fuqha l-awtorità ġudizzjarja rilevanti teżerċita ġuriżdizzjoni u li s-servizzi tagħha jintużaw biex jinkiser dritt tal-proprjetà intellettwali, inġunzjoni bl-għan li tipprojbixxi l-kontinwazzjoni tal-ksur.

Artikolu 32.56

Miżuri alternattivi

Kull Parti tista' tipprevedi li l-awtoritajiet ġudizzjarji, f'każijiet xierqa u fuq talba tal-persuna responsabbli li tkun suġġetta għall-miżuri previsti fl-*Artikolu* 32.54 jew 32.55, jistgħu jordnaw kumpens fi flus li għandu jitħallas lill-parti danneġġata minflok ma japplikaw il-miżuri previsti fl-*Artikolu* 32.54 jew 32.55 jekk dik il-persuna tkun aġixxiet b'mod mhux intenzjonat u mingħajr negliġenza, jekk l-eżekuzzjoni tal-miżuri inkwistjoni tikkawża dannu sproporzjonat lil dik il-persuna u jekk il-kumpens pekunjarju lill-parti danneġġata jidher raġonevolment sodisfaċenti.

([128]) Għall-finijiet ta' dan l-*Artikolu*, Parti tista' tipprevedi li "parti terza" tinkludi intermedjarju.
([129]) Parti tista' tagħżel bejn sekwestru u konsenja biex timplimenta dan il-paragrafu.
([130]) Għall-finijiet ta' dan l-*Artikolu*, Parti tista' tipprevedi li "parti terza" tinkludi intermedjarju.

Artikolu 32.57

Danni

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet ġudizzjarji, fuq applikazzjoni tal-parti li ġġarrab id-dannu, jordnaw lill-kontraventur li kien involut konxjament, jew li kellu raġunijiet validi sabiex ikun jaf li kien involut f'attività kontraventorja, sabiex iħallas lid-detentur tad-dritt danni adegwati biex jikkumpensa għall-ħsara li d-detentur tad-dritt ikun ġarrab bħala riżultat tal-ksur.

2. Fid-determinazzjoni tal-ammont ta' danni skont it-paragrafu 1, l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' kull Parti għandu jkollhom l-awtorità li jqisu, *inter alia*, kwalunkwe miżura leġittima ta' valur ippreżentata mid-detentur tad-dritt, li tista' tinkludi profitti mitlufa, il-valur tal-merkanzija jew tas-servizzi milquta mill-ksur imkejjel skont il-prezz tas-suq, jew il-prezz bl-imnut issuġġerit ([131]). Tal-anqas f'każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-awtur jew drittijiet relatati u ffalsifikar tat-trademarks, kull Parti għandha tipprevedi li, fi proċedimenti ġudizzjarji ċivili, l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha jkollhom l-awtorità li jordnaw lill-kontraventur iħallas lid-detentur tad-dritt il-parti tal-profitti tal-kontraventur li tkun attribwibbli għall-ksur, kemm jekk bħala alternattiva għal, jew bħala parti mid-danni.

3. Bħala alternattiva għall-paragrafu 2, kull Parti tista' tipprevedi li l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha jkollhom l-awtorità, f'każijiet xierqa, li jistabbilixxu d-danni bħala somma waħda f'daqqa fuq il-bażi ta' elementi bħall-inqas ammont ta' royalties jew tariffi li kien ikollhom jitħallsu kieku l-kontraventur ikun talab l-awtorizzazzjoni sabiex juża d-dritt tal-proprjetà intellettwali inkwistjoni.

4. Xejn f'dan l-*Artikolu* ma jipprekludi lil xi Parti milli tipprevedi li jekk kontraventur ma jkunx involva ruħu konxjament, jew b'raġunijiet suffiċjenti sabiex ikun jaf li kien qed jinvolvi ruħu, f'attività kontraventorja, l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha jistgħu jordnaw favur il-parti li tkun ġarrbet id-dannu, l-irkupru ta' profitti jew il-ħlas ta' danni li jistgħu jkunu prestabbiliti.

Artikolu 32.58

Spejjeż legali

Kull Parti għandha tipprevedi li l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha, fejn xieraq, ikollhom l-awtorità li fi tmiem il-proċedimenti ġudizzjarji ċivili li jikkonċernaw l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, jordnaw li l-parti rebbieħa titħallas mill-parti telliefa għall-ispejjeż legali jew spejjeż oħra, kif previst fil-liġi tal-Parti kkonċernata.

Artikolu 32.59

Pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji

Kull Parti għandha tiżgura li, fil-proċedimenti ġuridiċi stabbiliti għall-ksur ta' dritt tal-proprjetà intellettwali, l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu jordnaw, fuq it-talba tar-rikorrent u bl-ispejjeż kontra l-kontraventur, miżuri xierqa għat-tixrid tal-informazzjoni li tikkonċerna d-deċiżjoni, inkluż il-wiri tad-deċiżjoni u l-pubblikazzjoni tagħha fis-sħuħija tagħha jew f'parti minnha.

Artikolu 32.60

Preżunzjoni li wieħed huwa awtur jew sid

Il-partijiet għandhom jirrikonoxxu li għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji previsti f'din it-Taqsima:

(a) għall-awtur ta' xogħol letterarju jew artistiku sabiex jitqies bħala tali, u konsegwentement ikun intitolat li jibda proċedimenti ta' ksur, għandu jkun biżżejjed, fin-nuqqas ta' prova kontrarja, li l-isem tal-awtur jidher fuq ix-xogħol bil-mod tas-soltu; u

(b) is-subparagrafu (a) għandu japplika *mutatis mutandis* għad-detenturi tad-drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur fir-rigward tas-suġġett protett tagħhom.

([131]) Għall-parti tal-UE, dan ikun jinkludi wkoll, kif xieraq, elementi oħra għajr fatturi ekonomiċi bħall-preġudizzju morali kkawżat lid-detentur tad-dritt mill-ksur.

Artikolu 32.61

Proċeduri amministrattivi

Sal-punt li kwalunkwe rimedju ċivili jista' jkun ordnat bħala riżultat ta' proċeduri amministrattivi dwar il-meriti tal-każ, ċertu proċeduri għandhom jikkonformaw ma' prinċipji li huma ekwivalenti fis-sustanza għal dawk previstifid-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din is-Sub-Taqsima.

Subtaqsima 2

Infurzar fil-fruntieri

Artikolu 32.62

Miżuri fil-fruntieri

1. Fir-rigward ta' oġġetti taħt kontroll doganali, kull Parti għandha tadotta jew iżżomm proċeduri li taħthom detentur tad-dritt ikun jista' jippreżenta applikazzjonijiet li jitolbu lill-awtoritajiet kompetenti għas-sospensjoni tar-rilaxx ta' oġġetti suspettati jew għaż-żamma tagħhom. Għall-finijiet ta' din is-Sub-Taqsima, "oġġetti suspettati" tfisser oġġetti suspettati bi ksur ta' trademarks, ta' drittijiet tal-awtur u ta' drittijiet relatati, ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, ta' privattivi, ta' mudelli ta' utilità, ta' disinji industrijali jew ta' topografiji ta' ċirkwiti integrati.

2. Kull Parti għandu jkollha fis-seħħ sistemi elettroniċi għall-immaniġġjar mill-awtoritajiet kompetenti tal-applikazzjonijiet mogħtija jew irreġistrati.

3. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tagħha ma jitolbux il-ħlas ta' tariffa sabiex ikopru l-ispejjeż amministrattivi li jirriżultaw mill-proċessar ta' applikazzjoni jew ta' reġistrazzjoni.

4. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tagħha jiddeċiedu dwar l-għoti jew ir-reġistrazzjoni ta' applikazzjonijiet f'perjodu ta' żmien raġonevoli.

5. Kull Parti għandha tiżgura li l-applikazzjoni mogħtija jew irreġistrata tapplika għal vjeġġi multipli.

6. Fir-rigward ta' oġġetti taħt kontroll doganali, kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet doganali tagħha jkunu jistgħu jaġixxu b'inizjattiva tagħhom stess sabiex jissospendu r-rilaxx jew iżommu oġġetti suspettati bi ksur ta' trademarks jew ta' drittijiet tal-awtur.

7. L-awtoritajiet doganali għandhom jużaw analiżi tar-riskju biex jidentifikaw oġġetti suspettati. Kull Parti għandha timplimenta dan il-paragrafu f'konformità mal-liġi tagħha.

8. Kull Parti jista' jkollha fis-seħħ proċeduri li jippermettu l-qerda ta' oġġetti suspettati mingħajr il-ħtieġa ta' proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji minn qabel għad-determinazzjoni formali tal-ksur f'każijiet fejn il-persuni kkonċernati jaqblu jew ma jopponux tali qerda. Jekk tali oġġetti ma jinqerdux, kull Parti għandha tiżgura li, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali, tali oġġetti jitqiegħdu barra l-kanali kummerċjali b'tali mod li jiġi evitat kwalunkwe ħsara lid-detentur tad-dritt.

9. Kull Parti jista' jkollha fis-seħħ proċeduri li jippermettu l-qerda rapida ta' oġġetti bi trademark falza u ta' oġġetti pirata li jintbagħtu permezz ta' kunsinni postali jew ta' kurrier express.

10. Parti tista' tiddeċiedi li ma tapplikax dan l-*Artikolu* għall-importazzjoni ta' oġġetti li jitqiegħdu fis-suq ta' pajjiż terz mid-detenturi tad-drittijiet jew bil-kunsens tagħhom. Parti tista' tiddeċiedi wkoll li ma tapplikax dan l-*Artikolu* għal oġġetti ta' natura mhux kummerċjali li jkunu fil-bagalji personali ta' vjaġġaturi.

11. L-awtoritajiet doganali tal-Partijiet għandhom iżommu djalogu regolari u jippromwovu l-kooperazzjoni mal-partijiet konċernati rilevanti u ma' awtoritajiet oħra involuti fl-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

12. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fir-rigward tal-kummerċ internazzjonali f'oġġetti suspettati. B'mod partikolari, il-Partijiet għandhom, sa fejn possibbli, jaqsmu informazzjoni dwar il-kummerċ ta' oġġetti suspettati li jaffettwaw lill-Parti l-oħra.

13. Mingħajr preġudizzju għal forom oħra ta' kooperazzjoni, il-Protokoll ta' dan il-Ftehim dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka f'Materji Doganali japplika fir-rigward ta' ksur tal-leġiżlazzjoni dwar id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali li l-awtoritajiet doganali ta' Parti jkunu kompetenti għall-infurzar tagħhom f'konformità ma' dan l-*Artikolu*.

Artikolu 32.63

Konsistenza mal-GATT u mal-Ftehim TRIPS

Fl-implimentazzjoni tal-miżuri fil-fruntieri għall-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali mill-awtoritajiet doganali tagħha, kemm jekk koperti minn din is-Sub-Taqsima kif ukoll jekk le, kull Parti għandha tiżgura konsistenza mal-obbligi tagħha skont il-GATT 1994 u l-Ftehim TRIPS u, b'mod partikolari, mal-*Artikolu* V tal-GATT 1994 u l-*Artikolu* 41 t-Taqsima 4 tal-Parti III tal-Ftehim TRIPS.

TAQSIMA D

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 32.64

Kooperazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw bl-għan li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-impenji u tal-obbligi meħudin skont dan il-Kapitolu.

2. L-oqsma ta' kooperazzjoni dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-kwistjonijiet ta' infurzar jistgħu jinkludu l-attivitajiet li ġejjin:

(a) l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-qafas legali fir-rigward tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u tar-regoli rilevanti dwar il-protezzjoni u l-infurzar;

(b) skambju ta' esperjenza bejn il-Partijiet dwar il-progress leġiżlattiv;

(c) skambju ta' esperjenza bejn il-Partijiet dwar l-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali;

(d) skambju ta' esperjenza bejn il-Partijiet dwar l-infurzar fuq livell ċentrali u subċentrali mill-awtoritajiet doganali, mill-pulizija, minn awtoritajiet amministrattivi u ġudizzjarji;

(e) koordinazzjoni fil-prevenzjoni tal-esportazzjoni ta' merkanzija ffalsifikata, inkluż ma' pajjiżi terzi;

(f) assistenza teknika, bini tal-kapaċitajiet, u skambju u taħriġ tal-persunal;

(g) il-protezzjoni u d-difiża tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u t-tixrid ta' informazzjoni f'dak ir-rigward, fost l-oħrajn, fi ċrieki kummerċjali u fis-soċjetà ċivili;

(h) għarfien pubbliku tal-konsumaturi u tad-detenturi tad-drittijiet, kif ukoll titjib tal-kooperazzjoni istituzzjonali, b'mod partikolari bejn l-uffiċċji tal-proprjetà intellettwali tagħhom;

(i) promozzjoni attiva tal-għarfien u l-edukazzjoni tal-pubbliku ġenerali dwar politiki li jikkonċernaw id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali;

(j) kollaborazzjoni pubblika privata li tinvolvi lill-SMEs, inkluż f'avvenimenti jew laqgħat iffukati fuq l-SMEs, fir-rigward tal-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u t-tnaqqis tal-ksur tagħhom; u

(k) formulazzjoni ta' strateġiji effettivi sabiex jiġu identifikati udjenzi u programmi ta' komunikazzjoni sabiex tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-konsumatur u tal-media dwar l-impatt tal-ksur tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, inkluż ir-riskju għas-saħħa u għas-sikurezza u r-rabta mal-kriminalità organizzata.

3. Kull Parti tista' tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott, jew sommarju ta' dawk l-ispeċifikazzjonijiet, u l-punti ta' kuntatt rilevanti għall-kontroll jew il-ġestjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Parti l-oħra kif protetti skont is-Sub-Taqsima 4 tat-Taqsima B.

4. Il-Partijiet għandhom, direttament jew permezz tas-Sottokumitat imsemmi fl-*Artikolu* 32.66, iżommu kuntatt dwar il-kwistjonijiet kollha relatati ma' l-implimentazzjoni u t-tħaddim ta' dan il-Kapitolu.

Artikolu 32.65

Inizjattivi volontarji tal-partijiet ikkonċernati

Kull Parti għandha tagħmel ħilitha sabiex tiffaċilita l-inizjattivi volontarji tal-partijiet konċernati sabiex tnaqqas il-ksur tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, inkluż online u fi swieq oħrajn b'enfażi fuq problemi konkreti u filwaqt li tfittex soluzzjonijiet prattiċi li jkunu realistiċi, bilanċjati, proporzjonati u ġusti għal dawk kollha kkonċernati. inkluż bil-modi li ġejjin:

(a) kull Parti għandha tagħmel ħilitha sabiex tlaqqa' lill-partijiet konċernati b'mod kunsenswali fit-territorju tagħha bl-għan li tiffaċilita inizjattivi volontarji sabiex jinstabu soluzzjonijiet u jiġu riżolti differenzi fir-rigward tal-protezzjoni u tal-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u jitnaqqas il-ksur;

(b) kull Parti għandha tagħmel ħilitha sabiex taqsam informazzjoni mal-Parti l-oħra rigward sforzi bl-għan li jiġu ffaċilitati inizjattivi volontarji ta' partijiet konċernati fit-territorju tagħha; u

(c) il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jippromwovu djalogu miftuħ u kooperazzjoni fost il-partijiet konċernati tal-Partijiet, u sabiex iħeġġu lill-partijiet ikkonċernati tal-Partijiet isibu soluzzjonijiet u jirriżolvu b'mod konġunt id-differenzi rigward il-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u jnaqqsu l-ksur tagħhom.

Artikolu 32.66

Sottokumitat dwar il-Proprjetà Intellettwali

Is-Sottokumitat dwar il-Proprjetà Intellettwali ("is-Sottokumitat"), stabbilit skont l-*Artikolu* 8.8 (1), għandu jimmonitorja u jiżgura l-implimentazzjoni u l-funzjonament xierqa ta' dan il-Kapitolu u tal-Annessi 32-A, 32-B u 32-C. Is-Sottokumitat għandu jwettaq ukoll kompiti speċifiċi attribwiti lilu f'dan il-Kapitolu, inkluż fl-*Artikolu* 32.40.

KAPITOLU 33

KUMMERĊ U ŻVILUPP SOSTENIBBLI

TAQSIMA A

Dispożizzjonijiet komuni

Artikolu 33.1

Objettivi

1. Il-partijiet ifakkru fl-Aġenda 21 dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp, adottata fil-Konferenza tan-NU dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp li saret f'Rio de Janeiro, bejn it-3 u l-14 ta' Ġunju 1992, il-Pjan ta' Implimentazzjoni ta' Johannesburg tas-Summit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli tal-2002, id-Dikjarazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol ("ILO") dwar il-Ġustizzja Soċjali għal globalizzazzjoni ġusta, adottata mill-Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol fis-97 Sessjoni tagħha, li saret f'Ġinevra fl-10 ta' Ġunju 2008 (id- "Dikjarazzjoni tal-ILO dwar l-Affarijiet Soċjali u l-Ġustizzja għal globalizzazzjoni ġusta"), id-Dokument ta' Eżitu tal-Konferenza tan-NU dwar l-Iżvilupp Sostenibbli tal-2012 intitolat "The Future We Want" u l-Aġenda 2030, u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha.

2. Il-Partijiet jagħrfu li l-iżvilupp sostenibbli jinkludi l-iżvilupp ekonomiku, l-iżvilupp soċjali u l-ħarsien tal-ambjent, filwaqt li t-tlieta huma interdipendenti u jsaħħu lil xulxin għall-benesseri tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri.

3. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-objettiv ta' dan il-Kapitolu huwa li jtejjeb ir-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment bejn il-Partijiet b'mod li jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli, b'mod partikolari d-dimensjonijiet tax-xogħol ([132]) u ambjentali tiegħu li huma rilevanti għall-kummerċ u għall-investiment.

4. Dan il-Kapitolu jinkorpora approċċ kooperattiv ibbażat fuq valuri u interessi komuni.

Artikolu 33.2

Dritt ta' regolamentazzjoni u livelli ta' protezzjoni

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu d-dritt ta' kull Parti li tiddetermina l-politiki u l-prijoritajiet ta' żvilupp sostenibbli tagħha, b'mod partikolari li tistabbilixxi l-livelli tagħha stess ta' protezzjoni tax-xogħol domestiku u tal-ambjent u l-prijoritajiet tagħha stess dwar ix-xogħol u l-ambjent, u li tadotta jew timmodifika l-liġi u l-politiki tagħha relatata max-xogħol u mal-ambjent kif xieraq.

2. Il-livelli ta' protezzjoni, ta' liġi u ta' politiki msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu konsistenti mal-impenn ta' kull Parti fir-rigward tal-ftehimiet ambjentali multilaterali ("MEAs") u tal-istandards u l-ftehimiet multilaterali tax-xogħol, kif imsemmija f'dan il-Kapitolu, li għalihom hija parti.

3. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex tiżgura li l-liġijiet, ir-regolamenti u l-politiki ambjentali u tax-xogħol tagħha jipprevedu u jħeġġu livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u tax-xogħol, u għandha tistinka biex tkompli ttejjeb il-livelli tagħha ta' protezzjoni ambjentali u tax-xogħol previsti fil-liġijiet, fir-regolamenti u fil-politiki tagħha.

4. Parti ma għandhiex tħeġġeġ il-kummerċ jew l-investiment billi ddgħajjef jew tnaqqas il-livelli ta' protezzjoni mogħtija fil-liġijiet u fir-regolamenti tagħha dwar l-ambjent u x-xogħol.

5. Parti ma għandhiex tħeġġeġ il-kummerċ jew l-investiment billi tirrinunzja jew tidderoga b'xi mod ieħor mil-liġijiet u r-regolamenti ambjentali u tax-xogħol tagħha, jew toffri li tirrinunzja jew inkella tidderoga minnhom, b'mod li ddgħajjef jew tnaqqas il-livelli ta' protezzjoni mogħtija f'dawk il-liġijiet u r-regolamenti.

6. Parti ma għandhiex tonqos, permezz ta' azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni sostnut jew rikorrenti, milli tinforza b'mod effettiv il-liġi tagħha dwar l-ambjent jew ix-xogħol b'mod li jaffettwa l-kummerċ jew l-investiment.

7. Kull Parti żżomm id-dritt li teżerċita diskrezzjoni raġonevoli u li tieħu deċiżjonijiet *bona fide* fir-rigward tal-allokazzjoni ta' riżorsi ta' infurzar f'konformità mal-prijoritajiet għall-infurzar tal-liġijiet u r-regolamenti ambjentali u tax-xogħol tagħha.

8. Parti ma għandhiex tapplika l-liġijiet u r-regolamenti ambjentali u tax-xogħol tagħha b'mod li jikkostitwixxi restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ jew l-investiment.

Artikolu 33.3

Il-kummerċ u mġiba responsabbli fin-negozju u l-ġestjoni tal-ktajjen tal-provvista

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-ġestjoni responsabbli tal-ktajjen tal-provvista permezz ta' mġiba responsabbli fin-negozju jew prattiki ta' responsabbiltà soċjali korporattiva u r-rwol tal-kummerċ fit-twettiq ta' dak l-objettiv.

2. F'konformità mal-paragrafu 1, kull Parti għandha:

(a) tippromwovi mġiba responsabbli fin-negozju jew responsabbiltà soċjali korporattiva billi tħeġġeġ l-adozzjoni min-negozji ta' prattiki rilevanti li huma konsistenti ma' prinċipji, standards u linji gwida rikonoxxuti internazzjonalment, inklużi linji gwida settorjali ta' diliġenza dovuta, li ġew approvati jew appoġġati minn dik il-Parti; u

([132]) Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, it-terminu "xogħol" ifisser l-objettivi strateġiċi tal-ILO skont l-Aġenda tax-Xogħol Deċenti, li hija espressa fid-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta.

(b) tappoġġa t-tixrid u l-użu ta' strumenti internazzjonali rilevanti li ġew approvati jew appoġġati minn dik il-Parti, bħal-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali, id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO dwar il-Prinċipji li jikkonċernaw l-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali adottata f'Ġinevra f'Novembru 1977 (id-"Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO dwar il-Prinċipji li jikkonċernaw l-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali"), il-Patt Globali tan-NU u l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem approvati mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem fir-Riżoluzzjoni tiegħu 17/4 tas-16 ta' Ġunju 2011.

3. Il-Partijiet jagħrfu l-utilità ta' linji gwida internazzjonali speċifiċi għas-settur fl-oqsma tar-responsabbiltà soċjali korporattiva jew tal-imġiba responsabbli fin-negozju u għandhom jippromwovu l-ħidma konġunta f'dak ir-rigward. Il-Partijiet għandhom jimplimentaw ukoll miżuri biex jippromwovu l-aderenza mal-Linji Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta.

4. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-promozzjoni tal-kummerċ ta' oġġetti li jikkontribwixxu għal kundizzjonijiet soċjali mtejba u għal prattiki ambjentalment tajbin, bħal oġġetti u servizzi ambjentali li jikkontribwixxu għal ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, oġġetti li l-produzzjoni tagħhom ma hijiex marbuta mad-deforestazzjoni u oġġetti li huma s-suġġett ta' skemi u mekkaniżmi volontarji ta' assigurazzjoni tas-sostenibbiltà.

5. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw informazzjoni kif ukoll l-aħjar prattika u, kif xieraq, jikkooperaw b'mod bilaterali, reġjonali u f'fora internazzjonali dwar kwistjonijiet koperti minn dan l-*Artikolu*.

Artikolu 33.4

Informazzjoni xjentifika u teknika

1. Meta tistabbilixxi jew timplimenta miżuri mmirati lejn il-protezzjoni tal-ambjent jew tal-kundizzjonijiet tax-xogħol li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ jew l-investiment bejn il-Partijiet, kull Parti għandha tqis l-evidenza xjentifika u teknika disponibbli, preferibbilment minn korpi tekniċi u xjentifiċi rikonoxxuti, kif ukoll l-istandards, il-linji gwida jew ir-rakkomandazzjonijiet internazzjonali rilevanti, fejn dawn jeżistu.

2. Jekk l-evidenza xjentifika jew l-informazzjoni ma tkunx biżżejjed jew tkun inkonklużiva u jkun hemm riskju ta' degradazzjoni ambjentali serja jew riskju għas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali fit-territorju tagħha, Parti tista' tadotta miżuri bbażati fuq il-prinċipju prekawzjonarju. Tali miżuri għandhom ikunu soġġetti għal rieżami jekk informazzjoni xjentifika ġdida jew addizzjonali ssir disponibbli.

3. Jekk miżura adottata f'konformità il-paragrafu 2 ikollha impatt fuq il-kummerċ jew l-investiment bejn il-Partijiet, Parti tista' titlob lill-Parti li adottat il-miżura biex tipprovdi informazzjoni li tindika li l-miżura hija konsistenti mal-livelli ta' protezzjoni tagħha stess, u tista' titlob diskussjoni dwar il-kwistjoni fis-Sottokumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli.

4. Tali miżuri ma għandhomx jiġu applikati b'mod li jkun jikkostitwixxi mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikata jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ jew l-investiment.

Artikolu 33.5

Trasparenza u prattiki regolatorji tajbin

Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-applikazzjoni tar-regoli dwar it-trasparenza u l-prattiki regolatorji tajbin f'konformità mal-Kapitoli 35 u 36, b'mod partikolari r-regoli li jipprovdu opportunitajiet għall-persuni interessati biex jissottomettu fehmiet fir-rigward ta':

(a) miżuri mmirati lejn il-ħarsien tal-ambjent u l-protezzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ jew l-investiment; u

(b) miżuri kummerċjali jew ta' investiment li jistgħu jaffettwaw il-ħarsien tal-ambjent jew il-protezzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol.

Artikolu 33.6

Għarfien pubbliku, informazzjoni, parteċipazzjoni u garanziji proċedurali

1. Kull Parti għandha tippromwovi l-għarfien pubbliku dwar il-liġijiet u r-regolamenti tax-xogħol u ambjentali tagħha, inkluż billi tiżgura li l-liġijiet u r-regolamenti tax-xogħol u ambjentali tagħha u l-proċeduri ta' infurzar u ta' konformità tagħha jkunu disponibbli għall-pubbliku.

2. Kull Parti għandha tfittex li takkomoda talbiet għal informazzjoni minn kwalunkwe persuna rigward l-implimentazzjoni mill-Parti ta' dan il-Kapitolu.

3. Kull Parti għandha tagħmel użu mill-mekkaniżmi msemmija fl-*Artikolu* 40.5, fl-*Artikolu* 40.6 u fl-*Artikolu* 40.7 biex tfittex fehmiet dwar kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu.

4. Kull Parti għandha tipprevedi r-riċevuta ta', u tikkunsidra kif xierqa, il-komunikazzjonijiet u l-opinjonijiet permezz ta' sottomissjonijiet bil-miktub minn persuna ta' dik il-Parti dwar kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu f'konformità mal-proċeduri domestiċi tagħha. Parti għandha twieġeb bil-miktub u fil-ħin għal tali sottomissjonijiet. Hija tista' tinnotifika tali komunikazzjonijiet u opinjonijiet lill-Grupp Konsultattiv Domestiku tagħha stabbilit skont l-*Artikolu* 40.6 u l-punt ta' kuntatt tal-Parti l-oħra maħtura skont l-*Artikolu* 33.19(6).

5. Kull Parti għandha, f'konformità mal-liġi tagħha, tiżgura li l-aċċess għall-proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji jkun disponibbli għal persuni b'interess legalment rikonoxxut fi kwistjoni partikolari jew li jsostnu li d-dritt tagħhom ikun inkiser, sabiex tippermetti azzjoni kontra ksur tal-liġi ambjentali jew tax-xogħol tagħha, inklużi rimedji xierqa għall-ksur ta' tali liġi.

6. Kull Parti għandha, f'konformità mal-liġi tagħha, tiżgura li l-proċeduri msemmija fil-paragrafu 5 jikkonformaw mal-proċess dovut, ma jkunux eċċessivament għaljin, ma jkunux jinvolvu limiti taż-żmien mhux raġonevoli jew dewmien mhux ġustifikat, jipprovdu l-possibbiltà li jiġi ordnat mandat ta' inibizzjoni, jekk dan ikun xieraq, u jkunu ġusti, ekwi u trasparenti.

Artikolu 33.7

Attivitajiet ta' kooperazzjoni

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-attivitajiet ta' kooperazzjoni dwar l-aspetti relatati mal-kummerċ tal-politiki ambjentali u tax-xogħol sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' dan il-Ftehim u jiġi implimentat dan il-Kapitolu.

2. L-attivitajiet ta' kooperazzjoni jistgħu jiġu żviluppati u implimentati bil-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali kif ukoll ma' pajjiżi terzi, negozji, organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u tal-ħaddiema, organizzazzjonijiet tal-edukazzjoni u tar-riċerka u organizzazzjonijiet mhux governattivi oħra, kif xieraq.

3. L-attivitajiet ta' kooperazzjoni għandhom jitwettqu fuq kwistjonijiet u suġġetti miftiehma mill-Partijiet biex jindirizzaw kwistjonijiet ta' interess komuni.

4. Il-Partijiet jistgħu jikkooperaw fi kwistjonijiet kif previst f'dan il-Kapitolu kif ukoll, fost l-oħrajn:

(a) aspetti tax-xogħol u aspetti ambjentali tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli f'fora internazzjonali, inkluż b'mod partikolari d-WTO, il-Forum Politiku ta' Livell Għoli tan-NU dwar l-Iżvilupp Sostenibbli, il-Programm tan-NU għall-Ambjent ("UNEP"), l-ILO u l-MEAs;

(b) l-impatt tal-liġijiet u l-istandards dwar ix-xogħol u l-ambjent fuq il-kummerċ u l-investiment;

(c) l-impatt tad-dritt dwar il-kummerċ u l-investiment fuq ix-xogħol u l-ambjent; u

(d) aspetti relatati mal-kummerċ ta':

(i) inizjattivi dwar il-konsum u l-produzzjoni sostenibbli, inklużi dawk immirati lejn il-promozzjoni ta' ekonomija ċirkolari u t-tkabbir ekoloġiku u t-tnaqqis tat-tniġġis; u

(ii) inizjattivi għall-promozzjoni ta' oġġetti u ta' servizzi ambjentali, inkluż billi jiġu indirizzati ostakli mhux tariffarji relatati.

5. Il-prijoritajiet għall-attivitajiet ta' kooperazzjoni għandhom jiġu deċiżi b'mod konġunt mill-Partijiet abbażi ta' oqsma ta' interess reċiproku u riżorsi disponibbli.

6. Il-Partijiet jistgħu jwettqu attivitajiet fl-oqsma ta' kooperazzjoni stabbiliti f'dan il-Kapitolu personalment jew bi kwalunkwe mezz teknoloġiku disponibbli għall-Partijiet.

TAQSIMA B

Ambjent u kummerċ

Artikolu 33.8

Objettivi

1. Il-Partijiet għandhom l-għan jippromwovu politiki kummerċjali u ambjentali ta' appoġġ reċiproku, livelli għoljin ta' protezzjoni ambjentali f'konformità mal-MEAs li għalihom huma parti, rispettivament, u infurzar effettiv tal-liġijiet u r-regolamenti ambjentali rispettivi tagħhom, u li jsaħħu l-kapaċità tagħhom li jindirizzaw kwistjonijiet ambjentali relatati mal-kummerċ, inkluż permezz tal-kooperazzjoni.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu li kooperazzjoni msaħħa għall-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-ambjent u għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali tagħhom għandha benefiċċji li jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli, isaħħu l-governanza ambjentali tagħhom u jikkomplementaw l-objettivi ta' dan il-Ftehim.

3. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza ta' politiki u prattiki kummerċjali u ambjentali ta' appoġġ reċiproku biex itejbu l-protezzjoni ambjentali fil-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli.

Artikolu 33.9

Governanza u ftehimiet ambjentali multilaterali

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-Assemblea Ambjentali tan-NU tal-UNEP. Il-Partijiet jirrikonoxxu r-rwol kritiku tal-MEAs fl-indirizzar tal-isfidi ambjentali globali, reġjonali u domestiċi. Il-Partijiet jirrikonoxxu wkoll il-ħtieġa li jtejbu l-appoġġ reċiproku bejn il-politiki kummerċjali u ambjentali. Għaldaqstant, kull Parti għandha timplimenta b'mod effettiv l-MEAs, inklużi l-protokolli tagħhom, li għalihom hija parti.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu d-dritt ta' kull Parti li tadotta jew iżżomm miżuri sabiex tippromwovi l-objettivi tal-MEAs li għalihom hija parti.

3. Il-Partijiet għandhom jinvolvu ruħhom fi djalogu u jikkooperaw, kif xieraq, fi kwistjonijiet kummerċjali u ambjentali ta' interess reċiproku, b'mod partikolari fir-rigward tal-MEAs. Dan għandu jinkludi skambji regolari ta' informazzjoni dwar l-inizjattivi ta' kull Parti rigward ir-ratifiki tal-MEAs, inklużi l-protokolli u l-emendi tagħhom.

Artikolu 33.10

Kummerċ u tibdil fil-klima

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-MEA fil-qasam tat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari l-ħtieġa li jintlaħaq l-objettiv tal-UNFCCC, u l-għan u l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, sabiex tiġi indirizzata t-theddida urġenti tat-tibdil fil-klima. Għaldaqstant, il-Partijiet jirrikonoxxu r-rwol tal-kummerċ fil-kisba tal-għan ta' żvilupp sostenibbli u fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima, kif ukoll l-importanza ta' sforzi individwali u kollettivi biex jiġu indirizzati l-impatti tat-tibdil fil-klima permezz ta' azzjonijiet ta' mitigazzjoni u adattament.

2. F'konformità mal-paragrafu 1, kull Parti għandha:

(a) timplimenta b'mod effettiv l-UNFCCC u l-Ftehim ta' Pariġi, inklużi l-impenji tagħha fir-rigward tal-kontributi stabbiliti fil-livell nazzjonali tagħha;

(b) tippromwovi l-kontribut pożittiv tal-kummerċ għat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u ekonomija ċirkolari u għal żvilupp reżiljenti għall-klima, inklużi azzjonijiet dwar il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima; u

(c) tiffaċilita u tippromwovi l-kummerċ u l-investiment fi prodotti u f'servizzi ta' rilevanza partikolari għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, għall-enerġija rinnovabbli sostenibbli u għall-effiċjenza enerġetika, b'mod konsistenti ma' dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-Ftehim.

3. Skont l-*Artikolu* 33.7, il-Partijiet għandhom jikkooperaw, kif xieraq, dwar aspetti tat-tibdil fil-klima relatati mal-kummerċ, b'mod bilaterali, reġjonali u f'fora internazzjonali, inkluż fil-UNFCCC, fid-WTO u fil-Protokoll ta' Montreal dwar Sustanzi li Jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu, konkluż f'Montreal fis-16 ta' Settembru 1987 ("il-Protokoll ta' Montreal"). Barra minn hekk, il-Partijiet jistgħu jikkooperaw, kif xieraq, fir-rigward ta' dawk il-kwistjonijiet ukoll fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.

4. F'konformità mal-paragrafu 1, il-Partijiet għandhom jikkooperaw f'oqsma bħal:

(a) l-iskambju ta' għarfien u ta' esperjenza dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi, kif ukoll dwar inizjattivi għall-promozzjoni tar-reżiljenza għall-klima, l-enerġija rinnovabbli, it-teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi, l-effiċjenza enerġetika, l-ipprezzar tal-karbonju, it-trasport sostenibbli, l-iżvilupp ta' infrastruttura sostenibbli u reżiljenti għall-klima, il-monitoraġġ tal-emissjonijiet, u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura; kif ukoll l-esplorazzjoni ta' għażliet għall-kooperazzjoni f'oqsma bħal sustanzi li jniġġsu l-klima għal żmien qasir u s-sekwestru tal-karbonju fil-ħamrija; u

(b) l-iskambju ta' għarfien u ta' esperjenza dwar it-tneħħija gradwali ambizzjuża ta' sustanzi li jnaqqsu l-ożonu u t-tnaqqis gradwali tal-idrofluworokarburi skont il-Protokoll ta' Montreal permezz ta' miżuri sabiex jiġu kkontrollati l-produzzjoni, il-konsum u l-kummerċ tagħhom, l-introduzzjoni ta' alternattivi li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent għal dawk is-sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu u l-idrofluworokarburi, l-aġġornament tas-sikurezza u ta' standards rilevanti oħrajn, u l-ġlieda kontra l-kummerċ illegali ta' sustanzi rregolati mill-Protokoll ta' Montreal, kif xieraq.

Artikolu 33.11

Kummerċ u foresti

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u r-rwol tal-kummerċ fl-ilħuq ta' dak l-objettiv.

2. F'konformità mal-paragrafu 1, kull Parti għandha:

(a) timplimenta miżuri għall-ġlieda kontra l-qtugħ illegali tas-siġar u l-kummerċ relatat, inkluż permezz ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, kif xieraq;

(b) tħeġġeġ il-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti;

(c) tippromwovi l-kummerċ u l-konsum tal-injam u tal-prodotti tal-injam li jinkisbu legalment minn foresti ġestiti b'mod sostenibbli; u

(d) tiskambja informazzjoni u, kif xieraq, tikkoopera mal-Parti l-oħra fuq inizjattivi relatati mal-kummerċ rigward il-ġlieda kontra l-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam, il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, il-governanza tal-foresti u l-konservazzjoni tal-kopertura tal-foresti biex jiġi mmassimizzat l-impatt u l-appoġġ reċiproku tal-politiki rispettivi tagħhom ta' interess komuni.

3. Filwaqt li tirrikonoxxi li l-foresti u l-ġestjoni sostenibbli tagħhom għandhom rwol ewlieni fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u fiż-żamma tal-bijodiversità, kull Parti għandha tippromwovi inizjattivi li jindirizzaw id-deforestazzjoni, inkluż permezz ta' ktajjen tal-provvista mingħajr deforestazzjoni. Barra minn hekk, il-Partijiet għandhom jikkooperaw, kif xieraq u skont l-*Artikolu* 33.7, b'mod bilaterali, reġjonali u f'fora internazzjonali rilevanti, biex jimminimizzaw id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti madwar id-dinja.

Artikolu 33.12

Il-kummerċ u l-flora u l-fawna selvaġġi

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li jiżguraw li l-kummerċ internazzjonali tal-fawna u l-flora selvaġġa ma jheddidx is-sopravivenza tagħhom, kif stabbilit fil-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu, li saret f'Washington D.C. fit-3 ta' Marzu 1973 ("CITES").

2. F'konformità mal-paragrafu 1, kull Parti għandha:

(a) timplimenta miżuri effettivi għall-ġlieda kontra l-kummerċ illegali tal-flora u l-fawna selvaġġi, inkluż permezz ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, kif xieraq; u

(b) tippromwovi l-konservazzjoni fit-tul u l-użu sostenibbli tal-ispeċijiet elenkati fl-Appendiċijiet għas-CITES, inkluż billi tikkoopera fil-korpi CITES rilevanti biex l-Appendiċijiet għas-CITES jinżammu aġġornati u billi tippromwovi l-inklużjoni ta' speċijiet meqjusa f'riskju minħabba l-kummerċ internazzjonali u kriterji oħra stabbiliti skont is-CITES.

3. Skont l-*Artikolu* 33.7, il-Partijiet jistgħu, kif xieraq, jikkooperaw jew jiskambjaw informazzjoni b'mod bilaterali, reġjonali u f'fora internazzjonali dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku relatati mal-indirizzar tal-kummerċ illegali tal-flora u l-fawna selvaġġi, inkluż permezz tas-sensibilizzazzjoni biex titnaqqas id-domanda għall-prodotti illegali tal-organiżmi selvaġġi u inizjattivi biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni dwar il-kondiviżjoni u l-infurzar tal-informazzjoni.

Artikolu 33.13

Kummerċ u diversità bijoloġika

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika, u r-rwol tal-kummerċ fit-twettiq ta' dawk l-objettivi, konsistenti mal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, magħmula f'Rio de Janeiro fil-5 ta' Ġunju 1992 , ma' MEAs rilevanti oħrajn li għalihom huma parti, u mad-deċiżjonijiet adottati taħthom.

2. F'konformità mal-paragrafu 1, kull Parti għandha tieħu miżuri biex tikkonserva d-diversità bijoloġika meta tkun soġġetta għal pressjonijiet marbuta mal-kummerċ u l-investiment, inkluż permezz tal-iskambju ta' informazzjoni u ta' esperjenza, u miżuri biex jiġi evitat it-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi, filwaqt li jiġi rikonoxxut li l-moviment ta' speċijiet aljeni invażivi terrestri u akkwatiċi bejn il-fruntieri permezz ta' mogħdijiet relatati mal-kummerċ jista' jaffettwa b'mod avvers l-ambjent, l-attivitajiet ekonomiċi u l-iżvilupp, u s-saħħa tal-bniedem.

3. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li jirrispettaw, jippreżervaw u jżommu l-għarfien u l-prattiki tal-komunitajiet indiġeni u lokali li jinkorporaw stili ta' ħajja tradizzjonali li jikkontribwixxu għall-konservazzjoni u għall-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika, u r-rwol tal-kummerċ f'dan.

4. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li jiffaċilitaw l-aċċess għar-riżorsi ġenetiċi u li jippromwovu l-kondiviżjoni ġusta u ekwa tal-benefiċċji li jirriżultaw mill-użu ta' riżorsi ġenetiċi, skont il-miżuri domestiċi rispettivi tagħhom u mal-obbligi internazzjonali ta' kull Parti.

5. Il-Partijiet jirrikonoxxu wkoll l-importanza tal-parteċipazzjoni u l-konsultazzjoni pubblika, skont il-liġi jew il-politika rispettiva tagħhom, fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' miżuri li jikkonċernaw il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika.

6. Skont l-*Artikolu* 33.7, il-Partijiet jistgħu, kif xieraq, jippromwovu, jikkooperaw jew jiskambjaw informazzjoni b'mod bilaterali, reġjonali u f'fora internazzjonali, dwar aspetti relatati mal-kummerċ ta' politiki dwar id-diversità bijoloġika u miżuri ta' interess reċiproku, bħal:

(a) inizjattivi u prattiki tajbin li jikkonċernaw il-kummerċ fi prodotti naturali bbażati fuq ir-riżorsi miksuba permezz ta' użu sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi u li jikkontribwixxu għall-konservazzjoni tal-bijodiversità;

(b) il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika, u l-protezzjoni, ir-restawr u l-valutazzjoni tal-ekosistemi u s-servizzi tagħhom u l-istrumenti ekonomiċi relatati; u

(c) l-aċċess għar-riżorsi ġenetiċi u l-kondiviżjoni ġusta u ekwa tal-benefiċċji li jirriżultaw mill-użu tagħhom.

Artikolu 33.14

Kummerċ u ġestjoni sostenibbli tas-sajd u tal-akkwakultura

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-konservazzjoni u tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u tal-ekosistemi tal-baħar u r-rwol tal-kummerċ fl-ilħuq ta' dawk l-objettivi.

2. Filwaqt li jiżviluppaw u jimplimentaw miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni, il-Partijiet għandhom iqisu t-tħassib soċjali, kummerċjali, tal-iżvilupp u ambjentali u l-importanza tas-sajd artiġjanali jew fuq skala żgħira għall-għajxien tal-komunitajiet tas-sajd lokali.

3. Il-Partijiet jirrikonoxxu li s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) ([133]) jista' jkollu impatti negattivi sinifikanti fuq l-istokkijiet tal-ħut, fuq is-sostenibbiltà tal-kummerċ fil-prodotti tas-sajd, u fuq l-iżvilupp u l-ambjent, u jikkonfermaw il-ħtieġa għal azzjoni biex jiġu indirizzati l-problemi tas-sajd eċċessiv u l-użu mhux sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd.

4. F'konformità mal-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-*Artikolu*, kull Parti għandha:

(a) timplimenta u taġixxi skont il-prinċipji tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar, magħmula f'Montego Bay, fl-10 ta' Diċembru 1982, il-Ftehim tan-NU għall-Implimentazzjoni tad-Dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 relatat mal-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni ta' Ħażniet ta' Ħut li Jpassi f'Żona Limitata (Straddling) u Ħażniet ta' Ħut li Jpassi Ħafna, adottat fi New York, fl-4 ta' Awwissu 1995, l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-NU ("FAO"), il-Ftehim biex Jippromwovi l-Osservanza tal-Miżuri Internazzjonali ta' Konservazzjoni u ta' Ġestjoni minn Bastimenti tas-Sajd f'Ibħra Internazzjonali, adottat f'Ruma fl-24 ta' Novembru 1993, il-Kodiċi ta' Kondotta tal-FAO għal Sajd Responsabbli, adottat fir-Riżoluzzjoni 4/95 fl-31 ta' Ottubru 1995, u l-Ftehim tal-FAO dwar Miżuri tal-Istat tal-Port li Jimpedixxu, Jiskoraġġixxu u Jeliminaw is-Sajd Illegali, mhux Rappurtat u Mhux Regolat, magħmul f'Ruma fit-22 ta' Novembru 2009;

(b) tipparteċipa fl-inizjattiva tal-FAO dwar ir-Reġistru Globali tal-Bastimenti tas-Sajd, Bastimenti tal-Ġarr Imkessħin u Bastimenti ta' Forniment;

(c) tfittex li topera sistema ta' ġestjoni tas-sajd ibbażata fuq l-aħjar evidenza xjentifika disponibbli u fuq l-aħjar prattiki rikonoxxuti internazzjonalment għall-ġestjoni u l-konservazzjoni tas-sajd, kif rifless fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-istrumenti internazzjonali mmirati biex jiżguraw l-użu sostenibbli u l-konservazzjoni tal-ispeċijiet tal-baħar ([134]), u mfassla, fost l-oħrajn, biex:

(i) jipprevjenu s-sajd eċċessiv u l-kapaċità żejda;

(ii) inaqqsu l-qbid inċidentali ta' speċijiet mhux fil-mira;

(iii) jippromwovu l-irkupru ta' stokkijiet li jkunu qed jiġu mistada żżejjed għas-sajd kollu tal-baħar; u

(iv) jippromwovu l-ġestjoni tas-sajd b'approċċ tal-ekosistema, inkluż permezz ta' kooperazzjoni fost il-Partijiet;

(d) b'appoġġ għall-isforzi biex jiġu miġġielda l-prattiki tas-sajd IUU u biex jiġi evitat il-kummerċ ta' prodotti minn speċijiet maħsuda minn dawk il-prattiki:

([133]) It-terminu "sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat" għandu jinftiehem li għandu l-istess tifsira kif stabbilit fil-paragrafu 3 tal-Pjan ta' Azzjoni Internazzjonali li Jimpedixxi, Jiskoraġġixxi u Jelimina s-Sajd Illegali, Mhux Rappurtat u Mhux Regolat tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-NU, adottat f'Ruma, 2001 ("Pjan ta' Azzjoni tas-Sajd IUU tal-2001").

([134]) Dawk l-istrumenti jinkludu, fost l-oħrajn, u kif jistgħu japplikaw, il-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar, il-Ftehim tan-NU għall-Implimentazzjoni tad-Dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar ta' Diċembru 1982 relatat mal-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Stokkijiet ta' Ħut Transżonali u Stokkijiet ta' Ħut li Jpassi Ħafna, il-Kodiċi ta' Kondotta tal-FAO għal Sajd Responsabbli, il-Ftehim tal-FAO li Jippromwovi l-Konformità mal-Miżuri Internazzjonali ta' Konservazzjoni u ta' Ġestjoni minn Bastimenti tas-Sajd fl-Ibħra Miftuħa, il-Pjan ta' Azzjoni dwar is-Sajd IUU tal-2001, u l-Ftehim tal-FAO dwar Miżuri tal-Istat tal-Port li Jimpedixxu, Jiskoraġġixxu u Jeliminaw is-Sajd Illegali, Mhux Rapportat u Mhux Regolat.

(i) timplimenta miżuri effettivi għall-ġlieda kontra s-sajd IUU;

(ii) tiżgura l-użu ta' sistemi ta' monitoraġġ, kontroll, sorveljanza, konformità u infurzar, biex:

(A) tipprevjeni u tiskoraġġixxi, f'konformità mal-obbligi internazzjonali tagħha u l-liġi tagħha, lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħha u lill-persuni fiżiċi tagħha milli jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' sajd IUU; u

(B) tindirizza t-trażbord fuq il-baħar ta' ħut jew ta' prodotti tal-ħut biex tiskoraġġixxi u tevita attivitajiet ta' sajd IUU;

(iii) timplimenta miżuri tal-istat tal-port; u

(iv) timplimenta miżuri biex tipprevjeni s-sajd IUU u l-prodotti tal-ħut milli jidħlu fil-ktajjen tal-provvista ta' kull Parti u tikkoopera għal dk il-għan, inkluż billi tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni;

(e) tipparteċipa b'mod attiv fil-ħidma tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd ("RFMOs") li tagħhom hija membru, osservatur, jew li tagħhom hija parti mhux kontraenti li tikkoopera, bl-għan li tinkiseb governanza tajba tas-sajd u sajd sostenibbli, pereżempju permezz tal-promozzjoni tar-riċerka xjentifika u l-adozzjoni ta' miżuri ta' konservazzjoni bbażati fuq l-aħjar evidenza xjentifika disponibbli, it-tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' konformità, it-twettiq ta' rieżamijiet perjodiċi tal-prestazzjoni u l-adozzjoni ta' kontroll, monitoraġġ u infurzar effettivi tal-miżuri ta' ġestjoni tal-RFMOs u, fejn applikabbli, l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' dokumentazzjoni tal-qbid jew skemi ta' ċertifikazzjoni u miżuri tal-istat tal-port;

(f) tagħmel ħilitha biex taġixxi skont il-miżuri rilevanti ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni adottati mill-RFMOs li tagħhom ma tkunx membru sabiex ma timminax dawk il-miżuri u tagħmel ħilitha biex ma tfixkilx l-iskemi ta' dokumentazzjoni tal-qbid jew tal-kummerċ operati mill-RFMOs jew arranġamenti li tagħhom ma tkunx membru; u

(g) tippromwovi l-iżvilupp ta' akkwakultura sostenibbli u responsabbli, filwaqt li tqis l-aspetti ekonomiċi, soċjali u ambjentali tagħha, f'konformità mal-implimentazzjoni tal-objettivi u tal-prinċipji li jinsabu fil-Kodiċi ta' Kondotta tal-FAO għal Sajd Responsabbli.

5. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw, kif xieraq u skont l-*Artikolu* 33.7, b'mod bilaterali u fi ħdan l-RFMOs bil-għan li jippromwovu prattiki tas-sajd sostenibbli u kummerċ ta' prodotti tal-ħut minn sajd ġestit b'mod sostenibbli. Barra minn hekk, il-Partijiet jistgħu jikkooperaw biex jiskambjaw l-għarfien u l-prattiki tajbin biex jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' dan l-*Artikolu*.

TAQSIMA C

Ix-xogħol u l-kummerċ

Artikolu 33.15

Objettivi

1. Il-partijiet jirrikonoxxu li l-kummerċ u l-investiment jipprovdu opportunitajiet għall-ħolqien ta' impjiegi u xogħol deċenti, inkluż għaż-żgħażagħ, b'termini u kundizzjonijiet ta' impjieg li jaderixxu mal-prinċipji stabbiliti fid-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol, adottata mill-Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol f'Ġinevra fit-18 ta' Ġunju 1998 u kif emendata fl-2022 (id-"Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol") u d-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta, adottata fl-10 ta' Ġunju 2008 u kif emendata fl-2022 (id-"Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta").

2. Il-Partijiet għandhom l-għan li jiżguraw livelli għoljin ta' protezzjoni tax-xogħol f'konformità mal-istandards internazzjonali tax-xogħol li magħhom jaderixxu u li jippromwovu politiki kummerċjali u tax-xogħol ta' appoġġ reċiproku bil-għan li jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-kwalità tal-ħajja tax-xogħol tal-impjegati. Dawn se jagħmlu ħilithom biex itejbu l-iżvilupp u l-ġestjoni tal-kapital uman għal impjegabbiltà mtejba, eċċellenza fin-negozju, u produttività akbar għall-benefiċċju kemm tal-ħaddiema kif ukoll tal-intrapriża. Għaldaqstant, il-Partijiet jagħmlu ħilithom biex jipprovdu opportunitajiet għaż-żgħażagħ biex jiżviluppaw il-ħiliet meħtieġa biex jaċċessaw b'suċċess u jibqgħu fis-suq tax-xogħol.

3. Il-Partijiet għandhom l-għan li jikkooperaw dwar kwistjonijiet tax-xogħol relatati mal-kummerċ ta' interess reċiproku sabiex isaħħu r-relazzjoni usa' bejn il-Partijiet.

Artikolu 33.16

Standards u ftehimiet multilaterali dwar ix-xogħol

1. Il-Partijiet jaffermaw l-impenn tagħhom li jippromwovu l-iżvilupp tal-kummerċ internazzjonali b'mod li jwassal għal xogħol deċenti għal kulħadd, b'mod partikolari n-nisa, iż-żgħażagħ u l-persuni b'diżabilità, f'konformità mal-obbligi rispettivi tagħhom skont l-ILO, inklużi dawk iddikjarati fid-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol u fid-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta.

2. Filwaqt li jfakkru d-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta, il-Partijiet jinnotaw li l-ksur tal-prinċipji u tad-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol ma jistax jiġi invokat jew inkella jintuża bħala vantaġġ komparattiv leġittimu u li l-istandards tax-xogħol ma għandhomx jintużaw għal skopijiet kummerċjali protezzjonisti.

3. Kull Parti għandha timplimenta b'mod effettiv il-Konvenzjonijiet tal-ILO ratifikati mill-Istati Membri u miċ-Ċilì rispettivament.

4. F'konformità mal-Kostituzzjoni tal-ILO, adottata bħala l-Parti XIII tat-Trattat ta' Versailles, iffirmat fit-28 ta' Ġunju 1919 u d-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol, kull Parti għandha tirrispetta, tippromwovi u timplimenta b'mod effettiv l-istandards ewlenin tax-xogħol rikonoxxuti internazzjonalment, kif definiti fil-Konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO, li huma:

(a) il-libertà ta' assoċjazzjoni u r-rikonoxximent effettiv tad-dritt għan-negozjar kollettiv;

(b) l-eliminazzjoni ta' kull forma ta' xogħol furzat jew obbligatorju;

(c) l-abolizzjoni effettiva tat-tħaddim tat-tfal inkluża l-projbizzjoni fuq l-agħar forom ta' tħaddim tat-tfal;

(d) l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-impjiegi u tal-okkupazzjoni; u

(e) ambjent tax-xogħol sikur u tajjeb għas-saħħa.

5. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw regolarment informazzjoni dwar il-progress rispettiv tagħhom fir-rigward tar-ratifika tal-Konvenzjonijiet jew tal-protokolli tal-ILO li huma kklassifikati bħala aġġornati mill-ILO u li għalihom għadhom ma humiex parti.

6. Kull Parti għandha tippromwovi l-Aġenda tax-Xogħol Deċenti tal-ILO kif stabbilita fid-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta, b'mod partikolari fir-rigward ta':

(a) kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għal kulħadd, fir-rigward, fost l-oħrajn, tal-pagi u tal-qligħ, tal-ħinijiet tax-xogħol, ta' kundizzjonijiet oħrajn tax-xogħol u tal-protezzjoni soċjali; u

(b) djalogu soċjali dwar kwistjonijiet ta' xogħol fost il-ħaddiema u l-impjegaturi u l-organizzazzjonijiet rispettivi tagħhom, u mal-awtoritajiet governattivi rilevanti.

7. Skont l-impenji tagħha skont l-ILO, kull Parti għandha:

(a) tadotta u timplimenta miżuri u politiki dwar is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali; u

(b) iżżomm sistema ta' spezzjoni tax-xogħol f'konformità mal-istandards rilevanti tal-ILO dwar l-ispezzjoni tax-xogħol.

Artikolu 33.17

Xogħol furzat jew obbligatorju

1. Filwaqt li jfakkru li l-eliminazzjoni tax-xogħol furzat hija fost l-objettivi tal-Aġenda 2030, il-Partijiet jenfasizzaw l-importanza tar-ratifika u tal-implimentazzjoni effettiva tal-Protokoll tal-2014 għall-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat 1930, adottat f'Ġinevra fil-11 ta' Ġunju 2014.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-għan li jeliminaw il-forom kollha ta' xogħol furzat jew obbligatorju, inkluż it-tħaddim furzat jew obbligatorju tat-tfal.

3. Konsegwentement, il-Partijiet għandhom jidentifikaw opportunitajiet għall-kooperazzjoni, u għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni, esperjenzi u prattiki tajbin relatati mal-eliminazzjoni tal-forom kollha ta' xogħol furzat jew obbligatorju.

Artikolu 33.18

Il-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet kummerċjali u tax-xogħol

Skont l-*Artikolu* 33.7, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw u jikkooperaw, kif xieraq, b'mod bilaterali u fil-kuntest tal-ILO, dwar kwistjonijiet tax-xogħol relatati mal-kummerċ ta' interess reċiproku, inklużi, iżda mhux limitati għal:

(a) il-ħolqien tal-impjiegi u l-promozzjoni ta' impjiegi produttivi u ta' kwalità għolja, inklużi politiki biex jiġi ġġenerat tkabbir rikk fl-impjiegi u jiġu promossi intraprizi u intraprenditorija sostenibbli;

(b) il-promozzjoni tat-titjib fil-produttività tan-negozju u tax-xogħol, b'mod partikolari fir-rigward ta' intraprizi żgħar u ta' daqs medju;

(c) l-iżvilupp tal-kapital uman, l-aċċess għas-suq tax-xogħol u t-titjib tal-impjegabbiltà, b'mod partikolari taż-żgħażagħ, inkluż permezz tat-tagħlim tul il-ħajja u t-taħriġ vokazzjonali, l-edukazzjoni kontinwa, it-taħriġ u l-iżvilupp u t-titjib tal-ħiliet, inkluż fl-industriji emerġenti u ambjentali;

(d) il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u prattiki innovattivi fuq il-post tax-xogħol biex jittejjeb il-benesseri tal-ħaddiema;

(e) il-promozzjoni tal-għarfien tal-Aġenda tax-Xogħol Deċenti tal-ILO, inkluż dwar l-interkonnessjonijiet bejn il-kummerċ u l-okkupazzjoni sħiħa u produttiva, l-aġġustament tas-suq tax-xogħol, l-istandards fundamentali tax-xogħol, ix-xogħol deċenti fil-ktajjen tal-provvista globali, il-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali, id-djalogu soċjali u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

(f) il-promozzjoni ta' impjiegi ta' kwalità deċenti permezz tal-kummerċ, inklużi s-sikurezza u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol ta' ħaddiema tqal u ħaddiema li jkunu welldu reċentement;

(g) is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali u l-ispezzjoni tax-xogħol, pereżempju, bit-titjib tal-mekkaniżmi ta' konformità u ta' infurzar;

(h) l-indirizzar tal-isfidi u l-opportunitajiet ta' forza tax-xogħol diversa u multiġenerazzjonali, inkluż permezz ta':

(i) il-promozzjoni tal-ugwaljanza u l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-impjiegi u tal-okkupazzjoni; u

(ii) il-protezzjoni ta' ħaddiema vulnerabbli;

(i) it-titjib tar-relazzjonijiet tax-xogħol, pereżempju, permezz tal-iskambju tal-aħjar prattiki fir-riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim u fil-konsultazzjoni tripartitika;

(j) l-implimentazzjoni ta' Konvenzjonijiet fundamentali, ta' prijorità u oħrajn aġġornati tal-ILO, kif ukoll id-Dikjarazzjoni tal-Prinċipji Tripartiti̇ċi dwar l-Intraprizi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali tal-ILO, u l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem; u

(k) statistika dwar ix-xogħol.

TAQSIMA D

Arranġamenti istituzzjonali

Artikolu 33.19

Is-Sottokumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli u l-punti ta' kuntatt

1. Is-Sottokumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli ("Sottokumitat"), stabbilit skont l-*Artikolu* 8.8(1), għandu jkun magħmul, għaċ-Ċilì, minn uffiċjali mill-istituzzjonijiet responsabbli għal kwistjonijiet ta' kummerċ, xogħol, ambjent u ġeneru.

2. Is-Sottokumitat għandu jkollu sessjonijiet speċifiċi għal kwistjonijiet ambjentali u tax-xogħol ([135]), rispettivament, kif ukoll għal kwistjonijiet trażversali relatati mal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli.

3. Il-funzjonijiet tas-Sottokumitat għandhom ikunu li:

(a) jiffaċilita, jimmonitorja u jirrieżamina l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu;

(b) jiddetermina, jorganizza, jissorvelja u jivvaluta l-attivitajiet ta' kooperazzjoni stabbiliti f'dan il-Kapitolu, inkluż l-iskambju ta' informazzjoni u ta' esperjenza dwar oqsma ta' interess reċiproku;

(c) jirrapporta u jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat Konġunt dwar kwalunkwe kwistjoni relatata ma' dan il-Kapitolu, inkluż fir-rigward ta' suġġetti għal diskussjoni mal-mekkaniżmi tas-soċjetà ċivili msemmija fl-*Artikolu* 40.5;

(d) iwettaq il-kompiti msemmija fl-*Artikolu* 33.21 u l-*Artikolu* 33.22;

(e) jikkoordina ma' Sottokumitati oħra stabbiliti taħt din il-Parti ta' dan il-Ftehim, kif xieraq, inkluż fir-rigward tal-isforzi biex jiġu integrati kwistjonijiet, kunsiderazzjonijiet u attivitajiet relatati mal-ġeneru fil-ħidma tagħhom kif imsemmi fl-*Artikolu* 34.4(8); u

(f) iwettaq kwalunkwe funzjoni oħra kif jistgħu jaqblu l-Partijiet.

4. Is-Sottokumitat, kif miftiehem b'mod reċiproku, jista' jikkonsulta jew ifittex il-parir tal-partijiet ikkonċernati jew tal-esperti rilevanti dwar kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu.

5. Is-Sottokumitat għandu, b'kunsens, iħejji rapport dwar kull laqgħa u għandu jippubblikah wara l-laqgħa.

6. Kull Parti għandha tiddeżinja punt ta' kuntatt fi ħdan l-amministrazzjoni tagħha biex tiffaċilita l-komunikazzjoni u l-koordinazzjoni bejn il-Partijiet dwar kwalunkwe kwistjoni relatata mal-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu. Għaċ-Ċilì, il-punti ta' kuntatt speċifiċi għall-kwistjonijiet tax-xogħol, ambjentali u tal-ġeneru għandhom ikunu rappreżentattivi tas-Sottosegretarjat tar-Relazzjonijiet Ekonomiċi Internazzjonali tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin jew is-suċċessur tiegħu. Kull Parti għandha tinnotifika minnufih lill-Parti l-oħra bil-punti ta' kuntatt tagħha u tipprovdi l-informazzjoni ta' kuntatt tagħhom.

7. Il-punti ta' kuntatt għandhom:

(a) jiffaċilitaw il-komunikazzjoni u l-koordinazzjoni regolari bejn il-Partijiet;

(b) minkejja l-*Artikolu* 8.7(2), jassistu lis-Sottokumitat inkluż billi jistabbilixxu l-aġenda u t-twettiq tat-tħejjijiet l-oħra kollha meħtieġa għal-laqgħat tas-Sottokumitat.

(c) jikkomunikaw mas-soċjetà ċivili rispettiva tagħhom, kif xieraq; u

(d) jaħdmu flimkien, inkluż ma' korpi xierqa oħra tal-amministrazzjonijiet tagħhom, biex jiżviluppaw u jimplimentaw attivitajiet ta' kooperazzjoni.

([135]) Il-kwistjonijiet ambjentali u tax-xogħol jistgħu jiġu diskussi f'sessjonijiet iżolati jew f'sessjonijiet konsekuttivi.

Artikolu 33.20

Soluzzjoni tat-tilwim

1. Il-Partijiet għandhom jagħmlu l-isforzi kollha possibbli permezz ta' djalogu, skambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni biex jindirizzaw kwalunkwe nuqqas ta' qbil bejn il-Partijiet rigward l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu.

2. F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-Partijiet rigward l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu, il-Partijiet għandu jkollhom rikors esklużiv għall-proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim stabbiliti skont l-*Artikolu* 33.21 u l-*Artikolu* 33.22.

Artikolu 33.21

Konsultazzjonijiet

1. Parti ("il-Parti rikjedenti") tista', fi kwalunkwe ħin, titlob konsultazzjonijiet mal-Parti l-oħra ("il-Parti rispondenti") dwar kwalunkwe kwistjoni li tinqala' fir-rigward tal-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu billi tibgħat talba bil-miktub lill-punt ta' kuntatt tal-Parti rispondenti. It-talba għandha tistabbilixxi r-raġunijiet għat-talba għall-konsultazzjonijiet, inkluża deskrizzjoni speċifika biżżejjed tal-kwistjoni u d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu li hija tqis applikabbli.

2. Il-Parti rispondenti għandha, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mal-Parti rikjedenti, twieġeb bil-miktub mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data tal-wasla tat-talba.

3. Il-Partijiet għandhom jibdew il-konsultazzjonijiet mhux aktar tard minn 30 jum wara d-data tal-wasla tat-talba għand il-Parti rispondenti, sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor.

4. Il-konsultazzjonijiet jistgħu jsiru personalment jew bi kwalunkwe mezz teknoloġiku disponibbli għall-Partijiet. Jekk isiru personalment, il-konsultazzjonijiet għandhom isiru fit-territorju tal-Parti rispondenti, sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor.

5. Fil-konsultazzjonijiet, il-Partijiet għandhom:

(a) jipprovdu informazzjoni suffiċjenti sabiex jippermettu eżami sħiħ tal-kwistjoni; u

(b) jittrattaw kwalunkwe informazzjoni skambjata matul il-konsultazzjonijiet b'mod kunfidenzjali.

6. Il-Partijiet għandhom jidħlu f'konsultazzjonijiet bil-għan li jilħqu riżoluzzjoni sodisfaċenti b'mod reċiproku tal-kwistjoni, filwaqt li jqisu l-opportunitajiet għall-kooperazzjoni relatati mal-kwistjoni. Fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-ftehimiet multilaterali msemmija f'dan il-Kapitolu, il-Partijiet għandhom jikkunsidraw l-informazzjoni mill-ILO jew mill-korpi rilevanti stabbiliti skont dawk il-ftehimiet. Fejn ikun rilevanti, il-Partijiet jistgħu jaqblu li jfittxu parir minn tali organizzazzjonijiet jew korpi, jew minn kwalunkwe espert jew korp ieħor li jqisu xieraq biex jassistihom fil-konsultazzjonijiet.

7. Jekk il-Partijiet ma jkunux jistgħu jsolvu l-kwistjoni fi żmien 60 jum mill-kunsinna tat-talba bil-miktub għall-konsultazzjonijiet skont il-paragrafu 1, kull Parti tista', billi twassal talba bil-miktub lill-punt ta' kuntatt tal-Parti l-oħra, titlob li s-Sottokumitat jiltaqa' biex iqis il-kwistjoni. Is-Sottokumitat għandu jiltaqa' mingħajr dewmien u jfittex li jaqbel fuq soluzzjoni tal-kwistjoni.

8. Kull Parti jew is-Sottokumitat mlaqqa' skont il-paragrafu 7 ta' dan l-*Artikolu* jista', jekk ikun xieraq, ifittex il-fehmiet tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi msemmija fl-*Artikolu* 40.6 jew pariri esperti oħra.

9. Jekk il-Partijiet ikunu jistgħu jsolvu l-kwistjoni, huma għandhom jiddokumentaw l-eżitu tiegħu inkluż, jekk ikun xieraq, il-passi u l-iskedi ta' żmien speċifiċi miftiehma. Il-Partijiet għandhom jagħmlu l-eżitu disponibbli għall-pubbliku, sakemm ma jaqblux mod ieħor.

Artikolu 33.22

Panel ta' esperti

1. Jekk il-Partijiet jonqsu milli jsolvu l-kwistjoni fi żmien 60 jum mill-wasla ta' talba bil-miktub biex jitlaqqa' s-Sottokumitat kif imsemmi fl-*Artikolu* 33.21(7) jew, jekk ma ssir l-ebda talba bħal din, fi żmien 120 jum mill-wasla ta' talba bil-miktub għal konsultazzjonijiet skont l-*Artikolu* 33.21(1), il-Parti rikjedenti tista' titlob l-istabbiliment ta' panel ta' esperti biex jeżamina l-kwistjoni.

Kwalunkwe talba bħal din għandha ssir bil-miktub lill-punt ta' kuntatt tal-Parti rispondenti. It-talba għandha tidentifika r-raġunijiet għat-talba tal-istabbiliment ta' panel ta' esperti, inkluża deskrizzjoni speċifika biżżejjed tal-kwistjoni, u tispjega kif dik il-kwistjoni tikkostitwixxi ksur ta' dispożizzjonijiet speċifiċi ta' dan il-Kapitolu.

2. Ħlief fejn previst mod ieħor f'dan l-*Artikolu*, l-Artikoli 38.6, 38.10, 38.13, l-*Artikolu* 38.14 (1), l-Artikoli 38.15, 38.19, l-*Artikolu* 38.20(2), u l-Artikoli 38.21, 38.22, 38.24, 38.32, 38.33, 38.34 u 38.35, kif ukoll ir-Regoli ta' Proċedura fl-Anness 38-A u l-Kodiċi ta' Kondotta fl-Anness 38-B għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

3. Fl-ewwel laqgħa tiegħu, is-Sottokumitat għandu jirrakkomanda lill-Kumitat Konġunt l-istabbiliment ta' mill-inqas 15-il individwu li jkunu lesti u kapaċi jservu fuq il-panel ta' esperti. Abbażi ta' din ir-rakkomandazzjoni, il-Kumitat Konġunt għandu, mhux aktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, jistabbilixxi lista ta' tali individwi. Il-lista għandha tkun magħmula minn tliet sublisti:

(a) sublista waħda ta' individwi stabbilita abbażi ta' proposti mill-Parti tal-UE;

(b) sublista waħda ta' individwi stabbilita fuq il-bażi ta' proposti miċ-Ċilì; u

(c) sublista waħda ta' individwi li ma humiex ċittadini ta' xi waħda mill-Partijiet u li għandhom jaġixxu bħala President tal-panel ta' esperti.

4. Kull sublista għandha tinkludi mill-anqas ħames individwi. Il-Kumitat Konġunt għandu jiżgura li l-lista tinżamm aġġornata u li tinżamm f'dak l-għadd minimu ta' individwi.

5. L-individwi msemmija fil-paragrafu 3 għandu jkollhom għarfien speċjalizzat jew għarfien espert tal-liġi dwar ix-xogħol jew l-ambjent, tal-kwistjonijiet indirizzati f'dan il-Kapitolu, jew tas-soluzzjoni tat-tilwim li jinqala' skont il-ftehimiet internazzjonali. Huma għandhom ikunu indipendenti, iservu fil-kapaċitajiet individwali tagħhom u ma għandhom jieħdu struzzjonijiet mingħand l-ebda organizzazzjoni jew gvern fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati man-nuqqas ta' ftehim, u lanqas ma għandhom ikunu affiljati mal-gvern ta' xi Parti, u għandhom jikkonformaw mal-Kodiċi ta' Kondotta fl-Anness 38-B.

6. Meta l-panel ta' esperti jkun magħmul skont il-proċeduri stabbiliti fl-*Artikolu* 38.6(3), (4) u (6), l-esperti għandhom jintgħażlu mis-sublisti rilevanti msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-*Artikolu*.

7. Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor fi żmien 5 ijiem mid-data tal-istabbiliment tal-panel ta' esperti, it-termini ta' referenza għandhom ikunu:

"li tiġi eżaminata, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kapitolu 33 tal-Ftehim Qafas Avvanzat bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċilì, min-naħa l-oħra, il-kwistjoni msemmija fit-talba għall-istabbiliment tal-panel ta' esperti, u li jinħareġ rapport, f'konformità mal-*Artikolu* 33.23 ta' dak il-Ftehim, bis-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu għar-riżoluzzjoni tal-kwistjoni".

8. Fir-rigward tal-kwistjonijiet relatati mal-ftehimiet multilaterali msemmija f'dan il-Kapitolu, il-panel ta' esperti għandu jfittex informazzjoni mill-ILO jew mill-korpi rilevanti stabbiliti skont dawn il-ftehimiet, inkluż kwalunkwe gwida, konklużjoni jew deċiżjoni interpretattiva pertinenti disponibbli adottata mill-ILO u dawn il-korpi. Kwalunkwe informazzjoni bħal din għandha tiġi pprovduta lill-Partijiet għall-kummenti tagħhom.

9. Il-panel ta' esperti għandu jinterpreta d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu f'konformità mar-regoli abitwali ta' interpretazzjoni tad-dritt pubbliku internazzjonali, inklużi dawk kodifikati fil-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati.

10. Il-panel ta' esperti għandu joħroġ lill-Partijiet rapport *interim* u rapport finali li jistabbilixxi s-sejbiet tal-fatti, l-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet rilevanti u r-raġunar wara kwalunkwe sejba, konklużjoni u r-rakkomandazzjonijiet li jagħmel.

11. Il-panel ta' esperti għandu jgħaddi r-rapport *interim* lill-Partijiet fi żmien 100 ġurnata wara d-data tal-istabbiliment tal-panel ta' esperti. Meta l-panel ta' esperti jqis li din l-iskadenza ma tistax tintlaħaq, il-President tal-panel ta' esperti għandu jinforma bil-miktub lill-Partijiet, fejn jiddikjara r-raġunijiet għad-dewmien u d-data li fiha l-panel ta' esperti jippjana li joħroġ ir-rapport *interim* tiegħu. L-iskadenza stabbilita f'dan il-paragrafu tista' tiġi estiża bi qbil reċiproku bejn il-Partijiet.

12. Parti tista' tibgħat talba motivata lill-panel ta' esperti biex jirrieżamina aspetti partikolari tar-rapport *interim* fi żmien 25 jum mill-wasla tar-rapport *interim*. Parti tista' tikkummenta fuq it-talba tal-Parti l-oħra fi żmien 15-il jum mill-wasla tat-talba.

13. Wara li jikkunsidra t-talba, il-panel ta' esperti għandu jħejji r-rapport finali. Jekk ma tasal l-ebda talba għar-rieżami ta' aspetti partikolari tar-rapport *interim* fil-perjodu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 12, ir-rapport *interim* għandu jsir ir-rapport finali tal-panel ta' esperti.

14. Il-panel ta' esperti għandu joħroġ ir-rapport finali tiegħu lill-Partijiet fi żmien 175 jum wara d-data ta' stabbiliment ta' dak il-panel. Jekk il-panel ta' esperti jqis li din l-iskadenza ma tistax tintlaħaq, il-President tal-panel għandu jinnotifika bil-miktub lill-Partijiet, filwaqt li jiddikjara r-raġunijiet għad-dewmien u d-data li fiha l-panel ta' esperti jippjana li joħroġ ir-rapport finali tiegħu. L-iskadenza stabbilita f'dan il-paragrafu tista' tiġi estiża bi qbil reċiproku bejn il-Partijiet.

15. Ir-rapport finali għandu jinkludi diskussjoni dwar kwalunkwe talba bil-miktub mill-Partijiet dwar ir-rapport *interim* u jindirizza b'mod ċar kwalunkwe kumment ipprovdut mill-Partijiet.

16. Il-Partijiet għandhom jagħmlu r-rapport finali disponibbli għall-pubbliku fi żmien 15-il jum mill-kunsinna tiegħu mill-panel ta' esperti.

17. Jekk il-panel ta' esperti jsib fir-rapport finali li Parti ma tkunx ikkonformat mal-obbligi tagħha skont dan il-Kapitolu, il-Partijiet għandhom jiddiskutu miżuri xierqa li għandhom jiġu implimentati, filwaqt li jqisu r-rapport u r-rakkomandazzjonijiet tal-panel ta' esperti. Il-Parti rispondenti għandha tinforma lill-Grupp Konsultattiv Intern tagħha msemmi fl-*Artikolu* 40.6 u lill-Parti l-oħra bid-deċiżjonijiet tagħha dwar kwalunkwe azzjoni jew miżura li għandha tiġi implimentata mhux aktar tard minn 3 xhur wara li r-rapport ikun sar disponibbli għall-pubbliku.

18. Is-Sottokumitat għandu jimmonitorja s-segwitu għar-rapport finali u r-rakkomandazzjonijiet tal-panel ta' esperti. Il-Gruppi Konsultattivi Interni msemmija fl-*Artikolu* 40.6 jistgħu jippreżentaw osservazzjonijiet lis-Sottokumitat f'dak ir-rigward.

Artikolu 33.23

Rieżami

1. Għall-fini tat-tishiħ tal-kisba tal-objettivi ta' dan il-Kapitolu, il-Partijiet għandhom jiddiskutu permezz tal-laqgħat tas-Sottokumitat l-implimentazzjoni effettiva tiegħu, filwaqt li jqisu, fost l-oħrajn, l-iżviluppi ewlenin tal-politika f'kull Parti u l-iżviluppi fil-ftehimiet internazzjonali.

2. B'kont meħud tal-eżitu ta' tali diskussjonijiet, Parti tista' titlob ir-rieżami ta' dan il-Kapitolu fi kwalunkwe ħin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Għal dak l-għan, is-Sottokumitat jista' jirrakkomanda lill-Partijiet emendi tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan il-Kapitolu skont il-proċedura ta' emenda stabbilita fl-*Artikolu* 41.6 (1).

KAPITOLU 34

KUMMERĊ U UGWALJANZA BEJN IL-ĠENERI

Artikolu 34.1

Kuntest u objettivi

1. Il-Partijiet jaqblu dwar l-importanza li tiġi inkorporata l-perspettiva tal-ġeneru fil-promozzjoni ta' tkabbir ekonomiku inklużiv, u r-rwol ewlieni li jista' jkollhom politiki reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru f'dak ir-rigward. Dan jinkludi t-tneħħija tal-ostakli għall-parteċipazzjoni tan-nisa fl-ekonomija u fil-kummerċ internazzjonali, inkluż it-titjib tal-opportunitajiet indaqs ta' aċċess għall-funzjonijiet u s-setturi tax-xogħol għall-irġiel u n-nisa fis-suq tax-xogħol.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-kummerċ u l-investiment internazzjonali huma magni tat-tkabbir ekonomiku u jirrikonoxxu wkoll il-kontribut importanti tan-nisa għat-tkabbir ekonomiku permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom fl-attività ekonomika, inkluż in-negozju u l-kummerċ internazzjonali.

3. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-parteċipazzjoni tan-nisa fil-kummerċ internazzjonali tista' tikkontribwixxi għall-avvanz tal-għoti tas-setgħa ekonomika u l-indipendenza ekonomika tagħhom. Barra minn hekk, l-aċċess tan-nisa għal riżorsi ekonomiċi u s-sjieda tagħhom jikkontribwixxu għal tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv, prosperità, kompetittività, u l-benesseri tas-soċjetà. Għaldaqstant, il-Partijiet jenfasizzaw l-intenzjoni tagħhom li jimplimentaw din il-Parti ta' dan il-Ftehim b'mod li jippromwovi u jsaħħaħ l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.

4. Il-Partijiet ifakkru l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-SDGsli jappartjenu għall-kummerċ u għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, b'mod partikolari l-Għan 5: il-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-għoti tas-setgħa lin-nisa u t-tfajliet kollha.

5. Il-Partijiet ifakkru l-objettivi tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Kummerċ u t-Tisħiħ tal-Għoti tas-Setgħa Ekonomika tan-Nisa fl-Okkażjoni tal-Konferenza Ministerjali tad-WTO li saret fi Buenos Aires f'Diċembru 2017.

6. Il-Partijiet ifakkru l-impenji tagħhom dwar l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-għoti tas-setgħa lin-nisa u lill-bniet kif ukoll ir-rispett għall-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, kif stabbilit fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u strumenti internazzjonali rilevanti oħra tad-drittijiet tal-bniedem relatati mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri li għalihom huma parti.

7. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenji tagħhom skont id-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, adottati fir-Raba' Konferenza Dinjija tan-Nisa, li saret f'Beijing mill-4 sal-15 ta' Settembru 1995, filwaqt li jinnotaw b'mod partikolari l-objettivi u d-dispożizzjonijiet relatati mal-aċċess ugwali tan-nisa għar-riżorsi, l-impjiegi, is-swieq u l-kummerċ.

8. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-importanza ta' politiki kummerċjali inklużivi li jikkontribwixxu għall-promozzjoni ta' drittijiet, trattament u opportunitajiet indaqs bejn l-irġiel u n-nisa kif ukoll għall-eliminazzjoni tal-forom kollha ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa.

9. Il-Partijiet jenfasizzaw ir-rwol tas-settur privat fit-trawwim tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri billi japplikaw politiki dwar in-nondiskriminazzjoni u d-diversità fl-operazzjonijiet korporattivi tagħhom f'konformità mal-linji gwida u l-istandards internazzjonali approvati jew appoġġati mill-Partijiet.

10. Il-Partijiet għandhom l-għan li:

(a) itejbu r-relazzjonijiet kummerċjali, il-kooperazzjoni u d-djalogu tagħhom b'modi li jwasslu għal opportunitajiet u trattament indaqs għan-nisa u għall-irġiel, bħala ħaddiema, produtturi, negozjanti jew konsumaturi, f'konformità mal-impenji internazzjonali tagħhom.

(b) jiffaċilitaw il-kooperazzjoni u d-djalogu bl-għan li jtejbu l-kapaċità u l-kundizzjonijiet għan-nisa sabiex jkun jista' jkollhom aċċess għall-opportunitajiet maħluqa mill-kummerċ.

(c) ikomplu jtejbu l-kapaċitajiet tagħhom biex jindirizzaw kwistjonijiet ta' ġeneru relatati mal-kummerċ, inkluż permezz tal-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki.

Artikolu 34.2

Ftehimiet multilaterali

1. Kull Parti tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha li timplimenta b'mod effettiv l-obbligi tagħha skont il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fit-18 ta' Diċembru 1979, filwaqt li tinnota b'mod partikolari dawk id-dispożizzjonijiet relatati mal-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni kontra n-nisa fil-ħajja ekonomika u fil-qasam tal-impjiegi.

2. Il-Partijiet ifakkru l-obbligi rispettivi tagħhom skont l-*Artikolu* 33.16 ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim rigward il-Konvenzjonijiet tal-ILO relatati mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-impjiegi u x-xogħol ratifikati mill-Istati Membri u ċ-Ċilì.

3. Kull Parti tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha li timplimenta b'mod effettiv l-obbligi tagħha skont ftehimiet multilaterali oħra li għalihom hija parti li jindirizzaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri jew id-drittijiet tan-nisa.

Artikolu 34.3

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu d-dritt ta' kull Parti li tistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni u l-garanziji tagħha ta' opportunitajiet indaqs għall-irġiel u għan-nisa u li tadotta jew timmodifika kif xieraq il-liġijiet u l-politiki rilevanti tagħha, skont l-impenji tagħha taħt il-ftehimiet internazzjonali msemmija fl-*Artikolu* 34.2.

2. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex tiżgura li l-liġijiet u l-politiki rilevanti tagħha jipprevedu, u jippromwovu drittijiet, trattament u opportunitajiet indaqs bejn l-irġiel u n-nisa, f'konformità mal-impenji internazzjonali tagħha. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex ittejjeb dawn il-liġijiet u l-politiki.

3. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex tiġbor *data* diżaggregata skont is-sess relatata mal-kummerċ u l-ġeneru bil-għan li tifhem aħjar l-impatti differenti tal-istrumenti tal-politika kummerċjali fuq in-nisa u l-irġiel fir-rwoli tagħhom bħala ħaddiema, produtturi, negozjanti jew konsumaturi.

4. Kull Parti għandha tippromwovi fit-territorju tagħha għarfien pubbliku dwar il-liġijiet u l-politiki tagħha relatati mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż l-impatt tagħhom fuq it-tkabbir ekonomiku inklużiv u għall-politika kummerċjali u r-rilevanza għalihom.

5. Kull Parti għandha, meta jkun rilevanti, tqis l-objettiv tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa meta tfassal, timplimenta u tirrieżamina miżuri fl-oqsma koperti minn din il-Parti ta' dan il-Ftehim.

6. Kull Parti għandha tħeġġeġ il-kummerċ u l-investiment billi tippromwovi l-opportunitajiet indaqs u l-parteċipazzjoni tan-nisa u tal-irġiel fl-ekonomija u fil-kummerċ internazzjonali. Dan jinkludi, fost l-oħrajn, miżuri li għandhom l-għan li: jeliminaw progressivament it-tipi kollha ta' diskriminazzjoni abbażi tas-sess; jippromwovu l-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ta' valur ugwali sabiex tiġi indirizzata d-diskrepanza fil-pagi bejn il-ġeneri u l-iffaċilitar tan-nondiskriminazzjoni tan-nisa fl-impjieg u fix-xogħol, inkluż għal raġunijiet ta' tqala u maternità.

7. Parti ma għandhiex iddgħajjef jew tnaqqas il-protezzjoni mogħtija skont il-liġijiet rispettivi tagħha li għandhom l-għan li jiżguraw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri jew opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel sabiex tinkoraġġixxi l-kummerċ jew l-investiment.

8. Parti ma għandhiex tirrinunzja jew tidderoga b'xi mod ieħor, jew toffri li tirrinunzja jew li tidderoga b'xi mod ieħor, mil-liġijiet rispettivi tagħha li għandhom l-għan li jiżguraw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri jew l-opportunitajiet indaqs għan-nisa u għall-irġiel, b'mod li ddgħajjef jew tnaqqas il-protezzjoni mogħtija skont dawk il-liġijiet, sabiex tinkoraġġixxi l-kummerċ jew l-investiment.

9. Parti ma għandhiex tonqos milli tinforza b'mod effettiv, permezz ta' azzjoni sostnuta jew rikorrenti jew nuqqas ta' azzjoni, il-protezzjoni mogħtija skont il-liġijiet rispettivi tagħha li għandhom l-għan li jiżguraw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri jew opportunitajiet indaqs għan-nisa u għall-irġiel b'mod li jaffettwa l-kummerċ jew l-investiment.

Artikolu 34.4

Attivitajiet ta' kooperazzjoni

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-benefiċċji tal-kondiviżjoni tal-esperjenzi rispettivi tagħhom fit-tfassil, fl-implimentazzjoni, fil-monitoraġġ u fit-tisħiħ tal-aspetti relatati mal-kummerċ tal-miżuri għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

2. F'konformità mal-paragrafu 1, il-Partijiet għandhom iwettqu attivitajiet ta' kooperazzjoni mfassla biex itejbu l-kapaċità u l-kundizzjonijiet għan-nisa, inklużi l-ħaddiema, in-negozjanti u l-imprendituri, biex jaċċessaw u jibbenefikaw bis-sħiħ mill-opportunitajiet maħluqa minn din il-Parti ta' dan il-Ftehim.

3. L-attivitajiet ta' kooperazzjoni għandhom jitwettqu fuq kwistjonijiet u temi miftiehma mill-Partijiet.

4. L-attivitajiet ta' kooperazzjoni jistgħu jiġu żviluppati u implimentati bil-parteċipazzjoni tan-NU, tad-WTO, tal-ILO, tal-OECD u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra kif ukoll ma' pajjiżi terzi, negozji, organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u tal-ħaddiema, organizzazzjonijiet tal-edukazzjoni u tar-riċerka u organizzazzjonijiet mhux governattivi oħra, kif xieraq.

5. L-oqsma ta' kooperazzjoni jistgħu jinkludu l-kondiviżjoni ta' esperjenzi u tal-aħjar prattiki relatati ma' politiki u programmi sabiex tiġi mħeġġa l-parteċipazzjoni akbar tan-nisa fil-kummerċ internazzjonali kif ukoll aspetti relatati mal-kummerċ ta':

(a) il-promozzjoni tal-inklużjoni finanzjarja u l-edukazzjoni tan-nisa kif ukoll l-aċċess għall-finanzjament u l-assistenza finanzjarja;

(b) l-avvanz tat-tmexxija tan-nisa u l-iżvilupp tan-networks tan-nisa;

(c) il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni sħiħa tan-nisa fl-ekonomija billi jiġu mħeġġa l-parteċipazzjoni, it-tmexxija u l-edukazzjoni tagħhom, b'mod partikolari f'oqsma fejn ma humiex irrappreżentati biżżejjed, bħax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija, il-matematika (STEM), kif ukoll l-innovazzjoni u n-negozju;

(d) il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-intrapriżi;

(e) il-parteċipazzjoni tan-nisa f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet fis-setturi pubbliċi u privati;

(f) inizjattivi pubbliċi u privati mmirati lejn il-promozzjoni tal-intraprenditorija tan-nisa, inkluża l-integrazzjoni tan-nisa fis-settur formali tal-ekonomija, it-tisħiħ tal-kompetittività tal-intrapriżi mmexxija min-nisa biex ikunu jistgħu jipparteċipaw u jikkompetu fil-ktajjen tal-valur lokali, reġjonali u globali, u attivitajiet li jippromwovu l-internazzjonalizzazzjoni tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju mmexxija min-nisa;

(g) politiki u programmi biex jittejbu l-ħiliet diġitali tan-nisa u l-aċċess għall-għodod kummerċjali online u għall-pjattaformi tal-kummerċ elettroniku;

(h) l-avvanz tal-politiki u l-programmi tal-kura kif ukoll miżuri ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata b'perspettiva tal-ġeneru;

(i) l-esplorazzjoni tar-rabta bejn iż-żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fil-kummerċ internazzjonali u t-tnaqqis tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u tan-nisa;

(j) l-iżvilupp ta' analiżi bbażata fuq il-ġeneru tal-politiki kummerċjali, inkluż it-tfassil, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-effetti tagħhom;

(k) il-ġbir ta' *data* diżaggregata skont is-sess, l-użu ta' indikaturi, metodoloġiji ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, u l-analiżi tal-istatistika relatata mal-kummerċ minn perspettiva tal-ġeneru;

(l) l-esplorazzjoni ta' rabtiet bejn il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-kummerċ internazzjonali u oqsma bħal xogħol deċenti, segregazzjoni okkupazzjonali, u kundizzjonijiet tax-xogħol tan-nisa, inklużi s-sikurezza u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol ta' ħaddiema tqal u ħaddiema li jkunu għadhom kif welldu, skont is-subparagrafu (f) tal-*Artikolu* 33.18;

(m) politiki u programmi għall-prevenzjoni, il-mitigazzjoni u r-rispons għall-impatt ekonomiku differenzjat li l-kriżijiet u l-emerġenzi jkollhom fuq in-nisa u l-irġiel; u

(n) kwistjonijiet oħra kif miftiehem mill-Partijiet.

6. Il-prijoritajiet għall-attivitajiet ta' kooperazzjoni għandhom jiġu deċiżi b'mod konġunt mill-Partijiet abbażi ta' oqsma ta' interess reċiproku u riżorsi disponibbli.

7. Il-kooperazzjoni, inkluż fl-oqsma stabbiliti fil-paragrafu 5, tista' ssir personalment jew bi kwalunkwe mezz teknoloġiku disponibbli għall-Partijiet, permezz ta' attivitajiet bħal: workshops, seminars, konferenzi, programmi u proġetti kollaborattivi; l-iskambju ta' esperjenzi, u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki dwar il-politiki u l-proċeduri; u l-iskambju ta' esperti.

8. Permezz tas-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli stabbilit skont l-*Artikolu* 8.8(1), il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu l-isforzi mill-korpi stabbiliti f'din il-Parti ta' dan il-Ftehim biex jintegraw kwistjonijiet, kunsiderazzjonijiet u attivitajiet relatati mal-ġeneru fil-ħidma tagħhom.

9. Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni inklużiva tan-nisa fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' kooperazzjoni stabbiliti skont dan l-*Artikolu*, kif xieraq.

Artikolu 34.5

Arranġamenti istituzzjonali

1. Is-Sottokumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli stabbilit skont l-*Artikolu* 8.8(1) għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu. L-*Artikolu* 33.19 għandu japplika għal dan il-Kapitolu *mutatis mutandis* ([136]).

2. Meta jinteraġixxu mas-soċjetà ċivili fil-Gruppi Konsultattivi Domestiċi maħluqa jew maħtura skont l-*Artikolu* 40.6 u fil-Forum tas-Soċjetà Ċivili organizzat skont l-*Artikolu* 40.7, il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet li jippromwovu l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.

Artikolu 34.6

Soluzzjoni tat-tilwim

L-Artikoli 33.20, 33.21 u 33.22 japplikaw għal dan il-Kapitolu *mutatis mutandis* ([137]).

Artikolu 34.7

Rieżami

1. Il-Partijiet jaqblu dwar l-importanza tal-monitoraġġ u l-valutazzjoni, b'mod konġunt jew individwali, permezz tal-proċessi u l-istituzzjonijiet rispettivi tagħhom, kif ukoll dawk stabbiliti taħt din il-Parti ta' dan il-Ftehim, l-impatt tal-implimentazzjoni ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim fuq l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u l-opportunitajiet ipprovduti għan-nisa fir-rigward tal-kummerċ.

2. Il-Partijiet jistgħu jirrieżaminaw dan il-Kapitolu fid-dawl tal-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tiegħu u jekk ikun meħtieġ, jissuġġerixxu kif dan jista' jissaħħaħ.

([136]) Għal aktar ċertezza, kwalunkwe referenza għall-Kapitolu 33, jew għal kwistjonijiet ambjentali u tax-xogħol, f'dak l-*Artikolu* għandha tinftiehem bħala li tirreferi għal dan il-Kapitolu, jew kwistjonijiet relatati mal-ġeneru, kif applikabbli.

([137]) Għal aktar ċertezza, kwalunkwe referenza għall-Kapitolu 33, jew għal kwistjonijiet jew liġijiet ambjentali u tax-xogħol, f'dawk l-Artikoli għandha tinftiehem bħala li tirreferi għal dan il-Kapitolu, jew kwistjonijiet dwar il-ġeneru, kwistjonijiet jew liġijiet relatati ma' dawn il-kwistjonijiet jew kwistjonijiet, kif applikabbli.

KAPITOLU 35

TRASPARENZA

Artikolu 35.1

Objettiv

1. Il-Partijiet, filwaqt li jirrikonoxxu l-impatt li l-ambjenti regolatorji rispettivi tagħhom jista' jkollhom fuq il-kummerċ u fuq l-investiment bejniethom, għandhom l-għan li jipprovdu ambjent regolatorju prevedibbli u proċeduri effiċjenti għall-operaturi ekonomiċi, speċjalment għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

2. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenji rispettivi tagħhom skont il-Ftehim tad-WTO u f'dan il-Kapitolu, jibnu fuq dawk l-impenji u jistabbilixxu aktar arranġamenti għat-trasparenza.

Artikolu 35.2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) "deċiżjoni amministrattiva" tfisser deċiżjoni jew azzjoni b'effett legali li tapplika għal persuna, għal oġġett jew għal servizz speċifiku f'każ individwali, u tkopri n-nuqqas ta' teħid ta' deċiżjoni amministrattiva kif previst fil-liġi ta' Parti; u

(b) "deċiżjoni amministrattiva ta' applikazzjoni ġenerali" tfisser deċiżjoni amministrattiva jew interpretazzjoni li tapplika għall-persuni u s-sitwazzjonijiet ta' fatti kollha li ġeneralment jaqgħu fl-ambitu ta' dik id-deċiżjoni jew interpretazzjoni amministrattiva, u li tistabbilixxi norma ta' kondotta, iżda li ma tinkludix:

(i) determinazzjoni jew deċiżjoni li tkun saret fi proċediment amministrattiv jew kważi ġuridiku li tapplika għal persuna, prodott jew servizz partikolari tal-Parti l-oħra f'każ speċifiku; jew

(ii) deċiżjoni li tiddeċiedi fir-rigward ta' att jew prattika partikolari.

Artikolu 35.3

Pubblikazzjoni

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-liġijiet, ir-regolamenti, il-proċeduri, id-deċiżjonijiet amministrattivi ta' applikazzjoni ġenerali u d-deċiżjonijiet ġudizzjarji tagħha fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni koperta minn din il-Parti ta' dan il-Ftehim jiġu ppubblikati minnufih permezz ta' mezz magħżul uffiċjalment u, fejn fattibbli, b'mezzi elettroniċi, jew inkella jsiru disponibbli b'tali mod li kwalunkwe persuna tkun tista' ssir familjari magħhom.

2. Kull Parti għandha tipprovdi spjegazzjoni tal-objettiv u r-raġuni għal-liġijiet, ir-regolamenti, il-proċeduri, id-deċiżjonijiet amministrattivi ta' applikazzjoni ġenerali u d-deċiżjonijiet ġudizzjarji tagħha fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni koperta minn din il-Parti ta' dan il-Ftehim.

3. Kull Parti għandha tipprovdi perjodu ta' żmien raġonevoli bejn id-data tal-pubblikazzjoni u d-data tad-dħul fis-seħħ tal-liġijiet u r-regolamenti fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni koperta minn din il-Parti ta' dan il-Ftehim, ħlief fejn dan ma jkunx possibbli għal raġunijiet ta' urġenza. Dan il-paragrafu ma japplikax għal deċiżjonijiet amministrattivi ta' applikazzjoni ġenerali u deċiżjonijiet ġudizzjarji.

Artikolu 35.4

Mistoqsijiet u għoti ta' informazzjoni

1. Kull Parti għandha tistabbilixxi jew iżżomm mekkaniżmi xierqa biex twieġeb għall-mistoqsijiet minn kwalunkwe persuna rigward kwalunkwe liġi jew regolament fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni koperta minn din il-Parti ta' dan il-Ftehim.

2. Fuq talba ta' Parti, il-Parti l-oħra għandha tipprovdi minnufih informazzjoni u twieġeb għal mistoqsijiet relatati ma' kwalunkwe liġi jew regolament kemm jekk fis-seħħ kif ukoll jekk ippjanat, fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni koperta minn din il-Parti ta' dan il-Ftehim, sakemm ma jiġix stabbilit mekkaniżmu speċifiku skont Kapitolu ieħor ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 35.5

Proċeduri amministrattivi

1. Kull Parti għandha tamministra l-liġijiet, ir-regolamenti, il-proċeduri u d-deċiżjonijiet amministrattivi kollha ta' applikazzjoni ġenerali fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni koperta minn din il-Parti ta' dan il-Ftehim b'mod oġġettiv, imparzjali u raġonevoli.

2. Jekk jinbdew proċedimenti amministrattivi relatati ma' persuni, ma' oġġetti jew ma' servizzi partikolari tal-Parti l-oħra fir-rigward tal-applikazzjoni ta' liġijiet, ta' regolamenti, ta' proċeduri jew ta' deċiżjonijiet amministrattivi ta' applikazzjoni ġenerali msemmijin fil-paragrafu 1, kull Parti għandha:

(a) tagħmel ħilitha sabiex tipprovdi lill-persuni li jkunu affettwati direttament mill-proċedimenti amministrattivi b'avviż raġonevoli, f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha, meta jinbdew il-proċedimenti, inkluża deskrizzjoni tan-natura tal-proċedimenti, dikjarazzjoni tal-awtorità ġuridika li taħtha jinbdew il-proċedimenti u deskrizzjoni ġenerali ta' kwalunkwe kwistjoni kkonċernata; u

(b) tagħti opportunità raġonevoli lil tali persuni sabiex jippreżentaw fatti u argumenti b'appoġġ tal-pożizzjonijiet tagħhom qabel ma tittieħed deċiżjoni amministrattiva finali, sa fejn jippermettu ż-żmien, in-natura tal-proċedimenti u l-interess pubbliku.

Artikolu 35.6

Rieżami u appell

1. Kull Parti għandha tistabbilixxi jew iżżomm tribunali jew proċeduri ġudizzjarji, arbitrali jew amministrattivi, għall-fini tar-rieżami fil-pront u, jekk ikun meħtieġ, il-korrezzjoni ta' deċiżjonijiet amministrattivi fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni koperta minn din il-Parti ta' dan il-Ftehim.

2. Kull Parti għandha tiżgura li t-tribunali ġudizzjarji, arbitrali jew amministrattivi tagħha jwettqu l-proċeduri għal appell jew għal rieżami b'mod mhux diskriminatorju u imparzjali. Dawn it-tribunali għandhom ikunu imparzjali u indipendenti mill-awtorità fdata bis-setgħat ta' infurzar amministrattiv u ma għandu jkollhom l-ebda interess fl-eżitu tal-kwistjoni.

3. Fir-rigward tat-tribunali jew tal-proċeduri msemmijin fil-paragrafu 1, kull Parti għandha tiżgura li l-partijiet quddiem dawk it-tribunali jew għal dawk il-proċeduri jiġu pprovduti bi:

(a) opportunità raġonevoli sabiex jappoġġaw jew jiddefendu l-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom; u

(b) deċiżjoni bbażata fuq l-evidenza u fuq is-sottomissjonijiet ta' rekords jew, meta jkun meħtieġ mil-liġi tagħha, ir-rekords ikkompilati mill-awtorità rilevanti.

4. Kull Parti għandha tiżgura li d-deċiżjoniji msemmija fis-subparagrafu (b) tal-paragrafu 3 tiġi implimentata mill-awtorità fdata bis-setgħat ta' infurzar amministrattiv, soġġett għal appell jew rieżami ulterjuri kif previst fil-liġi tagħha.

Artikolu 35.7

Relazzjoni ma' Kapitoli oħrajn

Id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Kapitolu japplikaw flimkien mar-regoli speċifiċi stabbiliti f'Kapitoli oħra ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim.

KAPITOLU 36

PRATTIKI REGOLATORJI TAJBIN

Artikolu 36.1

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu japplika għal miżuri regolatorji adottati jew imnedija mill-awtoritajiet regolatorji fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni koperta minn dan il-Ftehim.

2. Dan il-Kapitolu ma japplikax għall-awtoritajiet regolatorji u għall-miżuri, għall-prattiki jew għall-approċċi regolatorji tal-Istati Membri.

Artikolu 36.2

Prinċipji ġenerali

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza ta':

(a) l-użu ta' prattiki regolatorji tajbin fil-proċess tal-ippjanar, it-tfassil, il-ħruġ, l-implimentazzjoni, l-evalwazzjoni u r-rieżaminar ta' miżuri regolatorji sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-politika interna; u

(b) iż-żamma u t-titjib tal-benefiċċji ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim fl-iffaċilitar tal-kummerċ f'oġġetti u servizzi u jiżdied l-investiment bejn il-Partijiet.

2. Kull Parti għandha tkun libera li tiddetermina l-approċċ tagħha għal prattiki regolatorji tajba skont din il-Parti ta' dan il-Ftehim b'mod konsistenti mal-qafas legali, il-prattika u l-prinċipji fundamentali tagħha stess, inkluż il-prinċipju ta' prekawzjoni, sottostanti għas-sistema regolatorja tagħha.

3. Xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jiġi interpretat bħala li jirrikjedi li Parti:

(a) tiddevja mill-proċeduri interni għat-tħejjija u għall-adozzjoni ta' miżuri regolatorji;

(b) tieħu azzjonijiet li jimminaw jew jimpedixxu l-adozzjoni f'waqtha ta' miżuri regolatorji għall-ilħuq tal-objettivi tal-ordni pubbliku tagħha; jew

(c) tikseb xi eżitu regolatorju partikolari.

Artikolu 36.3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) "awtorità regolatorja" tfisser:

(i) għall-Parti tal-UE: il-Kummissjoni Ewropea; u

(ii) għaċ-Ċilì: kwalunkwe awtorità regolatorja tal-fergħa eżekuttiva; u

(b) "miżuri regolatorji" tfisser:

(i) għall-Parti tal-UE:

(A) ir-regolamenti u d-direttivi, kif previst fl-*Artikolu* 288 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; u

(B) atti ta' implimentazzjoni u atti delegati, kif previst fl-*Artikolu* 290 u fl-*Artikolu* 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, rispettivament; u

(ii) għaċ-Ċilì: liġijiet u digrieti ta' applikazzjoni ġenerali li jiġu adottati mill-awtoritajiet regolatorji li l-konformità magħhom hija obbligatorja ([138]).

Artikolu 36.4

Koordinazzjoni interna tal-iżvilupp regolatorju

Kull Parti għandha żżomm proċessi jew mekkaniżmi interni ta' koordinazzjoni jew ta' rieżami għat-tħejjija, l-evalwazzjoni u r-rieżami tal-miżuri regolatorji. Proċessi jew mekkaniżmi bħal dawn għandhom jfittxu, fost l-oħrajn, li:

(a) irawmu prattiki regolatorji tajbin, inklużi dawk stabbiliti f'dan il-Kapitolu;

(b) jidentifikaw u jevitaw duplikazzjoni żejda u rekwiżiti inkonsistenti fil-miżuri regolatorji tal-Parti;

(c) jiżguraw il-konformità mal-obbligi kummerċjali internazzjonali tal-Parti; u

(d) jippromwovu l-kunsiderazzjoni tal-impatt tal-miżuri regolatorji li qed jitħejjew, inkluż l-impatt fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

Artikolu 36.5

It-trasparenza tal-proċessi u tal-mekkaniżmi regolatorji

Kull Parti għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku deskrizzjonijiet, f'konformità mar-regoli u l-proċeduri rispettivi tagħha, tal-proċessi u l-mekkaniżmi użati mill-awtorità regolatorja tagħha biex tħejji, tevalwa jew tirrieżamina l-miżuri regolatorji. Dawk id-deskrizzjonijiet għandhom jirreferu għal linji gwida, regoli jew proċeduri rilevanti, li jinkludu dawk li jippermettu lill-pubbliku jipprovdi kummenti.

Artikolu 36.6

Informazzjoni bikrija dwar miżuri regolatorji ppjanati

1. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex tippubblika fuq bażi annwali, f'konformità mar-regoli u l-proċeduri rispettivi tagħha, informazzjoni dwar miżuri regolatorji ewlenin ippjanati ([139]) .

2. Fir-rigward ta' kull miżura regolatorja ewlenija msemmija fil-paragrafu 1, kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex tagħmel disponibbli għall-pubbliku, fil-ħin:

(a) deskrizzjoni qasira tal-kamp ta' applikazzjoni u tal-objettivi tagħha; u

(b) jekk disponibbli, iż-żmien stmat għall-adozzjoni tagħha, inkluż, fejn applikabbli, opportunitajiet għal konsultazzjonijiet pubbliċi.

Artikolu 36.7

Konsultazzjonijiet pubbliċi

1. Meta tħejji miżura regolatorja ewlenija, kull Parti għandha, jekk applikabbli, f'konformità mar-regoli u l-proċeduri rispettivi tagħha:

(a) tippubblika abbozz ta' miżura regolatorja jew dokumenti ta' konsultazzjoni li jipprovdu biżżejjed dettalji dwar il-miżura regolatorja li qed titħejja biex kwalunkwe persuna ([140]) titħalla tivvaluta jekk u kif l-interessi tal-persuna jistgħu jiġu affettwati b'mod sinifikanti;

([138]) Skont il-paragrafu II.1 tal-istruzzjoni presidenzjali Nru 3 tal-2019 u l-modifiki tagħha.

([139]) L-awtorità regolatorja ta' kull Parti tista' tiddetermina x'jikkostitwixxi miżura regolatorja ewlenija għall-finijiet tal-obbligi tagħha skont dan il-Kapitolu.

([140]) Għal aktar ċertezza, dan il-paragrafu ma jżommx lil Parti milli twettaq konsultazzjonijiet immirati ma' persuni interessati taħt kundizzjonijiet definiti mir-regoli u l-proċeduri tagħha.

(b) toffri opportunitajiet raġonevoli għal kwalunkwe persuna, fuq bażi mhux diskriminatorja, sabiex tipprovdi kummenti; u

(c) tikkunsidra l-kummenti riċevuti.

2. L-awtorità regolatorja ta' kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex tagħmel użu minn mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni u tfittex li żżomm portal elettroniku dedikat għall-fini tal-forniment ta' informazzjoni u ta' riċevuta tal-kummenti relatati mal-konsultazzjonijiet pubbliċi.

3. L-awtorità regolatorja ta' kull Parti għandha tagħmel ħilitha sabiex tagħmel disponibbli għall-pubbliku sommarju tar-riżultati tal-konsultazzjonijiet jew ta' kwalunkwe kumment riċevut, ħlief sa fejn ikun neċessarju sabiex tipproteġi informazzjoni kunfidenzjali jew ma tipprovdix *data* personali jew kontenut mhux xieraq.

Artikolu 36.8

Valutazzjoni tal-impatt

1. Kull Parti għandha tippromwovi t-twettiq mill-awtorità regolatorja tagħha, f'konformità mar-regoli u l-proċeduri applikabbli, ta' valutazzjoni tal-impatt tal-miżuri regolatorji ewlenin li qed tħejji.

2. Meta twettaq valutazzjoni tal-impatt, l-awtorità regolatorja ta' kull Parti għandha tippromwovi proċessi u mekkaniżmi li jqisu l-fatturi li ġejjin:

(a) il-ħtieġa għall-miżura regolatorja, inklużi n-natura u s-sinifikat tal-problema li l-miżura regolatorja għandha l-għan li tindirizza;

(b) alternattivi regolatorji u mhux regolatorji fattibbli u xierqa, jekk ikun hemm, li jiksbu l-objettivi tal-ordni pubbliku tal-Parti, inkluża l-għażla li ma tirregolax;

(c) sa fejn possibbli u rilevanti, l-impatt soċjali, ekonomiku u ambjentali potenzjali ta' dawk l-alternattivi, inkluż fuq il-kummerċ internazzjonali u fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju; u

(d) kif l-għażliet ikkunsidrati huma relatati ma' standards internazzjonali rilevanti, jekk jeżistu, inkluża r-raġuni għal kwalunkwe diverġenza, meta tkun xierqa.

3. Fir-rigward ta' kwalunkwe valutazzjoni tal-impatt ta' miżura regolatorja li tkun wettqet awtorità regolatorja , dik l-awtorità regolatorja għandha tħejji rapport finali li jagħti dettalji dwar il-fatturi li tkun qieset fil-valutazzjoni tagħha u s-sejbiet rilevanti. Tali rapport għandu jsir disponibbli għall-pubbliku meta l-miżura regolatorja kkonċernata ssir disponibbli għall-pubbliku.

Artikolu 36.9

Evalwazzjoni retrospettiva

Il-Partijiet jirrikonoxxu l-kontribut pożittiv tal-evalwazzjonijiet perjodiċi retroattivi tal-miżuri regolatorji eżistenti li huma fis-seħħ biex jitnaqqas il-piż regolatorju mhux meħtieġ, inkluż fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u biex jinkisbu l-objettivi tal-ordni pubbliku b'mod aktar effettiv. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jippromwovu l-użu ta' evalwazzjonijiet perjodiċi retroattivi fis-sistemi regolatorji tagħhom.

Artikolu 36.10

Reġistru regolatorju

Kull Parti għandha tiżgura li l-miżuri regolatorji li jkunu fis-seħħ jiġu ppubblikati f'reġistru ddeżinjat li jidentifika l-miżuri regolatorji skont is-suġġett u li jkun disponibbli għall-pubbliku fuq sit web uniku u aċċessibbli bla ħlas. Is-sit web għandu jippermetti tfittxijiet għal miżuri regolatorji permezz ta' ċitazzjonijiet jew bil-kliem. Kull Parti għandha taġġorna r-reġistru tagħha perjodikament.

Artikolu 36.11

Kooperazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni

Il-Partijiet jistgħu jikkooperaw sabiex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu. Dik il-kooperazzjoni tista' tinkludi l-organizzazzjoni ta' kwalunkwe attività rilevanti biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet regolatorji tagħhom u l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-prattiki regolatorji stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

Artikolu 36.12

Punti ta' kuntatt

Kull Parti għandha tiddeżinja punt ta' kuntatt biex tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-Partijiet, fi żmien xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 36.13

Nuqqas ta' applikazzjoni tas-soluzzjoni tat-tilwim

Il-Kapitolu 38 ma japplikax għal dan il-Kapitolu.

KAPITOLU 37

INTRAPRIŻI ŻGĦAR U TA' DAQS MEDJU

Artikolu 37.1

Objettivi

Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ("SMEs") fir-relazzjonijiet kummerċjali u ta' investiment bilaterali tagħhom u jaffermaw l-impenn tagħhom li jtejbu l-kapaċità tal-SMEs biex jibbenefikaw minn din il-Parti ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 37.2

Kondiviżjoni tal-informazzjoni

1. Kull Parti għandha tistabbilixxi jew iżżomm sit web speċifiku għall-SMEs aċċessibbli għall-pubbliku li jkun fih informazzjoni rigward dan il-Ftehim, inkluż:

(a) sommarju ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim; u

(b) informazzjoni mfassla għall-SMEs li fiha:

(i) deskrizzjoni tad-dispożizzjonijiet f'din il-Parti ta' dan il-Ftehim li kull Parti tqis rilevanti għall-SMEs taż-żewġ Partijiet; u

(ii) kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li l-Parti tqis li tkun utli għall-SMEs interessati li jibbenefikaw mill-opportunitajiet ipprovduti minn din il-Parti ta' dan il-Ftehim.

2. Kull Parti għandha tinkludi fuq is-sit web previst fil-paragrafu 1 link tal-internet għal:

(a) it-test ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim, inklużi l-Annessi u l-Appendiċijiet tiegħu, b'mod partikolari l-iskedi tat-tariffi, u r-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott;

(b) sit web ekwivalenti tal-Parti l-oħra; u

(c) siti web tal-awtoritajiet tagħha stess li l-Parti tqis li jkunu jipprovdu informazzjoni siewja lil persuni interessati fil-kummerċ u fin-negozju f'dik il-Parti.

3. Kull Parti għandha tinkludi fuq is-sit web previst fil-paragrafu 1 link tal-internet għal siti web tal-awtoritajiet tagħha stess b'informazzjoni relatata ma' dan li ġej:

(a) ir-regolamenti doganali u l-proċeduri għall-importazzjoni, għall-esportazzjoni u għat-tranżitu kif ukoll il-formoli u d-dokumenti rilevanti u informazzjoni oħra;

(b) ir-regolamenti u l-proċeduri li jikkonċernaw id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, inkluż l-indikazzjonijiet ġeografiċi;

(c) ir-regolamenti tekniċi inklużi, fejn meħtieġ, il-proċeduri obbligatorji ta' valutazzjoni tal-konformità u links għal listi ta' korpi ta' valutazzjoni tal-konformità, fil-każijiet fejn il-valutazzjoni tal-konformità minn parti terza tkun obbligatorja, kif previst fil-Kapitolu 16;

(d) il-miżuri sanitarji u fitosanitarji relatati mal-importazzjoni u l-esportazzjoni kif previst fil-Kapitolu 13;

(e) ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku u bażi tad-*data* li jkun fiha l-avviżi ta' akkwist pubbliku u dispożizzjonijiet rilevanti oħra tal-Kapitolu 28;

(f) il-proċeduri għar-reġistrazzjoni ta' kumpanija; u

(g) informazzjoni oħra li l-Parti tqis li tista' tkun ta' għajnuna għall-SMEs.

4. Kull Parti għandha tinkludi link tal-internet fis-sit web previst fil-paragrafu 1 għal bażi tad-*data* li tkun tista' titfittex elettronikament permezz tal-kodiċi tas-Sistema Armonizzata u li tinkludi l-informazzjoni li ġejja fir-rigward tal-aċċess għas-suq tagħha:

(a) ir-rati tad-dazji u tal-kwoti doganali, inklużi rati tad-dazju doganali għan-nazzjon l-aktar iffavorit, ir-rati li jikkonċernaw pajjiżi mhux trattati bħan-nazzjon l-aktar iffavorit u r-rati preferenzjali u l-kwoti tar-rati tariffarji;

(b) id-dazji tas-sisa;

(c) it-taxxi (bħat-taxxa fuq il-valur miżjud);

(d) it-tariffi doganali jew tariffi oħrajn, inklużi tariffi oħrajn speċifiċi għall-prodotti;

(e) ir-regoli tal-oriġini kif previsti fil-Kapitolu 10;

(f) ir-restituzzjoni tad-dazji, id-differiment, jew tipi oħrajn ta' eżenzjoni li jnaqqsu, iroddu lura jew jirrinunzjaw id-dazji doganali;

(g) il-kriterji użati sabiex jiġi ddeterminat il-valur doganali tal-oġġett;

(h) miżuri tariffarji oħra;

(i) l-informazzjoni meħtieġa għall-proċeduri tal-importazzjoni; u

(j) informazzjoni relatata ma' miżuri jew ma' regolamenti mhux tariffarji.

5. Kull Parti għandha b'mod regolari, jew meta tintalab mill-Parti l-oħra, taġġorna l-informazzjoni u l-links imsemmija fil-paragrafi 1 sa 4 li żżomm fuq is-sit web tagħha sabiex tiżgura li jkunu aġġornati u preċiżi.

6. Kull Parti għandha tiżgura li l-informazzjoni msemmija f'dan l-*Artikolu* tiġi ppreżentata b'mod adegwat għall-użu tal-SMEs. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex tagħmel tali informazzjoni disponibbli bl-Ingliż.

7. Parti ma għandha tapplika tariffa għall-aċċess għall-informazzjoni pprovduta skont il-paragrafi 1 sa 4 fuq l-ebda persuna ta' Parti.

Artikolu 37.3

Punti ta' kuntatt għall-SMEs

1. Kull Parti għandha tikkomunika lill-Parti l-oħra l-punt ta' kuntatt tagħha għall-SMEs li jwettaq il-funzjonijiet elenkati f'dan l-*Artikolu*. Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra minnufih dwar kwalunkwe bidla fid-dettalji ta' dawk il-punti ta' kuntatt.

2. Il-punti ta' kuntatt għall-SMEs għandhom:

(a) jiżguraw li l-ħtiġijiet tal-SMEs jitqiesu fl-implimentazzjoni ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim sabiex l-SMEs taż-żewġ Partijiet ikunu jistgħu jieħdu vantaġġ minn opportunitajiet ġodda taħt din il-Parti ta' dan il-Ftehim;

(b) jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-*Artikolu* 37.2 tkun aġġornata u rilevanti għall-SMEs; kull waħda mill-Partijiet, permess tal-punti ta' kuntatt għall-SMEs, tista' tissuġġerixxi informazzjoni addizzjonali li l-Parti l-oħra tista' tinkludi fl-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta f'konformità mal-*Artikolu* 37.2;

(c) jeżaminaw kwalunkwe kwistjoni rilevanti għall-SMEs b'rabta mal-implimentazzjoni ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim, inkluż:

(i) jiskambjaw informazzjoni sabiex jassistu lill-Kumitat Konġunt fil-kompiti tiegħu ta' monitoraġġ u implimentazzjoni tal-aspetti relatati mal-SMEs ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim;

(ii) jassistu lis-Sottokumitati u l-punti ta' kuntatt stabbiliti minn din il-Parti ta' dan il-Ftehim, fil-kunsiderazzjoni ta' kwistjonijiet ta' rilevanza għall-SMEs;

(d) jirrapportaw perjodikament dwar l-attivitajiet tagħhom, b'mod konġunt jew individwali, lill-Kumitat Konġunt għall-kunsiderazzjoni tiegħu; u

(e) iqisu kwalunkwe kwistjoni oħra li tinqala' taħt din il-Parti ta' dan il-Ftehim li tappartjeni għall-SMEs skont kif jaqblu l-Partijiet.

3. Il-punti ta' kuntatt tal-SMEs għandhom jiltaqgħu kif meħtieġ u għandhom iwettqu xogħlhom permezz tal-mezzi ta' komunikazzjoni miftiehma mill-Partijiet, li jistgħu jinkludu posta elettronika, vidjokonferenzi jew mezzi oħra.

4. Il-punti ta' kuntatt għall-SMEs jistgħu jfittxu li jikkooperaw ma' esperti u ma' organizzazzjonijiet esterni, kif xieraq, fit-twettiq tal-attivitajiet tagħhom.

Artikolu 37.4

Nuqqas ta' applikazzjoni tas-soluzzjoni tat-tilwim

Il-Kapitolu 38 ma japplikax għal dan il-Kapitolu.

KAPITOLU 38

SOLUZZJONI TAT-TILWIM

TAQSIMA A

Objettiv u kamp ta' applikazzjoni

Artikolu 38.1

Objettiv

L-objettiv ta' dan il-Kapitolu huwa li jistabbilixxi mekkaniżmu effettiv u effiċjenti biex tiġi evitata u solvuta kwalunkwe tilwima bejn il-Partijiet dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim bil-ħsieb li tintlaħaq soluzzjoni maqbula b'mod reċiproku.

Artikolu 38.2

Kamp ta' applikazzjoni

Dan il-Kapitolu japplika fir-rigward ta' kwalunkwe tilwima bejn il-Partijiet li tikkonċerna l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim (minn hawn 'il quddiem imsejħa "dispożizzjonijiet koperti"), sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'din il-Parti ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 38.3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu u l-Annessi 38-A u 38-B:

(a) "Parti li tilmenta" tfisser il-Parti li titlob it-twaqqif ta' panel skont l-*Artikolu* 38.5;

(b) "medjatur" tfisser individwu li ntgħażel bħala medjatur skont l-*Artikolu* 38.27;

(c) "panel" tfisser panel imwaqqaf skont l-*Artikolu* 38.6;

(d) "membru tal-panel" tfisser membru ta' panel; u

(e) "Parti li kontriha jkun sar l-ilment" tfisser il-Parti li allegatament tkun qed tikser dispożizzjoni koperta.

TAQSIMA B

Konsultazzjonijiet

Artikolu 38.4

Konsultazzjonijiet

1. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex isolvu kwalunkwe tilwim imsemmi fl-*Artikolu* 38.2 billi jidħlu f'konsultazzjonijiet *in bona fide* bl-għan li jilħqu soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku.

2. Parti għandha titlob il-konsultazzjonijiet permezz ta' talba bil-miktub mibgħuta lill-Parti l-oħra filwaqt li tidentifika l-miżura inkwistjoni u d-dispożizzjonijiet koperti li hija tqis applikabbli.

3. Il-Parti li lilha ssir it-talba għal konsultazzjonijiet għandha twieġeb għat-talba fil-pront, iżda mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data tal-kunsinna tat-talba għall-konsultazzjonijiet. Il-konsultazzjonijiet għandhom jinżammu fi żmien 30 jum wara d-data tal-kunsinna tat-talba għall-konsultazzjonijiet u għandhom isiru, sakemm il-Partijiet ma jiftehmux mod ieħor, fit-territorju tal-Parti li tkun saret it-talba lilha. Il-konsultazzjonijiet għandhom jitqiesu bħala konklużi 46 jum wara d-data meta tasal it-talba għall-konsultazzjonijiet, sakemm il-Partijiet ma jaqblux li jkomplu bil-konsultazzjonijiet.

4. Konsultazzjonijiet dwar kwistjonijiet ta' urġenza, inklużi dawk dwar merkanzija li titħassar jew merkanzija jew servizzi staġunali, għandhom isiru fi żmien 15-il jum mid-data ta' kunsinna tat-talba għall-konsultazzjonijiet. Il-konsultazzjonijiet għandhom jitqiesu bħala konklużi 23 jum wara d-data meta tasal it-talba għall-konsultazzjonijiet, sakemm il-Partijiet ma jaqblux li jkomplu bil-konsultazzjonijiet.

5. Matul il-konsultazzjonijiet, kull Parti għandha tipprovdi biżżejjed informazzjoni fattwali sabiex tippermetti eżami sħiħ tal-mod li bih il-miżura inkwistjoni tista' taffettwa l-applikazzjoni ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim. Kull Parti għandha tagħmel ħiliha biex tiżgura l-parteċipazzjoni tal-persunal tal-awtoritajiet governattivi kompetenti tagħha li jkollhom għarfien espert fil-kwistjoni li hija soġġetta għall-konsultazzjonijiet.

6. Il-konsultazzjonijiet, u b'mod partikolari l-informazzjoni kollha ddeżinjata bħala kunfidenzjali u l-pożizzjonijiet meħudin minn Parti matul il-konsultazzjonijiet, għandhom ikunu kunfidenzjali u jkunu mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' kull Parti fi kwalunkwe proċediment ulterjuri.

7. Jekk il-Parti li ssirilha t-talba għall-konsultazzjonijiet ma tweġibx għat-talba fi żmien 10 ijiem wara d-data tal-wasla tagħha, jekk il-konsultazzjonijiet ma jsirux fil-perjodi ta' żmien stabbiliti fil-paragrafu 3 jew 4, jekk il-Partijiet jaqblu li ma jsirux konsultazzjonijiet, jew jekk il-konsultazzjonijiet ikunu ġew konklużi u ma tkun intlaħqet l-ebda soluzzjoni miftiehma reċiprokament, il-Parti li tkun talbet il-konsultazzjonijiet tista' tirrikorri għall-*Artikolu* 38.5.

TAQSIMA C

Proċeduri tal-panel

Artikolu 38.5

Bidu tal-proċeduri tal-panel

1. Jekk il-Partijiet ma jirnexxilhomx isolvu l-kwistjoni permezz tal-konsultazzjonijiet kif previst fl-*Artikolu* 38.4, il-Parti li tkun talbet il-konsultazzjonijiet tista' titlob l-istabbiliment ta' panel.

2. It-talba għall-istabbiliment ta' panel għandha ssir permezz ta' talba bil-miktub kunsinnata lill-Parti l-oħra. Il-Parti li tilmenta għandha tidentifika l-miżura inkwistjoni fit-talba tagħha, tispeċifika d-dispożizzjonijiet koperti li tqis applikabbli, u tispjega kif dik il-miżura tikkostitwixxi ksur tad-dispożizzjonijiet koperti b'mod li jkun suffiċjenti sabiex tippreżenta l-bażi ġuridika għall-ilment b'mod ċar.

Artikolu 38.6

Stabbiliment ta' panel

1. Panel għandu jkun magħmul minn tliet membri tal-panel.

2. Fi żmien 14-il jum mid-data tal-kunsinna tat-talba għall-istabbiliment ta' panel lill-Parti li kontriha jkun sar l-ilment, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw sabiex jaqblu dwar il-kompożizzjoni tal-panel.

3. Jekk il-Partijiet ma jaqblux dwar il-kompożizzjoni tal-panel fil-perjodu ta' żmien previst fil-paragrafu 2 ta' dan l-*Artikolu*, kull Parti għandha taħtar membru tal-panel mis-sublista ta' dik il-Parti stabbilita skont l-*Artikolu* 38.8 (1) fi żmien 10 ijiem wara d-data ta' skadenza tal-perjodu ta' żmien previst fil-paragrafu 2 ta' dan l-*Artikolu*. Jekk il-Parti li fil-konfront tagħha jkun sar l-ilment ma taħtarx membru tal-panel mis-sublista tagħha f'dak il-perjodu ta' żmien, il-kopresident tal-Kumitat Konġunt tal-Parti li tilmenta għandu jagħżel bil-polza, fi żmien 5 ijiem wara d-data ta' skadenza ta' dak il-perjodu ta' żmien, il-membru tal-panel mis-sublista ta' dik il-Parti. Il-kopresident tal-Kumitat tal-FSE mill-Parti lmentatriċi jista' jiddelega tali selezzjoni bil-polza tal-membru tal-panel.

4. Jekk il-Partijiet ma jaqblux dwar il-president tal-panel fil-perjodu ta' żmien previst fil-paragrafu 2 ta' dan l-*Artikolu*, il-kopresident tal-Kumitat Konġunt tal-Parti li tilmenta għandu jagħżel bil-polza, fi żmien 10 ijiem wara d-data ta' skadenza ta' dak il-perjodu ta' żmien, il-president tal-panel mis-sublista ta' presidenti stabbilita skont is-subparagrafu (c) tal-*Artikolu* 38.8(1). Il-kopresident tal-Kumitat Konġunt mill-Parti li tilmenta jista' jiddelega tali għażla bil-polza tal-president tal-panel.

5. Il-panel għandu jitqies li ġie stabbilit 15-il jum wara d-data li fiha t-tliet membri tal-panel magħżula jkunu nnotifikaw lill-Partijiet bl-aċċettazzjoni tagħhom tal-ħatra skont l-Anness 38-A, sakemm il-Partijiet ma jiftehmux mod ieħor. Kull Parti għandha tippubblika minnufih id-data tal-istabbiliment tal-panel.

6. Jekk xi waħda mil-listi previsti fl-*Artikolu* 38.8 ma tkunx ġiet stabbilita jew ma jkunx fiha biżżejjed ismijiet fil-mument li ssir talba skont il-paragrafu 3 jew 4 ta' dan l-*Artikolu*, il-membri tal-panel għandhom jintgħażlu bil-polza mill-individwi li jkunu ġew formalment proposti minn Parti waħda jew miż-żewġ Partijiet, f'konformità mal-Anness 38-A.

Artikolu 38.7

Għażla tal-forum

1. Jekk tinqala' tilwima li tikkonċerna miżura partikolari fi ksur allegat ta' obbligu skont din il-Parti ta' dan il-Ftehim u obbligu sostanzjalment ekwivalenti skont ftehim internazzjonali ieħor li għalih iż-żewġ Partijiet huma parti, inkluż il-Ftehim tad-WTO, il-Parti li tfittex rimedju għandha tagħżel il-forum li fih tissolva t-tilwima.

2. Ladarba Parti tkun għażlet il-forum u bdiet proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim skont din it-Taqsima jew skont ftehim internazzjonali ieħor fir-rigward tal-miżura partikolari msemmija fil-paragrafu 1, dik il-Parti ma għandhiex tibda proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim skont dak il-ftehim internazzjonali l-ieħor jew din it-Taqsima, rispettivament, sakemm il-forum magħżul l-ewwel ma jagħmilx sejbiet għal raġunijiet proċedurali jew ġuriżdizzjonali.

3. Għall-finijiet ta' dan l-*Artikolu*:

(a) il-proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim skont din it-Taqsima jitqiesu li jinbdew permezz ta' talba minn Parti għat-twaqqif ta' panel skont l-*Artikolu* 38.5;

(b) il-proċeduri għas-soluzzjoni ta' tilwim skont il-Ftehim tad-WTO jitqiesu li jkunu nbdew minn talba ta' Parti għall-istabbiliment ta' panel skont l-*Artikolu* 6 tal-Qbil dwar ir-Regoli u l-Proċeduri li Jirregolaw is-Soluzzjoni ta' Tilwim, fl-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO; u

(c) il-proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim skont kwalunkwe ftehim ieħor jitqiesu li jinbdew f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dak il-ftehim.

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, xejn f'din il-Parti ta' dan il-Ftehim ma għandu jipprekludi Parti milli tissospendi l-obbligi awtorizzati mill-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO jew awtorizzati skont il-proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim ta' ftehim internazzjonali ieħor li għalih il-Partijiet huma parti. Il-Ftehim tad-WTO jew kwalunkwe ftehim internazzjonali ieħor bejn il-Partijiet ma għandux jiġi invokat sabiex jipprekludi Parti milli tissospendi l-obbligi skont din it-Taqsima.

Artikolu 38.8

Listi ta' membri tal-panel

1. Il-Kumitat Konġunt għandu, mhux aktar tard minn sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, jistabbilixxi lista ta' mill-inqas 15-il individwu li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-panel. Il-lista għandha tkun magħmula minn tliet sublisti:

(a) sublista waħda ta' individwi stabbilita abbażi ta' proposti mill-Parti tal-UE;

(b) sublista waħda ta' individwi stabbilita fuq il-bażi ta' proposti miċ-Ċilì; u

(c) sublista waħda ta' individwi li ma humiex ċittadini ta' xi waħda mill-Partijiet u li għandhom iservu bħala president tal-panel.

2. Kull sublista għandha tinkludi mill-anqas ħames individwi. Il-Kumitat Konġunt għandu jiżgura li l-lista tinżamm dejjem f'dak l-għadd minimu ta' individwi.

3. Il-Kumitat Konġunt jista' jistabbilixxi listi addizzjonali ta' individwi b'għarfien espert f'setturi speċifiċi koperti minn din il-Parti ta'dan il-Ftehim. Jekk il-Partijiet jaqblu hekk, tali listi addizzjonali għandhom jintużaw sabiex jiġi fformat il-panel f'konformità mal-proċedura stipulata fl-*Artikolu* 38.6.

Artikolu 38.9

Rekwiżiti għall-membri tal-panel

1. Kull membru tal-panel għandu:

(a) ikun wera għarfien espert fil-liġi, il-kummerċ internazzjonali u kwistjonijiet oħra koperti minn din il-Parti ta' dan il-Ftehim;

(b) ikun indipendenti mill-Partijiet, ma jkunx affiljat magħhom u lanqas ma jieħu struzzjonijiet mingħandhom;

(c) iservi fil-kapaċitajiet individwali tiegħu u ma jiħux struzzjonijiet mingħand xi organizzazzjoni jew gvern fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mat-tilwima; u

(d) jikkonforma mal-Anness 38-B.

2. Il-president għandu, minbarra li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1, ikollu esperjenza fil-proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim.

3. Fid-dawl tas-suġġett ta' tilwima partikolari, il-Partijiet jistgħu jaqblu li jidderogaw mir-rekwiżiti elenkati fis-subparagrafu (a) tal-paragrafu 1.

Artikolu 38.10

Funzjonijiet tal-panel

Il-panel:

(a) għandu jagħmel valutazzjoni oġġettiva tal-kwistjoni quddiemu, li tinkludi valutazzjoni oġġettiva tal-fatti tal-każ u tal-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet ikkonċernati u tal-konformità magħhom;

(b) għandu jistabbilixxi, fid-deċiżjonijiet u fir-rapporti tiegħu, is-sejbiet tal-fatti, l-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet koperti u r-raġunament bażiku wara kull sejba u konklużjoni li jagħmel; u

(c) għandu jikkonsulta b'mod regolari mal-Partijiet u jipprovdi opportunitajiet adegwati għall-iżvilupp ta' soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku.

Artikolu 38.11

Termini ta' referenza

1. Sakemm il-Partijiet ma jiftehmux mod ieħor, fi żmien 5 ijiem mid-data tat-twaqqif tal-panel, it-termini ta' referenza tal-panel għandhom ikunu:

"li jeżaminaw, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Parti III tal-Ftehim Qafas Avvanzat bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċilì, min-naħa l-oħra, ikkwotati mill-Partijiet, il-kwistjoni msemmija fit-talba għall-istabbiliment tal-panel, biex jagħmel sejbiet dwar il-konformità tal-miżura inkwistjoni mad-dispożizzjonijiet koperti tal-Parti III ta' dak il-Ftehim u biex jippreżenta rapport f'konformità mal-*Artikolu* 38.13 ta' dak il-Ftehim".

2. Jekk il-Partijiet jaqblu dwar termini ta' referenza oħra minbarra dawk stabbiliti fil-paragrafu 1, huma għandhom jinnotifikaw lill-panel bit-termini ta' referenza miftiehma fil-perjodu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 1.

Artikolu 38.12

Deċiżjoni dwar urġenza

1. Jekk Parti titlob hekk, il-panel għandu jiddeċiedi, fi żmien 10 ijiem wara t-twaqqif tiegħu, jekk il-każ jikkonċernax kwistjoni ta' urġenza.

2. F'każijiet ta' urġenza, il-perjodi ta' żmien applikabbli stabbiliti f'din it-Taqsima għandhom ikunu nofs iż-żmien stipulat fiha, ħlief għall-perjodi ta' żmien imsemmijin fl-*Artikolu* 38.6 u l-*Artikolu* 38.11.

Artikolu 38.13

Rapport *interim* u rapport finali

1. Il-panel għandu joħroġ rapport *interim* lill-Partijiet fi żmien 90 jum wara d-data tal-istabbiliment tal-panel. Jekk il-panel iqis li din l-iskadenza ma tistax tintlaħaq, il-president tal-panel għandu jinforma lill-Partijiet, filwaqt li jiddikjara r-raġunijiet għad-dewmien u d-data li fiha l-panel jippjana li joħroġ ir-rapport *interim* tiegħu. Il-panel qatt ma għandu joħroġ ir-rapport *interim* tiegħu aktar tard minn 120 jum wara d-data ta' stabbiliment tal-panel.

2. Kull Parti tista' tibgħat talba bil-miktub lill-panel sabiex jirrieżamina aspetti preċiżi tar-rapport *interim* fi żmien 10 ijiem mid-data ta' kunsinna tiegħu. Parti tista' tikkummenta fuq it-talba tal-Parti l-oħra fi żmien 6 ijiem wara d-data tal-kunsinna ta' dik it-talba.

3. Jekk ma tasal l-ebda talba skont il-paragrafu 2, ir-rapport *interim* għandu jsir ir-rapport finali.

4. Il-panel għandu joħroġ ir-rapport finali tiegħu lill-Partijiet fi żmien 120 jum wara d-data ta' stabbiliment tal-panel. Jekk il-panel iqis li t-tali skadenza ma tistax tintlaħaq, il-president tal-panel għandu jinforma lill-Partijiet, filwaqt li jiddikjara r-raġunijiet għad-dewmien u d-data li fiha l-panel jippjana li joħroġ ir-rapport finali tiegħu. Il-panel qatt ma għandu joħroġ ir-rapport finali tiegħu aktar tard minn 150 jum wara d-data ta' stabbiliment tal-panel.

5. Ir-rapport finali għandu jinkludi diskussjoni dwar kwalunkwe talba bil-miktub mill-Partijiet dwar ir-rapport *interim* u jindirizza b'mod ċar il-kummenti tal-Partijiet. Il-panel għandu jistabbilixxi dan li ġej fir-rapport *interim* u fir-rapport finali:

(a) taqsima deskrittiva li jkun fiha sommarju tal-argumenti tal-Partijiet u tal-kummenti msemmija fil-paragrafu 2;

(b) is-sejbiet tiegħu dwar il-fatti tal-każ u dwar l-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet koperti rilevanti;

(c) is-sejbiet tiegħu dwar jekk il-miżura inkwistjoni hijiex konformi jew le mad-dispożizzjonijiet koperti rilevanti; u

(d) ir-raġunijiet għas-sejbiet imsemmija fis-subparagrafi (b) u (c).

6. Ir-rapport finali għandu jkun finali u jorbot lill-Partijiet.

Artikolu 38.14

Miżuri ta' konformità

1. Il-Parti li fil-konfront tagħha jkun sar l-ilment għandha tieħu kwalunkwe miżura meħtieġa biex tikkonforma minnufih mar-rapport finali sabiex tikkonforma ruħha mad-dispożizzjonijiet koperti.

2. Mhux aktar tard minn 30 jum wara d-data tal-kunsinna tar-rapport finali, il-Parti li kontriha jkun sar l-ilment għandha tinnotifika lill-Parti lmentatriċi dwar kwalunkwe miżura li tkun ħadet, jew li qed tipprevedi li tieħu, sabiex tikkonforma mar-rapport finali.

Artikolu 38.15

Perjodu ta' żmien raġonevoli

1. Jekk il-konformità immedjata ma tkunx possibbli, il-Parti li fil-konfront tagħha jkun sar l-ilment għandha, mhux aktar tard minn 30 jum wara d-data tal-wasla tar-rapport finali, tinnotifika lill-Parti li tilmenta dwar it-tul tal-perjodu raġonevoli ta' żmien li se tkun teħtieġ għall-konformità. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jaqblu dwar it-tul tal-perjodu ta' żmien raġonevoli sabiex jikkonformaw mar-rapport finali.

2. Jekk il-Partijiet ma jkunux qablu dwar it-tul tal-perjodu ta' żmien raġonevoli, il-Parti lmentatriċi tista', mhux aktar kmieni minn 20 jum wara d-data ta' kunsinna tan-notifika msemmija fil-paragrafu 1, titlob bil-miktub lill-panel oriġinali sabiex jiddetermina t-tul tal-perjodu ta' żmien raġonevoli. Il-panel għandu jagħti d-deċiżjoni tiegħu lill-Partijiet fi żmien 20 jum wara d-data ta' kunsinna ta' din it-talba.

3. Il-Parti li kontriha jkun sar l-ilment għandha, mill-inqas xahar qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' żmien raġonevoli, tinnotifika lill-Parti lmentatriċi dwar il-progress tagħha fil-konformità mar-rapport finali.

4. Il-Partijiet jistgħu jaqblu li jestendu l-perjodu ta' żmien raġonevoli.

Artikolu 38.16

Rieżami tal-konformità

1. Il-Parti li fil-konfront tagħha jkun sar l-ilment għandha, mhux aktar tard mid-data ta' skadenza tal-perjodu ta' żmien raġonevoli msemmi fl-*Artikolu* 38.15, tinnotifika lill-Parti li tilmenta dwar kwalunkwe miżura li tkun ħadet sabiex tikkonforma mar-rapport finali.

2. Meta l-Partijiet ma jaqblux dwar l-eżistenza jew il-konsistenza mad-dispożizzjonijiet koperti ta' kwalunkwe miżura meħuda għall-konformità, il-Parti lmentatriċi tista' tibgħat talba, bil-miktub, lill-panel oriġinali sabiex jiddeċiedi dwar il-kwistjoni. It-talba għandha tidentifika kwalunkwe miżura inkwistjoni u tispjega kif dik il-miżura tikkostitwixxi ksur tad-dispożizzjonijiet koperti b'mod li jkun suffiċjenti sabiex tippreżenta l-bażi ġuridika għall-ilment b'mod ċar. Il-panel għandu jagħti d-deċiżjoni tiegħu lill-Partijiet fi żmien 46 jum wara d-data ta' kunsinna ta' din it-talba.

Artikolu 38.17

Rimedji temporanji

1. Fuq talba tal-Parti lmentatriċi u wara konsultazzjonijiet magħha, il-Parti li kontriha jkun sar l-ilment għandha tippreżenta offerta għal kumpens temporanju jekk:

(a) il-Parti li kontriha jkun sar l-ilment tinnotifika lill-Parti lmentatriċi li ma huwiex possibbli li jkun hemm konformità mar-rapport finali;

(b) il-Parti li fil-konfront tagħha jkun sar l-ilment tonqos milli tinnotifika kwalunkwe miżura li tkun ħadet biex tikkonforma jew li tkun biħsiebha tieħu biex tikkonforma fil-perjodu ta' żmien imsemmi fl-*Artikolu* 38.14, jew tonqos milli tinnotifika kwalunkwe miżura meħuda biex tikkonforma qabel id-data ta' skadenza tal-perjodu raġonevoli ta' żmien imsemmi fl-*Artikolu* 38.15;

(c) il-panel isib li ma tkun teżisti l-ebda miżura meħuda għall-konformità, f'konformità mal-*Artikolu* 38.16; jew

(d) il-panel isib li l-miżura meħuda għall-konformità tkun inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet koperti, f'konformità mal-*Artikolu* 38.16.

2. Fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fis-subparagrafu (a), (b), (c) jew (d) tal-paragrafu 1, il-Parti li tilmenta tista' tinnotifika lill-Parti li fil-konfront tagħha jkun sar l-ilment li biħsiebha tissospendi l-obbligi stabbiliti fid-dispożizzjonijiet koperti jekk:

(a) il-Parti lmentatriċi tiddeċiedi li ma tagħmilx talba skont il-paragrafu 1; jew

(b) il-Parti lmentatriċi tkun għamlet talba skont il-paragrafu 1 u l-Partijiet ma jaqblux dwar il-kumpens temporanju fi żmien 20 jum wara d-data tal-iskadenza tal-perjodu ta' żmien raġonevoli msemmi fl-*Artikolu* 38.15 jew l-għoti tad-deċiżjoni tal-panel skont l-*Artikolu* 38.16.

3. Il-Parti lmentatriċi tista' tissospendi l-obbligi 10 ijiem wara d-data ta' kunsinna tan-notifika msemmija fil-paragrafu 2, sakemm il-Parti li kontriha jkun sar l-ilment ma tkunx għamlet talba skont il-paragrafu 6.

4. Il-livell tas-sospensjoni tal-obbligi ma għandhiex taqbeż il-livell ekwivalenti għan-nullifikazzjoni jew għall-indeboliment ikkawżat mill-ksur. In-notifika msemmija fil-paragrafu 2 għandha tispeċifika l-livell tas-sospensjoni tal-obbligi maħsuba.

5. Meta tikkunsidra liema obbligi għandha tissospendi, il-Parti li tilmenta għandha l-ewwel tfittex li tissospendi l-obbligi fl-istess settur jew setturi bħal dawk affettwati mill-miżura li l-panel sab li huma inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet koperti. Is-sospensjoni tal-obbligi tista' tiġi applikata għal settur jew setturi koperti minn din il-Parti ta' dan il-Ftehim minbarra dawk li fihom il-panel ikun sab tħassir jew indeboliment, b'mod partikolari jekk il-Parti li tilmenta tkun tal-fehma li tali sospensjoni fis-settur jew fis-setturi l-oħra tkun prattikabbli jew effettiva biex twassal għall-konformità.

6. Jekk il-Parti li kontriha jkun sar l-ilment tqis li l-livell notifikat ta' sospensjoni tal-obbligi maħsuba jaqbeż il-livell ekwivalenti għan-nullifikazzjoni jew l-indeboliment ikkawżat mill-ksur, hija tista', qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 3, tibgħat talba bil-miktub lill-panel oriġinali biex jiddeċiedi dwar il-kwistjoni. Il-panel għandu jagħti d-deċiżjoni tiegħu dwar il-livell tas-sospensjoni tal-obbligi lill-Partijiet fi żmien 30 jum wara d-data tat-talba. Il-Parti lmentatriċi ma għandha tissospendi l-ebda obbligu sakemm il-panel ma jkunx ta d-deċiżjoni tiegħu. Is-sospensjoni tal-obbligi għandha tkun konsistenti ma' dik id-deċiżjoni.

7. Is-sospensjoni tal-obbligi, jew il-kumpens imsemmi f'dan l-*Artikolu*, għandhom ikunu temporanji u ma għandhomx jiġu applikati wara li:

(a) il-Partijiet ikunu laħqu soluzzjoni maqbula reċiprokament skont l-*Artikolu* 38.32;

(b) il-Partijiet ikunu qablu li l-miżura meħuda sabiex tinkiseb konformità ġġib lill-Parti li kontriha jkun sar l-ilment f'konformità mad-dispożizzjonijiet koperti; jew

(c) kwalunkwe miżura meħuda sabiex tinkiseb konformità li l-panel ikun sab li kienet inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet koperti ġiet irtirata jew emendata sabiex il-Parti li kontriha jkun sar l-ilment tinġieb f'konformità ma' dawk id-dispożizzjonijiet.

Artikolu 38.18

Rieżami tal-miżuri meħuda sabiex tinkiseb konformità wara rimedji temporanji

1. Il-Parti li kontriha jkun sar l-ilment għandha tinnotifika lill-Parti lmentatriċi dwar kwalunkwe miżura li tkun ħadet sabiex tikkonforma wara s-sospensjoni tal-obbligi jew wara l-applikazzjoni ta' kumpens temporanju, skont il-każ. Bl-eċċezzjoni tal-każijiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-Parti lmentatriċi għandha ttemm is-sospensjoni tal-obbligi fi żmien 30 jum mid-data ta' kunsinna ta' dik in-notifika. F'każijiet li fihom ikun ġie applikat kumpens, u bl-eċċezzjoni tal-każijiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-Parti li kontriha jkun sar l-ilment tista' ttemm l-applikazzjoni ta' tali kumpens fi żmien 30 jum wara d-data tal-kunsinna tan-notifika minn tagħha li hija tkun ikkonformat.

2. Jekk il-Partijiet ma jilħqux ftehim dwar jekk il-miżura notifikata skont il-paragrafu 1 iġġibx il-Parti li kontriha jkun sar l-ilment f'konformità mad-dispożizzjonijiet koperti fi żmien 30 jum mid-data tal-wasla ta' dik in-notifika, il-Parti lmentatriċi għandha tibgħat talba bil-miktub lill-panel oriġinali sabiex jiddeċiedi dwar il-kwistjoni. Il-panel għandu jagħti d-deċiżjoni tiegħu lill-Partijiet fi żmien 46 jum wara d-data ta' kunsinna tat-talba. Jekk il-panel isib li l-miżura meħuda sabiex tinkiseb konformità tkun f'konformità mad-dispożizzjonijiet koperti, is-sospensjoni tal-obbligi jew il-kumpens, skont il-każ, għandu jintemm. Jekk rilevanti, il-Parti lmentatriċi għandha taġġusta l-livell ta' sospensjoni tal-obbligi jew tal-kumpens fid-dawl tad-deċiżjoni tal-panel.

3. Jekk il-Parti li kontriha jkun sar l-ilment tqis li l-livell ta' sospensjoni implimentat mill-Parti lmentatriċi jisboq il-livell ekwivalenti għan-nullifikazzjoni jew għall-indeboliment ikkawżat mill-ksur, tista' tibgħat talba bil-miktub lill-panel oriġinali sabiex jieħu deċiżjoni dwar il-kwistjoni.

Artikolu 38.19

Sostituzzjoni tal-membri tal-panel

Jekk matul il-proċeduri tal-panel skont din it-Taqsima, membru tal-panel ma jkunx jista' jipparteċipa, jirtira jew jeħtieġ li jiġi sostitwit minħabba li ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-Anness 38-B, għandu jinħatar membru tal-panel ġdid f'konformità mal-*Artikolu* 38.6. Il-perjodu ta' żmien sabiex jitwassal rapport jew deċiżjoni msemmija f'din it-Taqsima għandu jiġi estiż għaż-żmien neċessarju għall-ħatra tal-membru tal-panel il-ġdid.

Artikolu 38.20

Regoli ta' proċedura

1. Il-proċeduri tal-panel skont din it-Taqsima għandhom ikunu rregolati minn dan il-Kapitolu u mill-Anness 38-A.

2. Kwalunkwe smigħ tal-panel għandu jkun miftuħ għall-pubbliku sakemm ma jkunx previst mod ieħor fl-Anness 38-A.

Artikolu 38.21

Sospensjoni u terminazzjoni

1. Fuq talba konġunta tal-Partijiet, il-panel għandu jissospendi l-ħidma tiegħu fi kwalunkwe ħin għal perjodu maqbul mill-Partijiet u li ma jaqbiżx 12-il xahar konsekuttivi.

2. Il-panel għandu jissokta bil-ħidma tiegħu qabel tmiem il-perjodu ta' sospensjoni fuq talba bil-miktub taż-żewġ Partijiet, jew fi tmiem il-perjodu ta' sospensjoni fuq talba bil-miktub ta' xi waħda mill-Partijiet. Il-Parti rikjedenti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra kif xieraq. Jekk Parti ma titlobx li tissokta l-ħidma tal-panel fi tmiem il-perjodu ta' sospensjoni, l-awtorità tal-panel għandha tiskadi u l-proċedura tas-soluzzjoni ta' tilwim għandha tiġi terminata.

3. Jekk il-ħidma tal-panel tiġi sospiża skont dan l-*Artikolu*, il-perjodi ta' żmien rilevanti skont din it-Taqsima għandhom jiġu estiżi bl-istess perjodu ta' żmien li għalih tkun ġiet sospiża l-ħidma tal-panel.

Artikolu 38.22

Id-dritt li tintalab informazzjoni

1. Fuq talba ta' Parti jew fuq inizjattiva tiegħu stess, il-panel jista' jitlob mingħand il-Partijiet l-informazzjoni li huwa jqis neċessarja u xierqa. Il-Partijiet għandhom iwieġbu minnufih u b'mod komplet għal kwalunkwe talba mill-panel għal informazzjoni bħal din.

2. Fuq talba ta' Parti jew fuq inizjattiva tiegħu stess, il-panel jista' jitlob kwalunkwe informazzjoni li jqis neċessarja u xierqa minn kwalunkwe sors. Il-panel għandu wkoll id-dritt li jitlob l-opinjoni, inkluż informazzjoni u pariri tekniċi, ta' esperti, kif iqis xieraq, u soġġett għal kwalunkwe terminu u kundizzjoni miftehmin mill-Partijiet, jekk applikabbli.

3. Il-panel għandu jqis sottomissjonijiet *amicus curiae* minn persuni fiżiċi ta' Parti jew minn persuni ġuridiċi stabbiliti f'Parti f'konformità mal-Anness 38-A.

4. Kwalunkwe informazzjoni miksuba mill-panel skont dan l-*Artikolu* għandha tiġi ddivulgata lill-Partijiet, u l-Partijiet jistgħu jipprovdu kummenti dwar dik l-informazzjoni.

Artikolu 38.23

Regoli ta' interpretazzjoni

1. Il-panel għandu jinterpreta d-dispożizzjonijiet koperti f'konformità mar-regoli konswetudinarji tal-interpretazzjoni tad-dritt internazzjonali pubbliku, inklużi dawk kodifikati fil-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati.

2. Il-panel għandu jqis ukoll l-interpretazzjonijiet rilevanti fir-rapporti tal-panels tad-WTO u tal-Korp tal-Appell adottati mill-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO.

3. Ir-rapporti u d-deċiżjonijiet tal-panel ma għandhomx iżidu jew inaqqsu d-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont din il-Parti tal-Ftehim.

Artikolu 38.24

Rapporti u deċiżjonijiet tal-panel

1. Id-deliberazzjonijiet tal-panel għandhom jinżammu kunfidenzjali. Il-panel għandu jagħmel kull sforz sabiex jabbozza rapporti u jieħu deċiżjonijiet b'kunsens. Jekk dan ma jkunx possibbli, il-panel għandu jiddeċiedi l-kwistjoni b'vot ta' maġġoranza. Fl-ebda każ ma għandhom jiġu ddivulgati l-opinjonijiet separati tal-membri tal-panel.

2. Kull Parti għandha tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha u r-rapporti u d-deċiżjonijiet tal-panel disponibbli għall-pubbliku, soġġett għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali.

3. Ir-rapporti u d-deċiżjonijiet tal-panel għandhom jiġu aċċettati mingħajr kundizzjoni mill-Partijiet. Ma għandhom joħolqu l-ebda dritt jew obbligu għall-persuni.

4. Il-panel u l-Partijiet għandhom jittrattaw bħala kunfidenzjali kwalunkwe informazzjoni sottomessa minn Parti lill-panel f'konformità mal-Anness 38-A.

TAQSIMA D

Mekkaniżmu ta' medjazzjoni

Artikolu 38.25

Objettiv

1. L-objettiv tal-mekkaniżmu ta' medjazzjoni hu li jiffaċilita s-sejba ta' soluzzjoni bi ftehim reċiproku permezz ta' proċedura komprensiva u espedjenti bl-assistenza ta' medjatur.

2. Il-proċedura ta' medjazzjoni tista' tinbeda biss permezz ta' ftehim reċiproku tal-Partijiet sabiex jesploraw soluzzjonijiet maqbula b'mod reċiproku u jqisu kwalunkwe parir u soluzzjoni proposti mill-medjatur.

Artikolu 38.26

Bidu tal-proċedura ta' medjazzjoni

1. Parti ("il-Parti rikjedenti") tista', fi kwalunkwe ħin, titlob lill-Parti l-oħra ("il-Parti rispondenti") bil-miktub biex tidħol fi proċedura ta' medjazzjoni fir-rigward ta' kwalunkwe miżura tal-Parti rispondenti li allegatament taffettwa b'mod negattiv il-kummerċ jew l-investiment bejn il-Partijiet.

2. It-talba msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun dettaljata biżżejjed biex tippreżenta b'mod ċar it-tħassib tal-Parti rikjedenti u għandha:

(a) tidentifika l-miżura inkwistjoni;

(b) tipprovdi dikjarazzjoni tal-effetti negattivi li l-Parti rikjedenti tqis li l-miżura għandha, jew se jkollha, fuq il-kummerċ jew l-investiment bejn il-Partijiet; u

(c) tispjega kif il-Parti rikjedenti tqis li dawk l-effetti jkunu marbuta mal-miżura.

3. Il-Parti rispondenti għandha tagħti konsiderazzjoni simpatetika lit-talba u tagħti l-aċċettazzjoni jew iċ-ċaħda tagħha bil-miktub lill-Parti rikjedenti fi żmien 10 ijiem wara d-data li tirċeviha; inkella t-talba għandha titqies bħala miċħuda.

Artikolu 38.27

Għażla tal-medjatur

1. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jaqblu dwar medjatur fi żmien 14-il jum wara d-data tal-bidu tal-proċedura ta' medjazzjoni.

2. Jekk il-Partijiet ma jkunux jistgħu jaqblu dwar il-medjatur fil-perjodu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-*Artikolu*, kwalunkwe Parti tista' titlob lill-kopresident tal-Kumitat Konġunt tal-Parti rikjedenti biex jagħżel il-medjatur bil-polza, fi żmien 5 ijiem wara d-data tat-talba, mis-sublista ta' presidenti stabbilita skont is-subparagrafu (c) tal-*Artikolu* 38.8(1). Il-kopresident tal-Kumitat Konġunt tal-Parti rikjedenti jista' jiddelega din l-għażla tal-medjatur bil-polza.

3. Jekk is-sublista ta' presidenti msemmija fis-subparagrafu (c) tal-*Artikolu* 38.8 (1) ma tkunx ġiet stabbilita fiż-żmien meta ssir talba skont l-*Artikolu* 38.26, il-medjatur għandu jintgħażel bil-polza mill-individwi li jkunu ġew formalment proposti minn Parti waħda jew miż-żewġ Partijiet għal dik is-sublista.

4. Medjatur ma għandux ikun ċittadin ta' xi waħda mill-Partijiet jew impjegat ta' xi waħda mill-Partijiet, sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor.

5. Medjatur għandu jikkonforma mal-Anness 38-B.

Artikolu 38.28

Regoli tal-proċedura ta' medjazzjoni

1. Fi żmien 10 ijiem wara d-data tal-ħatra tal-medjatur, il-Parti rikjedenti għandha tibgħat lill-medjatur u lill-Parti rispondenti deskrizzjoni dettaljata bil-miktub tat-tħassib tagħha, b'mod partikolari fir-rigward tal-operat tal-miżura inkwistjoni u l-effetti negattivi possibbli tagħha fuq il-kummerċ jew l-investiment. Fi żmien 20 jum wara l-wasla ta' dik id-deskrizzjoni, il-Parti rispondenti tista' tibgħat kummenti bil-miktub dwar din id-deskrizzjoni. Parti tista' tinkludi kwalunkwe informazzjoni li hija tqis rilevanti fid-deskrizzjoni jew fil-kummenti tagħha.

2. Il-medjatur għandu jassisti lill-Partijiet b'mod trasparenti sabiex tinkiseb ċarezza dwar il-miżura inkwistjoni u dwar l-effetti negattivi possibbli tagħha fuq il-kummerċ jew l-investiment. B'mod partikolari, il-medjatur jista' jorganizza laqgħat bejn il-Partijiet, jikkonsulta lill-Partijiet b'mod konġunt jew individwalment, jikkonsulta lill-esperti u l-partijiet ikkonċernati rilevanti u jfittex l-assistenza tagħhom, u jipprovdi kull appoġġ addizzjonali mitlub mill-Partijiet. Il-medjatur għandu jikkonsulta mal-Partijiet qabel ifittex l-assistenza jew jikkonsulta lill-esperti u l-partijiet ikkonċernati rilevanti.

3. Il-medjatur jista' joffri pariri u jipproponi soluzzjoni għall-konsiderazzjoni tal-Partijiet. Il-Partijiet jistgħu jaċċettaw jew jiċħdu s-soluzzjoni proposta, jew jaqblu dwar soluzzjoni differenti. Il-medjatur ma għandux jagħti parir jew jikkummenta dwar il-konsistenza tal-miżura inkwistjoni ma' din il-Parti ta' dan il-Ftehim.

4. Il-proċedura ta' medjazzjoni għandha ssir fit-territorju tal-Parti rispondenti jew, bi ftehim reċiproku tal-Partijiet, fi kwalunkwe post ieħor jew permezz ta' kwalunkwe mezz ieħor.

5. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jilħqu soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku fi żmien 60 jum wara d-data tal-ħatra tal-medjatur. Sakemm jintlaħaq ftehim finali, il-Partijiet jistgħu jikkunsidraw soluzzjonijiet *interim* possibbli, b'mod partikolari jekk il-miżura tkun relatata ma' merkanzija li titħassar jew ma' merkanzija jew ma' servizzi staġunali.

6. Fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, il-medjatur għandu jippreżenta abbozz ta' rapport fattwali lill-Partijiet, li jipprovdi:

(a) sommarju qasir tal-miżura inkwistjoni;

(b) il-proċeduri li ġew segwiti; u

(c) jekk applikabbli, kwalunkwe soluzzjoni maqbula reċiprokament, inklużi soluzzjonijiet *interim* possibbli.

7. Il-medjatur għandu jippermetti lill-Partijiet jikkummentaw dwar l-abbozz tar-rapport fattwali 15-il jum wara d-data tal-kunsinna tal-abbozz tar-rapport fattwali. Wara li jikkunsidra l-kummenti riċevuti millPartijiet, il-medjatur għandu, fi żmien 15-il jum minn meta jirċievi l-kummenti, jibgħat rapport fattwali finali lill-Partijiet. L-abbozzi u r-rapporti fattwali finali ma għandhom jinkludu l-ebda interpretazzjoni ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim.

8. Il-proċedura ta' medjazzjoni għandha tintemm:

(a) bl-adozzjoni ta' soluzzjoni maqbula b'mod reċiproku mill-Partijiet, fid-data tan-notifika tagħha lill-medjatur;

(b) bi ftehim reċiproku tal-Partijiet fi kwalunkwe stadju tal-proċedura, fid-data tan-notifika ta' dak il-ftehim lill-medjatur;

(c) b'dikjarazzjoni bil-miktub tal-medjatur, wara konsultazzjoni mal-Partijiet, li sforzi ulterjuri ta' medjazzjoni ma jwasslu mkien, fid-data tan-notifika ta' dik id-dikjarazzjoni lill-Partijiet; jew

(d) b'dikjarazzjoni bil-miktub ta' Parti wara li jkunu ġew esplorati soluzzjonijiet maqbula b'mod reċiproku skont il-proċedura ta' medjazzjoni u wara li jkunu ġew ikkunsidrati kwalunkwe parir jew soluzzjoni proposti mill-medjatur, fid-data tan-notifika ta' dik id-dikjarazzjoni lill-medjatur u lill-Parti l-oħra.

Artikolu 38.29

Kunfidenzjalità

Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor, il-passi kollha tal-proċedura ta' medjazzjoni, inkluż kwalunkwe parir jew soluzzjoni proposta, huma kunfidenzjali. Parti tista' tiżvela lill-pubbliku l-fatt li tkun qed isseħħ il-medjazzjoni.

Artikolu 38.30

Relazzjoni mal-proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim

1. Il-proċedura ta' medjazzjoni hija mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u għall-obbligi tal-Partijiet skont it-Taqsimiet B u C jew il-proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim skont kwalunkwe ftehim ieħor.

2. Parti ma għandhiex tistrieħ fuq, jew tintroduċi bħala evidenza fi proċeduri oħra għas-soluzzjoni tat-tilwim skont dan il-Ftehim jew kwalunkwe ftehim ieħor, u panel ma għandux jikkunsidra:

(a) il-pożizzjonijiet meħudin mill-Parti l-oħra matul il-proċedura ta' medjazzjoni jew informazzjoni miġbura esklużivament skont l-*Artikolu* 38.28(2);

(b) il-fatt li l-Parti l-oħra tkun indikat ir-rieda tagħha li taċċetta soluzzjoni għall-miżura soġġetta għall-medjazzjoni; jew

(c) il-pariri mogħtija jew il-proposti magħmula mill-medjatur.

3. Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor, medjatur ma għandux iservi bħala membru ta' panel fi proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim skont dan il-Ftehim jew skont kwalunkwe ftehim ieħor li jinvolvi l-istess kwistjoni li għaliha kien medjatur.

TAQSIMA E

Dispożizzjonijiet komuni

Artikolu 38.31

Talba għall-informazzjoni

1. Qabel ma ssir talba għal konsultazzjonijiet jew medjazzjoni skont l-*Artikolu* 38.4 jew l-*Artikolu* 38.26 rispettivament, Parti tista' titlob informazzjoni mingħand il-Parti l-oħra rigward miżura li allegatament taffettwa b'mod avvers il-kummerċ jew l-investiment bejn il-Partijiet. Il-Parti li ssirilha tali talba għandha, fi żmien 20 jum wara d-date li tirċievi t-talba, tagħti tweġiba bil-miktub li jkun fiha l-kummenti tagħha dwar l-informazzjoni mitluba.

2. Jekk il-Parti li tkun saret it-talba lilha tikkunsidra li ma hijiex se tkun tista' twieġeb fi żmien 20 jum wara d-data ta' kunsinna tat-talba, hija għandha tinforma minnufih lill-Parti l-oħra bir-raġunijiet għad-dewmien, flimkien ma' stima tal-iqsar perjodu li fih se tkun tista' tipprovdi t-tweġiba tagħha.

3. Normalment Parti tkun mistennija titlob informazzjoni skont il-paragrafu 1 ta' dan l-*Artikolu* qabel ma ssir talba għal konsultazzjonijiet jew medjazzjoni skont l-*Artikolu* 38.4 jew 38.26 rispettivament.

Artikolu 38.32

Soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku

1. Il-Partijiet jistgħu jsibu soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku fi kwalunkwe waqt fir-rigward ta' kwalunkwe tilwima msemmija fl-*Artikolu* 38.2.

2. Jekk soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku tintlaħaq matul il-proċeduri tal-panel jew il-proċedura ta' medjazzjoni, il-Partijiet għandhom jinnotifikaw b'mod konġunt dik is-soluzzjoni lill-president tal-panel jew lill-medjatur, rispettivament. Wara tali notifika, il-panel jew il-proċedura ta' medjazzjoni għandhom jintemmu.

3. Kull Parti għandha tieħu l-miżuri neċessarji sabiex timplimenta s-soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku minnufih jew fil-perjodu ta' żmien miftiehem, kif applikabbli.

4. Mhux iktar tard mill-iskadenza tal-perjodu ta' żmien miftiehem, il-Parti li timplimenta għandha tgħarraf lill-Parti l-oħra, bil-miktub, dwar kwalunkwe miżura li hija tkun ħadet sabiex timplimenta s-soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku.

Artikolu 38.33

Perjodi ta' żmien

1. Il-perjodi ta' żmien kollha stabbiliti f'dan il-Kapitolu għandhom jingħaddu mill-jum ta' wara l-att li jirreferu għalih.

2. Kwalunkwe perjodu ta' żmien imsemmi f'dan il-Kapitolu jista' jiġi mmodifikat bi qbil reċiproku bejn il-Partijiet.

3. Skont it-Taqsima C, il-panel jista' fi kwalunkwe waqt jipproponi lill-Partijiet sabiex jimmodifikaw kwalunkwe perjodu ta' żmien imsemmi f'dan il-Kapitolu, filwaqt li jiddikjara r-raġunijiet għall-proposta.

Artikolu 38.34

Kostijiet

1. Kull Parti għandha ġġarrab l-ispejjeż tagħha li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni fil-panel jew fil-proċedura ta' medjazzjoni.

2. Il-Partijiet għandhom jaqsmu b'mod konġunt u indaqs l-ispejjeż li jirriżultaw minn kwistjonijiet organizzazzjonali, inklużi r-remunerazzjoni u l-ispejjeż tal-membri tal-panel u tal-medjatur. Ir-remunerazzjoni tal-membri tal-panel għandha tiġi ddeterminata f'konformità mal-Anness 38-A. Ir-regoli dwar ir-remunerazzjoni tal-membri tal-panel stabbiliti fl-Anness 38-A għandhom japplikaw għall-medjaturi *mutatis mutandis*.

Artikolu 38.35

Emenda tal-Annessi

Il-Kunsill Konġunt jista' jadotta deċiżjoni biex jemenda l-Annessi 38-A u 38-B, skont is-subparagrafu (a) tal-*Artikolu* 8.5 (1).

KAPITOLU 39

EĊĊEZZJONIJIET

Artikolu 39.1

Eċċezzjonijiet ġenerali

1. Għall-finijiet tal-Kapitoli 9, 11, 15, 26 u 29 u t-Taqsima B tal-Kapitolu 17 ([141]) ta' dan il-Ftehim, l-*Artikolu* XX tal-GATT 1994, inklużi n-Noti u d-Dispożizzjonijiet Supplimentari tiegħu, huwa inkorporat f'dan il-Ftehim u magħmul parti minnu, *mutatis mutandis*.

2. Suġġett għar-rekwiżit li tali miżuri ma jiġux applikati b'mod li jikkostitwixxi mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikabbli bejn pajjiżi fejn jipprevalu kundizzjonijiet simili, jew restrizzjoni moħbija fuq il-liberalizzazzjoni tal-investiment jew il-kummerċ fis-servizzi, xejn fil-Kapitolu 15, il-Kapitoli 18 sa 27 ([142]), il-Kapitolu 29 jew it-Taqsima B tal-Kapitolu 17 ([143]) ta' dan il-Ftehim ma għandu jiġi interpretat bħala li jipprevjeni l-adozzjoni jew l-infurzar minn kwalunkwe Parti ta' miżuri:

([141]) Din id-dispożizzjoni ma tapplikax għall-*Artikolu* 17.10.
([142]) Għal aktar ċertezza, xejn f'dan l-*Artikolu* ma għandu jiġi interpretat bħala li jillimita d-drittijiet stabbiliti fl-Anness 17-E.
([143]) Din id-dispożizzjoni ma tapplikax għall-*Artikolu* 17.10.

(a) meħtieġa għall-protezzjoni tas-sigurtà pubblika jew tal-morali pubblika jew għaż-żamma tal-ordni pubbliku; ([144])

(b) neċessarji sabiex jipproteġu l-ħajja jew is-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti;

(c) meħtieġa sabiex tiġi assigurata konformità ma' liġijiet jew regolamenti li ma humiex inkonsistenti ma' din il-Parti ta' dan il-Ftehim, inklużi dawk li għandhom x'jaqsmu ma':

(i) il-prevenzjoni ta' prattiki li jqarrqu u frawdolenti jew sabiex ikunu ttrattati l-effetti ta' inadempjenza kuntrattwali;

(ii) il-protezzjoni tal-privatezza b'relazzjoni għall-ipproċesar u għat-tixrid ta' *data* personali u l-protezzjoni tal-kunfidenzjalità ta' rekords u ta' kontijiet individwali; jew

(iii) is-sikurezza.

3. Għal aktar ċertezza, il-Partijiet jifhmu li, sa fejn tali miżuri jkunu inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitoli ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-*Artikolu*:

(a) il-miżuri msemmijin fis-subparagrafu (b) tal-*Artikolu* XX tal-GATT 1994 u fis-subparagrafu (b) tal-paragrafu 2 ta' dan l-*Artikolu* jinkludu miżuri ambjentali, li huma neċessarji għall-protezzjoni tal-ħajja jew tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti;

(b) is-subparagrafu (g) tal-*Artikolu* XX tal-GATT 1994 japplika għal miżuri relatati mal-konservazzjoni ta' riżorsi naturali eżawribbli ħajjin u mhux ħajjin; u

(c) il-miżuri meħuda biex jiġu implimentati ftehimiet ambjentali multilaterali jistgħu jaqgħu taħt is-subparagrafu (b) jew (g) tal-*Artikolu* XX tal-GATT 1994 jew taħt is-subparagrafu (b) tal-paragrafu 2 ta' dan l-*Artikolu*.

4. Qabel ma Parti tapplika kwalunkwe miżura prevista fis-subparagrafi (i) u (j) tal-*Artikolu* XX tal-GATT 1994, dik il-Parti għandha tipprovdi lill-Parti l-oħra bl-informazzjoni rilevanti kollha, bl-għan li tinstab soluzzjoni aċċettabbli għall-Partijiet. Jekk ma tinkisibx soluzzjoni aċċettabbli fi żmien 30 jum mill-għoti tal-informazzjoni rilevanti, il-Parti li beħsiebha tapplika l-miżura tista' tagħmel dan. Fejn ċirkostanzi eċċezzjonali u kritiċi li jeħtieġu azzjoni immedjata jipprevjenu l-għoti minn qabel u l-eżami tal-informazzjoni, il-Parti li beħsiebha tapplika l-miżuri tista' tapplika minnufih kwalunkwe miżura ta' prekawzjoni meħtieġa biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni. Dik il-Parti għandha tinforma lill-Parti l-oħra minnufih bl-applikazzjoni ta' tali miżuri.

Artikolu 39.2

Eċċezzjonijiet dwar is-sigurtà

L-*Artikolu* 41.4 japplika għal din il-Parti ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 39.3

Tassazzjoni

1. Għall-finijiet ta' dan l-*Artikolu*:

(a) "residenza" tfisser residenza għall-finijiet tat-taxxa;

(b) "ftehim dwar it-taxxa" tfisser ftehim għall-evitar tat-tassazzjoni doppja jew kwalunkwe ftehim jew arranġament internazzjonali ieħor relatat kompletament jew prinċipalment mat-tassazzjoni li kwalunkwe Stat Membru, l-Unjoni Ewropea jew iċ-Ċilì hija parti għalihom; u

(c) "miżura ta' tassazzjoni" tfisser miżura li tapplika l-liġi dwar it-taxxa tal-Unjoni Ewropea, jew ta' kwalunkwe Stat Membru, jew taċ-Ċilì.

([144]) L-eċċezzjonijiet stabbiliti f'dan is-subparagrafu jistgħu jiġu invokati biss meta tinqala' theddida ġenwina u serja biżżejjed għal wieħed mill-interessi fundamentali tas-soċjetà.

2. Din il-Parti ta' dan il-Ftehim tapplika għall-miżuri ta' tassazzjoni biss sa fejn l-applikazzjoni tagħhom tkun meħtieġa biex jingħata effett lid-dispożizzjonijiet ta' din il-Parti ta' dan il-Ftehim.

3. Xejn f'din il-Parti ta' dan il-Ftehim ma għandu jaffettwa d-drittijiet u l-obbligi jew tal-Unjoni Ewropea, jew tal-Istati Membri tagħha jew taċ-Ċilì skont kwalunkwe ftehim dwar it-taxxa. Fil-każ ta' kwalunkwe inkonsistenza bejn din il-Parti ta' dan il-Ftehim u kwalunkwe ftehim dwar it-taxxa, il-ftehim dwar it-taxxa għandu jipprevali sal-punt tal-inkonsistenza. Fir-rigward ta' ftehim dwar it-taxxa bejn l-Unjoni Ewropea jew l-Istati Membri tagħha u ċ-Ċilì, l-awtoritajiet kompetenti rilevanti, tal-Unjoni Ewropea jew tal-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u taċ-Ċilì, min-naħa l-oħra, skont din il-Parti ta' dan il-Ftehim u dak il-ftehim dwar it-taxxa, għandhom jiddeterminaw b'mod konġunt jekk teżistix inkonsistenza bejn din il-Parti ta' dan il-Ftehim u dak il-ftehim dwar it-taxxa.

4. Kwalunkwe obbligu tan-nazzjon l-aktar iffavorit skont din il-Parti ta' dan il-Ftehim ma għandux japplika fir-rigward ta' vantaġġ mogħti mill-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tagħha jew iċ-Ċilì skont ftehim dwar it-taxxa.

5. Suġġett għar-rekwiżit li tali miżuri ma jiġux applikati b'mod li jikkostitwixxi mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikabbli bejn pajjiżi fejn jipprevalu kundizzjonijiet simili, jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ u l-investiment, xejn f'din il-Parti ta' dan il-Ftehim ma għandu jiġi interpretat bħala li jimpedixxi l-adozzjoni, iż-żamma jew l-infurzar minn Parti ta' kwalunkwe miżura mmirata biex tiżgura l-impożizzjoni jew il-ġbir ekwi jew effettivi ta' taxxi diretti li:

(a) tagħmel distinzjoni bejn kontribwenti li ma jkunux fl-istess sitwazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-post tar-residenza tagħhom jew fir-rigward tal-post fejn ikun investit il-kapital tagħhom; jew

(b) għandha l-għan li tipprevjeni l-evitar jew l-evażjoni tat-taxxi skont ftehim dwar it-taxxa jew liġi fiskali ta' dik il-Parti.

Artikolu 39.4

Divulgazzjoni ta' informazzjoni

1. Xejn f'din il-Parti ta' dan il-Ftehim ma għandu jiġi interpretat bħala li jirrikjedi li Parti tagħmel disponibbli informazzjoni kunfidenzjali li d-divulgazzjoni tagħha timpedixxi l-infurzar tal-liġi jew b'xi mod ieħor tmur kontra l-interess pubbliku, jew li tippreġudika l-interessi kummerċjali leġittimi ta' intrapriżi partikolari, pubbliċi jew privati, ħlief fejn panel jeħtieġ tali informazzjoni kunfidenzjali fi proċedimenti ta' soluzzjoni tat-tilwim skont il-Kapitolu 38. F'każijiet bħal dawn, il-panel għandu jiżgura li l-kunfidenzjalità tkun protetta b'mod sħiħ.

2. Meta Parti tissottometti informazzjoni meqjusa kunfidenzjali skont il-liġi tagħha lill-Kunsill Konġunt, lill-Kumitat Konġunt, lis-Sottokumitati jew lil korpi oħra stabbiliti skont dan il-Ftehim, il-Parti l-oħra għandha tittratta dik l-informazzjoni bħala kunfidenzjali, sakemm il-Parti li tissottometti ma taqbilx mod ieħor.

Artikolu 39.5

Derogi mid-WTO

Jekk obbligu skont din il-Parti ta' dan il-Ftehim ikun sostanzjalment ekwivalenti għal obbligu skont il-Ftehim tad-WTO, kwalunkwe miżura meħuda f'konformità ma' eżenzjoni adottata skont l-*Artikolu* IX tal-Ftehim tad-WTO għandha titqies li tkun konformi mal-obbligu sostantivament ekwivalenti skont din il-Parti ta' dan il-Ftehim.

PARTI IV

QAFAS ISTITUZZJONALI ĠENERALI

KAPITOLU 40

QAFAS ISTITUZZJONALI

Artikolu 40.1

Kunsill Konġunt

1. Il-Partijiet b'dan jistabbilixxu Kunsill Konġunt. Il-Kunsill Konġunt għandu jissorvelja t-twettiq tal-objettivi ta' dan il-Ftehim u jwettaq superviżjoni tal-implimentazzjoni tiegħu. Huwa għandu jeżamina kwalunkwe kwistjoni li tinqala' fil-qafas ta' dan il-Ftehim u kwalunkwe kwistjoni bilaterali jew internazzjonali oħra ta' interess reċiproku.

2. Il-Kunsill Konġunt għandu jiltaqa' fi żmien sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u minn hemm 'il quddiem fuq bażi biennali, jew kif miftiehem mod ieħor mill-Partijiet. Il-laqgħat tal-Kunsill Konġunt għandhom isiru personalment jew bi kwalunkwe mezz teknoloġiku skont ir-regoli ta' proċedura tiegħu. Il-laqgħat li jsiru personalment għandhom isiru fi Brussell u f'Santiago b'mod alternat.

3. Il-Kunsill Konġunt għandu jkun magħmul, għall-Parti tal-UE, minn rappreżentanti f'livell ministerjali, u, għaċ-Ċilì, mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin, jew mill-persuni maħtura minnhom. Meta l-Kunsill Konġunt jaġixxi fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ skont l-*Artikolu* 8.5, dan għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet b'responsabbiltà għal kwistjonijiet ta' kummerċ u investiment.

4. Il-Kunsill Konġunt għandu jkollu s-setgħa jadotta deċiżjonijiet fil-każijiet previsti f'dan il-Ftehim u li jagħmel rakkomandazzjonijiet, skont ir-regoli ta' proċedura tiegħu. Il-Kunsill Konġunt għandu jadotta d-deċiżjonijiet tiegħu u jagħmel rakkomandazzjonijiet bi ftehim reċiproku. Id-deċiżjonijiet għandhom ikunu vinkolanti fuq il-Partijiet, li għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jimplimentaw dawk id-deċiżjonijiet. Ir-rakkomandazzjonijiet ma għandu jkollhom l-ebda forza vinkolanti.

5. Il-Kunsill Konġunt għandu jkun kopresedut minn rappreżentant ta' kull Parti, skont ir-regoli ta' proċedura tiegħu, filwaqt li jitqiesu l-kwistjonijiet speċifiċi li għandhom jiġu indirizzati fi kwalunkwe sessjoni partikolari.

6. Il-Kunsill Konġunt għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu stess u r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt fl-ewwel laqgħa tiegħu.

7. Il-Kunsill Konġunt jista' jiddelega kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet tiegħu lill-Kumitat Konġunt, inkluża s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet vinkolanti u li jagħmel rakkomandazzjonijiet.

8. Flimkien ma' dan l-*Artikolu*, meta l-Kunsill Konġunt ikun qed jaġixxi fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ, japplika wkoll l-*Artikolu* 8.5.

Artikolu 40.2

Kumitat Konġunt

1. Il-Partijiet b'dan jistabbilixxu Kumitat Konġunt. Il-Kumitat Konġunt għandu jassisti lill-Kunsill Konġunt fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu.

2. Il-Kumitat Konġunt għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ġenerali ta' dan il-Ftehim. Iċ-ċirkostanza li kwistjoni jew kwistjoni tkun qed tiġi kkunsidrata mill-Kumitat Konġunt ma għandhiex timpedixxi lill-Kunsill Konġunt milli jittrattaha wkoll.

3. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' fi żmien sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u minn hemm 'il quddiem darba fis-sena, jew kif miftiehem mill-Partijiet. Il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt għandhom isiru personalment jew bi kwalunkwe mezz teknoloġiku skont ir-regoli ta' proċedura tiegħu. Il-laqgħat li jsiru personalment għandhom isiru fi Brussell u f'Santiago b'mod alternat.

4. Il-Kumitat Konġunt għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet u għandu jkun kopresedut minn rappreżentant ta' kull Parti, skont ir-regoli ta' proċedura tiegħu, filwaqt li jitqiesu l-kwistjonijiet speċifiċi li għandhom jiġu indirizzati fi kwalunkwe sessjoni partikolari.

5. Meta l-Kumitat Konġunt jaġixxi fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ skont l-*Artikolu* 8.6, dan għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet b'responsabbiltà għal kwistjonijiet ta' kummerċ u investiment.

6. Il-Kumitat Konġunt għandu jkollu s-setgħa jadotta deċiżjonijiet fil-każijiet previsti f'dan il-Ftehim jew meta tali setgħa tkun ġiet iddelegata lilu mill-Kunsill Konġunt skont l-*Artikolu* 40.1(7). Il-Kumitat Konġunt għandu jkollu wkoll is-setgħa li jagħmel rakkomandazzjonijiet, inkluż meta dik is-setgħa tkun ġiet iddelegata lilu skont l-*Artikolu* 40.1(7). Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta d-deċiżjonijiet tiegħu u jagħmel rakkomandazzjonijiet bi ftehim reċiproku u skont ir-regoli ta' proċedura tiegħu. Meta jeżerċita funzjonijiet iddelegati, il-Kumitat Konġunt għandu jadotta d-deċiżjonijiet tiegħu u jagħmel rakkomandazzjonijiet skont ir-regoli ta' proċedura tal-Kunsill Konġunt. Id-deċiżjonijiet għandhom ikunu vinkolanti fuq il-Partijiet, li għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jimplimentaw dawk id-deċiżjonijiet. Ir-rakkomandazzjonijiet ma għandu jkollhom l-ebda forza vinkolanti.

7. Flimkien ma' dan l-*Artikolu*, meta l-Kumitat Konġunt ikun qed jaġixxi fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ, japplika wkoll l-*Artikolu* 8.6.

Artikolu 40.3

Sottokumitati u korpi oħra

1. B'dan qed jiġi stabbilit Sottokumitat għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni Internazzjonali sabiex jikkoordina u jwettaq superviżjoni tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' kooperazzjoni mwettqa fl-oqsma msemmija fil-Parti II ta' dan il-Ftehim.

2. Is-sottokumitati speċifiċi għall-Parti III ta' dan il-Ftehim huma stabbiliti skont l-*Artikolu* 8.8.

3. Il-Kunsill Konġunt jew il-Kumitat Konġunt jista' jadotta deċiżjoni biex jistabbilixxi Sottokumitat jew korp ieħor addizzjonali. Il-Kunsill Konġunt jew il-Kumitat Konġunt jistgħu jassenjaw lil Sottokumitat jew korp ieħor stabbilit skont dan il-paragrafu kompiti fi ħdan il-kompetenza rispettiva tagħhom biex jassistu fit-twettiq tal-funzjonijiet rispettivi tagħhom u biex jindirizzaw kompiti jew suġġetti speċifiċi. Il-Kunsill Konġunt jew il-Kumitat Konġunt jistgħu jibdlu l-kompiti assenjati lil, jew ixolju, kwalunkwe Sottokumitat jew korp stabbilit skont dan il-paragrafu.

4. Is-Sottokumitati u korpi oħra għandhom ikunu magħmula minn rappreżentanti tal-Partijiet u għandhom ikunu kkopreseduti minn rappreżentant ta' kull Parti.

5. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Ftehim jew miftiehem mod ieħor mill-Partijiet, is-Sottokumitati għandhom jiltaqgħu fi żmien sena mit-twaqqif tagħhom u, minn hemm 'il quddiem, fuq talba ta' waħda mill-Partijiet jew tal-Kunsill Konġunt jew tal-Kumitat Konġunt, f'livell xieraq. Is-sottokumitati jistgħu jiltaqgħu wkoll fuq inizjattiva tagħhom stess, suġġett għar-regoli ta' proċedura rispettivi tagħhom. Il-laqgħat tas-Sottokumitati għandhom isiru personalment jew bi kwalunkwe mezz teknoloġiku skont ir-regoli ta' proċedura rispettivi tagħhom. Il-laqgħat li jsiru personalment għandhom isiru fi Brussell u f'Santiago b'mod alternat.

6. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, is-Sottokumitati u korpi oħra għandhom jirrapportaw dwar l-attivitajiet tagħhom lill-Kumitat Konġunt regolarment, kif ukoll fuq talba tal-Kumitat Konġunt.

7. Iċ-ċirkostanza fejn kwistjoni tkun qed tiġi kkunsidrata minn kwalunkwe wieħed mis-Sottokumitati jew korpi oħra ma għandhiex timpedixxi lill-Kunsill Konġunt jew lill-Kumitat Konġunt milli jittrattawha wkoll.

8. Il-Kunsill Konġunt jew il-Kumitat Konġunt jista' jistabbilixxi regoli ta' proċedura tas-Sottokumitati u korpi oħra, jekk iqis li dan ikun xieraq. Jekk il-Kunsill Konġunt jew il-Kumitat Konġunt ma jistabbilixxix tali regoli ta' proċedura, irregoli ta' proċedura għall-Kumitat Konġunt għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

9. Is-Sottokumitati u l-korpi l-oħra jistgħu jagħmlu rakkomandazzjonijiet, f'konformità mar-regoli ta' proċedura rispettivi tagħhom. Is-Sottokumitati u l-korpi l-oħra għandhom jagħmlu rakkomandazzjonijiet bi ftehim reċiproku. Ir-rakkomandazzjonijiet tas-Sottokumitati u korpi oħra ma għandux ikollhom saħħa vinkolanti.

10. Is-Sottokumitat dwar is-Servizzi u l-Investiment, stabbilit skont l-*Artikolu* 8.8 (1), jista' jadotta deċiżjonijiet biex jagħmel determinazzjonijiet skont l-*Artikolu* 17.39. Is-Sottokumitat dwar is-Servizzi Finanzjarji, stabbilit skont l-*Artikolu* 8.8 (1), jista' jadotta deċiżjonijiet biex jagħmel determinazzjonijiet skont l-*Artikolu* 25.20. Dawk is-Sottokumitati għandhom jadottaw tali deċiżjonijiet bi ftehim reċiproku. Tali deċiżjonijiet għandhom ikunu vinkolanti fuq il-Partijiet.

Artikolu 40.4

Kumitat Parlamentari Konġunt

1. B'dan huwa stabbilit Kumitat Parlamentari Konġunt. Għandu jkun magħmul minn Membri tal-Parlament Ewropew u Membri tal-Kungress taċ-Ċilì.

2. Il-Kumitat Parlamentari Konġunt għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu stess.

3. Il-Kumitat Parlamentari Konġunt għandu jkun forum għal-laqgħat u l-iskambju ta' fehmiet u għat-trawwim ta' relazzjonijiet aktar mill-qrib. Għandu jiltaqa' darbtejn fis-sena.

4. Il-Kumitat Parlamentari Konġunt għandu jiġi infurmat bid-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill Konġunt.

5. Il-Kumitat Parlamentari Konġunt jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill Konġunt dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 40.5

Parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili

Kull Parti għandha tippromwovi l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, b'mod partikolari permezz tal-interazzjoni mal-Grupp Konsultattiv Domestiku rispettiv imsemmi fl-*Artikolu* 40.6, u mal-Forum tas-Soċjetà Ċivili msemmi fl-*Artikolu* 40.7.

Artikolu 40.6

Gruppi Konsultattivi Interni

1. Kull Parti għandha toħloq jew taħtar Grupp Konsultattiv Intern fi żmien sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Kull Grupp Konsultattiv Intern għandu jinkludi rappreżentanza bbilanċjata ta' organizzazzjonijiet indipendenti tas-soċjetà ċivili, inklużi organizzazzjonijiet mhux governattivi, trade unions, u organizzazzjonijiet tan-negozju u tal-impjegaturi. Għal dak il-għan, kull Parti għandha tistabbilixxi r-regoli ta' ħatra tagħha stess sabiex tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Grupp Konsultattiv Intern rispettiv, filwaqt li tipprovdi opportunitajiet ta' aċċess għal atturi minn setturi differenti. Is-sħubija ta' kull Grupp Konsultattiv Intern għandha tiġġedded f'intervalli perjodiċi, f'konformità mar-regoli tal-ħatra stabbiliti skont dan il-paragrafu.

2. Kull Parti għandha tiltaqa' mal-Grupp Konsultattiv Intern rispettiv tagħha mill-inqas darba fis-sena sabiex tiddiskuti l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim. Kull Parti tista' tikkunsidra l-fehmiet jew ir-rakkomandazzjonijiet imressqa mill-Grupp Konsultattiv Domestiku rispettiv tagħha.

3. Sabiex tippromwovi l-għarfien pubbliku tal-Grupp Konsultattiv Intern rispettiv tagħha, kull Parti għandha tippubblika lista tal-organizzazzjonijiet li jipparteċipaw fil-Grupp Konsultattiv Intern rispettiv tagħha, kif ukoll l-informazzjoni ta' kuntatt tiegħu.

4. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-interazzjoni bejn il-Gruppi Konsultattivi Domestiċi, permezz ta' mezzi xierqa.

Artikolu 40.7

Forum tas-Soċjetà Ċivili

1. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-organizzazzjoni regolari ta' Forum tas-Soċjetà Ċivili biex imexxi djalogu dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

2. Il-Partijiet għandhom isejħu laqgħat tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili bi ftehim reċiproku. Meta tissejjaħ laqgħa tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili, kull Parti għandha tistieden organizzazzjonijiet indipendenti tas-soċjetà ċivili stabbiliti fit-territorju tagħha, inklużi l-membri tal-Grupp Konsultattiv Intern rispettiv tagħha msemmi fl-*Artikolu* 40.6. Kull Parti għandha tippromwovi rappreżentanza bilanċjata, li tippermetti l-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi, trade unions, u organizzazzjonijiet tan-negozju u ta' min iħaddem. Kull organizzazzjoni għandha tħallas l-ispejjeż assoċjati mal-parteċipazzjoni tagħha fil-Forum tas-Soċjetà Ċivili.

3. Ir-rappreżentanti tal-Partijiet li jipparteċipaw fil-Kunsill Konġunt jew fil-Kumitat Konġunt għandhom, kif xieraq, jieħdu sehem fil-laqgħat tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili. Il-Partijiet għandhom, b'mod konġunt jew individwali, jippubblikaw kwalunkwe dikjarazzjoni formali magħmula fil-Forum tas-Soċjetà Ċivili.

KAPITOLU 41

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

Artikolu 41.1

Definizzjoni tal-Partijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim:

(a) "Parti" tfisser:

(i) l-Unjoni Ewropea jew l-Istati Membri tagħha jew l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha skont l-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom (il-"Parti tal-UE"), jew

(ii) Iċ-Ċilì; u

(b) "Partijiet" tfisser il-Parti tal-UE u ċ-Ċilì.

Artikolu 41.2

Applikazzjoni territorjali

1. Dan il-Ftehim japplika:

(a) fir-rigward tal-Parti tal-UE, għat-territorji li fihom jiġu applikati t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dawk it-Trattati; u

(b) fir-rigward taċ-Ċilì, l-ispazju tal-art, marittimu u tal-ajru taħt is-sovranità tiegħu, u ż-żona ekonomika esklużiva u l-blata kontinentali li fiha jeżerċita drittijiet u ġuriżdizzjoni sovrani f'konformità mad-dritt internazzjonali ([145]) u l-liġi taċ-Ċilì ([146]).

Ir-referenzi għal "territorju" f'dan il-Ftehim għandhom jiġu mifhuma f'konformità ma' dan il-paragrafu, ħlief kif provdut espliċitament mod ieħor f'dan il-Ftehim.

2. Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw it-trattament tariffarju tal-oġġetti, inklużi r-regoli tal-oriġini u s-sospensjoni temporanja ta' tali trattament, dan il-Ftehim japplika wkoll għal dawk iż-żoni tat-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea skont it-tifsira tal-*Artikolu* 4 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([147]) li ma humiex koperti mis-subparagrafu (a) tal-paragrafu 1 ta' dan l-*Artikolu*.

([145]) Għal aktar ċertezza, id-dritt internazzjonali jinkludi, b'mod partikolari, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar, magħmula f'Montego Bay fl-10 ta' Diċembru 1982.

([146]) Għal aktar ċertezza, f'każ ta' inkonsistenza bejn il-liġi taċ-Ċilì u l-liġi internazzjonali, din tal-aħħar għandha tipprevali.

([147]) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU UE L 269, 10.10.2013, p. 1).

Artikolu 41.3

Twettiq tal-obbligi

1. Kull Parti għandha tieħu kwalunkwe miżura ġenerali jew speċifika meħtieġa biex tissodisfa l-obbligi tagħha skont dan il-Ftehim.

2. Jekk Parti tqis li l-Parti l-oħra tkun naqset milli tissodisfa kwalunkwe obbligu skont il-Parti III ta' dan il-Ftehim, għandhom japplikaw il-mekkaniżmi speċifiċi previsti f'dik il-Parti.

3. Jekk xi waħda mill-Partijiet tqis li l-Parti l-oħra tkun naqset milli tissodisfa xi wieħed mill-obbligi li huma deskritti bħala elementi essenzjali fl-*Artikolu* 1.2(2) jew fl-*Artikolu* 2.2(1), hija tista' tieħu miżuri xierqa. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "miżuri xierqa" jistgħu jinkludu s-sospensjoni, parzjalment jew kompletament, ta' dan il-Ftehim.

4. Jekk Parti tqis li l-Parti l-oħra tkun naqset milli twettaq xi obbligu skont dan il-Ftehim, ħlief dawk li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-*Artikolu*, hija għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra. Il-Partijiet għandhom jagħmlu konsultazzjonijiet taħt l-awspiċji tal-Kunsill Konġunt bil-ħsieb li jilħqu soluzzjoni aċċettabbli b'mod reċiproku. Il-Kunsill Konġunt għandu jagħmel ħiltu biex jikseb soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ naħat malajr kemm jista' jkun. Jekk il-Kunsill Konġunt ikun naqas milli jilħaq soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ naħat fi żmien 60 jum mid-data tan-notifika, il-Parti li tinnotifika tista' tieħu l-miżuri xierqa. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, miżuri xierqa jistgħu jinkludu s-sospensjoni tal-Partijiet I, II u IV ta' dan il-Ftehim biss.

5. Miżuri xierqa kif imsemmija fil-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-*Artikolu* għandhom jittieħdu b'rispett sħiħ tad-dritt internazzjonali u għandhom ikunu proporzjonati għan-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-obbligi skont dan il-Ftehim. Trid tingħata prijorità lil dawk il-miżuri li l-anqas ifixklu l-funzjonament ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 41.4

Eċċezzjonijiet dwar is-sigurtà

1. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jiġi interpretat:

(a) li jirrikjedi li Parti tagħti jew tipprovdi l-aċċess għal kwalunkwe informazzjoni, li hija tqis li d-divulgazzjoni tagħha tmur kontra l-interessi tas-sigurtà essenzjali tagħha; jew

(b) li jipprevjeni lil Parti milli tieħu azzjoni li hija tqis neċessarja għall-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà essenzjali tagħha:

(i) marbutin mal-produzzjoni jew mat-traffikar tal-armi, tal-munizzjon u tal-istrumenti tal-gwerra u ma' tali traffikar u tranżazzjonijiet li jsiru f'oġġetti u f'materjali oħrajn, f'servizzi u f'teknoloġija, u ma' attivitajiet ekonomiċi, imwettqa direttament jew indirettament għall-fini ta' provvista lil stabbiliment militari;

(ii) relatati ma' materjali fissjonabbli u fużjonabbli jew mal-materjali li huma dderivati minnhom; jew

(iii) meħudin fi żmien ta' gwerra jew ta' emerġenza oħra f'relazzjonijiet internazzjonali; jew

(c) li jipprevjeni lil Parti milli tieħu xi tip ta' azzjoni skont l-obbligi tagħha skont il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti għaż-żamma tal-paċi u tas-sigurtà internazzjonali.

2. Parti għandha tinforma lill-Kumitat Konġunt kemm jista' jkun bi kwalunkwe azzjoni li tieħu skont is-subparagrafi (b) u (c) tal-paragrafu 1 u bit-terminazzjoni ta' dik l-azzjoni.

Artikolu 41.5

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni provviżorja

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tielet xahar li jiġi wara d-data tal-aħħar notifika li fiha l-Partijiet ikunu avżaw lil xulxin dwar it-tlestija tal-proċeduri interni rispettivi tagħhom għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

2. Minkejja l-paragrafu 1, il-Partijiet jistgħu japplikaw dan il-Ftehim, kollu kemm hu jew parti minnu, fuq bażi provviżorja, skont il-proċeduri interni rispettivi tagħhom.

3. L-applikazzjoni proviżorja għandha tibda fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-data li fiha l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri interni rispettivi tagħhom, kif meħtieġ għal dak il-għan, inkluża l-konferma miċ-Ċilì tal-ftehim tiegħu li japplika proviżorjament il-partijiet ta' dan il-Ftehim proposti mill-Parti tal-UE.

4. Kull Parti tista' tinnotifika lill-oħra, bil-miktub, bl-intenzjoni tagħha li ttemm l-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim. L-applikazzjoni proviżorja għandha tieqaf fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara dik in-notifika.

5. Matul l-applikazzjoni proviżorja ta' dan il-Ftehim, il-Kunsill Konġunt u korpi oħra stabbiliti skont dan il-Ftehim jistgħu jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom fir-rigward tad-dispożizzjonijiet suġġetti għall-applikazzjoni proviżorja. Kwalunkwe deċiżjoni adottata fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom ma tibqax effettiva mid-data li fiha tintemm l-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim skont il-paragrafu 4. L-effetti passati ta' deċiżjonijiet debitament eżegwiti qabel dik id-data ma għandhomx jiġu affettwati.

6. Fejn, f'konformità mal-paragrafi 2 u 3, dispożizzjoni ta' dan il-Ftehim tiġi applikata b'mod provviżorju sakemm jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim, kwalunkwe referenza f'dik id-dispożizzjoni għad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim għandha tinftiehem li tirreferi għad-data li minnha l-Partijiet japplikaw dik id-dispożizzjoni f'konformità mal-paragrafu 3.

7. Notifiki magħmula skont dan l-*Artikolu* għandhom jintbagħtu, għall-Parti UE, lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, u, għaċ-Ċilì, lill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin.

Artikolu 41.6

Emendi

1. Il-Partijiet jistgħu jaqblu, bil-miktub, li jemedaw dan il-Ftehim. L-emendi għandhom jidħlu fis-seħħ skont id-dispożizzjonijiet tal-*Artikolu* 41.5, *mutatis mutandis*.

2. Minkejja l-paragrafu 1 ta' dan l-*Artikolu*, il-Kunsill Konġunt jista' jadotta deċiżjonijiet biex jemenda dan il-Ftehim fil-każijiet imsemmija fis-subparagrafu (a) tal-*Artikolu* 8.5 (1) u fl-*Artikolu* 41.9 (5).

Artikolu 41.7

Ftehimiet oħra

1. Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, inkluż kwalunkwe deċiżjoni meħuda taħt il-Qafas Istituzzjonali tiegħu, għandu jieqaf milli jkollu effett u jiġi sostitwit b'dan il-Ftehim mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

2. Il-Ftehim Kummerċjali Interim għandu jieqaf milli jkollu effett u jiġi sostitwit b'dan il-Ftehim mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

3. Ir-referenzi għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, inkluż kwalunkwe deċiżjoni meħuda taħt il-Qafas Istituzzjonali tiegħu, jew għall-Ftehim Kummerċjali Interim fil-ftehimiet u l-ftehimiet l-oħra kollha bejn il-Partijiet għandhom jinftiehmu bħala li jirreferu għal dan il-Ftehim.

4. Il-partijiet jistgħu jikkomplementaw dan il-Ftehim billi jikkonkludu ftehimiet speċifiċi fi kwalunkwe qasam ta' kooperazzjoni li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Parti II ta' dan il-Ftehim. Tali ftehimiet speċifiċi għandhom jiffurmaw parti integrali mir-relazzjonijiet bilaterali ġenerali kif irregolati minn dan il-Ftehim u għandhom ikunu soġġetti għal qafas istituzzjonali komuni.

5. Ftehimiet bilaterali eżistenti relatati ma' oqsma speċifiċi ta' kooperazzjoni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Parti II ta' dan il-Ftehim għandhom jitqiesu bħala parti mir-relazzjonijiet bilaterali ġenerali kif irregolati minn dan il-Ftehim u għandhom ikunu soġġetti għal qafas istituzzjonali komuni.

6. Ftehimiet eżistenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Parti III ta' dan il-Ftehim għandhom jieqfu milli jkollhom effett mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

7. Mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, kwalunkwe rakkomandazzjoni jew deċiżjoni adottata mill-Kunsill tal-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim Kummerċjali Interim, għandha titqies li ġiet adottata mill-Kunsill Konġunt stabbilit bl-*Artikolu* 40.1 ta' dan il-Ftehim. Kwalunkwe rakkomandazzjoni jew deċiżjoni adottata mill-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim Kummerċjali Interim għandha titqies li ġiet adottata mill-Kumitat Konġunt stabbilit bl-*Artikolu* 40.2 ta' dan il-Ftehim.

8. Minkejja l-paragrafu 2 ta' dan l-*Artikolu*:

(a) il-miżuri ta' salvagwardja temporanji adottati skont l-*Artikolu* 20.5 tal-Ftehim Kummerċjali Interim, li jkunu fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, għandhom jibqgħu applikabbli sal-iskadenza naturali tagħhom;

(b) il-miżuri ta' salvagwardja bilaterali adottati skont it-Taqsima C tal-Kapitolu 5 tal-Ftehim Kummerċjali Interim, li jkunu fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, għandhom jibqgħu applikabbli sal-iskadenza naturali tagħhom;

(c) il-proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim diġà mibdija skont l-*Artikolu* 26.22 (1) jew l-*Artikolu* 31.5 tal-Ftehim Kummerċjali Interim għandhom, mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, ikomplu sat-tlestija tagħhom; u

(d) l-eżitu vinkolanti ta' kwalunkwe proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwim mibdija skont l-*Artikolu* 26.22 (1) jew l-*Artikolu* 31.5 tal-Ftehim Kummerċjali Interim għandu jibqa' vinkolanti fuq il-Partijiet wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

9. Il-Partijiet ma għandhomx ikunu jistgħu jressqu proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim skont dan il-Ftehim dwar kwistjonijiet li kienu s-suġġett ta' rapport finali tal-panel skont il-Kapitolu 26 jew il-Kapitolu 31 tal-Ftehim Kummerċjali *Interim*.

10. Il-perjodi ta' tranżizzjoni li diġà għaddew kompletament jew parzjalment taħt il-Ftehim Kummerċjali *Interim* għandhom jitqiesu meta jiġu kkalkulati l-perjodi ta' tranżizzjoni previsti f'dispożizzjonijiet ekwivalenti ta' dan il-Ftehim. Dawn il-perjodi ta' tranżizzjoni skont dan il-Ftehim għandhom jiġu kkalkulati mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim Kummerċjali Interim.

11. Il-perjodi proċedurali li diġà għaddew kompletament jew parzjalment taħt il-Ftehim Kummerċjali Interim għandhom jitqiesu meta jiġu kkalkulati l-perjodi proċedurali previsti f'dispożizzjonijiet ekwivalenti ta' dan il-Ftehim.

12. Il-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Inbejjed fl-Anness V tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ("il-Ftehim dwar l-Inbid") u l-Ftehim dwar il-Kummerċ fix-Xorb Spirituż u x-Xorb Aromatizzat fl-Anness VI tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ("il-Ftehim dwar l-Ispirti"), ([148]) inklużi l-appendiċi kollha, huma inkorporati f'dan il-Ftehim u magħmula parti minnu, *mutatis mutandis* u kif ġej:

(a) ir-referenzi fil-Ftehim dwar l-Inbid u fil-Ftehim dwar l-Ispirti għall-"mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim imsemmi fil-Parti IV tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni", kif ukoll għall-"Kodiċi ta' Kondotta msemmi fl-Anness XVI tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni", għandhom jinqraw bħala li jirreferu għall-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim previst fil-Kapitolu 38 u għall-Kodiċi ta' Kondotta previst fl-Anness 38-B, rispettivament, ta' dan il-Ftehim;

(b) ir-referenzi fil-Ftehim dwar l-Inbid u fil-Ftehim dwar l-Ispirti għall-Komunità għandhom jinqraw bħala referenzi għall-Parti tal-UE;

(c) ir-referenzi fil-Ftehim dwar l-Inbid u fil-Ftehim dwar l-Ispirti għall-Kumitat ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni għandhom jinqraw bħala referenzi għall-Kumitat Konġunt, stabbilit skont l-*Artikolu* 40.2 ta' dan il-Ftehim, li jaġixxi fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ;

(d) ir-referenzi fil-Ftehim dwar l-Inbid u fil-Ftehim dwar l-Ispirti għall-Anness IV tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni għandhom jinqraw bħala referenzi għall-Kapitolu 13 ta' dan il-Ftehim;

(e) għal aktar ċertezza, il-Kumitat Konġunt stabbilit bl-*Artikolu* 30 tal-Ftehim dwar l-Inbid u l-Kumitat Konġunt stabbilit bl-*Artikolu* 17 tal-Ftehim dwar l-Ispirti għandhom jibqgħu fis-seħħ, u għandhom ikomplu jeżerċitaw il-funzjonijiet indikati fl-*Artikolu* 29 tal-Ftehim dwar l-Inbid u fl-*Artikolu* 16 tal-Ftehim dwar l-Ispirti;

(f) għal aktar ċertezza, l-*Artikolu* 41.11 (2) ta' dan il-Ftehim japplika għall-Ftehim dwar l-Inbid u għall-Ftehim dwar l-Ispirti; u

([148]) Għal aktar ċertezza, id-data tal-iffirmar u d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar l-Inbid u l-Ftehim dwar l-Ispirti huma l-istess bħad-data tal-iffirmar u d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

(g) il-Ftehim dwar l-Inbid u l-Ftehim dwar l-Ispirti kif inkorporati f'dan il-Ftehim għandhom jinftiehmu li jinkludu kwalunkwe emenda għall-Ftehim dwar l-Inbid u l-Ftehim dwar l-Ispirti kif inkorporati fil-Ftehim Kummerċjali Interim.

13. Kwalunkwe deċiżjoni meħuda taħt il-Qafas Istituzzjonali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni dwar il-Ftehim dwar l-Inbid jew il-Ftehim dwar l-Ispirti li jkun fis-seħħ mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim għandha titqies li ġiet adottata mill-Kumitat Konġunt, stabbilit skont l-*Artikolu* 40.2 ta' dan il-Ftehim, li jaġixxi fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ.

14. Il-Partijiet jistgħu jemendaw l-appendiċi għall-Ftehim dwar l-Inbid u għall-Ftehim dwar l-Ispirti, kif inkorporati, permezz ta' skambju ta' ittri ([149]).

Artikolu 41.8

Annessi, appendiċijiet, protokolli, noti u noti ta' qiegħ il-paġna

L-annessi, l-appendiċijiet, il-protokolli, in-noti u n-noti f'qiegħ il-paġna ta' dan il-Ftehim għandhom jifformaw parti integrali minnu.

Artikolu 41.9

Adeżjonijiet futuri għall-Unjoni Ewropea

1. Il-Parti tal-UE għandha tinnotifika liċ-Ċilì bi kwalunkwe talba għall-adeżjoni ta' pajjiż terz mal-Unjoni Ewropea.

2. Il-Parti tal-UE għandha tinnotifika liċ-Ċilì bid-data tal-iffirmar u tad-dħul fis-seħħ tat-trattat tal-adeżjoni ta' Stat Membru ġdid mal-Unjoni Ewropea ("Trattat tal-Adeżjoni").

3. Stat Membru ġdid għandu jaderixxi ma' dan il-Ftehim skont it-termini deċiżi mill-Kunsill Konġunt. Dik l-adeżjoni għandha tidħol fis-seħħ mid-data tal-adeżjoni tal-Istat Membru l-ġdid mal-Unjoni Ewropea.

4. Minkejja l-paragrafu 3 ta' dan l-*Artikolu*, il-Parti III ta' dan il-Ftehim għandha tapplika bejn l-Istat Membru l-ġdid u ċ-Ċilì mid-data tal-adeżjoni ta' dak l-Istat Membru l-ġdid mal-Unjoni Ewropea.

5. Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-paragrafu 4 ta' dan l-*Artikolu*, mid-data tal-iffirmar tat-Trattat tal-Adeżjoni, il-Kumitat Konġunt għandu jeżamina kwalunkwe effett fuq dan il-Ftehim li jirriżulta mill-adeżjoni ta' Stat Membru ġdid mal-Unjoni Ewropea, skont is-subparagrafu (f) tal-*Artikolu* 8.6(1). Il-Kunsill Konġunt għandu jadotta deċiżjoni dwar kwalunkwe emenda meħtieġa għall-Annessi ta' dan il-Ftehim, u dwar kwalunkwe adattament ieħor meħtieġ, inklużi miżuri tranżizzjonali. Kwalunkwe deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt adottata skont dan il-paragrafu għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adeżjoni ta' dak l-Istat Membru l-ġdid mal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 41.10

Drittijiet privati

1. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jiġi interpretat li jagħti lil persuni drittijiet jew jimponi fuqhom obbligi, għajr id-drittijiet jew l-obbligi maħluqa bejn il-Partijiet skont id-dritt internazzjonali pubbliku, lanqas li jippermetti li dan il-Ftehim jiġi direttament invokat fl-ordinamenti ġuridiċi tal-Partijiet.

2. Parti ma għandhiex tipprevedi fl-ordinament ġuridiku ta' dik il-Parti dritt ta' azzjoni kontra l-Parti l-oħra fuq il-bażi li miżura tal-Parti l-oħra tkun inkonsistenti ma' dan il-Ftehim.

Artikolu 41.11

Referenzi għal liġijiet u ftehimiet oħra

1. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor, fejn issir referenza f'dan il-Ftehim għal-liġijiet u r-regolamenti ta' Parti, dawk il-liġijiet u r-regolamenti għandhom jinftiehmu li jinkludu kwalunkwe emenda għalihom.

([149]) Għal aktar ċertezza, iċ-Ċilì se jimplimenta kwalunkwe emenda għall-Ftehim dwar l-Inbid u għall-Ftehim dwar l-Ispirti kif inkorporat f'dan il-Ftehim permezz tal-*acuerdos de ejecución* (ftehimiet eżekuttivi), f'konformità mal-liġi Ċilena.

2. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, fejn il-ftehimiet internazzjonali huma msemmija jew inkorporati, kompletament jew parzjalment, f'dan il-Ftehim, dawn għandhom jinftiehmu li jinkludu kwalunkwe emenda għalihom jew ftehimiet suċċessuri li jidħlu fis-seħħ għaż-żewġ Partijiet fid-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim jew wara.

3. Jekk tinqala' xi kwistjoni dwar l-implimentazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim bħala riżultat ta' kwalunkwe emenda jew ftehim suċċessur kif imsemmi fil-paragrafu 2, il-Partijiet jistgħu, fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, jikkonsultaw ma' xulxin bl-għan li tinstab soluzzjoni sodisfaċenti għaż-żewġ naħat.

Artikolu 41.12

Durata

Dan il-Ftehim għandu jibqa' fis-seħħ għal perjodu mhux limitat.

Artikolu 41.13

Terminazzjoni

Minkejja l-*Artikolu* 41.12, kull Parti tista' tinnotifika lill-Parti l-oħra bl-intenzjoni tagħha li ttemm dan il-Ftehim. Dik in-notifika għandha tintbagħat, għall-Parti UE, lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u, għaċ-Ċilì, lill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin. It-terminazzjoni għandha tidħol fis-seħħ sitt xhur wara d-data ta' dik in-notifika.

Artikolu 41.14

Testi awtentiċi

Dan il-Ftehim huwa abbozzat f'żewġ kopji fil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Irlandiża, Kroata, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Taljana, Ungeriża u Żvediża, b'kull wieħed minn dawn it-testi jkun ugwalment awtentiku.

B'XHIEDA TA' DAN, is-sottoskritti, debitament awtorizzati għal dan l-għan, iffirmaw dan il-Ftehim.

Съставено в Брюксел на тринадесети декември две хиляди двадесет и трета година.

Hecho en Bruselas, el trece de diciembre de dos mil veintitrés.

V Bruselu dne třináctého prosince dva tisíce dvacet tři.

Udfærdiget i Bruxelles den trettende december to tusind og treogtyve.

Geschehen zu Brüssel am dreizehnten Dezember zweitausenddreiundzwanzig.

Kahe tuhande kahekümne kolmanda aasta detsembrikuu kolmeteistkümnendal päeval Brüsselis.

Έγινε στις Βρυξέλλες, στις δέκα τρεις Δεκεμβρίου δύο χιλιάδες είκοσι τρία.

Done at Brussels on the thirteenth day of December in the year two thousand and twenty three.

Fait à Bruxelles, le treize décembre deux mille vingt-trois.

Arna dhéanamh sa Bhruiséil, an tríú lá déag de mhí na Nollag sa bhliain dhá mhíle fiche a trí.

Sastavljeno u Bruxellesu trinaestog prosinca godine dvije tisuće dvadeset treće.

Fatto a Bruxelles, addì tredici dicembre duemilaventitré.

Briselē, divi tūkstoši divdesmit trešā gada trīspadsmitajā decembrī.

Priimta du tūkstančiai dvidešimt trečių metų gruodžio tryliktą dieną Briuselyje.

Kelt Brüsszelben, a kétezer-huszonharmadik év december havának tizenharmadik napján.

Magħmul fi Brussell, fit-tlettax-il jum ta' Diċembru fis-sena elfejn u tlieta u għoxrin.

Gedaan te Brussel, dertien december tweeduizend drieëntwintig.

Sporządzono w Brukseli dnia trzynastego grudnia roku dwa tysiące dwudziestego trzeciego.

Feito em Bruxelas, em treze de dezembro de dois mil e vinte e três.

Întocmit la Bruxelles la treisprezece decembrie două mii douăzeci și trei.


V Bruseli trinásteho decembra dvetisícdvadsaťtri.

V Bruslju, trinajstega decembra dva tisoč triindvajset.

Tehty Brysselissä kolmantenatoista päivänä joulukuuta vuonna kaksituhattakaksikymmentäkolme.

Som skedde i Bryssel den trettonde december år tjugohundratjugotre.

Voor het Koninkrijk België
Pour le Royaume de Belgique
Für das Königreich Belgien



Deze handtekening verbindt eveneens de Vlaamse Gemeenschap, de Franse Gemeenschap, de Duitstalige Gemeenschap, het Vlaamse Gewest, het Waalse Gewest en het Brussels Hoofdstedelijk Gewest.

Cette signature engage également la Communauté française, la Communauté flamande, la Communauté germanophone, la Région wallonne, la Région flamande et la Région de Bruxelles-Capitale.

Diese Unterschrift bindet zugleich die Deutschsprachige Gemeinschaft, die Flämische Gemeinschaft, die Französische Gemeinschaft, die Wallonische Region, die Flämische Region und die Region Brüssel-Hauptstadt.


За Република България




Za Českou republiku



For Kongeriget Danmark



Für die Bundesrepublik Deutschland




Eesti Vabariigi nimel




Thar ceann na hÉireann
For Ireland



Για την Ελληνική Δημοκρατία




Por el Reino de España



Pour la République française



Za Republiku Hrvatsku



Per la Repubblica italiana




Για την Κυπριακή Δημοκρατία



Latvijas Republikas vārdā –



Lietuvos Respublikos vardu




Pour le Grand-Duché de Luxembourg



Magyarország részéről



Għar-Repubblika ta' Malta



Voor het Koninkrijk der Nederlanden




Für die Republik Österreich



W imieniu Rzeczypospolitej Polskiej



Pela República Portuguesa



Pentru România




Za Republiko Slovenijo

Za Slovenskú republiku


Suomen tasavallan puolesta
För Republiken Finland

För Konungariket Sverige

За Европейския съюз
Por la Unión Europea
Za Evropskou unii
For Den Europæiske Union
Für die Europäische Union
Euroopa Liidu nimel
Για την Ευρωπαϊκή Ένωση
For the European Union
Pour l'Union européenne
Thar ceann an Aontais Eorpaigh
Za Europsku uniju
Per l'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sąjungos vardu
Az Európai Unió részéről
Għall-Unjoni Ewropea
Voor de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Pela União Europeia
Pentru Uniunea Europeană
Za Európsku úniu
Za Evropsko unijo
Euroopan unionin puolesta
För Europeiska unionen



Por la República de Chile



ANNESS 9

SKEDI TAL-ELIMINAZZJONI TAT-TARIFFI

TAQSIMA A

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

1. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, "is-sena 0" tfisser il-perjodu li jibda mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u jintemm fil-31 ta' Diċembru tal-istess sena kalendarja. Is-"sena 1" se tibda fl-1 ta' Jannar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, b'kull tnaqqis sussegwenti fit-tariffi jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar ta' kull sena sussegwenti.

2. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, il-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċilì, min-naħa l-oħra, iffirmat fi Brussell fit-18 ta' Novembru 2002, kif modifikat l-aħħar mit-Tielet Protokoll Addizzjonali ta' dak il-Ftehim, iffirmat fi Brussell fid-29 ta' Ġunju 2017, jissejjaħ "il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-2002".

3. Oġġetti oriġinarji mhux elenkati fl-iskeda ta' Parti għal dan l-Anness se jkomplu jirċievu trattament mingħajr dazju mal-importazzjoni lejn dik il-Parti kif miftiehem skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-2002. Għal oġġetti li joriġinaw miċ-Ċilì importati fl-Unjoni Ewropea, dan jikkonċerna oġġetti kklassifikati fil-Kapitoli 5, 6, 9, 14, 25 sa 28, 30, 31, 32, 34, 36, 37 u 39 sa 97, jew l-intestaturi 2901 sa 2904, 2906 sa 2942, 3301, 3303 sa 3307, 3501, 3503, 3504, 3506, 3507, 3801 sa 3808, 3810 sa 3823, 3825 u 3826 tas-Sistema Armonizzata (kif emendata fl-1 ta' Jannar 2017). Għal oġġetti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea importati fiċ-Ċilì, dan jikkonċerna oġġetti kklassifikati fil-Kapitoli 01, 02, 05 sa 09, 13, 14, 18, 20, 22 u 24 sa 97 tas-Sistema Armonizzata (kif emendata fl-1 ta' Jannar 2017).

4. Għall-oġġetti oriġinarji tal-Parti l-oħra stabbiliti fl-iskeda ta' kull Parti għal dan l-Anness, il-kategoriji tal-fażijiet li ġejjin japplikaw għat-tnaqqis u l-eliminazzjoni tad-dazji doganali skont l-Artikolu 9.5:

(a) id-dazji fuq oġġetti oriġinarji stipulati fil-partiti fil-kategorija tal-fażi "0" fl-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi ta' Parti għandhom ikunu ħielsa mid-dazju mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim;

(b) id-dazji fuq oġġetti oriġinarji stipulati fil-partiti fil-kategorija tal-fażi "3" fl-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi ta' Parti jitneħħew f'erba' stadji annwali ndaqs li jibdew fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u oġġetti bħal dawn ikunu ħielsa mid-dazju mill-1 ta' Jannar tas-sena 3;

(c) id-dazji fuq oġġetti oriġinarji stipulati fil-partiti fil-kategorija tal-fażi "5" fl-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi ta' Parti jitneħħew f'sitt stadji annwali ndaqs li jibdew fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u oġġetti bħal dawn ikunu ħielsa mid-dazju mill-1 ta' Jannar tas-sena 5;

(d) id-dazji fuq oġġetti oriġinarji stipulati fil-partiti fil-kategorija tal-fażi "7" fl-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi ta' Parti jitneħħew fi tmien stadji annwali ndaqs li jibdew fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u oġġetti bħal dawn ikunu ħielsa mid-dazju mill-1 ta' Jannar tas-sena 7;

(e) id-dazji fuq oġġetti li joriġinaw stipulati fil-partiti fil-kategorija tal-fażi "7*" fl-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi taċ-Ċilì fl-Appendiċi 9-2 għandhom jitneħħew fi tliet stadji annwali ndaqs li jibdew fl-1 ta' Jannar tas-sena 5, u oġġetti bħal dawn għandhom ikunu ħielsa mid-dazju mill-1 ta' Jannar tas-sena 7;

(f) il-komponent *ad valorem* tad-dazji doganali fuq oġġetti oriġinarji stipulati fil-partiti fil-kategorija tal-fażi "0 + EP" fl-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi tal-Parti tal-UE fl-Appendiċi 9-1 jitneħħa mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim; l-eliminazzjoni tat-tariffa għandha tapplika għad-dazju *ad valorem* biss; id-dazju speċifiku fuq oġġetti oriġinarji skattat f'sitwazzjoni fejn il-prezz tal-importazzjoni jaqa' taħt il-prezz tad-dħul għandu jinżamm;

(g) id-dazji doganali fuq oġġetti oriġinarji stipulati fir-rigward tal-oġġetti fil-kategorija tal-fażi "E" fl-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi ta' Parti għandhom ikunu eżentati mill-eliminazzjoni tat-tariffi.

5. Ir-rata bażi għad-determinazzjoni tar-rata fi stadji interim tad-dazju doganali għal oġġett għandha tkun ir-rata tad-dazju doganali tan-nazzjon l-aktar iffavorit applikata fl-1 ta' Jannar 2018 jew id-dazju preferenzjali kif stabbilit fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-2002, skont liema minnhom ikun l-aktar baxx.

6. Għall-fini tal-eliminazzjoni tad-dazji doganali skont l-Artikolu 9.5, ir-rati tad-dazju fi stadji interim għandhom jiġu aġġustati 'l isfel għal mill-inqas l-eqreb deċimu ta' punt perċentwali jew, jekk ir-rata tad-dazju tkun espressa f'unitajiet monetarji, mill-inqas sal-eqreb 0,01 tal-unità monetarja uffiċjali tal-Parti.

7. Meta l-oġġetti jkunu mmarkati b'notazzjoni "TRQ" fl-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi ta' Parti, il-kategorija tal-faża tapplika għall-importazzjonijiet ta' prodotti barra mill-kwota tariffarja speċifikata fit-Taqsima B.

8. Dan l-anness huwa bbażat fuq is-Sistema Armonizzata, kif emendata fl-1 ta' Jannar 2017.

TAQSIMA B

KWOTI TARIFFARJI

Għall-amministrazzjoni fis-sena 0 tal-kwota tariffarja (TRQ) stabbilita skont dan l-Anness, il-Partijiet għandhom jikkalkulaw il-volum ta' dik it-TRQ billi jnaqqsu l-volum *pro rata* li jikkorrispondi għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ([1]).

Parti li tiftaħ TRQs għall-Parti l-oħra kif imsemmi f'dan l-Anness għandha tamministra dawk it-TRQs b'mod trasparenti, oġġettiv u mhux diskriminatorju skont il-liġi tagħha. Il-parti li tiftaħ it-TRQs għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku, fil-ħin u b'mod kontinwu, l-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-amministrazzjoni tal-kwoti, inkluż il-volum disponibbli u l-kriterji ta' eliġibbiltà.

Iċ-Ċilì għandu jamministra t-TRQs stabbiliti f'dan l-Anness fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel.

Il-parti tal-UE għandha tamministra t-TRQs stabbiliti f'dan l-Anness fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel jew fuq il-bażi ta' sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni li topera skont il-liġi tagħha.

SUBTAQSIMA 1

KWOTI TARIFFARJI TAĊ-ĊILÌ

1. TRQ tal-ġobon

(a) L-oġġetti oriġinarji fil-kwantitajiet annwali aggregati li ġejjin u stipulati fl-entrati bin-notazzjoni "TRQ-Cheese" fl-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi taċ-Ċilì fl-Appendiċi 9-2 u elenkati fis-subparagrafu (c) ta' dan il-paragrafu għandhom ikunu mingħajr dazju mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ([2]).

Sena	Kwantità annwali aggregata (tunnellati metriċi)
0	2 850
1	2 925
2	3 000
3	3 075
4	3 150
5	3 225
6	3 300

(b) Jekk dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ fl-2024 jew wara, il-kwantitajiet annwali aggregati stabbiliti fis-subparagrafu (a) għandhom jiżdiedu b'75 tunnellata metrika għal kull sena kalendarja sħiħa li tgħaddi bejn l-1 ta' Jannar 2021 u l-1 ta' Jannar tas-sena li fiha jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim ([3]).

([1]) Għal aktar ċertezza, il-volum disponibbli għas-sena 0 għandu jiġi kkalkulat billi jiġi mmultiplikat il-volum konċess li jikkorrispondi għas-sena 0 (kif stabbilit f'dan l-Anness) bi frazzjoni, li n-numeratur tagħha għandu jkun l-għadd ta' jiem li jifdal tas-sena 0, u li d-denominatur tagħha għandu jkun l-għadd totali ta' jiem tas-sena kalendarja li fiha taqa' s-sena 0 (365 jew 366, kif xieraq).

([2]) Din it-TRQ għandha tissostitwixxi t-TRQ ta' 1 500 tunnellata metrika (volum inizjali) stabbilita fit-Taqsima 1, il-paragrafu 1 tal-Anness II tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-2002.

([3]) Għal aktar ċertezza, din id-dispożizzjoni hija maħsuba biex tirrifletti ż-żieda annwali fil-volum stabbilita fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-2002, sad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

(c) Dan il-paragrafu japplika għal oġġetti oriġinarji kklassifikati fl-oġġetti tariffarji li ġejjin: 0406 10 10, 0406 10 20, 0406 10 30, 0406 10 90, 0406 20 00, 0406 30 00, 0406 40 00, 0406 90 10, 0406 90 20, 0406 90 30, 0406 90 40 u 0406 90 90.

(d) Din it-TRQ għandha titneħħa gradwalment wara li d-dazji doganali jkunu ġew eliminati f'konformità mal-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi taċ-Ċilì fl-Appendiċi 9-2.

2. TRQ tal-prodotti tas-sajd

(a) L-oġġetti oriġinarji stipulati fl-entrati bin-notazzjoni "TRQ-Fish" fl-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi taċ-Ċilì fl-Appendiċi 9-2 u elenkati fis-subparagrafu (b) ta' dan il-paragrafu għandhom ikunu ħielsa mid-dazju fil-kwantità annwali aggregata ta' 5 000 tunnellata metrika (piż tal-prodott) mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim fis-snin 0 sa 2. ([4])

(b) Dan il-paragrafu japplika għal oġġetti oriġinarji kklassifikati fl-oġġetti tariffarji li ġejjin: 0302 54 11, 0302 54 12, 0302 54 13, 0302 54 14, 0302 54 15, 0302 54 16, 0302 54 19 u 0302 59 19.

(c) Din it-TRQ għandha titneħħa gradwalment wara li d-dazji doganali jkunu ġew eliminati f'konformità mal-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi taċ-Ċilì fl-Appendiċi 9-2.

SUBTAQSIMA 2

KWOTI TARIFFARJI TAL-PARTI TAL-UE

1. TRQ għal-laħam tal-bovini

(a) Il-prodotti oriġinarji stipulati fl-entrati bin-notazzjoni "TRQ-BF" fl-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi tal-Parti tal-UE fl-Appendiċi 9-1 u elenkati fis-subparagrafu (c) ta' dan il-paragrafu għandhom ikunu mingħajr dazju fil-kwantità annwali aggregata ta' 4 800 tunnellata metrika (piż tal-prodott) mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. ([5])

(b) Jekk dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ fl-2022 jew wara, il-kwantità annwali aggregati stabbiliti fis-subparagrafu (a) għandhom jiżdiedu b'100 tunnellata metrika għal kull sena kalendarja sħiħa li tgħaddi bejn l-1 ta' Jannar 2021 u l-1 ta' Jannar tas-sena li fiha jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim ([6]).

(c) Dan il-paragrafu japplika għal oġġetti oriġinarji kklassifikati fl-oġġetti tariffarji li ġejjin: 0201 10 00, 0201 20 20, 0201 20 30, 0201 20 50, 0201 20 90, 0201 30 00, 0202 10 00, 0202 20 10, 0202 20 30, 0202 20 50, 0202 20 90, 0202 30 10, 0202 30 50, 0202 30 90, 0206 10 95, 0206 29 91, 0210 20 10, 0210 20 90, 0210 99 51, 1602 50 10 u 1602 90 61.

2. TRQ għal-laħam tal-majjal

(a) L-oġġetti oriġinarji stipulati fl-entrati bin-notazzjoni "TRQ-PK" fl-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi tal-Parti tal-UE fl-Appendiċi 9-1 u elenkati fis-subparagrafu (c) ta' dan il-paragrafu għandhom ikunu mingħajr dazju fil-kwantità annwali aggregata ta' 19 800 tunnellata metrika (piż tal-prodott) mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ([7]).

(b) Jekk dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ fl-2022 jew wara, il-kwantità annwali aggregati stabbiliti fis-subparagrafu (a) għandhom jiżdiedu b'350 tunnellata metrika għal kull sena kalendarja sħiħa li tgħaddi bejn l-1 ta' Jannar 2021 u l-1 ta' Jannar tas-sena li fiha jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim ([8]).

(c) Dan il-paragrafu japplika għal oġġetti oriġinarji kklassifikati fl-oġġetti tariffarji li ġejjin: 0203 11 10, 0203 12 11, 0203 12 19, 0203 19 11, 0203 19 13, 0203 19 15, 0203 19 55, 0203 19 59, 0203 21 10, 0203 22 11, 0203 22 19, 0203 29 11, 0203 29 13, 0203 29 15, 0203 29 55, 0203 29 59, 1601 00 91, 1601 00 99, 1602 41 10, 1602 42 10, 1602 49 11, 1602 49 13, 1602 49 15, 1602 49 19, 1602 49 30, 1602 49 50 u 1602 90 51.

([4]) Din it-TRQ għandha tissostitwixxi t-TRQ ta' 5 000 tunnellata metrika (volum inizjali) stabbilita fit-Taqsima 1, is-subparagrafu (a) tal-paragrafu 3 tal-Anness II għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-2002.

([5]) Din it-TRQ għandha tissostitwixxi t-TRQ ta' 1 000 tunnellata metrika (volum inizjali) stabbilita fit-Taqsima 1, subtaqsima (a) tal-paragrafu 1 tal-Anness I tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-2002. Fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, iż-żieda annwali ta' 10 % tal-kwantità inizjali stabbilita fil-paragrafu 1 tat-Taqsima 1 tal-Anness I għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-2002 għandha tiġi eliminata.

([6]) Għal aktar ċertezza, din id-dispożizzjoni hija maħsuba biex tirrifletti ż-żieda annwali fil-volum stabbilita fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-2002, sad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

([7]) Din it-TRQ għandha tissostitwixxi t-TRQ ta' 3 500 tunnellata metrika (volum inizjali) u 1 000 tunnellata metrika miżjuda wara l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea) stabbiliti fit-Taqsima 1, is-subparagrafi (b) u (e) tal-paragrafu 1 tal-Anness I tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-2002, rispettivament. Fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, iż-żieda annwali ta' 10 % tal-kwantità inizjali stabbilita fil-paragrafu 1 tat-Taqsima 1 tal-Anness I għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-2002 għandha tiġi eliminata.

([8]) Għal aktar ċertezza, din id-dispożizzjoni hija maħsuba biex tirrifletti ż-żieda annwali fil-volum stabbilita fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-2002, sad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

3. TRQ għal-laħam tan-nagħaġ

(a) L-oġġetti oriġinarji stipulati fl-entrati bin-notazzjoni "TRQ-SP" fl-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi tal-Parti tal-UE fl-Appendiċi 9-1 u elenkati fis-subparagrafu (c) ta' dan il-paragrafu għandhom ikunu mingħajr dazju fil-kwantità annwali aggregata ta' 9 600 tunnellata metrika (piż tal-prodott) mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ([9]).

(b) Jekk dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ fl-2022 jew wara, il-kwantità annwali aggregati stabbiliti fis-subparagrafu (a) għandhom jiżdiedu b'200 tunnellata metrika għal kull sena kalendarja sħiħa li tgħaddi bejn l-1 ta' Jannar 2021 u l-1 ta' Jannar tas-sena li fiha jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim ([10]).

(c) Dan il-paragrafu japplika għal oġġetti oriġinarji kklassifikati fl-intestatura tariffarja 0204.

4. TRQ għal-laħam tat-tjur

(a) L-oġġetti oriġinarji fil-kwantitajiet annwali aggregati li ġejjin u stipulati fl-entrati bin-notazzjoni "TRQ- PY" fl-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi tal-Parti tal-UE fl-Appendiċi 9-1 u elenkati fis-subparagrafu (c) ta' dan il-paragrafu għandhom ikunu mingħajr dazju mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ([11]).

Sena	Kwantità annwali aggregata (tunnellati metriċi, piż tal-prodott)
0 sa 2	29 300
3 u kull sena sussegwenti	38 300

(b) Jekk dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ fl-2022 jew wara, il-kwantitajiet annwali aggregati stabbiliti fis-subparagrafu (a) għandhom jiżdiedu b'725 tunnellata metrika għal kull sena kalendarja sħiħa li tgħaddi bejn l-1 ta' Jannar 2021 u l-1 ta' Jannar tas-sena li fiha jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim ([12]).

(c) Dan il-paragrafu japplika għal oġġetti oriġinarji kklassifikati fl-oġġetti tariffarji li ġejjin: 0207 11 10, 0207 11 30, 0207 11 90, 0207 12 10, 0207 12 90, 0207 13 10, 0207 13 20, 0207 13 30, 0207 13 40, 0207 13 50, 0207 13 60, 0207 13 70, 0207 13 99, 0207 14 10, 0207 14 20, 0207 14 30, 0207 14 40, 0207 14 50, 0207 14 60, 0207 14 70, 0207 14 99, 0207 24 10, 0207 24 90, 0207 25 10, 0207 25 90, 0207 26 10, 0207 26 20, 0207 26 30, 0207 26 40, 0207 26 50, 0207 26 60, 0207 26 70, 0207 26 80, 0207 26 99, 0207 27 10, 0207 27 20, 0207 27 30, 0207 27 40, 0207 27 50, 0207 27 60, 0207 27 70, 0207 27 80, 0207 27 99, 0207 41 20, 0207 41 30, 0207 41 80, 0207 42 30, 0207 42 80, 0207 44 10, 0207 44 21, 0207 44 31, 0207 44 41, 0207 44 51, 0207 44 61, 0207 44 71, 0207 44 81, 0207 44 99, 0207 45 10, 0207 45 21, 0207 45 31, 0207 45 41, 0207 45 51, 0207 45 61, 0207 45 71, 0207 45 81, 0207 45 99, 0207 51 10, 0207 51 90, 0207 52 10, 0207 52 90, 0207 54 10, 0207 54 21, 0207 54 31, 0207 54 41, 0207 54 51, 0207 54 61, 0207 54 71, 0207 54 81, 0207 54 99, 0207 55 10, 0207 55 21, 0207 55 31, 0207 55 41, 0207 55 51, 0207 55 61, 0207 55 71, 0207 55 81, 0207 55 99, 0207 60 05, 0207 60 10, 0207 60 21, 0207 60 31, 0207 60 41, 0207 60 51, 0207 60 61, 0207 60 81, 0207 60 99, 1602 32 11 u 1602 39 21.

5. TRQ tal-ħut

(a) L-oġġetti oriġinarji stipulati fl-entrati bin-notazzjoni "TRQ-Fish" fl-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi tal-Parti tal-UE fl-Appendiċi 9-1 u elenkati fis-subparagrafu (b) ta' dan il-paragrafu għandhom ikunu mingħajr dazju fil-kwantità annwali aggregata ta' 250 tunnellata metrika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ([13]).

([9]) Din it-TRQ għandha tissostitwixxi t-TRQ ta' 2 000 tunnellata metrika (volum inizjali) stabbilita fit-Taqsima 1, is-subparagrafu (c) tal-paragrafu 1, tal-Anness I tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-2002. Fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, iż-żieda annwali ta' 10 % tal-kwantità inizjali stabbilita fil-paragrafu 1 tat-Taqsima 1 tal-Anness I għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-2002 għandha tiġi eliminata.

([10]) Għal aktar ċertezza, din id-dispożizzjoni hija maħsuba biex tirrifletti ż-żieda annwali fil-volum stabbilita fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-2002, sad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

([11]) Din it-TRQ għandha tissostitwixxi t-TRQ ta' 7 250 tunnellata metrika (volum inizjali) stabbilita fit-Taqsima 1, is-subparagrafu (d) tal-paragrafu 1, tal-Anness I tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-2002. Fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, iż-żieda annwali ta' 10 % tal-kwantità inizjali stabbilita fil-paragrafu 1 tat-Taqsima 1 tal-Anness I għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-2002 għandha tiġi eliminata.

([12]) Għal aktar ċertezza, din id-dispożizzjoni hija maħsuba biex tirrifletti ż-żieda annwali fil-volum stabbilita fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-2002, sad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

([13]) Din it-TRQ għandha tissostitwixxi t-TRQ ta' 150 tunnellata metrika stabbilita fit-Taqsima 1, il-paragrafu 5, tal-Anness I tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-2002.

(b) Dan il-paragrafu japplika għal oġġetti oriġinarji kklassifikati fl-oġġetti tariffarji li ġejjin: 1604 14 21, 1604 14 26, 1604 14 28, 1604 14 31, 1604 14 36, 1604 14 38, 1604 14 41, 1604 14 46, 1604 14 48, 1604 19 31, 1604 19 39 u 1604 20 70.

6. TRQ tal-bajd u tal-prodotti tal-bajd

(a) L-oġġetti oriġinarji previsti fl-entrati bin-notazzjoni "TRQ-EG" fl-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi tal-Parti tal-UE fl-Appendiċi 9-1 u elenkati fis-subparagrafu (b) ta' dan il-paragrafu għandhom ikunu ħielsa mid-dazju fil-kwantità annwali aggregata ta' 500 tunnellata metrika (ekwivalenti għall-bajd fil-qoxra) mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

(b) Dan il-paragrafu japplika għal oġġetti oriġinarji kklassifikati fl-oġġetti tariffarji li ġejjin: 0407 11 00, 0407 19 11, 0407 19 19, 0407 21 00, 0407 29 10, 0407 90 10, 0408 11 80, 0408 19 81, 0408 19 89, 0408 91 80, 0408 99 80, 3502 11 90 u 3502 19 90.

7. TRQ tat-tewm

(a) L-oġġetti oriġinarji stipulati fl-entrati bin-notazzjoni "TRQ-GC" fl-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi tal-Parti tal-UE fl-Appendiċi 9-1 u elenkati fis-subparagrafu (b) ta' dan il-paragrafu għandhom ikunu mingħajr dazju fil-kwantità annwali aggregata ta' 2 000 tunnellata metrika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ([14]).

(b) Dan il-paragrafu japplika għall-merkanzija oriġinarja kklassifikata fil-partita tariffarja 0703 20 00.

8. TRQ tal-lamtu u tad-derivattivi tal-lamtu

(a) L-oġġetti oriġinarji stipulati fl-entrati bin-notazzjoni "TRQ-SH" fl-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi tal-Parti tal-UE fl-Appendiċi 9-1 u elenkati fis-subparagrafu (b) ta' dan il-paragrafu għandhom ikunu mingħajr dazju fil-kwantità annwali aggregata ta' 300 tunnellata metrika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

(b) Dan il-paragrafu japplika għal oġġetti oriġinarji kklassifikati fl-entrati tat-tariffa li ġejjin: 1108 11 00, 1108 12 00, 1108 13 00, 1108 14 00, 1108 19 10, 1108 19 90, 1109 00 00, 2905 43 00, 2905 44 11, 2905 44 19, 2905 44 91, 2905 44 99, 3505 10 10, 3505 10 90, 3824 60 11, 3824 60 19, 3824 60 91 u 3824 60 99.

9. TRQ taż-żejt taż-żebbuġa

(a) L-oġġetti oriġinarji stipulati fl-entrati bin-notazzjoni "TRQ-OL" fl-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi tal-Parti tal-UE fl-Appendiċi 9-1 u elenkati fis-subparagrafu (b) ta' dan il-paragrafu għandhom ikunu mingħajr dazju fil-kwantità annwali aggregata ta' 11 000 tunnellata metrika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

(b) Dan il-paragrafu japplika għal oġġetti oriġinarji kklassifikati fl-oġġetti tariffarji li ġejjin: 1509 10 10, 1509 10 20, 1509 10 80, 1509 90 00, 1510 00 10 u 1510 00 90.

10. Prodotti b'kontenut għoli ta' zokkor TRQ

(a) L-oġġetti oriġinarji stipulati fl-entrati bin-notazzjoni "TRQ-SR" fl-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi tal-Parti tal-UE fl-Appendiċi 9-1 u elenkati fis-subparagrafu (b) ta' dan il-paragrafu għandhom ikunu mingħajr dazju fil-kwantità annwali aggregata ta' 1 000 tunnellata metrika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

(b) Dan il-paragrafu japplika għal oġġetti oriġinarji kklassifikati fl-oġġetti tariffarji li ġejjin: 1702 30 10, 1702 30 50, 1702 30 90, 1702 40 10, 1702 40 90, 1702 50 00, 1702 60 10, 1702 60 80, 1702 60 95, 1702 90 30, 1704 90 99, 1806 10 30, 1806 10 90, 1806 20 95, 1901 90 95, 1901 90 99, 2006 00 31, 2006 00 38, 2007 91 10, 2101 12 98, 2101 20 98, ex 2106 90 98 u 3302 10 29.

Fis-snin 0 sa 6, dan il-paragrafu għandu japplika wkoll għal oġġetti oriġinarji kklassifikati fl-oġġetti tariffarji li ġejjin: 1702 90 50, 1702 90 71, 1702 90 75, 1702 90 79, 1702 90 80, 1702 90 95, 2106 90 30, 2106 90 55 u 2106 90 59.

([14]) Din it-TRQ għandha tissostitwixxi t-TRQ ta' 500 tunnellata metrika (volum inizjali) u 30 tunnellata metrika (volum inizjali), miżjud wara l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka mal-Unjoni Ewropea, stabbiliti fit-Taqsima 1, is-subparagrafu (b) tal-paragrafu 2, tal-Anness I għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-2002. Fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, iż-żieda annwali ta' 5 % tal-kwantità inizjali stabbilita fil-paragrafu 2 tal-Anness I għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-2002 għandha tiġi eliminata.

11. Ċereali pproċessati TRQ

(a) L-oġġetti oriġinarji fil-kwantitajiet annwali aggregati li ġejjin u stipulati fl-entrati bin-notazzjoni "TRQ-PC" fl-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi tal-Parti tal-UE fl-Appendiċi 9-1 u elenkati fis-subparagrafu (c) ta' dan il-paragrafu għandhom ikunu mingħajr dazju mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ([15]).

Sena	Kwantità annwali aggregata (tunnellati metriċi)
0	1 900
1	1 950
2	2 000

(b) Jekk dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ fl-2022 jew wara, il-kwantità annwali aggregata stabbilita fis-subparagrafu (a) għandha tiżdied b'50 tunnellata metrika għal kull sena kalendarja sħiħa li tgħaddi bejn l-1 ta' Jannar 2021 u l-1 ta' Jannar tas-sena li fiha jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim ([16]).

(c) Dan il-paragrafu japplika għal oġġetti oriġinarji kklassifikati fl-intestatura tariffarja 1104.

(d) Din it-TRQ għandha titneħħa gradwalment wara li d-dazji doganali jkunu ġew eliminati f'konformità mal-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi tal-Parti tal-UE fl-Appendiċi 9-1.

12. TRQ tal-ħelu taz-zokkor

(a) L-oġġetti oriġinarji fil-kwantitajiet annwali aggregati li ġejjin u stipulati fl-entrati bin-notazzjoni "TRQ-SRa" fl-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi tal-Parti tal-UE fl-Appendiċi 9-1 u elenkati fis-subparagrafu (b) ta' dan il-paragrafu għandhom ikunu mingħajr dazju mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ([17]).

Sena	Kwantità annwali aggregata (tunnellati metriċi)
0 sa 2	400

(b) Dan il-paragrafu japplika għal oġġetti oriġinarji kklassifikati fl-oġġetti tariffarji li ġejjin: 1704 10 10, 1704 10 90, 1704 90 10, 1704 90 30, 1704 90 51, 1704 90 55, 1704 90 61, 1704 90 65, 1704 90 71, 1704 90 75 u 1704 90 81.

(c) Din it-TRQ għandha titneħħa gradwalment wara li d-dazji doganali jkunu ġew eliminati f'konformità mal-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi tal-Parti tal-UE fl-Appendiċi 9-1.

13. TRQ taċ-ċikkulata

(a) L-oġġetti oriġinarji fil-kwantitajiet annwali aggregati li ġejjin u stipulati fl-entrati bin-notazzjoni "TRQ-SRb" fl-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi tal-Parti tal-UE fl-Appendiċi 9-1 u elenkati fis-subparagrafu (b) ta' dan il-paragrafu għandhom ikunu mingħajr dazju mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ([18]).

Sena	Kwantità annwali aggregata (tunnellati metriċi)
0 sa 2	400

(b) Dan il-paragrafu japplika għal oġġetti oriġinarji kklassifikati fl-oġġetti tariffarji li ġejjin: 1806 20 10, 1806 20 30, 1806 20 50, 1806 20 70, 1806 20 80, 1806 31 00, 1806 32 10, 1806 32 90, 1806 90 11, 1806 90 19, 1806 90 31, 1806 90 39, 1806 90 50, 1806 90 60, 1806 90 70 u 1806 90 90.

(c) Din it-TRQ għandha titneħħa gradwalment wara li d-dazji doganali jkunu ġew eliminati f'konformità mal-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi tal-Parti tal-UE fl-Appendiċi 9-1.

([15]) Din it-TRQ għandha tissostitwixxi t-TRQ ta' 1 000 tunnellata metrika (volum inizjali) stabbilita fit-Taqsima 1, is-subparagrafu (c) tal-paragrafu 2, tal-Anness I għalll-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-2002.

([16]) Għal aktar ċertezza, din id-dispożizzjoni hija mahsuba biex tirrifletti ż-żieda annwali fil-volum stabbilita fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-2002, sad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

([17]) Din it-TRQ għandha tissostitwixxi t-TRQ ta' 400 tunnellata metrika stabbilita fit-Taqsima 1, is-subparagrafu (a) tal-paragrafu 3, tal-Anness I għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-2002.

([18]) Din it-TRQ għandha tissostitwixxi t-TRQ ta' 400 tunnellata metrika stabbilita fit-Taqsima 1, is-subparagrafu(b) tal-paragrafu 3, tal-Anness I għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-2002.

14. Gallettini ħelwin u waffles TRQ

(a) Oġġetti oriġinarji fil-kwantitajiet annwali aggregati li ġejjin u stipulati fl-entrati bin-notazzjoni "TRQ-BS" fl-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi tal-Parti tal-UE u elenkati fis-subparagrafu (b) għandhom ikunu mingħajr dazju mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ([19]).

Sena	Kwantità annwali aggregata (tunnellati metriċi)
0 sa 2	500

(b) Dan il-paragrafu japplika għal oġġetti oriġinarji kklassifikati fl-oġġetti tariffarji li ġejjin: 1905 31 11, 1905 31 19, 1905 31 30, 1905 31 91, 1905 31 99, 1905 32 05, 1905 32 11, 1905 32 19, 1905 32 91, 1905 32 99 u 1905 90 45.

(c) Din it-TRQ għandha titneħħa gradwalment wara li d-dazji doganali jkunu ġew eliminati f'konformità mal-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi tal-Parti tal-UE fl-Appendiċi 9-1.

15. Faqqiegħ ippreparat TRQ

(a) L-oġġetti oriġinarji fil-kwantitajiet annwali aggregati li ġejjin u stipulati fl-entrati bin-notazzjoni "TRQ-MS" fl-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi tal-Parti tal-UE fl-Appendiċi 9-1 u elenkati fis-subparagrafu (c) ta' dan il-paragrafu għandhom ikunu mingħajr dazju mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ([20]).

Sena	Kwantità annwali aggregata (tunnellati metriċi)
0	950
1	975
2	1 000
3	1 025
4	1 050
5	1 075
6	1 100

(b) Jekk dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ fl-2022 jew wara, il-kwantità annwali aggregati stabbiliti fis-subparagrafu (a) għandhom jiżdiedu b'25 tunnellata metrika għal kull sena kalendarja sħiħa li tgħaddi bejn l-1 ta' Jannar 2021 u l-1 ta' Jannar tas-sena li fiha jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim ([21]).

(c) Dan il-paragrafu japplika għall-oġġetti oriġinarji kklassifikata fil-partiti tariffarji 2003 10 20 u 2003 10 30.

(d) Din it-TRQ għandha titneħħa gradwalment wara li d-dazji doganali jkunu ġew eliminati f'konformità mal-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi tal-Parti tal-UE fl-Appendiċi 9-1.

16. TRQ tal-qamħirrum ħelu

(a) L-oġġetti oriġinarji stipulati fl-entrati bin-notazzjoni "TRQ-SC" fl-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi tal-Parti tal-UE fl-Appendiċi 9-1 u elenkati fis-subparagrafu (b) ta' dan il-paragrafu għandhom ikunu mingħajr dazju fil-kwantità annwali aggregata ta' 800 tunnellata metrika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

(b) Dan il-paragrafu japplika għal oġġetti oriġinarji kklassifikati fl-oġġetti tariffarji li ġejjin: 2001 90 30, 2004 90 10 u 2005 80 00.

([19]) Din it-TRQ għandha tissostitwixxi t-TRQ ta' 500 tunnellata metrika stabbilita fit-Taqsima 1, is-subparagrafu (c) tal-paragrafu 3, tal-Anness I għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-2002.

([20]) Din it-TRQ għandha tissostitwixxi t-TRQ ta' 500 tunnellata metrika (volum inizjali) stabbilita fit-Taqsima 1, is-subparagrafu (d) tal-paragrafu 2, tal-Anness I għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-2002.

([21]) Għal aktar ċertezza, din id-dispożizzjoni hija maħsuba biex tirrifletti ż-żieda annwali fil-volum stabbilita fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-2002, sad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

17. Kwota tariffarja tal-meraq tat-tuffieħ

(a) L-oġġetti oriġinarji stipulati fl-entrati bin-notazzjoni "TRQ-AJ" fl-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi tal-Parti tal-UE fl-Appendiċi 9-1 u elenkati fis-subparagrafu (b) ta' dan il-paragrafu għandhom ikunu mingħajr dazju fil-kwantità annwali aggregata ta' 2 000 tunnellata metrika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

(b) Dan il-paragrafu japplika għal oġġetti oriġinarji kklassifikati fl-oġġetti tariffarji li ġejjin: 2009 79 11 u 2009 79 91.

18. Preparazzjonijiet tal-frott TRQ

(a) L-oġġetti oriġinarji stipulati fl-entrati bin-notazzjoni "TRQ-FP" fl-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi tal-Parti tal-UE fl-Appendiċi 9-1 u elenkati fis-subparagrafu (b) ta' dan il-paragrafu għandhom ikunu mingħajr dazju fil-kwantità annwali aggregata ta' 10 000 tunnellata metrika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

(b) Dan il-paragrafu japplika għal oġġetti oriġinarji kklassifikati fl-oġġetti tariffarji li ġejjin: 2007 10 10, 2007 91 30, 2007 99 20, ex 2007 99 31, ex 2007 99 33, ex 2007 99 39, 2008 30 19 u 2008 40 19.

19. TRQ tal-etanol

(a) L-oġġetti oriġinarji stipulati fl-entrati bin-notazzjoni "TRQ-EL" fl-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi tal-Parti tal-UE fl-Appendiċi 9-1 u elenkati fis-subparagrafu (b) ta' dan il-paragrafu għandhom ikunu mingħajr dazju fil-kwantità annwali aggregata ta' 2 000 tunnellata metrika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

(b) Dan il-paragrafu japplika għal oġġetti oriġinarji kklassifikati fl-oġġetti tariffarji li ġejjin: 2207 10 00 u 2207 20 00.

20. Kwota tariffarja tar-rum

(a) L-oġġetti oriġinarji previsti fl-entrati bin-notazzjoni "TRQ-RM" fl-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi tal-Parti tal-UE fl-Appendiċi 9-1 u elenkati fis-subparagrafu (b) ta' dan il-paragrafu għandhom ikunu ħielsa mid-dazju fil-kwantità annwali aggregata ta' 500 ettolitru (ekwivalenti għall-alkoħol pur) mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

(b) Dan il-paragrafu japplika għal oġġetti oriġinarji kklassifikati fl-oġġetti tariffarji li ġejjin: 2208 40 11, 2208 40 39, 2208 40 51 u 2208 40 99.

21. Fir-rigward tat-TRQ stabbilita fil-paragrafu 6, għandhom jintużaw il-fatturi ta' konverżjoni li ġejjin biex il-piż tal-prodott jiġi kkonvertit f'ekwivalenti ta' bajd fil-qoxra:

Linja tariffarja	Deskrizzjoni tal-linja tariffarja (għal skopijiet illustrattivi biss)	Fattur ta' konverżjoni
0407 11 00	Bajd iffertilizzat għall-inkubazzjoni, ta' tjur domestiċi	100 %
0407 19 11	Bajd fertilizzat għall-inkubazzjoni, ta' dundjani domestiċi jew wiżż domestiku	100 %
0407 19 19	Bajd tal-pollam iffertilizzat għall-inkubazzjoni (minbarra dundjani, wiżż u tjur)	100 %
0407 21 00	Bajd frisk ta' tjur domestiċi, fil-qoxra (minbarra fertilizzat għall-inkubazzjoni)	100 %
0407 29 10	Bajd frisk tat-tjur, fil-qoxra (minbarra tat-tjur, u fertilizzat għall-inkubazzjoni)	100 %
0407 90 10	Bajd tat-tjur, fil-qoxra, ippreservat jew imsajjar	100 %
0408 11 80	Isfar tal-bajd, imnixxef, għall-konsum mill-bniedem, kemm jekk fih zokkor miżjud jew sustanza oħra li tagħti l-ħlewwa kif ukoll jekk le	246 %

Linja tariffarja	Deskrizzjoni tal-linja tariffarja (għal skopijiet illustrattivi biss)	Fattur ta' konverżjoni
0408 19 81	Isfar tal-bajd, likwidu, tajjeb għall-konsum mill-bniedem, kemm jekk fih zokkor miżjud jew sustanza oħra li tagħti l-ħlewwa kif ukoll jekk le	116 %
0408 19 89	Isfar tal-bajd (għajr likwidu), iffriżat jew ippreservat mod ieħor, tajjeb għall-konsum mill-bniedem, kemm jekk fih zokkor miżjud jew xi sustanza tal-ħlewwa oħra kif ukoll jekk le (minbarra mnixxef)	116 %
0408 91 80	Bajd imnixxef tal-għasafar, mhux fil-qoxra, kemm jekk biz-zokkor jew xi materjal ieħor biex iżid il-ħlewwa miżjud kif ukoll jekk le, tajjeb għall-konsum mill-bniedem (minbarra isfra tal-bajd)	452 %
0408 99 80	Bajd tat-tjur, mhux fil-qoxra, friski, imsajrin bl-istim jew bit-tgħolija, iffurmati, friżati jew preservati mod ieħor, kemm biż-żieda ta' zokkor jew materjal ieħor li jagħmel ħelu jew le, tajjeb għall-konsum uman (minbarra bajd imnixxef u isfra tal-bajd)	116 %
3502 11 90	Albumini tal-bajd, imnixxfa (pereżempju f'folji, qxur, trofof, trab), tajbin għall-konsum uman	856 %
3502 19 90	Albumina tal-bajd, tajba għall-konsum uman (minbarra mnixxfa, eż. f'folji, laqx, kristalli, trab)	116 %

Appendiċi 9-1

SKEDA TARIFFARJA TAL-PARTI TAL-UE

Nota 1: Il-kamp ta' applikazzjoni tal-prodotti f'din il-lista huwa ddeterminat mill-kodiċijiet NM kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1577 ([1]).

Nota 2: Il-prodotti li joriġinaw miċ-Ċilì importati fil-Parti tal-UE u kklassifikati f'oġġett tariffarju b'annotazzjoni li tirreferi għal din in-Nota se jkomplu jirċievu trattament ħieles mid-dazju kif miftiehem skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-2002.

Nota 3: Is-sistema tal-Prezzijiet tad-Dħul hija stabbilita fl-Anness 2 tan-Nomenklatura Magħquda fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1577.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1577 tal-21 ta' Settembru 2020 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u listatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU UE L 361, 30.10.2020, p. 1).

Oġġett tat-tariffa (NM 2021)	Deskrizzjoni (ara n-Nota 1)	Rata bażi	Kategorija tal-fażi	Noti
0101 21 00	-- Annimali ta' razza pura għat-tnissil	0	0	Ara n-Nota 2
0101 29 10	--- Għall-qatla	0	0	Ara n-Nota 2
0101 29 90	--- Oħrajn	0	0	Ara n-Nota 2
0101 30 00	- Ħmir	0	0	Ara n-Nota 2
0101 90 00	- Oħrajn	0	0	Ara n-Nota 2
0102 21 10	--- Erieħ (bovini nisa li qatt ma welldu)	0	0	Ara n-Nota 2
0102 21 30	--- Baqar	0	0	Ara n-Nota 2
0102 21 90	--- Oħrajn	0	0	Ara n-Nota 2
0102 29 05	--- Tas-subġeneru *Bibos* jew tas-subġeneru *Poephagus*	0	0	Ara n-Nota 2
0102 29 10	---- Ta' piż li ma jaqbiżx it-80 kg	10,2 + 93,1 EUR/100 kg	7	
0102 29 21	----- Għall-qatla	10,2 + 93,1 EUR/100 kg	7	
0102 29 29	----- Oħrajn	10,2 + 93,1 EUR/100 kg	7	
0102 29 41	----- Għall-qatla	10,2 + 93,1 EUR/100 kg	7	
0102 29 49	----- Oħrajn	10,2 + 93,1 EUR/100 kg	7	
0102 29 51	------ Għall-qatla	10,2 + 93,1 EUR/100 kg	7	
0102 29 59	------ Oħrajn	10,2 + 93,1 EUR/100 kg	7	

ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2024/1759/oj

Oġġett tat-tariffa (NM 2021)	Deskrizzjoni (ara n-Nota 1)	Rata bażi	Kategorija tal-fażi	Noti
0102 29 61	------ Għall-qatla	10,2 + 93,1 EUR/100 kg	7	
0102 29 69	------ Oħrajn	10,2 + 93,1 EUR/100 kg	7	
0102 29 91	------ Għall-qatla	10,2 + 93,1 EUR/100 kg	7	
0102 29 99	------ Oħrajn	10,2 + 93,1 EUR/100 kg	7	
0102 31 00	-- Annimali ta' razza pura għat-tnissil	0	0	Ara n-Nota 2
0102 39 10	--- Speċijiet domestiċi	10,2 + 93,1 EUR/100 kg	7	
0102 39 90	--- Oħrajn	0	0	Ara n-Nota 2
0102 90 20	-- Annimali ta' razza pura għat-tnissil	0	0	Ara n-Nota 2
0102 90 91	--- Speċijiet domestiċi	10,2 + 93,1 EUR/100 kg	7	
0102 90 99	--- Oħrajn	0	0	Ara n-Nota 2
0103 10 00	- Annimali ta' razza pura għat-tnissil	0	0	Ara n-Nota 2
0103 91 10	--- Speċijiet domestiċi	41,2 EUR/100 kg	7	
0103 91 90	--- Oħrajn	0	0	Ara n-Nota 2
0103 92 11	---- Majjali nisa li jkunu ferrgħu għall-anqas darba, ta' piż mhux anqas minn 160 kg	35,1 EUR/100 kg	7	
0103 92 19	---- Oħrajn	41,2 EUR/100 kg	7	

Oġġett tat-tariffa (NM 2021)	Deskrizzjoni (ara n-Nota 1)	Rata bażi	Kategorija tal-fażi	Noti
0103 92 90	--- Oħrajn	0	0	Ara n-Nota 2
0104 10 10	-- Annimali ta' razza pura għat-tnissil	0	0	Ara n-Nota 2
0104 10 30	--- Ħrief (li ma jkollhomx aktar minn sena)	80,5 EUR/100 kg	7	
0104 10 80	--- Oħrajn	80,5 EUR/100 kg	7	
0104 20 10	-- Annimali ta' razza pura għat-tnissil	0	0	Ara n-Nota 2
0104 20 90	-- Oħrajn	80,5 EUR/100 kg	7	
0105 11 11	---- Irjus għall-bajd	52 EUR/1 000 p/st	7	
0105 11 19	---- Oħrajn	52 EUR/1 000 p/st	7	
0105 11 91	---- Irjus għall-bajd	52 EUR/1 000 p/st	7	
0105 11 99	---- Oħrajn	52 EUR/1 000 p/st	7	
0105 12 00	-- Dundjani	152 EUR/1 000 p/st	7	
0105 13 00	-- Papri	52 EUR/1 000 p/st	7	
0105 14 00	-- Wiżż	152 EUR/1 000 p/st	7	
0105 15 00	-- Farawni	52 EUR/1 000 p/st	7	
0105 94 00	-- Tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*	20,9 EUR/100 kg	7	
0105 99 10	--- Papri	32,3 EUR/100 kg	7	

ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2024/1759/oj

Oġġett tat-tariffa (NM 2021)	Deskrizzjoni (ara n-Nota 1)	Rata bażi	Kategorija tal-fażi	Noti
0105 99 20	--- Wiżż	31,6 EUR/100 kg	7	
0105 99 30	--- Dundjani	23,8 EUR/100 kg	7	
0105 99 50	--- Farawni	34,5 EUR/100 kg	7	
0106 11 00	-- Primati	0	0	Ara n-Nota 2
0106 12 00	-- Tal-baleni, tad-dniefel u tal-dniefel suwed (mammiferi tal-ordni Cetacea); tal-lamantini u tad-dugongi (mammiferi tal-ordni Sirenia); tal-foki, tal-iljuni tal-baħar u tal-odobeni (mammiferi tas-subordni Pinnipedia)	0	0	Ara n-Nota 2
0106 13 00	-- Iġmla u kamelidi oħrajn (Camelidae)	0	0	Ara n-Nota 2
0106 14 10	--- Fniek domestiċi	0	0	Ara n-Nota 2
0106 14 90	--- Oħrajn	0	0	Ara n-Nota 2
0106 19 00	-- Oħrajn	0	0	Ara n-Nota 2
0106 20 00	- Rettili (inkluż sriep u fkieren)	0	0	Ara n-Nota 2
0106 31 00	-- Għasafar tal-priża	0	0	Ara n-Nota 2
0106 32 00	-- Psittaċiformi (inkluż pappagalli, parrukketti, makawi u kakatuwi)	0	0	Ara n-Nota 2
0106 33 00	-- Nagħam; emus (*Dromaius novaehollandiae*)	0	0	Ara n-Nota 2
0106 39 10	--- Ħamiem	0	0	Ara n-Nota 2
0106 39 80	--- Oħrajn	0	0	Ara n-Nota 2

Oġġett tat-tariffa (NM 2021)	Deskrizzjoni (ara n-Nota 1)	Rata bażi	Kategorija tal-fażi	Noti
0106 41 00	-- Naħal	0	0	Ara n-Nota 2
0106 49 00	-- Oħrajn	0	0	Ara n-Nota 2
0106 90 00	- Oħrajn	0	0	Ara n-Nota 2
0201 10 00	- Karkassi u nofs karkassi	12,8 + 176,8 EUR/100 kg	E	TRQ-BF
0201 20 20	-- Robbijiet “spulpjati”	12,8 + 176,8 EUR/100 kg	E	TRQ-BF
0201 20 30	-- Robbijiet ta’ quddiem mhux mifrudin jew mifrudin	12,8 + 141,4 EUR/100 kg	E	TRQ-BF
0201 20 50	-- Robbijiet ta’ wara mhux mifrudin jew mifrudin	12,8 + 212,2 EUR/100 kg	E	TRQ-BF
0201 20 90	-- Oħrajn	12,8 + 265,2 EUR/100 kg	E	TRQ-BF
0201 30 00	- Mingħajr għadam	12,8 + 303,4 EUR/100 kg	E	TRQ-BF
0202 10 00	- Karkassi u nofs karkassi	12,8 + 176,8 EUR/100 kg	E	TRQ-BF
0202 20 10	-- Robbijiet “spulpjati”	12,8 + 176,8 EUR/100 kg	E	TRQ-BF
0202 20 30	-- Robbijiet ta’ quddiem mhux mifrudin jew mifrudin	12,8 + 141,4 EUR/100 kg	E	TRQ-BF
0202 20 50	-- Robbijiet ta’ wara mhux mifrudin jew mifrudin	12,8 + 221,1 EUR/100 kg	E	TRQ-BF
0202 20 90	-- Oħrajn	12,8 + 265,3 EUR/100 kg	E	TRQ-BF
0202 30 10	-- Robbijiet ta’ quddiem, sħaħ jew imqattgħin f’massimu ta’ ħames biċċiet, kull robbu qiegħed ġo blokka waħda; robbijiet “spulpjati” f’żewġ blokok, waħda fiha r-robbu ta’ quddiem, sħiħ jew imqatta’ f’massimu ta’ ħames biċċiet, u l-oħra, robbu ta’ wara, ħlief flett tal-vagant, f’biċċa waħda	12,8 + 221,1 EUR/100 kg	E	TRQ-BF

Oġġett tat-tariffa (NM 2021)	Deskrizzjoni (ara n-Nota 1)	Rata bażi	Kategorija tal-fażi	Noti
0202 30 50	-- Qatgħat tal-ħawsla, tal-għonq bil-kozz u tas-sidra	12,8 + 221,1 EUR/100 kg	E	TRQ-BF
0202 30 90	-- Oħrajn	12,8 + 304,1 EUR/100 kg	E	TRQ-BF
0203 11 10	--- Tal-ħanżir domestiku	53,6 EUR/100 kg	E	TRQ-PK
0203 11 90	--- Oħrajn	0	0	Ara n-Nota 2
0203 12 11	---- Prieżet u qatgħat tagħhom	77,8 EUR/100 kg	E	TRQ-PK
0203 12 19	---- Spalel u qatgħat tagħhom	60,1 EUR/100 kg	E	TRQ-PK
0203 12 90	--- Oħrajn	0	0	Ara n-Nota 2
0203 19 11	---- Truf ta' quddiem u qatgħat tagħhom	60,1 EUR/100 kg	E	TRQ-PK
0203 19 13	---- Lojns u qatgħat tagħhom, bl-għadam	86,9 EUR/100 kg	E	TRQ-PK
0203 19 15	---- Żquq (streaky) u qatgħat tagħhom	46,7 EUR/100 kg	E	TRQ-PK
0203 19 55	----- Mingħajr għadam	86,9 EUR/100 kg	E	TRQ-PK
0203 19 59	----- Oħrajn	86,9 EUR/100 kg	E	TRQ-PK
0203 19 90	--- Oħrajn	0	0	Ara n-Nota 2
0203 21 10	--- Tal-ħanżir domestiku	53,6 EUR/100 kg	E	TRQ-PK
0203 21 90	--- Oħrajn	0	0	Ara n-Nota 2
0203 22 11	---- Prieżet u qatgħat tagħhom	77,8 EUR/100 kg	E	TRQ-PK

Oġġett tat-tariffa (NM 2021)	Deskrizzjoni (ara n-Nota 1)	Rata bażi	Kategorija tal-fażi	Noti
0203 22 19	---- Spalel u qatgħat tagħhom	60,1 EUR/100 kg	E	TRQ-PK
0203 22 90	--- Oħrajn	0	0	Ara n-Nota 2
0203 29 11	---- Truf ta' quddiem u qatgħat tagħhom	60,1 EUR/100 kg	E	TRQ-PK
0203 29 13	---- Lojns u qatgħat tagħhom, bl-għadam	86,9 EUR/100 kg	E	TRQ-PK
0203 29 15	---- Żquq (streaky) u qatgħat tagħhom	46,7 EUR/100 kg	E	TRQ-PK
0203 29 55	----- Mingħajr għadam	86,9 EUR/100 kg	E	TRQ-PK
0203 29 59	----- Oħrajn	86,9 EUR/100 kg	E	TRQ-PK
0203 29 90	--- Oħrajn	0	0	Ara n-Nota 2
0204 10 00	- Karkassi u nofs karkassi tal-ħaruf, friski jew imkessħin	12,8 + 171,3 EUR/100 kg	E	TRQ-SP
0204 21 00	-- Karkassi u nofs karkassi	12,8 + 171,3 EUR/100 kg	E	TRQ-SP
0204 22 10	--- Robbijiet ta' quddiem qosra	12,8 + 119,9 EUR/100 kg	E	TRQ-SP
0204 22 30	--- Chines u/jew dgħif tal-għonq	12,8 + 188,5 EUR/100 kg	E	TRQ-SP
0204 22 50	--- Koxox	12,8 + 222,7 EUR/100 kg	E	TRQ-SP
0204 22 90	--- Oħrajn	12,8 + 222,7 EUR/100 kg	E	TRQ-SP
0204 23 00	-- Mingħajr għadam	12,8 + 311,8 EUR/100 kg	E	TRQ-SP

ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2024/1759/oj

Oġġett tat-tariffa (NM 2021)	Deskrizzjoni (ara n-Nota 1)	Rata bażi	Kategorija tal-fażi	Noti
0204 30 00	- Karkassi u nofs karkassi tal-ħaruf, iffriżati	12,8 + 128,8 EUR/100 kg	E	TRQ-SP
0204 41 00	-- Karkassi u nofs karkassi	12,8 + 128,8 EUR/100 kg	E	TRQ-SP
0204 42 10	--- Robbijiet ta' quddiem qosra	12,8 + 90,2 EUR/100 kg	E	TRQ-SP
0204 42 30	--- Chines u/jew dgħif tal-għonq	12,8 + 141,7 EUR/100 kg	E	TRQ-SP
([1]) Ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE (ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4).

ANNESS 13-D

IL-KUNDIZZJONIJIET U L-PROĊEDURA GĦALL-APPROVAZZJONI TA' STABBILIMENTI GĦALL-IMPORTAZZJONIJIET TA' ANNIMALI, PRODOTTI TAL-ANNIMALI, PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI U PRODOTTI SEKONDARJI MILL-ANNIMALI

1. Il-Parti li timporta tista' teħtieġ l-approvazzjoni ta' stabbilimenti tal-Parti li tesporta għall-importazzjoni ta' annimali, prodotti tal-annimali, prodotti li joriġinaw mill-annimali u prodotti sekondarji tal-annimali.

2. Il-Parti li timporta għandha tapprova stabbilimenti tal-Parti li tesporta abbażi ta' garanziji xierqa pprovduti mill-Parti li tesporta mingħajr verifika minn qabel mill-Parti li timporta tal-istabbilimenti individwali.

3. Il-Parti li timporta għandha tapplika l-proċedura għall-approvazzjoni għall-kategoriji kollha ta' stabbilimenti ta' annimali, prodotti tal-annimali, prodotti li joriġinaw mill-annimali u prodotti sekondarji tal-annimali.

4. Il-Parti li timporta għandha tfassal listi ta' stabbilimenti approvati u tagħmel dawk il-listi disponibbli għall-pubbliku. Hija għandha timmodifika jew timla dawk il-listi biex tqis applikazzjonijiet u garanziji ġodda riċevuti.

5. L-approvazzjoni hija soġġetta għall-kundizzjonijiet u l-proċedura li ġejjin:

(a) il-Parti li timporta tkun awtorizzat l-importazzjoni tal-prodott tal-annimali kkonċernat mill-Parti li tesporta u jkunu ġew stabbiliti l-kundizzjonijiet tal-importazzjoni u r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni rilevanti għall-prodotti kkonċernati;

(b) l-awtorità kompetenti tal-Parti li tesporta tkun ipprovdiet lill-Parti li timporta garaziji sodisfaċenti li l-istabbilimenti li jidhru fil-lista jew il-listi tagħha jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti tas-saħħa tal-Parti li timporta u tkun approvat uffiċjalment l-istabbiliment li jidher fil-listi għall-esportazzjoni lejn il-Parti li timporta;

(c) l-awtorità kompetenti tal-Parti li tesporta jkollha setgħa reali biex tissospendi l-attivitajiet għall-esportazzjoni lejn il-Parti li timporta minn stabbiliment li għalih dik l-awtorità tkun ipprovdiet garanziji, fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-garanziji msemmija u

(d) verifika mill-Parti li timporta, imwettqa f'konformità mal-Artikolu 13.11, tista' tkun parti mill-proċedura ta' approvazzjoni u tista' tirrelata ma' dan li ġej:

(i) l-istruttura u l-organizzazzjoni tal-awtorità kompetenti responsabbli għall-approvazzjoni tal-istabbiliment, kif ukoll l-għoti tas-setgħa lil dik l-awtorità kompetenti u l-garanziji li hija tista' tipprovdi fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-regoli tal-Parti li timporta;

(ii) l-ispezzjoni fuq il-post ta' numru rappreżentattiv ta' stabbilimenti li jidhru fil-lista jew fil-listi pprovduti mill-Parti li tesporta; jew

iii) fil-Parti tal-UE, Stati Membri individwali.

6. Fuq il-bażi tar-riżultati tal-verifika prevista fis-subparagrafu (d), il-Parti li timporta tista' temenda l-lista eżistenti ta' stabbilimenti.

ANNESS 13-E

PROĊESS GĦAD-DETERMINAZZJONI TAL-EKWIVALENZA

1. Japplikaw il-prinċipji li ġejjin għad-determinazzjoni tal-ekwivalenza:

(a) il-Partijiet jistgħu jiddeterminaw l-ekwivalenza għal miżura individwali jew għal grupp ta' miżuri jew sistemi relatati ma' annimali, prodotti tal-annimali, pjanti, prodotti tal-pjanti u prodotti oħra koperti minn miżuri sanitarji jew fitosanitarji;

(b) il-kunsiderazzjoni ta' determinazzjoni ta' ekwivalenza m'għandhiex tkun raġuni biex tfixkel jew tissospendi l-kummerċ ta' annimali, prodotti tal-annimali, pjanti, prodotti tal-pjanti u prodotti oħra koperti minn miżuri sanitarji u fitosanitarji;

(c) id-determinazzjoni tal-ekwivalenza tal-miżuri hija proċess interattiv bejn il-Parti li tesporta u l-Parti li timporta, li jikkonsisti f'dimostrazzjoni oġġettiva tal-ekwivalenza ta' miżuri individwali mill-Parti li tesporta u l-valutazzjoni oġġettiva ta' dik id-dimostrazzjoni bil-ħsieb tar-rikonoxximent possibbli tal-ekwivalenza mill-Parti li timporta; u

(d) ir-rikonoxxoment finali tal-ekwivalenza tal-miżuri rilevanti tal-Parti li tesporta tibqa' r-responsabbiltà tal-Parti li timporta biss.

2. Japplikaw il-prekundizzjonijiet li jmiss għall-inizjazzjoni tal-proċess għad-determinazzjoni ta' ekwivalenza:

(a) il-Parti li tesporta ma għandhiex tibda proċess ta' determinazzjoni tal-ekwivalenza jekk il-Parti li timporta ma tkunx awtorizzat l-importazzjoni tal-annimali, tal-prodotti tal-annimali, tal-pjanti, tal-prodotti tal-pjanti u ta' prodotti oħra koperti minn miżuri sanitarji jew fitosanitarji li għalihom tkun qed tintalab l-ekwivalenza; l-awtorizzazzjoni tiddependi fuq l-istatus tas-saħħa jew tal-pesti, il-liġijiet u r-regolamenti u l-effettività tas-sistema ta' spezzjoni u kontroll relatata mal-annimali, il-prodotti tal-annimali, il-pjanti, il-prodotti tal-pjanti u prodotti oħra koperti minn miżuri sanitarji jew fitosanitarji fil-Parti li tesporta; il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli għas-settur ikkonċernat għandhom jitqiesu, kif ukoll l-istruttura tal-awtorità kompetenti tal-Parti li tesporta, il-katina ta' kmand tagħha, is-setgħat tagħha, il-proċeduri operazzjonali u r-riżorsi tagħha, u l-prestazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tas-sistemi ta' spezzjoni u kontroll, inkluż il-livell ta' infurzar tiegħu relatat mal-annimali, il-prodotti mill-annimali, il-pjanti, prodotti tal-pjanti u prodotti oħra koperti minn miżuri sanitarji jew fitosanitarji u r-regolarità u l-heffa tal-informazzjoni mogħtija lill-Parti li timporta f'każ ta' perikli identifikati; il-proċess tad-determinazzjoni tal-ekwivalenza jista' jiġi appoġġat minn dokumentazzjoni, verifika, u esperjenza dokumentata aktar kmieni;

(b) il-Partijiet għandhom jibdew il-proċess għad-determinazzjoni ta' ekwivalenza f'konformità mal-prijoritajiet stabbiliti fl-Appendiċi 13-E-1; u

(c) il-Parti li tesporta għandha tibda l-proċess biss jekk l-ebda miżura ta' salvagwardja imposta mill-Parti li timporta ma tapplika għall-Parti li tesporta fir-rigward tal-annimali, tal-prodotti tal-annimali, tal-pjanti, tal-prodotti tal-pjanti u ta' prodotti oħra koperti mill-miżuri sanitarji jew fitosanitarji kkonċernati.

3. Dan li ġej japplika għall-proċess għad-determinazzjoni tal-ekwivalenza:

(a) il-Parti li tesporta għandha tissottometti lill-Parti li timporta talba għar-rikonoxximent tal-ekwivalenza ta' miżura individwali jew ta' grupp ta' miżuri jew ta' sistemi applikabbli għall-annimali, għall-prodotti tal-annimali, għall-pjanti, għall-prodotti tal-pjanti u għal prodotti oħra koperti minn miżuri sanitarji jew fitosanitarji;

(b) it-talba tal-Parti li tesporta għandha:

(i) tispjega l-importanza għall-kummerċ tal-annimali, tal-prodotti tal-annimali, tal-pjanti, tal-prodotti tal-pjanti u ta' prodotti oħra koperti mill-miżuri sanitarji jew fitosanitarji li fir-rigward tagħhom jintalab ir-rikonoxximent tal-ekwivalenza;

(ii) tidentifika l-miżuri kollha li jikkostitwixxu l-kundizzjonijiet tal-importazzjoni applikabbli għall-annimali, għall-prodotti tal-annimali, għall-pjanti, għall-prodotti tal-pjanti u għal prodotti oħra koperti minn miżuri sanitarji jew fitosanitarji tal-Parti li timporta, li magħhom tista' tikkonforma l-Parti li tesporta; u

(iii) tidentifika l-miżuri kollha li jikkostitwixxu l-kundizzjonijiet tal-importazzjoni applikabbli għall-annimali, għall-prodotti tal-annimali, għall-pjanti, għall-prodotti tal-pjanti u għal prodotti oħra koperti minn miżuri sanitarji jew fitosanitarji tal-Parti li timporta li fir-rigward tagħhom il-Parti li tesporta titlob rikonoxximent tal-ekwivalenza;

(c) il-Parti li tesporta għandha turi b'mod oġġettiv lill-Parti li timporta, f'konformità mal-paragrafu 4, li l-miżura li tkun identifikat tkun ekwivalenti għall-kundizzjonijiet tal-importazzjoni għal dik il-komodità;

(d) il-Parti li timporta għandha tivvaluta b'mod oġġettiv, f'konformità mal-paragrafu 4, id-dimostrazzjoni tal-ekwivalenza mill-Parti li tesporta;

(e) il-Parti li timporta tikkonkludi jekk l-ekwivalenza tkunx inkisbet jew le; u

(f) il-Parti li timporta tipprovdi lill-Parti li tesporta spjegazzjoni sħiħa u dejta ta' sostenn għad-determinazzjoni u d-deċiżjoni tagħha jekk dawn jiġu rikjesti mill-Parti li tesporta.

4. Dan li ġej japplika għad-dimostrazzjoni ta' ekwivalenza mill-Parti li tesporta u l-valutazzjoni tagħha mill-Parti li timporta:

(a) il-Parti li tesporta għandha turi oġġettivament ekwivalenza għall-miżura tal-Parti li timporta identifikata skont is-subparagrafu (b)(ii) tal-paragrafu 3; fejn xieraq, l-ekwivalenza għandha titnwera b'mod obbjettiv għal kwalunkwe pjan jew programm rikjest mill-Parti li timporta bħala kundizzjoni għall-importazzjoni (pereżempju pjan għar-residwi); u

(b) il-Partijiet għandhom, sa fejn ikun possibbli, jibbażaw id-dimostrazzjoni u l-valutazzjoni oġġettivi fuq:

(i) standards rikonoxxuti internazzjonalment;

(ii) standards ibbażati fuq evidenza xjentifika xierqa;

(iii) valutazzjoni tar-riskju;

(iv) esperjenza ddokumentata oġġettiva ta' qabel;

(v) status legali jew livell ta' status amministrattiv tal-miżuri; jew

(vi) il-livell ta' implimentazzjoni u infurzar li għandu jkun ibbażat fuq, b'mod partikolari:

(A) ir-riżultati tal-programmi ta' sorveljanza u monitoraġġ;

(B) ir-riżultati tal-verifika mill-Parti li tesporta;

(C) riżultati ta' analiżi b'metodi ta' analiżi rikonoxxuti;

(D) ir-riżultati tal-verifika u tal-kontrolli tal-importazzjoni mwettqa mill-Parti li timporta;

(E) il-prestazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Parti li tesporta; u

(F) esperjenzi ta' qabel.

5. Jekk, wara l-valutazzjoni tad-dimostrazzjoni tal-ekwivalenza, il-Parti li timporta tiddetermina li ma tinkisibx ekwivalenza, hija għandha tipprovdi lill-Parti li tesporta bi spjegazzjoni.

Appendiċi 13-E-1

SETTURI JEW SUBSETTURI PRIJORITARJI LI GĦALIHOM TISTA' TIĠI RIKONOXXUTA L-EKWIVALENZA

Is-Sottokumitat imsemmi fl-Artikolu 13.16 jista' jirrakkomanda li l-Kunsill Konġunt jemenda din l-Appendiċi skont l-Artikolu 13.8(5).

ANNESS 13-F

LINJI GWIDA GĦAT-TWETTIQ TAL-VERIFIKI

1. Għall-finijiet ta' dan l-Anness:

(a) il-"parti awditjata" tfisser il-Parti soġġetta għall-verifika; u

(b) l-"awditur" hija l-Parti li tivverifika.

2. Il-prinċipji ġenerali li ġejjin japplikaw għall-verifiki:

(a) Parti tista' twettaq verifiki fuq il-bażi ta' awditi jew verifiki fuq il-post;

(b) verifiki għandhom isiru b'kooperazzjoni bejn l-awditur u l-entità awditjata f'konformità ma' dan l-Anness;

(c) l-awditur għandu jfassal il-verifiki b'mod li jiċċekkjaw l-effettività tal-kontrolli tal-parti awditjata aktar milli biex jirrifjutaw annimali individwali, gruppi ta' annimali, konsenji ta' stabbilimenti tal-ikel jew lottijiet individwali ta' pjanti jew prodotti tal-pjanti;

(d) fejn verifika tesponi riskju serju lil saħħet l-annimali, il-pjanti jew lill-bniedem, il-Parti awditjata għandha tieħu azzjoni korrettiva minnufih;

(e) il-verifika tista' tinkludi studju tar-regolamenti rilevanti, tal-metodu ta' implimentazzjoni, tal-valutazzjoni tar-riżultat aħħari, tal-livell ta' konformità u tal-azzjonijiet korrettivi li jsiru wara;

(f) Parti għandha tibbaża l-frekwenza tal-verifiki fuq il-prestazzjoni; prestazzjoni ta' livell baxx għandha tirriżulta fiż-żieda tal-frekwenza tal-verifiki; prestazzjoni mhux sodisfaċenti għandha tiġi kkoreġuta mill-parti awditjata għas-sodisfazzjoni tal-awditur; u

(g) Parti għandha twettaq verifiki, u d-deċiżjonijiet ibbażati fuqhom, b'mod trasparenti u konsistenti.

3. L-awditur għandu jħejji pjan, preferibbilment skont standards rikonoxxuti internazzjonalment, li jkopri l-elementi li ġejjin:

(a) is-suġġett u l-ambitu tal-verifika;

(b) id-data u l-post tal-verifika, flimkien ma' skeda taż-żmien sa meta joħroġ ir-rapport finali, u li tinkludi l-ħruġ tiegħu;

(c) il-lingwa jew lingwi li bihom ser issir il-verifika u li bihom ser jinkiteb ir-rapport;

(d) l-identità tal-awditur jew tal-awdituri, inkluż il-mexxej jekk jintuża approċċ ta' tim; il-verifikar ta' sistemi u programmi speċjalizzati jista' jirrikjedi ħiliet professjonali speċjalizzati;

(e) skeda dwar il-laqgħat ma' uffiċjali u żjajjar fi stabbilimenti jew faċilitajiet, kif xieraq; ma huwiex meħtieġ li l-awditur jiddikjara minn qabel l-identità tal-istabbilimenti jew tal-faċilitajiet li ser issir żjara fihom;

(f) l-awditur għandu jirrispetta l-kunfidenzjalità kummerċjali, soġġett għal dispożizzjonijiet dwar il-libertà tal-informazzjoni, u jevita kwalunkwe kunflitt ta' interess; u

(g) l-awditur għandu jirrispetta r-regoli li jirregolaw is-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol u d-drittijet tal-operatur. l-awditur għandu jagħti lir-rappreżentanti tal-parti awditjata l-opportunità li jirrevedu l-pjan minn qabel.

4. Il-prinċipji li ġejjin japplikaw għall-azzjonijiet meħuda mill-parti awditjata, sabiex tiġi ffaċilitata l-verifika:

(a) il-Parti awditjata għandha tikkoopera b'mod sħiħ mal-awditur u għandha tinnomina persunal responsabbli għal dan ix-xogħol. il-kooperazzjoni tista' tinkludi, fost l-oħrajn, l-iffaċilitar ta':

(i) l-aċċess għar-regolamenti u l-istandards rilevanti kollha, għall-programmi ta' konformità, u għar-rekords u għad-dokumenti xierqa;

(ii) l-aċċess għar-rapporti ta' awditjar u ta' spezzjoni;

(iii) l-aċċess għad-dokumentazzjoni li tikkonċerna l-azzjonijiet ta' rimedju u s-sanzjonijiet; u

(iv) id-dħul fl-istabbilimenti; u

(b) il-parti awditjata għandha tħaddem programm dokumentat biex turi lill-awditur li l-istandards ikunu qed jiġu rispettati b'mod konsistenti u uniformi.

5. Il-proċeduri u l-prinċipji li ġejjin japplikaw għall-verifiki:

(a) ir-rappreżentanti tal-Partijiet għandu jkollhom laqgħa tal-ftuħ li fiha l-awditur għandu jirrevedi l-pjan ta' verifika u jikkonferma li jkunu disponibbli riżorsi adegwati, dokumentazzjoni, u kwalunkwe faċilità oħra meħtieġa għat-twettiq tal-verifika;

(b) reviżjoni tad-dokument tista' tikkonsisti f'reviżjoni ta':

(i) id-dokumenti u r-rekords imsemmija fis-subparagrafu (a);

(ii) l-istruttura u s-setgħat tal-entità awditjata;

(iii) kwalunkwe bidla rilevanti fis-sistemi ta' spezzjoni u ċertifikazzjoni magħmula wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim jew wara l-verifika preċedenti;

(iv) l-implimentazzjoni tas-sistema ta' spezzjoni u ċertifikazzjoni għall-annimali, għall-prodotti tal-annimali, għall-pjanti jew għall-prodotti tal-pjanti; u

(v) ir-rekords u d-dokumenti rilevanti tal-ispezzjoni u taċ-ċertifikazzjoni;

(c) il-prinċipji li jmiss japplikaw għal verifiki fuq il-post:

(i) deċiżjoni li jiġi inkluż dan l-istadju għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju, filwaqt li jitqiesu fatturi bħal pereżempju l-annimali, il-prodotti tal-annimali, il-pjanti jew il-prodotti tal-pjanti kkonċernati, l-istorja tal-konformità mar-rekwiżiti mis-setturi tal-industrija jew il-Parti esportatur, il-volum ta' prodott manifatturat u importat jew esportat, il-bidliet fl-infrastruttura u s-sistemi nazzjonali ta' spezzjoni u ċertifikazzjoni. u

(ii) kontrolli fuq il-post jistgħu jinvolvu żjarat fil-faċilitajiet ta' produzzjoni u manifattura-, iż-żoni tal-immaniġġjar jew il-ħażna tal-ikel u l-laboratorji ta' kontroll biex tiġi vverifikata l-konformità mal-informazzjoni fil-materjal ta' dokumentazzjoni msemmi fis-subparagrafu (a); u

(d) fejn tkun qed titwettaq verifika ta' segwitu sabiex tivverifika l-korrezzjoni ta' xi nuqqasijiet, jista' jkun biżżejjed li jiġu eżaminati biss dawk il-punti li nstabu li kienu jeħtieġu l-korrezzjoni.

6. Il-Partijiet għandhom, sa fejn ikun l-aktar possibbli, jistandardizzaw il-formoli għar-rapportar tas-sejbiet u l-konklużjonijiet tal-awditjar sabiex tinkiseb verifika aktar uniformi, trasparenti u effiċjenti. Id-dokumenti ta' ħidma jistgħu jinkludu lista ta' kontroll tal-elementi li għandhom jiġu vverifikati, li tista' tkopri:

(a) leġiżlazzjoni;

(b) l-istruttura u l-operazzjonijiet ta' spezzjoni u tas-servizzi ta' ċertifikazzjoni;

(c) id-dettalji u l-proċeduri tax-xogħol, statistika dwar is-saħħa, il-pjanijiet tat-teħid ta' kampjuni u r-riżultati tal-istabbiliment;

(d) azzjoni u proċeduri ta' konformità;

(e) rappurtar u proċeduri ta' lmenti; u

(f) programmi ta' taħriġ.

7. Ir-rappreżentanti tal-Partijiet, inkluż, fejn xieraq, l-uffiċjali responsabbli għall-programmi nazzjonali ta' spezzjoni u ċertifikazzjoni, għandu jkollhom laqgħa tal-għeluq. F'dik il-laqgħa, l-awditur għandu jippreżenta s-sejbiet tal-verifika b'mod ċar u konċiż, sabiex il-konklużjonijiet tal-awditu jinftiehmu b'mod ċar mill-parti awditjata. Il-parti awditjata għandha tfassal pjan ta' azzjoni għall-korrezzjoni ta' kwalunkwe nuqqas osservat, preferibbilment b'dati fil-mira għat-tlestija.

8. Abbozz ta' rapport ta' verifika għandu, fi żmien 20 jum tax-xogħol, jintbagħat lill-parti awditjata, li għandu jkollha 25 jum tax-xogħol biex tikkummenta dwar l-abbozz tar-rapport. Il-kummenti li jsiru mill-parti awditjata għandhom jinħemżu mar-rapport finali u, fejn ikun il-każ, jiġu inklużi fih. Madankollu, meta jiġi identifikat riskju pubbliku, għall-annimali jew għall-pjanti sinifikanti matul il-verifika, il-parti awditjata għandha tiġi infurmata malajr kemm jista' jkun u fi kwalunkwe każ fi żmien għaxart ijiem wara t-tmiem tal-verifika.

ANNESS 13-G

KONTROLLI TAL-IMPORTAZZJONIJIET U TARIFFI TAL-ISPEZZJONI

1. Japplikaw il-prinċipji li ġejjin għall-kontrolli tal-importazzjonijiet:

(a) il-kontrolli tal-importazzjonijiet jikkonsistu f'kontrolli tad-dokumenti, kontrolli tal-identità u kontrolli fiżiċi;

(b) fir-rigward tal-annimali u l-prodotti tal-annimali, il-kontrolli fiżiċi u l-frekwenza tagħhom għandhom ikunu bbażati fuq ir-riskju assoċjat ma' tali importazzjonijiet;

(c) fit-twettiq tal-kontrolli għall-finijiet tas-saħħa tal-pjanti, il-Parti li timporta għandha tiżgura li l-pjanti, il-prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra u l-imballaġġ tagħhom għandhom jiġu spezzjonati bir-reqqa fuq bażi uffiċjali, jew fl-intier tagħhom jew permezz ta' kampjun rappreżentattiv, u li, jekk ikun meħtieġ, il-vetturi li jittrasportawhom għandhom jiġu spezzjonati b'mod metikoluż fuq bażi uffiċjali sabiex jiġi żgurat li, sa fejn ikun jista' jiġi ddeterminat, ma jkunux kontaminati minn pesti; u

(d) jekk il-kontrolli jiżvelaw nuqqas ta' konformità mal-istandards u/jew ir-rekwiżiti rilevanti, il-Parti li timporta għandha tieħu miżuri li huma proporzjonati mar-riskju involut. Kull fejn ikun possibbli, għandu jingħata aċċess lill-importatur jew lir-rappreżentant tiegħu għall-kunsinna u għandhom jingħataw l-opportunità li jikkontribwixxu b'kull informazzjoni rilevanti biex jgħinu lill-Parti li timporta tieħu deċiżjoni finali fir-rigward tal-kunsinna. Tali deċiżjoni għandha tkun proporzjonali għar-riskju.

2. Japplikaw ir-rati ta' frekwenza li ġejjin għall-kontrolli fiżiċi:

(a) għall-annimali u l-prodotti tal-annimali:

(i) għall-importazzjonijiet fil-Parti tal-UE:

Tip ta' kontrolli fil-fruntiera	Rata tal-frekwenza
1. Kontrolli tad-dokumenti	100 %
2. Kontrolli tal-identità	100 %
3. Verifiki fiżiċi	
Annimali ħajjin	100 %
Prodotti tal-kategorija I — Laħam frisk inkluż il-ġewwieni, u prodotti tal-ispeċijiet bovini, ovini, kaprini, porċini u ekwini ddefiniti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) — Prodotti tas-sajd, ippakkjati ermetikament f'kontenituri siġillati intiżi li jrenduhom stabbli f'temperaturi ambjentali, ħut frisk jew iffriżat u prodotti tas-sajd niexfa u/jew immelħa — Bajd sħiħ — Xaħam tal-ikel u xaħmijiet imdewba — Ġlud tal-annimali — Bajd għat-tifqis	20 %

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55).

Tip ta' kontrolli fil-fruntiera	Rata tal-frekwenza
Prodotti tal-Kategorija II — Laħam tat-tjur u prodotti tal-laħam tat-tjur — Laħam tal-fenek, laħam tal-annimali tal-kaċċa (selvaġġ/imrobbi) u prodotti tagħhom — Ħalib u prodotti tal-ħalib għall-konsum uman — Prodotti tal-bajd — Protejina ta' l-annimali ipproċessata għall-konsum mill-bniedem — Prodotti tas-sajd oħrajn minbarra dawk imsemmija taħt 20 % — Molluski bivalvi — Għasel	50 %
Prodotti tal-Kategorija III — Semen Frekwenza ta' kontrolli fiżiċi ta' mill-anqas — Embrijuni — Demel — Ħalib u prodotti tal-ħalib (mhux għall-konsum uman) — Ġelatina — Saqajn taż-żringijiet u bebbux — Għadam u prodotti tal-għadam — Ġlud — Lanżit, suf, xagħar u rix — Qrun, prodotti tal-qrun, qwieqeb u prodotti tal-qwieqeb — Prodotti tal-apikultura — Trofej tal-kaċċa — Ikel ta' l-annimali domestiċi ipproċessat — Materja prima għal manifattura ta' l-ikel ta' l-annimali — Materja prima, demm, prodotti tad-demm, glandoli u organi għall-użu farmaċewtiku jew tekniku — Ħuxlief u tiben — Patoġeni — Proteina proċessata tal-annimali (fil-pakkett)	1 % u l-aktar 10 %)
Proteina tal-annimali proċessata għall-konsum uman (bl-ingrossa)	100 % għall-ewwel sitt kunsinni (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011) [1], imbagħad 20 %

[1] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 tal-25 ta' Frar 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi skont dik id-Direttiva (ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1).

(ii) għall-importazzjonijiet fiċ-Ċilì:

Tip ta' kontrolli fil-fruntiera	Rata tal-frekwenza
1. Kontrolli tad-dokumenti	100 %
2. Kontrolli tal-identità	100 %
3. Verifiki fiżiċi	
4. Annimali ħajjin	100 %
Prodotti tal-Kategorija II — Laħam frisk tal-bovini (Kontroll fiżiku ta' wara b'sejba = l-10 konsenji li jmiss).	50 % 100 %
Prodotti tal-Kategorija II — Laħam frisk ta' pollam, nagħaġ, mogħoż, ħnieżer, ekwini u speċijiet selvaġġi — Laħam tar-rettili u tal-amfibji — Laħam ipproċessat (bovini, majjal, pollam) — Ħalib u prodotti tal-ħalib — Għasel — Bajd sħiħ — Vixxri: — Ġewwieni — Għeruq, inċirati, pilastri tad-dijaframma tal-bovini — Semen u embrijuni — Grixa tar-rix, grixa tal-qoxra, laħam u għadam mitħun — Żjut u lixki — Prodotti tad-demm — Estratt tal-laħam, estratt tal-glandoli (Kontroll fiżiku ta' wara b'sejba = l-10 konsenji li jmiss).	20 % 50 %

Tip ta' kontrolli fil-fruntiera	Rata tal-frekwenza
Prodotti tal-Kategorija II	minimu: 1 % N
— Laħam tal-kangarù	Maximum10
— 1.30 Laħam tar-rettili	
— Laħam tat-tjur u prodotti tal-laħam tat-tjur	
— Gwanu tal-għasafar tal-baħar	
— Rix, xagħar, lanzit u krinieri	
— Kollaġen, ġelatina	
— Demm, serum, plażma fl-użu *in vitro*	
— ikliet lesti,	
— Bila u materjal użat għall-koltura	
— Xama' tan-naħal	
— Diversi speċijiet ta' ġild	
— Ħalib tan-naħal u żaftur	
— Estratt tal-laħam	
— Suf, ħlief suf industrijalizzat	
— Bejken, xaħmijiet, ġilda tal-majjal li tittiekel	
— Demm, serum u plażma tal-annimali għall-użu *in vitro*	
— Għeruq u kartilaġni	
— Xaħam tal-annimali (bejken, ġilda li tittiekel)	
— Jerky	
— Trofej u annimali bbalzmati	
— Ġlud ikkonzati, semi-ikkonzati, wet blue u mnaddfa	
— Suf industrijalizzat, ikkulurit u tops wool	
— Ikel ibbilanċjat għall-annimali domestiċi	
(Kontroll fiżiku ta' wara b'sejba = l-10 konsenji li jmiss).	20 %

(b) għal pjanti u prodotti tal-pjanti:

(i) għal importazzjonijiet fil-Parti tal-UE, għal pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra elenkati fl-Anness XI għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 ([1]):

Tip ta' kontrolli fil-fruntiera	Rata tal-frekwenza
1. Kontrolli tad-dokumenti	100 %

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 u jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 319, 10.12.2019, p. 1).

Tip ta' kontrolli fil-fruntiera	Rata tal-frekwenza
2. Kontrolli tal-identità	100 %
3. Verifiki fiżiċi	Il-pjanti, il-prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra, u l-imballaġġ tagħhom, għandhom jiġu spezzjonati b'mod metikoluż fuq bażi uffiċjali, jew fl-intier tagħhom jew permezz ta' kampjun rappreżentattiv; jekk ikun meħtieġ, il-vetturi li jittrasportawhom għandhom jiġu spezzjonati b'mod metikoluż fuq bażi uffiċjali sabiex jiġi żgurat li, sa fejn ikun jista' jiġi ddeterminat, ma jkunux kontaminati minn pesti.

(ii) għall-importazzjonijiet fiċ-Ċilì:

(A) il-kontrolli tad-dokumenti jikkonċernaw l-ispezzjoni tad-dokumenti kollha relatati mal-kunsinna biex tiġi ddeterminata l-konformità maċ-ċertifikazzjoni; fitosanitarja;

(B) iċċekkjar fiżiku:

(B.1) verifika fiżika tikkonċern spezzjoni ta' kunsinni biex jiġi stabbilit il-grad ta' industrijalizzazzjoni jew trasformazzjoni, per eżempju, biex jiġi verifikat jekk prodott huwiex iffriżat, imnixxef jew mixwi;

(B.2) spezzjoni fitosanitarja hija eżaminazzjoni viżwali uffiċjali tal-pjanti, prodotti mill-pjanti jew oġġetti oħra regolati biex tiddetermina jekk humiex preżenti pesti jew biex tiddetermina l-konformità mar-regolamenti fitosanitarji.

(C) riċeviment jikkonċerna trasport internazzjonali biex jiġi stabbilit l-istatus fitosanitarju.

Tip ta' kontrolli fil-fruntiera	Rata tal-frekwenza
1. Kontrolli tad-dokumenti	100 %
2. Kontrolli tal-identità	100 %
3. Kontrolli fiżiċi: — verifika fiżika — spezzjoni fitosanitarja	Il-pjanti, il-prodotti mill-pjanti u oġġetti rregolati oħra, u l-imballaġġ tagħhom għandhom jiġu spezzjonati b'mod metikoluż fuq bażi uffiċjali, jew fl-intier tagħhom jew permezz ta' kampjun rappreżentattiv; jekk ikun meħtieġ, il-vetturi li jittrasportawhom għandhom jiġu spezzjonati b'mod metikoluż fuq bażi uffiċjali sabiex jiġi żgurat li, sa fejn ikun jista' jiġi ddeterminat, ma jkunux kontaminati minn pesti.
Pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti regolati oħrajn li jirrappreżentaw riskju fitosanitarju	Tip ta' kontrolli fil-fruntiera
Żrieragħ, pjanti u partijiet ta' pjanti għall-propagazzjoni, ir-riproduzzjoni jew it-tħawwil.	Kontrolli tad-dokumenti Kontrolli tal-identità spezzjoni fitosanitarja
L-organiżmu u l-mikroorganiżmu użati fil-kontroll bijoloġiku, fid-dakkara, fil-produtturi ta' ċerti sustanzi jew fl-investigazzjoni.	Kontrolli tad-dokumenti Kontrolli tal-identità spezzjoni fitosanitarja
Prodotti tal-pjanti	

Tip ta' kontrolli fil-fruntiera	Rata tal-frekwenza
Materjal tal-pjanti sottomess għal proċess wieħed jew aktar ta' industrijalizzazzjoni jew trasformazzjoni, li jimplika trasformazzjoni tal-karatteristiċi oriġinali, li konsegwentement ma tistax tiġi affettwata direttament mill-pesti, iżda li jista' jittrasporta l-pesti jew ibati minn infestazzjoni b'riżultat tal-kundizzjonijiet tal-ħżin.	Kontrolli tad-dokumenti Kontrolli tal-identità Il-verifika fiżika
Materjal tal-pjanti li minkejja li jiġi ppreżentat għal proċess ta' industrijalizzazzjoni, jista' jiġi affettwat minn pesti jew pesti tal-port.	Kontrolli tad-dokumenti Kontrolli tal-identità spezzjoni fitosanitarja
Pjanti friski prodotti għall-konsum, b'użu dirett jew wara t-trasformazzjoni, li jistgħu jiġu affettwati minn pesti jew pesti tal-port.	Kontrolli tad-dokumenti Kontrolli tal-identità spezzjoni fitosanitarja
Oġġetti regolati oħrajn li jirrappreżentaw riskju fitosanitarju	
Materjal tat-tkabbir	Kontrolli tad-dokumenti Kontrolli tal-identità spezzjoni fitosanitarja
Bijofertilizzanti	Kontrolli tad-dokumenti Kontrolli tal-identità spezzjoni fitosanitarja
Mezzi tat-trasport	Riċeviment
materjal ta' imballaġġ tal-injam;	spezzjoni fitosanitarja
Kontejners	spezzjoni fitosanitarja
Makkinarju u vetturi użati li ġew imħaddma għal skopijiet agrikoli jew ta' forestrija	Kontrolli tad-dokumenti Kontrolli tal-identità spezzjoni fitosanitarja

ANNESS 13-H

ĊERTIFIKAZZJONI

1. Il-prinċipji ta' ċertifikazzjoni li jmiss japplikaw:

(a) fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni tal-pjanti u tal-prodotti tal-pjanti u ta' oġġetti oħra, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jimplimentaw l-Artikoli 100 u 101 tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] u l-prinċipji stabbiliti fl-istandards Internazzjonali tal-FAO għall-miżuri Fitosanitarji 7 "Sistema ta' Ċertifikazzjoni tal-Esportazzjoni" u fl-Istandards Internazzjonali tal-FAO għall-Miżuri Fitosanitarji 12 "Linji Gwida għaċ-Ċertifikati Fitosanitarji"; u

(b) fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni tal-annimali u tal-prodotti tal-annimali:

(i) l-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet għandhom jiżguraw li l-uffiċjali taċ-ċertifikazzjoni għandhom għarfien sodisfaċenti tal-leġiżlazzjoni veterinarja fir-rigward tal-annimali jew il-prodotti tal-annimali li għandhom jiġu ċċertifikati u, b'mod ġenerali, li huma infurmati dwar ir-regoli li għandhom jiġu segwiti għat-tfassil u l-ħruġ taċ-ċertifikati u, jekk meħtieġ, dwar in-natura u l-limitu tal-inkjesti, it-testijiet jew l-eżamiijiet li għandhom jitwettqu qabel iċ-ċertifikazzjoni;

(ii) l-uffiċjali taċ-ċertifikazzjoni ma għandhomx jiċċertifikaw dejta li ma jkollhom ebda għarfien personali tagħha, jew li ma jkunux jistgħu jivverifikaw huma stess;

(iii) l-uffiċjali taċ-ċertifikazzjoni ma għandhomx jiffirmaw ċertifikati vojta jew mhux kompluti, jew ċertifikati relatati ma' annimali jew prodotti tal-annimali li ma jkunux spezzjonaw jew li ma jkunux għadhom taħt il-kontroll tagħhom; meta ċertifikat jiġi ffirmat fuq il-bażi ta' ċertifikat ieħor jew attestazzjoni oħra, l-uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni għandu jkollu dak id-dokument fil-pussess tiegħu qabel ma jiffirma;

(iv) uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni jista' jiċċertifika dejta li tkun:

(A) aċċertata fuq il-bażi tas-subparagrafi (b)(i), (b)(ii) and (b)(iii) minn persuna oħra hekk awtorizzata mill-awtorità kompetenti u li taġixxi taħt il-kontroll tal-uffiċjal veterinarju, sakemm huwa jew hija tkun tista' tivverifika l-akkuratezza tad-data; jew

(B) inkisbet, fil-kuntest tal-programmi ta' monitoraġġ, b'referenza għal skemi għall-garanzija tal-kwalità rikonoxxuti uffiċjalment jew permezz ta' sistema ta' sorveljanza epidemjoloġika meta din tkun awtorizzata skont il-leġiżlazzjoni veterinarja;

(v) l-awtoritajiet kompetenti ta' kull Parti għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiżguraw l-integrità taċ-ċertifikazzjoni; b'mod partikolari għandhom jiżguraw li l-uffiċjali taċ-ċertifikazzjoni maħtura minnhom:

(A) ikollhom status li jiżgura l-imparzjalità tagħhom u li ma jkollhom l-ebda interess kummerċjali dirett fl-annimali jew fil-prodotti li jkunu qegħdin jiġu ċċertifikati jew fl-azjendi jew l-istabbilimenti li joriġinaw minnhom; u

(B) ikunu konxji b'mod sħiħ tat-tifsira tal-kontenut ta' kull ċertifikat li jiffirmaw;

(vi) iċ-ċertifikati għandhom jitfasslu b'mod li jiżgura rabta bejn iċ-ċertifikat u l-kunsinna, f'mill-inqas lingwa li tinftiehem mill-uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni u f'mill-inqas lingwa waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Parti li timporta kif stipulat fil-paragrafu 3;

(vii) kull awtorità kompetenti għandha tkun f'pożizzjoni li tistabbilixxi rabta bejn iċ-ċertifikati u l-uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni rilevanti u tiżgura li kopja taċ-ċertifikati kollha tkun disponibbli għal perjodu li għandu jiġi ddeterminat minn dik l-awtorità kompetenti;

(viii) kull Parti għandha ddaħħal tali verifiki u tiżgura li jittieħdu tali miżuri ta' kontroll kif meħtieġ biex jiġi evitat il-ħruġ ta' ċertifikazzjoni falza jew qarrieqa u l-produzzjoni jew użu frodulenti ta' ċertifikati li suppost inħarġu għall-iskopijiet tal-leġiżlazzjoni veterinarja; u

[1] Ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE (ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4).

(ix) mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe proċediment jew piena legali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu investigazzjonijiet jew verifiki u jieħdu l-miżuri xierqa biex jippenalizzaw kwalunkwe każ ta' ċertifikazzjoni falsa jew qarrieqa, li jkunu ġew mgħarrfa bih. Tali miżuri jistgħu jinkludu s-sospensjoni temporanja tal-uffiċjali taċ-ċertifikazzjoni mill-kompiti tagħhom sakemm issir l-investigazzjoni; b'mod partikolari:

(A) jekk, matul il-verifiki, jinstab li uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni jkun ħareġ ċertifikat frawdolenti intenzjonalment, l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-passi kollha meħtieġa biex tiżgura, sakemm ikun possibbli, li l-persuna konċernata ma tkunx tista' terġa' tirrepeti r-reat; u

(B) jekk, matul il-verifiki, jinstab li individwu jew intrapriża għamlet użu frawdolenti minn ċertifikazzjoni uffiċjali jew għamlet xi tibdil fiha, l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura, sakemm ikun possibbli, li l-individwu jew l-intrapriża ma tkunx tista' terġa' tagħmel ir-reat; tali miżuri jistgħu jinkludu ċaħda li jinħareġ ċertifikat uffiċjali lil dik il-persuna jew l-intrapriża konċernata.

2. Fir-rigward taċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 13.9(5), l-attestazzjoni tas-saħħa fiċ-ċertifikat għandha tirrifletti l-istatus ta' ekwivalenza tal-prodott ikkonċernat. L-attestazzjoni tas-saħħa tiddikjara l-konformità mal-istandards ta' produzzjoni tal-Parti li tesporta li huma rikonoxxuti bħala ekwivalenti mill-Parti li timporta.

3. L-użu tal-lingwi uffiċjali li ġejjin għaċ-ċertifikazzjoni japplika:

(a) għall-importazzjoni fil-Parti tal-UE:

(i) għal pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra, iċ-ċertifikat għandu jitfassal f'mill-inqas waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u preferibbilment f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru tad-destinazzjoni;

(ii) għall-annimali u l-prodotti tal-annimali, iċ-ċertifikat tas-saħħa għandu jitfassal f'mill-anqas lingwa uffiċjali waħda tal-Istat Membru ta' destinazzjoni u f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru li fih isiru l-kontrolli ta' importazzjoni msemmija fl-Artikolu 13.12; u

(b) għall-importazzjoni fiċ-Ċilì, iċ-ċertifikat tas-saħħa għandu jitfassal bl-Ispanjol, jew b'lingwa oħra, f'liema każ għandha tiġi pprovduta traduzzjoni bl-Ispanjol.

ANNESS 15-A

LISTI TA' PRODOTTI TAL-ENERĠIJA, MATERJA PRIMA U IDROKARBURI

1. Lista ta' oġġetti tal-enerġija skont il-kodiċi SA:

(a) karburanti solidi (kodiċi SA 27.01, 27.02 u 27.04);

(b) żejt mhux raffinat (kodiċi SA 27.09);

(c) prodotti taż-żejt (kodiċi SA 27.10, 27.13 – 27.15);

(d) Gass naturali, inkluż gass naturali likwifikat, gass likwifikat miż-żejt (LPG), (il-Kodiċi SA 27.11); u

(e) Enerġija elettrika (il-Kodiċi SA 27.16).

2. Lista ta' materja prima skont il-kapitolu SA

Kapitolu	Intestatura
25	Melħ; kubrit; trabijiet u ħaġar; materjali tat-tikħil, ġir u siment
26	Minerali (ores), gagazza u rmied
27	Karburanti minerali, żjut minerali u prodotti tad-distillazzjoni tagħhom; sustanzi bituminużi; xemgħat minerali
28	Kimiċi inorganiċi; komposti organiċi jew inorganiċi ta' metalli prezzjużi, ta' elementi kimiċi metalliċi rari (rare-earth metals), ta' elementi radjuattivi jew ta' isotopi
29	Kimiċi organiċi
71	Perli naturali jew kultivati, ħaġar prezzjuż jew semi-prezzjuż, metalli prezzjużi, metalli miksijin b'metall prezzjuż, u oġġetti tagħhom (minbarra l-greenstone (SA 71.03))
72	Ħadid u azzar
74	Ram u oġġetti tiegħu
75	Nikil u oġġetti tiegħu
76	Aluminju u oġġetti tiegħu
78	Ċomb u oġġetti tiegħu
79	Żingu u oġġetti tiegħu
80	Landa u oġġetti tagħha
81	Metalli oħrajn ta' valur baxx; ċermiti; oġġetti tagħhom

3. Lista ta' idrokarburi skont il-kodiċi SA

(a) żejt mhux raffinat (kodiċi SA 27.09); u

(b) gass naturali (kodiċi SA 27.11).

ANNESS 15-B

KUNDIZZJONIJIET TA' PPREZZAR TA' ESPORTAZZJONI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 15.5(2)

1. Miżura li ċ-Ċilì jintroduċi jew iżomm skont l-Artikolu 15.5(2) għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li jmiss:

(a) m'għandhiex tirriżulta f'restrizzjoni ta' esportazzjoni fuq esportazzjonijiet lejn il-Parti tal-UE skont l-Artikolu 9.11;

(b) m'għandhiex taffettwa ħażin il-kapaċità tal-Parti tal-UE li tikseb materja prima miċ-Ċilì;

(c) jekk il-materja prima hija fornita bi prezz preferenzjali lil kwalunkwe operatur ekonomiku fi kwalunkwe pajjiż terz, dan għandu jingħata immedjatament u mingħajr ebda kundizzjoni lil operaturi ekonomiċi fl-istess sitwazzjoni fil-Parti tal-UE; u

(d) dan ma għandux jirriżulta fi prezz preferenzjali li jkun taħt l-aktar prezz baxx għall-esportazzjonijiet tal-istess oġġett realizzat matul it-12-il xahar preċedenti.

2. F'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti taċ-Ċilì, il-miżura msemmija fil-paragrafu 1 u l-mod kif hija implimentata għandhom isiru disponibbli pubblikament u fuq talba tal-Parti tal-UE, iċ-Ċilì għandu jaqsam mal-Parti tal-UE informazzjoni dettaljata u affidabbli dwar l-ambitu tal-prodott, il-volum ta' produzzjoni li huwa kopert mill-miżura, kemm jekk sar bejgħ domestiku bi prezzijiet preferenzjali kif ukoll il-prezz domestiku li rriżulta mill-miżura.

ANNESS 16-A

ORGANIZZAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI TAL-ISTANDARDIZZAZZJONI RIKONOXXUTI MILL-PARTIJIET

1. Bureau International des Poids et Mesures (BIPM);
2. Kummissjoni Codex Alimentarius;
3. Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO);
4. Kunsill Internazzjonali għall-Armonizzazzjoni tar-Rekwiżiti Tekniċi għall-Farmaċewtiċi għall-Użu mill-Bniedem (ICH);
5. Kummissjoni Elettroteknika Internazzjonali (IEC);
6. L-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-xogħol (ILO);
7. Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO);
8. Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (IOC);
9. Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid (OIV);
10. L-Organizzazzjoni Internazzjonali dwar l-Istandardizzazzjoni (ISO);
11. Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Metroloġija Legali (OIML);
12. Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (UIT);
13. Sottokumitat ta' Esperti tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Sistema Globalment Armonizzata tal-Klassifikazzjoni u l-Ittikettar ta' Sustanzi Kimiċi (UN/SCEGHS);
14. Unjoni Postali Universali (UPU);
15. Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi (WP.29) fil-qafas tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE); u
16. Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH).

ANNESS 16-B

VALUTAZZJONI TAL-KONFORMITÀ – OQSMA U SPEĊIFIĊITAJIET

1. Lista ta' oqsma ([1]):

(a) aspetti tas-sikurezza ta' tagħmir elettriku u elettroniku kif iddefiniti fil-paragrafu 2;

(b) aspetti tas-sikurezza ta' makkinarju kif iddefiniti fil-paragrafu 2;

(c) il-kompatibbiltà elettromanjetika tat-tagħmir kif iddefinita fil-paragrafu 2;

(d) l-effiċjenza enerġetika, inklużi r-rekwiżiti tal-ekodisinn;

(e) ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku; u

(f) apparat sanitarju.

2. Għall-finijiet ta' dan l-Anness:

(a) "kompatibbiltà elettromanjetika tat-tagħmir" tfisser il-kompatibbiltà elettromanjetika (disturb u immunità) ta' tagħmir li jiddependi fuq kurrenti elettriċi jew kampijiet elettromanjetiċi sabiex jaħdem kif suppost, u tagħmir għall-ġenerazzjoni, it-trasferiment u l-kejl ta' tali kurrenti, bl-eċċezzjoni ta':

(i) tagħmir għall-użu f'atmosfera splussiva;

(ii) tagħmir għall-użu għal skopijiet radjoloġiċi jew mediċi;

(iii) partijiet elettriċi għal-liftijiet tal-merkanzija u tal-passiġġieri;

(iv) tagħmir tar-radju użat mid-dilettanti tar-radju;

(v) strumenti tal-kejl;

(vi) strumenti tal-użin mhux awtomatiċi;

(vii) tagħmir inerentement benevoli; u

(viii) kitts ta' evalwazzjoni mibnija apposta maħsuba għall-professjonisti biex jintużaw biss f'faċilitajiet ta' riċerka u żvilupp għal dawn l-iskopijiet;

(b) "effiċjenza enerġetika" tfisser il-proporzjon tal-output ta' prestazzjoni, servizz, oġġetti jew enerġija mal-input tal-enerġija ta' prodott b'impatt fuq il-konsum tal-enerġija waqt l-użu, u fid-dawl tal-allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi;

(c) "aspetti tas-sikurezza ta' tagħmir elettriku u elettroniku" tfisser l-aspetti tas-sikurezza ta' tagħmir għajr makkinarju li jiddependi fuq kurrenti elettriċi sabiex jaħdem kif suppost, u tagħmir għall-ġenerazzjoni, it-trasferiment u l-kejl ta' tali kurrenti u li huwa ddisinjat għall-użu b'vultaġġ attribwit ta' bejn 50 u 1 000 V għall-kurrent alternat u bejn 75 u 1 500 V għall-kurrent dirett, kif ukoll tagħmir li intenzjonalment jemetti jew jirċievi mewġ elettromanjetiku ta' frekwenzi ta' anqas minn 3 000 GHz bil-għan ta' komunikazzjoni bir-radju jew ta' radjudeterminazzjoni, bl-eċċezzjoni ta':

(i) tagħmir għall-użu f'atmosfera splussiva;

(ii) tagħmir għall-użu għal skopijiet radjoloġiċi jew mediċi;

(iii) partijiet elettriċi għal-liftijiet tal-merkanzija u tal-passiġġieri;

(iv) tagħmir tar-radju użat mid-dilettanti tar-radju;

(v) miters tal-elettriku;

(vi) plaggs u żbokki tal-ħruġ għas-sokits għall-użu domestiku;

(vii) kontrolli taċ-ċint tal-elettriku;

(viii) ġuġarelli;

([1]) Għal aktar ċertezza, dan l-Anness ma jkoprix inġenji tal-ajru, bastimenti, ferroviji, vetturi bil-mutur sħaħ kif ukoll tagħmir marittimu, ferrovjarju, tal-avjazzjoni jew tal-vetturi speċjalizzat.

(ix) kitts ta' evalwazzjoni mibnija apposta maħsuba għall-professjonisti biex jintużaw biss f'faċilitajiet ta' riċerka u żvilupp għal dawn l-iskopijiet; jew

(x) prodotti tal-kostruzzjoni għall-inkorporazzjoni permanenti f'bini jew f'xogħlijiet ta' inġinerija ċivili li l-prestazzjoni tagħhom ikollha effett fuq il-prestazzjoni tal-bini jew tax-xogħol ta' inġinerija ċivili, bħal kejbils, allarmi tan-nar jew bibien elettriċi;

(d) "aspetti tas-sikurezza ta' makkinarju" tfisser l-aspetti tas-sikurezza ta' assemblaġġ li jikkonsisti f'mill-anqas parti waħda li tiċċaqlaq, imħaddma b'sistema ta' sewqan li tuża sors wieħed jew aktar ta' enerġija bħall-enerġija termali, elettrika, pnewmatika, idrawlika jew mekkanika, irranġati u kkontrollati sabiex jiffunzjonaw bħala entità sħiħa integrali, bl-eċċezzjoni ta' makkinarju ta' riskju għoli, kif definit minn kull Parti.

(e) "apparat sanitarju" tfisser toilets, ampralli, sinks tal-kċina, awrinarji, banjijiet, trejs tad-doċċa, bidejiet jew friskaturi tal-ħasil.

3. F'konformità mal-Artikolu 16.9(7), il-Kunsill Konġunt jista' jemenda l-lista ta' entrati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Anness.

4. Minkejja l-paragrafu 1, Parti tista' tintroduċi rekwiżiti għal ittestjar mandatorju ta' partijiet terzi jew ċertifikazzjoni għall-oqsma speċifikati f'dan l-Anness, għal prodotti li jaqgħu fl-ambitu ta' dan l-Anness, taħt il-kundizzjonijiet li jmiss:

(a) ikun hemm raġunijiet konvinċenti relatati mal-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem li jiġġustifikaw l-introduzzjoni ta' kwalunkwe rekwiżit bħal dan;

(b) l-introduzzjoni ta' kwalunkwe rekwiżit bħal dan hija appoġġata minn informazzjoni teknika jew xjentifika sostanzjata dwar il-prestazzjoni ta' dawk il-prodotti;

(c) kull rekwiżit bħal dan ma jkunx aktar ristrettivi għas-suq minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan leġittimu tal-Parti, waqt li jiġu kkunsidrati r-riskji li n-nuqqas ta' twettiq jista' jikkaġuna; u

(d) il-Parti ma setgħetx tipprevedi b'mod raġonevoli l-ħtieġa għall-introduzzjoni ta' rekwiżiti jew proċeduri bħal dawn meta dan il-Ftehim ikun daħal fis-seħħ.

Qabel ma tintroduċi r-rekwiżiti jew il-proċeduri, il-Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra u, wara l-konsultazzjonijiet, tikkunsidra l-kummenti tal-Parti l-oħra, safejn ikun possibbli, sabiex tfassal dawn ir-rekwiżiti jew proċeduri.

ANNESS 16-C

VETTURI BIL-MUTUR U TAGĦMIR U PARTIJIET TAGĦHOM

1. Għall-finijiet ta' dan l-Anness:

(a) "Ftehim tal-1958" tfisser il-Ftehim dwar l-Adozzjoni ta' Dispożizzjonijiet Tekniċi Uniformi għal Vetturi bir-Roti, Tagħmir u Partijiet li jistgħu Jitwaħħlu u/jew ikunu Użati fuq Vetturi u l-Kundizzjonijiet għall-Għarfien Reċiproku tal-Approvazzjonijiet Mogħtija Abbażi ta' dawn id-Dispożizzjonijiet, magħmul f'Ġinevra fil-20 ta' Marzu 1958;

(b) "SA 2017" tfisser l-edizzjoni tal-2017 tan-Nomenklatura tas-Sistema Armonizzata maħruġa mill-Organizzazzjoni Dinjija Doganali;

(c) "UNECE" tfisser il-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti; u

(d) "Regolamenti tan-NU" tfisser ir-Regolamenti adottati f'konformità mal-Ftehim tal-1958.

2. It-termini użati f'dan l-Anness għandu jkollhom l-istess tifsira kif definit fil-Ftehim tal-1958 jew fl-Anness 1 tal-Ftehim dwar l-OTK.

3. Dan l-Anness japplika għall-kummerċ bejn il-Partijiet tal-kategoriji kollha ta' vetturi bil-mutur, tagħmir u partijiet minnhom, kif definit fil-Paragrafu 1.1. tar-Riżoluzzjoni Konsolidata tal-UNECE dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3) ([1]), li jaqgħu taħt, fost l-oħrajn, il-Kapitoli 40, 84, 85, 87 u 94 tas-SA 2017 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "prodotti koperti").

4. Fir-rigward tal-prodotti koperti, l-objettivi ta' dan l-Anness huma li:

(a) jeliminaw u jevitaw ostakli mhux tariffarji għall-kummerċ bilaterali;

(b) jiffaċilitaw l-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur ġodda abbażi ta' skemi ta' approvazzjoni stabbiliti, fost l-oħrajn, fil-Ftehim tal-1958;

(c) l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet ta' suq kompetittiv ibbażati fuq il-prinċipji tal-ftuħ, in-nondiskriminazzjoni u t-trasparenza; u

(d) jiżguraw il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, tas-sikurezza u tal-ambjent, filwaqt li jirrikonoxxu d-dritt ta' kull Parti li tiddetermina l-livell mixtieq ta' protezzjoni u l-approċċi regolatorji tagħha.

5. Il-Partijiet jirrikonoxxu li r-Regolamenti tan-NU huma standards internazzjonali rilevanti għall-prodotti koperti.

6. Il-Parti li timporta għandha taċċetta fis-suq tagħha vetturi bil-mutur ġodda jew tagħmir ta' vetturi bil-mutur ġdid jew partijiet minnhom sakemm il-manifattur ikun iċċertifika skont il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli tal-Parti li timporta li l-vettura jew it-tagħmir jew partijiet minnhom jikkonformaw mal-istandards ta' sikurezza jew regolamenti korrispondenti applikabbli fil-Parti li timporta ([2]).

7. Il-Partijiet jagħrfu li ċ-Ċilì inkorpora fir-regolamenti tekniċi tiegħu ċerti regolamenti tekniċi tal-Parti tal-UE u tal-UNECE u l-aċċettazzjoni tar-rapporti ta' testi korrispondenti u ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip.

8. Iċ-Ċilì għandu jaċċetta ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-Parti tal-UE u tal-UNECE maħruġa f'konformità mar-regolamenti tekniċi tal-Parti tal-UE u tal-UNECE bħala li juru konformità mal-prodotti koperti bir-regolamenti tekniċi taċ-Ċilì, mingħajr ittestjar ulterjuri jew rekwiżiti ta' mmarkar biex tiġi vverifikata jew murija l-konformità ma' rekwiżiti koperti minn dawk l-approvazzjonijiet tat-tip tal-Parti tal-UE jew tal-UNECE, sakemm joħloq riskju għas-saħħa umana, is-sigurtà jew l-ambjent, skont ir-regolamenti tekniċi taċ-Ċilì.

([1]) ECE/TRANS/WP.29/78/Rev.6 tal-11 ta' Lulju 2017.

([2]) Għal aktar ċertezza, xejn f'dan il-paragrafu ma għandu jiġi interpretat bħala li jipprevjeni lil Parti milli taċċetta fis-suq tagħha vetturi bil-mutur ġodda jew tagħmir u partijiet ġodda ta' vetturi bil-mutur iċċertifikati skont standards ta' sikurezza u emissjonijiet ta' pajjiż terz jew milli teħtieġ ċertifikazzjoni tal-konformità mal-istandards eżistenti dwar is-sikurezza u l-emissjonijiet tal-vetturi bil-mutur li l-Parti żżomm fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, soġġett għall-paragrafu 7.

9. Iċ-Ċilì jista' jemenda r-regolamentitekniċi tiegħu jekk iqis li r-regolamenti tekniċi tal-Parti tal-UE jew tal-UNECE m'għadhomx jirrapreżentaw il-livell mixtieq tiegħu ta' prorezzjoni, jew joħolqu riskju għas-saħħa umana, is-sigurtà jew l-ambjent. Qabel ma jintroduċi emendi bħal dawn, iċ-Ċilì għandu jinforma lill-Parti tal-UE permezz ta' punti ta' kuntatt imfassla skont l-Artikolu 16.13, u fuq talba, jipprovdi informazzjoni fuq ir-raġuni għal dawk l-emendi.

10. L-awtoritajiet kompetenti tal-Parti li timporta jistgħu jivverifikaw li l-prodotti koperti jikkonformaw mar-regolamenti tekniċi rilevanti kollha tal-Parti li timporta. Il-verifika għandha titwettaq permezz ta' kampjunar aleatorju fis-suq u f'konformità mar-regolamenti tekniċi tal-Parti li timporta.

11. Il-Parti li timporta tista' titlob li fornitur jirtira prodott mis-suq tagħha jekk il-prodott ikkonċernat ma jikkonformax ma' dawk ir-regolamenti tekniċi.

12. Mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' kull Parti li tadotta miżuri meħtieġa għas-sikurezza fit-toroq, għall-protezzjoni tal-ambjent jew għas-saħħa pubblika u għall-prevenzjoni ta' prattiki qarrieqa skont il-livell mixtieq ta' protezzjoni tagħha, kull Parti għandha żżomm lura milli tannulla jew tnaqqas il-benefiċċji li jirriżultaw lill-Parti l-oħra skont dan l-Anness permezz ta' miżuri regolatorji speċifiċi għall-prodotti koperti.

13. Il-Parti li timporta għandha tagħmel ħilitha biex tippermetti l-importazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti li jinkorporaw teknoloġija ġdida jew karatteristika ġdida, li l-Parti li timporta tkun għadha ma rregolatx, sakemm ma jkollhiex dubju raġonevoli dwar is-sikurezza tagħha, abbażi ta' informazzjoni xjentifika jew teknika, bl-effett li dik it-teknoloġija ġdida jew karatteristika ġdida toħloq riskju għas-saħħa tal-bniedem, għas-sikurezza jew għall-ambjent. Jekk il-Parti li timporta tiddeċiedi li tirrifjuta t-tqegħid fis-suq, għandha tinnotifika din id-deċiżjoni lill-Parti l-oħra mill-aktar fis possibbli.

14. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni dwar kwalunkwe kwistjoni rilevanti għall-implimentazzjoni ta' dan l-Anness fis-SottoKumitat dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ.

ANNESS 16-D

L-ARRANĠAMENT IMSEMMI FIsS-SUBPARAGRAFU (b) TAL-ARTIKOLU 16.7(5) GĦALL-ISKAMBJU SISTEMATIKU TAL-INFORMAZZJONI DWAR IS-SIGURTÀ TA' PRODOTTI TAL-KONSUMATURI U DWAR MIŻURI PREVENTIVI, RESTRITTIVI U KORRETTIVI RELATATI

Il-Kunsill Konġunt jista jemenda dan l-Anness skont l-Artikolu 16.7 (10).

ANNESS 16-E

L-ARRANĠAMENT IMSEMMI FL-ARTIKOLU 16.7(6) DWAR L-ISKAMBJU REGOLARI TA' INFORMAZZJONI DWAR MIŻURI MEĦUDA FIR-RIGWARD TA' PRODOTTI MHUX TAL-IKEL MHUX KONFORMI, GĦAJR DAWK KOPERTI MILL-ARTIKOLU 16.7(5)(b)

Il-Kunsill Konġunt jista jemenda dan l-Anness skont l-Artikolu 16.7 (10).

ANNESS 17-A

RIŻERVI GĦAL MIŻURI EŻISTENTI

Noti introduttivi

1. L- Iskedi tal- Partijiet fl-Appendiċi 17-A-1 and 17-A-2 jistabbilixxu, skont l- Artikoli 17.14 u 18.8, ir-riżervi meħuda mill-Partijiet fir-rigward ta' miżuri eżistenti li ma jikkonformawx mal-obbligi imposti minn:

(a) Artikolu 18.6;

(b) Artikolu 17.9 jew 18.4;

(c) Artikolu 17.11;

(d) Artikolu 17.13; jew

(e) Artikolu 17.12.

2. Ir-riżervi ta' Parti huma mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont il-GATS.

3. Kull riżerva tistabbilixxi l-elementi li ġejjin:

(a) "settur" tirreferi għas-settur ġenerali li fih issir ir-riżerva;

(b) "sottosettur" tirreferi għas-settur speċifiku li fih issir ir-riżerva;

(c) "klassifikazzjoni tal-industrija" tirreferi, jekk applikabbli, għall-attività koperta bir-riżerva skont is-CPC, ISIC Rev. 3.1, jew kif deskritt espressament mod ieħor f'dik ir-riżerva;

(d) "tip ta' riżerva" tispeċifika l-obbligu msemmi fil-paragrafu 1 li għalih tittieħed riżerva;

(e) "Livell ta' gvern" tindika l-livell ta' gvern li jżomm il-miżura li għaliha tittieħed ir-riżerva;

(f) "miżuri" tidentifika l-liġijiet jew miżuri oħra kif ikkwalifikati, fejn indikat, mill-element "deskrizzjoni" li għalihom tittieħed ir-riżerva. "Miżura" ċitata fl-element "miżuri":

(i) tfisser il-miżura kif emendata, issoktata jew imġedda mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim;

(ii) tinkludi kwalunkwe miżura subordinata adottata jew miżmuma taħt l-awtorità ta' u konsistenti mal-miżura; u

(iii) fir-rigward tal-Iskeda tal-Unjoni Ewropea tinkludi kwalunkwe liġi jew miżura oħra li timplimenta direttiva fil-livell tal-Istati Membri; u

(g) "deskrizzjoni" tistabbilixxi l-aspetti mhux konformi tal-miżura eżistenti li għaliha tittieħed ir-riżerva.

4. Għal aktar ċertezza, jekk Parti tadotta miżura ġdida fil-livell ta' gvern differenti minn dak li fih tkun ittieħdet oriġinarjament ir-riżerva, u dik il-miżura l-ġdida effettivament tissostitwixxi, fit-territorju li tapplika għalih, l-aspett mhux konformi tal-miżura oriġinali ċitat fl-element "miżuri", il-miżura l-ġdida għandha titqies li tikkostitwixxi modifika għall-miżura oriġinali fit-tifsira tas-subparagrafu (c) tal-Artikolu 17.14(1) jew is-subparagrafu (c) tal-Artikolu 18.8(1).

5. Fl-interpretazzjoni ta' riżerva, għandhom jiġu kkunsidrati l-elementi kollha tar-riżerva. Riżerva għandha tiġi interpretata fid-dawl tal-obbligi rilevanti stabbiliti fil-Kapitoli jew Taqsimiet li fuq il-bażi tagħhom tittieħed ir-riżerva. L-element tal-"miżuri" għandu jirbaħ fuq l-elementi l-oħra kollha.

6. Għall-finijiet ta' din l-iskeda, "ISIC Rev. 3.1" tfisser il-Klassifika Industrijali Standard Internazzjonali tal-Attivitajiet Ekonomiċi kollha kif stipulat fl-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, id-Dokumenti dwar l-Istatistika, Serje M, Nru 4, ISIC Rev. 3.1, 2002.

7. Għall-finijiet tal-iskedi tal-Partijiet, riżerva għal rekwiżit li jkun hemm preżenza lokali fit-territorju tal-Partijiet tittieħed fir-rigward tal-Artikolu 18.6, u mhux fir-rigward tal-Artikolu 18.4 jew, fl-Anness 17-C, fir-rigward tal-Artikolu 18.7. Barra minn hekk, rekwiżit bħal dan ma jitqiesx bħala riżerva fir-rigward tal-Artikolu 17.9.

8. Riżerva li ttieħed fil-livell tal-Unjoni tapplika għal miżura tal-Unjoni, għal miżura ta' Stat Membru fil-livell ċentrali jew għal miżura ta' gvern fi Stat Membru, sakemm ir-riżerva ma tkunx teskludi Stat Membru. Riżerva li tittieħed minn Stat Membru tapplika għal miżura ta' gvern fil-livell ċentrali, reġjonali jew lokali f'dak l-Istat Membru. Għall-finijiet tar-riżervi tal-Belġju, il-livell ċentrali tal-gvern ikopri l-gvern federali u l-gvernijiet tar-reġjuni u l-komunitajiet billi kull wieħed minnhom għandu setgħat leġiżlattivi ekwipollenti. Għall-għanijiet tar-riżervi tal-UE u tal-Istati Membrti tagħha, il-livell reġjonali tal-gvern fil-Finlandja jfisser il-Gżejjer Åland Entrata li ssir fil-livell taċ-Ċili tapplika għal miżura tal-gvern ċentrali jew ta' gvern lokali.

9. L-iskedi tal-Partijiet ma tinkludux miżuri relatati mar-rekwiżiti u mal-proċeduri tal-kwalifiki, standards tekniċi u rekwiżiti u proċeduri ta' liċenzji meta dawn ma jkunux jikkostitwixxu aċċess għas-suq jew limitazzjoni għat-trattament nazzjonali fit-tifsira tal-Artikoli 17.9, 18.4 jew 18.6. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu, b'mod partikolari, il-ħtieġa li tinkiseb liċenzja, li jiġu ssodisfati l-obbligi ta' servizz universali, li wieħed ikollu kwalifiki rikonoxxuti f'setturi regolati, li jgħaddi minn eżamijiet speċifiċi, inkluż eżamijiet tal-lingwa, li jissodisfa rekwiżit ta' sħubija fi professjoni partikolari, bħal sħubija f'organizzazzjoni professjonali, li jkollu aġent lokali għas-servizz, jew li jżomm indirizz lokali, jew kwalunkwe rekwiżit nondiskriminatorju ieħor li ċerti attivitajiet ma jistgħux jitwettqu f'żoni protetti. Għalkemm dawn mhumiex elenkati f'dan l-Anness, tali miżuri jkomplu japplikaw.

10. Għal aktar ċertezza, għall-Parti tal-UE, l-obbligu li jingħata trattament nazzjonali ma jinvolvix rekwiżit li t-trattament mogħti fi Stat Membru jiġi estiż għall-persuni fiżiċi jew ġuridiċi tar-Renju Unit, skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jew kwalunkwe miżura adottata skont dak it-Trattat, inkluża l-implimentazzjoni tagħhom fl-Istati Membri, lil:

(a) persuni fiżiċi jew residenti ta' Stat Membru ieħor; jew

(b) persuni ġuridiċi kkostitwiti jew organizzati skont il-liġi ta' Stat Membru ieħor jew tal-Unjoni Ewropea u li għandhom l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom fl-Unjoni Ewropea.

11. It-trattament mogħti lil persuni ġuridiċi stabbiliti minn investituri ta' Parti f'konformità mal-liġi tal-Parti l-oħra (inkluż, fil-każ tal-Unjoni, il-liġi ta' Stat Membru) u li jkollhom l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom f'dik il-Parti l-oħra, huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe kundizzjoni jew obbligu, skont il-Kapitolu 17 (, li setgħu ġew imposti fuq tali persuna ġuridika meta ġiet stabbilita f'dik il-Parti l-oħra, u li għandhom ikomplu japplikaw.

12. L-iskedi tal-Partijiet japplikaw biss għat-territorji tal-Partijiet f'konformità tal-Artikolu 41.2 u huma rilevanti biss fil-kuntest ta' relazzjonijiet kummerċjali bejn il-Partijiet tal-UE u ċ-Ċilì. Huma ma jaffettwawx id-drittijiet u l-obbligi tal-Istati Membri skont id-dritt tal-Unjoni Ewropea.

13. L-abbrevjazzjonijiet li ġejjin jintużaw fil-lista ta' riżervi iktar 'l isfel:

UE: L-Unjoni Ewropea, inklużi l-Istati Membri kollha tagħha

AT: L-Awstrija

BE: Il-Belġju

BG: Il-Bulgarija

CY: Ċipru

CZ: Ċekja

DE: Il-Ġermanja

DK: Id-Danimarka

EE L-Estonja

EL: Il-Greċja

ES: Spanja

FI: Il-Finlandja

FR: Franza

HR: Il-Kroazja

HU: L-Ungerija

IE: L-Irlanda

IT: L-Italja

LT: Il-Litwanja

LU: Il-Lussemburgu

LV: Il-Latvja

MT: Malta

NL: In-Netherlands

PL: Il-Polonja

PT: Il-Portugall

RO: Ir-Rumanija

SE: L-Iżvezja

SI: Is-Slovenja

SK: Is-Slovakkja

ŻEE iż-Żona Ekonomika Ewropea

Appendiċi 17-A-1

SKEDA TAL-PARTI TAL-UE

Riżerva Nru 1 – Is-setturi kollha

Riżerva Nru 2 – Is-servizzi professjonali (ħlief dawk relatati mas-saħħa)

Riżerva Nru 3 – Is-servizzi professjonali (relatati mas-saħħa u l-bejgħ tal-farmaċewtiċi)

Riżerva Nru 4 – Is-servizzi ta' riċerka u żvilupp

Riżerva Nru 5 – Is-servizzi tal-proprjetà immobbli

Riżerva Nru 6 – Is-servizzi kummerċjali

Riżerva Nru 7 – Is-Servizzi tal-kostruzzjoni

Riżerva Nru 8 – Is-servizzi ta' distribuzzjoni

Riżerva Nru 9 – Is-servizzi edukattivi

Riżerva Nru 10 – Is-servizzi ambjentali

Riżerva Nru 11 – Is-servizzi tas-saħħa u s-servizzi soċjali

Riżerva Nru 12 – Is-servizzi relatati mat-turiżmu u l-ivvjaġġar

Riżerva Nru 13 – Is-servizzi rikreattivi, kulturali u sportivi

Riżerva Nru 14 – Is-servizzi tat-trasport u s-servizzi awżiljarji għas-servizzi tat-trasport

Riżerva Nru 15 – Attivitajiet relatati mal-enerġija

Riżerva Nru 16 – L-agrikoltura, is-sajd u l-manifattura

Riżerva Nru 1 – Is-setturi kollha

Settur:	Is-setturi kollha
Tip ta' riżerva:	Trattament nazzjonali It-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Kapitolu/Taqsima:	Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transkonfinali fis-servizzi
Livell ta' gvern:	UE/Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

(a) Tip ta' stabbiliment

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

L-UE: It-trattament mogħti skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea lil persuni ġuridiċi ffurmati f'konformità mad-dritt tal-Unjoni jew ta' Stat Membru u li jkollhom l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom fl-Unjoni, inklużi dawk stabbiliti fl-Unjoni minn investituri taċ-Ċili, ma jingħatax lil persuni ġuridiċi stabbiliti barra mill-Unjoni, u lanqas lil fergħat jew uffiċċji rappreżentattivi ta' tali persuni ġuridiċi, inkluż lil fergħat jew uffiċċji rappreżentattivi ta' persuni ġuridiċi taċ-Ċili.

Jista' jingħata trattament anqas favorevoli lil persuni ġuridiċi ffurmati f'konformità mad-dritt tal-Unjoni jew ta' Stat Membru li jkollhom biss l-uffiċċju reġistrat tagħhom fl-Unjoni, sakemm ma jkunx jista' jintwera li għandhom rabta effettiva u kontinwa mal-ekonomija ta' wieħed mill-Istati Membri.

Miżuri:

Fl-UE: It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi:

Din ir-riżerva tapplika biss għas-servizzi tas-saħħa, soċjali u edukattivi:

L-UE (tapplika wkoll għall-gvern f'livell reġjonali): Kwalunkwe Stat Membru, meta jbigħ jew jiddisponi mill-interessi azzjonarji tiegħu f'intrapriża tal-Istat eżistenti jew entità governattiva eżistenti li tipprovdi servizzi tas-saħħa, soċjali jew edukattivi (CPC 93, 92) jew mill-assi tagħha, jista' jipprojbixxi jew jimponi limitazzjonijiet fuq is-sjieda ta' tali interessi jew assi, jew jirrestriġi l-abbiltà tas-sidien ta' tali interessi u assi li jikkontrollaw kwalunkwe intrapriża li tirriżulta, fir-rigward tal-investituri taċ-Ċili jew l-intrapriżi tagħhom. Fir-rigward ta' tali bejgħ jew disponiment ieħor, kwalunkwe Stat Membru jista' jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura relatata man-nazzjonalità tal-maniġment superjuri jew tal-membri tal-bordijiet tad-diretturi, kif ukoll kwalunkwe miżura li tillimita l-għadd ta' fornituri.

Għall-finijiet ta' din ir-riżerva:

(i) kwalunkwe miżura miżmuma jew adottata wara d-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim li, fi żmien il-bejgħ jew disponiment ieħor, tipprojbixxi jew timponi limitazzjoni fuq is-sjieda tal-interess azzjonarju jew tal-assi jew timponi rekwiżiti ta' nazzjonalità deskritti f'din ir-riżerva għandha titqies bħala miżura eżistenti; u

(ii) "intrapriża tal-Istat" tfisser intrapriża li tkun proprjetà ta' jew ikkontrollata permezz ta' interessi proprjetarji minn kwalunkwe Stat Membru u tinkludi intrapriża stabbilita wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim unikament għall-iskopijiet ta' bejgħ jew disponiment tal-interessi azzjonarji fi, jew tal-assi ta' intrapriża tal-Istat jew ta' entità governattiva eżistenti.

Miżuri:

Fl-UE: Kif stabbilit fl-element ta' deskrizzjoni kif indikat aktar 'il fuq.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

Fl-AT: Għall-operat ta' fergħa, il-korporazzjonijiet mhux taż-Żona Ekonomika Ewropea (mhux taż-ŻEE) iridu jaħtru mill-anqas persuna waħda responsabbli għar-rappreżentanza tagħha li tkun residenti fl-Awstrija.

Id-diriġenti (diretturi maniġerjali, persuni fiżiċi) responsabbli għall-osservanza tal-Att dwar il-Kummerċ Awstrijak (Gewerbeordnung) iridu jkunu domiċiljati fl-Awstrija.

Fil-BG: Il-persuni ġuridiċi barranin, sakemm ma jkunux stabbiliti abbażi tal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru tal-UE jew taż-ŻEE, jistgħu jwettqu negozju u jsegwu attivitajiet jekk ikunu stabbiliti fir-Repubblika tal-Bulgarija fil-forma ta' kumpanija rreġistrata fir-Reġistru Kummerċjali. L-istabbiliment ta' fergħat huwa soġġett għal awtorizzazzjoni.

L-uffiċċji rappreżentattivi ta' intrapriżi barranin għandhom ikunu rreġistrati mal-Kamra tal-Kummerċ u l-Industrija Bulgara u ma jistgħux jieħdu sehem f'attività ekonomika iżda huma intitolati biss li jirreklamaw is-sid tagħhom u jaġixxu bħala rappreżentanti jew aġenti.

Fl-EE: Jekk ir-residenza ta' mill-inqas nofs il-membri tal-bord maniġerjali ta' kumpanija privata b'responsabbiltà limitata, kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata jew fergħa ma tkunx fl-Estonja, fi Stat Membru ieħor taż-ŻEE jew fil-Konfederazzjoni Żvizzera, il-kumpanija privata b'responsabbiltà limitata, il-kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata jew il-kumpanija barranija għandha taħtar punt ta' kuntatt li l-indirizz Estonjan tiegħu jista' jintuża għall-kunsinna tad-dokumenti proċedurali tal-impriża u d-dikjarazzjonijiet ta' intenzjoni indirizzati lill-impriża (jiġifieri l-fergħa ta' kumpanija barranija).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

Fil-FI: Tal-anqas wieħed mis-soċji f'soċjetà ġenerali jew mis-soċji solidali f'soċjetà limitata jeħtieġ ikollu r-residenza tiegħu fiż-ŻEE jew, jekk is-soċju jkun persuna ġuridika, li jkun domiċiljat (mhumiex permessi fergħat) fiż-ŻEE. Jistgħu jingħataw eżenzjonijiet mill-awtorità tar-reġistrazzjoni.

Għall-eżerċizzju ta' kummerċ bħala imprenditur privat, hija meħtieġa r-residenza fiż-ŻEE.

Jekk organizzazzjoni barranija minn pajjiż barra miż-ŻEE jkun beħsiebha teżerċita negozju jew kummerċ billi tistabbilixxi fergħa fil-Finlandja, ikun meħtieġ permess għall-kummerċ.

Hemm bżonn ta' residenza fiż-ŻEE għal mill-anqas wieħed mill-membri ordinarji u wieħed mid-deputati membri tal-bord tad-diretturi u għad-direttur maniġerjali. Jistgħu jingħataw eżenzjonijiet lill-kumpanija mill-awtorità tar-reġistrazzjoni.

Fl-SE: Kumpanija barranija li ma tkunx stabbiliet entità ġuridika fl-Iżvezja jew tkun qiegħda twettaq in-negozju tagħha permezz ta' aġent kummerċjali, għandha twettaq l-operazzjonijiet kummerċjali tagħha permezz ta' fergħa, irreġistrata fl-Iżvezja, b'maniġment indipendenti u kontijiet separati. Id-direttur maniġerjali u l-viċi direttur maniġerjali, jekk maħtura, tal-fergħa, iridu jkunu residenti fiż-ŻEE. Persuna fiżika mhux residenti fiż-ŻEE, li twettaq operazzjonijiet kummerċjali fl-Iżvezja, għandha taħtar u tirreġistra rappreżentant residenti responsabbli għall-operazzjonijiet fl-Iżvezja. Għandhom jinżammu kontijiet separati għall-operazzjonijiet fl-Iżvezja. L-awtorità kompetenti tista' f'każijiet individwali tagħti eżenzjonijiet mir-rekwiżiti tal-fergħa u tar-residenza. Proġetti ta' bini b'durata ta' anqas minn sena, imwettqa minn kumpanija li tinsab, jew minn persuna fiżika residenti barra miż-ŻEE, huma eżentati mir-rekwiżiti tal-istabbiliment ta' fergħa jew tal-ħatra ta' rappreżentant residenti.

Għal kumpaniji b'responsabbiltà limitata u assoċjazzjonijiet ekonomiċi kooperattivi, mill-inqas 50 % tal-membri tal-bord tad-diretturi, mill-inqas 50 % tal-membri tal-bord tad-deputati, id-direttur maniġerjali, il-viċi direttur maniġerjali u mill-inqas waħda mill-persuni awtorizzati biex jiffirmaw għall-kumpanija, jekk hemm, għandhom ikunu residenti fiż-ŻEE. L-awtorità kompetenti tista' taħti eżenzjonijiet minn dan ir-rekwiżit. Jekk ħadd mir-rappreżentanti tal-kumpanija jew tas-soċjetà ma jkun jirrisjedi fl-Iżvezja, il-bord irid jaħtar u jirreġistra persuna residenti fl-Iżvezja, li tkun ġiet awtorizzata li tirċievi notifiki f'isem il-kumpanija jew is-soċjetà.

Kundizzjonijiet simili jipprevalu għall-istabbiliment tat-tipi l-oħrajn kollha ta' entitajiet ġuridiċi.

Fis-SK: Persuna fiżika barranija li isimha għandu jiġi rreġistrat fir-reġistru xieraq (reġistru kummerċjali, reġistru imprenditorjali jew reġistru professjonali ieħor) bħala persuna awtorizzata li taġixxi f'isem imprenditur hija meħtieġa tissottometti permess ta' residenza għas-Slovakkja.

Miżuri:

Fl-AT: Aktiengesetz, BGBL. Nru 98/1965, § 254 (2);

GmbH-Gesetz, RGBL. Nru 58/1906, § 107 (2); u Gewerbeordnung, BGBL. Nru 194/1994, § 39 (2a).

Fil-BG: Il-Liġi Kummerċjali, l-Artikolu 17a; u

il-Liġi għall-Inkoraġġiment tal-Investimenti, l-Artikolu 24.

(ee) Äriseadustik (Il-Kodiċi Kummerċjali) § 631 (1, 2 u 4).

Fil-FI: Laki elinkeinon harjoittamisen oikeudesta (l-Att dwar id-Dritt ta' Twettiq ta' Negozju) (122/1919), § . 1;

Osuuskuntalaki (l-Att dwar il-Kooperattivi) 1488/2001;

Osakeyhtiölaki (l-Att dwar il-Kumpaniji b'Responsabbiltà Limitata) (624/2006); u

Laki luottolaitostoiminnasta (l-Att dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu) (121/2007).

Fl-SE: Lag om utländska filialer m.m (l-Att dwar il-Fergħat ta' Uffiċċji Barranin) (1992:160);

Aktiebolagslagen (l-Att dwar il-Kumpaniji) (2005:551);

L-Att dwar l-Assoċjazzjonijiet Ekonomiċi tal-Kooperattivi (2018:672); u l-Att dwar il-Gruppi Ewropej b'Interess Ekonomiku (1994:1927).

Fis-SK: L-Att 513/1991 dwar il-Kodiċi Kummerċjali (l-Artikolu 21); l-Att 455/1991 dwar il-Liċenzjar tal-Kummerċ; u

l-Att Nru 404/2011 dwar ir-Residenza ta' Stranġieri (l-Artikoli 22 u 32).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Projbizzjoni ta' Rekwiżiti ta' prestazzjoni:

Fil-BG: Intrapriżi stabbiliti jistgħu jimpjegaw ċittadini ta' pajjiżi terzi biss għal pożizzjonijiet li għalihom ma hemm l-ebda rekwiżit għal nazzjonalità Bulgara. L-għadd totali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi impjegati minn intrapriża stabbilita matul perjodu tat-12-il xahar preċedenti ma jridx jaqbeż l-20 % (35 % għall-intrapriżi żgħar u medji) tal-għadd medju ta' ċittadini Bulgari, ċittadini ta' Stati Membri oħra, ta' stati partijiet għall-Ftehim dwar iż-ŻEE jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera impjegati b'kuntratt ta' impjieg. Barra minn hekk, l-impjegatur irid juri li ma jkun hemm l-ebda ħaddiem Bulgaru, tal-UE, taż-ŻEE jew Żvizzeru xieraq għall-pożizzjoni rispettiva billi jwettaq test tas-suq tax-xogħol qabel ma jimpjega ċittadin ta' pajjiż terz.

Fil-każ ta' ħaddiema bi kwalifiki għoljin, staġjonali u stazzjonati, kif ukoll għal ħaddiema bi trasferiment intra-azjendali, riċerkaturi u studenti, ma hemm l-ebda limitu fuq l-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaħdmu għal intrapriża waħda. Għall-impjieg ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi f'dawn il-kategoriji, ma huwa meħtieġ l-ebda test tas-suq tax-xogħol.

Miżuri:

Fil-BG: L-Att dwar il-Migrazzjoni tal-Ħaddiema u dwar il-Mobilità tal-Ħaddiema.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

Fil-PL: L-ambitu tal-operazzjonijiet ta' uffiċċju rappreżentattiv jista' jinkludi biss ir-reklamar u l-promozzjoni tal-kumpanija omm barranija rappreżentata mill-uffiċċju. Għas-setturi kollha ħlief is-servizzi legali, l-istabbiliment minn investituri mhux tal-Unjoni Ewropea u l-impriżi tagħhom jistgħu jkunu biss fil-forma ta' soċjetà limitata, soċjetà b'ishma konġunti- limitata, kumpanija b'responsabbiltà limitata u kumpanija b'ishma konġunti, filwaqt li l-investituri u l-impriżi domestiċi għandhom aċċess ukoll għall-forom ta' kumpaniji ta' soċjetajiet mhux- kummerċjali (soċjetà ġenerali u kumpanija b'responsabbiltà illimitata).

Miżuri:

Fil-PL: L-Att tal-6 ta' Marzu 2018 dwar ir-regoli li jirrigwardaw l-attività ekonomika ta' imprendituri barranin u persuni barranin oħra fit-territorju tar-Repubblika tal-Polonja.

(b) Akkwist ta' proprjetà immobbli

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

Fl-AT (tapplika għall-gvern f'livell reġjonali): L-akkwist, ix-xiri u l-kiri jew il-lokazzjoni ta' proprjetà immobbli minn persuni fiżiċi u intrapriżi mhux tal-Unjoni Ewropea jeħtieġu awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet reġjonali kompetenti (Länder). L-awtorizzazzjoni tingħata biss jekk l-akkwist jitqies li jkun fl-interess pubbliku (b'mod partikolari dak ekonomiku, soċjali u kulturali).

F'CY: Iċ-Ċiprijotti jew persuni ta' oriġini Ċiprijotta, kif ukoll ċittadini ta' Stat Membru, jitħallew jakkwistaw kwalunkwe proprjetà f'Ċipru mingħajr restrizzjonijiet. Barrani ma għandu jakkwista, barra minn mortis causa, l-ebda proprjetà immobbli mingħajr ma jikseb permess mill-Kunsill tal-Ministri. Għall-barranin, fejn l-akkwist ta' proprjetà immobbli jaqbeż il-limitu meħtieġ għall-istabbiliment ta' bini għal dar jew saqaf professjonali, jew inkella jaqbeż il-limitu ta' żewġ donums (2 676 metru kwadru), kwalunkwe permess mogħti mill-Kunsill tal-Ministri għandu jkun soġġett għal tali termini, limitazzjonijiet, kundizzjonijiet u kriterji li huma stabbiliti mir-Regolamenti magħmula mill-Kunsill tal-Ministri u approvati mill-Parlament. Barrani huwa kwalunkwe persuna li mhijiex ċittadina tar-Repubblika ta' Ċipru, inkluża kumpanija kkontrollata mill-barranin. It-terminu ma jinkludix barranin ta' oriġini Ċiprijotta jew konjuġi mhux Ċiprijotti ta' ċittadini tar-Repubblika ta' Ċipru.

Fiċ-CZ: Japplikaw regoli speċifiċi għal art agrikola li hija proprjetà tal-gvern. L-art agrikola tal-Istat tista' tiġi akkwistata biss minn ċittadini Ċeki, ċittadini ta' Stat Membru ieħor, jew ta' stati partijiet għall-Ftehim dwar iż-ŻEE jew il-Konfederazzjoni Żvizzera. Persuni ġuridiċi jistgħu jakkwistaw art agrikola tal-istat mill-Istat biss jekk ikunu imprendituri agrikoli fir-Repubblika Ċeka jew persuni bi status simili fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, jew stati partijiet għall-Ftehim dwar iż-ŻEE jew il-Konfederazzjoni Żvizzera.

Fid-DK: Persuni fiżiċi li ma jkunux residenti fid-Danimarka, u li qabel ma kinux residenti fid-Danimarka għal perjodu totali ta' ħames snin iridu, f'konformità mal-Att Daniż dwar l-Akkwisti, jiksbu permess mill-Ministeru tal-Ġustizzja biex jiksbu titolu għal proprjetà immobbli fid-Danimarka. Dan japplika wkoll għall-persuni ġuridiċi li ma jkunux irreġistrati fid-Danimarka. Għall-persuni fiżiċi, l-akkwiżizzjoni ta' proprjetà immobbli tkun permessa jekk l-applikant ikun se juża l-proprjetà immobbli bħala r-residenza primarja tiegħu jew tagħha.

Għall-persuni ġuridiċi li ma jkunux irreġistrati fid-Danimarka, l-akkwist ta' proprjetà immobbli b'mod ġenerali jkun permess jekk l-akkwist ikun prerekwiżit għall-attivitajiet kummerċjali tal-akkwirent. Huwa meħtieġ permess ukoll jekk l-applikant ikun se juża l-proprjetà immobbli bħala abitazzjoni sekondarja. Dan il-permess jingħata biss jekk l-applikant, permezz ta' valutazzjoni ġenerali u konkreta, jitqies li jkollu rabtiet b'saħħithom partikolari mad-Danimarka.

Il-permess skont l-Att dwar l-Akkwiżizzjonijiet jingħata biss għall-akkwiżizzjoni ta' proprjetà immobbli speċifika. L-akkwiżizzjoni ta' art agrikola minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi hija, b'żieda ma' dan, irregolata wkoll mill-Att Daniż dwar l-Azjendi Agrikoli, li jimponi restrizzjonijiet fuq il-persuni kollha, Daniżi jew barranin, meta jkunu qegħdin jakkwistaw proprjetà agrikola. Għalhekk, kull persuna fiżika jew ġuridika, li tkun tixtieq takkwista proprjetà immobbli agrikola, trid tissodisfa wkoll ir-rekwiżiti f'dan l-Att. Dan ġeneralment ifisser li japplika rekwiżit ta' residenza limitat fuq l-azjenda agrikola. Ir-rekwiżit ta' residenza mhuwiex personali. L-entitajiet ġuridiċi jridu jkunu tat-tipi elenkati f' § 20 u § 21 tal-att u jridu jkunu rreġistrati fl-Unjoni (jew fiż-ŻEE).

Fl-EE: Persuna ġuridika minn Stat Membru tal-OECD għandha d-dritt li takkwista proprjetà immobbli li jkun fiha:

(i) inqas minn għaxar ettari ta' art agrikola, art forestali jew art agrikola u forestali b'kollox mingħajr restrizzjonijiet;

(ii) għaxar ettari jew aktar ta' art agrikola jekk il-persuna ġuridika tkun ġiet ingaġġata, għal tliet snin immedjatament qabel is-sena li fiha tkun saret it-tranżazzjoni ta' akkwist tal-proprjetà immobbli, fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, minbarra prodotti tas-sajd u l-qoton (minn hawn' il quddiem "prodott agrikolu");

(iii) għaxar ettari jew aktar ta' art forestali jekk il-persuna ġuridika tkun ġiet ingaġġata, għal tliet snin immedjatament qabel is-sena li fiha tkun saret it-tranżazzjoni tal-akkwist tal-proprjetà immobbli, fil-ġestjoni tal-foresti fit-tifsira tal-Att dwar il-Foresti (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-ġestjoni tal-foresti") jew il-produzzjoni ta' prodotti agrikoli.

(iv) inqas minn għaxar ettari ta' art agrikola u inqas minn għaxar ettari ta' art forestali, iżda għaxar ettari jew aktar ta' art agrikola u forestali b'kollox, jekk il-persuna ġuridika tkun ġiet ingaġġata, għal tliet snin immedjatament qabel is-sena li fiha tkun saret it-tranżazzjoni tal-akkwist tal-proprjetà immobbli, fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli jew fil-ġestjoni tal-foresti.

Jekk persuna ġuridika ma tissodisfax ir-rekwiżiti previsti fis-subparagrafi (ii), (iii) u (iv), il-persuna ġuridika tista' takkwista proprjetà immobbli li fiha għaxar ettari jew aktar ta' art agrikola, art forestali jew art agrikola u foresta b'kollox biss bl-awtorizzazzjoni tal-kunsill tal-gvern lokali tal-post fejn tinsab il-proprjetà immobbli li għandha tiġi akkwistata.

Japplikaw restrizzjonijiet fuq l-akkwist ta' proprjetà immobbli f'ċerti żoni ġeografiċi għal ċittadini mhux taż-ŻEE.

Fil-EL: L-akkwist jew il-kiri ta' proprjetà immobbli fir-reġjuni tal-fruntiera huwa pprojbit għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi li n-nazzjonalità jew il-bażi tagħhom tkun barra mill-Istati Membri u l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles. Il-projbizzjoni tista' titneħħa b'deċiżjoni diskrezzjonali meħuda minn kumitat tal-Amministrazzjoni Deċentralizzata xierqa (jew il-Ministru tad-Difiża Nazzjonali f'każ li l-proprjetajiet li għandhom jiġu sfruttati jappartjenu lill-Fond għall-Isfruttament ta' Proprjetà Pubblika Privata).

Fil-HR: Kumpaniji barranin jitħallew biss jakkwistaw proprjetà immobbli għall-forniment ta' servizzi jekk ikunu stabbiliti u inkorporati fil-Kroazja bħala persuni ġuridiċi. L-akkwist ta' proprjetà immobbli meħtieġa għall-forniment ta' servizzi minn fergħat jeħtieġ l-approvazzjoni tal-Ministeru tal-Ġustizzja. Art agrikola ma tistax tiġi akkwistata minn barranin.

F'MT: Dawk li mhumiex ċittadini ta' Stat Membru ma jistgħux jakkwistaw proprjetà immobbli għal skopijiet kummerċjali. Kumpaniji b'25 % (jew aktar) ta' parteċipazzjoni azzjonarja mhux tal-Unjoni Ewropea jridu jiksbu awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti (il-Ministru responsabbli għall-Finanzi) biex jixtru proprjetà immobbli għal skopijiet kummerċjali jew professjonali. L-awtorità kompetenti tistabbilixxi jekk l-akkwist propost jirrappreżentax benefiċċju nett għall-ekonomija Maltija.

Fil-PL: L-akkwist ta' proprjetà immobbli, diretta u indiretta, mill-barranin jeħtieġ permess. Permess jinħareġ permezz ta' deċiżjoni amministrattiva minn ministru kompetenti fl-affarijiet interni, bil-kunsens tal-Ministru tad-Difiża Nazzjonali, u fil-każ ta' proprjetà immobbli agrikola, anke bil-kunsens tal-Ministru tal-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali.

Miżuri:

Fl-AT: Burgenländisches Grundverkehrsgesetz, LGBL. Nru 25/2007;

Kärntner Grundverkehrsgesetz, LGBL. Nru 9/2004;

NÖ- Grundverkehrsgesetz, LGBL. 6800.

OÖ- Grundverkehrsgesetz, LGBL. Nru 88/1994;

Salzburger Grundverkehrsgesetz, LGBL. Nru 9/2002;

Steiermärkisches Grundverkehrsgesetz, LGBL. Nru 134/1993;

Tiroler Grundverkehrsgesetz, LGBL. Nru 61/1996;

Voralberger Grundverkehrsgesetz, LGBL. Nru 42/2004; u

Wiener Ausländergrundverkehrsgesetz, LGBL. Nru 11/1998.

F'CY: Il-Liġi dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli (Persuni Barranin) (il-Kapitolu 109), kif emendata.

Fiċ-CZ: L-Att Nru 503/2012, Coll. dwar l-Uffiċċju tal-Artijiet tal-Istat.

Fid-DK: L-Att Daniż dwar l-Akkwiżizzjoni ta' Proprjetà Immobbli (l-Att Konsolidat Nru 265 tal-21 Ta' Marzu 2014 dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli);

L-Ordni Eżekuttiva dwar l-Akkwisti (l-Ordni Eżekuttiva Nru 764 tat-18 ta' Settembru 1995); u

L-Att dwar l-Azjendi Agrikoli (l-Att ta' Konsolidazzjoni Nru 27 tal-4 ta' Jannar 2017).

EE: Kinnisasja omandamise kitsendamise seadus (l-Att dwar ir-Restrizzjonijiet fuq l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli) il-Kapitolu 2 § 4, il-Kapitolu 3§ 10, 2017.

Fil-EL: Il-Liġi 1892/1990, kif inhi llum, flimkien ma'd-deċiżjoni ministerjali F.110/3/330340/S.120/7-4-14 tal-Ministru tad-Difiża Nazzjonali u l-Ministru għall-Protezzjoni taċ-Ċittadini.

Fil-HR: L-Att dwar is-Sjieda u Drittijiet Proprjetarji oħra (OG 91/96, 68/98, 137/99, 22/00, 73/00, 129/00, 114/01, 79/06, 141/06, 146/08, 38/09, 143/12, 152/14), l-Artikoli 354 sa 358.b); l-Att dwar l-Art Agrikola (GU 20/18, 115/18, 98/19), l-Artikolu 2; l-Att dwar il-Proċedura Amministrattiva Ġenerali.

F'MT: L-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni Mhux Residenti (Kap. 246); u l-Protokoll Nru 6 tat-Trattat ta' Adeżjoni fl-UE dwar l-akkwist ta' residenzi sekondarji f'Malta.

Fil-PL: Il-Liġi tal-24 ta' Marzu 1920 dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Barranin (Il-Ġurnal tal-Liġijiet tal-2016, il-punt 1061 kif emendat).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

Fl-HU: Ix-xiri ta' proprjetà immobbli minn persuni mhux residenti huwa soġġett għall-kisba ta' awtorizzazzjoni mill-awtorità amministrattiva xierqa responsabbli mill-pożizzjoni ġeografika tal-proprjetà.

Miżuri:

Fl-HU: Id-Digriet tal-Gvern Nru 251/2014 (X. 2.) dwar l-Akkwist minn Ċittadini Barranin ta' Proprjetà Immobbli minbarra Art Użata għal Skopijiet Agrikoli jew ta' Forestrija; kif ukoll l-Att LXXVIII tal-1993 (il-Paragrafu 1/A).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fil-LV: L-akkwist ta' art urbana minn ċittadini taċ-Ċili huwa permess permezz ta' persuni ġuridiċi rreġistrati fil-Latvja jew fi Stati Membri oħra:

(i) jekk aktar minn 50 % tal-kapital ta' ekwità tagħhom jappartjeni lil ċittadini tal-Istati Membri, lill-Gvern Latvjan jew lil muniċipalità, separatament jew flimkien;

(ii) jekk aktar minn 50 % tal-kapital ta' ekwità tagħhom jappartjeni lil persuni fiżiċi u kumpaniji ta' pajjiż terz li miegħu l-Latvja tkun ikkonkludiet ftehim bilaterali dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka ta' investimenti u li jkun ġie approvat mill-Parlament Latvjan qabel il-31 ta' Diċembru 1996;

(iii) jekk aktar minn 50 % tal-kapital ta' ekwità tagħhom jappartjeni lil persuni fiżiċi u kumpaniji ta' pajjiż terz li miegħu l-Latvja tkun ikkonkludiet ftehim bilaterali dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka ta' investimenti wara l-31 ta' Diċembru 1996, jekk f'dak il-ftehim ikunu ġew iddeterminati d-drittijiet ta' persuni fiżiċi u kumpaniji Latvjani dwar l-akkwist ta' art fil-pajjiż terz rispettiv;

(iv) jekk aktar minn 50 % tal-kapital ta' ekwità tagħhom jappartjeni b'mod konġunt lil persuni msemmija fil-punti (i) sa (iii); jew

(v) li huma kumpaniji pubbliċi b'ishma konġunti, jekk l-ishma tagħhom jiġu kkwotati fil-borża.

Fejn iċ-Ċili jippermetti lil ċittadini u intrapriżi Latvjani jixtru proprjetà immobbli urbana fit-territorji tagħhom, il-Latvja tippermetti lil ċittadini u intrapriżi taċ-Ċili li jixtru proprjetà immobbli urbana fil-Latvja bl-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini Latvjani.

Miżuri:

Fil-LV: Il-Liġi dwar ir-riforma tal-art fil-bliet tar-Repubblika tal-Latvja, l-Artikoli 20 u 21.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fil-DE: Jistgħu japplikaw ċerti kundizzjonijiet ta' reċiproċità għall-akkwist ta' proprjetà immobbli.

Fi ES: L-investiment barrani f'attivitajiet relatati direttament mal-investimenti barranin ta' proprjetà immobbli għal missjonijiet diplomatiċi mill-Istati li mhumiex Stati Membri jeħtieġu awtorizzazzjoni amministrattiva mill-Kunsill Spanjol tal-Ministri, sakemm ma hemmx ftehim ta' liberalizzazzjoni reċiproka fis-seħħ.

Fir-RO: Persuni ta' nazzjonalità barranija, persuni apolidi u persuni ġuridiċi (għajr ċittadini u persuni ġuridiċi ta' Stat Membru taż-ŻEE) jistgħu jiksbu drittijiet ta' proprjetà fuq art, skont il-kondizzjonijiet irregolati bi trattati internazzjonali, abbażi ta' reċiproċità. Persuni ta' nazzjonalità barranija, persuni apolidi u persuni ġuridiċi ma jistgħux jiksbu d-dritt ta' proprjetà fuq artijiet b'kondizzjonijiet aktar favorevoli minn dawk applikabbli għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi tal-Unjoni Ewropea.

Miżuri:

Fil-DE: Einführungsgesetz zum Bürgerlichen Gesetzbuche (EGBGB; Il-Liġi Introduttorja tal-Kodiċi Ċivili).

Fi ES: Id-Digriet Amministrattiv 664/1999 tat-23 ta' April 1999 dwar l-investiment barrani.

Fir-RO: Il-Liġi 17/2014 dwar xi miżuri li jirregolaw il-bejgħ u x-xiri ta' art agrikola li tinsab barra mill-belt u li temenda; u

Il-Liġi Nru 268/2001 dwar il-privatizzazzjoni ta' kumpaniji li jippossiedu art fi sjieda pubblika u ġestjoni privata tal-Istat għall-agrikoltura u li tistabbilixxi l-Aġenzija għad-Dominji tal-Istat, bl-emendi sussegwenti.

Riżerva Nru 2 – Is-servizzi professjonali (ħlief dawk relatati mas-saħħa)

Settur – sottosettur:	Servizzi professjonali – servizzi legali: aġent tal-privattivi, aġent tal-proprjetà industrijali, avukat tal-proprjetà intellettwali; servizzi ta' kontabilità u ta' żamma tal-kotba; servizzi ta' awditjar, servizzi ta' konsulenza dwar it-tassazzjoni; servizzi ta' arkitettura u ta' ppjanar urban, servizzi ta' inġinerija, u servizzi ta' inġinerija integrata
Klassifikazzjoni tal-industrija:	CPC 861, 862, 863, 8671, 8672, 8673, 8674, parti minn 879
Tip ta' riżerva:	Trattament nazzjonali It-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi Preżenza lokali
Kapitolu/Taqsima:	Liberalizzazzjoni tal-investiment; Kummerċ transfruntier fis-servizzi
Livell ta' gvern:	UE/Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

(a) Servizzi legali (parti minn CPC 861) [1]

Għal aktar ċertezza, b'mod konsistenti man-Noti introduttivi, b'mod partikolari il-paragrafu 9, rekwiżiti għar-reġistrazzjoni ma' Kamra tal-Avukati jistgħu jinkludu rekwiżit li wieħed ikun kiseb lawrja fil-liġi fil-pajjiż ospitanti jew l-ekwivalenti tagħha, jew li jkun lesta xi taħriġ taħt is-superviżjoni ta' avukat liċenzjat, jew li jkollu uffiċċju jew indirizz postali fil-ġuriżdizzjoni ta' Kamra tal-Avukati speċifika sabiex ikun eliġibbli li japplika għal sħubija f'dik il-Kamra tal-Avukati. Xi Stati Membri jistgħu jimponu rekwiżit tad-dritt ta' prattika tal-liġi tal-ġuriżdizzjoni ospitanti fuq persuni fiżiċi li jkollhom ċerti pożizzjonijiet fi ħdan ditta legali, kumpanija, impriża jew għall-azzjonisti.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fl-UE: Ir-rappreżentanza ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi quddiem l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (European Union Intellectual Property Office, EUIPO) tista' ssir biss minn prattikant legali kkwalifikat f'wieħed mill-Istati Membri taż-ŻEE u li jkollu l-post tan-negozju tiegħu fiż-ŻEE, sa fejn dawn ikunu intitolati, fl-imsemmi Stat Membru, li jaġixxu bħala rappreżentanti fi kwistjonijiet ta' trademarks jew fi kwistjonijiet ta' proprjetà industrijali u minn rappreżentanti professjonali li isimhom jidher fil-lista miżmuma għal dan il-għan mill-EUIPO. (Parti minn CPC 861).

Fl-AT: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza taż-ŻEE jew Żvizzera kif ukoll residenza (preżenza kummerċjali) sabiex wieħed jipprattika servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika (tal-Unjoni Ewropea u tal-Istat Membru), inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati. Avukati b'ċittadinanza taż-ŻEE jew Żvizzera biss jistgħu jipprovdu servizzi legali permezz ta' preżenza kummerċjali. Il-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tad-dritt internazzjonali pubbliku u l-liġi tal-pajjiż ta' oriġini hija permess biss fuq bażi transfruntiera. Il-parteċipazzjoni fl-ekwità u l-ishma fir-riżultat operattiv ta' kwalunkwe ditta legali minn avukati barranin (li jridu jkunu kkwalifikati b'mod sħiħ fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom) huma permessi sa 25 %; il-bqija jridu jinżammu minn avukati taż-ŻEE jew Żvizzeri kwalifikati b'mod sħiħ u dawn tal-aħħar biss jistgħu jeżerċitaw influwenza deċiżiva fit-teħid tad-deċiżjonijiet tad-ditta legali.

Fil-BE (fir-rigward ukoll tat-Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit): Ir-residenza hija meħtieġa għall-ammissjoni sħiħa fil-Kamra tal-Avukati, u hija meħtieġa għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika Belġjana, inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati. Ir-rekwiżit ta' residenza biex avukat barrani jikseb ammissjoni sħiħa fil-Kamra tal-Avukati huwa ta' mill-anqas sitt snin mid-data tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, jew tliet snin taħt ċerti kundizzjonijiet. Hemm bżonn ta' ċertifikat maħruġ mill-Ministru Belġjan tal-Affarijiet Barranin li abbaži tiegħu l-liġi nazzjonali jew il-konvenzjoni internazzjonali tippermetti r-reċiproċità (kundizzjoni ta' reċiproċità).

Avukati barranin jistgħu jipprattikaw bħala konsulenti legali. Avukati li huma membri ta' Kamra tal-Avukati barranija (mhux tal-UE) u li jixtiequ jistabbilixxu ruħhom fil-Belġju iżda ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet għar-reġistrazzjoni fuq it-Tableau ta' avukati kompletament ikkwalifikati, fuq il-lista tal-UE jew fuq il-Lista ta' Avukati bi Prova, jistgħu jitolbu reġistrazzjoni fl-hekk imsejħa "Lista B". Tali "Lista B" teżisti biss fil-Kamra tal-Avukati ta' Brussell. Avukat fuq il-lista B jista' jagħti konsulenza. Ir-rappreżentanza quddiem il-"Cour de Cassation" hija soġġetta għal nominazzjoni fuq lista speċifika.

Fil-BG (fir-rigward ukoll tat-Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit): Riservat għaċ-ċittadini ta' Stat Membru, ta' Stat ieħor li huwa parti għall-Ftehim dwar iż-ŻEE, jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera li ngħataw l-awtorizzazzjoni biex tjaaħmu l-professjoni ta' avukat skont il-leġiżlazzjoni ta' kull wieħed mill-pajjiżi msemmija hawn fuq. Ċittadin barrani (ħlief għal min imsemmi hawn fuq) li jkun ġie awtorizzat iħaddem il-professjoni ta' avukat skont il-leġiżlazzjoni ta' pajjiżu jew pajjiżha, jista' jappella quddiem korpi ġudizzjarji tar-Repubblika tal-Bulgarija bħala avukat difensur jew

[1] Għall-finijiet ta' din ir-riżerva:
(a) "liġi domestika" tfisser il-liġi tal-Istat Membru speċifiku u d-dritt tal-Unjoni;
(b) "dritt internazzjonali pubbliku" teskludi d-dritt tal-Unjoni Ewropea u tinkludi l-liġi stabbilita minn trattati u konvenzjonijiet internazzjonali, kif ukoll id-dritt internazzjonali konswetudinarju;
(c) "konsulenza legali" tinkludi l-għoti ta' pariri lill-klijenti u konsultazzjoni magħhom fi kwistjonijiet, inklużi tranżazzjonijiet, relazzjonijiet u tilwim, li jinvolvu l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni tal-liġi; il-parteċipazzjoni ma' klijenti jew f'isimhom f'negozjati u f'relazzjonijiet oħra ma' partijiet terzi f'tali kwistjonijiet; u t-tħejjija ta' dokumenti rregolati kompletament jew parzjalment mil-liġi, u l-verifika ta' dokumenti ta' kull tip għall-finijiet tar-rekwiżiti tal-liġi u skonthom;
(d) "rappreżentanza legali" tinkludi t-tħejjija ta' dokumenti maħsuba biex jiġu ppreżentati lill-aġenziji amministrattivi, lill-qrati jew lil tribunali uffiċjali oħra debitament kostitwiti; u għal dehra quddiem aġenziji amministrattivi, il-qrati jew tribunali uffiċjali oħra debitament kostitwiti;
(e) "arbitraġġ legali, konċiljazzjoni u medjazzjoni" tfisser it-tħejjija ta' dokumenti li għandhom jiġu ppreżentati lil arbitru, konċiljatur jew medjatur, kif ukoll id-dehra quddiemu u t-tħejjija għaliha, fi kwalunkwe tilwima li tinvolvi l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tal-liġi. Dan ma jinkludix is-servizzi ta' arbitraġġ, konċiljazzjoni u medjazzjoni f'tilwim li ma jinvolvix l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tal-liġi, li jaqgħu taħt is-servizzi inċidentali għall-konsultazzjoni maniġerjali. Lanqas ma jinkludi li wieħed jaġixxi bħala arbitru, konċiljatur jew medjatur. Bħala subkategorija, is-servizzi ta' arbitraġġ, konċiljazzjoni jew medjazzjoni legali internazzjonali jirreferu għall-istess servizzi meta t-tilwima tkun tinvolvi partijiet minn żewġ pajjiżi jew aktar.

mandatarju ta' ċittadin ta' pajjiżu jew pajjiżha, li jaġixxi fuq każ speċifiku, flimkien ma' avukat Bulgaru, f'kawżi fejn dan kien previst fi ftehim bejn l-istat Bulgaru u dak barrani rispettiv, jew fuq il-bażi ta' mutwalità, li jagħmel talba preliminari skont dan lill-President tal-Kunsill Suprem tal-Avukatura. Il-pajjiżi, li fir-rigward tagħhom teżisti l-mutwalità, għandhom jinħatru mill-Ministru tal-Ġustizzja, b'talba tal-President tal-Kunsill Suprem tal-Avukatura. Sabiex jipprovdi medjazzjoni legali, ċittadin barrani jrid ikollu permess għal residenza fit-tul jew permanenti fir-Repubblika tal-Bulgarija u jkun iddaħħal fir-Reġistru Uniformi tal-Medjaturi mal-Ministru tal-Ġustizzja.

F'CY: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza taż-ŻEE jew Żvizzera kif ukoll ir-residenza (preżenza kummerċjali). Huma biss l-avukati rreġistrati fil-Kamra tal-Avukati li jistgħu jkunu soċji jew azzjonisti jew membri tal-bord tad-diretturi f'kumpanija legali f'Ċipru.

Fiċ-CZ: Hija meħtieġa ammissjoni sħiħa fil-Kamra tal-Avukati. Għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika (tal-Unjoni u ta' Stat Membru), inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati, hija meħtieġa ċ-ċittadinanza taż-ŻEE jew dik Żvizzera. Għas-servizzi legali kollha, hija meħtieġa r-residenza (preżenza kummerċjali).

Fil-DE: Avukati bi kwalifika taż-ŻEE u Żvizzera biss jistgħu jiġu ammessi għall-Kamra tal-Avukati u għalhekk ikunu intitolati li jipprovdu servizz legali fir-rigward tal-liġi domestika. Hija meħtieġa l-preżenza kummerċjali sabiex tinkiseb ammissjoni sħiħa fil-Kamra tal-Avukati. Jistgħu jingħataw eżenzjonijiet mill-kamra tal-avukati kompetenti. Fil-każ ta' avukati barranin (ħlief bi kwalifika taż-ŻEE u Żvizzera) jista' jkun hemm restrizzjonijiet għaż-żamma ta' ishma ta' kumpanija tal-avukati li tipprovdi servizzi legali fid-dritt domestiku. L-avukati barranin jistgħu joffru servizzi legali fil-liġi barranija meta jippruvaw għarfien espert, hija meħtieġa r-reġistrazzjoni għas-servizzi legali fil-Ġermanja.

Fid-DK: Is-servizzi legali pprovduti taħt it-titolu "advokat" (avukat) jew kwalunkwe titolu simili, kif ukoll ir-rappreżentanza quddiem il-qrati, huma riżervati għal avukati b'liċenzja Daniża biex jipprattikaw. L-avukati tal-UE, taż-ŻEE u tal-Iżvizzera jistgħu jipprattikaw bit-titolu tal-pajjiż ta' oriġini tagħhom.

L-ishma ta' ditta legali jistgħu jkunu proprjetà biss ta' avukati li jipprattikaw b'mod attiv il-liġi fid-ditta, il-kumpanija prinċipali tagħha jew il-kumpanija sussidjarja tagħha, impjegati oħra fid-ditta, jew ditta legali oħra rreġistrata fid-Danimarka. Impjegati oħra fid-ditta jista' kollettivament ikollhom biss anqas minn 10 % tal-ishma u tad-drittijiet tal-vot, u sabiex ikunu azzjonisti jridu jgħaddu minn eżami dwar ir-regoli ta' importanza partikolari għall-prattika tal-liġi.

Huma biss dawk l-avukati li jipprattikaw il-liġi b'mod attiv fid-ditta, il-kumpanija prinċipali tagħha jew il-kumpanija sussidjarja tagħha, azzjonisti oħra, u r-rappreżentanti tal-impjegati, li jistgħu jkunu membri tal-bord. Il-maġġoranza tal-membri tal-bord iridu jkunu avukati li jipprattikaw attivament il-liġi fid-ditta, fil-kumpanija omm tagħha jew fil-kumpanija sussidjarja tagħha. Huma biss dawk l-avukati li jipprattikaw attivament il-liġi fid-ditta, fil-kumpanija omm tagħha jew fil-kumpanija sussidjarja tagħha, u azzjonisti oħra li jkunu għaddew mill-eżami msemmi aktar 'il fuq, li jistgħu jkunu direttur tad-ditta legali.

Fl-EE: Ir-residenza (preżenza kummerċjali) hija meħtieġa għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika (tal-Unjoni u tal-Istat Membru), u għall-parteċipazzjoni fir-rappreżentanza ta' proċedimenti kriminali quddiem il-Qorti Suprema.

Fil-EL: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza u residenza taż-ŻEE jew Żvizzera (preżenza kummerċjali) sabiex wieħed jipprattika servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika (tal-Unjoni Ewropea u tal-Istat Membru), inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati.

Fi ES: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza taż-ŻEE jew Żvizzera sabiex wieħed jipprattika servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika, inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu eżenzjonijiet min-nazzjonalità. Indirizz professjonali huwa meħtieġ sabiex jiġi pprovdut kwalunkwe servizz legali.

Fil-FI: Hija meħtieġa residenza fiż-ŻEE jew fl-Iżvizzera kif ukoll sħubija fil-Kamra tal-Avukati sabiex wieħed juża t-titolu professjonali ta' "avukat" (bil-Finlandiż "asianajaja" jew bl-Iżvediż "advokat"). Is-servizzi legali, inkluża l-liġi domestika Finlandiża, jistgħu jiġu pprovduti wkoll minn dawk li mhumiex membri tal-Kamra tal-Avukati.

Fi FR: Ir-residenza jew l-istabbiliment fiż-ŻEE huma meħtieġa għall-ammissjoni sħiħa fil-Kamra tal-Avukati, li hija meħtieġa għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika, inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati. Ir-rappreżentanza quddiem "il-Cour de Cassation" u l-"Conseil d'Etat" hija soġġetta għal kwoti u hija riżervata għal

ċittadini Franċiżi u tal-UE. Il-membri tal-Kamra tal-Avukati fiċ-Ċili jistgħu jirreġistraw bħala konsulent legali barrani fi Franza biex joffru ċerti servizzi legali fi Franza fuq bażi temporanja jew permanenti, fir-rigward tal-liġi taċ-Ċili u d-dritt internazzjonali pubbliku. Huwa meħtieġ indirizz tan-negozju fil-ġuriżdizzjoni tal-Kamra tal-Avukati Franċiża jew reġistrazzjoni jew stabbiliment fiż-ŻEE biex wieħed jipprattika fuq bażi permanenti.

Fil-HR: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea sabiex wieħed jipprattika servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika (tal-Unjoni Ewropea u tal-Istat Membru), inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati. Fi proċedimenti li jinvolvu d-dritt internazzjonali pubbliku, il-partijiet jistgħu jiġu rrappreżentati quddiem il-qrati tal-arbitraġġ u l-qrati *ad hoc* minn avukati barranin li huma membri tal-assoċjazzjoni tal-avukati tal-pajjiż ta' oriġini tagħhom. Avukat li għandu t-titolu Kroat ta'avukat biss jista' jistabbilixxi ditta legali (ditti Ċileni jistgħu jistabbilixxu fergħat, li jistgħu ma jimpjegawx avukati Kroati).

Fl-HU: L-ammissjoni sħiħa fil-Kamra tal-Avukati hija soġġetta għaċ-ċittadinanza u r-residenza taż-ŻEE jew Żvizzera (preżenza kummerċjali) sabiex wieħed jipprattika servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika, inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati. Avukati barranin jistgħu jipprovdu pariri legali dwar il-liġi tal-pajjiż ta' oriġini u d-dritt internazzjonali pubbliku bi sħubija ma' avukat Ungeriż jew ditta legali Ungeriża. Huwa meħtieġ kuntratt ta' kooperazzjoni konkluż ma' avukat Ungeriż (ügyvéd) jew ditta legali (*ügyvédi iroda*) Ungeriża. Konsulent legali barrani ma jistax ikun membru ta' ditta legali Ungeriża. Avukat barrani mhuwiex awtorizzat għat-tħejjija ta' dokumenti li għandhom jiġu ppreżentati lil arbitru, konċiljatur jew medjatur, jew jaġixxi bħala rappreżentant legali tal-klijent quddiemhom, fi kwalunkwe tilwima.

Fil-LT (fir-rigward ukoll tat-Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit): Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza u r-residenza taż-ŻEE jew Żvizzera (preżenza kummerċjali) sabiex wieħed jipprattika servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika (tal-Unjoni Ewropea u tal-Istat Membru), inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati.

Avukati minn pajjiżi barranin jistgħu jipprattikaw bħala avukati fil-qorti biss skont ftehimiet internazzjonali, bl-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet speċifiċi dwar ir-rappreżentanza quddiem il-qrati.

Fi LU (fir-rigward ukoll tat-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit): Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza u r-residenza taż-ŻEE jew Żvizzera (preżenza kummerċjali) sabiex wieħed jipprattika servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika, inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati.

Il-Kunsill tal-Ordni jista' jaqbel li jneħħi r-rekwiżit tan-nazzjonalità għal ċittadin barrani abbażi tar-reċiproċità.

Fil-LV (fir-rigward ukoll tat-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit): Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza taż-ŻEE jew Żvizzera sabiex wieħed jipprattika l-liġi domestika, inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati. Avukati minn pajjiżi barranin jistgħu jipprattikaw bħala avukati fil-qorti biss skont ftehimiet bilaterali dwar l-assistenza legali reċiproka.

Għall-avukati tal-Unjoni Ewropea jew barranin, jeżistu rekwiżiti speċjali. Pereżempju, il-parteċipazzjoni fi proċedimenti tal-qorti f'kawżi kriminali hija permessa biss f'assoċjazzjoni ma' avukat tal-Kulleġġ Latvjan tal-Avukati Ġuramentati.

F'MT: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza u r-residenza taż-ŻEE jew Żvizzera (preżenza kummerċjali) sabiex wieħed jipprattika servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika, inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati.

Fin-NL: L-avukati b'liċenzja lokali rreġistrati fir-reġistru Nederlandiż biss jistgħu jużaw it-titolu ta' "avukat", . l-avukati barranin (mhux reġistrati) huma obbligati jsemmu l-organizzazzjoni professjonali tal-pajjiż ta' oriġini tagħhom għall-iskopijiet tal-attivitajiet tagħhom fin-Netherlands.

Fil-PT (fir-rigward ukoll tat-Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit): hija meħtieġa r-residenza (preżenza kummerċjali) sabiex wieħed jipprattika l-liġi domestika Portugiża. Għar-rappreżentanza quddiem il-qrati, hija meħtieġa ammissjoni sħiħa fil-Kamra tal-Avukati. Il-barranin li jkollhom diploma mogħtija minn kwalunkwe Fakultà tal-Liġi fil-Portugall, jistgħu jirreġistraw mal-Kamra tal-Avukati Portugiża (Ordem dos Advogados), bl-istess termini bħaċ-ċittadini Portugiżi, jekk il-pajjiż rispettiv tagħhom jagħti trattament reċiproku liċ- ċittadini Portugiżi.

Barranin oħra li jkollhom Lawrja fil-Liġi li tkun ġiet rikonoxxuta minn Fakultà tal-Liġi fil-Portugall jistgħu jirreġistraw bħala membri tal-Kamra tal-Avukati bil-kondizzjoni li jagħmlu t-taħriġ meħtieġ u jgħaddu mill-assessjar finali u l-eżami tad-dħul. Id-ditti legali li fihom l-ishma jappartjenu esklużivament lill-avukati ammessi għall-Kamra tal-Avukati Portugiża biss jistgħu jipprattikaw fil-Portugall.

Il-konsultazzjoni legali hija permessa fi kwalunkwe qasam tad-dritt internazzjonali barrani u pubbliku minn ġuristi ta' mertu rikonoxxut, masters u dutturi fil-liġi (anke jekk mhux avukati u professuri mhux universitarji), dment li jkollhom ir-residenza professjonali tagħhom ("domiciliação") fil-PT, jgħaddu minn eżami tad-dħul u jkunu rreġistrati fil-Kamra tal-Avukati.

Fir-RO: Avukat barrani ma jistax jagħmel trattazzjonijiet orali jew bil-miktub quddiem il-qrati jew korpi ġudizzjarji oħra, ħlief għal arbitraġġ internazzjonali.

Fl-SE (fir-rigward ukoll għat-Trattament ta' nazzjon l-aktar favorit): Hija meħtieġa residenza fiż-ŻEE jew fl-Iżvizzera għall-ammissjoni għall-Kamra tal-Avukati u għall-użu tat-titolu "advokat". Jistgħu jingħataw eżenzjonijiet mill-bord tal-Kamra tal-Avukati Żvediża. L-ammissjoni għall- Kamra tal-Avukati mhijiex neċessarja għall-prattika tal-liġi domestika Żvediża. Membru tal- Kamra tal-Avukati Żvediża ma jista' jiġi impjegat minn ħadd għajr membru tal-Kamra tal-Avukati jew kumpanija li twettaq in-negozju ta' membru tal-Kamra tal-Avukati. Madankollu, membru tal- Kamra tal-Avukati jista' jiġi impjegat minn kumpanija barranija li twettaq in-negozju ta' avukat, bil-kundizzjoni li l-kumpanija inkwistjoni tkun domiċiljata f'pajjiż fi ħdan l-Unjoni Ewropea, iż-ŻEE jew l-Iżvizzera. Soġġett għal eżenzjoni mill-Bord tal- Kamra tal-Avukati Żvediża, membru tal- Kamra tal-Avukati Żvediża jista' jiġi impjegat ukoll minn ditta legali mhux tal-Unjoni Ewropea.

Il-membri tal-Kamra tal-Avukati li jwettqu l-prattika tagħhom fil-forma ta' kumpanija jew soċjetà ma jistax ikollhom objettiv ieħor u ma jistgħu jwettqu l-ebda negozju ieħor għajr il-prattika ta' avukat. Il-kollaborazzjoni ma' negozji oħra tal-avukati hija permessa, madankollu, il-kollaborazzjoni ma' negozji barranin tirrikjedi l-permess mill-Bord tal- Kamra tal-Avukati Żvediża. Membru tal-Kamra tal-Avukati biss jista' direttament jew indirettament, jew permezz ta' kumpanija, jipprattika ta' avukat, ikollu ishma fil-kumpanija jew ikun soċju. Membru biss jista' jkun membru jew deputat membru tal-Bord jew deputat direttur maniġerjali, jew firmatarju jew segretarju awtorizzat tal-kumpanija jew tas-soċjetà.

Fis-SI (fir-rigward tat-Trattament tan-nazzjon l-aktar favorit): Ir-rappreżentanza ta' klijenti quddiem il-qorti bi ħlas hija kkondizzjonata mill-preżenza kummerċjali fir-Repubblika tas-Slovenja. Avukat barrani li jkollu d-dritt li jipprattika l-liġi f'pajjiż barrani jista' jwettaq servizzi legali jew jipprattika l-liġi skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 34a tal-Att dwar l-Avukati, dment li tiġi ssodisfata l-kundizzjoni ta' reċiproċità reali.

Il-preżenza kummerċjali għal avukati maħtura mill-Assoċjazzjoni tal-Kmamar tal-Avukati Slovena hija ristretta għal impriża individwali, ditta legali b'responsabilità limitata (soċjetà f'isem kollettiv) jew għal ditta legali b'responsabilità illimitata (soċjetà f'isem kollettiv) biss. L-attivitajiet ta' ditta legali għandhom ikunu ristretti għall-prattika tal-liġi. Avukati biss jistgħu jkunu soċji f'ditta legali.

Fis-SK (fir-rigward tat-Trattament tan-nazzjon l-aktar favorit): Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza u r-residenza taż-ŻEE (preżenza kummerċjali) sabiex wieħed jipprovdi servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-ġuriżdizzjoni ospitanti, inkluż rappreżentanza quddiem il-qrati. Għall-avukati mhux tal-UE hija meħtieġa reċiproċità effettiva.

Miżuri:

Fl-UE: L-Artikolu 120 tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]);

L-Artikolu 78 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 tat-12 ta' Diċembru 2001 ([3]).

Fl-AT: Rechtsanwaltsordnung (l-Att dwar l-Avukati) - RAO, RGBl. Nru 96/1868, l-Artikoli 1 u 21c.; Rechtsanwaltsgesetz – EIRAG, BGBl. Nru 27/2000 kif emendat; (41) EIRAG.

Fil-BE: Il-Kodiċi Ġudizzjarju Belġjan (l-Artikoli 428-508); id-Digriet Irjali tal-24 ta' Awwissu 1970.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 154, 16.6.2017, p. 1).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 tat-12 ta' Diċembru 2001 dwar id-disinji Komunitarji (ĠU UE L 3, 5.1.2002, p. 1).

Fil-BG: Il-Liġi dwar l-Avukati; il-Liġi għall-Medjazzjoni; u l-Liġi għan-Nutara u l-Attività Notarili.

F'CY: Il-Liġi dwar l-Avukati (il-Kapitolu 2), kif emendata.

Fiċ-CZ: L-Att Nru 85/1996 Coll., l-Att dwar il-Professjoni Legali.

Fil-DE: Bundesrechtsanwaltsordnung (BRAO; l-Att Federali dwar l-Avukati);

Gesetz über die Tätigkeit europäischer Rechtsanwälte in Deutschland (EuRAG); u § 10 Rechtsdienstleistungsgesetz (RDG).

Fid-DK: Retsplejeloven (l-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja) il-kapitoli 12 u 13 (l-Att Konsolidat Nru 1284 tal-14 ta' Novembru 2018).

Fl-EE: Advokatuuriseadus (l-Att dwar l-Assoċjazzjonijiet tal-Kamra tal-Avukati); Tsiviilkohtumenetluse seadustik (il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili); halduskohtumenetluse seadustik (il-Kodiċi tal-Proċedura Amministrattiva tal-Qrati); kriminaalmenetluse seadustik (il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali); u väärteomenetluse seadustik (il-Kodiċi ta' Proċedura għal Imġiba Ħażina).

Fil-EL: Il-Kodiċi l-ġdid dwar l-Avukati Nru 4194/2013.

Fi ES: Estatuto General de la Abogacía Española, aprobado por Real Decreto 658/2001, l-Artikolu 13.1ª.

Fil-FI: Laki asianajajista (l-Att dwar l-Avukati) (496/1958), 1 u 3 §; u Oikeudenkäymiskaari (4/1734) (il-Kodiċi tal-Proċedura Ġudizzjarja).

Fi FR: Loi 71-1130 du 31 décembre 1971, Loi 90- 1259 du 31 décembre 1990, décret 91-1197 du 27 novembre 1991, u Ordonnance du 10 septembre 1817 modifiée.

Fil-HR: L-Att dwar il-Professjoni Legali (OG 9/94, 117/08, 75/09, 18/11).

Fl-HU: L-Att LXXVIII tal-2017 dwar l-attivitajiet professjonali tal-avukati.

Fil-LT: Il-Liġi dwar l-Avukatura tar-Repubblika tal-Litwanja tat-18 ta' Marzu 2004 Nru IX-2066 kif emendata l-aħħar fit-12 ta' Diċembru 2017 bil-Liġi Nru XIII-571.

Fil-LU: Loi du 16 décembre 2011 modifiant la loi du 10 août 1991 sur la profession d'avocat.

Fil-LV: Il-Liġi dwar il-Proċedura Kriminali, s. 79; u l-Liġi dwar l-Avukatura tar-Repubblika tal-Latvja, s. 4.

F'MT: Il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (il-Kapitolu 12).

Fin-NL: Advocatenwet (l-Att dwar l-Avukati).

Fil-PT: Il-Liġi 145/2015, 9 ta' Settembru., alterada p/ Lei 23/2020, 6 ta' Lulju. (art.º 194 substituído p/ art.º 201.º; e art.º 203.º sostituído p/art.º 213.).

L-Istatut Portugiż tal-Avukatura (Estatuto da Ordem dos Advogados) u d-Digriet Liġi 229/2004, l-Artikoli 5, 7 – 9; id-Digriet Liġi 88/2003, l-Artikoli 77 u 102; Solicitadores Public Professional Association Statute (Estatuto da Câmara dos Solicitadores), kif emendat bil-Liġi 49/2004, mas alterada p/ Lei 154/2015, 14 set; bil-Liġi 14/2006 u bid-Digriet Liġi Nru 226/2008 alterado p/Lei 41/2013, 26 jun;

il-Liġi 78/2001, l-Artikoli 31, 4 Alterada p/ Lei 54/2013, 31 jul.; Ir-Regolament dwar il-medjazzjoni tal-familja u tax-xogħol (l-Ordinanza 282/2010), alterada p/ Portaria 283/2018, 19 out; il-Liġi 21/2007 dwar il-medjazzjoni kriminali, l-Artikolu 12; il-Liġi 22/2013, 26 fev., alterada p/ Lei 17/2017, 16 maio, alterada pelo Decreto-Lei 52/2019, 17 abril.

Fir-RO: Il-Liġi dwar l-Avukati; il-Liġi għall-Medjazzjoni; u l-Liġi għan-Nutara u l-Attività Notarili.

Fl-SE: Rättegångsbalken (Il-Kodiċi Żvediż tal-Proċedura Ġudizzjarja) (1942:740); u l-Kodiċi ta' Kondotta tal-Assoċjazzjoni Żvediża tal-Avukatura adottat fid-29 ta' Awwissu 2008.

Fis-SI: Zakon o odvetništvu (Neuradno prečiščeno besedilo-ZOdv-NPB8 Državnega Zbora RS z dne 7 junij 2019 (l-Att dwar l-Avukati) it-test konsolidat mhux uffiċjali mħejji mill-Parlament Sloven mis-7 ta' Ġunju 2019).

Fis-SK: L-Att 586/2003 dwar l-Avukatura, l-Artikoli 2 u 12.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

Fil-PL: L-avukati barranin jistgħu jistabbilixxu ruħhom biss fil-forma ta' soċjetà rreġistrata, soċjetà limitata, jew soċjetà b'ishma konġunti limitata.

Miżuri:

Fil-PL: L-Att tal-5 ta' Lulju 2002 dwar il-provvista minn avukati barranin ta' assistenza legali fir-Repubblika tal-Polonja, l-Artikolu 19; Il-Liġi dwar il-Konsulenza dwar it-Taxxa

Fir-rigward tal-kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fl-IE, IT: Hija meħtieġa r-residenza (preżenza kummerċjali) sabiex wieħed jipprattika servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika (tal-Unjoni Ewropea u tal-Istat Membru), inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati.

Miżuri:

Fl-IE: L-Atti dwar l-Avukati 1954-2011.

Fl-IT: Id-Digriet Irjali 1578/1933, l-Artikolu 17 tal-Liġi dwar il-professjoni legali.

(b) Aġenti tal-privattivi, aġenti tal-proprjetà industrijali, avukati tal-proprjetà intellettwali (parti minn CPC 879, 861, 8613)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fl-AT: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza taż-ŻEE jew tal-Iżvizzera sabiex wieħed jipprovdi servizzi ta' aġent ta' privattivi, kif ukoll meħtieġa r-residenza hemmhekk.

Fil-BG u f'CY: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza taż-ŻEE jew tal-Iżvizzera sabiex wieħed jipprovdi servizzi ta' aġenzija tal-privattivi. F'CY, hija meħtieġa r-residenza.

Fil-DE: Avukati tal-privattivi li jkollhom kwalifiki taż-ŻEE jew Żvizzeri biss jistgħu jiġu ammessi fil-Kamra tal-Avukati u b'hekk ikunu intitolati li jipprovdu servizzi ta' aġenti tal-privattivi fil-Ġermanja fil-liġi domestika. Hija meħtieġa l-preżenza kummerċjali sabiex tinkiseb ammissjoni sħiħa fil-Kamra tal-Avukati. Jistgħu jingħataw eżenzjonijiet mill-Kamra tal-Avukati. Avukati tal-privattivi barranin jistgħu joffru servizzi legali fil-liġi barranija meta jippruvaw għarfien espert, hija meħtieġa reġistrazzjoni għas-servizzi legali fil-Ġermanja. Avukati tal-privattivi barranin (għajr bi kwalifika taż-ŻEE u Żvizzera) ma jistgħux jistabbilixxu ditta flimkien ma' avukati tal-privattivi nazzjonali.

Avukati tal-privattivi barranin (għajr taż-ŻEE u Żvizzeri) jista' jkollhom il-preżenza kummerċjali tagħhom biss fil-forma ta' Patentanwalts-GmbH jew Patentanwalt-AG billi jakkwistaw sehem minoritarju.

Fl-EE: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza tal-Estonja jew tal-UE kif ukoll ir-residenza permanenti sabiex wieħed jipprovdi servizzi ta' aġenzija tal-privattivi.

Fi ES u fil-PT: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza taż-ŻEE sabiex wieħed jipprovdi servizzi ta' aġent tal-proprjetà industrijali.

Fi FR: Biex wieħed ikun irreġistrat fil-lista tas-servizzi tal-aġenti tal-proprjetà industrijali, huwa meħtieġ l-istabbiliment jew ir-residenza fiż-ŻEE. Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza taż-ŻEE għall-persuni fiżiċi. Għar-rappreżentanza ta' klijent quddiem l-uffiċċju nazzjonali tal-proprjetà intellettwali, huwa meħtieġ l-istabbiliment fiż-ŻEE. Irrispettivament mill-forma legali, aktar minn nofs l-ishma u d-drittijiet tal-vot iridu jinżammu minn professjonisti taż-ŻEE. Id-ditti legali jistgħu jkunu intitolati li jipprovdu servizzi ta' aġenti tal-proprjetà industrijali (ara r-riżerva għas-servizzi legali).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

Fil-LV: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza tal-UE għall-avukati tal-privattivi.

Miżura:

Fil-LV: Il-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet u l-Proċeduri tal-Proprjetà Industrijali, il-Kapitolu XVIII (l-Artikoli 119-136).

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fil-FI u fl-HU: Hija meħtieġa r-residenza fiż-ŻEE sabiex wieħed jipprovdi servizzi ta' aġenzija tal-privattivi.

Fis-SI: Ir-residenza fis-Slovenja hija meħtieġa għal detentur/applikant ta' drittijiet reġistrati (privattivi, trademarks, protezzjoni tad-disinn). Alternattivament, huwa meħtieġ aġent tal-privattivi jew aġent ta' trademark u disinn irreġistrat fis-Slovenja għall-iskop ewlieni ta' servizzi ta' proċess, notifika, eċċ.

Miżuri:

Fl-AT: L-Att dwar l-Avukati tal-Privattivi, BGBl. 214/1967 kif emendat, § § 2 u 16a.

Fil-BG: Il-Kapitolu 8b tal-Att dwar il-Privattivi u r-Reġistrazzjoni ta' Mudelli ta' Utilitajiet.

F'CY: Il-Liġi dwar l-Avukati (il-Kapitolu 2), kif emendata.

Fil-DE: Gesetz über die Tätigkeit europäischer Patentanwälte in Deutschland (EuPAG) u § 10 Rechtsdienstleistungsgesetz (RDG).

EE: Patendivoliniku seadus (l-Att dwar l-Aġenti tal-Privattivi) § 2, § 14.

Fi ES: Ley 11/1986, de 20 de marzo, de Patentes de Invención y Modelos de utilidad, l-Artikoli 155-157.

Fil-FI: Tavaramerkkilaki (l-Att dwar it-Trademarks) (7/1964);

Laki auktorisoiduista teollisoikeusasiamiehistä (l-Att dwar l-Avukati Awtorizzati tal-Proprjetà Industrijali) (22/2014); u

Laki kasvinjalostajanoikeudesta (l-Att dwar id-Drittijiet tal-Kultivaturi tal-Pjanti) 1279/2009; u Mallioikeuslaki (l-Att dwar id-Disinji Reġistrati) 221/1971.

Fi FR: Code de la propriété intellectuelle.

Fl-HU: L-Att XXXII tal-1995 dwar l-Avukati tal-Privattivi.

Fil-PT: Id-Digriet Liġi 15/95, kif emendat bil-Liġi 17/2010, bil-Portaria 1200/2010, l-Artikolu 5, u bil-Portaria 239/2013; u l-Liġi 9/2009.

Fis-SI: Zakon o industrijski lastnini (l-Att dwar il-Proprjetà Industrijali), Uradni list RS, št. 51/06 – uradno prečiščeno besedilo in 100/13 u 23/20 (il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tas-Slovenja, Nru 51/06 – it-test uffiċjali konsolidat 100/13 u 23/20).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fl-IE: Għall-istabbiliment, mill-anqas wieħed mid-diretturi, is-soċji, il-maniġers jew l-impjegati ta' kumpanija jkun irreġistrat bħala avukat tal-privattivi jew tal-proprjetà intellettwali fl-Irlanda. Bażi transfruntiera tirrikjedi ċittadinanza taż-ŻEE u preżenza kummerċjali fiż-ŻEE, post prinċipali tan-negozju fi Stat Membru taż-ŻEE, kwalifika skont il-liġi ta' Stat Membru taż-ŻEE.

Miżuri:

Fl-IE: It-Taqsimiet 85 u 86 tal-Att tal-1996 dwar it-Trademarks, kif emendat;

ir-Regola 51, ir-Regoli 51A u r-Regola 51B tar-Regoli dwar it-Trademarks 1996, kif emendati; it-Taqsimiet 106 u 107 tal-Att tal-1992 dwar il-Privattivi, kif emendat; u r-Reġistru tar-Regoli dwar l-Aġenti tal-Privattivi S.I. 580 tal-2015.

(c) Servizzi ta' kontabilità u żamma tal-kotba (CPC 8621 ħlief servizzi ta' awditjar, 86213, 86219, 86220)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fl-AT: L-interessi kapitali u d-drittijiet tal-vot ta' kontabilisti u bookkeepers barranin, kwalifikati skont il-liġi tal-pajjiż ta' oriġini tagħhom, f'intrapriża Awstrijaka, ma jistgħux jaqbżu 25 %. Il-fornitur ta' servizz irid ikollu uffiċċju jew sede professjonali fiż-ŻEE (CPC 862).

Fi FR: Huwa meħtieġ l-istabbiliment jew ir-residenza.

Fl-IT: Ir-residenza jew id-domiċilju tan-negozju huma meħtieġa għar-reġistrazzjoni fir-reġistru professjonali, li hija meħtieġa għall-forniment ta' servizzi ta' kontabilità u żamma tal-kotba (CPC 86213, 86219, 86220).

Fil-PT (fir-rigward ukoll tat-Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit): Ir-residenza jew id-domiċilju tan-negozju huma meħtieġa għar-reġistrazzjoni fir-reġistru professjonali mill-Kamra tal-Kontabilisti Ċertifikati (Ordem dos Contabilistas Certificados), li hija meħtieġa għall-forniment ta' servizzi kontabilistiċi, dment li jkun hemm trattament reċiproku għaċ-ċittadini Portugiżi.

Miżuri:

Fl-AT: Wirtschaftstreuhandberufsgesetz (l-Att dwar il-Kontabilisti Pubbliċi u l-Awditjar Professjonali, BGBl. I Nr. 58/1999), § 12, § 65, § 67, § 68 (1) 4; u

I Nru 191/2013, § § 7, 11, 28.

Fi FR: Ordinanza 45-2138 tad-19 ta' Settembru 1945.

Fl-IT: Id-Digriet Leġiżlattiv 139/2005; u l-Liġi 248/2006.

Fil-PT: Id-Digriet-Amministrattiv Nru 452/99, mibdul bil-Liġi Nru 139/2015, is-7 ta' Settembru.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fis-SI: Huwa meħtieġ l-istabbiliment fl-Unjoni Ewropea sabiex wieħed jipprovdi servizzi ta' kontabilità u ta' żamma tal-kotba (CPC 86213, 86219, 86220).

Miżuri:

Fis-SI: L-Att dwar is-servizzi fis-suq intern, Il-Gazzetta Uffiċjali RS Nru 21/10.

(d) Servizzi ta' awditjar (CPC 86211, 86212 minbarra servizzi ta' kontabilità u żamma tal-kotba)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi - Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fl-UE: Il-forniment ta' servizzi ta' awditjar statutorju jeħtieġ l-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru li tista' tirrikonoxxi l-ekwivalenza tal-kwalifiki ta' awditur li jkun ċittadin taċ-Ċili jew ta' kwalunkwe pajjiż terz soġġett għar-reċiproċità (CPC 8621).

Miżuri:

Fl-UE: Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]); u d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]).

Miżuri:

Fil-BG: L-Att dwar l-Awditi Finanzjarji Indipendenti.

([4]) Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU UE L 182, 29.6.2013, p. 19).

([5]) Id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 87).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fl-AT: L-interessi kapitali u d-drittijiet tal-vot ta' awdituri barranin, kwalifikati skont il-liġi tal-pajjiż ta' oriġini tagħhom, f'intrapriża Awstrijaka, ma jistgħux jaqbżu 25 %. Il-fornitur ta' servizzi jrid ikollu uffiċċju jew sede professjonali fiż-ŻEE.

Miżuri:

Fl-AT: Wirtschaftstreuhandberufsgesetz (l-Att dwar il-Kontabilisti Pubbliċi u l-Professjoni tal-Awditjar, BGBl. I Nru 58/1999), § 12, § 65, § 67, § 68 (1) 4.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fid-DK: Il-forniment ta' servizzi ta' awditjar statutorju jeħtieġ l-approvazzjoni Daniża bħala awditur. L-approvazzjoni teħtieġ ir-residenza fi Stat Membru taż-ŻEE. Id-drittijiet tal-vot f'ditti tal-awditjar approvati ta' awdituri u ditti tal-awditjar mhux approvati f'konformità mar-regolamenti li jimplimentaw id-Direttiva tal-Kunsill 2006/43/KE abbażi tal-Artikolu 54(3)(g) tat-Trattat dwar l-awditjar statutorju ma jridux jaqbżu l-10 % tad-drittijiet tal-vot.

Fi FR (fir-rigward ukoll tat-Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit): Għall-awditi statutorji: huwa meħtieġ l-istabbiliment jew ir-residenza. Iċ-ċittadini Ċileni jistgħu jipprovdu servizzi ta' awditjar statutorju fi Franza, soġġett għar-reċiproċità.

Fil-PL: Huwa meħtieġ l-istabbiliment fl-Unjoni Ewropea għall-forniment ta' servizzi tal-awditjar.

Miżuri:

Fid-DK: Revisorloven (l-Att Daniż dwar l-Awdituri u l-Intrapriżi tal-Awditjar Approvati), l-Att Nru 1287 tas-20 ta' Novembru 2018.

Fi FR: Il-Kodiċi tal-Kummerċ

Fil-PL: L-Att tal-11 ta' Mejju 2017 dwar l-awdituri statutorji, id-ditti tal-awditjar u s-sorveljanza pubblika – Il-Ġurnal tal-Liġijiet tal-2017, il-punt 1089.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

F'CY: Hija meħtieġa l-awtorizzazzjoni, soġġett għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: is-sitwazzjoni tal-impjiegi fis-sottosettur. Huma permessi assoċjazzjonijiet professjonali (soċjetajiet) bejn persuni fiżiċi.

Fis-SK: Hija biss intrapriża li fiha mill-anqas 60 % tal-interessi kapitali jew tad-drittijiet tal-vot ikunu riżervati għal ċittadini Slovakki jew għal ċittadini ta' Stat Membru li tista' tiġi awtorizzata twettaq awditi fir-Repubblika Slovakka.

Miżuri:

F'CY: Il-Liġi tal-2017 dwar l-Awdituri (il-Liġi 53(I)/2017).

Fis-SK: L-Att Nru 423/2015 dwar l-Awditjar statutorju.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fil-DE: Madankollu, awdituri minn pajjiżi terzi rreġistrati f'konformità mal-Artikolu 134 WPO jistgħu jwettqu l-awditu statutorju tad-dikjarazzjonijiet fiskali annwali jew jipprovdu r-rapporti finanzjarji konsolidati ta' kumpanija bil-kwartieri ġenerali tagħha barra mill-Unjoni Ewropea, li t-titoli trasferibbli tagħha jkunu offruti għall-kummerċ f'suq regolarizzat.

Miżuri:

Fil-DE: Handelsgesetzbuch (HGB; il-Kodiċi tal-Liġi Kummerċjali);

Gesetz über eine Berufsordnung der Wirtschaftsprüfer (Wirtschaftsprüferordnung — WPO; l-Att dwar il-Kontabilisti Pubbliċi). l-Att dwar il-Kontabilisti Pubbliċi).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

Fi ES: l-awdituri statutorji jridu jkunu ċittadini ta' Stat Membru. Din ir-riżerva ma tapplikax għall-awditjar ta' kumpaniji mhux tal-Unjoni Ewropea elenkati f'suq regolat Spanjol.

Miżuri:

Fi ES: Ley 22/2015, de 20 de julio, de Auditoría de Cuentas (il-Liġi l-ġdida dwar l-Awditjar: il-Liġi 22/2015 dwar is-Servizzi tal-awditjar).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fis-SI hija meħtieġa preżenza kummerċjali. Entità tal-awditjar minn pajjiż terz jista' jkollha ishma jew tifforma soċjetajiet f'kumpanija tal-awditjar Slovena bil-kondizzjoni li, skont il-liġi tal-pajjiż li fih tkun inkorporata l-entità tal-awditjar mill-pajjiż terz, kumpaniji tal-awditjar Sloveni jista' jkollhom ishma jew jifformaw soċjetà f'entità tal-awditjar f'dak il-pajjiż (rekwiżit ta' reċiproċità).

Miżuri:

Fis-SI: L-Att dwar l-Awditjar (Zrev-2), Il-Gazzetta Uffiċjali RS Nru 65/2008 (kif emendat l-aħħar Nru 84/18); kif ukoll l-Att dwar il-Kumpaniji (ZGD-1), il-Gazzetta Uffiċjali RS Nru 42/2006 (kif emendat l-aħħar Nru 22/19 - ZPosS).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

Fl-EE: Il-maġġoranza tal-voti rrappreżentati mill-ishma ta' ditta tal-awditjar għandhom jappartjenu lil awdituri ġuramentati soġġetti għas-superviżjoni ta' awtorità kompetenti ta' stat Membru taż-ŻEE, li jkunu kisbu l-kwalifika tagħhom fi Stat Membru taż-ŻEE, jew lil ditti tal-awditjar. Mill-inqas tliet-kwarti mill-persuni li jirrappreżentaw ditta tal-awditjar fuq il-bażi tal-liġi għandhom ikunu kisbu l-kwalifiki tagħhom fi Stat Membru taż-ŻEE.

Miżuri:

Fl-EE: L-Att dwar l-Attivitajiet tal-Awdituri (Audiitortegevuse seadus) § 76-77.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fil-BE: Huwa meħtieġ stabbiliment fil-Belġju fejn tkun ser issir l-attività professjonali u fejn ikunu ser jinżammu l-atti, id-dokumenti u l-korrispondenza relatati magħha, u li jkun hemm mill-anqas amministratur jew maniġer wieħed tal-istabbiliment approvat bħala awditur.

Fil-FI: Hija meħtieġa r-residenza fiż-ŻEE għal mill-anqas wieħed mill-awdituri ta' kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Finlandiża u tal-kumpaniji li għandhom l-obbligu li jwettqu awditu. Awditur irid ikun awditur b'liċenzja lokali jew ditta tal-awditjar b'liċenzja lokali.

Fil-HR: Is-servizzi ta' awditjar jistgħu jiġu pprovduti biss minn persuni ġuridiċi stabbiliti fil-Kroazja jew minn persuni fiżiċi residenti fil-Kroazja.

Fl-IT: Hija meħtieġa r-residenza għall-forniment ta' servizzi ta' awditjar minn persuni fiżiċi.

Fil-LT: Huwa meħtieġ l-istabbiliment fiż-ŻEE għall-forniment ta' servizzi ta' awditjar.

Fl-SE: Awdituri approvati fl-Iżvezja u ditti tal-awditjar irreġistrati fl-Iżvezja biss jistgħu jwettqu servizzi ta' awditjar statutorju. Hija meħtieġa r-residenza fiż-ŻEE. It-titoli ta' "awditur approvat" u "awditur awtorizzat" jistgħu jintużaw biss minn awdituri approvati jew awtorizzati fl-Iżvezja. L-awdituri ta' assoċjazzjonijiet ekonomiċi kooperattivi u ċerti intrapriżi oħra li mhumiex kontabilisti ċċertifikati jew approvati jridu jkunu residenti fiż-ŻEE, sakemm il-Gvern, jew

awtorità tal-Gvern maħtura mill-Gvern, f'każ partikolari ma tippermettix mod ieħor.

Miżuri:

Fil-BE: Il-Liġi tat-22 ta' Lulju, 1953 li toħloq Istitut għall-Awdituri ta' Intrapriżi u li torganizza s-sorveljanza pubblika tal-professjoni ta' awditur ta' intrapriżi, ikkoordinata fit-30 ta' April 2007. (l-Att dwar il-Kontabilisti Pubbliċi).

Fil-FI: Tilintarkastuslaki (l-Att dwar l-Awditjar) (459/2007), Liġijiet settorjali li jirrikjedu l-użu ta' awdituri liċenzjati lokalment.

Fil-HR: L-Att dwar l-Awditjar (OG 146/05, 139/08, 144/12), l-Artikolu 3.

Fl-IT: Id-Digriet Leġiżlattiv 58/1998, l-Artikoli 155, 158 u 161;

id-Digriet tal-President tar-Repubblika 99/1998; u d-Digriet Leġiżlattiv 39/2010, l-Artikolu 2.

Fil-LT: Il-Liġi dwar l-Awditjar tal-15 ta' Ġunju 1999 Nru VIII - 1227 (verżjoni ġdida tat-3 ta' Lulju 2008 Nru X1676).

Fl-SE: Revisorslagen (l-Att dwar l-Awdituri) (2001:883);

Revisionslag (l-Att dwar l-Awditjar) (1999:1079);

Aktiebolagslagen (l-Att dwar il-Kumpaniji) (2005:551);

Lag om ekonomiska föreningar (L-Att dwar l-Assoċjazzjonijiet Ekonomiċi tal-Kooperattivi) (2018:672); u

Oħrajn, li jirregolaw ir-rekwiżiti biex isir użu minn awdituri approvati.

(e) Servizzi ta' konsulenza dwar it-tassazzjoni (CPC 863, mhux inklużi l-konsulenza legali u r-rappreżentanza legali dwar kwistjonijiet tat-taxxa, li jinstabu taħt is-servizzi legali)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fl-AT: L-interessi kapitali u d-drittijiet tal-vot ta' konsulenti tat-taxxa barranin, ikkwalifikati skont il-liġi tal-pajjiż ta' oriġini tagħhom, f'intrapriża Awstrijaka ma jistgħux jaqbżu l-25 %. Il-fornitur ta' servizzi jrid ikollu uffiċċju jew sede professjonali fiż-ŻEE.

Miżuri:

Fl-AT: Wirtschaftstreuhandberufsgesetz (l-Att dwar il-Kontabilisti Pubbliċi u l-Professjoni tal-Awditjar, BGBl. I Nru 58/1999), § 12, § 65, § 67, § 68 (1) 4.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fi FR: Huwa meħtieġ l-istabbiliment jew ir-residenza.

Miżuri:

Fi FR: Ordinanza 45-2138 tad-19 ta' Settembru 1945.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

Fil-BG: Hija meħtieġa ċiċittadinanza ta' Stat Membru għall-konsulenti tat-taxxa.

Miżuri:

Fil-BG: L-Att dwar il-Kontabilità;

L-Att dwar l-Awditi Finanzjarji Indipendenti. l-Att dwar it-Taxxi fuq l-Introjtu ta' Persuni Fiżiċi; u l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Kumpaniji.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fl-HU: Hija meħtieġa residenza fiż-ŻEE għall-forniment ta' servizzi ta' konsulenza dwar it-tassazzjoni, sakemm dawn ikunu qed jingħataw minn persuna fiżika preżenti fit-territorju tal-Ungerija.

Fl-IT: Hija meħtieġa r-residenza.

Miżuri:

Fl-HU: L-Att XCII tal-2003 dwar ir-Regoli tat-Tassazzjoni; u

id-Digriet tal-Ministeru tal-Finanzi Nru 26/2008 dwar il-liċenzjar u r-reġistrazzjoni ta' attivitajiet ta' konsulenza dwar it-tassazzjoni.

Fl-IT: Id-Digriet Leġiżlattiv 139/2005; u l-Liġi 248/2006.

(f) Servizzi ta' arkitettura u ppjanar urban, servizzi ta' inġinerija u ta' inġinerija integrata (CPC 8671, 8672, 8673, 8674)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

Fil-BG: Hija meħtieġa residenza fiż-ŻEE jew fil-Konfederazzjoni Żvizzera għas-servizzi ta' arkitettura, ippjanar urban u inġinerija pprovduti minn persuni fiżiċi. Għal proġetti arkitettoniċi u inġineristiċi ta' importanza nazzjonali jew reġjonali, l-investituri barranin iridu jaġixxu f'soċjetà ma', jew bħala sottokuntratturi, għal investituri lokali (CPC 8671, 8672, 8673).

Miżuri:

Fil-BG: L-Att dwar l-Iżvilupp Spazjali;

l-Att dwar il-Kamra tal-Bennejja; u

l-Att dwar il-Kmamar tal-Periti u l-Inġiniera fit-Tfassil tal-Iżvilupp ta' Proġetti.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

Fil-HR: Disinn jew proġett maħluq minn perit, inġinier jew pjanifikatur urban barrani jrid jiġi validat minn persuna fiżika jew ġuridika awtorizzata fil-Kroazja fir-rigward tal-konformità tiegħu mal-Liġi Kroata (CPC 8671, 8672, 8673, 8674).

Miżuri:

Fil-HR: L-Att dwar l-Ippjanar Fiżiku u l-Attivitajiet ta' Bini (OG 118/18, 110/19).

L-Att dwar l-Ippjanar Fiżiku (OG 153/13, 39/19).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

F'CY: Il-kundizzjonijiet taċ-ċitttadinanza u tar-residenza japplikaw għall-forniment ta' servizzi ta' arkitettura u ppjanar urban, servizzi ta' inġinerija u ta' inġinerija integrata (CPC 8671, 8672, 8673, 8674).

Miżuri:

F'CY: il-Liġi Nru 41/1962 kif emendata; il-Liġi Nru 224/1990 kif emendata; u l-Liġi 29 (I) 2001 kif emendata.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fiċ-CZ: Hija meħtieġa r-residenza fiż-ŻEE.

Fl-HU: Hija meħtieġa residenza fiż-ŻEE għall-forniment tas-servizzi li ġejjin, sakemm dawn ikunu qed jingħataw minn persuna fiżika preżenti fit-territorju tal-Ungerija: servizzi arkitettoniċi, servizzi ta' inġinerija (applikabbli biss għal apprendisti gradwati), servizzi ta' inġinerija integrata u servizzi ta' arkitettura tal-pajsaġġ (CPC 8671, 8672, 8673, 8674).

Fl-IT: Ir-residenza jew id-domiċilju professjonali/indirizz tan-negozju fl-Italja huwa meħtieġ għar-reġistrazzjoni fir-reġistru professjonali, li hija neċessarja għall-eżerċizzju tas-servizzi arkitettoniċi u tal-inġinerija (CPC 8671, 8672, 8673, 8674).

Fis-SK: Hija meħtieġa residenza fiż-ŻEE għar-reġistrazzjoni fil-kamra professjonali, li hija neċessarja għall-eżerċizzju ta' servizzi arkitettoniċi u tal-inġinerija (CPC 8671, 8672, 8673, 8674).

Miżuri:

Fiċ-CZ: L-Att Nru 360/1992 Coll. dwar il-prattika tal-professjoni ta' periti awtorizzati u inġiniera u tekniċi awtorizzati li jaħdmu fil-qasam tal-kostruzzjoni ta' binjiet.

Fl-HU: L-Att LVIII tal-1996 dwar il-Kmamar Professjonali tal-Periti u l-Inġiniera.

Fl-IT: Id-Digriet Irjali 2537/1925 Regolament dwar il-professjoni ta' perit u inġinier; id-dritt 1395/1923; u

id-Digriet tal-President tar-Repubblika (D.P.R.) Dok. 328/2001

Fis-SK: L-Att 138/1992 dwar il-Periti u l-Inġiniera, l-Artikoli 3, 15, 15a, 17a u 18a.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

Fil-BE: Il-forniment ta' servizzi arkitettoniċi jinkludi l-kontroll fuq l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet (CPC 8671, 8674). Periti barranin awtorizzati fil-pajjiżi ospitanti tagħhom u li jkunu jixtiequ jipprattikaw il-professjoni tagħhom fuq bażi okkażjonali fil-Belġju huma meħtieġa jiksbu awtorizzazzjoni minn qabel mill-Kunsill tal-Ordni fiż-żona ġeografika fejn ikun beħsiebhom jipprattikaw l-attività tagħhom.

Miżuri:

Fil-BE: Il-Liġi tal-20 ta' Frar, 1939 dwar il-protezzjoni tat-titolu tal-professjoni ta' perit; il-Liġi tas-26 ta' Ġunju 1963, li toħloq ir-Regolamenti tal-Ordni tal-Periti tas-16 ta' Diċembru, 1983 dwar l-etika stabbilita mill-Kunsill nazzjonali fl-Ordni tal-Periti (Approvati bl-Artikolu 1 tal-A.R. tat-18 ta' April, 1985, M.B., 8 ta' Mejju, 1985).

Riżerva Nru 3 – Is-servizzi professjonali – servizzi relatati mas-saħħa u bejgħ ta' farmaċewtiċi

Settur – sottosettur:	Servizzi professjonali – servizzi mediċi (inklużi l-psikologi) u servizzi dentali; qwiebel, infermiera, fiżjoterapisti u persunal paramediku; servizzi veterinarji; bejgħ bl-imnut ta' oġġetti farmaċewtiċi, oġġetti mediċi u ortopediċi u servizzi oħra pprovduti minn spiżjara
Klassifikazzjoni tal-industrija:	CPC 9312, 93191, 932, 63211
Tip ta' riżerva:	Trattament nazzjonali It-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi Preżenza lokali
Kapitolu/Taqsima:	Liberalizzazzjoni tal-Investiment u Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi

Deskrizzjoni:

(a) Servizzi mediċi, dentali, tal-qwiebel, tal-infermiera, tal-fiżjoterapisti u paramediċi (CPC 852, 9312, 93191)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit, u Kummerċ transfruntier fis-servizzi - Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fl-IT: Hija meħtieġa ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea għas-servizzi pprovduti minn psikologi, il-professjonisti barranin jistgħu jitħallew jipprattikaw fuq il-bażi ta' reċiproċità (parti mis-CPC 9312).

Miżuri:

Fl-IT: Il-Liġi 56/1989 dwar il-professjoni tal-psikologi.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

F'CY: il-kondizzjoni taċ-ċittadinanza u r-residenza Ċiprijotta tapplika għall-forniment ta' servizzi mediċi (inkluż il-psikologi), dentali, tal-qwiebel, infermiera, fiżjoterapisti u paramediċi.

Miżuri:

F'CY: Il-Liġi dwar ir-Reġistrazzjoni tat-Tobba (Kapitolu 250) kif emendata;

il-Liġi dwar ir-Reġistrazzjoni tad-Dentisti (Kapitolu 249) kif emendata;

il-Liġi 75(I)/2013 –Podologi;

il-Liġi 33(I)/2008 – kif emendata – Fiżika Medika;

il-Liġi 34(I)/2006 – kif emendata – Terapisti Okkupazzjonali;

il-Liġi 9(I)/1996 – kif emendata – Tekniċi Dentali;

il-Liġi 68(I)/1995 kif emendata – Psikologi;

il-Liġi 16(I)/1992 kif emendata - Ottiċi;

il-Liġi 23(I)/2011 – kif emendata – Radjologi/Radjoterapisti;

il-Liġi 31(I)/1996 – kif emendata – Djetologi/Nutrizzjonisti;

il-liġi 140/1989 kif emendata - Fiżjoterapisti; u

il-Liġi 214/1988 kif emendata - Infermiera.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fil-DE: It-tobba (inkluż il-psikologi, il-fiżjoterapisti, u d-dentisti) iridu jirreġistraw mal-assoċjazzjonijiet reġjonali tal-kirurgi jew id-dentisti ta' assigurazzjoni medika statutorja (kassenärztliche jew kassenzahnärztliche Vereinigungen), jekk jixtiequ jieħdu pazjenti assigurati mill-fondi tas-saħħa statutorji.

Għas-servizzi tal-qwiebel, l-aċċess huwa ristrett għall-persuni fiżiċi biss. Għas-servizzi mediċi u dentali, l-aċċess huwa possibbli għal persuni fiżiċi, ċentri ta' kura medika liċenzjati u korpi awtorizzati. Jistgħu japplikaw rekwiżiti ta' stabbiliment.

Miżuri:

Fil-DE: Bundesärzteordnung (BÄO; ir-Regolament Mediku Federali);

Gesetz über die Ausübung der Zahnheilkunde (ZHG);

über den Beruf der Psychotherapeutin und des Psychotherapeuten (PsychThG; l-Att dwar il-Forniment ta' Servizzi ta' Psikoterapija);

Gesetz über die berufsmäßige Ausübung der Heilkunde ohne Bestallung (Heilpraktikergesetz);

Gesetz über das Studium und den Beruf von Hebammen (HebG); Bundes-Apothekerordnung; Tista' teżisti leġiżlazzjoni addizzjonali fir-rigward tal-qwiebel fil-livell reġjonali.

Gesetz über die Pflegeberufe (PflBG);

Sozialgesetzbuch Fünftes Buch (SGB V; il-Kodiċi Soċjali, il-Ktieb Ħamsa) – Assigurazzjoni Statutorja tas-Saħħa.

Livell reġjonali:

Heilberufekammergesetz des Landes Baden-Württemberg;

Gesetz über die Berufsausübung, die Berufsvertretungen und die Berufsgerichtsbarkeit der Ärzte, Zahnärzte, Tierärzte, Apotheker sowie der Psychologischen Psychotherapeuten und dervKinder- und Jugendlichenpsychotherapeuten (Heilberufe-Kammergesetz – HKaG) fBayern;

Berliner Heilberufekammergesetz (BlnHKG);

Hamburg, Hamburgisches Kammergesetz für die Heilberufe (HmbKGH); Gesetz über die Berufsgerichtsbarkeit der Heilberufe; Hamburgisches Gesetz über die Ausübung des Berufs der Hebamme und des Entbindungspflegers (Hamburgisches Hebammengesetz);

Heilberufsgesetz Brandenburg (HeilBerG);

Bremisches Gesetz über die Berufsvertretung, die Berufsausübung, die Weiterbildung und die Berufsgerichtsbarkeit der Ärzte, Zahnärzte, Psychotherapeuten, Tierärzte und Apotheker (Heilberufsgesetz - HeilBerG);

Niedersächsisches Kammergesetz für die Heilberufe (Heilkammergesetz – HKG);

Niedersächsisches Gesetz über die Ausübung des Hebammenberufs (NHebG) Heilberufsgesetz Mecklenburg-Vorpommern (Heilberufsgesetz M-V – HeilBerG);

Heilberufsgesetz (HeilBG NRW);

Heilberufsgesetz (HeilBG Rheinland-Pfalz);

Gesetz über die öffentliche Berufsvertretung, die Berufspflichten, die Weiterbildung und die Berufsgerichtsbarkeit der Ärzte/ Ärztinnen, Zahnärzte/ Zahnärztinnen, psychologischen Psychotherapeuten/ Psychotherapeutinnen und Kinder- und Jugendlichenpsychotherapeuten/psychotherapeutinnen, Tierärzte/Tierärztinnen und Apotheker/Apothekerinnen im Saarland (Saarländisches Heilberufekammergesetz - SHKG);

Gesetz über Berufsausübung, Berufsvertretungen und Berufsgerichtsbarkeit der Ärzte, Zahnärzte, Tierärzte, Apotheker sowie der Psychologischen Psychotherapeuten und der Kinder und Jugendlichenpsychotherapeuten im Freistaat Sachsen (Sächsisches Heilberufekammergesetz – SächsHKaG) u Thüringer Heilberufegesetz.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fi FR: Filwaqt li tipi oħra ta' forom legali huma disponibbli wkoll għall-investituri tal-Unjoni, l-investituri barranin għandhom aċċess biss għall-forom legali ta' "société d'exercice libéral" (SEL) u "société civile professionnelle" (SCP). Għas-servizzi mediċi, dentali u tal-qwiebel, hija meħtieġa ċ-ċittadinanza Franċiża. Madankollu, l-aċċess mill-barranin huwa possibbli fil-limiti tal-kwoti annwali stabbiliti. Għal servizzi mediċi, dentali u tal-qwiebel u servizzi minn infermiera, il-forniment permezz ta' SEL à forme anonyme, à responsabilité limitée par actions simplifiée ou en commandite par actions SCP, société coopérative (għal prattikanti indipendenti ġenerali u speċjalizzati biss) jew société interprofessionnelle de soins ambulatoires (SISA) għal dar tas-saħħa multidixxiplinari (MSP) biss.

Miżuri:

Fi FR: Loi 90-1258 relative à l'exercice sous forme de société des professions libérales, Loi nº2011-940 du 10 août 2011 modifiant certaines dipositions de la loi nº2009-879 dite HPST, Loi nº47-1775 portant statut de la coopération; u Code de la santé publique.

(b) Servizzi veterinarji (CPC 932)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi - Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fl-AT: Ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE biss jistgħu jipprovdu servizzi veterinarji. Jitneħħa r-rekwiżit tan-nazzjonalità għaċ- ċittadini ta' Stat mhux membru taż-ŻEE meta jkun hemm ftehim tal-Unjoni ma' dak l-Istat mhux membru taż-ŻEE li jipprevedi trattament nazzjonali fir-rigward tal-investiment u l-kummerċ transfruntier ta' servizzi veterinarji.

Fi ES: Is-sħubija fl-assoċjazzjoni professjonali hija meħtieġa għall-prattika tal-professjoni u tirrikjedi ċ-ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea, li tista' tiġi eżentata permezz ta' ftehim professjonali bilaterali.

Fi FR: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza taż-ŻEE sabiex jiġu pprovduti servizzi veterinarji, iżda r-rekwiżit tan-nazzjonalità jista' jitneħħa soġġett għar-reċiproċità. Il-forom ġuridiċi disponibbli għal kumpanija li tipprovdi servizzi veterinarji huma limitati għal SCP (Société civile professionnelle) u SEL (Société d'exercice libéral). Forom ġuridiċi oħra ta' kumpaniji previsti mil-liġi domestika Franċiża jew mil-liġi ta' Stat Membru ieħor taż-ŻEE u li jkollhom l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom hemmhekk jistgħu jiġu awtorizzati, soġġett għal ċerti kondizzjonijiet.

Miżuri:

Fl-AT: Tierärztegesetz (l-Att Veterinarju), BGBl. Nru 16/1975, § 3 (2) (3).

Fi ES: Real Decreto 126/2013, de 22 de febrero, por el que se aprueban los Estatutos Generales de la Organización Colegial Veterinaria Española; l-Artikoli 62 u 64.

Fi FR: Code rural et de la pêche maritime.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

F'CY: Tapplika l-kondizzjoni taċ-ċittadinanza u tar-residenza sabiex jiġu pprovduti servizzi veterinarji.

Fil-EL: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza taż-ŻEE jew tal-Iżvizzera sabiex wieħed jipprovdi servizzi veterinarji.

Fil-HR: Persuni ġuridiċi u fiżiċi stabbiliti fi Stat Membru għall-iskop biex iwettqu attivitajiet veterinarji biss jistgħu jipprovdu servizzi veterinarji transfruntieri fir-Repubblika tal-Slovenja. Ċittadini tal-Unjoni biss jistgħu jistabbilixxu prattika veterinarja fir-Repubblika tal-Kroazja.

Fl-HU: Hija meħtieġa ċittadinanza taż-ŻEE għal sħubija fil-Kamra Ungeriża tal-Veterinarji, li hija meħtieġa sabiex jiġu pprovduti servizzi veterinarji.

Miżuri:

F'CY: il-Liġi 169/1990 kif emendata.

Fil-EL: Id-Digriet Presidenzjali 38/2010, id-Deċiżjoni Ministerjali 165261/IA/2010 (Il-Gazzetta tal-Gvern 2157/B).

Fil-HR: L-Att Veterinarju (OG 83/13, 148/13, 115/18), l-Artikoli 3 (67), l-Artikoli 105 u 121.

Fl-HU: L-Att CXXVII tal-2012 dwar il-Kamra tal-Veterinarji Ungeriża u dwar il-kundizzjonijiet kif jiġu pprovduti s-servizzi Veterinarji.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fiċ-CZ: Hija meħtieġa l-preżenza fiżika fit-territorju sabiex wieħed jipprovdi servizzi veterinarji.

Fi IT u fil-PT: Hija meħtieġa r-residenza sabiex wieħed jipprovdi servizzi veterinarji.

Fil-PL: Il-preżenza fiżika fit-territorju hija meħtieġa għall-forniment ta' servizzi veterinarji sabiex tiġi segwita l-professjoni ta' kirurgu veterinarju preżenti fit-territorju tal-Polonja, ċittadini ta' pajjiżi terzi jridu jgħaddu minn eżami fil-lingwa Pollakka organizzat mill-Kamra Pollakka tal-Kirurgi Veterinarji.

Fis-SI: Persuni ġuridiċi u fiżiċi stabbiliti fi Stat Membru għall-iskop ta' twettiq ta' attivitajiet veterinarji biss jistgħu jipprovdu servizzi veterinarji transfruntieri fir-Repubblika tas-Slovenja.

Fis-SK: Hija meħtieġa r-residenza fiż-ŻEE għar-reġistrazzjoni fil-kamra professjonali, li hija meħtieġa għall-eżerċizzju tal-professjoni.

Miżuri:

Fiċ-CZ: L-Att Nru 166/1999 Coll. (l-Att dwar il-Veterinarji), § 58-63, 39; u

L-Att Nru 381/1991 Coll. (dwar il-Kamra tal-Kirurgi Veterinarji tar-Repubblika Ċeka), il-paragrafu 4.

Fl-IT: Id-Digriet Leġiżlattiv C.P.S. 233/1946, l-Artikoli 7-9; u

id-Digriet tal-President tar-Repubblika (DPR) 221/1950, il-paragrafu 7.

Fil-PL: Il-Liġi tal-21 ta' Diċembru 1990 dwar il-Professjoni ta' Kirurgu Veterinarju u l-Kmamar tal-Kirurgi Veterinarji.

Fil-PT: Id-Digriet Amministrattiv 368/91 (l-Istatut tal-Assoċjazzjoni Professjonali Veterinarja) a lterado p/Lei 125/2015, 3 set.

Fis-SI: Pravilnik o priznavanju poklicnih kvalifikacij veterinarjev (Regoli dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali għall-veterinarji), Uradni list RS, št. (Il-Gazzetta Uffiċjali Nru) 71/2008, 7/2011, 59/2014 f'21/2016, l-Att dwar is-servizzi fis-suq intern, Il-Gazzetta Uffiċjali RS Nru 21/2010.

Fis-SK: L-Att 442/2004 dwar it-Tobba Veterinarji Privati u l-Kamra tat-Tobba Veterinarji, l-Artikolu 2.

(c) Bejgħ bl-imnut ta' oġġetti farmaċewtiċi, mediċi u ortopediċi u servizzi oħra pprovduti minn spiżjara (CPC 63211)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi:

Fl-AT: Il-bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u prodotti mediċi speċifiċi lill-pubbliku jista' jsir biss minn spiżerija. Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru taż-ŻEE jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera sabiex wieħed jopera spiżerija. Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru taż-ŻEE jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera għad-detenturi tal-kirja u l-persuni responsabbli mit-tmexxija ta' spiżerija.

Miżuri:

Fl-AT: Apothekengesetz (il-Liġi dwar l-Ispiżeriji), RGBl. Nru 5/1907 kif emendata, § § 3, 4, 12; Arzneimittelgesetz (l-Att dwar il-Medikazzjoni), BGBl. Nru 185/1983 kif emendat, § § 57, 59, 59a; u l-Medizinproduktegesetz (il-Liġi dwar il-Prodotti Mediċi), BGBl. Nru 657/1996 kif emendata, § 99.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

Fil-DE: Persuni fiżiċi (spiżjara) biss huma permessi li joperaw spiżerija. Ċittadini ta' pajjiżi oħra jew persuni li ma jkunux għaddew mill-eżami tal-ispiżeriji Ġermaniż jistgħu jiksbu biss liċenzja biex jieħdu f'idejhom spiżerija li diġà kienet teżisti matul it-tliet snin preċedenti.

Fi FR: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza taż-ŻEE jew Żvizzera sabiex wieħed jopera spiżerija.

Spiżjara barranin jista' jingħatalhom permess ta' stabbiliment fi ħdan kwoti stabbiliti annwalment. Il-ftuħ ta' spiżerija jrid ikun awtorizzat u l-preżenza kummerċjali, inkluż il-bejgħ mill-bogħod ta' prodotti mediċinali lill-pubbliku permezz tas-servizzi tas-soċjetà tal-informatika, trid tieħu waħda mill-forom legali li huma permessi skont il-liġi nazzjonali fuq bażi mhux diskriminatorja. société d'exercice libéral (SEL) anonyme, par actions simplifiée, à responsabilité limitée

unipersonnelle jew pluripersonnelle, en commandite par actions, société en noms collectifs (SNC) jew société à responsabilité limitée (SARL) unipersonnelle jew pluripersonnelle biss.

Miżuri:

Fil-DE: Gesetz über das Apothekenwesen (ApoG; l-Att Ġermaniż dwar l-Ispiżeriji); Bundes-Apothekerordnung;

Gesetz über den Verkehr mit Arzneimitteln (AMG);

Gesetz über Medizinprodukte (MPG);

Verordnung zur Regelung der Abgabe von Medizinprodukten (MPAV)

Fi FR: Code de la santé publique; u

Loi 90-1258 du 31 décembre 1990 relative à l'exercice sous forme de société des professions libérales u Loi 2015-990 du 6 août 2015.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

Fil-EL: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea sabiex wieħed jopera spiżerija.

Fl-HU: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza taż-ŻEE sabiex wieħed jopera spiżerija.

Fil-LV: Sabiex jibda prattika indipendenti fi spiżerija, spiżjar jew assistent spiżjar barrani, li jkun studja fi Stat li mhuwiex Stat Membru jew Stat Membru taż-ŻEE, irid jaħdem għal mill-anqas sena fi spiżerija fi Stat Membru taż-ŻEE taħt is-superviżjoni ta' spiżjar.

Miżuri:

Fil-EL: Il-Liġi 5607/1932 kif emendata bil-Liġijiet 1963/1991 u 3918/2011.

Fl-HU: L-Att XCVIII tal-2006 dwar id-Dispożizzjonijiet Ġenerali Relatati mal-Forniment Affidabbli u Ekonomikament Fattibbli ta' Prodotti Mediċinali u Apparat Mediku u dwar id-Distribuzzjoni ta' Prodotti Mediċinali.

Fil-LV: Il-Liġi Farmaċewtika, s. 38.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fl-IT: Il-prattika tal-professjoni hija possibbli biss għal persuni fiżiċi rreġistrati fir-reġistru, kif ukoll għal persuni ġuridiċi fil-forma ta' soċjetajiet, fejn kull soċju tal-kumpanija jrid ikun irreġistrat bħala spiżjar. Ir-reġistrazzjoni fir-reġistru professjonali tal-ispiżjara tirrikjedi ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru jew ir-residenza u l-prattika tal-professjoni fl-Italja. Persuni ta' ċittadinanza barranija li jkollhom il-kwalifiki neċessarji jistgħu jirreġistraw jekk ikunu ċittadini ta' pajjiż li miegħu l-Italja jkollha ftehim speċjali, li jawtorizza l-eżerċizzju tal-professjoni, fuq il-bażi tal-kondizzjoni ta' reċiproċità (D. Lgsl. CPS 233/1946, l-Artikoli 7-9 u D.P.R. 221/1950, il-paragrafi 3 u 7). Spiżeriji ġodda jew vakanti jiġu awtorizzati wara kompetizzjoni pubblika. Ċittadini ta' Stat Membru rreġistrati fir-Reġistru tal-Ispiżjara ("albo") biss jistgħu jipparteċipaw f'kompetizzjoni pubblika.

Miżuri:

Fl-IT: Il-Liġi 362/1991, l-Artikoli 1, 4, 7 u 9;

id-Digriet Leġiżlattiv CPC 233/1946, l-Artikoli 7-9; u

id-Digriet tal-President tar-Repubblika (D.P.R. 221/1950, il-paragrafi 3 u 7).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

F'CY: Japplika r-rekwiżit taċ-ċittadinanza għall-forniment ta' bejgħ bl-imnut ta' oġġetti farmaċewtiċi, oġġetti mediċi u ortopediċi u servizzi oħra pprovduti minn spiżjara (CPC 63211).

Miżuri:

F'CY: Il-Liġi dwar l-Ispiżeriji u l-Veleni (il-Kapitolu 254) kif emendata.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Servizzi transfruntiera – Preżenza lokali:

Fil-BG: Hija meħtieġa residenza permanenti għall-ispiżjara.

Miżuri:

Fil-BG: Il-Liġi dwar Prodotti Mediċinali fil-Mediċina tal-Bniedem, l-Artikoli 146, 161, 195, 222, 228.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fil-DE, SK: Hija meħtieġa r-residenza sabiex tinkiseb liċenzja ta' spiżjar jew għall-ftuħ ta' spiżerija għall-bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u ċerti prodotti mediċi lill-pubbliku.

Miżuri:

Fil-DE: Gesetz über das Apothekenwesen (ApoG; l-Att Ġermaniż dwar l-Ispiżeriji);

Gesetz über den Verkehr mit Arzneimitteln (AMG);

Gesetz über Medizinprodukte (MPG);

Verordnung zur Regelung der Abgabe von Medizinprodukten (MPAV).

Fis-SK: L-Att 362/2011 dwar il-farmaċewtiċi u l-apparati mediċi, l-Artikolu 6; u

l-Att 578/2004 dwar il-fornituri tal-kura tas-saħħa, l-impjegati mediċi, l-organizzazzjoni professjonali fil-kura tas-saħħa.

Riżerva Nru 4 – Servizzi ta' riċerka u żvilupp

Settur – sottosettur:	Servizzi ta' riċerka u żvilupp (R&Ż)
Klassifikazzjoni tal-industrija:	CPC 851, 853
Tip ta' riżerva:	Trattament nazzjonali
Kapitolu:	Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transkonfinali fis-servizzi
Livell ta' gvern:	UE/Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

L-UE: Għal servizzi ta' riċerka u żvilupp iffinanzjati pubblikament (RuŻ) li jibbenefikaw minn finanzjament ipprovdut mill-Unjoni Ewropea fil-livell tal-Unjoni Ewropea, id-drittijiet jew awtorizzazzjonijiet esklużivi jistgħu jingħataw biss lil ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni u lil persuni ġuridiċi tal-Unjoni li jkollhom l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom fl-Unjoni Ewropea (CPC 851, 853).

Għal servizzi ta' R&Ż iffinanzjati pubblikament li jibbenefikaw minn finanzjament ipprovdut minn Stat Membru, id-drittijiet jew l-awtorizzazzjonijiet esklużivi jistgħu jingħataw biss lil ċittadini tal-Istat Membru kkonċernat u lil persuni ġuridiċi tal-Istat Membru kkonċernat li jkollhom il-kwartieri ġenerali tagħhom f'dak l-Istat Membru (CPC 851, 853).

Din ir-riżerva hija mingħajr preġudizzju għall-esklużjoni ta' akkwist minn Parti jew ta' sussidji, fis-subparagrafi (e) u (f) tal-Artikolu 18.1(2) ta' dan il-Ftehim.

Miżuri:

Fl-UE: Il-programmi qafas kollha eżistenti u futuri tal-Unjoni dwar ir-riċerka jew l-innovazzjoni, inklużi r-Regoli ta' Orizzont 2020 għall-Parteċipazzjoni u r-regolamenti li jirrigwardaw l-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti (JTIs), u l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT), kif ukoll il-programmi ta' riċerka nazzjonali, reġjonali jew lokali eżistenti u futuri.

Riżerva Nru 5 – Is-servizzi tal-proprjetà immobbli

Settur – sottosettur:	Servizzi ta' proprjetà immobbli
Klassifikazzjoni tal-industrija:	CPC 821, 822
Tip ta' riżerva:	Trattament nazzjonali Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit Preżenza lokali
Kapitolu:	Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transkonfinali fis-servizzi
Livell ta' gvern:	UE/Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

F'CY: Għall-forniment ta' servizzi tal-proprjetà immobbli, tapplika l-kondizzjoni taċ-ċittadinanza u r-residenza.

Miżuri:

F'CY: Il-Liġi dwar l-Aġenti tal-Proprjetà Immobbli 71(1)/2010 kif emendata.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fiċ-CZ: Huma meħtieġa r-residenza għall-persuni fiżiċi u l-istabbiliment għall-persuni ġuridiċi fir-Repubblika Ċeka sabiex tinkiseb liċenzja meħtieġa għall-forniment ta' servizzi ta' proprjetà immobbli.

Fil-HR: Hija meħtieġa l-preżenza kummerċjali fiż-ŻEE sabiex jiġu pprovduti servizzi ta' proprjetà immobbli.

Fil-PT: Hija meħtieġa r-residenza fiż-ŻEE għall-persuni fiżiċi. Hija meħtieġa l-inkorporazzjoni fiż-ŻEE għall-persuni ġuridiċi.

Miżuri:

Fiċ-CZ: L-Att dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ.

Fil-HR: L-Att dwar is-Senserija ta' Proprjetà Immobbli (OG 107/07 u 144/12), l-Artikolu 2.

Fil-PT: Id-Digriet Liġi 211/2004 (l-Artikoli 3 u 25), kif emendat u ppubblikat mill-ġdid bid-Digriet-Liġi 69/2011.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fid-DK: Danimarka, aġenti tal-proprjetà immobbli awtorizzati li jkunu persuni fiżiċi li ġew ammessi fir-reġistru tal-aġenti tal-proprjetà immobbli tal-Awtorità Daniża tan-Negozju biss jistgħu jużaw it-titolu ta' "aġent tal-proprjetà immobbli". L-att jirrikjedi li l-applikant ikun residenti Daniż jew residenti tal-Unjoni, taż-ŻEE jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera.

L-Att dwar il-bejgħ ta' proprjetà immobbli huwa applikabbli biss meta jiġu pprovduti servizzi ta' proprjetà immobbli lill-konsumaturi. L-Att dwar il-bejgħ ta' proprjetà immobbli ma japplikax għal-lokazzjoni ta' proprjetà immobbli (CPC 822).

Miżuri:

Fid-DK: Lov om formidling af fast ejendom m.v. lov. nr. 526 af 28.05.2014 (L-Att dwar il-bejgħ ta' proprjetà immobbli).

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fis-SI: Sa fejn iċ-Ċili jippermetti liċ-ċittadini u l-intrapriżi Sloveni li jipprovdu servizzi ta' aġenti tal-proprjetà immobbli, is-Slovenja tippermetti liċ-ċittadini u l-intrapriżi talċ-Ċili li jipprovdu servizzi ta' aġenti tal-proprjetà immobbli abbażi tal-istess kundizzjonijiet, flimkien mal-issodisfar tar-rekwiżiti li ġejjin: l-intitolament li jagħixxu bħala aġent tal-proprjetà immobbli fil-pajjiż ta' oriġini, il-preżentazzjoni tad-dokumentazzjoni rilevanti dwar l-impunità fil-proċeduri kriminali, u r-reġistrazzjoni fir-reġistru tal-aġenti tal-proprjetà immobbli fil-ministeru (Sloven) kompetenti.

Miżuri:

Fis-SI: L-Att dwar l-Aġenziji tal-Proprjetà Immobbli.

Riżerva Nru 6 – Is-servizzi kummerċjali

Settur – sottosettur:	Servizzi kummerċjali – servizzi ta' kiri jew lokazzjoni mingħajr operaturi; servizzi relatati mal-konsulenza maniġerjali; ittestjar u analiżijiet tekniċi; servizzi ta' konsulenza xjentifika u teknika relatati; servizzi inċidentali għall-agrikoltura; servizzi tas-sigurtà; servizzi ta' kollokament; servizzi ta' traduzzjoni u interpretazzjoni u servizzi kummerċjali oħra
Klassifikazzjoni tal-industrija:	ISIC Rev. 37, parti minn CPC 612, parti minn 621, parti minn 625, 831, parti minn 85990, 86602, 8675, 8676, 87201, 87202, 87203, 87204, 87205, 87206, 87209, 87901, 87902, 87909, 88, parti minn 893
Tip ta' riżerva:	Trattament nazzjonali Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi Preżenza lokali
Kapitolu:	Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transkonfinali fis-servizzi
Livell ta' gvern:	UE/Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

(a) Servizzi ta' kiri jew leasing mingħajr operaturi (CPC 83103, CPC 831)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

Fl-SE: Sabiex tittajjar il-bandiera Żvediża, trid tintwera evidenza ta' influwenza operattiva ewlenija Żvediża fil-każ ta' interessi ta' sjieda barranija fil-bastimenti. Id-dominanza tal-influwenza operattiva Żvediża tfisser li l-operat tal-bastiment jinsab fl-Iżvezja u li l-vapur għandu wkoll aktar minn nofs l-ishma ta' sjieda jew pussess Żvediż ta'

persuni f'pajjiż ieħor taż-ŻEE. Bastimenti barranin oħra jistgħu taħt ċerti kondizzjonijiet jingħataw eżenzjoni minn din ir-regola meta jkunu mikrija jew b'lokazzjoni minn persuni ġuridiċi Żvediżi permezz ta' kuntratti ta' noleġġ ta' bastimenti mingħajr ekwipaġġ (CPC 83103).

Miżuri:

Fl-SE: Sjölagen (Il-Liġi Marittima) (1994:1009), il-Kapitolu 1, § 1.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fl-SE: Il-forniturі ta' servizzi ta' kiri jew lokazzjoni ta' karozzi u ċerti vetturi off-road (terrängmotorfordon) mingħajr sewwieq, mikrija jew leased għal perjodu ta' anqas minn sena, huma obbligati jaħtru lil xi ħadd biex ikun responsabbli biex jiżgura, fost affarijiet oħra, li n-negozju jitwettaq f'konformità mar-regoli u r-regolamenti applikabbli u li r-regoli tas-sikurezza tat-traffiku fit-toroq jiġu segwiti. Il-persuna responsabbli trid tkun residenti fiż-ŻEE (CPC 831).

Miżuri:

Fl-SE: il-Liġi 49/1998. om biluthyrning (l-Att dwar il-kiri u l-lokazzjoni ta' karozzi).

(b) Servizzi ta' kiri jew lokazzjoni u servizzi kummerċjali oħra relatati mal-avjazzjoni (CPC 83104)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

L-UE: Għall-kiri jew il-lokazzjoni ta' inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (dry lease), l-inġenji tal-ajru użati minn linja tal-ajru tal-Unjoni Ewropea huma soġġetti għar-rekwiżiti applikabbli dwar ir-reġistrazzjoni tal-inġenji tal-ajru. Ftehim ta' kiri mingħajr ekwipaġġ li għalih tkun parti linja tal-ajru tal-Unjoni Ewropea għandu jkun soġġett għar-rekwiżiti fl-Unjoni Ewropea jew għal-liġi nazzjonali dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni, bħal approvazzjoni minn qabel u kundizzjonijiet oħra applikabbli għall-użu ta' inġenji tal-ajru rreġistrati ta' pajjiżi terzi. Biex jiġu rreġistrati, l-inġenji tal-ajru jistgħu jkunu meħtieġa li jkunu proprjetà ta' persuni fiżiċi li jissodisfaw kriterji speċifiċi ta' ċittadinanza, jew ta' intrapriżi li jissodisfaw kriterji speċifiċi rigward is-sjieda tal-kapital u l-kontroll (CPC 83104)

Fir-rigward ta' servizzi ta' sistema ta' riżervazzjoni kompjuterizzata (computer reservation system, CRS), fejn il-kumpaniji tal-ajru tal-Unjoni ma jingħatawx, minn fornituri ta' servizzi tas-CRS li joperaw barra mill-Unjoni, trattament ekwivalenti (li jfisser nondiskriminatorju) għat-trattament ipprovdut minn fornituri ta' servizz tas-CRS tal-Unjoni lil kumpaniji tal-ajru ta' pajjiż terzi fl-Unjoni, jew fejn il-fornituri ta' servizz tas-CRS tal-Unjoni ma jingħatawx, minn linji tal-ajru mhux tal-Unjoni, trattament ekwivalenti għat-trattament ipprovdut minn linji tal-ajru fl-Unjoni lil fornituri ta' servizz tas-CRS ta' pajjiż terz, jistgħu jittieħdu miżuri sabiex jingħata trattament ekwivalenti diskriminatorju, rispettivament, lill-kumpaniji tal-ajru li mhumiex tal-Unjoni mill-fornituri ta' servizzi tas-CRS li joperaw fl-Unjoni Ewropea, jew lill-fornituri ta' servizzi tas-CRS li mhumiex tal-Unjoni Ewropea minn kumpaniji tal-ajru tal-Unjoni.

Miżuri:

Fl-UE: Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]); u r-Regolament (KE) Nru 80/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

Fil-BE: Inġenji tal-ajru privati (ċivili) li jappartjenu lil persuni fiżiċi li ma jkunux ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE jistgħu jiġu rreġistrati biss jekk dawn ikunu domiċiljati jew residenti fil-Belġju mingħajr interruzzjoni għal mill-anqas sena. L-inġenji tal-ajru privati (ċivili) li jappartjenu lil entitajiet ġuridiċi barranin mhux ifformati f'konformità

([6]) Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità (ĠU L 293 31.10.2008, p. 3).

([7]) Ir-Regolament (KE) Nru 80/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Jannar 2009 dwar Kodiċi ta' Kondotta għal sistemi ta' riservazzjoni kompjuterizzata u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2299/89 (ĠU L 35, 4.2.2009, p. 47).

mal-leġiżlazzjoni ta' stat membru taż-ŻEE jistgħu jiġu rreġistrati biss jekk dawn ikollhom sede tal-operazzjonijiet, aġenzija jew uffiċċju fil-Belġju mingħajr interruzzjoni għal sena mill-anqas (CPC 83104).

Miżuri:

Fil-BE: Arrêté Royal du 15 mars 1954 réglementant la navigation aérienne.

(c) Servizzi relatati ma' konsultazzjoni mal-maniġment – servizzi ta' arbitraġġ u konċiljazzjoni (CPC 86602)

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fil-BG: Għas-servizzi ta' medjazzjoni, hija meħtieġa residenza permanenti jew fit-tul fir-Repubblika tal-Bulgarija għal ċittadini ta' pajjiżi li mhumiex Stat membru taż-ŻEE jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera.

Fl-HU: Tenħtieġ awtorizzazzjoni, permezz ta' ammissjoni fir-reġistru, mill-ministru responsabbli mis-sistema ġudizzjarja għal attivitajiet ta' medjazzjoni (bħall-arbitraġġ u l-konċiljazzjoni) li jistgħu jingħataw biss lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jkunu stabbiliti jew residenti fl-Ungerija.

Miżuri:

Fil-BG: L-Att dwar il-Medjazzjoni, l-Artikolu 8.

Fl-HU: L-Att LV tal-2002 dwar il-Medjazzjoni.

(d) Servizzi ta' ttestjar tekniku u analiżi (CPC 8676)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

F'CY: Il-forniment ta' servizzi minn kimiċi u bijoloġi jeħtieġ iċ-ċittadinanza ta' Stat Membru.

Fi FR: Il-professjonijiet ta' bijoloġista huma riżervati għal persuni fiżiċi, hija meħtieġa ċ-ċittadinanza taż-ŻEE.

Miżuri:

F'CY: Il-Liġi tal-1988 dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Ispiżjara (il-Liġi 157/1988), kif emendata.

Fi FR: Code de la Santé Publique.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fil-BG: Huma meħtieġa stabbiliment fil-Bulgarija skont l-Att Kummerċjali Bulgaru u reġistrazzjoni fir-reġistru Kummerċjali għall-forniment ta' servizzi ta' ttestjar u analiżi teknika.

Għall-ispezzjoni perjodika għall-prova tal-kondizzjoni teknika ta' vetturi tat-triq, il-persuna jenħtieġ li tkun reġistrata skont l-Att Kummerċjali Bulgaru jew l-Att dwar Persuni Legali li Ma Jaħdmux għall-Profitt, jew inkella tkun reġistrata fi Stat Membru ieħor taż-ŻEE.

L-ittestjar u l-analiżi tal-kompożizzjoni u l-purità tal-arja u tal-ilma jistgħu jitwettqu biss mill-Ministeru għall-Ambjent u l-Ilma tal-Bulgarija, jew mill-aġenziji tiegħu f'kooperazzjoni mal-Akkademja Bulgara dwar ix-Xjenzi.

Miżuri:

Fil-BG: L-Att dwar ir-Rekwiżiti Tekniċi għall-Prodotti;

l-Att dwar il-Kejl;

l-Att dwar Arja Ambjentali Nadifa; u

l-Att dwar l-Ilma, id-Digriet N-32 għall-ispezzjoni perjodika għall-prova tal-kondizzjoni teknika tal-vetturi tat-triq.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit, Preżenza lokali:

Fl-IT: Għall-bijologi, l-analisti kimiċi, l-agronomi u l-"periti agrari", huma meħtieġa r-residenza u r-reġistrazzjoni fir-reġistru professjonali. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu jirreġistraw fuq il-bażi tal-kondizzjoni ta' reċiproċità.

Miżuri:

Fl-IT: Bijologi, analisti kimiċi: il-Liġi 396/1967 dwar il-professjoni ta' bijologi; u d-Digriet Irjali 842/1928 dwar il-professjoni ta' analisti kimiċi.

(e) Servizzi relatati ta' konsulenza xjentifika u teknika (CPC 8675)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit, Preżenza lokali:

Fl-IT: Huma meħtieġa r-residenza jew id-domiċilju professjonali fl-Italja għar-reġistrazzjoni fir-reġistru tal-ġeologi, li hija neċessarja għall-prattika tal-professjonijiet ta' servejer jew ġeologu sabiex jiġu pprovduti servizzi relatati mal-esplorazzjoni u l-operazzjoni ta' minjieri, eċċ. Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru; madankollu, barranin jistgħu jirreġistraw fuq il-bażi tal-kondizzjoni ta' reċiproċità.

Miżuri:

Fl-IT: Ġeologi: Il-Liġi 112/1963, l-Artikoli 2 u 5; D.P.R. 1403/1965, l-Artikolu 1.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fil-BG: Għall-persuni fiżiċi, iċ-ċittadinanza u r-residenza ta' Stat Membru taż-ŻEE jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera huma meħtieġa sabiex jitwettqu funzjonijiet pertinenti għall-ġeodesija, il-kartografija u l-istħarriġ katastali. Għall-entitajiet ġuridiċi, hija meħtieġa r-reġistrazzjoni kummerċjali skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru taż-ŻEE jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera.

Miżuri:

Fil-BG: L-Att dwar il-Kadastru u r-Reġistru tal-Proprjetà; u l-Att dwar il-Ġeodesija u l-Kartografija.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

F'CY: Japplika r-rekwiżit taċ-ċittadinanza sabiex jiġu pprovduti s-servizzi rilevanti.

Miżuri:

F'CY: il-Liġi 224/1990 kif emendata.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fi FR: Għas-servizzi ta' esplorazzjoni u ta' prospettar huwa meħtieġ l-istabbiliment. Tista' ssir eżenzjoni minn dan ir-rekwiżit fil-każ ta' riċerkaturi xjentifiċi, b'deċiżjoni tal-Ministru tar-riċerka xjentifika, bi qbil mal-Ministru għall-Affarijiet Barranin.

Miżuri:

Fi FR: Loi 46-942 du 7 mai 1946 u décret nº71-360 du 6 mai 1971.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fil-HR: Is-servizzi ta' konsulenza ġeoloġika, ġeodetika u minerarja bażika kif ukoll is-servizzi ta' konsulenza relatati dwar il-protezzjoni tal-ambjent fit-territorju tal-Kroazja jistgħu jitwettqu biss b'mod konġunt ma' jew permezz ta' persuni ġuridiċi domestiċi.

Miżuri:

Fil-HR: L-Ordinanza dwar ir-rekwiżiti għall-ħruġ ta' approvazzjonijiet lil persuni ġuridiċi għat-twettiq ta' attivitajiet professjonali ta' protezzjoni ambjentali (OG Nru 57/10), l-Artikoli 32-35.

(f) Servizzi inċidentali għall-agrikoltura (parti minn CPC 88)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit, Preżenza lokali:

Fl-IT: Għall-bijologi, l-analisti kimiċi, l-agronomi u l-"periti agrari", huma meħtieġa r-residenza u r-reġistrazzjoni fir-reġistru professjonali. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu jirreġistraw fuq il-bażi tal-kondizzjoni ta' reċiproċità.

Miżuri:

Fl-IT: Bijologi, analisti kimiċi: il-Liġi 396/1967 dwar il-professjoni ta' bijologi; u d-Digriet Irjali 842/1928 dwar il-professjoni ta' analisti kimiċi.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fil-PT: Il-professjonijiet ta' bijologu, analist kimiku u agronomu huma riżervati għal persuni fiżiċi. Għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, ir-reġim ta' reċiproċità japplika fil-każ ta' inġiniera u inġiniera tekniċi (u mhux rekwiżit ta' ċittadinanza). Għall-bijoloġi, la hemm rekwiżit ta' ċittadinanza u lanqas rekwiżit ta' reċiproċità.

Miżuri:

Fil-PT: Id-Digriet Liġi 119/92 alterado p/ Lei 123/2015, 2 set. (Ordem Engenheiros);

il-Liġi 47/2011 alterado p/ Lei 157/2015, 17 set. (Ordem dos Engenheiros Técnicos); u

Id-Digriet Liġi 183/98 alterado p/ Lei 159/2015, 18 set. (Ordem dos Biólogos).

(g) Servizzi tas-Sigurtà (CPC 87302, 87303, 87304, 87305, 87309)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fl-IT: Iċ-ċittadinanza ta' Stat Membru tal-UE u r-residenza hija meħtieġa sabiex tinkiseb l-awtorizzazzjoni neċessarja għall-provvista ta' servizzi ta' gwardja tas-sigurtà u t-trasport ta' oġġetti ta' valur.

Fil-PT: Il-forniment ta' servizzi tas-sigurtà minn fornitur barrani fuq bażi transfruntiera mhuwiex permess.

Jeżisti rekwiżit taċ-ċittadinanza għal persunal speċjalizzat.

Miżuri:

Fl-IT: Il-Liġi dwar is-sigurtà pubblika (TULPS) 773/1931, l-Artikoli 133-141; id-Digriet Irjali 635/1940, l-Artikolu 257.

Fil-PT: Il-Liġi 34/2013 alterada p/ Lei 46/2019, 16 maio; u d-Digriet 273/2013 alterada p/Portaria 106/2015, 13 abril.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fid-DK: Rekwiżit ta' residenza għal individwi li japplikaw għal awtorizzazzjoni biex jipprovdu servizzi ta' sigurtà.

Ir-residenza hija meħtieġa wkoll għall-maniġers u għall-maġġoranza tal-membri tal-bord ta' entità ġuridika li japplikaw għal awtorizzazzjoni biex iwettqu servizzi tas-sigurtà. Madankollu, ir-residenza għall-maniġment u għall-bordijiet tad-diretturi mhijiex meħtieġa sakemm dan joħroġ minn ftehimiet internazzjonali jew minn ordnijiet maħruġa mill-Ministru għall-Ġustizzja.

Miżuri:

Fid-DK: Lovbekendtgørelse 2016-01-11 nr. 112 om vagtvirksomhed.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fl-EE: Hija meħtieġa r-residenza għall-gwardji tas-sigurtà.

Miżuri:

EE.Turvaseadus (l-Att dwar is-Sigurtà) § 21, § 22.

(h) Servizzi ta' Kollokament (CPC 87201, 87202, 87203, 87204, 87205, 87206, 87209)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali (japplika għall-gvern f'livell reġjonali):

Fil-BE: Fir-Reġjuni kollha fil-Belġju, kumpanija li jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha barra miż-ŻEE trid turi li hija tipprovdi servizzi ta' kollokament fil-pajjiż ta' oriġini tagħha. Fir-Reġjun ta' Wallonia, huwa meħtieġ tip speċifiku ta' entità ġuridika (régulièrement constituée sous la forme d'une personne morale ayant une forme commerciale, soit au sens du droit belge, soit en vertu du droit d'un Etat membre ou régie par celui-ci, quelle que soit sa forme juridique) sabiex jiġu pprovduti servizzi ta' kollokament. Kumpanija li jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha barra miż-ŻEE trid turi li hija tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fid-Digriet (pereżempju dwar it-tip ta' entità ġuridika). Fil-komunità li titkellem bil-Ġermaniż, kumpanija li jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha barra miż-ŻEE trid tissodisfa l-kriterji ta' ammissjoni stabbiliti mill-imsemmi Digriet (CPC 87202).

Miżuri:

Fil-BE: Ir-Reġjun Fjamming: l-Artikolu 8, § 3, Besluit van de Vlaamse Regering van 10 december 2010 tot uitvoering van het decreet betreffende de private arbeidsbemiddeling.

Ir-Reġjun ta' Wallonia: Décret du 3 avril 2009 relatif à l'enregistrement ou à l'agrément des agences de placement (id-Digriet tat-3 ta' April 2009 dwar ir-reġistrazzjoni tal-aġenziji ta' kollokament), l-Artikolu 7; u l-Arrêté du Gouvernement wallon du 10 décembre 2009 portant exécution du décret du 3 avril 2009 relatif à l'enregistrement ou à l'agrément des agences de placement (Deċiżjoni tal-Gvern tal-Wallonja tal-10 ta' Diċembru 2009 li timplimena d-Digriet tat-3 ta' April 2009 dwar ir-reġistrazzjoni ta' aġenziji ta' pjazzament), l-Artikolu 4.

Il-komunità li titkellem bil-Ġermaniż: Dekret über die Zulassung der Leiharbeitsvermittler und die Überwachung der privaten Arbeitsvermittler / Décret du 11 mai 2009 relatif à l'agrément des agences de travail intérimaire et à la surveillance des agences de placement privées, l-Artikolu 6.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fil-DE: Iċ-ċittadinanza ta' Stat Membru taż-ŻEE jew il-preżenza kummerċjali fl-Unjoni Ewropea hija meħtieġa sabiex tinkiseb liċenzja biex topera bħala aġenzija temporanja tal-impjiegi (skont it-Taqsima 3, il-paragrafi 3 sa 5 ta' dan l-Att dwar ix-xogħol tal-aġenziji temporanji (Arbeitnehmerüberlassungsgesetz). Il-Ministeru Federali tax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali jista' joħroġ regolament dwar il-kollokament u r-reklutaġġ ta' persunal mhux taż-ŻEE għal professjonijiet speċifikati, pereż. għal professjonijiet relatati mas-saħħa u l-kura. Il-liċenzja jew l-estensjoni tagħha għandha tiġi rrifjutata jekk stabbilimenti, partijiet minn stabbilimenti jew stabbilimenti anċillari li ma jkunux lokalizzati fiż-ŻEE jkollhom l-intenzjoni li jeżegwixxu l-impjieg temporanju (skont it-Taqsima 3, il-paragrafu 2 tal-Att dwar ix-xogħol ta' aġenzija temporanja (Arbeitnehmerüberlassungsgesetz).

Fi ES: Qabel ma jibdew l-attività, l-aġenziji ta' kollokament huma meħtieġa jissottomettu dikjarazzjoni ġuramentata li tiċċertifika li ssodisfaw ir-rekwiżiti stipulati mil-leġiżlazzjoni attwali (CPC 87201, 87202).

Miżuri:

Fil-DE: Gesetz zur Regelung der Arbeitnehmerüberlassung (AÜG);

Sozialgesetzbuch Drittes Buch (SGB III; il-Kodiċi Soċjali, il-Ktieb Tlieta) – Promozzjoni tal-Impjiegi;

Verordnung über die Beschäftigung von Ausländerinnen und Ausländern (BeschV; l-Ordinanza dwar l-Impjiegi tal-Barranin). l-Ordinanza dwar l-Impjiegi tal-Barranin).

Fi ES: Real Decreto-ley 8/2014, de 4 de julio, de aprobación de medidas urgentes para el crecimiento, la competitividad y la eficiencia (tramitado como Ley 18/2014, de 15 de octubre).

(i) Servizzi ta' traduzzjoni u interpretar (CPC 87905)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

Fil-BG: Biex iwettqu attivitajiet ta' traduzzjoni uffiċjali, persuni fiżiċi barranin huma meħtieġa li jkollhom permess għal residenza fit-tul, imtawla jew permanenti fir-Repubblika tal-Bulgarija.

Miżuri:

Fil-BG: Ir-Regolament għal-legalizzazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni u t-traduzzjoni ta' dokumenti.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

F'CY: Ir-reġistrazzjoni mar-Reġistru tat-Tradutturi Ġuramentati tal-Kunsill tar-Reġistrazzjoni tat-Tradutturi Ġuramentati hija meħtieġa għall-forniment ta' servizzi uffiċjali ta' traduzzjoni u ċertifikazzjoni. Japplika r-rekwiżit taċ-ċittadinanza.

Fil-HR: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza taż-ŻEE għat-tradutturi ċċertifikati.

Miżuri:

F'CY: Il-Liġi tal-2019 dwar ir-Reġistrazzjoni u r-Regolamentazzjoni tas-Servizzi tat-Tradutturi Ġuramentati (45(I)/2019) kif emendata.

Fil-HR: L-Ordinanza dwar l-interpreti permanenti tal-qorti (OG 88/2008), l-Artikolu 2.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fil-FI: Hija meħtieġa r-residenza fiż-ŻEE għat-tradutturi ċċertifikati.

Miżuri:

Fil-FI: Laki auktorisoiduista kääntäjistä (l-Att dwar it-Tradutturi Awtorizzati) (1231/2007), 2 § paragrafu 1).

(j) Servizzi kummerċjali oħra (parti minn CPC 612, parti minn 621, parti minn 625, 87901, 87902, 88493, parti minn 893, parti minn 85990, 87909, ISIC 37)

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fl-SE: L-istabbiliment huwa meħtieġ għal Pawn-shops (parti minn CPC 87909).

Miżuri:

Fl-SE: L-Att dwar l-istabbilimenti tar-rahan (1995:1000).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

Fil-PT: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru sabiex jiġu pprovduti servizzi ta' aġenzija tal-ġbir u servizzi ta' rappurtar tal-kreditu (CPC 87901, 87902).

Miżuri:

Fil-PT: il-Liġi 49/2004.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fiċ-CZ: Is-servizzi ta' rkant huma soġġetti għal liċenzja. Biex tikseb liċenzja (għall-forniment ta' rkanti pubbliċi volontarji), kumpanija trid tkun inkorporata fir-Repubblika Ċeka u persuna fiżika hija meħtieġa li tikseb permess ta' residenza, u l-kumpanija, jew il-persuna fiżika trid tkun irreġistrata fir-Reġistru Kummerċjali tar-Repubblika Ċeka (parti minn CPC 612, parti minn 621, parti minn 625, parti minn 85990).

Miżuri:

Fiċ-CZ: L-Att Nru 455/1991 Coll.;

l-Att dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ; u

l-Att Nru 26/2000 Coll., dwar l-irkanti pubbliċi.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fiċ-CZ: Kumpanija awtorizzata tal-imballaġġ biss hija permessa biss li tipprovdi servizzi relatati mat-teħid lura u l-irkupru ta' imballaġġ u trid tkun persuna ġuridika stabbilita bħala kumpanija b'ishma konġunti (CPC 88493, ISIC 37).

Miżuri:

Fiċ-CZ: L-Att 477/2001 Coll. (l-Att dwar l-Imballaġġ), il-paragrafu 16.

Riżerva Nru 7 – Is-Servizzi tal-Kostruzzjoni

Settur – sottosettur:	Kostruzzjoni u servizzi ta' inġinerija relatati
Klassifikazzjoni tal-industrija:	CPC 51
Tip ta' riżerva:	Trattament nazzjonali
Kapitolu:	Liberalizzazzjoni tal-investiment; Kummerċ transfruntier fis-servizzi
Livell ta' gvern:	UE/Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

F'CY: Rekwiżit ta' nazzjonalità.

Miżura:

F'CY: Il-Liġi dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Kontroll tal-Kuntratturi tal-Bini u tax-Xogħlijiet Tekniċi tal-2001 (29 (I) / 2001), l-Artikoli 15 u 52.

Riżerva Nru 8 – Is-servizzi tad-distribuzzjoni

Settur – sottosettur:	Servizzi ta' distribuzzjoni – ġenerali, distribuzzjoni tat-tabakk
Klassifikazzjoni tal-industrija:	CPC 3546, parti minn 621, 6222, 631, parti minn 632
Tip ta' riżerva:	Trattament nazzjonali Preżenza lokali
Kapitolu:	Liberalizzazzjoni tal-investiment; Kummerċ transfruntier fis-servizzi

Livell ta' gvern: UE/Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

(a) Servizzi ta' Distribuzzjoni (CPC 3546, 631, 632 minbarra 63211, 63297, 62276, parti minn 621)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

F'CY: Jeżisti r-rekwiżit taċ- ċittadinanza għas-servizzi ta' distribuzzjoni pprovduti mir-rappreżentanti farmaċewtiċi (CPC 62117).

Miżuri:

F'CY: Il-Liġi 74(I) 2020 kif emendata.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fil-LT: Id-distribuzzjoni tal-pirotekniċi hija soġġetta għal liċenzja. Persuni ġuridiċi tal-Unjoni Ewropea biss jistgħu jiksbu liċenzja (CPC 3546).

Miżuri:

Fil-LT: Il-Liġi dwar is-Sorveljanza taċ-Ċirkolazzjoni tal-Pirotekniċi Ċivili (23 ta' Marzu 2004 Nru IX-2074).

(b) Distribuzzjoni tat-tabakk (parti minn CPC 6222, 62228, parti minn 6310, 63108)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

Fi ES: L-istabbiliment huwa soġġett għar-rekwiżit taċ-ċittadinanza ta' Stat Membru. Persuni fiżiċi biss jistgħu joperaw bħala bejjiegħa tat-tabakk. Kull bejjiegħ tat-tabakk ma jistax jikseb aktar minn liċenzja waħda (CPC 63108).

Fi FR: Rekwiżit taċ-ċittadinanza għall-bejjiegħa tat-tabakk (buraliste) (parti minn CPC 6222, parti minn 6310).

Miżuri:

Fi ES: Il-Liġi Nru 14/2013 tas-27 ta' Settembru 2014.

Fi FR: Code général des impôts.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

Fl-AT: Tingħata prijorità lil ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE (CPC 63108).

Miżuri:

Fl-AT: L-Att tal-1996 dwar il-Monopolju tat-Tabakk, § 5 u § 27.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

Fl-IT: Sabiex jiġi distribwit u jinbiegħ it-tabakk, hemm bżonn ta' liċenzja. Il-liċenzja tingħata permezz ta' proċeduri pubbliċi. L-għoti tal-liċenzji huwa soġġett għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: id-densità tal-popolazzjoni u ġeografika tal-punti tal-bejgħ eżistenti (parti minn CPC 6222, parti minn 6310).

Miżuri:

Fl-IT: Id-Digriet Leġiżlattiv 184/2003;

id-dritt 165/1962;

id-dritt 3/2003;

id-dritt 1293/1957;

id-dritt 907/1942; u

id-Digriet tal-President tar-Repubblika (D.P.R.) Dok. 1074/1958

Riżerva Nru 9 – Servizzi edukattivi

Settur – sottosettur:	Servizzi edukattivi (iffinanzjati privatament)
Klassifikazzjoni tal-industrija:	CPC 921, 922, 923, 924
Tip ta' riżerva:	Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi Preżenza lokali
Kapitolu:	Liberalizzazzjoni tal-investiment; Kummerċ transfruntier fis-servizzi
Livell ta' gvern:	UE/Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi:

F'CY: Iċ-ċittadinanza ta' Stat Membru hija meħtieġa għas-sidien u l-azzjonisti maġġoritarji fi skola ffinanzjata privatament. Iċ-ċittadini taċ-Ċili jistgħu jiksbu awtorizzazzjoni mill-Ministru (tal-Edukazzjoni) f'konformità mal-forma u l-kondizzjonijiet speċifikati.

Miżuri:

F'CY: Il-Liġi tal-2019 dwar l-Iskejjel Privati (Nru 147(I)/2019), kif emendata; Il-Liġi tal-1996 dwar l-Istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni Terzjarja (Nru 67(I)/1996) kif emendata; il-Liġi tal-2005 dwar l-Universitajiet Privati (Stabbiliment, Operat u Kontroll) (Nru 109(I)/2005) kif emendata;

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fil-BG: Is-servizzi ta' edukazzjoni primarja u sekondarja ffinanzjati privatament jistgħu jiġu pprovduti biss minn intrapriżi Bulgari awtorizzati (hija meħtieġa l-preżenza kummerċjali). L-iskejjel preprimarji Bulgari u l-iskejjel li għandhom parteċipazzjoni barranija jistgħu jiġu stabbiliti jew trasformati b'talba ta' assoċjazzjonijiet, jew korporazzjonijiet jew intrapriżi ta' entitajiet fiżiċi jew ġuridiċi Bulgari jew barranin, irreġistrati debitament fil-Bulgarija, permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri fuq mozzjoni mill-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xjenza. L-iskejjel preprimarji u l-iskejjel barranin jistgħu jiġu stabbiliti jew ittrasformati b'talba ta' entitajiet ġuridiċi barranin skont ftehimiet u konvenzjonijiet internazzjonali u skont id-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq. L-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja barranin ma jistgħux jistabbilixxu sussidjarji fit-territorju tal-Bulgarija. L-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja barranin jistgħu jiftħu fakultajiet, dipartimenti, istituti u kulleġġi fil-Bulgarija biss fl-istruttura tal-iskejjel superjuri Bulgari u f'kooperazzjoni magħhom (CPC 921, 922).

Miżuri:

Fil-BG: L-Att dwar l-Edukazzjoni Preprimarja u Skolastika; u

l-Liġi għall-Edukazzjoni Għolja, il-paragrafu 4 tad-dispożizzjonijiet addizzjonali.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fis-SI: L-iskejjel elementari ffinanzjati privatament jistgħu jiġu stabbiliti minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi Sloveni biss. Il-fornitur tas-servizzi jrid jistabbilixxi uffiċċju reġistrat jew uffiċċju tal-fergħa (CPC 921).

Miżuri:

Fis-SI: L-Att dwar l-Organizzazzjoni u l-Finanzjament tal-Edukazzjoni (Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tas-Slovenja, Nru 12/1996) u r-reviżjonijiet tiegħu, l-Artikolu 40.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fiċ-CZ u fis-SK: Huwa meħtieġ l-istabbiliment fi Stat Membru biex wieħed japplika għall-approvazzjoni mill-Istat biex jopera bħala istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja ffinanzjata privatament. Din ir-riżerva ma tapplikax għal servizzi ta' edukazzjoni teknika post-sekondarja u edukazzjoni vokazzjonali (CPC 92310).

Miżuri:

Fiċ-CZ: L-Att Nru 111/1998, Coll. (l-Att dwar l-Edukazzjoni Għolja), § 39; u

l-Att Nru 561/2004 Coll. dwar l-Edukazzjoni Preprimarja, Bażika, Sekondarja, Professjonali Terzjarja u Edukazzjoni Oħra (l-Att dwar l-Edukazzjoni).

Fis-SK: Il-Liġi Nru 131 tal-21 ta' Frar 2002 dwar l-Universitajiet.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fil-EL: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru għall-proprjetarji u maġġoranza tal-membri tal-bord tad-diretturi fi skejjel primarji u sekondarji ffinanzjati privatament, u għall-għalliema fi skejjel primarji u sekondarji ffinanzjati privatament (CPC 921, CPC 922). L-edukazzjoni f'livell universitarju għandha tiġi pprovduta esklużivament minn istituzzjonijiet li jkunu persuni ġuridiċi kompletament awtonomi rregolati bil-liġi pubblika. Madankollu, il-Liġi 3696/2008 tippermetti l-istabbiliment minn residenti tal-Unjoni Ewropea (persuni fiżiċi jew ġuridiċi) ta' istituzzjonijiet privati ta' edukazzjoni terzjarja li jagħtu ċertifikati li mhumiex rikonoxxuti bħala ekwivalenti għal diplomi universitarji (CPC 923).

Miżuri:

Fil-EL: Il-Liġijiet 682/1977, 284/1968, 2545/1940, id-Digriet Presidenzjali 211/1994 kif emendat bid-Digriet Presidenzjali 394/1997, il-Kostituzzjoni ta' Hellas, l-Artikolu 16, il-paragrafu 5 u l-Liġi 3549/2007.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fi FR: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru sabiex wieħed jgħallem f'istituzzjoni edukattiva ffinanzjata privatament (CPC 921, 922, 923). Madankollu, iċ-ċittadini taċ-Ċili jistgħu jiksbu awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti sabiex jgħallmu f'istituzzjonijiet edukattivi ta' livell primarju, sekondarju u għoli. Iċ-ċittadini taċ-Ċili jistgħu wkoll jiksbu awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti sabiex jistabbilixxu u joperaw jew jimmaniġġaw istituzzjonijiet edukattivi ta' livell primarju, sekondarju u għoli. Tali awtorizzazzjoni tingħata fuq bażi diskrezzjonali.

Miżuri:

Fi FR: Code de l'éducation.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

F'MT: Il-forniturі ta' servizzi li jixtiequ jipprovdu servizzi ta' edukazzjoni għolja jew għall-adulti ffinanzjati privatament iridu jiksbu liċenzja mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Impjiegi. Id-deċiżjoni dwar jekk għandhiex tinħareġ liċenzja tista' tkun diskrezzjonali (CPC 923, 924).

Miżuri:

F'MT: L-Avviż Legali 296 tal-2012.

Riżerva Nru 10 – Is-servizzi ambjentali

Settur – sottosettur:	Servizzi ambjentali – ipproċessar u riċiklaġġ ta' batteriji u akkumulaturi użati, karozzi qodma u skart minn tagħmir elettriku u elettroniku; protezzjoni tal-arja ambjentali u l-klima servizzi ta' tindif tal-gassijiet tal-egżost
Klassifikazzjoni tal-industrija:	Parti minn CPC 9402, 9404
Tip ta' riżerva:	Preżenza lokali
Kapitolu:	Kummerċ transfruntier fis-servizzi
Livell ta' gvern:	UE/Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

Fl-SE: L-entitajiet stabbiliti fl-Iżvezja jew li għandhom is-sede prinċipali tagħhom fl-Iżvezja biss huma eliġibbli għal akkreditament sabiex iwettqu servizzi ta' kontroll tal-gass tal-egżost (CPC 9404).

Fis-SK: Għall-ipproċessar u r-riċiklaġġ ta' batteriji u akkumulaturi użati, żjut użati, karozzi użati u skart minn tagħmir elettriku u elettroniku, hija meħtieġa l-inkorporazzjoni fiż-ŻEE (rekwiżit ta' residenza) (parti minn CPC 9402).

Miżuri:

Fl-SE: L-Att dwar il-Vetturi (2002:574).

Fis-SK: L-Att 79/2015 dwar l-Iskart.

Riżerva Nru 11 – Is-servizzi tas-saħħa u s-servizzi soċjali

Settur – sottosettur:	Servizzi tas-saħħa u servizzi soċjali
Klassifikazzjoni tal-industrija:	CPC 931, 933
Tip ta' riżerva:	Trattament nazzjonali
Kapitolu:	Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transkonfinali fis-servizzi
Livell ta' gvern:	UE/Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

Fi FR: Għas-servizzi tal-isptarijiet u tal-ambulanzi, il-faċilitajiet tas-saħħa residenzjali (minbarra s-servizzi tal-isptarijiet) u s-servizzi soċjali, hija meħtieġa awtorizzazzjoni sabiex jiġu eżerċitati funzjonijiet ta' ġestjoni. Il-proċess ta' awtorizzazzjoni jqis id-disponibbiltà ta' maniġers lokali.

Miżuri:

Fi FR: Loi nº 90-1258 relative à l'exercice sous forme de société des professions libérales, Loi nº 2011-940 du 10 août 2011 modifiant certaines dispositions de la Loi nº 2009-879 dite HPST, Loi nº 47-1775 portant statut de la coopération; u Code de la santé publique.

Riżerva Nru 12 – Turiżmu u s-servizzi relatati mal-ivvjaġġar

Settur – sottosettur:	Servizzi relatati mat-turiżmu u l-ivvjaġġar – lukandi, ristoranti u catering; Servizzi ta' aġenziji tal-ivvjaġġar u operaturi turistiċi (inklużi l-maniġers tal-vjaġġi) servizzi ta' gwidi turistiċi

Klassifikazzjoni tal-industrija:	CPC 641, 642, 643, 7471, 7472
Tip ta' riżerva:	Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi Preżenza lokali
Kapitolu:	Liberalizzazzjoni tal-investiment; Kummerċ transfruntier fis-servizzi
Livell ta' gvern:	UE/Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

Fil-BG: Is-servizzi ta' operaturi turistiċi jew ta' aġenzija tal-ivvjaġġar jistgħu jiġu pprovduti minn persuna stabbilita fiż-ŻEE jekk, meta tistabbilixxi ruħha fit-territorju tal-Bulgarija, il-persuna msemmija tippreżenta kopja ta' dokument li jiċċertifika d-dritt tagħha li tipprattika dik l-attività jew ċertifikat jew dokument ieħor maħruġ minn istituzzjoni ta' kreditu jew assiguratur li jikkontjeni data tal-eżistenza ta' assigurazzjoni li tkopri r-responsabbiltà tal-imsemmija persuna għad-danni li jistgħu jiġu kkawżati bħala riżultat tan-nuqqas kundannabbli ta' twettiq tal-obbligi professjonali. L-għadd ta' maniġers barranin ma jistax jaqbeż l-għadd ta' maniġers li huma ċittadini Bulgari, f'każijiet fejn is-sehem pubbliku (statali jew muniċipali) fil-kapital ta' ekwità ta' kumpanija Bulgara jaqbeż il-50 %. Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza taż-ŻEE għal gwidi turistiċi (CPC 641, 642, 643, 7471, 7472).

Miżuri:

Fil-BG: Il-Liġi dwar it-Turiżmu, l-Artikoli 61, 113 u 146.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

F'CY: Liċenzja għall-istabbiliment u l-operat ta' kumpanija jew aġenzija turistika u tal-ivvjaġġar, kif ukoll it-tiġdid ta' liċenzja għall-operat ta' kumpanija jew aġenzija eżistenti, għandha tingħata biss lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi mill-Unjoni Ewropea. Ebda kumpanija mhux residenti, minbarra dawk stabbiliti fi Stat Membru ieħor, ma tista' tipprovdi fir-Repubblika ta' Ċipru, fuq bażi organizzata jew permanenti, l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 3 tal-Liġi msemmija aktar 'il fuq, sakemm ma tkunx rappreżentata minn kumpanija residenti. L-għoti ta' servizzi ta' gwida turistika u ta' aġenziji tal-ivvjaġġar u operaturi tal-vjaġġi jirrikjedi ċittadinanza ta' Stat Membru (CPC 7471, 7472).

Miżuri:

F'CY: Il-Liġi dwar it-Turiżmu u l-Uffiċċji tal-Ivvjaġġar u l-Gwidi Turistiċi 1995 (il-Liġi 41(I)/1995) kif emendata).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fil-EL: Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jridu jiksbu diploma mill-Iskejjel tal-Gwidi Turistiċi tal-Ministeru Grieg tat-Turiżmu, sabiex ikunu intitolati għad-dritt li jipprattikaw il-professjoni. Bħala eċċezzjoni, id-dritt ta' prattika tal-professjoni jista' jingħata temporanjament (sa sena) lil ċittadini ta' pajjiżi terzi, permezz ta' deroga mid-dispożizzjonijiet hawn fuq imsemmija, fil-każ tan-nuqqas ikkonfermat ta' gwida turistika għal lingwa speċifika.

Miżuri:

Fil-EL: Digriet Presidenzjali 38/2010, id-Deċiżjoni Ministerjali 165261/IA/2010 (Il-Gazzetta tal-Gvern 2157/B), Artikolu 50 tal-liġi 4403/2016, Artikolu 47 tal-liġi 4582/2018 (Gazzetta tal-Gvern 208/A).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

Fi ES (għal ES tapplika wkoll għall-gvern f'livell reġjonali): Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru sabiex jiġu pprovduti s-servizzi ta' gwida turistika (CPC 7472).

Fil-HR: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza taż-ŻEE għas-servizzi ta' ospitalità u catering fid-djar u l-abitazzjonijiet rurali (CPC 641, 642, 643, 7471, 7472).

Miżuri:

Fi ES: Andalucía: Decreto 8/2015, de 20 de enero, Regulador de guías de turismo de Andalucía;

Aragón: Decreto 21/2015, de 24 de febrero, Reglamento de Guías de turismo de Aragón;

Cantabria: Decreto 51/2001, de 24 de julio, Article 4, por el que se modifica el Decreto 32/1997, de 25 de abril, por el que se aprueba el reglamento para el ejercicio de actividades turístico-informativas privadas;

Castilla y León: Decreto 25/2000, de 10 de febrero, por el que se modifica el Decreto 101/1995, de 25 de mayo, por el que se regula la profesión de guía de turismo de la Comunidad Autónoma de Castilla y León;

Castilla la Mancha: Decreto 86/2006, de 17 de julio, de Ordenación de las Profesiones Turísticas;

Cataluña: Decreto Legislativo 3/2010, de 5 de octubre, para la adecuación de normas con rango de ley a la Directiva 2006/123/CE, del Parlamento y del Consejo, de 12 de diciembre de 2006, relativa a los servicios en el mercado interior, l-Artikolu 88;

Comunidad de Madrid: Decreto 84/2006, de 26 de octubre del Consejo de Gobierno, por el que se modifica el Decreto 47/1996, de 28 de marzo;

Comunidad Valenciana: Decreto 90/2010, de 21 de mayo, del Consell, por el que se modifica el reglamento regulador de la profesión de guía de turismo en el ámbito territorial de la Comunitat Valenciana, aprobado por el Decreto 62/1996, de 25 de marzo, del Consell;

Extremadura: Decreto 37/2015, de 17 de marzo;

Galicia: Decreto 42/2001, de 1 de febrero, de Refundición en materia de agencias de viajes, guias de turismo y turismo activo;

Illes Balears: Decreto 136/2000, de 22 de septiembre, por el cual se modifica el Decreto 112/1996, de 21 de junio, por el que se regula la habilitación de guía turístico en las Islas Baleares;

Islas Canarias: Decreto 13/2010, de 11 de febrero, por el que se regula el acceso y ejercicio de la profesión de guía de turismo en la Comunidad Autónoma de Canarias, l-Artikolu 5;

La Rioja: Decreto 14/2001, de 4 de marzo, Reglamento de desarrollo de la Ley de Turismo de La Rioja;

Navarra: Decreto Foral 288/2004, de 23 de agosto. Reglamento para actividad de empresas de turismo activo y cultural de Navarra.

Principado de Asturias: Decreto 59/2007, de 24 de mayo, por el que se aprueba el Reglamento regulador de la profesión de Guía de Turismo en el Principado de Asturias; u

Región de Murcia: Decreto n.o 37/2011, de 8 de abril, por el que se modifican diversos decretos en materia de turismo para su adaptación a la ley 11/1997, de 12 de diciembre, de turismo de la Región de Murcia tras su modificación por la ley 12/2009, de 11 de diciembre, por la que se modifican diversas leyes para su adaptación a la directiva 2006/123/CE, del Parlamento Europeo y del Consejo de 12 de diciembre de 2006, relativa a los servicios en el mercado interior.

Fil-HR: L-Att dwar l-Ospitalità u l-Industrija tal-Forniment tal-Ikel (OG 138/06, 152/08, 43/09, 88/10 i 50/12); u l-Att dwar il-Forniment ta' Servizzi tat-Turiżmu (OG Nru 68/07 u 88/10).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

Fl-HU: Il-forniment ta' servizzi ta' aġenti tal-ivvjaġġar u ta' operaturi turistiċi, u servizzi ta' gwidi turistiċi fuq bażi -transfruntiera huwa soġġett għal liċenzja maħruġa mill-Uffiċċju Ungeriż tal-Liċenzji tal-Kummerċ. Il-liċenzji huma riżervati għal ċittadini taż-ŻEE u persuni ġuridiċi li jkollhom is-sedi tagħhom fiż-ŻEE (CPC 7471, 7472).

Fil-IT (tapplika wkoll għall-gvern f'livell reġjonali): il-gwidi turistiċi minn pajjiżi terzi jkollhom bżonn jiksbu liċenzja speċifika mir-reġjun sabiex jaġixxu bħala gwida turistika professjonali. Il-gwidi turistiċi mill-Istati Membri jistgħu jaħdmu liberament mingħajr il-bżonn ta' tali liċenzja. Il-liċenzja tingħata lil gwidi turistiċi li jkollhom kompetenza u għarfien adegwati (CPC 7472).

Miżuri:

Fl-HU: L-Att CLXIV tal-2005 dwar in-Negozju, id-Digriet Governattiv Nru 213/1996 (XII.23.) dwar l-Organizzazzjoni tal-Ivvjaġġar u l-Attivitajiet ta' Aġenzija.

Fl-IT: Il-Liġi 135/2001, l-Artikoli 7.5 u 6; u l-Liġi 40/2007 (DL 7/2007).

Riżerva Nru 13 – Servizzi rikreattivi, kulturali u sportivi

Settur – sottosettur:	Servizzi rikreattivi; servizzi sportivi oħrajn
Klassifikazzjoni tal-industrija:	CPC 962, parti minn CPC 96419
Tip ta' riżerva:	Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Kapitolu:	Liberalizzazzjoni tal-investiment; Kummerċ transfruntier fis-servizzi
Livell ta' gvern:	UE/Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

(a) Aġenziji tal-aħbarijiet u tal-istampa (CPC 962)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi:

F'CY: L-istabbiliment u l-operat ta' aġenziji jew ta' sottoaġenziji tal-istampa fir-Repubblika jingħataw biss lil ċittadini tar-Repubblika jew lil ċittadini tal-Unjoni jew lil entitajiet ġuridiċi rregolati minn ċittadini tar-Repubblika jew minn ċittadini tal-Unjoni.

Miżuri:

F'CY: Il-Liġi dwar l-Istampa (Nru 145/89) kif emendata.

(b) Servizzi sportivi oħra (CPC 96419)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

Fl-AT (tapplika għall-gvern f'livell reġjonali): L-operat tal-iskejjel tal-iskijar u tas-servizzi ta' gwida tal-muntanji huwa rregolat mil-liġijiet tal-Bundesländer. Il-forniment ta' dawn is-servizzi jista' jirrikjedi ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru taż-ŻEE. L-intrapriżi jistgħu jkunu meħtieġa jaħtru direttur maniġerjali li jkun ċittadin ta' Stat Membru taż-ŻEE.

Miżuri:

Fl-AT: Kärntner Schischulgesetz, LGBL. Nru 53/97;

Kärntner Berg- und Schiführergesetz, LGBL. Nru 25/98;

NÖ- Sportgesetz, LGBL. Nru 5710;

OÖ- Sportgesetz, LGBl. Nru 93/1997;

Salzburger Schischul- und Snowboardschulgesetz, LGBL. Nru 83/89;

Salzburger Bergführergesetz, LGBL. Nru 76/81;

Steiermärkisches Schischulgesetz, LGBL. Nru 58/97;

Steiermärkisches Berg- und Schiführergesetz, LGBL. Nru 53/76;

Tiroler Schischulgesetz. LGBL. Nru 15/95;

Tiroler Bergsportführergesetz, LGBL. Nru 7/98;

Vorarlberger Schischulgesetz, LGBL. Nru 55/02 § 4 (2)a;

Vorarlberger Bergführergesetz, LGBL. Nru 54/02; u

Wien: Gesetz über die Unterweisung in Wintersportarten, LGBL. Nru 37/02.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

F'CY: Rekwiżit taċ-ċittadinanza għall-istabbiliment ta' skola taż-żfin u rekwiżit taċ-ċittadinanza għall-istrutturi fiżiċi.

Miżuri:

F'CY: Il-Liġi 65(I)/1997 kif emendata; u

l-Liġi 17(I)/1995 kif emendata.

Riżerva Nru 14 - Servizzi tat-trasport u s-servizzi awżiljarji għas-servizzi tat-trasport

Settur – sottosettur:	Servizzi tat-trasport – sajd u trasport bl-ilma – kwalunkwe attività kummerċjali oħra mwettqa minn bastiment; trasport bl-ilma u servizzi awżiljarji għat-trasport bl-ilma; trasport bil-ferrovija u servizzi awżiljarji għat-trasport bil-ferrovija; trasport bit-triq u servizzi awżiljarji għat-trasport bit-triq; servizzi awżiljarji għat-trasport bl-ajru
Klassifikazzjoni tal-industrija:	ISIC Rev. 3.1 0501, 0 502; CPC 5133, 5223, 711, 712, 721, 741, 742, 743, 744, 745, 748, 749, 7461, 7469, 83103, 86751, 86754, 8730, 882
Tip ta' riżerva:	Trattament nazzjonali It-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi Preżenza lokali
Kapitolu:	Liberalizzazzjoni tal-investiment; Kummerċ transfruntier fis-servizzi
Livell ta' gvern:	UE/Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

(a) Trasport marittimu u servizzi awżiljarji għat-trasport marittimu. Kull attività kummerċjali mwettqa minn bastiment (ISIC Rev. 3.1 0501, 0502; CPC 5133, 5223, 721, Parti minn 742, 745, 74540, 74520, 74590, 882)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-BG: Il-ġarr u kwalunkwe attività relatata ma' xogħlijiet ta' inġinerija idrawlika u xogħlijiet tekniċi taħt l-ilma, il-prospettar u l-estrazzjoni ta' riżorsi minerali u riżorsi mhux organiċi oħra, il-pilotaġġ, il-bunkering, ir-riċeviment ta' skart, it-taħlit ta' ilma u żejt u simili, imwettqa minn bastimenti fl-ilmijiet interni, u fil-baħar territorjali tal-Bulgarija, jistgħu jitwettqu biss minn bastimenti li jtajru l-bandiera Bulgara jew bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru ieħor.

Rekwiżit taċ-ċittadinanza għas-servizzi ta' appoġġ. Il-kaptan u l-inġinier kap tal-bastiment bilfors iridu jkunu ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE, jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera (ISIC Rev. 3.1 0501, 0 502, CPC 5133, 5223, 721, 74520, 74540, 74590, 882).

Miżuri:

Fil-BG: Il-Kodiċi tal-Bastimenti Merkantili; il-Liġi għall-Ilma Baħar, il-Passaġġi tal-Ilma Interni u l-Portijiet tar-Repubblika tal-Bulgarija; l-Ordinanza għall-kondizzjoni u l-ordni għall-għażla ta' operaturi tat-trasport Bulgari għall-ġarr ta' passiġġieri u merkanzija taħt trattati internazzjonali; u l-Ordinanza 3 għas-servizzi ta' manutenzjoni ta' bastimenti mingħajr ekwipaġġ.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fid-DK: Il-forniturі tal-pilotaġġ jistgħu jwettqu biss servizzi ta' pilotaġġ fid-Danimarka jekk ikunu domiċiljati f'pajjiż ta-ŻEE u jkunu rreġistrati u approvati mill-Awtoritajiet Daniżi skont l-Att Daniż dwar il-Pilotaġġ (CPC 74520).

Miżuri:

Fid-DK: L-Att Daniż dwar il-Pilotaġġ, § 18.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fil-DE (tapplika wkoll għall-gvern f'livell reġjonali): Bastiment li ma jappartjenix lil ċittadin ta' Stat Membru jista' jintuża biss għal attivitajiet għajr it-trasport u s-servizzi awżiljarji fil-passaġġi tal-ilma federali Ġermaniżi wara awtorizzazzjoni speċifika. L-eżenzjonijiet għal bastimenti mhux tal-Unjoni Ewropea jistgħu jingħataw biss jekk ebda bastiment tal-Unjoni Ewropea ma jkun disponibbli jew jekk ikun disponibbli taħt kondizzjonijiet sfavorevoli ħafna, jew fuq il-bażi ta' reċiproċità. L-eżenzjonijiet għal bastimenti li jtajru l-bandiera Ċilena jistgħu jingħataw fuq il-bażi ta' reċiproċità (§ 2 paragrafu 3 KüSchVO) L-attivitajiet kollha li jaqgħu fl-ambitu tal-liġi dwar il-piloti huma regolati u l-akkreditament huwa ristrett għal ċittadini taż-ŻEE jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera. Il-forniment u t-tħaddim ta' faċilitajiet għall-pilotaġġ huma ristretti għall-awtoritajiet pubbliċi jew għall-kumpaniji, li huma ddeżinjati minnhom.

Għall-kiri jew il-lokazzjoni ta' bastimenti li jbaħħru b'operaturi jew mingħajrhom, u għall-kiri jew il-lokazzjoni mingħajr operatur ta' bastimenti li ma jbaħħrux, il-konklużjoni ta' kuntratti għat-trasport ta' merkanzija permezz ta' bastimenti li jtajru bandiera barranija jew il-kiri ta' tali bastimenti jista' jkun ristrett, skont id-disponibbiltà ta' bastimenti li jtajru l-bandiera Ġermaniża jew il-bandiera ta' Stat Membru ieħor.

It-tranżazzjonijiet bejn residenti u mhux residenti fiż-żona ekonomika jistgħu jkunu ristretti (Trasport bl-ilma, Servizzi ta' appoġġ għat-trasport bl-ilma, kiri ta' bastimenti, servizzi ta' lokazzjoni ta' bastimenti mingħajr operaturi (CPC 721, 745, 83103, 86751, 86754, 8730)), meta tali tranżazzjonijiet jikkonċernaw:

(i) il-kiri ta' bastimenti tat-trasport fuq il-passaġġi tal-ilma interni, li ma jkunux irreġistrati fiż-żona ekonomika;

(ii) it-trasport ta' merkanzija permezz ta' tali bastimenti tat-trasport fuq il-passaġġi tal-ilma interni; jew

iii) is-servizzi ta' rmonk minn tali bastimenti tat-trasport fuq il-passaġġi tal-ilma interni.

Miżuri:

Fil-DE: Gesetz über das Flaggenrecht der Seeschiffe und die Flaggenführung der Binnenschiffe (Flaggenrechtsgesetz; l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Bandiera); l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Bandiera);

Verordnung über die Küstenschifffahrt (KüSchV);

Gesetz über die Aufgaben des Bundes auf dem Gebiet der Binnenschiffahrt (Binnenschiffahrtsaufgabengesetz - BinSchAufgG);

Verordnung über Befähigungszeugnisse in der Binnenschiffahrt (Binnenschifferpatentverordnung - BinSchPatentV);

Gesetz über das Seelotswesen (Seelotsgesetz - SeeLG);

Gesetz über die Aufgaben des Bundes auf dem Gebiet der Seeschiffahrt (Seeaufgabengesetz - SeeAufgG); u

Verordnung zur Eigensicherung von Seeschiffen zur Abwehr äußerer Gefahren (See-Eigensicherungsverordnung - SeeEigensichV).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

Fil-FI: is-servizzi ta' sostenn għat-trasport marittimu meta jiġu pprovduti fl-ibħra marittimi Finlandiżi huma riżervati għal flotot li joperaw taħt il-bandiera nazzjonali, tal-Unjoni Ewropea jew Norveġiża (CPC 745).

Miżuri:

Fil-FI: Merilaki (l-Att Marittimu) (674/1994); u

Laki elinkeinon harjoittamisen oikeudesta (l-Att dwar id-Dritt ta' Twettiq ta' Negozju) (122/1919), § 4.

(b) Trasport bil-ferrovija u servizzi awżiljarji għat-trasport bil-ferrovija (CPC 711, 743)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fil-BG: Iċ-ċittadini ta' Stat Membru biss jistgħu jipprovdu trasport bil-ferrovija jew servizzi ta' sostenn għat-trasport bil-ferrovija fil-Bulgarija. Liċenzja biex jitwettaq trasport tal-passiġġieri jew tal-merkanzija bil-ferrovija tinħareġ mill-Ministru tat-Trasport għall-operaturi ferrovjarji rreġistrati bħala kummerċjanti (CPC 711, 743).

Miżuri:

Fil-BG: Il-Liġi dwar it-Trasport bil-Ferrovija, l-Artikoli dok. 37/48.

(c) Trasport bit-triq u servizzi awżiljarji għat-trasport bit-triq (CPC 712, 7121, 7122, 71222, 7123)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit, Preżenza lokali:

Fl-AT (fir-rigward ukoll tat-Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit): Għat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija, id-drittijiet esklużivi jew l-awtorizzazzjoni jistgħu jingħataw biss lil ċittadini tal-Partijiet Kontraenti taż-ŻEE u lil persuni ġuridiċi tal-Unjoni li jkollhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fl-Awstrija. Il-liċenzji jingħataw b'termini nondiskriminatorji, bil-kondizzjoni ta' reċiproċità (CPC 712).

Miżuri:

Fl-AT: Güterbeförderungsgesetz (l-Att dwar it-Trasport ta' Prodotti), BGBl. Nru 593/1995; 5.

Gelegenheitsverkehrsgesetz (l-Att dwar it-Traffiku Okkażjonali), BGBl. Nru 112/1996; 6. u

Kraftfahrliniengesetz (il-Liġi dwar it-Trasport Skedat), BGBl. I Nru 203/1999 kif emendata, § § 7 u 8.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fil-EL: Għall-operaturi ta' servizzi ta' trasport tal-merkanzija bit-triq. sabiex wieħed jidħol fl-okkupazzjoni ta' operatur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq, hija meħtieġa liċenzja Ellenika. Il-liċenzji jingħataw b'termini nondiskriminatorji, bil-kondizzjoni ta' reċiproċità (CPC 7123).

Miżuri:

Fil-EL: Liċenzjar tal-operaturi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq: Il-liġi Griega 3887/2010 (il-Gazzetta tal-Gvern A' 174), kif emendata bl-Artikolu 5 tal-Liġi 4038/2012 (Il-Gazzetta tal-Gvern A' 14).

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fiċ-CZ: Hija meħtieġa l-inkorporazzjoni fir-Repubblika Ċeka (l-ebda fergħa).

Miżuri:

Fiċ-CZ: L-Att Nru 111/1994. Coll. Dwar it-Trasport bit-Triq.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit, Preżenza lokali:

Fl-SE: Sabiex wieħed jidħol fl-okkupazzjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq, hija meħtieġa liċenzja Żvediża. Il-kriterji biex tingħata liċenzja għal taksi jinkludu li l-kumpanija tkun ħatret persuna fiżika biex taġixxi bħala l-maniġer tat-trasport (rekwiżit de facto ta' residenza – ara r-riżerva Żvediża dwar it-tipi ta' stabbiliment).

Il-kriterji biex tingħata liċenzja għal operaturi oħra tat-trasport bit-triq jirrikjedu li l-kumpanija tkun stabbilita fl-Unjoni Ewropea, ikollha stabbiliment li jinsab fl-Iżvezja u tkun ħatret persuna fiżika biex taġixxi bħala l-maniġer tat-trasport, li trid tkun residenti fl-Unjoni Ewropea.

Miżuri:

Fl-SE: Yrkestrafiklag (2012:210) (l-Att dwar it-traffiku professjonali);

Yrkestrafikförordning (2012:237) (ir-Regolament tal-Gvern dwar it-traffiku professjonali);

Taxitrafiklag (2012:211) (l-Att dwar it-Taxis); u

Taxitrafikförordning (2012:238) (ir-Regolament tal-Gvern dwar it-taxis).

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fis-SK: Konċessjoni ta' servizz tat-taxi u permess għall-operat tad-dispaċċ tat-taxi jistgħu jingħataw lil persuna li għandha residenza jew post ta' stabbiliment fit-territorju tar-Repubblika Slovakka jew fi Stat Membru ieħor taż-ŻEE.

Miżuri:

Fis-SK: Att 56/2012 Coll., dwar it-Trasport bit-Triq

(d) Servizzi awżiljarji għas-servizzi tat-trasport bl-ajru

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fl-UE: Għas-servizzi ta' groundhandling, jista' jkun meħtieġ l-istabbiliment fit-territorju tal-Unjoni Ewropea. Hija meħtieġa r-reċiproċità.

Miżuri:

Fl-UE: Id-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE tal-15 ta' Ottubru 1996 ([8]).

Fil-BE (japplika wkoll għall-gvern f'livell reġjonali): Għas-servizzi ta' groundhandling, hija meħtieġa r-reċiproċità.

([8]) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/67/EC tal-15 ta' Ottubru 1996 dwar l-aċċess għas-suq tal-groundhandling fl-ajruporti tal-Komunità (ĠU UE L 272, 25.10.1996, p. 36).

Miżuri:

Fil-BE: Arrêté Royal du 6 novembre 2010 réglementant l'accès au marché de l'assistance en escale à l'aéroport de Bruxelles-National (l-Artikolu 18);

Besluit van de Vlaamse Regering betreffende de toegang tot de grondafhandelingsmarkt op de Vlaamse regionale luchthavens (l-Artikolu 14); u

Arrêté du Gouvernement wallon réglementant l'accès au marché de l'assistance en escale aux aéroports relevant de la Région wallonne (l-Artikolu 14).

(e) Servizzi ta' appoġġ għall-modalitajiet kollha tat-trasport (parti minn CPC 748)

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

L-UE (tapplika wkoll għall-gvern f'livell reġjonali): Is-servizzi ta' żdoganar jistgħu jiġu pprovduti biss minn residenti tal-Unjoni Ewropea jew minn persuni ġuridiċi stabbiliti fl-Unjoni Ewropea.

Miżuri:

Fl-UE: Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]).

(f) Forniment ta' servizzi ta' trasport ikkumbinat

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

L-UE (tapplika wkoll għall-gvern f'livell reġjonali): Bl-eċċezzjoni tal-FI: huma biss it-trasportaturi fuq distanzi twal stabbiliti fi Stat Membru li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-professjoni u l-aċċess għas-suq għat-trasport ta' merkanzija bejn l-Istati Membri li jistgħu, fil-kuntest ta' operazzjoni ta' trasport ikkombinat bejn l-Istati Membri, jwettqu partijiet inizjali jew finali tat-trasport fuq distanzi twal bit-triq li jiffurmaw parti integrali mill-operazzjoni ta' trasport ikkombinat u li jistgħu jinkludu l-qsim ta' fruntiera jew le. Japplikaw il-limitazzjonijiet li jaffettwaw kwalunkwe mezz ta' trasport partikolari.

Jistgħu jittieħdu miżuri neċessarji sabiex jiġi żgurat li t-taxxi fuq il-vetturi bil-mutur applikabbli għal vetturi tat-triq routed fi trasport ikkombinat jiġu mnaqqsa jew rimborżati.

Miżuri:

Fl-UE: Direttiva tal-Kunsill 1992/106/KEE ([10]).

Riżerva Nru 15 – L-estrazzjoni minerarja u attivitajiet relatati mal-enerġija

Settur – sottosettur:	Estrazzjoni minerarja u qtugħ mill-barrieri – materjali li jipproduċu l-enerġija; estrazzjoni minerarja u qtugħ mill-barrieri – minerali tal-metall u estrazzjoni minerarja oħra; Attivitajiet relatati mal-enerġija – il-produzzjoni, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni ta' elettriku, gass, fwar u miskun għall-kont proprju; it-trasport ta' fjuwils permezz ta' pipelines; il-ħżin u l-magażinaġġ ta' fjuwils ittrasportati permezz ta' pipelines; u servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija
Klassifikazzjoni tal-industrija:	ISIC Rev. 3.1 10, 11, 12, 13, 14, 40, CPC 5115, 63297, 713, parti minn 742, 8675, 883, 887
Tip ta' riżerva:	Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi Preżenza lokali
Kapitolu:	Liberalizzazzjoni tal-investiment; Kummerċ transfruntier fis-servizzi

([9]) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU UE L 269, 10.10.2013, p. 1).

([10]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE tas-7 ta' Diċembru 1992 dwar li jiġu stabiliti regoli komuni għal ċerti tipi ta' ġarr ikkombinat tal-oġġetti bejn l-Istati Membri (ĠU L 368, 17.12.1992, p. 38).

Livell ta' gvern: UE/Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

(a) Minjieri u barrieri (ISIC 10, 11, 12, 13, 14, CPC 3.1, 10, 11, 12) CPC 5115, 7131, 8675, 883

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fil-BG: L-attivitajiet ta' prospettar jew esplorazzjoni ta' riżorsi naturali taħt l-art fit-territorju tar-Repubblika tal-Bulgarija, fil-blata kontinentali u fiż-żona ekonomika esklużiva fil-Baħar l-Iswed huma soġġetti għal permess, filwaqt li l-attivitajiet ta' estrazzjoni u sfruttament huma soġġetti għal konċessjoni mogħtija skont l-Att dwar ir-Riżorsi Naturali ta' Taħt l-Art.

Huwa pprojbit li kumpaniji rreġistrati f'ġuriżdizzjonijiet bi trattament tat-taxxa preferenzjali (jiġifieri, żoni offshore) jew relatati, direttament jew indirettament, ma' tali kumpaniji jipparteċipaw fi proċeduri miftuħa għall-għoti ta' permessi jew konċessjonijiet għal prospettar, esplorazzjoni jew estrazzjoni ta' riżorsi naturali, inklużi l-uranju u t-torju mhux maħdum, kif ukoll li joperaw permess jew konċessjoni eżistenti li tkun ingħatat, billi tali operazzjonijiet huma preklużi, inkluża l-possibbiltà li tiġi rreġistrata l-iskoperta ġeoloġika jew kummerċjali ta' depożitu bħala riżultat tal-esplorazzjoni.

L-estrazzjoni tal-uranju mhux maħdum hija magħluqa bid-Digriet tal-Kunsill tal-Ministri Nru 163 tal-20.08.1992.

Fir-rigward tal-esplorazzjoni u l-estrazzjoni tat-torju mhux maħdum, japplika r-reġim ġenerali tal-permessi u l-konċessjonijiet. Id-deċiżjonijiet li jippermettu l-esplorazzjoni jew l-estrazzjoni tat-torju mhux maħdum jittieħdu fuq bażi individwali mhux diskriminatorja każ b'każ.

Skont id-Deċiżjoni tal-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika tal-Bulgarija tat-18 ta' Jannar 2012 (ch. l-14 ta' Ġunju 2012), kull użu ta' teknoloġija ta' fratturazzjoni idrawlika jiġifieri, fratturazzjoni, għal attivitajiet ta' prospettar, esplorazzjoni jew estrazzjoni ta' żejt u gass, huwa pprojbit.

L-esplorazzjoni u l-estrazzjoni ta' gass tax-shale hija pprojbita (ISIC 10, 11, 12, 13, 14).

Miżuri:

Fil-BG: L-Att dwar ir-Riżorsi Naturali ta' Taħt l-Art;

l-Att dwar il-Konċessjonijiet;

il-Liġi dwar il-Privatizzazzjoni u l-Kontroll Wara l-Privatizzazzjoni;

l-Att dwar l-Użu Sikur tal-Enerġija Nukleari; id-Deċiżjoni tal-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika tal-Bulgarija tat-18 ta' Jannar 2012; l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Ekonomiċi u Finanzjarji mal-Kumpaniji Reġistrati f'Ġuriżdizzjonijiet ta' Trattament Preferenzjali tat-Taxxa, il-Partijiet Relatati mat-Tali Kumpaniji u l-Proprjetarji Benefiċjarji Tagħhom; u l-Att dwar ir-Riżorsi tas-Sottosuperfiċje.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

F'CY: Il-Kunsill tal-Ministri jista' jirrifjuta li jippermetti li l-attivitajiet ta' prospettar, esplorazzjoni u sfruttament tal-idrokarburi jitwettqu minn kwalunkwe entità li hija effettivament ikkontrollata miċ-Ċili jew minn ċittadini taċ-Ċili. Wara l-għoti ta' awtorizzazzjoni, l-ebda entità ma tista' taqa' taħt il-kontroll dirett jew indirett taċ-Ċili jew ta' ċittadin taċ-Ċili mingħajr l-approvazzjoni minn qabel tal-Kunsill tal-Ministri. Il-Kunsill tal-Ministri jista' jirrifjuta li jagħti awtorizzazzjoni lil entità li tkun effettivament ikkontrollata miċ-Ċili jew minn ċittadin taċ-Ċili jekk iċ-Ċili ma tagħtix lill-entitajiet tar-Repubblika jew lill-entitajiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-aċċess għal u l-eżerċizzju tal-attivitajiet ta' prospettar, esplorazzjoni u sfruttament tal-idrokarburi, trattament komparabbli għal dak li r-Repubblika ta' Ċiprujew l-Istat Membru jagħti lill-entitajiet miċ-Ċili (ISIC Rev 3.1 1110).

Miżuri:

F'CY: Il-Liġi tal-2007 dwar l-Idrokarburi (Prospettar, Esplorazzjoni u Sfruttament), (il-Liġi 4(I)/2007) kif emendata.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Servizzi transfruntiera – Preżenza lokali:

Fis-SK: Għall-estrazzjoni minerarja, l-attivitajiet relatati mal-estrazzjoni minerarja u l-attività ġeoloġika, hija meħtieġa l-inkorporazzjoni fiż-ŻEE (l-ebda fergħa). L-attivitajiet ta' estrazzjoni u prospettar koperti bl-Att tar-Repubblika Slovakka 44/1988 dwar il-protezzjoni u l-isfruttar tar-riżorsi naturali huma regolati fuq bażi nondiskriminatorja, inkluż permezz ta' miżuri ta' ordni pubbliku li għandhom l-għan li jassiguraw il-konservazzjoni u l-protezzjoni tar-riżorsi naturali u l-ambjent bħall-awtorizzazzjoni jew il-projbizzjoni ta' ċerti teknoloġiji ta' estrazzjoni minerarja. Għal aktar ċertezza, dawn il-miżuri jinkludu l-projbizzjoni tal-użu tal-lixxivjazzjoni taċ-ċjanur fit-trattament jew l-irfinar tal-minerali, ir-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni speċifika fil-każ ta' fratturazzjoni għall-attivitajiet ta' prospettar, esplorazzjoni jew estrazzjoni taż-żejt u l-gass, kif ukoll l-approvazzjoni minn qabel permezz ta' referendum lokali fil-każ ta' riżorsi minerali nukleari/radjuattivi. Dan ma jżidx l-aspetti mhux konformi tal-miżura eżistenti li għaliha hija meħuda r-riżerva. (ISIC 10, 11, 1112, 13, 14, CPC 5115, 7131, 8675 u 883).

Miżuri:

Fis-SK: L-Att 51/1988 dwar l-Estrazzjoni Minerarja, l-Isplussivi u l-Amministrazzjoni Statali tal-Estrazzjoni Minerarja; u l-Att 569/2007 dwar l-Attività Ġeoloġika, l-Att 44/1988 dwar il-protezzjoni u l-isfruttament tar-riżorsi naturali.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fil-FI: L-esplorazzjoni u l-isfruttament ta' riżorsi minerali huma soġġetti għar-rekwiżit ta' liċenzja, li tingħata mill-Gvern fir-rigward tal-estrazzjoni ta' materjal nukleari. Huwa meħtieġ permess ta' fidi mill-Gvern għal żona ta' estrazzjoni minerarja. Il-permess jista' jingħata lil persuna fiżika residenti fiż-ŻEE jew lil persuna ġuridika stabbilita fiż-ŻEE. (ISIC 10, 11, 12, 3.1, 120, CPC 5115, 883, 8675 u 883).

Fl-IE: Il-kumpaniji ta' esplorazzjoni u ta' estrazzjoni minerarja li joperaw fl-Irlanda huma meħtieġa li jkollhom preżenza hemmhekk. Fil-każ tal-esplorazzjoni ta' minerali, hemm rekwiżit li l-kumpaniji (Irlandiżi u barranin) jużaw is-servizzi ta' aġent jew ta' maniġer tal-esplorazzjoni li jkun residenti fl-Irlanda waqt li jkun qiegħed jitwettaq ix-xogħol. Fil-każ tal-estrazzjoni minerarja, huwa rekwiżit li Lokazzjoni jew Liċenzja ta' Estrazzjoni Minerarja tal-Istat tkun miżmuma minn kumpanija inkorporata fl-Irlanda. Ma hemmx restrizzjonijiet fir-rigward tas-sjieda ta' tali kumpanija (ISIC Rev. 3.1 10, 3.1 13, 3.1 14, CPC 883).

Fil-LT: Ir-riżorsi minerali kollha tas-sottosuperfiċje (enerġija, metalli, minerali industrijali u tal-kostruzzjoni) fil-Litwanja huma proprjetà esklużiva tal-Istat. Il-liċenzji tal-esplorazzjoni ġeoloġika jew tal-isfruttament ta' riżorsi minerali jistgħu jingħataw lil persuna fiżika residenti fl-Unjoni u fiż-ŻEE jew lil persuna ġuridika stabbilita fl-Unjoni u fiż-ŻEE.

Miżuri:

Fil-FI: Kaivoslaki (l-Att dwar l-Estrazzjoni) (621/2011); u

Ydinenergialaki (l-Att dwar l-Enerġija Nukleari) (990/1987).

Fl-IE: L-Atti dwar l-Iżvilupp tal-Minerali 1940 – 2017; u l-Atti dwar l-Ippjanar u r-Regolamenti Ambjentali.

Fil-LT: Il-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Litwanja, 1992; l-aħħar emenda tal-21 ta' Marzu 2019 Nru XIII-2004,;l-Liġi dwar Taħt l-Art Nru I-1034, 1995, redazzjoni ġdida mill-10 ta' April 2001 Nru IX-243, l-aħħar emenda tal-14 ta' April 2016 Nru XII-2308.

Fir-rigward tal-Investiment biss – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fis-SI: L-esplorazzjoni għar-riżorsi minerali, u l-isfruttament tagħhom, inkluż is-servizzi tal-estrazzjoni minerarja regolata, huma soġġetti għall-istabbiliment fiż-ŻEE, fil-Konfederazzjoni Żvizzera jew f'Membru tal-OECD, jew iċ-ċittadinanza tagħhom (ISIC Rev. 3.1 10, ISIC Rev. 3.1 11, ISIC Rev. 3.1 12, ISIC Rev. 3.1 13, ISIC Rev. 3.1 14, CPC 883, CPC 8675).

Miżuri:

Fis-SI: L-Att tal-2014 dwar l-Estrazzjoni Minerarja.

(b) Il-produzzjoni, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni ta' elettriku, gass, fwar u miskun għall-kont proprju; it-trasport ta' fjuwils permezz ta' pipelines; il-ħżin u l-magażinaġġ ta' fjuwils ittrasportati permezz ta' pipelines; servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija (ISIC Rev. 3.1 40, 3.1401, CPC 63297, 713, parti minn 742, 74220, 887)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fl-AT: Fir-rigward tat-trasport tal-gass, l-awtorizzazzjoni tingħata biss lil ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE domiċiljati fiż-ŻEE. L-intrapriżi u s-soċjetajiet irid ikollhom is-sede tagħhom fiż-ŻEE. L-operatur tan-network irid jaħtar Direttur Maniġerjali u Direttur Tekniku li jkun responsabbli għall-kontroll tekniku tat-tħaddim tan-network, u t-tnejn li huma jridu jkunu ċittadini ta' stat membru taż-ŻEE. Fir-rigward tal-attivitajiet imwettqa minn parti responsabbli mill-bilanċ (parteċipant fis-suq jew ir-rappreżentant magħżul tagħha responsabbli għall-iżbilanċ tagħha), l-awtorizzazzjoni tingħata biss lil ċittadini Awstrijaċi jew lil ċittadini ta' Stat Membru ieħor jew taż-ŻEE.

L-awtorità kompetenti tista' tirrinunzja għar-rekwiżiti taċ-ċittadinanza u tad-domiċilju fejn it-tħaddim tan-network ikun meqjus li huwa fl-interess pubbliku.

Għat-trasport ta' merkanzija għajr il-gass u l-ilma, japplika dan li ġej:

(i) fir-rigward ta' persuni fiżiċi, l-awtorizzazzjoni tingħata biss lil ċittadini taż-ŻEE li jrid ikollhom sede fl-Awstrija; u

(ii) l-intrapriżi u s-soċjetajiet irid ikollhom is-sede tagħhom fl-Awstrija. Jiġi applikat Test tal-Ħtiġijiet Ekonomiċi jew test tal-interessi. Il-pipelines transfruntiera ma jridux jippreġudikaw l-interessi tas-sigurtà tal-Awstrija u l-istatus tagħha bħala pajjiż newtrali. L-intrapriżi u s-soċjetajiet għandhom jaħtru direttur maniġerjali li jrid ikun ċittadin ta' stat membru taż-ŻEE. L-awtorità kompetenti tista' tneħħi r-rekwiżiti tan-nazzjonalità u tas-sede jekk it-tħaddim tal-pipeline jitqies li jkun fl-interess ekonomiku nazzjonali (CPC 713).

Miżuri:

Fl-AT: Rohrleitungsgesetz (il-Liġi dwar it-Trasport bil-Pipeline), BGBl. Nru 411/1975 kif emendata, § § 5, 15;

Gaswirtschaftsgesetz 2011 (l-Att dwar il-Gass), BGBl. I Nru 107/2011 kif emendat, § § 43, 44, 90, 93.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi u Kummerċ transfruntier fis-servizzi –Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fl-AT (japplika biss għall-gvern f'livell reġjonali): Fir-rigward tat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku, l-awtorizzazzjoni tingħata biss lil ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE domiċiljati fiż-ŻEE. Jekk l-operatur jaħtar direttur maniġerjali jew detentur tal-kirja, ir-rekwiżit tad-domiċilju jitneħħa.

Il-persuni ġuridiċi (intrapriżi) u s-soċjetajiet irid ikollhom is-sede tagħhom fiż-ŻEE. Huma jridu jaħtru direttur maniġerjali jew detentur tal-kirja, li t-tnejn li huma jridu jkunu ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE domiċiljati fiż-ŻEE.

L-awtorità kompetenti tista' tirrinunzja għar-rekwiżiti tad-domiċilju u taċ-ċittadinanza fejn it-tħaddim tan-network ikun meqjus li huwa fl-interess pubbliku (ISIC Rev. 3.1 40, CPC 887).

Miżuri:

Fl-AT: Burgenländisches Elektrizitätswesengesetz 2006, LGBl. Nru 59/2006 kif emendat;

Niederösterreichisches Elektrizitätswesengesetz, LGBl. Nru 7800/2005 kif emendat;

Steiermärkisches Elektrizitätswirtschafts- und Organisationsgesetz(ELWOG), LGBl. Nru 1/2006 kif emendat;

Salzburger Landeselektrizitätsgesetz 1999 (LEG), LGBl. Nru 75/1999 kif emendat;

Tiroler Elektrizitätsgesetz 2012 – TEG 2012, LGBl. Nru 134/2011 kif emendat;

Vorarlberger Bergführergesetz, LGBL. Nru 59/2003 kif emendat;

Wiener Elektrizitätswirtschaftsgesetz 2005 – WElWG 2005, LGBl. Nru 46/2005 kif emendat;

Steiermärkisches Elektrizitätswirtschafts- und Organisationsgesetz(ELWOG), LGBl. Nru 70/2005 kif emendat;

u Kärntner Elektrizitätswirtschafts-und Organisationsgesetz (ELWOG), LGBl. Nru 24/2006 kif emendat.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fiċ-CZ: Għall-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni u l-kummerċ tal-elettriku, u attivitajiet oħra ta' operatur tas-suq tal-elettriku, kif ukoll għall-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni, il-ħażna u l-kummerċ tal-gass, kif ukoll għall-ġenerazzjoni u d-distribuzzjoni tas-sħana, hija meħtieġa awtorizzazzjoni. Awtorizzazzjoni bħal din tista' tingħata biss lil persuna fiżika b'permess ta' residenza jew lil persuna ġuridika stabbilita fl-Unjoni Ewropea (ISIC Rev. 3.1 0501, 0 502, CPC 7131, 63297, 721, 74520, 74540, 742, 887).

Fil-LT: Il-liċenzji għat-trażmissjoni, id-distribuzzjoni, il-provvista pubblika u l-organizzazzjoni tal-kummerċ tal-elettriku jistgħu jinħarġu biss lil persuni ġuridiċi stabbiliti fir-Repubblika tal-Litwanja jew lil fergħat ta' persuni ġuridiċi barranin jew organizzazzjonijiet oħra ta' Stat Membru ieħor stabbiliti fir-Repubblika tal-Litwanja. Il-permessi għall-ġenerazzjoni tal-elettriku, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' ġenerazzjoni tal-elettriku u l-bini ta' linja diretta jistgħu jinħarġu lil individwi b'residenza fir-Repubblika tal-Litwanja jew lil persuni ġuridiċi stabbiliti fir-Repubblika tal-Litwanja, jew lil fergħat ta' persuni ġuridiċi jew organizzazzjonijiet oħra ta' Stati Membri oħra stabbiliti fir-Repubblika tal-Litwanja. Din ir-riżerva ma tapplikax għal servizzi ta' konsulenza relatati mat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni ta' elettriku fuq il-bażi ta' ħlas jew kuntratt (ISIC Rev. 3.1 401, CPC 887).

Fil-każ tal-fjuwils, huwa meħtieġ l-istabbiliment. Il-liċenzji għat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni, il-ħżin tal-fjuwils u l-likwefazzjoni tal-gass naturali jistgħu jinħarġu biss lil persuni ġuridiċi stabbiliti fir-Repubblika tal-Litwanja jew lil fergħat ta' persuni ġuridiċi jew organizzazzjonijiet oħra (sussidjarji) ta' Stat Membru ieħor stabbiliti fir-Repubblika tal-Litwanja.

Din ir-riżerva ma tapplikax għal servizzi ta' konsulenza relatati mat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni ta' fjuwils fuq il-bażi ta' ħlas jew kuntratt (CPC 713, CPC 887).

Fil-PL: L-attivitajiet li ġejjin huma soġġetti għal liċenzjar skont l-Att tal-Liġi dwar l-Enerġija:

(i) il-ġenerazzjoni ta' fjuwils jew enerġija, minbarra: il-ġenerazzjoni ta' fjuwils solidi jew gassużi; il-ġenerazzjoni ta' elettriku bl-użu ta' sorsi tal-elettriku tal-kapaċità totali ta' mhux aktar minn 50 MW barra minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli; il-koġenerazzjoni ta' elettriku u sħana bl-użu ta' sorsi tal-elettriku tal-kapaċità totali ta' mhux aktar minn 5 MW barra minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli; il-ġenerazzjoni tas-sħana bl-użu tas-sorsi tal-kapaċità totali ta' mhux aktar minn 5 MW;

(ii) il-ħżin ta' fjuwils gassużi f'impjanti ta' ħżin, likwefazzjoni ta' gass naturali u rigassifikazzjoni ta' gass naturali likwifikat f'impjanti tal-LNG, kif ukoll il-ħżin ta' fjuwils likwidi, minbarra: il-ħżin lokali ta' gass likwidu f'impjanti tal-kapaċità ta' anqas minn kapaċità ta' 1 MJ/s u l-ħżin ta' fjuwils likwidi fil-kummerċ bl-imnut;

(iii) it-trażmissjoni jew id-distribuzzjoni ta' fjuwils jew enerġija, minbarra: id-distribuzzjoni ta' fjuwils gassużi fi grilji ta' kapaċità ta' anqas minn 1 MJ/s u t-trażmissjoni jew id-distribuzzjoni tas-sħana jekk il-kapaċità totali ordnata mill-klijenti ma taqbiżx il-5 MW;

(iv) il-kummerċ fi fjuwils jew enerġija, minbarra: il-kummerċ fi fjuwils solidi; il-kummerċ fl-elettriku bl-użu ta' impjanti ta' voltaġġ anqas minn 1 kV li jappartjenu lill-klijent; il-kummerċ fi fjuwils gassużi jekk il-valur tal-fatturat annwali tagħhom ma jaqbiżx l-ekwivalenti ta' EUR 100 000; il-kummerċ f'gass likwidu, jekk il-valur tal-fatturat annwali ma jeċċedix EUR 10 000; u l-kummerċ fi fjuwils gassużi u elettriku mwettaq fis-suq tal-materja prima minn ditti tas-senserija li jwettqu l-attività ta' senserija fis-suq tal-materja prima fuq il-bażi tal-Att tas-26 ta' Ottubru 2000 dwar is-suq tal-materja prima, kif ukoll il-kummerċ fis-sħana jekk il-kapaċità ordnata mill-klijenti ma teċċedix 5 MW. Il-limiti fuq il-fatturat ma japplikawx għas-servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa fil-fjuwils gassużi jew fil-gass likwidu jew għas-servizzi bl-imnut tal-gass ibbottiljat.

Tista' tingħata liċenzja biss mill-awtorità kompetenti lil applikant li jkun irreġistra l-post prinċipali tan-negozju jew ir-residenza tiegħu fit-territorju ta' Stat Membru taż-ŻEE jew il-Konfederazzjoni Żvizzera (ISIC Rev. 3.1 040, CPC 63297, 74220, CPC 887).

Miżuri:

Fiċ-CZ: L-Att Nru 458/2000 Coll dwar il-kondizzjonijiet tan-Negozju u l-amministrazzjoni pubblika fis-setturi tal-enerġija (L-Att dwar l-Enerġija).

Fil-LT: Il-Liġi dwar il-Gass Naturali tar-Repubblika tal-Litwanja tal-10 ta' Ottubru 2000 Nru VIII-1973, redazzjoni ġdida mill-1 ta' Awwissu 2011 Nru XI-1564, l-aħħar emenda fil-25 ta' Ġunju 2020 Nru. XIII-3140; il-Liġi dwar l-Elettriku tar-Repubblika tal-Litwanja tal-20 ta' Lulju 2000 Nru VIII-1881, redazzjoni ġdida mis-7 ta' Frar 2012, l-aħħar emenda fl-20 ta' Ottubru 2020 Nru XIII-3336; il-Liġi dwar il-Miżuri meħtieġa għall-protezzjoni kontra theddid elettriku nukleari mhux sikur minn pajjiżi terzi tal-20 ta' April 2017 Nru XIII-306, l-aħħar emenda fid-19 ta' Diċembru 2019 Nru XIII-2705; il-Liġi dwar is-Sorsi ta' enerġija rinnovabbli tar-Repubblika tal-Litwanja tat-12 ta' Mejju 2011 Nru XI-1375.

Fil-PL: L-Att tal-Liġi dwar l-Enerġija tal-10 ta' April 1997, l-Artikoli 32u 33.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fis-SI: Il-produzzjoni, il-kummerċ, il-forniment lill-klijenti finali, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku u l-gass naturali huma soġġetti għal stabbiliment fl-Unjoni Ewropea (ISIC Rev. 3.1 4010, 4020, CPC 7131, CPC 887).

Miżuri:

Fis-SI: Energetski zakon (l-Att dwar l-Enerġija) 2014, Il-Gazzetta Uffiċjali RS, Nru 17/2014; u l-Att dwar l-Estrazzjoni 2014.

Riżerva Nru 16 – L-agrikoltura, is-sajd u l-manifattura

Settur – sottosettur:	Agrikoltura, kaċċa, forestrija; trobbija tal-annimali u tar-renni, sajd u akkwakultura; pubblikazzjoni, stampar u riproduzzjoni ta' midja rrekordjata
Klassifikazzjoni tal-industrija:	ISIC Rev. 3.1 011, 012, 013, 014, 015, 1531, 050, 0 501, 0 502, 221, 222, 323, 324, CPC 881, 882, 88442
Tip ta' riżerva:	Trattament nazzjonali It-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi Preżenza lokali
Kapitolu:	Liberalizzazzjoni tal-investiment; Kummerċ transfruntier fis-servizzi
Livell ta' gvern:	UE/Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

(a) Agrikoltura, kaċċa u forestrija (ISIC Rev. 3.1 011, 012, 013, 014, 015, 1531, CPC 881)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

Fl-IE: L-istabbiliment minn residenti barranin f'attivitajiet ta' tħin tad-dqiq huwa soġġett għal awtorizzazzjoni (ISIC Rev. 3.1 1531).

Miżuri:

Fl-IE: L-Att dwar il-Prodotti Agrikoli (Ċereali), 1933.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

Fil-FI: Ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE li jkunu residenti fiż-żona ta' merħliet tar-renni biss jista' jkollhom ir-renni u jipprattikaw it-trobbija tar-renni. Jistgħu jingħataw drittijiet esklużivi.

Fi FR: Hija meħtieġa awtorizzazzjoni minn qabel sabiex wieħed isir membru jew jaġixxi bħala direttur ta' kooperattiva agrikola (ISIC Rev. 3.1 011, 012, 013, 014, 015).

Fl-SE: Nies Sami biss jista' jkollhom u jipprattikaw it-trobbija tar-renni.

Miżuri:

Fil-FI: Poronhoitolaki (l-Att dwar it-Trobbija tar-Renni) (848/1990), il-Kapitolu 1, § 4, u l-Protokoll 3 għat-Trattat ta' Adeżjoni tal-Finlandja.

Fi FR: Code rural et de la pêche maritime.

Fl-SE: L-Att dwar it-Trobbija tar-Renni (1971:437), it-Taqsima 1.

(b) Sajd u akkwakultura (ISIC Rev. 3.1 050, 0501, 0502, CPC 882)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

Fi FR: Bastiment Franċiż li jtajjar il-bandiera Franċiża tista' tinħariġlu awtorizzazzjoni tas-sajd jew jitħalla jistad fuq il-bażi ta' kwoti nazzjonali biss meta tiġi stabbilita rabta ekonomika reali fuq it-territorju ta' Franza u l-bastiment ikun ikkmandat u kkontrollat minn stabbiliment permanenti li jinsab fit-territorju Franċiż (ISIC Rev. 3.1 050, CPC 882).

Miżuri:

Fi FR: Code rural et de la pêche maritime.

(c) Manifattura - Pubblikazzjoni, stampar u riproduzzjoni ta' midja rreġistrata (ISIC Rev. 3.1 221, 222, 323, 324, CPC 88442)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Servizzi transfruntiera – Preżenza lokali: Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fil-LV: Persuni ġuridiċi inkorporati fil-Latvja, u persuni fiżiċi tal-Latvja biss għandhom id-dritt li jistabbilixxu u jippubblikaw mezzi tal-komunikazzjoni tal-massa. Fergħat mhumiex permessi (CPC 88442).

Miżuri:

Fil-LV: Il-Liġi dwar l-Istampa u Media Oħra tal-Massa, s. 8.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fil-DE: Kull gazzetta, ġurnal jew perjodiku distribwit jew stampat pubblikament irid jindika b'mod ċar "editur responsabbli" (l-isem sħiħ u l-indirizz ta' persuna fiżika). L-editur responsabbli jista' jkun meħtieġ li jkun residenti permanenti fil-Ġermanja, fl-Unjoni Ewropea jew fi Stat Membru taż-ŻEE. Jistgħu jkunu permessi eċċezzjonijiet mill-awtorità kompetenti tal-gvern f'livell reġjonali (ISIC Rev. 3.1 22).

Miżuri:

Fil-DE:

Livell reġjonali:

Gesetz über die Presse Baden-Württemberg (LPG BW);

Bayerisches Pressegesetz (BayPrG);

Berliner Pressegesetz (BlnPrG);

Brandenburgisches Landespressegesetz (BbgPG);

Gesetz über die Presse Bremen (BrPrG);

Hamburgisches Pressegesetz;

Hessisches Pressegesetz (HPresseG);

Landespressegesetz für das Land Mecklenburg-Vorpommern (LPrG M-V);

Niedersächsisches Pressegesetz (NPresseG);

Pressegesetz für das Land Nordrhein-Westfalen (Landespressegesetz NRW);

Landesmediengesetz (LMG) Rheinland-Pfalz;

Saarländisches Mediengesetz (SMG);

Sächsisches Gesetz über die Presse (SächsPresseG);

Pressegesetz für das Land Sachsen-Anhalt (Landespressegesetz);

Gesetz über die Presse Schleswig-Holstein (PressG SH);

Thüringer Pressegesetz (TPG).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fl-IT: Sa fejn iċ-Ċili jippermetti ċittadini u intrapriżi Taljani li jwettqu dawn l-attivitajiet, l-Italja se tippermetti ċittadini u intrapriżi taċ-Ċili li jwettqu dawn l-attivitajiet bl-istess kundizzjonijiet. Sa fejn iċ-Ċili tippermetti investituri Taljani li jkollhom aktar minn 49 % tal-kapital u tad-drittijiet tal-vot f'kumpanija tal-pubblikazzjoni taċ-Ċili, l-Italja se tippermetti investituri taċ-Ċili li jkollhom aktar minn 49 % tal-kapital u tad-drittijiet tal-vot f'kumpanija tal-pubblikazzjoni Taljana bl-istess kundizzjonijiet (ISIC Rev. 3.1 221, 222).

Miżuri:

Fl-IT: Il-Liġi 416/1981, l-Artikolu 1 (u l-emendi sussegwenti).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi:

Fil-PL: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza għall-editur ewlieni tal-gazzetti u l-ġurnali (ISIC Rev. 3.1 221, 222).

Miżuri:

Fil-PL: L-Att tas-26 ta' Jannar 1984 rigward il-liġi dwar l-Istampa, il-Ġurnal tal-Liġijiet, Nru 5, punt 24, bl-emendi sussegwenti.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fl-SE: Il-persuni fiżiċi li huma sidien ta' perjodiċi li jiġu stampati u ppubblikati fl-Iżvezja jridu jkunu residenti fl-Iżvezja jew ikunu ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE. Sidien ta' tali perjodiċi li jkunu persuni ġuridiċi jridu jkunu stabbiliti fiż-ŻEE. Il-perjodiċi li jiġu stampati u ppubblikati fl-Iżvezja u r-reġistrazzjonijiet tekniċi jrid ikollhom editur responsabbli, li jrid ikun domiċiljat fl-Iżvezja (ISIC Rev. 3.1 22, CPC 88442).

Miżuri:

Fl-SE: L-Att dwar il-libertà tal-istampa (1949:105);

il-Liġi Fundamentali dwar il-Libertà tal-Espressjoni (1991:1469); u

l-Att dwar l-ordinanzi għall-Att dwar il-Libertà tal-Istampa u l-Liġi Fundamentali dwar il-Libertà tal-Espressjoni (1991:1559).

Appendiċi 17-A-2

SKEDA TAĊ-ĊILÌ

1. "Deskrizzjoni" tistabbilixxi l-aspetti mhux konformi tal-miżura eżistenti li għaliha ssir l-entrata.

2. F'konfirmità mal-Artikoli 17.14 u 18.8, l-Artikoli ta' Parti III ta' dan il-Ftehim huma speċifikati fl-element Obbligi Kkonċernati ta' entrata ma japplikawx għall-aspetti li ma jikkonformawx tal-liġi, regolament jew miżuri oħra identifikati fl-element tal-Miżuri ta' dik l-entrata.

Settur:	Kollha
Sottosettur:	
Obbligi Kkonċernati:	Trattament nazzjonali (19)
Livell ta' Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Digriet Liġi 1.939, Gazzetta Uffiċjali, 10 ta' Novembru 1977, Regoli għall-akkwist, l-amministrazzjoni u d-disponiment ta' assi tal-Istat, Titolu I (Decreto Ley 1.939, Diario Oficial, noviembre 10, 1977, Normas sobre adquisición, administración y disposición de bienes del Estado, Título I) Digriet b'Effett tal-Liġi (D.F.L.) 4 tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, Gazzetta Uffiċjali, 10 ta' Novembru 1967 (Decreto con Fuerza de Ley (D.F.L.) 4 del Ministerio de Relaciones Exteriores, Diario Oficial, noviembre 10, 1967)
Deskrizzjoni:	Investiment Iċ-Ċilì jista' jiddisponi biss mis-sjieda jew minn drittijiet oħra fuq "art tal-Istat" lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi Ċileni, sakemm ma jkunux japplikaw l-eċċezzjonijiet legali applikabbli, bħal fid-Digriet Liġi 1.939 (Decreto Ley 1.939). "Art tal-Istat" għal dawn l-għanijiet tirreferi għal art proprjetà tal-Istat sa distanza ta' 10 kilometri mill-fruntiera u sa distanza ta' ħames kilometri mill-kosta, imkejla mil-linja ta' marea għolja. Proprjetà immobbli li tinsab f'żoni ddikjarati "iż-żona tal-fruntiera" bis-saħħa tad-D.F.L. 4 tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, 1967 (D.F.L. 4 del Ministerio de Relaciones Exteriores, 1967) ma jistgħux jinkisbu, la bħala proprjetà u lanqas fi kwalunkwe titolu ieħor, minn (1) persuni fiżiċi b'ċittadinanza ta' pajjiż ġar; (2) persuni ġuridiċi bis-sede prinċipali tagħhom f'pajjiż ġar; (3) persuni ġuridiċi b'40 % jew aktar ta' kapital li huma proprjetà ta' persuni fiżiċi b'ċittadinanza ta' pajjiż ġar; jew (4) persuni ġuridiċi kkontrollati b'mod effettiv minn tali persuni fiżiċi. Minkejja dak li ntqal hawn fuq, din il-limitazzjoni tista' ma tapplikax jekk eżenzjoni tingħata minn Digriet Suprem (Decreto Supremo) abbażi ta' kunsiderazzjonijiet ta' interess nazzjonali.
Settur:	Kollha
Sottosettur:	
Obbligi Kkonċernati:	Rekwiżiti tal-Prestazzjoni (Investiment)
Livell ta' Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Digriet b'Effett tal-Liġi (D.F.L.) 1 tal-Ministeru tax-Xogħol u l-Benesseri Soċjali, Gazzetta Uffiċjali, 24 ta' Jannar 1994, Kodiċi tax-Xogħol, Titolu Preliminari, Ktieb I, Kapitolu III (D.F.L. 1 del Ministerio del Trabajo y Previsión Social, Diario Oficial, enero 24, 1994, Código del Trabajo, Título Preliminar, Libro I, Capítulo III)

Deskrizzjoni:	Investiment Minimu ta' 85 % tal-impjegati li jaħdmu għall-istess impjegatur għandhom ikunu persuni fiżiċi Ċileni jew barranin b'aktar minn ħames snin ta' residenza fiċ-Ċilì. Din ir-regola tapplika għall-impjegaturi b'aktar minn 25 impjegat taħt kuntratt ta' impjieg (*contrato de trabajo* [1]). Il-persunal tekniku espert ma għandux ikun soġġett għal din id-dispożizzjoni, kif iddeterminat mid-Direttorat tax-Xogħol (Dirección del Trabajo). Impjegat għandu jinftiehem li jfisser kwalunkwe persuna fiżika li tipprovdi servizzi intellettwali jew materjali, taħt dipendenza jew subordinazzjoni, skont kuntratt ta' impjieg.
Settur:	Komunikazzjonijiet
Sottosettur:	
Obbligi Kkonċernati:	Trattament nazzjonali (Investiment u CBTS) Trattament tan-Nazzjon l-aktar iffavorit (Investiment u CBTS); Rekwiżiti tal-prestazzjoni (Investiment) Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (Investiment) Preżenza lokali (CBTS)
Livell ta' Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi 18.838, il-Gazzetta Uffiċjali, 30 ta' Settembru 1989, il-Kunsill Nazzjonali tat-Televiżjoni, it-Titoli I, II u III (Ley 18.838, Diario Oficial, septiembre 30, 1989, Consejo Nacional de Televisión, Títulos I, II y III) Il-Liġi 18.168, il-Gazzetta Uffiċjali, 2 ta' Ottubru 1982, il-Liġi Ġenerali dwar it-Telekomunikazzjoni, it-Titoli I, II u III (Ley 18.168, Diario Oficial, octubre 2, 1982, Ley General de Telecominaciones, Títulos I, II y III) Liġi 19.733, il-Gazzetta Uffiċjali, 4 ta' Ġunju 2001, Liġi dwar il-Libertajiet tal-Opinjoni u l-Informazzjoni u l-Eżerċizzju tal-Ġurnaliżmu, it-Titoli I u III (Ley 19.733, Diario Oficial, junio 4, 2001, Ley sobre las Libertades de Opinión e Información y Ejcerciio del Periodismo, Títulos I y III)
Deskrizzjoni:	Investiment u kummerċ transfruntier fis-servizzi Is-sid ta' mezz ta' komunikazzjoni soċjali, bħal dawk li jittrażmettu fuq bażi regolari ħsejjes, testi jew immaġnijiet, jew aġenzija nazzjonali tal-aħbarijiet għandu, fil-każ ta' persuna fiżika, ikollu domiċilju stabbilit kif xieraq fiċ-Ċilì, u fil-każ ta' persuna ġuridika, għandha tkun magħmula b'domiċilju fiċ-Ċilì jew ikollha aġenzija awtorizzata li topera fit-territorju taċ-Ċilì. Iċ-ċittadini Ċileni biss jistgħu jkunu presidenti, amministraturi jew rappreżentanti legali ta' tali persuna ġuridika. Is-sid ta' konċessjoni għall-provvista ta' (a) servizzi pubbliċi ta' telekomunikazzjoni; (b) servizzi intermedji ta' telekomunikazzjoni pprovduti lil servizzi ta' telekomunikazzjoni permezz ta' faċilitajiet u networks stabbiliti għal dak il-għan; u (c) xandir tal-ħoss, għandu jkun persuna ġuridika kkostitwita u ddomiċiljata fiċ-Ċilì.

[1] Għal ċertezza akbar, kuntratt ta' impjieg (contrato de trabajo) ma huwiex obbligatorju għall-provvista ta' kummerċ transfruntier fis-servizzi.

Iċ-ċittadini Ċileni biss jistgħu jkunu presidenti, maniġers, amministraturi jew rappreżentanti legali ta' tali persuna ġuridika.

Fil-każ ta' servizzi pubbliċi tax-xandir bir-radju, il-bord tad-diretturi jista' jinkludi barranin, biss jekk ma jirrappreżentawx il-maġġoranza.

Fil-każ ta' mezz ta' komunikazzjoni soċjali, id-direttur legalment responsabbli u l-persuna li ssurrogat lilu jew lilha jridu jkunu Ċileni, b'domiċilju u residenza fiċ-Ċilì, sakemm il-mezz ta' komunikazzjoni soċjali ma jużax lingwa oħra għajr dik Spanjola.

It-talbiet għal konċessjonijiet pubbliċi tax-xandir bir-radju sottomessi minn persuni ġuridiċi li fihom il-barranin għandhom interess li jaqbeż l-10 % tal-kapital għandhom jingħataw biss jekk qabel tingħata prova li tivverifika li drittijiet u obbligi simili bħal dawk li l-applikanti se jgawdu fiċ-Ċilì jingħataw liċ-ċittadini Ċileni fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom.

Il-Kunsill Nazzjonali tat-Televiżjoni (Consejo Nacional de Televisión) jista' jistabbilixxi, bħala rekwiżit ġenerali li, il-programmi mxandra permezz ta' kanali tat-televiżjoni pubbliċi (miftuħa) jinkludu sa 40 % ta' produzzjoni Ċilena.

Settur: Enerġija

Sottosettur:

Obbligi Konċernati: Trattament nazzjonali (19)

Rekwiżiti tal-prestazzjoni (Investiment)

Livell ta' Gvern: Ċentrali

Miżuri: Kostituzzjoni Politika tar-Repubblika taċ-Ċilì, il-Kapitolu III (Constitución Política de la República de Chile, Capítulo III)

Liġi 18.097, il-Gazzetta Uffiċjali, 21 ta' Jannar 1982, Liġi Organika Kostituzzjonali dwar il-Konċessjonijiet tal-Minjieri, it-Titoli I, II u III (Ley 18.097, Diario Oficial, enero 21, 1982, Orgánica Constitucional sobre Concesiones Mineras, Títulos I, II y III)

Liġi 18.248, il-Gazzetta Uffiċjali, 14 ta' Ottubru 1983, il-Kodiċi dwar il-Minjieri, it-Titoli I u II (Ley 18.248, Diario Oficial, octubre 14, 1983, Código de Minería, Títulos I y II)

Liġi 16.319, il-Gazzetta Uffiċjali, 23 ta' Ottubru 1965, Toħloq il-Kummissjoni tal-Enerġija Nukleari Ċilena, it-Titoli I, II u III (Ley 16.319, Diario Oficial, octubre 23, 1965, Crea la Comisión Chilena de Energía Nuclear, Títulos I, II y III)

Deskrizzjoni: Investiment

L-esplorazzjoni, l-isfruttament u t-trattament (beneficio) ta' idrokarburi likwidi jew gassużi, depożiti ta' kwalunkwe tip eżistenti f'ilmijiet tal-baħar soġġetti għal ġuriżdizzjoni nazzjonali, u depożiti ta' kwalunkwe tip li jinsabu kompletament jew parzjalment f'żoni kklassifikati bħala importanti għas-sigurtà nazzjonali b'effetti ta' estrazzjoni, liema kwalifika għandha ssir bil-liġi biss, tista' tkun is-suġġett ta' konċessjonijiet amministrattivi jew ta' kuntratti operattivi speċjali, soġġett għar-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ddeterminati f'kull każ b'Digriet Suprem. Għal aktar ċertezza, huwa mifhum li t-terminu "trattament" (*beneficio*) ma għandux jinkludi l-ħżin, it-trasport jew ir-raffinar tal-materjal tal-enerġija msemmi f'dan il-paragrafu.

	Il-produzzjoni tal-enerġija nukleari għal skopijiet paċifiċi tista' titwettaq biss mill-Kummissjoni tal-Enerġija Nukleari Ċilena (Comisión Chilena de Energía Nuclear) jew, bl-awtorizzazzjoni tagħha, b'mod konġunt ma' persuni terzi. Jekk il-Kummissjoni tagħti awtorizzazzjoni bħal din, hija tista' tiddetermina t-termini u l-kundizzjonijiet tagħha.
Settur:	Tħaffir fil-minjieri
Sottosettur:	
Obbligi Kkonċernati:	Trattament nazzjonali (Investiment) Rekwiżiti tal-prestazzjoni (Investiment)
Livell ta' Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Kostituzzjoni Politika tar-Repubblika taċ-Ċilì, il-Kapitolu III (Constitución Política de la República de Chile, Capítulo III) Liġi 18.097, il-Gazzetta Uffiċjali, 21 ta' Jannar 1982, Liġi Organika Kostituzzjonali dwar il-Konċessjonijiet tal-Minjieri, it-Titoli I, II u III (Ley 18.097, Diario Oficial, enero 21, 1982, Orgánica Constitucional sobre Concesiones Mineras, Títulos I, II y III) Liġi 18.248, il-Gazzetta Uffiċjali, 14 ta' Ottubru 1983, il-Kodiċi dwar il-Minjieri, it-Titoli I u III (Ley 18.248, Diario Oficial, octubre 14, 1983, Código de Minería, Títulos I y III) Liġi 16.319, il-Gazzetta Uffiċjali, 23 ta' Ottubru 1965, Toħloq il-Kummissjoni tal-Enerġija Nukleari Ċilena, it-Titoli I, II u III (Ley 16.319, Diario Oficial, octubre 23, 1965, Crea la Comisión Chilena de Energía Nuclear, Títulos I, II y III)
Deskrizzjoni:	Investiment L-esplorazzjoni, l-isfruttament u t-trattament (*beneficio*) tal-litju, depożiti ta' kwalunkwe tip eżistenti fl-ilmijiet tal-baħar soġġetti għal ġuriżdizzjoni nazzjonali, u depożiti ta' kwalunkwe tip li jinsabu kompletament jew parzjalment f'żoni kklassifikati bħala importanti għas-sigurtà nazzjonali b'effetti ta' estrazzjoni, liema kwalifika għandha ssir bil-liġi biss, tista' tkun is-suġġett ta' konċessjonijiet amministrattivi jew ta' kuntratti operattivi speċjali, soġġett għar-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ddeterminati, f'kull każ b'Digriet Suprem. Iċ-Ċilì għandu d-dritt tal-ewwel offerta bi prezzijiet tas-suq u termini għax-xiri ta' prodotti minerali meta t-torju u l-uranju jkunu jinsabu fi kwantitajiet sinifikanti. Għal aktar ċertezza, iċ-Ċilì jista' jirrikjedi li l-produtturi jisseparaw mill-prodotti tal-minjieri s-sehem ta': (a) idrokarburi likwidi jew gassużi; (b) litju; (c) depożiti ta' kwalunkwe tip eżistenti f'ilmijiet tal-baħar soġġetti għal ġuriżdizzjoni nazzjonali; u (d) depożiti ta' kwalunkwe tip li jinsabu kompletament jew parzjalment f'żoni kklassifikati bħala importanti għas-sigurtà nazzjonali b'effetti ta' xogħol fil-minjieri, liema kwalifika għandha ssir bil-liġi biss, li jeżistu, f'ammonti sinifikanti, f'tali prodotti tal-minjieri u li jistgħu jiġu separati ekonomikament u teknikament, għall-konsenja lejn jew għall-bejgħ f'isem l-Istat. Għal dawn il-finijiet, "separati ekonomikament u teknikament" tfisser li l-ispejjeż imġarrba għall-irkupru tal-erba' tipi ta' sustanzi msemmija fis-subparagrafi (a), (b) u (c) hawn fuq permezz ta' proċedura teknika tajba u għall-kummerċjalizzazzjoni u l-konsenja ta' dawk is-sustanzi għandhom ikunu anqas mill-valur kummerċjali tagħhom.

	Għal aktar ċertezza, il-proċeduri għall-għoti ta' konċessjonijiet amministrattivi jew kuntratti ta' operat speċjali, kif applikabbli, *per se*, ma jistabbilixxux trattament diskriminatorju lejn investituri barranin. Madankollu, jekk iċ-Ċilì jiddeċiedi li jisfrutta kwalunkwe waħda mir-riżorsi tal-minjieri msemmija hawn fuq permezz ta' proċess kompetittiv li jagħti lill-investituri konċessjoni jew kuntratt operattiv speċjali, id-deċiżjoni tkun ibbażata biss fuq it-termini tal-offerta fi proċess trasparenti ta' offerti kompetittivi mhux diskriminatorji. Sakemm il-kundizzjonijiet tal-kuntratt jew tal-konċessjoni ma jkunux iddikjarati mod ieħor, trasferiment jew disponiment sussegwenti ta' kwalunkwe dritt sħiħ jew parti minnu mogħti skont il-kuntratt jew il-konċessjoni, ma għandux ikun ikkundizzjonat min-nazzjonalità tal-akkwirent. Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ċilena tal-Enerġija Nukleari (Comisión Chilena de Energía Nuclear) biss, jew partijiet awtorizzati minn dik il-Kummissjoni, jistgħu jeżegwixxu jew jidħlu f'atti ġuridiċi dwar materjali atomiċi naturali estratti u l-litju, kif ukoll il-konċentrati, id-derivattivi u l-komposti tagħhom.
Settur:	Sajd
Sottosettur:	Akkwakultura
Obbligi Konċernati:	Trattament nazzjonali (19)
Livell ta' Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Id-Digriet 430, it-test konsolidat, ikkoordinat u sistematizzat tal-Liġi 18.892 mill-1989 u l-modifiki tagħha, il-Liġi Ġenerali dwar is-Sajd u l-Akkwakultura, il-Gazzetta Uffiċjali, 21 ta' Jannar 1992 it-Titoli I u VI (Decreto 430 fija el texto refundido, coordinado y sistematizado de la ley N° 18.892, de 1989 y sus modificaciones, Ley General de Pesca y Acuicultura Ley 18.892, Diario Oficial, enero 21, 1992, Títulos I y VI)
Deskrizzjoni:	Investiment Huma biss il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi Ċileni li huma kkostitwiti skont il-liġi Ċilena u l-barranin b'residenza permanenti li jista' jkollhom awtorizzazzjoni jew konċessjoni biex iwettqu attivitajiet tal-akkwakultura.
Settur:	Attivitajiet Relatati mas-Sajd
Sottosettur:	
Obbligi Konċernati:	Trattament nazzjonali (Investiment u CBTS) Trattament tan-Nazzjon l-aktar iffavorit (Investiment u CBTS); Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (Investiment) Preżenza Lokali (CBTS)
Livell ta' Gvern:	Ċentrali

Miżuri:	Id-Digriet 430, it-test konsolidat, ikkoordinat u sistematizzat tal-Liġi 18.892 mill-1989 u l-modifiki tagħha, il-Liġi Ġenerali dwar is-Sajd u l-Akkwakultura, il-Gazzetta Uffiċjali, 21 ta' Jannar 1992 it-Titoli I, III, IV u IX (Decreto 430 fija el texto refundido, coordinado y sistematizado de la ley Nº 18.892, de 1989 y sus modificaciones, Ley General de Pesca y Acuicultura, diario oficial, enero 21, 1992, Títulos I, III, IV y IX) Digriet Liġi 2.222, Gazzetta Uffiċjali, 31 ta' Mejju 1978, il-Liġi tan-Navigazzjoni, it-Titoli I u II (Decreto Ley 2.222, Diario Oficial, mayo 31, 1978, Ley de Navegación, Títulos I y II)
Deskrizzjoni:	Investiment u kummerċ transfruntier fis-servizzi Persuni fiżiċi jew persuni ġuridiċi Ċileni biss ikkostitwiti skont il-liġi Ċilena u barranin b'residenza permanenti jista' jkollhom permessi għall-ħsad u l-qbid ta' speċijiet idrobijoloġiċi. Bastimenti Ċileni biss huma permessi jistadu f'ilmijiet interni, fil-baħar territorjali u fiż-żona ekonomika esklużiva taċ-Ċilì. "Bastimenti Ċileni" huma dawk definiti fil-Liġi tan-Navigazzjoni (Ley de Navegación). L-aċċess għal attivitajiet industrijali ta' sajd estrattiv għandu jkun soġġett għal reġistrazzjoni minn qabel tal-bastiment fiċ-Ċilì. Persuna fiżika jew ġuridika Ċilena biss tista' tirreġistra bastiment fiċ-Ċilì. Tali persuna ġuridika trid tkun ikkostitwita fiċ-Ċilì b'domiċilju prinċipali u b'sede reali u effettiva fiċ-Ċilì. Il-president, il-maniġer u l-maġġoranza tad-diretturi jew l-amministraturi jridu jkunu persuni fiżiċi Ċileni. Barra minn hekk, aktar minn 50 % tal-kapital ta' ekwità tagħha jrid jinżamm minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi Ċileni. Għal dawn il-finijiet, persuna ġuridika b'parteċipazzjoni fis-sjieda f'persuna ġuridika oħra li hija s-sid ta' bastiment għandha tikkonforma mar-rekwiżiti kollha msemmija hawn fuq. Sjieda konġunta (*comunidad*) tista' tirreġistra bastiment jekk (1) il-maġġoranza tas-sjieda konġunta tkun Ċilena b'domiċilju u residenza fiċ-Ċilì; (2) l-amministraturi huma persuni fiżiċi Ċileni; u (3) il-maġġoranza tad-drittijiet tas-sjieda konġunta (*comunidad*) jappartjenu għal persuna fiżika jew ġuridika Ċilena. Għal dawn il-finijiet, persuna ġuridika b'parteċipazzjoni fis-sjieda f'sjieda konġunta (*comunidad*) li hija s-sid ta' bastiment trid tikkonforma mar-rekwiżiti kollha msemmija hawn fuq. Sid (persuna fiżika jew ġuridika) ta' bastiment tas-sajd irreġistrat fiċ-Ċilì qabel it-30 ta' Ġunju 1991 ma għandux ikun soġġett għar-rekwiżit taċ-ċittadinanza msemmi hawn fuq. F'każijiet ta' reċiproċità mogħtija lill-bastimenti Ċileni minn kwalunkwe pajjiż ieħor, il-bastimenti tas-sajd awtorizzati speċifikament mill-awtoritajiet marittimi skont is-setgħat mogħtija mil-liġi jistgħu jiġu eżentati mir-rekwiżiti msemmija hawn fuq b'termini ekwivalenti pprovduti lill-bastimenti Ċileni minn dak il-pajjiż. L-aċċess għall-attivitajiet tas-sajd artiġjanali (*pesca artesanal*) għandu jkun soġġett għar-reġistrazzjoni fir-Reġistru għas-Sajd Artiġjanali (Registro de Pesca Artesanal). Ir-reġistrazzjoni għas-sajd artiġjanali (*pesca artesanal*) tingħata biss lil persuni fiżiċi Ċileni u lil persuni fiżiċi barranin b'residenza permanenti, jew lil persuna ġuridika Ċilena kkostitwita minn dawk il-persuni.
Settur:	servizzi speċjalizzati
Sottosettur:	Aġenti doganali (*agentes de aduana*) u sensara (*despachadores de aduana*)

Obbligi Kkonċernati:	Trattament nazzjonali (CBTS) Preżenza lokali (CBTS)
Livell ta' Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Digriet b'Effett tal-Liġi (D.F.L.) 30 tal-Ministeru tal-Finanzi, Gazzetta Uffiċjali, 13 ta' April 1983, Ktieb IV (D.F.L. 30 del Ministerio de Hacienda, Diario Oficial, abril 13, 1983, Libro IV) Digriet b'Effett tal-Liġi (D.F.L.) 2 tal-Ministeru tal-Finanzi, 1998 (D.F.F.L. 2 del Ministerio de Hacienda, 1998)
Deskrizzjoni:	Kummerċ transfruntier fis-servizzi Persuni fiżiċi Ċileni b'residenza fiċ-Ċilì biss jistgħu jaġixxu bħala sensara doganali (*despachadores de aduana*) jew aġenti (*agentes de aduana*) fit-territorju taċ-Ċilì.
Settur:	Servizzi ta' investigazzjoni u sigurtà
Sottosettur:	Servizzi ta' ħarsien
Obbligi Kkonċernati:	Trattament nazzjonali (CBTS)
Livell ta' Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Id-Digriet 1.773 tal-Ministeru tal-Intern, Gazzetta Uffiċjali, 14 ta' Novembru 1994 (Decreto 1.773 del Ministerio del Interior, Diario Oficial, noviembre 14, 1994)
Deskrizzjoni:	Kummerċ transfruntier fis-servizzi Iċ-ċittadini u r-residenti permanenti Ċileni biss jistgħu jipprovdu servizzi bħala gwardji tas-sigurtà privati.
Settur:	Servizzi tan-negozju
Sottosettur:	Servizzi ta' riċerka.
Obbligi Kkonċernati:	Trattament nazzjonali (CBTS)
Livell ta' Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Id-Digriet Suprem 711 tal-Ministeru tad-Difiża Nazzjonali, Gazzetta Uffiċjali, 15 ta' Ottubru 1975 (Decreto Supremo 711 del Ministerio de Defensa Nacional, Diario Oficial, octubre 15, 1975)
Deskrizzjoni:	Kummerċ transfruntier fis-servizzi Persuni fiżiċi u ġuridiċi barranin li jkollhom l-intenzjoni li jwettqu riċerka fiż-żona marittima Ċilena ta' 200 mil għandhom ikunu meħtieġa jissottomettu talba sitt xhur qabel lill-Istitut Idrografiku tal-Armata Ċilena (Instituto Hidrográfico de la Armada de Chile) u għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fir-regolament korrispondenti. Persuni fiżiċi u ġuridiċi Ċileni għandhom ikunu meħtieġa jippreżentaw talba tliet xhur qabel lill-Istitut Idrografiku tal-Armata Ċilena (Instituto Hidrográfico de la Armada de Chile) u għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fir-regolament korrispondenti.
Settur:	Servizzi tan-negozju

Sottosettur:	Servizzi ta' riċerka.
Obbligi Kkonċernati:	Trattament nazzjonali (CBTS)
Livell ta' Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Digriet b'Effett tal-Liġi (D.F.L.) 11 tal-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi, l-Iżvilupp u r-Rikostruzzjoni, Gazzetta Uffiċjali, 5 ta' Diċembru 1968 (D.F.L. 11 del Ministerio de Economía, Fomento y Reconstrucción, Diario Oficial, diciembre 5, 1968) Id-Digriet 559 tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, il-Gazzetta Uffiċjali, 24 ta' Jannar 1968 (Decreto 559 del Ministerio de Relaciones Exteriores, Diario Oficial, enero 24, 1968) D.F.L. 83 tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, il-Gazzetta Uffiċjali, 27 ta' Marzu 1979 (D.F.L. 83 del Ministerio de Relaciones Exteriores, Diario Oficial, marzo 27, 1979) Id-Digriet Suprem 1166 tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, il-Gazzetta Uffiċjali, 20 ta' Lulju 1999 (Decreto Supremo 1166 del Ministerio de Relaciones Exteriores, Diario Oficial, julio 20, 1999)
Deskrizzjoni:	Kummerċ transfruntier fis-servizzi Persuni fiżiċi li jirrappreżentaw persuni ġuridiċi barranin, jew persuni fiżiċi residenti barra mill-pajjiż, li għandhom l-intenzjoni li jwettqu esplorazzjonijiet għal xogħol ta' natura xjentifika jew teknika, jew it-tlugħ ta' muntanji, f'żoni li huma maġenb il-fruntieri Ċileni għandhom japplikaw għall-awtorizzazzjoni xierqa permezz ta' konslu Ċilen fil-pajjiż tad-domiċilju ta' dawk il-persuni fiżiċi. Il-konslu Ċilen imbagħad għandu jibgħat tali applikazzjoni direttament lid-Direttorat Nazzjonali tal-Fruntieri tal-Istat (Dirección Nacional de Fronteras y Límites del Estado). Id-Direttorat jista' jordna li persuna fiżika Ċilena waħda jew aktar li taħdem fl-attivitajiet relatati xierqa għandha tingħaqad mal-esplorazzjonijiet sabiex issir taf bl-istudji li għandhom jitwettqu. Id-Dipartiment tal-Operazzjonijiet tad-Direttorat Nazzjonali tal-Fruntieri tal-Istat (Departamento de Operaciones de la Dirección Nacional de Fronteras y Límites del Estado) għandu jiddeċiedi u jħabbar jekk jawtorizzax jew jiċħadx esplorazzjonijiet ġeografiċi jew xjentifiċi li għandhom jitwettqu minn persuni ġuridiċi jew fiżiċi barranin fiċ-Ċilì. Id-Direttorat Nazzjonali tal-Fruntieri tal-Istat (Dirección Nacional de Fronteras y Límites del Estado) għandu jawtorizza u jissorvelja l-esplorazzjonijiet kollha li jinvolvu xogħol ta' natura xjentifika jew teknika, jew tlugħ fil-muntanji, li persuni ġuridiċi barranin jew persuni fiżiċi residenti barra mill-pajjiż ikollhom l-intenzjoni li jwettqu f'żoni qrib il-fruntieri Ċileni.
Settur:	Servizzi tan-Negozju
Sottosettur:	Riċerka fix-xjenzi soċjali
Obbligi Kkonċernati:	Trattament nazzjonali (CBTS)
Livell ta' Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi 17.288, il-Gazzetta Uffiċjali, 4 ta' Frar 1970, it-Titolu V (Ley 17.288, Diario Oficial, febrero 4, 1970, Título V) Id-Digriet Suprem 484 tal-Ministeru tal-Edukazzjoni, il-Gazzetta Uffiċjali, 2 ta' April 1991 (Decreto Supremo 484 del Ministerio de Educación, Diario Oficial, abril 2, 1991)
Deskrizzjoni:	Kummerċ transfruntier fis-servizzi

	Persuni ġuridiċi jew fiżiċi barranin li jkollhom l-intenzjoni li jwettqu skavar, stħarriġ, provi jew jiġbru materjal antropoloġiku, arkeoloġiku jew paleontoloġiku jridu japplikaw għal permess mill-Kunsill Nazzjonali tal-Monumenti (Consejo de Monumentos Nacionales). Sabiex jinkiseb il-permess, il-persuna inkarigata mir-riċerka trid tkun involuta minn istituzzjoni xjentifika barranija affidabbli u trid tkun qed taħdem f'kollaborazzjoni ma' istituzzjoni xjentifika governattiva Ċilena jew università Ċilena. Dak il-permess jista' jingħata lil (1) riċerkaturi Ċileni li għandhom l-isfond xjentifiku pertinenti fl-arkeoloġija, fl-antropoloġija jew fil-palontoloġija, iċċertifikati kif xieraq, u li għandhom ukoll proġett ta' riċerka u sponsorizzazzjoni istituzzjonali xierqa; u (2) riċerkaturi barranin, dment li jkunu involuti minn istituzzjoni xjentifika affidabbli u li jaħdmu f'kollaborazzjoni ma' istituzzjoni xjentifika governattiva Ċilena jew ma' università Ċilena. Id-diretturi jew il-kuraturi tal-mużewijiet rikonoxxuti mill-Kunsill Nazzjonali tal-Monumenti (Consejo de Monumentos Nacionales), arkeologi, antropologi jew paleontoloġisti professjonali, kif xieraq, u l-membri tas-soċjetà Ċilena tal-Arkeoloġija (Sociedad Chilena de Arqueología) għandhom ikunu awtorizzati jwettqu xogħlijiet relatati mas-salvataġġ. Ix-xogħlijiet relatati mas-salvataġġ jinvolvu l-irkupru urġenti tad-*data* jew tal-artefatti jew tal-ispeċijiet arkeoloġiċi, antropoloġiċi jew paleontoloġiċi mhedda minn telf imminenti.
Settur:	Servizzi tan-negozju
Sottosettur:	L-istampar, il-pubblikazzjoni u industriji relatati oħrajn
Obbligi Kkonċernati:	Trattament nazzjonali (CBTS) (Trattament tan-Nazzjon l-aktar iffavorit); Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Liġi 19.733, il-Gazzetta Uffiċjali, 4 ta' Ġunju 2001, Liġi dwar il-Libertajiet tal-Opinjoni u l-Informazzjoni u l-Eżerċizzju tal-Ġurnaliżmu, it-Titoli I u III (Ley 19.733, Diario Oficial, junio 4, 2001, Ley sobre las Libertades de Opinión e Información y Ejcerciio del Periodismo, Títulos I y III)
Deskrizzjoni:	Investiment Is-sid ta' mezz ta' komunikazzjoni soċjali bħal gazzetti, rivisti jew testi ppubblikati regolarment li l-indirizz tal-pubblikazzjoni tiegħu jinsab fiċ-Ċilì, jew aġenzija tal-aħbarijiet nazzjonali, għandhom, fil-każ ta' persuna fiżika, ikollha domiċilju stabbilit kif xieraq fiċ-Ċilì u, fil-każ ta' persuna ġuridika, għandha tkun ikkostitwita b'domiċilju fiċ-Ċilì jew ikollha aġenzija awtorizzata biex topera fit-territorju taċ-Ċilì. Iċ-ċittadini Ċileni biss jistgħu jkunu president, amministraturi jew rappreżentanti legali tal-persuna ġuridika li topera fiċ-Ċilì, kif deskritt hawn fuq. Id-direttur legalment responsabbli u l-persuna li tissostitwih iridu jkunu Ċileni b'domiċilju u residenza fiċ-Ċilì. Iċ-ċittadinanza Ċilena ma hijiex meħtieġa f'każijiet fejn il-mezz ta' komunikazzjoni soċjali juża lingwa differenti mill-Ispanjol.
Settur:	Servizzi professjonali

Sottosettur:	Servizzi tal-kontabilità, tal-awditjar, taż-żamma tal-kotba u tat-tassazzjoni
Obbligi Kkonċernati:	Trattament nazzjonali (CBTS) Preżenza lokali (CBTS)
Livell ta' Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi 18.046, il-Gazzetta Uffiċjali, 22 ta' Ottubru 1981, il-Liġi dwar il-Korporazzjonijiet, it-Titolu V (Ley 18.046, Diario Oficial, octubre 22, 1981, Ley de Sociedades Anónimas, Título V) Id-Digriet Suprem 702 tal-Ministeru tal-Finanzi, il-Gazzetta Uffiċjali, 6 ta' Lulju 2012, l-Att dwar il-Korporazzjonijiet (Decreto Supremo 702 del Ministerio de Hacienda, Diario Oficial, julio 6, 2012, Reglamento de Sociedades Anónimas) Digriet-Liġi 1.097, il-Gazzetta Uffiċjali, 25 ta' Lulju 1975, Titoli I, II, III u IV (Decreto Ley 1.097, Diario Oficial, julio 25, 1975, Títulos I, II, III y IV) Digriet-Liġi 3.538, il-Gazzetta Uffiċjali, 23 ta' Diċembru 1980, Titoli I, II, III u IV (Decreto Ley 3.538, Diario Oficial, diciembre 23, 1980, Títulos I, II, III y IV) Ċirkolari 2.714, 6 ta' Ottubru 1992; Ċirkolari 1, 17 ta' Jannar 1989; Kapitolu 19 Kollezzjoni Aġġornata, Sovrintendenza ta' Banek u Istituzzjonijiet Finanzjarji Normi dwar Awdituri Esterni (Circular 2.714, octubre 6, 1992; Il-Liġi dwar Prodotti Mediċinali fil-Mediċina tal-Bniedem, l-Artikoli 146, 1, 195, 17, 1989. Capítulo 19 de la Recopilación Actualizada de Normas de la Superintendencia de Bancos e Instituciones Financieras sobre Auditores Externos) Ċirkolari 327, 29 ta' Ġunju 1983 u Ċirkolari 350, 21 ta' Ottubru 1983, Sovrintendenza ta' Titoli u Assigurazzjoni (Circular 327, junio 29, 1983 y Circular 350, octubre 21, 1983, de la Superintendencia de Valores y Seguros)
Deskrizzjoni:	Kummerċ transfruntier fis-servizzi L-awdituri esterni tal-istituzzjonijiet finanzjarji jridu jiġu rreġistrati fir-Reġistru tal-Awdituri Esterni miżmum mill-Kummissjoni tas-Suq Finanzjarju (Comisión para el Mercodo Financiero). Huma biss il-persuni ġuridiċi Ċileni inkorporati legalment bħala sħubijiet (*sociedades de personas*) jew assoċjazzjonijiet (*asociaciones*) u li l-linja prinċipali tan-negozju tagħhom hija s-servizzi tal-awditjar li jistgħu jiddaħħlu fir-Reġistru.
Settur:	Servizzi Professjonali
Sottosettur:	Servizzi legali
Obbligi Kkonċernati:	Trattament nazzjonali (CBTS) Preżenza lokali (CBTS)
Livell ta' Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Kodiċi Organiku tat-Tribunali, Titolu XV, il-Gazzetta Uffiċjali, 9 ta' Lulju 1943 (Código Orgánico de Tribunales, Título XV, Diario Oficial, julio 9, 1943) Id-Digriet 110 tal-Ministeru tal-Ġustizzja, il-Gazzetta Uffiċjali, 20 ta' Marzu 1979 (Decreto 110 del Ministerio de Justicia, Diario Oficial, marzo 20, 1979) Il-Liġi 18.120, il-Gazzetta Uffiċjali, 18 ta' Mejju 1982 (Ley 18.120, Diario Oficial, mayo 18, 1982)

Deskrizzjoni:	Kummerċ transfruntier fis-servizzi
	Huma biss iċ-ċittadini Ċileni u barranin b'residenza fiċ-Ċilì, li lestew it-totalità tal-istudji legali tagħhom fil-pajjiż, li għandhom ikunu awtorizzati li jipprattikaw bħala avukati (*abogados*).
	L-avukati (*abogados*) debitament kwalifikati biex jipprattikaw il-liġi biss għandhom ikunu awtorizzati li jikkontestaw kawża fil-qrati Ċileni u jippreżentaw l-ewwel azzjoni jew talba legali ta' kull parti.
	L-ebda waħda minn dawn il-miżuri ma tapplika għal konsulenti legali barranin li jipprattikaw jew jagħtu pariri dwar id-dritt internazzjonali jew dwar il-liġi tal-Parti l-oħra.
Settur:	Servizzi professjonali, tekniċi u speċjalizzati
Sottosettur:	Servizzi awżiljarji fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja
Obbligi Kkonċernati:	Trattament nazzjonali (CBTS)
	Preżenza lokali (CBTS)
Livell ta' Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Kodiċi Organiku tat-Tribunali, Titoli XI u XII, il-Gazzetta Uffiċjali, 9 ta' Lulju 1943, (Código Orgánico de Tribunales, Títulos XI y XII, Diario Oficial, julio 9, 1943)
	Att dwar ir-Reġistru tal-Kustodju tal-Istat Reali, Titoli I, II u III, il-Gazzetta Uffiċjali, 24 ta' Ġunju 1857 (Reglamento del Registro Conservador de Bienes Raíces, Títulos I, II y III, Diario Oficial, junio 24, 1857)
	Il-Liġi 18.118, il-Gazzetta Uffiċjali, 22 ta' Mejju 1982, it-Titolu I (Ley 18.118, Diario Oficial, mayo 22, 1982, Título I)
	Id-Digriet 197 tal-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi, l-Iżvilupp u r-Rikostruzzjoni, il-Gazzetta Uffiċjali, 8 ta' Awwissu 1985 (Decreto 197 del Ministerio de Economía, Fomento y Reconstrucción, Diario Oficial, agosto 8, 1985)
	Il-Liġi 18.175, il-Gazzetta Uffiċjali, 28 ta' Ottubru 1982, it-Titolu III (Ley 18.175, Diario Oficial, octubre 28, 1982, Título III)
Deskrizzjoni:	Kummerċ transfruntier fis-servizzi
	L-anċillari tal-ġustizzja (*auxiliares de la administración de justicia*) irid ikollhom ir-residenza tagħhom fl-istess belt jew post fejn tkun iddomiċiljata l-qorti li lilha jagħtu servizzi.
	Id-difensuri pubbliċi (*defensores públicos*), in-nutara pubbliċi (*notarios públicos*), u l-kustodji (*conservadores*) għandhom ikunu persuni fiżiċi Ċileni u jissodisfaw l-istess rekwiżiti meħtieġa biex isiru mħallef.
	L-arkivisti (*archiveros*), id-difensuri pubbliċi (*defensores públicos*) u l-arbitri fil-liġi (*árbitros de derecho*) iridu jkunu avukati (abogados) u, għalhekk, ċittadini Ċileni jew barranin b'residenza fiċ-Ċilì li jkunu lestew l-istudji legali kollha tagħhom fiċ-Ċilì. L-avukati tal-Parti l-oħra jistgħu jassistu fl-arbitraġġ meta jittrattaw il-liġi ta' dik il-Parti l-oħra u d-dritt internazzjonali u meta l-partijiet privati jitolbu dan.
	Huma biss il-persuni fiżiċi Ċileni bid-dritt tal-vot, u l-persuni fiżiċi barranin b'residenza permanenti fiċ-Ċilì u d-dritt tal-vot, li jistgħu jaġixxu bħala servers tal-proċess (*receptores judiciales*) u avukati fil-qorti superjuri (*procuradores del número*).

	Persuni fiżiċi Ċileni, persuni fiżiċi barranin b'residenza permanenti fiċ-Ċilì jew persuni ġuridiċi Ċileni biss jistgħu jkunu rkantaturi (*martilleros públicos*). Ir-riċevituri f'falliment (*síndicos de quiebra*) irid ikollhom lawrja professjonali jew teknika mogħtija minn università jew minn istitut professjonali jew tekniku rikonoxxut miċ-Ċilì. Ir-riċevituri f'falliment irid ikollhom mill-inqas tliet snin ta' esperjenza fil-qasam kummerċjali, ekonomiku jew ġuridiku.
Settur:	It-trasport
Sottosettur:	Servizzi tat-trasport bl-ilma u tbaħħir
Obbligi Kkonċernati:	(Trattament tan-Nazzjon l-aktar iffavorit);
Livell ta' Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Digriet Liġi 3.059, il-Gazzetta Uffiċjali, 22 ta' Diċembru 1979, Liġi dwar il-Promozzjoni tal-Flotta Merkantili, Titoli I u II (Decreto Ley 3.059, Diario Oficial, 22 de diciembre de 1979, Ley de Fomento a la Marina Mercante, Títulos I y II) Id-Digriet Suprem 237, il-Gazzetta Uffiċjali, 25 ta' Lulju 2001, l-Att tad-Digriet Liġi 3.059, Titoli I u II (Decreto Supremo 237, Diario Oficial, julio 25, 2001, Reglamento del Decreto Ley 3.059, Títulos I y II) Kodiċi tal-Kummerċ, Ktieb III, Titoli I, IV u V (Código de Comercio, Libro III, Títulos I, IV y V)
Deskrizzjoni:	Investiment u kummerċ transfruntier fis-servizzi Is-servizzi għat-twassil ta' merkanzija fil-portijiet huma riżervati għall-bastimenti nazzjonali meta l-merkanzija tiġi ttrasportata bejn żewġ portijiet Ċileni. It-trasport marittimu internazzjonali ta' merkanzija lejn jew miċ-Ċilì huwa soġġett għall-prinċipju ta' reċiproċità. F'każ li ċ-Ċilì jadotta, għal raġunijiet ta' reċiproċità, miżura ta' riżerva tal-merkanzija applikabbli għat-trasport internazzjonali tal-merkanzija bejn iċ-Ċilì u pajjiż terz, il-merkanzija riżervata għandha tiġi ttrasportata f'bastimenti li jtajru l-bandiera Ċilena jew f'bastimenti meqjusa bħala bastimenti Ċileni.
Settur:	It-trasport
Sottosettur:	Servizzi tat-trasport bl-ilma u tbaħħir
Obbligi Kkonċernati:	Trattament nazzjonali (Investiment u CBTS) Trattament tan-Nazzjon l-aktar iffavorit (Investiment u CBTS); Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (Investiment) Preżenza Lokali (CBTS)
Livell ta' Gvern:	Ċentrali

Miżuri:	Digriet Liġi 2.222, il-Gazzetta Uffiċjali, 31 ta' Mejju 1978, Liġi tan-Navigazzjoni, Titoli I, II, III, IV u V (Decreto Ley 2.222, Diario Oficial, mayo 31, 1978, Ley de Navegación, Títulos I, II, III, IV y V) Kodiċi tal-Kummerċ, Ktieb III, Titoli I, IV u V (Código de Comercio, Libro III, Títulos I, IV y V)
Deskrizzjoni:	Investiment u kummerċ transfruntier fis-servizzi Persuna fiżika jew ġuridika Ċilena biss tista' tirreġistra bastiment fiċ-Ċilì. Tali persuna ġuridika trid tkun ikkostitwita b'domiċilju prinċipali u b'sede reali u effettiva fiċ-Ċilì. Barra minn hekk, aktar minn 50 % tal-kapital tagħha jrid jinżamm minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi Ċileni. Għal dawn il-finijiet, persuna ġuridika b'parteċipazzjoni fis-sjieda f'persuna ġuridika oħra li jkollha bastiment trid tikkonforma mar-rekwiżiti kollha msemmija hawn fuq. Il-president, il-maniġer u l-maġġoranza tad-diretturi jew tal-amministraturi jridu jkunu persuni fiżiċi Ċileni. Sjieda konġunta (*comunidad*) tista' tirreġistra bastiment jekk (1) il-maġġoranza tas-sjieda konġunta tkun Ċilena b'domiċilju u residenza fiċ-Ċilì; (2) l-amministraturi huma Ċileni; u (3) il-maġġoranza tad-drittijiet tas-sjieda konġunta jappartjenu għal persuna fiżika jew ġuridika Ċilena. Għal dawn il-finijiet, persuna ġuridika b'parteċipazzjoni fis-sjieda f'sjieda konġunta (*comunidad*) li hija s-sid ta' bastiment trid tikkonforma mar-rekwiżiti msemmija hawn fuq kollha li għandhom jitqiesu bħala Ċileni. Bastimenti speċjali li huma proprjetà ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi barranin jistgħu jiġu rreġistrati fiċ-Ċilì, jekk dawk il-persuni jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin: (1) domiċilju fiċ-Ċilì; (2) uffiċċju prinċipali fiċ-Ċilì; jew (3) iwettqu professjoni jew attività kummerċjali b'mod permanenti fiċ-Ċilì. "Bastimenti speċjali" huma dawk użati f'servizzi, f'operazzjonijiet jew għal skopijiet speċifiċi, b'karatteristiċi speċjali għall-funzjonijiet li jwettqu, bħal bastimenti tal-irmonk, bastimenti tat-tħammil, bastimenti xjentifiċi jew rikreattivi, fost l-oħrajn. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, bastiment speċjali ma jinkludix bastiment tas-sajd. L-awtorità marittima tista' tipprovdi trattament aħjar ibbażat fuq il-prinċipju tar-reċiproċità.
Settur:	It-trasport
Sottosettur:	Servizzi tat-trasport bl-ilma u tbaħħir
Obbligi Kkonċernati:	Trattament nazzjonali (CBTS) Trattament tan-Nazzjon l-aktar iffavorit (CBTS); Preżenza lokali (CBTS)
Livell ta' Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Digriet Liġi 2.222, il-Gazzetta Uffiċjali, 31 ta' Mejju 1978, Liġi tan-Navigazzjoni, Titoli I, II, III, IV u V (Decreto Ley 2.222, Diario Oficial, 31 mayo de 1978, Ley de Navegación, Títulos I, II, III, IV y V)

Id-Digriet Suprem 153, il-Gazzetta Uffiċjali, 11 ta' Marzu 1966, Japprova l-Att Ġenerali dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Persunal tal-Baħar, tax-Xmajjar u Lacustrine (Decreto Supremo 153, Diario Oficial, 11 marzo de 1966, Aprueba el Reglamento General de Matrícula del Personal de Gente de Mar, Fluvial y Lacustre)

Kodiċi tal-Kummerċ, Ktieb III, Titoli I, IV u V (Código de Comercio, Libro III, Títulos I, IV y V)

Deskrizzjoni:

Kummerċ transfruntier fis-servizzi

Bastimenti barranin għandhom ikunu meħtieġa jużaw servizzi ta' pilotaġġ, ankrar u pilotaġġ fil-portijiet meta l-awtoritajiet marittimi hekk jeħtieġu. F'attivitajiet ta' tugging jew manuvri oħra mwettqa f'portijiet Ċileni, għandhom jintużaw biss il-bastimenti tal-irmonk li jtajru l-bandiera Ċilena.

Il-kaptani għandhom ikunu meħtieġa li jkunu ċittadini Ċileni u li jiġu rikonoxxuti bħala tali mill-awtoritajiet pertinenti. L-uffiċjali fuq bastimenti Ċileni jridu jkunu persuni fiżiċi Ċileni rreġistrati fir-Reġistru tal-Uffiċjali (Registro de oficiales). Il-membri tal-ekwipaġġ ta' bastiment Ċilen iridu jkunu Ċileni, ikollhom il-permess mogħti mill-Awtorità Marittima (Autoridad Marítima) u jkunu rreġistrati fir-Reġistru rispettiv. It-titoli u l-liċenzji professjonali mogħtija minn pajjiż barrani jistgħu jitqiesu validi għall-ħelsien mid-dmirijiet tal-uffiċjali fuq il-bastimenti Ċileni skont riżoluzzjoni sostanzjata (*resolución fundada*) maħruġa mid-Direttur tal-Awtorità Marittima.

Il-kaptani tal-bastimenti (*patrón de nave*) għandhom ikunu ċittadini Ċileni. Kaptan ta' bastiment huwa persuna fiżika li, skont it-titolu korrispondenti mogħti mid-Direttur tal-Awtorità Marittima, għandu s-setgħa li jeżerċita kmand fuq bastimenti iżgħar u fuq ċerti bastimenti akbar speċjali.

Il-kaptani tad-dgħajjes tas-sajd (*patrones de pesca*), dawk li jħaddmu l-makkinarji (*mecánicos-motoristas*), l-operaturi tal-magni (*motoristas*), is-sajjieda li jwettqu attivitajiet fuq il-baħar (*marineros pescadores*), is-sajjieda fuq skala żgħira (*pescadores*), l-impjegati tekniċi industrijali jew tal-kummerċ marittimu jew il-ħaddiema, u l-ekwipaġġi tas-servizzi tal-bastimenti industrijali u ġenerali fuq fabbriki tas-sajd jew dgħajjes tas-sajd għandhom ikunu ċittadini Ċileni. Barranin b'domiċilju fiċ-Ċilì għandhom ikunu awtorizzati wkoll iwettqu dawk l-attivitajiet meta jintalbu jagħmlu dan mill-operaturi tal-bastimenti (*armadores*) biex ikunu indispensabbli biex jibdew dawk l-attivitajiet.

Sabiex itajjar il-bandiera Ċilena, il-kaptan tal-bastiment (*patrón de nave*), l-uffiċjali u l-ekwipaġġ iridu jkunu ċittadini Ċileni. Madankollu, jekk ikun indispensabbli, id-Direttorat Ġenerali għat-Territorju Marittimu u l-Flotta Merkantili (Dirección General del Territorio Marítimo y de Marina Mercante), abbażi ta' riżoluzzjoni sostanzjata (*resolución fundada*) u fuq bażi temporanja, jista' jawtorizza r-reklutaġġ ta' persunal barrani, bl-eċċezzjoni tal-kaptan, li dejjem irid ikun ta' nazzjonalità Ċilena.

Persuni fiżiċi jew ġuridiċi Ċileni biss għandhom ikunu awtorizzati jaġixxu fiċ-Ċilì bħala operaturi multimodali.

Settur:

It-trasport

Sottosettur:

Servizzi tat-trasport bl-ilma u tbaħħir

Obbligi Kkonċernati:

Trattament nazzjonali (Investiment u CBTS)

Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (Investiment)

Preżenza lokali (CBTS)

Livell ta' Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Kodiċi tal-Kummerċ, Ktieb III, Titoli I, IV u V (Código de Comercio, Libro III, Títulos I, IV y V) Digriet Liġi 2.222, il-Gazzetta Uffiċjali, 31 ta' Mejju 1978, Liġi tan-Navigazzjoni, Titoli I, II u IV (Decreto Ley 2.222, Diario Oficial, mayo 31, 1978, Ley de Navegación, Títulos I, II y IV) Id-Digriet 90 tal-Ministeru tax-Xogħol u l-Benesseri Soċjali, il-Gazzetta Uffiċjali, 21 ta' Jannar 2000 (Decreto 90 del Ministerio de Trabajo y Previsión Social, Diario Oficial, enero 21, 2000) Id-Digriet 49 tal-Ministeru tax-Xogħol u l-Benesseri Soċjali, 16 ta' Lulju 1999 (Decreto 49 del Ministerio de Trabajo y Previsión Social, Diario Oficial, julio 16, 1999) Il-Kodiċi tax-Xogħol, il-Ktieb I, it-Titolu II, il-Kapitolu III, il-paragrafu 2 (Código del Trabajo, Libro I, Título II, Capítulo III, párrafo 2)
Deskrizzjoni:	Investiment u kummerċ transfruntier fis-servizzi L-aġenti tat-tbaħħir jew ir-rappreżentanti tal-operaturi tal-bastimenti, tas-sidien jew tal-kaptani, kemm jekk ikunu persuni fiżiċi kif ukoll jekk ġuridiċi, għandhom ikunu meħtieġa jkunu Ċileni. Ix-xogħol tal-istivar u tad-dockage mwettaq minn persuni fiżiċi huwa riżervat għaċ-Ċileni li jkunu akkreditati kif xieraq mill-awtorità korrispondenti biex iwettqu tali xogħol u jkollhom uffiċċju stabbilit fiċ-Ċilì. Kull meta dawn l-attivitajiet jitwettqu minn persuni ġuridiċi, dawn iridu jkunu legalment magħmula fiċ-Ċilì u jkollhom id-domiċilju prinċipali tagħhom fiċ-Ċilì. Il-president, l-amministraturi, il-maniġers jew id-diretturi jridu jkunu Ċileni. Aktar minn 50 % tal-kapital korporattiv irid jinżamm minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi Ċileni. Tali intrapriżi għandhom jaħtru aġent wieħed jew aktar mogħtija s-setgħa, li jaġixxu fir-rappreżentanza tagħhom u li għandhom ikunu ċittadini Ċileni. Kull min ikun involut fil-ħatt, trażbord u, b'mod ġenerali, użu ta' portijiet Ċileni kontinentali jew insulari, b'mod partikolari għall-ħatt ta' qabdiet ta' ħut jew għall-ipproċessar ta' qabdiet ta' ħut abbord, għandu jkun meħtieġ ukoll li jkun persuna fiżika jew ġuridika Ċilena.
Settur:	It-trasport
Sottosettur:	Trasport fuq l-art
Obbligi Kkonċernati:	Trattament nazzjonali (CBTS) (Trattament tan-Nazzjon l-aktar iffavorit); Preżenza lokali (CBTS)
Livell ta' Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Id-Digriet Suprem 212 tal-Ministeru tat-Trasport u t-Telekomunikazzjoni, il-Gazzetta Uffiċjali, 21 ta' Novembru 1992 (Decreto Supremo 212 del Ministerio de Transportes y Telecomunicaciones, Diario Oficial, noviembre 21, 1992) Id-Digriet 163 tal-Ministeru tat-Trasport u t-Telekomunikazzjoni, il-Gazzetta Uffiċjali, 4 ta' Jannar 1985 (Decreto 163 del Ministerio de Transportes y Telecomunicaciones, Diario Oficial, enero 4, 1985)

	Id-Digriet Suprem 257 tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, il-Gazzetta Uffiċjali, 17 ta' Ottubru 1991 (Decreto Supremo 257 del Ministerio de Relaciones Exteriores, Diario Oficial, octubre 17, 1991)
Deskrizzjoni:	Kummerċ transfruntier fis-servizzi Persuni fiżiċi u ġuridiċi barranin ikkwalifikati biex jipprovdu servizzi ta' trasport internazzjonali fit-territorju taċ-Ċilì ma jistgħux jipprovdu servizzi ta' trasport lokali jew jipparteċipaw b'xi mod f'dawk l-attivitajiet fit-territorju taċ-Ċilì. Huma biss il-kumpaniji b'domiċilju attwali u effettiv fiċ-Ċilì u organizzati skont il-liġijiet taċ-Ċilì, tal-Arġentina, tal-Bolivja, tal-Brażil, tal-Perù, tal-Urugwaj jew tal-Paragwaj għandhom ikunu awtorizzati jipprovdu servizzi internazzjonali tat-trasport bl-art bejn iċ-Ċilì u l-Arġentina, il-Bolivja, il-Brażil, il-Perù, l-Urugwaj jew il-Paragwaj. Barra minn hekk, sabiex jinkiseb permess internazzjonali għat-trasport fuq l-art, fil-każ ta' persuni ġuridiċi barranin, aktar minn 50 % tal-kapital korporattiv tiegħu u l-kontroll effettiv għandu jinżamm minn ċittadini taċ-Ċilì, tal-Arġentina, tal-Bolivja, tal-Brażil, tal-Perù, tal-Urugwaj jew tal-Paragwaj.
Settur:	It-trasport
Sottosettur:	Trasport fuq l-art
Obbligi Kkonċernati:	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit (CBTS);
Livell ta' Gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Il-Liġi 18.290, il-Gazzetta Uffiċjali, 7 ta' Frar 1984, it-Titolu IV (Ley 18.290, Diario Oficial, febrero 7, 1984, Título IV) Id-Digriet Suprem 485 tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, il-Gazzetta Uffiċjali, 7 ta' Settembru 1960, il-Konvenzjoni ta' Ġinevra (Decreto Supremo 485 del Ministerio de Relaciones Exteriores, Diario Oficial, septiembre 7, 1960, Convención de Ginebra)
Deskrizzjoni:	Kummerċ transfruntier fis-servizzi Il-vetturi bil-mutur li jkollhom pjanċi ta' liċenzja barranija li jidħlu fiċ-Ċilì fuq bażi temporanja, skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-Konvenzjoni dwar it-Traffiku fit-Toroq, magħmula f'Ġinevra fid-19 ta' Settembru 1949 (il-"Konvenzjoni ta' Ġinevra"), għandhom jiċċirkolaw liberament fit-territorju kollu taċ-Ċilì għall-perjodu stabbilit fih, dment li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti mil-liġi Ċilena. Id-detenturi ta' liċenzji tas-sewqan internazzjonali validi jew ta' ċertifikati maħruġa f'pajjiż barrani f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Ġinevra jistgħu jsuqu fi kwalunkwe post fit-territorju taċ-Ċilì. Is-sewwieq ta' vettura li jkollha pjanċi tal-liċenzja barranin li jkollu liċenzja ta' sewwieq internazzjonali għandu jippreżenta, fuq talba mill-awtoritajiet, id-dokumenti li jiċċertifikaw kemm l-affidabilità stradali tal-vettura kif ukoll l-użu u l-validità tad-dokumenti personali tiegħu jew tagħha.

ANNESS 17-B

RIŻERVI GĦAL MIŻURI FUTURI

Noti Introduttivi

1. L-iskedi tal-Partijiet fl-Appendiċijiet 17-B-1 u 17-B-2 jistabbilixxu, skont l-Artikoli 17.14 u 18.8, ir-riżervi meħuda mill-Partijiet fir-rigward ta' miżuri eżistenti jew aktar restrittivi jew ġodda li ma jikkonformawx mal-obbligi imposti minn:

(a) Artikolu 18.6;

(b) Artikolu 17.9 jew 18.4;

(c) Artikolu 17.11 jew 18.5;

(d) Artikolu 17.13; jew

(e) Artikolu 17.12.

2. Ir-riżervi ta' Parti huma mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet taħt il-GATS.

3. Kull riżerva tistabbilixxi l-elementi li ġejjin:

(a) "settur" jirreferi għas-settur ġenerali li fih issir ir-riżerva;

(b) "subsettur" tirreferi għas-settur speċifiku li fih issir ir-riżerva;

(c) "klassifikazzjoni tal-industrija" tirreferi, fejn applikabbli, għall-attività koperta mir-riżerva skont is-CPC, ISIC Rev. 3.1, jew kif deskritt espressament mod ieħor fir-riżerva;

(d) "tip ta' riżerva" tispeċifika l-obbligu msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Anness li għalih issir ir-riżerva;

(e) "deskrizzjoni" tistabbilixxi l-ambitu tas-settur, is-subsettur jew l-attivitajiet koperti mir-riżerva; u

(f) "miżuri eżistenti" tidentifika, għall-finijiet ta' trasparenza, il-miżuri eżistenti li japplikaw għas-settur, is-subsettur jew l-attivitajiet koperti mir-riżerva.

4. Fl-interpretazzjoni ta' riżerva, l-elementi kollha tar-riżerva għandhom jiġu kkunsidrati. L-element tad-"deskrizzjoni" għandu jirbaħ fuq l-elementi l-oħra kollha.

5. Għall-finijiet tal-iskedi tal-Partijiet, "ISIC Rev. 3.1" tfisser il-Klassifikazzjoni Industrijali Standard Internazzjonali tal-Attivitajiet Ekonomiċi Kollha kif stabbilit fid-Dokumenti Statistiċi tal-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, Serje M, Nru 4, ISIC Rev. 3.1, 2002.

6. Għall-finijiet tal-iskedi tal-Partijiet, issir riżerva għal rekwiżit ta' preżenza lokali fit-territorju ta' Parti fir-rigward tal-Artikolu 18.6 u mhux fir-rigward tal-Artikolu 17.9 jew 18.4 jew, fl-Anness 17-C, fir-rigward tal-Artikolu 18.7.

7. Riżerva meħuda fil-livell tal-Parti tal-UE tapplika għal miżura tal-Unjoni Ewropea, għal miżura ta' Stat Membru fil-livell ċentrali jew għal miżura ta' gvern fi Stat Membru, sakemm ir-riżerva ma teskludix Stat Membru. Riżerva li tittieħed minn Stat Membru tapplika għal miżura ta' gvern fil-livell ċentrali, reġjonali jew lokali f'dak l-Istat Membru. Għall-finijiet tar-riżervi tal-Belġju, il-livell ċentrali tal-gvern ikopri l-gvern federali u l-gvernijiet tar-reġjuni u l-komunitajiet peress li kull wieħed minnhom għandu setgħat leġiżlattivi ekwipollenti. Għall-finijiet tar-riżervi tal-Parti tal-UE, livell reġjonali ta' gvern fil-Finlandja jfisser il-Gżejjer Åland. Riżerva meħuda fil-livell taċ-Ċilì tapplika għal miżura tal-gvern ċentrali jew ta' gvern lokali.

8. L-iskedi tal-Partijiet ma jinkludux miżuri relatati mar-rekwiżiti u mal-proċeduri tal-kwalifiki, standards tekniċi u rekwiżiti u proċeduri ta' liċenzjar fejn dawn ma jikkostitwixxux limitazzjoni skont it-tifsira tal-Artikoli 17.9 u 18.4. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu, b'mod partikolari, il-ħtieġa li tinkiseb liċenzja, li jiġu ssodisfati l-obbligi ta' servizz universali, li wieħed ikollu kwalifiki rikonoxxuti f'setturi regolati, li jgħaddi minn eżamijiet speċifiċi, inklużi eżamijiet tal-lingwa, li jissodisfa rekwiżit ta' sħubija fi professjoni partikolari, bħal sħubija f'organizzazzjoni professjonali, li jkollu aġent lokali għas-servizz, jew li jżomm indirizz lokali, jew kwalunkwe rekwiżit mhux diskriminatorju ieħor li ċerti attivitajiet ma jistgħux jitwettqu f'żoni protetti. Għalkemm mhumiex elenkati f'dan l-Anness, dawn il-miżuri jibqgħu japplikaw.

9. Għal aktar ċertezza, għall-Parti tal-UE, l-obbligu li jingħata trattament nazzjonali ma jinvolvix rekwiżit li jiġi estiż għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi taċ-Ċilì t-trattament mogħti fi Stat Membru, skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jew kwalunkwe miżura adottata skont dak it-Trattat, inkluża l-implimentazzjoni tagħhom fl-Istati Membri, għal:

(a) persuni fiżiċi jew residenti ta' Stat Membru ieħor; jew

(b) persuni ġuridiċi kostitwiti jew organizzati skont il-liġi ta' Stat Membru ieħor jew tal-Unjoni Ewropea u li jkollhom l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom fl-Unjoni Ewropea.

10. It-trattament mogħti lil persuni ġuridiċi stabbiliti minn investituri ta' Parti skont il-liġi tal-Parti l-oħra (inkluż, fil-każ tal-Parti tal-UE, il-liġi ta' Stat Membru) u li jkollhom l-uffiċċju rreġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom f'dik il-Parti l-oħra, huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe kundizzjoni jew obbligu, skont il-Kapitolu 17, li setgħu ġew imposti fuq tali persuna ġuridika meta kienet stabbilita f'dik il-Parti l-oħra, u li għandhom ikomplu japplikaw.

11. L-iskedi tal-Partijiet japplikaw biss għat-territorji tal-Partijiet skont l-Artikolu 41.2 u huma rilevanti biss fil-kuntest tar-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-Parti tal-UE u ċ-Ċilì. Dawn ma jaffettwawx id-drittijiet u l-obbligi tal-Istati Membri skont id-dritt tal-Unjoni Ewropea.

12. L-abbrevjazzjonijiet li ġejjin jintużaw fl-iskeda tal-Parti tal-UE:

L-UE L-Unjoni Ewropea, inkluż l-Istati Membri kollha tagħha

AT L-Awstrija

BE Il-Belġju

BG Il-Bulgarija

CY Ċipru

CZ Ir-Repubblika Ċeka

DE Il-Ġermanja

DK Id-Danimarka

EE L-Estonja

EL Il-Greċja

ES Spanja

FI Il-Finlandja

FR Franza

HR Il-Kroazja

HU L-Ungerija

IE L-Irlanda

IT L-Italja

LT Il-Litwanja

LU Il-Lussemburgu

LV Il-Latvja

MT Malta

NL In-Netherlands

PL Il-Polonja

PT Il-Portugall

RO Ir-Rumanija

SE L-Iżvezja

SI Is-Slovenja

SK Is-Slovakkja

ŻEE Iż-Żona Ekonomika Ewropea

Appendiċi 17-B-1

SKEDA TAL-PARTI TAL-UE

Riżerva Nru 1 – Is-setturi kollha

Riżerva Nru 2 – Servizzi professjonali – minbarra servizzi relatati mas-saħħa

Riżerva Nru 3 – Servizzi professjonali – relatati mas-saħħa u l-bejgħ bl-imnut ta' farmaċewtiċi

Riżerva Nru 4 – Servizzi tan-negozju – servizzi ta' riċerka u żvilupp

Riżerva Nru 5 – Servizzi tan-negozju – servizzi ta' proprjetà immobbli

Riżerva Nru 6 – Servizzi tan-negozju – servizzi ta' kiri jew twillija

Riżerva Nru 7 – Servizzi tan-negozju – servizzi ta' aġenzija tal-ġbir u servizzi ta' rapportar tal-kreditu

Riżerva Nru 8 – Servizzi tan-negozju – servizzi ta' kollokament

Riżerva Nru 9 – Servizzi tan-negozju – servizzi tas-sigurtà u investigazzjoni

Riżerva Nru 10 – Servizzi tan-negozju – servizzi tan-negozju oħrajn

Riżerva Nru 11 – Telekomunikazzjoni

Riżerva Nru 12 – Kostruzzjoni

Riżerva Nru 13 – Servizzi tad-distribuzzjoni

Riżerva Nru 14 – Servizzi edukattivi

Riżerva Nru 15 – Servizzi ambjentali

Riżerva Nru 16 – Servizzi tas-saħħa u servizzi soċjali

Riżerva Nru 17 – Servizzi relatati mat-turiżmu u l-ivvjaġġar

Riżerva Nru 18 – Servizzi ta' rikreazzjoni, kulturali u sportivi

Riżerva Nru 19 – Servizzi tat-trasport u servizzi tat-trasport awżiljari

Riżerva Nru 20 – Agrikoltura, sajd u ilma

Riżerva Nru 21 – Attivitajiet relatati mal-minjieri u l-enerġija

Riżerva Nru 22 – Servizzi oħra mhux inklużi xi mkien ieħor

Riżerva Nru 1 – Is-setturi kollha

Settur:	Is-setturi kollha
Tip ta' riżerva:	Trattament nazzjonali (Investiment u CBTS) Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit (Investiment u CBTS) Rekwiżiti tal-prestazzjoni (Investiment) Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (Investiment) Preżenza lokali (CBTS)
Kapitolu/Sezzjoni:	Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntier fis-servizzi

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dan li ġej:

(a) Stabbiliment

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

F'FI: Restrizzjonijiet fuq id-dritt ta' persuni fiżiċi li ma jgawdux ċittadinanza reġjonali f'Åland, u ta' persuni ġuridiċi, li jakkwistaw u jżommu proprjetà immobbli fil-Gżejjer Åland mingħajr ma jiksbu permess mill-awtoritajiet kompetenti tal-Gżejjer Åland. Restrizzjonijiet fuq id-dritt ta' stabbiliment u d-dritt li jitwettqu attivitajiet ekonomiċi minn persuni fiżiċi li ma jgawdux ċittadinanza reġjonali f'Åland, jew minn kwalunkwe intrapriża, mingħajr ma jinkiseb permess mill-awtoritajiet kompetenti tal-Gżejjer Åland.

Miżuri eżistenti:

FI: Ahvenanmaan maanhankintalaki (l-Att dwar l-akkwist tal-art f'Åland) (3/1975), 2 §; u Ahvenanmaan itsehallintolaki (l-Att dwar l-Awtonomija ta' Åland) (1144/1991), 11 § .

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Rekwiżiti ta' prestazzjoni, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi:

F'FR: Skont l-Artikoli L151-1 u 153-1 et seq tal-kodiċi finanzjarju u monetarju, l-investimenti barranin f'FR fis-setturi elenkati fl-Artikolu R.151-3 tal-kodiċi finanzjarju u monetarju huma soġġetti għal approvazzjoni minn qabel mill-Ministru għall-Ekonomija.

Miżuri eżistenti:

FR: Kif stabbilit fit-taqsima tad-Deskrizzjoni kif indikat aktar 'il fuq.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi:

F'FR: Il-limitazzjoni tal-parteċipazzjoni barranija f'kumpaniji privatizzati ġodda għal ammont varjabbli, determinat mill-gvern ta' FR fuq bażi ta' każ b'każ, tal-ekwità offruta lill-pubbliku. Għall-istabbiliment f'ċerti attivitajiet kummerċjali, industrijali jew artiġjanali, hija meħtieġa awtorizzazzjoni speċifika jekk id-direttur maniġerjali ma jkunx detentur ta' permess ta' residenza permanenti.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

F'BG: Ċerti attivitajiet ekonomiċi relatati mal-isfruttament jew l-użu ta' proprjetà tal-Istat jew pubblika huma soġġetti għal konċessjonijiet mogħtija skont l-Att dwar il-Konċessjonijiet.

F'korporazzjonijiet kummerċjali li fihom l-Istat jew muniċipalità għandhom sehem fil-kapital li jaqbeż il-50 %, kwalunkwe tranżazzjoni għad-disponiment ta' assi fissi tal-korporazzjoni, għall-konklużjoni ta' kwalunkwe kuntratt għall-akkwist ta' interess parteċipanti, kiri, attività konġunta, kreditu, garanzija ta' riċevibbli, kif ukoll li twassal biex jiġġarrab kwalunkwe obbligu li jirriżulta minn kambjali, huma soġġetti għal awtorizzazzjoni jew permess mill-Aġenzija ta' Kontroll u Intrapriżi Pubbliċi jew korpi Statali jew reġjonali oħra, skont liema tkun l-awtorità kompetenti. Din ir-riżerva ma tapplikax għall-minjieri u l-barrieri, li huma soġġetti għal riżerva separata fl-iskeda tal-Parti tal-UE fl-Anness 17-A ta' dan il-Ftehim.

F'IT: Il-gvern jista' jeżerċita ċerti setgħat speċjali f'intrapriżi li joperaw fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà nazzjonali, u f'ċerti attivitajiet ta' importanza strateġika fl-oqsma tal-enerġija, it-trasport u l-komunikazzjonijiet. Dan japplika għall-persuni ġuridiċi kollha li jwettqu attivitajiet li huma meqjusa ta' importanza strateġika fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà nazzjonali, u mhux biss għall-kumpaniji privatizzati.

Jekk ikun hemm theddida ta' dannu serju għall-interessi essenzjali tad-difiża u tas-sigurtà nazzjonali, il-gvern għandu s-setgħat speċjali li ġejjin biex:

(i) jimponi kundizzjonijiet speċifiċi fix-xiri ta' ishma;

(ii) jagħmel veto għall-adozzjoni ta' riżoluzzjonijiet relatati ma' operazzjonijiet speċjali bħal trasferimenti, merger, qsim u tibdiliet fl-attività; jew

(iii) jiċħad l-akkwist ta' ishma, meta x-xerrej ifittex li jkollu livell ta' parteċipazzjoni fil-kapital li x'aktarx jippreġudika l-interessi tad-difiża u s-sigurtà nazzjonali.

Kwalunkwe riżoluzzjoni, att jew tranżazzjoni (bħal trasferimenti, fużjonijiet, qsim, bidla fl-attività jew terminazzjoni) relatati ma' assi strateġiċi fl-oqsma tal-enerġija, it-trasport u l-komunikazzjonijiet għandhom jiġu nnotifikati mill-kumpanija kkonċernata lill-uffiċċju tal-Prim Ministru. B'mod partikolari, l-akkwisti minn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika barra l-Unjoni Ewropea li jagħtu lil din il-persuna kontroll fuq il-kumpanija għandhom jiġu nnotifikati.

Il-Prim Ministru jista' jeżerċità s-setgħat speċjali segwenti:

(i) li jagħmel veto għal kwalunkwe riżoluzzjoni, att u tranżazzjoni li tikkostitwixxi theddida eċċezzjonali ta' dannu serju lill-interess pubbliku fis-sigurtà u l-operat ta' networks u fornimenti;

(ii) li jimponi kundizzjonijiet speċifiċi sabiex jiġi ggarantit l-interess pubbliku; jew

(iii) li jiċħad akkwiżizzjoni f'każijiet eċċezzjonali ta' riskju għall-interessi essenzjali tal-Istat.

Il-kriterji li fuqhom tiġi evalwata t-theddida reali jew eċċezzjonali u l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat speċjali huma stabbiliti fil-liġi.

Miżuri eżistenti:

IT: Il-Liġi 56/2012 dwar is-setgħat speċjali f'kumpaniji li joperaw fil-qasam tad-difiża u s-sigurtà nazzjonali, l-enerġija, it-trasport u l-komunikazzjonijiet; u d-Digriet tal-Prim Ministru DPCM 253 tat-30 ta' Novembru 2012 li jiddefinixxi l-attivitajiet ta' importanza strateġika fil-qasam tad-difiża u s-sigurtà nazzjonali.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit, Rekwiżiti ta' prestazzjoni, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi:

F'LT: Intrapriżi, setturi, żoni, assi u faċilitajiet ta' importanza strateġika għas-sigurtà nazzjonali.

Miżuri eżistenti:

LT: Il-liġi dwar il-Protezzjoni ta' Oġġetti ta' Importanza għall-Iżgurar tas-Sigurtà Nazzjonali tar-Repubblika tal-Litwanja tal-10 ta' Ottubru 2002 Nru X-1132 (kif emendata l-aħħar fis-17 ta' Settembru 2020, Nru XIII-3284).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi:

Fl-SE: Rekwiżiti diskriminatorji għal fundaturi, maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi meta forom ġodda ta' assoċjazzjoni legali huma inkorporati fil-liġi Żvediża.

(b) Akkwist ta' proprjetà immobbli

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi:

F'HU: L-akkwist ta' proprjetajiet tal-Istat.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

F'HU: L-akkwist ta' raba' li jinħadem minn persuni ġuridiċi barranin u persuni fiżiċi mhux residenti.

Miżuri eżistenti:

HU: L-Att CXXII tal-2013 dwar iċ-ċirkolazzjoni ta' art agrikola u forestali (Kapitolu II (Paragrafi 6-36) u Kapitolu IV (Paragrafu 38-59); u l-Att CCXII tal-2013 dwar il-miżuri tranżitorji u ċerti dispożizzjonijiet relatati mal-Att CXXII tal-2013 dwar iċ-ċirkolazzjoni tal-art agrikola u tal-forestrija (il-Kapitolu IV (il-Paragrafu 8–20)).

Fil-LV: L-akkwist ta' art rurali minn ċittadini taċ-Ċilì jew ta' pajjiż terz.

Miżuri eżistenti:

LV: Il-liġi dwar il-privatizzazzjoni tal-art f'żoni rurali, ss. 28, 29, 30.

Fis-SK: Il-kumpaniji barranin jew il-persuni fiżiċi ma jistgħux jakkwistaw art agrikola jew forestali barra mill-fruntiera taż-żona mibnija ta' muniċipalità u xi art oħra (pereżempju riżorsi naturali, għadajjar, xmajjar, toroq pubbliċi, eċċ.).

Miżuri eżistenti:

SK: L-Att Nru 44/1988 dwar il-protezzjoni u l-isfruttament tar-riżorsi naturali; L-Att Nru 229/1991 dwar ir-regolamentazzjoni tas-sjieda tal-art u ta' proprjetà agrikola oħra; L-Att Nru 460/1992 il-Kostituzzjoni tar-Repubblika Slovakka; L-Att Nru 180/1995 dwar xi miżuri għal arranġamenti tas-sjieda tal-art;

L-Att Nru 202/1995 dwar il-kambju; L-Att Nru 503/2003 dwar ir-restituzzjoni tas-sjieda tal-art; L-Att Nru 326/2005 dwar il-foresti; u l-Att Nru 140/2014 dwar l-akkwist tas-sjieda ta' art agrikola.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali; Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Preżenza lokali:

F'BG: Persuni fiżiċi u ġuridiċi barranin ma jistgħux jakkwistaw art. Persuni ġuridiċi ta' BG b'parteċipazzjoni barranija ma jistgħux jakkwistaw art agrikola. Persuni ġuridiċi barranin u persuni fiżiċi barranin b'residenza permanenti barra mill-pajjiż jistgħu jakkwistaw bini u drittijiet ta' proprjetà immobbli (id-dritt li jużaw, id-dritt li jibnu, id-dritt li jibnu sovrastruttura u servitujiet). Persuni fiżiċi barranin b'residenza permanenti barra mill-pajjiż, persuni ġuridiċi barranin li fihom il-parteċipazzjoni barranija tiżgura maġġoranza fl-adozzjoni ta' deċiżjonijiet jew timblokka l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet, jistgħu jakkwistaw drittijiet ta' proprjetà immobbli f'reġjuni ġeografiċi speċifiċi magħżula mill-Kunsill tal-Ministri soġġetti għal permess.

Miżuri eżistenti:

BG: Il-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, l-Artikolu 22; Il-Liġi dwar is-Sjieda u l-Użu tal-Art Agrikola, l-Artikolu 3; u l-Liġi dwar il-Foresti, l-Artikolu 10.

F'EE: Persuni fiżiċi jew ġuridiċi barranin li mhumiex miż-ŻEE jew minn membri tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi ("OECD") jistgħu jakkwistaw assi immobbli li jkun fih art agrikola jew forestali biss bl-awtorizzazzjoni tal-gvernatur tal-kontea u tal-kunsill muniċipali, u jridu jagħtu prova kif preskritt mil-liġi li l-assi

immobbli, skont l-għan maħsub tiegħu, se jintuża b'mod effiċjenti, sostenibbli u bi skop.

Miżuri eżistenti:

EE: Kinnisasja omandamise kitsendamise seadus (l-Att dwar ir-Restrizzjonijiet fuq l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli) il-Kapitoli 2 u 3.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

F'LT: Kwalunkwe miżura li hija konsistenti mal-impenji meħuda mill-Unjoni Ewropea u li huma applikabbli F'LT fil-GATS fir-rigward tal-akkwist tal-art. Il-proċedura ta' akkwist ta' art, it-termini u l-kundizzjonijiet, kif ukoll ir-restrizzjonijiet għandhom jiġu stabbiliti mil-Liġi Kostituzzjonali, il-Liġi dwar l-Art u l-Liġi dwar l-Akkwist ta' Art Agrikola. Madankollu, il-gvernijiet lokali (muniċipalitajiet) u entitajiet nazzjonali oħra tal-Membri tal-OECD u tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana li jwettqu attivitajiet ekonomiċi f'LT, li huma speċifikati mil-liġi kostituzzjonali f'konformità mal-kriterji tal-Unjoni Ewropea u integrazzjoni oħra li daħlet għalihom LT, huma permessi li jakkwistaw fis-sjieda tagħhom biċċiet ta' art mhux agrikoli meħtieġa għall-kostruzzjoni u t-tħaddim ta' bini u faċilitajiet meħtieġa għall-attivitajiet diretti tagħhom.

Miżuri eżistenti:

LT: Il-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Litwanja; il-liġi Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Litwanja dwar l-Implimentazzjoni tal-Paragrafu 3 tal-Artikolu 47 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Litwanja tal-20 ta' Ġunju 1996 Nru I-1392, redazzjoni ġdida tal-20 ta' Marzu 2003 Nru IX 1381, l-aħħar emenda tat-12 ta' Jannar 2018 Nru XIII-981; Il-liġi dwar l-art fis-26 ta' April 1994 Nru I-446, redazzjoni ġdida tas-27 ta' Jannar 2004 Nru X-1983, l-aħħar emenda tas-26 ta' Ġunju 2020 Nru XIII-3165; Il-liġi dwar l-akkwist ta' art agrikola tat-28 ta' Jannar 2003 Nru X-1314, redazzjoni ġdida mill-1 ta' Jannar 2018 Nru XIII-801, l-aħħar emenda tal-14 ta' Mejju 2020 Nru XIII-2935; u l-Liġi tal-Foresti tat-22 ta' Novembru 1994 Nru I-671, redazzjoni ġdida tal-10 ta' April 2001 Nru X-240, l-aħħar emenda tal-25 ta' Ġunju 2020 Nru XIII-3115.

(c) Għarfien

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

Fl-UE: Id-Direttivi tal-Unjoni Ewropea dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi u kwalifiki professjonali oħra japplikaw biss għaċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea. Id-dritt li wieħed jipprattika servizz professjonali regolat fi Stat Membru wieħed ma jagħtix id-dritt li wieħed jipprattika fi Stat Membru ieħor.

(d) Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fl-UE: Jagħti trattament differenzjali lil pajjiż terz skont kwalunkwe trattat ta' investiment internazzjonali jew ftehim kummerċjali ieħor fis-seħħ jew iffirmat qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Fl-UE: Jagħti trattament differenzjali lil pajjiż terz skont kwalunkwe ftehim bilaterali jew multilaterali eżistenti jew futur li:

(i) joħloq suq intern fis-servizzi u l-investiment;

(ii) jagħti d-dritt ta' stabbiliment; jew

(iii) jeħtieġ l-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni f'settur ekonomiku wieħed jew aktar;

"suq intern fis-servizzi u l-investiment" tfisser żona mingħajr fruntieri interni li fiha jkun żgurat il-moviment liberu tas-servizzi, tal-kapital u tal-persuni;

"dritt ta' stabbiliment" tfisser obbligu li jitneħħew fis-sustanza l-ostakli kollha għall-istabbiliment fost il-partijiet għall-ftehim bilaterali jew multilaterali bid-dħul fis-seħħ ta' dak il-ftehim. Id-dritt ta' stabbiliment għandu jinkludi d-dritt ta' ċittadini tal-partijiet għall-ftehim bilaterali jew multilaterali li jistabbilixxu u joperaw intrapriżi taħt l-istess kundizzjonijiet previsti għaċ-ċittadini skont il-liġi tal-parti fejn iseħħ tali stabbiliment;

"approssimizzazzjoni ta' leġiżlazzjoni" tfisser:

(i) l-allinjament tal-leġiżlazzjoni ta' waħda mill-partijiet jew aktar tal-ftehim bilaterali jew multilaterali mal-leġiżlazzjoni tal-parti jew il-partijiet l-oħra ta' dak il-ftehim; jew

(ii) l-inkorporazzjoni ta' leġiżlazzjoni komuni fil-liġi tal-partijiet tal-ftehim bilaterali jew multilaterali.

It-tali allinjament jew inkorporazzjoni għandha sseħħ, u għandha tkun meqjusa li sseħħ, biss fil-mument li fih din tkun iddaħħlet fil-liġi tal-parti jew tal-partijiet tal-ftehim bilaterali jew multilaterali.

Miżuri eżistenti:

L-UE: Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([1]); Ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni; Ftehimiet bilaterali bejn l-UE u l-Konfederazzjoni Żvizzera; u Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles Approfonditi u Komprensivi.

Fl-UE: L-għoti ta' trattament differenzjali dwar id-dritt ta' stabbiliment lin-nazzjonali jew lill-intrapriżi permezz ta' ftehimiet bilaterali eżistenti jew futuri bejn l-Istati Membri segwenti: BE, DE, DK, EL, ES, FR, IE, IT, LU, NL, PT u kwalunkwe wieħed mill-pajjiżi jew mill-prinċipalitajiet segwenti: Andorra, Monaco, San Marino u l-Istat tal-Belt tal-Vatikan.

F'DK, FI, SE: Miżuri meħuda minn DK, FI u SE bl-għan li jippromwovu l-kooperazzjoni Nordika, bħal:

(i) appoġġ finanzjarju għal proġetti ta' riċerka u żvilupp (R&Ż) (il-Fond Industrijali Nordiku);

(ii) il-finanzjament ta' studji ta' flessibbiltà għal proġetti internazzjonali (il-Fond Nordiku għall-Esportazzjonijiet ta' Proġetti); u

(iii) assistenza finanzjarja lil kumpaniji li jużaw it-teknoloġija ambjentali (il-Korporazzjoni Nordika tal-Finanzi Ambjentali); l-għan tal-Korporazzjoni Nordika għall-Finanzjament Ambjentali (NEFCO, Nordic Environment Finance Corporation) huwa li tippromwovi investimenti ta' interess ambjentali Nordiku, b'enfasi fuq l-Ewropa tal-Lvant.

Din ir-riżerva hija mingħajr preġudizzju għall-esklużjoni tal-akkwist minn Parti jew sussidji fis-subparagrafi (e) u (f) tal-Artikolu 18.(2) ta' dan il-Ftehim.

F'PL: Kundizzjonijiet preferenzjali għall-istabbiliment jew il-forniment transfruntier ta' servizzi, li jistgħu jinkludu l-eliminazzjoni jew l-emendar ta' ċerti restrizzjonijiet inkorporati fil-lista ta' riżervi applikabbli f'PL, jistgħu jiġu estiżi permezz ta' trattati dwar il-kummerċ u n-navigazzjoni.

F'PT: Ir-rinunzja tar-rekwiżiti ta' nazzjonalità għall-eżerċizzju ta' ċerti attivitajiet u professjonijiet minn persuni fiżiċi li jipprovdu servizzi għal pajjiżi li fihom il-Portugiż huwa l-lingwa uffiċjali (l-Angola, il-Brażil, Cabo Verde, il-Ginea Bissaw, il-Guinea Ekwatorjali, il-Mozambique, São Tomé u Príncipe u Timor Leste).

(e) Armi, munizzjon u materjal tal-gwerra

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi, Rekwiżiti ta' prestazzjoni u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit, Preżenza lokali:

Fl-UE: Il-produzzjoni jew id-distribuzzjoni ta' armi, munizzjoni jew materjal tal-gwerra, jew il-kummerċ tagħhom. Il-materjal tal-gwerra huwa limitat għal kwalunkwe prodott li huwa maħsub biss u magħmul għal użu militari b'konnessjoni mat-twettiq ta' attivitajiet ta' gwerra jew ta' difiża.

([1]) ĠU KE L 1, 3.1.1994, p. 3.

Riżerva Nru 2 – Servizzi professjonali– minbarra servizzi relatati mas-saħħa

Settur:	Servizzi professjonali — servizzi legali: servizzi ta' nutara u ta' bailiffs; servizzi tal-kontabbiltà u taż-żamma tal-kotba; servizzi tal-awditjar, servizzi ta' konsulenza dwar it-tassazzjoni; servizzi ta' arkitettura u ppjanar urban, servizzi ta' inġinerija, u servizzi ta' inġinerija integrata
Klassifikazzjoni tal-industrija:	Parti minn CPC 861, parti minn CPC 87902, 862, 863, 8671, 8672, 8673, 8674, u parti minn CPC 879
Tip ta' riżerva:	Trattament nazzjonali Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit Maniġment superjuri u bord tad-diretturi
Kapitolu:	Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntier fis-servizzi

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dan li ġej:

(a) Servizzi Legali

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali:

Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' SE: Il-forniment ta' konsulenza legali u awtorizzazzjoni legali, dokumentazzjoni, u servizzi ta' ċertifikazzjoni pprovduti minn professjonisti legali fdati b'funzjonijiet pubbliċi, bħal nutara, "huissiers de justice" jew "officiers publics et ministériels" oħra, u fir-rigward ta' servizzi pprovduti minn bailiffs li jinħatru minn att uffiċjali tal-gvern (parti minn CPC 861, parti minn CPC 87902).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

F'BG: It-trattament nazzjonali sħiħ dwar l-istabbiliment u l-operazzjoni ta' kumpaniji, kif ukoll dwar il-forniment ta' servizzi, jista' jiġi estiż biss għal kumpaniji stabbiliti fil-pajjiżi li magħhom ġew jew se jiġu konklużi arranġamenti preferenzjali u ċ-ċittadini tagħhom (parti minn CPC 861).

F'LT: Avukati minn pajjiżi barranin jistgħu jipparteċipaw bħala avukati fil-qorti biss f'konformità ma' ftehimiet internazzjonali (parti minn CPC 861), inklużi dispożizzjonijiet speċifiċi dwar ir-rappreżentanza legali quddiem il-qrati.

(b) Servizzi ta' awditjar (CPC — 86211, 86212 għajr servizzi ta' kontabilità u żamma tal-kotba)

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali:

F'BG: Għandu jiġi implimentat awditu finanzjarju indipendenti minn awdituri reġistrati li huma membri tal-Istitut tal-Kontabilisti Pubbliċi Ċertifikati. Soġġett għar-reċiproċità, l-Istitut tal-Kontabilisti Pubbliċi Ċertifikati għandu jirreġistra entità tal-awditjar taċ-Ċilì jew ta' pajjiż terz meta dan tal-aħħar jagħti prova li:

(i) tliet kwarti tal-membri tal-korpi ta' ġestjoni u l-awdituri rreġistrati li jwettqu awditu f'isem l-entità jissodisfaw rekwiżiti ekwivalenti għal dawk tal-awdituri Bulgari u jkunu għaddew b'suċċess mill-eżamijiet għal dan;

(ii) l-entità tal-awditjar twettaq awditu finanzjarju indipendenti skont ir-rekwiżiti għall-indipendenza u l-oġġettività; u

(iii) l-entità tal-awditjar tippubblika fuq is-sit web tagħha rapport annwali ta' trasparenza jew twettaq rekwiżiti ekwivalenti oħra għad-divulgazzjoni f'każ li tawditja entitajiet ta' interess pubbliku.

Miżuri eżistenti:

BG: L-Att dwar l-Awditjar Finanzjarju Indipendenti.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi:

F'CZ: Hija biss persuna ġuridika li fiha mill-inqas 60 % tal-interessi kapitali jew tad-drittijiet tal-vot huma riżervati għaċ-ċittadini tar-Repubblika Ċeka jew tal-Istati Membri li hija awtorizzata twettaq awditi fir-Repubblika Ċeka.

Miżuri eżistenti:

CZ: Il-liġi tal-14 ta' April 2009 nru 93/2009 Coll., dwar l-Awdituri, kif emendata.

(c) Servizzi ta' arkitettura u ppjanar urban (CPC 8674)

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali:

F'HR: Il-forniment transfruntier ta' ppjanar urban.

Riżerva Nru 3 – Servizzi professjonali – relatati mas-saħħa u l-bejgħ bl-imnut ta' farmaċewtiċi

Settur:	Servizzi professjonali relatati mas-saħħa u bejgħ bl-imnut ta' oġġetti farmaċewtiċi, mediċi u ortopediċi, servizzi oħra pprovduti minn spiżjara
Klassifikazzjoni tal-industrija:	CPC 63211, 85201, 9312, 9319, 93121, 932
Tip ta' riżerva:	Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bord tad-diretturi Rekwiżiti tal-prestazzjoni Preżenza lokali
Kapitolu:	Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntier fis-servizzi

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dan li ġej:

(a) Servizzi mediċi u dentali; servizzi pprovduti minn qwiebel, infermiera, fiżjoterapisti, psikologi u persunal paramediku (CPC 63211, 85201, 9312, 9319, 932)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali:

F'FI: Il-forniment tas-servizzi professjonali kollha relatati mas-saħħa, kemm jekk iffinanzjati pubblikament kif ukoll jekk iffinanzjati privatament, inklużi servizzi mediċi u dentali, servizzi pprovduti minn qwiebel, fiżjoterapisti u persunal paramediku u servizzi pprovduti minn psikologi, esklużi servizzi pprovduti minn infermiera (CPC 9312, 93191).

Miżuri eżistenti:

FI: Laki yksityisestä terveydenhuollosta (Att dwar il-Kura tas-Saħħa Privata) (152/1990).

F'BG: Il-forniment tas-servizzi professjonali kollha relatati mas-saħħa, kemm jekk iffinanzjati pubblikament kif ukoll jekk iffinanzjati privatament, inklużi servizzi mediċi u dentali, servizzi pprovduti minn infermiera, qwiebel, fiżjoterapisti u persunal paramediku u servizzi pprovduti minn psikologi (CPC 9312, parti minn 9319).

Miżuri eżistenti:

BG: Il-liġi għal Stabbiliment Mediku, l-Att dwar l-Organizzazzjoni Professjonali tal-Għaqda ta' Infermiera Mediċi, Qwiebel u Speċjalisti Mediċi Assoċjati.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

F'CZ, MT: Il-forniment tas-servizzi professjonali kollha relatati mas-saħħa, kemm jekk iffinanzjati pubblikament kif ukoll jekk iffinanzjati privatament, inklużi s-servizzi pprovduti minn professjonisti bħal tobba mediċi, dentisti, qwiebel, infermiera, fiżjoterapisti, paramediċi, psikologi, kif ukoll servizzi relatati oħra (CPC 9312, parti minn 9319).

Miżuri eżistenti:

CZ: L-att Nru 296/2008 Coll., dwar is-Salvagwardja tal-Kwalità u s-Sikurezza tat-Tessuti tal-Bniedem u ċ-Ċelloli Intiżi għall-Użu mill-Bniedem ("l-Att dwar it-Tessuti u ċ-Ċelloli Umani"); L-Att Nru 378/2007 Coll., dwar il-Prodotti Farmaċewtiċi u dwar l-Emendi għal xi Atti Relatati (l-Att dwar il-Prodotti Farmaċewtiċi); L-Att Nru 268/2014 Coll. dwar l-apparati mediċi u li jemenda l-Att Nru 634/2004 Coll. dwar it-tariffi amministrattivi, kif emendat sussegwentement; L-Att Nru 285/2002 Coll., dwar id-Donazzjoni, it-Teħid u t-Trapjant ta' Tessuti u Organi u dwar l-Emenda għal Ċerti Atti (l-Att dwar it-Trapjanti); L-Att Nru 372/2011 Coll., dwar is-servizzi tas-saħħa u dwar il-kundizzjonijiet tal-forniment tagħhom; u l-Att Nru 373/2011 Coll., dwar servizzi tas-saħħa speċifiċi.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' NL u SE: Il-provvista tas-servizzi professjonali kollha relatati mas-saħħa, kemm jekk iffinanzjati pubblikament kif ukoll jekk iffinanzjati privatament, inklużi s-servizzi pprovduti minn professjonisti bħal tobba mediċi, dentisti, qwiebel, infermiera, fiżjoterapisti, paramediċi, u psikologi, teħtieġ residenza. Dawn is-servizzi jistgħu jiġu pprovduti biss minn persuni fiżiċi fiżikament preżenti fit-territorju tal-Unjoni Ewropea (CPC 9312, parti minn 93191).

F'BE: Il-provvista transfruntiera kemm jekk iffinanzjata pubblikament kif ukoll jekk iffinanzjata privatament tas-servizzi professjonali kollha relatati mas-saħħa, inklużi s-servizzi mediċi, dentali u tal-qwiebel u s-servizzi pprovduti minn infermiera, fiżjoterapisti, psikologi u persunal paramediku (parti minn CPC 85201, 9312, parti minn 93191).

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

F'PT: Fir-rigward tal-professjonijiet ta' fiżjoterapisti, persunal paramediku u podjatristi, professjonisti barranin jistgħu jitħallew jipprattikaw abbażi tar-reċiproċità.

(b) Servizzi veterinarji (CPC 932)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

F'BG: Stabbiliment mediku veterinarju jista' jiġi stabbilit minn persuna fiżika jew ġuridika.

Il-prattika tal-mediċina veterinarja hija permessa biss għan-nazzjonali taż-ŻEE u għar-residenti permanenti (il-preżenza fiżika hija meħtieġa għar-residenti permanenti).

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali:

F'BE, f'LV: Forniment transfruntier ta' servizzi veterinarji.

(c) Bejgħ bl-imnut ta' oġġetti farmaċewtiċi, mediċi u ortopediċi, servizzi oħra pprovduti minn spiżjara (CPC 63211)

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Preżenza lokali:

Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' BE, BG, EE, ES, IE u IT: Il-bejgħ bil-korrispondenza huwa possibbli biss minn Stati Membri taż-ŻEE, b'hekk huwa meħtieġ stabbiliment f'xi wieħed minn dawk il-pajjiżi għall-bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u oġġetti mediċinali speċifiċi għall-pubbliku inġenerali fl-Unjoni Ewropea.

F'CZ: Il-bejgħ bl-imnut huwa possibbli biss mill-Istati Membri.

F'BE: Il-bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u ta' oġġetti mediċi speċifiċi huwa possibbli biss minn spiżerija stabbilita f'BE.

F'BG, EE, ES, IT u LT: Il-bejgħ bl-imnut transfruntier ta' prodotti farmaċewtiċi.

F'IE u LT: Il-bejgħ bl-imnut transfruntier ta' prodotti farmaċewtiċi li jeħtieġu riċetta.

F'PL: L-intermedjarji fil-kummerċ ta' prodotti mediċinali jenħtieġ li jkunu rreġistrati u jkollhom post ta' residenza jew uffiċċju reġistrat fit-territorju ta' PL.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi, Rekwiżiti ta' prestazzjoni u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali:

F'FI: Il-bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u l-bejgħ bl-imnut ta' oġġetti mediċi u ortopediċi.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali:

Fl-SE: Il-bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u l-forniment ta' oġġetti farmaċewtiċi lill-pubbliku ġenerali.

Miżuri eżistenti:

AT: Arzneimittelgesetz (l-Att dwar il-Medikamenti), BGBl. Nru 185/1983, § § 57, 59, 59a; u

Medizinproduktegesetz (il-Liġi dwar il-Prodotti Mediċi), BGBl. Nr. 657/1996 as amended, § 99.

BE: Arrêté royal du 21 janvier 2009 portant instructions pour les pharmaciens; u Arrêté royal du 10 novembre 1967 relatif à l'exercice des professions des soins de santé.

CZ: L-Att Nru 378/2007 Coll., dwar il-Farmaċewtiċi, kif emendat; u l-Att Nru 372/2011 Coll., dwar is-Servizzi tas-Saħħa, kif emendat.

FI: Lääkelaki (l-Att dwar il-Mediċina) (395/1987).

PL: Il-Liġi Farmaċewtika, l-Artikolu 73a (Il-Ġurnal tal-Liġijiet tal-2020, il-punt 944, 1493).

SE: Il-liġi dwar il-kummerċ fi prodotti farmaċewtiċi (2009: 336); Regolament dwar il-kummerċ tal-farmaċewtiċi (2009: 659); u l-Aġenzija Żvediża tal-Prodotti Mediċi adottat regolamenti ulterjuri, id-dettaljijistgħu jinstabu fuq (LVFS 2009: 9).

Riżerva Nru 4 – Servizzi tan-negozju – servizzi ta' riċerka u żvilupp

Settur:	Servizzi ta' riċerka u żvilupp.
Klassifikazzjoni tal-industrija:	CPC 851, 852, 853
Tip ta' riżerva:	Trattament nazzjonali
Kapitolu:	Kummerċ transfruntier fis-servizzi

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dan li ġej:

F'RO: Forniment transfruntier ta' servizzi ta' riċerka u żvilupp.

Miżuri eżistenti:

RO: L-Ordinanza Governattiva Nru 6/2011; L-Ordni tal-Ministru tal-Edukazzjoni u r-Riċerka nru 3548/2006; u d-Deċiżjoni tal-Gvern nru 134 / 2011.

Riżerva Nru 5 – Servizzi tan-negozju – servizzi ta' proprjetà immobbli

Settur:	Servizzi ta' proprjetà immobbli
Klassifikazzjoni tal-industrija:	CPC 821, 822
Tip ta' riżerva:	Trattament nazzjonali
Kapitolu:	Kummerċ transfruntier fis-servizzi

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dan li ġej:

F'CZ u HU: Forniment Transfruntier ta' servizzi ta' proprjetà immobbli.

Riżerva Nru 6 – Servizzi tan-negozju – servizzi ta' kiri jew twillija

Settur:	Servizzi ta' kiri jew lokazzjoni mingħajr operaturi
Klassifikazzjoni tal-industrija:	CPC 832
Tip ta' riżerva:	Trattament nazzjonali
Kapitolu:	Kummerċ transfruntier fis-servizzi

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dan li ġej:

F'BE u FR: Il-forniment transfruntier tas-servizzi tal-kiri jew il-lokazzjoni mingħajr operatur li jikkonċernaw oġġetti personali u tad-dar.

Riżerva Nru 7 – Servizzi tan-negozju – servizzi ta' aġenzija tal-ġbir u servizzi ta' rapportar tal-kreditu

Settur:	Servizzi ta' aġenzija tal-ġbir, servizzi ta' rapportar tal-kreditu
Klassifikazzjoni tal-industrija:	CPC 87901, 87902
Tip ta' riżerva:	Trattament nazzjonali Preżenza lokali
Kapitolu:	Kummerċ transfruntier fis-servizzi

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dan li ġej:

Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' ES, LV u SE: fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' aġenzija ta' ġbir u servizzi ta' rapportar ta' kreditu.

Riżerva Nru 8 – Servizzi tan-negozju – servizzi ta' kollokament

Settur — subsettur:	Servizzi tan-negozju — servizzi ta' kollokament
Klassifikazzjoni tal-industrija:	CPC 87201, 87202, 87203, 87204, 87205, 87206, 87209
Tip ta' riżerva:	Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi Preżenza lokali
Kapitolu:	Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntier fis-servizzi

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dan li ġej:

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' HU u SE: Servizzi ta' forniment ta' persunal għall-għajnuna domestika, ħaddiema oħra kummerċjali jew industrijali, infermiera u persunal ieħor (CPCs 87204, 87205, 87206, 87209).

F'BG, CY, CZ, DE, EE, FI, MT, LT, LV, PL, PT, RO, SI u SK: Servizzi ta' tiftix eżekuttiv (CPC 87201).

F'AT, BG, CY, CZ, EE, FI, LT, LV MT, PL, PT, RO, SI u SK: L-istabbiliment tas-servizzi ta' kollokament tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju u ħaddiema oħra (CPC 87202).

F'AT, BG, CY, CZ, DE, EE, FI, MT, LT, LV, PL, PT, RO, SI u SK: Servizzi ta' forniment tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju (CPC 87203).

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fl-UE bl-eċċezzjoni ta' BE, HU u SE: Il-forniment transfruntier tas-servizzi ta' kollokament tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju u ħaddiema oħra (CPC 87202).

F'IE: Il-forniment transfruntier ta' servizzi ta' tiftix eżekuttiv (CPC 87201).

F'FR, IE, IT u NL: Il-forniment transfruntier tas-servizzi tal-persunal tal-uffiċċju (CPC 87203).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali:

F'DE: Il-Ministeru Federali għax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali jista' joħroġ regolament dwar il-kollokazzjoni u r-reklutaġġ ta' persunal mhux tal-Unjoni Ewropea u mhux taż-ŻEE għal professjonijiet speċifikati (CPC 87201, 87202, 87203, 87204, 87205, 87206, 87209).

Miżuri eżistenti:

AT: § § 97 u 135 tal-Att Awstrijak dwar il-Kummerċ (Gewerbeordnung), Gazzetta tal-Liġi Federali Nru 194/1994 kif emendat; u l-Att dwar l-Impjiegi Temporanji (Arbeitskräfteüberlassungsgesetz/AÜG), il-Gazzetta tal-Liġi Federali Nru 196/1988 kif emendat.

BG: L-Att dwar il-Promozzjoni tal-Impjiegi, l-Artikoli 26, 27, 27a u 28.

CY: Il-Liġi dwar l-Aġenzija Privata tal-Impjiegi Nru 126(I)/2012 kif emendata; u l-Liġi Nru 174(I)/2012 kif emendata.

CZ: L-Att dwar l-Impjieg (435/2004).

DE: Gesetz zur Regelung der Arbeitnehmerüberlassung (AÜG); Sozialgesetzbuch Drittes Buch (SGB III; Il-kodiċi Soċjali, it-Tielet Ktieb) — Promozzjoni tal-Impjiegi; u Verordnung über die Beschäftigung von Ausländerinnen und Ausländern (BeschV; l-Ordinanza dwar l-Impjieg tal-Barranin).

DK: § § 8a — 8f fid-digriet amministrattiv nru 73 tas-17 ta' Jannar 2014 u speċifikat fid-digriet nru 228 tas-7 ta' Marzu 2013 (l-impjieg tal-baħħara); u l-Att tal-2006 dwar il-Permessi tal-Impjiegi. S1(2) u (3).

EL: Il-Liġi 4052/2012 (il-Gazzetta Uffiċjali tal-Gvern 41 A) kif emendata mil-Liġi 4093/2012 (il-Gazzetta Uffiċjali tal-Gvern 222 A).

FI: Laki julkisesta työvoima-ja yrityspalvelusta (l-Att dwar is-Servizz Pubbliku għall-Impjiegi u l-Intrapriżi) (916/2012).

HR: L-Att dwar is-Suq tax-Xogħol (OG 118/18, 32/20); L-Att dwar ix-Xogħol (OG 93/14, 127/17, 98/19); u l-Att dwar il-Barranin (ĠU 130/11, 74/13, 67/17, 46/18, 53/20).

IE: L-Att tal-2006 dwar il-Permessi tal-Impjieg. S1(2) u (3).

IT: Id-Digriet Leġiżlattiv 276/2003 l-Artikoli 4, 5.

LT: Il-kodiċi tax-Xogħol Litwan tar-Repubblika tal-Litwanja approvat bil-Liġi Nru XII-2603 tal-14 ta' Settembru 2016 tar-Repubblika tal-Litwanja, l-aħħar emenda tal-15 ta' Ottubru 2020 Nru XIII 3334; u l-Liġi dwar l-Istatus Legali tal-Barranin tar-Repubblika tal-Litwanja tad-29 ta' April 2004 Nru IX-2206, l-aħħar emenda tal-10 ta' Novembru 2020 Nru XIII-3412.

LU: Loi du 18 janvier 2012 portant création de l'Agence pour le développement de l'emploi (il-Liġi tat-18 ta' Jannar 2012 dwar il-ħolqien ta' aġenzija għall-iżvilupp tal-impjiegi — ADEM).

MT: L-Att dwar is-Servizzi ta' Impjieg u Taħriġ, (Kap. 343) (l-Artikoli minn 23 sa 25); u r-Regolamenti tal-Aġenziji tal-Impjiegi (S.L. 343.24).

PL: L-Artikolu 18 tal-Att tal-20 ta' April 2004 dwar il-promozzjoni tal-impjiegi u l-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol (Dz. U. tal-2015, Punt. 149, kif emendat).

PT: Id-Digriet Amministrattiv Nru 260/2009 tal-25 ta' Settembru, kif emendat bil-Liġi Nru 5/2014 tat-12 ta' Frar; Il-Liġi Nru 28/2016 tat-23 ta' Awwissu 2016, u l-Liġi Nru 146/2015 tad-9 ta' Settembru 2015 (aċċess u forniment ta' servizzi minn aġenziji ta' kollokament).

RO: Il-Liġi Nru 156/2000 dwar il-protezzjoni ta' ċittadini Rumeni li jaħdmu barra mill-pajjiż, ippubblikata mill-ġdid, kif ukoll id-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 384/2001 għall-approvazzjoni tan-normi metodoloġiċi għall-applikazzjoni tal-Liġi Nru 156/2000, b'emendi sussegwenti; L-Ordinanza tal-Gvern Nru 277/2002, kif modifikata bl-Ordinanza tal-Gvern Nru 790/2004 u l-Ordinanza tal-Gvern Nru 1122/2010; u l-Liġi Nru 53/2003 – il-Kodiċi tax-Xogħol, ippubblikata mill-ġdid, b'emendi u suppliment sussegwenti u d-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 1256/2011 dwar il-kundizzjonijiet operattivi u l-proċedura ta' awtorizzazzjoni għall-aġenziji tax-xogħol temporanju.

SI: L-Att dwar ir-regolazzjoni tas-suq tax-xogħol (il-Gazzetta Uffiċjali tar-RS, Nru 80/2010, 21/2013, 63/2013, 55/2017); u l-Att dwar l-Impjiegi, l-Impjieg Awtonomu u x-Xogħol tal-Barranin – ZZSDT (Gazzetta Uffiċjali ta' RS, Nru 47/2015), ZZSDT-UPB2 (Gazzetta Uffiċjali ta' RS, Nru 1/2018).

SK: L-Att Nru 5/2004 dwar is-Servizzi għall-Impjiegi; u l-Att Nru 455/1991 dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ.

Riżerva Nru 9 – Servizzi tan-negozju – servizzi tas-sigurtà u investigazzjoni

Settur– subsettur:	Servizzi tan-negozju – servizzi tas-sigurtà u l-investigazzjoni
Klassifikazzjoni tal-industrija:	CPC 87301, 87302, 87303, 87304, 87305, 87309
Tip ta' riżerva:	Trattament nazzjonali
	Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
	Rekwiżiti tal-prestazzjoni
	Preżenza lokali
Kapitolu:	Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntier fis-servizzi

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dan li ġej:

(a) Servizzi tas-sigurtà (CPC 87302, 87303, 87304, 87305, 87309)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-Investiment — Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi, Rekwiżiti ta' prestazzjoni u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali, preżenza Lokali:

F'BG, CY, CZ, EE, LT, LV, MT, PL, RO, SI u SK: Il-forniment ta' servizzi tas-sigurtà.

F'DK, HR u HU: Il-provvista tas-subsetturi li ġejjin: servizzi ta' għassa (87305) f'HR u HU, servizzi ta' konsultazzjoni dwar is-sigurtà (87302) f'HR, servizzi ta' għassa tal-ajruporti (parti minn 87305) f'DK u servizzi ta' vetturi armati (87304) f'HU.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

F'BE: In-nazzjonalità ta' Stat Membru hija meħtieġa għall-bordijiet tad-diretturi tal-intrapriżi li jipprovdu servizzi ta' gwardja u sigurtà (87305) kif ukoll konsulenza u taħriġ relatati mas-servizzi tas-sigurtà (87302). Il-maniġment superjuri ta' kumpaniji li jfornu servizzi ta' konsultazzjoni dwar l-għassa u s-sigurtà jeħtieġ li jkun magħmul minn nazzjonali residenti ta' Stat Membru.

F'FI: Liċenzji għall-forniment ta' servizzi ta' sigurtà jistgħu jingħataw biss lil persuni fiżiċi residenti fiż-ŻEE jew lil persuni ġuridiċi stabbiliti fiż-ŻEE.

F'ES: Il-forniment transfruntier ta' servizzi tas-sigurtà. Jeżistu rekwiżiti ta' nazzjonalità għall-persunal tas-sigurtà privata.

Fir-rigward tal-kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

F'BE, FI, FR u PT: Il-forniment tas-servizzi tas-sigurtà minn fornitur barrani fuq bażi transfruntiera mhuwiex permess. Jeżistu rekwiżiti tan-nazzjonalità għal persunal speċjalizzat f'PT u għad-diretturi maniġerjali u d-diretturi f'FR.

Miżuri eżistenti:

BE: Loi réglementant la sécurité privée et particulière, it-2 ta' Ottubru 2017.

BG: L-Att dwar in-Negozju tas-Sigurtà Privata.

CZ: L-Att tal-Liċenzji Kummerċjali.

DK: Ir-Regolament dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni.

FI: Laki yksityisistä turvallisuuspalveluista 282/2002 (l-Att dwar is-Servizzi tas-Sigurtà Privati).

LT: Il-liġi dwar is-sigurtà tal-Persuni u l-Assi 8 ta' Lulju 2004 Nru X-2327.

LV: Il-liġi dwar l-Attivitajiet ta' Gwardjani tas-sigurtà (Taqsimiet 6, 7, 14).

PL: L-att tat-22 ta' Awwissu 1997 dwar il-protezzjoni tal-persuni u l-proprjetà (il-Ġurnal tal-Liġijiet tal-2016, il-punt 1432 kif emendat).

PT: Il-liġi 34/2013 alterada p/Lei 46/2019, 16 maio 2019; u l-Ordinanza 273/2013 alterada p/Portaria 106/2015, 13 abril 2015.

SI: Zakon o zasebnem varovanju (il-Liġi dwar is-Sigurtà Privata).

(b) Servizzi ta' investigazzjoni (CPC 87301)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi, Rekwiżiti ta' prestazzjoni u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' AT u SE: Il-forniment tas-servizzi tal-investigazzjoni.

Riżerva Nru 10 – Servizzi tan-negozju – servizzi tan-negozju oħrajn

Settur– subsettur:	Servizzi tan-negozju – servizzi tan-negozju oħrajn (servizzi ta' traduzzjoni u interpretazzjoni, servizzi ta' duplikazzjoni, servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija u servizzi inċidentali għall-manifattura)
Klassifikazzjoni tal-industrija:	CPC 86764, 86769, 87905, 87904, 884, 8868, 887
Tip ta' riżerva:	Trattament nazzjonali Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit Maniġment superjuri u bord tad-diretturi Rekwiżiti tal-prestazzjoni Preżenza lokali
Kapitolu:	Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntier fis-servizzi

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dan li ġej:

(a) Servizzi ta' traduzzjoni u interpretar (CPC 87905)

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Preżenza lokali:

F'HR: Il-forniment transfruntiera ta' traduzzjoni u interpretazzjoni ta' dokumenti uffiċjali.

(b) Servizzi ta' duplikazzjoni (CPC 87904)

Fir-rigward tal-kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

F'HU: Il-forniment transfruntier tas-servizzi ta' duplikazzjoni.

(c) Servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija u servizzi inċidentali għall-manifattura (parti minn CPC 884, 887 minbarra servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

F'HU: Servizzi relatati mad-distribuzzjoni tal-enerġija, u forniment transfruntier tas-servizzi relatati mal-manifattura, bl-eċċezzjoni tas-servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni relatati ma' dawn is-setturi.

(d) Manutenzjoni u tiswija ta' bastimenti, tagħmir għat-trasport bil-ferrovija u inġenji tal-ajru u partijiet tagħhom (parti minn CPC 86764, 86769, 8868)

Fir-rigward tal-kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' DE, EE u HU: Il-forniment transfruntier tas-servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir tat-trasport bil-ferrovija.

Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' CZ, EE, HU, LU u SK: Il-forniment transfruntier ta' servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' bastimenti tat-trasport fil-passaġġi tal-ilma interni.

Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' EE, HU u LV: Il-forniment transfruntier tas-servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' bastimenti marittimi.

Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' AT, EE, HU, LV, u PL: Il-forniment transfruntier ta' servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' inġenji tal-ajru u partijiet minnhom (parti minn CPC 86764, 86769, 8868).

Fl-UE: Il-forniment transfruntier tas-servizzi ta' perizji statutorji u ċertifikazzjoni ta' vapuri.

Miżuri eżistenti:

L-UE: Ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(e) Servizzi kummerċjali oħra relatati mal-avjazzjoni

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fl-UE: Għoti ta' trattament differenzjali għal pajjiż terz skont ftehim bilaterali eżistenti jew futur dwar is-servizzi li ġejjin.

(i) il-bejgħ u l-kummerċjalizzazzjoni ta' servizzi tat-trasport bl-ajru;

(ii) servizzi ta' sistema kompjuterizzata ta' prenotazzjoni (CRS);

(iii) manutenzjoni u tiswija ta' inġenji tal-ajru u partijiet;

(iv) kiri jew lokazzjoni ta' inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ.

Riżerva Nru 11 – Telekomunikazzjoni

Settur:	Servizzi ta' trażmissjoni tax-xandir bis-satellita
Tip ta' riżerva:	Trattament nazzjonali
Kapitolu:	Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntier fis-servizzi

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dan li ġej:

F'BE: Servizzi ta' trażmissjoni tax-xandir bis-satellita.

Riżerva Nru 12 – Kostruzzjoni

Settur:	Servizzi ta' kostruzzjoni
Klassifikazzjoni tal-industrija:	CPC 51
Tip ta' riżerva:	Trattament nazzjonali

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri (ĠU UE L 131, 28.5.2009, p. 11).

Kapitolu: Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntier fis-servizzi

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dan li ġej:

F'LT: Id-dritt li titħejja dokumentazzjoni tad-disinn għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni ta' sinifikat eċċezzjonali jingħata biss lil intrapriża tad-disinn irreġistrata fil-Litwanja jew lil intrapriża barranija tad-disinn li tkun ġiet approvata minn istituzzjoni awtorizzata mill-gvern għal dawk l-attivitajiet. Id-dritt li jitwettqu attivitajiet tekniċi fl-oqsma ewlenin tal-kostruzzjoni jista' jingħata lil persuna mhux Litwana li tkun ġiet approvata minn istituzzjoni awtorizzata mill-gvern tal-Litwanja.

Riżerva Nru 13 – Servizzi tad-distribuzzjoni

Settur: Servizzi tad-distribuzzjoni

Klassifikazzjoni tal-industrija: CPC 621, 62117, 62251, 62228, 62251, 62271, 8929, parti minn 62112, 62226, parti minn 62272, 62276, parti minn 631, 63108, parti minn 6329

Tip ta' riżerva: Trattament nazzjonali

Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi

Rekwiżiti tal-prestazzjoni

Kapitolu: Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntier fis-servizzi

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dan li ġej:

(a) Distribuzzjoni tal-farmaċewtiċi

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Preżenza lokali:

F'BG: Distribuzzjoni bl-ingrossa transfruntiera ta' farmaċewtiċi (CPC 62251).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali, Rekwiżiti ta' prestazzjoni, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi, u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali:

F'FI: Distribuzzjoni ta' prodotti farmaċewtiċi (CPC 62117, 62251, 8929).

Miżuri eżistenti:

BG: Il-Liġi dwar Prodotti Mediċinali fil-Mediċina tal-Bniedem; u l-Liġi dwar l-Apparat Mediku.

FI: Lääkelaki (l-Att dwar il-Mediċina) (395/1987).

(b) Distribuzzjoni ta' xorb alkoħoliku

F'FI: Distribuzzjoni ta' xorb alkoħoliku (parti minn CPC 62112, 62226, 63107, 8929).

Miżuri eżistenti:

FI: Alkoholilaki (l-Att dwar l-Alkoħol) (1102/2017).

(c) Distribuzzjoni oħra (parti minn CPC 621, 62228, 62251, 62271, parti minn 62272, 62276, 63108, parti minn 6329)

Fir-rigward tal-kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

F'BG: Distribuzzjoni bl-ingrossa ta' prodotti kimiċi, metalli u ħaġar prezzjuż, sustanzi mediċi u prodotti u oġġetti għal użu mediku; tabakk u prodotti tat-tabakk u xorb alkoħoliku.

BG tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward tas-servizzi pprovduti mis-sensara tal-komoditajiet.

Miżuri eżistenti:

F'BG: Il-Liġi dwar Prodotti Mediċinali fil-Mediċina tal-Bniedem; Il-Liġi dwar l-Apparati Mediċi; Il-Liġi tal-Attività Veterinarja; Il-Liġi għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi u għall-Kontroll fuq Sustanzi Kimiċi Tossiċi u l-Prekursuri Tagħhom; Il-Liġi dwar it-Tabakk u l-Prodotti tat-Tabakk; Il-Liġi dwar id-dazji tas-sisa u l-imħażen tat-taxxa; u l-Liġi dwar l-inbid u l-ispirti.

Riżerva Nru 14 – Servizzi edukattivi

Settur:	Servizzi edukattivi
Klassifikazzjoni tal-industrija:	CPC 92
Tip ta' riżerva:	Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi Rekwiżiti tal-prestazzjoni Preżenza lokali
Kapitolu:	Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntier fis-servizzi

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dan li ġej:

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali, Rekwiżiti ta' prestazzjoni, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi, u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fl-UE: Servizzi edukattivi li jirċievu finanzjament pubbliku jew appoġġ mill-Istat fi kwalunkwe forma. Fejn ikun permess il-forniment ta' servizzi edukattivi ffinanzjati privatament minn fornitur barrani, il-parteċipazzjoni ta' operaturi privati fis-sistema edukattiva tista' tkun soġġetta għal konċessjoni allokata fuq bażi mhux diskriminatorja.

Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' CZ, NL, SE u SK: Fir-rigward tal-forniment ta' servizzi edukattivi oħra ffinanzjati mill-privat, li tfisser minbarra dawk klassifikati bħala servizzi primarji, sekondarji, ta' edukazzjoni ogħla jew ta' edukazzjoni għall-adulti (CPC 929).

F'CY, FI, MT u RO: Il-forniment ta' servizzi edukattivi primarji, sekondarji, u għall-adulti ffinanzjati mill-privat (CPC 921, 922, 924).

F'AT, BG, CY, FI, MT u RO: Il-forniment ta' servizzi edukattivi ogħla ffinanzjati mill-privat (CPC 923).

F'CZ u SK: Il-maġġoranza tal-membri tal-bord tad-diretturi ta' stabbiliment li jipprovdi servizzi edukattivi ffinanzjati mill-privat iridu jkunu ċittadini ta' dak il-pajjiż (CPC 921, 922, 923 għas-SK minbarra 92310, 924).

F'SI: Skejjel elementari ffinanzjati privatament jistgħu jitwaqqfu minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi Sloveni biss. Il-fornitur tas-servizzi jrid jistabbilixxi uffiċċju jew fergħa reġistrata. Il-maġġoranza tal-membri tal-bord tad-diretturi ta' stabbiliment li jipprovdi servizzi edukattivi sekondarji jew ta' edukazzjoni għolja jridu jkunu nazzjonali Sloveni (CPC 922, 923).

Fl-SE: Fornituri tas-servizzi edukattivi li huma approvati minn awtoritajiet pubbliċi biex jipprovdu edukazzjoni. Din ir-riżerva tapplika għal fornituri ta' servizzi edukattivi ffinanzjati privatament b'xi forma ta' appoġġ mill-Istat, *inter alia,* fornituri ta' servizzi edukattivi rikonoxxuti mill-Istat, fornituri ta' servizzi edukattivi taħt is-superviżjoni tal-Istat jew edukazzjoni li tintitola għal appoġġ għall-istudju (CPC 92).

Fis-SK: Ir-residenza fiż-ŻEE hija meħtieġa għal fornituri tas-servizzi edukattivi kollha ffinanzjati mill-privat minbarra għas-servizzi edukattivi post-sekondarji tekniċi u vokazzjonali. (CPC 921, 922, 923 għajr 92310, 924).

Fir-rigward tal-kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

F'BG, IT u SI: Li jirristrinġu l-forniment transfruntier ta' servizzi edukattivi primarji ffinanzjati mill-privat (CPC 921).

F'BG u IT: Li jirristrinġu l-forniment transfruntier ta' servizzi edukattivi sekondarji ffinanzjati mill-privat (CPC 922).

F'AT: Li tirrestrinġi l-forniment transfruntier tas-servizzi edukattivi għall-adulti ffinanzjati mill-privat permezz ta' xandir bir-radju jew televiżiv (CPC 924).

Miżuri eżistenti:

BG: L-att dwar l-Edukazzjoni Pubblika, l-Artikolu 12; Il-liġi għall-Edukazzjoni Għolja, il-paragrafu 4 tad-dispożizzjonijiet addizzjonali; u l-Att dwar l-Edukazzjoni u Taħriġ Vokazzjonali, l-Artikolu 22.

FI: Perusopetuslaki (l-Att dwar l-Edukazzjoni Bażika) (628/1998); Lukiolaki (l-Att Ġenerali dwar l-Iskejjel Sekondarji Superjuri) (629/1998); Laki ammatillisesta koulutuksesta (l-Att dwar it-Taħriġ u l-Edukazzjoni Vokazzjonali) (630/1998); Laki ammatillisesta aikuiskoulutuksesta (Att dwar l-Edukazzjoni Vokazzjonali tal-Adulti) (631/1998); Ammattikorkeakoulakoulaki (l-Att dwar il-Politekniki) (351/2003); u Yliopistolaki (l-Att dwar l-Universitajiet) (558/2009).

IT: Id-Digriet Amministrattiv 1592/1933 (il-Liġi dwar l-edukazzjoni sekondarja); Il-Liġi 243/1991 (Kontribuzzjoni pubblika okkażjonali għall-universitajiet privati); Ir-riżoluzzjoni 20/2003 tas-CNVSU (Comitato nazionale per la valutazione del sistema universitario); u d-Digriet tal-President tar-Repubblika (DPR) 25/1998.

SK: L-Att 245/2008 dwar l-edukazzjoni; L-Att 131/2002 dwar l-Universitajiet; u l-Att 596/2003 dwar l-Amministrazzjoni tal-Istat fl-Edukazzjoni u l-Awtoamministrazzjoni tal-Iskejjel.

Riżerva Nru 15 – Servizzi ambjentali

Settur– subsettur:	Servizzi ambjentali — ġestjoni tal-iskart u tal-ħamrija
Klassifikazzjoni tal-industrija:	CPC 9401, 9402, 9403, 94060
Tip ta' riżerva:	Preżenza lokali
Kapitolu:	Kummerċ transfruntier fis-servizzi

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dan li ġej:

F'DE: Il-forniment ta' servizzi ta' mmaniġġar tal-iskart minbarra servizzi ta' konsulenza, u fir-rigward ta' servizzi li jirrelataw mal-protezzjoni tal-ħamrija u l-immaniġġar ta' ħamrija kkontaminata, minbarra servizzi ta' konsulenza.

Riżerva Nru 16 – Servizzi tas-saħħa u servizzi soċjali

Settur:	Servizzi tas-saħħa u servizzi soċjali
Klassifikazzjoni tal-industrija:	CPC 93, 931, għajr 9312, parti minn 93191, 9311, 93192, 93193, 93199

Tip ta' riżerva:	Trattament nazzjonali
	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit
	Maniġment superjuri u bord tad-diretturi
	Rekwiżiti tal-prestazzjoni
	Preżenza lokali
Kapitolu:	Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntier fis-servizzi

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dan li ġej:

(a) Servizzi tas-saħħa — sptar, ambulanza, servizzi tas-saħħa residenzjali (CPC 93, 931 għajr 9312, parti minn 93191, 9311, 93192, 93193, 93199)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Rekwiżiti ta' prestazzjoni, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi:

Fl-UE: Għall-forniment tas-servizzi tas-saħħa kollha li jirċievu finanzjament pubbliku jew appoġġ mill-Istat fi kwalunkwe forma.

Fl-UE: Għas-servizzi tas-saħħa kollha ffinanzjati mill-privat, minbarra sptar, ambulanza, u servizzi ta' faċilitajiet residenzjali tas-saħħa ffinanzjati mill-privat, apparti servizzi fi sptar.

Din ir-riżerva ma tirrigwardax il-forniment tas-servizzi professjonali kollha relatati mas-saħħa, inklużi s-servizzi pprovduti minn professjonisti bħal tobba mediċi, dentisti, qwiebel, infermiera, fiżjoterapisti, paramediċi, u psikologi, li huma koperti minn riżervi oħra (CPC 931 għajr 9312, parti minn 93191).

F'AT, PL u SI: Il-forniment ta' servizzi tal-ambulanza ffinanzjati mill-privat (CPC 93192).

F'BE: l-istabbiliment tas-servizzi tal-ambulanza u s-servizzi ta' faċilitajiet residenzjali tas-saħħa ffinanzjati mill-privat apparti servizzi fi sptar (CPC 93192, 93193).

F'BG, CY, CZ, FI, MT u SK: Il-forniment tas-servizzi ta' sptar, ambulanza u servizzi ta' faċilitajiet residenzjali tas-saħħa ffinanzjati mill-privat apparti servizzi fi sptar (CPC 9311, 93192, 93193).

F'FI: Il-forniment ta' servizzi oħra tas-saħħa tal-bniedem (CPC 93199).

Miżuri eżistenti:

CZ: L-att Nru 372/2011 Coll. dwar is-Servizzi tal-Kura tas-Saħħa u l-Kundizzjonijiet tal-Forniment tagħhom.

FI: Laki yksityisestä terveydenhuollosta (l-Att dwar il-Kura tas-Saħħa Privata) (152/1990).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi, Rekwiżiti ta' prestazzjoni:

F'DE: Il-forniment tas-Sistema tas-Sigurtà Soċjali tal-Ġermanja, fejn is-servizzi jistgħu jiġu pprovduti minn kumpaniji jew entitajiet differenti li jinvolvu elementi kompetittivi li għalhekk mhumiex "attivitajiet imwettqa fl-eżerċizzju ta' awtorità governattiva". Li jingħata trattament aħjar fil-kuntest ta' ftehim kummerċjali bilaterali fir-rigward tal-provvista ta' servizzi tas-saħħa u soċjali (CPC 93).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

F'DE: Is-sjieda tal-isptarijiet iffinanzjati mill-privat u operati mill-Forzi Ġermaniżi.

In-nazzjonalizzazzjoni ta' sptarijiet ewlenin oħra ffinanzjati privatament (CPC 93110).

F'FR: Għall-forniment ta' servizzi ta' analiżi tal-laboratorju u l-ittestjar iffinanzjati mill-privat.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali:

F'FR: Il-forniment ta' servizzi ta' analiżi tal-laboratorju u l-ittestjar iffinanzjati mill-privat (parti minn CPC 9311).

Miżuri eżistenti:

FR: Code de la Santé Publique.

(b) Servizzi tas-saħħa u soċjali, inkluża l-assigurazzjoni tal-pensjoni

Fir-rigward tal-kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' HU: Il-forniment transfruntier ta' servizzi tas-saħħa, servizzi soċjali u attivitajiet jew servizzi li jiffurmaw parti minn pjan pubbliku tal-irtirar jew sistema statutorja tas-sigurtà soċjali. Din ir-riżerva ma tirrigwardax il-forniment tas-servizzi professjonali kollha relatati mas-saħħa, inklużi s-servizzi pprovduti minn professjonisti bħal tobba mediċi, dentisti, qwiebel, infermiera, fiżjoterapisti, paramediċi, u psikologi, li huma koperti minn riżervi oħra (CPC 931 għajr 9312, parti minn 93191).

F'HU: Il-forniment transfruntier tas-servizzi kollha tal-isptarijiet, tal-ambulanza u tas-saħħa residenzjali, għajr is-servizzi tal-isptar, li jirċievu finanzjament pubbliku (CPC 9311, 93192, 93193).

(c) Servizzi soċjali, inkluża l-assigurazzjoni tal-pensjoni

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi, Rekwiżiti ta' prestazzjoni:

Fl-UE: Il-forniment tas-servizzi soċjali kollha li jirċievu finanzjament pubbliku jew appoġġ mill-Istat fi kwalunkwe forma u attivitajiet jew servizzi li jiffurmaw parti minn pjan pubbliku ta' rtirar jew sistema statutorja ta' sigurtà soċjali.

F'BE, CY, DE, DK, EL, ES, FR, IE, IT u PT: Il-forniment tas-servizzi soċjali ffinanzjati mill-privat minbarra s-servizzi relatati mad-djar ta' konvalexxenza u ta' mistrieħ u d-djar tal-anzjani.

F'CZ, FI, HU, MT, PL, RO, SK, u SI: Il-forniment ta' servizzi soċjali ffinanzjati mill-privat.

F'DE: Is-sistema tas-Sigurtà Soċjali tal-Ġermanja, fejn is-servizzi huma pprovduti minn kumpaniji jew entitajiet differenti li jinvolvu elementi kompetittivi u għalhekk jistgħu ma jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' "attivitajiet imwettqat fl-eżerċizzju ta' awtorità governattiva".

Miżuri eżistenti:

FI: Laki yksityisistä sosiaalipalveluista (Att dwar is-Servizzi Soċjali Privati) (922/2011).

IE: L-Att dwar is-Saħħa tal-2004 (S. 39); u l-Att dwar is-Saħħa tal-1970 (kif emendat — S.61A).

IT: Il-Liġi 833/1978 Istituzzjoni tas-sistema tas-saħħa pubblika; Id-Digriet Leġiżlattiv 502/1992 Organizzazzjoni u dixxiplina tal-qasam tas-saħħa; u l-Liġi 328/2000 Riforma tas-servizzi soċjali.

Riżerva Nru 17 – Servizzi relatati mat-turiżmu u l-ivvjaġġar

Settur: Servizzi ta' gwidi turistiċi, servizzi tas-saħħa u soċjali

Klassifikazzjoni tal-industrija:	CPC 7472
Tip ta' riżerva:	Trattament nazzjonali Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit
Kapitolu:	Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntier fis-servizzi

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dan li ġej:

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali:

F'FR: Meħtieġa n-nazzjonalità ta' Stat Membru għall-forniment tas-servizzi ta' gwidi turistiċi.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

F'LT: Sa fejn iċ-Ċilì jippermetti liċ-ċittadini tal-LT jipprovdu servizzi ta' gwida turistika, il-LT se tippermetti liċ-ċittadini taċ-Ċilì jipprovdu servizzi ta' gwida turistika bl-istess kundizzjonijiet.

Riżerva Nru 18 – Servizzi ta' rikreazzjoni, kulturali u sportivi

Settur:	Servizzi ta' rikreazzjoni, kulturali u sportivi
Klassifikazzjoni tal-industrija:	CPC 962, 963, 9619, 964
Tip ta' riżerva:	Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bord tad-diretturi Rekwiżiti tal-prestazzjoni Preżenza lokali
Kapitolu:	Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntier fis-servizzi

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dan li ġej:

(a) Il-libreriji, l-arkivji, il-mużewijiet u servizzi kulturali oħrajn (CPC 963)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali, Rekwiżiti ta' prestazzjoni, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi, u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' AT u, għal-liberalizzazzjoni tal-investiment, f'LT: Il-forniment ta' servizzi ta' libreriji, arkivji, mużewijiet u servizzi kulturali oħra.

F'AT u l-Litwanja: Liċenzja jew konċessjoni tista' tkun meħtieġa għat-twaqqif.

(b) Servizzi ta' divertiment, teatru, baned live u servizzi taċ-ċirku (CPC 9619, 964 għajr 96492)

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali:

Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' AT u SE: Il-forniment transfruntier ta' servizzi ta' divertiment, inklużi servizzi ta' teatru, baned live, ċirku u diskoteki.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali, Rekwiżiti ta' prestazzjoni, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi, u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

F'CY, CZ, FI, MT, PL, RO, SI u SK: Fir-rigward tal-forniment ta' servizzi tad-divertiment, inklużi servizzi ta' teatru, bands live, ċirku u diskoteki.

F'BG: Il-forniment tas-servizzi ta' divertiment li ġejjin: ċirku, park tad-divertiment u servizzi simili ta' attrazzjoni, swali tal-ballu, diskoteka u servizzi ta' tagħlim ta' żfin u servizzi ta' divertiment oħra.

F'EE: Il-forniment tas-servizzi tad-divertiment oħra minbarra servizzi ta' teatru ċinematografiku.

F'LT u LV: Il-forniment tas-servizzi tad-divertiment kollha minbarra servizzi ta' operat ta' teatru ċinematografiku.

F'CY, CZ, LV, PL, RO u SK: Il-forniment transfruntier ta' servizzi sportivi u servizzi rekreazzjonali oħrajn.

(c) Aġenziji tal-aħbarijiet u tal-istampa (CPC 962)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

F'FR: Il-parteċipazzjoni barranija f'kumpaniji eżistenti li jippubblikaw pubblikazzjonijiet bil-lingwa Franċiża ma tistax taqbeż l-20 % tal-kapital jew tad-drittijiet tal-vot fil-kumpanija. L-istabbiliment ta' aġenziji tal-istampa taċ-Ċilì huwa soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regolamentazzjoni domestika. L-istabbiliment ta' aġenziji tal-istampa minn investituri barranin huwa soġġett għar-reċiproċità.

Miżuri eżistenti:

FR: Ordonnance nº 45-2646 du 2 novembre 1945 portant règlementation provisoire des agences de presse; u Loi nº 86-897 du 1 août 1986 portant réforme du régime juridique de la presse.

(d) Servizzi ta' logħob tal-azzard u mħatri (CPC 96492)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali, Rekwiżiti ta' prestazzjoni, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi, u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fl-UE: Il-forniment tal-attivitajiet tal-logħob tal-azzard, li jinvolvi mħatri b'valur fi flus f'logħob tax-xorti, inkluż b'mod partikolari l-lotteriji, scratch cards, servizzi ta' logħob tal-azzard offruti fil-każinòs, arcades tal-logħob tal-azzard jew postijiet b'liċenzja, servizzi tal-imħatri, tat-tombla u tal-logħob tal-azzard operati minn organizzazzjonijiet tal-karità jew organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, u għall-benefiċċju tagħhom.

Riżerva Nru 19 – Servizzi tat-trasport u servizzi tat-trasport awżiljari

Settur:	Servizzi tat-trasport
Tip ta' riżerva:	Trattament nazzjonali
	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit
	Maniġment superjuri u bord tad-diretturi
	Rekwiżiti tal-prestazzjoni
	Preżenza lokali
Kapitolu:	Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntier fis-servizzi

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dan li ġej:

(a) Trasport marittimu — kwalunkwe attività kummerċjali oħra mwettqa minn bastiment

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi, Rekwiżiti ta' prestazzjoni u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali:

Fl-UE: In-nazzjonalità tal-ekwipaġġ ta' bastimenti li jbaħħru jew bastimenti li ma jbaħħrux.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi:

Fl-UE, minbarra l-LV u MT: Persuni fiżiċi jew ġuridiċi tal-UE biss jistgħu jirreġistraw bastiment u joperaw flotta taħt il-bandiera nazzjonali tal-Istat ta' stabbiliment (japplika għall-attività marittima kummerċjali kollha mwettqa minn bastiment li jbaħħar, inkluż is-sajd, l-akkwakultura, u servizzi inċidentali għas-sajd; trasportazzjoni internazzjonali ta' passiġġieri u ta' merkanzija (CPC 721); u servizzi awżiljarji għat-trasport marittimu).

Fl-UE: Għal servizzi ta' alimentazzjoni, u għar-ripożizzjonament ta' kontejners li huma proprjetà ta' jew mikrija fuq bażi mhux ta' dħul minn kumpaniji tat-tbaħħir tal-Unjoni Ewropea, għall-parti ta' dawn is-servizzi li ma taqax taħt l-esklużjoni ta' kabotaġġ marittimu nazzjonali.

Fir-rigward tal-kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fis-SK: L-investituri barranin irid ikollhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom fis-SK sabiex japplikaw għal liċenzja li tippermettilhom jipprovdu servizz (CPC 722).

(b) Servizzi awżiljarji għat-trasport marittimu

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fl-UE: Il-forniment ta' servizzi ta' pilotaġġ u rmiġġ. Għal aktar ċertezza, irrispettivament mill-kriterji li jistgħu japplikaw għar-reġistrazzjoni ta' bastimenti fi Stat Membru, l-Unjoni Ewropea tirriżerva d-dritt li tirrikjedi li huma biss il-bastimenti rreġistrati fir-reġistri nazzjonali tal-Istati Membri li jistgħu jipprovdu servizzi ta' pilotaġġ u rmiġġ (CPC 7452).

Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-LT u LV: Bastimenti li jġorru l-bandiera ta' Stat Membru biss jistgħu jipprovdu servizzi ta' mbuttar u rmunkar (CPC 7214).

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

F'LT: Huma biss persuni ġuridiċi ta' LT jew persuni ġuridiċi ta' Stat Membru b'fergħat f'LT li għandhom ċertifikat maħruġ mill-Amministrazzjoni tas-Sigurtà Marittima Litwana li jistgħu jipprovdu servizzi ta' pilotaġġ u rmiġġ, imbuttar u rmunkar (CPC 7214, 7452).

Fir-rigward tal-kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

F'BE: Is-servizzi ta' mmaniġġar tal-merkanzija jistgħu jkunu operati biss minn ħaddiema akkreditati, li huma eliġibbli biex jaħdmu f'żoni portwali msemmija permezz ta' digriet amministrattiv (CPC 741).

Miżuri eżistenti:

BE: Loi du 8 juin 1972 organisant le travail portuaire; Arrêté royal du 12 janvier 1973 instituant une Commission paritaire des ports et fixant sa dénomination et sa compétence; Arrêté royal du 4 septembre 1985 portant agrément d'une organisation d'employeur (Anvers); Arrêté royal du 29 janvier 1986 portant agrément d'une organisation d'employeur (Gand); Arrêté royal du 10 juillet 1986 portant agrément d'une organisation d'employeur (Zeebrugge); Arrêté royal du 1er mars 1989 portant agrément d'une organisation d'employeur (Ostende); U Arrêté royal du 5 juillet 2004 relatif à la reconnaissance des ouvriers portuaires dans les zones portuaires tombant dans le champ d'application de la loi du 8 juin 1972 organisant le travail portuaire, tel que modifié.

(c) Trasport minn passaġġi fuq l-ilma interni u servizzi awżiljarji għat-trasport minn passaġġi fuq l-ilma interni

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi, Rekwiżiti ta' prestazzjoni u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali, Preżenza lokali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fl-UE: Trasportazzjoni fuq passaġġi fuq l-ilma interni ta' passiġġieri u ta' merkanzija (CPC 722); u servizzi awżiljarji għat-trasport fuq passaġġi tal-ilma interni.

(d) Trasport bil-ferrovija u servizzi awżiljarji għat-trasport bil-ferrovija

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit, Preżenza lokali:

Fl-UE: Trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija (CPC 7111).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit, Preżenza lokali:

Fl-UE: Trasport tal-merkanzija bil-ferrovija (CPC 7112). Soġġett għall-kundizzjonijiet ta' reċiproċità.

F'LT: Is-servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir tat-trasport ferrovjarju huma soġġetti għal monopolju tal-Istat (CPC 86764, 86769, parti minn 8868).

Miżuri eżistenti:

L-UE: Id-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(e) Trasport bit-triq (trasport tal-passiġġieri, trasport tal-merkanzija, servizzi internazzjonali tat-trasport tat-trakkijiet) u servizzi awżiljarji għat-trasport bit-triq

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali:

Fl-UE:

(i) li jkun meħtieġ l-istabbiliment u jiġi limitat il-forniment transfruntier ta' servizzi tat-trasport bit-triq (CPC 712); u

(ii) li jiġi limitat il-forniment ta' kabotaġġ fi Stat Membru minn investituri barranin stabbiliti fi Stat Membru ieħor (CPC 712).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali, u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Preżenza lokali

F'BG: Għat-trasport ta' passiġġieri u merkanzija, id-drittijiet esklużivi jew l-awtorizzazzjonijiet jistgħu jingħataw biss lil ċittadini ta' Stat Membru u lil persuni ġuridiċi tal-Unjoni Ewropea li jkollhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fl-Unjoni Ewropea. Hija meħtieġa inkorporazzjoni (CPC 712).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

F'FI: Awtorizzazzjoni hija meħtieġa għall-forniment ta' servizzi ta' trasport bit-triq, li mhijiex estiża għal vetturi rreġistrati barra mill-pajjiż (CPC 712).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

F'FR: Il-forniment ta' servizzi ta' karozzi tal-linja bejn belt u oħra (CPC 712).

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Preżenza lokali:

F'BG: Li jiġi rikjest stabbiliment għal servizzi ta' appoġġ għat-trasport bit-triq (CPC 744).

([3]) Id-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea (ĠU UE L 343 14.12.2012, p. 32).

Miżuri eżistenti:

L-UE: Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]); Ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]); u r-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]).

FI: Laki kaupallisista tavarankuljetuksista tiellä (l-Att dwar it-Trasport Kummerċjali bit-Triq) 693/2006; Laki liikenteen palveluista (l-Att dwar is-Servizzi tat-Trasport) 320/2017; u Ajoneuvolaki (l-Att dwar il-Vetturi) 1090/2002.

(f) It-trasport fl-ispazju u l-kiri ta' inġenji spazjali

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali, Rekwiżiti ta' prestazzjoni, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fl-UE: Il-forniment ta' servizzi tat-trasport spazjali u l-provvista ta' servizzi tal-kiri tal-inġenji spazjali (CPC 733, parti minn CPC 734).

(g) Eżenzjonijiet tan-nazzjon l-aktar iffavorit

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-Investiment — Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

— Trasport (kabotaġġ) għajr it-trasport marittimu

F'FI: Għoti ta' trattament differenzjali lil pajjiż skont ftehimiet bilaterali eżistenti jew futuri li jeżentaw bastimenti rreġistrati taħt bandiera barranija ta' pajjiż speċifikat ieħor jew vetturi rreġistrati barra mill-projbizzjoni ġenerali milli jipprovdu trasport ta' kabotaġġ (inkluż trasport ikkombinat, bit-triq u bil-ferrovija) f'FI fuq il-bażi ta' reċiproċità (parti minn CPC 711, parti minn 712, parti minn 722).

— Servizzi ta' appoġġ għat-trasport marittimu

F'BG: Sa fejn iċ-Ċilì jippermetti lill-fornituri tas-servizzi mill-BG li jfornu servizzi ta' mmaniġġar tal-merkanzija u servizzi ta' ħżin u maħżen fil-portijiet tal-baħar u tax-xmajjar, inklużi servizzi relatati ma' kontejners u oġġetti f'kontejners, il-BG se tippermetti lill-fornituri ta' servizzi miċ-Ċilì biex jipprovdu servizzi ta' mmaniġġar tal-merkanzija u servizzi ta' ħżin u maħżen fil-portijiet tal-baħar u tax-xmajjar, inklużi servizzi relatati ma' kontejners u oġġetti f'kontejners taħt l-istess kundizzjonijiet (parti minn CPC 741, parti minn 742).

— Kiri jew lokazzjoni ta' bastimenti

F'DE: Il-kiri ta' bastimenti barranin minn konsumaturi residenti f'DE jista' jkun soġġett għal kundizzjoni ta' reċiproċità (CPC 7213, 7223, 83103).

— Trasport bit-triq u bil-ferrovija

Fl-UE: Li jingħata trattament differenzjali lil pajjiż terz skont ftehimiet bilaterali eżistenti jew futuri relatati mat-trasport internazzjonali tal-merkanzija bit-triq (inkluż it-trasport ikkombinat — bit-triq jew bil-ferrovija) u t-trasport tal-passiġġieri, konklużi bejn l-Unjoni Ewropea jew l-Istati Membri u pajjiż terz (CPC 7111, 7112, 7121, 7122, 7123). Dak it-trattament jista':

(i) jirriżerva jew jillimita l-forniment ta' servizzi ta' trasport rilevanti bejn il-partijiet kontraenti jew fit-territorju tal-partijiet kontraenti għal vetturi reġistrati f'kull parti kontraenti ([7]); jew

([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE (ĠU UE L 300, 14.11.2009, p. 51).

([5]) Ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija (ĠU UE L 300, 14.11.2009, p. 72).

([6]) Ir-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 (ĠU UE L 300 14.11.2009, p. 88).

([7]) Fir-rigward tal-Awstrija, il-parti tal-eżenzjoni tat-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit fir-rigward tad-drittijiet tat-traffiku tkopri l-pajjiżi kollha li magħhom jeżistu jew jistgħu jiġu kkunsidrati fil-futur ftehimiet bilaterali dwar it-trasport bit-triq jew arranġamenti oħra relatati mat-trasport bit-triq.

(ii) jipprovdi għal eżenzjonijiet mit-taxxa għal tali vetturi.

— Tagħmir tat-trasport

F'BG: Miżuri meħuda skont ftehimiet eżistenti jew futuri, li jirriżervaw jew jirrestringu l-forniment ta' dawn it-tipi ta' servizzi ta' trasport u jispeċifikaw it-termini u l-kundizzjonijiet ta' dan il-forniment, inkluż permessi ta' tranżitu jew taxxi preferenzjali tat-triq, fit-territorju tal-Bulgarija jew min-naħa għall-oħra tal-fruntieri tal-Bulgarija (CPC 7121, 7122, 7123).

F'CZ: Miżuri li jittieħdu skont ftehimiet eżistenti jew futuri, u li jirriżervaw jew jillimitaw il-forniment ta' servizzi tat-trasport u jispeċifikaw il-kundizzjonijiet tal-operat, inklużi permessi ta' tranżitu jew taxxi preferenzjali tat-triq ta' servizzi tat-trasport lejn, ġewwa, min-naħa għall-oħra u 'l barra miċ-CZ lill-partijiet kontraenti kkonċernati (CPC 7121, 7122, 7123).

F'ES: L-awtorizzazzjoni għall-istabbiliment ta' preżenza kummerċjali fi ES tista' tiġi rrifjutata għall-fornituri tas-servizzi li l-pajjiż tal-oriġini tagħhom ma jagħtix aċċess effettiv għas-suq lill-fornituri tas-servizzi ta' ES (CPC 7123).

Miżuri eżistenti:

Ley 16/1987, de 30 de julio, de Ordenación de los Transportes Terrestres.

F'HR: Miżuri applikati taħt ftehimiet eżistenti jew futuri dwar trasport internazzjonali bit-triq u li jirriżervaw jew jillimitaw il-forniment ta' servizzi tat-trasport u li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet tal-operat, inkluż permessi ta' tranżitu jew taxxi preferenzjali tat-triq għas-servizzi tat-trasport lejn, fi, min-naħa għall-oħra u 'l barra mill-Kroazja għall-partijiet kontraenti kkonċernati (CPC 7121, 7122, 7123).

F'LT: Miżuri meħuda skont ftehimiet bilaterali u li jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet għas-servizzi tat-trasport u jispeċifikaw il-kundizzjonijiet tal-operat, inkluż it-tranżitu bilaterali u permessi oħra għal servizzi ta' trasport fi, minn u 'l barra mit-territorju tal-Litwanja lill-partijiet kontraenti kkonċernati, u taxxi u imposti tat-triq (CPC 7121, 7122, 7123).

F'SK: Miżuri li jittieħdu skont ftehimiet eżistenti jew futuri, u li jirriżervaw jew jillimitaw il-forniment ta' servizzi tat-trasport u jispeċifikaw il-kundizzjonijiet tal-operat, inklużi permessi ta' tranżitu jew taxxi preferenzjali tat-triq ta' servizzi tat-trasport lejn, ġewwa, min-naħa għall-oħra u 'l barra mis-Slovakkja lill-partijiet kontraenti kkonċernati (CPC 7121, 7122, 7123).

— Trasport bil-ferrovija

F'BG, CZ u SK: Għal ftehimiet eżistenti jew futuri, u li jirregolaw id-drittijiet tat-traffiku u l-kundizzjonijiet tal-operat, u l-forniment ta' servizzi tat-trasport fit-territorju tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka u s-Slovakkja u bejn il-pajjiżi kkonċernati (CPC 7111, 7112).

— Trasport bl-ajru — Servizzi awżiljari għat-trasport bl-ajru

Fl-UE: Tadotta trattament differenzjali lejn pajjiż terz skont ftehimiet bilaterali eżistenti jew futuri dwar servizzi fuq l-art.

— Trasport bit-triq u bil-ferrovija

F'EE: Meta tagħti trattament differenzjali lil pajjiż skont ftehimiet bilaterali eżistenti jew futuri dwar it-trasport internazzjonali bit-triq (inkluż it-trasport ikkombinat bit-triq jew bil-ferrovija), tirriżerva jew tillimita l-forniment ta' servizzi tat-trasport lejn, ġewwa, min-naħa għall-oħra u 'l barra mill-Estonja lill-partijiet kontraenti għal vetturi rreġistrati f'kull parti kontraenti, u tipprevedi eżenzjoni mit-taxxa għal tali vetturi (parti minn CPC 711, parti minn 712, parti minn 721).

— Is-servizzi kollha tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija għajr it-trasport marittimu u bl-ajru

F'PL: Sa fejn iċ-Ċilì jippermetti l-forniment ta' servizzi tat-trasport lejn u madwar it-territorju taċ-Ċilì minn fornituri tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija tal-Polonja, il-Polonja se tippermetti l-forniment ta' servizzi tat-trasport minn fornituri tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija taċ-Ċilì lejn u madwar it-territorju tal-Polonja taħt l-istess kundizzjonijiet.

Riżerva Nru 20 – Agrikoltura, sajd u ilma

Settur:	L-agrikoltura, il-kaċċa, il-forestrija; is-sajd, l-akkwakultura, is-servizzi inċidentali għas-sajd; ġbir, purifikazzjoni u distribuzzjoni tal-ilma
Klassifikazzjoni tal-industrija:	ISIC Rev. 3.1 011, 012, 013, 014, 015, CPC 8811, 8812, 8813 għajr servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni; 0501, 0502, CPC 882
Tip ta' riżerva:	Trattament nazzjonali Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit Maniġment superjuri u bord tad-diretturi Rekwiżiti tal-prestazzjoni Preżenza lokali
Kapitolu:	Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntier fis-servizzi

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dan li ġej:

(a) L-agrikoltura, il-kaċċa u l-forestrija

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

F'HR: Attivitajiet agrikoli u tal-kaċċa.

F'HU: Attivitajiet agrikoli (ISIC Rev. 3.1 011, 012, 013, 014, 015, CPC 8811, 8812, 8813 għajr servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni).

Miżuri eżistenti:

HR: L-att dwar l-Art Agrikola (OG 20/18, 115/18, 98/19).

(b) Sajd, akkwakultura u servizzi inċidentali għas-sajd (ISIC Rev. 3.1 0501, 0502, CPC 882)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi, Rekwiżiti tal-prestazzjoni, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit, Preżenza lokali:

Fl-UE:

1. B'mod partikolari fil-qafas tal-Politika Komuni tas-Sajd, u ta' ftehimiet dwar is-sajd ma' pajjiż terz, l-aċċess għal u l-użu tar-riżorsi bijoloġiċi u l-postijiet għas-sajd li jinsabu fl-ilmijiet marittimi li jaqgħu fis-sovranità jew il-ġuriżdizzjoni tal-Istati Membri, jew drittijiet għas-sajd skont liċenzja tas-sajd ta' Stat Membru inkluż:

   (a) li tirregola l-ħatt l-art tal-qabdiet minn bastimenti li jtajru l-bandiera taċ-Ċilì jew ta' pajjiż terz fir-rigward tal-kwoti allokati lilhom jew, fir-rigward biss ta' bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru, li jirrikjedu li parti mill-qabda totali tinħatt l-art fil-portijiet tal-Unjoni Ewropea;

   (b) li tistabbilixxi daqs minimu għal kumpanija sabiex iżżomm kemm bastimenti tas-sajd artiġjanali kif ukoll bastimenti tas-sajd tal-kosta;

   (c) li tagħti trattament differenzjali skont ftehimiet bilaterali eżistenti jew futuri dwar is-sajd; u

(d) li tirrikjedi li l-membri tal-ekwipaġġ ta' bastiment li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru jkunu nazzjonali ta' Stati Membri.

2. Bastiment tas-sajd għandu jkun intitolat li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru bissjekk:

(a) ikun kompletament proprjetà ta':

(i) kumpaniji inkorporati fl-Unjoni Ewropea; jew

(ii) ċittadini tal-Istati Membri;

(b) l-operazzjonijiet ta' kuljum tiegħu jkunu diretti u kkontrollati minn ġewwa l-Unjoni Ewropea; u

(c) kwalunkwe noleġġatur, maniġer jew operatur tal-bastiment ikun kumpanija inkorporata fl-Unjoni Ewropea jew ċittadin ta' Stat Membru.

3. Liċenzja kummerċjali tas-sajd li tagħti d-dritt għas-sajd fl-ilmijiet territorjali ta' Stat Membru tista' tingħata biss għal bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru.

4. L-istabbiliment ta' faċilitajiet tal-akkwakultura tal-baħar jew interni.

5. Is-subparagrafi (a), (b), (c) (għajr fir-rigward tat-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit) u (d) tal-paragrafu 1, is-subparagrafi (a)(i) (b) u (c) tal-paragrafu 2, u l-paragrafu 3 japplikaw biss għal miżuri li huma applikabbli għall-bastimenti jew għall-intrapriżi irrispettivament min-nazzjonalità tas-sidien benefiċjarji tagħhom.

In-nazzjonalità tal-ekwipaġġ ta' bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru.

L-istabbiliment ta' faċilitajiet tal-akkwakultura tal-baħar jew interni.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali:

F'BG: It-teħid ta' riżorsi marini u ħajjin mix-xmajjar, imwettaq minn bastimenti fl-ilmijiet marittimi interni, u l-baħar territorjali ta' BG, għandu jitwettaq minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-BG. Bastiment barrani ma jistax iwettaq sajd kummerċjali fiż-żona ekonomika esklussiva ħlief fuq il-bażi ta' ftehim bejn il-BG u l-Istat tal-bandiera. Meta jkunu qed jgħaddu miż-żona ekonomika esklussiva, il-bastimenti tas-sajd barranin jistgħu ma jżommux l-irkaptu tas-sajd tagħhom f'modalità operattiva.

(c) Ġbir, purifikazzjoni u distribuzzjoni tal-ilma

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fl-UE: Għal attivitajiet, inkluż servizzi dwar il-ġbir, il-purifikazzjoni u d-distribuzzjoni tal-ilma għal utenti domestiċi, industrijali, kummerċjali u oħrajn, inkluż il-forniment tal-ilma potabbli u l-immaniġġar tal-ilma.

Riżerva Nru 21 – Attivitajiet relatati mal-minjieri u l-enerġija

Settur:	Tħaffir fil-minjieri u l-barrieri — materjali li jipproduċu l-enerġija; tħaffir fil-minjieri u l-barrieri — minerali tal-metall u tħaffir ieħor fil-minjieri; Attivitajiet relatati mal-enerġija — il-produzzjoni, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni għall-kont proprju tal-elettriku, il-gass, il-fwar u l-misħun; trasport ta' fjuwil permezz ta' pipeline; il-ħżin u l-magażinaġġ ta' fjuwil ittrasportat permezz ta' pipelines; u servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija
Klassifikazzjoni tal-industrija:	ISIC Rev. 3.1 10, 1110, 12, 120, 1200, 13, 14, 232, 233, 2330, 40, 401, 4010, 402, 4020, parti minn 4030, CPC 613, 62271, 63297, 7131, 71310, 742, 7422, parti minn 88, 887.
Tip ta' riżerva:	Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bord tad-diretturi

Rekwiżiti tal-prestazzjoni

Preżenza lokali

Kapitolu: Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntier fis-servizzi

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dan li ġej:

(a) Attivitajiet relatati mal-Minjieri u tal-Enerġija – ġenerali (ISIC Rev. 3.1 10, 1110, 13, 14, 232, 40, 401, 402, parti minn 403, 41; CPC 613, 62271, 63297, 7131, 742, 7422, 887 (minbarra servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni))

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi, Rekwiżiti ta' prestazzjoni u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fl-UE: Fejn Stat Membru jippermetti sjieda barranija ta' sistema ta' trażmissjoni tal-gass jew tal-elettriku, jew sistema ta' trasport bil-pipeline taż-żejt u tal-gass, fir-rigward ta' intrapriżi taċ-Ċilì kkontrollati minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi ta' pajjiż terz li jammontaw għal aktar minn 5 % tal-importazzjonijiet taż-żejt, tal-gass naturali jew tal-elettriku tal-Unjoni Ewropea, sabiex tiġi ggarantita s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni Ewropea kollha kemm hi, jew ta' Stat Membru individwali. Din ir-riżerva ma tapplikax għal servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni pprovduti bħala servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija.

Din ir-riżerva ma tapplikax għal HR, HU u LT (għal LT, CPC 7131 biss) fir-rigward tat-trasport bil-pajpijiet tal-fjuwils, u lanqas għal LV fir-rigward ta' servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija, u lanqas għal SI fir-rigward ta' servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-gass (ISIC Rev. 3.1 401, 402, CPC 7131, 887 għajr servizzi ta' konsulenza u konsulenza).

F'CY: Għall-manifattura ta' prodotti petrolifiċi raffinati sakemm l-investitur ikun ikkontrollat minn persuna fiżika jew ġuridika ta' pajjiż terz li tammonta għal aktar minn 5 % tal-importazzjonijiet taż-żejt jew tal-gass naturali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll għall-manifattura tal-gass, id-distribuzzjoni ta' fjuwils gassużi permezz tal-mains għall-kont proprju, il-produzzjoni, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku, it-trasport bil-pipeline tal-fjuwils, servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-elettriku u tal-gass naturali għajr servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni, servizzi bl-ingrossa tal-elettriku, servizzi bl-imnut ta' fjuwil tal-magni, elettriku u gass mhux ibbottiljat. Il-kundizzjonijiet tan-nazzjonalità u tar-residenza japplikaw għas-servizzi relatati mal-elettriku. (ISIC Rev. 3.1 232, 4010, 4020, CPC 613, 62271, 63297, 7131, u 887 għajr is-servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni).

F'FI: In-networks ta' trażmissjoni u distribuzzjoni u s-sistemi ta' enerġija u tal-fwar u l-mishun.

F'FI: Ir-restrizzjonijiet kwantitattivi fil-forma ta' monopolji jew drittijiet esklużivi għall-importazzjoni ta' gass naturali, u għall-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' fwar u mishun. Bħalissa, jeżistu monopolji naturali u drittijiet esklussivi (ISIC Rev. 3.1 40, CPC 7131, 887 għajr servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni).

F'FR: Is-sistemi ta' trażmissjoni tal-elettriku u tal-gass u t-trasport mill-pajpijiet taż-żejt u tal-gass (CPC 7131).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

F'BE: Is-servizzi tad-distribuzzjoni tal-enerġija, u servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija (CPC 887 minbarra servizzi ta' konsultazzjoni).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

F'BE: Għal servizzi tat-trażmissjoni tal-enerġija, rigward it-tipi ta' entitajiet legali u għat-trattament ta' operaturi pubbliċi jew privati li għalihom il-BE ta drittijiet esklużivi. L-istabbiliment huwa meħtieġ fl-Unjoni Ewropea (ISIC Rev. 3.1 4010, CPC 71310).

F'BG: Għal servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija (parti minn CPC 88).

F'PT: Għall-produzzjoni, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku, il-manifattura tal-gass, it-trasportazzjoni tal-fjuwils mill-pajpijiet, is-servizzi bl-ingrossa tal-elettriku, is-servizzi ta' bejgħ bl-imnut tal-elettriku u gass mhux ibbottiljat, u servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-elettriku u tal-gass naturali. Il-konċessjonijiet għas-setturi tal-elettriku u l-gass huma assenjati biss lil kumpaniji b'responsabbiltà limitata bil-kwartieri ġenerali tagħhom u b'ġestjoni effettiva f'PT (ISIC Rev. 3.1 232, 4010, 4020, CPC 7131, 7422, 887 minbarra servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni).

F'SK: Hija meħtieġa awtorizzazzjoni għall-produzzjoni, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku, il-manifattura ta' gass u d-distribuzzjoni ta' fjuwil gassuż, il-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' fwar u ilma jaħraq, it-trasport bil-pipeline tal-fjuwil, bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut tal-elettriku, fwar u ilma jaħraq, u servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija, inklużi servizzi fil-qasam tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, ekonomija fl-użu tal-enerġija u l-bilanċ tal-enerġija. Għal dawk l-attivitajiet kollha, awtorizzazzjoni tista' tingħata biss lil persuna fiżika b'residenza permanenti fiż-ŻEE jew lil persuna ġuridika taż-ŻEE.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

F'BE: Bl-eċċezzjoni tal-minjieri ta' minerali tal-metall u minjieri u barrieri oħrajn, l-intrapriżi kkontrollati minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi ta' pajjiż terz li jammontaw għal aktar minn 5 % tal-importazzjonijiet taż-żejt jew tal-gass naturali jew tal-elettriku tal-Unjoni Ewropea jistgħu jiġu pprojbiti milli jiksbu kontroll tal-attività. Hija meħtieġa inkorporazzjoni (mingħajr fergħat) (ISIC Rev. 3.1 10, 1110, 13, 14, 232, parti minn 4010, parti minn 4020, parti minn 4030).

Miżuri eżistenti:

L-UE: Id-Direttiva (UE) Nru 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]); Id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]).

BG: L-att dwar l-Enerġija.

CY: Ir-Regolament tal-Liġi tal-2003 dwar is-Suq tal-Elettriku, kif emendat jew sostitwit; ir-Regolamentazzjoni tal-Liġijiet dwar is-Suq tal-Gass tal-2004, kif emendati jew sostitwiti; il-Liġi tal-Petroleum (Pipelines), il-Kapitolu 273; il-Liġi dwar iż-Żejt L.64(I)/1975, kif emendata jew sostitwita; u l-Liġijiet tal-2003 dwar iż-Żejt u l-Ispeċifikazzjonijiet tal-Fjuwil, kif emendati jew sostitwiti.

FI: Sähkömarkkinalaki (l-Att dwar is-Suq tal-Elettriku) (386/1995); u Maakaasumarkkinalaki (l-Att dwar is-Suq tal-Gass Naturali) (587/2017).

FR: Code de l'énergie.

PT: Id-Digriet Amministrattiv 230/2012 u d-Digriet Amministrattiv 231/2012, is-26 ta' Ottubru 2012 — Gass Naturali; Id-Digriet Amministrattiv 215-A/2012, u d-Digriet Amministrattiv 215-B/2012, it-8 ta' Ottubru 2012 — L-elettriku; u d-Digriet Amministrattiv 31/2006, il-15 ta' Frar 2006 — Crude oil/Petroleum products.

SK: Att 51/1988 dwar l-Estrazzjoni, l-Isplussivi u l-Amministrazzjoni tal-Estrazzjoni tal-Istat; L-Att 569/2007 dwar ix-Xogħlijiet Ġeoloġiċi; L-Att 251/2012 dwar l-Enerġija; u l-Att 657/2004 dwar l-Enerġija Termali.

(b) Elettriku (ISIC Rev. 3.1 40, 401; CPC 62271, 887 (għajr servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni))

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi, Rekwiżiti ta' prestazzjoni u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali:

F'FI: L-importazzjoni tal-elettriku. Fir-rigward tal-kummerċ transfruntier, il-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut tal-elettriku.

F'FR: Huma biss il-kumpaniji fejn 100 % tal-kapital huwa miżmum mill-Istat Franċiż, minn organizzazzjoni oħra tas-settur pubbliku jew minn Electricité de France (EDF), li jistgħu jippossjedu u joperaw sistemi ta' trażmissjoni jew ta' distribuzzjoni tal-elettriku.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

([8]) Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (ĠU UE L 158, 14.6.2019, p. 125).

([9]) Id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (ĠU UE L 211, 14.8.2009, p. 94).

F'BG: Għall-produzzjoni tal-elettriku u l-produzzjoni tas-sħana.

F'LT: Servizzi bl-ingrossa u bl-imnut u kummerċ tal-elettriku li joriġina minn sorsi nukleari mhux sikuri.

F'PT: L-attivitajiet tat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku huma mwettqa permezz ta' konċessjonijiet esklużivi ta' servizz pubbliku.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Preżenza lokali:

F'BE: Awtorizzazzjoni individwali għall-produzzjoni tal-elettriku ta' kapaċità ta' 25 MW jew aktar teħtieġ stabbiliment fl-Unjoni Ewropea, jew fi Stat ieħor li għandu reġim simili għal dak previst mid-Direttiva(UE) 2019/944 fis-seħħ, u fejn il-kumpanija għandha rabta effettiva u kontinwa mal-ekonomija.

Il-produzzjoni tal-elettriku fit-territorju offshore ta' BE hija soġġetta għal konċessjoni u obbligu ta' impriża konġunta ma' persuna ġuridika tal-Unjoni Ewropea, jew ma' persuna ġuridika ta' pajjiż li jkollu reġim simili għal dak previst mid-Direttiva (UE) 2019/944, b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet relatati mal-awtorizzazzjoni u l-għażla.

Barra minn hekk, il-persuna ġuridika għandu jkollha l-amministrazzjoni ċentrali tagħha jew l-uffiċċju prinċipali tagħha fi Stat Membru jew f'pajjiż li jissodisfa l-kriterji ta' hawn fuq, fejn ikollha rabta effettiva u kontinwa mal-ekonomija.

Il-kostruzzjoni ta' linji tal-elettriku li jorbtu l-produzzjoni lil hinn mill-kosta man-netwerk ta' trażmissjoni ta' Elia teħtieġ awtorizzazzjoni u l-kumpanija għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet speċifikati qabel, ħlief għall-ħtieġa tal-impriża konġunta.

Fir-rigward tal-kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

F'BE: Awtorizzazzjoni hija meħtieġa għall-forniment tal-elettriku permezz ta' intermedjarju li għandu klijenti stabbiliti f'BE li huma konnessi mas-sistema tal-grilja nazzjonali jew ma' linja dritta li l-voltaġġ nominali tagħha huwa ogħla minn 70 000 volt. Dik l-awtorizzazzjoni tista' tingħata biss lil persuna fiżika jew ġuridika taż-ŻEE.

Miżuri eżistenti:

BE: Arrêté Royal du 11 octobre 2000 fixant les critères et la procédure d'octroi des autorisations individuelles préalables à la construction de lignes directes; Arrêté Royal du 20 décembre 2000 relatif aux conditions et à la procédure d'octroi des concessions domaniales pour la construction et l'exploitation d'installations de production d'électricité à partir de l'eau, des courants ou des vents, dans les espaces marins sur lesquels la Belgique peut exercer sa juridiction conformément au droit international de la mer; u Arrêté Royal du 12 mars 2002 relatif aux modalités de pose de câbles d'énergie électrique qui pénètrent dans la mer territoriale ou dans le territoire national ou qui sont installés ou utilisés dans le cadre de l'exploration du plateau continental, de l'exploitation des ressources minérales et autres ressources non vivantes ou de l'exploitation d'îles artificielles, d'installations ou d'ouvrages relevant de la juridiction belge; Arrêté royal relatif aux autorisations de fourniture d'électricité par des intermédiaires et aux règles de conduite applicables à ceux-ci; u Arrêté royal du 12 juin 2001 relatif aux conditions générales de fourniture de gaz naturel et aux conditions d'octroi des autorisations de fourniture de gaz naturel.

FI: Sähkömarkkinalaki (l-Att dwar is-Suq tal-Elettriku) (588/2013); u Maakaasumarkkinalaki (l-Att dwar is-Suq tal-Gass Naturali) (587/2017)

LT: Il-liġi dwar miżuri neċessarji għall-protezzjoni kontra theddid elettriku nukleari mhux sikur minn pajjiżi terzi tal-20 ta' April 2017 Nru XIII-306 (l-aħħar emenda tad-19 ta' Diċembru 2019, Nru XIII 2705).

PT: Id-Digriet Amministrattiv 215-A/2012; u d-Digriet Amministrattiv 215-B/2012, it-8 ta' Ottubru 2012 — L-elettriku.

(c) Karburanti, gass, żejt mhux maħdum jew prodotti petroliferi (ISIC Rev. 3.1 232, 40, 402 CPC 613, 62271, 63297, 7131, 71310, 742, 7422, parti minn 88, 887 (minbarra servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni))

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi, Rekwiżiti ta' prestazzjoni u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali:

F'FI: Għall-prevenzjoni tal-kontroll jew tas-sjieda ta' terminal tal-gass naturali likwifikat (LNG) (inklużi dawk il-partijiet tat-terminal tal-LNG użati għall-ħżin jew għall-gassifikazzjoni mill-ġdid tal-LNG) minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi barranin għal raġunijiet ta' sigurtà tal-enerġija.

F'FR: Huma biss il-kumpaniji fejn 100 % tal-kapital huwa miżmum mill-Istat Franċiż, minn organizzazzjoni oħra tas-settur pubbliku jew minn ENGIE, li jistgħu jippossjedu u joperaw sistemi ta' trażmissjoni jew ta' distribuzzjoni tal-gass għal raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali tal-enerġija.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Preżenza lokali:

F'BE: Għal servizzi ta' ħażna bl-ingrossa ta' gass, rigward it-tipi ta' entitajiet legali u t-trattament ta' operaturi pubbliċi jew privati li BE taħom drittijiet esklussivi. L-istabbiliment huwa meħtieġ fl-Unjoni Ewropea għal servizzi ta' ħżin bl-ingrossa tal-gass (parti minn CPC 742).

F'BG: Għat-trasport bil-pajpijiet, il-ħżin u l-ħżin ta' żejt mhux maħdum u gass naturali, inkluża t-trażmissjoni ta' tranżitu (CPC 71310, parti minn 742).

F'PT: Għall-forniment Transfruntier tas-servizzi ta' ħżin u magażinaġġ ta' fjuwil ittrasportat bil-pajpijiet (gass naturali). Barra minn hekk, il-konċessjonijiet relatati mat-trażmissjoni, id-distribuzzjoni u l-ħżin taħt l-art tal-gass naturali u t-terminal tar-riċeviment, il-ħżin u r-rigassifikazzjoni tal-LNG jingħataw permezz ta' konċessjoni ta' kuntratti, wara sejħiet pubbliċi għall-offerti (CPC 7131, 7422).

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Preżenza lokali:

F'BE: It-trasport bil-pajpijiet ta' gass naturali u fjuwils oħra huwa suġġett għal rekwiżit ta' awtorizzazzjoni. Tista' tingħata awtorizzazzjoni biss lil persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fi Stat Membru (skont l-Artikolu 3 tal-AR tal-14 ta' Mejju 2002).

Meta l-awtorizzazzjoni tintalab minn kumpanija:

(i) il-kumpanija trid tkun stabbilita skont il-liġi Belġjana, jew il-liġi ta' Stat Membru ieħor, jew il-liġi ta' pajjiż terz, li jkun impenja ruħu li jżomm qafas regolatorju simili għar-rekwiżiti komuni speċifikati fid-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]); u

(ii) il-kumpanija jrid ikollha s-sede amministrattiva tagħha, l-istabbiliment prinċipali tagħha jew l-uffiċċju prinċipali tagħha fi Stat Membru, jew pajjiż terz, li jkun impenja ruħu li jżomm qafas regolatorju simili għar-rekwiżiti komuni speċifikati fid-Direttiva 2009/73/KE, sakemm l-attività ta' dan l-istabbiliment jew l-uffiċċju prinċipali tirrappreżenta rabta effettiva u kontinwa mal-ekonomija tal-pajjiż ikkonċernat (CPC 7131).

F'BE: B'mod ġenerali, il-provvista ta' gass naturali lill-klijenti (klijenti li huma kemm kumpaniji ta' distribuzzjoni kif ukoll konsumaturi li l-konsum totali tagħhom ta' gass li jirriżulta mill-punti kollha ta' provvista jilħaq livell minimu ta' miljun metru kubu fis-sena) stabbiliti f'BE hija soġġetta għal awtorizzazzjoni individwali pprovduta mill-ministru, ħlief fejn il-fornitur ikun kumpanija ta' distribuzzjoni li tuża n-netwerk ta' distribuzzjoni tagħha stess. Tali awtorizzazzjoni tista' tingħata biss lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi tal-Unjoni Ewropea.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Preżenza lokali:

F'CY: Għall-forniment transfruntier ta' servizzi ta' ħżin u ħżin ta' fjuwils trasportati permezz ta' pipelines, u l-bejgħ bl-imnut ta' żejt tal-fjuwil u gass fil-fliexken għajr b'ordni bil-posta (CPC 613, 62271, 63297, 7131, 742).

Miżuri eżistenti:

BE: Arrêté Royal du 14 mai 2002 relatif à l'autorisation de transport de produits gazeux et autres par canalisations; u Loi du 12 avril 1965 relative au transport de produits gazeux et autres par canalisations, Article 8.2).

BG: L-Att dwar l-Enerġija.

([10]) Id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (ĠU UE L 211, 14.8.2009, p. 94).

CY: Ir-Regolamentazzjoni tal-Liġijiet tal-2003 tas-Suq tal-Elettriku, il-Liġi 122(I)/2003 kif emendata; ir-Regolamentazzjoni tal-Liġijiet tal-2004 tas-Suq tal-Gass, il-Liġi 183(I)/2004 kif emendata; il-Liġi tal-Petroleum (Pipelines), il-Kapitolu 273; il-Liġi dwar il-Petroleum, il-Kapitolu 272 kif emendat; u l-Liġijiet dwar l-Ispeċifikazzjonijiet taż-Żejt u tal-Fjuwil tal-2003, il-Liġi 148(I)/2003 kif emendata.

FI: Maakaasumarkkinalaki (l-Att dwar is-Suq tal-Gass Naturali) (587/2017).

FR: Code de l'énergie.

HU: L-Att XVI tal-1991 dwar il-Konċessjonijiet.

LT: Il-Liġi dwar il-Gass Naturali tar-Repubblika tal-Litwanja tal-10 ta' Ottubru 2000 Nru VIII-1973.

PT: Id-Digriet Amministrattiv 230/2012 u d-Digriet Amministrattiv 231/2012, is-26 ta' Ottubru 2012 — Gass Naturali; Id-Digriet Amministrattiv 215-A/2012, u d-Digriet Amministrattiv 215-B/2012, it-8 ta' Ottubru 2012 — L-elettriku; u d-Digriet Amministrattiv 31/2006, il-15 ta' Frar 2006 — Crude oil/Petroleum products.

(d) Nukleari (ISIC Rev. 3.1 12, 23, 120, 1200, 233, 2330, 40, parti minn 4010, CPC 887)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali:

F'DE: Għall-produzzjoni, l-ipproċessar jew it-trasportazzjoni ta' materjal nukleari u l-ġenerazzjoni jew id-distribuzzjoni tal-enerġija bbażata fuq materjal nukleari.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

F'AT u FI: Għall-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni jew it-trasportazzjoni ta' materjal nukleari u l-ġenerazzjoni jew id-distribuzzjoni tal-enerġija bbażata fuq materjal nukleari.

F'BE: Għall-produzzjoni, l-ipproċessar jew it-trasportazzjoni ta' materjal nukleari u l-ġenerazzjoni jew id-distribuzzjoni tal-enerġija bbażata fuq materjal nukleari.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi, Rekwiżiti ta' prestazzjoni:

F'HU u SE: Għall-ipproċessar ta' fjuwil nukleari u l-ġenerazzjoni ta' elettriku bbażat fuq materjal nukleari.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi:

F'BG: Għall-ipproċessar ta' materjali fissjonabbli u fużjonabbli jew tal-materjali li jiġu minnhom, kif ukoll il-kummerċ tagħhom, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' tagħmir u sistemi f'faċilitajiet tal-produzzjoni tal-enerġija nukleari, it-trasport ta' dawk il-materjali u l-materjali tar-rimi u tal-iskart tal-ipproċessar tagħhom, l-użu ta' radjazzjoni jonizzanti, u s-servizzi l-oħrajn kollha li għandhom x'jaqsmu mal-użu tal-enerġija nukleari għal skopijiet paċifiċi (inklużi servizzi ta' inġinerija u konsultazzjoni u servizzi relatati ma' softwer eċċ.).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

F'FR: Il-manifattura, il-produzzjoni, l-ipproċessar, il-ġenerazzjoni, id-distribuzzjoni jew it-trasport ta' materjal nukleari jridu jirrispettaw l-obbligi ta' Ftehim Euratom.

Miżuri eżistenti:

AT: Bundesverfassungsgesetz für ein atomfreies Österreich (l-Att Kostituzzjonali għal Awstrija mhux Nukleari) BGBl. I Nr. 149/1999.

BG: L-Att dwar l-Użu Sikur tal-Enerġija Nukleari.

FI: Ydinenergialaki (l-Att dwar l-Enerġija Nukleari) (990/1987).

HU: L-Att CXVI tal-1996 dwar l-Enerġija Nukleari; u d-Digriet tal-Gvern Nru 72/2000 dwar l-Enerġija Nukleari.

SE: Il-Kodiċi tal-Ambjent Żvediż (1998:808); u l-Liġi dwar l-Attivitajiet tat-Teknoloġija Nukleari (1984:3).

Riżerva Nru 22 – Servizzi oħra mhux inklużi xi mkien ieħor

Settur:	Servizzi oħra mhux inklużi band' oħra
Klassifikazzjoni tal-industrija:	CPC 9703, parti minn 612, parti minn 621, parti minn 625, parti minn 85990
Tip ta' riżerva:	Trattament nazzjonali
	Maniġment superjuri u bord tad-diretturi
	Rekwiżiti tal-prestazzjoni
	Preżenza lokali
Kapitolu:	Liberalizzazzjoni tal-investiment u Kummerċ transfruntier fis-servizzi

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dan li ġej:

(a) Servizzi ta' funerali, kremazzjoni u ta' kummissjonant (CPC 9703)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

F'FI: Is-servizzi ta' kremazzjoni u operazzjoni/manutenzjoni ta' ċimiterji jistgħu jitwettqu biss mill-istat, il-muniċipalitajiet, il-parroċċi, il-komunitajiet reliġjużi jew fondazzjonijiet jew soċjetajiet mingħajr skop ta' qligħ.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

F'DE: Biss il-persuni ġuridiċi stabbiliti skont il-liġi pubblika jistgħu joperaw ċimiterju. Il-ħolqien u l-operat ta' ċimiterji u servizzi relatati mal-funerali.

F'PT: Il-preżenza kummerċjali hija rekwiżita għall-forniment ta' servizzi ta' funerali u ta' kummissjonant. In-nazzjonalità taż-ŻEE hija meħtieġa sabiex wieħed isir maniġer tekniku għal entitajiet li jipprovdu servizzi ta' funerali u ta' kummissjonant.

F'SE: Monopolju tal-Knisja tal-Iżvezja jew awtorità lokali fuq is-servizzi ta' kremazzjoni u ta' funerali.

F'CY, SI: Servizzi ta' funerali, kremazzjoni u ta' kummissjonant.

Miżuri eżistenti:

FI: Hautaustoimilaki (l-Att dwar is-Servizz tad-Dfin) (457/2003).

PT: Id-Digriet Amministrattiv 10/2015, tas-16 ta' Jannar alterado p/Lei 15/2018, 27 março.

SE: Begravningslag (1990:1144) (l-Att tad-Dfin); u Begravningsförordningen (1990:1147) (Ordinanza tad-Dfin).

(b) Servizzi ġodda

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi, Rekwiżiti ta' prestazzjoni u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fl-UE: Għall-forniment ta' servizzi ġodda għajr dawk ikklassifikati fis-CPC.

Appendiċi 17-B-2

SKEDA TAĊ-ĊILÌ

Settur:	Kollox
Sottosettur:	
Obbligi Kkonċernati:	Trattament nazzjonali (Investiment) Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit (Investiment)
Deskrizzjoni:	Investiment Iċ-Ċili jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura relatata mas-sjieda jew il-kontroll tal-art sa ħames kilometri mill-kosta li tintuża għal attivitajiet agrikoli. Tali miżura tista' tinkludi rekwiżit li l-maġġoranza ta' kull klassi ta' stokk ta' persuna ġuridika Ċilena li tfittex li tippossjedi jew tikkontrolla tali art tinżamm minn persuni Ċileni jew minn persuni li jirrisjedu fiċ-Ċilì għal 183 jum jew aktar fis-sena.
Miżuri Eżistenti:	Digriet Amministrattiv 1 939, Gazzetta Uffiċjali, l-10 ta' Novembru 1977, Regoli għall-akkwist, l-amministrazzjoni u d-disponiment ta' assi tal-Istat, Titolu I (Decreto Ley 1.939, Diario Oficial, noviembre 10, 1977, Normas sobre adquisición, administración y disposición de bienes del Estado, Título I)
Settur:	Kollox
Sottosettur:	
Obbligi Kkonċernati:	Trattament nazzjonali (Investiment) Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (Investiment)
Deskrizzjoni:	Investiment Fit-trasferiment jew id-disponiment ta' kwalunkwe interess fl-istokk jew l-assi miżmuma f'intrapriża statali jew entità governattiva eżistenti, iċ-Ċilì jirriżerva d-dritt li jipprojbixxi jew jimponi limitazzjonijiet fuq is-sjieda ta' dak l-interess jew l-assi u fuq id-dritt tal-investituri barranin jew l-investimenti tagħhom li jikkontrollaw kwalunkwe kumpanija tal-Istat maħluqa minnu jew investimenti magħmula minnhom. B'rabta ma' kwalunkwe trasferiment jew disponiment bħal dan, iċ-Ċilì jista' jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura relatata man-nazzjonalità tal-maniġment superjuri u l-membri tal-bord tad-diretturi. "Kumpanija tal-Istat" ([1]) tfisser kwalunkwe kumpanija proprjetà taċ-Ċilì jew ikkontrollata minnu permezz ta' sehem ta' interess fis-sjieda tagħha, u tinkludi kwalunkwe kumpanija maħluqa wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim għall-iskop uniku li tbigħ jew tiddisponi mis-sehem tal-interess tiegħu fil-kapital jew fl-assi ta' kumpanija statali jew entità governattiva eżistenti.
Settur:	Kollox
Subsettur:	

([1]) Lista ta' kumpaniji tal-Istat eżistenti fiċ-Ċilì tista' tinstab fuq is-set web li ġej: http://www.dipres.gob.cl.

Obbligi Kkonċernati:	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit (Investiment u CBTS)
Deskrizzjoni:	Investiment u Negozju transfruntier ta' servizzi Iċ-Ċilì jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura li tagħti trattament differenzjali lil pajjiżi taħt kwalunkwe ftehim internazzjonali bilaterali jew multilaterali fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, jew iffirmat qabel. Iċ-Ċili jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura li tagħti trattament differenzjali lil pajjiżi taħt kwalunkwe ftehim internazzjonali fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, jew iffirmat wara, li tinvolvi: (a) l-avjazzjoni; (b) is-sajd; jew (c) kwistjonijiet marittimi, inkluż is-salvataġġ.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Komunikazzjonijiet
Subsettur:	Xandir bis-satellita ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni diġitali
Obbligi Kkonċernati:	Preżenza lokali (CBTS)
Deskrizzjoni:	Negozju transfruntier ta' servizzi Iċ-Ċilì jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura relatata mal-kummerċ transfruntier fix-xandir bis-satellita f'direzzjoni waħda tas-servizzi tat-telekomunikazzjoni diġitali.
Miżuri Eżistenti:	Il-Liġi 18.168, il-Gazzetta Uffiċjali, it-2 ta' Ottubru 1982, il-Liġi Ġenerali dwar it-Telekomunikazzjonijiet, Titoli I, II, III, V u VI (Ley 18.168, Diario Oficial, octubre 2, 1982, Ley General de Telecomunicaciones, Títulos I, II, III, V y VI)
Settur:	Komunikazzjonijiet
Subsettur:	Xandir bis-satellita ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni diġitali
Obbligi Kkonċernati:	Trattament nazzjonali (Investiment) Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit (Investiment) Rekwiżiti ta' prestazzjoni (Investiment) Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (Investiment)
Deskrizzjoni:	Investiment Iċ-Ċilì jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura relatata mal-investituri tal-Parti l-oħra jew mal-investimenti tagħhom f'xandir bis-satellita f'direzzjoni waħda ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni diġitali.
Miżuri Eżistenti:	Il-Liġi 18.168, il-Gazzetta Uffiċjali, it-2 ta' Ottubru 1982, il-Liġi Ġenerali dwar it-Telekomunikazzjonijiet, Titoli I, II, III, V u VI (Ley 18.168, Diario Oficial, octubre 2, 1982, Ley General de Telecomunicaciones, Títulos I, II, III, V y VI)

Settur:	Kwistjonijiet li jinvolvu l-minoranzi
Subsettur:	
Obbligi Kkonċernati:	Trattament nazzjonali (Investiment u CBTS) Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit (Investiment u CBTS) Rekwiżiti ta' prestazzjoni (Investiment) Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (Investiment) Preżenza lokali (CBTS)
Deskrizzjoni:	Investiment u Negozju transfruntier ta' servizzi Iċ-Ċilì jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura li tagħti drittijiet jew preferenzi lil minoranzi żvantaġġati soċjalment jew ekonomikament.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Kwistjonijiet li jinvolvu l-popli indiġeni
Subsettur:	
Obbligi Kkonċernati:	Trattament nazzjonali (Investiment u CBTS) Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit (Investiment u CBTS) Rekwiżiti ta' prestazzjoni (Investiment) Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (Investiment) Preżenza lokali (CBTS)
Deskrizzjoni:	Investiment u negozju transfruntier ta' servizzi Iċ-Ċilì jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura skont id-drittijiet jew il-preferenzi lill-popli indiġeni.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	L-edukazzjoni
Subsettur:	
Obbligi Kkonċernati:	Trattament nazzjonali (Investiment u CBTS) Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit (Investiment u CBTS) Rekwiżiti ta' prestazzjoni (Investiment) Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (Investiment) Preżenza lokali (CBTS)

Deskrizzjoni:	Investiment u Negozju transfruntier ta' servizzi Iċ-Ċilì jirriżerva d-dritt li jadotta jew li jżomm kwalunkwe miżura relatata ma': (a) investituri u investiment ta' investitur tal-Parti l-oħra fl-edukazzjoni; u (b) persuni fiżiċi li jipprovdu servizzi edukattivi fiċ-Ċilì. Is-subparagrafu (b) jinkludi għalliema u persunal awżiljarju li jipprovdu servizzi edukattivi fl-edukazzjoni preprimarja, kindergarten, edukazzjoni speċjali, edukazzjoni elementari, sekondarja jew għolja, edukazzjoni professjonali, teknika jew universitarja, u l-persuni l-oħra kollha li jipprovdu servizzi relatati mal-edukazzjoni, inklużi sponsors ta' istituzzjonijiet edukattivi ta' kwalunkwe tip, skejjel, liċeums, akkademji, ċentri ta' taħriġ, istituti professjonali u tekniċi jew universitajiet. Din ir-riżerva ma tapplikax għal investituri u investiment ta' investitur tal-Parti l-oħra f'istituzzjonijiet ta' kindergarten, preprimarja, elementari jew ta' edukazzjoni sekondarja privata, li ma jirċevux riżorsi pubbliċi, jew għall-forniment ta' servizzi relatati ma' taħriġ tat-tieni lingwa, taħriġ korporattiv, kummerċjali, u industrijali u titjib tal-ħiliet, li jinkludu servizzi ta' konsulenza relatati ma' appoġġ tekniku, pariri, kurrikulu, u żvilupp ta' programmi fl-edukazzjoni.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Finanzi tal-gvern
Subsettur:	
Obbligi Kkonċernati:	Trattament nazzjonali (Investiment)
Deskrizzjoni:	Investiment Iċ-Ċilì jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura relatata mal-akkwist, il-bejgħ jew iċ-ċessjoni miċ-ċittadini tal-Parti l-oħra ta' bonds, titoli tat-teżor jew kwalunkwe tip ieħor ta' strumenti ta' dejn maħruġa mill-Bank Ċentrali taċ-Ċilì (Banco Central de Chile) jew mill-Gvern taċ-Ċilì. Din l-entrata mhijiex maħsuba biex taffettwa d-drittijiet tal-istituzzjonijiet finanzjarji (banek) tal-Parti l-oħra stabbiliti fiċ-Ċilì biex jakkwistaw, ibigħu jew jiddisponu minn tali strumenti meta dan ikun meħtieġ għall-finijiet ta' kapital regolatorju.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Is-sajd
Subsettur:	Attivitajiet relatati mas-sajd
Obbligi Kkonċernati:	Trattament nazzjonali (Investiment u CBTS) Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit (Investiment u CBTS)

Deskrizzjoni:	Investiment u negozju transfruntier ta' servizzi Iċ-Ċilì jirriżerva d-dritt li jikkontrolla l-attivitajiet tas-sajd barrani, inkluż il-ħatt l-art tal-ħut, l-ewwel ħatt l-art tal-ħut ipproċessat fil-baħar u l-aċċess għall-portijiet Ċileni (privileġġi tal-port). Iċ-Ċilì jirriżerva d-dritt li jikkontrolla l-użu tal-bajjiet, tal-art maġenb il-bajjiet (*terrenos de playas*), tal-kolonni tal-ilma (*porciones de agua*) u tal-lottijiet ta' qiegħ il-baħar (*fondos marinos*) għall-ħruġ ta' konċessjonijiet marittimi. Għal aktar ċertezza, il-"konċessjonijiet marittimi" ma jkoprux l-akkwakultura.
Miżuri Eżistenti:	Id-Digriet Amministrattiv 2.222, il-Gazzetta Uffiċjali, il-31 ta' Mejju 1978, il-Liġi tan-Navigazzjoni, it-Titoli I, II, III, IV u V (Decreto Ley 2.222, Diario Oficial, mayo 31, 1978, Ley de Navegación Títulos I, II, III, IV y V) D.F.L. 340, il-Gazzetta Uffiċjali, is-6 ta' April 1960, dwar il-Konċessjonijiet Marittimi (D.F.L. 340, Diario Oficial, abril 6, 1960, Sobre Concesiones Marítimas) Id-Digriet Suprem 660, il-Gazzetta Uffiċjali, it-28 ta' Novembru 1988, l-Att dwar il-Konċessjoni Marittima (Decreto Supremo 660, Diario Oficial, noviembre 28, 1988, Reglamento de Concesiones Marítimas) Id-Digriet Suprem 123 tal-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi, l-Iżvilupp u r-Rikostruzzjoni, Viċi Ministeru tas-Sajd, Gazzetta Uffiċjali, 23 ta' Awwissu 2004, Dwar l-Użu tal-Portijiet (Decreto Supremo 123 del Ministerio de Economía, Fomento y Reconstrucción, Subsecretaría de Pesca, Diario Oficial, agosto 23, 2004, Sobre Uso de Puertos)
Settur:	Arti u industriji kulturali
Subsettur:	
Obbligi Konċernati:	trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit (Investiment u CBTS)
Deskrizzjoni:	Investiment u negozju transfruntier ta' servizzi Iċ-Ċilì jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura li tagħti trattament differenzjali lil pajjiżi taħt kwalunkwe ftehim internazzjonali bilaterali jew multilaterali eżistenti jew futur, fir-rigward tal-arti u l-industriji kulturali, bħal ftehimiet ta' kooperazzjoni awdjoviżiva. Għal aktar ċertezza, il-programmi ta' sussidju appoġġati mill-gvern għall-promozzjoni ta' attivitajiet kulturali mhumiex soġġetti għal-limitazzjonijiet jew l-obbligi ta' dan il-Ftehim. Għall-finijiet ta' din l-entrata, "l-arti u l-industriji kulturali" tinkludi: (a) kotba, rivisti, pubblikazzjonijiet perjodiċi, jew gazzetti stampati jew elettroniċi, minbarra l-istampar u l-issettjar tat-tipa ta' xi wieħed minn dawn ta' hawn fuq; (b) reġistrazzjonijiet ta' films jew vidjows; (c) reġistrazzjonijiet mużikali f'format awdjo jew vidjo; (d) punteġġi tal-mużika stampata jew punteġġi li jinqraw mill-magni; (e) arti viżiva, fotografija artistika u midja ġdida; (f) l-arti tal-ispettaklu, inklużi t-teatru, iż-żfin u l-arti taċ-ċirku; u (g) servizzi tal-midja jew multimedja.

Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi ta' divertiment u xandir
Subsettur:	
Obbligi Konċernati:	Trattament nazzjonali (Investiment u CBTS) Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit (Investiment u CBTS) Rekwiżiti ta' prestazzjoni (Investiment)
Deskrizzjoni:	Investiment u Negozju transfruntier ta' servizzi Iċ-Ċilì jirriżerva d-dritt li jadotta jew li jżomm kwalunkwe miżura relatata ma': (a) l-organizzazzjoni u l-preżentazzjoni fiċ-Ċili ta' kunċerti u spettakli mużikali; jew (b) ix-xandiriet bir-radju mmirati lejn il-pubbliku inġenerali, kif ukoll l-attivitajiet kollha relatati mar-radju, it-televiżjoni u t-televiżjoni bil-kejbil, is-servizzi tal-ipprogrammar bis-satellita u n-netwerks tax-xandir. Minkejja dan ta' hawn fuq, iċ-Ċilì għandu jestendi għall-persuni u l-investituri tal-Parti l-oħra, u l-investimenti tagħhom, trattament mhux inqas favorevoli minn dak li dik il-Parti tagħti lill-persuni u l-investituri taċ-Ċilì, u l-investimenti tagħhom.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi soċjali
Subsettur:	
Obbligi Konċernati:	Trattament nazzjonali (Investiment u CBTS) Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit (Investiment u CBTS) Rekwiżiti ta' prestazzjoni (Investiment) Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (Investiment) Preżenza lokali (CBTS)
Deskrizzjoni:	Investiment u negozju transfruntier ta' servizzi Iċ-Ċilì jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi pubbliċi ta' infurzar tal-liġi u ta' korrezzjoni, u s-servizzi li ġejjin sa fejn huma servizzi soċjali stabbiliti jew miżmuma għal raġunijiet ta' interess pubbliku: sigurtà jew assigurazzjoni tal-introjtu, sigurtà jew assigurazzjoni soċjali, protezzjoni soċjali, edukazzjoni, taħriġ pubbliku, kura tas-saħħa u kura tat-tfal.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi ambjentali
Subsettur:	
Obbligi Kkonċernati:	Trattament nazzjonali (CBTS) Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit (CBTS) Preżenza lokali (CBTS)
Deskrizzjoni:	Negozju transfruntier ta' servizzi Iċ-Ċilì jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura li timponi r-rekwiżit li l-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-ilma tax-xorb, il-ġbir u r-rimi tal-ilma mormi u s-servizzi sanitarji, bħas-sistemi tad-drenaġġ, ir-rimi tal-iskart u t-trattament tal-ilma mormi, għandhom jiġu fornuti biss minn persuni ġuridiċi inkorporati taħt il-liġi Ċilena jew maħluqa skont ir-rekwiżiti stabbiliti mil-liġi Ċilena. Din l-entrata ma tapplikax għal servizzi ta' konsulenza miżmuma minn tali persuni ġuridiċi.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi ta' kostruzzjoni
Subsettur:	
Obbligi Kkonċernati:	Trattament nazzjonali (CBTS) Preżenza lokali (CBTS)
Deskrizzjoni:	Negozju transfruntier ta' servizzi Iċ-Ċilì jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' kostruzzjoni minn persuni ġuridiċi jew entitajiet ġuridiċi barranin. Tali miżuri jistgħu jinkludu rekwiżiti bħar-residenza, ir-reġistrazzjoni jew kwalunkwe forma oħra ta' preżenza lokali.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Trasport
Subsettur:	Trasport internazzjonali bit-triq
Obbligi Kkonċernati:	Trattament nazzjonali (Investiment u CBTS) Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit (Investiment u CBTS) Preżenza lokali (CBTS)
Deskrizzjoni:	Investiment u Negozju transfruntier ta' servizzi Iċ-Ċilì jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura relatata mat-trasport internazzjonali bl-art ta' merkanzija jew passiġġieri f'żoni tal-fruntiera.

Barra minn hekk, iċ-Ċilì jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm il-limitazzjonijiet li ġejjin għall-forniment ta' trasport internazzjonali bl-art miċ-Ċilì:

(a) il-fornitur tas-servizz irid ikun persuna fiżika jew ġuridika Ċilena;

(b) il-fornitur tas-servizz għandu jkollu domiċilju reali u effettiv fiċ-Ċilì; u

(c) fil-każ ta' persuni ġuridiċi, il-fornitur tas-servizz irid ikun kostitwit legalment fiċ-Ċilì u aktar minn 50 % tal-istokk kapitali tiegħu jrid ikun proprjetà ta' ċittadini Ċileni u l-kontroll effettiv tiegħu jrid ikun minn ċittadini Ċileni.

Miżuri Eżistenti:

Settur:	Servizzi ta' trasport
Subsettur:	Servizzi ta' trasport bit-triq
Obbligi Kkonċernati:	Trattament nazzjonali (CBTS)
Deskrizzjoni:	Negozju transfruntier ta' servizzi

Iċ-Ċilì jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura li tawtorizza biss lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi Ċileni biex ifornu t-trasport bl-art ta' persuni jew merkanzija fit-territorju taċ-Ċilì (kabotaġġ). Għal dan l-għan, l-intrapriżi għandhom jużaw vetturi rreġistrati fiċ-Ċilì.

ANNESS 17-C

IMPENJI GĦALL-AĊĊESS GĦAS-SUQ

Noti Introduttivi

1. L-iskedi tal-Partijiet fl-Appendiċijiet 17-C-1 u 17-C-2 jistabbilixxu l-impenji għall-aċċess għas-suq li kull Parti tieħu skont l-Artikolu 17.8 jew 18.7 u r-riżervi meħuda minn dik il-Parti fir-rigward ta' miżuri eżistenti jew aktar restrittivi jew ġodda li ma jikkonformawx mal-obbligi imposti minn tali dispożizzjonijiet, skont l-Artikolu 17.14 jew 18.8.

2. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, "ISIC" tfisser Standard Internazzjonali ta' Klassifikazzjoni Industrijali tal-Attivitajiet Ekonomiċi kollha kif stabbilit fid-Dokumenti Statistiċi tal-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, Serje M, Nru 4, ISIC REV 3.1, 2002.

3. L-attivitajiet ekonomiċi fis-setturi jew is-subsetturi koperti mill-Kapitoli 17 u 18 u mhux iskritti fl-iskedi tal-Partijiet mhumiex koperti mill-impenji għall-aċċess għas-suq imsemmija fil-paragrafu 1.

4. L-iskeda ta' Parti hija mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont il-GATS.

5. Kull entrata fl-iskedi tistabbilixxi l-elementi li ġejjin:

(a) "settur" tirreferi għas-settur ġenerali li fih issir l-entrata;

(b) "subsettur" tirreferi għas-settur jew l-attività speċifika li fiha l-impenji jittieħdu f'konformità, jekk applikabbli, mas-CPC jew l-ISIC; u

(c) "limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq" tispeċifika l-limitazzjonijiet applikabbli, inkluża l-possibbiltà li jinżammu l-miżuri eżistenti jekk dan ikun speċifikat, jew li jiġu adottati miżuri ġodda jew aktar restrittivi jekk l-aċċess għas-suq ikun mingħajr restrizzjoni, li ma jikkonformawx mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 17.8 jew 18.7.

6. Riżerva meħuda fil-livell tal-Parti tal-UE tapplika għal miżura tal-Unjoni Ewropea, għal miżura ta' Stat Membru fil-livell ċentrali jew għal miżura ta' gvern fi Stat Membru, sakemm ir-riżerva ma teskludix Stat Membru. Impenn jew riżerva meħuda minn Stat Membru tapplika għal miżura ta' gvern fil-livell ċentrali, reġjonali jew lokali f'dak l-Istat Membru. Għall-finijiet tar-riżervi tal-Belġju, il-livell ċentrali tal-gvern ikopri l-gvern federali u l-gvernijiet tar-reġjuni u l-komunitajiet peress li kull wieħed minnhom għandu setgħat leġiżlattivi mgħammra. Għall-finijiet tar-riżervi tal-Parti tal-UE, livell reġjonali ta' gvern fil-Finlandja jfisser il-Gżejjer Åland. Riżerva meħuda fil-livell taċ-Ċilì tapplika għal miżura tal-gvern ċentrali jew ta' gvern lokali.

7. L-iskedi tal-Partijiet fihom biss limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq li mhumiex diskriminatorji. Miżuri u rekwiżiti diskriminatorji huma stabbiliti fl-Annessi 17-A u 17-B.

8. Għal aktar ċertezza, miżuri mhux diskriminatorji ma jikkostitwixxux limitazzjoni tal-aċċess għas-suq skont it-tifsira tal-Artikoli 17.8 jew 18.7 għal kwalunkwe miżura:

(a) li tirrikjedi s-separazzjoni tas-sjieda tal-infrastruttura mis-sjieda tal-oġġetti jew tas-servizzi fornuti permezz ta' dik l-infrastruttura sabiex tkun żgurata l-kompetizzjoni ġusta, pereżempju fl-oqsma tal-enerġija, tat-trasport u tat-telekomunikazzjoni;

(b) li tirrestrinġi l-konċentrazzjoni tas-sjieda sabiex tkun żgurata l-kompetizzjoni ġusta;

(c) li tfittex li tiżgura l-konservazzjoni u l-protezzjoni tar-riżorsi naturali u l-ambjent, inkluża limitazzjoni fuq id-disponibbiltà, l-għadd u l-ambitu tal-konċessjonijiet mogħtija, u l-impożizzjoni ta' moratorju jew projbizzjoni;

(d) li tillimita l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet mogħtija minħabba limitazzjonijiet tekniċi jew fiżiċi, pereżempju l-ispettri u l-frekwenzi tat-telekomunikazzjoni; jew

(e) li tirrikjedi li ċertu perċentwal tal-azzjonisti, sidien, sħab, jew diretturi ta' intrapriża jkunu kkwalifikati jew jipprattikaw ċerta professjoni bħal avukati jew kontabilisti.

9. Il-lista ta' riżervi ta' hawn taħt ma tinkludix miżuri relatati mar-rekwiżiti u l-proċeduri tal-kwalifiki, l-istandards tekniċi u r-rekwiżiti u l-proċeduri ta' liċenzjar fejn dawn ma jikkostitwixxux limitazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 17.8 jew 18.7. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu, b'mod partikolari, il-ħtieġa li tinkiseb liċenzja, li jiġu ssodisfati l-obbligi ta' servizz universali, li wieħed ikollu kwalifiki rikonoxxuti f'setturi regolati, li jgħaddi minn eżamijiet speċifiċi, inklużi eżamijiet tal-lingwa, li jissodisfa rekwiżit ta' sħubija fi professjoni partikolari, bħal sħubija f'organizzazzjoni professjonali, li jkollu aġent lokali għas-servizz, jew li jżomm indirizz lokali, jew kwalunkwe rekwiżit mhux diskriminatorju ieħor li ċerti attivitajiet ma jistgħux jitwettqu f'żoni protetti. Għalkemm mhumiex elenkati f'dan l-Anness, dawn il-miżuri jibqgħu japplikaw.

10. It-trattament mogħti lil persuni ġuridiċi stabbiliti minn investituri ta' Parti skont il-liġi tal-Parti l-oħra (inkluż, fil-każ tal-Parti tal-UE, il-liġi ta' Stat Membru) u li jkollhom l-uffiċċju rreġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom f'dik il-Parti l-oħra, huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe kundizzjoni jew obbligu, skont il-Kapitolu 17, li setgħu ġew imposti fuq tali persuna ġuridika meta kienet stabbilita f'dik il-Parti l-oħra, u li għandhom ikomplu japplikaw.

11. L-iskedi tal-Partijiet japplikaw biss għat-territorji tal-Partijiet skont l-Artikolu 41.2 u huma rilevanti biss fil-kuntest tar-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-Parti tal-UE u ċ-Ċilì. Dawn ma jaffettwawx id-drittijiet u l-obbligi tal-Istati Membri skont id-dritt tal-Unjoni Ewropea.

12. L-abbrevjazzjonijiet li ġejjin jintużaw fl-iskeda tal-Parti tal-UE:

L-UE L-Unjoni Ewropea, inkluż l-Istati Membri kollha tagħha

AT L-Awstrija

BE Il-Belġju

BG Il-Bulgarija

CY Ċipru

CZ Ir-Repubblika Ċeka

DE Il-Ġermanja

DK Id-Danimarka

EE L-Estonja

EL Il-Greċja

ES Spanja

FI Il-Finlandja

FR Franza

HR Il-Kroazja

HU L-Ungerija

IE L-Irlanda

IT L-Italja

LT Il-Litwanja

LU Il-Lussemburgu

LV Il-Latvja

MT Malta

NL In-Netherlands

PL Il-Polonja

PT Il-Portugall

RO Ir-Rumanija

SE L-Iżvezja

SI Is-Slovenja

SK Is-Slovakkja

ŻEE Iż-Żona Ekonomika Ewropea

Appendiċi 17-C-1

SKEDA TAL-PARTI TAL-UE

Settur jew Sottosettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
III-EU-1 Is-setturi kollha	
(a) Preżenza kummerċjali	
	Fir-rigward tal-Investiment: Fl-UE: Servizzi meqjusa bħala utilitajiet pubbliċi fil-livell nazzjonali jew lokali jistgħu jkunu soġġetti għal monopolji pubbliċi jew għal drittijiet esklussivi mogħtija lil operaturi privati. Jeżistu utilitajiet pubbliċi f'setturi bħal servizzi ta' konsulenza xjentifika u teknika relatati, servizzi ta' riċerka u żvilupp (R&Ż) fix-xjenzi soċjali u umanistiċi, ittestjar tekniku u servizzi ta' analiżi, servizzi ambjentali, servizzi tas-saħħa, servizzi tat-trasport u servizzi awżiljari għall-modi kollha tat-trasport. Drittijiet esklużivi fuq dawk is-servizzi spiss jingħataw lil operaturi privati, pereżempju operaturi b'konċessjonijiet minn awtoritajiet pubbliċi, soġġetti għal obbligi speċifiċi ta' servizz. Minħabba li l-utilitajiet pubbliċi spiss jeżistu wkoll fil-livell subċentrali, skedar speċifiku għas-settur dettaljat u eżawrjenti mhuwiex prattiku. Din ir-riżerva ma tapplikax għal telekomunikazzjonijiet u għal servizzi tal-kompjuter u servizzi relatati. F'HU: L-istabbiliment għandu jieħu l-forma ta' kumpanija b'responsabbiltà limitata, kumpanija b'ishma konġunti jew uffiċċju rappreżentattiv. Id-dħul inizjali bħala fergħa mhuwiex permess ħlief għal servizzi finanzjarji. F'IT: Mingħajr restrizzjonijiet għall-akkwist ta' ishma ta' ekwità ta' kumpaniji li joperaw fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà nazzjonali. L-akkwist ta' assi strateġiċi fl-oqsma tas-servizzi tat-trasport, it-telekomunikazzjonijiet u l-enerġija jista' jkun soġġett għall-approvazzjoni tal-Presidenza tal-Uffiċċju tal-Kunsill tal-Ministri. F'LT: Mingħajr restrizzjonijiet għal intrapriżi, setturi, żoni, assi u faċilitajiet ta' importanza strateġika għas-sigurtà nazzjonali.
(b) Akkwist ta' proprjetà immobbli	Fir-rigward tal-Investiment: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' HU: Xejn. F'HU: Mingħajr restrizzjonijiet għall-akkwist ta' proprjetajiet tal-Istat.
(c) Armi, munizzjon u materjal tal-gwerra	Fir-rigward tal-Investiment u l-kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE: Mingħajr restrizzjonijiet għall-produzzjoni jew id-distribuzzjoni ta' armi, munizzjon u materjal tal-gwerra jew il-kummerċ fihom. Il-materjal tal-gwerra huwa limitat għal kwalunkwe prodott li huwa maħsub u magħmul biss għal użu militari b'konnessjoni mat-twettiq ta' attivitajiet ta' gwerra jew ta' difiża.
III-EU-2 — Servizzi professjonali (il-professjonijiet kollha ħlief dawk relatati mas-saħħa)	

Settur jew Sottosettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
(a) Servizzi legali (parti minn CPC 861), inklużi servizzi ta' aġenti tal-privattivi Għal aktar ċertezza, b'mod konsistenti man-Noti Ewlenin, b'mod partikolari n-Nota 9, ir-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni ma' Avukatura jistgħu jinkludu rekwiżit li wieħed ikun kiseb lawrja fil-liġi fil-pajjiż ospitanti jew l-ekwivalenti tagħha, jew li jkun lesta xi taħriġ taħt is-superviżjoni ta' avukat liċenzjat, jew li jkollu uffiċċju jew indirizz postali fil-ġuriżdizzjoni ta' Kamra tal-Avukati speċifika sabiex ikun eliġibbli biex japplika għal sħubija f'dik il-Kamra tal-Avukati Xi Stati Membri jistgħu jimponu r-rekwiżit li jkollhom id-dritt li jipprattikaw il-liġi tal-ġuriżdizzjoni ospitanti fuq dawk il-persuni fiżiċi li jkollhom ċerti pożizzjonijiet f'ditta legali, kumpanija jew intrapriża jew għal azzjonisti.	Fir-rigward tal-Investiment u l-kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' SE: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment ta' konsulenza legali u awtorizzazzjoni legali, dokumentazzjoni, u servizzi ta' ċertifikazzjoni pprovduti minn professjonisti legali fdati b'funzjonijiet pubbliċi, bħal nutara, *huissiers de justice* jew *officiers publics et ministériels* oħra, u fir-rigward ta' servizzi pprovduti minn bailiffs li jinħatru minn att uffiċjali tal-gvern (parti minn CPC 861, parti minn 87902). F'SE: Xejn. Fl-UE: Rekwiżiti speċifiċi ta' forma legali mhux diskriminatorja japplikaw f'kull Stat Membru (xi eżempji huma elenkati hawn taħt għal skopijiet ta' trasparenza). F'BE: Il-kwoti japplikaw għar-rappreżentanza quddiem il-Cour de Cassation f'kawżi mhux kriminali. F'FR: Ir-rappreżentanza quddiem il-Cour de Cassation u l-Conseil d'Etat hija suġġetta għal kwoti. Għall-avukati ammessi bis-sħiħ, il-kumpanija trid tieħu waħda mill-forom legali li ġejjin awtorizzati skont il-liġi Franċiża fuq bażi mhux diskriminatorja: SCP (*société civile professionnelle*), SEL (*société d'exercice libéral*), SEP (*société en participation*), SARL (*société à responsabilité limitée*), SAS (*société par actions simplifiée*), SA (*société anonyme*), SPE (*société pluriprofessionnelle d'exercice*) u assoċjazzjoni, taħt ċerti kundizzjonijiet. F'ditta legali li tipprovdi servizzi fir-rigward tal-liġi Franċiża jew tal-Unjoni Ewropea, il-parteċipazzjoni azzjonarja u d-drittijiet tal-vot jistgħu jkunu soġġetti għal restrizzjonijiet kwantitattivi relatati mal-attività professjonali tas-sħab. F'SI: Il-preżenza kummerċjali għal avukati maħtura mill-Kamra tal-Avukati Slovena hija ristretta għal sjieda unika, ditta legali b'responsabbiltà limitata (soċjetà) jew ditta legali b'responsabbiltà illimitata (soċjetà) biss. L-attivitajiet ta' ditta legali għandhom ikunu ristretti għall-prattika tal-liġi. L-avukati biss jistgħu jkunu sħab f'ditta legali
(b) Aġenti tal-privattivi, aġenti tal-proprjetà industrijali, avukati tal-proprjetà intellettwali (parti minn CPC 879, 861, 8613)	Fir-rigward tal-Investiment: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' FR: Xejn. F'FR: Dispożizzjoni biss permezz ta' SCP (*société civile professionnelle*), SEL (*société d'exercice libéral*) jew kwalunkwe forma ġuridika oħra, taħt ċerti kundizzjonijiet.
(c) Servizzi ta' kontabilità u żamma tal-kotba (CPC 8621 minbarra servizzi ta' awditjar, 86213, 86219, 86220)	Fir-rigward tal-Investiment u l-kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' FR u HU: Xejn.
	Fir-rigward tal-Investiment: F'FR: Forniment permezz ta' kwalunkwe forma ta' kumpanija ħlief SNC (*Société en nom collectif*) u SCS (*Société en commandite simple*). Japplikaw kundizzjonijiet speċifiċi għal SEL (sociétés d'exercice libéral), AGC (*Association de gestion et comptabilité*) u SPE (*Société pluri-professionnelle d'exercice*). (CPC 86213, 86219, 86220).

Settur jew Sottosettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
	Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi: F'HU: Mingħajr restrizzjonijiet għal attivitajiet transfruntieri għall-kontabilità u ż-żamma tal-kotba.
(d) Servizzi ta' awditjar (CPC — 86211, 86212 għajr servizzi kontabilistiċi)	Fir-rigward tal-Investiment u l-kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' DE, EE, BG, FR, HU, PL u PT: Xejn. F'EE: Japplikaw rekwiżiti ta' forma legali mhux diskriminatorja. Fir-rigward tal-Investiment: F'BG: Japplikaw rekwiżiti ta' forma legali mhux diskriminatorja. F'FR: Forniment permezz ta' kwalunkwe forma ta' kumpanija ħlief dawk li fihom is-soċji jitqiesu bħala negozjanti (*commerçants*), bħal SNC (*Société en nom collectif*) u SCS (*Société en commanditesimple*). F'PL: Japplikaw ir-rekwiżiti tal-forma ġuridika.
	Fir-rigward tal-kummerċ transfruntier fis-servizzi: F'DE: Il-kumpaniji tal-awditjar (Wirtschaftsprüfungsgesellschaften) jistgħu jadottaw biss forom legali ammissibbli fiż-ŻEE. Soċjetajiet ġenerali u soċjetajiet kummerċjali limitati jistgħu jiġu rikonoxxuti bħala Wirtschaftsprüfungsgesellschaften jekk ikunu elenkati bħala soċjetajiet kummerċjali fir-reġistru kummerċjali abbażi tal-attivitajiet fiduċjarji tagħhom. F'HU u f'PT: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment transfruntier ta' servizzi ta' awditjar.
(e) Servizzi ta' konsulenza dwar it-tassazzjoni (CPC 863, li ma jinkludux servizzi ta' konsulenza legali u ta' rappreżentanza legali dwar kwistjonijiet ta' taxxa, li jinsabu taħt servizzi legali)	Fir-rigward tal-Investiment u l-kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' DE, FR u PL: Xejn. F'DE, PL: Japplikaw ir-rekwiżiti tal-forma ġuridika.
	Fir-rigward tal-Investiment: F'FR: Forniment permezz ta' kwalunkwe forma ta' kumpanija ħlief SNC (*Société en nom collectif*) u SCS (Société en commandite simple). Japplikaw kundizzjonijiet speċifiċi għal SEL (sociétés d'exercice libéral), AGC (Association de gestion et comptabilité) u SPE (Société pluri-professionnelle d'exercice).
(f) Servizzi ta' arkitettura u ppjanar urban, servizzi ta' inġinerija u inġinerija integrata (CPC 8671, 8672, 8673, 8674)	Fir-rigward tal-Investiment u l-kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' FR u HR: Xejn. Fir-rigward tal-Investiment: F'FR: Perit jista' jistabbilixxi ruħu f'FR biss sabiex jipprovdi servizzi arkitettoniċi bl-użu ta' waħda mill-forom legali li ġejjin (fuq bażi mhux diskriminatorja): SA et SARL (*sociétés anonymes, à responsabilité limitée*), EURL (*Entreprise unipersonnelle à responsabilité limitée*), SCP (en commandite par actions), SCOP (Société coopérative et participative), SELARL (*société d'exercice libéral à responsabilité limitée*), SELAFA (*société d'exercice libéral à forme anonyme*), SELAS (*société d'exercice libéral*) or SAS (*Société par actions simplifiée*), jew bħala individwu jew bħala soċju f'ditta arkitettonika (CPC 8671).

Settur jew Sottosettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
	Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi: F'HR: Mingħajr restrizzjonijiet għall-provvista transfruntiera ta' ppjanar urban.
III-EU-3 — Servizzi professjonali — relatati mas-saħħa u l-bejgħ bl-imnut ta' farmaċewtiċi	
(a) Servizzi mediċi u dentali; u servizzi pprovduti minn qwiebel, infermiera, fiżjoterapisti, psikologi u persunal paramediku (CPC 85201, 9312, 9319)	Fir-rigward tal-Investiment u l-kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' AT, BE, BG, CZ, DE, FI u MT: Xejn. F'CZ u MT: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment tas-servizzi professjonali kollha relatati mas-saħħa, kemm jekk iffinanzjati pubblikament kif ukoll jekk iffinanzjati privatament, inklużi s-servizzi pprovduti minn professjonisti bħal tobba mediċi, dentisti, qwiebel, infermiera, fiżjoterapisti, paramediċi, psikologi, kif ukoll servizzi relatati oħra (CPC 9312, parti minn 9319). F'FI: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment tas-servizzi professjonali kollha relatati mas-saħħa, kemm jekk iffinanzjati pubblikament kif ukoll jekk iffinanzjati privatament, inklużi servizzi mediċi u dentali, servizzi pprovduti minn qwiebel, fiżjoterapisti u persunal paramediku u servizzi pprovduti minn psikologi, eskluži servizzi pprovduti minn infermiera (CPC 9312, 93191). F'BG: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment tas-servizzi professjonali kollha relatati mas-saħħa, kemm jekk iffinanzjati pubblikament kif ukoll jekk iffinanzjati privatament, inklużi servizzi mediċi u dentali, servizzi pprovduti minn infermiera, qwiebel, fiżjoterapisti u persunal paramediku u servizzi pprovduti minn psikologi (CPC 9312, parti minn 9319).
	Fir-rigward tal-Investiment: F'AT: Jistgħu japplikaw rekwiżiti speċifiċi ta' forma legali mhux diskriminatorja (CPC 9312, parti minn 9319). Il-kooperazzjoni tat-tobba għall-iskop ta' kura tas-saħħa pubblika ambulatorja, hekk imsejħa prattiki ta' grupp, tista' sseħħ biss fil-forma legali ta' Offene *Gesellschaft*/*OG* jew *Gesellschaft* mit *beschränkter Haftung*/*GmbH*. It-tobba biss jistgħu jaġixxu bħala assoċjati ta' tali prattika ta' grupp. Huma għandhom ikunu intitolati għal prattika medika indipendenti, irreġistrati mal-Kamra tal-Mediċina Awstrijaka u jeżerċitaw b'mod attiv il-professjoni medika fil-prattika. Persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħra ma jistgħux jaġixxu bħala assoċjati tal-prattika tal-grupp u ma jistgħux jieħdu sehem mid-dħul jew mill-profitti tiegħu (parti minn CPC 9312). F'DE: Jistgħu jiġu imposti restrizzjonijiet ġeografiċi fuq ir-reġistrazzjoni professjonali, li japplikaw bl-istess mod għaċ-ċittadini u għall-barranin. Jistgħu jeżistu restrizzjonijiet mhux diskriminatorji fuq il-forma legali għall-forniment ta' dawn is-servizzi (§ 95 SGB V). Għat-tobba (inklużi psikologi, u psikoterapisti) ir-reġistrazzjoni tista' tkun soġġetta għal restrizzjonijiet kwantitattivi bbażati fuq id-distribuzzjoni reġjonali tat-tobba. Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa biss għat-tobba li jipparteċipaw fl-iskema tas-saħħa pubblika.

Settur jew Sottosettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
	Fir-rigward tal-kummerċ tansfruntier fis-servizzi: F'BE: Mingħajr restrizzjonijiet għall-provvista transfruntiera kemm jekk iffinanzjata pubblikament kif ukoll jekk iffinanzjata privatament tas-servizzi professjonali kollha relatati mas-saħħa, inklużi s-servizzi mediċi, dentali u tal-qwiebel u s-servizzi pprovduti minn infermiera, fiżjoterapisti, psikologi u persunal paramediku (parti minn CPC 85201, 9312, parti minn 93191).
(b) Servizzi veterinarji (CPC 932)	Fir-rigward tal-Investiment u l-kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' BE, BG, DE, DK, ES, FR, IE, HU, LV, NL u SK: Xejn. F'DE: It-telemediċina tista' tiġi pprovduta biss fil-kuntest ta' kura primarja li tinvolvi l-preżenza fiżika preċedenti ta' veterinarju. F'DE, DK, ES, LV, NL u SK: Il-forniment ta' servizzi veterinarji huwa ristrett għal persuni fiżiċi. F'IE: Il-forniment ta' servizzi veterinarji huwa limitat għal persuni fiżiċi jew soċjetajiet. F'HU: L-awtorizzazzjoni hija soġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: il-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol fis-settur.
	Fir-rigward tal-Investiment: F'FR: Il-forom legali disponibbli għal kumpanija li tipprovdi servizzi veterinarji huma limitati għal SEP (*société en participation*), SCP (*société civile professionnelle*) u SEL (*société d'exercice liberal*).
	Fir-rigward tal-kummerċ transfruntier fis-servizzi: F'BE, BG u LV: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment transfruntier ta' servizzi veterinarji.
(c) Bejgħ bl-imnut ta' oġġetti farmaċewtiċi, mediċi u ortopediċi, servizzi oħra pprovduti minn spiżjara (CPC 63211)	Fir-rigward tal-Investiment u l-kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' BG, LT: Il-bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u oġġetti mediċi speċifiċi għall-pubbliku jista' jitwettaq biss permezz ta' spiżerija. Il-bejgħ bil-korrispondenza tal-farmaċewtiċi huwa pprojbit, bl-eċċezzjoni ta' mediċini mingħajr riċetta. F'EE: Il-bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u oġġetti mediċi speċifiċi lill-pubbliku jista' jitwettaq biss permezz ta' spiżerija. Il-bejgħ bil-korrispondenza ta' prodotti mediċinali kif ukoll il-kunsinna bil-posta jew b'servizz express ta' prodotti mediċinali ordnati permezz tal-internet huma pprojbiti. L-awtorizzazzjoni tal-istabbiliment hija soġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: kundizzjonijiet ta' densità fiż-żona. F'EL: Persuni fiżiċi biss, li huma spiżjara liċenzjati u kumpaniji stabbiliti minn spiżjara liċenzjati, huma permessi jipprovdu servizzi bl-imnut ta' farmaċewtiċi u ta' oġġetti mediċinali speċifiċi għall-pubbliku. F'ES: Persuni fiżiċi biss, li jkunu spiżjara liċenzjati, jistgħu jipprovdu servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' oġġetti farmaċewtiċi u oġġetti mediċi speċifiċi lill-pubbliku. Kull spiżjar ma jistax jikseb aktar minn liċenzja waħda. Il-bejgħ bil-korrispondenza tal-farmaċewtiċi huwa pprojbit

Settur jew Sottosettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
	F'FI: Mingħajr restrizzjonijiet għall-bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u ta' oġġetti mediċi u ortopediċi. F'IE: Il-bejgħ bil-korrispondenza tal-farmaċewtiċi huwa pprojbit, bl-eċċezzjoni ta' mediċini mingħajr riċetta. F'IT: Il-prattika tal-professjoni hija possibbli biss għal persuni fiżiċi rreġistrati fir-reġistru, kif ukoll għal persuni ġuridiċi fil-forma ta' soċjetajiet, fejn kull soċju tal-kumpanija jrid ikun irreġistrat bħala spiżjar. L-awtorizzazzjoni tal-istabbiliment hija soġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: il-kundizzjonijiet ta' popolazzjoni u ta' densità fiż-żona. F'LU: Persuni fiżiċi biss huma permessi li jipprovdu servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u oġġetti mediċi speċifiċi lill-pubbliku. F'NL: Mingħajr restrizzjonijiet għall-ordni bil-posta tal-mediċina. F'PL: Il-prattika tal-professjoni hija possibbli biss għal persuni fiżiċi rreġistrati fir-reġistru, kif ukoll għal persuni ġuridiċi fil-forma ta' soċjetajiet, fejn kull soċju tal-kumpanija jrid ikun irreġistrat bħala spiżjar. F'SE: Mingħajr restrizzjonijiet għall-bejgħ bl-imnut ta' oġġetti farmaċewtiċi u l-provvista ta' oġġetti farmaċewtiċi lill-pubbliku ġenerali.
	Fir-rigward tal-Investiment: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' EL, IE, LU, LT u NL: Għar-restrizzjoni tal-għadd ta' fornituri intitolati li jipprovdu servizz partikolari f'żona jew post lokali speċifiku fuq bażi nondiskriminatorja. Għalhekk jista' jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, filwaqt li jitqiesu fatturi bħan-numru ta' stabbilimenti eżistenti, l-infrastruttura tat-trasport, id-densità tal-popolazzjoni jew il-firxa ġeografika u l-impatt fuqhom. F'BG: Il-maniġers tal-ispiżeriji għandhom ikunu spiżjara kkwalifikati u jistgħu jimmaniġġjaw spiżerija waħda biss li fiha jaħdmu huma stess. Teżisti kwota (mhux aktar minn erbgħa) għan-numru ta' spiżeriji li jistgħu jkunu proprjetà ta' kull persuna f'BG. F'DE: Huma biss il-persuni fiżiċi (spiżjara) li jistgħu joperaw spiżerija. In-numru totali ta' spiżeriji għal kull persuna huwa limitat għal spiżerija waħda u sa tliet fergħat. f'DK: Persuni fiżiċi biss, li jkunu ngħataw liċenzja ta' spiżjar mill-Awtorità Daniża tas-Saħħa u l-Mediċini huma permessi li jipprovdu servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' oġġetti farmaċewtiċi u oġġetti mediċi speċifiċi lill-pubbliku. F'FR: Il-ftuħ ta' spiżerija għandu jkun awtorizzat u l-preżenza kummerċjali, inkluż il-bejgħ mill-bogħod ta' prodotti mediċinali lill-pubbliku permezz ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, għandha tieħu waħda mill-forom legali li huma permessi taħt il-liġi nazzjonali fuq bażi mhux diskriminatorja: *société d'exercice libéral (SEL) anonyme, par actions simplifiée, à responsabilité limitée unipersonnelle jew pluripersonnelle, en commandite par actions, société en noms collectifs (SNC) jew société à responsabilité limitée (SARL) unipersonnelle jew pluripersonnelle biss.*

Settur jew Sottosettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
	F'ES, HR, HU, u PT: L-awtorizzazzjoni tal-istabbiliment hija soġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: il-kundizzjonijiet ta' popolazzjoni u ta' densità fiż-żona. F'MT: Ħruġ ta' liċenzji ta' spiżerija taħt restrizzjonijiet speċifiċi. Persuna ma għandux ikollha aktar minn liċenzja waħda f'isimha fi kwalunkwe belt jew raħal (l-Artikolu 5(1) tar-Regolamenti dwar il-Liċenzji tal-Farmaċija (LN279/07)), ħlief fil-każ fejn ma jkunx hemm aktar applikazzjonijiet għal dik il-belt jew raħal (ir-Regolament 5(2) tar-Regolamenti dwar il-Liċenzji għall-Ispiżeriji (LN279/07)). F'PT: F'kumpaniji kummerċjali fejn il-kapital huwa rappreżentat permezz tal-ishma, dawn għandhom ikunu nominattivi. Persuna ma għandux ikollha jew teżerċita, fl-istess ħin, direttament jew indirettament, sjieda, operat jew ġestjoni ta' aktar minn erba' spiżeriji. F'SI: In-netwerk ta' spiżeriji f'SI jikkonsisti f'istituzzjonijiet ta' spiżeriji pubbliċi, proprjetà ta' muniċipalitajiet, u minn spiżjara privati b'konċessjoni fejn is-sid maġġoritarju jrid ikun spiżjar bi professjoni. Il-bejgħ bil-korrispondenza ta' prodotti farmaċewtiċi li jeħtieġu riċetta tat-tabib huwa pprojbit. Ordni bil-posta ta' mediċini mingħajr riċetta teħtieġ permess speċjali mill-Istat.
III-EU-4 — Servizzi tan-negozju — servizzi ta' riċerka u żvilupp (CPC 851, 852, 853)	
	Fir-rigward tal-Investiment u l-kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' RO: Xejn. Fir-rigward biss tal-kummerċ transfruntier fis-servizzi: F'RO: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment transfruntier ta' servizzi ta' riċerka u żvilupp.
III-EU-5 — Servizzi tan-negozju — servizzi ta' proprjetà immobbli (CPC 821, 822)	
	Fir-rigward tal-Investiment u l-kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' CZ u HU: Xejn. Fir-rigward tal-kummerċ transfruntier fis-servizzi: F'CZ u f'HU: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment transfruntier ta' servizzi ta' proprjetà immobbli.

Settur jew Sottosettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
III-EU-6 — Servizzi tan-negozju — servizzi ta' kiri jew twillija	
(a) Servizzi ta' kiri jew twillija mingħajr operaturi (CPC 831)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE: Mingħajr restrizzjonijiet għall-kiri jew il-lokazzjoni ta' inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (dry lease). L-inġenji tal-ajru użati minn trasportatur tal-ajru tal-Unjoni Ewropea huma soġġetti għar-rekwiżiti applikabbli tar-reġistrazzjoni tal-inġenji tal-ajru. Ftehim ta' kiri mingħajr ekwipaġġ li trasportatur tal-Unjoni Ewropea jkun parti minnu għandu jkun soġġett għal rekwiżiti fil-liġi tal-Unjoni Ewropea jew nazzjonali dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni, bħal approvazzjoni minn qabel u kundizzjonijiet oħra applikabbli għall-użu tal-inġenji tal-ajru rreġistrati ta' pajjiżi terzi (CPC 83104).
(b) Servizzi ta' kiri jew twillija mingħajr operaturi li jikkonċernaw oġġetti personali u tad-dar (CPC 832)	Fir-rigward tal-Investiment u l-kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' BE u FR: Xejn. Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: F'BE u FR: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment transfruntier ta' servizzi ta' lokazzjoni jew kiri mingħajr operatur li jikkonċerna oġġetti personali u tad-dar.
III-EU-7 — Servizzi tan-negozju	
(a) Servizzi tal-kompjuter u servizzi relatati (CPC 84) [1]	Xejn.
(b) Servizzi ta' riċerka tas-suq u ta' stħarriġ tal-opinjoni pubblika (CPC 864)	Xejn.
(c) Servizzi ta' konsulenza dwar il-ġestjoni (CPC 865) u servizzi relatati mal-konsulenza dwar il-ġestjoni (CPC 866)	Xejn.
(d) Servizzi relatati ta' konsulenza xjentifika u teknika (CPC 8675)	Fir-rigward tal-Investiment u l-kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' FR: Xejn. Fir-rigward tal-Investiment: F'FR: Għall-istħarriġ, l-aċċess permezz tas-SEL (*anonyme, à responsabilité limitée ou en commandite par actions*), SCP (*Société civile professionnelle*), SA u SARL (*sociétés anonymes, à responsabilité limitée*) biss.

[1] L-UE taqbel mal-"Fehim dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-kopertura tas-servizzi tal-kompjuter — CPC 84".

Settur jew Sottosettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
(e) Servizzi ta' ttestjar tekniku u analiżi (CPC 8676)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' FR u PT: Xejn. Fir-rigward tal-Investiment u l-kummerċ transfruntier fis-servizzi: F'FR: Il-professjoni ta' bijologu hija riżervata għal persuni fiżiċi. F'PT: Il-professjonijiet ta' bijologu, analist kimiku u agronomu huma riżervati għal persuni fiżiċi.
(f) Servizzi ta' reklamar (CPC 871)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE: Xejn.
(g) Servizzi ta' kollokament (CPC 87201, 87202, 87203, 87204, 87205, 87206, 87209)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: L-UE, bl-eċċezzjoni ta' HU u ta' SE: Mingħajr restrizzjonijiet għas-servizzi ta' forniment ta' persunal ta' għajnuna domestika, ħaddiema kummerċjali jew industrijali oħra, infermiera u persunal ieħor. F'HU u SE: Xejn (CPC 87204, 87205, 87206, 87209). Fl-UE għal servizzi ta' tiftix eżekuttiv (CPC 87201): Xejn, ħlief għal BG, CY, CZ, DE, EE, FI, MT, LT, LV, PL, PT, RO, SI u SK fejn: Mingħajr restrizzjonijiet. Fl-UE għall-istabbiliment ta' servizzi ta' kollokament ta' persunal ta' appoġġ fl-uffiċċju u ħaddiema oħra (CPC 87202): Xejn, ħlief għal AT, BG, CY, CZ, EE, FI, LT, LV MT, PL, PT, RO, SI u SK fejn: Mingħajr restrizzjonijiet. Fl-UE għall-forniment ta' servizzi ta' persunal ta' sostenn fl-uffiċċju (CPC 87203): Xejn, ħlief għal AT, BG, CY, CZ, DE, EE, FI, MT, LT, LV, PL, PT, RO, SI u SK fejn: Mingħajr restrizzjonijiet. F'DE: Restrizzjonijiet fuq l-għadd ta' forniturі ta' servizzi ta' kollokament. F'ES: Tirrestringi l-għadd ta' forniturі ta' servizzi ta' tiftix eżekuttiv u servizzi ta' kollokament (CPC 87201, 87202). F'FR: Dawn is-servizzi jistgħu jkunu soġġetti għal monopolju tal-Istat (CPC 87202). F'IT: Restrizzjonijiet fuq in-numru ta' forniturі ta' servizzi ta' forniment ta' persunal tal-uffiċċju (CPC 87203).

Settur jew Sottosettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
	Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' BE, HU u SE: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment transfruntier ta' servizzi ta' kollokament ta' persunal ta' appoġġ tal-uffiċċju u ħaddiema oħra (CPC 87202). F'BE: Xejn. F'IE: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment transfruntier ta' servizzi ta' tiftix eżekuttiv (CPC 87201). F'FR, IE, IT u NL: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment transfruntier ta' servizzi ta' persunal tal-uffiċċju (CPC 87203).
(h) Servizzi tas-sigurtà (CPC 87302, 87303, 87304, 87305, 87309)	Fir-rigward tal-Investiment u l-kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' BG, CY, CZ, DK, EE, ES, FI, HR, HU, LT, LV, MT, PL, RO, SI u SK: Xejn. F'BG, CY, CZ, EE, ES, LT, LV, MT, PL, RO, SI u SK: Mingħajr restrizzjonijiet. F'DK, HR u HU: Mingħajr restrizzjonijiet għall-provvista tas-subsetturi li ġejjin: servizzi ta' għassa (87305) f'HR u HU, servizzi ta' konsultazzjoni dwar is-sigurtà (87302) f'HR, servizzi ta' għassa tal-ajruporti (parti minn 87305) fi'DK u servizzi ta' vetturi armati (87304) f'HU.
	Fir-rigward tal-Investiment: F'FI: Mingħajr restrizzjonijiet għal-liċenzji għall-forniment ta' servizzi ta' sigurtà.
(i) Servizzi ta' investigazzjoni (CPC 87301)	Fir-rigward tal-Investiment u l-kummerċ transfruntier fis-servizzi: L-UE, bl-eċċezzjoni ta' AT u ta' SE: Mingħajr restrizzjonijiet. F'AT u SE: Xejn.
(j) Servizzi ta' tindif tal-bini (CPC 874)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE: Xejn.
(k) Servizzi fotografiċi (CPC 875)	Xejn.
(l) Servizzi ta' imballaġġ (CPC 876)	Xejn.
(m) Servizzi ta' rapportar ta' kreditu u servizzi ta' aġenzija tal-ġbir (CPC 87901, 87902)	Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' ES, LV u SE: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment ta' servizzi ta' aġenzija ta' ġbir u servizzi ta' rapportar ta' kreditu. F'ES, LV u SE: Xejn.

Settur jew Sottosettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
(n) Servizzi tat-tweġib tat-telefon (CPC 87903)	Fir-rigward tal-Investiment u l-kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE: Xejn.
(o) Servizzi ta' duplikazzjoni (CPC 87904)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' HU: Xejn. Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: F'HU: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment transfruntier ta' servizzi ta' duplikazzjoni.
(p) Servizzi ta' traduzzjoni u interpretar (CPC 87905)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ transfruntier fis-servizzi: L-UE, bl-eċċezzjoni ta' HU u ta' PL: Xejn. F'HU: Traduzzjonijiet uffiċjali, ċertifikazzjonijiet uffiċjali ta' traduzzjonijiet, u kopji ċertifikati ta' dokumenti uffiċjali f'lingwi barranin jistgħu jiġu pprovduti biss mill-Uffiċċju Ungeriż għat-Traduzzjoni u l-Attestazzjoni (OFFI). F'PL: Biss il-persuni fiżiċi jistgħu jkunu tradutturi ġuramentati.
(q) Servizzi ta' kompilazzjoni ta' lista ta' indirizzi u ta' indirizzi (CPC 87906)	Fir-rigward tal-Investiment u lkummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE: Xejn.
(r) Servizzi ta' disinn ta' speċjalità (CPC 87907)	Xejn.
(s) Servizzi oħra tan-negozju m.k. b. (CPC 87909)	Fir-rigward tal-Investiment u l-kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' SE: Xejn. F'SE: Il-pjan ekonomiku għal soċjetà tal-bini jrid ikun ċertifikat minn żewġ persuni. Dawn il-persuni jridu jkunu approvati pubblikament mill-awtoritajiet fiż-ŻEE. F'SE: Il-pawn-shops iridu jiġu stabbiliti jew bħala kumpanija b'responsabbiltà limitata jew bħala fergħa.

Settur jew Sottosettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
(t) Servizzi kummerċjali relatati mat-trasport bl-ajru: — Bejgħ u Kummerċjalizzazzjoni — Servizzi ta' Sistema ta' Riżerva Kompjuterizzata (CRS)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fl-UE: Xejn
(u) Servizzi ta' tiswija inċidentali għal prodotti tal-metall, makkinarju u tagħmir (CPC 886, għajr 8868)	Xejn
	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' HU: Xejn. F'HU: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija u l-forniment transfruntier ta' servizzi inċidentali għall-manifattura, bl-eċċezzjoni ta' servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni relatati ma' dawn is-setturi.
(v) Manutenzjoni u tiswija ta' bastimenti, tagħmir għat-trasport bil-ferrovija u inġenji tal-ajru u partijiet tagħhom (parti minn CPC 86764, 86769, 8868)	Xejn
(x) Servizzi kummerċjali oħra u servizzi ta' imbollar (parti minn CPC 893)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' CZ, LT u NL: Xejn. F'LT: Mingħajr restrizzjonijiet. F'NL: L-imbollar ta' oġġetti tal-metall prezzjuż huwa attwalment mogħti esklużivament lil żewġ monopolji Netherlandiżi pubbliċi.
(y) Imballaġġ (parti minn CPC 88493, ISIC 37)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ transfruntier fis-servizzi: F'CZ: Kumpanija tal-imballaġġ li tipprovdi servizzi relatati mat-teħid lura u l-irkupru tal-imballaġġ għandha tkun kumpanija b'ishma konġunti (parti minn CPC 88493, ISIC 37).
III-EU-8 – Servizzi ta' komunikazzjoni	
(a) Servizzi postali u ta' kurrier (parti minn CPC 71235, parti minn 73210, parti minn 751)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE: L-organizzazzjoni tat-tqegħid tal-kaxxi tal-ittri fuq l-awtostrada pubblika, il-ħruġ ta' bolol postali u l-għoti tas-servizz ta' posta reġistrata użat matul proċeduri ġudizzjarji jew amministrattivi jistgħu jkunu ristretti f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali. Jistgħu jiġu stabbiliti sistemi ta' liċenzjar għal dawk is-servizzi li għalihom jeżisti obbligu ġenerali ta' servizz universali. Dawn il-liċenzji jistgħu jkunu soġġetti għal obbligi partikolari ta' servizz universali jew kontribuzzjoni finanzjarja għal fond ta' kumpens.

Settur jew Sottosettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
(b) Telekomunikazzjonijiet (CPC 752, 753, 754)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' BE: Xejn. F'BE: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi ta' trażmissjoni ta' xandir bis-satellita.
III-EU-9 — Kostruzzjoni (CPC 511, 512, 513, 514, 515, 516, 517, 518)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ transfruntier fis-srvizzi: Fl-UE: Xejn.
III-EU-10 – Servizzi tad-distribuzzjoni	
(a) Servizzi tad-distribuzzjoni (CPC 3546, 631, 632 għajr 63211, 63297, 62276, parti minn 621)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' PT: Xejn. Fir-rigward tal-Investiment: F'PT: Teżisti skema ta' awtorizzazzjoni speċifika għall-installazzjoni ta' xi stabbilimenti ta' bejgħ bl-imnut u ċentri kummerċjali. Dan jirrigwarda ċ-ċentri kummerċjali li għandhom erja grossa li tinkera ta' 8 000 m^2 jew aktar, u l-istabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut li għandhom erja tal-bejgħ ta' 2 000 m^2 jew aktar, meta jkunu jinsabu barra miċ-ċentri kummerċjali. Kriterji ewlenin: Il-kontribut għal multipliċità ta' offerti kummerċjali; il-valutazzjoni ta' servizzi lill-konsumatur; il-kwalità tal-impjiegi u r-responsabbiltà soċjali korporattiva; l-integrazzjoni fl-ambjent urban; u l-kontribut għall-ekoeffiċjenza (CPC 631, 632 għajr 63211, 63297).
(b) Distribuzzjoni ta' farmaċewtiċi (CPC 62117, 62251, 8929)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' FI: Xejn. F'FI: Mingħajr restrizzjonijiet għad-distribuzzjoni ta' prodotti farmaċewtiċi.
(c) Distribuzzjoni ta' xorb alkoħoliku (parti minn CPC 62112, 62226, 63107, 8929).	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ transfruntier fis-servizzi: L-UE, bl-eċċezzjoni ta' FI u ta' SE: Xejn. F'FI: Mingħajr restrizzjonijiet għad-distribuzzjoni ta' xorb alkoħoliku. F'SE: Timponi monopolju fuq il-bejgħ bl-imnut ta' likuri, inbid u birra (minbarra l-birra mhux alkoħolika). Attwalment Systembolaget AB għandha tali monopolju governattiv fuq il-bejgħ bl-imnut ta' likuri, inbid u birra (minbarra l-birra mhux alkoħolika). Ix-xarbiet alkoħoliċi huma xarbiet b'kontenut ta' alkoħol ta' aktar minn 2,25 % għal kull volum. Għall-birra, il-limitu huwa kontenut ta' alkoħol ta' aktar minn 3,5 % għal kull volum (parti minn CPC 631).

Settur jew Sottosettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
(d) Distribuzzjoni tat-tabakk (parti minn CPC 6222, 62228, parti minn 6310, 63108)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' AT, ES, FR u IT: Xejn. F'AT: Persuni fiżiċi biss jistgħu japplikaw għal awtorizzazzjoni biex joperaw bħala bejjiegħ tat-tabakk (CPC 63108). F'ES: Persuni fiżiċi biss jistgħu joperaw bħala bejjiegħ tat-tabakk. Kull bejjiegħ tat-tabakk ma jistax jikseb aktar minn liċenzja waħda (CPC 63108). Hemm monopolju tal-Istat fuq il-bejgħ bl-imnut tat-tabakk. F'FR: Monopolju tal-Istat fuq il-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut tat-tabakk (parti minn CPC 6222, parti minn 6310). F'IT: Sabiex jiġi distribwit u jinbiegħ it-tabakk, hemm bżonn ta' liċenzja. Il-liċenzja tingħata permezz ta' proċeduri pubbliċi. L-għoti ta' liċenzji huwa soġġett għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: id-densità tal-popolazzjoni u ġeografika tal-punti tal-bejgħ eżistenti (parti minn CPC 6222, parti minn 6310).
III-EU-11 — Servizzi ambjentali (a) Servizzi ta' ilma tad-drenaġġ (CPC 9401) (b) Ġestjoni tal-iskart solidu/perikoluż, minbarra t-trasport transfruntier ta' skart perikoluż (i) Servizzi ta' rimi tal-iskart (CPC 9402) (ii) Servizzi ta' sanità u servizzi simili (CPC 9403) (c) Il-ħarsien tal-arja u l-klima ambjentali (CPC 9404)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' DE: Xejn. Fir-rigward biss tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi: F'DE: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment transfruntier ta' servizzi ta' ġestjoni tal-iskart, għajr servizzi ta' konsulenza u fir-rigward ta' servizzi relatati mal-protezzjoni tal-ħamrija u l-ġestjoni ta' ħamrija kkontaminata, għajr servizzi ta' konsulenza (CPC 9401, 9402, 9403, 94060).
(d) Rimedjazzjoni u tindif ta' ħamrija u ilmijiet (i) Trattament, rimedju ta' ħamrija u ilma kkontaminati jew imniġġsa (parti minn CPC 9406)	
(e) Tnaqqis tal-ħsejjes u l-vibrazzjoni (CPC 9405) (f) Il-protezzjoni tal-bijodiversità u l-pajsaġġ (g) Servizzi tal-ħarsien tan-natura u l-pajsaġġ (parti minn CPC 9406) (h) Servizzi ambjentali u anċillari oħrajn (CPC 9409)	

Settur jew Sottosettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
III-EU-12 — Servizzi edukattivi (CPC 92) (Servizzi ffinanzjati privatament biss)	
	Fir-rigward tal-Investiment u l-kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi edukattivi li jirċievu finanzjament pubbliku jew appoġġ mill-Istat fi kwalunkwe forma. Fejn ikun permess il-forniment ta' servizzi edukattivi ffinanzjati privatament minn fornitur barrani, il-parteċipazzjoni ta' operaturi privati fis-sistema edukattiva tista' tkun soġġetta għal konċessjoni allokata fuq bażi mhux diskriminatorja. Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' CZ, NL, SE u SK: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment ta' servizzi edukattivi oħra ffinanzjati privatament, li tfisser oħrajn għajr dawk ikklassifikati bħala servizzi ta' edukazzjoni primarja, sekondarja, għolja u għall-adulti (CPC 929). F'CY, FI, MT u RO: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment ta' servizzi ta' edukazzjoni primarja, sekondarja u għall-adulti ffinanzjati privatament (CPC 921, 922, 924). F'AT, BG, CY, FI, MT u RO: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment ta' servizzi ta' edukazzjoni ogħla ffinanzjati privatament (CPC 923). F'SE: Mingħajr restrizzjonijiet għal fornituri ta' servizzi edukattivi li huma approvati mill-awtoritajiet pubbliċi biex jipprovdu edukazzjoni. Din ir-riżerva tapplika għal fornituri ta' servizzi edukattivi ffinanzjati privatament b'xi forma ta' appoġġ mill-Istat, *inter alia*, fornituri ta' servizzi edukattivi rikonoxxuti mill-Istat, fornituri ta' servizzi edukattivi taħt is-superviżjoni tal-Istat jew edukazzjoni li tintitola għal appoġġ għall-istudju (CPC 92). F'SK: Għas-servizzi edukattivi kollha ffinanzjati privatament għajr is-servizzi tal-edukazzjoni postsekondarja teknika u vokazzjonali: Jista' japplika test tal-ħtiġijiet ekonomiċi u n-numru ta' skejjel li qed jiġu stabbiliti jista' jkun limitat mill-awtoritajiet lokali (CPC 921, 922, 923 minbarra 92310, 924).
	Fir-rigward tal-Investiment: L-UE, bl-eċċezzjoni ta' ES u ta' IT: Għall-ftuħ ta' università ffinanzjata privatament li toħroġ diplomi jew lawrji rikonoxxuti jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: popolazzjoni u densità ta' stabbilimenti eżistenti. F'ES: Il-proċedura tinvolvi l-kisba tal-parir tal-Parlament. F'IT: Dan huwa bbażat fuq programm ta' tliet snin u persuni ġuridiċi Taljani biss jistgħu jiġu awtorizzati joħorġu diplomi rikonoxxuti mill-Istat (CPC 923).

Settur jew Sottosettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
III-EU-13 — Servizzi tas-saħħa u soċjali (Servizzi ffinanzjati privatament biss)	
(a) Servizzi tas-saħħa – sptar, ambulanza, servizzi tas-saħħa residenzjali (CPC 93, 931 għajr 9312, parti minn 93191, 9311, 93192, 93193, 93199)	Fir-rigward tal-Investiment: Fl-UE: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment tas-servizzi tas-saħħa kollha li jirċievu finanzjament pubbliku jew appoġġ mill-Istat fi kwalunkwe forma. Mingħajr restrizzjonijiet għas-servizzi tas-saħħa kollha ffinanzjati privatament, minbarra servizzi ta' sptar, ambulanza, u faċilitajiet residenzjali tas-saħħa ffinanzjati privatament minbarra servizzi ta' sptar. Il-parteċipazzjoni ta' operaturi privati fin-netwerk tas-saħħa ffinanzjat privatament tista' tkun soġġetta għal konċessjoni fuq bażi mhux diskriminatorja. Jista' japplika test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: l-għadd ta' stabbilimenti eżistenti u l-impatt fuqhom, l-infrastruttura tat-trasport, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika, u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda. Din ir-riżerva ma tirrigwardax il-forniment tas-servizzi professjonali kollha relatati mas-saħħa, inklużi s-servizzi pprovduti minn professjonisti bħal tobba mediċi, dentisti, qwiebel, infermiera, fiżjoterapisti, paramediċi, u psikologi, li huma koperti minn riżervi oħra (CPC 931 għajr 9312, parti minn 93191). F'AT, PL u SI: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment ta' servizzi ta' ambulanza ffinanzjati privatament (CPC 93192). F'BE: Mingħajr restrizzjonijiet għall-istabbiliment ta' servizzi ta' ambulanza u faċilitajiet residenzjali tas-saħħa ffinanzjati privatament minbarra servizzi ta' sptar (CPC 93192, 93193). F'BG, CY, CZ, FI, MT u SK: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment ta' servizzi ta' sptar, ambulanza u servizzi tas-saħħa residenzjali ffinanzjati privatament minbarra servizzi ta' sptar (CPC 9311, 93192, 93193). F'DE: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment tas-Sistema tas-Sigurtà Soċjali tal-Ġermanja, fejn is-servizzi jistgħu jiġu pprovduti minn kumpaniji jew entitajiet differenti li jinvolvu elementi kompetittivi li għalhekk mhumiex "attivitajiet imwettqa fl-eżerċizzju ta' awtorità governattiva" (CPC 93). F'DE: Mingħajr restrizzjonijiet għas-sjieda ta' sptarijiet iffinanzjati privatament immexxija mill-Forzi Ġermaniżi. F'FI: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment ta' servizzi oħra tas-saħħa tal-bniedem (CPC 93199). F'FR: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment ta' servizzi ta' analiżi u ttestjar tal-laboratorju ffinanzjati privatament.

Settur jew Sottosettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
	F'DE: (japplika wkoll għal-livell reġjonali tal-gvern): Is-servizzi ta' salvataġġ u "s-servizzi ta' ambulanza kwalifikati" huma organizzati u rregolati mil-Länder. Il-biċċa l-kbira tal-Länder jiddelegaw kompetenzi fil-qasam tas-servizzi ta' salvataġġ lill-muniċipalitajiet. Il-muniċipalitajiet jistgħu jagħtu prijorità lill-operaturi mingħajr skop ta' qligħ. Dan japplika bl-istess mod għall-fornituri tas-servizzi barranin kif ukoll domestiċi (CPC 931, 933). Is-servizzi tal-ambulanza huma soġġetti għall-ippjanar, il-permess u l-akkreditazzjoni. Rigward it-telemediċina, l-għadd ta' fornituri ta' servizzi tal-ICT (teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni) jista' jkun limitat sabiex jiġu ggarantiti l-istandards meħtieġa ta' interoperabbiltà, kompatibbiltà u sikurezza. Dan jiġi applikat b'mod mhux diskriminatorju. F'SI: Monopolju tal-Istat huwa riżervat għas-servizzi li ġejjin: Il-provvista tad-demm, il-preparazzjonijiet tad-demm, it-tneħħija u ż-żamma ta' organi umani għal trapjanti, servizzi soċjomediċi, servizzi ta' iġjene, servizzi epidemjoloġiċi u servizzi tas-saħħa ekoloġiċi, servizzi ta' patoloġija u ta' anatomija u prokreazzjoni bijomedika assistita (CPC 931). F'FR: Għal servizzi ta' sptar u ambulanza, faċilitajiet residenzjali tas-saħħa (minbarra servizzi ta' sptar) u servizzi soċjali: Il-kumpaniji jistgħu jieħdu kwalunkwe forma legali, ħlief dawk riżervati għall-professjonijiet liberi.
(b) Servizzi tas-saħħa u soċjali, inkluża l-assigurazzjoni tal-pensjoni	Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' HU: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment transfruntier ta' servizzi tas-saħħa, servizzi soċjali u attivitajiet jew servizzi li jiffurmaw parti minn pjan pubbliku tal-irtirar jew sistema statutorja tas-sigurtà soċjali. Din ir-riżerva ma tirrigwardax il-forniment tas-servizzi professjonali kollha relatati mas-saħħa, inklużi s-servizzi pprovduti minn professjonisti bħal tobba mediċi, dentisti, qwiebel, infermiera, fiżjoterapisti, paramediċi, u psikologi, li huma koperti minn riżervi oħra (CPC 931 għajr 9312, parti minn 93191). F'HU: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment transfruntier minn barra t-territorju tagħha tas-servizzi kollha ta' sptar, ambulanza u servizzi tas-saħħa residenzjali minbarra servizzi ta' sptar, li jirċievu finanzjament pubbliku (CPC 9311, 93192, 93193).

Settur jew Sottosettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
(c) Servizzi soċjali, inkluża l-assigurazzjoni tal-pensjoni	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment tas-servizzi soċjali kollha li jirċievu finanzjament pubbliku jew appoġġ mill-Istat fi kwalunkwe forma u attivitajiet jew servizzi li jiffurmaw parti minn pjan pubbliku ta' rtirar jew sistema statutorja ta' sigurtà soċjali. Il-parteċipazzjoni ta' operaturi privati fin-netwerk soċjali ffinanzjat privatament tista' tkun soġġetta għal konċessjoni fuq bażi mhux diskriminatorja. Jista' japplika test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: l-għadd ta' stabbilimenti eżistenti u l-impatt fuqhom, l-infrastruttura tat-trasport, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika, u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda. F'CZ, FI, HU, MT, PL, RO, SK u SI: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment ta' servizzi soċjali ffinanzjati privatament. F'BE, CY, DE, DK, EL, ES, FR, IE, IT, u PT: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment ta' servizzi soċjali ffinanzjati privatament minbarra servizzi relatati ma' djar ta' konvalexxenza u ta' mistrieħ u djar tal-anzjani. F'DE: Mingħajr restrizzjonijiet għas-Sistema tas-Sigurtà Soċjali tal-Ġermanja, fejn is-servizzi huma pprovduti minn kumpaniji jew entitajiet differenti li jinvolvu elementi kompetittivi u għalhekk jistgħu ma jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' "attivitajiet imwettqa fl-eżerċizzju ta' awtorità governattiva".
	Fir-rigward biss tal-Investiment: F'HR: L-istabbiliment ta' xi faċilitajiet ta' kura soċjali ffinanzjati privatament jista' jkun soġġett għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, b'mod partikolari, żoni ġeografiċi (CPC 9311, 93192, 93193, 933).
III-EU-14 Turiżmu u servizzi relatati mal-ivvjaġġar (a) Lukandi, ristoranti u catering (CPC 641, 642, 643) minbarra l-catering fis-servizzi tat-trasport bl-ajru, li jinsabu taħt servizzi ta' groundhandling (b) Aġenziji tal-ivvjaġġar u servizzi ta' operaturi tat-tours (inkluzi l-maniġers tat-tours) (CPC 7471) (c) Servizzi ta' gwidi turistiċi (CPC 7472)	Fir-rigward tal-Investiment: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' BG: Xejn. F'BG: Hija meħtieġa inkorporazzjoni (mhux fergħat) (CPC 7471, 7472).

Settur jew Sottosettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
III-EU-15 — Servizzi ta' rikreazzjoni, kulturali u sportivi (minbarra servizzi awdjoviżivi)	
(a) Servizzi ta' librerija, arkivju, mużew u servizzi kulturali oħra (CPC 963)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' AT u għal investiment f'LT: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment ta' librerija, arkivju, mużew u servizzi kulturali oħra. F'AT u l-Litwanja: liċenzja jew konċessjoni tista' tkun meħtieġa għat-twaqqif.
(b) Servizzi ta' divertiment, teatru, baned live u servizzi taċ-ċirku (CPC 9619, 964 għajr 96492)	Fir-rigward tal-Investiment: Fl-UE: Xejn, ħlief għal: F'CY, CZ, FI, MT, PL, RO, SI u SK: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment ta' servizzi ta' divertiment, inklużi servizzi ta' teatru, baned live, ċirku u diskoteki. F'BG: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment tas-servizzi ta' divertiment li ġejjin: ċirku, park tad-divertiment u servizzi simili ta' attrazzjoni, swali tal-ballu, diskoteka u servizzi ta' tagħlim ta' żfin u servizzi ta' divertiment oħra. F'EE: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment ta' servizzi oħra ta' divertiment ħlief għal servizzi ta' teatru ċinematografiku. F'LT u f'LV: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment tas-servizzi kollha ta' divertiment għajr servizzi ta' operat ta' teatru ċinematografiku.
	Fir-rigward tal-kummerċ transfruntier fis-servizzi: L-UE, bl-eċċezzjoni ta' AT u ta' SE: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment transfruntier ta' servizzi ta' divertiment, inklużi servizzi ta' teatru, baned live, ċirku u diskoteki. F'AT u SE: Xejn.
(c) Servizzi ta' aġenziji tal-aħbarijiet (CPC 962)	Fir-rigward tal-Investiment u l-kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' HU: Xejn. F'HU: Mingħajr restrizzjonijiet.
(d) Servizzi ta' rikreazzjoni sportivi u oħrajn (CPC964)	Fir-rigward tal-Investiment u l-kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE: Xejn.
(e) Servizzi ta' logħob tal-azzard u mħatri (CPC 96492)	Fir-rigward tal-Investiment u lkummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment ta' attivitajiet ta' logħob tal-azzard, li jinvolvu mħatri ta' flus f'logħob tal-azzard, inklużi, b'mod partikolari, lotteriji, scratch cards, servizzi ta' logħob tal-azzard offruti fil-każinojiet, swali tal-logħob tal-azzard jew postijiet liċenzjati, servizzi ta' mħatri, servizzi tal-bingo u servizzi tal-logħob tal-azzard operati minn u għall-benefiċċju ta' organizzazzjonijiet tal-karità jew organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ.

Settur jew Sottosettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
III-EU-16 — Servizzi tat-trasport u servizzi awżiljarji tat-trasport	
(a) It-trasport marittimu. (i) Trasport internazzjonali tal-passiġġieri (CPC 7211 minbarra t-trasport nazzjonali tal-kabotaġġ) (ii) Trasport internazzjonali tal-merkanzija (CPC 7212 eskluż it-trasport nazzjonali tal-kabotaġġ)	Fir-rigward tal-Investiment u l-kummerċ transfruntier fis-servizzi: L-UE, bl-eċċezzjoni ta' LV u ta' MT: Mingħajr restrizzjonijiet għall-iskop tar-reġistrazzjoni ta' bastiment u l-operat ta' flotta taħt il-bandiera nazzjonali tal-Istat tal-istabbiliment (l-attività marittima kummerċjali kollha mwettqa minn bastiment tat-tbaħħir, inkluż is-sajd, l-akkwakultura, u servizzi inċidentali għas-sajd, it-trasport internazzjonali tal-passiġġieri u tal-merkanzija (CPC 721), u servizzi awżiljarji għat-trasport marittimu). Fl-UE: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi ta' alimentazzjoni, u għal pożizzjonament mill-ġdid ta' kontejners li huma proprjetà ta' jew mikrija fuq bażi mhux ta' dħul minn kumpaniji tat-tbaħħir tal-Unjoni Ewropea, għall-parti ta' dawn is-servizzi li ma taqax taħt l-esklużjoni ta' kabotaġġ marittimu nazzjonali. F'MT: Jeżistu drittijiet esklussivi għall-konnessjoni marittima mal-Ewropa kontinentali permezz tal-IT ma' MT (CPC 7213, 7214, parti minn 742, 745, parti minn 749). F'LV: Xejn
(b) Servizzi awżiljarji għal trasport marittimu u trasport fuq passaġġi tal-ilma interni	Fir-rigward tal-Investiment u l-kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment ta' servizzi ta' pilotaġġ u rmiġġ (CPC 7452). Fl-UE: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi awżiljarji għat-trasport fuq passaġġi tal-ilma interni. Fl-UE: Għas-servizzi portwarji, il-korp maniġerjali ta' port jew l-awtorità kompetenti jistgħu jillimitaw l-għadd ta' fornituri ta' servizzi portwarji għal servizz portwarju partikolari. L-UE, bl-eċċezzjoni ta' LT u ta' LV: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi ta' mbuttar u rmunkar (CPC 7214). F'LT u f'LV: Xejn. F'BG: In-numru ta' fornituri tas-servizzi fil-portijiet jista' jkun limitat skont il-kapaċità oġġettiva tal-port, li tiġi deċiża minn kummissjoni esperta, stabbilita mill-Ministru tat-Trasport, it-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ISIC 0501, 0502, CPC 5133, 5223, 721, 722, 74520, 74540, 74590, 882). F'BG: Rigward is-servizzi ta' sostenn għat-trasport pubbliku mwettqa fil-portijiet Bulgari, f'portijiet li għandhom importanza nazzjonali, id-dritt ta' twettiq tal-attivitajiet ta' sostenn jingħata permezz ta' kuntratt ta' konċessjoni. F'portijiet li għandhom sinifikat reġjonali, dan id-dritt jingħata b'kuntratt mas-sid tal-port (CPC 74520, 74540 u 74590). Fir-rigward tal-Investiment: L-UE, bl-eċċezzjoni ta' EL u ta' IT: Xejn. F'EL: Monopolju pubbliku impost f'żoni portwali għal servizzi ta' mmaniġġar tal-merkanzija (CPC 741). F'IT: Jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għas-servizzi ta' mmaniġġar tal-merkanzija marittima. Kriterji ewlenin: l-għadd u l-impatt fuq l-istabbilimenti eżistenti, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda (CPC 741).

Settur jew Sottosettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
(c) Trasport bil-ferrovija u servizzi awżiljarji għat-trasport bil-ferrovija	Fir-rigward tal-Investiment u l-kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE: Mingħajr restrizzjonijiet għat-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri u tal-merkanzija (CPC 711). F'LT: Id-drittijiet esklużivi għall-forniment ta' servizzi ta' tranżitu jingħataw lil impriżi ferrovjarji li huma proprjetà tal-Istat, jew li l-istokk tagħhom huwa 100 % proprjetà tal-Istat (CPC 711). Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' LT u SE, għal servizzi awżiljarji għat-trasport bil-ferrovija: Xejn. F'LT: Is-servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir tat-trasport ferrovjarju huma soġġetti għal monopolju tal-Istat (CPC 86764, 86769, parti minn 8868). F'SE: Servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir tat-trasport bil-ferrovija huma soġġetti għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi meta investitur bi ħsiebu jistabbilixxi l-faċilitajiet tiegħu stess ta' terminal. Kriterji ewlenin: limitazzjonijiet ta' spazju u kapacità (CPC 86764, 86769, parti minn 8868).
(d) Trasport bit-triq (trasport tal-passiġġieri, trasport tal-merkanzija, servizzi internazzjonali tat-trasport tat-trakkijiet) u servizzi awżiljarji għat-trasport bit-triq	Fir-rigward tal-kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE: Mingħajr restrizzjonijiet għat-trasport bit-triq (trasport tal-passiġġieri, trasport tal-merkanzija, servizzi internazzjonali tat-trasport tat-trakkijiet). Fir-rigward tal-Investiment: Fl-UE: Mingħajr restrizzjonijiet għal kabotaġġ fi Stat Membru minn investituri barranin stabbiliti fi Stat Membru ieħor (CPC 712). Fl-UE: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi jista' japplika għas-servizzi tat-taxi fl-Unjoni Ewropea li jistabbilixxi limitu fuq in-numru ta' fornituri tas-servizzi. Kriterju ewlieni: id-domanda lokali kif previst fil-liġijiet applikabbli (CPC 71221). F'BE: Numru massimu ta' liċenzji jista' jiġi ffissat bil-liġi (CPC 71221). F'AT, BG u DE: Għat-trasport ta' passiġġieri u merkanzija, id-drittijiet esklużivi jew l-awtorizzazzjonijiet jistgħu jingħataw biss lil persuni fiżiċi tal-Unjoni Ewropea u lil persuni ġuridiċi tal-Unjoni Ewropea li jkollhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fl-Unjoni Ewropea. (CPC 712). F'CZ: Hija meħtieġa inkorporazzjoni f'CZ (mhux fergħat). F'ES: Għat-trasport ta' passiġġieri, it-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi japplika għal servizzi pprovduti taħt CPC 7122. Kriterju ewlieni: id-domanda lokali. Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi japplika għal servizzi ta' karozzi tal-linja bejn belt u oħra. Kriterji ewlenin: in-numru u l-impatt fuq stabbilimenti eżistenti, densità tal-popolazzjoni, firxa ġeografika, impatt fuq il-kundizzjonijiet tat-traffiku u ħolqien tax-xogħol ġdid. F'FR: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment ta' servizzi ta' karozzi tal-linja bejn belt u oħra (CPC 712). F'IE: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għas-servizzi ta' karozzi tal-linja bejn belt u oħra. Kriterji ewlenin: l-għadd ta' stabbilimenti eżistenti u l-impatt fuqhom, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika, l-impatt fuq il-kundizzjonijiet tat-traffiku u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda (CPC 7121, 7122).

Settur jew Sottosettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
	F'IT: Jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għas-servizzi tal-limousine. Kriterji ewlenin: in-numru u l-impatt fuq stabbilimenti eżistenti, densità tal-popolazzjoni, firxa ġeografika, impatt fuq il-kundizzjonijiet tat-traffiku u ħolqien tax-xogħol ġdid. Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi jiġi applikat għal servizzi ta' karozzi tal-linja bejn belt u oħra. Kriterji ewlenin: in-numru u l-impatt fuq stabbilimenti eżistenti, densità tal-popolazzjoni, firxa ġeografika, impatt fuq il-kundizzjonijiet tat-traffiku u ħolqien tax-xogħol ġdid. Jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għall-provvista ta' servizzi ta' trasport tal-merkanzija. Kriterji ewlenin: domanda lokali (CPC 712). F'MT: Għal servizzi pubbliċi tal-karozzi tal-linja: In-network kollu huwa soġġett għal konċessjoni li tinkludi ftehim dwar Obbligu ta' Servizz Pubbliku sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni ċerti setturi soċjali (bħall-istudenti u l-anzjani) (CPC 712). F'MT: Għat-taxis, japplikaw restrizzjonijiet numeriċi fuq in-numru ta' liċenzji. Għal Karozzini (karrijiet taż-żwiemel), japplikaw restrizzjonijiet numeriċi fuq in-numru ta' liċenzji (CPC 712). F'PT: Għat-trasport ta' passiġġieri, jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal forniment ta' servizzi ta' limousine. Kriterji ewlenin: l-għadd ta' stabbilimenti eżistenti u l-impatt fuqhom, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika, l-impatt fuq il-kundizzjonijiet tat-traffiku u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda (CPC 71222). F'SE: Is-servizzi ta' manutenzjoni u ta' tiswija ta' tagħmir tat-trasport bit-triq huma suġġetti għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi meta investitur ikun beħsiebu jistabbilixxi l-faċilitajiet ta' infrastruttura tat-terminals tiegħu. Kriterji ewlenin: limitazzjonijiet ta' spazju u kapacità (CPC 6112, 6122, 86764, 86769, parti minn 8867). F'SE: Għall-eżerċizzju tal-okkupazzjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq tenħtieġ liċenzja Żvediża. Il-kriterji biex tingħata liċenzja tat-taxi jinkludu li l-kumpanija tkun ħatret persuna fiżika biex taġixxi bħala maniġer tat-trasport (rekwiżit ta' residenza *de facto* — ara r-riżerva Żvediża dwar it-tipi ta' stabbiliment) (CPC 712). F'SK: Għal trasport ta' merkanzija, jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: domanda lokali (CPC 712).
	Fir-rigward tal-kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' BG, għall-forniment transfruntier ta' servizzi ta' appoġġ għat-trasport bit-triq (CPC 744): Xejn. F'BG: Mingħajr restrizzjonijiet.
(e) Servizzi awżiljarji għas-servizzi tat-trasport bl-ajru (CPC 7461, 7469, 83104)	Fir-rigward tal-Investiment u l-kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE: Il-livell ta' ftuħ tas-servizzi ta' servizzi fuq l-art jiddependi mid-daqs tal-ajruport. In-numru ta' forniturifkull ajruport jista' jkun limitat. Għal ajruporti kbar, dan il-limitu ma jistax ikun inqas minn żewġ

Settur jew Sottosettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
(f) It-trasport fl-ispazju u l-kiri ta' inġenji spazjali	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ transfruntier fis-servizzi: L-UE: Mingħajr restrizzjonijiet għas-servizzi ta' trasport permezz tal-ispazju u l-kiri ta' inġenji spazjali (CPC 733, parti minn 734).
III-UE-17 — Agrikoltura, sajd, ilma, manifattura	
(a) L-agrikoltura, il-kaċċa, il-forestrija u s-servizzi inċidentali għall-agrikoltura, il-kaċċa u l-forestrija (ISIC 01, 02, CPC 881)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' HR, HU, PT u SE: Xejn. F'HR: Mingħajr restrizzjonijiet għal attivitajiet agrikoli u tal-kaċċa. F'HU: Mingħajr restrizzjonijiet għal attivitajiet agrikoli (ISIC 011, 012, 013, 014, 015, CPC 8811, 8812, 8813 għajr servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni). F'PT: Il-professjonijiet ta' bijologu, analista kimiku u agronomu huma riżervati għal persuni fiżiċi (CPC 881). F'SE: Mingħajr restrizzjonijiet għat-trobbija tar-renni (ISIC 014).
(b) Sajd, akkwakultura, u servizzi inċidentali għas-sajd (ISIC 05, CPC 882)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE: Mingħajr restrizzjonijiet għas-sajd, l-akkwakultura, servizzi inċidentali għas-sajd. Fl-UE: Mingħajr restrizzjonijiet għall-istabbiliment ta' faċilitajiet tal-akkwakultura tal-baħar jew interni. F'FR: Mingħajr restrizzjonijiet għall-parteċipazzjoni fil-proprjetà tal-Istat marittima Franċiża għat-trobbija tal-ħut, tal-frott tal-baħar bil-qoxra jew tal-alka. F'BG: Mingħajr restrizzjonijiet għat-teħid ta' riżorsi marini u ħajjin mix-xmajjar, imwettqa minn bastimenti fl-ilmijiet interni tal-baħar, u l-baħar territorjali ta' BG.
(c) Ġbir, purifikazzjoni u distribuzzjoni tal-ilma (ISIC 41)	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE: Mingħajr restrizzjonijiet għal attivitajiet inklużi servizzi relatati mal-ġbir, il-purifikazzjoni u d-distribuzzjoni tal-ilma lil utenti domestiċi, industrijali, kummerċjali jew oħrajn, inkluża l-provvista ta' ilma tax-xorb, u l-ġestjoni tal-ilma.
(d) Manifattura (ISIC 16, 17, 18, 19, 20, 21)	Fir-rigward tal-Investiment u l-kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE: Xejn.
(e) Pubblikazzjoni, stampar u riproduzzjoni ta' midja rrekordjata (ISIC 22, CPC 88442)	Xejn.
(f) Manifattura (ISIC 23, 24, 25, 26, 27, 28, 29, 30, 31, 32, 33, 34, 35, 36, 37)	Xejn.

Settur jew Sottosettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
III-EU-18 — Attivitajiet relatati mal-minjieri u l-enerġija	
(a) Minjieri u barrieri (ISIC 10, 11, 12: Estrazzjoni ta' materjali li jipproduċu l-enerġija, ISIC 13, 14: Estrazzjoni ta' minerali tal-metall u minjieri oħra; CPC 5115, 7131, 8675, 883	Fir-rigward tal-Investiment u l-kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' BE, FI, IT u NL: Xejn. F'IT: (japplika wkoll għal-livell reġjonali tal-gvern għall-esplorazzjoni): Il-minjieri li jappartjenu għall-Istat għandhom regoli speċifiċi ta' esplorazzjoni u estrazzjoni. Qabel kwalunkwe attività ta' sfruttament, huwa meħtieġ permess għall-esplorazzjoni (permesso di ricerca, l-Artikolu 4 tad-Digriet Irjali 1447/1927). Dan il-permess għandu tul ta' żmien, jiddefinixxi eżattament il-konfini tal-art taħt esplorazzjoni u aktar minn permess wieħed għall-esplorazzjoni jista' jingħata għall-istess żona lil persuni jew kumpaniji differenti (dan it-tip ta' liċenzja mhuwiex neċessarjament esklussiv). Sabiex jiġu kkultivati u sfruttati l-minerali, hija meħtieġa awtorizzazzjoni (konċessjonarju, Artikolu 14) mill-awtorità reġjonali (ISIC 10, 11, 12, 13, 14, CPC 8675, 883).
	Fir-rigward tal-Investiment: F'BE: L-esplorazzjoni u l-isfruttament ta' riżorsi minerali u riżorsi oħra mhux ħajjin fl-ilmijiet territorjali u l-blata kontinentali huma soġġetti għal konċessjoni. Il-konċessjonarju għandu jkollu indirizz għan-notifika f'BE (ISIC 14). F'FI: Għall-estrazzjoni ta' materjal nukleari awtorizzazzjoni tista' tkun soġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: benefiċċji ekonomiċi u soċjali ġenerali (ISIC Rev. 3.1 120). F'NL: L-esplorazzjoni għall-idrokarburi u l-isfruttament tagħhom f'NL dejjem jitwettqu b'mod konġunt minn kumpanija privata u l-kumpanija pubblika (limitata) maħtura mill-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi. L-Artikoli 81 u 82 tal-Att dwar l-Estrazzjoni jistipulaw li l-ishma kollha f'din il-kumpanija magħżula jridu jkunu direttament jew indirettament ikkontrollati mill-Istat Netherlandiż (ISIC Rev. 3.1 10, 3.1 11, 3.1 12, 3.1 13, 3.1 14).

Settur jew Sottosettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
(b) Servizzi tal-enerġija – ġenerali (ISIC) 40, CPC 613, 7131, 7139, 742, 7422, 887 (għajr servizzi ta' konsulenza u konsulenza))	Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' BE, BG, FR u LT: Xejn. F'FR: Mingħajr restrizzjonijiet għas-sistemi ta' trażmissjoni tal-elettriku u tal-gass u għat-trasport bil-pajpijiet taż-żejt u tal-gass (CPC 7131). F'BE: Mingħajr restrizzjonijiet għas-servizzi ta' distribuzzjoni tal-enerġija, u servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija (CPC 887 għajr servizzi ta' konsulenza). F'BE: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi ta' trażmissjoni tal-enerġija, rigward it-tipi ta' entitajiet legali u għat-trattament ta' operaturi pubbliċi jew privati li lilhom BE kkonferixxa drittijiet esklussivi (ISIC 4010, CPC 71310). F'BG: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija (parti minn CPC 88). Fir-rigward tal-kummerċ transfruntier fis-servizzi: F'LT: Mingħajr restrizzjonijiet għat-trasport bil-pajpijiet ta' fjuwils u servizzi awżiljarji għat-trasport bil-pajpijiet ta' oġġetti li mhumiex fjuwil.
(c) Elettriku (ISIC 40, 4010; CPC 62279, 887 (għajr servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni))	Fir-rigward tal-Investiment u l-kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' AT, BG, CZ, FI, FR, LT, MT, NL u SK: Xejn. F'AT, BG: Mingħajr restrizzjonijiet għall-produzzjoni tal-elettriku, servizzi ta' distribuzzjoni tal-enerġija u servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija (ISIC 4010, CPC 887 minbarra servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni). F'CZ: Jeżistu drittijiet esklussivi fir-rigward tat-trażmissjoni tal-elettriku u tal-gass u tal-liċenzji ta' operatur tas-suq (ISIC 40, CPC 7131, 63297, 742, 887). F'FI: Mingħajr restrizzjonijiet għall-importazzjoni tal-elettriku. Mingħajr restrizzjonijiet għal kummerċ transfruntier relatat mal-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut tal-elettriku. Mingħajr restrizzjonijiet għal netwerks u sistemi ta' trażmissjoni u distribuzzjoni tal-elettriku (ISIC 4010, CPC 62279, 887 għajr servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni). F'FR: Mingħajr restrizzjonijiet għall-produzzjoni tal-elettriku (ISIC 4010). F'FR: Mingħajr restrizzjonijiet għat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku (ISIC 4010, CPC 887). F'LT: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi bl-ingrossa u bl-imnut u kummerċ ta' elettriku li joriġina minn sorsi nukleari mhux sikuri. F'SK: Għall-produzzjoni, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku, il-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut tal-elettriku, u servizzi relatati inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija, inklużi servizzi fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, l-iffrankar tal-enerġija u l-awditjar tal-enerġija. Jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi u l-applikazzjoni tista' tiġi miċħuda biss jekk is-suq ikun saturat (ISIC 4010, CPC 62279, 887).

Settur jew Sottosettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
	Fir-rigward tal-Investiment: F'MT: L-Enemalta plc għandha monopolju għall-provvista tal-elettriku (ISIC 4010; CPC 887). F'NL: Mingħajr restrizzjonijiet għas-sjieda tan-netwerk tal-elettriku li jingħata esklussivament lill-gvern Netherlandiż (sistemi ta' trażmissjoni) u awtoritajiet pubbliċi oħra (sistemi ta' distribuzzjoni) (ISIC 4010, CPC 887).
(d) Karburanti, gass, żejt mhux maħdum jew prodotti petroliferi (ISIC 232, 4020; CPC 62271, 63297, 713, 742, 887 (minbarra servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni)	Fir-rigward tal-Investiment u l-kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' AT, BG, CZ, DK, FI, FR, HU, NL u SK: Xejn. F'AT: Mingħajr restrizzjonijiet għat-trasport ta' gass u oġġetti għajr gass (CPC 713). F'BG: Mingħajr restrizzjonijiet għat-trasport bil-pajpijiet, il-ħżin u l-ħżin ta' żejt mhux maħdum u gass naturali, inkluża t-trażmissjoni ta' tranżitu (ISIC 4020, CPC 7131, parti minn CPC 742). F'CZ: Mingħajr restrizzjonijiet għall-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni, il-ħżin u l-kummerċ tal-gass (ISIC 2320, 4020, CPC 7131, 63297, 742, 887). f'DK: Is-sid jew l-utent li jkun beħsiebu jistabbilixxi pipeline għat-trasport ta' żejt mhux maħdum jew żejt irfinut u ta' prodotti taż-żejt mhux maħdum u tal-gass naturali jrid jikseb permess mill-awtorità lokali qabel ma jibda x-xogħol. In-numru ta' permessi maħruġa jista' jkun limitat (CPC 7131). F'FI: Mingħajr restrizzjonijiet għal networks u sistemi ta' trażmissjoni u distribuzzjoni tal-gass. Restrizzjonijiet kwantitattivi fil-forma ta' monopolji jew drittijiet esklussivi għall-importazzjoni ta' gass naturali (ISIC 4020, CPC 887 minbarra servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni). F'FR: Huma biss il-kumpaniji fejn 100 % tal-kapital huwa miżmum mill-Istat Franċiż, minn organizzazzjoni oħra tas-settur pubbliku jew minn ENGIE, li jistgħu jippossjedu u joperaw sistemi ta' trażmissjoni jew distribuzzjoni tal-gass għal raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali tal-enerġija (ISIC 4020, CPC 887). F'HU: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment ta' servizzi ta' trasport bil-pajpijiet. Jeħtieġ stabbiliment. Is-servizzi jistgħu jiġu pprovduti permezz ta' Kuntratt ta' Konċessjoni mogħti mill-Istat jew mill-awtorità lokali. Il-forniment ta' dan is-servizz huwa rregolat mil-Liġi dwar il-Konċessjonijiet (CPC 7131). F'NL: Mingħajr restrizzjonijiet għas-sjieda tan-netwerk tal-elettriku u n-netwerk tal-pajpijiet tal-gass jingħataw esklussivament lill-gvern Netherlandiż (sistemi ta' trażmissjoni) u awtoritajiet pubbliċi oħra (sistemi ta' distribuzzjoni) (ISIC 40, CPC 71310). F'SK: Hija meħtieġa awtorizzazzjoni għall-manifattura tal-gass u d-distribuzzjoni ta' fjuwils gassużi u t-trasport bil-pajpijiet tal-fjuwils. Jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi u l-applikazzjoni tista' tiġi miċħuda biss jekk is-suq ikun saturat. (ISIC 4020, CPC 62271, 63297, 7131, 742 u 887).

Settur jew Sottosettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
(e) Nukleari (ISIC 12, 2330, parti minn 4010, CPC 887)	Fir-rigward tal-Investiment u l-kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' AT, BE, BG, DE, FI, FR, HU, u SE: Xejn. F'AT u FI: Mingħajr restrizzjonijiet għall-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni jew it-trasport ta' materjal nukleari u l-ġenerazzjoni jew id-distribuzzjoni ta' enerġija bbażata fuq in-nukleari. F'DE: Mingħajr restrizzjonijiet għall-produzzjoni, l-ipproċessar jew it-trasport ta' materjal nukleari u l-ġenerazzjoni jew id-distribuzzjoni ta' enerġija bbażata fuq in-nukleari. F'BE: Mingħajr restrizzjonijiet għall-produzzjoni, l-ipproċessar jew it-trasport ta' materjal nukleari u l-ġenerazzjoni jew id-distribuzzjoni ta' enerġija bbażata fuq in-nukleari.
	Fir-rigward tal-Investiment: F'BG: Mingħajr restrizzjonijiet għall-ipproċessar ta' materjali fissjonabbli u fużjonabbli jew il-materjali li ġejjin minnhom, kif ukoll għall-kummerċ tagħhom, għall-manutenzjoni u t-tiswija ta' tagħmir u sistemi f'faċilitajiet ta' produzzjoni tal-enerġija nukleari, għat-trasport ta' dawk il-materjali u l-iskart u materjal ta' skart tal-ipproċessar tagħhom, għall-użu tar-radjazzjoni jonizzanti, u fuq is-servizzi l-oħra kollha relatati mal-użu tal-enerġija nukleari għal skopijiet paċifiċi (inklużi servizzi ta' inġinerija u konsulenza u servizzi relatati mas-software, eċċ.). F'FR: Mingħajr restrizzjonijiet għall-manifattura, il-produzzjoni, l-ipproċessar, il-ġenerazzjoni, id-distribuzzjoni jew it-trasport ta' materjal nukleari għall-obbligi ta' Ftehim Euratom. F'HU u SE: Mingħajr restrizzjonijiet għall-ipproċessar ta' fjuwil nukleari u ġenerazzjoni tal-elettriku bbażata fuq in-nukleari. (ISIC 2330, parti minn 4010).
(f) Provvista ta' fwar u ilma sħun (ISIC 4030, CPC 62271, 887)	Fir-rigward tal-Investiment u l-kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' BG, FI u SK: Xejn. F'BG: Mingħajr restrizzjonijiet għall-produzzjoni u d-distribuzzjoni tas-sħana (ISIC 4030, CPC 887). F'SK: Hija meħtieġa awtorizzazzjoni għall-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' fwar u misħun, bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut ta' fwar u misħun, u servizzi relatati inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija. Jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi u l-applikazzjoni tista' tiġi miċħuda biss jekk is-suq ikun saturat.
	Fir-rigward tal-Investiment: F'FI: Jeżistu restrizzjonijiet kwantitattivi fil-forma ta' monopolji jew drittijiet esklussivi għall-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' fwar u misħun (ISIC 40, CPC 7131). F'FI: Mingħajr restrizzjonijiet għan-netwerks ta' trażmissjoni u distribuzzjoni u sistemi ta' fwar u misħun (ISIC 4030, CPC 7131 minbarra servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni).

Settur jew Sottosettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
III-EU-19 — Servizzi oħra mhux inklużi xi mkien ieħor	
(a) Servizzi ta' funerali, kremazzjoni u ta' kummissjonant CPC 9703	Fir-rigward tal-Investiment u l-kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' CY, DE, FI, PT, SE u SI: Xejn. F'CY, DE, FI, PT, SE u SI: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi ta' funerali, kremazzjoni u ta' kummissjonant.
(b) Servizzi oħra relatati man-negozju (parti minn CPC 612, parti minn 621, parti minn 625, parti minn 85990)	Fir-rigward tal-Investiment u l-kummerċ transfruntier fis-servizzi: Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' CZ, LT u FI, għal servizzi oħra relatati man-negozju (parti minn CPC 612, parti minn 621, parti minn 625, parti minn 85990): Xejn. Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi: F'CZ: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi ta' rkant (parti minn CPC 612, parti minn 621, parti minn 625, parti minn 85990). F'LT: Mingħajr restrizzjonijiet għall-entità awtorizzata mill-gvern biex ikollha drittijiet esklussivi biex tipprovdi s-servizzi li ġejjin: it-trażmissjoni tad-*data* permezz ta' networks siguri għat-trażmissjoni tad-*data* tal-Istat. F'FI: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment transfruntier ta' servizzi ta' identifikazzjoni elettronika.
(c) Servizzi ġodda	Fl-UE: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment ta' servizzi ġodda għajr dawk ikklassifikati fis-CPC.

Appendiċi 17-C-2

SKEDA TAĊ-ĊILÌ

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
Nru 1 Is-setturi kollha	
(a) Kumpanija tal-Istat	Fit-trasferiment jew id-disponiment ta' kwalunkwe interess fl-istokk jew l-assi miżmuma f'intrapriża statali jew entità governattiva eżistenti, iċ-Ċilì jirriżerva d-dritt li jipprojbixxi jew jimponi limitazzjonijiet fuq is-sjieda ta' tali interess jew assi u fuq id-dritt tal-investituri jew l-investimenti tagħhom li jikkontrollaw kwalunkwe kumpanija tal-Istat maħluqa b'dan jew investimenti magħmula mill-istess. "Kumpanija tal-Istat" għandha tfisser kwalunkwe kumpanija proprjetà taċ-Ċilì jew ikkontrollata minnu permezz ta' sehem ta' interess fis-sjieda tagħha, u għandha tinkludi kwalunkwe kumpanija maħluqa wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim għall-iskop uniku li tbigħ jew tiddisponi mis-sehem ta' interess tagħha fil-kapital jew fl-assi ta' intrapriża statali jew entità governattiva eżistenti.
(b) Utilitajiet pubbliċi	Jeżistu utilitajiet pubbliċi f'setturi bħal servizzi ta' konsulenza xjentifika u teknika relatati, servizzi ta' riċerka u żvilupp (R&Ż) dwar ix-xjenzi soċjali u l-istudji umanistiċi, servizzi ta' ttestjar u analiżi tekniċi, servizzi u trattament tal-ilma, drenaġġ, servizzi ambjentali, servizzi tas-saħħa, servizzi tat-trasport u servizzi awżiljari għall-modi kollha tat-trasport. Drittijiet esklużivi fuq dawk is-servizzi spiss jingħataw lil operaturi privati, pereżempju operaturi b'konċessjonijiet minn awtoritajiet pubbliċi, soġġetti għal obbligi speċifiċi ta' servizz. Din ir-riżerva ma tapplikax għal telekomunikazzjonijiet u għal servizzi tal-kompjuter u servizzi relatati.
(c) Akkwist ta' proprjetà immobbli	Iċ-Ċili mingħajr restrizzjonijiet għall-akkwist ta' "art tal-Istat", "iż-żona tal-fruntiera" u kwalunkwe art fi ħdan ħames kilometri mill-kosta li tintuża għal attivitajiet agrikoli kif indikat fl-Annessi 17-A u 17-B. Kwalunkwe persuna fiżika Ċilena jew persuna fiżika Ċilena li tirrisjedi fiċ-Ċilì jew persuna ġuridika Ċilena għandha tkun tista' takkwista jew tikkontrolla l-artijiet użati għal attivitajiet agrikoli. Iċ-Ċilì jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura relatata mas-sjieda jew il-kontroll ta' tali artijiet.
(d) Preżenza kummerċjali	Din liskeda ma tapplikax għall-uffiċċji rappreżentattivi.
(e) Popli indiġeni	Iċ-Ċilì jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura rigward il-popli indiġeni.
(f) Minoranzi żvantaġġati	Iċ-Ċilì jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura li tagħti drittijiet jew preferenzi lil minoranzi żvantaġġati soċjalment jew ekonomikament.

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
Nru. 2 Manifattura	
Manifattura minbarra servizzi (ISIC Rev. 3.1 15, 17, 18, 19, 20, 21, 26, 27, 28, 30, 31, 32, 33, 34, 35, 36, minbarra għal 16, 22, 24, 25, 29, 37)	Xejn.
Manifattura (ISIC Rev. 3.1 Diviżjoni 16: Manifattura ta' prodotti tat-tabakk)	Mingħajr restrizzjonijiet.
Manifattura (ISIC Rev. 3.1 Diviżjoni 22: Pubblikazzjoni, stampar u riproduzzjoni ta' midja rrekordjata)	Xejn, ħlief għal: 222 stampar u attivitajiet ta' servizz relatati mal-istampar: Mingħajr restrizzjonijiet għal attivitajiet ta' servizzi relatati mal-istampar.
Manifattura (ISIC Rev. 3.1 Diviżjoni 24: Manifattura ta' kimiċi u prodotti kimiċi)	Tipi speċifiċi ta' entitajiet ġuridiċi biex iwettqu l-attività ekonomika jistgħu japplikaw għal: 241 manifattura ta' kimiċi bażiċi; u 242 manifattura ta' prodotti kimiċi oħra.
Manifattura (ISIC Rev. 3.1 Diviżjoni 25: Manifattura ta' prodotti tal-lastku u tal-plastik)	Tipi speċifiċi ta' entitajiet ġuridiċi biex iwettqu l-attività ekonomika jistgħu japplikaw għal: 251 manifattura ta' prodotti tal-lastku; u 252 manifattura ta' prodotti tal-plastik.
Manifattura (ISIC Rev. 3.1 Diviżjoni 29: Manifattura ta' makkinarju u tagħmir n. e.c.)	Xejn, ħlief għal: 2927 manifattura ta' armi u munizzjon: Mingħajr restrizzjonijiet.
Manifattura (ISIC Rev. 3.1 Diviżjoni 31: Manifattura ta' makkinarju u apparat elettriku n.e.c.)	Tipi speċifiċi ta' entitajiet ġuridiċi biex iwettqu l-attività ekonomika jistgħu japplikaw għal: 311 manifattura ta' muturi elettriċi, ġeneraturi u trasformaturi; u 314 manifattura ta' akkumulaturi, ċelloli primarji u batteriji primarji.
Manifattura (ISIC Rev. 3.1 Diviżjoni 37: Riċiklaġġ)	Tipi speċifiċi ta' entitajiet ġuridiċi biex iwettqu l-attività ekonomika jistgħu japplikaw għal: 371 riċiklaġġ ta' skart u ruttam tal-metall; u 372 riċiklaġġ ta' skart u ruttam mhux tal-metall.

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
Nru 3 Minjieri u barrieri	
Xogħol fil-minjieri u l-barrieri, eskluż servizzi (ISIC Rev. 3.1 10, 11, 12, 13, 14)	Mingħajr restrizzjonijiet għal: Diviżjoni 11 Estrazzjoni ta' żejt mhux raffinat u gass naturali; attivitajiet ta' servizz inċidentali għall-estrazzjoni taż-żejt u l-gass; u Diviżjoni 12 Estrazzjoni ta' minerali tal-uranju u tat-torju. L-esplorazzjoni, l-isfruttament u t-trattament (*beneficio*) tal-idrokarburi tal-litju, likwidi jew gassużi, id-depożiti ta' kwalunkwe tip li jeżistu fl-ilmijiet tal-baħar soġġetti għall-ġuriżdizzjoni nazzjonali, u d-depożiti ta' kwalunkwe tip li jinsabu kompletament jew parzjalment f'żoni kklassifikati bħala importanti għas-sigurtà nazzjonali b'effetti ta' estrazzjoni, li l-kwalifika tagħhom għandha ssir bil-liġi biss, jistgħu jkunu s-suġġett ta' konċessjonijiet amministrattivi jew kuntratti ta' operat speċjali, soġġetti għar-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ddeterminati, f'kull każ b'Digriet Suprem. Barra minn hekk, hija biss il-Kummissjoni Ċilena għall-Enerġija Nukleari (*Comisión Chilena de Energía Nuclear*), jew il-partijiet awtorizzati minn dik il-Kummissjoni, li jistgħu jeżegwixxu jew jidħlu f'att legali rigward materjali atomiċi naturali estratti u l-litju, kif ukoll il-konċentrati, id-derivattivi u l-komposti tagħhom.
Nru 4 Agrikoltura	
Agrikoltura u kaċċa, eskluż s-servizzi (ISIC Rev. 3.1 A 01)	Xejn.
Forestrija, eskluż servizzi (ISIC Rev. 3.1 A 02)	Xejn. Għal aktar ċertezza, huwa meħtieġ pjan ta' ġestjoni approvat mill-Kummissjoni tal-Forestrija (*Corporación Nacional Forestal*).

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
Nru. 5 Enerġija	
Ġenerazzjoni u distribuzzjoni tal-elettriku, esklużi s-servizzi (ISIC Rev. 3.1 E 40, 401, 4010)	(a) Xejn, ħlief għall-produzzjoni, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku għas-Sistema Elettrika Nazzjonali (*Sistema Eléctrico Nacional*). Il-limitazzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw: Tip speċifiku biss ta' korporazzjonijiet pubbliċi, miftuħa jew magħluqa (*Sociedad anónima abierta o cerrada*) inkorporati fiċ-Ċilì huma awtorizzati li joperaw konċessjonijiet fid-distribuzzjoni tal-enerġija. Il-linja esklussiva tan-negozju ta' din il-korporazzjoni trid tkun id-distribuzzjoni tal-enerġija. Tip speċifiku biss ta' korporazzjonijiet pubbliċi, miftuħa jew magħluqa (*Sociedad anónima abierta o cerrada*) inkorporati fiċ-Ċilì huma awtorizzati joperaw konċessjonijiet fit-trażmissjoni tal-enerġija għas-Sistema Nazzjonali ta' Trażmissjoni (*Sistema Interconectado Central*). Il-linja esklussiva tan-negozju ta' din il-korporazzjoni trid tkun it-trażmissjoni tal-enerġija. Il-produzzjoni tal-enerġija idroelettrika tista' tiġi sfruttata permezz ta' konċessjonijiet. Huma biss il-persuni ġuridiċi stabbiliti skont il-liġi Ċilena li jistgħu japplikaw għal tali konċessjonijiet u offerti pubbliċi biex jiksbu tali konċessjonijiet. L-esplorazzjoni jew l-isfruttament tal-enerġija ġeotermali hija soġġetta għal konċessjonijiet. Huma biss il-persuni ġuridiċi stabbiliti skont il-liġi Ċilena li jistgħu japplikaw għal tali konċessjonijiet u offerti pubbliċi biex jiksbu tali konċessjonijiet. Il-produzzjoni tal-enerġija nukleari għal skopijiet paċifiċi għandha titwettaq biss mill-Kummissjoni tal-Enerġija Nukleari taċ-Ċilì jew, bl-awtorizzazzjoni tagħha, flimkien ma' partijiet terzi. Jekk il-Kummissjoni tiddetermina li jkun rakkomandabbli li tingħata tali awtorizzazzjoni, hija għandha tistabbilixxi wkoll it-termini u l-kondizzjonijiet għall-operazzjoni. (b) Mingħajr restrizzjonijiet għal attivitajiet ta' sensara tal-enerġija elettrika jew aġenti li jirranġaw il-bejgħ tal-elettriku permezz ta' sistemi ta' distribuzzjoni tal-enerġija mħaddma minn oħrajn.
Nru 6 Sajd	
Sajd, operazzjoni ta' mfaqas tal-ħut u farms tal-ħut, esklużi s-servizzi (ISIC Rev. 3.1 B 05)	Mingħajr restrizzjonijiet.
Nru 7 Servizzi	
Servizzi Legali (parti minn CPC 861)	Fir-rigward tal-Investiment u l-kummerċ transfruntier fis-Servizzi: (1) u (3): Xejn, ħlief fil-każ ta' riċevituri f'falliment(*síndicos de quiebra)* li jridu jkunu debitament awtorizzati mill-Ministru tal-Ġustizzja (*Ministerio de Justicia*), u jistgħu jaħdmu biss fil-post fejn jirrisjedu. (2) Xejn.

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
Servizzi ta' kontabilità, awditjar u żamma tal-kotba (CPC 86211)	(1) u (3): Xejn, għajr li l-awdituri esterni tal-istituzzjonijiet finanzjarji jridu jitniżżlu fir-Reġistru tal-Awdituri Esterni tas-Superintendenza tal-Banek u l-Istituzzjonijiet Finanzjarji (*Superintendencia de Bancos e Instituciones Financieras*) u fis-Superintendenza tat-Titoli u l-Assigurazzjoni (*Superintendencia de Valores y Seguros*). Jistgħu jitniżżlu fir-Reġistru biss id-ditti legalment inkorporati fiċ-Ċilì bħala shubijiet (*sociedades de personas*) jew assoċjazzjonijiet (*asociaciones*), u li l-linja kummerċjali ewlenija tagħhom hija s-servizzi tal-awditjar. (2) Xejn.
Servizzi ta' konsulenza dwar it-tassazzjoni (CPC 863)	(1), (2) u (3): Xejn.
Servizzi arkitettoniċi (CPC 8671)	(1), (2) u (3): Xejn.
Servizzi ta' Inġinerija (CPC 8672)	(1), (2) u (3): Xejn.
Servizzi ta' inġinerija integrata (CPC 86733)	(1), (2) u (3): Xejn.
Ippjanar urban u servizz arkitettoniku tal-pajsaġġ (CPC 8674)	(1), (2) u (3): Xejn.
Servizzi veterinarji (CPC 932)	(1), (2) u (3): Xejn.
Servizzi pprovduti minn qwiebel, infermiera, fiżjoterapisti u persunal paramediku (CPC 93191)	(1), (2) u (3): Xejn.
Servizzi relatati mal-kompjuters (CPC 841, 842, 843, 844 u 845)	(1), (2) u (3): Xejn.
Servizzi ta' riċerka u żvilupp interdixxiplinari, servizzi ta' riċerka u żvilupp dwar ix-xjenzi naturali, u servizzi relatati ta' konsulenza xjentifika u teknika (parti minn CPC 851, parti minn CPC 853 u parti minn CPC 86751)	(1) u (3): Xejn, ħlief: Kwalunkwe esplorazzjoni ta' natura xjentifika jew teknika, jew relatata mat-tixbit fil-muntanji (*andinismo*), li persuni ġuridiċi jew fiżiċi domiċiljati barra mill-pajjiż bi ħsiebhom iwettqu f'żoni tal-fruntiera jeħtieġ li tkun awtorizzata u ssorveljata mid-Direttorat tal-Fruntieri (*Dirección de Fronteras y Límites del Estado*). Id-Direttorat tal-Fruntieri jista' jistipula li spedizzjoni tinkludi rappreżentant wieħed jew aktar tal-attivitajiet rilevanti taċ-Ċilì. Dawn ir-rappreżentanti jipparteċipaw fl-istudji u jitgħallmu dwarhom u l-ambitu tagħhom. (2) Xejn.

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
Servizzi ta' Riċerka u żvilupp dwar ix-xjenzi soċjali u l-istudji umanistiċi (CPC 852)	(1), (2) u (3): Xejn.
Servizzi ta' proprjetà Reali: li jinvolvu proprjetà proprja jew mikrija jew fuq bażi ta' tariffa jew kuntratt (CPC 821 u 822)	(1), (2) u (3): Xejn.
Servizzi ta' kiri/twillija mingħajr ekwipaġġ/operaturi, relatati ma' bastimenti, tagħmir ieħor tat-trasport u relatati ma' makkinarju u tagħmir ieħor (CPC 8310, għajr 83104)	(1), (2) u (3): Xejn.
Servizzi ta' lokazzjoni jew kiri li jikkonċernaw inġenji tal-ajru (mingħajr operatur) (CPC 83104)	(1), (2) u (3): Xejn.
Servizzi ta' reklamar (CPC 871)	(1), (2) u (3): Xejn.
Servizzi ta' riċerka tas-suq u ta' stħarriġ tal-opinjoni pubblika (CPC 864)	(1), (2) u (3): Xejn.
Servizzi ta' konsulenza dwar l-immaniġġar (CPC 865)	(1), (2) u (3): Xejn.
Servizzi relatati mal-konsulenza dwar il-ġestjoni (CPC 866, għajr 86602)	(1), (2) u (3): Xejn.
Servizzi ta' ttestjar tekniku u analiżi (CPC 8676)	(1), (2) u (3): Xejn.
Servizzi relatati mal-agrikoltura, il-kaċċa u l-forestrija (CPC 881)	(1), (2) u (3): Xejn.
Servizzi relatati mal-minjieri (CPC 883)	(1), (2) u (3): Xejn.
Servizzi ta' kollokament u forniment ta' persunal (CPC 87201, 87202, 87203)	(1), (2) u (3): Xejn.

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
Servizzi ta' investigazzjoni u sigurtà (CPC 87302, 87303, 87304 u 87305)	(1), (2) u (3): Xejn.
Manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir, li ma jinkludix bastimenti, inġenji tal-ajru, jew tagħmir ieħor tat-trasport (CPC 633)	(1), (2) u (3): Xejn.
Servizzi ta' tindif tal-bini (CPC 874)	(1), (2) u (3): Xejn.
Servizzi fotografiċi (CPC 875)	(1), (2) u (3): Xejn.
Servizzi ta' ppakkjar (CPC 876)	(1), (2) u (3): Xejn.
Servizzi ta' rapportar ta' kreditu, servizzi ta' aġenzija tal-ġbir (CPC 87901, 87902)	(1), (2) u (3): Mingħajr restrizzjonijiet.
Servizzi tat-tweġib tat-telefon (CPC 87903)	(1), (2) u (3): Xejn.
Servizzi ta' duplikazzjoni (CPC 87904)	(1), (2) u (3): Xejn.
Servizzi ta' traduzzjoni u interpretar (CPC 87905)	(1), (2) u (3): Xejn, għajr traduzzjonijiet uffiċjali, ċertifikazzjonijiet uffiċjali ta' traduzzjonijiet, u kopji ċċertifikati ta' dokumenti uffiċjali f'lingwi barranin jistgħu jiġu pprovduti biss minn tradutturi uffiċjali rreġistrati taħt l-awtoritajiet Ċileni.
Servizzi ta' kompilazzjoni ta' lista ta' indirizzi u ta' indirizzi (CPC 87906)	(1), (2) u (3): Xejn.
Servizzi ta' disinn ta' speċjalità (CPC 87907)	(1), (2) u (3): Xejn.
Servizzi oħra tan-negozju m.k.b. (CPC 87909)	(1), (2) u (3): Mingħajr restrizzjonijiet.
Servizzi ta' stampar u pubblikazzjoni (CPC 88442)	(1), (2) u (3): Xejn.
Servizzi ta' konvenzjoni (CPC 87909)	(1), (2) u (3): Xejn.

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
Servizzi postali (CPC 7511)	(1), (2) u (3): Mingħajr restrizzjonijiet.
Servizzi ta' kurrier (CPC 7512) Servizzi relatati mal-immaniġġar [1] ta' oġġetti postali [2] skont il-lista li ġejja ta' subsetturi, kemm jekk għal destinazzjonijiet lokali jew barranin: (i) maniġġar ta' komunikazzjonijiet miktubin indirizzati fuq kwalunkwe mezz fiżiku [3], inklużi — servizz ta' posta ibrida, u — posta diretta; (ii) Maniġġar ta' pakketti indirizzati [4]; (iii) l-immaniġġar ta' prodotti tal-istampa indirizzati [5]; (iv) l-immaniġġar tal-oġġetti msemmija hawn fuq minn (i) sa (iii) bħala posta rreġistrata jew assigurata; (v) is-servizzi ta' kunsinna express [6] għall-oġġetti msemmija hawn fuq fil-punti minn (i) sa (iii) hawn fuq; (vi) l-immaniġġar ta' oġġetti mhux indirizzati; u (vii) servizzi oħra li mhumiex speċifikati xi mkien ieħor.	(1), (2) u (3): Xejn, ħlief: Li skont id-*Decreto Supremo* Nru 5037 tal-4 ta' Novembru 1960 tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni (*Ministerio del Interior*) u d-*Decreto con Fuerza de Ley* Nru 10 tat-30 ta' Jannar 1982 tal-Ministeru tat-Trasport u t-Telekomunikazzjonijiet (Ministerio de Transporte y Telecomunicaciones) jew is-suċċessuri tiegħu, l-Istat taċ-Ċilì jista' jeżerċita, permezz tal-Empresa de Correos de Chile, monopolju fuq l-ammissjoni, it-trasport u l-kunsinna ta' oġġetti postali (*objetos de correspondencia*). "Oġġetti postali" tfisser: ittri, kartolini sempliċi u mħallsa bil-posta, karti tan-negozju, bullettini u materjal stampat ta' kull tip, inkluż materjal stampat fil-Braille, kampjuni tal-merkanzija, pakketti żgħar sa kilogramma u servizz postali speċjali li jikkonsistu fir-reġistrazzjoni u t-twassil ta' messaġġi awdjo (*fonos postales*).
Servizzi internazzjonali tat-telekomunikazzjonijiet fuq distanzi twal	(1), (2) u (3): Xejn.
Servizzi u networks ta' telekomunikazzjoni bażiċi lokali, servizzi ta' telekomunikazzjoni intermedja, servizzi supplimentari ta' telekomunikazzjoni, u servizzi limitati ta' telekomunikazzjoni	(1), (2) u (3): Xejn.

[1] It-terminu "immaniġġar" jenħtieġ li jitqies li jinkludi l-ammissjoni (*admisión*), it-trasport (*trasporte*) u l-konsenja (*entrega*).
[2] "Oġġett postali" tirreferi għall-oġġetti mwassla minn kwalunkwe tip ta' operatur kummerċjali, kemm pubbliku kif ukoll privat.
[3] Pereżempju ittri u karti postali.
[4] Il-kotba u l-katalgi huma inklużi hawn taħt.
[5] Ġurnali, gazzetti u perjodiċi.
[6] Is-servizzi ta' konsenja express jistgħu jinkludu, minbarra veloċità u affidabbiltà akbar, elementi ta' valur miżjud bħall-ġbir mill-punt tal-oriġini, il-konsenja personali lid-destinatarju, it-traċċar, il-possibbiltà li tinbidel id-destinazzjoni u d-destinatarju waqt it-tranżitu jew il-konferma tar-riċevuta.

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
Servizzi ta' kostruzzjoni (CPC 511, 512, 513, 514, 515, 516, 517 u 518)	(1), (2) u (3): Mingħajr restrizzjonijiet.
Servizzi ta' aġenti tal-Kummissjoni (CPC 621)	(1), (2) u (3): Xejn.
Servizzi ta' negozju bl-ingrossa (CPC 622, 61111, 6113 u 6121)	(1), (2) u (3): Xejn.
Servizzi ta' bejgħ bl-imnut (CPC 632, 61111, 6113 u 6121)	(1), (2) u (3): Xejn.
Franchising (CPC 8929)	(1), (2) u (3): Xejn.
Servizzi ambjentali (CPC 940)	(1), (2) u (3): Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief għal servizzi ta' konsulenza.
Servizzi tal-edukazzjoni (CPC 92)	(1), (2) u (3): Mingħajr restrizzjonijiet.
Servizzi tas-saħħa — sptar, ambulanza, servizzi tas-saħħa residenzjali (CPC 93, 931 għajr 9312, parti minn 93191, 9311, 93192, 93193, 93199)	(1), (2) u (3): Mingħajr restrizzjonijiet.
Servizzi tas-saħħa u soċjali, inkluża l-assigurazzjoni tal-pensjoni	(1), (2) u (3): Mingħajr restrizzjonijiet.
Servizzi soċjali, inkluża l-assigurazzjoni tal-pensjoni	(1), (2) u (3): Mingħajr restrizzjonijiet.
Lukandi u ristoranti, inkluż il-forniment tal-ikel (CPC 641, 642 u 643)	(1), (2) u (3): Xejn.
Servizzi ta' aġenziji tal-ivvjaġġar u operaturi turistiċi (CPC 74710)	(1), (2) u (3): Xejn.
Servizzi ta' gwidi turistiċi (CPC 74720)	(1), (2) u (3): Xejn.

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
Servizzi ta' divertiment, inklużi teatru, baned live u servizzi taċ-ċirku (CPC 9619)	(1), (2) u (3): Xejn.
Il-libreriji, l-arkivji, il-mużewijiet u servizzi kulturali oħrajn (CPC 963)	(1), (2) u (3): Xejn.
Servizzi ta' divertiment, teatru, baned live u servizzi taċ-ċirku (CPC 9619, 964 għajr 96492)	(1), (2) u (3): Mingħajr restrizzjonijiet.
Servizzi ta' aġenziji tal-aħbarijiet (CPC 962)	(1), (2) u (3): Mingħajr restrizzjonijiet.
Servizzi ta' sport u rikreazzjoni oħra (CPC 9641)	(1), (2) u (3): Xejn, ħlief li tip speċifiku ta' entità legali jista' jkun meħtieġ għal organizzazzjonijiet sportivi li jiżviluppaw attivitajiet professjonali. Barra minn hekk, fuq bażi ta' trattament nazzjonali: (a) mhuwiex permess li wieħed jipparteċipa ma' aktar minn tim wieħed fl-istess kategorija ta' kompetizzjoni sportiva; (b) jistgħu jiġu stabbiliti regolamenti speċifiċi dwar is-sjieda ta' ekwità f'kumpaniji sportivi; u (c) jista' jiġi impost rekwiżit kapitali minimu.
Servizzi ta' logħob tal-azzard u mħatri (CPC 96492)	(1), (2) u (3): Mingħajr restrizzjonijiet.
Servizzi ta' rikreazzjoni oħrajn n.e. c. (CPC 96499)	(1), (2) u (3): Xejn.

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
Servizzi ta' trasport marittimu (CPC 721) Trasport tal-passiġġieri (CPC 7211) Trasport tal-merkanzija (CPC 7212). Kiri/lokazzoni ta' bastimenti inkluż l-ekwipaġġ (CPC 7223) Manutenzjoni u tiswija ta' bċejjeċ tal-ilma (CPC 8868) Servizzi ta' mbuttar u rmonkar (CPC 72140) Servizzi ta' appoġġ relatati mat-trasport marittimu (CPC 745) Servizzi ta' tagħbija u ħatt (CPC 741) Servizzi ta' ħżin u magażinaġġ (CPC 742)	(1) u (2): Xejn. (3): (a) Stabbiliment ta' kumpanija rreġistrata bl-għan li topera flotta taħt il-bandiera nazzjonali taċ-Ċilì: Mingħajr restrizzjonijiet. (b) Forom oħra ta' preżenza kummerċjali għall-provvista ta' servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali ([1]): Xejn.
Trasport fuq passaġġi tal-ilma interni (CPC 722)	(1), (2) u (3): Mingħajr restrizzjonijiet.
Trasport bil-ferrovija u servizzi awżiljarji għat-trasport bil-ferrovija	(1), (2) u (3): Mingħajr restrizzjonijiet.
Servizzi ta' trasport bit-triq: Trasport tal-merkanzija (CPC 7123).	(1), (2) u (3): Xejn.

([1]) "Forom oħrajn ta' preżenza kummerċjali għall-forniment ta' servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali" tfisser il-possibbiltà li fornituri ta' trasport marittimu internazzjonali tal-Parti l-oħra jwettqu lokalment l-attivitajiet kollha neċessarji sabiex ifornu lill-klijenti tagħhom b'servizz ta' trasport parzjalment jew totalment integrat li fi ħdanu t-trasport marittimu huwa element sostanzjali. Madankollu, dan l-impenn ma għandux jiġi interpretat bħala li jillimita bi kwalunkwe mod l-impenji meħuda skont il-mod ta' twassil transfruntier.
Dawn l-attivitajiet jinkludu, iżda mhumiex limitati għal:
(a) il-kummerċjalizzazzjoni u l-bejgħ ta' servizzi ta' trasport marittimu u servizzi relatati permezz ta' kuntatt dirett mal-klijenti, mill-kwotazzjoni sal-fatturazzjoni, operati jew offruti mill-fornitur tas-servizz innifsu jew minn fornituri ta' servizzi li magħhom il-bejjieġħ tas-servizz ikun stabbilixxa arranġamenti kummerċjali permanenti;
(b) l-akkwist, f'isimhom stess jew f'isem il-klijenti tagħhom (u l-bejgħ mill-ġdid lill-klijenti tagħhom) ta' kwalunkwe servizzi ta' trasport u servizzi relatati, inklużi servizzi ta' trasport 'il ġewwa b'kull mod, partikolarment il-passaġġi fuq l-ilma interni, it-trasport bit-triq u bil-ferrovija, meħtieġa għall-provvista tas-servizz integrat;
(c) it-tħejjija tad-dokumentazzjoni dwar id-dokumenti tat-trasport, id-dokumenti doganali, jew dokumenti oħrajn relatati mal-oriġini u l-karattru tal-oġġetti ttrasportati;
(d) il-forniment ta' informazzjoni kummerċjali bi kwalunkwe mezz, inklużi sistemi ta' informazzjoni kompjuterizzati u skambju ta' *data* elettronika (soġġetti għal dan il-Ftehim);
(e) it-twaqqif ta' kwalunkwe arranġament kummerċjali (inkluża l-parteċipazzjoni fl-istokk ta' kumpanija) u l-ħatra ta' persunal irreklutat lokalment (jew, fil-każ ta' persunal barrani, soġġetta għall-impenn orizzontali dwar il-moviment tal-persunal) ma' kwalunkwe aġenzija tat-tbaħħir stabbilita lokalment; u
(f) aġir f'isem il-kumpaniji, organizzar tas-sejħa tal-vapur jew teħid tal-merkanzija meta jkun hemm bżonn.

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
Servizzi ta' trasport bit-triq: Kiri ta' vetturi kummerċjali bl-operatur (CPC 71222 — Servizzi ta' kiri ta' karozzi tal-passiġġieri bl-operatur)	(1), (2) u (3): Xejn.
Servizzi ta' trasport bit-triq: Manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir tat-trasport bit-triq (CPC 6112 — Servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' vetturi bil-mutur)	(1), (2) u (3): Xejn.
Servizzi ta' trasport bit-triq: Servizzi ta' appoġġ għal servizzi ta' trasport bit-triq (CPC 7441 — Servizzi ta' stazzjon Bus)	(1), (2) u (3): Xejn.
Servizzi awżiljari għall-mezzi kollha tat-trasport: Servizzi ta' mmaniġġar tal-merkanzija (CPC 741)	(1), (2) u (3): Xejn.
Servizzi awżiljari għall-mezzi kollha tat-trasport: Servizzi ta' ħżin u magażinaġġ (CPC 742)	(1), (2) u (3): Xejn.
Servizzi awżiljari għall-mezzi kollha tat-trasport: Servizzi ta' aġenżija tat-trasport tal-merkanzija (CPC 748)	(1), (2) u (3): Xejn.
Trasport bil-pajpijiet: trasport ta' fjuwils u oġġetti oħra (CPC 7131)	(1), (2) u (3): Xejn, ħlief li s-servizz irid jiġi fornut minn persuni ġuridiċi stabbiliti skont il-liġi Ċilena u l-forniment tas-servizz jista' jkun soġġett għal konċessjoni fuq bażi ta' trattament nazzjonali.
Servizzi ta' tiswija u manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru.	(1) Mingħajr restrizzjonijiet. (2) u (3): Xejn.
Bejgħ u marketing ta' servizzi ta' trasport bl-ajru	(1), (2) u (3): Xejn.
Servizzi ta' sistemi kompjuterizzati ta' prenotazzjoni (CRS)	(1), (2) u (3): Xejn.
Servizzi ta' ġestjoni fuq l-art	(1), (2) u (3): Xejn.
Servizzi tal-ajru ta' speċjalità	(1), (2) u (3): Mingħajr restrizzjonijiet.

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq
It-trasport fl-ispazju u l-kiri ta' inġenji spazjali	(1), (2) u (3): Mingħajr restrizzjonijiet.

ANNESS 17-D

ESPROPRJAZZJONI

Il-Partijiet jikkonfermaw il-fehim komuni tagħhom li:

(a) . l-esproprjazzjoni skont l-Artikolu 17.19 tista' tkun jew diretta jew indiretta u:

(i) esproprjazzjoni diretta sseħħ jekk investiment jiġi nazzjonalizzat jew inkella esproprjat direttament permezz ta' trasferiment formali ta' titolu jew qbid dirett;

(ii) esproprjazzjoni indiretta tiġri meta miżura jew serje ta' miżuri ta' Parti jkollhom effett ekwivalenti għal esproprjazzjoni diretta, f'li dan sostanzjalment iċaħħad l-investitur mill-attribwiti fundamentali ta' proprjetà fl-investiment kopert tiegħu, inkluż id-dritt li juża, jgawdi u jiddisponi mill-investiment kopert tiegħu, mingħajr trasferiment formali ta' titolu jew qbid dirett.

(b) . id-determinazzjoni ta' jekk miżura jew serje ta' miżuri ta' Parti, f'sitwazzjoni speċifika, tikkostitwixxix esproprjazzjoni indiretta teħtieġ inkjesta każ b'każ, ibbażata fuq il-fatti li tqis, fost fatturi oħra:

(i) l-impatt ekonomiku tal-miżura jew serje ta' miżuri ta' Parti, għalkemm l-uniku fatt li miżura jew serje ta' miżuri ta' Parti għandhom effett negattiv fuq il-valur ekonomiku ta' investiment ma jistabbilixxix li seħħet esproprjazzjoni indiretta;

(ii) it-tul ta' żmien tal-miżura jew serje ta' miżuri ta' Parti; u

(iii) il-karattru tal-miżura jew serje ta' miżuri ta' Parti, inklużi l-għan, l-iskop u l-kuntest tagħhom.

(c) . għal aktar ċertezza, miżuri mhux diskriminatorji ta' Parti li huma mfassla u applikati biex jinkisbu objettivi leġittimi ta' politika, bħall-protezzjoni tas-saħħa pubblika, is-servizzi soċjali, l-edukazzjoni, is-sikurezza, l-ambjent, inkluż it-tibdil fil-klima, il-morali pubbliċi, il-protezzjoni soċjali jew tal-konsumatur, il-privatezza u l-protezzjoni tad-*data*, jew il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-diversità kulturali, ma jikkostitwixxux esproprjazzjonijiet indiretti, sakemm l-impatt ta' miżura jew serje ta' miżuri ma jkunx tant sever fid-dawl tal-għan tiegħu li jkun manifestament eċċessiv.

ANNESS 17-E

TRASFERIMENTI - IĊ-ĊILÌ [1]

1. Minkejja l-Artikolu 17.20, iċ-Ċilì jirriżerva d-dritt tal-Bank Ċentrali taċ-Ċilì (*Banco Central de Chile*) li jżomm jew jadotta miżuri f'konformità mal-Liġi 18.840, il-Liġi Organika Kostituzzjonali tal-Bank Ċentrali taċ-Ċilì (*Ley 18.840, Ley Orgánica Constitucional del Banco Central de Chile*), Digriet Amministrattiv Nº 3 tal-1997, Att Ġenerali dwar il-Banek *(Decreto con Fuerza de Ley Nru 3 de 1997, Ley General de Bancos)* u Liġi Nº 18.45, Liġi dwar is-Suq tat-Titoli *(Ley de Mercado de Valores Nru 18.045*), sabiex tiġi żgurata l-istabbiltà tal-munita u l-operat normali tal-pagamenti domestiċi u barranin. Tali miżuri jinkludu, fost l-oħrajn, l-istabbiliment ta' restrizzjonijiet jew limitazzjonijiet fuq pagamenti u trasferimenti kurrenti (movimenti ta' kapital) lejn jew miċ-Ċilì, kif ukoll tranżazzjonijiet relatati magħhom, bħar-rekwiżit li depożiti, investimenti jew krediti minn jew lejn pajjiż barrani, ikunu soġġetti għal rekwiżit ta' riżerva (encaje).

2. Minkejja l-paragrafu 1, ir-rekwiżit ta' riżerva li l-Bank Ċentrali taċ-Ċilì jista' japplika skont l-Artikolu 49 Nru 2 tal-Liġi 18.840, ma għandux jaqbeż it-30 % tal-ammont trasferit u ma għandux jiġi impost għal perjodu li jaqbeż is-sentejn.

[1] Għal aktar ċertezza dan l-Anness għandu japplika għal trasferimenti koperti mill-Artikolu 17.20 u mill-Kapitolu 27.

ANNESS 17-F

FTEHIMIET BEJN L-ISTATI MEMBRI U Ċ-ĊILÌ MSEMMIJA FL-Artikolu 17.23

1. Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ekonomika Belgo-Lussemburgiża u r-Repubblika taċ-Ċilì dwar il-Promozzjoni u l-Protezzjoni Reċiproka tal-Investimenti, magħmul fi Brussell fil-15 ta' Lulju 1992;
2. Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Ċeka u l-Gvern tar-Repubblika taċ-Ċilì dwar il-Promozzjoni u l-Protezzjoni Reċiproka tal-Investimenti, magħmul fi Praga fl-24 ta' April 1995;
3. Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju tad-Danimarka u l-Gvern tar-Repubblika taċ-Ċilì dwar il-Promozzjoni u l-Protezzjoni Reċiproka tal-Investimenti, magħmul f'Kopenħagen fit-28 ta' Mejju 1993;
4. It-Trattat bejn ir-Repubblika taċ-Ċilì u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja dwar il-Promozzjoni u l-Protezzjoni Reċiproka tal-Investimenti (*Vertrag zwischen der Bundesrepublik Deutschland und der Republik Chile über die Förderung und den gegenseitigen Schutz von Kapitalanlagen*), magħmul f'Santiago de Chile fil-21 ta' Ottubru 1991;
5. Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Ellenika u l-Gvern tar-Repubblika taċ-Ċilì dwar il-Promozzjoni u l-Protezzjoni Reċiproka tal-Investimenti, magħmul f'Ateni fl-10 ta' Lulju 1996;
6. Il-Ftehim bejn ir-Renju ta' Spanja u r-Repubblika taċ-Ċilì dwar il-Protezzjoni Reċiproka u l-Promozzjoni tal-Investimenti, magħmul f'Santiago de Chile fit-2 ta' Ottubru 1991;
7. Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Franza u l-Gvern tar-Repubblika taċ-Ċilì dwar il-Promozzjoni u l-Protezzjoni Reċiproka tal-Investimenti, magħmul f'Pariġi fl-4 ta' Lulju 1992;
8. Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Kroazja u l-Gvern tar-Repubblika taċ-Ċilì dwar il-Promozzjoni u l-Protezzjoni Reċiproka tal-Investimenti, magħmul f'Santiago de Chile fit-28 ta' Novembru 1994;
9. Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika taċ-Ċilì u l-Gvern tar-Repubblika Taljana dwar il-Promozzjoni u l-Protezzjoni tal-Investimenti, magħmul f'Santiago de Chile fit-8 ta' Marzu 1993;
10. Il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Awstrija u r-Repubblika taċ-Ċilì dwar il-Promozzjoni u l-Protezzjoni Reċiproka tal-Investimenti, magħmul f'Santiago de Chile fit-8 ta' Settembru 1997;
11. Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja u l-Gvern tar-Repubblika taċ-Ċilì dwar il-Promozzjoni u l-Protezzjoni Reċiproka tal-Investimenti, magħmul f'Varsavja fil-5 ta' Lulju 1995;
12. Il-Ftehim bejn ir-Repubblika Portugiża u r-Repubblika taċ-Ċilì dwar il-Promozzjoni u l-Protezzjoni Reċiproka tal-Investimenti, magħmul f'Liżbona fit-28 ta' April 1995;
13. Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Rumanija u l-Gvern tar-Repubblika taċ-Ċilì dwar il-Promozzjoni u l-Protezzjoni Reċiproka tal-Investimenti, magħmul f'Bukarest fl-4 ta' Lulju 1995;
14. Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Finlandja u l-Gvern tar-Repubblika taċ-Ċilì dwar il-Promozzjoni u l-Protezzjoni Reċiproka tal-Investimenti, magħmul f'Ħelsinki fis-27 ta' Mejju 1993;
15. Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju tal-Iżvezja u l-Gvern tar-Repubblika taċ-Ċilì dwar il-Promozzjoni u l-Protezzjoni Reċiproka tal-Investimenti, magħmul fi Stokkolma fl-24 ta' Mejju 1993.

ANNESS 17-G

DEJN PUBBLIKU

1. L-ebda pretensjoni li ristrutturar tad-dejn ta' Parti jikser obbligu skont it-Taqsima C tal-Kapitolu 17 ma tista' tiġi sottomessa lil, jew jekk diġà sottomessa, tiġi segwita skont it-Taqsima D ta' dak il-Kapitolu jekk ir-ristrutturar ikun ristrutturar innegozjat fil-ħin tas-sottomissjoni, jew isir ristrutturar innegozjat wara tali sottomissjoni.

2. Minkejja l-Artikolu 17.30, u soġġett għall-paragrafu 1 ta' dan l-Anness, investitur tal-Parti l-oħra ma jistax jissottometti pretensjoni skont it-Taqsima D tal-Kapitolu 17 li ristrutturar tad-dejn ta' Parti jikser l-Artikolu 17.9 jew 17.11 ([1]) jew obbligu skont it-Taqsima C tal-Kapitolu 17, sakemm ma jkunux għaddew 270 jum mid-data tas-sottomissjoni mill-applikant tat-talba bil-miktub għal konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 17.27.

3. Għall-finijiet ta' dan l-Anness:

(a) "ristrutturar innegozjat" tfisser ir-ristrutturar jew l-iskedar mill-ġdid tad-dejn ta' Parti li jkun sar permezz ta' (i) modifika jew emenda ta' strumenti ta' dejn, kif previst skont it-termini tagħhom, inkluża l-liġi regolatorja tagħhom, jew (ii) skambju ta' dejn jew proċess simili ieħor li fih id-detenturi ta' mhux inqas minn 66 % tal-ammont prinċipali aggregat tad-dejn pendenti soġġett għar-ristrutturar, eskluż id-dejn miżmum minn dik il-Parti jew minn entitajiet proprjetà tagħha jew ikkontrollati minnha, ikunu taw il-kunsens tagħhom għal tali skambju ta' dejn jew proċess ieħor;

(b) "liġi regolatorja ta' strument ta' dejn" tfisser il-qafas legali u regolatorju applikabbli għal strument ta' dejn.

4. Għal aktar ċertezza, "dejn ta' Parti" tinkludi, fil-każ tal-Parti tal-UE, id-dejn ta' gvern ta' Stat Membru fil-livell ċentrali, reġjonali jew lokali.

([1]) Għal aktar ċertezza, ksur tal-Artikolu 17.9 jew tal-Artikolu 17.11 ma jseħħx sempliċiment bis-saħħa ta' trattament differenti pprovdut minn Parti lil ċerti kategoriji ta' investituri jew investimenti għal raġunijiet ta' impatt makroekonomiku differenti, pereżempju biex jiġu evitati riskji sistemiċi jew effetti konsegwenzjali, jew għal raġunijiet ta' eliġibbiltà għar-ristrutturar tad-dejn.

ANNESS 17-H

MEKKANIŻMU TA' MEDJAZZJONI GĦAL TILWIM BEJN L-INVESTITUR U L-ISTAT

1. Bidu tal-proċedura

(a) Parti litiganti tista' titlob, fi kwalunkwe ħin, il-bidu ta' proċedura ta' medjazzjoni. Talba bħal din għandha tkun indirizzata lill-parti litiganti l-oħra bil-miktub. Jekk it-talba tkun tikkonċerna allegat ksur tad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 17.25 (1) mill-awtoritajiet tal-Parti tal-UE, u l-ebda konvenut ma jkun ġie ddeterminat skont l-Artikolu 17.28, tali talba għandha tiġi indirizzata lill-Unjoni Ewropea. Jekk it-talba tiġi aċċettata, it-tweġiba għandha tispeċifika jekk l-Unjoni Ewropea jew l-Istat Membru kkonċernat għandhomx ikunu parti fil-medjazzjoni ([1]).

(b) Il-parti litiganti li lilha tkun indirizzata din it-talba għandha tagħti konsiderazzjoni simpatetika lit-talba u taċċettaha jew tirrifjutaha bil-miktub fi żmien 20 jum ta' xogħol minn meta tirċeviha.

2. Regoli tal-proċedura ta' medjazzjoni

(a) Il-partijiet litiganti għandhom jagħmlu ħilithom biex jaslu għal soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku fi żmien 90 jum mill-ħatra tal-medjatur. Sakemm isir ftehim finali, il-partijiet litiganti jistgħu jikkonsidraw soluzzjonijiet interim possibbli.

(b) Is-soluzzjonijiet maqbula b'mod reċiproku għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku. Madankollu, il-verżjoni ddivulgata lill-pubbliku ma jista' jkun fiha l-ebda informazzjoni li parti litiganti tkun indikat bħala kunfidenzjali jew protetta.

3. Relazzjoni mas-soluzzjoni tat-tilwim

(a) Il-proċedura taħt dan il-mekkaniżmu ta' medjazzjoni mhijiex maħsuba biex isservi bħala bażi għal proċeduri ta' soluzzjoni ta' tilwim skont dan il-Ftehim jew kwalunkwe ftehim ieħor. Parti litiganti ma għandhiex tibbaża ruħha fuq, jew tintroduċi bħala evidenza, f'tali proċeduri ta' soluzzjoni ta' tilwim, u l-ebda entità aġġudikanti ma għandha tikkunsidra, dan li ġej:

(i) pożizzjonijiet meħuda minn parti litiganti matul il-proċedura ta' medjazzjoni;

(ii) il-fatt li parti litiganti indikat ir-rieda li taċċetta soluzzjoni għall-miżura suġġetta għal medjazzjoni; jew

(iii) pariri mogħtija jew proposti magħmula mill-medjatur.

(b) Il-mekkaniżmu ta' medjazzjoni huwa mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet u tal-partijiet litiganti skont it-Taqsima D tal-Kapitolu 17 u skont il-Kapitolu 38.

(c) Sakemm il-partijiet litiganti ma jaqblux mod ieħor, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 17.27, il-passi kollha tal-proċedura, inkluż kwalunkwe parir jew soluzzjoni proposta, għandhom ikunu kunfidenzjali. Il-parti involuta fil-medjazzjoni tista' tiddivulga lill-pubbliku li tkun qed isseħħ medjazzjoni.

([1]) Għal aktar ċertezza, fejn it-talba tikkonċerna ksur allegat mill-Unjoni Ewropea, il-parti fil-medjazzjoni għandha tkun l-Unjoni Ewropea u kwalunkwe Stat Membru kkonċernat għandu jkun assoċjat b'mod sħiħ fil-medjazzjoni. Fejn it-talba tikkonċerna esklussivament ksur allegat minn Stat Membru, il-parti għall-medjazzjoni għandha tkun l-Istat Membru kkonċernat, sakemm ma jitlobx li l-Unjoni Ewropea tkun parti.

ANNESS 17-I

KODIĊI TA' KONDOTTA GĦALL-IMĦALLFIN, IL-MEMBRI U L-MEDJATURI

1. Kamp ta' applikazzjoni

Dan il-Kodiċi ta' Kondotta japplika għal Imħalfin, Membri tat-Tribunal tal-Appell u Kandidati, u, *mutatis mutandis*, għall-medjaturi, skont it-Taqsima D tal-Kapitolu 17.

2. Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta:

(a) "Kandidat" tfisser persuna fiżika li tkun qed tiġi kkunsidrata għall-ħatra bħala Mħallef jew bħala Membru tat-Tribunal tal-Appell, iżda li tkun għadha ma ġietx ikkonfermata f'tali rwol;

(b) "komunikazzjoni *ex parte*" tfisser kwalunkwe komunikazzjoni minn Imħallef jew Membru tat-Tribunal tal-Appell ma' parti litiganti, mal-avukat, l-affiljat, is-sussidjarja jew persuna relatata oħra tagħha dwar proċedimenti quddiem it-Tribunal jew it-Tribunal tal-Appell, mingħajr il-preżenza jew l-għarfien tal-parti litiganti l-oħra jew tal-avukat tagħha;

(c) "Imħallef" tfisser persuna fiżika li tkun inħatret fit-Tribunal tal-prim' istanza; u

(d) "Membru tat-Tribunal tal-Appell" tfisser persuna fiżika li tkun inħatret fit-Tribunal tal-Appell.

3. Indipendenza u imparzjalità

(a) L-imħallfin u l-Membri tat-Tribunal tal-Appell għandhom ikunu indipendenti u imparzjali.

(b) L-obbligi skont is-subparagrafu (a) jinkludu dawn li ġejjin:

(i) li ma jkunx influwenzat mil-lealtà lejn parti litiganti jew kwalunkwe persuna jew entità oħra;

(ii) li ma jiħux struzzjonijiet minn ebda gvern jew organizzazzjoni jew persuna dwar kwalunkwe kwistjoni indirizzata fi proċedimenti quddiem it-Tribunal jew it-Tribunal tal-Appell;

(iii) li ma jkunx influwenzat minn xi relazzjoni finanzjarja, kummerċjali, professjonali jew personali tal-passat, tal-preżent jew prospettiva;

(iv) li ma jużax il-pożizzjoni tiegħu biex javvanza kwalunkwe interess finanzjarju jew personali li jista' jkollu f'parti litiganti jew fl-eżitu ta' proċedimenti quddiem it-Tribunal jew it-Tribunal tal-Appell;

(v) li ma jassumi l-ebda funzjoni u li ma jaċċetta l-ebda benefiċċju li jista' jinterferixxi mat-twettiq ta' dmirijietu; jew

(vi) li ma jieħu l-ebda azzjoni li toħloq dehra ta' nuqqas ta' indipendenza jew imparzjalità.

4. Limitu fuq rwoli multipli

(a) Imħallef jew Membru tat-Tribunal tal-Appell ma għandu jeżerċita l-ebda funzjoni politika jew amministrattiva. Imħallef jew Membru tat-Tribunal tal-Appell ma għandu jeżerċita l-ebda okkupazzjoni oħra ta' natura professjonali li tkun inkompatibbli mal-obbligu ta' indipendenza u imparzjalità, jew mat-talbiet tal-mandat. B'mod partikolari, Imħallef jew Membru tat-Tribunal tal-Appell ma għandux jaġixxi bħala avukat jew espert maħtur minn parti jew xhud fi proċediment ieħor f'konformità mal-Artikolu 17.36(1).

(b) Imħallef jew Membru tat-Tribunal tal-Appell għandu jiddikjara kwalunkwe funzjoni jew okkupazzjoni oħra lill-Kumitat Konġunt u lill-President tat-Tribunal jew lill-President tat-Tribunal tal-Appell, kif xieraq. Kwalunkwe kwistjoni li tirrigwarda s-subparagrafu (a) għandha tiġi riżolta mill-President tat-Tribunal jew mill-President tat-Tribunal tal-Appell.

(c) Ex Imħallef jew Membru tat-Tribunal tal-Appell ma għandu jiġi involut bl-ebda mod fi kwalunkwe proċedimenti quddiem it-Tribunal jew it-Tribunal tal-Appell, li kienu pendenti matul il-mandat ta' dak l-Imħallef jew Membru.

(d) Ex Imħallef jew Membru tat-Tribunal tal-Appell ma għandux jaġixxi bħala avukat, jew bħala espert jew xhud maħtur minn parti f'xi proċedimenti quddiem it-Tribunal jew it-Tribunal tal-Appell għal perjodu ta' tliet snin wara t-tmiem tal-mandat ta' dak l-Imħallef jew Membru.

5. Dmir ta' diliġenza

Imħallef jew Membru tat-Tribunal tal-Appell għandu jwettaq id-dmirijiet ta' dak l-uffiċċju b'diliġenza skont il-mandati tiegħu.

6. Integrità u kompetenza

(a) Imħallef jew Membru tat-Tribunal tal-Appell għandu:

(i) imexxi l-proċedimenti b'mod kompetenti u f'konformità ma' standards għoljin ta' integrità, ġustizzja u ċiviltà;

(ii) ikollu l-kompetenza u l-ħiliet meħtieġa u jagħmel l-isforzi raġonevoli kollha biex iżomm u jtejjeb l-għarfien, il-ħiliet u l-kwalitajiet meħtieġa biex iwettaq id-dmirijiet ta' dak l-uffiċċju; u

(iii) ma jiddelegax il-funzjoni tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

7. Komunikazzjoni *ex parte*

Il-Komunikazzjoni *ex parte* hija pprojbita, sakemm ma tkunx permessa mir-regoli applikabbli dwar is-soluzzjoni tat-tilwim.

8. Kunfidenzjalità

(a) Sakemm ma jkunx permess mir-regoli applikabbli dwar is-soluzzjoni tat-tilwim, Imħallef, Membru tat-Tribunal tal-Appell jew ex Imħallef jew Membru tat-Tribunal tal-Appell ma għandux:

(i) jiddivulga jew juża kwalunkwe informazzjoni dwar, jew miksuba b'rabta ma', proċedimenti quddiem it-Tribunal jew it-Tribunal tal-Appell;

(ii) jiddivulga kwalunkwe abbozz ta' deċiżjoni mħejji fi proċedimenti quddiem it-Tribunal jew it-Tribunal tal-Appell; jew

(iii) jiddivulga l-kontenut tad-deliberazzjonijiet fi proċedimenti quddiem it-Tribunal jew it-Tribunal tal-Appell.

(b) Sakemm ma jkunx permess mir-regoli applikabbli dwar is-soluzzjoni tat-tilwim, Imħallef jew Membru tat-Tribunal tal-Appell ma għandux jikkummenta dwar deċiżjoni mogħtija fi proċedimenti quddiem it-Tribunal jew it-Tribunal tal-Appell, u ex Imħallef jew Membru tat-Tribunal tal-Appell ma għandux jikkummenta dwar deċiżjoni mogħtija fi proċedimenti quddiem it-Tribunal jew it-Tribunal tal-Appell għal perjodu ta' tliet snin wara t-tmiem tal-mandat ta' dak l-Imħallef jew Membru.

(c) L-obbligi stabbiliti f'dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw jekk u sa fejn Imħallef jew Membru tat-Tribunal tal-Appell, jew ex Imħallef jew Membru tat-Tribunal tal-Appell, ikun legalment imġiegħel li jiddivulga l-informazzjoni f'qorti jew korp kompetenti ieħor jew jeħtieġ li jiddivulga tali informazzjoni sabiex jipproteġi jew isegwi d-drittijiet legali ta' dak l-Imħallef jew il-Membru jew fir-rigward ta' proċedimenti legali quddiem qorti jew korp kompetenti ieħor.

9. Obbligi ta' Divulgazzjoni

(a) Kandidat u Imħallef jew Membru tat-Tribunal tal-Appell għandhom jiddivulgaw kwalunkwe ċirkostanza li x'aktarx tagħti lok għal dubji ġustifikabbli dwar l-indipendenza jew l-imparzjalità ta' dak il-Kandidat, l-Imħallef jew il-Membru tat-Tribunal tal-Appell.

(b) Irrispettivament minn jekk ikunx meħtieġ skont is-subparagrafu (a), Kandidat għandu jiddivulga l-proċedimenti kollha li fihom dak il-Kandidat ikun attwalment jew kien involut fl-aħħar ħames snin bħala arbitru, konsulent, espert jew xhud.

(c) Irrispettivament minn jekk dan ikunx meħtieġ skont is-subparagrafu (a), l-informazzjoni li ġejja għandha tiġi ddivulgata minn Imħallef jew Membru tat-Tribunal tal-Appell fir-rigward ta' proċedimenti li fihom l-Imħallef jew il-Membru tat-Tribunal tal-Appell ikun qed jiddeċiedi jew ikun mistenni li jiddeċiedi:

(i) kwalunkwe relazzjoni finanzjarja, kummerċjali, professjonali jew personali mill-qrib fl-aħħar ħames snin ma':

(A) parti litiganti fil-proċedimenti;

(B) l-avukat ta' parti litiganti fil-proċedimenti;

(C) espert jew xhud fil-proċedimenti; jew

(D) kwalunkwe persuna jew entità identifikata minn parti litiganti bħala relatata, jew li għandha interess dirett jew indirett fl-eżitu tal-proċedimenti, inkluż finanzjatur minn parti terza; u

(ii) kwalunkwe interess finanzjarju jew personali fi:

(A) l-eżitu tal-proċedimenti;

(B) kwalunkwe proċedimenti oħra li jinvolvu l-istess miżura; jew

(C) kwalunkwe proċedimenti oħra li jinvolvu parti litiganti jew persuna jew entità identifikata minn parti litiganti bħala relatata.

(d) Għall-finijiet tas-subparagrafi (a), (b) u (c), Kandidat u Mħallef jew Membru tat-Tribunal tal-Appell għandhom jagħmlu l-isforzi raġonevoli kollha biex isiru jafu ċ-ċirkostanzi jew l-informazzjoni msemmija f'dawk is-subparagrafi.

(e) Kandidat għandu jagħmel id-divulgazzjoni lill-Kumitat Konġunt imsemmi f'dak il-paragrafu qabel il-konferma tal-ħatra ta' dak il-Kandidat bħala Mħallef jew Membru tat-Tribunal tal-Appell.

(f) Imħallef jew Membru tat-Tribunal tal-Appell għandu jagħmel id-divulgazzjoni skont ir-regoli applikabbli dwar is-soluzzjoni tat-tilwim, hekk kif dak l-Imħallef jew Membru tat-Tribunal tal-Appell isir jaf biċ-ċirkostanzi u l-informazzjoni msemmija fis-subparagrafi (a) u (c). Tali divulgazzjoni għandha ssir lill-President tat-Tribunal jew lill-President tat-Tribunal tal-Appell, kif xieraq. Imħallef jew Membru tat-Tribunal tal-Appell għandu jkollu dmir kontinwu li jagħmel divulgazzjoni ulterjuri abbażi ta' ċirkostanzi u informazzjoni ġodda jew li jkunu għadhom kif ġew skoperti.

(g) Kwalunkwe kandidat, Imħallef jew Membru tat-Tribunal tal-Appell għandhom jiddivulgaw jekk dak il-Kandidat, Imħallef jew Membru tat-Tribunal tal-Appell ikollu xi dubju dwar jekk għandhiex issir divulgazzjoni.

(h) Il-fatt ta' nuqqas ta' divulgazzjoni fih innifsu ma jistabbilixxix neċessarjament nuqqas ta' indipendenza jew imparzjalità.

10. Konformità mal-Kodiċi

Il-konformità ma' dan il-Kodiċi għandha tkun irregolata mir-regoli tat-Taqsima D tal-Kapitolu 17.

ANNESS 19-A

VIŻITATURI KUMMERĊJALI GĦAL SKOPIJIET TA' STABBILIMENT, ĦADDIEMA BI TRASFERIMENT INTRAAZJENDALI, INVESTITURI U VIŻITATURI KUMMERĊJALI SHORT-TERM

1. Kwalunkwe miżura eżistenti mhux konformi elenkata f'dan l-Anness tista' tinżamm, titkompla, tiġġedded minnufih, jew tiġi modifikata, sakemm il-modifika ma tnaqqasx il-konformità ta' tali miżura mal-Artikoli 19.3 u 19.4, kif kienet teżisti immedjatament qabel il-modifika.

2. L-Artikoli 19.3 u 19.4 ma japplikawx għal xi miżura eżistenti li ma tikkonformax elenkata f'dan l-Anness, sal-limitu tan-nuqqas ta' konformità.

3. Minbarra l-miżuri mhux konformi elenkati f'dan l-Anness, kull Parti tista' tadotta jew iżżomm miżura relatata mar-rekwiżiti tal-kwalifiki, mal-proċeduri ta' kwalifika, mal-istandards tekniċi, mar-rekwiżiti ta' liċenzjar jew mal-proċeduri ta' liċenzjar li ma tikkostitwixxix limitazzjoni skont it-tifsira tal-Artikoli 19.3 u 19.4. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu l-ħtieġa li tinkiseb liċenzja, li jinkiseb rikonoxximent tal-kwalifiki f'setturi regolati jew li wieħed jgħaddi minn eżamijiet speċifiċi, bħal eżamijiet tal-lingwa, biex jiġi ssodisfat rekwiżit ta' sħubija ta' professjoni partikolari, bħal sħubija f'organizzazzjoni professjonali, jew kwalunkwe rekwiżit nondiskriminatorju ieħor li taħtu ma jkunx permess li jitwettqu ċerti attivitajiet f'żoni jew żoni protetti. Għalkemm mhumiex elenkati f'dan l-Anness, dawn il-miżuri jibqgħu japplikaw.

4. L-iskedi fil-paragrafi 7 u 8 ta' dan l-Anness japplikaw biss għat-territorji tal-Parti tal-UE u taċ-Ċilì u skont l-Artikolu 41.2 u huma rilevanti biss fil-kuntest tar-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-Parti tal-UE u ċ-Ċilì. Dawk l-iskedi ma jaffettwawx id-drittijiet u l-obbligi tal-Istati Membri skont id-dritt tal-Unjoni.

5. Għal aktar ċertezza, l-obbligu tal-Parti tal-UE li tagħti trattament nazzjonali ma jinvolvix ir-rekwiżit li jiġi estiż għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi taċ-Ċilì t-trattament mogħti fi Stat Membru, skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jew għal kwalunkwe miżura adottata skont dak it-Trattat, inkluża l-implimentazzjoni tagħha fi Stat Membru, biex:

(a) persuni fiżiċi jew residenti ta' Stat Membru ieħor; jew

(b) persuni ġuridiċi kostitwiti jew organizzati skont il-liġi ta' Stat Membru ieħor jew tal-Unjoni Ewropea u li jkollhom l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom fil-Parti tal-UE.

6. It-taqsiriet li ġejjin jintużaw fil-paragrafi li jinsabu hawn taħt:

AT L-Awstrija

BE Il-Belġju

BG Il-Bulgarija

CY Ċipru

CZ Ir-Repubblika Ċeka

DE Il-Ġermanja

DK Id-Danimarka

EE L-Estonja

EL Il-Greċja

ES Spanja

L-UE L-Unjoni Ewropea, inkluż l-Istati Membri kollha tagħha

FI Il-Finlandja

FR Franza

HR Il-Kroazja

HU L-Ungerija

IE L-Irlanda

IT L-Italja

LT Il-Litwanja

LU Il-Lussemburgu

LV Il-Latvja

MT Malta

NL In-Netherlands

PL Il-Polonja

PT Il-Portugall

RO Ir-Rumanija

SE L-Iżvezja

SI Is-Slovenja

SK Is-Slovakkja

7. Il-miżuri mhux konformi tal-Parti tal-UE huma:

Viżitaturi kummerċjali għal skopijiet ta' stabbiliment

Is-setturi kollha	AT, CZ: Viżitatur kummerċjali għal finijiet ta' stabbiliment irid ikun jaħdem għal intrapriża li mhijiex organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ, jew: Mingħajr restrizzjonijiet. SK: Viżitatur kummerċjali għal finijiet ta' stabbiliment irid ikun jaħdem għal intrapriża li mhijiex organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ, jew: Mingħajr restrizzjonijiet. Permess tax-xogħol meħtieġ, inkluż it-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. CY: Tul permissibbli tas-soġġorn: sa 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 12-il xahar. Viżitatur kummerċjali għal finijiet ta' stabbiliment irid ikun jaħdem għal intrapriża li mhijiex organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ, jew: Mingħajr restrizzjonijiet.

Ħaddiema bi trasferiment intraazjendali

Is-setturi kollha	AT, CZ, SK: Ħaddiema bi trasferiment intraazjendali jeħtieġ li jiġu impjegati minn intrapriża li mhijiex organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ, inkella: Mingħajr restrizzjonijiet. FI: Persunal b'kariga għolja jrid jiġi impjegat minn intrapriża għajr organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ. HU: Persuni fiżiċi li kienu bi sħab f'intrapriża ma jikkwalifikawx biex jiġu trasferiti bħala ħaddiema bi trasferiment. Impjegati apprendisti AT, CZ, DE, FR, ES, HU, LT: It-taħriġ tal-impjegat apprendist irid ikun marbut mal-lawrja universitarja li tkun inkisbet.

Viżitaturi kummerċjali għal żmien qasir

Il-viżitaturi kummerċjali kollha għal żmien qasir	CY, DK, HR: Huwa meħtieġ permess tax-xogħol, inkluż it-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, f'każijiet fejn il-viżitatur kummerċjali għal perjodu limitat jipprovdi servizz. LV: Il-permess tax-xogħol huwa meħtieġ għal operazzjonijiet jew attivitajiet li jridu jitwettqu fuq il-bażi ta' kuntratt. MT: Permess tax-xogħol meħtieġ. Ma jsir l-ebda test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. SI: Huwa meħtieġ permess ta' residenza u ta' xogħol uniku għall-provvista ta' servizzi li teċċedi 14-il jum f'darba u għal ċerti attivitajiet (riċerka u disinn; seminars ta' taħriġ; xiri; tranżazzjonijiet kummerċjali; traduzzjoni u interpretazzjoni). Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi mhuwiex meħtieġ. SK: Fil-każ ta' forniment ta' servizz fit-territorju tas-Slovakkja, huwa meħtieġ permess tax-xogħol, inkluż test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, meta jinqabżu sebat ijiem f'xahar jew 30 jum f'sena kalendarja.
Installaturi u manteniturі	AT: Permess tax-xogħol meħtieġ, inkluż it-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. It-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi huwa rinunzjat għal persuni li jħarrġu ħaddiema biex jipprovdu servizzi u li jippossjedu għarfien speċjalizzat. CY: Huwa meħtieġ permess tax-xogħol għal aktar minn sebat ijiem f'xahar jew 30 jum f'sena kalendarja. CZ: Permess tax-xogħol huwa meħtieġ jekk ix-xogħol jaqbeż sebat ijiem kalendarji konsekuttivi jew total ta' 30 jum f'sena kalendarja. ES: Permess tax-xogħol meħtieġ. L-installaturi u ħaddiema tat-tiswija u l-manutenzjoni għandhom ikunu impjegati bħala tali mill-persuna ġuridika li tforni l-oġġett jew is-servizz jew minn intrapriża li hija membru tal-istess grupp bħall-persuna ġuridika oriġinarja għal mill-inqas tliet xhur immedjatament qabel id-data tas-sottomissjoni ta' applikazzjoni għad-dħul u għandu jkollhom mill-inqas tliet snin ta' esperjenza professjonali rilevanti, jekk applikabbli, miksuba wara l-età maġġuri. FI: Skont l-attività, jista' jkun meħtieġ permess ta' residenza. SE: Il-permess tax-xogħol huwa meħtieġ, ħlief għal (i) persuni fiżiċi li jieħdu sehem f'taħriġ, ittestjar, preparazzjoni jew tlestija tal-konsenji, jew attivitajiet simili fil-qafas ta' tranżazzjoni kummerċjali, jew (ii) fitters jew għalliema tekniċi b'rabta ma' installazzjoni jew tiswija urġenti ta' makkinarju għal massimu ta' xahrejn, fil-kuntest ta' emerġenza. L-ebda test tal-ħtiġijiet ekonomiċi mhu meħtieġ.

Investituri

Is-setturi kollha:	AT: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. CY: Soġġorn massimu ta' 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' sitt xhur. CZ, SK: Permess tax-xogħol, inkluż test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, meħtieġ f'każ ta' investituri li jkunu impjegati minn intrapriża. DK: Soġġorn massimu ta' 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' sitt xhur. Jekk l-investituri jkunu jixtiequ jistabbilixxu negozju fid-Danimarka bħala persuni li jaħdmu għal rashom, huwa meħtieġ permess tax-xogħol. FI: L-investituri jridu jkunu impjegati minn intrapriża li mhijiex organizzazzjoni mhux għal skop ta' qligħ, f'pożizzjoni ta' maniġment superjuri jew medju.

	HU: Tul massimu tas-soġġorn ta' 90 jum jekk l-investitur ma jkunx impjegat minn intrapriża fl-Ungerija. Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi meħtieġ jekk l-investitur ikun impjegat minn intrapriża fl-Ungerija. IT: It-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi meħtieġ jekk l-investitur ma jkunx impjegat minn intrapriża. LT, NL, PL: Il-kategorija ta' investituri mhijiex rikonoxxuta fir-rigward ta' persuni fiżiċi li jirrappreżentaw lill-investitur. LV: Għall-fażi ta' qabel l-investiment, it-tul massimu tas-soġġorn huwa limitat għal 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' sitt xhur. Estensjoni fil-fażi ta' wara l-investiment għal sena, soġġetta għal kriterji fil-leġiżlazzjoni nazzjonali bħall-qasam u l-ammont ta' investiment li jkun sar. SE: Permess tax-xogħol ikun meħtieġ jekk l-investitur ikun meqjus impjegat.

8. Il-miżuri mhux konformi taċ-Ċilì huma:

Viżitaturi kummerċjali għal skopijiet ta' stabbiliment

Is-setturi kollha	Xejn

Ħaddiema bi trasferiment intraazjendali

Is-setturi kollha	Xejn

Viżitaturi kummerċjali għal żmien qasir

Is-setturi kollha	Xejn

Investituri:

Is-setturi kollha	Xejn

L-attivitajiet li l-viżitaturi kummerċjali għal żmien qasir tal-Parti tal-UE jitħallew jinvolvu ruħhom fihom, dment li l-post prinċipali tan-negozju tagħhom, il-post attwali tar-remunerazzjoni u l-post predominanti tal-akkumulazzjoni tal-profitti jibqgħu barra miċ-Ċilì, huma:

(a) l-attendenza ta' laqgħat jew konferenzi, jew l-involviment f'konsultazzjonijiet ma' kollegi tan-negozju;

(b) it-teħid ta' ordnijiet minn jew in-negozjar ta' kuntratti ma' intrapriża li tinsab fiċ-Ċilì iżda li ma tbigħx oġġetti jew ma tipprovdix servizzi lill-pubbliku ġenerali;

(c) it-twettiq ta' konsultazzjonijiet kummerċjali dwar l-istabbiliment, l-espansjoni jew l-istralċ ta' intrapriża jew investiment fiċ-Ċilì; jew

(d) l-installazzjoni, it-tiswija jew il-manutenzjoni ta' tagħmir jew makkinarju, it-twettiq ta' servizzi jew it-taħriġ tal-ħaddiema biex iwettqu servizzi, skont garanzija jew kuntratt ta' servizz ieħor inċidentali għall-bejgħ jew il-kiri ta' tali tagħmir jew makkinarju, matul il-ħajja tal-garanzija jew tal-ftehim ta' servizz.

ANNESS 19-B

FORNITURI TA' SERVIZZI KUNTRATTWALI U PROFESSJONISTI INDIPENDENTI

1. Kull Parti għandha tippermetti l-provvista ta' servizzi fit-territorju tagħha minn fornituri ta' servizzi kuntrattwali jew professjonisti indipendenti tal-Parti l-oħra permezz tal-preżenza ta' persuni fiżiċi, f'konformità mal-Artikolu 19.5, għas-setturi elenkati f'dan l-Anness u soġġett għal-limitazzjonijiet rilevanti.

2. Il-listi fil-paragrafi 11 u 12 huma magħmula mill-elementi li ġejjin:

(a) l-ewwel kolonna li tindika s-settur jew is-subsettur li għalih il-kategorija ta' fornituri ta' servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti hija liberalizzata; u

(b) it-tieni kolonna tiddeskrivi l-limitazzjonijiet applikabbli.

3. Minbarra l-lista ta' riżervi f'dan l-Anness, kull Parti tista' tadotta jew iżżomm miżura marbuta mar-rekwiżiti għall-kwalifiki, il-proċeduri tal-kwalifiki, l-istandards tekniċi, ir-rekwiżiti ta' liċenzjar jew proċeduri ta' liċenzjar li ma tikkostitwixxix limitazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 19.5. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu l-ħtieġa li tinkiseb liċenzja, li jinkiseb rikonoxximent tal-kwalifiki f'setturi regolati jew li wieħed jgħaddi minn eżamijiet speċifiċi, bħal eżamijiet tal-lingwa, biex jiġi ssodisfat rekwiżit ta' sħubija ta' professjoni partikolari, bħal sħubija f'organizzazzjoni professjonali, jew kwalunkwe rekwiżit nondiskriminatorju ieħor li taħtu ma jkunx permess li jitwettqu ċerti attivitajiet f'żoni jew żoni protetti. Għalkemmmhumiex elenkati f'dan l-Anness, dawn il-miżuri jibqgħu japplikaw.

4. Il-partijiet ma jieħdu l-ebda impenn għal fornituri ta' servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti f'attivitajiet ekonomiċi li mhumiex elenkati f'dan l-Anness.

5. Fis-setturi fejn jiġu applikati testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi, il-kriterji ewlenin tagħhom se jkunu l-valutazzjoni ta':

(a) għaċ-Ċilì, is-sitwazzjoni tas-suq rilevanti fiċ-Ċilì; u

(b) għall-parti tal-UE, is-sitwazzjoni tas-suq rilevanti fl-Istat Membru jew fir-reġjun fejn għandu jiġi pprovdut is-servizz, inkluż fir-rigward tan-numru ta', u l-impatt fuq, il-fornituri tas-servizzi li diġà qed jipprovdu servizz meta ssir il-valutazzjoni.

6. L-iskedi fil-paragrafi 11 sa 12 ta' dan l-Anness japplikaw biss għat-territorji taċ-Ċilì u l-Parti tal-UE skont l-Artikolu 41.2 u huma rilevanti biss fil-kuntest tar-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-Parti tal-UE u ċ-Ċilì. Dawn l-Iskedi ma jaffettwawx id-drittijiet u l-obbligi tal-Istati Membri skont id-dritt tal-Unjoni.

7. Għal aktar ċertezza, l-obbligu tal-Parti tal-UE li tagħti trattament nazzjonali ma jinvolvix ir-rekwiżit li jiġi estiż għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi taċ-Ċilì t-trattament mogħti fi Stat Membru, skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jew skont kwalunkwe miżura adottata skont dak it-Trattat, inkluża l-implimentazzjoni tagħhom fi Stat Membru, biex:

(a) persuni fiżiċi jew residenti ta' Stat Membru ieħor; jew

(b) persuni ġuridiċi kostitwiti jew organizzati skont il-liġi ta' Stat Membru ieħor jew tal-Unjoni Ewropea u li jkollhom l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom fil-Parti tal-UE.

8. It-taqsiriet li ġejjin jintużaw fil-lista li tinsab hawn taħt:

AT L-Awstrija

BE Il-Belġju

BG Il-Bulgarija

CY Ċipru

CZ Ir-Repubblika Ċeka

DE Il-Ġermanja

DK Id-Danimarka

EE L-Estonja

EL Il-Greċja

ES Spanja

L-UE L-Unjoni Ewropea, inkluż l-Istati Membri kollha tagħha

FI Il-Finlandja

FR Franza

HR Il-Kroazja

HU L-Ungerija

IE L-Irlanda

IT L-Italja

LT Il-Litwanja

LU Il-Lussemburgu

LV Il-Latvja

MT Malta

NL In-Netherlands

PL Il-Polonja

PT Il-Portugall

RO Ir-Rumanija

SE L-Iżvezja

SI Is-Slovenja

SK Is-Slovakkja

CSS Fornituri ta' Servizzi Kuntrattwali

IP Professjonisti Indipendenti

Fornituri ta' Servizzi Kuntrattwali

9. Soġġett għal-lista ta' riżervi fil-paragrafi 11 u 12 ta' dan l-Anness, il-Partijiet jieħdu impenji skont l-Artikolu 19.5 fir-rigward tal-fornituri ta' servizzi kuntrattwali fis-setturi jew is-subsetturi li ġejjin:

(a) Servizzi legali għal pariri legali fir-rigward tal-liġi pubblika internazzjonali u l-liġi tal-ġuriżdizzjoni domestika;

(b) Servizzi tal-kontabbiltà u taż-żamma tal-kotba;

(c) Servizzi ta' konsulenza dwar it-tassazzjoni;

(d) Servizzi arkitettoniċi u ppjanar urban u servizzi ta' arkitettura tal-pajsaġġ;

(e) Servizzi ta' inġinerija u servizzi ta' inġinerija integrata;

(f) Servizzi mediċi u dentali;

(g) Servizzi veterinarji;

(h) Servizzi ta' qwiebel;

(i) Servizzi pprovduti minn infermiera, fiżjoterapisti u persunal paramediku;

(j) Servizzi tal-kompjuter u servizzi relatati;

(k) Servizzi ta' riċerka u żvilupp;

(l) Servizzi ta' reklamar;

(m) Riċerka tas-suq u stħarriġ tal-opinjonijiet;

(n) Servizzi ta' konsulenza maniġerjali;

(o) Servizzi relatati mal-konsulenza maniġerjali;

(p) Servizzi ta' ttestjar u analiżi tekniċi;

(q) Servizzi relatati ta' konsulenza xjentifika u teknika;

(r) Tħaffir fil-minjieri;

(s) Manutenzjoni u tiswija ta' bastimenti;

(t) Manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir tat-trasport bil-ferrovija;

(u) Manutenzjoni u tiswija ta' vetturi bil-mutur, muturi, vetturi tas-silġ (snowmobiles) u tagħmir tat-trasport bit-triq;

(v) Manutenzjoni u tiswija ta' inġenji tal-ajru u parts tagħhom;

(w) Manutenzjoni u tiswija ta' prodotti tal-metall, ta' makkinarju (mhux tal-uffiċċju), ta' tagħmir (mhux tat-trasport u mhux tal-uffiċċju) u ta' oġġetti personali u tad-dar;

(x) Servizzi ta' traduzzjoni u ta' interpretazzjoni;

(y) Servizzi tat-telekomunikazzjoni;

(z) Servizzi postali u ta' kurrier;

(aa) Kostruzzjoni u servizzi ta' inġinerija relatati;

(bb) Xogħol ta' investigazzjoni ta' siti;

(cc) Servizzi ta' edukazzjoni għolja;

(dd) Servizzi relatati mal-agrikoltura, il-kaċċa u l-forestrija;

(ee) Servizzi ambjentali;

(ff) Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni (servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni);

(gg) Servizzi finanzjarji oħra (servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni);

(hh) Servizzi finanzjarji oħra elenkati fl-Anness 25 — għaċ-Ċilì biss;

(ii) Servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni dwar it-trasport;

(jj) Servizzi ta' aġenziji tal-ivvjaġġar u operaturi turistiċi;

(kk) Servizzi ta' gwidi turistiċi;

(ll) Servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni dwar il-manifattura.

Professjonisti Indipendenti

10. Soġġett għal-lista ta' riżervi fil-paragrafi 11 u 12 ta' dan l-Anness, il-Partijiet jieħdu impenji skont l-Artikolu 19.5 fir-rigward ta' professjonisti indipendenti fis-setturi jew is-subsetturi li ġejjin:

(a) Servizzi legali għal pariri legali fir-rigward tal-liġi pubblika internazzjonali u l-liġi tal-ġuriżdizzjoni domestika;

(b) Servizzi arkitettoniċi u ppjanar urban u servizzi ta' arkitettura tal-pajsaġġ;

(c) Servizzi ta' inġinerija u servizzi ta' inġinerija integrata;

(d) Servizzi tal-kompjuter u servizzi relatati;

(e) Servizzi ta' riċerka u żvilupp;

(f) Riċerka tas-suq u stħarriġ tal-opinjonijiet;

(g) Servizzi ta' konsulenza maniġerjali;

(h) Servizzi relatati mal-konsulenza maniġerjali;

(i) Thaffir fil-minjieri;

(j) Servizzi ta' traduzzjoni u ta' interpretazzjoni;

(k) Servizzi tat-telekomunikazzjoni;

(l) Servizzi postali u ta' kurjer

(m) Servizzi ta' edukazzjoni għolja;

(n) Servizzi relatati mal-assigurazzjoni (servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni);

(o) Servizzi finanzjarji oħra (servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni);

(p) Servizzi finanzjarji oħra elenkati fl-Anness 25 — għaċ-Ċilì biss;

(q) Servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni dwar it-trasport;

(r) Servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni dwar il-manifattura.

11. Ir-riżervi tal-Parti tal-UE huma:

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
Is-setturi kollha	CSS: L-UE: L-għadd ta' persuni koperti mill-kuntratt ta' servizz ma għandux ikun akbar milli meħtieġ biex jiġi ssodisfat il-kuntratt, kif jista' jkun meħtieġ mil-liġijiet u r-regolamenti tal-Parti fejn jiġi pprovdut is-servizz.
Servizzi legali għal pariri legali fir-rigward tal-liġi pubblika internazzjonali u l-liġi tal-ġuriżdizzjoni domestika (parti minn CPC 861)	CSS: F'AT, BE, CY, DE, EE, EL, ES, FR, HR, IE, IT, LU, NL, PL, PT, SE: Xejn. F'BG, CZ, DK, FI, HU, LT, LV, MT, RO, SI, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. IP: F'AT, CY, DE, EE, FR, HR, IE, LU, LV, NL, PL, PT, SE: Xejn. F'BE, BG, CZ, DK, EL, ES, FI, HU, IT, LT, MT, RO, SI, SK: Testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi.
Servizzi ta' kontabilità u żamma tal-kotba (CPC 86212 minbarra "servizzi tal-awditjar", 86213, 86219 u 86220)	CSS: F'AT, BE, DE, EE, ES, HR, IE, IT, LU, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. F'BG, CZ, CY, DK, EL, FI, FR, HU, LT, LV, MT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. IP: L-UE: Mingħajr restrizzjonijiet.
Servizzi ta' konsulenza dwar it-tassazzjoni (CPC 863) [1]	CSS: F'AT, BE, DE, EE, ES, FR, HR, IE, IT, LU, NL, PL, SI, SE: Xejn. F'BG, CZ, CY, DK, EL, FI, HU, LT, LV, MT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. F'PT: Mingħajr restrizzjonijiet. IP: L-UE: Mingħajr restrizzjonijiet.

[1] Ma tinkludix pariri legali u rappreżentanza legali dwar kwistjonijiet ta' taxxa, li huma koperti taħt servizzi legali fir-rigward tad-dritt internazzjonali pubbliku u l-liġi tal-ġuriżdizzjoni domestika.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
Servizzi arkitettoniċi u ppjanar urban u servizzi arkitettoniċi tal-pajsaġġ (CPC 8671 u 8674)	CSS: F'BE, CY, EE, ES, EL, FR, HR, IE, IT, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. F'FI: Xejn, ħlief: Il-persuna fiżika trid turi li għandha għarfien speċjali rilevanti għas-servizz li jkun qed jiġi pprovdut. F'BG, CZ, DE, HU, LT, LV, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. f'DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal soġġorni CSS sa tliet xhur. F'AT: Servizzi ta' ppjanar biss, fejn: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. IP: F'CY, DE, EE, EL, FR, HR, IE, LU, LV, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. F'FI: Xejn, ħlief: Il-persuna fiżika trid turi li għandha għarfien speċjali rilevanti għas-servizz li jkun qed jiġi pprovdut. F'BE, BG, CZ, DK, ES, HU, IT, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. F'AT: Servizzi ta' ppjanar biss, fejn: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.
Servizzi ta' inġinerija u servizzi ta' inġinerija integrata (CPC 8672 u 8673)	CSS: F'BE, CY, EE, ES, EL, FR, HR, IE, IT, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. F'FI: Xejn, ħlief: Il-persuna fiżika trid turi li għandha għarfien rilevanti għas-servizz li jkun qed jiġi pprovdut. F'BG, CZ, DE, HU, LT, LV, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. f'DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal soġġorni CSS sa tliet xhur. F'AT: Servizzi ta' ppjanar biss, fejn: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. IP: F'CY, DE, EE, EL, FR, HR, IE, LU, LV, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. F'FI: Xejn, ħlief: Il-persuna fiżika trid turi li għandha għarfien rilevanti għas-servizz li jkun qed jiġi pprovdut. F'BE, BG, CZ, DK, ES, HU, IT, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. F'AT: Servizzi ta' ppjanar biss, fejn: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.
Servizzi mediċi (inklużi psikologi) u dentali (CPC 9312 u parti minn 85201)	CSS: F'SE: Xejn. F'CY, CZ, DE, DK, EE, ES, IE, IT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SI: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. F'FR: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal psikologi, fejn: Mingħajr restrizzjonijiet. F'AT: Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief għal servizzi ta' psikologi u dentali, fejn: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. F'BE, BG, EL, FI, HR, HU, LT, LV, SK: Mingħajr restrizzjonijiet. IP: L-UE: Mingħajr restrizzjonijiet.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
Servizzi veterinarji (CPC 932)	CSS: F'SE: Xejn. F'CY, CZ, DE, DK, EE, EL, ES, FI, FR, IE, IT, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SI: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. F'AT, BE, BG, HR, HU, LV, SK: Mingħajr restrizzjonijiet. IP: L-UE: Mingħajr restrizzjonijiet.
Servizzi ta' qwiebel (parti minn CPC 93191)	CSS: Fl-IE, il-SE: Xejn. F'AT, CY, CZ, DE, DK, EE, EL, ES, FR, IT, LT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SI: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. F'BE, BG, FI, HR, HU, SK: Mingħajr restrizzjonijiet. IP: L-UE: Mingħajr restrizzjonijiet.
Servizzi pprovduti minn infermiera, fiżjoterapisti u persunal paramediku (parti minn CPC 93191)	CSS: Fl-IE, il-SE: Xejn. F'AT, CY, CZ, DE, DK, EE, EL, ES, FR, IT, LT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SI: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. F'BE, BG, FI, HR, HU, SK: Mingħajr restrizzjonijiet. IP: L-UE: Mingħajr restrizzjonijiet.
Servizzi tal-kompjuter u servizzi relatati (CPC 84)	CSS: F'BE, DE, EE, EL, ES, FR, HR, IE, IT, LU, LV, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. F'FI: Xejn, ħlief: Il-persuna fiżika trid turi li għandha għarfien speċjali rilevanti għas-servizz li jkun qed jiġi pprovdut. F'AT, BG, CZ, CY, HU, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. f'DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal soġġorni CSS sa tliet xhur. IP: F'DE, EE, EL, FR, IE, LU, LV, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. F'FI: Xejn, ħlief: Il-persuna fiżika trid turi li għandha għarfien speċjali rilevanti għas-servizz li jkun qed jiġi pprovdut. F'AT, BE, BG, CZ, CY, DK, ES, HU, IT, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. F'HR: Mingħajr restrizzjonijiet.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
Servizzi ta' riċerka u żvilupp (CPC 851, 852 esklużi servizzi ta' psikologi [1]), u 853)	CSS: L-UE ħlief f'NL, SE: Huwa meħtieġ ftehim ta' akkoljenza ma' organizzazzjoni ta' riċerka approvata [2]. L-UE ħlief f'CZ, DK, SK: Xejn. F'CZ, DK, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. IP: L-UE ħlief f'NL, SE: Huwa meħtieġ ftehim ta' akkoljenza ma' organizzazzjoni ta' riċerka approvata [3]. L-UE ħlief f'BE, CZ, DK, IT, SK: Xejn. F'BE, CZ, DK, IT, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.
Servizzi ta' reklamar (CPC 871)	CSS: F'BE, DE, EE, ES, FR, HR, IE, IT, LU, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. F'AT, BG, CZ, CY, DK, EL, FI, HU, LT, LV, MT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. IP: L-UE: Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief NL. F'NL: Xejn.
Servizzi ta' riċerka tas-suq u stħarriġ tal-opinjoni pubblika (CPC 864)	CSS: F'BE, DE, EE, ES, FR, IE, IT, LU, NL, PL, SE: Xejn. F'AT, BG, CZ, CY, DK, EL, FI, HR, LV, MT, RO, SI, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. F'PT: Xejn, ħlief servizzi ta' stħarriġ tal-opinjoni pubblika (CPC 86402), fejn: Mingħajr restrizzjonijiet. F'HU, LT: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal servizzi ta' stħarriġ tal-opinjoni pubblika (CPC 86402), fejn: Mingħajr restrizzjonijiet. IP: F'DE, EE, FR, IE, LU, NL, PL, SE: Xejn. F'AT, BE, BG, CZ, CY, DK, EL, ES, FI, HR, IT, LV, MT, RO, SI, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. F'PT: Xejn, ħlief servizzi ta' stħarriġ tal-opinjoni pubblika (CPC 86402), fejn: Mingħajr restrizzjonijiet. F'HU, LT: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal servizzi ta' stħarriġ tal-opinjoni pubblika (CPC 86402), fejn: Mingħajr restrizzjonijiet.

(1) Parti minn CPC 85201, li taqa' taħt servizzi mediċi u dentali.

(2) Għall-Istati Membri kollha ħlief DK, l-approvazzjoni tal-organizzazzjoni ta' riċerka u l-ftehim ta' akkoljenza jridu jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti skont id-Direttiva (UE) 2016/801 tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka, studji, taħriġ, servizz volontarju, skemi ta' skambju ta' skulari jew proġetti edukattivi u au pairing (ĠU UE L 132, 21.5.2016, p. 21)..

(3) Għall-Istati Membri kollha ħlief DK, l-approvazzjoni tal-organizzazzjoni ta' riċerka u l-ftehim ta' akkoljenza jridu jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti skont id-Direttiva (UE) 2016/801.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
Servizzi ta' konsulenza dwar l-immaniġġar (CPC 865)	CSS: F'BE, DE, EE, EL, ES, FI, FR, HR, IE, IT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. F'AT, BG, CZ, CY, HU, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. f'DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal soġġorni CSS sa tliet xhur. IP: F'CY, DE, EE, EL, FI, FR, IE, LV, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. F'AT, BE, BG, CZ, DK, ES, HR, HU, IT, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.
Servizzi relatati mal-konsulenza dwar il-ġestjoni (CPC 866)	CSS: F'BE, DE, EE, EL, ES, FI, FR, HR, IE, IT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. F'AT, BG, CZ, CY, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. f'DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal soġġorni CSS sa tliet xhur. F'HU: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal servizzi tal-arbitraġġ u ta' konċiljazzjoni (CPC 86602), fejn: Mingħajr restrizzjonijiet. IP: F'CY, DE, EE, EL, FI, FR, IE, LV, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. F'AT, BE, BG, CZ, DK, ES, HR, IT, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. F'HU: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal servizzi tal-arbitraġġ u ta' konċiljazzjoni (CPC 86602), fejn: Mingħajr restrizzjonijiet.
Servizzi ta' ttestjar tekniku u analiżi (CPC 8676)	CSS: F'BE, DE, EE, EL, ES, FR, HR, IE, IT, LU, NL, PL, SI, SE: Xejn. F'AT, BG, CZ, CY, FI, HU, LT, LV, MT, PT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. f'DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal soġġorni CSS sa tliet xhur. IP: L-UE: Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief NL. F'NL: Xejn.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
Servizzi relatati ta' konsulenza xjentifika u teknika (CPC 8675)	CSS: F'BE, EE, EL, ES, HR, IE, IT, LU, NL, PL, SI, SE: Xejn. F'AT, CZ,CY, DE, DK, FI, HU, LT, LV, MT, PT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. F'DE: Xejn, ħlief għal servejers maħtura pubblikament, fejn: Mingħajr restrizzjonijiet. F'FR: Xejn, ħlief għal operazzjonijiet ta' "stħarriġ" relatati mal-istabbiliment ta' drittijiet tal-proprjetà u l-liġi tal-artijiet, fejn: Mingħajr restrizzjonijiet. F'BG: Mingħajr restrizzjonijiet. IP: L-UE: Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief NL. F'NL: Xejn.
Xogħol fil-minjieri (CPC 883, servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni biss)	CSS: F'BE, DE, EE, EL, ES, FI, FR, HR, IE, IT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. F'AT, BG, CZ,CY, HU, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. f'DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal soġġorni CSS sa tliet xhur. IP: F'DE, EE, EL, FI, FR, HR, IE, LV, LU, MT, NL, PT, SI, SE: Xejn. F'AT, BE, BG, CZ, CY, DK, ES, HU, IT, LT, PL, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.
Manutenzjoni u tiswija ta' bastimenti (parti minn CPC 8868)	CSS: F'BE, EE, EL, ES, FR, HR, IT, LV, LU, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. F'AT, BG, CZ, CY, DE, DK, FI, HU, IE, LT, MT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. IP: L-UE: Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief NL. F'NL: Xejn.
Manutenzjoni u tiswija ta' apparat tat-trasport bil-ferrovija (parti minn CPC 8868)	CSS: F'BE, EE, EL, ES, FR, HR, IT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. F'AT, BG, CZ, CY, DE, DK, FI, HU, IE, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. IP: L-UE: Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief NL. F'NL: Xejn.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
Manutenzjoni u tiswija ta' vetturi bil-mutur, muturi, snowmobiles u tagħmir tat-trasport bit-triq (CPC 6112, 6122, parti minn 8867 u parti minn 8868)	CSS: F'BE, EE, EL, ES, FR, HR, IT, LV, LU, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. F'AT, BG, CZ, CY, DE, DK, FI, HU, IE, LT, MT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. IP: L-UE: Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief NL. F'NL: Xejn.
Manutenzjoni u tiswija ta' ajruplani u parts tagħhom (parti minn CPC 8868)	CSS: F'BE, EE, EL, ES, FR, HR, IT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. F'AT, BG, CZ, CY, DE, DK, FI, HU, IE, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. IP: L-UE: Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief NL. F'NL: Xejn.
Manutenzjoni u tiswija ta' prodotti tal-metall, ta' makkinarju (mhux-tal-uffiċċju), ta' tagħmir (mhux-tat-trasport u mhux-tal-uffiċċju) u ta' oġġetti personali u tad-dar [1] (CPC 633, 7545, 8861, 8862, 8864, 8865 u 8866)	CSS: F'BE, EE, EL, ES, FR, HR, IT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. F'AT, BG, CZ, CY, DE, DK, HU, IE, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. F'FI: Bla restrizzjoni, ħlief fil-kuntest ta' kuntratt ta' wara l-bejgħ jew ta' wara l-kiri għal manutenzjoni u tiswija ta' oġġetti personali u tad-dar (CPC 633): Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. IP: L-UE: Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief NL. F'NL: Xejn.
Servizzi ta' traduzzjoni u interpretazzjoni (CPC 87905, minbarra attivitajiet uffiċjali jew iċċertifikati)	CSS: F'BE, CY, DE, EE, EL, ES, FR, HR, IT, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. F'AT, BG, CZ, DK, FI, HU, IE, LT, LV, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. IP: F'CY, DE, EE, FR, LU, LV, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. F'AT, BE, BG, CZ, DK, EL, ES, FI, HU, IE, IT, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. F'HR: Mingħajr restrizzjonijiet.

[1] Servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' makkinarju u tagħmir tal-uffiċċji inklużi kompjuters (CPC 845) jinsabu taħt servizzi tal-kompjuters.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
Servizzi tat-telekomunikazzjoni (CPC 7544, servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni biss)	CSS: F'BE, DE, EE, EL, ES, FI, FR, HR, IE, IT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. F'AT, BG, CZ, CY, HU, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. f'DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal soġġorni CSS sa tliet xhur. IP: F'DE, EE, EL, FI, FR, HR, IE, LV, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. F'AT, BE, BG, CZ, CY, DK, ES, HU, IT, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.
Servizzi postali u ta' kurrier (CPC 751, servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni biss)	CSS: F'BE, DE, EE, EL, ES, FR, HR, IE, IT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. F'AT, BG, CZ, CY, FI, HU, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. f'DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal soġġorni CSS sa tliet xhur. IP: F'DE, EE, EL, FR, HR, IE, LV, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. F'AT, BE, BG, CZ, CY, DK, ES, FI, HU, IT, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.
Kostruzzjoni u servizzi ta' inġinerija relatati (CPC 511, 512, 513, 514, 515, 516, 517 u 518. BG: CPC 512, 5131, 5132, 5135, 514, 5161, 5162, 51641, 51643, 51644, 5165 u 517)	CSS: L-UE: Mingħajr restrizzjonijiet f'BE, CZ, DK, ES, NL u SE. F'BE, DK, ES, NL, SE: Xejn. F'CZ: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. IP: L-UE: Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief NL. F'NL: Xejn.
Xogħol ta' investigazzjoni tas-sit (CPC 5111)	CSS: F'BE, DE, EE, EL, ES, FR, HR, IE, IT, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. F'AT, BG, CZ, CY, FI, HU, LT, LV, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. f'DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal soġġorni CSS sa tliet xhur. IP: L-UE: Mingħajr restrizzjonijiet.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
Servizzi ta' edukazzjoni oġħla (CPC 923)	CSS: L-UE ħlief LU, SE: Mingħajr restrizzjonijiet. F'LU: Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief għal professuri tal-università, fejn: Xejn. F'SE: Xejn, ħlief għal fornituri ta' servizzi edukattivi ffinanzjati pubblikament u privatament b'xi forma ta' appoġġ mill-Istat, fejn: Mingħajr restrizzjonijiet. IP: EU ħlief fil-SE: Mingħajr restrizzjonijiet. F'SE: Xejn, ħlief għal fornituri ta' servizzi edukattivi ffinanzjati pubblikament u privatament b'xi forma ta' appoġġ mill-Istat, fejn: Mingħajr restrizzjonijiet.
Servizzi relatati mal-agrikoltura, il-kaċċa u l-forestrija (CPC 881, servizzi ta' konsulenza u konsulenza biss)	CSS: L-UE ħlief f'BE, DE, DK, ES, FI, HR u SE: Mingħajr restrizzjonijiet. F'BE, DE, ES, HR, SE: Xejn. f'DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. F'FI: Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief għal servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni relatati mal-forestrija, fejn: Xejn. IP: L-UE: Mingħajr restrizzjonijiet.
Servizzi ambjentali (CPC 9401, 9402, 9403, 9404, parti minn 94060, 9405, parti minn 9406 u 9409)	CSS: F'BE, EE, ES, FI, FR, HR, IE, IT, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. F'AT, BG, CZ, CY, DE, DK, EL, HU, LT, LV, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. IP: L-UE: Mingħajr restrizzjonijiet.
Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni (servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni biss)	CSS: F'BE, DE, EE, EL, ES, FR, HR, IE, IT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. F'AT, BG, CZ,CY, FI, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. f'DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal soġġorni CSS sa tliet xhur. F'HU: Mingħajr restrizzjonijiet. IP: F'DE, EE, EL, FR, HR, IE, LV, LU, MT, NL, PT, SI, SE: Xejn. F'AT, BE, BG, CZ, CY, DK, ES, FI, IT, LT, PL, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. F'HU: Mingħajr restrizzjonijiet.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
Servizzi finanzjarji oħra (servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni biss)	CSS: F'BE, DE, ES, EE, EL, FR, HR, IE, IT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. F'AT, BG, CZ, CY, FI, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. f'DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal soġġorni CSS sa tliet xhur. F'HU: Mingħajr restrizzjonijiet. IP: F'DE, EE, EL, FR, HR, IE, LV, LU, MT, NL, PT, SI, SE: Xejn. F'AT, BE, BG, CZ, CY, DK, ES, FI, IT, LT, PL, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. F'HU: Mingħajr restrizzjonijiet.
Trasport (CPC 71, 72, 73, u 74, servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni biss)	CSS: F'DE, EE, EL, ES, FI, FR, HR, IE, IT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. F'AT, BG, CZ, CY, HU, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. f'DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal soġġorni CSS sa tliet xhur. F'BE: Mingħajr restrizzjonijiet. IP: F'CY, DE, EE, EL, FI, FR, HR, IE, LV, LU, MT, NL, PT, SI, SE: Xejn. F'AT, BG, CZ, DK, ES, HU, IT, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. F'PL: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għat-trasport bl-ajru, fejn: Xejn. F'BE: Mingħajr restrizzjonijiet.
Servizzi ta' aġenziji tal-ivvjaġġar u operaturi turistiċi (inklużi maniġers tat-tours [1]) (CPC 7471)	CSS: F'AT, CY, CZ, DE, EE, ES, FR, HR, IT, LU, NL, PL, SI, SE: Xejn. F'BG, EL, FI, HU, LT, LV, MT, PT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. f'DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal soġġorni CSS sa tliet xhur. F'BE, IE: Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief għall-maniġers tal-vjaġġi, fejn: Xejn. IP: L-UE: Mingħajr restrizzjonijiet.

[1] Fornituri ta' servizzi li l-funzjoni tagħhom hija li jakkumpanjaw grupp turistiku ta' mill-inqas għaxar persuni fiżiċi, mingħajr ma jaġixxu bħala gwidi f'postijiet speċifiċi.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
Servizzi ta' gwidi turistiċi (CPC 7472)	CSS: F'NL, PT, SE: Xejn. F'AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, EE, FI, FR, EL, HU, IE, IT, LV, LU, MT, RO, SK, SI: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. F'ES, HR, LT, PL: Mingħajr restrizzjonijiet. IP: L-UE: Mingħajr restrizzjonijiet.
Manifattura (CPC 884, u 885, servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni biss)	CSS: F'BE, DE, EE, EL, ES, FI, FR, HR, IE, IT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. F'AT, BG, CZ, CY, HU, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. f'DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal soġġorni CSS sa tliet xhur. IP: F'DE, EE, EL, FI, FR, HR, IE, LV, LU, MT, NL, PT, SI, SE: Xejn. F'AT, BE, BG, CZ, CY, DK, ES, HU, IT, LT, PL, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.

12. Ir-riżervi taċ-Ċilì huma:

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
Servizzi legali għal pariri legali fir-rigward tal-liġi pubblika internazzjonali u l-liġi tal-ġuriżdizzjoni domestika (parti minn CPC 861)	Xejn.
Servizzi ta' kontabilità u żamma tal-kotba (CPC 86212 minbarra "servizzi tal-awditjar", 86213, 86219 u 86220)	Xejn.
Servizzi ta' konsulenza dwar it-tassazzjoni (CPC 863) [1]	Xejn.
Servizzi arkitettoniċi u ppjanar urban u servizzi arkitettoniċi tal-pajsaġġ (CPC 8671 u 8674)	Xejn.
Servizzi ta' inġinerija u servizzi ta' inġinerija integrata (CPC 8672 u 8673)	Xejn.
Servizzi mediċi (inklużi psikologi) u dentali (CPC 9312 u parti minn 85201)	Xejn.
Servizzi veterinarji (CPC 932)	Xejn.
Servizzi ta' qwiebel (parti minn CPC 93191)	Xejn.

[1] Ma tinkludix pariri legali u rappreżentanza legali dwar kwistjonijiet ta' taxxa, li huma koperti taħt servizzi legali fir-rigward tad-dritt internazzjonali pubbliku u l-liġi tal-ġuriżdizzjoni domestika.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
Servizzi pprovduti minn infermiera, fiżjoterapisti u persunal paramediku (parti minn CPC 93191)	Xejn.
Servizzi tal-kompjuter u servizzi relatati (CPC 84)	Xejn.
Servizzi ta' riċerka u żvilupp (CPC 851, 852 eskluż servizzi ta' psikologi [1], u 853)	Xejn.
Servizzi ta' reklamar (CPC 871)	Xejn.
Servizzi ta' riċerka tas-suq u stħarriġ tal-opinjoni pubblika (CPC 864)	Xejn.
Servizzi ta' konsulenza dwar l-immaniġġar (CPC 865)	Xejn.
Servizzi relatati mal-konsulenza dwar il-ġestjoni (CPC 866)	Xejn.
Servizzi ta' ttestjar tekniku u analiżi (CPC 8676)	Xejn.
Servizzi relatati ta' konsulenza xjentifika u teknika (CPC 8675)	Xejn.
Xogħol fil-minjieri (CPC 883, servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni biss)	Xejn.
Manutenzjoni u tiswija ta' bastimenti (parti minn CPC 8868)	Xejn.
Manutenzjoni u tiswija ta' apparat tat-trasport bil-ferrovija (parti minn CPC 8868)	Xejn.
Manutenzjoni u tiswija ta' vetturi bil-mutur, muturi, snowmobiles u tagħmir tat-trasport bit-triq (CPC 6112, 6122, parti minn 8867 u parti minn 8868)	Xejn.
Manutenzjoni u tiswija ta' ajruplani u parts tagħhom (parti minn CPC 8868)	Xejn.
Manutenzjoni u tiswija ta' prodotti tal-metall, ta' makkinarju (mhux-tal-uffiċċju), ta' tagħmir (mhux-tat-trasport u mhux-tal-uffiċċju) u ta' oġġetti personali u tad-dar [2] (CPC 633, 7545, 8861, 8862, 8864, 8865 u 8866)	Xejn.
Servizzi ta' traduzzjoni u interpretazzjoni (CPC 87905, minbarra attivitajiet uffiċjali jew iċċertifikati)	Xejn.
Servizzi tat-telekomunikazzjoni (CPC 7544, servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni biss)	Xejn.
Servizzi postali u ta' kurrier (CPC 751, servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni biss)	Xejn.

(1) Parti minn CPC 85201, li taqa' taħt servizzi mediċi u dentali.
(2) Servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' makkinarju u tagħmir tal-uffiċċji inklużi kompjuters (CPC 845) jinsabu taħt servizzi tal-kompjuters.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
Kostruzzjoni u servizzi ta' inġinerija relatati (CPC 511, 512, 513, 514, 515, 516, 517 u 518. BG: CPC 512, 5131, 5132, 5135, 514, 5161, 5162, 51641, 51643, 51644, 5165 u 517)	Xejn.
Xogħol ta' investigazzjoni tas-sit (CPC 5111)	Xejn.
Servizzi ta' edukazzjoni ogħla (CPC 923)	Xejn.
Agrikoltura, kaċċa u forestrija (CPC 881, servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni biss)	Xejn.
Servizzi ambjentali (CPC 9401, 9402, 9403, 9404, parti minn 94060, 9405, parti minn 9406 u 9409)	Xejn.
Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni (servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni biss)	Xejn.
Servizzi finanzjarji oħra (servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni biss)	Xejn.
Servizzi finanzjarji oħra (elenkati fit-taqsima B tal-Appendiċi 25–2)	Xejn.
Trasport (CPC 71, 72, 73, u 74, servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni biss)	Xejn.
Aġenziji tal-ivvjaġġar u servizzi ta' operaturi tat-tours (inkluzi l-maniġers tat-tours ([1])) (CPC 7471)	Xejn.
Servizzi ta' gwidi turistiċi (CPC 7472)	Xejn.
Manifattura (CPC 884, u 885, servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni biss)	Xejn.

([1]) Fornituri ta' servizzi li l-funzjoni tagħhom hija li jakkumpanjaw grupp turistiku ta' mill-inqas 10 persuni fiżiċi, mingħajr ma jaġixxu bħala gwidi f'postijiet speċifiċi.

ANNESS 19-C

MOVIMENT TA' PERSUNI FIŻIĊI GĦAL SKOPIJIET TA' NEGOZJU

Impenji proċedurali relatati mad-dħul u mas-soġġorn temporanju

1. Il-partijiet jenħtieġ li jiżguraw li l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għad-dħul u s-soġġorn temporanju skont l-impenji rispettivi tagħhom fil-Parti III ta' dan il-Ftehim isegwi prattika amministrattiva tajba. Għal dak l-għan:

(a) kull Parti għandha tiżgura li t-tariffi imposti mill-awtoritajiet kompetenti għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għad-dħul u s-soġġorn temporanju ma jfixklux jew idewmu bla bżonn il-kummerċ fis-servizzi skont il-Parti III ta' dan il-Ftehim;

(b) soġġett għad-diskrezzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, id-dokumenti meħtieġa minn applikant għall-għoti ta' dħul u soġġorn temporanju ta' viżitaturi għal żmien qasir għal skopijiet ta' negozju jenħtieġ li jkunu proporzjonati mal-għan li għalih jingħabru;

(c) applikazzjonijiet kompluti għall-għoti ta' dħul u soġġorn temporanju għandhom jiġu pproċessati malajr kemm jista' jkun;

(d) l-awtoritajiet kompetenti ta' Parti għandhom jagħmlu ħilithom biex jipprovdu, mingħajr dewmien żejjed, informazzjoni bi tweġiba għal kwalunkwe talba raġonevoli minn applikant dwar l-istatus ta' applikazzjoni għal dħul u soġġorn temporanju;

(e) jekk l-awtoritajiet kompetenti ta' Parti jeħtieġu informazzjoni addizzjonali mill-applikant sabiex jipproċessaw l-applikazzjoni għad-dħul u s-soġġorn temporanju, dawk l-awtoritajiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jinnotifikaw, mingħajr dewmien żejjed, lill-applikant dwar dan;

(f) l-awtoritajiet kompetenti ta' kull Parti għandhom jinnotifikaw lill-applikant dwar l-eżitu tal-applikazzjoni għad-dħul u għas-soġġorn temporanju minnufih wara li tkun ittieħdet deċiżjoni;

(g) jekk l-applikazzjoni għad-dħul u s-soġġorn temporanju tiġi approvata, l-awtoritajiet kompetenti ta' kull Parti għandhom jinnotifikaw lill-applikant dwar il-perjodu tas-soġġorn u termini u kundizzjonijiet rilevanti oħra;

(h) jekk l-applikazzjoni għal dħul u soġġorn temporanju tiġi miċħuda, l-awtoritajiet kompetenti ta' Parti għandhom, fuq talba tal-applikant jew fuq inizjattiva tagħhom stess, jagħmlu disponibbli lill-applikant informazzjoni dwar kwalunkwe proċedura ta' rieżami u appell disponibbli;

(i) kull Parti għandha tagħmel ħilitha sabiex taċċetta u tipproċessa l-applikazzjonijiet f'format elettroniku.

2. L-impenji proċedurali addizzjonali li ġejjin japplikaw għal ħaddiema bi trasferiment intraazjendali u l-membri tal-familja tagħhom ([1]):

(a) l-awtoritajiet kompetenti ta' kull Parti għandhom jadottaw deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għad-dħul jew is-soġġorn temporanju ta' ħaddiem bi trasferiment intraazjendali jew it-tiġdid tagħha u jinnotifikaw dik id-deċiżjoni lill-applikant, f'konformità mal-proċeduri ta' notifika skont il-liġi nazzjonali, malajr kemm jista' jkun iżda mhux aktar tard minn 90 jum mid-data li fiha tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni kompluta;

(b) jekk l-informazzjoni jew id-dokumentazzjoni pprovduta b'appoġġ għall-applikazzjoni għad-dħul jew għas-soġġorn temporanju ta' ħaddiem bi trasferiment intraazjendali jew it-tiġdid tagħha ma tkunx kompluta, l-awtoritajiet kompetenti ta' Parti għandhom jinnotifikaw lill-applikant, f'perjodu ta' żmien raġonevoli, bl-informazzjoni addizzjonali li tkun meħtieġa u jistabbilixxu skadenza raġonevoli biex din tiġi pprovduta; il-perjodu ta' żmien imsemmi fis-subparagrafu (a) għandu jiġi sospiż sakemm l-awtoritajiet kompetenti jkunu rċevew l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa;

(c) il-parti tal-UE għandha testendi għall-membri tal-familja ta' persuni fiżiċi taċ-Ċilì li huma ħaddiema bi trasferiment intraazjendali fil-Parti tal-UE, id-dritt ta' dħul u soġġorn temporanju mogħti lill-membri tal-familja ta' ħaddiem bi trasferiment intraazjendali skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva dwar l-ICT;

([1]) Is-subparagrafi (a), (b) u (c) ma japplikawx għall-Istati Membri li mhumiex soġġetti għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/66/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-kondizzjonijiet għad-dħul u r-residenza ta' ċittadini ta' pajjiż terz fil-qafas ta' trasferiment intra-azjendali (ĠU UE L 157, 27.5.2014, p. 1) ("id-Direttiva dwar l-ICT").

(d) Iċ-Ċilì għandu jagħti lill-membri tal-familja ta' persuni fiżiċi tal-Parti tal-UE li jkunu viżitaturi kummerċjali għal skopijiet ta' stabbiliment, investituri, ħaddiema bi trasferiment intraazjendali, fornituri ta' servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti, viża bħala dipendenti, li ma tippermettix lil tali membri tal-familja jwettqu attivitajiet remunerati fiċ-Ċilì; madankollu, familja dipendenti tista' titħalla twettaq attività remunerata fiċ-Ċilì b'applikazzjoni separata, skont il-Parti III ta' dan il-Ftehim jew ir-regoli ġenerali dwar l-immigrazzjoni, għall-viża tagħha stess bħala mhux dipendenti; tali applikazzjoni tista' tiġi sottomessa u pproċessata fiċ-Ċilì.

Kooperazzjoni dwar ir-ritorn u r-riammissjoni

3. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-moviment imtejjeb ta' persuni fiżiċi li jsegwi mid-dispożizzjonijiet talparagrafi 1 u 2 jeħtieġ kooperazzjoni sħiħa dwar ir-ritorn u r-riammissjoni ta' persuni fiżiċi li ma jissodisfawx, jew li ma għadhomx jissodisfaw, il-kundizzjonijiet għad-dħul, il-preżenza jew ir-residenza fit-territorju tal-Parti l-oħra.

4. Għall-fini tal-paragrafu 3, Parti tista' tissospendi l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 jekk tivvaluta li l-Parti l-oħra ma tosservax l-obbligu tagħha skont id-dritt internazzjonali li taċċetta mill-ġdid liċ-ċittadini tagħha mingħajr kundizzjonijiet. Il-partijiet jaffermaw mill-ġdid il-fehim tagħhom li tali valutazzjoni mhijiex soġġetta għal rieżami skont il-Kapitolu 38.

ANNESS 21-A

LINJI GWIDA GĦALL-ARRANĠAMENTI DWAR IR-RIKONOXXIMENT TAL-KWALIFIKI PROFESSJONALI

TAQSIMA A

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

1. Dan l-Anness fih linji gwida għall-arranġamenti dwar il-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali ("arranġamenti"), kif stabbilit fl-Artikolu 21.1.

2. Skont dak l-Artikolu, dawn il-linji gwida għandhom jitqiesu fl-iżvilupp ta' rakkomandazzjonijiet konġunti minn korpi jew awtoritajiet professjonali tal-Partijiet ("rakkomandazzjonijiet konġunti").

3. Dawn il-linji gwida mhumiex vinkolanti, mhumiex eżawrjenti u ma jimmodifikawx jew ma jaffettwawx id-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont il-Parti III ta' dan il-Ftehim. Huma jistabbilixxu l-kontenut tipiku tal-arranġamenti, u jipprovdu indikazzjonijiet ġenerali dwar il-valur ekonomiku ta' arranġament u l-kompatibbiltà tas-sistemi tal-kwalifiki professjonali rispettivi.

4. Uħud mill-elementi ta' dawn il-linji gwida jistgħu ma jkunux rilevanti fil-każijiet kollha u l-korpi u l-awtoritajiet professjonali huma liberi li jinkludu fir-rakkomandazzjonijiet konġunti tagħhom kwalunkwe element ieħor li huma jqisu pertinenti għall-arranġamenti tal-professjoni u l-attivitajiet professjonali kkonċernati, f'konformitàmal-Parti III ta' dan il-Ftehim.

5. Dawn il-linji gwida jenħtieġ li jitqiesu mill-Kunsill Konġunt meta jiddeċiedi jekk jiżviluppax u jadottax arranġamenti. Huma mingħajr preġudizzju għar-rieżami tiegħu tal-konsistenza tar-rakkomandazzjonijiet konġunti mal-Parti III ta' dan il-Ftehim u d-diskrezzjoni tiegħu li jqis l-elementi li jqis rilevanti, inklużi dawk li jinsabu fir-rakkomandazzjonijiet konġunti.

TAQSIMA B

FORMA U KONTENUT TA' ARRANĠAMENT

6. Din it-Taqsima tistabbilixxi l-kontenut tipiku ta' arranġament, li parti minnu mhijiex fil-kompetenza tal-korpi jew l-awtoritajiet professjonali li jħejju rakkomandazzjonijiet konġunti. Madankollu, dak il-kontenut jikkostitwixxi informazzjoni utli li għandha titqies fit-tħejjija tar-rakkomandazzjonijiet konġunti, sabiex ikunu adattati aħjar għall-kamp ta' applikazzjoni possibbli ta' arranġament.

7. Kwistjonijiet indirizzati speċifikament fil-Parti III ta' dan il-Ftehim li japplikaw għal arranġamenti, bħall-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku ta' arranġament; l-interazzjoni tiegħu ma' miżuri skedati mhux konformi; is-sistema ta' soluzzjoni tat-tilwim; jew il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u ta' rieżami tal-arranġament, jenħtieġ li ma jiġux indirizzati permezz ta' rakkomandazzjonijiet konġunti.

8. Arranġament jista' jispeċifika mekkaniżmi differenti għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali f'Parti. Jista' jkun limitat ukoll għall-istabbiliment tal-kamp ta' applikazzjoni tal-arranġament, id-dispożizzjonijiet proċedurali, l-effetti tar-rikonoxximent u r-rekwiżiti addizzjonali, u l-arranġamenti amministrattivi.

9. Arranġament li jiġi adottat mill-Kunsill Konġunt jenħtieġ li jirrifletti l-grad ta' diskrezzjoni li huwa maħsub li jiġi ppreservat għall-awtoritajiet kompetenti li jiddeċiedu dwar ir-rikonoxximent.

Kamp ta' applikazzjoni ta' arranġament

10. Arranġament jenħtieġ li jistabbilixxi:

(a) il-professjoni jew professjonijiet regolati speċifiċi, it-titolu jew it-titoli professjonali rilevanti u l-attività jew il-grupp ta' attivitajiet koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tal-prattika tal-professjoni regolata fil-Partijiet ("kamp ta' applikazzjoni tal-prattika"); u

(b) jekk tkoprix ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali għall-finijiet tal-aċċess għal attivitajiet professjonali fuq bażi ta' żmien determinat jew indefinit.

Kundizzjonijiet għar-rikonoxximent

11. Arranġament jista' jispeċifika b'mod partikolari:

(a) il-kwalifiki professjonali meħtieġa għar-rikonoxximent skont l-arranġament, pereżempju, evidenza ta' kwalifika formali, esperjenza professjonali, jew attestazzjoni oħra ta' kompetenza;

(b) il-grad ta' diskrezzjoni ppreservat mill-awtoritajiet tar-rikonoxximent meta jivvalutaw it-talbiet għar-rikonoxximent ta' dawn il-kwalifiki; u

(c) il-proċeduri biex jiġu indirizzati l-varjazzjonijiet u l-lakuni bejn il-kwalifiki professjonali u l-mezzi biex jitnaqqsu d-differenzi, inkluża l-possibbiltà għall-impożizzjoni ta' kwalunkwe miżura kompensatorja jew kwalunkwe kundizzjoni u limitazzjoni rilevanti oħra.

Dispożizzjonijiet proċedurali

12. Arranġament jista' jistabbilixxi:

(a) id-dokumenti meħtieġa u l-forma li biha għandhom jiġu ppreżentati, pereżempju, b'mezzi elettroniċi jew b'mezzi oħra, jew jekk għandhomx ikunu appoġġati bi traduzzjonijiet jew ċertifikazzjonijiet ta' awtenticità;

(b) il-passi u l-proċeduri fil-proċess ta' rikonoxximent, inklużi dawk relatati ma' miżuri kompensatorji possibbli, obbligi korrispondenti u skedi ta' żmien; u

(c) id-disponibbiltà ta' informazzjoni rilevanti għall-aspetti kollha tal-proċessi u r-rekwiżiti ta' rikonoxximent.

Effetti ta' rikonoxximent u rekwiżiti addizzjonali

13. Arranġament jista' jistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar l-effetti tar-rikonoxximent u, jekk rilevanti, anke fir-rigward ta' modi differenti ta' provvista.

14. Arranġament jista' jiddeskrivi kwalunkwe rekwiżit addizzjonali għall-eżerċizzju effettiv ta' professjoni regolata fil-Parti ospitanti. Dawn ir-rekwiżiti jistgħu jinkludu:

(a) rekwiżiti ta' reġistrazzjoni mal-awtoritajiet lokali;

(b) ħiliet lingwistiċi xierqa;

(c) prova ta' karattru tajjeb;

(d) konformità mar-rekwiżiti tal-Parti ospitanti għall-użu ta' ismijiet kummerċjali jew ta' ditti;

(e) il-konformità mar-regoli tal-etika, l-indipendenza u r-rekwiżiti ta' kondotta professjonali tal-Parti ospitanti;

(f) il-ħtieġa li tinkiseb assigurazzjoni ta' indennizz professjonali;

(g) regoli dwar azzjoni dixxiplinarja, responsabbiltà finanzjarja u responsabbiltà professjonali; u

(h) rekwiżiti għal żvilupp professjonali kontinwu.

Amministrazzjoni tal-arranġament

15. Arranġament għandu jistabbilixxi t-termini li taħthom jista' jiġi rivedut jew revokat, u l-effetti ta' kwalunkwe reviżjoni jew revoka. Tista' tingħata kunsiderazzjoni wkoll għall-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-effetti ta' kwalunkwe rikonoxximent mogħti qabel.

TAQSIMA C

VALUR EKONOMIKU TA' ARRANĠAMENT PREVIST

16. Skont is-subparagrafu (a) tal-Artikolu 21.1(2), ir-rakkomandazzjonijiet konġunti għandhom ikunu appoġġati minn valutazzjoni bbażata fuq l-evidenza tal-valur ekonomiku ta' arranġament previst. Tali valutazzjoni tista' jikkonsisti f'evalwazzjoni tal-benefiċċji ekonomiċi li arranġament huwa mistenni li jġib għall-ekonomiji taż-żewġ Partijiet u tista' tgħin lill-Kunsill Konġunt fl-iżvilupp u l-adozzjoni ta' arranġament.

17. Aspetti bħal-livell eżistenti ta' ftuħ tas-suq, il-ħtiġijiet tal-industrija, ix-xejriet u l-iżviluppi tas-suq, l-aspettattivi u r-rekwiżiti tal-klijenti u l-opportunitajiet tan-negozju jikkostitwixxu elementi utli għall-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 16.

18. L-evalwazzjoni mhijiex meħtieġa li tkun analiżi ekonomika sħiħa u dettaljata, iżda jenħtieġ li tipprovdi spjegazzjoni tal-interess tal-professjoni fl-adozzjoni ta' arranġament, u l-benefiċċji mistennija għall-Partijiet li jirriżultaw minnu.

TAQSIMA D

KOMPATIBBILTÀ TAR-REĠIMI TA' KWALIFIKI PROFESSJONALI RISPETTIVI

19. Skont is-subparagrafu (b) tal-Artikolu 21.1(2), ir-rakkomandazzjonijiet konġunti għandhom ikunu appoġġati minn valutazzjoni bbażata fuq l-evidenza tal-kompatibbiltà tar-reġimi tal-kwalifiki professjonali rispettivi. Tali valutazzjoni tista' tgħin lill-Kunsill Konġunt fl-iżvilupp u l-adozzjoni ta' arranġament.

20. Il-proċess li ġej għandu l-għan li jiggwida lill-korpi u l-awtoritajiet professjonali meta jivvalutaw il-kompatibbiltà tal-kwalifiki u l-attivitajiet professjonali rispettivi bil-ħsieb li jiġi ssimplifikat u ffaċilitat ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali.

L-Ewwel Pass: Valutazzjoni tal-ambitu tal-prattika u tal-kwalifiki professjonali meħtieġa biex tiġi prattikata l-professjoni regolata f'kull Parti.

21. Il-valutazzjoni tal-ambitu tal-prattika u tal-kwalifiki professjonali meħtieġa għall-prattika ta' professjoni regolata f'kull Parti għandha tkun ibbażata fuq l-informazzjoni rilevanti kollha.

22. Jenħtieġ li jiġu indikati l-elementi segwenti:

(a) attivitajiet jew gruppi ta' attivitajiet koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tal-prattika tal-professjoni regolata f'kull Parti; u

(b) il-kwalifiki professjonali meħtieġa f'kull Parti biex tiġi pprattikata l-professjoni regolata, li jistgħu jinkludu kwalunkwe wieħed mill-elementi li ġejjin:

(i) l-edukazzjoni minima meħtieġa, pereżempju, ir-rekwiżiti tad-dħul, il-livell ta' edukazzjoni, it-tul tal-istudju u l-kontenut tal-istudju;

(ii) l-esperjenza professjonali minima meħtieġa, pereżempju, il-post, it-tul u l-kundizzjonijiet tat-taħriġ prattiku jew tal-prattika professjonali sorveljata qabel ir-reġistrazzjoni, il-liċenzjar jew l-ekwivalenti;

(iii) l-eżamijiet mgħoddija, speċjalment eżamijiet ta' kompetenza professjonali; u

(iv) l-akkwist ta' liċenzja, jew ekwivalenti, li tiċċertifika, pereżempju, l-issodisfar tar-rekwiżiti ta' kwalifika professjonali meħtieġa għall-eżerċizzju tal-professjoni.

It-Tieni Pass: Evalwazzjoni tad-diverġenza bejn l-ambitu tal-prattika tal-professjoni regolata, jew il-kwalifiki professjonali meħtieġa biex wieħed jipprattikaha, f'kull Parti

23. L-evalwazzjoni tad-diverġenza fl-ambitu tal-prattika tal-professjoni regolata, jew fil-kwalifiki professjonali meħtieġa biex wieħed jipprattikaha, f'kull Parti, jenħtieġ li b'mod partikolari tidentifika diverġenza li tkun sostanzjali.

24. Jista' jkun hemm diverġenza sostanzjali fl-ambitu tal-prattika jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) attività waħda jew aktar koperti minn professjoni regolata fil-Parti ospitanti mhumiex koperti mill-professjoni korrispondenti fil-Parti tal-oriġini;

(b) dawn l-attivitajiet huma soġġetti għal taħriġ speċifiku fil-Parti ospitanti; u

(c) it-taħriġ għal dawn l-attivitajiet fil-Parti ospitanti jkopri kwistjonijiet diverġenti b'mod sostanzjali minn dawk koperti mill-kwalifika tal-applikant.

25. Tista' teżisti diverġenza sostanzjali fil-kwalifiki professjonali meħtieġa biex tiġi pprattikata professjoni regolata jekk ikun hemm diverġenzi fir-rekwiżiti tal-Partijiet fir-rigward tal-livell, it-tul jew il-kontenut tat-taħriġ li huwa meħtieġ għat-twettiq ta' attivitajiet koperti mill-professjoni regolata.

It-Tielet Pass: Mekkaniżmi ta' rikonoxximent.

26. Jista' jkun hemm mekkaniżmi differenti għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali, skont iċ-ċirkostanzi. Jista' jkun hemm mekkaniżmi differenti f'Parti.

27. Jekk ma jkun hemm l-ebda diverġenza sostanzjali fil-kamp ta' applikazzjoni tal-prattika u fil-kwalifiki professjonali meħtieġa biex tiġi pprattikata professjoni regolata, arranġament jista' jipprevedi proċess ta' rikonoxximent aktar sempliċi u simplifikat milli fejn hemm diverġenza sostanzjali.

28. Jekk ikun hemm diverġenza sostanzjali, l-arranġament jista' jipprevedi rekwiżiti ta' kumpens li jkunu biżżejjed biex jirrimedjaw tali diverġenza.

29. Meta jintużaw rekwiżiti ta' kumpens biex titnaqqas id-diverġenza sostanzjali, dawn jenħtieġ li jkunu proporzjonati għad-diverġenza li jfittxu li jindirizzaw. Kwalunkwe esperjenza professjonali prattika jew taħriġ ivvalidat formalment jista' jitqies biex jiġi vvalutat kemm huma meħtieġa r-rekwiżiti ta' kumpens.

30. Irrispettivament minn jekk id-diverġenza tkunx sostanzjali jew le, l-arranġament jista' jqis il-grad ta' diskrezzjoni li jkun maħsub li jiġi ppreservat għall-awtoritajiet kompetenti li jiddeċiedu dwar talbiet għar-rikonoxximent.

31. Ir-rekwiżiti ta' kumpens jistgħu jieħdu forom differenti, inklużi:

(a) perjodu ta' prattika sorveljata ta' professjoni regolata fil-Parti ospitanti, possibbilment akkumpanjata minn taħriġ ulterjuri, taħt ir-responsabbiltà ta' persuna kwalifikata u soġġetta għal valutazzjoni regolata;

(b) test magħmul jew rikonoxxut mill-awtoritajiet rilevanti tal-Parti ospitanti biex jivvalutaw il-kapaċità tal-applikant li jipprattika professjoni regolata f'dik il-Parti; u

(c) limitazzjoni temporanja tal-kamp ta' applikazzjoni tal-prattika.

32. Arranġament jista' jipprevedi li tingħata għażla lill-applikanti bejn rekwiżiti ta' kumpens differenti meta dan jista' jillimita l-piż amministrattiv għall-applikanti u tali rekwiżiti jkunu ekwivalenti.

ANNESS 21-B

RIKONOXXIMENT REĊIPROKU TA' KWALIFIKI PROFESSJONALI

Skont l-Artikolu 21.1(3) u s-subparagrafu (a) tal-Artikolu 8.5(1), il-Kunsill Konġunt jista' jadotta deċiżjoni sabiex jiddetermina jew jemenda l-arranġamenti ta' rikonoxximent reċiproku stabbiliti f'dan l-Anness.

ANNESS 25

SERVIZZI FINANZJARJI

Noti Introduttivi

1. L-iskedi ta' kull Parti fl-Appendiċijiet 25–1 u 25–2 jistabbilixxu, skont l-Artikolu 25.10, dan li ġej:

(a) It-Taqsima A tistabbilixxi s-setturi, is-subsetturi jew l-attivitajiet speċifiċi li għalihom japplikaw l-obbligi tal-Artikolu 25.7;

(b) It-Taqsima B tistabbilixxi s-subsetturi jew l-attivitajiet speċifiċi fejn dik il-Parti tieħu impenji skont l-Artikolu 25.6;

(c) It-Taqsima C tistabbilixxi s-setturi, is-subsetturi jew l-attivitajiet speċifiċi li għalihom dik il-Parti żżomm miżura eżistenti li mhijiex soġġetta għal xi wħud mill-obbligi jew għall-obbligi kollha imposti minn:

(i) Artikolu 25.3;

(ii) Artikolu 25.5;

(iii) Artikolu 25.7;

(iv) Artikolu 25.8; u

(v) Artikolu 25.9.

(d) It-Taqsima D tistabbilixxi s-setturi, is-subsetturi jew l-attivitajiet speċifiċi li għalihom dik il-Parti tista' żżomm miżuri eżistenti, jew tadotta miżuri ġodda jew aktar restrittivi li ma jikkonformawx ma' xi wħud mill-obbligi msemmija hawn fuq jew magħhom kollha.

2. Fit-taqsimiet kollha, għall-Parti tal-UE, is-subsetturi jew l-attivitajiet speċifiċi huma speċifikati skont l-Artikolu 25.2. Fit-Taqsima B, għaċ-Ċilì, l-impenji huma kklassifikati mis-CPC.

3. Riżerva meħuda fir-rigward tal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli li huma inkorporati fil-Kapitolu 25 mill-Artikolu 25.7 hija skedata billi jissemma t-titolu ta' dawk l-Artikoli u ssir referenza għall-obbligu speċifiku inkorporat.

4. It-Taqsima B fiha biss limitazzjonijiet mhux diskriminatorji fuq l-aċċess għas-suq. Limitazzjonijiet diskriminatorji huma skedati fit-Taqsimiet C jew D.

5. Għal aktar ċertezza, ir-riżervi ta' Parti huma mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont il-GATS.

6. Fit-taqsimiet C u D, kull riżerva tistabbilixxi l-elementi li ġejjin:

(a) "subsettur" tirreferi għas-settur speċifiku li fih issir ir-riżerva;

(b) "tip ta' riżerva" jew "obbligu kkonċernat" tispeċifika l-obbligu msemmi fil-paragrafu 1 li għalih issir riżerva;

(c) "livell ta' gvern" tindika l-livell ta' gvern li jżomm il-miżura li għaliha tittieħed riżerva;

(d) fit-Taqsima C, "miżuri" tidentifika l-liġijiet jew miżuri oħra kif ikkwalifikati, fejn indikat, bl-element ta' "deskrizzjoni" li għalih ittieħdet ir-riżerva. "Miżura" ċitata fl-element tal-"miżuri":

(i) tfisser il-miżura kif emendata, kontinwata jew imġedda mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim;

(ii) tinkludi kwalunkwe miżura subordinata adottata jew miżmuma taħt l-awtorità tal-miżura u konsistenti magħha; u

(iii) tinkludi, fir-rigward tal-iskeda tal-Parti tal-UE, tinkludi kwalunkwe liġi jew miżura oħra li timplimenta direttivatal-Unjoni Ewropea fil-livell ta' Stat Membru;

(e) fit-Taqsima D, "miżuri eżistenti" tidentifika, għal finijiet ta' trasparenza, miżuri eżistenti li japplikaw għal subsettur jew attivitajiet koperti mir-riżerva; u

(f) "deskrizzjoni" tistabbilixxi l-aspetti mhux konformi tal-miżura li għaliha tittieħed ir-riżerva.

7. Għal aktar ċertezza, fir-rigward tat-Taqsima C, jekk Parti tadotta miżura ġdida f'livell ta' gvern differenti minn dak li fih tkun ittieħdet oriġinarjament ir-riżerva, u dik il-miżura l-ġdida effettivament tissostitwixxi, fit-territorju li għalih tapplika, l-aspett mhux konformi tal-miżura oriġinali ċitata fl-element tal-"miżuri", il-miżura l-ġdida għandha titqies li tikkostitwixxi "modifika" għall-miżura oriġinali skont it-tifsira tas-subparagrafu (c) tal-Artikolu 25.10(1).

8. Fl-interpretazzjoni ta' riżerva, l-elementi kollha tar-riżerva għandhom jiġu kkunsidrati. Riżerva għandha tiġi interpretata fid-dawl tal-obbligi rilevanti li fuqhom tittieħed ir-riżerva. Fit-Taqsima C, l-element tal-"miżuri", u fit-Taqsimiet B u D, l-element tad-"deskrizzjoni", għandu jipprevali fuq l-elementi l-oħra kollha.

9. Riżerva meħuda fil-livell tal-Unjoni Ewropea tapplika għal miżura tal-Unjoni Ewropea, għal miżura ta' Stat Membru fil-livell ċentrali jew għal miżura ta' gvern fi Stat Membru, sakemm ir-riżerva ma teskludix Stat Membru. Riżerva li tittieħed minn Stat Membru tapplika għal miżura ta' gvern fil-livell ċentrali, reġjonali jew lokali f'dak l-Istat Membru. Għall-finijiet tar-riżervi tal-Belġju, il-livell ċentrali tal-gvern ikopri l-gvern federali u l-gvernijiet tar-reġjuni u l-komunitajiet peress li kull wieħed minnhom għandu setgħat leġiżlattivi ekwipollenti. Għall-finijiet tar-riżervi tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, livell reġjonali ta' gvern fil-Finlandja jfisser il-Gżejjer Åland. Riżerva meħuda fil-livell taċ-Ċilì tapplika għal miżura tal-gvern ċentrali jew ta' gvern lokali.

10. L-iskeda ta' Parti ma tinkludix miżuri relatati mar-rekwiżiti u l-proċeduri li persuna fiżika jew ġuridika teħtieġ li tikkonforma magħhom sabiex tikseb, temenda jew iġġedded awtorizzazzjoni, jiġifieri rekwiżiti u proċeduri ta' kwalifika, standards tekniċi u rekwiżiti u proċeduri ta' liċenzjar, fejn dawn ma jikkostitwixxux limitazzjoni skont it-tifsira tal-Artikoli 25.3, 25.6, jew 25.7. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu l-ħtieġa li tinkiseb awtorizzazzjoni, biex tiġi rreġistrata, biex jiġu ssodisfati l-obbligi ta' servizz universali, biex ikun hemm kwalifiki rikonoxxuti f'setturi regolati, biex wieħed jgħaddi minn eżamijiet speċifiċi, inklużi eżamijiet tal-lingwa, biex jiġi ssodisfat rekwiżit ta' sħubija ta' professjoni partikolari, bħal sħubija f'organizzazzjoni professjonali, biex ikun hemm aġent lokali għas-servizz, jew biex jinżamm indirizz lokali, jew kwalunkwe rekwiżit ieħor mhux diskriminatorju li jipprojbixxi ċerti attivitajiet milli jitwettqu f'żoni jew postijiet protetti. Għalkemm mhumiex elenkati fl-iskeda tal-Parti, tali miżuri jistgħu japplikaw.

11. Għal aktar ċertezza, għall-Parti tal-UE, l-obbligu li jingħata trattament nazzjonali ma jinvolvix ir-rekwiżit li jiġi estiż għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi taċ-Ċilì t-trattament mogħti fi Stat Membru, skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jew kwalunkwe miżura adottata skont dak it-Trattat, inkluża l-implimentazzjoni tagħhom fl-Istati Membri, għal:

(a) persuni fiżiċi jew residenti ta' Stat Membru ieħor; jew

(b) persuni ġuridiċi kostitwiti jew organizzati skont il-liġi ta' Stat Membru ieħor jew tal-Unjoni Ewropea u li jkollhom l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom fl-Unjoni Ewropea.

12. It-trattament mogħti lil persuni ġuridiċi stabbiliti minn investituri ta' Parti skont il-liġi tal-Parti l-oħra (inkluż, fil-każ tal-Parti tal-UE, il-liġi ta' Stat Membru) u li jkollhom l-uffiċċju rreġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom f'dik il-Parti l-oħra, huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe kundizzjoni jew obbligu, skont il-Kapitolu 17, li setgħu ġew imposti fuq tali persuna ġuridika meta kienet stabbilita f'dik il-Parti l-oħra, u li għandhom ikomplu japplikaw.

13. Għall-kuntrarju ta' sussidjarji barranin, fergħat stabbiliti direttament fi Stat Membru minn istituzzjoni finanzjarja mhux tal-Unjoni Ewropea ma humiex, b'ċerti eċċezzjonijiet limitati, soġġetti għal regolamenti prudenzjali armonizzati fil-livell tal-Unjoni Ewropea li jippermettu lil tali sussidjarji jibbenefikaw minn faċilitajiet imtejba biex jistabbilixxu stabbilimenti ġodda u jipprovdu servizzi finanzjarji transfruntiera fl-Unjoni Ewropea kollha. Għaldaqstant, dawn il-fergħat jirċievu awtorizzazzjoni sabiex joperaw fit-territorju ta' Stat Membru bl-istess kundizzjonijiet li japplikaw għall-istituzzjonijiet finanzjarji domestiċi ta' dak l-Istat Membru, u jistgħu jkunu meħtieġa jissodisfaw għadd ta' kundizzjonijiet prudenzjali speċifiċi bħal, fil-każ ta' servizzi bankarji jew ta' titoli, kapitalizzazzjoni separata u rekwiżiti oħra ta' solvenza, u rekwiżiti ta' rapportar u pubblikazzjoni tal-kontijiet, jew fil-każ tal-assigurazzjoni, rekwiżiti speċifiċi ta' garanzija u ta' depożiti, kapitalizzazzjoni separata, u l-lokalizzazzjoni fl-Istat Membru konċernat tal-assi li jirrappreżentaw ir-riżervi tekniċi u mill-inqas terz tal-marġini tas-solvenza.

14. Għaċ-Ċilì, persuni ġuridiċi u fiżiċi li jipparteċipaw fis-suq finanzjarju taċ-Ċilì, jistgħu jiġu rregolati, sorveljati u awtorizzati mill-Comisión para el Mercado Financiero (Kummissjoni tas-Swieq Finanzjarji) u entitajiet pubbliċi oħra. Persuni ġuridiċi u fiżiċi domestiċi u barranin għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti u l-obbligi mhux diskriminatorji tar-regolamentazzjoni tas-settur finanzjarju u jistgħu jkunu meħtieġa jissodisfaw għadd ta' rekwiżiti prudenzjali speċifiċi għal kapitalizzazzjoni separata, rekwiżiti legali li jikkonċernaw il-patrimonju, rekwiżiti ta' solvenza, rekwiżiti ta' rappurtar u pubblikazzjoni tal-kontijiet, proċedura ta' kostituzzjoni, garanziji speċifiċi u rekwiżiti ta' depożitu.

15. L-iskedi tal-Partijiet japplikaw biss għat-territorji taċ-Ċilì u l-Parti tal-UE skont l-Artikolu 41.2 u huma rilevanti biss fil-kuntest tar-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-Parti tal-UE u ċ-Ċilì. Dawn ma jaffettwawx id-drittijiet u l-obbligi tal-Istati Membri skont id-dritt tal-Unjoni Ewropea.

16. Għal aktar ċertezza, kull Parti tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward tal-provvista transfruntiera fir-rigward tas-setturi, is-subsetturi u l-attivitajiet kollha għas-servizzi finanzjarji li mhumiex speċifikati fit-Taqsima A.

17. L-abbrevjazzjonijiet li ġejjin jintużaw fl-iskedi tal-Partijiet:

L-UE L-Unjoni Ewropea, inkluż l-Istati Membri kollha tagħha

AT L-Awstrija

BE Il-Belġju

BG Il-Bulgarija

CY Ċipru

CZ Ir-Repubblika Ċeka

DE Il-Ġermanja

DK Id-Danimarka

EE L-Estonja

EL Il-Greċja

ES Spanja

FI Il-Finlandja

FR Franza

HR Il-Kroazja

HU L-Ungerija

IE L-Irlanda

IT L-Italja

LT Il-Litwanja

LU Il-Lussemburgu

LV Il-Latvja

MT Malta

NL In-Netherlands

PL Il-Polonja

PT Il-Portugall

RO Ir-Rumanija

SE L-Iżvezja

SI Is-Slovenja

SK Is-Slovakkja

ŻEE Iż-Żona Ekonomika Ewropea

CMF *Comisión para el Mercado Financiero* (Kummissjoni għas-Suq Finanzjarju)

Appendiċi 25–1

IL-PARTI TAL-UE: RIŻERVI U IMPENJI TA' AĊĊESS GĦAS-SUQ

TAQSIMA A

IMPENJI GĦALL-KUMMERĊ TRANSFRUNTIER FIS-SERVIZZI FINANZJARJI

Is-sottosetturi jew l-attivitajiet li ġejjin li għalihom japplikaw l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 25.7:

Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni

Fl-UE, ħlief CY, EE, LV, LT, MT u PL:

1. L-assigurazzjoni kontra riskji li għandhom x'jaqsmu ma':

   (a) it-trasport marittimu, l-avjazzjoni kummerċjali u l-varar fl-ispazju u l-merkanzija, inklużi s-satelliti, b'din l-assigurazzjoni tkopri l-oġġetti li jkunu qed jiġu trasportati, il-vettura li tittrasporta l-merkanzija, jew ir-responsabbiltà li tirriżulta minn dak it-trasport; u

   (b) oġġetti fi tranżitu internazzjonali;

2. Riassigurazzjoni u retroċessjoni;

3. Servizzi awżiljarji għall-assigurazzjoni kif imsemmija fis-subparagrafu (d)(i)(D) tal-Artikolu 25.2; u

4. Intermedjazzjoni fl-assigurazzjoni, bħas-senserija u l-aġenzija, tar-riskji tal-assigurazzjoni relatati mas-servizzi elenkati fis-subparagrafi (a) u (b) tal-paragrafu 1.

F'CY:

1. Servizzi tal-assigurazzjoni diretta (inkluża l-koassigurazzjoni) għall-assigurazzjoni ta' riskji relatati ma' dawn:

   (a) it-trasport marittimu, l-avjazzjoni kummerċjali u l-varar fl-ispazju u l-merkanzija, inklużi s-satelliti, fejn l-assigurazzjoni tkopri l-oġġetti li jkunu qed jiġu trasportati, il-vettura li tittrasporta l-oġġetti, jew ir-responsabbiltà li tirriżulta minn dak it-trasport; u

   (b) oġġetti fi tranżitu internazzjonali;

2. Intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni;

3. Riassigurazzjoni u retroċessjoni; u

4. Servizzi awżiljarji għall-assigurazzjoni kif imsemmija fis-subparagrafu (d)(i)(D) tal-Artikolu 25.2.

F'EE:

1. Assigurazzjoni diretta (inkluża l-koassigurazzjoni);

2. Riassigurazzjoni u retroċessjoni;

3. Intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni; u

4. Servizzi awżiljarji għall-assigurazzjoni kif imsemmija fis-subparagrafu (d)(i)(D) tal-Artikolu 25.2.

Fil-LV u l-Litwanja:

1. L-assigurazzjoni kontra riskji li għandhom x'jaqsmu ma':

   (a) it-trasport marittimu, l-avjazzjoni kummerċjali u l-varar fl-ispazju u l-merkanzija, inklużi s-satelliti, fejn l-assigurazzjoni tkopri l-oġġetti li jkunu qed jiġu trasportati, il-vettura li tittrasporta l-oġġetti, jew ir-responsabbiltà li tirriżulta minn dak it-trasport; u

(b) oġġetti fi tranżitu internazzjonali;

2. Riassigurazzjoni u retroċessjoni; u

3. Servizzi awżiljarji għall-assigurazzjoni kif imsemmija fis-subparagrafu (d)(i)(D) tal-Artikolu 25.2.

F'MT:

1. Assigurazzjoni kontra riskji li għandhom x'jaqsmu ma':

(a) it-trasport marittimu, l-avjazzjoni kummerċjali u l-varar fl-ispazju u l-merkanzija, inklużi s-satelliti, fejn l-assigurazzjoni tkopri l-oġġetti li jkunu qed jiġu trasportati, il-vettura li tittrasporta l-oġġetti, jew ir-responsabbiltà li tirriżulta minn dak it-trasport; u

(b) oġġetti fi tranżitu internazzjonali;

2. Riassigurazzjoni u retroċessjoni; u

3. Servizzi awżiljarji għall-assigurazzjoni kif imsemmija fis-subparagrafu (d)(i)(D) tal-Artikolu 25.2.

F'PL:

1. Assigurazzjoni ta' riskji relatati mal-oġġetti f'kummerċ internazzjonali;

2. Riassigurazzjoni u retroċessjoni ta' riskji relatati ma' oġġetti fil-kummerċ internazzjonali; u

3. Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (esklużа l-assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni).

Fl-UE ħlief għal BE, CY, EE, LV, LT, MT, SI u RO:

1. Il-forniment u t-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja, u l-ipproċessar ta' *data* finanzjarja u softwer relatat, kif imsemmi fis-subparagrafu (d)(ii)(K) tal-Artikolu 25.2; u

2. Servizzi ta' konsulenza u servizzi finanzjarji awżiljari oħra relatati ma' servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra, kif imsemmi fis-subparagrafu (d)(ii)(L) tal-Artikolu 25.2, minbarra l-intermedjazzjoni msemmija f'dak is-subparagrafu.

F'BE:

Il-forniment u t-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja, u l-ipproċessar ta' *data* finanzjarja u softwer relatat, kif imsemmi fis-subparagrafu (d)(ii)(K) tal-Artikolu 25.2.

F'CY:

1. In-negozjar għall-kont proprju jew għall-kont ta' klijenti, kemm jekk fuq skambju, f'suq barra l-Borża jew mod ieħor, ta' titoli trasferibbli kif imsemmi fis-subparagrafu (d)(ii)(F)(5) tal-Artikolu 25.2;

2. Il-forniment u t-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja, u l-ipproċessar ta' *data* finanzjarja u softwer relatat, kif imsemmi fis-subparagrafu (d)(ii)(K) tal-Artikolu 25.2; u

3. Servizzi ta' konsulenza u servizzi finanzjarji awżiljari oħra relatati ma' servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra, kif imsemmi fis-subparagrafu (d)(ii)(L) tal-Artikolu 18.2, minbarra l-intermedjazzjoni msemmija f'dak is-subparagrafu.

F'EE u f'LT:

1. Aċċettazzjoni ta' depożiti;

2. Self ta' kull tip;

3. Lokazzjoni finanzjarja;

4. Is-servizzi kollha ta' ħlas u ta' trażmissjoni tal-flus;

5. Garanziji u impenji;

6. Negozjar akkont proprju jew għan-nom ta' klijenti, kemm jekk f'borża kif ukoll jekk f'suq finanzjarju barra l-borża;

7. Parteċipazzjoni fil-ħruġ ta' kull tip ta' titoli, inklużi s-sottoskrizzjoni u l-pjazzament bħala aġent (kemm jekk pubbliku kif ukoll jekk privat) u l-forniment ta' servizzi relatati mat-tali ħruġ;

8. Senserija tal-flus;

9. Immaniġġar tal-assi, bħal immaniġġar ta' flus kontanti jew ta' portafoll, u l-forom kollha ta' investiment kollettiv

10. Servizzi ta' ġestjoni, kustodja, depożitarji u fiduċjarji;

11. Servizzi ta' saldu u ta' kklerjar għal assi finanzjarji, inklużi titoli, prodotti derivattivi, u strumenti negozjabbli oħrajn;

12. Il-forniment u t-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja, u l-ipproċessar ta' *data* finanzjarja u softwer relatat, kif imsemmi fis-subparagrafu (d)(ii)(K) tal-Artikolu 25.2; u

13. Servizzi ta' konsulenza u servizzi finanzjarji awżiljari oħra relatati ma' servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra, kif imsemmi fis-subparagrafu (d)(ii)(L) tal-Artikolu 25.2, minbarra l-intermedjazzjoni msemmija f'dak is-subparagrafu.

F'LV:

1. Parteċipazzjoni fil-ħruġ ta' kull tip ta' titoli, inklużi s-sottoskrizzjoni u l-pjazzament bħala aġent (kemm jekk pubbliku kif ukoll jekk privat) u l-forniment ta' servizzi relatati mat-tali ħruġ;

2. Il-forniment u t-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja, u l-ipproċessar ta' *data* finanzjarja u softwer relatat, kif imsemmi fis-subparagrafu (d)(ii)(K) tal-Artikolu 25.2; u

3. Servizzi ta' konsulenza u servizzi finanzjarji awżiljari oħra relatati ma' servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra, kif imsemmi fis-subparagrafu (d)(ii)(L) tal-Artikolu 25.2, minbarra l-intermedjazzjoni msemmija f'dak is-subparagrafu.

F'MT:

1. Aċċettazzjoni ta' depożiti;

2. Self ta' kull tip;

3. Il-forniment u t-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja, u l-ipproċessar ta' *data* finanzjarja u softwer relatat, kif imsemmi fis-subparagrafu (d)(ii)(K) tal-Artikolu 25.2; u

4. Servizzi ta' konsulenza u servizzi finanzjarji awżiljari oħra relatati ma' servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra, kif imsemmi fis-subparagrafu (d)(ii)(L) tal-Artikolu 25.2, minbarra l-intermedjazzjoni msemmija f'dak is-subparagrafu.

F'RO:

1. Aċċettazzjoni ta' depożiti;

2. Self ta' kull tip;

3. Garanziji u impenji;

4. Senserija tal-flus;

5. Il-forniment u t-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja, u l-ipproċessar ta' *data* finanzjarja u softwer relatat, kif imsemmi fis-subparagrafu (d)(ii)(K) tal-Artikolu 25.2; u

6. Servizzi ta' pariri u servizzi finanzjarji awżiljari oħra relatati ma' servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra, kif imsemmi fis-subparagrafu (d)(ii)(L) tal-Artikolu 25.2, minbarra l-intermedjazzjoni msemmija f'dak is-subparagrafu.

F'SI:

1. Self ta' kull tip;

2. l-aċċettazzjoni ta' garanziji u ta' impenji minn istituzzjonijiet ta' kreditu barranin minn entitajiet legali domestiċi u minn proprjetarji uniċi;

3. Il-forniment u t-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja, u l-ipproċessar ta' *data* finanzjarja u softwer relatat, kif imsemmi fis-subparagrafu (d)(ii)(K) tal-Artikolu 25.2; u

4. Servizzi ta' konsulenza u servizzi finanzjarji awżiljari oħra relatati ma' servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra, kif imsemmi fis-subparagrafu (d)(ii)(L) tal-Artikolu 25.2, minbarra l-intermedjazzjoni msemmija] f'dak is-subparagrafu.

TAQSIMA B

IMPENJI TA' AĊĊESS GĦAS-SUQ FIR-RIGWARD TAL-LIBERALIZZAZZJONI TAL-INVESTIMENT

1. Is-subsetturi u l-attivitajiet li ġejjin huma impenjati fir-rigward tal-liberalizzazzjoni tal-investiment:

Fl-UE: Is-servizzi finanzjarji kollha.

2. Il-limitazzjonijiet mhux diskriminatorji li ġejjin japplikaw fir-rigward tal-liberalizzazzjoni tal-investiment — Aċċess għas-suq:

Is-servizzi finanzjarji kollha

Fl-UE: Id-dritt li jiġi stabbilit ir-rekwiżit li meta fornitur ta' servizzi finanzjarji, għajr fergħa, jistabbilixxi ruħu fi Stat Membru jadotta forma legali speċifika, fuq bażi nondiskriminatorja.

Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni

F'AT: Sabiex jiksbu liċenzja għall-ftuħ ta' uffiċċju ta' fergħa, l-assiguraturi barranin għandu jkollhom forma legali li tikkorrispondi jew tista' titqabbel ma' kumpanija b'ishma konġunti jew assoċjazzjoni mutwa tal-assigurazzjoni fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom.

Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra

F'RO: L-operaturi tas-suq huma persuni ġuridiċi stabbiliti bħala kumpaniji b'ishma konġunti skont id-dispożizzjonijiet tal-Liġi dwar il-Kumpaniji. Sistemi alternattivi ta' negozjar (Facilità multilaterali tan-negozjar, MTF) skont id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) (id-Direttiva MiFID II) jistgħu jiġu ġestiti minn operatur tas-sistema stabbilit skont il-kundizzjonijiet deskritti hawn fuq jew minn ditta tal-investiment awtorizzata mill-ASF (Autoritatea de Supraveghere Financiară — Awtorità Superviżorja Finanzjarja).

F'SI: Skema tal-pensjoni tista' tiġi pprovduta permezz ta' fond ta' pensjoni reċiproka (li mhijiex entità ġuridika u li hija għalhekk hija mmaniġġata minn kumpanija tal-assigurazzjoni, bank jew kumpanija tal-pensjoni), kumpanija tal-pensjoni jew kumpanija tal-assigurazzjoni. Barra minn hekk, skema tal-pensjoni tista' tiġi offruta wkoll minn forniturі ta' skemi tal-pensjoni stabbiliti skont ir-regolamenti applikabbli fi Stat Membru.

F'SK: Servizzi ta' investiment jistgħu jiġu pprovduti biss minn kumpaniji ta' maniġment li għandhom il-forma legali ta' kumpanija b'ishma konġunti b'kapital azzjonarju skont il-liġi tagħha.

F'SE: Fundatur ta' bank tat-tfaddil għandu jkun persuna fiżika.

([1]) Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU UE L 173, 12.6.2014, p. 349).

TAQSIMA C

MIŻURI EŻISTENTI

Riżerva Nru 1: Subsettur: Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni

Tip ta' riżerva:	Trattament nazzjonali
	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit
	Preżenza lokali
Livell ta' gvern:	UE/Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali u Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

FIT: Aċċess għall-professjoni attwarjali permezz ta' persuni fiżiċi biss. Assoċjazzjonijiet professjonali (mhux inkorporazzjonijiet) fost persuni naturali huma permessi. Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea għall-prattika tal-professjoni attwarjali, ħlief għal professjonisti barranin li jistgħu jitħallew jipprattikaw abbażi tar-reċiproċità.

Miżuri:

IT: L-Artikolu 29 tal-kodiċi tal-assigurazzjoni privata (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 209 tas-7 ta' Settembru 2005); u l-Liġi 194/1942, l-Artikolu 4, il-Liġi 4/1999 dwar ir-reġistru.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi finanzjarji — Preżenza lokali:

F'BG: L-assigurazzjoni tal-pensjoni għandha titwettaq bħala kumpanija b'ishma konġunti liċenzjata skont il-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Soċjali u rreġistrata skont l-Att dwar il-Kummerċ jew skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor (mhux fergħat).

F'BG, ES, PL u PT: Mhux permessi fergħat diretti għall-intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni, li hija riżervata għal kumpaniji ffurmati skont il-liġi ta' Stat Membru (hija meħtieġa l-inkorporazzjoni lokali). Għal PL, rekwiżit ta' residenza għall-intermedjarji tal-assigurazzjoni.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

F'PL: Għall-fondi tal-pensjonijiet. Mhux permessi fergħat diretti għall-intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni, li hija riżervata għal kumpaniji ffurmati skont il-liġi ta' Stat Membru (hija meħtieġa l-inkorporazzjoni lokali).

Miżuri:

BG: Il-kodiċi tal-Assigurazzjoni, l-Artikoli 12, 56–63, 65, 66 u 80 il-paragrafu 4, il-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Soċjali l-Artikoli 120a-162, l-Artikoli 209–253, l-Artikoli 260–310.

ES: Reglamento de Ordenación, Supervisión y Solvencia de Entidades Aseguradoras y Reaseguradoras (RD 1060/2015, de 20 de noviembre de 2015), l-Artikolu 36.

PL: L-Att dwar l-attività tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tal-11 ta' Settembru 2015 (Il-Ġurnal tal-Liġijiet tal-2020, il-punti 895 u 1180); L-Att dwar id-distribuzzjoni tal-assigurazzjoni tal-15 ta' Diċembru 2017 (Il-Ġurnal tal-Liġijiet 2019, il-punt 1881); L-Att dwar l-organizzazzjoni u l-operat tal-fondi tal-pensjonijiet tat-28 ta' Awwissu 1997 (Il-Ġurnal tal-Liġijiet tal-2020, il-punt 105); L-Att tas-6 ta' Marzu 2018 dwar ir-regoli rigward l-attività ekonomika tal-imprendituri barranin u persuni barranin oħra fit-territorju ta' PL.

PT: L-Artikolu 7 tad-Digriet Amministrattiv 94-B/98 revokat mid-Digriet Amministrattiv 2/2009, il-5 ta' Jannar; u l-Kapitolu I, it-Taqsima VI tad-Digriet Amministrattiv 94-B/98, l-Artikoli 34, nru 6, 7, u l-Artikolu 7 tad-Digriet Amministrattiv 144/2006, revokat mil-Liġi 7/2019, is-16 ta' Jannar. L-Artikolu 8 tas-sistema legali li tirregola n-negozju tad-distribuzzjoni tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, approvat bil-Liġi 7/2019, tas-16 ta' Jannar.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

F'AT: Il-ġestjoni ta' uffiċċju tal-fergħa għandha tikkonsisti f'mill-inqas żewġ persuni fiżiċi residenti f'AT.

F'BG: Rekwiżit ta' residenza għall-membri tal-korp maniġerjali u superviżorju tal-impriżi ta' (ri)assigurazzjoni u kull persuna awtorizzata li tamministra jew tirrappreżenta l-impriża ta' (ri)assigurazzjoni.

Il-president tal-bord maniġerjali, il-president tal-bord tad-diretturi, id-direttur eżekuttiv u l-aġent maniġerjali tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni tal-pensjoni għandu jkollhom indirizz permanenti jew ikollhom permess ta' residenza durabbli fil-Bulgarija.

Miżuri:

AT: L-Att dwar is-Superviżjoni tal-Assigurazzjoni tal-2016, l-Artikolu 14, il-paragrafu 1 nru 3, il-Gazzetta tal-Liġi Federali I Nru 34/2015 (Versicherungsaufsichtsgesetz 2016, § 14 Abs. 1 Z 3, BGBl. I Nru 34/2015).

BG: Il-Kodiċi tal-Assigurazzjoni, l-Artikoli 12, 56–63, 65, 66 u 80 il-paragrafu 4, il-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Soċjali l-Artikoli 120a-162, l-Artikoli 209–253, l-Artikoli 260–310.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

F'BG: Qabel ma jistabbilixxi fergħa jew aġenzija sabiex tipprovdi assigurazzjoni, assiguratur jew riassiguratur barrani jrid ikun ġie awtorizzat biex jopera fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu fl-istess klassijiet ta' assigurazzjoni bħal dawk li jkun jixtieq jipprovdi f'BG.

L-introjtu tal-fondi tal-pensjoni volontarja supplimentari, kif ukoll introjtu simili marbut direttament mal-assigurazzjoni tal-pensjoni volontarja, imwettqa minn persuni li huma rreġistrati skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor u li jistgħu, f'konformità mal-leġiżlazzjoni kkonċernata, iwettqu operazzjonijiet ta' assigurazzjoni tal-pensjoni volontarja, ma għandhomx ikunu taxxabbli skont il-proċedura stabbilita mill-Att dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu Korporattiv.

F'ES: Qabel ma jistabbilixxi fergħa jew aġenzija f'ES sabiex jipprovdi ċerti klassijiet ta' assigurazzjoni, assiguratur barrani jrid ikun ġie awtorizzat jopera fl-istess klassijiet ta' assigurazzjoni fil-pajjiż tal-oriġini tiegħu għal mill-inqas ħames snin.

F'PT: Sabiex jistabbilixxu fergħa jew aġenzija, impriżi tal-assigurazzjoni barranin iridu jkunu ġew awtorizzati biex iwettqu n-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, skont il-liġi nazzjonali rilevanti għal tal-anqas ħames snin.

Miżuri:

BG: Il-Kodiċi tal-Assigurazzjoni, l-Artikoli 12, 56–63, 65, 66 u 80 il-paragrafu 4, il-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Soċjali l-Artikoli 120a-162, l-Artikoli 209–253, l-Artikoli 260–310.

ES: Reglamento de Ordenación, Supervisión y Solvencia de Entidades Aseguradoras y Reaseguradoras (RD 1060/2015, de 20 de noviembre de 2015), l-Artikolu 36.

PT: L-Artikolu 7 tad-Digriet Amministrattiv 94-B/98 u l-Kapitolu I, it-Taqsima VI tad-Digriet Amministrattiv 94-B/98, l-Artikoli 34, nr. 6, 7, u l-Artikolu 7 tad-Digriet Amministrattiv 144/2006; L-Artikolu 215 tas-sistema legali li tmexxi l-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, approvat bil-Liġi 147/2005, tad-9 ta' Settembru.

Fir-rigward tal-Investiment — Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi finanzjarji — Trattament nazzjonali:

F'AT: Attività promozzjonali u intermedjazzjoni f'isem sussidjarja mhux stabbilita fl-Unjoni Ewropea jew ta' fergħa mhux stabbilita f'AT (ħlief għar-riassigurazzjoni u għar-retroċessjoni) huma pprojbiti.

Fir-rigward tal-kummerċ transfruntier fis-servizzi finanzjarji — Preżenza lokali:

f'DK: Persuna jew kumpanija (inklużi kumpaniji tal-assigurazzjoni) ma għandhiex, għal skopijiet ta' negozju, tassisti fit-twettiq ta' assigurazzjoni diretta għal persuni residenti f'DK, għal bastimenti Daniżi jew għal proprjetà f'DK, minbarra kumpaniji tal-assigurazzjoni liċenzjati mil-liġi Daniża jew mill-awtoritajiet Daniżi kompetenti.

F'DE, HU u LT: Il-forniment ta' servizzi tal-assigurazzjoni diretti minn kumpaniji tal-assigurazzjoni mhux inkorporati fl-Unjoni Ewropea jirrikjedi l-istabbiliment u l-awtorizzazzjoni ta' fergħa.

Fir-rigward tal-kummerċ transfruntier fis-servizzi finanzjarji — Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

F'EL: Impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni b'uffiċċji prinċipali f'pajjiżi terzi jistgħu joperaw fil-Greċja permezz tal-istabbiliment ta' sussidjarja jew fergħa, fejn il-fergħa f'dan il-każ ma tieħu l-ebda forma legali speċifika, billi tfisser preżenza permanenti fit-territorju ta' Stat Membru (jigifieri EL) ta' impriża b'uffiċċju prinċipali barra l-Unjoni Ewropea, li tirċievi awtorizzazzjoni f'dak l-Istat Membru (EL) u li twettaq negozju tal-assigurazzjoni.

F'SE: Il-forniment ta' assigurazzjoni diretta minn assiguratur barrani huwa permess biss permezz tal-medjazzjoni ta' fornitur ta' servizz tal-assigurazzjoni awtorizzat f'SE, sakemm l-assiguratur barrani u l-kumpanija tal-assigurazzjoni Żvediża jkunu jappartjenu għall-istess grupp ta' kumpaniji jew ikollhom ftehim ta' kooperazzjoni bejniethom. Il-forniment ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni minn impriżi mhux inkorporati fiż-ŻEE jirrikjedi l-istabbiliment ta' preżenza kummerċjali (rekwiżit tal-preżenza lokali).

F'SK: L-assigurazzjoni tat-trasport bl-ajru u marittimu, li tkopri l-inġenju tal-ajru/bastiment u r-responsabbiltà, tista' tiġi sottoskritta biss minn kumpaniji tal-assigurazzjoni stabbiliti fl-Unjoni Ewropea jew mill-uffiċċju tal-fergħa tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni mhux stabbiliti fl-Unjoni Ewropea awtorizzati fis-SK.

Miżuri:

AT: L-Att dwar is-Superviżjoni tal-Assigurazzjoni tal-2016, l-Artikolu 13, il-paragrafu 1 u 2, il-Gazzetta tal-Liġi Federali I Nru 34/2015 (Versicherungsaufsichtsgesetz 2016, § 13 Abs. 1 und 2, BGBl. I Nr. 34/2015).

DE: Versicherungsaufsichtsgesetz (VAG) għas-servizzi kollha tal-assigurazzjoni; b'rabta ma' Luftverkehrs-Zulassungs-Ordnung (LuftVZO) għall-assigurazzjoni obbligatorja tar-responsabbiltà fl-ajru biss.

DK: Lov om finansiel virksomhed jf. lovbekendtgørelse 182 af 18. februar 2015.

EL: L-Artikolu 130 tal-Liġi 4364/2016 (Il-Gazzetta tal-Gvern 13/ A/ 05.02.2016).

HU: L-Att LX tal-2003

LT: Il-liġi dwar l-Assigurazzjoni, it-18 ta' Settembru 2003 m. Nru X-1737, l-aħħar emenda fit-13 ta' Ġunju 2019 Nru XIII-2232.

SE: LAG om försäkringsdistribution (l-Att dwar il-Medjazzjoni tad-Distribuzzjoni tal-Assigurazzjoni) (Kapitolu 3, taqsima 3, 2018:1219); u l-Att dwar in-Negozju tal-Assiguraturi Barranin fl-Iżvezja (Kapitolu 4, taqsima 1 u 10, 1998:293).

SK: L-Att 39/2015 dwar l-assigurazzjoni.

Riżerva Nru 2: Subsettur: Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra

Tip ta' riżerva:	Trattament nazzjonali
	Preżenza lokali
Livell ta' gvern:	UE/Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi finanzjarji — Preżenza lokali:

F'BG: Għat-twettiq tal-attivitajiet ta' self b'fondi li ma jinġabrux permezz tat-teħid ta' depożiti jew fondi ripagabbli oħra, l-akkwist ta' parteċipazzjonijiet f'istituzzjoni ta' kreditu jew istituzzjoni finanzjarja oħra, lokazzjoni finanzjarja, tranżazzjonijiet ta' garanzija, akkwist ta' pretensjonijiet fuq self u forom oħra ta' finanzjament (fatturament, forfeiting, eċċ.), istituzzjonijiet finanzjarji mhux bankarji huma soġġetti għal reġim ta' reġistrazzjoni mal-Bank Nazzjonali Bulgaru. L-istituzzjoni finanzjarja għandu jkollha n-negozju ewlieni tagħha fit-territorju ta' BG.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi finanzjarji — Preżenza lokali:

F'BG: Banek mhux taż-ŻEE jistgħu jwettqu attività bankarja f'BG wara li jiksbu liċenzja mill-Bank Nazzjonali Bulgaru għall-bidu u t-twettiq ta' attivitajiet kummerċjali f'BG permezz ta' fergħa.

F'IT: Sabiex tkun awtorizzata topera s-sistema ta' saldu tat-titoli jew tipprovdi servizzi ta' depożitorju ċentrali tat-titoli bi stabbiliment f'IT, kumpanija hija meħtieġa li tkun inkorporata fl-Italja (mhux fergħat).

Fil-każ ta' skemi kollettivi ta' investiment minbarra impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli ("UCITS") armonizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea, il-fiduċjarju jew id-depożitarju huwa meħtieġ li jkun stabbilit f'IT jew fi Stat Membru ieħor u jkollu fergħa f'IT.

Intrapriżi ta' ġestjoni ta' fondi ta' investiment mhux armonizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea huma meħtieġa wkoll li jiġu inkorporati f'IT (mhux fergħat).

Huma biss il-banek, l-impriżi tal-assigurazzjoni, id-ditti tal-investiment u l-intrapriżi li jimmaniġġjaw il-UCITS armonizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea li għandhom l-uffiċċju prinċipali legali tagħhom fl-Unjoni Ewropea, kif ukoll il-UCITS inkorporati f'IT, li jistgħu jwettqu l-attività ta' ġestjoni tar-riżorsi tal-fondi tal-pensjonijiet.

Meta jipprovdu l-attività ta' bejgħ bieb bieb, l-intermedjarji jridu jużaw bejjiegħa finanzjarji awtorizzati li jkunu residenti fit-territorju ta' Stat Membru.

L-uffiċċji rappreżentattivi ta' intermedjarji ta' pajjiżi terzi ma jistgħux iwettqu attivitajiet li jkollhom l-għan li jipprovdu servizzi ta' investiment, inkluż negozjar għan-nom proprju u f'isem il-klijenti, introduzzjoni u sottoskrizzjoni ta' strumenti finanzjarji (meħtieġa fergħa).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

F'PT: Il-ġestjoni ta' fondi tal-pensjoni tista' tiġi pprovduta biss minn kumpaniji speċjalizzati inkorporati f'PT għal dak l-għan u minn kumpaniji tal-assigurazzjoni stabbiliti f'PT u awtorizzati sabiex jibdew in-negozju tal-assigurazzjoni tal-ħajja, jew minn entitajiet awtorizzati sabiex jipprovdu ġestjoni ta' fondi tal-pensjoni fi Stati Membri oħra. Fergħat diretti minn pajjiżi mhux tal-Unjoni Ewropea mhumiex permessi.

Miżuri:

BG: Il-liġi dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu, l-Artikoli 2, il-paragrafu 5, 3a u 17; Il-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Soċjali, l-Artikoli 121, 121b, 121f; u l-Liġi tal-Munita, l-Artikolu 3.

IT: Id-Digriet Leġiżlattiv 58/1998, l-Artikoli 1, 19, 28, 30–33, 38, 69 u 80; Ir-Regolament Konġunt tal-Bank tal-Italja u l-Consob 22.2.1998, l-Artikoli 3 u 41; Ir-Regolament tal-Bank tal-Italja 25.1.2005; It-Titolu V, il-Kapitolu VII, it-Taqsima II, ir-Regolament tal-Consob 16190 tad-29.10.2007, l-Artikoli 17–21, 78–81, 91–111; u soġġett: għar-Regolament (KE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]);

PT: Id-Digriet Amministrattiv 12/2006, kif emendat bid-Digriet Amministrattiv 180/2007, id-Digriet Amministrattiv 357-A/2007, ir-Regolament 7/2007-R, kif emendat bir-Regolament 2/2008-R, ir-Regolament 19/2008-R, ir-Regolament 8/2009; u l-Artikolu 3 tar-reġim legali li jirregola l-istabbiliment u l-funzjonament tal-fondi tal-pensjonijiet u l-entitajiet ta' ġestjoni tagħhom approvat mil-Liġi 27/2020, tat-23 ta' Lulju.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

F'HU: Fergħat ta' kumpaniji ta' ġestjoni ta' fondi ta' investiment mhux fiż-ŻEE ma jistgħux jinvolvu ruħhom fil-ġestjoni ta' fondi ta' investiment tal-Unjoni Ewropea u ma jistgħux jipprovdu servizzi ta' ġestjoni ta' assi lil fondi ta' pensjoni privati.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 (ĠU UE L 257, 28.8.2014, p. 1).

Miżuri:

HU: L-Att CCXXXVII tal-2013 dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu u l-Intrapriżi Finanzjarji; L-Att CCXXXVII tal-2013 dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu u l-Intrapriżi Finanzjarji; u l-Att CXX tal-2001 dwar is-Suq Kapitali.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

F'BG: Bank għandu jkun amministrat u rrappreżentat b'mod konġunt minn tal-anqas żewġ persuni. Il-persuni li jimmaniġġaw u jirrappreżentaw il-bank għandhom ikunu preżenti personalment fl-indirizz tal-maniġment tiegħu. Il-persuni ġuridiċi ma jistgħux ikunu membri eletti tal-bord maniġerjali jew tal-bord tad-diretturi ta' bank.

Miżuri:

BG: Il-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet tal-Kreditu, l-Artikolu 10; Il-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Soċjali, l-Artikolu 121e; u l-Liġi tal-Munita, l-Artikolu 3.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

F'HU: Il-Bord tad-diretturi ta' istituzzjoni ta' kreditu għandu jkollu tal-inqas żewġ membri rikonoxxuti bħala residenti skont ir-regolamenti tal-kambju u li kellhom residenza permanenti preċedenti f'HU għal tal-inqas sena.

Miżuri:

HU: L-Att CCXXXVII tal-2013 dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu u l-Intrapriżi Finanzjarji; L-Att CCXXXVII tal-2013 dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu u l-Intrapriżi Finanzjarji; u l-Att CXX tal-2001 dwar is-Suq Kapitali.

Fir-rigward tal-kummerċ transfruntier fis-servizzi finanzjarji — Preżenza lokali:

F'HU: Il-kumpaniji mhux taż-ŻEE jistgħu jipprovdu servizzi finanzjarji jew jipparteċipaw f'attivitajiet awżiljarji għas-servizzi finanzjarji biss permezz ta' fergħa f'HU.

Miżuri:

HU: L-Att CCXXXVII tal-2013 dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu u l-Intrapriżi Finanzjarji; L-Att CCXXXVII tal-2013 dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu u l-Intrapriżi Finanzjarji; u l-Att CXX tal-2001 dwar is-Suq Kapitali.

TAQSIMA D

MIŻURI FIL-ĠEJJIENI

Riżerva Nru 1: Subsettur: Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni

Tip ta' riżerva:	Trattament nazzjonali
	Preżenza lokali
Livell ta' gvern:	UE/Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dan li ġej:

Fir-rigward tal-kummerċ transfruntier fis-servizzi finanzjarji — Preżenza lokali:

F'BG: Assigurazzjoni tat-trasport li tkopri oġġetti, assigurazzjoni tal-vetturi inġenerali u assigurazzjoni fir-rigward ta' riskji li jinsabu fil-Bulgarija ma jistgħux jiġu sottoskritti direttament minn kumpaniji tal-assigurazzjoni barranin.

F'DE: Jekk kumpanija barranija tal-assigurazzjoni tkun waqqfet fergħa fil-Germanja, tista' tikkonkludi kuntratti ta' assigurazzjoni fil-Ġermanja relatati ma' trasport internazzjonali biss permezz tal-fergħa tagħha stabbilita fil-Ġermanja.

Miżuri eżistenti:

DE: Luftverkehrsgesetz (LuftVG); u Luftverkehrszulassungsordnung (LuftVZO).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi finanzjarji — Preżenza lokali:

F'ES: Ir-residenza hija meħtieġa jew alternattivament sentejn esperjenza għall-professjoni attwarjali.

F'FI: Il-forniment ta' servizzi ta' sensara tal-assigurazzjoni huwa soġġett għal post permanenti ta' negozju fl-Unjoni Ewropea.

Huma biss l-assiguraturi li għandhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom fl-Unjoni Ewropea jew li għandhom il-fergħa tagħhom fil-Finlandja li jistgħu joffru servizzi ta' assigurazzjoni diretta, inkluża l-koassigurazzjoni.

Miżuri eżistenti:

FI: Laki ulkomaisista vakuutusyhtiöistä (l-Att dwar il-Kumpaniji tal-Assigurazzjoni Barranin) (398/1995);

Vakuutusyhtiölaki (l-Att dwar il-Kumpaniji tal-Assigurazzjoni) (521/2008);

Laki vakuutusten tarjoamisesta (l-Att dwar id-Distribuzzjoni tal-Assigurazzjoni) (234/2018).

Fir-rigward tal-kummerċ transfruntier fis-servizzi finanzjarji — Preżenza lokali:

F'FR: L-assigurazzjoni tar-riskji marbuta mat-trasport fuq l-art tista' ssir biss minn ditti tal-assigurazzjoni stabbiliti fl-Unjoni Ewropea.

Miżuri eżistenti:

FR: Kodiċi tal-assigurazzjonijiet.

F'HU: Huma biss il-persuni ġuridiċi tal-Unjoni Ewropea u l-fergħat irreġistrati fl-Ungerija li jistgħu jipprovdu servizzi ta' assigurazzjoni diretta.

Miżuri eżistenti:

HU: L-Att LX tal-2003.

F'IT: L-assigurazzjoni tat-trasport ta' oġġetti, l-assigurazzjoni ta' vetturi u l-assigurazzjoni ta' responsabbiltà dwar riskji fl-Italja jistgħu jkunu sottoskritti biss minn kumpaniji tal-assigurazzjoni stabbiliti fl-Unjoni Ewropea, ħlief għal trasport internazzjonali li jinvolvi importazzjonijiet fl-Italja.

Il-forniment transfruntier ta' servizzi attwarjali mhuwiex permess.

Miżuri eżistenti:

IT: L-Artikolu 29 tal-Kodiċi tal-assigurazzjoni privata (id-Digriet Leġiżlattiv nru 209 tas-7 ta' Settembru 2005).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi finanzjarji — Preżenza lokali:

F'PT: L-assigurazzjoni tat-trasport bl-ajru u marittimu, li tkopri l-oġġetti, l-inġenji tal-ajru, il-buq u r-responsabbiltà tista' tiġi sottoskritta biss minn intrapriżi, tal-Parti tal-UE. Persuni fiżiċi tal-Parti tal-UE jew intrapriżi stabbiliti fiha biss jistgħu jaġixxu bħala intermedjarji għal tali negozju tal-assigurazzjoni f'PT.

Miżuri eżistenti:

PT: L-Artikolu 3 tal-Liġi 147/2015, l-Artikolu 8 tal-Liġi 7/2019.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi — Preżenza lokali:

F'SK: Iċ-ċittadini barranin jistgħu jistabbilixxu kumpanija tal-assigurazzjoni fil-forma ta' kumpanija b'ishma konġunti jew jistgħu jwettqu kummerċ permezz tal-fergħat tagħhom li għandhom uffiċċju reġistrat fir-Repubblika Slovakka. L-awtorizzazzjoni fiż-żewġ każijiet hija soġġetta għall-evalwazzjoni tal-awtorità superviżorja.

Miżuri eżistenti:

SK: L-Att 39/2015 dwar l-Assigurazzjoni.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

F'FI: Mill-inqas nofs il-membri tal-bord tad-diretturi u l-bord superviżorju, id-direttur maniġerjali ta' kumpanija tal-assigurazzjoni li tforni assigurazzjoni statutorja tal-pensjoni għandhom ikollhom il-post ta' residenza tagħhom fiż-ŻEE, sakemm l-awtoritajiet kompetenti ma jagħtux eżenzjoni għal dan. Assiguraturi barranin ma jistgħux jiksbu liċenzja f'FI bħala fergħa biex iwettqu assigurazzjoni tal-pensjoni statutorja. Mill-inqas awditur wieħed għandu jkollu r-residenza permanenti tiegħu fiż-ŻEE.

Għal kumpaniji tal-assigurazzjoni oħra, ir-residenza fiż-ŻEE hija meħtieġa għal mill-inqas membru wieħed tal-bord tad-diretturi, il-bord superviżorju u d-direttur maniġerjali. Mill-inqas awditur wieħed għandu jkollu r-residenza permanenti tiegħu fiż-ŻEE. L-aġent ġenerali ta' kumpanija tal-assigurazzjoni taċ-Ċilì għandu jkollu l-post tar-residenza tiegħu fil-Finlandja, sakemm il-kumpanija ma jkollhiex l-uffiċċju prinċipali tagħha fl-Unjoni Ewropea.

Miżuri eżistenti:

FI: Laki ulkomaisista vakuutusyhtiöistä (l-Att dwar il-Kumpaniji tal-Assigurazzjoni Barranin) (398/1995); Vakuutusyhtiölaki (l-Att dwar il-Kumpaniji tal-Assigurazzjoni) (521/2008);

Laki vakuuutusedustuksesta (l-Att dwar il-Medjazzjoni fl-Assigurazzjoni) (570/2005);

Laki vakuutusten tarjoamisesta (l-Att dwar id-Distribuzzjoni tal-Assigurazzjoni) (234/2018); u

Laki työeläkevakuutusyhtiöistä (l-Att dwar il-Kumpaniji li jipprovdu assigurazzjoni statutorja tal-pensjoni) (354/1997).

Riżerva Nru 2: Subsettur: Servizzi Bankarji u Servizzi Finanzjarji oħra

Tip ta' riżerva:	Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi Preżenza lokali
Livell ta' gvern:	UE/Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dan li ġej:

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment — Trattament nazzjonali u kummerċ transfruntier fis-servizzi finanzjarji — Preżenza lokali:

Fl-UE: Huma biss il-persuni ġuridiċi li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fl-Unjoni Ewropea li jistgħu jaġixxu bħala depożitarji tal-assi ta' fondi ta' investiment. L-istabbiliment ta' kumpanija ta' maniġment speċjalizzata, li għandha l-uffiċċju prinċipali u l-uffiċċju reġistrat fl-istess Stat Membru, huwa meħtieġ li jwettaq l-attivitajiet ta' maniġment ta' fondi komuni, inklużi unit trusts, u fejn permess skont il-liġi nazzjonali, kumpaniji tal-investiment.

Miżuri eżistenti:

L-UE: Id-Direttiva 2009/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]); Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

Fir-rigward tal-kummerċ transfruntier fis-servizzi finanzjarji — Preżenza lokali:

([3]) Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU UE L 302, 17.11.2009, p. 32).

([4]) Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU UE L 174, 1.7.2011, p. 1).

F'EE: Għall-aċċettazzjoni ta' depożiti, hemm bżonn ta' awtorizzazzjoni mill-Awtorità ta' Sorveljanza Finanzjarja Estonjana u reġistrazzjoni taħt il-liġi Estonjana bħala kumpanija b'ishma konġunti, kumpanija sussidjarja jew fergħa.

Miżuri eżistenti:

EE: Krediidiasutuste seadus (l-Att dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu) § 206 u § 21.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bord tad-diretturi:

FFI: Mill-inqas wieħed mill-fundaturi ta' istituzzjoni ta' kreditu u mill-inqas wieħed mill-membri tal-bord tad-diretturi tagħha kif ukoll id-direttur maniġerjali tagħha għandhom ikunu residenti b'mod permanenti jew, jekk il-fundatur ikun persuna ġuridika, ikollhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fiż-ŻEE sakemm l-Awtorità ta' Superviżjoni Finanzjarja ma tagħtix eżenzjoni minnha. L-eżenzjoni tista' tingħata jekk ma tipperikolax is-superviżjoni effiċjenti tal-istituzzjoni ta' kreditu u l-ġestjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu skont prinċipji kummerċjali sodi u prudenti. Mill-inqas awditur wieħed għandu jkollu r-residenza permanenti tiegħu fiż-ŻEE.

Għal servizzi ta' ħlas, residenza jew domiċilju fil-Finlandja jistgħu jkunu meħtieġa.

Miżuri eżistenti:

FI: Laki liikepankeista ja muista osakeyhtiömuotoisista luottolaitoksista (l-Att dwar il-Banek Kummerċjali u Istituzzjonijiet ta' Kreditu Oħra fil-Forma ta' Kumpanija b'responsabbiltà Limitata) (1501/2001); Säästöpankkilaki (1502/2001) (l-Att dwar il-Banek tat-Tfaddil); Laki osuuspankeista ja muista osuuskuntamuotoisista luottolaitoksista (423/2013) (l-Att dwar Banek Kooperattivi u Istituzzjonijiet ta' Kreditu Oħra fil-Forma ta' Bank Kooperattiv); Laki hypoteekkiyhdistyksistä (936/1978) (l-Att dwar is-Soċjetajiet Ipotekarji); Maksulaitoslaki (297/2010) (l-Att dwar l-Istituzzjonijiet tal-Ħlas); Laki ulkomaisen maksulaitoksen toiminnasta Suomessa (298/2010) (l-Att dwar l-Operazzjoni ta' Istituzzjoni ta' Pagament Barrani fil-Finlandja); u Laki luottolaitostoiminnasta (l-Att dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu) (610/2014).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

FIT: Servizzi ta' "*consulenti finanziari*" (konsulent finanzjarju). Meta jipprovdu l-attività ta' bejgħ bieb bieb, l-intermedjarji għandhom jużaw bejjiegħa finanzjarji awtorizzati residenti fit-territorju ta' Stat Membru.

Miżuri eżistenti:

IT: L-Artikoli 91–111 tar-Regolament Consob dwar l-Intermedjarji (nru 16190 tad-29 ta' Ottubru 2007).

Fir-rigward tal-kummerċ transfruntier fis-servizzi finanzjarji — Preżenza lokali:

FLT: Huma biss il-banek li għandhom l-uffiċċju rreġistrat jew il-fergħa tagħhom f'LT u li huma awtorizzati li jipprovdu servizzi ta' investiment fiż-ŻEE li jistgħu jaġixxu bħala depożitarji tal-assi tal-fondi tal-pensjonijiet. Mill-inqas kap wieħed mill-amministrazzjoni tal-bank irid jitkellem il-lingwa Litwana.

Miżuri eżistenti:

LT: Il-Liġi dwar il-Banek tar-Repubblika tal-Litwanja tat-30 ta' Marzu 2004 Nru X-2085, kif emendata bil-Liġi Nru XIII-729 tas-16 ta' Novembru 2017; Il-Liġi dwar l-Intraprizi għal Investiment Kollettiv tar-Repubblika tal-Litwanja tal-4 ta' Lulju 2003 Nru X-1709, kif emendata bil-Liġi Nru XIII-1872 tal-20 ta' Diċembru 2018; Il-Liġi dwar l-Akkumulazzjoni Addizzjonali Volontarja tal-Pensjoni tar-Repubblika tal-Litwanja tat-3 ta' Ġunju 1999 Nru VIII-1212 (kif riveduta bil-Liġi Nru XII-70 tal-20 ta' Diċembru 2012); Il-liġi dwar il-Ħlasijiet tar-Repubblika tal-Litwanja tal-5 ta' Ġunju 2003 Nru X-1596, l-aħħar emenda 17 ta' Ottubru 2019 Nru XIII-2488; u l-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet ta' Ħlas tar-Repubblika tal-Litwanja tal-10 ta' Diċembru 2009 Nru XI-549 (verżjoni ġdida tal-Liġi: Nru XIII-1093 tas-17 ta' April 2018).

Appendiċi 25–2

IĊ-ĊILÌ: RIŻERVI U IMPENJI TA' AĊĊESS GĦAS-SUQ

TAQSIMA A

IMPENJI GĦALL-KUMMERĊ TRANSFRUNTIER FIS-SERVIZZI FINANZJARJI

Iċ-Ċilì jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura fir-rigward tal-Artikolu 25.7, ħlief għas-subsetturi u s-servizzi finanzjarji li ġejjin definiti skont il-liġijiet u r-regolamenti Ċileni rilevanti u soġġett għat-termini, il-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet speċifikati hawn taħt.

Huwa mifhum li l-impenji ta' Parti dwar servizzi ta' konsulenza dwar l-investiment transfruntiera ma għandhomx, fihom infushom, jiġu interpretati bħala li jirrikjedu li dik il-Parti tippermetti l-offerta pubblika ta' titoli (kif definit skont il-liġijiet u r-regolamenti rilevanti tagħha) fit-territorju tagħha minn fornituri transfruntiera tal-Parti l-oħra li jipprovdu jew ifittxu li jipprovdu tali servizzi ta' konsulenza dwar l-investiment. Parti tista' tissoġġetta s-servizzi tal-fornitur transfruntier għal rekwiżiti regolatorji u ta' reġistrazzjoni, inkluż ir-rekwiżit li jipprovdu l-istess kategorija ta' servizzi fil-pajjiż ta' oriġini u li ssirilhom superviżjoni fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom.

Settur	Subsettur
Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni	Il-bejgħ ta' assigurazzjoni għat-trasport marittimu internazzjonali, l-avjazzjoni kummerċjali internazzjonali u l-varar fl-ispazju u l-merkanzija (inklużi s-satelliti) u l-oġġetti fi tranżitu internazzjonali (inklużi l-oġġetti trasportati). Ma jinkludix "kabotaġġ" tat-trasport nazzjonali.
	Sensara tal-assigurazzjoni għat-trasport marittimu internazzjonali, l-avjazzjoni kummerċjali internazzjonali u l-varar fl-ispazju u l-merkanzija (inklużi s-satelliti) u l-oġġetti fi tranżitu internazzjonali (inklużi l-oġġetti li jkunu qed jiġu trasportati, il-vettura li tittrasporta l-oġġetti u kwalunkwe responsabbiltà ċivili li tirriżulta minnhom). Ma jinkludix "kabotaġġ" tat-trasport nazzjonali.
	Riassigurazzjoni u retroċessjoni; senserija tar-riassigurazzjoni; u servizzi ta' konsulenza, attwarjali u ta' valutazzjoni tar-riskju.
Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (esklużа l-assigurazzjoni)	Il-forniment u t-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja, u l-ipproċessar ta' data finanzjarja u tas-software relatat mill-fornituri ta' servizzi finanzjarji oħrajn;
	Servizzi ta' konsulenza u servizzi finanzjarji awżiljari oħra, minbarra l-intermedjazzjoni u r-referenza u l-analiżi tal-kreditu, relatati mas-servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra.

TAQSIMA B

IMPENJI TA' AĊĊESS GĦAS-SUQ FIR-RIGWARD TAL-LIBERALIZZAZZJONI TAL-INVESTIMENT

Iċ-Ċilì jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura fir-rigward tal-Artikolu 25.6, ħlief għas-subsetturi u s-servizzi finanzjarji li ġejjin definiti skont il-liġijiet u r-regolamenti Ċileni rilevanti u soġġett għat-termini, il-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet speċifikati hawn taħt:

1. Is-settur tas-servizzi finanzjarji Ċileni huwa parzjalment kompartimentalizzat, jiġifieri l-istituzzjonijiet, domestiċi u barranin, awtorizzati biex joperaw bħala banek ma jistgħux jipparteċipaw direttament fin-negozju tal-assigurazzjoni u tat-titoli u viċi versa.

2. Iċ-Ċilì jirriżerva d-dritt li jadotta miżuri biex jirregola l-konglomerati finanzjarji, inklużi l-entitajiet li jiffurmaw parti minn tali konglomerati.

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet dwar aċċess għas-suq
Is-servizzi finanzjarji kollha	Iċ-Ċilì jista', fuq bażi mhux diskriminatorja, jirrestrinġi jew jirrikjedi tip speċifiku ta' entità ġuridika, inklużi korporazzjonijiet, fergħat barranin, uffiċċji rappreżentattivi jew kwalunkwe forma oħra ta' preżenza kummerċjali, li permezz tagħha l-entitajiet li joperaw fis-subsetturi kollha tas-servizzi finanzjarji jistgħu jipprovdu servizzi finanzjarji. Iċ-Ċilì jista', fuq bażi mhux diskriminatorja, jirrestrinġi jew jirrikjedi tip speċifiku ta' korporazzjoni.
Is-servizzi kollha tal-assigurazzjoni u relatati mal-assigurazzjoni	Fiċ-Ċilì, in-negozju tal-assigurazzjoni huwa maqsum f'żewġ gruppi: l-ewwel grupp jinkludi kumpaniji li jassiguraw oġġetti jew proprjetà (patrimonio) kontra r-riskju ta' telf jew ħsara, filwaqt li t-tieni wieħed jinkludi dawk li jkopru r-riskji personali jew jiggarantixxu, fi ħdan jew fi tmiem ċertu terminu, somma kapitali, polza mħallsa jew introjtu għall-assigurat jew għall-benefiċjarji tagħhom. L-istess kumpannija tal-assigurazzjoni ma tistax tiġi kkostitwita b'tali mod li tkopri ż-żewġ kategoriji ta' riskju. Il-kumpaniji tal-assigurazzjoni tal-kreditu jridu jkunu kostitwiti bħala entitajiet legali bl-iskop uniku li jkopru dan it-tip ta' riskju, pereżempju, telf jew ħsara lill-patrimonju tal-persuna assigurata bħala riżultat tan-nuqqas ta' ħlas ta' dejn jew self fi flus, filwaqt li jitħallew ukoll ikopru r-riskji ta' garanzija u ta' fedeltà. Il-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni jistgħu jiġu kkostitwiti legalment biss skont id-dispożizzjonijiet tal-"Liġi dwar il-korporazzjonijiet (ley sobre sociedades anónimas)". Fergħat ta' kumpaniji barranin li jistgħu joperaw fis-settur tal-assigurazzjoni taċ-Ċilì jenħtieġ li jiġu stabbiliti fiċ-Ċilì bħala "aġenzija ta' korporazzjoni barranija (agencia de sociedad anónima extranjera)" awtorizzata għal dawn l-iskopijiet. L-assigurazzjoni tista' ssir direttament jew permezz ta' sensara tal-assigurazzjoni rreġistrati li, biex jeżerċitaw dik l-attività, iridu jkunu rreġistrati fir-reġistru.

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet dwar aċċess għas-suq	
Assigurazzjoni diretta	Bejgħ ta' assigurazzjoni diretta tal-ħajja (ma tinkludix assigurazzjoni relatata mas-sistema tas-sigurtà soċjali) (CPC 81211).	Is-servizzi tal-assigurazzjoni jistgħu jiġu pprovduti biss minn kumpaniji tal-assigurazzjoni kostitwiti fiċ-Ċilì bħala korporazzjonijiet (sociedades anónimas) jew bħala fergħat ta' korporazzjonijiet barranin bl-iskop uniku li jiżviluppaw din il-linja ta' negozju.
	Bejgħ ta' assigurazzjoni ġenerali diretta (CPC 8129, ħlief għal CPC 81299) minbarra istituzzjonijiet tas-saħħa tas-sigurtà soċjali (Instituciones de Salud Previsional, ISAPRES), pereżempju persuni ġuridiċi stabbiliti bl-għan li jipprovdu benefiċċji tas-saħħa lil persuni fiżiċi li jagħżlu li jsiru membri u huma ffinanzjati permezz ta' kontribuzzjonijiet obbligatorji ta' introjtu taxxabbli jew ammont ogħla, skont il-każ. Dan jeskludi wkoll il-Fond Nazzjonali tas-Saħħa (Fondo Nacional de Salud, FONASA), aġenzija pubblika ffinanzjata mill-gvern u permezz ta' kontribuzzjonijiet obbligatorji ta' introjtu taxxabbli, li huwa responsabbli għall-ħlas tal-benefiċċji tas-saħħa għal individwi li mhumiex membri ta' ISAPRE. Ma jinkludix il-bejgħ ta' assigurazzjoni għat-trasport marittimu internazzjonali, l-avjazzjoni kummerċjali internazzjonali u l-oġġetti fi tranżitu internazzjonali.	Is-servizzi tal-assigurazzjoni jistgħu jiġu pprovduti biss minn kumpaniji tal-assigurazzjoni kostitwiti fiċ-Ċilì bħala korporazzjonijiet (sociedades anónimas) jew bħala fergħat ta' korporazzjonijiet barranin bl-iskop uniku li jiżviluppaw din il-linja ta' negozju, jew assigurazzjoni diretta tal-ħajja jew assigurazzjoni ġenerali diretta. Fil-każ tal-assigurazzjoni tal-kreditu ġenerali (CPC 81296), l-intrapriża trid tkun stabbilita bħala korporazzjoni tal-assigurazzjoni stabbilita fiċ-Ċilì bl-iskop uniku li tkopri dan it-tip ta' riskju.
	Il-bejgħ ta' assigurazzjoni għat-trasport marittimu internazzjonali, l-avjazzjoni kummerċjali internazzjonali u l-varar fl-ispazju u l-merkanzija (inklużi s-satelliti) u l-oġġetti fi tranżitu internazzjonali (inklużi l-oġġetti trasportati). Ma jinkludix "kabotaġġ" tat-trasport nazzjonali).	Il-bejgħ ta' assigurazzjoni għat-trasport marittimu internazzjonali, l-avjazzjoni kummerċjali internazzjonali u l-varar fl-ispazju u l-merkanzija (inklużi s-satelliti) u l-oġġetti fi tranżitu internazzjonali (inklużi l-oġġetti trasportati) jistgħu jiġu offruti minn korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni kostitwiti fiċ-Ċilì li għandhom l-għan uniku li jiżviluppaw in-negozju ta' assigurazzjoni ġenerali diretta.

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet dwar aċċess għas-suq	
Assigurazzjoni mill-ġdid u retroċessjoni	Riassigurazzjoni u retroċessjoni (inklużi sensara tar-riassigurazzjoni)	Ir-riassigurazzjoni hija pprovduta minn korporazzjonijiet tar-riassigurazzjoni stabbiliti fiċ-Ċilì u awtorizzati mis-CMF. Il-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni jistgħu jipprovdu wkoll servizzi tar-riassigurazzjoni bħala komplement għan-negozju tal-assigurazzjoni tagħhom jekk l-istatut ta' assoċjazzjoni tagħhom jippermetti dan. Servizzi ta' riassigurazzjoni u retroċessjoni jistgħu jiġu pprovduti wkoll minn riassiguraturi barranin u sensara tar-riassigurazzjoni barranin irreġistrati fir-reġistru miżmum mis-CMF ("ir-Reġistru").
Intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni	Senserija tal-assigurazzjoni (minbarra l-assigurazzjoni għat-trasport marittimu internazzjonali, l-avjazzjoni kummerċjali internazzjonali u l-varar fl-ispazju u l-merkanzija, inklużi s-satelliti, u l-oġġetti fi tranżitu internazzjonali).	Persuni ġuridiċi kkostitwiti legalment fiċ-Ċilì għal dan l-għan speċifiku biss jistgħu jipprovdu servizzi ta' senserija tal-assigurazzjoni.
	Senserija ta' assigurazzjoni għat-trasport marittimu internazzjonali, avjazzjoni kummerċjali internazzjonali u varar fl-ispazju u merkanzija (inklużi satelliti) u oġġetti fi tranżitu internazzjonali inklużi l-oġġetti li jkunu qed jiġu trasportati, il-vettura li tittrasporta l-oġġetti u kwalunkwe responsabbiltà ċivili li tirriżulta minnhom). Ma jinkludix "kabotaġġ" tat-trasport nazzjonali.	Is-sensara tal-assigurazzjoni għat-trasport marittimu internazzjonali, l-avjazzjoni kummerċjali internazzjonali u l-varar fl-ispazju u l-merkanzija (inklużi s-satelliti) u l-oġġetti fi tranżitu internazzjonali, iridu jiġu rreġistrati fir-Reġistru u jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti mis-CMF. Huma biss il-persuni ġuridiċi kostitwiti legalment fiċ-Ċilì għal dan l-għan speċifiku li jistgħu jipprovdu dan is-servizz.
Servizzi awżiljarji għall-assigurazzjoni bħal konsulenza, servizzi attwarjali, valutazzjoni tar-riskju u servizzi ta' saldu tal-pretensjonijiet	Servizzi ta' saldu ta' pretensjonijiet.	Is-servizzi ta' saldu tal-pretensjonijiet jistgħu jiġu offruti direttament minn kumpaniji tal-assigurazzjoni stabbiliti fiċ-Ċilì jew minn persuni ġuridiċi kostitwiti fiċ-Ċilì.
	Servizzi awżiljarji tal-assigurazzjoni (inklużi biss konsulenza, servizzi attwarjali u valutazzjoni tar-riskju).	Servizzi awżiljarji tal-assigurazzjoni jistgħu jiġu pprovduti biss minn persuni ġuridiċi kostitwiti fiċ-Ċilì.
	L-amministrazzjoni ta' pjanijiet volontarji ta' tfaddil għall-pensjoni (ahorro previsional voluntario) permezz tal-assigurazzjoni tal-ħajja.	Mingħajr restrizzjonijiet fir-rigward tas-subparagrafu (e) tal-Artikolu 25.6(1). Il-pjanijiet volontarji ta' tfaddil għall-pensjoni jistgħu jiġu offruti biss minn kumpaniji tal-assigurazzjoni tal-ħajja stabbiliti fiċ-Ċilì skont dak li huwa stabbilit hawn fuq. Dawn il-pjanijiet u dawn il-politiki assoċjati għandu jkollhom awtorizzazzjoni minn qabel mis-CMF.

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet dwar aċċess għas-suq
Servizzi bankarji	L-istituzzjonijiet bankarji barranin iridu jkunu kumpaniji bankarji (sociedades bancarias) kostitwiti legalment fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom u jridu jikkontribwixxu l-kapital meħtieġ mil-liġi Ċilena. Istituzzjonijiet bankarji barranin jistgħu joperaw biss: (a) permezz ta' ishma f'banek Ċileni kostitwiti bħala korporazzjonijiet (sociedades anónimas) fiċ-Ċilì; (b) billi jiġu kostitwiti bħala korporazzjoni fiċ-Ċilì; jew (c) bħala fergħat ta' korporazzjonijiet barranin kostitwiti fiċ-Ċilì bħala aġenzija ta' korporazzjoni barranija (agencia de societad anónima extranjera), f'liema każ il-personalità ġuridika fil-pajjiż tal-oriġini hija rikonoxxuta. Għall-finijiet ta' operazzjonijiet ta' fergħat ta' banek barranin fiċ-Ċilì, huwa kkunsidrat il-kapital effettivament investit fiċ-Ċilì, u mhux dak tal-uffiċċju prinċipali. Iż-żidiet fil-kapital jew fir-riżervi li ma jiġux mill-kapitalizzazzjoni ta' riżervi oħra, se jkollhom l-istess trattament bħall-kapital u r-riżervi inizjali. Fit-tranżazzjonijiet bejn fergħa u l-uffiċċju prinċipali tagħha barra mill-pajjiż, it-tnejn jitqiesu bħala entitajiet indipendenti.
	L-ebda persuna fiżika jew ġuridika nazzjonali jew barranija ma tista' takkwista direttament jew permezz ta' partijiet terzi ishma f'bank li, waħedhom jew flimkien mal-ishma li diġà għandha tali persuna, jirrappreżentaw aktar minn 10 % tal-kapital tal-bank mingħajr ma l-ewwel ikunu kisbu l-awtorizzazzjoni tas-CMF. Barra minn hekk, is-soċji jew l-azzjonisti ta' istituzzjoni finanzjarja ma jistgħux jittrasferixxu perċentwali ta' drittijiet jew ishma fil-kumpannija tagħhom ta' iktar minn 10 % mingħajr ma jkunu kisbu awtorizzazzjoni mis-CMF. L-istituzzjonijiet bankarji jridu jkunu stabbiliti bħala korporazzjonijiet (sociedades anónimas) jew bħala fergħat, skont il-liġijiet u r-regolamenti Ċileni, f'konformità mal-Liġi Bankarja Ġenerali (DFL Nº 3) u mal-Liġi dwar is-Sociedades Anónimas (Ley Nº 18.046), relatati mal-istabbiliment ta' aġenzija ta' korporazzjoni barranija. Il-kapital u r-riżervi li l-banek barranin jassenjaw lill-fergħat tagħhom, iridu jiġu ttrasferiti u kkonvertiti b'mod effettiv f'munita domestika f'konformità ma' kwalunkwe waħda mis-sistemi awtorizzati mil-liġi jew mill-Banco Central de Chile. Iż-żidiet fil-kapital jew fir-riżervi li ma jiġux mill-kapitalizzazzjoni ta' riżervi oħra, se jkollhom l-istess trattament bħall-kapital u r-riżervi inizjali. Fit-tranżazzjonijiet bejn fergħa u l-uffiċċju prinċipali tagħha barra mill-pajjiż, it-tnejn jitqiesu bħala entitajiet indipendenti. L-ebda bank barrani mhu se jkun jista' jinvoka drittijiet derivati min-nazzjonalità tiegħu fir-rigward ta' tranżazzjonijiet li l-fergħa tiegħu tista' twettaq fiċ-Ċilì. Il-forniment ta' servizzi finanzjarji li jikkomplementaw is-servizzi bankarji ewlenin jista' jiġi pprovdut direttament minn dawk l-istituzzjonijiet, wara awtorizzazzjoni minn qabel, jew permezz ta' sussidjarji inkorporati, li s-CMF għandha tiddetermina.

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet dwar aċċess għas-suq	
Aċċettazzjoni ta' depożiti u fondi oħra ripagabbli mill-pubbliku	Aċċettazzjoni ta' depożiti (kontijiet bankarji kurrenti biss (*cuentas corrientes bancarias*), depożiti ta' domanda, kontijiet ta' tfaddil għal depożiti għal żmien fiss, strumenti finanzjarji bi ftehimiet ta' riakkwist, u depożiti ta' garanzija jew bonds ta' garanzija). Xiri ta' titoli offruti pubblikament (xiri biss ta' bonds, xiri ta' ittri ta' kreditu, sottoskrizzjoni u tqegħid bħala aġenti ta' ishma, bonds u ittri ta' kreditu (sottoskrizzjoni)). Kustodja tat-titoli.	Banek stabbiliti fiċ-Ċilì skont id-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq biss.
Self ta' kull tip, inkluż kreditu lill-konsumatur, kreditu ipotekarju, ħlas ta' spejjeż u l-finanzjament ta' tranżazzjonijiet kummerċjali	Għoti ta' kreditu (i biss self ordinarju, kreditu tal-konsumatur, self f'ittri ta' kreditu, self ipotekarju, self ipotekarju f'ittri ta' kreditu, xiri ta' strumenti finanzjarji bi ftehim ta' bejgħ mill-ġdid, kreditu għall-ħruġ ta' bonds ta' garanzija bankarja jew tipi oħra ta' finanzjament, ħruġ u negozjar ta' ittri ta' kreditu għall-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet u ħruġ u konferma ta' ittri ta' kreditu stand-by).	Banek stabbiliti fiċ-Ċilì skont id-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq biss.
	Fatturament.	Mingħajr restrizzjonijiet fir-rigward tas-subparagrafu (e) tal-Artikolu 25.6(1). Is-servizzi ta' fatturament jitqiesu bħala servizzi bankarji komplementari u għalhekk huma soġġetti għall-awtorizzazzjoni mis-CMF. Is-CMF tista' timponi rekwiżiti mhux diskriminatorji aktar stretti.
	Titolizzazzjoni.	Is-servizzi ta' titolizzazzjoni huma meqjusa bħala servizzi bankarji komplementari.
Lokazzjoni finanzjarja	Lokazzjoni finanzjarja (CPC 81120) (dawn il-kumpaniji jistgħu joffru kuntratti ta' lokazzjoni għal oġġetti akkwistati fuq talba tal-klijent, jiġifieri ma jistgħux jakkwistaw oġġetti sabiex jaħżnuhom u joffruhom għal-lokazzjoni).	Is-servizzi ta' lokazzjoni finanzjarja huma kkunsidrati bħala servizzi bankarji komplementari u jistgħu jiġu pprovduti minn banek jew permezz ta' sussidjarji inkorporati awtorizzati espressament għal dawk l-għanijiet. Is-CMF tista' timponi rekwiżiti mhux diskriminatorji aktar stretti.

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet dwar aċċess għas-suq	
Il-pagamenti u s-servizzi ta' trażmissjoni tal-flus kollha, inklużi l-kreditu, il-karti tal-imposti u d-debiti, iċ-ċekkijiet tal-vjaġġaturi u ċ-ċekkijiet bankarji	Ħruġ u operazzjoni ta' karti ta' kreditu u debitu (CPC 81133) (biss karti ta' kreditu maħruġa fiċ-Ċilì). Ċekkijiet tal-vjaġġaturi. Trasferiment ta' fondi (ċekkijiet bankarji). Skontar jew akkwist ta' kambjali u ċedoli.	Banek stabbiliti fiċ-Ċilì skont id-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq biss.
Garanziji u impenji	Approvazzjoni u garanzija ta' obbligazzjonijiet ta' partijiet terzi fil-munita Ċilena u f'munita barranija.	Banek stabbiliti fiċ-Ċilì skont id-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq biss.
Negozju akkont proprju jew akkont ta' klijenti, kemm jekk f'suq tal-kambju, f'suq ta' bejgħ bl-imnut jew mod ieħor	Intermedjazzjoni ta' titoli offruti pubblikament (CPC 81321)	L-intermedjazzjoni ta' titoli offruti pubblikament hija kkunsidrata bħala servizzi bankarji komplementari u tista' tiġi pprovduta minn banek permezz ta' sussidjarji inkorporati fiċ-Ċilì, aġenti tas-sigurtà jew sensara tal-ishma, awtorizzati espressament.
Oħra Servizzi finanzjarji	Servizzi ta' konsulenza u servizzi finanzjarji awżiljari oħra (CPC 8133) (j biss servizzi indikati fis-subsettur bankarju f'din it-taqsima).	Xejn.
Oħra Servizzi finanzjarji	Pjanijiet volontarji ta' tfaddil għall-pensjoni (*Planes de Ahorro Previsional Voluntario*).	Mingħajr restrizzjonijiet fir-rigward tas-subparagrafu (e) tal-Artikolu 25.6(1). Pjanijiet ta' tfaddil volontarji jistgħu jiġu offruti biss minn banek stabbiliti fiċ-Ċilì taħt wieħed mill-arranġamenti msemmija qabel.
	Operazzjonijiet ta' ġestjoni ta' fiduċja (*administración de fideicomisos*).	Banek stabbiliti fiċ-Ċilì skont id-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq biss.
	il-forniment u t-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja, u tal-ipproċessar ta' data finanzjarja u tas-software relatat mill-fornituri ta' servizzi finanzjarji oħrajn;	Xejn.
	Operazzjonijiet tas-suq tal-kambju mwettqa skont ir-regolament maħruġ jew li għandu jinħareġ mill-Bank Ċentrali taċ-Ċilì.	Huma biss il-banek, il-persuni ġuridiċi, is-sensara tal-borża u l-aġenti tat-titoli, li kollha kemm huma jridu jkunu stabbiliti fiċ-Ċilì bħala entitajiet legali, li jistgħu joperaw fis-suq formali tal-kambju. Persuni ġuridiċi, sensara tal-ishma u aġenti tat-titoli jeħtieġu awtorizzazzjoni minn qabel mill-Bank Ċentrali taċ-Ċilì (*Banco Central de Chile*) biex joperaw fis-suq formali tal-kambju.

<table>
<tr><th>Settur jew subsettur</th><th>Limitazzjonijiet dwar aċċess għas-suq</th></tr>
<tr><td>Servizzi finanzjarji/servizzi ta' titoli oħrajn</td><td>
1. It-titoli offruti pubblikament jistgħu jiġu nnegozjati minn persuni ġuridiċi li l-għan uniku tagħhom huwa s-senserija tat-titoli, jew bħala membri ta' borża (sensara tal-borża) jew barra l-Borża (aġenti tat-titoli), u għandhom ikunu rreġistrati mas-CMF. Madankollu, is-sensara tal-borża biss jistgħu jinnegozjaw ishma jew id-derivattivi tagħhom (opzjonijiet ta' sottoskrizzjoni) fil-borża. Titoli mhux ta' kondiviżjoni jistgħu jiġu nnegozjati minn sensara tal-borża jew aġenti tat-titoli rreġistrati.
2. Servizzi ta' klassifikazzjoni tar-riskju tat-titoli offruti pubblikament huma pprovduti minn aġenziji ta' klassifikazzjoni kkostitwiti għall-iskop uniku ta' klassifikazzjoni ta' titoli offruti pubblikament, u jridu jiġu rreġistrati fir-*Registro de Entidades Clasificadoras de Riesgo* (Reġistru tal-Aġenziji ta' Klassifikazzjoni tar-Riskji) miżmum mis-CMF. Huma spezzjonati u kkontrollati mis-CMF. Min-naħa l-oħra, il-kontroll tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni fir-rigward tal-klassifikazzjoni tat-titoli maħruġa mill-banek u mill-kumpaniji finanzjarji jaqa' taħt ir-responsabbiltà tas-CMF.
3. Huma biss il-banek, il-persuni ġuridiċi, is-sensara tal-borża u l-aġenti tat-titoli, li kollha kemm huma jridu jkunu stabbiliti fiċ-Ċilì bħala entitajiet legali, li jistgħu joperaw fis-suq formali tal-kambju. Persuni ġuridiċi, sensara tal-ishma u aġenti tat-titoli jeħtieġu awtorizzazzjoni minn qabel mill-Bank Ċentrali taċ-Ċilì (*Banco Central de Chile*) biex joperaw fis-suq formali tal-kambju.
4. Sabiex jinnegozjaw fil-Borża, l-intermedjarji (sensara tal-borża) għandhom ikunu kostitwiti bħala persuni ġuridiċi fiċ-Ċilì. Iridu jakkwistaw sehem fil-borża rispettiva tagħhom u jiġu aċċettati bħala membri ta' din il-borża.
<table>
<tr><th>Subsettur</th><th>Limitazzjonijiet dwar aċċess għas-suq</th></tr>
<tr><td>Intermedjazzjoni ta' titoli offruti pubblikament, ħlief ishma (CPC 81321).
Abbonament u kollokament bħala aġenti (sottoskrizzjoni).</td><td>L-attivitajiet ta' senserija jridu jiġu fornuti permezz ta' persuna ġuridika kostitwita fiċ-Ċilì. Is-CMF jista' jeħtieġ rekwiżiti nondiskriminatorji aktar stretti.</td></tr>
<tr><td>Intermedjazzjoni ta' ishma ta' korporazzjonijiet offruti pubblikament (CPC 81321) (tinkludi s-sottoskrizzjoni u l-kollokament bħala aġenti, sottoskrizzjoni).</td><td>Sabiex jinnegozjaw fil-borża, l-intermedjarji (sensara tal-borża) jridu jkunu kostitwiti bħala persuna ġuridika fiċ-Ċilì. Iridu jakkwistaw sehem fil-borża rispettiva u jiġu aċċettati bħala membri ta' din il-borża. Is-CMF tista' timponi rekwiżiti mhux diskriminatorji aktar stretti.</td></tr>
<tr><td>Operazzjonijiet f'derivattivi tal-borża awtorizzati mis-CMF (biss futuri tad-dollaru u tar-rati tal-imgħax, u opzjonijiet fuq l-ishma. L-ishma għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti mill-kamra tal-ikklerjar rispettiva, *Cámara de Compensación*).</td><td>Sabiex jinnegozjaw fil-borża, l-intermedjarji (sensara tal-ishma) għandhom ikunu kostitwiti bħala persuni ġuridiċi fiċ-Ċilì. Iridu jakkwistaw sehem fil-borża rispettiva tagħhom u jiġu aċċettati bħala membri ta' din il-borża. Is-CMF tista' timponi rekwiżiti mhux diskriminatorji aktar stretti.</td></tr>
</table>
</td></tr>
</table>

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet dwar aċċess għas-suq	
	Kummerċ f'metalli fil-borża (biss deheb u fidda).	Il-kummerċ fid-deheb u l-fidda jista' jsir minn sensara tal-ishma f'isimhom stess u għal partijiet terzi fil-Borża skont ir-regolamenti tal-borża. Sabiex jinnegozjaw fil-borża, l-intermedjarji (sensara tal-ishma) għandhom ikunu kostitwiti bħala persuni ġuridiċi fiċ-Ċilì. Iridu jakkwistaw sehem fil-borża rispettiva tagħhom u jiġu aċċettati bħala membri ta' din il-borża. Is-CMF tista' timponi rekwiżiti mhux diskriminatorji aktar stretti.
	Klassifikazzjoni tar-riskju tat-titoli (hija relatata biss mal-klassifikazzjoni jew l-għoti ta' opinjoni dwar titoli offruti pubblikament).	Iridu jkunu stabbiliti fiċ-Ċilì bħala sħubija (*sociedad de personas*). Wieħed mir-rekwiżiti speċifiċi li għandhom jiġu ssodisfati huwa li mhux inqas minn 60 % tal-kapital tal-kumpanija jrid jinżamm mis-sħab prinċipali (persuni fiżiċi jew ġuridiċi f'din il-linja ta' negozju li jkollhom minimu ta' 5 % tad-drittijiet ta' sħubija fl-aġenzija tal-klassifikazzjoni).
	Il-kustodja tat-titoli mwettqa minn intermedjarji tat-titoli (CPC 81319) (ma tinkludix is-servizzi offruti mill-fornituri li jikkombinaw il-kustodja, l-approvazzjoni u s-saldu tat-titoli (depożitorji tat-titoli, *depósitos de valores*)).	Għall-kustodja tat-titoli, l-intermedjarji (sensara tal-ishma u aġenti) iridu jkunu kostitwiti fiċ-Ċilì bħala persuna ġuridika. Il-kustodja tat-titoli tista' titwettaq minn intermedjarji tat-titoli (sensara tal-ishma u aġenti tat-titoli) bħala attività komplementari għall-għan uniku tagħhom li huwa s-senserija tat-titoli. Jista' jsir ukoll minn entitajiet li jipprovdu servizzi depożitarji u ta' kustodja għal titoli li jenħtieġ li jiġu kkostitwiti bħala korporazzjonijiet speċjali bl-għan uniku li jirċievu f'depożitu titoli offruti pubblikament minn entitajiet awtorizzati mil-liġi u li jiffaċilitaw l-operazzjonijiet għat-trasferiment ta' tali titoli (depożitorji ċentralizzati tat-titoli, *depósitos centralizados de valores*).
	Kustodja mwettqa minn entitajiet għad-depożitu u l-kustodja ta' titoli.	Id-depożitu ta' titoli u entitajiet ta' kustodja jridu jkunu kostitwiti fiċ-Ċilì bħala korporazzjonijiet stabbiliti għal dak l-iskop uniku.

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet dwar aċċess għas-suq	
	Servizzi ta' ġestjoni tal-portafoll finanzjarju pprovduta minn intermedjarji tat-titoli (dan fl-ebda ċirkostanza ma jinkludi Fond ta' Ġestjoni Ġenerali (*Administradora General de Fondos*), ġestjoni ta' fondi mutwi, fondi ta' investiment ta' kapital barrani, fondi ta' investiment u fondi tal-pensjonijiet).	Servizzi ta' ġestjoni tal-portafolli finanzjarji pprovduti minn intermedjarji tat-titoli stabbiliti bħala persuni ġuridiċi fiċ-Ċilì. Is-CMF tista' timponi rekwiżiti mhux diskriminatorji aktar stretti.
	Servizzi ta' konsulenza finanzjarja fornuti minn intermedjarji tat-titoli (CPC 81332) (konsulenza finanzjarja tirreferi biss għas-servizzi tat-titoli li għalihom jittieħdu impenji ta' aċċess għas-suq).	Servizzi ta' konsulenza finanzjarja pprovduti minn intermedjarji tat-titoli kostitwiti bħala persuni ġuridiċi fiċ-Ċilì. Is-CMF tista' timponi rekwiżiti mhux diskriminatorji aktar stretti. Is-servizzi ta' konsulenza finanzjarja, li jinvolvu l-għoti ta' pariri finanzjarji dwar alternattivi ta' finanzjament, valutazzjoni tal-investiment, possibbiltajiet ta' investiment u strateġiji ta' skedar mill-ġdid tad-dejn jistgħu jitwettqu minn intermedjarji tat-titoli (sensara tat-titoli u aġenti tat-titoli) bħala attività komplementari għall-iskop uniku tagħhom.
	Ġestjoni ta' fondi ta' partijiet terzi mwettqa minn: (Fl-ebda ċirkostanza dan ma jinkludi l-ġestjoni ta' fondi tal-pensjonijiet u pjanijiet volontarji ta' tfaddil għall-pensjoni (*planes de ahorro previsional voluntario*)) — kumpaniji ta' ġestjoni ta' fondi mutwi; — kumpaniji ta' ġestjoni ta' fondi ta' investiment; — kumpaniji ta' ġestjoni ta' fondi ta' investiment ta' kapital barrani.	Is-servizz ta' ġestjoni tal-fondi jista' jitwettaq minn korporazzjonijiet stabbiliti għal dak l-iskop uniku, kostitwit fiċ-Ċilì, b'awtorizzazzjoni mis-CMF. Fondi ta' investiment ta' kapital barrani jistgħu jiġu ġestiti wkoll minn kumpaniji ta' ġestjoni ta' fondi ta' investiment.
	Ġestjoni ta' pjanijiet volontarji tat-tfaddil għall-pensjoni (*planes de ahorro previsional voluntario*).	Mingħajr restrizzjonijiet fir-rigward tas-subparagrafu (e) tal-Artikolu 25.6(1). Il-pjanijiet volontarji ta' tfaddil jistgħu jiġu offruti biss minn maniġers ta' fondi mutwi u fondi ta' investiment stabbiliti fiċ-Ċilì skont it-termini stabbiliti hawn fuq. Dawn il-pjanijiet iridu jkollhom l-awtorizzazzjoni minn qabel tas-CMF.
	Servizz ta' kmamar tal-ikklerjar għal derivattivi (kuntratti għal futuri u opzjonijiet fuq titoli).	Kmamar tal-ikklerjar għal kuntratti futuri u opzjonijiet fuq titoli jridu jkunu kostitwiti fiċ-Ċilì bħala korporazzjonijiet għal dak l-għan uniku u b'awtorizzazzjoni mis-CMF. Dawn jistgħu jkunu kkostitwiti biss minn boroż u s-sensara tagħhom.

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet dwar aċċess għas-suq	
	Imħażen ta' depożitu ġenerali (warrants) (Tikkorrispondi għal servizzi ta' mħażen tal-merkanzija akkumpanjati mill-ħruġ ta' ċertifikat ta' depożitu u rċevuta ipotekarja taċ-chattel (*vale de prenda*)).	Huma biss il-persuni ġuridiċi debitament kostitwiti fiċ-Ċilì li għandhom il-forniment ta' servizzi ta' mandat bħala l-uniku għan tagħhom.
	Servizzi ta' ħruġ u reġistrazzjoni ta' titoli (CPC 81332) (ma jinkludix id-depożitu u l-kustodja ta' servizzi ta' titoli).	Xejn.
	Skambji ta' bhejjem tal-ifrat u prodotti bażiċi agrikoli. Servizz ta' kmamar tal-ikklerjar ta' futuri u opzjonijiet fuq bhejjem tal-ifrat u prodotti bażiċi agrikoli.	L-entitajiet iridu jiġu stabbiliti bħala korporazzjonijiet bi skop speċjali (*sociedades anónimas especiales*) skont il-liġi Ċilena.
	Senserija tal-baqar u tal-komoditajiet agrikoli.	L-attività tas-sensar tal-bhejjem tal-ifrat u tal-komoditajiet agrikoli trid titwettaq minn entitajiet ġuridiċi stabbiliti skont il-liġi Ċilena.
	Il-boroż.	Il-boroż iridu jiġu stabbiliti bħala korporazzjonijiet bi skop speċjali (*Sociedades anónimas especiales*) skont il-liġi Ċilena.
Servizzi finanzjarji oħra	Ġestjoni ta' self ipotekarju kif stabbilit fid-*Decreto con Fuerza de Ley Nru 251, Ley de Seguros*, Titolu V.	L-aġenziji tal-ġestjoni tas-self ipotekarju jridu jiġu stabbiliti bħala korporazzjonijiet (*sociedades anónimas*).
Servizzi oħra relatati ma' servizzi finanzjarji	Uffiċċji rappreżentattivi ta' banek barranin bħala aġenti tan-negozju (fl-ebda każ dawn ir-rappreżentazzjonijiet ma jistgħu jwettqu atti li huma proprji għan-negozju bankarju).	Is-CMF tista' tawtorizza lill-banek barranin sabiex iżommu uffiċċji rappreżentattivi li jaġixxu bħala aġenti tan-negozju għall-uffiċċji prinċipali tagħhom u għandha teżerċita fuqhom l-istess awtorità ta' spezzjoni mogħtija lis-CMF mil-Liġi Bankarja Ġenerali (*Ley General de Bancos*) fir-rigward tal-banek. L-awtorizzazzjoni mogħtija mis-CMF lill-uffiċċji rappreżentattivi hija suġġetta għal revoka jekk jinstab li l-manteniment tagħha huwa inkonvenjenti, kif espress fil-Liġi Bankarja Ġenerali (*Ley General de Bancos*).

Noti introduttivI għas-Sezzjonijiet C u D

1. L-impenji fis-settur tas-servizzi finanzjarji skont il-Kapitolu 25 jittieħdu soġġett għal-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dawn in-noti ewlenin u fl-Iskeda ta' hawn taħt.

2. Persuni ġuridiċi li jipprovdu servizzi finanzjarji u kostitwiti skont il-liġijiet u r-regolamenti taċ-Ċilì huma soġġetti għal limitazzjonijiet mhux diskriminatorji fuq il-forma legali. Pereżempju, is-shubijiet (*societadades de personas*) ġeneralment mhumiex forom legali aċċettabbli għall-istituzzjonijiet finanzjarji fiċ-Ċilì. Din in-nota introduttiva mhijiex fiha nnifisha maħsuba biex taffettwa jew inkella tillimita għażla minn istituzzjoni finanzjarja tal-Parti tal-UE bejn fergħat u sussidjarji sakemm il-liġijiet u r-regolamenti taċ-Ċilì ma jipprovdux hekk.

TAQSIMA C

MIŻURI EŻISTENTI

Settur: Servizzi finanzjarji

Subsettur: Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra

Obbligi Kkonċernati:	Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Livell ta' gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Ley Nº 18.045, Gazzetta Uffiċjali tat-22 ta' Ottubru 1981, Ley de Mercado de Valores, it-Titoli VI u VII, l-Artikoli 24, 26 u 27.
Deskrizzjoni:	Id-diretturi, l-amministraturi, il-maniġers jew ir-rappreżentanti legali ta' entitajiet ġuridiċi jew persuni fiżiċi li jwettqu l-attivitajiet ta' sensar tal-borża u aġent tat-titoli, iridu jkunu Ċileni jew barranin b'permess ta' residenza permanenti.
Settur:	Servizzi finanzjarji
Subsettur:	Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni
Obbligi Kkonċernati:	Trattament nazzjonali (Artikolu 25.3)
Livell ta' gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Decreto con Fuerza de Ley Nº 251, Gazzetta Uffiċjali tat-22 ta' Mejju 1931, Ley de Seguros, it-Titolu I, l-Artikolu 16.
Deskrizzjoni:	Is-senserija tar-riassigurazzjoni tista' titwettaq minn sensara tar-riassigurazzjoni barranin. Dawn is-sensara għandhom ikunu persuni ġuridiċi, juru li l-entità hija legalment organizzata fil-pajjiż ta' oriġini tagħha u awtorizzata għal riskji intermedji ċeduti minn barra l-pajjiż, u jipprovdu d-data li fiha ngħatat tali awtorizzazzjoni. Tali entitajiet għandhom jaħtru rappreżentant fiċ-Ċilì biex jirrappreżentahom b'setgħat wiesgħa. Ir-rappreżentant jista' jkun soġġett għal taħrika u jrid ikollu residenza fiċ-Ċilì.
Settur:	Servizzi finanzjarji
Subsettur:	Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni
Obbligu kkonċernat:	Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u diretturi tal-bord
Livell ta' gvern:	Ċentrali
Miżura:	Decreto con Fuerza de Ley 251, il-Gazzetta Uffiċjali tat-22 ta' Mejju 1931, Ley de Seguros, Titolu III, l-Artikoli 58 u 62, Decreto Supremo Nru 863 de 1989 del Ministerio de Hacienda, il-Gazzetta Uffiċjali tal-5 ta' April 1990, Reglamento de los Auxiliares del Comercio de Seguros, it-Titolu I, l-Artikolu 2, l-ittra (c).
Deskrizzjoni:	L-amministraturi u r-rappreżentanti legali ta' entitajiet ġuridiċi u persuni fiżiċi li jwettqu l-attività ta' saldu tal-pretensjonijiet u senserija tal-assigurazzjoni jridu jkunu Ċileni jew barranin b'permess ta' residenza permanenti.
Settur:	Servizzi finanzjarji
Subsettur:	Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni
Obbligi Kkonċernati:	Trattament nazzjonali
Livell ta' gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Decreto con Fuerza de Ley Nº 251, Gazzetta Uffiċjali tat-22 ta' Mejju 1931, Ley de Seguros, it-Titolu I, l-Artikolu 20.
Deskrizzjoni:	Fil-każ tat-tipi ta' assigurazzjoni koperti fid-Decreto Ley 3.500, li tinvolvi ċ-ċessjoni ta' riassigurazzjoni lil riassiguraturi barranin, it-tnaqqis għar-riassigurazzjoni ma jistax jaqbeż l40 % tat-total tar-riżervi tekniċi assoċjati ma' dawk it-tipi ta' assigurazzjoni jew perċentwal ogħla jekk stabbilit mill-Kummissjoni tas-Swieq Finanzjarji (*Comisión para el Mercado Financiero*).
Settur:	Servizzi finanzjarji
Subsettur:	Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni
Obbligi Kkonċernati:	Trattament nazzjonali

Livell ta' gvern:	Ċentrali
Miżuri:	Decreto con Fuerza de Ley Nº 251, Diario Oficial, it-22 ta' Mejju 1931, Ley de Seguros, it-Titolu I.
Deskrizzjoni:	L-attività ta' riassigurazzjoni tista' tiġi pprovduta minn entitajiet barranin ikklassifikati, skont l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tar-riskju ta' reputazzjoni internazzjonali magħrufa sew kif indikat mill-Kummissjoni tas-Suq Finanzjarju (*Comisión para el Mercado Financiero*), mill-inqas fil-kategorija tar-riskju BBB jew oħra ekwivalenti għaliha. Dawn l-entitajiet għandu jkollhom rappreżentant fiċ-Ċilì li jirrappreżentahom b'setgħat wiesgħa. Ir-rappreżentant jista' jkun soġġett għal taħrika. Minkejja dak imsemmi hawn fuq, il-ħatra ta' rappreżentant ma tkunx meħtieġa jekk sensar tar-riassigurazzjoni, irreġistrat fir-reġistri tas-CMF, iwettaq l-operazzjoni ta' riassigurazzjoni. Għall-finijiet kollha, speċjalment għal dawk relatati mal-applikazzjoni u l-prestazzjoni fil-pajjiż tal-kuntratt tar-riassigurazzjoni, dan is-sensar għandu jitqies bħala r-rappreżentant legali tar-riassiguraturi.
Settur:	Servizzi finanzjarji
Subsettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra
Obbligi Kkonċernati:	Trattament nazzjonali
Miżuri:	Ley Nº 18.045, Gazzetta Uffiċjali tat-22 ta' Ottubru 1981, Ley de Mercado de Valores, Titoli VI u VII, Artikoli 24 u 26.
Deskrizzjoni:	Persuni fiżiċi li jwettqu l-attività ta' sensar tal-borża u aġent tat-titoli fiċ-Ċilì jridu jkunu Ċileni jew barranin b'permess ta' residenza.
Settur:	Servizzi finanzjarji
Subsettur:	Kollox
Obbligi Kkonċernati:	Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi Rekwiżiti tal-prestazzjoni
Livell ta' gvern:	Ċentrali
Miżuri:	D.F.L. 1 tal-Ministeru tax-Xogħol u l-Assistenza Soċjali, il-Gazzetta Uffiċjali, l-24 ta' Jannar 1994, il-Kodiċi tax-Xogħol, Titolu Preliminari, il-Ktieb I, il-Kapitolu III (D.F.L. 1 del Ministerio del Trabajo y Previsión Social, Diario Oficial, enero 24, 1994, Código del Trabajo, Título Preliminar, Libro I, Capítulo III).
Deskrizzjoni:	Minimu ta' 85 % tal-impjegati li jaħdmu għall-istess impjegatur għandhom ikunu persuni fiżiċi Ċileni jew barranin b'aktar minn ħames snin ta' residenza fiċ-Ċilì. Din ir-regola tapplika għal impjegaturi b'aktar minn 25 impjegat b'kuntratt ta' impjieg (*contrato de trabajo* [1]). Il-persunal tekniku espert ma għandux ikun soġġett għal din id-dispożizzjoni, kif determinat mid-Direttorat tax-Xogħol (*Dirección del Trabajo*). Impjegat għandu jinftiehem bħala kwalunkwe persuna fiżika li tipprovdi servizzi intellettwali jew materjali, taħt dipendenza jew subordinazzjoni, skont kuntratt ta' impjieg.

TAQSIMA D

MIŻURI FIL-ĠEJJIENI

Settur:	Servizzi finanzjarji
Subsettur:	Kollox
Obbligi Kkonċernati:	Forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji
Livell ta' gvern:	Ċentrali
Deskrizzjoni:	Ix-xiri ta' servizzi finanzjarji, minn persuni li jinsabu fit-territorju taċ-Ċilì u ċ-ċittadini tiegħu irrispettivament minn fejn jinsabu, minn fornituri ta' servizzi finanzjarji tal-Parti tal-UE għandu jkun soġġett għar-regolamenti dwar il-kambju adottati jew miżmuma mill-Banco Central de Chile skont il-Liġi Organika tiegħu (Ley 18.840).

[1] Għal aktar ċertezza, kuntratt ta' impjieg (*contrato de trabajo*) mhuwiex obbligatorju għall-provvista ta' kummerċ transfruntier fis-servizzi.

Miżuri eżistenti:	Ley 18.840, il-Gazzetta Uffiċjali tal-10 ta' Ottubru 1989, Ley Orgánica Constitucional del Banco Central de Chile, Titolu III
Settur:	Servizzi finanzjarji
Subsettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra
Obbligi Kkonċernati:	Trattament Nazzjonali
Livell ta' gvern:	Ċentrali
Deskrizzjoni:	Iċ-Ċilì jista' jadotta jew iżomm miżuri biex jagħti lill-Banco del Estado de Chile, bank tal-istat taċ-Ċilì, setgħat biex jikkonforma ma' funzjonijiet relatati mal-amministrazzjoni finanzjarja tal-Istat, li huma jew jistgħu jiġu stabbiliti skont il-liġijiet u r-regolamenti taċ-Ċilì. Dawn il-miżuri jinkludu l-ġestjoni tar-riżorsi finanzjarji tal-gvern Ċilen li jsiru permezz ta' depożiti fil-Cuenta Única Fiscal u l-kontijiet sussidjarji tagħha, li kollha kemm huma jridu jinżammu fil-Banco del Estado de Chile.
Miżuri eżistenti:	Decreto Ley Nº 2.079, il-Gazzetta Uffiċjali tat-18 ta' Jannar 1978, Ley Orgánica del Banco del Estado de Chile Decreto Ley Nru 1.263, il-Gazzetta Uffiċjali tat-28 ta' Novembru 1975, Decreto Ley Orgánico de Administración Financiera del Estado, l-Artikolu 6.
Settur:	Servizzi finanzjarji
Subsettur:	Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni
Obbligi Kkonċernati:	Forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji
Livell ta' gvern:	Ċentrali
Deskrizzjoni:	It-tipi kollha ta' assigurazzjoni [2] li l-liġi Ċilena tagħmel jew tista' tagħmel obbligatorja, u l-assigurazzjoni kollha relatata mas-sigurtà soċjali, ma jistgħux jiġu kkuntrattati barra miċ-Ċilì. Din ir-riżerva ma tapplikax fil-każ li l-liġi Ċilena tagħmel assigurazzjoni obbligatorja għat-trasport marittimu internazzjonali, l-avjazzjoni kummerċjali internazzjonali u l-varar fl-ispazju u l-merkanzija (inklużi s-satelliti) u l-oġġetti fi tranżitu internazzjonali (inklużi l-oġġetti trasportati). Din l-esklużjoni ma tapplikax għall-assigurazzjoni għall-kabotaġġ jew attivitajiet relatati.
Miżuri eżistenti:	Decreto con Fuerza de Ley Nº 251, Gazzetta Uffiċjali tat-22 ta' Mejju 1931, Ley de Seguros, it-Titolu I, l-Artikolu 4.
Settur:	Servizzifinanzjarji
Subsettur:	Servizzi soċjali
Obbligi Kkonċernati:	Aċċess għas-suq Forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji Rekwiżiti tal-prestazzjoni
Livell ta' gvern:	Ċentrali
Deskrizzjoni:	Iċ-Ċilì jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi pubbliċi ta' infurzar tal-liġi u ta' korrezzjoni, u s-servizzi li ġejjin sa fejn huma servizzi soċjali stabbiliti jew miżmuma għal raġunijiet ta' interess pubbliku: is-sigurtà tal-introjtu jew l-assigurazzjoni, is-sigurtà soċjali jew l-assigurazzjoni, il-benesseri soċjali, l-edukazzjoni pubblika, it-taħriġ pubbliku, il-kura tas-saħħa u l-kura tat-tfal.
Settur:	Servizzi finanzjarji
Subsettur:	Kollox
Obbligi Kkonċernati:	Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bord tad-diretturi

[2] Għal aktar ċertezza din ir-riżerva ma tapplikax għal servizzi ta' riassigurazzjoni.

Deskrizzjoni:	Fit-trasferiment jew id-disponiment ta' kwalunkwe interess fl-istokk jew l-assi miżmuma f'intrapriża statali jew entità governattiva eżistenti, iċ-Ċilì jirriżerva d-dritt li jipprojbixxi jew jimponi limitazzjonijiet fuq is-sjieda ta' tali interess jew assi, u fuq id-dritt tal-investituri barranin jew l-investiment tagħhom li jikkontrollaw kwalunkwe kumpanija tal-Istat maħluqa minnu jew investimenti magħmula mill-istess. B'rabta ma' kwalunkwe trasferiment jew disponiment bħal dan, iċ-Ċilì jista' jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura relatata man-nazzjonalità tal-maniġment superjuri u l-membri tal-bord tad-diretturi. Kumpanija tal-Istat tfisser kwalunkwe kumpanija li hija proprjetà taċ-Ċilì jew ikkontrollata minnu permezz ta' sehem ta' interess fis-sjieda tagħha, inkluża kwalunkwe kumpanija maħluqa wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim għall-iskop uniku li tbigħ jew tiddisponi mis-sehem tal-interess tagħha fil-kapital jew fl-assi ta' intrapriża tal-Istat jew entità governattiva eżistenti.

ANNESS 28-A

AKKWIST PUBBLIKU

IL-PARTI TAL-UE

TAQSIMA A

ENTITAJIET TAL-GVERN ĊENTRALI

Provvisti

Speċifikati fit-Taqsima D

Limiti stabbiliti SDR 130 000

Servizzi

Speċifikati fit-Taqsima E

Limiti stabbiliti SDR 130 000

Xogħlijiet

Speċifikati fit-Taqsima F

Limiti stabbiliti SDR 5 000 000

1. Entitajiet tal-Unjoni Ewropea:

(a) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea;

(b) il-Kummissjoni Ewropea; kif ukoll

(c) Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE)

2. L-awtoritajiet kontraenti tal-gvern ċentrali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea:

IL-BELĠJU

1. Services publics fédéraux:	1. Federale Overheidsdiensten:
SPF Chancellerie du Premier Ministre;	FOD Kanselarij van de Eerste Minister;
SPF Personnel et Organisation;	FOD Kanselarij Personeel en Organisatie;
SPF Budget et Contrôle de la Gestion;	FOD Budget en Beheerscontrole;
SPF Technologie de l'Information et de la Communication (Fedict);	FOD Informatie- en Communicatietechnologie (Fedict);
SPF Affaires étrangères, Commerce extérieur et Coopération au Développement;	FOD Buitenlandse Zaken, Buitenlandse Handel en Ontwikkelingssamenwerking;
SPF Intérieur;	FOD Binnenlandse Zaken;
SPF Finances;	FOD Financiën;
SPF Mobilité et Transports;	FOD Mobiliteit en Vervoer;
SPF Emploi, Travail et Concertation sociale;	FOD Werkgelegenheid, Arbeid en sociaal overleg;
SPF Sécurité Sociale et Institutions publiques de Sécurité Sociale;	FOD Sociale Zekerheid en Openbare Instellingen van sociale Zekerheid;
SPF Santé publique, Sécurité de la Chaîne alimentaire et Environnement;	FOD Volksgezondheid, Veiligheid van de Voedselketen en Leefmilieu;
SPF Justice;	FOD Justitie;

SPF Economie, PME, Classes moyennes et Energie;	FOD Economie, KMO, Middenstand en Energie;
Ministère de la Défense;	Ministerie van Landsverdediging;
Service public de programmation Intégration sociale, Lutte contre la pauvreté Et Economie sociale;	Programmatorische Overheidsdienst Maatschappelijke Integratie, Armoedsbestrijding en sociale Economie;
Service public fédéral de Programmation Développement durable;	Programmatorische federale Overheidsdienst Duurzame Ontwikkeling;
Service public fédéral de Programmation Politique scientifique;	Programmatorische federale Overheidsdienst Wetenschapsbeleid;
2. Régie des Bâtiments:	2. Regie der Gebouwen:
Office national de Sécurité sociale;	Rijksdienst voor sociale Zekerheid;
Institut national d'Assurance sociales Pour travailleurs indépendants;	Rijksinstituut voor de sociale Verzekeringen der Zelfstandigen;
Institut national d'Assurance Maladie-Invalidité;	Rijksinstituut voor Ziekte- en Invaliditeitsverzekering;
Office national des Pensions;	Rijksdienst voor Pensioenen;
Caisse auxiliaire d'Assurance Maladie-Invalidité;	Hulpkas voor Ziekte-en Invaliditeitsverzekering;
Fond des Maladies professionnelles;	Fonds voor Beroepsziekten;
Office national de l'Emploi;	Rijksdienst voor Arbeidsvoorziening
La Poste (*)	De Post (*)

(*) Attivitajiet postali skont l-att tal-24 ta' Diċembru 1993.

BULGARIJA

Администрация на Народното събрание (Amministrazzjoni tal-Assemblea Nazzjonali)

Администрация на Президента (Amministrazzjoni tal-President)

Администрация на Министерския съвет (Amministrazzjoni tal-Kunsill tal-Ministri)

Конституционен съд (il-Qorti Kostituzzjonali)

Българска народна банка (Bank Nazzjonali tal-Bulgarija)

Министерство на външните работи (il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin)

Министерство на вътрешните работи (il-Ministeru ta' l-Intern)

Министерство на извънредните ситуации (il-Ministeru tas-Sitwazzjonijiet ta' Emerġenza)

Министерство на държавната администрация и административната реформа (il-Ministeru tal-Amministrazzjoni tal-Istat u tar-Riforma Amministrattiva)

Министерство на земеделието и храните (il-Ministeru tal-Agrikoltura u tal-Ikel)

Министерство на здравеопазването (il-Ministeru tas-Saħħa)

Министерство на икономиката и енергетиката (il-Ministeru tal-Ekonomija u tal-Enerġija)

Министерство на културата (il-Ministeru tal-Kultura)

Министерство на образованието и науката (il-Ministeru tal-Edukazzjoni u tax-Xjenza)

Министерство на околната среда и водите (il-Ministeru tal-Ambjent u tal-Ilma)

Министерство на отбраната (Il-Ministeru għad-Difiża)

Министерство на правосъдието (il-Ministeru tal-Ġustizzja)

Министерство на регионалното развитие и благоустройството (il-Ministeru tal-Iżvilupp Reġjonali u tax-Xogħlijiet Pubbliċi)

Министерство на транспорта (il-Ministeru tat-Trasport)

Министерство на труда и социалната политика (il-Ministeru tax-Xogħol u tal-Politika Soċjali)

Министерство на финансите (il-Ministeru tal-Finanzi)

държавни агенции, държавни комисии, изпълнителни агенции и други държавни институции, създадени със закон или с постановление на Министерския съвет, които имат функции във връзка с осъществяването на изпълнителната власт (aġenziji statali, kummissjonijiet statali, aġenziji eżekuttivi u awtoritajiet statali oħra stabbiliti bil-liġi jew b'digriet tal-Kunsill tal-Ministri li jkollhom funzjoni marbuta mat-twettiq tas-setgħa eżekuttiva):

Агенция за ядрено регулиране (l-Aġenzija Regolatorja Nukleari)

Държавна комисия за енергийно и водно регулиране (il-Kummissjoni Regolatorja tal-Istat dwar l-Enerġija u l-Ilma)

Държавна комисия по сигурността на информацията (Kummissjoni tal-Istat dwar is-Sigurtà tal-Informazzjoni)

Комисия за защита на конкуренцията (il-Kummissjoni għall-Ħarsien tal-Kompetizzjoni)

Комисия за защита на личните данни (il-Kummissjoni għall-Protezzjoni ta' Data Personali)

Комисия за защита от дискриминация (il-Kummissjoni għall-Ħarsien Kontra d-Diskriminazzjoni)

Комисия за регулиране на съобщенията (il-Kummissjoni li Tirregola l-Komunikazzjoni)

Комисия за финансов надзор (il-Kummissjoni ta' Superviżjoni Finanzjarja)

Патентно ведомство на Република България (l-Uffiċċju tal-Privattivi tar-Repubblika tal-Bulgarija)

Сметна палата на Република България (l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditjar tar-Repubblika tal-Bulgarija)

Агенция за приватизация (Aġenzija tal-Privatizzazzjoni)

Агенция за следприватизационен контрол (Aġenzija għall-Kontroll Wara l-Privatizzazzjoni)

Български институт по метрология (l-Istitut Bulgaru tal-Metroloġija)

Държавна агенция "Архиви" (l-Aġenzija tal-Istat "Arkivji")

Държавна агенция "Държавен резерв и военновременни запаси" (l-Aġenzija tal-Istat "Riżerva tal-Istat u Ħażniet ta' Żmien il-Gwerra")

Държавна агенция за бежанците (l-Aġenzija tal-Istat għar-Refuġjati)

Държавна агенция за българите в чужбина (l-Aġenzija tal-Istat għal Bulgari Barra l-Pajjiż)

Държавна агенция за закрила на детето (l-Aġenzija tal-Istat għall-Protezzjoni tat-Tfal)

Държавна агенция за информационни технологии и съобщения (Aġenzija tal-Istat

għat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni);

Държавна агенция за метрологичен и технически надзор (l-Aġenzija tal-Istat għas-Sorveljanza Metroloġika u Teknika)

Държавна агенция за младежта и спорта (l-Aġenzija tal-Istat għaż-Żgħażagħ u Sport)

Държавна агенция по туризма (l-Aġenzija tal-Istat għat-Turiżmu)

Държавна комисия по стоковите борси и тържища (il-Kummissjoni tal-Istat fuq Boroż

u Swieq tal-Komoditajiet);

Институт по публична администрация и европейска интеграция (Istitut tal-Amministrazzjoni

Pubblika u l-Integrazzjoni Ewropea);

Национален статистически институт (l-Istitut Nazzjonali tal-Istatistika)

Агенция "Митници" (l-Aġenzija tad-Dwana)

Агенция за държавна и финансова инспекция (l-Aġenzija Pubblika tal-Ispezzjoni Finanzjarja)

Агенция за държавни вземания (l-Aġenzija tal-Ġbir tar-Riċevibbli tal-Istat)

Агенция за социално подпомагане (l-Aġenzija tal-Assistenza Soċjali)

Държавна агенция "Национална сигурност" (L-Aġenzija tal-Istat "Sigurtà Nazzjonali")

Агенция за хората с увреждания (l-Aġenzija għall-Persuni b'Diżabilità)

Агенция по вписванията (l-Aġenzija tar-Reġistru)

Агенция по енергийна ефективност (l-Aġenzija għall-Effiċjenza Enerġetika)

Агенция по заетостта (l-Aġenzija tal-Impjiegi)

[xi] Il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika "Bœuf de Charolles" fit-territorju taċ-Ċilì, ma għandhiex tipprevjeni lill-utenti tat-terminu "Charolesa", li jindika prodott derivat mir-razza tal-annimali, milli jkomplu jużaw dawn it-termini, dment li dawn il-prodotti ma jiġux ikkummerċjalizzati bl-użu ta' referenzi (grafika, ismijiet, stampi jew bnadar) għall-oriġini ġenwina tal-indikazzjoni ġeografika jew l-isfruttament tar-reputazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika, u dment li l-użu tal-isem tar-razza tal-annimali ma jqarraqx bil-konsumaturi jew jikkostitwixxi att ta' kompetizzjoni inġusta fir-rigward tal-indikazzjoni ġeografika.

[xii] Il-protezzjoni hija mfittxija biss għat-terminu kompost.

[xiii] Il-protezzjoni hija mfittxija biss għat-terminu kompost.

[xiv] Il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika "Génisse Fleur d'Aubrac" ma għandhiex tipprevjeni lill-utenti tat-terminu "Aubrac" fit-territorju taċ-Ċilì, li jindika prodott derivat mir-razza tal-annimali, milli jkomplu jużaw dawn it-termini, sakemm dawn il-prodotti ma jiġux ikkummerċjalizzati bl-użu ta' referenzi (grafika, ismijiet, stampi, bnadar) għall-oriġini ġenwina tal-indikazzjoni ġeografika jew l-isfruttament tar-reputazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika, u sakemm l-użu tal-isem tar-razza tal-annimali ma jqarraqx bil-konsumaturi jew jikkostitwixxi kompetizzjoni inġusta fir-rigward tal-indikazzjoni ġeografika.

[xv] Il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika "Gruyère" ma għandhiex tipprevjeni lill-utenti preċedenti elenkati fl-Appendiċi 32-C-2, tat-terminu "Gruyère/Gruyere" fit-territorju jew fiċ-Ċilì, li kienu qed jużaw dan it-terminu in bona fede u bi preżenza rikorrenti fis-suq fi żmien 12-il xahar qabel il-konklużjoni tan-negozjati ta' dan il-Ftehim tad-9 ta' Diċembru 2022, milli jkomplu jużaw dak it-terminu, sakemm dawn il-prodotti ma jiġux kummerċjalizzati bl-użu ta' referenzi (eż. grafika, ismijiet, stampi jew bnadar) għall-oriġini ġenwina ta' "Gruyère" u huma differenzjati minn "Gruyère" b'mod mhux ambigwu fir-rigward tal-oriġini u sakemm it-terminu jintwera b'tipa li, filwaqt li tinqara, hija sostanzjalment iżgħar mill-isem tad-ditta, u hija differenzjata minnu b'mod mhux ambigwu fir-rigward tal-oriġini tal-prodott. Id-denominazzjoni "Gruyère" tirreferi, fit-territorju tal-Unjoni Ewropea, għal żewġ indikazzjonijiet ġeografiċi omonimi, rispettivament fir-rigward ta' ġobon Żvizzeru u ta' ġobon Franċiż. Il-Parti tal-UE ma għandhiex topponi applikazzjoni possibbli mmirata lejn il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika omonima Żvizzera msemmija fiċ-Ċilì.

[xvi] L-isem "d'Agen" jista' jkompli jintuża bħala varjetà għall-għanbaqar frisk u għas-siġar tal-għanbaqar, sakemm dawn il-prodotti ma jiġux ikkummerċjalizzati bl-użu ta' referenzi (eż. grafika, ismijiet, stampi jew bnadar) għall-oriġini ġenwina tal-indikazzjoni ġeografika jew l-isfruttament tar-reputazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika u sakemm il-konsumatur ma jiġix imqarraq dwar in-natura ta' tali terminu jew l-oriġini preċiża tal-prodott jew jikkostitwixxi att ta' kompetizzjoni inġusta fir-rigward tal-indikazzjoni ġeografika.

[xvii] Il-protezzjoni hija mfittxija biss għat-terminu multikomponenti.

[xviii] Il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika "Veau du Limousin" ma għandhiex timpedixxi lill-utenti tat-terminu "Limousin" fit-territorju taċ-Ċilì, li jindika prodott derivat mir-razza tal-annimali, milli jkomplu jużaw dawn it-termini, sakemm dawn il-prodotti ma jiġux ikkummerċjalizzati bl-użu ta' referenzi (grafika, ismijiet, stampi jew bnadar) għall-oriġini ġenwina tal-indikazzjoni ġeografika jew b'mod li jisfruttaw ir-reputazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika, u sakemm l-użu tal-isem tar-razza tal-annimali ma jqarraqx bil-konsumaturi jew jikkostitwixxi att ta' kompetizzjoni inġusta fir-rigward tal-indikazzjoni ġeografika.

[xix] Il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika "Parmigiano Reggiano" ma għandhiex timpedixxi lill-utenti preċedenti elenkati fl-Appendiċi 32-C-2 tat-terminu "Parmesano" fit-territorju jew fiċ-Ċilì, wara li jkunu użaw dan it-terminu in bona fede u bi preżenza rikorrenti fis-suq fi żmien 12-il xahar qabel il-konklużjoni tan-negozjati ta' dan il-Ftehim tad-9 ta' Diċembru 2022 milli jkomplu jużaw dak it-terminu, sakemm dawn il-prodotti ma jiġux ikkummerċjalizzati bl-użu ta' referenzi (eż. grafika, ismijiet, stampi jew bnadar) għall-oriġini ġenwina tal-"Parmigiano Reggiano" u jkunu differenzjati minn "Parmigiano Reggiano" b'mod mhux ambigwu fir-rigward tal-oriġini u sakemm it-terminu jintwera b'tipa li, filwaqt li tinqara, hija sostanzjalment iżgħar mill-isem tad-ditta, u hija differenzjata minnu b'mod mhux ambigwu fir-rigward tal-oriġini tal-prodott

[xx] L-isem varjetali "San Marzano" jista' jkompli jintuża bħala varjetà għat-tadam frisk u għall-pjanti tat-tadam, sakemm dawn il-prodotti ma jiġux ikkummerċjalizzati bl-użu ta' referenzi (grafika, ismijiet, stampi jew bnadar) għall-oriġini ġenwina tal-indikazzjoni ġeografika jew b'mod li jisfruttaw ir-reputazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika u l-konsumatur ma jiġix imqarraq dwar in-natura ta' tali terminu jew l-oriġini preċiża tal-prodott jew jikkostitwixxi att ta' kompetizzjoni inġusta fir-rigward tal-indikazzjoni ġeografika.

[xxi] L-isem varjetali "Pêra Rocha" jista' jkompli jintuża fuq prodott simili, sakemm dawn il-prodotti ma jiġux ikkummerċjalizzati bl-użu ta' referenzi (grafika, ismijiet, stampi jew bnadar) għall-oriġini ġenwina tal-indikazzjoni ġeografika jew b'mod li jisfruttaw ir-reputazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika u l-konsumatur ma jiġix żgwidat dwar in-natura ta' tali terminu jew l-oriġini preċiża tal-prodott jew jikkostitwixxi att ta' kompetizzjoni inġusta fir-rigward tal-indikazzjoni ġeografika.

[xxii] Il-protezzjoni tat-terminu “Queijo S. Jorge” ma għandhiex tirrestrinġi l-użu tat-terminu “San Jorge” fiċ-Ċilì bħala trademark irreġistrata eżistenti, sakemm tali użu ma jqarraqx bil-konsumatur dwar l-oriġini tal-prodott. It-terminu “Queijo S. Jorge” għandu jintuża biss bħala terminu multikomponenti, u flimkien ma’ indikazzjoni tal-oriġini u l-isem tad-ditta tiegħu.

Appendiċi 32-C-1

LISTA TA' KOMPONENTI INDIVIDWALI KIF IMSEMMIJA FL-Artikolu 32.35 (9)

Għall-indikazzjonijiet ġeografiċi elenkati tal-Parti tal-UE:

Fir-rigward tal-lista ta' indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Parti tal-UE stabbilita fil-Parti A tal-Anness 32-C, il-protezzjoni pprovduta f'konformità mal-Artikolu 32.35 tal-Ftehim mhijiex mitluba fir-rigward tat-termini individwali li ġejjin, li huma komponenti ta' terminu multikomponenti li huwa protett bħala isem ta' indikazzjoni ġeografika:

"aceite", "Aceto balsamico", "tradizionale", "aceto", "alfajor", "alla cacciatora", "amarelo", "Apfel", "azafran", "azeite", "azeites", "Bayrische", "Bergkäse", "beurre", "Bier", "bleu", "boeuf", "Bratwürste", "Bresaola", "Breze", "Brezn", "Brez'n", "Brezel", "brie", "camembert", "Canard à foie gras", "cantucci", "cantuccini", "carne", "carne de vacuno" "cecina", "chmel", "chorizo", "chouriça de carne", "chouriço", "Christstollen", "citricos", "citrics", "coppa", "cotechino", "culatello", "dehesa", "edam", "emmental", "Emmentaler", "Ελιά (Elia)", "Essence de lavande", "fromage", "fűszerpaprika-őrlemén", "génisse", "Γλυκό Τριαντάφυλλο" (Glyko Triantafyllo), "gouda", "Graukäse", "graviera", "Hopfen", "huile d'olive", "huile essentielle de lavande", "huîtres", "island", "jabłko", "jambon", "Katenrauchschinken", "Katenschinken", "klobasa", "Knochenschinken", "Knöpfle", "kolbász", "Kren", "Κρόκος" (Krokos), "kulen", "Kürbiskernöl", "Lebkuchen", "lentille", "lentille verte", "linguiça", "llonganissa", "Λουκούμι" (Loukoumi), "magiun de prune", "Markenspeck", "Marzipan", "mela", "mortadella", "mozzarella", "mozzarella di bufala", "noix", "oli", "paleta", "panceta", "pancetta", "paprika", "pároskolbász", "pasta", "paté", "pecorino", "pêra", "pimentòn", "picante", "pivo", "plate", "polvorones", "pomodoro", "presunto", "prosciutto", "provolone", "pruneaux mi-cuits","pruneaux","priego", "Printen", "pršut", "prune", "queijo", "queijos", "queixo", "queso", "розово масло" (rozovo maslo), "Rostbratwurst", "salam", "salamini", "salchichón", "salmon", "Schinken", "sidra", "sierra", "sobrasada", "Spätzle", "Speck", "Σταφίδα" (Stafida), "Stollen", "szalámi", "telemea", "Téliszalámi", "ternera", "terra", "tomme", "torta", "turrón", "vastagkolbász", "var", "veau", "vinagre", "vitellone bianco", "volailles", "Weihnachtsstollen", "zampone", "zašink".

Għall-indikazzjonijiet ġeografiċi elenkati taċ-Ċilì:

Fir-rigward tal-lista ta' indikazzjonijiet ġeografiċi taċ-Ċilì stabbilita fil-Parti B tal-Anness 32-C, il-protezzjoni pprovduta f'konformità mal-Artikolu 32.35 tal-Ftehim mhijiex mitluba fir-rigward tat-termini individwali li ġejjin, li huma komponenti ta' terminu multikomponenti li huwa protett bħala indikazzjoni ġeografika:

"aceite", "aceitunas", "atún", "cangrejo", "chicha", "cordero", "dulces", "isla", "langosta", "limón", "maíz", "oregano", "prosciutto", "puerro", "sal", "sandía", "sidra", "tomate".

Appendiċi 32-C-2

LISTA TA' UTENTI PREĊEDENTI

Parmesano

— AGRÍCOLA Y LÁCTEOS LAS VEGAS S.A.
— AGROCOMERCIAL CODIGUA SPA
— ALVI SUPERMERCADOS MAYORISTAS S.A.
— ALTAS CUMBRES GROUP SPA
— ARTHUR SCHUMAN INC.
— BODEGA GOURMET SPA
— CASO Y CIA SAC
— CENCOSUD S.A.
— COMERCIAL DE CAMPO S.A.
— CONAPROLE
— COOPERATIVA AGRÍCOLA Y LECHERA DE LA UNIÓN LTDA.
— ELABORADORA DE ALIMENTOS GOURMET LIMITADA
— HIPERMERCADOS TOTTUS S.A.
— LACTEOS KUMEY SPA
— PRODUCTOS FERNANDEZ S.A.
— QUILLAYES SURLAT COMERCIAL SPA
— REMOTTI S.A.
— RENDIC HERMANOS S.A.
— SCHREIBER FOODS
— SOPROLE INVERSIONES S.A.
— SUPER 10 S.A.
— VIVAFOODS SPA
— WALMART CHILE S.A.

Gruyere/Gruyère

— AGRÍCOLA Y LÁCTEOS LAS VEGAS S.A.
— BODEGA GOURMET SPA
— COMERCIAL DE CAMPO S.A.
— QUESERÍA PETITE FRANCE LIMITADA
— QUILLAYES SURLAT COMERCIAL SPA
— SANTA ROSA CHILE ALIMENTOS LTDA.

ANNESS 38-A

REGOLI TA' PROĊEDURA

I. Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan l-Anness:

(a) "persunal amministrattiv" tfisser, fir-rigward ta' membru tal-bord, individwi taħt id-direzzjoni u l-kontroll ta' membru tal-bord, minbarra l-assistenti;

(b) "konsulent" tfisser individwu magħżul minn Parti sabiex jagħti pariri jew jassisti lil dik il-Parti b'konnessjoni mal-proċedimenti tal-panel;

(c) "assistent" tfisser individwu li, skont it-termini tal-ħatra u taħt id-direzzjoni u l-kontroll ta' membru tal-bord, iwettaq riċerka jew jipprovdi assistenza lil dak il-membru tal-bord; kif ukoll

(d) "rappreżentant ta' Parti" tfisser impjegat jew kwalunkwe individwu maħtur minn dipartiment tal-gvern, aġenzija jew kwalunkwe entità pubblika oħra ta' Parti li jirrappreżenta lill-Parti għall-finijiet ta' tilwima skont il-Kapitolu 38.

II. Notifiki

2. Kull talba, notifika, preżentazzjoni bil-miktub jew dokument ieħor:

(a) tal-bord għandu jintbagħat liż-żewġ Partijiet fl-istess ħin;

(b) ta' Parti li jkun indirizzat lill-bord għandu jiġi kkupjat lill-Parti l-oħra fl-istess ħin; kif ukoll

(c) ta' Parti li jkun indirizzat lill-Parti l-oħra għandu jiġi kkupjat lill-bord fl-istess ħin, kif xieraq.

3. Kwalunkwe notifika msemmija fir-regola 2 għandha ssir bil-posta elettronika jew, fejn xieraq, bi kwalunkwe mezz ieħor ta' telekomunikazzjoni li jipprovdi prova li d-dokument ikun intbagħat. Sakemm ma jkunx ippruvat mod ieħor, tali notifika għandha titqies li tkun waslet fl-istess data li tkun intbagħtet.

4. In-notifiki kollha għandhom jiġu indirizzati, għall-Parti tal-UE, lid-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ tal-Kummissjoni Ewropea u, għaċ-Ċilì, lis-Sottosegretarjat tar-Relazzjonijiet Ekonomiċi Internazzjonali, jew lis-suċċessuri tagħhom, rispettivament.

5. Żbalji minuri ta' natura klerikali f'talba, notifika, preżentazzjoni bil-miktub jew dokument ieħor relatat mal-proċedimenti tal-panel jistgħu jiġu kkoreġuti billi jintbagħat dokument ġdid li jindika l-modifiki b'mod ċar.

6. Jekk l-aħħar jum għall-konsenja ta' dokument jaħbat f'jum mhux tax-xogħol tal-Kummissjoni Ewropea jew taċ-Ċilì, il-perjodu ta' żmien għall-konsenja tad-dokument għandu jintemm fl-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss.

III. Ħatra tal-membri tal-bord

7. Jekk skont l-Artikolu 38.6 membru tal-bord jew president jintgħażel bil-polza, il-kopresident tal-Kumitat Konġunt tal-Parti lmentatriċi għandu jinforma minnufih lill-kopresident tal-Parti konvenuta bid-data, il-ħin u l-post tal-għażla bil-polza. Il-parti konvenuta tista', jekk tagħżel hekk, tkun preżenti matul l-għażla tal-lott. Fi kwalunkwe każ, l-għażla bil-polza għandha ssir mal-Parti jew Partijiet li huma preżenti.

8. Il-kopresident tal-Kumitat Konġunt tal-Parti lmentatriċi għandu jinnotifika, bil-miktub, lil kull individwu li jkun intgħażel biex iservi bħala membru tal-bord dwar il-ħatra tiegħu. Kull individwu għandu jikkonferma d-disponibbiltà tiegħu lill-Partijiet fi żmien ħamest ijiem wara d-data li fiha jkun ġie infurmat bil-ħatra tiegħu.

9. Il-kopresident tal-Kumitat Konġunt tal-Parti lmentatriċi għandu jagħżel bil-polza lill-membru tal-bord jew lill-president, fi żmien ħamest ijiem mill-iskadenza tal-perjodu ta' żmien previst fl-Artikolu 38.6(2), jekk xi waħda mis-sublisti msemmija fl-Artikolu 38.8(1):

(a) ma tkunx stabbilita – mill-individwi li ġew proposti formalment minn Parti waħda jew miż-żewġ Partijiet għall-istabbiliment ta' dik is-sublista partikolari; jew

(b) ma jkunx għad fiha mill-inqas ħames individwi – mill-individwi li jibqgħu fuq dik is-sublista partikolari.

10. Il-partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jiżguraw li, sa mhux aktar tard minn meta l-membri tal-bord kollha jkunu nnotifikaw lill-Partijiet bl-aċċettazzjoni tal-ħatra tagħhom skont l-Artikolu 38.6(5), huma jaqblu dwar ir-remunerazzjoni u r-rimborż tal-ispejjeż tal-membri tal-bord u l-assistenti, u jkunu ħejjew il-kuntratti ta' ħatra meħtieġa, bil-ħsieb li dawn jiġu ffirmati minnufih. Ir-remunerazzjoni u l-ispejjeż tal-membri tal-bord għandhom ikunu bbażati fuq l-istandards tad-WTO. Ir-remunerazzjoni u l-ispejjeż ta' assistent jew assistenti ta' membru tal-bord ma għandhomx jaqbżu l-50 % tar-remunerazzjoni tal-membru tal-bord li jassistu.

IV. Laqgħa organizzattiva

11. Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor, huma għandhom jiltaqgħu mal-bord fi żmien sebat ijiem mit-twaqqif tal-bord sabiex jiddeterminaw dawk il-kwistjonijiet li l-Partijiet jew il-bord iqisu xierqa, inkluża l-iskeda tal-proċedimenti tal-bord. Il-membri tal-bord u r-rappreżentanti tal-Partijiet jistgħu jieħdu sehem f'din il-laqgħa permezz ta' kwalunkwe mezz, inkluż telefon jew vidjokonferenza.

V. Sottomissjonijiet bil-miktub

12. Il-Parti lmentatriċi għandha tibgħat il-preżentazzjoni bil-miktub tagħha mhux aktar tard minn 20 jum wara d-data li fiha jitwaqqaf il-bord. Il-Parti li kontriha qed isir l-ilment għandha tibgħat il-preżentazzjoni bil-miktub tagħha sa mhux aktar tard minn 20 jum wara d-data li fiha tintbagħat il-preżentazzjoni bil-miktub tal-Parti lmentatriċi.

VI. Operat tal-panel

13. Il-President tal-bord għandu jippresjedi fuq il-laqgħat kollha tiegħu. Skont ir-Regoli 17 u 18, il-bord jista' jiddelega lill-president l-awtorità li jieħu deċiżjonijiet amministrattivi jew proċedurali.

14. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor fil-Kapitolu 38 jew f'dan l-Anness, il-bord jista' jwettaq l-attivitajiet tiegħu bi kwalunkwe mezz, inkluż bit-telefon, b'vidjokonferenza jew b'mezzi elettroniċi oħra ta' komunikazzjoni.

15. Il-membri tal-bord biss jistgħu jieħdu sehem fid-deliberazzjonijiet tal-bord, iżda l-bord jista' jippermetti lill-assistenti tal-membri tal-bord ikunu preżenti fid-deliberazzjonijiet tiegħu.

16. L-abbozzar ta' kwalunkwe deċiżjoni u rapport għandu jibqa' r-responsabbiltà esklużiva tal-panel u ma għandux jiġi ddelegat.

17. Jekk tqum kwistjoni proċedurali li ma tkunx koperta mill-Kapitolu 38, minn dan l-Anness jew mill-Anness 38-B, il-bord, wara konsultazzjoni mal-Partijiet, jista' jadotta proċedura xierqa li tkun kompatibbli ma' dawk id-dispożizzjonijiet.

18. Jekk il-bord iqis li hemm bżonn li jiġi modifikat xi wieħed mill-perjodi ta' żmien għall-proċedimenti għajr il-perjodi ta' żmien stabbiliti fil-Kapitolu 38 jew li jsir xi aġġustament proċedurali jew amministrattiv ieħor, huwa għandu jinforma lill-Partijiet bil-miktub dwar il-modifika tal-perjodu ta' żmien jew kwalunkwe aġġustament proċedurali jew amministrattiv ieħor meħtieġ u r-raġunijiet għal dan. Il-bord jista' jadotta tali modifika jew aġġustament wara konsultazzjoni mal-Partijiet.

VII. Sostituzzjoni

19. Jekk Parti tqis li membru tal-bord ma jkunx jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Anness 38-B u għal din ir-raġuni jkun jenħtieġ li jiġi sostitwit, dik il-Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra fi żmien 15-il jum wara d-data li fiha tkun kisbet biżżejjed evidenza tan-nuqqas allegat tal-membru tal-bord li jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Anness 38-B.

20. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin fi żmien 15-il jum wara n-notifika msemmija fir-Regola 19. Huma għandhom jinfurmaw lill-membru tal-bord dwar l-allegat nuqqas tagħhom u jistgħu jitolbu lill-membru tal-bord biex jieħu passi biex jirrimedja n-nuqqas. Il-Partijiet jistgħu jaqblu wkoll li jneħħu lill-membru tal-bord u jagħżlu membru tal-bord ġdid skont l-Artikolu 38.6.

21. Jekk, skont ir-Regola 20, il-Partijiet jonqsu milli jaqblu dwar il-ħtieġa li jissostitwixxu lill-membru tal-bord, minbarra l-president tal-bord, kwalunkwe Parti tista' tirreferi din il-kwistjoni lill-president tal-bord, li d-deċiżjoni tiegħu għandha tkun finali. Jekk il-president tal-bord isib li l-membru tal-bord ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-Anness 38-B, il-membru tal-bord għandu jitneħħa u jiġi sostitwit minn membru tal-bord ġdid magħżul skont l-Artikolu 38.6.

22. Jekk, skont ir-Regola 20, il-Partijiet jonqsu milli jaqblu dwar il-ħtieġa li jinbidel il-president tal-bord, kull Parti tista' titlob li din il-kwistjoni tiġi riferuta lil wieħed mill-individwi li jkun fadal fis-sublista ta' presidenti stabbilita skont is-subparagrafu (c) tal-Artikolu 38.8(1). Il-kopresident tal-Kumitat Konġunt tal-Parti rikjedenti, jew id-delegat ta' dak il-kopresident, għandu jtella' l-isem ta' dak l-individwu bix-xorti. Id-deċiżjoni tal-individwu magħżul dwar il-ħtieġa li jinbidel il-president għandha tkun finali. Jekk dan l-individwu magħżul isib li l-president ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-Anness 38-B, għandu jintgħażel president ġdid skont l-Artikolu 38.6.

VIII. Seduti ta' smigħ

23. Fuq il-bażi tal-iskeda stabbilita skont ir-Regola 11, wara konsultazzjoni mal-Partijiet u mal-membri l-oħra tal-bord, il-president tal-bord għandu jinnotifika lill-Partijiet id-data, il-ħin u l-post tas-seduta ta' smigħ. Din l-informazzjoni għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku mill-Parti li fit-territorju tagħha ssir is-seduta ta' smigħ, sakemm is-seduta ta' smigħ ma tkunx magħluqa għall-pubbliku.

24. Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor, is-seduta ta' smigħ għandha ssir fi Brussell jekk il-Parti lmentatriċi tkun iċ-Ċili u f'Santiago jekk il-Parti lmentatriċi tkun il-Parti tal-UE. Il-Parti li kontriha jsir l-ilment għandha ġġarrab l-ispejjeż li jirriżultaw mill-amministrazzjoni loġistika tas-seduta. F'ċirkostanzi debitament ġustifikati u fuq talba ta' Parti, il-bord jista' jiddeċiedi li jorganizza seduta ta' smigħ virtwali jew ibrida u jagħmel arranġamenti xierqa, wara li jikkonsulta lill-Partijiet, filwaqt li jqis id-drittijiet ta' proċess ġust u l-ħtieġa li tiġi żgurata t-trasparenza.

25. Il-bord jista' jlaqqa' seduti ta' smigħ addizzjonali jekk il-Partijiet jaqblu dwar dan.

26. Il-membri tal-bord kollha għandhom ikunu preżenti matul is-seduta ta' smigħ kollha.

27. Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor, il-persuni li ġejjin jistgħu jattendu s-seduti ta' smigħ, irrispettivament minn jekk is-seduti ta' smigħ ikunux miftuħa għall-pubbliku jew le:

(a) ir-rappreżentanti ta' Parti;

(b) konsulenti;

(c) assistenti u persunal amministrattiv;

(d) interpreti, tradutturi u stenografi tal-bord; u

(e) esperti, kif deċiż mill-bord skont l-Artikolu 38.22(2).

28. Mhux aktar tard minn ħamest ijiem qabel id-data ta' seduta ta' smigħ, kull Parti għandha tagħti lill-bord u lill-Parti l-oħra lista tal-ismijiet tal-persuni li jkunu se jagħmlu argumenti jew preżentazzjonijiet orali fis-seduta ta' smigħ f'isem dik il-Parti u ta' rappreżentanti u konsulenti oħra li jkunu se jattendu s-seduta ta' smigħ.

29. Il-bord għandu jmexxi s-seduta ta' smigħ bil-mod li ġej, filwaqt li jiżgura li l-Parti lmentatriċi u l-Parti li kontriha qed isir l-ilment jingħataw l-istess ħin kemm fl-argument kif ukoll fil-kontroargument:

(a) Argument:

(i) l-argument tal-Parti li tilmenta;

(ii) l-argument tal-Parti li kontriha jsir l-ilment.

(b) Kontrotalba:

(i) ir-replika tal-Parti li tilmenta;

(ii) il-kontroreplika tal-Parti li kontriha jsir l-ilment.

30. Il-panel jista' jindirizza mistoqsijiet lil kwalunkwe waħda mill-Partijiet fi kwalunkwe ħin matul is-seduta.

31. Il-bord għandu jara li titħejja reġistrazzjoni tas-seduta ta' smigħ u li din tiġi ppreżentata lill-Partijiet mill-aktar fis wara s-seduta ta' smigħ.

32. Kull Parti tista' tippreżenta sottomissjoni supplimentari bil-miktub rigward kwalunkwe kwistjoni li setgħet qamet matul is-seduta fi żmien 10 ijiem mid-data tas-seduta.

IX. Mistoqsijiet bil-miktub

33. Fi kwalunkwe ħin matul il-proċedimenti, il-panel jista' jissottometti mistoqsijiet bil-miktub lil waħda mill-Partijiet jew lit-tnejn li huma. Kull mistoqsija li ssir lil waħda mill-Partijiet għandha tiġi kkupjata lill-Parti l-oħra.

34. Kull Parti għandha tipprovdi wkoll lill-Parti l-oħra kopja tat-tweġibiet tagħha għall-mistoqsijiet ippreżentati mill-bord. Il-Parti l-oħra għandu jkollha l-opportunità li tipprovdi kummenti bil-miktub dwar it-tweġibiet tal-Parti fi żmien 5 ijiem wara l-konsenja ta' tali kopja.

X. Kunfidenzjalità

35. Kull Parti u l-bord għandhom jittrattaw bħala kunfidenzjali kwalunkwe informazzjoni sottomessa mill-Parti l-oħra lill-bord li dik il-Parti l-oħra tkun indikat bħala kunfidenzjali. Meta Parti tagħmel preżentazzjoni bil-miktub lill-bord li jkun fiha informazzjoni kunfidenzjali, għandha tipprovdi wkoll, fi żmien 15-il jum, preżentazzjoni mingħajr l-informazzjoni kunfidenzjali, li għandha tiġi ddivulgata lill-pubbliku.

36. Ma hemm xejn f'dawn ir-regoli li għandu jipprekludi Parti milli xxandar stqarrijiet biex turi l-pożizzjoni tagħha lill-pubbliku, diment li meta tirreferi għal informazzjoni ppreżentata mill-Parti l-oħra, ma tikxifx informazzjoni mmarkata mill-Parti l-oħra bħala kunfidenzjali.

37. Is-seduti ta' smigħ tal-panel għandhom isiru f'sessjoni magħluqa meta s-sottomissjoni jew l-argumenti ta' Parti jkun fihom informazzjoni kunfidenzjali. Il-Partijiet għandhom iżommu l-kunfidenzjalità tas-seduti ta' smigħ tal-bord meta s-seduti ta' smigħ isiru fil-magħluq.

XI. Kuntatti *ex parte*

38. Il-bord ma għandux jiltaqa' jew jikkomunika ma' Parti fl-assenza tal-Parti l-oħra.

39. Membru tal-panel ma għandu jiddiskuti l-ebda aspett tas-suġġett tal-proċedimenti ma' Parti jew maż-żewġ Partijiet fin-nuqqas tal-membri tal-panel l-oħrajn.

XII. Sottomissjonijiet *amicus curiae*

40. Sakemm il-Partijiet ma jiftehmux mod ieħor fi żmien ħamest ijiem mid-data meta jitwaqqaf il-bord, il-bord jista' jirċievi preżentazzjonijiet bil-miktub mhux mitluba minn persuni fiżiċi ta' Parti jew minn persuni ġuridiċi stabbiliti fit-territorju ta' Parti li jkunu indipendenti mill-gvernijiet tal-Partijiet, dment li dawn:

(a) jaslu għand il-bord fi żmien għaxart (10) ijiem mid-data meta jitwaqqaf il-bord;

(b) ikunu konċiżi u qatt ma jkunu itwal minn 15-il paġna, inkluż kwalunkwe anness, ittajpjati bi spazju doppju;

(c) ikunu direttament rilevanti għal kwistjoni fattwali jew legali li jkunu qegħdin jiġu kkunsidrati mill-panel;

(d) ikun fihom deskrizzjoni tal-persuna li tagħmel is-sottomissjoni, inkluż għal persuna fiżika n-nazzjonalità tagħha u għal persuna ġuridika l-post ta' stabbiliment tagħha, in-natura tal-attivitajiet tagħha, l-istatus legali tagħha, l-objettivi ġenerali u s-sors ta' finanzjament tagħha;

(e) jispeċifikaw in-natura tal-interess li dik il-persuna jkollha fil-proċedimenti tal-panel; u

(f) ikunu abbozzati bil-lingwi magħżulin mill-Partijiet f'konformità mar-Regoli 44 u 45.

41. Is-sottomissjonijiet għandhom jintbagħtu lill-Partijiet mill-bord għall-kummenti tagħhom. Il-Partijiet jistgħu jippreżentaw il-kummenti lill-bord, fi żmien 10 ijiem minn meta jirċevuhom.

42. Fir-rapport tiegħu, il-bord għandu jelenka s-sottomissjonijiet kollha li jkun irċieva skont ir-Regola 40. Fir-rapport tiegħu, il-bord ma għandux ikun obbligat li jindirizza l-argumenti li jkunu saru f'dawk is-sottomissjonijiet, madankollu, jekk jagħmel dan, huwa għandu jqis ukoll kwalunkwe kumment li jagħmlu l-Partijiet skont ir-Regola 41.

XIII. Każijiet urġenti

43. Jekk il-każ ikun jikkonċerna kwistjoni ta' urġenza kif imsemmi fl-Artikolu 38.12, il-bord, wara li jikkonsulta lill-Partijiet, għandu jaġġusta, kif xieraq, il-perjodi ta' żmien imsemmija f'dan l-Anness. Il-bord għandu jinnotifika lill-Partijiet dwar dawk l-aġġustamenti.

XIV. Lingwa ta' ħidma u traduzzjonijiet

44. Matul il-konsultazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 38.4, u mhux aktar tard mid-data tal-laqgħa organizzattiva msemmija fir-Regola 11 ta' dan l-Anness, il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jaqblu dwar lingwa ta' ħidma komuni għall-proċedimenti quddiem il-bord.

45. Jekk il-Partijiet ma jkunux jistgħu jaqblu dwar lingwa ta' ħidma komuni, kull Parti għandha tagħmel il-preżentazzjonijiet bil-miktub tagħha bil-lingwa magħżula minnha. Kull Parti għandha tipprovdi fl-istess ħin traduzzjoni bil-lingwa magħżula mill-Parti l-oħra, sakemm il-preżentazzjonijiet tagħha ma jkunux miktuba f'waħda mil-lingwi ta' ħidma tad-WTO. Il-Parti li kontriha jsir l-ilment għandha tagħmel l-arranġamenti għall-interpretazzjoni tas-sottomissjonijiet orali fil-lingwi magħżula mill-Partijiet.

46. Ir-rapporti u d-deċiżjonijiet tal-bord għandhom jinħarġu fil-lingwi magħżula mill-Partijiet. Jekk il-Partijiet ma jkunux qablu dwar lingwa ta' ħidma komuni, ir-rapport interim u finali tal-bord għandu jinħareġ f'waħda mil-lingwi ta' ħidma tad-WTO.

47. Parti tista' tipprovdi kummenti dwar il-preċiżjoni tat-traduzzjoni ta' kwalunkwe verżjoni tradotta ta' dokument imfassal f'konformità ma' dan l-Anness.

48. Kull Parti għandha ġġorr l-ispejjeż tat-traduzzjoni tal-preżentazzjonijiet bil-miktub tagħha. Kwalunkwe spiża mġarrba għat-traduzzjoni tar-rapporti u d-deċiżjonijiet tal-bord għandha titħallas b'mod ugwali mill-Partijiet.

XV. Perjodi ta' żmien speċjali

49. Il-perjodi ta' żmien stabbiliti f'dan l-Anness għandhom jiġu aġġustati skont il-perjodi ta' żmien speċjali previsti għall-adozzjoni ta' rapport jew deċiżjoni mill-bord fil-proċedimenti skont l-Artikoli 38.15 sa 38.18.

ANNESS 38-B

KODIĊI TA' KONDOTTA GĦALL-MEMBRI TAL-PANEL U GĦALL-MEDJATURI

I. Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan l-Anness:

(a) "persunal amministrattiv" tfisser, fir-rigward ta' membru tal-panel, individwi taħt id-direzzjoni u l-kontroll ta' membru tal-panel, minbarra assistenti;

(b) "assistent" tfisser individwu li, skont it-termini tal-ħatra u taħt id-direzzjoni u l-kontroll ta' membru tal-panel, iwettaq riċerka jew jassisti lil dak il-membru tal-panel; u

(c) "kandidat" tfisser individwu li ismu jkun fuq il-lista tal-membri tal-bord imsemmija fl-Artikolu 38.8 u li jkun qed jiġi kkunsidrat għall-għażla bħala membru tal-bord skont l-Artikolu 38.6.

II. Prinċipji regolatorji

2. Sabiex jinżammu l-integrità u l-imparzjalità tal-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim kull kandidat u membru tal-bord għandu:

(a) jiffamiljarizza ruħu ma' dan il-Kodiċi ta' Kondotta;

(b) ikun indipendenti u imparzjali;

(c) jevita kunflitti ta' interess diretti jew indiretti;

(d) jevita kondotta skorretta u l-impressjoni ta' kondotta skorretta jew ta' preġudizzju;

(e) josserva standards għoljin ta' kondotta; u

(f) ma jkunx influwenzat mill-interess personali, pressjoni esterna, kunsiderazzjonijiet politiċi, clamor pubbliku, lealtà lejn xi Parti jew biża' mill-kritika.

3. Membru tal-bord ma għandux, direttament jew indirettament, jidħol għal obbligi jew jaċċetta xi benefiċċju li jista' b'xi mod jinterferixxi jew jidher li jinterferixxi fit-twettiq xieraq ta' dmirijietu.

4. Membru tal-bord ma għandux juża l-pożizzjoni tiegħu fuq il-panel biex javvanza xi interessi personali jew privati. Membru tal-bord għandu jevita azzjonijiet li jistgħu joħolqu l-impressjoni li oħrajn huma f'pożizzjoni speċjali biex jinfluwenzawh.

5. Membru tal-bord ma għandux jippermetti relazzjonijiet jew responsabbiltajiet finanzjarji, kummerċjali, professjonali, personali jew soċjali passati jew eżistenti jinfluwenzaw il-kondotta jew il-ġudizzju tiegħu.

6. Membru tal-bord għandu jevita li jidħol fi kwalunkwe relazzjoni jew li jakkwista kwalunkwe interess finanzjarju li x'aktarx jaffettwa l-imparzjalità tiegħu, jew li jista' raġonevolment joħloq dehra ta' kondotta mhux xierqa jew preġudizzju.

III. Obbligi ta' divulgazzjoni

7. Kandidat li jintalab iservi bħala membru tal-bord skont l-Artikolu 38.6 għandu, qabel ma jaċċetta l-ħatra tiegħu, jiżvela kwalunkwe interess, relazzjoni jew kwistjoni li x'aktarx taffettwa l-indipendenza jew l-imparzjalità tiegħu, jew li tista' raġonevolment toħloq dehra ta' kondotta mhux xierqa jew preġudizzju fil-proċedimenti. Għal dak l-għan, kandidat għandu jagħmel l-isforzi kollha raġonevoli sabiex isir konxju ta' kwalunkwe interess, relazzjoni jew kwistjoni bħal dawn, inklużi interessi finanzjarji, professjonali, jew ta' impjieg jew tal-familja.

8. L-obbligu ta' divulgazzjoni stabbilit fil-paragrafu 7 huwa dmir kontinwu li jirrikjedi li membru tal-bord jiddivulga kwalunkwe interess, relazzjoni jew kwistjoni bħal dawn li jistgħu jinqalgħu matul kwalunkwe stadju tal-proċedimenti.

9. Kandidat jew membru tal-bord għandu jikkomunika lill-Kumitat Konġunt għall-kunsiderazzjoni mill-Partijiet kwalunkwe kwistjoni li tikkonċerna ksur attwali jew potenzjali ta' dan l-Anness mill-aktar fis possibbli meta jsiru jafu bihom.

IV. Dmirijiet tal-membri tal-bord

10. Mal-aċċettazzjoni tal-ħatra tiegħu, membru tal-bord għandu jkun disponibbli biex iwettaq id-dmirijiet tiegħu u għandu jwettaq dmirijietu bir-reqqa u malajr matul il-proċedimenti u b'ġustizzja u diliġenza.

11. Membru tal-bord għandu jikkunsidra biss dawk il-kwistjonijiet imqajma waqt il-proċedimenti u meħtieġa għal deċiżjoni u ma għandu jiddelega dan id-dmir lill-ebda persuna oħra.

12. Membru tal-bord għandu jieħu l-passi kollha xierqa biex jiżgura li l-assistenti u l-persunal amministrattiv tiegħu jkunu konxji mill-obbligi tal-membri tal-bord stabbiliti fil-Partijiet II, III, IV u VI ta' dan l-Anness, u jikkonformaw magħhom.

V. Obbligi tal-ex membri tal-bord

13. Kull ex membru tal-bord għandu jevita azzjonijiet li jistgħu joħolqu d-dehra li kien ippreġudikat fit-twettiq tad-dmirijiet jew li ħa vantaġġ mid-deċiżjoni tal-bord.

14. Kull ex membru tal-bord għandu jikkonforma mal-obbligi stabbiliti fil-Parti VI ta' dan l-Anness.

VI. Kunfidenzjalità

15. Membru tal-bord ma għandu jiżvela, fl-ebda ħin, xi informazzjoni mhux pubblika li tikkonċerna l-proċedimenti jew miksuba matul il-proċedimenti li għalihom ikunu nħatru. Membru tal-bord ma għandux, fi kwalunkwe każ, jiddivulga jew juża tali informazzjoni biex jikseb vantaġġ personali jew vantaġġ għal oħrajn jew biex jaffettwa b'mod negattiv l-interessi ta' oħrajn.

16. Membru tal-panel ma għandux jiddivulga deċiżjoni tal-panel jew ta' partijiet minnu qabel il-pubblikazzjoni tiegħu f'konformità mal-Kapitolu 38.

17. Membru tal-bord ma għandu, fl-ebda ħin, jiżvela d-deliberazzjonijiet tal-bord, jew il-fehma ta' xi membru tal-bord, u lanqas jagħmel dikjarazzjonijiet dwar il-proċedimenti li għalihom ikun inħatar, jew dwar il-kwistjonijiet ta' tilwim fil-proċedimenti.

VII. Spejjeż

18. Kull membru tal-bord għandu jżomm rekord u jagħti rendikont finali tal-ħin iddedikat għall-proċedimenti u l-ispejjeż tagħhom, kif ukoll il-ħin u l-ispejjeż tal-assistenti u l-persunal amministrattiv tiegħu.

VIII. Medjaturi

19. Dan l-Anness japplika għall-medjaturi, *mutatis mutandis*.

Protokoll għall-Ftehim Qafas Avvanzat bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċilì, min-naħa l-oħra dwar il-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni u l-Ġlieda Kontriha

TAQSIMA I

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 1

Objettivi

1. Il-partijiet jaffermaw l-impenn tagħhom li jipprevjenu u jiġġieldu l-korruzzjoni fil-kummerċ u l-investiment internazzjonali u jfakkru li l-korruzzjoni timmina l-governanza tajba u l-iżvilupp ekonomiku u tfixkel il-kundizzjonijiet kompetittivi internazzjonali.

2. Il-partijiet jirrikonoxxu li l-korruzzjoni tista' taffettwa l-kummerċ peress li tista' tikkomprometti l-opportunitajiet ta' aċċess għas-suq u tnaqqas l-impenji mmirati lejn il-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi. Il-korruzzjoni taffettwa wkoll lill-investituri u lill-intrapriżi li jkunu qed ifittxu li jipparteċipaw fil-kummerċ u fl-investiment.

3. Il-partijiet jirrikonoxxu li l-korruzzjoni hija kwistjoni transnazzjonali u marbuta ma' forom oħra ta' kriminalità transnazzjonali u ekonomika, inkluż il-ħasil tal-flus, u jenħtieġ li tiġi indirizzata b'approċċ multidixxiplinari u b'kooperazzjoni mill-qrib fil-livell internazzjonali.

4. Il-partijiet jirrikonoxxu l-ħtieġa li jibnu l-integrità u jtejbu t-trasparenza kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat u jirrikonoxxu li kull settur għandu responsabbiltajiet komplementari fir-rigward tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

5. Il-partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-ħidma mwettqa minn organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali, inklużi n-NU, id-WTO, l-OECD, it-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF), il-Kunsill tal-Ewropa, u l-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani (OAS), għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni fi kwistjonijiet li jaffettwaw il-kummerċ u l-investiment internazzjonali u, għalhekk, jimpenjaw ruħhom li jaħdmu b'mod konġunt sabiex jinkoraġġixxu u jappoġġaw inizjattivi xierqa.

6. Il-partijiet itennu l-impenn komuni tagħhom skont l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 16 biex inaqqsu b'mod sostanzjali l-korruzzjoni u t-tixħim fil-forom kollha tagħhom.

7. Il-partijiet jirrikonoxxu l-ħidma importanti mwettqa mill-Grupp ta' Ħidma tal-G20 Kontra l-Korruzzjoni.

8. L-għan ta' dan il-Protokoll huwa li jistabbilixxi qafas bilaterali ta' impenji biex jiġġieled u jipprevjeni l-korruzzjoni li taffettwa l-kummerċ u l-investiment fir-relazzjoni bejn il-Partijiet.

9. Il-partijiet jirrikonoxxu li d-deskrizzjoni tar-reati adottati jew miżmuma f'konformità ma' dan il-Protokoll, u tad-difiżi legali jew il-prinċipji legali applikabbli li jikkontrollaw il-legalità tal-imġiba, hija riżervata għal-liġi ta' kull Parti, u li dawk ir-reati għandhom jiġu mħarrka u kkastigati skont il-liġi ta' kull Parti.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

Dan il-Protokoll japplika għal korruzzjoni li taffettwa kwistjonijiet koperti mill-Parti III ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 3

Relazzjoni ma' ftehimiet oħra

Xejn f'dan il-Protokoll ma għandu jaffettwa d-drittijiet jew l-obbligi tal-Partijiet taħt kwalunkwe trattat ieħor, bħall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni (UNCAC), il-Konvenzjoni tal-OECD dwar il-Ġlieda kontra t-Tixħim ta' Uffiċjali Pubbliċi Barranin fit-Tranżazzjonijiet Kummerċjali Internazzjonali, adottata f'Pariġi fil-21 ta' Novembru 1997, il-Konvenzjoni Inter-Amerikana Kontra l-Korruzzjoni, adottata f'Caracas fid-29 ta' Marzu 1996, u strumenti legali rilevanti adottati mill-Kunsill tal-Ewropa.

SEZZJONI II

MIŻURI GĦALL-ĠLIEDA KONTRA L-KORRUZZJONI

Artikolu 4

Tixħim attiv u passiv ta' uffiċjali pubbliċi

Il-partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-ġlieda kontra t-tixħim attiv u passiv tal-uffiċjali pubbliċi li jaffettwa l-kummerċ u l-investiment. Għal dak l-għan, il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid, b'mod partikolari, l-impenji tagħhom skont l-Artikoli 15 u 16 tal-UNCAC li jadottaw jew iżommu tali miżuri leġiżlattivi u miżuri oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex jistabbilixxu t-tixħim attiv u passiv ta' uffiċjali pubbliċi u t-tixħim attiv ta' uffiċjali pubbliċi barranin u uffiċjali ta' organizzazzjonijiet internazzjonali pubbliċi bħala reati kriminali, meta jitwettqu intenzjonalment. Il-partijiet jaffermaw mill-ġdid ukoll l-impenn tagħhom li jikkunsidraw l-adozzjoni ta' tali miżuri leġiżlattivi u miżuri oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex jiġi stabbilit tixħim passiv ta' uffiċjali pubbliċi barranin u uffiċjali ta' organizzazzjonijiet internazzjonali pubbliċi bħala reati kriminali, meta jitwettqu intenzjonalment.

Artikolu 5

Tixħim attiv u passiv fis-settur privat

1. Il-partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-ġlieda kontra t-tixħim attiv u passiv li jaffettwa l-kummerċ u l-investiment fis-settur privat. Għal dak l-għan, il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenji tagħhom skont l-Artikolu 21 tal-UNCAC li jikkunsidraw l-adozzjoni ta' tali miżuri leġiżlattivi u miżuri oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex jiġu stabbiliti bħala reati kriminali t-tixħim attiv u passiv fis-settur privat, meta jitwettqu intenzjonalment matul attivitajiet ekonomiċi, finanzjarji jew kummerċjali.

2. Il-partijiet jirrikonoxxu l-effetti dannużi tal-pagamenti ta' faċilitazzjoni lill-uffiċjali pubbliċi, peress li jimminaw l-isforzi għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u jinċentivaw it-tixħim. Għal dak l-għan, il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenji tagħhom skont il-paragrafu 4 tal-Artikolu 12 tal-UNCAC li ma jippermettux it-tnaqqis tat-taxxa tal-ispejjeż li jikkostitwixxu tixħim u, jekk xieraq, spejjeż oħra mġarrba fit-twettiq ta' mġiba korrotta.

Artikolu 6

Il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus

Il-partijiet, filwaqt li jirrikonoxxu l-interkonnessjoni bejn il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus, jaffermaw mill-ġdid l-impenji tagħhom skont l-Artikolu 23 tal-UNCAC.

Artikolu 7

Responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi

Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-persuni ġuridiċi u l-iżgurar ta' sanzjonijiet kriminali jew mhux kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi huma meħtieġa sabiex tiġi avvanzata l-ġlieda globali kontra l-korruzzjoni fil-kummerċ u l-investiment internazzjonali. Għal dak l-għan, il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenji tagħhom skont l-Artikolu 26 tal-UNCAC.

SEZZJONI III

MIŻURI GĦALL-PREVENZJONI TAL-KORRUZZJONI FIS-SETTUR PRIVAT

Artikolu 8

Imġiba Responsabbli fin-Negozju

1. Il-partijiet jirrikonoxxu l-importanza ta' miżuri preventivi u mġiba kummerċjali responsabbli biex tiġi evitata l-korruzzjoni, inklużi obbligi ta' rappurtar finanzjarju u mhux finanzjarju u prattiki ta' responsabbiltà soċjali korporattiva.

2. Il-partijiet jirrikonoxxu l-ħtieġa li jqisu l-ħtiġijiet u r-restrizzjonijiet tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju meta jikkunsidraw miżuri skont il-paragrafu 1.

3. Il-partijiet ifakkru fl-appoġġ tagħhom għal-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali fir-rigward tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

Artikolu 9

Rappurtar finanzjarju

1. F'konformità mal-impenji tagħhom skont l-UNCAC, il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li jittejbu l-istandards tal-kontabbiltà u tal-awditjar fis-settur privat bħala mod kif tiġi evitata l-korruzzjoni.

2. Kull Parti għandha tikkunsidra b'mod partikolari l-miżuri li ġejjin biex tilħaq dak l-objettiv:

(a) li tinkoraġġixxi lill-intrapriżi privati, b'kont meħud tal-istruttura u d-daqs tagħhom, u b'mod partikolari l-ħtiġijiet speċifiċi ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, biex jimplimentaw miżuri biex jassistu fil-prevenzjoni u l-kxif ta' atti ta' korruzzjoni; tali miżuri jistgħu jinkludu konformità ma' kodiċi ta' governanza korporattiva, funzjoni tal-awditjar intern jew kontrolli interni suffiċjenti; u

(b) li tirrikjedi li l-kontijiet u d-dikjarazzjonijiet finanzjarji ta' tali intrapriżi privati jkunu soġġetti għal proċeduri xierqa ta' awditjar u ċertifikazzjoni.

3. Kull Parti għandha tieħu dawk il-miżuri li jistgħu jkunu meħtieġa, skont il-liġijiet u r-regolamenti tagħha, dwar id-divulgazzjoni tar-rapporti finanzjarji u ż-żamma tal-istandards tal-kontabbiltà u tal-awditjar.

4. Kull Parti għandha tikkunsidra l-adozzjoni jew iż-żamma ta' miżuri li jħeġġu lill-awdituri esterni jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti kwalunkwe att li jissuspettaw li jista' jikkostitwixxi reat speċifikat fl-Artikoli 4, 5 u 6. Jekk tali rapportar ikun meħtieġ f'konformità mal-liġi tagħha, il-Parti għandha tiżgura li l-awdituri esterni li jagħmlu tali rapporti b'mod raġonevoli u *in bona fide*, ikunu protetti minn azzjoni legali rigward ksur ta' kwalunkwe restrizzjoni kuntrattwali jew legali dwar id-divulgazzjoni tal-informazzjoni.

Artikolu 10

Trasparenza fis-settur privat

1. Il-partijiet jirrikonoxxu li t-trasparenza tista' tikkontribwixxi biex tiskoraġġixxi l-korruzzjoni li taffettwa l-kummerċ u l-investiment u, għal dak l-għan, ifakkru l-impenji tagħhom skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 12 tal-UNCAC, b'mod partikolari fir-rigward tal-miżuri li ġejjin li jistgħu jilħqu l-objettiv li tiġi żgurata trasparenza akbar fis-settur privat involut f'attivitajiet kummerċjali relatati mal-kummerċ u l-investiment skont il-Parti III ta' dan il-Ftehim:

(a) il-promozzjoni tal-iżvilupp ta' standards u proċeduri mfassla biex jissalvagwardjaw l-integrità tal-entitajiet privati rilevanti, inklużi kodiċijiet ta' kondotta għat-twettiq korrett, onorabbli u xieraq tal-attivitajiet tan-negozju u l-attivitajiet tal-professjonijiet rilevanti kollha u l-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess, u għall-promozzjoni tal-użu ta' prattiki kummerċjali tajbin fost in-negozji u fir-relazzjonijiet kuntrattwali tan-negozji mal-awtoritajiet pubbliċi;

(b) il-prevenzjoni tal-użu ħażin tal-proċeduri li jirregolaw l-entitajiet privati, inklużi l-proċeduri li jirrigwardjaw is-sussidji u l-liċenzji mogħtija mill-awtoritajiet pubbliċi għal attivitajiet kummerċjali; u

(c) il-promozzjoni ta' miżuri maħsuba sabiex jipprevjenu l-kunflitti ta' interess billi jiġu imposti restrizzjonijiet, kif xieraq u għal perjodu ta' żmien raġonevoli, fuq l-attivitajiet professjonali ta' eks uffiċjali pubbliċi jew fuq l-impjieg ta' uffiċjali pubbliċi mis-settur privat wara r-riżenja jew l-irtirar tagħhom, fejn tali attivitajiet jew impjieg ikunu relatati direttament mal-funzjonijiet miżmuma jew issorveljati minn dawk l-uffiċjali pubbliċi matul il-mandat tagħhom.

2. Kull parti għandha tħeġġeġ lill-intrapriżi, il-banek u l-kumpaniji tal-assigurazzjoni elenkati jirrapportaw dwar il-miżuri li jkunu ħadu sabiex jipprevjenu u jiġġieldu l-korruzzjoni. Kull parti għandha tieħu tali miżuri li jistgħu jkunu meħtieġa fir-rigward tad-divulgazzjoni ta' tali rapporti.

Artikolu 11

Miżuri għall-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus

1. Filwaqt li jirrikonoxxu l-importanza tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-impatt potenzjali tiegħu fuq il-kummerċ u l-investiment, il-Partijiet jikkonfermaw l-impenn tagħhom li jadottaw jew iżommu reġim regolatorju u superviżorju domestiku komprensiv għall-istituzzjonijiet finanzjarji u għan-negozji u l-professjonijiet mhux finanzjarji ("DNFBPs") dežinjati f'konformità mal-impenji eżistenti skont l-UNCAC u r-Rakkomandazzjonijiet tal-FATF. Il-partijiet għandhom jippromwovu l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet 24 tal-FATF dwar it-Trasparenza u s-Sjieda Benefiċjali tal-Persuni Ġuridiċi u 25 dwar it-Trasparenza u s-Sjieda Benefiċjarja tal-Arranġamenti Legali.

2. Skont l-impenji, ir-Rakkomandazzjonijiet u l-prinċipji msemmija fl-ewwel paragrafu, Parti għandha żżomm jew tadotta miżuri li:

(a) jiżguraw li l-liġijiet u r-regolamenti tagħha jinkludu definizzjoni ta' "sid benefiċjarju" li tkopri persuni fiżiċi li fl-aħħar mill-aħħar jippossjedu jew jikkontrollaw klijent u persuni fiżiċi li f'isimhom tkun qed titwettaq tranżazzjoni; għandha tinkludi wkoll dawk il-persuni li jeżerċitaw kontroll effettiv aħħari fuq persuna ġuridika jew arranġament ġuridiku;

(b) jiżguraw li entitajiet korporattivi jew ġuridiċi oħra inkorporati fit-territorju tagħha jkunu meħtieġa jiksbu u jżommu informazzjoni adegwata, preċiża u attwali dwar is-sjieda benefiċjarja tagħhom, inklużi d-dettalji tal-interessi benefiċjarji miżmuma;

(c) jiżguraw li l-fiduċjarji ta' trusts espress iżommu informazzjoni adegwata, preċiża u attwali dwar is-sjieda benefiċjarja, inkluż ta' settlors, il-protettur, jekk ikun hemm, fiduċjarji u benefiċjarji jew klassi ta' benefiċjarji, u kwalunkwe persuna fiżika oħra li teżerċita kontroll effettiv finali fuq it-trust; dawn il-miżuri għandhom japplikaw ukoll għal arranġamenti legali oħra bi struttura jew funzjoni simili għal trusts espress;

(d) jeħtieġu li l-istituzzjonijiet finanzjarji u d-DNFBPs jidentifikaw il-klijent u jivverifikaw l-identità tal-klijent, kif ukoll jidentifikaw is-sid benefiċjarju u jieħdu miżuri raġonevoli biex jivverifikaw l-identità tas-sid benefiċjarju, b'tali mod li l-istituzzjoni finanzjarja jew id-DNFBP tkun sodisfatta li taf min huwa s-sid benefiċjarju; Id-DNFBPs huma mifhuma li huma dawk definiti mir-Rakkomandazzjonijiet tal-FAFT;

(e) jistabbilixxu mekkaniżmi biex jiżguraw li l-awtoritajiet rilevanti kif definiti mil-liġijiet u r-regolamenti tagħha jkollhom aċċess f'waqtu għall-informazzjoni dwar is-sid benefiċjarju;

(f) jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħha jipparteċipaw fi skambji ta' informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja mal-kontropartijiet internazzjonali b'mod f'waqtu u effettiv;

(g) jirrikjedu li l-istituzzjonijiet finanzjarji u d-DNFBPs iwettqu diliġenza dovuta msaħħa b'mod partikolari b'rabta ma' persuni politikament esposti, li huma mifhuma li huma individwi li għandhom jew li kellhom funzjonijiet pubbliċi prominenti fit-territorju ta' kwalunkwe Parti jew fuq livell internazzjonali, kif ukoll il-membri tal-familja tagħhom u l-kumpaniji assoċjati mill-qrib; u

(h) tiżgura superviżjoni effettiva tal-konformità mal-obbligi msemmija hawn fuq, inkluż l-istabbiliment u l-infurzar ta' sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi għan-nuqqas ta' konformità.

SEZZJONI IV

MIŻURI GĦALL-PREVENZJONI TAL-KORRUZZJONI FIS-SETTUR PUBBLIKU

Artikolu 12

Imġiba ta' uffiċjali pubbliċi

1. Il-partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-Prinċipji ta' Kondotta għall-Uffiċjali Pubbliċi tal-Kooperazzjoni Ekonomika Asja-Paċifiku (APEC), adottati fit-3 ta' Lulju 2007, għaċ-Ċilì u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa Nru R (2000) 10 dwar il-kodiċijiet ta' kondotta għall-uffiċjali pubbliċi, adottati fil-11 ta' Mejju 2000, għall-Parti tal-UE.

2. Il-partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenji tagħhom skont l-Artikolu 8 tal-UNCAC, inkluż l-applikazzjoni ta' kodiċijiet jew standards ta' kondotta għall-uffiċjali pubbliċi, l-iffaċilitar tar-rapportar minn uffiċjali pubbliċi ta' atti ta' korruzzjoni lill-awtoritajiet xierqa, ir-rekwiżit li l-uffiċjali pubbliċi jagħmlu dikjarazzjonijiet lill-awtoritajiet xierqa dwar kunflitti ta' interess potenzjali, u t-teħid ta' miżuri li jipprevedu miżuri dixxiplinarji jew miżuri oħra kontra uffiċjali pubbliċi li jiksru tali kodiċijiet jew standards.

Artikolu 13

Trasparenza fl-amministrazzjoni pubblika

1. Il-partijiet jenfasizzaw l-importanza tat-trasparenza fl-amministrazzjoni pubblika sabiex tiġi evitata l-korruzzjoni li taffettwa l-kummerċ u l-investiment u jaqblu li jippromwovu t-trasparenza f'konformità mad-dispożizzjonijiet speċifiċi u orizzontali previsti fil-Parti III ta' dan il-Ftehim, inklużi b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet dwar il-faċilitazzjoni tal-kummerċ, l-akkwist pubbliku, ir-regolamentazzjoni domestika u t-trasparenza ġenerali.

2. Il-partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenji tagħhom skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 13 tal-UNCAC li jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li l-korpi tagħha kontra l-korruzzjoni jkunu magħrufa mill-pubbliku u li jipprovdu aċċess għal dawk il-korpi għar-rappurtar ta' kwalunkwe inċident rilevanti.

Artikolu 14

Parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-prevenzjoni tal-korruzzjoni fil-qasam tal-kummerċ u l-investiment internazzjonali u l-ġlieda kontriha, kif ukoll il-ħtieġa li tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku rigward l-eżistenza, il-kawżi u l-gravità tal-korruzzjoni u t-theddida li ġġib magħha. Għal dak l-għan huma jaffermaw mill-ġdid l-impenji tagħhom taħt il-paragrafu 1 tal-Artikolu 13 tal-UNCAC, b'mod partikolari l-impenn li jieħdu miżuri adatti biex jippromwovu l-parteċipazzjoni attiva ta' individwi u gruppi barra s-settur pubbliku, bħas-soċjetà ċivili, organizzazzjonijiet mhux governattivi, u organizzazzjonijiet ibbażati fil-komunità.

2. Il-partijiet għandhom, b'mod partikolari, jikkunsidraw:

(a) it-twettiq ta' attivitajiet ta' informazzjoni pubblika u programmi ta' edukazzjoni pubblika li jikkontribwixxu għan-nontolleranza tal-korruzzjoni; u

(b) l-adozzjoni jew iż-żamma ta' miżuri li jirrispettaw, jippromwovu u jipproteġu l-libertà li wieħed ifittex, jirċievi, jippubblika u jxerred informazzjoni dwar il-korruzzjoni.

Artikolu 15

Protezzjoni tal-persuni li jirrappurtaw

Il-partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom skont l-Artikolu 33 tal-UNCAC dwar il-protezzjoni kontra kwalunkwe trattament mhux ġustifikat għal persuni li jirrapportaw.

SEZZJONI V

MEKKANIŻMU GĦAS-SOLUZZJONI TAT-TILWIM

Artikolu 16

Soluzzjoni ta' tilwim

1. Il-partijiet għandhom jagħmlu l-isforzi kollha possibbli permezz ta' djalogu, konsultazzjoni, skambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni biex jindirizzaw kwalunkwe nuqqas ta' qbil bejn il-Partijiet rigward l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll.

2. F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-Partijiet rigward l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, il-Partijiet għandhom jirrikorru esklussivament għall-proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim stabbiliti skont l-Artikoli 17 u 18.

Artikolu 17

Konsultazzjonijiet

1. Parti (il-"Parti rikjedenti") tista', fi kwalunkwe ħin, titlob konsultazzjonijiet mal-Parti l-oħra (il-"Parti rispondenti") dwar kwalunkwe kwistjoni li tikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll billi tibgħat talba bil-miktub lill-punt ta' kuntatt tal-Parti rispondenti maħtur skont l-Artikolu 19(3). It-talba għandha tistabbilixxi r-raġunijiet għat-talba ta' konsultazzjonijiet, inkluża deskrizzjoni speċifika biżżejjed tal-kwistjoni inkwistjoni u r-relazzjoni tagħha mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

2. Il-parti rispondenti għandha, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mal-Parti rikjedenti, twieġeb bil-miktub mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data tal-wasla tat-talba msemmija fil-paragrafu 1.

3. Il-partijiet għandhom, sakemm ma jiftehmux mod ieħor, jibdew il-konsultazzjonijiet mhux aktar tard minn 30 jum wara d-data tal-wasla tat-talba.

4. Il-konsultazzjonijiet jistgħu jsiru personalment jew bi kwalunkwe mezz teknoloġiku disponibbli għall-Partijiet. Jekk il-konsultazzjonijiet isiru personalment, dawn għandhom isiru fit-territorju tal-Parti rispondenti, sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor.

5. Fil-konsultazzjonijiet, il-Partijiet għandhom:

(a) jipprovdu biżżejjed informazzjoni biex jippermettu eżami sħiħ tal-kwistjoni; u

(b) jittrattaw kull informazzjoni skambjata matul il-konsultazzjonijiet b'mod kunfidenzjali.

6. Il-partijiet għandhom jidħlu f'konsultazzjonijiet bl-għan li jilħqu soluzzjoni reċiprokament sodisfaċenti tal-kwistjoni, filwaqt li jqisu l-opportunitajiet għall-kooperazzjoni relatati mal-kwistjoni.

7. Jekk il-Partijiet ma jkunux jistgħu jsolvu l-kwistjoni skont il-paragrafi 3 sa 6 fi żmien 60 jum wara li tasal it-talba għall-konsultazzjonijiet skont il-paragrafu 1, kull Parti tista', billi tibgħat talba bil-miktub lill-punt ta' kuntatt tal-Parti l-oħra maħtur skont l-Artikolu 19(3), titlob li s-Sottokumitat Kontra l-Korruzzjoni fil-Kummerċ u l-Investiment, imsemmi fl-Artikolu 19, jitlaqqa' biex jikkunsidra l-kwistjoni. Is-Sottokumitat Kontra l-Korruzzjoni dwar il-Kummerċ u l-Investiment għandu jiltaqa' minnufih u jagħmel ħiltu biex jaqbel dwar riżoluzzjoni tal-kwistjoni.

8. Kull Parti jew is-Sottokumitat Kontra l-Korruzzjoni fuq il-Kummerċ u l-Investiment mitlub skont il-paragrafu 7 jistgħu, jekk ikun xieraq, jitolbu l-opinjonijiet tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi msemmija fl-Artikolu 40.6 ta' dan il-Ftehim jew parir espert ieħor.

9. Jekk il-Partijiet isolvu l-kwistjoni, huma għandhom jiddokumentaw kwalunkwe eżitu inkluż, jekk xieraq, passi speċifiċi u skedi ta' żmien miftiehma. Il-partijiet għandhom jagħmlu dak l-eżitu disponibbli għall-pubbliku, sakemm ma jiftehmux mod ieħor.

Artikolu 18

Bord ta' esperti

1. Jekk, fi żmien 60 jum wara l-konsenja ta' talba bil-miktub għall-kunsiderazzjoni tal-kwistjoni mis-Sottokumitat Kontra l-Korruzzjoni fuq il-Kummerċ u l-Investiment skont l-Artikolu 17(7) jew, jekk ma ssir l-ebda talba bħal din, fi żmien 120-il jum wara l-preżentazzjoni ta' talba bil-miktub għal konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 17(1), ma tkun intlaħqet l-ebda riżoluzzjoni reċiprokament sodisfaċenti, Parti tista', billi tibgħat talba bil-miktub lill-punt ta' kuntatt tal-Parti l-oħra maħtura f'konformità mal-Artikolu 19(3), titlob l-istabbiliment ta' bord ta' esperti biex jeżamina l-kwistjoni. It-talba għandha tidentifika r-raġunijiet għat-talba tal-istabbiliment ta' bord ta' esperti, inkluża deskrizzjoni tal-kwistjoni inkwistjoni, u tispjega kif dik il-kwistjoni tikkostitwixxi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll li hija tqis applikabbli.

2. Ħlief fejn previst mod ieħor f'dan l-Artikolu, l-Artikoli 38.6, 38.10, 38.13(6), 38.14(1), 38.15, 38.19, 38.20(2), 38.21, 38.22, 38.24, 38.32, 38.33, 38.34, u 38.35 ta' dan il-Ftehim, kif ukoll l-Annessi 38-A u 38-B ta' dan il-Ftehim, japplikaw għal dan il-Protokoll, *mutatis mutandis*.

3. Fl-ewwel laqgħa tiegħu, is-Sottokumitat Kontra l-Korruzzjoni fuq il-Kummerċ u l-Investiment għandu jirrakkomanda lill-Kumitat Konġunt l-istabbiliment ta' lista ta' mill-inqas 15-il individwu li huma lesti u kapaċi jservu fuq il-bord ta' esperti. Il-lista għandha tkun tikkonsisti minn tliet sublisti:

(a) sublista waħda ta' individwi stabbilita abbażi ta' proposti mill-Parti tal-UE;

(b) sublista waħda ta' individwi stabbilita abbażi ta' proposti miċ-Ċilì; u

(c) sublista waħda ta' individwi li mhumiex ċittadini tal-ebda Parti u li huma lesti li jservu bħala president tal-bord ta' esperti.

Kull Parti għandha tipproponi mill-inqas ħames individwi għas-sublista tagħha. Il-Partijiet għandhom jagħżlu wkoll mill-inqas ħames individwi għas-sublista ta' presidenti. Il-Kumitat Konġunt għandu jiżgura li kull sublista tinżamm aġġornata u li jkun fiha mill-inqas ħames individwi.

4. L-individwi msemmija fil-paragrafu 3 għandu jkollhom għarfien speċjalizzat jew għarfien espert fi kwistjonijiet koperti minn dan il-Protokoll jew ir-riżoluzzjoni ta' tilwim li jinqala' taħt ftehimiet internazzjonali. Huma għandhom ikunu indipendenti, iservu fil-kapaċitajiet individwali tagħhom u ma jieħdu struzzjonijiet minn ebda organizzazzjoni jew gvern dwar kwistjonijiet relatati man-nuqqas ta' qbil, jew ikunu affiljati mal-gvern ta' kwalunkwe Parti, u għandhom jikkonformaw mal-Anness 38-B.

5. Jekk il-bord ta' esperti jkun magħmul f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fl- Artikolu 38.6(3) u (4) ta' dan il-Ftehim, l-esperti għandhom jintgħażlu mill-individwi rilevanti fuq is-sublisti msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

6. Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor, fi żmien ħamest ijiem mid-data tal-istabbiliment tal-bord ta' esperti, kif definit fl-Artikolu 38.6(5) ta' dan il-Ftehim, it-termini ta' referenza għandhom ikunu:

"li jeżamina, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Protokoll dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Korruzzjoni tal-Ftehim Qafas Avvanzat, il-kwistjoni msemmija fit-talba għall-istabbiliment tal-bord ta' esperti skont l-Artikolu 17 ta' dak il-Protokoll, u li joħroġ rapport, f'konformità ma' dak l-Artikolu, bis-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu għar-riżoluzzjoni tal-kwistjoni".

7. Fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-ftehimiet, rakkomandazzjonijiet jew prinċipji internazzjonali eżistenti msemmija f'dan il-Protokoll, jenħtieġ li l-bord ta' esperti, fejn rilevanti, ifittex informazzjoni mingħand l-organizzazzjonijiet jew il-korpi rilevanti. Kwalunkwe informazzjoni bħal din għandha tiġi pprovduta lill-Partijiet għall-kummenti tagħhom.

8. Il-Bord ta' esperti għandu jinterpreta d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll skont ir-regoli konswetudinarji tal-interpretazzjoni tad-dritt internazzjonali pubbliku, inklużi dawk ikkodifikati fil-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati.

9. Il-Bord ta' esperti għandu joħroġ lill-Partijiet rapport interim u rapport finali li jistabbilixxi s-sejbiet tal-fatti, l-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet rilevanti u r-raġunament wara dawk is-sejbiet, u l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet li jagħmel.

10. Il-Bord ta' esperti għandu jibgħat ir-rapport interim lill-Partijiet fi żmien 100 jum mid-data tal-istabbiliment tal-bord ta' esperti. Jekk il-bord ta' esperti jqis li din l-iskadenza ma tistax tintlaħaq, il-President tal-bord ta' esperti għandu jinforma bil-miktub lill-Partijiet, fejn jiddikjara r-raġunijiet għad-dewmien u d-data li fiha l-bord jippjana li joħroġ ir-rapport interim tiegħu. Il-limiti ta' żmien stabbiliti f'dan il-paragrafu jistgħu jiġu estiżi bi ftehim reċiproku tal-Partijiet.

11. Kull Parti tista' tibgħat talba motivata lill-bord ta' esperti biex jirrieżamina aspetti partikolari tar-rapport interim fi żmien 25 ġurnata mill-wasla tiegħu. Parti tista' tikkummenta fuq it-talba tal-Parti l-oħra fi żmien 15-il jum mill-wasla ta' dik it-talba.

12. Wara kunsiderazzjoni ta' dawk il-kummenti il-bord ta' esperti għandu jħejji r-rapport finali. Jekk it-talba msemmija fil-paragrafu 11 ta' dan l-Artikolu ma tasalx fil-perjodu ta' żmien imsemmi f'dak il-paragrafu, ir-rapport interim għandu jsir ir-rapport finali tal-bord ta' esperti.

13. Il-bord ta' esperti għandu jgħaddi r-rapport finali tiegħu lill-Partijiet fi żmien 175 ġurnata wara d-data tal-istabbiliment tal-bord ta' esperti. Jekk il-bord ta' esperti jqis li dik l-iskadenza ma tistax tintlaħaq, il-president tiegħu għandu jinnotifika lill-Partijiet bil-miktub, fejn jiddikjara r-raġunijiet għad-dewmien u d-data li fiha l-bord ta' esperti jippjana li jippreżenta r-rapport finali tiegħu. Il-limiti ta' żmien stabbiliti f'dan il-paragrafu jistgħu jiġu estiżi bi ftehim reċiproku tal-Partijiet.

14. Ir-rapport finali għandu jinkludi diskussjoni dwar kwalunkwe talba bil-miktub mill-Partijiet dwar ir-rapport interim u jindirizza b'mod ċar il-kummenti tal-Partijiet.

15. Il-Partijiet għandhom jagħmlu r-rapport finali disponibbli għall-pubbliku fi żmien 15-il jum mill-preżentazzjoni tiegħu mill-bord ta' esperti.

16. Jekk fir-rapport finali l-bord ta' esperti jsib li l-Parti rispondenti ma kkonformatx mal-obbligi tagħha skont dan il-Protokoll, il-Partijiet għandhom jiddiskutu l-miżuri xierqa li għandhom jiġu implimentati filwaqt li jqisu r-rapport u r-rakkomandazzjonijiet tal-bord ta' esperti. Il-parti rispondenti għandha tinforma lill-Grupp Konsultattiv Domestiku tagħha msemmi fl-Artikolu 40.6 ta' dan il-Ftehim u lill-Parti l-oħra bid-deċiżjonijiet tagħha dwar kwalunkwe miżura li għandha tiġi implimentata mhux aktar tard minn tliet xhur wara li r-rapport finali jkun sar disponibbli għall-pubbliku skont il-paragrafu 15 ta' dan l-Artikolu.

17. Is-Sottokumitat Kontra l-Korruzzjoni fuq il-Kummerċ u l-Investiment jissorvelja s-segwitu għar-rapport tal-bord ta' esperti u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu. Il-gruppi Konsultattivi Domestiċi msemmija fl-Artikolu 40.6 ta' dan il-Ftehim jistgħu jippreżentaw osservazzjonijiet lis-Sottokumitat Kontra l-Korruzzjoni fuq il-Kummerċ u l-Investiment f'dak ir-rigward.

Artikolu 19

Sottokumitat Kontra l-Korruzzjoni fil-Kummerċ u l-Investiment

1. Is-Sottokumitat Kontra l-Korruzzjoni fuq il-Kummerċ u l-Investiment stabbilit skont l-Artikolu 8.8(1) ta' dan il-Ftehim (is-"Sottokumitat") għandu kun magħmul minn rappreżentanti ta' kull Parti filwaqt li jitqiesu l-kwistjonijiet speċifiċi li għandhom jiġu indirizzati fi kwalunkwe sessjoni partikolari. Ir-rappreżentanti taċ-Ċilì għandhom ikunu uffiċjali mis-Sottosegretarjat tar-Relazzjonijiet Ekonomiċi Internazzjonali tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin jew is-suċċessur tiegħu.

2. Is-Sottokumitat għandu:

(a) jiffaċilita u jissorvelja l-implimentazzjoni effettiva ta' dan il-Protokoll u jiddiskuti kwalunkwe diffikultà li tista' tinħoloq fl-implimentazzjoni tiegħu;

(b) jippromwovi l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet dwar kwistjonijiet koperti minn dan il-Protokoll, u l-iskambju ta' informazzjoni dwar żviluppi f'fora mhux governattivi, reġjonali u multilaterali dwar kwistjonijiet koperti minn dan il-Protokoll;

(c) jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat Konġunt;

(d) jikkunsidra kwalunkwe kwistjoni oħra relatata ma' dan il-Protokoll skont kif jaqblu l-Partijiet.

3. Kull Parti għandha taħtar punt ta' kuntatt fl-amministrazzjoni tagħha biex jiffaċilita l-komunikazzjoni u l-koordinazzjoni bejn il-Partijiet dwar kwalunkwe kwistjoni relatata mal-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll u tinnotifika lill-Parti l-oħra bid-dettalji ta' kuntatt ta' dak il-punt ta' kuntatt. Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw minnufih lil xulxin dwar kwalunkwe bidla f'dawk id-dettalji ta' kuntatt.

PROTOKOLL GĦALL-FTEHIM QAFAS AVVANZAT BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA, FUQ NAĦA WAĦDA, U R-REPUBBLIKA TAĊ-ĊILÌ, FUQ IN-NAĦA L-OĦRA DWAR ASSISTENZA AMMINISTRATTIVA REĊIPROKA F'MATERJI DOGANALI

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Protokoll:

(a) "l-awtorità applikanti" tfisser awtorità kompetenti amministrattiva ddeżinjata minn Parti għal dak l-għan u li tagħmel talba għal assistenza fuq il-bażi ta' dan il-Protokoll;

(b) "leġiżlazzjoni doganali" tfisser kwalunkwe liġi jew regolament applikabbli fit-territorju ta' Parti li jirregola l-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tranżitu ta' merkanzija u t-tqegħid tagħha taħt kwalunkwe reġim jew proċedura doganali oħra, inklużi miżuri ta' projbizzjoni, restrizzjoni u kontroll;

(c) "informazzjoni" tfisser kwalunkwe *data*, dokument, immaġni, rapport, komunikazzjoni jew kopja awtentikata, fi kwalunkwe format, inkluż elettroniku, kemm jekk ipproċessata jew analizzata kif ukoll jekk le;

(d) "operazzjoni li tikser il-leġislazzjoni doganali" tfisser kwalunkwe ksur jew tentattiv ta' ksur tal-leġislazzjoni doganali; u

(e) "l-awtorità rikjesta" tfisser awtorità kompetenti amministrattiva ddeżinjata minn Parti għal dak l-għan u li tirċievi talba għal assistenza fuq il-bażi ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jassistu lil xulxin, fl-oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħhom u bil-mod u fil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Protokoll, sabiex jassiguraw l-applikazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni doganali, b'mod partikolari billi jipprevjenu, jinvestigaw u jiġġieldu l-operazzjonijiet bi ksur ta' dik il-leġiżlazzjoni.

2. L-assistenza fi kwistjonijiet doganali, kif previst f'dan il-Protokoll, tapplika għal kswalunkwe awtorità amministrattiva ta' Parti li hija kompetenti għall-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll. Dik l-assistenza la għandha tippreġudika d-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-assistenza reċiproka f'materji kriminali u lanqas ma għandha tkopri informazzjoni miksuba permezz ta' setgħat eżerċitati fuq talba minn awtorità ġudizzjarja, ħlief meta l-komunikazzjoni ta' tali informazzjoni tkun awtorizzata minn dik l-awtorità.

3. L-assistenza fil-qasam tal-irkupru tad-dazji, tat-taxxi jew tal-multi ma hijiex koperta minn dan il-Protokoll.

Artikolu 3

Assistenza fuq talba

1. Fuq talba tal-awtorità applikanti, l-awtorità rikjesta għandha tipprovdiha bl-informazzjoni rilevanti kollha li tista' tippermettilha tiżgura li l-leġiżlazzjoni tad-dwana hija applikata b'mod korrett, inkluż l-informazzjoni relata ma' attivitajiet imniżżla jew ippjanati li huma jew jistgħu jkunu proċessi fi ksur ta' leġiżlazzjoni tad-dwana.

2. Fuq talba tal-awtorità applikanti, l-awtorità rikjesta għandha tipprovdi informazzjoni dwar jekk:

(a) l-oġġetti esportati mit-territorju ta' Parti kinux importati kif suppost fit-territorju tal-Parti l-oħra, u tispeċifika, fejn jixraq, il-proċedura doganali applikata għal dawn l-oġġetti;

(b) il-merkanzija importata fit-territorju ta' Parti kinitx esportata kif suppost mit-territorju tal-Parti l-oħra, u tispeċifika, fejn jixraq, il-proċedura doganali applikata għal din il-merkanzija.

3. Fuq it-talba tal-awtorità applikanti, l-awtorità rikjesta għandha, fil-qafas tal-liġijiet u r-regolamenti tagħha, tieħu l-passi meħtieġa biex tiżgura sorveljanza speċjali ta':

(a) persuni fiżiċi jew ġuridiċi li fir-rigward tagħhom ikun hemm bażi raġonevoli sabiex wieħed jemmen li jkunu jew li kienu involuti f'operazzjonijiet li jiksru l-leġiżlazzjoni doganali;

(b) merkanzija li tkun jew li tista' tiġi trasportata b'tali mod li jkun hemm bażi raġonevoli biex wieħed jemmen li din tkun intenzjonata sabiex tintuża f'operazzjonijiet bi ksur tal-leġiżlazzjoni doganali;

(c) postijiet fejn ħażniet ta' merkanzija kienu jew setgħu kienu miġbura b'tali mod illi jkun hemm motivazzjonijiet raġonevoli għaliex wieħed jemmen li dik il-merkanzija tkun maħsuba sabiex tintuża bi ksur tal-leġiżlazzjoni doganali; u

(d) mezzi tat-trasport li jkunu jew li jistgħu jintużaw b'mod li jkun hemm motivazzjonijiet raġonevoli sabiex wieħed jemmen li jkunu intenzjonati sabiex jintużaw f'operazzjonijiet bi ksur tal-leġiżlazzjoni doganali.

Artikolu 4

Assistenza spontanja

Il-Partijiet għandhom jassistu lil xulxin, fuq inizjattiva tagħhom stess u f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti tagħhom, jekk iqisu li dan ikun neċessarju għall-applikazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni doganali, billi jipprovdu informazzjoni miksuba li tappartjeni għall-attivitajiet konklużi, ippjanati jew li għadhom għaddejjin li jikkostitwixxu jew li jidhru li jikkostitwixxu operazzjonijiet li jiksru l-leġiżlazzjoni doganali u li jistgħu jkunu ta' interess għall-Parti l-oħra. L-informazzjoni għandha tiffoka b'mod partikolari fuq:

(a) persuni, merkanzija u mezzi tat-trasport; u

(b) il-mezzi jew il-metodi ġodda użati sabiex jitwettqu operazzjonijiet li jiksru l-leġiżlazzjoni doganali.

Artikolu 5

Forma u sustanza tat-talbiet għall-assistenza

1. It-talbiet skont dan il-Protokoll għandhom isiru bil-miktub f'format stampat jew elettroniku. Għandhom ikunu akkumpanjati mid-dokumenti neċessarji sabiex jippermettu l-konformità mat-talba. F'każ ta' urġenza, l-awtorità rikjesta tista' taċċetta talbiet orali, li għandhom jiġu kkonfermati minnufih mill-awtorità applikanti bil-miktub.

2. It-talbiet imsemmijin fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-awtorità applikanti u l-uffiċjal rikjedenti;

(b) l-informazzjoni u t-tip ta' assistenza mitluba;

(c) l-għan u r-raġuni tat-talba;

(d) il-liġijiet u r-regolamenti rilevanti u elementi legali oħra involuti;

(e) indikazzjoni, preċiża u kompleti kemm jista' jkun, tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li huma suġġetti tal-inkjesti;

(f) sommarju tal-fatti rilevanti u tal-inkjesti li diġà jkunu saru; u

(g) kwalunkwe dettall disponibbli addizzjonali li jippermetti lill-awtorità rikjesta tikkonforma mat-talba.

3. It-talbiet għandhom jiġu sottomessi f'lingwa uffiċjali tal-awtorità rikjesta jew f'lingwa aċċettabbli għal dik l-awtorità, bl-Ingliż li dejjem tkun lingwa aċċettabbli. Dan ir-rekwiżit ma japplikax għal kwalunkwe dokument li jakkumpanja t-talba skont il-paragrafu 1.

4. Jekk talba ma tissodisfax ir-rekwiżiti formali stabbiliti fil-paragrafi minn 1, 2 u 3, l-awtorità rikjesta tista' teħtieġ l-korrezzjoni jew il-kompletezza tat-talba; sadanittant jistgħu jiġu ordnati miżuri ta' prekawzjoni.

Artikolu 6

Eżekuzzjoni tat-talbiet

1. Sabiex timxi fuq talba għall-assistenza, l-awtorità rikjesta għandha tipproċedi, fil-limiti tal-kompetenza tagħha u tar-riżorsi disponibbli, daqs li kieku qiegħda taġixxi minn rajha jew fuq it-talba ta' awtorità oħra ta' din l-istess Parti, billi tagħti l-informazzjoni li hi diġà jkollha, billi twettaq l-investigazzjonijiet xierqa jew billi tieħu ħsieb li dawn jitwettqu. Jekk l-awtorità rikjesta tindirizza t-talba lil awtorità oħra minħabba li ma tistax taġixxi waħedha, dan il-paragrafu għandu japplika wkoll għal dik l-awtorità l-oħra.

2. It-talbiet għall-assistenza għandhom jiġu eżegwiti skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Parti li ssirilha t-talba.

3. L-awtorità rikjesta għandha tibgħat tweġiba għat-talba għall-assistenza fi żmien xahrejn minn meta tirċeviha. Jekk l-awtorità rikjesta ma tkunx f'pożizzjoni li tikkonforma mat-talba għall-assistenza f'dak il-perjodu, hija għandha tinforma lill-awtorità applikanti filwaqt li tindika meta tipprevedi li tista' tikkonforma mat-talba.

Artikolu 7

Il-forma li fiha trid tkun ikkomunikata l-informazzjoni

1. L-awtorità rikjesta għandha tikkomunika r-riżultati tal-inkjesti lill-awtorità applikanti bil-miktub, flimkien mad-dokumenti relevanti, mal-kopji ċċertifikati veri jew ma' affarijiet oħrajn. Dik l-informazzjoni tista' tiġi pprovduta f'format elettroniku.

2. Id-dokumenti oriġinali għandhom jiġu trażmessi soġġett għar-restrizzjonijiet legali ta' kull Parti, biss fuq talba tal-awtorità applikanti, f'każijiet li fihom il-kopji ċċertifikati ma jkunux biżżejjed. L-awtorità applikanti għandha tirritorna dawn id-dokumenti oriġinali mal-ewwel opportunità.

3. Meta japplika l-paragrafu 2, l-awtorità rikjesta għandha tagħti lill-awtorità applikanti kwalunkwe informazzjoni relatata mal-awtentiċità tad-dokumenti maħruġa jew iċċertifikati minn aġenziji uffiċjali fit-territorju tagħha b'appoġġ għal dikjarazzjoni tal-merkanzija.

Artikolu 8

Preżenza ta' uffiċjali ta' Parti fit-territorju tal-Parti l-oħra

1. L-uffiċjali debitament awtorizzati ta' Parti jistgħu, bi qbil mal-Parti l-oħra u soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti minn din tal-aħħar, ikunu preżenti fl-uffiċċji tal-awtorità rikjesta jew kwalunkwe awtorità oħra kkonċernata kif imsemmija fl-Artikolu 6(1) biex jiksbu informazzjoni relatata ma' attivitajiet li huma jew li jistgħu jkunu operazzjonijiet bi ksur tal-leġiżlazzjoni doganali li l-awtorità applikanti teħtieġ għall-finijiet ta' dan il-Protokoll.

2. L-uffiċjali debitament awtorizzati ta' Parti jistgħu, bi qbil mal-Parti l-oħra u soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti minn din tal-aħħar, ikunu preżenti waqt l-investigazzjonijiet imwettqa fit-territorju ta' dik il-Parti l-oħra.

3. Il-preżenza ta' uffiċjali debitament awtorizzati ta' Parti fit-territorju tal-Parti l-oħra għandha tkun biss f'kapaċità konsultattiva, li matulu dawk l-uffiċjali debitament awtorizzati:

(a) iridu f'kull ħin ikunu kapaċi jagħtu prova tal-kapaċità uffiċjali tagħhom;

(b) ma għandhomx jilbsu uniformi, u lanqas iġorru armi; u

(c) għandhom igawdu l-istess protezzjoni bħal dik mogħtija lill-uffiċjali tal-Parti l-oħra, skont il-liġijiet u r-regolamenti ta' dik il-Parti l-oħra.

Artikolu 9

Konsenja u notifika

1. Fuq talba tal-awtorità applikanti, l-awtorità rikjesta għandha, f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli għal dik l-awtorità, tieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex tikkonsenja kwalunkwe dokument jew tinnotifika kwalunkwe deċiżjoni tal-awtorità applikanti li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Protokoll lil destinatarju residenti jew stabbilit fit-territorju tal-awtorità rikjesta.

2. Tali talbiet għall-konsenja ta' dokumenti jew għan-notifika ta' deċiżjonijiet għandhom isiru bil-miktub bil-lingwa uffiċjali tal-awtorità rikjesta jew bil-lingwa aċċettata minn din l-awtorità.

Artikolu 10

Skambju awtomatiku ta' informazzjoni

1. Il-Partijiet jistgħu, permezz ta' arranġament reċiproku skont l-Artikolu 15:

(a) jiskambjaw kwalunkwe informazzjoni koperta minn dan il-Protokoll fuq bażi awtomatika; u

(b) jiskambjaw informazzjoni speċifika qabel il-wasla tal-konsenji fit-territorju tal-Parti l-oħra.

2. Il-partijiet għandhom jistabbilixxu arranġamenti dwar it-tip ta' informazzjoni li jixtiequ jiskambjaw u dwar il-format u l-frekwenza tat-trażmissjoni, biex jimplimentaw l-iskambji skont is-subparagrafi (a) u (b) tal-paragrafu 1.

Artikolu 11

Eċċezzjonijiet għall-obbligu ta' għoti tal-assistenza

1. L-assistenza tista' tiġi rrifjutata jew tista' tkun soġġetta għas-sodisfazzjon ta' ċerti kundizzjonijiet jew rekwiżiti jekk Parti tkun tal-fehma li l-assistenza skont dan il-Protokoll:

(a) x'aktarx li tippreġudika s-sovranità taċ-Ċilì jew dik ta' Stat Membru li jkun intalab biex jipprovdi assistenza taħt dan il-Protokoll;

(b) aktarx titsta' tippreġudika l-politika pubblika, is-sigurtà jew interessi essenzjali oħra, b'mod partikolari fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 12(5); jew

(c) tikser sigriet industrijali, kummerċjali jew professjonali.

2. L-awtorità rikjesta tista' tipposponi l-assistenza għar-raġuni li tali assistenza tinterferixxi ma' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet jew proċedimenti li jkunu għaddejjin. F'każ bħal dan, l-awtorità rikjesta għandha tikkonsulta mal-awtorità applikanti biex tiddeċiedi jekk l-assistenza tkunx tista' tingħata soġġetta għat-termini jew għall-kundizzjonijiet li tista' tirrikjedi l-awtorità rikjesta.

3. Jekk l-awtorità applikanti tfittex assistenza li hija stess ma tkunx tista' tipprovdi jekk tintalab tagħmel dan, hija għandha tiġbed l-attenzjoni għal dan il-fatt fit-talba tagħha. Il-konformitàma' din it-talba għandha tkun fid-diskrezzjoni ta' l-awtorità rikjesta.

4. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, l-awtorità rikjesta għandha tikkomunika d-deċiżjoni tagħha u r-raġunijiet għal din id-deċiżjoni lill-awtorità applikanti mingħajr dewmien.

Artikolu 12

Skambju ta' informazzjoni u kunfidenzjalità

1. L-informazzjoni rċevuta skont dan il-Protokoll għandha tintuża biss għall-ta' dan il-Protokoll.

2. L-użu ta' informazzjoni miksuba skont dan il-Protokoll fi proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji mibdijin fir-rigward ta' operazzjonijiet li jiksru l-leġiżlazzjoni doganali huwa meqjus li jkun għall-finijiet ta' dan il-Protokoll. Għalhekk, il-Partijiet jistgħu, fir-rekords ta' l-evidenza tagħhom, fir-rapporti u x-xhieda u fi proċeduri u akkużi mressqa quddiem il-qrati, jużaw bħala evidenza l-informazzjoni miksuba u d-dokumenti kkonsultati skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll. L-awtorità rikjesta tista' teżiġi li l-għoti ta' informazzjoni jew l-għoti ta' aċċess għal dokumenti jkun soġġett għall-kundizzjoni li tiġi nnotifikata b'dan l-użu.

3. Meta waħda mill-Partijiet tkun tixtieq tuża tali informazzjoni għal finijiet oħra, hija għandha tikseb kunsens bil-miktub minn qabel tal-awtorità li pprovdiet dik l-informazzjoni. Imbagħad, użu bħal dan għandu ikun soġġett għal kwalunkwe restrizzjoni stabbilita minn dik l-awtorità.

4. Kwalunkwe informazzjoni kkomunikata fi kwalunkwe forma skont dan il-Protokoll għandha tkun ta' natura kunfidenzjali jew ristretta, f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli f'kull Parti. Dik l-informazzjoni għandha tkun koperta bl-obbligu tas-segretezza professjonali u għandha tgawdi l-protezzjoni mogħtija għal informazzjoni simili skont il-liġijiet u r-regolamenti relevanti tal-Parti li tkun irċivietha. Il-Partijiet għandhom jikkomunikaw lil xulxin informazzjoni dwar il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli tagħhom.

5. Id-data personali tista' tiġi ttrasferita biss f'konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data tal-Parti li tipprovdi d-*data*. Kull Parti għandha tinforma lill-Parti l-oħra dwar ir-regoli rilevanti tagħha dwar il-protezzjoni tad-*data* u, jekk meħtieġ, tagħmel l-aħjar sforzi biex taqbel dwar protezzjoni addizzjonali.

Artikolu 13

Esperti u xhieda

L-awtorità rikjesta tista' tawtorizza lill-uffiċjali tagħha sabiex jidhru, fil-limitazzjonijiet tal-awtorizzazzjoni mogħtija, bħala esperti jew xhieda fi proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi rigward il-kwistjonijiet koperti minn dan il-Protokoll, u jipproduċu tali oġġetti, dokumenti jew kopji veri ċċertifikati tagħhom, skont kif ikun meħtieġ għall-proċedimenti. It-talba għad-dehra trid tindika speċifikatament quddiem liema awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva l-uffiċjal se jkollu jidher, dwar liema kwistjonijiet u x'inhu t-titlu jew il-kwalifika li fid-dawl tagħha se jsiru l-mistoqsijiet lill-uffiċjal.

Artikolu 14

Spejjeż tal-assistenza

1. Il-partijiet għandhom jirrinunzjaw għal kwalunkwe pretensjoni kontra xulxin għar-rimborż tal-ispejjeż imġarrba fl-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll.

2. L-ispejjeż u l-allowances imħallsa lill-esperti, lix-xhieda, lill-interpreti u lit-tradutturi, li mhumiex impjegati tas-servizz pubbliku, għandhom jitħallsu kif xieraq mill-Parti rikjedenti.

3. Jekk ikunu meħtieġa spejjeż ta' natura straordinarja biex tiġi eżegwita t-talba, il-Partijiet għandhom jiddeterminaw it-termini u l-kundizzjonijiet li taħthom għandha tiġi eżegwita t-talba, kif ukoll il-mod li bih tali spiża għandha titħallas.

Artikolu 15

Implimentazzjoni

1. L-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll għandha tiġi fdata, minn naħa, lill-awtoritajiet tad-dwana taċ-Ċilì u, min-naħa l-oħra, lis-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri, kif ikun xieraq. Dawk l-awtoritajiet u s-servizzi għandhom jiddeċiedu dwar il-miżuri u l-arranġamenti prattiċi kollha neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll, filwaqt li jqisu l-liġijiet u r-regolamenti applikabbli rispettivi tagħhom, b'mod partikolari għall-protezzjoni ta' *data* personali.

2. Il-partijiet għandhom iżommu lil xulxin infurmati bid-dettalji tal-miżuri ta' implimentazzjoni li jiġu adottati minn kull Parti skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll, b'mod partikolari fir-rigward tas-servizzi u l-uffiċjali debitament awtorizzati maħtura bħala kompetenti biex jibagħtu u jirċievu l-komunikazzjonijiet stabbiliti f'dan il-Protokoll.

3. Fil-Parti tal-UE, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll ma għandhomx jaffettwaw il-komunikazzjoni ta' kwalunkwe informazzjoni miksuba taħt dan il-Protokoll bejn is-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri.

Artikolu 16

Ftehimiet oħra

Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll għandhom jieħdu preċedenza fuq id-dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe ftehim bilaterali dwar assistenza amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali li ġie jew jista' jiġi konkluż bejn l-Istati Membri individwali u ċ-Ċilì sa fejn id-dispożizzjonijiet ta' tali ftehim huma inkompatibbli ma' dawk ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 17

Konsultazzjonijiet

Fir-rigward tal-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin sabiex isolvu kwalunkwe kwistjoni f'dak ir-rigward fil-qafas tas-Sottokumitat dwar id-Dwana, il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ u r-Regoli tal-Oriġini stabbilit skont l-Artikolu 8.8(1) ta' dan il-Ftehim.

DIKJARAZZJONI INTERPRETATTIVA KONĠUNTA DWAR ID-DISPOŻIZZJONIJIET DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-INVESTIMENT LI JINSABU FIL-FTEHIM QAFAS AVVANZAT BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA, MIN-NAĦA L-WAĦDA, U R-REPUBBLIKA TAĊ-ĊILÌ, MIN-NAĦA L-OĦRA

L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u ċ-Ċilì jagħmlu d-Dikjarazzjoni Interpretattiva Konġunta li ġejja dwar id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-investiment li jinsabu fil-Ftehim Qafas Avvanzat.

Fid-dawl tal-impenji tagħhom skont il-Ftehim ta' Pariġi skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, magħmul f'Pariġi fit-12 ta' Diċembru 2015 ("il-Ftehim ta' Pariġi"), il-Partijiet jikkonfermaw li l-investituri tagħhom jenħtieġ li jistennew li l-Partijiet jadottaw miżuri li huma mfassla u applikati biex jiġġieldu t-tibdil fil-klima jew jindirizzaw il-konsegwenzi preżenti jew futuri tiegħu, permezz ta' mitigazzjoni, adattament, riparazzjoni, kumpens jew mod ieħor.

Fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-investiment previsti fil-Ftehim Qafas Avvanzat, it-Tribunal jew it-Tribunal tal-Appell stabbilit skont l-Artikolu 17.34 u l-Artikolu 17.35, rispettivament, jenħtieġ li jqis kif xieraq l-impenji tal-Partijiet skont il-Ftehim ta' Pariġi u l-objettivi rispettivi tagħhom tan-newtralità klimatika.

Għalhekk, il-Partijiet jikkonfermaw il-fehim tagħhom li d-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-investiment previsti fil-Ftehim Qafas Avvanzat għandhom jiġu interpretati u applikati minn dak it-Tribunal jew it-Tribunal tal-Appell billi jitqiesu kif xieraq l-impenji tal-Partijiet skont il-Ftehim ta' Pariġi u l-objettivi rispettivi tagħhom tan-newtralità klimatika u b'mod li jippermetti lill-Partijiet isegwu l-politiki rispettivi tagħhom dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR ID-DISPOŻIZZJONIJIET DWAR IL-KUMMERĊ U ŻVILUPP SOSTENIBBLI LI JINSAB FIL-PROTOKOLL GĦALL-FTEHIM QAFAS AVVANZAT BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA, MINN NAĦA WAĦDA, U R-REPUBBLIKA TAĊ-ĊILÌ, MIN-NAĦA L-OĦRA

Il-Partijiet,

Filwaqt LI JFAKKRU fil-valuri komuni tagħhom u fir-rabtiet kulturali, politiċi, ekonomiċi u ta' kooperazzjoni b'saħħithom li jgħaqqduhom,

Filwaqt LI JFAKKRU fl-impenn tagħhom li jimmodernizzaw u jissostitwixxu l-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Kommunità Ewropew u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċilì, min-naħa l-oħra, iffirmat fi Brussel fit-18 ta' Novembru 2002 biex jirrifletti realtajiet politiċi u ekonomiċi ġodda,

Filwaqt LI JAFFERMAW MILL-ĠDID l-impenn tagħhom li jsaħħu l-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet bilaterali, reġjonali u globali ta' tħassib komuni,

KONVINTI li l-Ftehim Qafas Avvanzat bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċilì, min-naħa l-oħra ("Ftehim Qafas Avvanzat"), u l-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea, u r-Repubblika taċ-Ċilì ("Ftehim Kummerċjali Interim"), se jkunu ta' benefiċċju għaż-żewġ Partijiet biex iżidu l-irkupru ekonomiku mill-kriżi tal-COVID-19, jiġġeneraw tkabbir f'kuntest ġeopolitiku kkaratterizzat minn instabbiltà akbar, u jkomplu jsaħħu r-rabtiet tagħhom,

DETERMINATI li jiżguraw li l-Ftehim Qafas Avvanzat irawwem is-sostenibbiltà, sabiex it-tkabbir ekonomiku jimxi id f'id mal-protezzjoni ta' xogħol deċenti, il-klima u l-ambjent, f'konformità sħiħa mal-valuri u l-prijoritajiet kondiviżi tal-Partijiet, inkluż l-appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u l-promozzjoni ta' ktajjen tal-valur responsabbli u sostenibbli, u

Filwaqt LI JIRRIKONOXXU li involviment inklużiv tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni tal-Ftehim Qafas Avvanzat huwa essenzjali għall-identifikazzjoni f'waqtha tal-isfidi, l-opportunitajiet u l-prijoritajiet, u għall-monitoraġġ tal-azzjonijiet maqbula rispettivi,

jesprimu l-intenzjoni konġunta tagħhom li jikkonkludu malajr il-Ftehim Qafas Avvanzat u sussegwentement jikkooperaw dwar l-implimentazzjoni tal-aspetti ta' sostenibbiltà tiegħu ggwidati mill-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

1. Fir-rigward tal-objettiv konġunt tagħhom li jippromwovu livelli għoljin ta' protezzjoni tax-xogħol u xogħol deċenti għal kulħadd, il-Partijiet jenfasizzaw l-impenn tagħhom li jirrispettaw, jippromwovu u jimplimentaw b'mod effettiv l-istandards ewlenin tax-xogħol rikonoxxuti internazzjonalment, kif definiti fil-Konvenzjonijiet fundamentali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO). F'dak il-kuntest, il-Partijiet jilqgħu d-deċiżjoni tal-ILO li żżid il-prinċipju ta' "ambjent tax-xogħol sikur u san" fost il-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol, u li żżid il-Konvenzjonijiet korrispondenti tal-ILO kif xieraq, li huma se jagħmlu ħilithom biex jirratifikaw kif meħtieġ.

2. Fir-rigward tal-objettiv konġunt tagħhom li jindirizzaw it-theddida urġenti tat-tibdil fil-klima, il-Partijiet jissottolinjaw l-impenn tagħhom li jimplimentaw b'mod effettiv il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Ftehim ta' Pariġi adottat taħtha, inklużi l-impenji tagħhom fir-rigward tal-kontribut rispettiv tagħhom stabbilit fil-livell nazzjonali.

3. Fir-rigward tal-objettiv konġunt tagħhom li jipproteġu u jikkonservaw l-ambjent u jimmaniġġjaw b'mod sostenibbli r-riżorsi naturali tagħhom, il-Partijiet jenfasizzaw l-impenn tagħhom li jimplimentaw b'mod effettiv il-ftehimiet u l-protokolli ambjentali multilaterali li għalihom huma rispettivament parti, inkluża l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika.

Il-Partijiet jinnotaw li l-objettiv konġunt tagħhom li jtejbu l-parteċipazzjoni inklużiva tas-soċjetà ċivili u li jiskambjaw regolarment fehmiet mal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi rispettivi tagħhom, inkluż dwar proġetti ta' assistenza teknika rilevanti, jinkludi l-aspetti kummerċjali u ta' sostenibbiltà tal-Ftehim Qafas Avvanzat. Il-Partijiet jenfasizzaw l-impenn tagħhom li jippromwovu u jiffaċilitaw l-interazzjoni bejn il-Gruppi Konsultattivi Domestiċi rispettivi tagħhom permezz ta' mezzi li jqisu xierqa, inklużi laqgħat perjodiċi. Il-Partijiet jesprimu l-intenzjoni tagħhom li jappoġġaw lill-Gruppi Konsultattivi Domestiċi f'konformità mal-leġiżlazzjoni u l-politiki domestiċi tagħhom.

Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Kapitolu 33, Kummerċ u l-Żvilupp Sostenibbli, tal-Ftehim Qafas Avvanzat, (il-Kapitolu "Kummerċ u Żvilupp Sostenibbli"), il-Partijiet se jfittxu li jiffukaw fuq il-prijoritajiet ta' sostenibbiltà identifikati b'mod komuni. Il-Partijiet se jfittxu l-fehmiet u l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili dwar kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Kapitolu, inkluż dwar is-segwitu tal-impenji meħuda mill-Partijiet.

Il-Partijiet jilqgħu l-fatt li l-Unjoni Ewropea u ċ-Ċilì, mad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim Kummerċjali Interim, se jibdew proċess ta' rieżami formali tal-aspetti kummerċjali u tal-iżvilupp sostenibbli ta' dak il-Ftehim f'konformità mal-Artikolu 26.23 ta' dak il-Ftehim sabiex jikkunsidraw l-inkorporazzjoni, kif xieraq, ta' dispożizzjonijiet addizzjonali li jistgħu jitqiesu rilevanti mill-Unjoni Ewropea jew miċ-Ċilì f'dak iż-żmien, inkluż fil-kuntest tal-iżviluppi rispettivi tal-politika domestika tagħhom u l-prattika reċenti tagħhom fit-trattati internazzjonali, kif iqisu xieraq. Tali dispożizzjonijiet addizzjonali jistgħu jkunu relatati, b'mod partikolari, mat-tishiħ ulterjuri tal-mekkaniżmu ta' infurzar tal-Kapitolu dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli, inkluża l-possibbiltà li tiġi applikata fażi ta' konformità, u kontromiżuri rilevanti bħala l-aħħar rimedju.

Mingħajr preġudizzju għall-eżitu tar-rieżami, il-Partijiet jieħdu nota li l-Unjoni Ewropea u ċ-Ċilì se jikkunsidraw ukoll il-possibbiltà li jinkludu l-Ftehim ta' Pariġi bħala element essenzjali tal-Ftehim Kummerċjali Interim.

Il-partijiet ifakkru li l-Unjoni Ewropea u ċ-Ċilì se jimmiraw li jikkonkludu l-proċess ta' rieżami skont il-Ftehim Kummerċjali Interim fi żmien 12-il xahar, u li jinkorporaw kwalunkwe eżitu maqbul tal-proċess ta' rieżami billi jemendaw il-Ftehim Kummerċjali Interim f'konformità mal-Artikolu 33.9tiegħu. Il-partijiet se jimmiraw li jinkorporaw ukoll kwalunkwe eżitu maqbul tal-proċess ta' rieżami skont il-Ftehim Kummerċjali Interim fil-Ftehim Qafas Avvanzat, billi jemendaw il-Ftehim Qafas Avvanzat skont l-Artikolu 41.6 tiegħu.